KAPITOLU 16

KODIĊI ĊIVILI

Biex jemenda u jikkonsolida l-Liġijiet dwar il-Persuni u l-Liġijiet dwar il-jeddijiet fuq il-Beni u l-manjieri differenti li bihom jistgħu jiġu akkwistati u ittrasferuti dawn il-jeddijiet.

Dan il-Kodiċi jikkonsolida dan li ġej:

11 ta' Frar, 1870

22 ta' Jannar, 1874

L-ORDINANZA VII tal-1868 (*kif emendata bl-Ordinanzi: I tal-1870, IV tal-1907, XIV tal-1913, II u V tal-1920; bl-Atti: III tal-1930, XLII tal-1933; bl-Ordinanzi: XL tal-1935, XIX tal-1937, III tal-1938, XXXIX tal-1939 u XXV tal-1940*)*; l-ORDINANZA I tal-1873* (*kif emendata bl-Ordinanzi: I tal-1908, XIII tal-1932; bl-Att XXI tal-1933; bl-Ordinanzi: XX tal-1934, XVIII tal-1938 u XXII tal-1939*)*; l-Artikolu 1 tal-ORDINANZA VI tal-1895 u l-Artikoli 2, 4, 5, 6, 7* (*1*) *u 9 tal-ORDINANZA XIII tal-1895.*

Dan il-Kodiċi ġie sussegwentement emendat bl-Ordinanzi: II u VII tal-1944; bl-Atti: XXVIII tal-1948, XI tal-1952; bl-Ordinanzi: IV u XXXIX tal-1961, XXI u XXV tal-1962; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Att XXVIII tal-1963; bl-Avviż Legali 46 tal-1965; bl-Atti XXXI tal-1965, II u XXXI tal-1966, XVI tal-1967, VI tal-1968, VI u XXXVIII tal-1972, XI u XXV tal-1973; bl-Avviż Legali 54 tal-1973; bl-Atti: XLVI tal-1973, I u LIV tal-1974, XXXVII tal-1975; bl-Avviż Legali 93 tal-1975; bl-Att LVIII tal-1975; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; bl-Att LV tal-1975; bl-Avviż Legali 46 tal-1976; bl-Atti: XXII, XXVII u XXXIX tal-1976; bl-Avviż Legali 43 tal-1977; bl-Atti: VII u XI tal-1977, XXII u XXX tal-1979, XXX, XLIX u L tal-1981, VII u IX tal-1982, VI u XIII tal-1983, XX tal-1984, VII tal-1985, XII u XXXI tal-1986; bl-Avviż Legali 161 tal-1989; bl-Atti: VIII tal-1990, XVII tal-1991, IX tal-1992, V u XXI tal-1993; III u XXVIII tal-1994, IV, XXIV u XXX tal-1995, u II tal-1996; bl-Avviż Legali 212 tal-1997; bl-Atti IX u XXII tal-2000, XX u XXXI tal-2002, u III, VI, IX, XIII u XVIII tal-2004; bl-Avviż Legali 355 tal-2004; bl-Atti XI, XIII, XX u XXII tal-2005, V tal-2006, u VIII, XIII u XVIII tal-2007; bl-Avviż Legali 407 tal-2007; bl-Atti III, IV u XV tal-2008, III, X, XII u XV tal-2009, V, VIII, XX u XXIII tal-2010, XIV u XXIV tal-2011, u II, XV u XXIV tal-2012; bl-Avviżi Legali 218, 311, 426 u 465 tal-2012; bl-Atti IV u VII tal-2013, u IX u XXV tal-2014; bl-Avviż Legali 92 tal-2015; u bl-Atti XI, XII, XVI, XX u XXX tal-2015, IV, XIII, XIV, XXIV, XXV u LII tal-2016, I u VIII tal-2017, XV tal 2017, XVII tal-2017, XXIII tal-2017 u VIII tal-2018, XIII tal-2018, XXVII tal-2018, XXXI tal-2018, XXXII tal-2018 u XXIV tal-2018, XXXVI tal-2018. XLIII tal-2018. u XXV , XVII u XXVIII tal-2019 u XXVII, XXIX, XLVII u LXI u LXV tal-2020 u XXIV, XXV tal-2021 u XXXVII tal-2021 u bl-Avviżi Legali 339 tal-2019 u 38 u 40 tal-2021 u 212 tal-2023 u bl-Atti VI u XVII u XXXV tal-2023 u XVII, XXVIII , XX, XXV u XXX tal-2024 , XXII u XXXIV tal-2025 u III u XIII tal-2026.*

*L-Att XXXIV tal-2025 affetwa biss il-verżjoni Ingliża.

TAQSIM TAL-KODIĊI

		Artikoli
Titolu fil-qosor		1

L-EWWEL KTIEB

FUQ IL-PERSUNI

Dispożizzjoni Preliminari		1A
Titolu I.	Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet li Jitnisslu miż-Żwieġ	2-66N
Sub-titolu I.	Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Raġel u l-Mara lejn xulxin	2-6A
Sub-titolu II .	Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa	7-34
Sub-titolu III.	Fuq il-Firda Personali	35-66
Sub-titolu IV.	Fuq id-Divorzju	66A-66N
Titolu II.	Fuq il-Filjazzjoni	67-112
Sub-titolu I.	Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ	67-77
Sub-titolu II.	Fuq il-Provi tal-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ	78-85
Sub-titolu III.	Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda barra miż-Żwieġ u fuq il-Preżunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ	86-112
§I	Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla jew Imwielda barra miż-Żwieġ	86-100A
§II	Fuq il-Preżunzjoni li Persuna kienet Imnissla jew Imwielda matul iż-Żwieġ	101-112
Titolu III.	Fuq l-Adozzjoni	113-130A
Titolu IV.	Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri	131-156
Sub-titolu I.	Fuq l-Effetti tas-Setgħa tal-Ġenituri fuq l-Ulied Taħt l-Età	132-149
Sub-titolu II.	Fuq kif Tispiċċa s-Setgħa tal-Ġenituri	150-156
Titolu V.	Fuq l-Istat ta' Taħt l-Età u t-Tutela	157-187
Sub-titolu I.	Fuq l-Istat ta' Taħt l-Età	157
Sub-titolu II.	Fuq it-Tutela	158-187
§I	Fuq il-Ħatra u t-Tneħħija ta' Tuturi	159-171
§II	Fuq l-Amministrazzjoni tat-Tutur	172-187
Titolu VI.	Fuq l-Età Maġġuri, il-Kustodja l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni	188-192
Sub-titolu I.	Fuq l-Età Maġġuri	188
Sub-titolu I A.	Fuq il-Kustodja	188A-188D
Sub-titolu II.	Fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni	189-192
Titolu VII.	Fuq il-Persuni Assenti	193-233
Sub-titolu I.	Fuq il-Kurazija tal-Assenti	194-204

Sub-titolu II.	Fuq il-Pussess Provviżorju ta' Ħwejjeġ l-Assenti	205-222
Sub-titolu III.	Fuq il-Pussess Assolut ta' Ħwejjeġ l-Assenti	223-228
Sub-titolu IV.	Fuq l-Effetti tal-Assenza dwar Jeddijiet li jistgħu jmissu lill-Assenti	229-232
Sub-titolu V.	Fuq il-Kurazija tat-Tfal Minuri tal-Assenti	233
Titolu VIII.	Fuq l-Atti tal-Istat Ċivili	234-306
Sub-titolu I.	Dispożizzjonijiet Ġenerali	234-271
Sub-titolu II.	Fuq l-Atti tat-Twelid	272-292A
Sub-titolu III.	Fuq l-Atti taż-Żwieġ	293-295
Sub-titolu IV.	Fuq l-Atti tal-Mewt	296-306

IT-TIENI KTIEB

FUQ IL-BENI

TAQSIMA I

Fuq il-Jeddijiet fuq il-Beni

Titolu I.	Fuq il-Beni u x-Xorta tagħhom	307-319
Sub-titolu I.	Fuq il-Beni Immobbli	308-311
Sub-titolu II.	Fuq il-Beni Mobbli	312-319
Titolu II.	Fuq il-Proprjetà	320-327
Titolu III.	Fuq il-Jeddijiet ta' Użufrutt, ta' Użu u ta' Abitazzjoni	328-399
Sub-titolu I.	Fuq l-Użufrutt	328-388
§I	Fuq il-Jeddijiet tal-Użufruttwarju	332-348
§II	Fuq l-Obbligi tal-Użufruttwarju	349-377
§III	Fuq kif Jispiċċa l-Użufrutt	378-388
Sub-titolu II.	Fuq l-Użu u l-Abitazzjoni	389-399
Titolu IV.	Fuq is-Servitujiet Predjali	400-488
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	400-401
Sub-titolu I.	Fuq is-Servitujiet maħluqa mil-Liġi	402-453
§I	Fuq is-Servitujiet li jiġu mill-Posizzjoni tal-Lok	403-406
§II	Fuq il-Ħitan u Fossijiet li jifirdu Fond minn ieħor ta' ma' ġenbu	407-433
§III	Fuq il-Bogħod li għandu jinżamm f'xi każijiet	434-444
§IV	Fuq l-Istilliċidju	445
§V	Fuq il-Jedd ta' Mogħdija u ta' Akwedott	446-453
Sub-titolu II.	Fuq is-Servitujiet imnissla mill-Fatt tal-Bniedem	454-488
§I	Fuq ix-Xorta ta' Servitujiet li jistgħu jiġu mnissla mill-Fatt tal-Bniedem, u fuq kif dawn is-Servitujiet Jitnisslu	454-469
§II	Fuq kif jiġu Eżerċitati s-Servitujiet	470-478
§III	Fuq kif Jispiċċaw is-Servitujiet	479-488
Titolu V.	Fuq il-Komunjoni tal-Beni	489-523
Sub-titolu I.	Fuq in-Natura tal-Komunjoni tal-Beni u l-Jeddijiet tal-Komproprjetarji matul il-Komunjoni	489-495A
Sub-titolu II.	Fuq il-Qasma tal-Beni in Komun	496-514
Sub-titolu III.	Fuq il-Bejgħ b'Liċitazzjoni	515-523

Titolu VI.	Fuq il-Pussess	524-559
Sub-titolu I.	X'inhu l-Pussess	524-533
Sub-titolu II.	Fuq il-Jeddijiet tal-Pussessur f'każ ta' Molestja	534-539
Sub-titolu III.	Fuq il-Jeddijiet u Obbligi bejn il-Pussessur u s-Sid	540-559
§I	Fuq il-Frottijiet tal-Ħaġa li wieħed jippossjedi, fuq l-Ispejjeż li jagħmel fiha u fuq il-Jedd ta' Ritenzjoni	540-550
§II	Fuq l-Obbligi tal-Pussessur dwar ir-Radd tal-Ħaġa	551-557
§III	Fuq l-Effetti Partikolari tal-Pussess ta' Ħwejjeġ Mobbli	558-559

TAQSIMA II

Fuq kif wieħed jista' jakkwista u jittrasferixxi l-Proprjetà u Jeddijiet oħra fuq il-Beni jew li għandhom x'jaqsmu mal-Beni

	Dispożizzjonijiet Ġenerali	560
Titolu I.	Fuq l-Okkupazzjoni	561-565
Titolu II.	Fuq l-Aċċessjoni	566-584
Sub-titolu I.	Fuq il-Jedd ta' Aċċessjoni fuq dak li l-Ħaġa tagħti	567
Sub-titolu II.	Fuq il-Jedd ta' Aċċessjoni dwar Ħwejjeġ Immobbli	568-571
Sub-titolu III.	Fuq il-Jedd ta' Aċċessjoni dwar Ħwejjeġ Mobbli	572-584
Titolu III.	Fuq is-Suċċessjoni	585-958
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	585-587
Sub-titolu I.	Fuq is-Suċċessjoni b'Testment	588-787
§I	Fuq it-Testmenti	588-595
§II	Fuq min jista' Jiddisponi jew Jirċievi b'Testment	596-613
§III	Fuq il-Beni li wieħed jista' jiddisponi minnhom b'Testment	614-653
	Fuq is-Sehem Riżervat u d-Diżeredazzjoni	615-630
	Fuq il-Jeddijiet tar-Raġel jew tal-Mara	631-639
	Fuq ir-Riduzzjoni tad-Dispożizzjonijiet ta' Testment li jaqbżu s-Sehem li t-Testatur seta' jiddisponi minnu	647-653
§IV	Fuq il-Forma tat-Testmenti	654-682
	Fuq it-Testmenti Ordinarji	654-672
	Fuq it-Testmenti Privileġġati	673-682
§V	Fuq l-Istituzzjoni ta' Werrieta, il-Legati u l-Jedd ta' Akkrexximent	683-748
	Fuq l-Istituzzjoni tal-Werriet u fuq il-Legat	683-685
	Fuq il-Persuni u l-Ħwejjeġ li huma l-oġġett ta' Dispożizzjoni	686-709
	Fuq id-Dispożizzjonijiet taħt Kondizzjoni jew bi Żmien	710-720
	Fuq l-Effetti tal-Legati u l-Ħlas tagħhom	721-736
	Fuq il-Jedd ta' Akkrexximent	737-742
	Fuq it-Tħassir ta' Dispożizzjonijiet ta' Testment u fuq id-Dispożizzjoniet ta' Testment li Jibqgħu Mingħajr Effetti	743-748
§VI	Fuq is-Sostituzzjoni u l-Fedekommessi	751-761

§VII	Fuq l-Esekuturi Testamentarji	762-778
§VIII	Fuq il-Ftuħ u Pubblikazzjoni tat-Testmenti	779-780
§IX	Fuq it-Tħassir ta' Testmenti	781-787
Sub-titolu II.	Fuq is-Suċċessjoni *ab intestato*	788-830
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	788-795
	Fuq il-Persuni Kapaċi li Jirtu	796-799
	Fuq il-Jedd ta' Rappreżentazzjoni	801-807
§I	Fuq is-Suċċessjoni tad-Dixxendenti u Min fost ir-Raġel jew il-Mara Jibqa' Ħaj	808-811
§II	Fuq is-Suċċessjoni tal-Axxendenti u Qraba Kollaterali	812-815
§III	Fuq il-Jeddijiet tal-Gvern	816
Sub-titolu III.	Dispożizzjonijiet li jgħoddu sew għas-Suċċessjoni b'Testment kemm għas-Suċċessjoni *ab intestato*	831-958K
§I	Fuq il-Ftuħ tas-Suċċessjoni, fuq li l-Pussess Jissokta fil-persuna tal-Werriet, u fuq il-Preskrizzjoni ta' xi Azzjonijiet	831-845
§II	Fuq l-Aċċettazzjoni u r-Rinunzja ta' Wirt	846-905
	Fuq l-Aċċettazzjoni ta' Wirt	846-859
	Fuq ir-Rinunzja ta' Wirt	860-876
	Fuq il-Benefiċċju tal-Inventarju	877-902
	Fuq il-Wirt Battal	903-905
§III	Fuq il-Qasma	906-912
§IV	Fuq il-Kollazzjoni	913-938
§V	Fuq il-Ħlas tad-Djun	939-945
§VI	Fuq l-Effetti tal-Qasma u l-Garanzija tal-Ishma	946-952
§VII	Fuq il-Qasma magħmula mill-Missier, jew l-Omm, jew minn Axxendenti oħra, bejn id-Dixxendenti tagħhom	953-958
§VIII	Fuq Suċċessjonijiet Transkonfinali	958A-958K
Titolu III A.	Fuq *Trusts* u l-Effetti tagħhom	958L-958U
Titolu IV.	Fuq l-Obbligazzjonijiet in ġenerali	959-1235
Sub-titolu I.	Fuq il-Kuntratti	960-1011
§I	Fuq ir-Rekwiżiti tal-Kuntratti	966-991
	Fuq il-Kapaċità tal-Partijiet li Jikkuntrattaw	967-973
	Fuq il-Kunsens	974-981
	Fuq l-Oġġetti tal-Kuntratti	982-986
	Fuq il-Kawża tal-Kuntratti	987-991
§II	Fuq l-Effetti tal-Kuntratti	992-1001
§III	Fuq l-Interpretazzjoni tal-Kuntratti	1002-1011
Sub-titolu II.	Fuq il-Kważi-kuntratti, Delitti u Kważi-delitti	1012-1051A
§I	Fuq il-Kważi-kuntratti	1012-1028B
§II	Fuq id-Delitti u Kważi-delitti	1029-1051A
Sub-titolu III.	Fuq Xorta u Oħra ta' Obbligazzjonijiet	1052-1124B
§I	Fuq l-Obbligazzjonijiet Kondizzjonali	1052-1069
	Fuq il-Kondizzjoni in ġenerali u fuq ix-Xorta u Oħra tagħha	1052-1062
	Fuq il-Kondizzjoni Suspensiva	1063-1065

	Fuq il-Kondizzjoni Riżoluttiva	1066-1069
§II	Fuq l-Obbligazzjonijiet bi żmien	1070-1079
§III	Fuq l-Obbligazzjonijiet Alternattivi u Fakultattivi	1080-1088
§IV	Fuq l-Obbligazzjonijiet *in solidum*	1089-1109
	Fuq l-Obbligazzjoni *in solidum* kwantu għall-Krediturі	1090-1093
	Fuq l-Obbligazzjoni *in solidum* kwantu għad-Debituri	1094-1109
§V	Fuq l-Obbligazzjonijiet Diviżibbli u Indiviżibbli	1110-1117
	Fuq l-Obbligazzjonijiet Diviżibbli	1113-1114
	Fuq l-Obbligazzjonijiet Indiviżibbli	1115-1117
§VI	Fuq l-Obbligazzjonijiet bi Klawsoli Penali	1118-1124
§VII	Fuq l-Obbligazzjonijiet Fiduċjarji	1124A-1124B
Sub-titolu IV.	Fuq l-Effetti tal-Obbligazzjonijiet	1125-1144
Sub-titolu V.	Fuq il-Mod li bih Jispiċċaw l-Obbligazzjonijiet	1145-1231
§I	Fuq il-Ħlas	1146-1178
	Fuq il-Ħlas in Ġenerali	1146-1163
	Fuq il-Ħlas b'Surroga	1164-1167
	Fuq l-Imputazzjoni tal-Ħlas	1168-1172
	Fuq l-Offerta ta' Ħlas u fuq id-Depożitu	1173-1178
§II	Fuq in-Novazzjoni	1179-1189
§III	Fuq il-Maħfra tad-Dejn	1190-1195
§IV	Fuq it-Tpaċija	1196-1204
§V	Fuq il-Konfużjoni	1205-1206
§VI	Fuq it-Telfa tal-Ħaġa	1207-1208
§VII	Fuq ir-Rexxissjoni	1209-1231
Sub-titolu VI.	Fuq il-Prova tal-Obbligazzjonijiet u tat-Tmiem tagħhom	1232-1235
Titolu V.	Fuq il-Kitbiet taż-Żwieġ	1236-1345
Sub-titolu I.	Istituzzjonijiet tad-Dota u Dotarju*	1248
Sub-titolu III.	Fuq il-Komunjoni tal-Akkwisti*	1316-1333
Sub-titolu IV.	Fuq il-Beni Parafernali*	1334-1337
Sub-titolu V.	Fuq il-Komunjoni ta' Residwu taħt Amministrazzjoni Separata*	1338-1345
Titolu VI.	Fuq il-Bejgħ	1346-1484A
Sub-titolu I.	Fuq il-Kuntratt ta' Bejgħ	1346-1364
Sub-titolu II.	Persuni li jistgħu Jixtru jew Ibigħu	1365-1369
Sub-titolu III.	Ħwejjeġ li jistgħu Jinbiegħu	1370-1377
Sub-titolu IV.	Fuq l-Obbligi tal-Bejjiegħ	1378-1432
§I	Fuq il-Kunsinna	1379-1407
§II	Fuq il-Garanzija	1408-1432
	Fuq il-Garanzija tal-Pussess Paċifiku tal-Ħaġa mibjugħa	1409-1423
	Fuq il-Garanzija għad-Difetti li ma Jidhrux tal-Ħaġa mibjugħa	1424-1432
Sub-titolu V.	Fuq l-Obbligi tax-Xerrej	1433-1439

*Sostitwit bl-Att XXI tal-1993.

Sub-titolu VI.	Fuq il-Ħall u r-Rexxissjoni tal-Bejgħ	1440-1468
	Fuq l-Irkupru	1441-1468
Sub-titolu VII.	Fuq iċ-ċessjoni ta' Krediti u Jeddijiet oħra	1469-1484A
Titolu VII.	Fuq it-Tpartit	1485-1493
Titolu VIII.	Fuq l-Enfitewsi	1494-1524
Titolu IX.	Fuq il-Kuntratt ta' Kiri	1525-1643
	Dispożizzjoni Ġenerali	1525
Sub-titolu I.	Fuq il-Kiri tal-Ħaġa	1526-1622A
§I	Fuq il-Jeddijiet u l-Obbligi ta' Sid il-Kera	1539-1553
§II	Fuq il-Jeddijiet u l-Obbligi tal-Kerrej	1554-1565
§III	Kif Jinħall il-Kiri	1566-1576D
§IV	Regoli Speċjali dwar il-Kiri ta' Raba' li jagħti Frottijiet	1577-1589
§V	Fuq il-Jedd ta' Preferenza fil-Kiri ta' Ħaġa	1590-1612
§VI	Fuq is-Sullokazzjoni	1613-1622A
Sub-titolu II.	Fuq il-Kiri ta' Xogħol u ta' Industrja	1623-1643
§I	Fuq il-Vetturali bl-Art jew bil-Baħar	1628-1632
§II	Fuq l-Appalti	1633-1643
Titolu X.	Fuq il-Kuntratt ta' Soċjetà	1644-1688
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	1644-1647
Sub-titolu I.	Fuq id-Diversi Xorta ta' Soċjetà	1648-1652
Sub-titolu II.	Fuq l-Obbligazzjonijiet tas-Soċji bejniethom	1653-1675
Sub-titolu III.	Fuq l-Obbligazzjonijiet tas-Soċji lejn it-Terzi	1676-1678
Sub-titolu IV.	Fuq kif Tispiċċa s-Soċjetà	1679-1688
Titolu XI.	Fuq il-Kostituzzjoni ta' Renta	1689-1712
Sub-titolu I.	Fuq ir-Renta Perpetwa	1694-1701
Sub-titolu II.	Fuq il-Vitalizju	1702-1712
Titolu XI A.	Fuq Kuntratti ta' Assigurazzjoni fuq il-Ħajja	1712A-1712M
Sub-titolu I.	Materji Kuntrattwali	1712A-1712I
Sub-titolu II.	Materji dwar Persuni Miżżewġin	1712J-1712K
Sub-titolu III.	Materji dwar l-awtorita' tal-ġenituri	1712L
Sub-titolu IV.	Rahan ta' Poloz ta' Assigurazzjoni	1712M
Titolu XII.	Fuq il-Logħob u l-Imħatri	1713-1717A
Titolu XIII.	Fuq it-Transazzjoni	1718-1736
Titolu XIV.	Fuq id-Donazzjoni	1737-1823
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	1737-1742
Sub-titolu I.	Fuq min jista' jagħmel jew jirċievi Donazzjoni	1743-1752
Sub-titolu II.	Fuq il-Forma u l-Effetti tad-Donazzjoni	1753-1784
Sub-titolu III.	Fuq l-Eċċezzjonijiet għar-Regola dwar li d-Donazzjonijiet ma jistgħux Jitħassru	1785-1792
Sub-titolu IV.	Fuq id-Donazzjonijiet magħmulin b'Kontemplazzjoni ta' Żwieġ	1793-1803
Sub-titolu V.	Fuq id-Donazzjonijiet bejn il-Għarajjes jew ir-Raġel u l-Mara fil-Kitba taż-żwieġ jew matul iż-Żwieġ	1804-1812
Sub-titolu VI.	Fuq it-Tnaqqis tad-Donazzjonijiet	1813-1823
Titolu XV.	Fuq is-Self għall-Użu jew Kommodat	1824-1838
Titolu XVI.	Fuq il-Prekarju	1839-1841

Titolu XVII.	Self għall-Konsum jew Mutwu	1842-1855A
Titolu XVIII.	Fuq il-Mandat	1856-1890
Sub-titolu I.	Xorta u Forma tal-Mandat	1856-1872
Sub-titolu II.	Fuq l-Obbligi tal-Mandatarju	1873-1879
Sub-titolu III.	Fuq l-Obbligi tal-Mandant	1880-1885
Sub-titolu IV.	Kif Jispiċċa l-Mandat	1886-1890
Titolu XIX.	Fuq id-Depożitu	1891-1924
Sub-titolu I.	Fuq id-Depożitu hekk proprjament imsejjaħ	1892-1921
§I	Fuq id-Depożitu Volontarju	1896-1919
	Fuq l-Obbligi tad-Depożitarju	1899-1917
	Fuq l-Obbligi tad-Depożitant	1918-1919
§II	Fuq id-Depożitu Neċessarju	1920-1921
Sub-titolu II.	Fuq is-Sekwestru Konvenzjonali.	1922-1924
Titolu XX.	Fuq il-Garanzija	1925-1963
Sub-titolu I.	X'inhi u sa fejn tgħodd il-Garanzija	1925-1932
Sub-titolu II.	Fuq l-Effetti tal-Garanzija	1934-1950
§I	Fuq l-Effetti tal-Garanzija bejn il-Kreditur u l-Garanti	1934-1941
§II	Fuq l-Effetti tal-Garanzija bejn id-Debitur u l-Garanti	1942-1948
§III	Fuq l-Effetti tal-Garanzija bejn il-Garanti	1949-1950
Sub-titolu III.	Fuq il-Garanzija Legali u Ġudizzjarja	1951-1955
Sub-titolu IV.	Kif Tispiċċa l-Garanzija	1956-1963
Titolu XXI.	Fuq il-Kuntratt ta' Rahan	1964-1986
Titolu XXII.	Fuq l-Antikresi	1987-1993
Titolu XXIII.	Fuq il-Privileġġi u l-Ipoteki	1994-2095
Sub-titolu I.	Fuq il-Privileġġi	1999-2010
§I	Fuq il-Privileġġi Ġenerali	2003-2008
§II	Fuq il-Privileġġi Speċjali	2009-2010
	Fuq il-Privileġġi fuq Ħwejjeġ Mobbli Partikolari	2009
	Fuq il-Privileġġi fuq Immobbli	2010
Sub-titolu II.	Fuq l-Ipoteki	2011-2028
§I	Fuq l-Ipoteka Legali	2017-2022
§II	Fuq l-Ipoteka Ġudizzjali	2023
§III	Fuq l-Ipoteka Konvenzjonali	2024-2028
Sub-titolu III.	Fuq kif Jinżammu l-Privileġġi u l-Ipoteki	2029-2052
Sub-titolu IV.	Fuq it-Tiġdid tal-Iskrizzjonijiet	2053-2058
Sub-titolu V.	Fuq it-Tnaqqis u t-Tħassir tal-Iskrizzjonijiet	2059-2068
Sub-titolu VI.	Fuq l-Effett tal-Privileġġi u ta' Ipoteki kontra t-Terzi Pussessuri	2069-2083
Sub-titolu VII.	Fuq kif jispiċċaw il-Privileġġi u l-Ipoteki	2084-2087
Sub-titolu VIII.	Fuq l-Ordni bejn il-Privileġġi u l-Ipoteki	2088-2095
Titolu XXIII A..	Fuq *Trusts* u Obbligazzjonijiet	2095A-2095E
Sub-titolu I.	Fuq l-Effetti Matrimonjali	2095A-2095
Sub-titolu II.	Fuq Renti	2095D
Sub-titolu III.	*Trusts* ta' Garanzija	2095E
Titolu XXIII A..	Fuq *Trusts* u Obbligazzjonijiet	2095F-2095J

Titolu XXIV.	Fuq il-Benefiċċju tal-Firda tal-Patrimonji	2096-2106
Titolu XXV.	Fuq il-Preskrizzjoni	2107-2160
	Dispożizzjonijiet Ġenerali	2107-2117A
Sub-titolu I.	Fuq il-Kawżi li Jimpedixxu l-Preskrizzjoni	2118-2121
Sub-titolu II.	Fuq il-Kawżi li Jissospendu l-Preskrizzjoni	2122-2126
Sub-titolu III.	Fuq il-Kawżi li Jiksru l-Preskrizzjoni	2127-2136
Sub-titolu IV.	Fuq iż-żmien meħtieġ għall-Preskrizzjoni	2137-2160
§I	Fuq il-Preskrizzjoni ta' Għaxar Snin, Tletin u Erbgħin Sena	2140-2146
§II	Fuq xi Preskrizzjonijiet Partikolari	2147-2160

L-EWWEL SKEDA

Taqsima I	Drittijiet
Taqsima II	Formuli
Taqsima III	Partikolaritajiet dwar ċerti korrezzjonijiet fl-Atti ta' l-Istat Ċivili

IT-TIENI SKEDA

Titolu I	FUQ ORGANIZZAZZJONIJIET ĠURIDIĊI	1-2
Sub-titolu I	Dispożizzjonijiet preliminari u Tifsiriet	1
Sub-Titolu II	Fuq Organizzazzjonijiet Barranin u Internazzjonali	2
Titolu II	FUQ IL-PERSONALITÀ ĠURIDIKA	3-25
Sub-Titolu I	Fuq Persuni Ġuridiċi	3-6
Sub-Titolu II	Fuq l-Amministraturi	7-10
Sub-Titolu III	Fuq ir-Reġistratur	11
Sub-Titolu IV	Fuq ir-Reġistrazzjoni ta' Organizzazzjonijiet	12
Sub-Titolu V	Fuq Organizzazzjonijiet mhux reġistrati	13-15
Sub-Titolu VI	Fuq ir-Responsabbiltà ta' Persuni involuti f'Organizzazzjonijiet	16-18
Sub-Titolu VII	Fuq ir-Responsabbiltà ta' Organizzazzjonijiet	19
Sub-Titolu VIII	Mixellanji	20-25
Titolu III	FUQ FONDAZZJONIJIET U ASSOĊJAZZJONIJIET	26-56
Sub-Titolu I	Dispożizzjonijiet preliminari u Tifsiriet	26-28
Sub-Titolu II	Fuq Fondazzjonijiet	29-47
Sub-Titolu III	Fuq Assoċjazzjonijiet	48-56
Titolu IV	FUQ L-ISTRALĊ TA' ORGANIZZAZZJONIJIET	57-67

IT-TIELET SKEDA

Titolu.

1. It-titolu ta' dan il-Kodiċi hu Kodiċi Ċivili.

L-EWWEL KTIEB

FUQ IL-PERSUNI

DISPOSIZZJONI PRELIMINARI

Persuni.
Miżjud: XIII.2007.2.

1A. (1) Persuna tista' tkun persuna fiżika jew persuna ġuridika.

(2) Meta tintuża f'xi liġi l-kelma "persuna" għandha tinkludi kemm persuni fiżiċi kif ukoll persuni ġuridiċi, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor.

(3) Persuni fiżiċi huma regolati bit-Titolu I sat-Titolu VIII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

(4) Persuni ġuridiċi huma regolati bit-Tieni Skeda ta' dan il-Kodiċi.

(5) Persuni ġuridiċi jgwadu l-istess drittijiet u setgħat li jappartjenu lil persuni fiżiċi ħlief dawk li huma esklużi bin-natura tagħhom stess, bl-att kostituttiv tagħhom, jew b'dispożizzjoni espressa tal-liġi.

Estensjoni tal-applikabbiltà għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent.
Miżjud: XXXV.2023.7.
Kap. 362.
Kap. 625.

1B. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu għandhom japplikaw ukoll, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982 kif ratifikata skont l-Att dwar ir-Ratifika tal-Liġi tal-Baħar, għal medda f'żona ekonomika esklussiva jew medda ta' protezzjoni tal-ambjent kif imfissra fl-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva. Kwalunkwe ġżira artifiċjali, stallazzjoni, struttura, tagħmir jew apparat fiha għandhom, unikament għall-għanijiet ta' dan il-Kodiċi u kwalunkwe liġi sussidjarja magħmula taħtu, jitqiesu daqslikieku jinsabu ġewwa Malta stess.

Titolu I

FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJET LI JITNISSLU MIŻ-ŻWIEĠ

Sub-titolu I

FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJIET TAR-RAĠEL U L-MARA LEJN XULXIN

Dmirijiet tal-miżżewġin lejn xulxin.
Sostitwit: XXI.1993.3.

2. (1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.

(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-

dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.

Dmir għal kontribuzzjoni għall-ħtiġiet tal-familja. *Emendat: XLVI.1973.2. Sostitwit: XXI.1993.3.*

3. Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.

Id-dar taż-żwieġ. *Miżjud: XXI.1993.3. Emendat: IX.2004.14.*

3A. (1) Id-dar taż-żwieġ għandha tkun stabbilita f'lok li jintagħżel bi qbil bejn il-miżżewġin skont il-ħtiġiet tal-miżżewġin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha.

(2) Meta d-dar taż-żwieġ, kollha kemm hi jew sehem minnha, tkun tappartjeni fi proprjetà jew b'xi titolu ieħor, lil parti waħda mill-miżżewġin, dik il-parti tista' biss tittrasferixxi b'titolu *inter vivos* is-sehem tagħha fuq id-dar taż-żwieġ:

(*a*) bil-kunsens tal-parti l-oħra; jew

(*b*) meta dak il-kunsens ma jingħatax mingħajr raġuni xierqa, bl-awtorità tal-qorti kompetenti; jew

(*ċ*) b'irkant f'bejgħ ġudizzjarju fuq talba ta' xi kreditur ta' dik il-parti.

(3) Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skont is-subartikolu (2), f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie reġistrat.

Dmir tal-miżżewġin lejn l-ulied. *Miżjud: XXI.1993.3. Emendat: XIV.2011.2.*

3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.

(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:

(*a*) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time* u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew

(*b*) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali. Kap. 413.

(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi *in loco parentis* fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:

Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-

dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.

Kunjom li jintuża mill-konjuġi u mill-ulied tal-familja. *Sostitwit: XXI.1993.3. Emendat: XVIII.2004.3; XIII.2007 13; XV.2012.2; A.L. 426 tal-2012; IX.2014.11; XI.2015.18; XII.2015.2; XXIII.2017.29. Sostitwit: LXV.2020.3.*

4. (1) Il-konjuġi għandhom, maż-żwieġ, jagħżlu:

(*a*) li jieħdu għat-tnejn li huma il-kunjom ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew

(*b*) li jieħdu għat-tnejn li huma il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ fl-ordni tal-għażla tagħhom; jew

(*ċ*) li jieħdu, għal wieħed jew waħda mill-konjuġi, il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, wara liema kunjom il-konjuġi jista' jżid jew tista' żżid kunjomu jew kunjomha; jew

(*d*) li jżommu, għal wieħed jew waħda mill-konjuġi, kunjomu jew kunjomha, wara liema kunjom dak jew dik il-konjuġi jista' jżid jew tista' żżid il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra; jew

(*e*) li jżommu kunjomhom.

(2) (*a*) Meta wieħed jew waħda mill-konjuġi jagħżlu xi waħda mill-għażliet skont is-subartikolu (1)(ċ) jew skont is-subartikolu (1)(d), din l-għażla tingħata lil wieħed jew waħda mill-konjuġi biss.

(*b*) It-tagħqid tal-kunjomijiet tal-konjuġi m'għandux jirriżulta f'kunjom li jkun itwal minn tagħqid ta' erba' kunjomijiet.

(*ċ*) Meta l-kunjom ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi jew tat-tnejn diġà għandu tagħqid ta' żewġ kunjomijiet jew aktar, l-ordni tal-kunjom ta' dak jew dik il-konjuġi għandu jinżamm, u l-konjuġi m'għandhomx jibdlu dak l-ordni u, jew iwaqqgħu parti minn kunjomhom.

(*d*) Għall-finijiet tas-subartikoli (1) u (8) ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 4A, "kunjom" jinkludi l-kunjom tal-konjuġi meta twieled jew twieldet jew il-kunjom fil-mument taż-żwieġ:

Iżda fejn wieħed jew waħda mill-konjuġi jagħżel jew tagħżel, maż-żwieġ, li jerġa' jew terġa' lura għall-kunjom mat-twelid, il-konjuġi l-ieħor jew l-oħra ma jistgħux jagħżlu li jieħdu jew iżidu l-kunjom fil-mument taż-żwieġ ta' dak jew dik il-konjuġi.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożiz-zjonijiet tas-subartikolu (1), meta l-konjuġi jiddeċiedu li jibdlu kunjomhom skont is-subartikolu (1)(a) jew (1)(b), dik l-għażla ssir ukoll l-isem tal-familja, li għandu jiġi inkluż fl-Att taż-Żwieġ.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), meta wieħed jew waħda mill-konjuġi jagħżel jew tagħżel waħda mill-għażliet skont is-subartikolu (1)(ċ) jew is-subartikolu (1)(d), jew meta l-konjuġi jagħżlu li jżommu kunjomhom skont is-subartikolu (1)(e), il-partijiet għandhom jiddeterminaw l-isem tal-familja tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(a)

jew (1)(b), liema isem tal-familja għandu jiġi inkluż fl-Att taż-Żwieġ.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 102, l-isem tal-familja magħżul mill-partijiet ikun il-kunjom li jittieħed mit-tfal futuri tal-konjuġi.

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) għandhom japplikaw ukoll għal konjuġi li żżewġu ġewwa Malta qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, u jekk il-konjuġi jixtiequ jibdlu kunjomhom skont xi wieħed mill-paragrafi fis-subartikolu (1), huma jistgħu, fi żmien ħames (5) snin mill-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, jagħmlu talba lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jibdel kunjomhom skont is-subartikolu (1) permezz tal-Formula Y inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi:

Att Nru LXII tal-2020.

Att Nru LXII tal-2020.

Iżda jekk l-għażla ssir skont il-paragrafi (a) jew (b) tas-subartikolu (1), il-Formula Y għandha tiġi sottomessa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku permezz ta' dikjarazzjoni konġunta miż-żewġ konjuġi, u jekk ikun diġà ntgħażel l-isem tal-familja, dan ukoll isir l-isem tal-familja u għandu wkoll jemenda l-kunjom tat-tfal li jkunu twieldu qabel is-sottomissjoni tal-Formula Y:

Iżda wkoll jekk l-għażla ssir skont il-paragrafu (ċ), (d) jew (e) tas-subartikolu (1), jekk ikun diġà ntgħażel l-isem tal-familja, iż-żewġ konjuġi jistgħu, permezz ta' dikjarazzjoni konġunta, jitolbu wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jibdlu l-isem tal-familja kif kien ġie dikjarat oriġinarjament u biex jemendaw ukoll il-kunjom tat-tfal li jkunu twieldu qabel is-sottomissjoni tal-Formula Y:

Iżda wkoll malli jirċievi tali formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jniżżel annotazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni f'dawk l-atti tal-istat ċivili fejn jidher il-konjuġi li jagħmel id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni m'għandhiex taffettwa l-kunjom kif indikat fl-Att tat-Twelid ta' dak il-konjuġi.

(7) Id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula Y inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda għal dan il-Kodiċi tkun irrevokabbli u ma jkollha l-ebda effett fuq il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, sakemm ma tkunx saret dikjarazzjoni konġunta skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6).

(8) It-tfal li twieldu ġewwa Malta qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, u li dwarhom ma jkunx diġà ntgħażel isem tal-familja fl-Att taż-Żwieġ, jistgħu jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri tagħhom, jew il-kunjomijiet taż-żewġ ġenituri, fl-ordni tal-għażla tagħhom, hekk iżda li għandhom jissottomettu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula TT inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula TT tkun irrevokabbli:

Att Nru LXII tal-2020.

Iżda meta t-tfal ikunu taħt l-età ta' tmintax-il sena, id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula TT għandha ssir miż-

żewġ ġenituri, jew minn wieħed jew waħda mill-ġenituri jekk il-ġenitur l-ieħor ikun mejjet, jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejta, mit-tutur jew mill-kuratur tagħhom:

Iżda wkoll tali sottomissjoni ma tistax issir wara li jgħaddu ħames (5) snin mill-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:

Att Nru LXII tal-2020.

Iżda wkoll malli jirċievi tali formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jniżżel annotazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni f'dawk l-atti tal-istat ċivili fejn jidhru dawk it-tfal.

(9) Il-konjuġi u d-dixxendenti tal-persuna li dwarha ġiet sottomessa l-Formula TT lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jistgħu, mhux aktar tard minn tliet (3) snin mid-data tas-sottomissjoni tal-Formula TT, jissottomettu wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula UU inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, li fiha jiddikjaraw li jixtiequ jużaw l-istess kunjom tal-konjuġi jew tal-axxendenti tagħhom, kif ikun il-każ, kif debitament annotat fl-atti rispettivi tal-istat ċivili bis-saħħa tas-subartikolu (8). Malli jirċievi tali formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħmel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni fuq kull att tal-istat ċivili tal-persuna li dwarha tkun ġiet sottomessa l-Formula UU. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula UU tkun irrevokabbli:

Iżda meta d-dixxendent ikun taħt l-età ta' tmintax-il sena, id-dikjarazzjonijiet magħmula permezz tal-Formula UU għandhom isiru miż-żewġ ġenituri, jew minn wieħed jew waħda mill-ġenituri jekk il-ġenitur l-ieħor ikun mejjet, jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejta, mit-tutur jew mill-kuratur tiegħu jew tagħha:

Iżda wkoll meta l-Formula UU tiġi sottomessa minn wieħed jew waħda mill-konjuġi, dik id-dikjarazzjoni m'għandhiex taffettwa l-kunjom tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra kif indikat fl-Att tat-Twelid.

(10) Il-konjuġi ta' dixxendent li jkun issottometta dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula UU jista' jieħu jew tista' tieħu l-kunjom ġdid tad-dixxendent kif debitament annotat, jekk maż-żwieġ tali konjuġi jiddikjara jew tiddikjara li ser jittieħed il-kunjom tad-dixxendent li ssottometta l-Formula UU.

(11) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (8) u (9) għandhom japplikaw ukoll għal kull persuna li dwarha tkun ġiet sottomessa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula T jew il-Formula U.

(12) Persuna li dwarha tkun ġiet annotata bidla fil-kunjom skont dan l-artikolu għandha tirrapporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat taħt l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità, u lill-Uffiċjal tal-Passaporti taħt l-Ordinanza dwar il-Passaporti li għandhom rispettivament joħorġu dokument tal-identifikazzjoni

Kap. 258.
Kap. 61.

ġdid u passaport ġdid li jindikaw il-kunjom skont l-annotazzjoni mniżżla fl-att relattiv tal-istat ċivili. L-ispejjeż għall-ħruġ ta' dokument ġdid tal-identifikazzjoni legalment validu u ta' passaport ġdid għandhom jitħallsu mill-persuna li tkun bidlet il-kunjom:

Iżda meta l-persuna li dwarha tkun ġiet annotata bidla skont dan l-artikolu tkun taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena, dak ir-rapport għandu jsir miż-żewġ ġenituri, jew minn wieħed jew waħda mill-ġenituri jekk il-ġenitur l-ieħor ikun mejjet, jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejta, mit-tutur jew mill-kuratur tagħha.

Dispożizzjonijiet transitorji fir-rigward tal-artikolu 4.
Miżjud: *LXV.2020.3.*
Att Nru XXIII tal-2017.
Att Nru LXII tal-2020.

4A. (1) It-tfal ta' konjuġi li kienu applikaw għall-pubblikazzjoni ta' tnidijiet mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, u qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, għandhom jieħdu l-isem tal-familja kif dikjarat fl-Att taż-Żwieġ.

Att Nru XXIII tal-2017.
Att Nru LXII tal-2020.

(2) It-tfal ta' konjuġi li kienu applikaw għall-pubblikazzjoni ta' tnidijiet qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, u li jitwieldu wara l-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, għandhom jieħdu l-kunjom ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri fl-ordni li jagħżlu huma:

Iżda jekk tkun saret għażla mill-ġenituri permezz ta' dikjarazzjoni konġunta skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(6), it-tfal għandhom jieħdu dak il-kunjom.

Manteniment.

5. (1) Għall-manteniment, ir-raġel jew il-mara jiġu qabel l-omm u l-missier jew axxendenti oħra.

(2) Meta sew l-ulied kemm ir-raġel jew il-mara jitolbu l-manteniment, ilkoll għandhom jedd daqsinsew.

(3) Ir-raġel u l-mara, sakemm jistgħu jieħdu l-manteniment mingħand xulxin, ma jistgħux jitolbuh mingħand uliedhom jew dixxendenti oħra jew mingħand l-axxendenti tagħhom.

Meta jintemm id-dmir għall-manteniment.
Emendat: *XLVI.1973.4.*
Sostitwit: *XXI.1993.4.*

6. Id-dmir ta' manteniment ta' parti fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra jintemm jekk il-parti l-oħra, wara li tkun telqet mid-dar taż-żwieġ, bla raġuni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar.

Nuqqas ta' qbil bejn il-miżżewġin.
Miżjud: *XXI.1993.4.*
Emendat: *IX.2004.14.*

6A. (1) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-miżżewġin kull parti tista' tirreferi l-kwistjoni għall-għajnuna tal-qorti kompetenti u l-imħallef li jippresjedi għandu, wara li jisma' lill-miżżewġin u jekk jidhirlu xieraq lil kull wild 'il fuq mill-età ta' erbatax-il sena li jkunu joqogħdu mal-miżżewġin, jipprova jwassal għal ftehim bi qbil dwar dik il-kwistjoni.

(2) Meta dak il-ftehim bi qbil ma jintlaħaqx u l-kwistjoni tkun dwar fejn tkun id-dar taż-żwieġ jew il-bdil tagħha jew dwar kwistjonijiet oħra ta' importanza fondamentali, l-imħallef li jippresjedi għandu, jekk hekk mitlub espressament miż-żewġ

partijiet fiż-żwieġ flimkien, jiddeċiedi l-kwistjoni hu nnifsu billi jipprovdi soluzzjoni li fil-fehma tiegħu tkun l-aħjar fl-interessi tal-familja u tal-ħajja tal-familja.

(3) Ma jkunx hemm appell mid-deċizjoni tal-imħallef li jippresjedi f'dan il-każ.

Sub-titolu II

Emendat: XXI.1993.5.

FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJLET BEJN AXXENDENTI, DIXXENDENTI U AĦWA

Dmiriiet tal-ġenituri lejn uliedhom. *Emendat: XXI.1993.6.*

7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.

(2) Meta ma hemmx il-ġenituri, jew jekk dawn ma jkollhomx mezzi biżżejjed, id-dmir tal-manteniment u tal-edukazzjoni tal-ulied jaqa' fuq l-axxendenti l-oħra.

Dmirijiet tal-ulied lejn il-ġenituri.

8. L-ulied għandhom id-dmir li jagħtu l-manteniment lill-ġenituri tagħhom jew axxendenti oħra, li jkunu fil-bżonn.

Dmirijiet tal-miżżewġin lejn xulxin fl-għoti ta' manteniment. *Sostitwit: XXI.1993.7.*

9. Parti fiż-żwieġ ma tistax ma tagħtix l-appoġġ morali tagħha lill-parti l-oħra fit-twettiq ta' kull obbligu li dik il-parti l-oħra jkollha lejn id-dixxendenti jew l-axxendenti tagħha.

Meta żewġ l-bint m'għandhiex dan id-dmir lejn missier u omm il-mara.

10. *Imħassar: XXI.1993.7.*

Effetti tal-mewt tar-raġel u tal-mara li minnhom tnisslet il-qrubija u tat-tfal taż-żwieġ li nissel il-qrubija.

11. *Imħassar: XXI.1993.7.*

Ordni li fih jitqiegħdu l-persuni taħt dmir ta' manteniment. *Emendat: XXI.1993.8.*

12. Meta, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, ikun hemm aktar minn persuna waħda obbligata għall-manteniment, dawn il-persuni jkunu obbligati fl-ordni li ġej:

(*a*) l-ulied jew dixxendenti tal-persuna li titlob il-manteniment, fl-ordni kif huma mil-liġi msejha għall-wirt tagħha;

(*b*) il-ġenituri;

(*ċ*) l-axxendenti l-oħra, fl-ordni kif huma mil-liġi msejħa għall-wirt ta' dik il-persuna.

Obbligu *in solidum*.

13. (1) L-obbligu ta' dawk illi, fl-ordni miġjub fl-aħħar artikolu qabel dan, huma mqegħdin fl-istess grad, huwa *in solidum*.

Obbligu *in subsidium*.

(2) Iżda dawk li, skont l-ordni ta' hawn fuq, huma mqegħdin fi grad iżjed fil-bogħod, huma obbligati biss *in subsidium*, meta l-manteniment ma jkunx jista' jittieħed mingħand persuni fi grad eqreb.

(3) Madankollu, il-qorti tista' meta l-każ ma jkunx irid dewmien, tikkundanna lil waħda mill-persuni li huma obbligati għall-manteniment, tkun f'liema grad tkun, għall-għoti tal-manteniment, u żżomm lil din il-persuna l-jedd li ddur għall-ħlas kontra dawk il-persuni l-oħra li, skont l-ordni ta' hawn fuq, kienu obbligati jagħtu dak il-manteniment.

Setgħa tal-qorti f'każ li ma jridx dewmien.

14. (1) Meta żewġ persuni jew aktar jitolbu l-manteniment mingħand min m'għandux imnejn jagħtih lilhom ilkoll, fil-preferenza li tingħata lill-waħda fuq l-oħra, għandu jiġi mħares l-ordni miġjub fl-artikolu 12.

Manteniment mitlub minn iżjed minn persuna waħda. *Emendat: XXI.1993.9.*

(2) Madankollu, il-qorti tista' titbiegħed mir-regola miġjuba fis-subartikolu (1) f'każijiet ta' urġenza kbira, billi tqis l-istat tas-saħħa, l-età jew ċirkostanzi oħra tal-persuni li jitolbu l-manteniment.

15. (1) L-aħwa, sew jekk aħwa mill-missier u l-omm, kemm jekk mill-missier jew mill-omm biss, għandhom ukoll l-obbligu tal-manteniment lejn xulxin, iżda biss meta ma jkunx hemm persuni oħra obbligati.

Aħwa. *Emendat: LXV.2020.5.*

(2) L-obbligu tal-aħwa, meta hemm dan l-obbligu, huwa wkoll *in solidum*.

(3) Il-persuni msemmijin fl-artikolu 12 għandhom dejjem preferenza fuq l-aħwa, barra minn fil-każijiet ta' urġenza kbira, billi jittieħed qies tal-età, tal-istat tas-saħħa u ta' ċirkostanzi oħra.

16. (1) L-obbligu tal-manteniment, minħabba l-qrubija mid-demm, iseħħ biss bejn il-persuni u fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

Obbligu tal-manteniment minħabba qrubija mid-demm jew bi żwieġ. *Emendat: XXI.1993.10.*

(2) Dan l-obbligu lanqas ma jibqa' jseħħ favur il-persuni hawn fuq imsemmija jekk min jitlob il-manteniment ikun ġie fil-bżonn bi ħtija tiegħu:

Iżda dan ma jgħoddx meta dawk li jitolbu l-manteniment huma l-ġenituri, jew axxendent ieħor.

17. (1) Jekk l-aħwa jkunu ħadu l-manteniment, u fi żmien għaxar snin mill-aħħar darba li lilhom ikun ingħata l-manteniment isiru jistgħu jħallsu lura dak li rċevew, għandhom iroddu dak l-ammont lil min ikun tahom dak il-manteniment, basta li l-talba għar-radd issir f'dak iż-żmien.

Meta jista' jintalab lura dak li jingħata bħala manteniment. *Emendat: XXI.1993.11; LXV.2020.6.*

(2) F'ebda każ ieħor, jekk ma jkunx hemm ftehim xort' oħra, ma jista' jintalab ir-radd tal-ħlas tal-manteniment mogħti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.

18. *Imħassar: XXI.1993.12.*

Meta l-obbligu ta' manteniment igħaddi għall-werrieta.

19. (1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.

X'ifisser "il-manteniment". *Emendat: XXI.1993.13.*

(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-

edukazzjoni tagħhom.

Kif jitqies il-manteniment. *Emendat: XIII.2004.37.*

20. (1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt *trust*.

(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt *trust*.

Meta min jagħti l-manteniment jasal fi stat li ma jistax jagħtih iżjed.

21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ.

(2) Dan igħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l-manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti.

Radd tal-ħlas tal-manteniment.

22. (1) Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment.

(2) Ma tistax lanqas il-persuna li lilha kellu jingħata l-manteniment titlob mingħand id-debitur li jkun sar jista' jagħti dak il-manteniment, is-somma tal-manteniment għaż-żmien li fih l-istess debitur ma kienx tah minħabba nuqqas ta' mezzi.

Il-manteniment jista' jingħta *in natura*.

23. (1) Min hu fid-dmir li jagħti l-manteniment ma jistax, mingħajr raġuni tajba, ikun imġiegħel iħallas somma ta' flus għall-manteniment, kemm-il darba hu joffri ruħu li jilqa' f'daru u jmantni lil min ikollu l-jedd għall-manteniment minn għandu.

(2) Meta l-manteniment għandu jingħata barra mid-dar tal-persuna li għandha tagħtih, din tista', għal raġuni tajba, tagħti l-manteniment *in natura* minflok ma tħallas flus.

Id-donatarju huwa fid-dmir qabel il-qraba. *Emendat: XXI.1993.14.*

24. Ħadd ma jista' jitlob il-manteniment mingħand il-persuni obbligati minħabba li jkunu qraba mid-demm, meta min jitlob il-manteniment ikun jista', bħala donatur, jieħdu mingħand id-donatarju bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1773.

Manteniment *pendente lite*.

25. (1) Meta jkun hemm talba għall-manteniment, il-qorti tista', waqt li tkun għadha miexja l-kawża, tikkundanna lill-konvenut biex jagħti lill-attur il-manteniment provviżorju f'somma li tkun biżżejjed għall-ħwejjeġ l-aktar meħtieġa għall-ħajja, iżda

dan kemm-il darba l-konvenut ikun biċ-ċar wieħed minn dawk illi, jekk ikollhom minn fejn, huma mil-liġi fid-dmir li jagħtu l-manteniment lill-attur.

(2) Jekk f'dan il-każ it-talba għall-manteniment tiġi miċħuda, il-konvenut ikollu l-jedd jitlob mingħand l-attur innifsu, jew mingħand il-persuna li jkollha d-dmir tagħti l-manteniment lil dak l-attur, ir-radd bl-imgħax ta' kull somma li jkun ħallas.

26. *Imħassar: XXI.1993.15.*

L-iben m'għandux azzjoni kontra l-ġenituri biex jagħmlulu assenjament f'każ ta' żwieġ, eċċ.

27. (1) L-obbligu ta' kull persuna lejn oħra għall-manteniment jispiċċa jekk il-persuna, li favur tagħha dak l-obbligu huwa stabbilit, tizżewweġ kontra r-rieda tal-persuna li jkollha dak l-obbligu, iżda dan kemm-il darba din l-oppożizzjoni tkun saret għal raġunijiet tajba, u t-talba għall-ħelsien mill-obbligu hawn fuq imsemmi, issir mill-persuna li tagħmel dik l-oppożizzjoni fi żmien sitt xhur mit-tieġ.

Il-jedd għall-manteniment jispiċċa f'xi każijiet. *Emendat: XXI.1993.16.*

(2) Dik l-oppożizzjoni jkollha effett biss jekk issir b'att ġudizzjarju, li għandu jiġi nnotifikat lil kull waħda mill-persuni li jkollhom il-ħsieb li jiżżewġu, u ppreżentat fir-reġistru tal-qorti ċivili tal-gżira li fiha jkun joqgħod l-opponent, jew ta' dik tal-gzira fejn tkun toqgħod waħda mill-partijiet hawn fuq imsemmija.

28. Għall-finijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, in-nuqqas tal-mezzi meħtieġa għall-ħajja, skont il-kondizzjoni tal-persuna li kontra tagħha ssir l-oppożizzjoni, inkella l-kondotta ħażina tal-parti l-oħra, huma magħduda raġunijiet tajba ta' oppożizzjoni għaż-żwieġ.

Raġunijiet tajba ta' oppożizzjoni għal żwieġ. *Emendat: XLVI.1973.6.*

29. Meta ż-żwieġ isir bid-dispensa tat-tnidijiet kollha jew ta' biċċa minnhom, u ma jiġix ippruvat li l-persuna suġġetta għall-obbligu msemmi fl-artikolu 27 kienet taf, mill-anqas ħmistax-il ġurnata qabel ma sar iż-żwieġ, li dan iż-żwieġ kellu jsir, hija tista', ukoll jekk ma jkunx hemm l-oppożizzjoni msemmija f'dak l-artikolu, titlob, fis-sitt xhur ta' wara ż-żwieġ, il-ħelsien tagħha minn dak l-obbligu, għal kull raġuni li għaliha l-oppożizzjoni fuq imsemmija kien jista' jkollha dak l-effett.

Meta ż-żwieġ isir bla ma qabel isiru t-tnidijiet. *Emendat: XXI.1993.17.*

30. *Imħassar: XXI.1993.18.*

Żwieġ li jsir mingħajr is-solennitajiet u formalitajiet ta' qabel iż-żwieġ.

31. *Imħassar: XXI.1993.18.*

Meta l-obbligu tal-manteniment jispiċċa lejn ir-raġel jew il-mara jew l-ulied tal-persuna qariba mid-demm. *Emendat: XLVI.1973.7.*

Raġunijiet li għalihom il-ġenituri jistgħu jiċħdu manteniment ta' wliedhom. *Emendat: XLVI.1973.8. Sostitwit: XXI.1993.19.*

32. Minbarra r-raġuni msemmija fl-artikolu 27, ġenituri jew axxendenti oħra jistgħu jiċħdu l-manteniment lit-tfal jew dixxendenti oħra għal kull waħda mir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat minn axxendent.

Meta jista' jinċaħad il-manteniment għal offiża gravi. *Emendat: XXI.1993.20; XXIII.2017.30.*

33. Kull persuna tista' tiċħad il-manteniment lil ħuha jew lil oħtha, minħabba offiża gravi magħmula minnhom kontra tagħha, jew kontra l-konjuġi tagħha, jew kontra qarib tagħha sal-grad ta' ziju jew zija, jew kontra neputi jew neputija tagħha.

Eċċezzjoni.

34. Iżda, f'ebda wieħed mill-każijiet ikkontemplati fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, ma jista' jinċaħad il-manteniment, meta l-offiża, jew raġuni oħra ta' ċħid ta' manteniment hemm imsemmija, jkunu saru wisq żmien qabel minn meta ssir it-talba għall-manteniment.

Sub-titolu III

FUQ IL-FIRDA PERSONALI

Sostitwit: *XXI.1993.21.*

L-obbligu tal-għajxien flimkien jispiċċa mal-firda. *Emendat: XXI.1993.22; LXV.2020.7.*

35. (1) Bil-firda personali, mogħtija b'sentenza, jew li għaliha tingħata s-setgħa b'digriet tal-qorti ċivili kompetenti, jispiċċa, għall-effetti kollha ċivili, l-obbligu ta' bejniethom li jgħixu fiimkien.

(2) Il-firda mogħtija minn kull qorti oħra ma ġġibx effetti ċivili.

(3) Il-qorti għandha, fid-digriet jew fis-sentenza ta' separazzjoni personali, tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati biex jinnotifika s-separazzjoni personali bejn il-partijiet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fiż-żmien stabbilit għal dan il-għan mill-istess qorti, sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirreġistra dik is-separazzjoni personali.

Kif wieħed jista' jikseb il-firda. *Emendat: XXI. 1993.23.*

36. Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59.

Separazzjoni personali. *Emendat: XXI.1993.24. Sostitwit: XXXI.2002.210. Emendat: XX.2005.22; A.L. 218 tal-2012. XIII.2018.25.*

37. (1) Il-kawżi kollha għal separazzjoni personali għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-Qorti Ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja:

Iżda qabel jinbdew il-proċedimenti, tista' ssir talba sabiex jiġi stabbilit l-ammont tas-somma għall-manteniment fil-waqt li l-proċedimenti jkunu pendenti u għall-għoti ta' digriet li jordna l-ħlas ta' dik is-somma jew talba lill-qorti biex b'digriet tistabbilixxi

liema waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jekk ikun il-każ, għandha matul il-proċedimenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali.

(2) Ir-rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) għandha tkun debitament appuntata għas-smigħ mill-qorti u għandha tiġi notifikata lill-konvenut flimkien mal-avviż ta' dik is-seduta:

Iżda meta jkun hemm involuta l-vjolenza domestika, ir-rikors imsemmi għandu jiġi appuntat fi żmien erbat ijiem u l-qorti tista', b'inizjattiva tagħha stess qabel ma tisma' lill-partijiet jew wara, toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D tal-istess Kodiċi, u d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħallikieku din kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondenti ta' dak il-Kodiċi: Kap. 9.

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 39, "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika. Kap. 581.

(3) Il-qorti għandha tisma' lir-rikorrent u lill-intimat sommarjament u mbagħad għandha, b'digriet, tiddeċiedi fuq ir-rikors:

Iżda l-qorti tista' tiddeċiedi fuq it-talba meta r-rikorrent jew l-intimat jew kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat jonqsu li jidhru fil-jum tas-smigħ.

(4) Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ikun titolu eżekuttiv meqjus bħala inkluż fost id-digrieti msemmija fl-artikolu 253(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u jkun eżegwibbli bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet kif jiġu eżegwiti atti bħal dan. Kap. 12.

(5) Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ma jibqax eżegwibbli jekk l-azzjoni għas-separazzjoni li għaliha jingħata permess ma tinbedix fi żmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iż-żmien itwal li tista' tagħti l-qorti fl-istess digriet jew f'digriet ieħor wara.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 381 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li bis-saħħa tagħhom il-qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża tista' tagħmel il-mandat hemm speċifikat għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, daqslikieku r-riferenza għall-qorti f'dak is-subartikolu, kienet riferenza għas-sezzjoni xierqa tal-Qorti Ċivili li quddiemha tkun saret it-talba msemmija fil-proviso għas- subartikolu (1). Kap. 12.

(7) Id-digriet u l-ordni msemmija f'dan l-artikolu jistgħu biss jiġu riveduti, mibdula jew revokati fuq rikors magħmul mill-parti li titlob dik ir-reviżjoni, dak it-tibdil jew dik ir-revoka.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu għas-smigħ ta' kawżi bil-magħluq.

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw

ukoll f'kawżi li jirrigwardaw il-manteniment, l-aċċess, u, jew, il-kura u l-kustodja tat-tfal, ukoll meta l-ġenituri ma jkunux miżżewġin.

Adulterju. *Sostitwit: XXI.1993.25.*

38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.

Ordnijiet ta' Protezzjoni u Trattament f'kawża għal firda personali. *Miżjud: XX.2005.23. Emendat: XIII.2018.25.*

Kap. 9.

39. Meta tkun ġiet preżentata kawża għal firda personali minn konjuġi, jew kawża illi tirrigwarda l-aċċess, u, jew, il-kura u l-kustodja tat-tfal, meta l-ġenituri ma jkunux miżżewġin, u jkunu nġiebu provi ta' attijiet ta' vjolenza domestika, il-qorti tista', jew wara li xi waħda mill-partijiet tagħmel rikors jew fuq inizjattiva tagħha stess sabiex tipproteġi s-sigurtà tal-partijiet involuti jew fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tfal jew ta' xi dipendenti minuri oħra ta' wieħed mill-konjuġi, toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta' trattament taħt l-artikolu 412D tal-istess Kodiċi u d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħallikieku dik kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondenti ta' dak il-Kodiċi.

Eċċessi, moħqrija, eċċ. *Sostitwit: XXX.1981.2. Emendat: XXV.2021.3.*

40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:

Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni.

Abbandun. *Sostitwit: XXI.1993.26.*

41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.

Rikonċiljazzjoni.

42. (1) L-azzjoni għall-firda tispiċċa meta jkun hemm rikonċiljazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.

(2) Iżda, jekk wara tinħoloq raġuni ġdida ta' firda, l-attur jista', sabiex issaħħaħ it-talba tiegħu, iġib ukoll ir-raġunijiet ta' qabel.

Mewt ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien.

43. Bil-mewt tar-raġel jew tal-mara, ħlief fil-każ li fih is-sentenza tal-firda jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikoli 48 sa 52 inklużivament, tispiċċa l-azzjoni tal-firda, ukoll jekk il-mewt tiġri wara li tkun saret it-talba.

Meta sew ir-raġel kemm l-mara jistgħu jitolbu l-firda.

44. Il-fatt li jkun hemm raġunijiet li għalihom sew ir-raġel kemm il-mara jistgħu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel għall-wieħed jew għall-oħra li jitolbu l-firda kontra xulxin.

Diskrezzjoni tal-qorti meta jkun hemm raġunijiet li għalihom il-konvenut jista' wkoll jitlob il-firda.

45. Iżda, meta jiġi ppruvat xi fatt li minħabba fih il-konvenut seta' wkoll kieku ried jitlob il-firda, il-qorti tista' tieħu qies ta' dak il-fatt għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 52.

46. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża.

Dar taż-żwieġ *pendente lite*. *Emendat: XLVI.1973.9. Sostitwit: XXI.1993.28.*

46A. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlob mingħand il-parti l-oħra somma għall-manteniment skont il-bżonnijiet tagħha u skont il-mezzi tal-parti l-oħra, u meta jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-partijiet.

Manteniment *pendente lite*. *Miżjud: XXI.1993.28.*

47. Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża l-qorti għandha tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidhrilha xieraq, u meta tkun qed tagħmel hekk għandha tqis bħala l-iktar konsiderazzjoni importanti l-ġid tal-ulied:

Ħsieb tal-ulied. *Sostitwit: XLVI.1973.10; XXI.1993.28. Emendat: XIII.2018.25.*

Iżda f'każijiet fejn hemm evidenza ta' vjolenza domestika, il-Qorti tista' tillimita jew tiċħad l-aċċess għall-ulied jekk tali aċċess iqiegħed lill-ulied jew lill-ġenitur l-ieħor f'riskju.

48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

Konsegwenzi għal min mir-raġel jew il-mara jagħti lok għall-firda. *Emendat: XXI.1993.29.*

(*a*) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(*b*) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(*d*) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħħ tenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.

49. *Imħassar: XXI.1993.30.*

Jekk il-ħtija tkun tal-mara. *Emendat: XLVI.1973.11.*

50. *Imħassar: XXI.1993.30.*

Jekk il-ħtija tkun tar-raġel. *Emendat: LVIII.1975.2.*

Setgħa tal-qorti f'xi każijiet. *Emendat: XXI. 1993.31.*

51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

Diskrezzjoni tal-qorti f'xi każijiet. *Emendat: XXI.1993.31.*

52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda.

Żamm ta' jeddijiet jew vantaġġi miksuba bil-firda.

53. Il-parti li tkun qalgħat il-firda, iżżomm kull jedd jew vantaġġ li tkun kisbet mill-parti l-oħra, għad illi dak il-jedd jew vantaġġ ikun ġie mogħti lilha taħt il-patt ta' għoti ta' jedd jew ta' vantaġġ ieħor lill-parti l-oħra, u dan il-patt ma jseħħx.

Obbligu tal-manteniment. *Sostitwit: XXI.1993.32. Emendat: XIV.2011.3; VI.2023.2.*

54. (1) Il-parti li kontra tagħha tinqatal-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:

(*a*) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom;

Kap. 413.

(*b*) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali;

(*ċ*) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapaċità tal-miżżewġin jew tal-ulied li jmantnu lilhom infushom;

(*d*) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ;

(*e*) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:

Kap. 318.

Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

Kap. 318.

(*f*) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;

(*g*) l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser titlef l-opportunità jew il-possibbiltà li

tikseb bħala riżultat tal-firda.

(3) Għandom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjoniet tal-artikolu 381(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'dan iżda illi l-istess artikolu għandu jinftiehem li, anke fejn ma ssirx talba għal dak provdut f'dak l-artikolu minn parti li jkun dovut lilha l-manteniment, jew għal dik il-parti jew għall-ulied, il-qorti tista' minn jeddha tapplikah. Kap. 12.

(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.

(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skont il-każ:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, il-qorti tista' wkoll tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali sabiex jittrasferixxi porzjon ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-konjuġi responsabbli għall-manteniment lill-konjuġi li jkollha tirċievi l-manteniment, liema porzjon ta' kontribuzzjonijiet hekk trasferiti, magħdud flimkien mal-kontribuzzjonijiet li jkollha f'isimha proprju matul iż-żwieġ il-parti li qed tirċievi tali trasferiment, m'għandhomx jeċċedu fit-total tagħhom in-nofs tat-total ta' kontribuzzjonijiet li jkunu ħallsu flimkien iż-żewġ (2) konjuġi fil-perjodu kollu taż-żwieġ tagħhom.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5), il-qorti għandha, fost iċ-ċirkostanzi, tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista' tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta' flus, u tordna l-ħlas ta' somma globali għal dak l-iskop.

(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.

(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.

(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ. Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjetà b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. Iżda meta s-somma globali tkun tħallset jew il-proprjetà tkun ingħatat bħala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti għandha, meta tordna l-ħlas tas-somma globali jew l-għoti tal-

proprjetà, fl-istess ħin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jiġri wara għandu f'dan il-każ ikun japplika biss għal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon għaliha.

Meta tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti u l-komunjoni l-oħra taħt amministrazzjoni separata. *Sostitwit: XXI.1993.32. Emendat: XIV.2011.4.*

55. (1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.

(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.

(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.

(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.

(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.

(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.

(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

Id-dar taż-żwieġ. *Miżjud: XXI.1993.32. Emendat: XIV.2011.5.*

55A. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:

(*a*) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew

(*b*) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ

għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew

(*ċ*) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:

Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej:

(*a*) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu;

(*b*) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u

(*ċ*) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l-ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi..

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikax fir-rigward ta' miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-separazzjoni personali; u dak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ kontra terzi ħlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku.

Ħsieb tal-ulied wara l-firda. *Sostitwit: XXI. 1993.32. Emendat: XIV.2011.6.*

56. (1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.

(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni *in loco parentis*, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.

(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.

(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.

(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti.

Esklużjoni ta' kustodja. *Miżjud: XIV.2011.7. Sostitwit: XIII.2018.25.*

56A. Il-qorti tista', għal raġunijiet gravi, f'kull żmien f'kawża ta' separazzjoni u, jew, divorzju, jew meta l-partijiet ikunu separati u, jew, divorzjati, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jew b'mozzjoni tagħha stess, tiddikjara li l-parti l-oħra ma tkunx tajba biex ikollha l-kustodja tal-ulied minuri tal-partijiet, u fejn il-qorti tagħmel dikjarazzjoni bħal din, il-parti hekk iddikjarata ma tkunx tista', mal-mewt tal-parti l-oħra, tieħu l-kustodja tal-ulied minuri, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti:

Iżda evidenza ta' vjolenza domestika għandha

tikkostitwixxi raġuni gravi għall-iskop ta' dan l-artikolu.

Jedd tal-miżżewġin li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment tat-tfal.
Emendat: XXI.1993.33; XIV.2011.8; XIII.2018.25.

57. (1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi:

Iżda dan id-dritt jista' jiġi sospiż jekk l-eżerċizzju tal-istess dritt iqiegħed lill-ulied jew lill-ġenitur l-ieħor f'riskju ta' ħsara.

(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ-ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied:

Iżda li l-qorti tista' tirrevoka d-dritt għall-aċċess meta l-konjuġi li jingħata tali dritt jonqos milli jeżerċita tali dritt mingħajr raġuni valida.

(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lil kwalunkwe wieħed mill-ġenituri li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid tal-istess minuri jew għall-ġid ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri.

Setgħa tal-qorti li twaqqaf il-kawża tal-firda.

58. (1) Il-qorti tista', meta jidhrilha li hu xieraq għall-ġid tal-mara u tar-raġel u tat-tfal, tordna s-sospensjoni tal-kawża tal-firda għal dak iż-żmien li jidhrilha sewwa, u tagħti dawk il-provvedimenti provviżorji li jkunu meħtieġa miċ-ċirkostanzi.

(2) Mid-digriet li jordna s-sospensjoni tal-kawża, jew li jagħti dawk il-provvedimenti provviżorji, jista' jsir appell.

Firda bil-kunsens tat-tnejn.
Emendat: XXI.1993.34.
Sostitwit: VIII.2007.3.

59. (1) Il-firda personali tista', bis-setgħa tal-qorti permezz ta' digriet skont l-artikolu 35, issir bil-kunsens tat-tnejn, b'att pubbliku.

(2) Il-qorti għandha, qabel ma tagħti din is-setgħa, twissi lill-partijiet dwar dak li ġġib magħha l-firda, u tfittex li tirrikonċiljahom, u tista' tħassar, tvarja u ddaħħal dawk il-kondizzjonijiet li hija tħoss xierqa.

(3) Dan id-digriet għandu l-istess effetti ta' sentenza tal-qorti kompetenti.

Ordni tal-qorti dwar f'idejn min għandhom jingħataw it-tfal.
Emendat: XXX.1981.3.

60. (1) Il-qorti, meta tagħti s-setgħa għall-firda, tordna, fid-digriet, f'idejn min għandhom jiġu mogħtija t-tfal.

(2) Il-qorti tista', f'kull żmien, għall-aħjar tat-tfal, tħassar jew tbiddel l-ordnijiet li tkun tat dwarhom.

Rinunzja ta' wirt.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra kull waħda mill-persuni miżżewġin tista' f'att pubbliku ta' separazzjoni, tirrinunzja għas-suċċessjoni tal-parti l-oħra.

Ftehim tal-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal.
Emendat: XLVI.1973.13.

61. (1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.

(2) F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċidi f'idejn min

għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati.

Kunjom il-konjuġi wara s-separazzjoni. *Sostitwit: XXI.1993.35. Emendat: XV.2012.3; XXIII.2017.31; Sostitwit: LXV.2020.8.*

62. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, il-miżżewġin jistgħu, mas-separazzjoni, jagħżlu li jirrevertu għal kunjomhom ta' meta twieldu jew għal kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom.

(2) F'każ ta' separazzjoni konsenswali, għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik l-għażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza finali.

(3) Il-qorti tista', fuq talba ta' wieħed jew waħda mill-miżżewġin, li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-konjuġi l-ieħor jew l-oħra milli jkomplu jużaw il-kunjom tal-parti l-ewwel imsemmija wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta' preġudizzju gravi għal dik il-parti li tkun għamlet it-talba.

Effetti kwantu għat-terzi tas-separazzjoni personali. *Miżjud: XXI.1993.35. Emendat: XXIII.2017.32.*

62A. Is-separazzjoni personali ma għandha ebda effett kontra t-terzi ħlief minn dak in-nhar li s-sentenza jew il-kuntratt, skont il-każ, jiġu mniżżla fir-Reġistru Pubbliku. Kull reġistrazzjoni bħal dik għandha tinkludi riferenza għal kull dikjarazzjoni jew projbizzjoni dwar il-kunjom tal-konjuġi wara s-separazzjoni.

Il-partijiet jistgħu jneħħu l-effetti tal-firda.

63. Ir-raġel u l-mara mifrudin, b'sentenza jew bil-kunsens ta' xulxin, jistgħu f'kull żmien jerġgħu jmorru flimkien, u b'hekk ineħħu l-effetti tal-firda, kollha jew biċċa minnhom, iżda dan bla ħsara tal-jeddijiet li t-terzi jkunu ġa akkwistaw.

Ir-raġel u l-mara li jmorru jgħammru flimkien minn rajhom jitqiesu li reġgħu ngħaqdu. *Emendat: XXI.1993.36.*

64. (1) Jekk ir-raġel u l-mara mifrudin imorru minn rajhom igħammru flimkien, iġib il-għaqda tagħhom mill-ġdid, u jġedded l-obbligu, li ġej miż-żwieġ, tal-għajxien flimkien u tal-manteniment.

Effetti oħra jistgħu jispiċċaw b'att pubbliku.

(2) Iżda, kull effett ieħor tal-firda ma jispiċċax ħlief bis-saħħa ta' att pubbliku.

L-att jista' jsir wara li r-raġel u l-mara jerġgħu jmorru jgħammru flimkien.

65. Dak l-att jista' jsir ukoll wara li r-raġel u l-mara jerġgħu jmorru jgħammru flimkien, iżda, f'dak il-każ, l-att ma jiswiex jekk ma jsirx bl-awtorizzazzjoni tal-qorti.

Meta l-effetti tal-firda jispiċċaw dwar it-terzi.

66. F'kull każ, l-effetti tal-firda ma jispiċċawx dwar it-terzi, ħlief minn dak in-nhar li l-att jiġi mniżżel fir-Reġistru Pubbliku.

Sub-titolu IV

Miżjud: *XIV.2011.9.*

FUQ ID-DIVORZJU

Id-divorzju. *Miżjud: XIV.2011.9. Emendat: LXV.2020.9.*

66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew

b'sentenza.

(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.

(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jingiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw *mutatis mutandis*. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.

(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Kondizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju.
Miżjud: XIV.2011.9.
Emendat: XXV.2021.4.

66B.[*] Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:

(*a*) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:

Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

(*b*) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u

(*ċ*) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(*d*) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu

*L-artikolu 12 tal-Att XIV tal-2011:

"12. Abbozz għal Att tal-Parlament li jemenda, iħassar jew jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-artikolu 66B kif provdut fi klawsola 9 ta' dan l-Att, m'għandux jiġi ppreżentat lill-President għall-kunsens tiegħu kemm-il darba, mhux inqas minn tliet xhur u mhux iktar minn sitt xhur wara li jkun għadda mill-Kamra, ma jkunx imqieghed quddiem l-eletturi kwalifikati li jivvotaw għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati u l-maġġoranza tal-eletturi li jivvotaw ma jkunux approvaw l-abbozz:

Iżda ma jkunx meħtieġ li l-abbozz jitqieghed quddiem l-eletturi kwalifikati li jivvotaw għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati kif provdut f'dan l-artikolu wara li jkun għadda mill-Kamra, jekk mhux inqas minn tliet xhur u mhux iktar minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz fil-Gazzetta tal-Gvern wara li jkun ġie approvat l-Ewwel Qari tiegħu mill-Kamra tad-Deputati, l-abbozz ikun tqieghed quddiem l-eletturi kwalifikati li jivvotaw għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati u l-maġġoranza tal-eletturi li jivvotaw ikunu approvaw l-abbozz.". - Imħassar bl-Att XXV tal-2021.

manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għaddritt tagħhom ta' manteniment:

Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:

Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.

Pronunzjament ta' divorzju. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66Ċ. Wara li l-qorti tkun qieset illi dak mitlub mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B ikun sodisfatt, il-qorti għandha tisma' u tiddeċiedi dawk it-talbiet imressqa mill-partijiet kif maħsub f'dan is-Sub-Titolu u tgħaddi biex tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

Id-divorzju mogħti fuq talba ta' waħda mill-persuni miżżewġin. *Miżjud: XIV.2011.9. Emendat: XXV.2021.5.*

66D. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.

(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.

(3) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija *mutatis mutandis*. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni.

(4) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti jkollha *mutatis mutandis* is-setgħat mogħtija lilha fis-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu għal dak illi jirrigwarda l-ordnijiet illi jkollha s-setgħa tagħti *pendente lite*.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu u biss

fejn il-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tkun waqfet, il-partijiet ikollhom dritt li f'kull każ, bi qbil bejniethom, jgħaddu għad-divorzju mingħajr ma jillikwidaw l-assi komuni ta' bejniethom.

Konsegwenzi tal-ħtija ta' parti. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66E. Mingħajr ħsara għal dak provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, fejn il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet issib illi l-parti l-oħra kienet ħatja li ġabet it-tifrik taż-żwieġ għar-raġunijiet maħsuba fl-artikoli 38, 40 u 41, il-qorti tista' tapplika *mutatis mutandis* kontra dik il-parti dak maħsub fl-artikolu 48.

Bdil minn proċeduri ta' separazzjoni għal proċeduri ta' divorzju. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66F. (1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.

(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.

(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu.

Dmirijiet tal-avukat tar-rikorrent. *Miżjud: XIV.2011.9. Emendat: XXV.2021.5.*

66G. (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti -

(*a*) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(*b*) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju.

(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:

(*a*) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew

b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1); jew

(*b*) fejn il-miżżewġin ikunu separati b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-istess sentenza ta' separazzjoni jew, fejn il-miżżewġin ikunu separati b'kuntratt, ikun akkumpanjat minn kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali:

Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta' divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, il-kopja tas-sentenza ta' separazzjoni jew tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, kif ikun il-każ, l-avukat għandu jippreżenta dawn id-dokumenti fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża:

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "ir-rikorrent" tfisser persuna li tagħmel rikors, qed tħejji rikors jew bi ħsiebha tagħmel rikors lill-qorti għall-ksib tad-divorzju.

Dmirijiet tal-avukat tal-intimat. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66H. (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.

(2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1):

Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta' divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.

Setgħat tal-qorti. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66I. (1) Fejn issir talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti minn wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew miż-żewġ miżżewġin li jkunu qablu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul, u fejn l-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, qabel ma l-qorti tagħti l-awtorizzazzjoni biex il-miżżewġin jipproċedu għad-divorzju, il-qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur li jkun jew maħtur minnha jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet u dan bil-għan li jsir tentattiv ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin, u fejn dik ir-rikonċiljazzjoni ma sseħħx, u fejn dawn ma jkunux diġà qablu bejniethom dwar il-pattijiet tad-divorzju, bil-għan li jgħin lill-partijiet biex jaslu għad-divorzju fuq bażi ta' qbil. Dan il-qbil għandu jkun dwar xi whud, jew il-pattijiet kollha, minn dawn li ġejjin:

(*a*) il-kura u l-kustodja tal-ulied;

(*b*) l-aċċess taż-żewġ partijiet għall-ulied;

(*ċ*) il-manteniment tal-miżżewġin, jew ta' parti waħda minnhom, u ta' kull wild;

(*d*) ir-residenza fid-dar konjugali;

(*e*) id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

(2) F'kull proċedura ta' divorzju quddiem il-qorti ċivili kompetenti magħmula fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew miż-żewġ miżżewġin li jkunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul, ukoll fejn il-miżżewġin ikunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-qorti tista', meta tħoss li hemm bżonn, jew minn jeddha, jew fuq talba tal-medjatur jew ta' xi wieħed mill-miżżewġin:

(*a*) taħtar avukat tat-tfal biex jirrappreżenta l-interessi tal-ulied minuri, jew min minnhom, tal-partijiet; u

(*b*) tisma' lill-ulied minuri, jew min minnhom, tal-partijiet fejn tqis li jkun fl-aħjar interess tagħhom li tagħmel dan:

Iżda f'kull proċedura ta' divorzju quddiem il-qorti ċivili kompetenti kif imsemmi f'dan l-artikolu, il-qorti tista' tordna lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-informazzjoni dwar ħlas ta' manteniment għall-ulied.

(3) Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment.

Setgħat tal-Ministru. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66J. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu reġistru ta' individwi kwalifikati biex jassistu lill-partijiet involuti fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jistabbilixxi l-proċedura relatata mal- medjazzjoni bejn il-partijiet skont kif provdut f'dan is-Sub-Titolu.

Provi inammissibbli. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66K. Ebda komunikazzjoni verbali jew bil-miktub li tkun saret bejn il-miżżewġin, jew minn terza persuna fil-proċess ta' tentattiv ta' rikonċiljazzjoni jew biex jintlaħaq ftehim bejn il-miżżewġin dwar xi wħud minn, jew dwar il-pattijiet kollha, imsemmija fl-artikolu 66I(1), jew xi riferenza għaliha, ma tkun ammissibbli bħala prova waqt il-proċeduri ta' divorzju.

Effetti tal-ħall taż-żwieġ. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66L. (1) Meta l-qorti ċivili kompetenti tippronunzja d-divorzju bejn il-miżżewġin, huma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu.

(2) Il-pronunzjament tad-divorzju m'għandu l-ebda effett fuq id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet bħala ġenituri fuq uliedhom jew fuq kull ftehim li jkun intlaħaq bejn dawk il-partijiet

dwar il-kustodja ta' uliedhom, minħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56A.

(3) Il-pronunzjament tad-divorzju m'għandu l-ebda effett fuq id-drittijiet ta' terzi fir-rigward ta' kull ftehim jew obbligu li diġà wettqu jew li għad iridu jwettqu l-partijiet iddivorzjati.

(4) Il-pronunzjament tad-divorzju kif maħsub fis-subartikolu (1) għandu dawn l-effetti:

(*a*) jispiċċa, għall-effetti kollha ċivili, l-obbligu tal-partijiet li jgħixu flimkien;

(*b*) l-artikolu 62 għandu japplika *mutatis mutandis*; u

(*ċ*) jispiċċaw id-drittijiet tal-miżżewġin għas-suċċessjoni ta' xulxin, b'effett minn dakinhar meta d-digriet jew sentenza ta' divorzju jkunu saru *res judicata.*

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 54(7), 55A u 56A għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-qorti tħoss il-ħtieġa li tapplikahom wara li tkun qieset ir-raġunijiet miġjuba quddiemha.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66D(5), l-artikolu 1332(4) sa (10) u l-artikoli 1334, 1335, 1336, 1337 u 1340 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-fini ta' qsim tal-beni bejn il-miżżewġin.

L-effett ta' żwieġ mill-ġdid. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66M. Meta l-parti li tkun qed tirċievi l-manteniment, sew jekk bis-saħħa ta' ordni tal-qorti kif ukoll jekk bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni, tiżżewweġ mill-ġdid jew tidħol f'relazzjoni personali li ġġib magħha obbligu ta' manteniment favur tagħha mingħand terza persuna, tali parti tiddekadi mid-dritt li tirċievi l-manteniment li jkun jitħallas għaliha mingħand il-parti l-oħra fid-divorzju b'effett mill-ġurnata taż-żwieġ mill-ġdid jew mill-bidu ta' relazzjoni oħra, kif fuq imsemmi. Dan l-artikolu għandu japplika anke fil-każ li jkun ġie miftiehem bejn il-partijiet f'kuntratt ta' separazzjoni li l-ftehim dwar manteniment favur il-partijiet jew min minnhom, għandu jibqa' validu u ma jistax jinbidel fil-każ ta' żwieġ mill-ġdid jew ta' relazzjoni oħra kif fuq imsemmi ta' dik il-parti li tkun qed tirċievi l-manteniment:

Iżda l-ordni għall-manteniment li tkun ġiet ordnata jew awtorizzata mill-qorti li titħallas permezz ta' somma globali favur il-parti li terġa' tiżżewweġ jew li tkun bdiet relazzjoni oħra kif imsemmi f'dan l-artikolu, għandha tibqa' fis-seħħ minkejja illi l-parti li favur tagħha tkun saret tiżżewweġ mill-ġdid jew tidħol f'relazzjoni oħra kif imsemmi.

Ġurisdizzjoni tal-qorti fir-rigward tad-divorzju. *Miżjud: XIV.2011.9.*

66N. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili jkollhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju biss jekk, mill-inqas waħda mill-ħtiġiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(*a*) mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha d-domiċilju tagħha f'Malta fid-data meta tkun saret it-talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti; jew

(*b*) mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha r-residenza ordinarja tagħha f'Malta matul il-perjodu ta' sena,

immedjatament qabel ma tkun saret talba għad-divorzju.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fejn ikun hemm pendenti, quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili f'Malta, kawża, inkluża kawża li tkun qed tinstema' fi grad t'appell, għall-ksib ta' separazzjoni personali taħt is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u l-qorti jkollha l-ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi dik il-kawża, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili f'Malta jkollhom ukoll ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju bejn l-istess partijiet.*

Titolu II

FUQ IL-FILJAZZJONI

Sub-titolu I

FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA JEW IMWIELDA MATUL IŻ-ŻWIEĠ

L-iben imwieled matul iż-żwieġ. *Emendat*: *XXIII.2017.33.*

67. L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi.

*L-artikolu 11 tal-Att XIV tal-2011.

"**11.** (1) Għandu jkun hemm kumitat li jkun magħruf bħala "Il-Kumitat dwar l-Adattar tal-Liġijiet minħabba l-Introduzzjoni tad-Divorzju".

(2) Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentant tal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, li jkun iċ-*Chairperson*, u żewġ membri oħrajn li wieħed minnhom ikun rappreżentant tal-Ministru responsabbli għall-Politika Soċjali u l-ieħor ikun rappreżentant tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

(3) Il-Kumitat ikollu l-funzjoni li jagħti pariri lill-Prim Ministru dwar kull emendi li għandhom isiru f'liġijiet jew regolamenti li, direttament jew indirettament, jagħmlu referenza għall-firda bejn il-miżżewġin sabiex dawn jiġu addattati għall-introduzzjoni tad-divorzju.

(4) Il-Kumitat għandu sad-29 ta' Frar 2012 jagħmel rapport dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Prim Ministru.

(5) Bla ħsara għas-setgħat tal-Parlament ta' Malta, il-Prim Ministru jista' b'ordni magħmul sat-30 ta' Ġunju 2012 jagħmel dawk l-emendi għal kull liġi jew regolament kif indikat fis-subartikolu (3) kif jista' jkun jidhirlu xieraq jew spedjenti u dawk l-emendi jistgħu jingħataw effett retroattiv mill-1 ta' Ottubru 2011, salv id-drittijiet akkwiżiti.

(6) Kull ordni li jsir skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) għandu kemm jista' jkun malajr wara li jsir, jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u jibda jseħħ malli jgħaddi ż-żmien ta' tmienja u għoxrin jum wara li hekk jitqiegħed, iżda jekk il-Kamra f'dak iż-żmien tirriżolvi li l-ordni jiġi annullat jew emendat, dak l-ordni ma jiġix fis-seħħ jew jiġi fis-seħħ kif emendat skont il-każ.

(7) Fil-kalkolu għall-finijiet tas-subartikolu (6) ta' kull żmien ta' tmienja u għoxrin jum hemm imsemmi, ma għandu jitqies ebda żmien li matulu l-Kamra ma tkunx qed tiltaqa' jew li matulu tkun aġġornata għal iktar minn sebat ijiem.".

Meta jingħadd li t-tnissil sar matul iż-żwieġ.

68. L-iben imwieled mhux qabel mija u tmenin ġurnata miż-żwieġ u lanqas wara tliet mitt ġurnata minn dak in-nhar li ż-żwieġ jiġi maħlul jew annullat, jingħadd li tnissel matul iż-żwieġ.

Meta konjuġi ma jistax jiċħad li jagħraf il-wild.

69. Il-konjuġi li ma wilidx ma jistax jiċħad li jagħraf lill-wild imwieled qabel ma jkunu għaddew mija u tmenin ġurnata wara ż-żwieġ f'kull wieħed minn dawn il-każijiet:

(*a*) meta kien jaf, minn qabel iż-żwieġ, bit-tqala;

(*b*) meta huwa nnifsu jkun għamel id-dikjarazzjoni meħtieġa biex isir l-att tat-twelid, u għaraf lilu nnifsu bħala l-ġenitur tat-tifel;

(*ċ*) meta l-wild ikun iddikjarat mhux tal-ħajja.

Meta konjuġi jiċħad wild.
Sostitwit: [XXI.1993](#).37.
Emendat: [VIII.2007](#).4; [XXIII.2010](#).2; [XV.2012](#).4. [XXIII.2017](#).35.

70. (1) Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ -

(*a*) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi, jew minħabba xi aċċident ieħor; jew

(*b*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud *de facto* jew legalment separat mill-konjuġi li wiled:

Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmien ikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekk temporanjament; jew

(*ċ*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet waħda fit-tnissil; jew

(*d*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew

(*e*) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.

(2) Id-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il-ġenitur naturali tal-wild għandha tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur.

(3) Meta jsir ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' titlob lil kwalunkwe mill-konjuġi, lill-wild, u lill-allegat ġenitur naturali, skont il-każ, sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela, u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti:

Iżda meta tali kunsens ma jingħatax mill-partijiet, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' tissostitwixxi dak il-kunsens li ma ngħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju.

(4) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet inferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjun ġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.

(5) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad ir-rikors jekk tqis li ċ-ċaħda tal-wild tkun tirriżulta f'effett kuntrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-wild minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak il-wild minuri, ukoll meta wieħed jikkunsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt li tagħmel tali rikors.

(6) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' parentela u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob, li l-persuna li għandha d-dritt li tagħmel ir-rikors li jkun sar fuqha test ta' parentela, tippermetti l-ispezzjoni tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' parentela jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).

(7) Ir-rikors imsemmi f'dan l-artikolu għandu jiġi deċiż permezz ta' digriet, liema digriet jista' jkun appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(8) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddikjara illi konjuġi mhuwiex ġenitur naturali tal-wild, din għandha jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss, salv jekk il-Qorti wara li tkun qieset iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tipprovdi mod ieħor fl-istess sentenza.

Parentela naturali. *Sostitwit*: *XXIII.2017.36.*

70A. (1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild:

(*a*) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild;

(*b*) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild;

(*ċ*) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u

(*d*) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild,

li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.

(2) Meta jsir ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' teħtieġ lil kwalunkwe wieħed mill-konjuġi, lill-wild, u lil allegat ġenitur naturali, kif ikun il-każ, sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti:

Iżda fejn l-imsemmi kunsens ma jingħatax mill-partijiet, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi dak il-kunsens li ma ngħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun neċessarju.

(3) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet inferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjun ġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.

(4) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad ir-rikors jekk tqis li ċ-ċaħda tal-wild tkun tirriżulta f'effett kuntrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-wild minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak il-wild minuri, ukoll meta wieħed jikkunsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt li tagħmel tali rikors.

(5) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' parentela u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob li l-persuna li għandha d-dritt li tagħmel ir-rikors li jkun sar fuqha test ta' parentela, tippermetti l-ispezzjoni tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' parentela jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).

(6) Ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiġi deċiż permezz ta' digriet, liema digriet jista' jkun appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

71. *Imħassar: XXI.1993.37.* Impotenza.

72. *Imħassar: XXI.1993.37.* Adulterju.

73. Fil-każijiet illi l-konjuġi jistgħu jagħmlu kawża sabiex jiċħdu li jagħrfu wild bħala binhom, dawn għandhom jagħmlu l-azzjoni: Żmien għall azzjoni għaċ-ċħid ta' wild. *Emendat: XXI.1993.38; III.2008.3. Sostitwit: XXIII.2017.37.*

(*a*) fi żmien sitt xhur mit-twelid, jekk il-konjuġi f'dak iż-żmien kien jinsab f'Malta;

(*b*) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jiġi lura f'Malta, jekk fiż-żmien tat-twelid il-konjuġi kien nieqes minn Malta;

(*ċ*) fi żmien sitt xhur minn dakinhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi:

Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70(4), il-Qorti tal-Familja tista', wara li jsir rikors mill-konjuġi u, jekk ikun possibbli, wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tal-applikant u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-applikant sabiex jibda kawża biex jiċħad wild imwieled matul iż-żwieġ lill-konjuġi tiegħu:

Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi

wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra.

Mewt ta' xi wieħed mill-konjuġi qabel it-tmexxija tal-azzjoni għaċ-ċħid tat-tifel.
Emendat: XXI.1993.39; III.2008.4; XXIII.2017.38.

74. Jekk wieħed mill-konjuġi jmut mingħajr ma jkun għamel l-azzjoni taċ-ċħid tat-tifel, iżda qabel ma jkun għalaq iż-żmien indikat fl-artikolu 73(*a*), (*b*) jew (*ċ*), il-werrieta jistgħu jmexxu dik l-azzjoni fi żmien sitt xhur li jibdew mill-ġurnata li fiha l-beni tal-mejjet igħaddu fil-pussess tat-tifel, jew mill-ġurnata li fiha l-werrieta jiġu immolestati mit-tifel fil-pussess ta' dawk il-beni.

Kontra min titmexxa l-azzjoni.
Emendat: XXIII.2017.39.

75. (1) L-azzjoni sabiex tinċaħad il-paternità għandha titmexxa -

(*a*) kontra t-tifel jekk ikun tal-età; jew

(*b*) jekk ma jkunx tal-età jew għal raġuni oħra ma jkunx tajjeb biex joqgħod f'kawża, kontra kuratur maħtur mill-qorti li quddiemha tinġieb il-kawża:

Iżda l-qorti tista' taħtar it-tutur li t-tifel ġa jkollu.

(2) F'kull każ, il-konjuġi l-ieħor għandu jiġi msejjaħ fil-kawża.

Tifel imwieled tliet mitt ġurnata wara li jinħall iż-żwieġ.
Emendat: XVIII.2004.4.

76. Il-filjazzjoni ta' tifel imwieled tliet mitt ġurnata wara li ż-żwieġ jiġi maħlul jew annullat tista' tkun attakkata minn kull min ikollu interess.

Impossibbiltà fiżika ta' raġel li jgħammar ma' martu jew provi oħra.
Emendat: XXI.1993.40; XVIII.2004.4. Sostitwit: XXIII.2010.3.

77. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:

(*a*) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew

(*b*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.

Rikors għal dikjarazzjoni ta' parentela.
Miżjud: XXIII.2010.4. Sostitwit: XXIII.2017.40.

77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi

ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.

Talba tista' tiġi eżerċitata wkoll mill-ġenitur li wiled. *Miżjud: XXIII.2010.4. Sostitwit: XXIII.2017.41.*

77B. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.

Rikors ġuramentat fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel. *Miżjud: XXIII.2010.4. Sostitwit: XXIII.2017.42.*

77Ċ. Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77A u 77B il-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-konjuġi li wiled skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa l-ġenitur jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-wild:

Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors ġuramentat mill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled u, jekk ikun possibbli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-wild, f'kull żmien tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-ġenitur naturali tal-wild imwieled fiż-żwieġ jew il-konjuġi li wiled biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77B:

Iżda wkoll, meta l-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, kull min b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dik id-dikjarazzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu.

Eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A. *Miżjud: XXIII.2010.4. Emendat: XV.2012.6.*

77D. F'kawżi li għalihom jagħmlu referenza l-artikoli 77, 77A, 77B u 77Ċ, il-qorti tista' tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruħhom għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A.

Sub-titolu II

FUQ IL-PROVI TAL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA JEW IMWIELDA MATUL IŻ-ŻWIEĠ

Sostitwita: *XVIII.2004.*5.

Reġistrazzjoni tat-twelid.
Emendat: XVIII.2004.6.

78. (1) Il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ tiġi ppruvata bl-att tat-twelid imniżżel fir-Reġistru Pubbliku.

(2) Tista' tkun ippruvata wkoll bir-reġistri tal-parroċċa.

L-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.
Emendat: XVIII.2004.7.

79. Fin-nuqqas tal-provi msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, hu biżżejjed il-pussess kontinwu tal-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

L-istat ta' iben leġittimu hu magħmul minn ġabra ta' fatti.
Emendat: XXIII.2017.43.

80. (1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:

Att XXIII tal-2017.

(*a*) f'każ ta' konjuġi illi żżewġu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn* illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;

(*b*) illi f'każ ta' tfal ta' konjuġi li jkunu żżewġu wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, it-tifel ikun ġieb dejjem l-Isem tal-Familja tal-miżżewġin li tagħhom hu jgħid li huwa l-iben;

(*ċ*) illi l-ġenituri jkunu trattawh bħala binhom, u, f'dik il-kwalità, ħasbu għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokawh;

(*d*) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;

(*e*) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.

Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtih l-att tat-twelid.
Emendat: XVIII.2004.7.

81. (1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.

Meta ma jkunx hemm l-att tat-twelid jew il-pussess ta' stat.

82. Fin-nuqqas tal-att tat-twelid u tal-pussess ta' stat, inkella, jekk it-tifel ikun ġie rreġistrat taħt isem falz, jew bħala mwieled minn ġenituri mhux magħrufa, jew fil-każ ta' supposizzjoni jew ta' bdil ta' tarbija, ukoll jekk f'dawn l-aħħar żewġ każijiet ikun hemm att tat-twelid li jaqbel mal-pussess tal-istat tat-tifel, il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xiehda oħra li tista' tinġieb skont il-liġi.

Prova kontrarja.
Emendat: XXIII.2017.44.

83. Il-prova kuntrarja tista' ssir b'xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu jgħid li welditu, inkella, meta din hija pprovata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż-żwieġ.

* Id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-2017 ġew fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2017. *Ara l-Avviż Legali* 212 tal-2017.

84. M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu.

Ma hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni.
Emendat: XVIII.2004.7.
Sostitwit: XV.2012.7.

85. (1) Iżda, jekk it-tifel ma jkunx mexxa l-azzjoni hawn fuq imsemmija, din ma tistax tinġieb 'l quddiem mill-werrieta jew mid-dixxendenti tiegħu, ħlief fil-każ illi hu jkun miet meta kien taħt l-età jew fil-ħames snin wara li kien sar tal-età.

Meta l-azzjoni tista' titmexxa mill-werrieta tat-tifel.

(2) Jekk it-tifel ikun mexxa l-azzjoni u jmut fiż-żmien li tkun miexja l-kawża, din tkun tista' titkompla mill-werrieta jew mid-dixxendenti tiegħu.

Sub-titolu III

FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA U MWIELDA BARRA MIŻ-ŻWIEĠ U FUQ IL-PREŻUNZJONI LI PERSUNA KIENET IMNISSLA JEW IMWIELDA MATUL IŻ-ŻWIEĠ

Sostitwita: *XVIII.2004.8.*

§I. FUQ IL-FILJAZZJONI TAL-ULIED IMNISSLA U MWIELDA BARRA MIŻ-ŻWIEĠ

86. (1) Iben jew bint imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ jistgħu jiġu magħrufin mill-ġenituri, sew mit-tnejn flimkien kif ukoll separatament:

Għarfien ta' tfal imnisslin jew imwielda barra miż-żwieġ.
Emendat: XVIII.2004.9.
Sostitwit: LXV.2020.11.
Emendat: XXVIII.2024.2.

Iżda l-għarfien ta' iben jew bint imwielda barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun il-ġenitur li ma wiledx, li jsir separatament mill-ġenitur li wiled, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba l-ġenitur l-aħħar imsemmi, jew il-werrieta tiegħu jekk dan ikun mejjet, u l-iben jew il-bint infushom jekk ikunu laħqu l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun biħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien, u l-ġenitur li wiled jew il-werrieta tiegħu, kif ikun il-każ, u l-iben jew il-bint ma jkunux fi żmien xahrejn minn tali notifika, permezz ta' nota preżentata fl-atti tal-imsemmija ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota ta' ftehim li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra l-imsemmi għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili:

Iżda wkoll meta l-ġenitur li wiled jew l-iben jew il-bint li jkollhom l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni, kull persuna interessata tista' tmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li l-persuna li tkun għamlet l-għarfien hija l-ġenitur li ma wiledx u biex tordna r-reġistrazzjoni ta' dak l-għarfien fl-atti relattivi tal-istat ċivili.

(2) Meta ż-żewġ ġenituri, jew il-werrieta tal-ġenitur li wiled, meta dak il-ġenitur li wiled ikun mejjet, jaqblu li jibdlu l-kunjom

indikat fl-att tat-twelid fil-mument tar-reġistrazzjoni, għandha ssir referenza għal dan il-qbil fl-ittra uffiċjali u fin-nota relattiva kif imsemmi fis-subartikolu (1), sakemm tali kunjom huwa permissibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 92(1).

Talba ġudizzjarja. *Miżjud: XV.2012.8. Emendat: LXV.2020.12.*

86A. (1) Il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex jigi stabbilit il-ġenitur li ma wiledx u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni tal-ġenitur li ma wiledx fl-atti tal-istat ċivili relattivi.

(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.

Kif isir. *Emendat: XVIII.2004.10.*

87. (1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tingieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.

Effetti.

88. It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.

Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ tar-raġel jew tal-mara, li jitwieled qabel jew matul iż-żwieġ. *Sostitwit: XVIII.2004.11.*

89. Tifel imnissel u imwieled barra miż-żwieġ li jitwieled lir-raġel jew lill-mara qabel jew matul iż-żwieġ, u li jiġi magħruf matul iż-żwieġ, ma jistax jingieb fid-dar taż-żwieġ ħlief bil-kunsens tal-mara tiegħu jew tar-raġel tagħha, kemm-il darba dik il-mara tiegħu ma tkunx tat, jew dak ir-raġel tagħha ma jkunx ta, minn qabel il-kunsens tiegħu jew tagħha għat-tagħrif.

Setgħa tal-ġenturi fuq tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ. *Sostitwit: XLVI.1973.16. Emendat: XXI.1993.2, 41; XVIII.2004.12. XIII.2018.25.*

90. (1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.

(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.

(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.

(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Ħatra ta' tutur mill-qorti. *Emendat: XLVI.1973.18; XXI.1993.2; III.2004.117; XVIII.2004.13.*

91. Meta ma jkunx hemm setgħa tal-ġenituri, il-ħatra ta' tutur għat-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ issir minn dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Il-kunjom ta' iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ. *Sostitwit: XXXI.1965.2. Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXX.1979.2; XXX.1981.4; XII.1986.2; VIII.1990.3; XXI.1993.42; IX.2004.14 XVIII.2004.14; XXII.2005.81; III.2008.5; XII.2015.3. Sostitwit: LXV.2020.14.*

92. (1) Jekk iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ ikunu ġew magħrufin mill-ġenitur li ma wiledx, dak l-iben jew dik il-bint għandhom jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri, fl-ordni li jagħżlu.

(2) Iben jew bint li ma ġewx magħrufin mill-ġenitur li ma wiledx għandhom jieħdu l-kunjom tal-ġenitur li wiled.

(3) Jekk iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ ikunu ġew magħrufin miż-żewġ ġenituri flimkien fl-Att tat-Twelid, il-kunjom li bih dak l-iben jew dik il-bint ikunu magħrufin għandu jiġi ddikjarat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 292A.

(4) F'kull wieħed mill-każijiet previsti fis-subartikoli (1) u (3):

(*a*) it-tagħqid tal-kunjomijiet tal-ġenituri m'għandux jirriżulta f'kunjom li jkun itwal minn tagħqid ta' erba kunjomijiet; u

(*b*) meta l-kunjom ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri jew tat-tnejn diġà għandu tagħqid ta' żewġ kunjomijiet jew aktar, l-ordni tal-kunjom ta' dak jew dik il-ġenitur għandu jinżamm, u l-iben jew il-bint m'għandhomx jibdlu dak l-ordni u, jew iwaqqgħu parti minn dak il-kunjom.

(5) It-tfal kollha mnisslin u mwielda barra miż-żwieġ u magħrufin mill-istess ġenituri għandhom jingħataw l-istess kunjom, konformement mal-kunjom mogħti lill-ewwel iben jew bint hekk magħrufin.

(6) Dan l-artikolu għandu japplika wkoll għal kull iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ ġewwa Malta qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:

Att Nru LXII tal-2020.

Hekk iżda li ż-żewġ ġenituri, jew wieħed jew waħda mill-ġenituri meta l-ġenitur l-ieħor huwa mejjet, jew it-tutur jew il-kuratur meta ż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, għandhom jippreżentaw jew jaraw li tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, il-Formula WW inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, li turi li l-iben jew bint għandhom jieħdu kunjom ġdid skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

Iżda wkoll tali nota ma tistax issir wara li jgħaddu ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:

Att Nru LXII tal-2020.

Iżda wkoll meta l-iben jew il-bint ikunu tal-età, il-Formula WW għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku minn dak l-iben jew dik il-bint:

Iżda wkoll malli jirċievi dik il-Formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħmel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni fuq dawk l-atti tal-istat ċivili fejn jidhru dak l-iben jew dik il-bint.

(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) japplikaw ukoll għal kull iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ li dwarhom tkun ġiet sottomessa l-Formula W lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

(8) Id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula WW tkun irrevokabbli u jkollha effett fuq il-kunjom tal-iben jew bint imnisslin u mwielda barra miż-żwieġ biss.

(9) Il-konjuġi u d-dixxendenti tal-persuna li dwarha tkun ġiet sottomessa l-Formula WW lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jistgħu, mhux aktar tard minn tliet (3) snin wara d-data tas-sottomissjoni tal-Formula WW, jissottomettu wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula XX inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, li fiha jiddikjaraw li jixtiequ jagħmlu użu mill-istess kunjom tal-konjuġi jew tal-axxendenti kif debitament annotat fl-atti rispettivi tal-istat ċivili bis-saħħa tas-subartikolu (6). Malli jirċievi dik il-formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħmel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni fuq kull att tal-istat ċivili tal-persuna li dwarha tkun ġiet sottomessa l-Formula XX:

Iżda meta l-iben jew il-bint ikunu taħt l-età ta' tmintax (18)-il sena d-dikjarazzjonijiet magħmulin permezz tal-Formula XX għandhom isiru mill-ġenituri, jew minn wieħed jew waħda mill-ġenituri jekk il-ġenitur l-ieħor ikun mejjet, jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejtin, mit-tutur jew mill-kuratur tagħhom:

Iżda wkoll meta l-Formula XX tiġi sottomessa mill-konjuġi, dik id-dikjarazzjoni ma taffettwax il-kunjom kif indikat fl-Att tat-Twelid ta' dak il-konjuġi.

(10) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) għandhom japplikaw ukoll għal kull dixxendent li dwaru tkun ġiet sottomessa l-Formula X, u għall-konjuġi tad-dixxendent li jkun issottometta l-Formula XX.

(11) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dikjarazzjoni ta' paternità permezz ta' sentenza ta' qorti kompetenti għandu jkollha l-istess effett bħal għarfien.

(12) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa, il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull persuna li b'konsegwenza ta' dak l-għarfien, dikjarazzjoni jew l-applikazzjoni tal-preżunzjoni, għandha tieħu kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnha qabel dak l-għarfien, dik il-filjazzjoni jew dik l-applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tagħha, tista' titlob lill-qorti kompetenti permezz ta' rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex titħalla tkompli tuża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri,

hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni tagħha fuq l-Att tat-Twelid rilevanti tal-persuna hekk magħrufa, jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tagħha jew li dwarha għandha tapplika dik il-preżunzjoni.

(13) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "kunjom" għandu jinkludi l-kunjom tal-ġenitur meta twieled jew il-kunjom tal-ġenitur fil-mument tat-twelid tal-iben jew tal-bint.

Dmirijtet tal-ġenituri u ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ. *Emendat: XXXI.1965.3; XXI.1993.43. Sostitwit: XVIII.2004.15.*

93. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 89, il-ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ.

Meta l-paternità tkun dikjarata b'sentenza tal-qorti. *Sostitwit: XXXI.1965.4.*

94. *Imħassar: XVIII.2004.15.*

L-obbligi tal-omm. *Emendat: XXXI.1965.5.*

95. *Imħassar: XVIII.2004.15.*

Jedd tal-ġenitur li jiċħad il-manteniment meta t-tifel ma joqgħodx għat-treġija tiegħu. *Emendat: XXXI.1965.6; XXI.1993.44.*

96. Il-ġenitur, sew jekk ikun għaraf kemm jekk ma jkunx għaraf it-tifel b'ibnu, jista' jiċħad il-manteniment jekk it-tifel ma jkunx irid, mingħajr raġuni tajba, joqgħod għat-treġija tal-ġenitur għal dik li hija mġieba u edukazzjoni.

Jedd tal-ġenitur li jiċħad il-manteniment jekk it-tifel ma jkunx irid joqgħod fid-dar magħżula mill-ġenitur. *Emendat: XXXI.1965.7; XXI.1993.45; XVIII.2004.16.*

97. Il-ġenitur jista' wkoll, sew jekk ikun għaraf kemm jekk ma jkunx għaraf it-tifel b'ibnu, jiċħad il-manteniment lit-tifel, jekk it-tifel ma jkunx irid joqgħod fid-dar li dak il-ġenitur, għal raġuni tajba, u bl-approvazzjoni tal-qorti, ikun għażillu biex joqgħod fiha, kif ukoll f'kull każ ieħor li fih, skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiċħad il-manteniment lit-tifel imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

Dmirijiet tat-tifel illeġittimu dwar il-manteniment.

98. *Imħassar: XVIII.2004.17.*

It-tagħrif b'iben jista' jiġi attakkat mit-tifel. *Emendat: XVIII.2004.18.*

99. L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.

Kull min ikollu interess jista' jmur kontra t-talba għad-dikjarazzjoni tal-paternità.

100. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess.

Prova ġenetika. *Miżjud: XXI.1993.46. Sostitwit: XV.2012.9.*

100A. F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.

Il-filjazzjoni f'unjonijiet ċivili. *Miżjud: IX.2014.12.* Kap. 530.

100B. (1) It-tfal addottati konġuntivament minn imsieħba f'unjoni ċivili kuntrattata bejn persuni tal-istess sess skont l-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew rikonoxxuta mill-istess Att għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, ikunu rikonoxxuti għall-finijiet u l-effetti tal-liġi bħala li għandhom ġenituri tal-istess sess u d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-ġenituri lejn uliedhom u tal-ulied lejn il-genituri taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra għandhom japplikaw għal dawk it-tfal u l-ġenituri.

(2) Meta persuna tkun mitluba, taħt xi liġi jew miżura amministrattiva, biex tiddikjara l-isem u xi partikularitajiet oħra tal-omm jew tal-missier, persuna li tkun ġiet adottata miż-żewġ imsieħba ta' unjoni ċivili kif imsemmi fis-subartikolu (1) ikollha l-jedd li tiddikjara l-ismijiet jew l-partikularitajiet l-oħra taż-żewġ imsieħba fl-imsemmija unjoni ċivili minflok l-imsemmija partikularitajiet tal-omm jew tal-missier.

Sostitwita: *XVIII.2004.19.*

II. FUQ IL-PREŻUNZJONI LI PERSUNA KIENET IMNISSLA JEW IMWIELDA MATUL IŻ-ŻWIEĠ

Meta jkun hemm il-preżunzjoni. *Emendat: IX.2004.14. Sostitwit: XVIII.2004.20.*

101. Meta l-ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ jiżżewġu, jew meta jiġi hekk dekretat mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, dawk it-tfal għandhom jitqiesu *iuris et de iure* bħallikieku dejjem kienu mnissla u mwielda matul iż-żwieġ.

Kondizzjonijiet għall-preżunzjoni. *Emendat: XVIII.2004.21; LXV.2020.15.*

102. Il-preżunzjoni li toriġina minn żwieġ wara skont l-artikolu preċedenti ma ssirx ħlief meta t-tfal ikunu ġew magħrufa mill-missier u mill-omm b'dikjarazzjoni fl-att taż-żwieġ, jew xort'oħra kif hemm imsemmi fl-artikolu 87(1), inkella meta l-paternità u l-maternità jkunu ġew iddikjarati b'sentenza tal-qorti:

Iżda l-isem tal-familja magħżul mill-ġenituri maż-żwieġ jista' jittieħed ukoll mit-tfal li għandhom jitqiesu *iuris et de iure* bħala li dejjem ġew imnisslin u mwielda matul iż-żwieġ bis-saħħa ta' dak iż-żwieġ.

Effetti tal-preżunzjoni bħala konsegwenza ta' żwieġ wara. *Emendat: XVIII.2004.22.*

103. L-ulied li jitqiesu bħala mnissla jew imwielda matul iż-żwieġ biż-żwieġ wara tal-ġenituri tagħhom jieħdu l-jeddijiet ta' tfal imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ minn dak in-nhar taż-żwieġ bejn il-ġenituri tagħhom, jekk ikunu ġew magħrufa dak in-nhar jew qabel, inkella jekk ikunu ġew iddikjarati bħala wliedhom b'sentenza tal-qorti qabel iż-żwieġ.

Jekk it-tagħrif jew dikjarazzjoni jsiru wara ż-żwieġ. *Emendat: XVIII.2004.23.*

104. Jekk it-tagħrif b'iben jew id-dikjarazzjoni ġudizzjarja jsiru wara ż-żwieġ, it-tfal ma jieħdux il-jeddijiet ta' tfal imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ ħlief minn dak in-nhar li jiġu magħrufa jew minn dak in-nhar tad-dikjarazzjoni ġudizzjarja.

Dixxendenti ta' tfal preżunti li huma mnissla jew imwielda matul iż-żwieġ minħabba fi żwieġ wara. *Sostitwit: XVIII.2004.24.*

105. Iż-zwieġ bejn il-ġenituri għandu jġib il-preżunzjoni li ukoll it-tfal tagħhom li mietu qabilhom kienu mnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, u dik il-preżunzjoni għandha wkoll topera favur id-dixxendenti ta' dawk it-tfal, sew jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, sew jekk hekk preżunti li huma bi żwieġ wara, sakemm dawk it-tfal li mietu qabel ikunu ġew magħrufa skont ma hemm

provdut fl-artikolu 102, jew ikollhom il-paternità jew il-maternità tagħhom dikjarata b'sentenza tal-Qorti.

Preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-qorti. *Emendat: III.2004.118; XVIII.2004.25.*

106. Il-preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-qorti tiġri bis-saħħa tad-digriet stess, u ebda att ieħor ma hu meħtieġ. Għall-finijet ta' dan l-artikolu "tal-qorti" tfisser dik il-qorti jew dawk il-qrati skont ma jistgħu jkunu indikati minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Kondizzjonijiet sabiex tingħata preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-qorti kompetenti. *Emendat: IX.2004.14; XVIII.2004.26.*

107. Il-preżunzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan tista' tingħata biss -

(*a*) jekk tiġi mitluba mill-ġenitur li jkun irid li dik il-preżunzjoni tkun tapplika għal ibnu; u

(*b*) jekk, meta dan il-ġenitur hu marbut bi żwieġ, jiġi ppruvat li l-mara tiegħu jew ir-raġel tagħha taw il-kunsens tagħhom għaldaqshekk; u

(*ċ*) jekk jiġi ppruvat, meta t-tifel hu tal-età, l-kunsens tiegħu, jew, meta hu taħt l-età, illi l-leġittimazzjoni hija għall-ġid tiegħu.

Setgħa tal-qorti li tirrofta l-preżunzjoni. *Sostitwit: XVIII.2004.27.*

108. Il-Qorti jkollha s-setgħa, skont iċ-ċirkostanzi, li tirrofta milli tapplika l-preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet ta' dik il-qorti skont l-artikolu 102, meta r-rikorrent jista' jagħmel preżunzjoni bħal dik applikabbli favur it-tifel tiegħu bi żwieġ wara, jew ikollu tfal li kienu mnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, jew ikunu hekk preżunti bi żwieġ wara, jew dixxendenti ta' tfal bħal dawk.

Ir-reġistratur tal-qrati jieħu ħsieb li tiġi rreġistrata l-preżunzjoni. *Emendat: XVIII.2004.28; LXV.2020.16.*

109. Il-preżunzjoni għandha, fuq talba tar-reġistratur tal-qorti hawn fuq imsemmija, tiġi mniżżla fir-Reġistru Pubbliku, kif hemm provdut fl-artikoli 290 u 291, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika tad-digriet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kemm-il darba ma tkunx ġa ġiet imniżżla fuq talba ta' ħaddieħor.

Il-kunjom li jieħu l-iben jew tieħu il-bint preżunti bħala mnisslin jew imwielda matul iż-żwieġ bis-saħħa ta' digriet tal-qorti. *Emendat: XXI.1993.47; XVIII.2004.29; XXIII.2017.45. Sostitwit: LXV.2020.17.*

110. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 92, iben jew bint li jkun hemm favur tagħhom preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-qorti kompetenti għandhom jieħdu:

(*a*) il-kunjom tal-familja meħud mill-konjuġi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, meta l-preżunzjoni tkun seħħet fuq it-talba ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri, jew miż-żewġ ġenituri flimkien; jew

(*b*) il-kunjom ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri, fl-ordni li jagħżlu, meta l-preżunzjoni tkun seħħet fuq it-talba ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri, jew miż-żewġ ġenituri flimkien, u ż-żwieġ tagħhom ġie kkuntrattat qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn; jew

Att Nru XXIII tal-2017.

(*ċ*) il-kunjom magħżul miż-żewġ ġenituri bis-saħħa tal-Formula Y inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, kif xieraq.

Effetti tal-preżunzjoni bis-saħħa ta' digriet tal-qorti bejn it-tifel u l-ġenitur. *Emendat: XVIII.2004.30.*

111. (1) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar is-suċċessjoni, il-missier jew l-omm u t-tifel li favur tiegħu topera preżunzjoni bis-saħħa tal-artikolu 102 huma, mid-data tad-digriet, għal bejniethom, fl-istess kondizzjoni ta' missier jew omm u tifel imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

(2) Dak it-tifel ma jikseb ebda jedd ieħor li jiġi minn qrubija ta' demm.

It-tifel jista' jitlob il-preżunzjoni wara l-mewt tal-ġenitur. *Sostitwit: XVIII.2004.31.*

112. Meta xi wieħed mill-ġenituri, f'testment jew att ieħor pubbliku, ikun fisser ix-xewqa tiegħu jew tagħha li jkollu l-preżunzjoni li tifel ikun ġie mnissel jew imwieled matul iż-żwieġ, tapplika għal tifel li jitwelidlu jew jitweldilha barra miż-żwieġ, dak it-tifel jista', wara l-mewt ta' dak il-ġenitur, jagħmel talba biex dik il-preżunzjoni tkun tapplika fir-rigward tiegħu, salv is-setgħa tal-Qorti kif provdut fl-artikolu 108, fil-każ li l-mejjet ikun ħalla tfal, imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, jew hekk preżunti li huma bis-saħħa ta' żwieġ wara.

Titolu III

FUQ L-ADOZZJONI

Sostitwita: XXI.1962.2.

Tifsir. *Emendat: XLVI.1973.21; III.2004.119; XVIII.2004.32; IV.2008.29; XXVIII.2024.3.*

113. (1) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu u ta' kull regolament magħmul taħtu, persuna għandha titqies li tkun għamlet jew ħadet sehem f'arranġamenti għall-adozzjoni ta' persuna jekk tidħol għal jew tagħmel xi ftehim jew arranġament, jew tiffaċilita l-adozzjoni ta' persuna minn xi persuna oħra.

(2) F'dan il-Kodiċi u f'kull liġi oħra, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra -

(*a*) kull riferenza għal persuna jew persuni li jkunu qraba ta' persuna oħra f'kull linja jew grad għandha, dwar adottant jew persuna addottata jew fit-tnissil tal-istat ta' qrubija għaddejja minn addottant jew persuna adottata, tiftiehem bħala riferenza għall-persuna jew persuni li kienu jkunu qraba tagħha kieku l-persuna adottata kienet bin l-adottat imwieled minnu jew minnha fiż-żwieġ u ma kienet bin ebda persuna oħra, u bla ħsara għall-generalità ta' din id-dispożizzjoni, kull riferenza għall-isem, ismijiet jew kunjom tal-missier jew l-omm jew tal-missier u l-omm ta' persuna adottata għandha tiftiehem bħala riferenza għall-isem, ismijiet jew kunjom tal-missier jew l-omm jew tal-missier u l-omm adottivi;

Kap. 495.

(*b*) "adozzjoni" tfisser adozzjoni magħmula skont dan il-Kodiċi u skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u, suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet u dispożizzjonijiet l-oħra, u b'seħħ minn dik id-data, jekk ikun hemm, li tista' tinsab f'ordni magħmul mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont dan is-subartikolu, tinkludi adozzjoni

bejn pajjiż u ieħor; u tibdil grammatikali tagħha jew kliem li ġejjin minnha għandhom jiftehmu f'dan is-sens;

(*ċ*) "Bord għall-Adozzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

(*d*) "tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ" tfisser tfal hekk imnissla u hekk imwielda, jew dawk it-tfal li fir-rigward tagħhom ma tkunx tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, u li f'ebda każ minn dawn ma jkunu ġew adottati;

(*e*) "medjatur tal-familja" tfisser medjatur kif speċifikat fir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja); L.S. 12.20

(*f*) "foster carer" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv); Kap. 602.

(*g*) "adozzjoni bejn pajjiż u ieħor" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

(*h*) "ħaddiem soċjali" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali; Kap. 468.

(*i*) "Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ)" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni. Kap. 495.

(3) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(*a*) "aġenzija akkreditata" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

(*b*) "Bord ta' Appell" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

(*ċ*) "awtorità ċentrali" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

(*d*) "tifel jew tifla" tfisser persuna taħt it-tmintax-il sena;

(*e*) "pajjiż ta' oriġini" fir-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għandha tfisser il-pajjiż minn fejn it-tifel jew it-tifla jkunu ġew adottati;

(*f*) "Konvenzjoni tal-Aja" tfisser il- Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u Koperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor;

(*g*) "adozzjoni miftuħa" għandu jkollha t-tifsira assenjata lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal- Kap. 495.

Adozzjoni.

Setgħa ta' għoti ta' digrieti ta' adozzjoni. *Emendat: IX.2004.14; IV.2008.30; XX.2010.2. XV.2017.52; XXVII.2020.35.*

114. (1) L-adozzjoni tista' ssir biss bis-setgħa tal-qorti kompetenti (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan it-Titolu msejħa bħala "il-qorti") mogħtija b'digriet (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjah bħala "digriet ta' adozzjoni") wara rakkomandazzjoni magħmula mill-Bord għall-Adozzjoni, mogħtija fuq rikors ta' persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor.

Kap. 571.

(2) Digriet ta' adozzjoni jista' jingħata fuq ir-rikors ta' żewġ konjuġi jew ta' sħab f'unjoni ċivili jew ta' koabitanti li l-koabitazzjoni tagħhom tkun regolata permezz ta' kuntratt skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, jew ta' koabitanti li l-koabitazzjoni tagħhom tkun insinwata permezz ta' att pubbliku skont l-Att tal-2020 dwar il-Koabitazzjoni, u jawtorizzahom flimkien biex jadottaw persuna u ma jistax jingħata fir-rigward ta' rikors ta' konjuġi, sieħeb jew koabitant wieħed biss:

Att Nru XXVII tal-2020.

Kap. 571

Att Nru XXVII tal-2020.

Iżda, meta l-persuna li tkun ser tiġi adottata tkun il-wild naturali ta' wieħed mill-konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili jew koabitant reġistrat skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, jew koabitant li l-koabitazzjoni tiegħu tkun insinwata permezz ta' att pubbliku skont l-Att tal-2020 dwar il-Koabitazzjoni, f'dik eventwalità, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 115(3)(ċ), id-digriet ta' adozzjoni jista' jingħata minkejja li r-rikors isir biss mill-ġenitur naturali tal-persuna li tkun se tiġi adottata u l-Qorti ma tkunx marbuta li titlob jew tikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Adozzjoni.

(3) Ħlief fil-każ ta' konjuġi, sħab f'unjoni ċivili, koabitanti li l-koabitazzjoni tagħhom tkun reġistrata skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni u koabitanti li l-koabitazzjoni tagħhom tkun insinwata permezz ta' att pubbliku skont l-Att tal-2020 dwar il-Koabitazzjoni li jkunu jgħixu flimkien, ma jingħatax digriet ta' adozzjoni li jagħti setgħa lil aktar minn rikorrent wieħed biex jadotta persuna.

(4) Jista' jingħata digriet ta' adozzjoni dwar persuna li jkun ġa ġie mogħti dwarha digriet ieħor ta' adozzjoni skont dan it-Titolu; u dwar rikors għal digriet ta' adozzjoni dwar persuna bħal dik, l-adottant jew adottanti skont id-digriet ta' adozzjoni ta' qabel jew l-aħħar wieħed ta' qabel għandhom jitqiesu li jkunu l-missier jew l-omm, jew il-missier u l-omm ta' dik il-persuna għall-finijiet kollha ta' dan it-Titolu.

(5) Fil-każ ta' persuna li għalqet it-tmintax-il sena u li ser tkun adottata skont l-artikolu 115(2)(*a*), ebda rakkomandazzjoni ma tkun meħtieġa mill-Bord għall-Adozzjoni u m'għandu jinħatar ebda ħaddiem soċjali u, jew avukat tat-tfal.

Ftehim ta' adozzjoni miftuħa. *Mižjud: XXVIII.2024.4.*

114A. (1) Meta jsir rikors għal adozzjoni miftuħa, il-Qorti għandha tirreferi l-każ lis-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li għandu jistieden il-partijiet kollha, inkluż l-Avukat tat-Tfal, il-persuna jew entità fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, fejn din ma tkunx vestita fil-ġenituri, il-ġenituri u l-ġenituri adottivi prospettivi sabiex jiġi abbozzat il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa.

(2) Il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa għandu jiġi ppreżentat lill-Qorti għall-approvazzjoni sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum ta' xogħol mid-data li fiha l-każ ikun ġie riferut lis-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ).

(3) Meta ma jintlaħaq l-ebda ftehim hekk kif imsemmi fis-subartikolu (2), is-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) għandu javża lill-Qorti permezz ta' nota.

(4) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (3), il-Qorti għandha tirreferi l-każ lil medjatur tal-familja, li għandu jistieden lill-partijiet kollha għal laqgħa fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol:

Iżda l-partijiet kollha, inkluż il-persuna jew entità fdata bil-kura u kustodja tal-minuri, fejn din ma tkunx vestita fil-ġenituri, il-ġenituri u l-ġenituri adottivi prospettivi għandhom jipparteċipaw waqt tali medjazzjoni sabiex jiġi mfassal il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa:

Iżda wkoll il-medjatur jista' jisma' lill-minuri, fejn il-minuri jkollu fehim biżżejjed, bil-preżunzjoni li l-minuri għandu biżejjed fehim sakemm ma tinġiebx prova kontra dan:

Iżda wkoll fejn il-partijiet ma jaqblux fuq il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa, il-Qorti għandha tistabbilixxi data sabiex tisma' l-partijiet kollha u għandha tiddeċiedi dwar il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa fid-digriet finali tagħha.

(5) Il-ftehim ta' adozzjoni miftuħa għandu jiġi ppreżentat lill-Qorti għall-approvazzjoni sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum ta' xogħol mid-data li fiha l-każ ikun ġie riferut lill-medjatur tal-familja mill-Qorti.

(6) Il-Qorti tista' tordna li jsiru kwalunkwe tibdiliet fil-ftehim ta' adozzjoni miftuħa, jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri.

Restrizzjonijiet fl-għoti ta' digrieti ta'adozzjoni. *Sostitwit: VII.1977.2. Emendat: XVIII.2004.33; IV.2008.31; XV.2017.53; XXIII.2017.46; XXIV.2018.12; XXVII.2020.36; XXVIII.2024.5.*

115. (1) Digriet ta' adozzjoni ma jingħatax ħlief jekk ir-rikorrent jew, fil-każ ta' rikors minn aktar minn persuna waħda flimkien, wieħed mir-rikorrenti -

(*a*) ikun laħaq l-età ta' tmienja u għoxrin sena u jkun mill-inqas wieħed u għoxrin sena akbar iżda mhux iktar minn ħamsin (50) sena akbar mill-persuna li tkun ser tiġi adottata:

Iżda jekk l-applikant jew applikanti jitolbu lill-qorti għal awtorizzazzjoni biex jadottaw aħwa, ir-restrizzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha titqies li tkun sodisfatta jekk ikun hemm id-differenza rikjesta fl-età mill-inqas fir-rigward ta' wieħed mit-tfal, u jekk l-adozzjoni ser tkun fl-aħjar interessi tat-tfal kollha involuti; jew

(*b*) ikun il-ġenitur naturali tal-persuna li tkun ser tiġi adottata u jkun laħaq l-età maġġuri; jew

(*ċ*) favur foster carer li jkun ħa ħsieb lill-persuna li ser tiġi addottata għal mill-inqas ħames (5) snin, jew tliet (3) snin preċedenti f'ċirkostanzi straordinarji skont l-artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv).

Kap. 602.

(2) Digriet ta' adozzjoni ma jingħatax -

(*a*) dwar persuna li tkun laħqet l-età ta' tmintax-il sena ħlief:

(i) favur applikant uniku li jkun il-ġenitur naturali tal-persuna li ser tiġi adottata; jew

(ii) favur il-ġenitur u l-konjuġi, is-sieħeb f'unjoni ċivili jew il-koabitant li l-koabitazzjoni tiegħu tkun reġistrata skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, jew il-koabitant li l-koabitazzjoni tiegħu tkun insinwata permezz ta' att pubbliku skont l-Att tal-2020 dwar il-Koabitazzjoni, kemm-il darba l-persuna li ser tkun adottata kienet għexet mal-imsemmija applikanti minn tal-inqas ħames (5) snin konsekuttivi u tagħti l-kunsens tagħha għall-adozzjoni;

Kap. 571.

Att Nru XXVII tal-2020.

(iii) favur foster carer li jkun ħa ħsieb lill-persuna li ser tiġi addottata għal mill-inqas ħames (5) snin, jew tliet (3) snin preċedenti f'ċirkostanzi straordinarji skont l-artikolu 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), jekk il-persuna li tkun ser tiġi addottata tagħti l-kunsens tagħha għall-adozzjoni;

Kap. 602.

(*b*) favur persuna li tkun ħadet l-ordni sagri jew li tkun marbuta bil-voti solenni ta' professjoni reliġjuża; jew

(*ċ*) favur tutur dwar il-persuna li tkun jew kienet taħt it-tutela tiegħu, ħlief wara li jkun ta kont tal-amministrazzjoni tiegħu jew ta garanzija xierqa tal-għoti ta' dak il-kont.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 117, ma

jingħatax digriet ta' adozzjoni wkoll -

(*a*) f'kull każ, barra minn fil-każ ta' persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, ħlief bil-kunsens ta' kull wieħed mill-ġenituri tal-persuna li tkun ser tiġi adottata u li jkun ħaj, anke jekk il-ġenitur ma jkunx għadu għalaq it-tmintax-il sena;

(*b*) fil-każ ta' persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, ħlief bil-kunsens tal-persuna li welditha jekk din tkun ħajja, anke jekk ma tkunx għalqet it-tmintax-il sena kif ukoll tal-missier naturali, jekk dan ikun irrikonoxxa lill-persuna li tkun ser tiġi addottata bħala l-wild tiegħu;

(*ċ*) fuq rikors magħmul mir-raġel jew mill-mara skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 114(2), ħlief bil-kunsens tal-miżżewweġ l-ieħor;

(*d*) meta l-persuna li tkun ser tiġi adottata tkun għalqet ħdax-il sena, ħlief bil-kunsens tagħha u wara li tkun ġiet assistita minn avukat tat-tfal.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 117, qabel ma tagħti digriet ta' adozzjoni l-qorti għandha -

(*a*) tisma' lil kull persuna jew kwalunkwe entità oħra li tkun ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tat-tifel jew tat-tifla li jkunu ser jiġu adottati;

(*b*) *Imħassar bl-Att XXVIII.2024.5.*

(*ċ*) meta l-persuna li tkun ser tiġi adottata tkun taħt tutela jew tkun qed tgħix ma' persuna li ma tkunx l-omm jew il-missier tagħha, iżda li jkollha fil-fatt il-kura u kustodja tagħha, tisma' lit-tutur jew lill-persuna li jkollha fil-fatt dik il-kura u kustodja, skont il-każ;

(*d*) tisma' lill-avukat tat-tfal u, jew lill-ħaddiem soċjali maħturin mill-qorti biex iħarsu l-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla u biex jiżguraw li jkunu rappreżentati.

Kura u pussess ta' persuni li jkunu se jiġu adottati qabel adozzjoni. *Sostitwit: VII.1977.3. Emendat: IV.2008.32; XX.2010.3; XXVIII.2024.6.*

116. (1) Ħlief meta r-rikorrent jew wieħed mir-rikorrenti jkun l-omm jew il-missier tal-persuna li tkun se tiġi adottata, ma jingħatax digriet ta' adozzjoni jekk il-persuna li tkun se tiġi adottata ma kinitx kontinwament fil-kura u l-pussess tar-rikorrent għal mill-inqas tliet xhur konsekuttivi minnufih qabel id-data tad-digriet ta' adozzjoni, bla ma jingħadd ebda żmien qabel id-data li tidher lill-qorti li tkun id-data li fiha l-persuna li tkun se tiġi adottata tkun għalqet l-età ta' tmien (8) ġimgħat:

Iżda qabel ma jingħata d-digriet ta' adozzjoni, l-applikant jew applikanti jistgħu jitolbu lill-qorti biex tagħtihom il-kura u l-kustodja temporanja tat-tifel jew tifla li jkunu ser jiġu adottati:

Iżda wkoll fir-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, adozzjoni magħmula skont il-proċeduri dwar l-adozzjoni stabbiliti minn dan il-Kodiċi u regolamenti magħmula taħtu u l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, u awtorizzata

Kap. 495.

mill-awtorità kompetenti barranija f'dak il-pajjiż li tkun saret skont il-liġi fil-pajjiż barrani tista' tkun rikonoxxuta f'Malta permezz ta' digriet ta' adozzjoni minkejja l-fatt li l-persuna li tkun ser tiġi adottata ma kenitx kontinwament fil-kura u l-pussess tar-rikorrent għal mill-inqas tliet xhur konsekuttivi minnufih qabel id-data tad-digriet ta' adozzjoni.

(2) Tul il-perjodu ta' tliet xhur speċifikat fis-subartikolu (1), l-aġenzija akkreditata responsabbli għat-tqegħid għal adozzjoni għandha tieħu kull miżura li tqis spedjenti biex tiżgura li t-tqegħid mal-applikant jew applikanti jkun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla u, jekk it-tqegħid ma jitqiesx li hu fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla, l-aġenzija akkreditata għandha titlob lill-Bord għall-Adozzjoni sabiex jitlob l-awtorizzazzjoni tal-qorti għat-tneħħija tat-tifel mit-tqegħid.

(3) Waqt li rikors għal adozzjoni jkun pendenti quddiem xi qorti, l-omm jew il-missier tal-persuna li tkun se tiġi adottata li jkun ta l-kunsens tiegħu għall-għoti ta' digriet ta' adozzjoni wara r-rikors u kull tutur ma jkollux dritt, ħlief bil-permess tal-qorti, li jneħħi lill-persuna li tkun se tiġi adottata mill-kura u pussess tar-rikorrent; u meta tqis jekk tagħtix jew tiċħadx il-permess il-qorti għandha tieħu qies tal-ġid tal-persuna li tkun se tiġi adottata.

Setgħa li jeħles mill-kunsens. *Emendat: XXXVIII.1972.2; L. 1981.2; IV.2008.33.*

117. (1) Il-qorti tista' teħles minn kull kunsens jew minn kull smigħ meħtieġ mill-artikolu 115 jekk tkun sodisfatta -

(*a*) fil-każ ta' ħelsien minn xi kunsens bħal dan, illi:

(i) il-persuna li tkun meħtieġa tagħti l-kunsens tagħha ma tkunx kapaċi tagħti dak il-kunsens; jew

(ii) il-ġenitur ma jkunx jista' jinstab jew ikun abbanduna, ittraskura jew persistement ittratta ħażin, ittraskura jew irrifjuta milli jikkontribwixxi għall-manteniment tal-persuna li tkun ser tiġi adottata, jew kien talab jew ipprova jikseb xi ħlas jew kumpens ieħor għal jew minħabba fl-għoti tal-kunsens meħtieġ dwar l-adozzjoni; jew

(iii) wieħed mill-ġenituri jkun qed jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu mingħajr raġuni valida; jew

(iv) wieħed mill-ġenituri tista' titneħħielhom is-setgħa ta' ġenitur minn fuq it-tifel jew it-tifla li jkunu ser jiġu adottati skont l-artikolu 154(1); jew

(v) it-tifel jew it-tifla li jkunu ser jiġu adottati m'humiex fil-kura u l-kustodja ta' xi wieħed mill-ġenituri u l-Bord għall-Adozzjoni jiddikjara li m'hemm ebda tama li t-tifel jew it-tifla jistgħu jingħaqdu mill-ġdid ma' ommhom u, jew ma' missierhom; jew

(vi) il-ġenitur jew ġenituri, mingħajr raġuni valida, ma kellhomx kuntatt mat-tifel jew mat-tifla li jkunu ser jiġu adottati għal mill-inqas tmintax-il

xahar; jew

(vii) ikun fl-aħjar interessi tat-tifel jew tat-tifla li jkunu ser jiġu adottati li dan il-kunsens ma jintalabx; jew

(*b*) fil-każ ta' ħelsien minn xi smigħ bħal dak, illi l-persuna li tkun meħtieġa li tiġi mismugħa ma tkunx tista' tinstab jew ma tkunx tista' turi l-fehmiet tagħha; jew

(*ċ*) illi minħabba raġunijiet speċjali u eċċezzjonali u wara li tqis l-interessi tal-persuni kollha konċernati, ikun xieraq li hi teħles minn kull smigħ u kunsens bħal dawk.

(2) Il-qorti tista' teħles mill-kunsens tar-raġel jew tal-mara ta' rikorrent għal digriet ta' adozzjoni jekk tkun sodisfatta illi l-persuna li l-kunsens tagħha jkun qiegħed jiġi meħlus ma tkunx tista' tinstab jew ma tkunx tista' tagħti l-kunsens, jew illi r-raġel u l-mara jkunu separati u qed igħixu mhux flimkien u li s-separazzjoni aktarx tkun permanenti.

(3) Il-kunsens ta' xi persuna skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 115(3)(*a*) għall-għoti ta' digriet ta' adozzjoni wara rikors jista' jingħata (bla ħsara tal-kondizzjonijiet dwar it-twemmin reliġjuż li fih għandha tiġi mrobbija l-persuna li tkun se tiġi adottata) mingħajr ma tkun taf l-identità tar-rikorrent għad-digriet.

(4) Il-Qorti tista' tiddispensa minn kull kunsens jew smiegħ meħtieġ għall-adozzjoni wara talba minn avukat tat-tfal li ssir f'isem tifel jew tifla li għandhom ħdax-il sena 'l fuq u li jixtiequ jkunu adottati.

Prova tal-kunsens. *Emendat: XXVIII.1963.2; XXXVIII.1972.3; VII.1977.4. XXVIII.2024.7.*

118. (1) Meta xi omm jew missier jew il-persuna li sejra tkun adottata ma jattendix fil-proċeduri fuq rikors għal digriet ta' adozzjoni sabiex jagħti l-kunsens tiegħu għall-għoti tad-digriet f'dak il-każ, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3), dokument li juri l-kunsens tiegħu għall-għoti ta' digriet bħal dak u li jkun jifhem ix-xorta u l-effett ta' digriet bħal dak għandu, jekk il-persuna li favur tagħha d-digriet ikun se jingħata tkun imsemmija fid-dokument jew (meta l-identità ta' dik il-persuna ma tkunx magħrufa minn min ikun se jagħti l-kunsens) tkun divrenzjata fih fil-mod preskritt, ikun prova biżżejjed ta' dak il-kunsens u tal-fehma tiegħu dwar ix-xorta u l-effett tad-digriet, sew jekk id-dokument ikun sar qabel sew jekk wara l-bidu tal-proċeduri; u meta xi dokument bħal dak ikun awtentikat kif jingħad fis-subartikolu (2)(*b*), ikun prova biżżejjed kif jingħad qabel bla ebda prova oħra dwar il-firma tal-persuna li minnha jkun sar id-dokument.

(2) Dokument li juri l-kunsens taż-żewġ ġenituri ta' persuna li tkun se tiġi adottata ma jkunx prova biżżejjed skont dan l-artikolu kemm-il darba -

(*a*) il-persuna li tkun se tiġi adottata ma tkunx għall-anqas tal-età ta' tmien (8) ġimgħat fid-data li fiha jsir id-dokument; u

(*b*) id-dokument ma jkunx awtentikat f'dik id-data minn Kummissarju b'setgħa li jagħti ġurament jew avukat jew nutar jew, jekk ikun sar barra minn Malta, minn persuna ta' xi klassi bħal dik kif tista' tkun preskritta.

(3) Dokument li juri l-kunsens tal-persuna li tkun se tiġi adottata ma jkunx prova biżżejjed skont dan l-artikolu kemm-il darba il-persuna li favur tagħha jkun se jsir id-digriet ma tkunx imsemmija fid-dokument.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument li jidher li jkun awtentikat kif jingħad fis-subartikolu (2)(*b*) għandu jitqies li jkun hekk awtentikat, u li jkun sar u ġie awtentikat fid-data u fil-post imsemmi fih, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.

Tqegħid ta' minuri f'kura alternattiva qabel jingħata għall-adozzjoni. *Miżjud: XXVIII.2024.8.* Kap. 602.

118A. Fil-każijiet kollha fejn il-ġenituri ta' minuri juru l-intenzjoni li l-minuri jingħata għall-adozzjoni, bil-għan li tali minuri eventwalment jiġi addottat, id-Direttur (Ħarsien tat-Tfal) għandu jiġi notifikat u għandu jiġi mfassal kuntratt soċjali skont l-artikolu 12 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), liema pjan ta' ħarsien jista' jinkludi tqegħid temporanju ġewwa kura alternattiva għall-minuri bil-għan li jippermetti lill-ġenituri jifhmu l-effetti legali kollha li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-minuri:

Iżda fejn applikabbli, id-Direttur (Ħarsien tat-Tfal) għandu jinvestiga jekk kwalunkwe membri oħra tal-familja estiża jkunux lesti li joffru kura xierqa lill-minuri.

Funzjoni tal-qorti dwar digrieti ta' adozzjoni. *Emendat: IV.2008.34; XXVIII.2024.9.*

119. (1) Il-qorti qabel ma tagħti digriet ta' adozzjoni għandha tkun sodisfatta -

(*a*) illi kull persuna li l-kunsens tagħha jkun meħtieġ għall-għoti tad-digriet ta' adozzjoni u li l-kunsens tagħha ma jkunx meħlus, tkun tat il-kunsens tagħha u tkun tifhem ix-xorta u l-effett tad-digriet ta' adozzjoni li jkun sar rikors għalih; u b'mod partikolari fil-każ tal-omm jew il-missier illi jkun jifhem illi l-effett tad-digriet ta' adozzjoni jkun li jneħħilha jew ineħħilu permanentement id-drittijiet tagħha jew tiegħu dwar il-persuna li tkun se tiġi adottata;

(*b*) illi d-digriet, jekk jingħata, ikun għall-gid tal-persuna li tkun se tiġi adottata;

(*ċ*) illi r-rikorrent ma jkunx irċieva jew ftiehem li jirċievi, u illi ebda persuna ma tkun għamlet jew tat jew ftehmet li tagħmel jew tagħti lir-rikorrent, xi ħlas jew kumpens ieħor minħabba fl-adozzjoni ħlief dak li l-qorti tista' tapprova;

(*d*) li tkun ingħatat konsiderazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord għall-Adozzjoni.

(2) Biex tiddeċidi jekk digriet ta' adozzjoni jekk jiġi mogħti jkunx għall-ġid tal-persuna li tkun se tiġi adottata, il-qorti għandha tieħu qies (fost ħwejjeġ oħra) tas-saħħa tar-rikorrent, kif pruvata, f'dawk il-każijiet kif jistgħu jiġu preskritti, biċ-ċertifikat ta' tabib

reġistrat, u għandha tieħu kont xieraq tax-xewqat tal-persuna li tkun se tiġi adottata, wara li tqis l-età u l-ħila li tifhem dik il-persuna u t-twemmin reliġjuż ta' dik il-persuna u ta' ommha u missierha.

(3) Il-qorti f'digriet ta' adozzjoni tista' timponi dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif il-qorti jista' jidhrilha xieraq u b'mod partikolari tista' teħtieġ lill-adottant li jagħmel għall-persuna li tkun se tiġi adottata dak il-provvediment (jekk ikun hemm) li fil-fehma tal-qorti jkun sewwa u xieraq.

(4) Jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, il-Qorti għandha, meta tagħti d-digriet tal-adozzjoni, tawtorizza ftehim ta' adozzjoni miftuħa li jkun ġie mfassal mill-partijiet flimkien mas-Servizz tal-Adozzjoni fi ħdan id-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) jew quddiem medjatur, fejn il-ġenituri u, jew il-familja naturali tal-minuri għandhom iżommu kuntatt mal-minuri:

Iżda l-Qorti għandha tiżgura li l-ftehim tal-adozzjoni miftuħa ġie mfassal bil-kunsens tal-partijiet kollha:

Iżda wkoll il-Qorti għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-fehmiet tal-minuri jekk dan ikollu fehim biżejjed:

Iżda wkoll adozzjoni miftuħa tista' tinkludi, iżda ma għandhiex tkun limitata għall-aċċess fiżiku, kuntatt permezz ta' mezzi elettroniċi jew kwalunkwe forma oħra ta' korrispondenza:

Iżda wkoll kull ftehim ta' adozzjoni miftuħa għandu jiġi mfassal bid-debita konsiderazzjoni għall-aħjar interess tal-minuri:

Iżda wkoll adozzjoni miftuħa għandha tagħti dritt għall-aċċess bejn l-aħwa, anke meta wieħed mill-aħwa jkun ġie addottat:

Iżda wkoll il-minuri għandu jagħti l-kunsens tiegħu meta dan ikun għalaq l-età ta' ħdax (11)-il sena:

Iżda wkoll kwalunkwe emendi fil-ftehim ta' adozzjoni miftuħa ma għandu jkollhom l-ebda effett qabel ma jiġu awtorizzati mill-Qorti.

Kuratur. *Emendat: VII.1977.5; IV.2008.35; XXVIII.2024.10.*

120. (1) Wara rikors għal digriet ta' adozzjoni ta' persuna li tkun se tiġi adottata, il-qorti għandha taħtar dik il-persuna skont ma jkun preskritt biex taġixxi bħala kuratur speċjali tal-persuna li tkun se tiġi adottata bid-dmir li tħares l-interessi tal-persuna li tkun se tiġi adottata quddiem il-qorti.

(2) Wara rikors għal digriet ta' adozzjoni ta' minuri, il-Qorti għandha tappunta Avukat tat-Tfal sabiex tiżgura li l-minuri huwa rrappreżentat b'mod xieraq u l-aħjar interessi tiegħu jiġu mħarsa.

Avukat tat-Tfal. *Miżjud: XXVIII.2024.11.*

120A. Bla ħsara għall-funzjonijiet tal-Avukat tat-Tfal taħt kwalunkwe liġi oħra, l-Avukat tat-Tfal għandu:

(a) jisma' x-xewqat u l-fehmiet tal-minuri;

(b) jippreżenta x-xewqat u l-fehmiet tal-minuri lill-

Qorti hekk kif mgħoddija lilu mill-minuri stess, jew minn professjonisti oħra li jaħdmu mal-minuri;

(ċ) jagħti parir u spjegazzjoni lill-minuri dwar il-proċeduri li jkunu għadhom għaddejjin u l-effetti li jista' jkollhom tali proċeduri;

(d) f'każijiet ta' adozzjoni miftuħa, jisma' x-xewqat u l-fehmiet tal-minuri rigward il-ftehim tal-adozzjoni miftuħa u jippreżenta tali fehmiet u xewqat, bil-fomm jew bil-miktub waqt il-proċeduri skont l-artikolu 114A.

Drittijiet u dmirijiet. *Emendat: XLVI.1973.20; XXI.1993.48; IV.2008.36.*

121. Wara li jingħata digriet ta' adozzjoni -

(*a*) il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha titqies dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-qraba wieħed lejn l-ieħor, bħala bin l-adottant jew l-adottanti imwieled minnu, minnha jew minnhom miż-żwieġ u bħala bin ebda persuna jew persuni oħra, billi l-qrubija tgħaddi permezz tal-adottant jew adottanti;

(*b*) il-qraba tal-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandhom jitilfu d-drittijiet kollha u jiġu meħlusa mill-obbligi kollha dwar dik il-persuna;

(*ċ*) it-tutur, jekk il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni tkun taħt tutela, għandu jtemm l-amministrazzjoni tiegħu u, egħluq tliet xhur mid-data tad-digriet ta' adozzjoni, jagħti kont ta' hekk lill-adottant;

(*d*) fil-każ ta' adozzjoni miftuħa, l-ġenituri jkollhom id-dritt li jżommu kuntatt mal-persuna li fir-rigward tagħha jkun inħareġ id-digriet ta' adozzjoni;

(*e*) il-qorti għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti li d-digriet ta' adozzjoni ġieb fi tmiemha l-ordni għal ħarsien jekk digriet ta' adozzjoni jkun sar fir-rigward ta' tifel jew tifla li qegħdin taħt ordni għal ħarsien maħruġ bis-saħħa tal-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien). Kap. 285.

Notifika tad-digriet ta' adozzjoni. *Miżjud: XXVIII.2024.12.*

121A. Malli jingħata digriet ta' adozzjoni, kopja għandha tiġi notifikata lill-Awtorità Ċentrali:

Iżda f'każ ta' adozzjonijiet lokali, kopja tad-digriet tal-adozzjoni għandha tiġi notifikata wkoll lid-Direttorat tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ).

Sentenzi, digrieti jew ordnijiet għal ħlas ta' manteniment. *Emendat: VII.1977.6; XVIII.2004.34; IV.2008.37.*

122. (1) Meta jingħata digriet ta' adozzjoni, kull sentenza, digriet jew ordni għall-ħlas tal-manteniment fis-seħħ dwar dik il-persuna, u kull ftehim li bih il-ġenitur ta' dik il-persuna jkun intrabat li jagħmel ħlasijiet speċifikatament għal benefiċċju tagħha, itemmu milli jkollhom seħħ, iżda bla ħsara għall-ġbir ta' kull arretrati li jkunu dovuti skont is-sentenza, digriet, ordni jew ftehim fid-data tad-digriet ta' adozzjoni.

(2) Wara li jingħata digriet ta' adozzjoni dwar persuna li tkun imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, ebda sentenza, digriet jew ordni għall-ħlas ta' manteniment ma għandu jingħata.

Drittijiet ta' proprjetà.

123. (1) Meta, f'xi żmien wara l-għoti ta' digriet ta' adozzjoni, l-adottant jew il-persuna adottata jew xi persuna oħra tmut intestata dwar xi proprjetà, dik il-proprjetà għandha tgħaddi għal kollox bħallikieku l-persuna adottata kienet bin l-adottant imwieled fiż-żwieġ u ma kienet bin ebda persuna oħra.

(2) F'kull disponiment ta' proprjetà magħmul, kemm b'att *inter vivos* kemm b'testment, wara d-data ta' digriet ta' adozzjoni -

(*a*) kull riferenza (sew espressa sew miftehma) għal bin jew ulied l-adottant għandha, kemm-il darba ma tkunx tidher il-fehma kuntrarja tiftiehem bħala, jew bħala li tinkludi, riferenza għall-persuna adottata;

(*b*) kull riferenza (sew espressa sew miftehma) għal bin jew ulied tal-missier u omm naturali tal-persuna adottata jew wieħed minnhom għandha, kemm-il darba ma tkunx tidher il-fehma kuntrarja, tiftiehem bħala li ma tkunx, jew li ma tinkludix, riferenza għall-persuna adottata; u

(*ċ*) kull riferenza (sew espressa sew miftehma) għal persuna jew persuni li tkun qarib tal-persuna adottata f'xi linja jew grad għandha, kemm-il darba ma tkunx tidher il-fehma kuntrarja, tiftiehem bħala riferenza għall-persuna jew persuni li tkun qarib tagħha f'dik il-linja jew grad kieku kienet bin l-adottant imwieled fiż-żwieġ u ma kienet bin ebda persuna oħra.

(3) Għall-finijiet ta' passaġġi ta' xi proprjetà skont dan l-artikolu u għall-finijiet ta' tifsir ta' xi disponiment li għalih igħodd is-subartikolu (2), persuna adottata għandha titqies li tkun qarib ta' kull persuna oħra li tkun it-tifel adottat tal-adottant bħala ħu jew oħt.

(4) Meta jingħata digriet ta' adozzjoni dwar persuna li tkun ġiet adottata qabel, l-adozzjoni ta' qabel m'għandux jittieħed kont tagħha għall-finijiet ta' dan l-artikolu dwar il-passaġġ ta' xi proprjetà mal-mewt ta' persuna li tmut intestata wara d-data tad-digriet ta' adozzjoni ta' wara, u dwar kull disponiment ta' proprjetà magħmul, jew li jieħu seħħ fid-data li fiha tmut persuna, wara dik id-data.

Persuna adottata tieħu l-kunjom tal-adottant.
Sostitwit: XXX.1981.5.
Emendat: IV.2008.38; XXIII.2017.47; LXV.2020.18; XXVIII.2024.13.

124. Mal-għoti ta' digriet ta' adozzjoni, il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha tieħu l-kunjom tal-adottant:

Iżda meta d-digriet ta' adozzjoni jkun sar favur tnejn miżżewġin, il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha tieħu l-kunjom ta' xi wieħed mill-ġenituri adottivi, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri adottivi, fl-ordni skont l-għażla tagħhom:

Iżda wkoll meta d-digriet ta' adozzjoni jkun sar favur tnejn miżżewġin li jkunu żżewġu wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li

jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn*, il-persuna li dwarha jingħata d-digriet ta' adozzjoni għandha tieħu l-Isem tal-Familja tal-miżżewġin:

Iżda wkoll meta l-persuna li tkun se tiġi adottata ma tkunx għalqet it-tliet snin, l-adottant jista', bl-approvazzjoni tal-qorti, jagħti lil dak it-tifel isem ġdid;

Iżda wkoll meta l-persuna li tkun ser tiġi addottata jkollha fehim biżejjed, hi tista' tagħżel li żżomm l-isem tal-familja bijoloġika tagħha u tassumi l-kunjom tal-ġenitur jew ġenituri adottivi tagħha, skont il-każ, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.

Reġistrazzjoni ta' adozzjonijiet. *Emendat: XXXI.1965.8,9; III.1994.2; XXIV.1995.362; XIII.2007 13; LXV.2020.19; XXVIII.2024.14.*

125. (1) Kull digriet ta' adozzjoni għandu jkollu ordni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jniżżel fir-Reġistru tal-Persuni Adottati (imwaqqaf bl-artikolu 269) reġistrazzjoni skont il-Formola H murija fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi u (bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu li jaħbat minnufih wara dan) jispeċifika l-partikolaritajiet li għandhom jitniżżlu taħt l-intestaturi fil-kolonni 2 sa 7 ta' dik il-Formula.

(2) Għall-finijiet ta' tħaris tal-ħtiġijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan -

(*a*) meta d-data eżatta tat-twelid tal-persuna li tkun se tiġi adottata ma tiġix pruvata għas-sodisfazzjon tal-qorti, il-qorti għandha tistabbilixxi d-data probabbli tat-twelid tagħha u d-data hekk stabbilita għandha tiġi speċifikata fid-digriet bħala d-data tat-twelid tagħha;

(*b*) meta l-pajjiż u l-post tat-twelid tal-persuna li tkun se tiġi adottata ma jiġux pruvati għas-sodisfazzjon tal-qorti, f'dak il-każ, jekk ikun jidher probabbli li dik il-persuna kienet twieldet f'Malta, għandha titqies bħala li twieldet f'Malta, u f'kull każ ieħor il-partikolaritajiet tal-pajjiż tat-twelid jistgħu ma jissemmewx fid-digriet u fir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati;

(*ċ*) il-kelma "sess" għandha tinkludi wkoll il-kelma "ġeneru" u l-qorti għandha tinkludi fid-digriet il-kelma "sess" biss,

u l-kunjom li għandu jkun speċifikat fid-digriet bħala l-kunjom tal-persuna li tkun se tiġi adottata jkun il-kunjom adottat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 124.

(3) Meta fuq rikors għal digriet ta' adozzjoni tiġi pruvata għas-sodisfazzjon tal-qorti l-identità tal-persuna li tkun se tiġi adottata ma' persuna li għaliha tirriferixxi reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid (imwaqqaf bl-artikolu 238), kull digriet ta' adozzjoni mogħti skont ir-rikors għandu jkollu ordni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jara li r-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid tiġi mmarkata bil-kelma "Adottat".

(4) Meta jingħata digriet ta' adozzjoni dwar persuna li qabel

* Id-dispożizzjonijiet tal-Att XXIII tal-2017 ġew fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 2017. *Ara l-Avviż Legali* 212 tal-2017.

kien ingħata dwarha digriet ta' adozzjoni skont dan it-Titolu, id-digriet għandu jkollu ordni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jara li r-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati tiġi mmarkata bil-kliem "Adottat mill-ġdid".

(5) Wara li jingħata digriet ta' adozzjoni, ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jara li d-digriet jiġi komunikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku egħluq ħmistax-il ġurnata mill-għoti ta' dak id-digriet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu, egħluq ħmistax-il ġurnata milli jirċievi dik il-komunika, jara li jsir tħaris tal-ordnijiet li jkun hemm fid-digriet kemm dwar l-immarkar ta' xi reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid bil-kelma "Adottat" u kemm dwar l-għemil tar-reġistrazzjoni jew reġistrazzjonijiet xierqa fir-Reġistru tal-Persuni Adottati, u għandu fuq kull digriet bħal dak jikteb id-data ta' meta jkun irċevih u jiffirma ismu fuqu.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 238(2), tal-artikolu 245(1), tal-artikoli 248, 249, 252, 260 u 261 u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 269, l-artikolu 251 għandhom *mutatis mutandis* igħoddu għar-Reġistru tal-Persuni Adottati u reġistrazzjonijiet fih, għal estratti minnu u għal ċertifikati u dokumenti oħra dwaru jew li għandhom x'jaqsmu miegħu.

Preżunzjoni li persuna tkun imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ: revoka ta' digrieti ta' adozzjoni u tħassir fir-reġistru. *Emendat: XXIV.1995.362; IX.2004.14; XVIII.2004.35; XXIII.2017.48.*

126. (1) Meta xi persuna adottata minn wieħed mill-ġenituri tagħha biss tkun wara dan saret persuna bil-preżunzjoni li tkun imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ maż-żwieġ tal-ġenituri tagħha, il-qorti kompetenti tista', fuq rikors ta' xi waħda mill-partijiet ikkonċernati, tirrevoka dak id-digriet.

(2) Meta digriet ta' adozzjoni jiġi revokat skont dan l-artikolu, ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jara li r-revoka tiġi komunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jara li titħassar -

(*a*) ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati dwar il-persuna adottata; u

(*b*) l-immarkar bil-kelma "Adottat" kull reġistrazzjoni dwarha fir-reġistru tal-atti tat-twelid,

u kopja awtentikata ta' kull reġistrazzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu (*b*) għandha titqies li tkun kopja eżatta biss jekk kemm l-immarkar kif ukoll it-tħassir ma jkunux jidhru fiha.

Emenda tad-digriet u korrezzjoni tar-reġistri. *Emendat: XXIV.1995.362.*

127. (1) Il-qorti li minnha jkun ġie mogħti digriet ta' adozzjoni tista', fuq rikors tal-adottant jew tal-persuna adottata, temenda d-digriet billi jiġi korrett xi żball fil-partikolaritajiet li jkun hemm fih u tista', jekk tkun sodisfatta fuq ir-rikors ta' xi persuna ikkonċernata illi ordni għall-għemil ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid jew fir-Reġistru tal-Persuni Adottati li kien inkluż fid-digriet skont l-artikolu 125(3) jew (4) kien hekk inkluż b'mod ħażin, tirrevoka dak l-ordni; u meta digriet ta' adozzjoni jkun hekk emendat jew ordni hekk imħassar, ir-Reġistratur tal-Qrati għandu jara li l-emenda tiġi komunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku egħluq ħmistax-il ġurnata mill-għoti ta' dak id-digriet; u kull korrezzjoni jew żieda fir-Reġistru tal-Persuni Adottati jew tħassir tal-immarkar ta' reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid jew fir-Reġistru tal-Persuni Adottati li tkun meħtieġa għandha ssir skont hekk.

(2) Meta digriet ta' adozzjoni jkun ġie emendat kull kopja awtentikata tar-reġistrazzjoni relattiva fir-Reġistru tal-Persuni Adottati li tista' tinħareġ bis-saħħa tal-artikolu 269(5) għandha tkun kopja tar-reġistrazzjoni kif emendata, mingħajr ir-riproduzzjoni ta' xi nota jew markar dwar l-emenda jew ta' xi ħaga mħassra bis-saħħa ta' hekk; u kopja awtentikata ta' reġistrazzjoni f'xi reġistru, li tkun reġistrazzjoni li l-immarkar tagħha jkun ġie mħassar, għandha titqies li tkun kopja eżatta biss jekk kemm l-immarkar kif ukoll it-tħassir ma jkunux jidhru fiha.

Dritt għal informazzjoni. *Mižjud: IV.2008.39. Emendat: XXVIII.2024.15.*

127A. (1) Persuna li tkun adottat jew persuna adottata li tkun għalqet it-tmintax-il sena jistgħu jagħmlu rikors fil-qorti sabiex jitolbu kopja tad-digriet ta' adozzjoni rilevanti.

(1A) Persuna li tkun adottat jew persuna adottata li tkun għalqet is-sittax (16)-il sena għandu jkollha d-dritt li tagħmel talba formali lill-Awtorità Ċentrali sabiex titlob dettalji tal-familja naturali tal-persuna adottata u, jew tat-tqegħid ta' adozzjoni:

Iżda tali informazzjoni għandha tingħata biss fil-preżenza ta' professjonist li jkun jaħdem fis-settur soċjali, li jkollu l-ħiliet meħtieġa.

(2) Persuna adottata li tkun għalqet it-tmintax-il sena jkollha d-dritt li tagħmel rikors lill-qorti għal awtorizzazzjoni biex tikseb kopja taċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali tagħha mir-Reġistru Pubbliku.

(3) Qabel ma tagħti ordni dwar dak li hemm fis-subartikoli (1) u (2), il-qorti għandha tisma' lir-rikorrent u lil kull persuna oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Projbizzjoni ta' ċerti ħlasijiet. *Emendat: XXVIII.1963.3; VIII.1990.3; IX.2004.14; A.L. 407 tal-2007; IV.2008.40.*

128. (1) Ebda persuna m'għandha tagħmel jew tagħti jew tiftiehem li tagħmel jew tagħti, jew tirċievi jew tiftiehem li tirċievi jew tittanta li tikseb xi ħlas jew kumpens ieħor għal jew minħabba fi -

(*a*) l-adozzjoni minn dik il-persuna ta' xi persuna oħra;

(*b*) l-għoti minn dik il-persuna ta' xi kunsens meħtieġ dwar l-adozzjoni ta' persuna;

(*ċ*) it-trasferiment minn dik il-persuna tal-kura u pussess tal-persuna li tkun se tiġi adottata bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħha;

(*d*) l-għemil minn dik il-persuna ta' xi arranġamenti għall-adozzjoni ta' persuna.

(2) Kull min jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew għal multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u l-qorti tista' tordna li minuri li dwaru jkun sar ir-reat jiġi meħud f'post ta' sigurtà sakemm ikun jista' jiġi mogħti lura lil missieru u lil ommu jew lit-

tutur tiegħu jew sakemm ikunu jistgħu jsiru arranġamenti oħra għalih. Il-persuna misjuba ħatja ta' reat skont dan l-artikolu tkun ukoll responsabbli li trodd lura kull ammont imħallas lilha.

(3) Dan l-artikolu, safejn jirriferixxi għall-għemil ta' xi arranġamenti għall-adozzjoni ta' persuna, ma jgħoddx għal -

(*a*) ħlasijiet magħmula għall-manteniment ta' dik il-persuna; u

(*b*) kumpens tal-avukati, tan-nutara, tal-prokuraturi legali jew tat-tobba għal servizzi professjonali.

(4) Kull dikjarazzjoni ta' ħtija skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandha tiġi notifikata mir-reġistratur tal-qorti li tkun għamlet id-dikjarazzjoni ta' ħtija lill-qorti kompetenti, u din il-qorti tal-aħħar għandha wara hekk tieħu dawk il-miżuri li tqies xierqa fl-aħjar interessi tal-persuna adottata jew li tkun se tiġi adottata magħduda, jekk jidhrilha xieraq, ir-revoka tad-digriet ta' adozzjoni.

Projbizzjoni ta' pubblikazzjoni. *Miżjud: IV.2008.41. Emendat: XXIII.2017.49.*

128A. (1) Ebda persuna m'għandha, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub ta' aġenzija akkreditata, tippubblika jew tara li jkun ippubblikat f'xi gazzetta, perjodiku jew xi materja stampata oħra jew permezz ta' xandir, televiżjoni, esibizzjoni pubblika jew b'xi mezz jew medja ieħor, xi riklam, aħbar jew materja oħra indikata, kemm f'dak li għandu jew m'għandux x'jaqsam ma' xi tifel jew tifla partikolari, sew imwieled sew mhux, li:

(*a*) tifel jew tifla jistgħu jiġu adottati;

(*b*) persuna tkun bi ħsiebha tadotta tifel jew tifla; jew

(*ċ*) persuna tkun bi ħsiebha jew lesta li tagħmel arranġamenti bil-ħsieb li ssir adozzjoni ta' tifel jew tifla.

(2) Jekk ma tkunx awtorizzata mill-qorti, ebda persuna m'għandha tippubblika jew tara li jkun ippubblikat f'xi gazzetta, perjodiku jew xi materja stampata oħra jew permezz ta' xandir jew televiżjoni, esibizzjoni pubblika jew b'xi mezz jew medja ieħor, xi ħaġa relatata ma' applikazzjoni għall-adozzjoni ta' tifel jew ta' tifla jew ma' proċeduri ta' adozzjoni inklużi:

(*a*) isem l-applikant jew l-applikanti;

(*b*) isem il-persuna li tkun jew ser tiġi adottata;

(*ċ*) isem kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, il-kuratur jew it-tutur tat-tifel jew tat-tifla li jkunu jew ser jiġu adottati; jew

(*d*) kull ħaġa li x'aktarx tagħmilha possibbli li xi persuna msemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) tiġi identifikata.

(3) Kull persuna li taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dikjarazzjonijiet foloz.
Miżjud: IV.2008.41.

128B. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull persuna li xjentement tagħmel dikjarazzjoni falza, kemm bil-fomm kemm bil-kitba, għall-finijiet ta' jew f'konnessjoni ma' adozzjoni, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Persuna li xjentement tagħti informazzjoni falza fl-applikazzjoni għad-dħul ta' dettalji ta' persuna fir-Reġistru ta' Rijunjoni u Informazzjoni tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34).

Impersonifikazzjoni jew rappreżentazzjoni falza.
Miżjud: IV.2008.41.

128Ċ. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna li tippersonifika jew tirrappreżenta b'mod falz lilha nnifisha bħala tifel jew tifla adottata, ġenitur, adottant, qarib, persuna li l-kunsens tagħha għall-adozzjoni ta' tifel jew tifla hu mitlub mil-liġi, jew persuna oħra li għandha interess fit-tifel jew fit-tifla adottata, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Dokumenti falsifikati.
Miżjud: IV.2008.41.

128D. Jekk fi proċeduri ta' adozzjoni persuna tippreżenta dokument li jagħti indikazzjoni ta' kunsens għall-adozzjoni jew għar-revoka tagħha, meta l-firma tkun falsifikata jew miksuba bi frodi jew ġegħil, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Użu ta' forza.
Miżjud: IV.2008.41.

128E. Persuna li tuża jew thedded li tuża xi forza jew trażżin jew tkorri jew thedded li tkorri, jew tikkaġuna jew thedded li tikkaġuna xi ħaġa għad-detriment ta' ġenitur ta' tifel jew tifla bl-intenzjoni li:

(*a*) ġġiegħel ġenitur joffri jew ma joffrix tifel jew tifla għall-adozzjoni;

(*b*) tinfluwenza ġenitur fuq jekk jagħtix jew le kunsens għall-adozzjoni,

tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tneħħija ta' tifel jew tifla. *Miżjud: IV.2008.41.*

128F. Ġenitur li jagħti l-kunsens għall-adozzjoni tat-tifel jew tat-tifla tiegħu u jipproċedi biex ineħħi t-tifel jew it-tifla mill-kura u kustodja tal-ġenitur adottiv prospettiv mingħajr l-awtorità tal-qorti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal mien ta' mhux inqas minn xahrejn iżda mhux iżjed minn erba' xhur jew multa ta' mhux inqas minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (582.34) iżda mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Regolamenti. *Emendat: A.L. 4 tal-1963; XXXI.1966.2; V.2008.42.*

129. Il-Ministru responsabbli għall-gustizzja jista' jagħmel regolamenti -

(*a*) biex jippreskrivu kull ħaġa li b'dan it-Titolu hija awtorizzata jew meħtieġa li tkun preskritta;

(*b*) għall-protezzjoni, sorveljanza u kontroll ta' minuri li jkunu mqiegħda fil-kura u pussess ta' dawk il-persuni li jistgħu jkunu preskritti;

(*ċ*) biex jirregolaw l-għemil ta' jew il-parteċipazzjoni f'arranġamenti għall-adozzjoni ta' persuna jew għat-tqegħid ta' minuri fil-kura jew pussess ta' persuna oħra;

(*d*) għal kull ħaġa inċidentali u supplementarja li dwarha l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jaħseb li jkun xieraq għall-finijiet tar-regolamenti li jipprovdi, magħduda b'mod partikolari d-dħul u l-ispezzjon ta' postijiet li għalihom jirriferixxu r-regolamenti minn persuni awtorizzati għal hekk mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex jiġi żgurat it-tħaris tar-regolamenti;

(*e*) biex jistabbilixxu l-pieni li jkun jista' jeħel kull minn jikser xi wieħed mir-regolamenti.

Adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor. *Miżjud: XLVI.1973.22. Emendat: IV.2008.43.*

130. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2), meta adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għandha titqies bħala adozzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 113, l-ordni (ikun kif ikun imsemmi) tal-awtorità barra minn Malta, li bih issir dik l-adozzjoni, għandu jseħħ daqslikieku kien digriet ta' adozzjoni magħmul mill-qorti f'Malta; u d-dispożizzjonijiet u ta' kull liġi oħra għandhom japplikaw f'dan is-sens b'dawk l-adattamenti u tibdil li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

(2) Is-subartikolu (1) japplika suġġett għal kull reviżjoni, revoka jew annullament minn qorti jew awtorità oħra kompetenti tal-ordni li bih tkun saret l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor u għal kull deċiżjoni jew ordni dwaru.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, relattivament għal adozzjoni bejn pajjiż u ieħor il-qorti jkollha -

(*a*) is-setgħa li tiddeċidi jekk dik l-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor għandhiex tiġi meqjusa bħala adozzjoni skont l-artikolu 113;

(*b*) is-setgħa li tordna li ssir ir-reġistrazzjoni xierqa jew li jsir l-immarkar xieraq dwar l-adozzjoni bejn pajjiż u

ieħor, fir-reġistru u fl-atti msemmija f'dan it-Titolu u li ssir kull korrezzjoni jew tħassir tagħhom;

(*ċ*) is-setgħa li tiddeċiedi jekk reviżjoni, revoka jew annullament ta' adozzjoni bħal dik għandux ikollhom, jew safejn għandu jkollhom, seħħ f'Malta;

(*d*) is-setgħa li tordna li adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tispiċċa mis-seħħ bħala adozzjoni, jew li tibqa' valida, f'Malta għar-raġuni li l-adozzjoni tkun kontra l-ordni pubbliku jew li l-awtorità li tidher li tkun awtorizzat l-adozzjoni ma kenitx kompetenti; u

(*e*) b'mod ġenerali dawk is-setgħat kollha li għandha dwar adozzjoni skont dan il-Kodiċi,

u tista' teżerċita dawk is-setgħat fuq rikors għal hekk jew fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha skont dan l-artikolu.

Id-dispożizzjonijiet ta' trattat internazzjonali għandhom jipprevalu. *Miżjud: III.2004.120. Emendat: IV.2008.44.*

130A. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan it-Titolu, meta adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' trattat internazzjonali li Malta tkun parti fih, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jagħmel regolamenti skont ma huwa jista' jqis li jkun adatt sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' dak it-trattat, u s-setgħat tal-Qorti għar-rigward ta' adozzjoni bejn pajjiż u ieħor bħal dik għandhom jiġu eżerċitati skont u fil-limiti ta' dak permess mit-termini ta' dak it-trattat u biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' dak it-trattat jiġu mħarsa.

Titolu IV

FUQ IS-SETGĦA TAL-ĠENITURI

Emendat: *XXI.1993.2.*

L-iben suġġett għas-setgħa tal-ġenituri. *Sostitwit: XLVI.1973.23; XXI.1993.49. Emendat: III.2004.121.*

131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.

(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.

(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.

(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma

urġenti u li ma jistgħux jistennew.

(6) Dwar terzi persuni *in bona fide*, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.

Sub-titolu I

FUQ L-EFFETTI TAS-SETGĦA TAL-ĠENITURI FUQ L-ULIED TAĦT L-ETÀ

Emendat. *XXI.1993*.2.

132. (1) L-iben għandu jobdi lill-ġenituri tiegħu f'dak kollu li hu permess mil-liġi.

L-iben għandu jobdi 'l missieru u ma jistax jitlaq mid-dar tal-ġenituri. *Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXI.1993.50.*

(2) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar l-ingaġġ f'xi forza dixxiplinata, l-iben ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-ġenituri, jitlaq mid-dar tal-ġenituri, jew mid-dar li l-ġenituri tiegħu jkunu għażlulu.

(3) Meta l-iben jitlaq mid-dar mingħajr dan il-kunsens, il-ġenituri għandhom jedd isejħulu lura, u jekk ikun meħtieġ jitolbu l-għajnuna tal-Pulizija.

133. (1) Ma' dan kollu, dik il-qorti kompetenti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien tista', għal raġuni tajba, u mingħajr ma ssemmi din ir-raġuni, tawtorizza lit-tifel li jitlaq mid-dar tal-ġenituri.

Il-qorti tista' tawtorizza lit-tifel li jitlaq mid-dar tal-ġenituri. *Emendat: III.2004.122; IX.2004.14.*

(2) Jekk id-dewmien jista' jkun ta' ħsara, kull maġistrat jista' jagħti l-ordni meħtieġ, u jagħmel rapport ta' dan, m'hux aktar tard mill-ewwel ġurnata ta' wara ta' nhar ta' xogħol, lill-qorti hawn fuq imsemmija, illi tista' twettaq, tħassar jew tbiddel dak l-ordni.

134. (1) Ġenituri li ma jirnexxilhomx irażżnu lil binhom jistgħu jneħħuh mill-familja, u jagħtuh, skont il-mezzi tal-ġenituri, dak il-manteniment li wieħed ma jistax jgħaddi mingħajru.

Setgħa tal-qorti li tawtorizza li tifel jitqiegħed taħt ħarsien alternattiv. *Sostitwit: XXI.1993.51. Emendat: III.2004.123.*

(2) F'kull każ bħal dan, il-ġenituri jistgħu wkoll, jekk ikun meħtieġ u malli jiksbu l-awtorizzazzjoni ta' dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien, iqiegħdu lit-tifel, għaż-żmien imsemmi fid-digriet, f'xi forma oħra ta' ħarsien, li l-qorti fiċ-ċirkostanzi jidhrilha xierqa sabiex huwa, bi spejjeż tal-ġenituri, jitħares u jinżamm b'dak il-mod li fil-fehma tal-qorti jkun iwassal għad-dixxiplina u għall-edukazzjoni tat-tifel.

(3) It-talba għal din is-setgħa tista' wkoll issir bil-fomm; u l-qorti għandha tagħti l-ordni meħtieġ għaldaqshekk mingħajr ebda formalità ta' proċeduri, u mingħajr ma tagħti raġunijiet għal dak l-ordni.

135. Il-ġenituri jidhru għall-uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-ħajja ċivili.

Il-ġenituri jidhru għall-ulied. *Sostitwit: XXI.1993.51.*

Setgħa tal-ġenituri biex jamministraw. *Emendat: XXX.1981.6. Sostitwit: XXI.1993.51.*

136. (1) Il-ġenituri flimkien jamministraw il-proprjetà ta' uliedhom, imwielda jew 1e, ħlief dik il-proprjetà li tiġi għand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wieħed mill-ġenituri jew minn terzi.

(2) Atti ta' amministrazzjoni ordinarja jistgħu, iżda, jitwettqu minn kull wieħed mill-ġenituri mingħajr l-intervent tal-ieħor.

(3) L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li għandhom jitwettqu miż-żewġ ġenituri flimkien jinkludu -

(*a*) it-trasferiment ta' mobbli minnhom infushom, inkluż vetturi bil-mutur, sabiex il-prezz tagħhom ikun impjegat bi qligħ;

(*b*) il-ġbid ta' kapitali 1i jkunu għalqu;

(*ċ*) l-għoti ta' jeddijiet personali għat-tgawdija minn proprjetà immobbli;

(*d*) l-aċċettazzjoni ta' wirt, legat jew donazzjoni f'isem it-tifel;

(*e*) il-qsim ta' ħwejjeġ mobbli minnhom infushom;

(*f*) atti 1i jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-qorti skont is-subartikolu (4).

(4) Il-ġenituri ma jistgħux jittrasferixxu ħwejjeġ immobbli jew ħwejjeġ mobbli għax hekk tqishom il-liġi u li jkunu proprjetà tat-tifel lanqas ma jistgħu jissellfu jew jagħmlu dejn ieħor f'ismu, jipotekaw jew iwiegħdu l-proprjetà tiegħu, jagħtuha b'garanzija, jidħlu f'xi kompromess, jew jissottomettu kwistjoni għal arbitraġġ, ħlief f'każ ta' bżonn, jew ta' ħtieġa ċara u bis-setgħa tal-qorti u f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fuq talba tal-ġenituri, tawtorizza lil wieħed mill-ġenituri biex jidher għat-tifel fuq l-att relattiv.

(5) Fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-ġenituri, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 131.

Aċċettazzjoni ta' wirt. *Emendat: XLVI.1973.24; XXX.1981.7; XXI.1993.52.*

137. (1) Il-ġenituri għandhom jaċċettaw bil-benefiċċju tal-inventarju kull wirt li jmiss lit-tfal, kemm-il darba l-qorti ma tagħtix il-ħelsien mill-inventarju.

(2) Jekk wieħed mill-ġenituri ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jaċċetta dak il-wirt, il-wirt jista' jiġi aċċettat mill-ġenitur l-ieħor bis-setgħa tal-qorti. Jekk iż-żewġ ġenituri ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jaċċettaw dak il-wirt, il-qorti tista', fuq talba tat-tifel jew ta' xi ħadd minn qrabatu, tagħti s-setgħa għall-aċċettazzjoni tal-wirt jew lit-tifel innifsu, jekk ikun għalaq l-erbatax-il sena, jew xort'oħra lil kuratur speċjali li jinħatar mill-qorti.

(3) Meta r-raġel jew il-mara, skont min jibqa' ħaj minnhom, ikun ippreżenta denunzja dwar proprjetà inkluża fi trasferiment taxxabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, dak 1i jibqa' ħaj minnhom jitqies, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, li jkun aċċetta l-wirt li jmiss lill-minuri bil-benefiċċju tal-inventarju dwar il-proprjetà iddikjarata fl-istess denunzja, liema inventarju jitqies li ġie regolarment magħmul u ppubblikat skont l-imsemmija denunzja, mingħajr ma

Kap. 364.

jkun hemm ħtieġa ta' xi formalità jew awtorizzazzjoni oħra stabbilita b'xi liġi.

In-nullità tal-atti tista' tintalab biss mill-missier, eċċ. *Emendat: XXI.1993.53.*

138. Jekk xi att isir bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, in-nullità tiegħu ma tistax tinġieb 'l quddiem ħlief minn kull wieħed mill-ġenituri jew mit-tifel jew mill-werrieta tiegħu jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin minnu.

F'każ li l-interessi ta' xulxin ma jaqblux. *Sostitwit: XXI.1993.54.*

139. Fil-każ li l-interessi tat-tfal ma jkunux jaqblu ma' xulxin, jew ma' ta' xi wieħed mill-ġenituri tagħhom, il-qorti kompetenti għandha, skont iċ-ċirkostanzi, taħtar kuratur speċjali wieħed jew aktar:

Iżda kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrifjuta li jidher għal wieħed mit-tfal kontra l-ieħor jew kontra l-ġenitur l-ieħor.

Il-genituri jagħtu kont tal-amministrazzjoni. *Sostitwit: XXI.1993.54.*

140. (1) Il-ġenituri għandhom jagħtu lit-tifel, meta dan isir taletà, kont tal-proprjetà u tal-utili ta' dawk il-beni li tagħhom ma jkollhomx użufrutt; u tal-proprjetà biss u tal-amministrazzjoni tagħha, tal-beni li tagħhom il-ġenituri jkollhom l-użufrutt legali.

(2) Jekk is-setgħa tal-ġenituri tispiċċa qabel ma t-tifel isir taletà, il-ġenituri għandhom jagħtu dan il-kont dak inhar li tispiċċa din is-setgħa.

(3) Bla ħsara għal kull responsabbiltà tal-ġenitur, kull wieħed mill-ġenituri jista' jagħti dak il-kont ukoll f'isem il-ġenitur l-ieħor.

Beni li tagħhom il-ġenituri għandhom l-użufrutt. *Emendat: XXI.1993.55.*

141. (1) Il-ġenituri għandhom l-użufrutt tal-beni li jgħaddu għal ibnu b'wirt, b'donazzjoni, jew b'xi titolu ieħor gratuwitu, fosthom dawk li jiġu għandu bis-saħħa ta' fedekommess.

(2) Huma jżommu dak l-użufrutt sakemm it-tifel isir tal-età, kemm-il darba dan ma jmutx qabel dak iż-żmien.

Beni li ma jaqgħux taħt l-użufrutt legali. *Emendat: XXI.1993.56; XIII.2007.3.*

142. M'humiex suġġetti għall-użufrutt legali -

(*a*) il-beni mhollija jew mogħtija lit-tifel bil-kondizzjoni li l-ġenituri jew wieħed minnhom ma jkollhomx użufrutt tagħhom:

Iżda din il-kondizzjoni ma tiswix dwar dawk il-beni li jmissu lit-tifel bħala porzjoni riservata:

Iżda wkoll, meta l-beni jitħallew jew jingħataw lit-tifel bil-kondizzjoni li wieħed biss mill-ġenituri ma jkollux l-użufrutt ta' dawk il-beni, dawk il-beni jkunu suġġetti għall-użufrutt tal-ġenitur l-ieħor, b'dan illi f'kull każ bħal dan, l-utili ta' dawk il-beni m'għandhomx jidħlu f'komunjoni tal-akkwisti li jista' jkun hemm bejn il-ġenitur li jkun igawdi l-użufrutt u l-ġenitur li jkun eskluż minn dak l-użufrutt;

(*b*) il-beni mogħtija lit-tifel biex jaqbad karriera, sengħa, jew professjoni;

(*ċ*) il-beni li jgħaddu għand it-tifel b'wirt, b'legat jew b'donazzjoni, meta dak il-wirt, legat jew donazzjoni jkunu aċċettati fl-interess tat-tifel kontra r-rieda tal-ġenituri:

Iżda meta dawk il-beni jkunu aċċettati f'isem it-tifel minn ġenitur wieħed kontra r-rieda tal-ġenitur l-ieħor, dawk il-beni jkunu biss suġġetti għall-użufrutt ta' dak il-wieħed mill-ġenituri li jkun aċċetta; b'dan illi f'kull każ bħal dan, l-utili ta' dawk il-beni m'għandhomx jidħlu f'komunjoni tal-akkwisti li jista' jkun hemm bejn il-ġenitur li jkun aċċetta dak il-wirt, legat jew donazzjoni kif intqal qabel, u l-ġenitur l-ieħor li ma jkunx hekk aċċetta;

(*d*) il-beni li t-tifel jikseb b'xogħlu jew bil-ħidma tiegħu għal rasu.

Obbligi li għalihom hu suġġett l-użufrutt tal-ġenituri. *Emendat: XXI.1993.57.*

143. L-użufrutt li jmiss lill-ġenituri hu suġġett għall-obbligi li ġejjin:

(*a*) l-obbligi kollha illi għalihom huma suġġetti użufruttwarji, barra mill-obbligu tal-garanzija;

(*b*) il-ħlas ta' kull annwalità jew tal-imgħaxijiet fuq kapitali magħluqa qabel il-bidu tal-użufrutt;

(*ċ*) il-ħlas tal-ispejjeż tal-funerali u ta' dawk tal-aħħar marda tal-persuna li mingħandha l-beni jkunu ġew għand it-tifel, meta, li kieku ma kienx hekk, dawk l-ispejjeż kien ikollu jbatihom it-tifel;

(*d*) l-ispejjeż tal-manteniment u tal-edukazzjoni tat-tifel.

Tmiem tal-użufrutt. *Emendat: XXI.1962.3; XXI.1993.2, 58.*

144. (1) L-użufrutt tal-ġenituri jispiċċa bil-mewt tat-tifel jew billi l-ġenituri jew il-ġenituri adottivi skont il-każ, jiżżewġu jew jerġgħu jiżżewġu.

(2) Jispiċċa wkoll għal kull raġuni oħra li għaliha tispiċċa s-setgħa tal-ġenituri fuq l-iben.

(3) Meta l-użufrutt jintemm dwar biss wieħed mill-ġenituri, l-utili tal-beni suġġetti għal dak l-użufrutt m'għandhomx jidħlu f'komunjoni tal-akkwisti bejn il-ġenitur li dwaru l-użufrutt ma jkunx intemm u l-ġenitur li dwaru dan ikun intemm.

Meta ġenituri jkomplu jgawdu beni meta jintemm l-użufrutt. *Sostitwit: XXI.1993.59.*

145. Jekk jintemm l-użufrutt, u l-ġenituri, jew xi wieħed minnhom, ikomplu jew ikompli jgawdu l-beni tat-tifel li jkun joqgħod mal-ġenituri jew ma' xi wieħed minnhom mingħajr setgħa iżda mingħajr oppożizzjoni min-naħa tat-tifel, inkella bis-setgħa iżda mingħajr il-kondizzjoni espressa li jingħata l-kont tal-utili, dawk il-ġenituri jew ġenitur jew il-werrieta ta' dawk il-ġenituri jew dak il-ġenitur, skont il-każ, ma jkollhomx ħlief li jgħaddu l-utili li jkun hemm fiż-żmien tat-talba, mingħajr l-obbligu li jagħtu kont ta' dawk l-utili li sa dak iż-żmien setgħu kienu kkunsmati.

Mewt, eċċ., ta' wieħed mill-ġenituri. *Sostitwit: XLVI.1973.25; XXI.1993.59.*

146. (1) Jekk wieħed mill-ġenituri jmut, is-setgħa tal-ġenituri tgħaddi biss għand il-ġenitur li jibqa' ħaj dwar it-tfal tiegħu u l-beni tagħhom, magħduda beni li jgħaddu għand it-tfal mill-beni tal-ġenitur mejjet u minn kull kawża oħra wara li jkun miet l-ewwel ġenitur.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw ukoll meta wieħed mill-ġenituri jkun tilef jew tneħħitlu

s-setgħa ta' ġenitur, jew ma jkunx jista', minħabba li jkun nieqes jew minħabba impediment ieħor, jeżerċita l-jeddijiet tas-setgħa ta' ġenitur.

(3) Jekk wieħed mill-ġenituri jkun tneħħielu biss il-jedd tal-użufrutt, dak il-jedd jgħaddi għand il-ġenitur l-ieħor waħdu.

(4) Meta wieħed mill-ġenituri jitneħħielu l-użufrutt, l-utili ta' dak l-użufrutt m'għandux jidħol f'xi komunjoni tal-akkwisti li jkun hemm bejn dak il-ġenitur u l-ġenitur l-ieħor li ma jkunx tneħħielu l-użufrutt.

Meta ġenitur jerga' jiżżewweġ u jkompli jamministra l-proprjetà. *Sostitwit: XLVI.1973.26; XXI.1993.59.*

147. (1) Jekk wieħed mill-ġenituri, meta jerġa' jiżżewweġ, ikompli jamministra l-proprjetà ta' uliedu, sew jekk ikompli jeżerċita l-jedd tas-setgħa tal-ġenitur u sew jekk le, żewġ jew mart il-ġenitur ikun responsabbli *in solidum* għall-amministrazzjoni kemm ta' qabel kif ukoll ta' wara.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw għal ġenitur adottiv meta jiżżewweġ jew meta jerġa jiżżewweġ.

Applikabbiltà ta' dispożizzionijiet meta l-omm tingħata s-setgħa tal-missier. *Sostitwit: XLVI.1973.27.*

148. *Imħassar: XXI.1993.59.*

Setgħa tal-qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra. *Sostitwit: XLVI.1973.28.*

149. B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.

Sub-titolu II

FUQ KIF TISPIĊĊA S-SETGĦA TAL-ĠENITURI

Emendat: XXI.1993.2.

Meta s-setgħa tal-ġenituri tispiċċa *ipso jure*. *Emendat: XXI.1962.4; XLVI.1973.30; XXI.1993.2. 60.*

150. Is-setgħa tal-ġenituri tispiċċa *ipso jure*, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) bil-mewt taż-żewġ ġenituri jew tat-tifel;

(*b*) meta t-tifel jagħlaq tmintax-il sena;

(*ċ*) biż-żwieġ tat-tifel;

(*d*) jekk it-tifel, bil-kunsens tal-ġenituri, jitlaq mid-dar tal-ġenituri u jmur jgħix għal rasu;

(*e*) jekk il-ġenituri jonqsu li jagħmlu, favur it-tifel ir-reġistrazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2038 u 2039; hekk iżda meta wieħed biss mill-ġenituri jkun naqas li jagħmel dik ir-reġistrazzjoni, is-setgħa tal-ġenituri ma tispiċċax dwar il-ġenitur li ma jkunx hekk naqas;

(*f*) jekk il-ġenitur li jibqa' ħaj jerġa jiżżewweġ jew, fil-każ ta' ġenitur adottiv, jekk wara l-adozzjoni jiżżewweġ jew jerġa' jiżżewweġ, mingħajr qabel ma jkun għamel inventarju tal-proprjetà tal-ulied u kiseb mill-qorti l-permess meħtieġ biex ikompli jeżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenituri.

Meta l-qorti tista' terġa' tqiegħed il-ġenitur fis-setgħa tal-ġenituri. *Emendat: XXI.1993.2,61.*

151. F'kull wieħed mil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*e*) u (*f*) tal-aħħar artikolu qabel dan, il-qorti tista', jekk jidhrilha li hu sewwa għall-ġid tat-tifel, terġa' tagħti lill-ġenitur is-setgħa tal-ġenituri, kollha jew parti minnha, jekk jagħmel dak li minħabba li ma kienx għamel huwa kien tilef dik is-setgħa.

Il-qorti tista' teħles lill-ġenitur mill-inventarju. *Emendat: XXI.1993.62.*

152. Il-qorti tista', għal raġuni tajba, teħles lill-ġenitur mill-inventarju meħtieġ taħt l-artikolu 150(*f*), u tordna li floku ssir deskrizzjoni biss tal-beni, imwettqa bil-ġurament mill-ġenitur.

Setgħa tal-qorti jekk il-ġenitur, qabel jew wara li jarġa' jiżżewweġ, jitlob biex jissokta fl-eżerċizzju tal-jeddijiet tas-setgħa tal-ġenituri. *Emendat: XXI.1962.5; XXI.1993.2, 63.*

153. Il-qorti tista' wkoll, fuq talba magħmula mill-ġenitur, sew qabel jew wara li jarġa' jiżżewweġ jew, fil-każ ta' ġenitur adottiv, iż-żwieġ jew żwieġ mill-ġdid tiegħu, sabiex jingħata lilu li jissokta fl-eżerċizzju tal-jeddijiet tas-setgħa tal-ġenituri, tagħtih biss dawk il-jeddijiet li għandhom x'jaqsmu mal-persuna tat-tifel, u taħtar kuratur sabiex jamministra ħwejjeġ it-tifel, inkella tagħti f'idejn il-ġenitur l-amministrazzjoni ta' ħwejjeġ it-tifel, u taħtar tutur għall-persuna tat-tifel.

Meta l-ġenitur jista' jitlef is-setgħa tal-ġenituri. *Emendat: XXI.1993.2,64. XIII.2018.25.*

154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;

(*b*) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;

(*ċ*) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;

Kap. 12.

(*d*) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;

(*e*) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.

(2) Fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.

(3) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(4) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet.

155. L-użufrutt fuq ħwejjeġ it-tifel jispiċċa bit-telfa ta' wieħed mill-jeddijiet tas-setgħa tal-ġenituri, u ma jarġax jibda jseħħ ħlief meta terġa' tingħata għal kollox is-setgħa tal-ġenituri.

L-użufrutt tal-beni tat-tifel jispiċċa bit-telfa tal-jeddijiet tas-setgħa tal-ġenituri. *Emendat. XXI. 1993.2.*

156. (1) Jekk it-tifel ta' taħt l-età, li jkun għalaq sittax-il sena, ikun ġie mogħti s-setgħa, taħt l-artikolu 9 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jikkummerċja, jew, jekk ma jkunx kummerċjant, li jagħmel xi atti tal-kummerċ, dan it-tifel ta' taħt l-età għandu, dwar dak kollu li jidħol fil-kummerċ tiegħu, jew dwar dawk l-atti, jitqies li hu tal-età.

Meta it-tifel taħt l-età hu fil-kummerċ. *Emendat: XLVI.1973.32; XXI.1993.2.* Kap. 13.

(2) Xejn f'dan il-Kodiċi ma jħassar id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar it-tfal ta' taħt l-età u dwar it-tfal taħt is-setgħa tal-ġenituri.

Titolu V

FUQ L-ISTAT TA' TAĦT L-ETÀ U T-TUTELA

Sub-titolu I

FUQ L-ISTAT TA' TAĦT L-ETÀ

157. Ħija taħt l-età persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor li tkun għad ma għalqetx tmintax-il sena.

Stat ta' tfal taħt l-età.

Sub-titolu II

FUQ IT-TUTELA

158. Tifel ta' taħt l-età, li l-ġenituri tiegħu jkunu mietu jew ikunu tilfu s-setgħa tal-ġenituri u li ma jkunx iżżewweġ, jista' jiġi mqiegħed taħt tutela sakemm isir tal-età jew sakemm jiżżewweġ.

Meta wieħed ta' taħt l-età għandu jkun taħt tutela. *Sostitwit: XLVI.1973.33. Emendat: XXI.1993.2.*

---

§ I. FUQ IL-ĦATRA U T-TNEĦĦIJA TA' TUTURI

159. (1) Tutur jiġi maħtur mill-qorti fuq il-talba ta' kwalunkwe persuna.

Ħatra ta' tutur. *Sostitwit: XLVI.1973.34.*

(2) Fil-ħatra ta' tutur il-qorti għandha tikkonsidra kull dispożizzjoni li tkun tinsab fit-testment ta' kull wieħed mill-ġenituri tat-tifel dwar il-ħatra ta' tutur.

160. Meta fost il-qraba tat-tifel ta' taħt l-età jkun hemm persuni tajba għal tuturi, il-qorti għandha taħtar waħda minn dawn il-persuni, u, fost dawn, dejjem skont l-aħjar interessi tat-tifel, lill-eqreb qarib mid-demm.

Persuni li jistgħu jkunu tuturi. *Emendat: XXI.1962.6; XLVI.1973.36.*

Meta jiġu maħtura aktar minn tutur wieħed. *Sostitwit: XLVI.1973.37.*

161. (1) Il-qorti tista' taħtar aktar minn tutur wieħed.

(2) Meta jkunu ġew maħtura aktar minn tutur wieħed il-qorti tista' f'kull żmien, jew minn jeddha jew fuq talba ta' wieħed mit-tuturi, tispeċifika d-dmirijiet rispettivi tagħhom; u, sakemm jiġu mogħtija d-dmirijiet partikolari lil kull wieħed minnhom, kull wieħed mit-tuturi jkollu s-setgħat u d-dmirijiet kollha ta' tutur, u huma jkunu kollha responsabbli *in solidum* għall-għemil ta' kull wieħed minnhom.

(3) Meta xi wieħed mit-tuturi jmut jew xort'oħra jispiċċa minn tutur, it-tutela tiġi eżerċitata mit-tutur l-ieħor jew mit-tuturi l-oħra kemm-il darba, il-qorti, jew minn jeddha jew fuq it-talba ta' xi persuna, ma taħtarx tutur ieħor minfloku.

Meta l-interessi tat-tfal taħt l-età u tat-tuturi ma jaqblux.

162. Jekk jiġri li l-interessi tat-tfal ta' taħt l-età li jkunu taħt l-istess tuturi ma jkunux jaqblu l-wieħed mal-ieħor jew mal-interessi tat-tuturi, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 139.

Persuni li ma jistgħux ikunu tuturi. *Emendat: XLVI.1973.39; XI.1977.2; XLIX.1981.4; XIII.2004.38.*

163. Il-persuni hawn taħt imsemmija ma jistgħux jiġu maħtura tuturi:

(*a*) dawk li ma jkunux saru tal-età;

(*b*) dawk li ma jkollhomx f'idejhom l-amministrazzjoni libera ta' ħwejjiġhom, jew li huma magħrufa bħala nies mhux tajba biex jamministraw beni;

(*ċ*) dawk li għandhom, jew sejrin ikollhom, jew dawk li r-raġel jew il-mara tagħhom jew qrabathom mid-demm jew bi żwieġ sal-grad ta' ziju u neputi, għandhom, jew sejrin ikollhom, mat-tifel ta' taħt l-età, kawża li fiha jkunu fil-periklu l-istat ta' dan it-tifel, jew xi biċċa kbira minn ħwejġu;

(*d*) il-falluti mhux rijabilitati;

(*e*) dawk li jkunu kkundannati għall-piena tal-priġunerija għal żmien ta' aktar minn sena, jew għal kull piena, tkun li tkun, fuq delitti li jmissu l-bon ordni tal-familja, jew fuq delitt ta' frodi;

(*f*) dawk li huma magħrufa bħala nies ta' kondotta ħażina, jew li bid-dehen mhumiex nies ta' min jafdahom jew traskurati;

(*g*) dawk li huma *trustees* ta' proprjetà għall-benefiċċju tat-tfal taħt l-età.

Imħallfin u maġistrati ma jistgħux ikunu tuturi. *Ememdat: A.L. 148 tal-1975.*

164. (1) L-imħallfin u l-maġistrati ma jistgħux ikunu tuturi, ħlief tal-qraba tagħhom mid-demm f'kull grad fil-linja dritta, jew sal-grad ta' kuġin fil-linja kollaterali.

(2) It-tutela ta' persuni oħra, barra minn tal-qraba hawn fuq imsemmija, tispiċċa bil-ħatra tat-tutur għall-kariga ta' imħallef jew maġistrat.

Persuni li jistgħu jiġu eżentati millħatra ta' tutur. *Emendat: XXV.1962; A.L. 46 tal-1965; XLVI.1973.40; A.L. 148 tal-1975.*

165. (1) Il-persuni hawn taħt imsemmija għandhom jedd li jigu meħlusa milli jaċċettaw il-kariga ta' tutur jew milli jissuktaw fiha:

(*a*) il-membri tal-Kamra tad-Deputati;

(*b*) il-kapijiet tad-dipartimenti pubbliċi, u kull uffiċjal pubbliku ieħor li jkollu t-triġija ta' xi fergħa partikolari tas-servizz pubbliku;

(*ċ*) il-persuni fil-forzi armati ta' Malta, sakemm ikunu fis-servizz;

(*d*) dawk li jkunu għalqu sittin sena, jew li jkunu morda b'marda kronika li tagħmilhom mhux tajba biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' tutur mingħajr xkiel kbir għalihom;

(*e*) kull persuna li hija missier jew omm ta' ħames ulied ħajjin;

(*f*) dawk li ġa għandhom f'idejhom tuteli;

(*g*) kull min ma jkunx qarib tat-tifel ta' taħt l-età, jew ikun qarib fil-bogħod, meta jkun hemm qarib f'Malta, jew, skont il-każ, qarib eqreb, li jkun tajjeb biex jieħu t-tutela, u ma jkunx ġie meħlus minnha:

Iżda meta tispiċċa r-raġuni li għaliha l-qarib jew il-qarib eqreb ma kienx tajjeb għal tutur, jew li għaliha kien ġie meħlus, il-barrani jew il-qarib fil-bogħod, skont il-każ, jista' jitlob li jiġi meħlus mit-tutela.

Setgħa tal-qorti li teħles tuturi.

166. Il-qorti tista' wkoll, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jew għal xi raġuni tajba oħra, teħles, għal kollox jew għal xi żmien, tutur milli jissokta fit-tutela tiegħu.

Inventarju li għandu jsir mit-tutur. *Emendat: XLVI.1973.41.*

167. (1) Il-qorti, qabel taħtar persuna bħala tutur, tordna lil dik il-persuna li tagħmel inventarju ta' ħwejjeġ il-minuri jew, skont iċ-ċirkostanzi, li tagħmel deskrizzjoni ta' dawk il-ħwejjeġ, imwettqa bil-ġurament minn dik il-persuna, u li tobbliga ruħha, b'ipoteka ta' ħwejjiġha sas-somma li tiġi stabbilita, li tamministra sewwa u bil-ħaqq il-ġid tal-minuri, u li tagħti, meta tispiċċa t-tutela, kont sewwa u fidil tal-amministrazzjoni tagħha.

(2) Il-qorti tista' tordna illi l-inventarju jew id-deskrizzjoni hawn fuq imsemmija, jiġu magħmula minn persuna oħra li ma tkunx dik li tkun sejra tiġi maħtura għal dik it-tutela.

Setgħa tal-qorti dwar it-tutur. *Emendat: XLVI.1973.43; XI.1977.2.*

168. (1) Il-qorti tista', meta jidhrilha li hu meħtieġ, fid-digriet li bih taħtar lit-tutur, tagħmillu l-obbligu li jippreżenta fir-reġistru tal-qorti, kull sena, jew f'kull żmien ieħor kif jiġi stabbilit mill-qorti, kont tal-amministrazzjoni tiegħu.

(2) Il-qorti tista' wkoll tordna lil dak li joffri ruħu biex jidħol għat-tulela, li jagħti garanzija, u, f'dan il-każ, l-obbligazzjoni tal-garanti, bħal dik tat-tutur, għandha ssir qabel ma t-tutur jiġi maħtur.

Sospensjoni jew tneħħija ta' tutur.

169. (1) Il-qorti tista' tissospendi jew tneħħi mill-kariga tiegħu, lil kull tutur jew kuratur, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 163(*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*) u (*f*), jew minħabba li jonqos milli jagħti kont meta jmissu, jew minħabba li l-kont mogħti ma jkunx sewwa, jew għal raġuni oħra xierqa, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) F'kull każ, il-qorti għandha fuq kollox tħares lejn l-interessi tal-minuri.

Kuratur *ad ventrem*. *Emendat*: XXIII.2017.50.

170. (1) Jekk, meta kwalunkwe wieħed mill-konjuġi imut mingħajr tfal, il-parti li tibqa' ħajja minnhom tiddikjara li hija tqila, il-qorti tista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, taħtar kuratur *ad ventrem*, sabiex ma jkunx hemm dubju fuq it-twelid tat-tarbija, jew li din tinbidel, u biex jiġu amministrati l-beni sa dak in-nhar tat-twelid, taħt dawk il-provvedimenti li l-qorti jidhrilha li għandha tagħti.

(2) Il-qorti tista' taħtar mara bħala kuratriċi, u tagħti f'idejn persuna oħra l-amministrazzjoni tal-beni.

Ħlas lit-tutur.

171. Il-qorti tista' f'kull żmien tgħaddi lit-tutur, jew lill-kuratur imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ħlas kif jixraq.

---

§ II FUQ L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TUTUR

Dmirijiet tat-tutur.

172. It-tutur għandu jieħu ħsieb tal-persuna tal-minuri; hu għandu jidher għalih fl-atti ċivili kollha, u għandu jamministralu ħwejġu bħal missier tajjeb tal-familja.

Setgħa tal-qorti għat-trobbija tal-minuri. *Emendat: XLVI.1973.44.*

173. Il-qorti għandha, kif ikun xieraq, tistabbilixxi l-lok fejn il-minuri għandu jiġi mrobbi, l-edukazzjoni li tgħodd għalih, u l-ispiża li għandha tintefaq għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu.

Setgħa tat-tutur fil-każ ta' mġieba ħażina tal-minuri.

174. (1) Jekk it-tutur ikollu raġunijiet gravi biex jilmenta mill-imġieba tal-minuri, tgħodd id-dispożizzjoni tal-artikolu 134.

(2) L-ispiża meħtiega tmur akkont tal-minuri.

Dmirijiet tal-minuri lejn it-tutur. *Emendat: IX.2004.14.*

175. (1) Il-minuri għandu jobdi lit-tutur f'dak kollu li hu permess mil-liġi.

(2) Jekk it-tutur jabbuża mis-setgħa tiegħu, jew jittraskura d-dmirijiet tiegħu, il-minuri nnifsu, jew kull persuna għalih, jistgħu jġibu l-ilment quddiem il-qorti kompetenti; u l-qorti twissi lit-tutur jew tagħti kull provvediment ieħor li jkun jeħtieġ.

Atti li ma jridux dewmien.

176. Il-qorti tista', għalkemm ikunu għadhom ma sarux l-atti meħtieġa fl-artikolu 167, tagħti s-setgħa lill-persuna li tkun inkarigata tagħmel l-inventarju, jew lil xi persuna oħra, li tagħmel dawk l-atti li ma jkunux iridu dewmien.

X'għandu jsir mill-ħwejjeġ mobbli. *Emendat: XLVI.1973.45.*

177. (1) It-tutur għandu, żmien tliet xhur minn dak in-nhar li jiġi maħtur, ibiegħ dawk il-ħwejjeġ mobbli tal-minuri illi l-qorti ma tkunx tagħtu s-setgħa li jżomm għandu.

(2) Jekk il-qorti ma tagħtix is-setgħa li jsir xort'oħra, il-bejgħ għandu jsir bl-irkant pubbliku.

(3) Il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha skont iċ-ċirkostanzi, ittawwal iż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1).

Oġġetti prezzjużi, eċċ.

178. (1) Il-qorti tista' tordna illi l-oġġetti prezzjużi illi t-tutur jkun ġie mogħti s-setgħa li jżomm, jiġu merfugħa fil-lok maħtur għad-depożiti ġudizzjarji ta' oġġetti bħal dawk, jew f'xi lok ieħor żgur.

(2) Dan igħodd ukoll għall-flus jew għat-titoli għall-purtatur li jkunu jinsabu fl-assi tal-minuri.

(3) Il-qorti tista', f'kull żmien, tagħti provvedimenti oħra dwar dawn l-oġġetti, flus, jew titoli.

Stabbilimenti ta' kummerċ. *Emendat: XLVI.1973.46.*

179. (1) L-istabbilimenti ta' kummerċ jew ta' industrja li jkun hemm fl-assi tal-minuri għandhom jiġu mibjugħa u illikwidati mit-tutur bil-mod li tordna l-qorti.

(2) Iżda, il-qorti tista' tagħti li n-negozju jibqa' jitmexxa jekk dik il-tmexxija x'aktarx tista' tkun tal-akbar ġid għall-minuri.

Ħwejjeġ li t-tutur ma jistax jagħmel. *Emendat: I.1908.1; XLVI.1973.47.*

180. (1) It-tutur, mingħajr ma jkollu s-setgħa mill-qorti, ma jistax idaħħal jew jittrasferixxi kapitali tal-minuri, jissellef flus ħlief għal xi bżonn li ma jkunx irid dewmien, jaċċetta jew jirrinunzja wirt, jaċċetta donazzjonijiet jew legati suġġetti għal piżijiet, iġib kwistjonijiet f'arbitraġġ jew jagħmel transazzjonijiet, jew jittrasferixxi, jipoteka jew jagħti b'ċens ħwejjeġ immobbli, jew jagħti b'kiri għal aktar minn tmien snin, f'każ ta' raba', jew għal aktar minn erba' snin, f'każ ta' bini, jew għal aktar miż-żmien soltu skont l-użu, f'każ ta' ħwejjeġ mobbli.

(2) Fuq talba għas-setgħa sabiex jaċċetta wirt, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti lil-tutur li jġib, minflok l-inventarju msemmi fl-artikolu 848, nota li turi l-proprjetà li tinsab fil-wirt, imwettqa bil-ġurament tiegħu.

(3) Jekk tingħata xi ħaġa b'kiri għal żmien itwal minn dak imsemmi fis-subartikolu (1), dan iż-żmien jiġi mqassar għaż-żmien imsemmi hawn fuq, skont ma jkun il-każ, u jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

(4) Il-qorti tista', fl-att li bih taħtar lit-tutur, jew b'digriet ta' wara, tagħti lil dak it-tutur setgħa ġenerali għall-atti kollha, jew għal xi whud mill-atti hawn fuq imsemmija.

Impieg ta' flus bi qligħ. *Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

181. (1) It-tutur għandu, wara li jaqtal-ispejjeż meħtieġa għall-minuri, jimpjega bi qligħ ir-renti jew flus oħra li jdaħħal, meta s-somma tagħhom tkun tiskorri mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

(2) Jekk it-tutur jonqos li jagħmel dak l-impieg ta' flus, hu jeħel il-ħlas tal-imgħax, kemm-il darba ma jippruvax li għalkemm għamel ħiltu kif imiss ma rnexxilux iħaddimhom bi qligħ u fiż-żgur.

(3) It-tutur iwieġeb għal kull telf li jsir minħabba li fl-impieg

tal-flus ma jkunx mexa b'dak il-għaqal li kieku jimxi bih missier tajjeb tal-familja.

Amministrazzjoni.

182. (1) It-tutur għandu għall-anqas iżomm ktieb li fih iniżżel id-dħul u l-ħruġ.

(2) Huwa għandu mal-kontijiet tiegħu jġib l-irċevuti ta' kull spiża ta' somom mhux żgħar.

(3) Il-ktieb hawn fuq imsemmi, jekk imwettaq bil-ġurament tal-tutur, huwa biżżejjed biex jagħti prova tal-ispejjeż ta' somom żgħar.

(4) It-tutur jiġi akkreditat biss bl-ispejjeż li jinsabu li kienu utili, jew, skont il-kondizzjoni u l-ġid tal-minuri, bl-ispejjeż soliti.

Għoti ta' kontijiet,

183. (1) Meta l-amministrazzjoni tispiċċa, għal raġuni oħra minn dik imsemmija fl-artikolu 158, it-tutur għandu jagħti l-kont tiegħu lil dak li jidħol floku fit-tutela.

(2) Jekk il-minuri jmut fiż-żmien tat-tutela, il-kont għandu jingħata lill-werrieta tiegħu.

lill-persuna taħt tutela.

184. Jekk it-tutela tispiċċa għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 158, il-kont għandu jingħata lill-persuna li kienet taħt dik it-tutela.

Imgħaxijiet.

185. (1) Kull somma li t-tutur jibqagħlu jagħti tgħaddi bl-imgħax *ipso jure* minn dak in-nhar tat-tmiem tat-tutela.

(2) L-imgħax fuq kull somma li l-minuri jkollu jagħti lit-tutur igħaddi biss minn dak in-nhar li dan jitlob il-ħlas, b'att ġudizzjarju, wara li tispiċċa t-tutela.

Preskrizzjoni.

186. Bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 2157, kull azzjoni tal-minuri kontra t-tutur, jew tat-tutur kontra l-minuri, dwar it-tutela, taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin li jibdew igħaddu minn dak in-nhar li l-minuri jsir tal-età, jew li jmut.

Nullità ta' atti magħmulin mit-tutur.

187. (1) In-nullità tal-atti magħmulin bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, li jolqtu l-interessi tal-minuri, tista' tiġi opposta biss mill-minuri jew mill-werrieta tiegħu jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu.

(2) Ebda att tat-tutur ma jista' jiġi attakkat minħabba biss li t-tutur ikun ġie maħtur bi ksur tad-dispożizzjoni tal-artikolu 163.

Titolu VI

FUQ L-ETÀ MAĠĠURI, IL-KUSTODJA, L-INTERDIZZJONI U L-INABILITAZZJONI

Sub-titolu I

FUQ L-ETÀ MAĠĠURI

188. (1) Wieħed isir tal-età meta jagħlaq it-tmintax-il sena. Età maġġuri.

(2) Kull min hu tal-età jista' jagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili, min barra dawk imsemmijin f'dispożizzjonijiet oħra speċjali tal-liġi.

Sub-titolu I A

Miżjud: XXIV.2012.3.

FUQ IL-KUSTODJA

188A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, persuna tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha tista' tkun soġġetta għal kustodja; u minkejja l-imsemmija dispożizzjonijiet tas-Subtitolu II fuq l-Interdizzjoni u l-Inabilitazzjoni, sa fejn dan ikun possibbli, il-ġenituri ta' persuna b'diżabilità tal-età b'diżordni mentali jew b'kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, għandhom ifittxu l-ewwel li jqiegħdu lill-persuna b'diżabilità taħt kustodja qabel ma jfittxu l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni tal-istess persuna. Persuni soġġetti għall-kustodja. *Miżjud:* XXIV.2012.3. *Emendat:* XXIV.2016.31.

(2) L-istess għandu japplika fir-rigward ta' minuri msemmi fl-artikolu 156.

(3) It-talba għall-ħatra ta' kustodju jew kustodji konġunti tista' ssir minn kull persuna li volontarjament tixtieq li tkun soġġetta għal kustodja jew minn kull persuna msemmija fl-artikolu 189(3) ta' dan il-Kodiċi jew fl-artikolu 521 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(4) Jekk, waqt xi proċeduri Ċivili, il-Qorti jidhrilha li parti tista' teħtieġ li tkun soġġetta għal kustodja, il-Qorti għandha tirreferi l-kwistjoni lill-Bord dwar il-Kustodja, stabbilit skont it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tiġi deċiża minn dak il-Bord. Kap. 12.

(5) Għall-finijiet ta' dan is-Subtitolu u sakemm il-kuntest ma jkunx jeħtieġ xort'oħra, il-kliem "diżordni mentali" u "kundizzjoni oħra" għandu jkollhom l-istess tifsira hekk kif mogħti lilhom fl-artikolu 189(4):

"diżabilità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità; Kap. 413.

"diżordni mentali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Saħħa Mentali: Kap. 525.

Iżda kull referenza f'dawk it-tifsiriet għal "inkapaċità tal-moħħ" jew għal "Żvilupp imwaqqaf jew mhux komplet tal-moħħ" ma għandhomx jinftiehmu bħala referenza għal diżordni mentali għall-finijiet ta' dan is-Subtitolu.

188B. Kustodju għandu: Funzjonijiet ta' Kustodju. *Miżjud:* XXIV.2012.3.

(*a*) jkun responsabbli biex iħares il-benesseri personali u tal-proprjetà tal-persuna li tagħha jiġi maħtur bħala kustodju;

(*b*) jaġixxi minflok il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju f'materji ta' natura personali jew ta' proprjetà matul dak il-perjodu li fih dik il-persuna hi kunsidrata bħala mhux kapaċi li teżegwixxi xi att wieħed jew aktar tal-ħajja ċivili kif speċifikat fl-Ordni dwar il-Kustodja;

(*ċ*) jagħmel kull ħaġa oħra għal u f'isem il-persuna li tagħha jkun ġie maħtur bħala kustodju hekk kif ikun hekk ordnat jew awtorizzat jagħmel mill-Bord dwar il-Kustodja stabbilit taħt it-Titolu IIIA tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jew kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan is-Subtitolu.

Kap. 12.

Obbligi fir-rigward ta' atti ta' kustodja. *Mižjud: XXIV.2012.3.*

188Ċ. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Subtitolu għandhom jinftiehmu u jiġu interpretati u kull funzjoni, setgħa, awtorità, diskrezzjoni, dmir jew dritt mogħti b'dan is-Subtitolu jew b'xi regolamenti magħmulin taħtu għandhom jitwettqu b'dak il-mod li:

(*a*) il-volontà tal-persuna soġġetta għall-kustodja tiġi rispettata u tingħata effett safejn ikun possibbli;

(*b*) jiġi promoss u ikkurat il-benesseri tal-persuna soġġetta għall-kustodja;

(*ċ*) il-mezzi li jintużaw għall-finijiet ta' kustodja għandhom ikunu proporzjonati mal-miri li huma intiżi li jinkisbu; u

(*d*) il-libertà tal-għażla u ta' azzjoni tal-persuna soġġetta għall-kustodja għandha tkun ristretta biss fejn neċessarju u din ir-restrizzjoni għandha tkun proporzjonata mal-mira li trid tintlaħaq.

(2) Fl-eżerċizzju tal-obbligi tiegħu l-kustodju għandu jaġixxi fl-aħjar interessi tal-persuna soġġetta għall-kustodja u għandu:

(*a*) jieħu l-miżuri xierqa biex jipprovdi l-appoġġ li l-persuna soġġetta għal kustodja tista' teħtieġ fl-eżerċizzju tagħha stess tal-kapaċità legali safejn dan ikun possibbli;

(*b*) jikkonsulta mal-persuna soġġetta għall-kustodja u jqis u jirrispetta d-drittijiet, volontà u preferenzi tal-persuna safejn dan ikun possibbli;

(*ċ*) jinkoraġġixxi lill-persuna soġġetta għall-kustodja biex tipparteċipa safejn ikun possibbli fil-ħajja komunitarja;

(*d*) jinkoraġġixxi u jgħin lill-persuna soġġetta għall-kustodja biex issir kapaċi li tieħu ħsieb lilha nnifisha u l-proprjetà tagħha u li tieħu deċiżjonijiet responsabbli fir-rigward ta' ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-persuna u mal-proprjetà tagħha;

(*e*) jipproteġi lill-persuna soġġetta għall-kustodja minn traskuraġni, abbuż jew sfruttament; u

(*f*) jipprovdi lill-persuna soġġetta għall-kustodja, safejn

possibbli, kull mezz ta' għajnuna li jista' jkun meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-obbligi previsti f'dan is-subartikolu.

(3) Bla ħsara għal-limiti imposti fl-Ordni dwar il-Kustodja jew b'kull deċiżjoni oħra li l-Bord dwar il-Kustodja jista' jagħti minn żmien għal żmien, kustodju jista', f'isem persuna soġġetta għall-kustodja jiffirma u jagħmel kull ħaġa oħra li tkun meħtieġa biex jagħti effett għal funzjonijiet u obbligi mogħtija lill-kustodju.

188D. Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, flimkien mal-Ministru responsabbli għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u l-Ministru responsabbli għas-Saħħa jista' jagħmel regolamenti għall-implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Subtitolu.

Setgħa biex isiru regolamenti.
Miżjud: XXIV.2012.3.
Emendat: XIII.2026.30.

Sub-titolu II

FUQ L-INTERDIZZJONI U L-INABILITAZZJONI

189. (1) Persuna tal-età li tkun persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, jew li tkun miġnuna jew ħalja, tista' tiġi interdetta jew inabilitata milli tagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Persuni suġġetti għall-interdizzjoni.
Emendat: II.2012.13; XXII.2025.6.
Kap. 12.

(2) Dan igħodd ukoll għall-minuri msemmi fl-artikolu 156.

(3) It-talba għall-interdizzjoni jew inabilitazzjoni tista' ssir mhux biss mill-persuni msemmijin fl-artikolu 521 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda wkoll mill-qarib bi żwieġ li, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jista' jkun imġiegħel jagħti l-manteniment lill-persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, jew miġnuna jew ħalja.

(4) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 597, 752, 1034, 1035 u 1036:

(*a*) "kundizzjoni oħra", meta wżata fil-kuntest ta' kundizzjoni li tagħmel persuna inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, tfisser nuqqas fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju għal żmien twil li flimkien ma' ostakoli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tipparteċipa b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà b'mod ugwali daqs l-oħrajn; u

(*b*) "diżordni mentali" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl--Att dwar is-Saħħa Mentali:

Kap. 525.

Iżda kull referenza f'dawn it-tifsiriet għal "diżabilità tal-moħħ" jew "żvilupp imwaqqaf jew mhux komplet tal-moħħ" m'għandhiex tinftiehem li tfisser diżordni mentali għall-finijiet ta' dan it-Titolu u dawk id-dispożizzjonijiet.

190. (*Mħassar bl-Att II.2012.14.*).

Trux-u-mutu jew għama.
Kap. 12.

Interdizzjoni ta' minuri.
Sostitwit: XXIV.2012.4.

191. (1) Minuri taħt it-tutela jista' jiġi mqiegħed taħt il-kustodja jew interdett jew inabilitat fl-aħħar sena li jkun għadu taħt l-età, u f'kull każ bħal dan il-Bord dwar il-Kustodja jew il-Qorti, skont il-każ, jistgħu jaħtru bħala kustodju jew kuratur sew lit-tutur sew xi persuna oħra.

(2) Dan il-kustodju jew il-kuratur ma jistax jibda jamministra l-beni ħlief minn dakinhar li tispiċċa t-tutela.

Nullità ta' atti magħmulin mill-interdett.

192. In-nullità tal-atti magħmulin mill-interdett jew inabilitat wara l-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni ma tistax tiġi opposta ħlief mill-kuratur, jew mill-interdett jew inabilitat, jew mill-werrieta tiegħu jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu.

Titolu VII

FUQ IL-PERSUNI ASSENTI

Tifsira ta' "assenti".

193. Dak illi ma baqax jidher f'Malta, mingħajr ma jkun hemm ebda aħbar tiegħu, jitqies assenti għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Sub-titolu I

FUQ IL-KURAZIJA TAL-ASSENTI

Talba għal-ħatra ta' kuratur.
Emendat: IX.2004.14.

194. Il-werrieta preżuntivi ta' assenti, jew kull persuna oħra li jkollha interess, jistgħu, b'rikors lill-qorti kompetenti tal-ġżira li fiha kien joqgħod l-aħħar l-assenti, jitolbu l-ħatra ta' kuratur sabiex jamministra l-beni tiegħu, u dawk il-provvedimenti l-oħra meħtieġa sabiex tiġi mħarsa l-proprjetà tiegħu.

Editt.
Emendat: XXXI.1965.8; XIII.2007 13.

195. Fuq kull talba bħal din, il-qorti għandha tordna illi editt, magħmul skont il-Formula A fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi, jiġi, għal darbtejn, b'intervall ta' mill-anqas xahar bejn darba u oħra, pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u mwaħħal fid-daħla tal-edifizzju li fih il-qorti toqgħod, u f'kull lok ieħor illi l-qorti jidhrilha sewwa, u bih isejjaħ lil kull persuna li jkollha aħbar fuq l-assenti sabiex tagħti dik l-aħbar lill-qorti, bil-mezz tar-reġistratur.

Aħbar dwar l-assenti.

196. (1) Kull aħbar dwar l-assenti tista' tingħata sew bil-miktub, f'kull għamla li tkun, kemm bil-fomm.

(2) Meta l-aħbar tingħata bil-fomm, ir-reġistratur għandu jniżżel nota tagħha fit-tarf jew fil-ġenb tar-rikors, jew, meta dan ma jistax isir, f'folja għaliha li tiġi merfugħa ma' dak ir-rikors.

(3) Ma jittieħed ebda każ ta' aħbar mogħtija minn persuna li ma turix isimha, jew li ma tkunx magħrufa u li ma ssemix il-lok li fih tista' tinsab.

Inventarju.

197. Kemm-il darba, meta jagħlaq iż-żmien imsemmi fit-tieni pubblikażzjoni tal-editt, ma tkun waslet ebda aħbar lill-qorti dwar jekk l-assenti għadux ħaj, jew dwar fejn jinsab, hija taħtar persuna sabiex tagħmel, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-istess qorti, inventarju ta' ħwejjeġ l-assenti, jew, skont iċ-ċirkostanzi, deskrizzjoni ta' dawk il-ħwejjeġ, li għandha tiġi mwettqa bil-ġurament ta' dik il-persuna:

Iżda jekk il-qorti tirċievi xi aħbar li fuqha tkun ħaġa xierqa li jsir tiftix ieħor, il-qorti tista' wkoll, qabel ma tagħmel dik il-ħatra, tordna li jsir dak it-tiftix ieħor.

Atti li ma jridux dewmien.

198. Il-qorti tista', f'kull żmien, wara t-talba msemmija fl-artikolu 194, tagħti s-setgħa lil persuna kompetenti li tagħmel, f'isem l-assenti, dawk l-atti li ma jkunux iridu dewmien.

Obbligazzjoni tal-kuratur.

199. (1) Wara li jsir l-inventarju jew id-deskrizzjoni, il-qorti, qabel ma tilqa' t-talba, tordna lill-persuna li hija tkun sejra taħtar bħala kuratur, biex tobbliga ruħha, b'ipoteka ta' ħwejjiġha tas-somma biss illi tiġi stabbilita, li tamministra bis-sewwa u bil-ħaqq il-ġid tal-assenti, u li tagħti, fit-tmiem tal-kurazija, kont veru u fidil tal-amministrazzjoni tagħha.

(2) Meta l-qorti jidhrilha xieraq illi l-persuna li tkun sejra tiġi maħtura bħala kuratur għandha ġġib garanzija, l-obbligazzjoni tal-garanti għandha wkoll issir qabel il-ħatra tal-kuratur.

Persuni li ma jistgħux jiġu maħtura kuraturi. *Emendat: XLVI.1973.49.*

200. (1) Il-persuni li skont l-artikolu 163 m'humiex tajbin biex jiġu maħtura tuturi, ma jistgħux jiġu maħtura kuraturi.

(2) Ħadd ma huwa obbligat jaċċetta l-kurazija ta' wieħed assenti.

Il-qorti tista' taħtar iżjed minn kuratur wieħed. *Emendat: XLVI.1973.50.*

201. (1) Il-qorti tista' taħtar żewġ kuraturi jew iżjed.

(2) F'kull każ bħal dan għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 161(2) u (3).

Għoti ta' kontijiet.

202. (1) Il-kuratur għandu jagħti l-kont tal-amministrazzjoni tiegħu lill-assenti, jekk dan jiġi lura, jew jekk jaħtar prokuratur, inkella lil dawk li jiġu mdaħħlin fil-pussess ta' ħwejġu.

(2) Iżda, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 168 igħoddu wkoll għal dan il-kuratur.

Il-kuratur jidher għall-assenti.

203. (1) Il-kuratur jidher għall-assenti fl-atti ċivili, u għandu jamministralu ħwejġu bħal missier tajjeb tal-familja.

(2) Huwa fid-dmir li jissokta jfittex jekk l-assenti għadux ħaj, jew fejn jista' jinsab, u li jgħarraf lill-qorti bl-aħbarijiet li jkollu.

(3) Jekk ma jkunx ġie ordnat xort'oħra fid-digriet li jaħtar il-kuratur jew f'xi digriet ieħor, igħoddu għal dan il-kuratur id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 169 u 177 sa 182 it-tnejn magħduda.

Meta l-assenti jħalli prokuratur.

204. (1) Meta l-assenti jkun ħalla prokuratur sabiex jamministralu ħwejġu, il-qorti għandha, fiż-żmien li l-prokura tibqa' sseħħ, tagħti l-provvedimenti biss dwar dawk l-atti li ma jistgħux isiru mill-prokuratur bis-setgħa tal-prokura jew bis-saħħa

tal-liġi.

(2) Meta l-prokura tispiċċa, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

Sub-titotu II

FUQ IL-PUSSESS PROVVIŻORJU TA' ĦWEJJEĠ L-ASSENTI

Ftuħ ta' testmenti. *Emendat: LIV.1974.2; IX.2004.14; XXIV.2011.99.*

205. Wara tliet snin, li ma jaqtgħux, mill-aħħar aħbar dwar l-assenti, jew wara sitt snin, jekk l-assenti jkun ħalla prokuratur biex jamministralu ħwejġu, il-qorti kompetenti tal-gżira li fiha l-assenti kien joqgħod l-aħħar, tista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, tordna l-ftuħ ta' kull testment sigriet, jew tiddikjara b'dak kollu li jingħad fl-artikolu 68 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, li jistgħu jinqraw minn kulħadd it-testmenti pubbliċi li l-assenti jkun għamel.

Kap. 55.

Editt.

206. (1) Fuq kull talba bhal dik, il-qorti tisma' l-prokuratur jew il-kuratur, jekk ikun hemm, u, jekk jidhrilha li għandu jingħata l-provvediment mitlub, tordna li editt bħal dak imsemmi fl-artikolu 195, jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u mwaħħal fid-daħla tal-edifizzju li fih toqgħod il-qorti, u f'kull lok ieħor li jidhrilha xieraq.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 196 dwar kif għandhom jingħataw l-aħbarijiet fuq nies assenti, igħoddu wkoll għall-każ imsemmi f'dan l-artikolu.

Jekk igħaddu sitt xhur mingħajr ebda aħbar dwar l-assenti.

207. Wara li jgħaddu sitt xhur mill-pubblikażzjoni tal-editt, il-qorti, f'nuqqas ta' ebda aħbar dwar l-assenti, tordna, b'digriet, il-ftuħ ta' kull testment sigriet, jew, skont il-każ, tiddikjara li jista' jinqara minn kulħadd kull testment pubbliku magħmul mill-assenti.

Talba għad-dħul fil-pussess provviżorju mill-werrieta leġittimi jekk it-testment ma jkunx igħajjat werrieta. *Emendat: LIV.1974.4; IX.2004.14.*

208. Il-werrieta b'testment tal-assenti, jew il-werrieta tagħhom, jew jekk it-testment ma jkun igħajjat ebda werrieta, dawk il-persuni li kienu jkunu l-werrieta leġittimi li kieku l-assenti miet fil-jum tal-aħħar aħbar dwaru, jew il-werrieta tagħhom, jistgħu jagħmlu talba lill-qorti kompetenti tal-gżira li fiha l-assenti kien joqgħod l-aħħar, biex tagħtihom li jidħlu fil-pussess provviżorju ta' ħwejjeġ l-assenti.

jew jekk ma jkunx hemm testment sigriet jew pubbliku.

209. (1) Jekk ma jkunx hemm testment sigriet jew pubbliku, it-talba msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan tista' ssir minnufih wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi għal kull każ fl-artikolu 205.

(2) Fuq dik it-talba l-qorti tisma' l-prokuratur jew il-kuratur, jekk ikun hemm, u, jekk ikun meħtieġ, toħroġ editt bħal dak imsemmi fl-artikolu 206, u tordna li jiġi mwaħħal kif jingħad f'dak l-artikolu; u tagħti fuq dik il-talba d-digriet meħtieġ, wara li jagħlqu sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-editt.

Pubblikazzjoni tal-editt.

210. L-editt meħtieġ fl-artikoli 206 u 209, għandu jiġi pubblikat u mwaħħal darbtejn, b'intervall għall-anqas ta' xahar bejn darba u

oħra, kemm-il darba, qabel it-talba l-waħda jew l-oħra msemmijin f'dawk l-artikoli, ma jkunx ġie maħtur kuratur; u, f'kull każ bħal dan, is-sitt xhur li għandhom igħaddu qabel id-digriet tal-qorti, jibdew igħaddu mit-tieni pubblikażzjoni tal-editt.

Jeddijiet tal-legatarji, eċċ. *Emendat: XXII.2005.81.*

211. Meta jkun hemm lok għat-talba tal-werrieta għad-dhul fil-pussess provviżorju tal-beni, ukoll fil-każ li huma ma jkunux għamlu dik it-talba, il-legatarji, id-donatarji, u dawk kollha li jkollhom fuq ħwejjeġ l-assenti jeddijiet li jiddependu mill-mewt tiegħu, jistgħu, b'rikors ġuramentat kontra l-werrieta b'testment jew kontra l-werrieta leġittimi, skont il-każ, u kontra l-prokuratur jew il-kuratur, jekk ikun hemm, jitolbu li jiġu mdaħħla fl-eżerċizzju provviżorju ta' dawk il-jeddijiet.

Garanzija.

212. Il-werrieta, u l-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jiġux imdaħħla fil-pussess provviżorju ta' ħwejjeġ l-assenti, jew ma jingħatax lilhom li jeżerċitaw il-jeddijiet li jista' jkollhom, ħlief jekk jagħtu garanzija f'somma li tiġi stabbilita mill-qorti, skont l-artikolu 352.

Kawtieli oħra minflok il-garanzija.

213. Jekk xi wieħed mill-werrieta preżuntivi jew persuni oħra li jkollhom jeddijiet fuq ħwejjeġ l-assenti ma jkunx jista' jagħti l-garanzija hawn fuq imsemmija, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tordna dawk il-kawtieli l-oħra li jidhrilha meħtieġa fl-interess tal-assenti, billi tqis il-kondizzjoni tar-rikorrenti, kif jiġu mill-assenti, u ċirkostanzi oħra.

Mart jew żewġ l-assent jistgħu jitolbu l-manteniment.

214. Mart jew żewġ l-assenti, barra minn dak li jkun imisshom bis-saħħa tal-kitba taż-żwieġ, jew b'wirt, jew b'titolu ieħor skont il-liġi, jistgħu, f'każ ta' bżonn, jitolbu li tiġi mgħoddija lilhom somma għall-manteniment, meqjusa skont il-kondizzjoni tal-familja u l-ammont tal-assi tal-assenti.

Effetti tad-dħul fil-pussess provviżorju.

215. Il-persuni mdaħħlin fil-pussess provviżorju tal-beni tal-assenti, u l-werrieta tagħhom, għandhom l-amministrazzjoni ta' dawn il-beni, il-jedd li joqogħdu f'kawżi dwar il-jeddijiet tal-assenti, u tgawdija tal-utili tal-beni tal-assenti, fil-limiti stabbiliti hawn 'il quddiem.

Inventarju tal-beni. *Emendat: IX.2004.14.*

216. (1) Il-persuni mdaħħlin fil-pussess provviżorju tal-beni tal-assenti għandhom jieħdu l-passi meħtieġa quddiem il-qorti kompetenti, sabiex jagħmlu, fi żmien tliet xhur minn dak in-nhar tad-dħul fil-pussess provviżorju, inventarju tal-ħwejjeġ mobbli u deskrizzjoni tal-immobbli tal-assenti, jekk ma jiġux meħlusin minn dan mill-qorti minħabba li dan l-inventarju jew deskrizzjoni jkunu ġà saru taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 197, jew għal xi raġuni tajba oħra.

(2) Il-qorti tista' tordna, jekk ikun meħtieġ, li l-inventarju jew id-deskrizzjoni hawn fuq imsemmijin isiru qabel ma tilqa' t-talba għad-dħul fil-pussess provviżorju.

Setgħat ta' dawk li jaqalgħu d-dħul fil-pussess provviżorju.

217. (1) Il-persuni li lilhom ikun ġie mogħti d-dħul fil-pussess provviżorju tal-beni tal-assenti ma jistgħux, mingħajr is-setgħa tal-qorti, jittrasferixxu jew jipotekaw il-ħwejjeġ immobbli, jew jagħmlu xi att li ma jkunx ta' sempliċi amministrazzjoni.

(2) Il-qorti tordna, meta jkun meħtieġ, il-bejgħ tal-ħwejjeġ mobbli kollha jew ta' biċċa minnhom; u f'kull każ bħal dan il-prezz

għandu jiġi impjegat bl-imgħax, jew xort'oħra kif il-qorti jidhrilha xieraq.

Tgawdija tal-frottijiet. *Emendat: LIV.1974.5.*

218. (1) Meta l-persuni mdaħħlin fil-pussess provviżorju tal-beni, jew mogħtija l-eżerċizzju provviżorju tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 211, ikunu l-axxendenti, id-dixxendenti jew żewġ jew mart l-assenti, huma jżommu l-frottijiet kollha għalihom infishom.

(2) Jekk il-persuni hawn fuq imsemmija huma qraba tal-assenti f'xi grad ieħor, jew barranin, huma għandhom iżommu mwarrba minn tlieta wieħed tal-frottijiet:

Iżda wara li jgħaddu għaxar snin wara xulxin mill-ġurnata li fiha nstemgħet l-aħħar aħbar tal-assenti jew sitt snin mid-dħul tal-pussess provviżorju, il-frottijiet kollha jkunu proprjetà tal-imsemmija persuni.

Jeddijiet aqwa jew daqsinsew għall-pussess provviżorju.

219. (1) Jekk, matul il-perijodu ta' pussess provviżorju, xi persuna turi li kellha, fiż-żmien tal-għoti tad-dħul f'dak il-pussess, jedd aqwa jew daqs dak tal-pussessur, hija tista' toħroġ lil dan mill-pussess, jew tidħol taqsam miegħu.

(2) Iżda, il-persuna hawn fuq imsemmija ma jkollhiex jedd għal dawk il-frottijiet ħlief minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja.

Meta l-assenti jerġa' jidher. *Emendat: XI.1977.2.*

220. (1) Jekk l-assenti jerġa' jidher, jew jinsab li għadu ħaj, l-effetti tad-dħul tal-pussess provviżorju, jew dawk tas-setgħa mogħtija għall-eżerċizzju tal-jeddijiet imsemmijin fl-artikolu 211, jispiċċaw, u l-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa biex jinżammu u jiġu amministrati l-beni tiegħu.

(2) Il-pussessuri tal-beni, u dawk il-persuni li jkunu ħadu xi ħlas bis-saħħa tal-eżerċizzju ta' jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, għandhom irodduhom flimkien mal-frottijiet, kif provdut fl-artikolu 218(2).

Mewt tal-assenti. *Emendat: XI.1977.2.*

221. Kemm-il darba, matul il-perjodu ta' pussess provviżorju, jiġi ppruvat iż-żmien tal-mewt tal-assenti, is-suċċessjoni tiegħu tinfetaħ favur dawk il-persuni li f'dak iż-żmien kienu l-werrieta tiegħu b'testment jew werrieta leġittimi, jew is-suċċessuri tagħhom; u l-persuni li jkunu gawdew il-beni, għandhom irodduhom, flimkien mal-frottijiet, kif provdut fl-artikolu 218(2).

Jeddijiet ta' persuni kontra assenti.

222. Wara l-għoti tad-dħul fil-pussess provviżorju, kull min ikollu jeddijiet xi jġib kontra l-assenti, għandu jġibhom 'il quddiem kontra dawk li jkunu ġew imdaħħla fil-pussess tal-beni.

Sub-titolu III

FUQ IL-PUSSESS ASSOLUT TA' ĦWEJJEĠ L-ASSENTI

Pussess assolut. *Sostitwit: LIV.1974.6. Emendat: IX.2004.14; XXII.2005.81. Sostitwit: XV.2012.10.*

223. Jekk l-assenza tissokta għal żmien ta' sitt snin wara d-dħul fil-pussess provviżorju, jew jekk b'rikors li jkun ġie ppreżentat mill-werrieta b'testment jew mill-werrieta bil-liġi tal-assenti quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tal-gżira li fiha l-assenti kien joqgħod l-aħħar kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun ġiet dikjarata b'digriet li tkun damet għal żmien ta' għaxar snin kontinwi mid-data tal-aħħar aħbar dwar l-assenti, il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja għandha, fuq it-talba ta' min ikollu interess, tagħti, b'digriet, id-dħul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-eżerċizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, u tiddikjara maħlula l-garanziji, u li ma għandhomx iseħħu l-kawtieli l-oħra li setgħu jkunu ġew ordnati:

Iżda jekk l-assenti jkun minuri, iż-żmien li matulu ma jkunx baqa' jidher stabbilit taħt dan l-artikolu għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-persuna kienet tilħaq l-età maġġuri.

Każjiet li fihom jingħata l-pussess assolut. *Emendat: LIV.1974.7.*

224. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu, jew, skont il-każ, id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tas-suċċessjoni tista' ssir ukoll, għad illi ma jkun ġie maħtur ebda kuratur u lanqas ma jkun ingħata d-dħul fil-pussess provviżorju kif jingħad fiż-żewġ subtitoli ta' qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk ikunu għaddew mitt sena mit-twelid tal-assenti, u mill-anqas sena mill-aħħar aħbarijiet li kien hemm fuqu;

(*b*) jekk ikunu għaddew tmenin sena mit-twelid tal-assenti, u mill-anqas sitt snin mill-aħħar aħbarijiet li kien hemm fuqu.

Jeddijiet ta' dawk li jkunu ġew imdaħħla fil-pussess assolut.

225. Dawk li jkunu ġew imdaħħla fil-pussess assolut tal-beni jew li lilhom ikun ġie mogħti l-eżerċizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, jistgħu jagħmlu bejniethom il-qasma definittiva tal-beni tal-assenti, u jistgħu jiddisponu kif iridu minn dawk il-beni.

Jekk l-assenti jiġi lura.

226. Jekk l-assenti jiġi lura, jew jekk jinsab li għadu ħaj, hu jieħu lura ħwejġu, fl-istat li jkunu, u jkollu jedd għall-prezz tal-beni li jkunu ġew ittrasferiti, jekk dak il-prezz ikun għad ma tħallasx, jew għall-beni li bil-prezz ta' dak il-bejgħ ikunu nxtraw.

Jeddijiet ta' ulied l-assenti. *Emendat: XVIII.2004.36.*

227. L-ulied jew id-dixxendenti tal-assenti jistgħu wkoll, fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845, li jibda jgħodd mill-għoti ta' dħul fil-pussess assolut, jew minn dak in-nhar li setgħat issir id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tas-suċċessjoni, iġibu 'l quddiem il-jeddijiet tagħhom fuq ħwejjeġ l-assenti skont ir-regoli miġjuba fl-aħħar artikolu qabel dan, mingħajr ma jkunu obbligati li jippruvaw il-mewt tiegħu.

Jeddijiet oħra.

228. Jekk wara d-dħul fil-pussess assolut, jiġi ppruvat iż-żmien tal-mewt tal-assenti, dawk illi, f'dak iż-żmien, kienu werrieta jew legatarji tiegħu, jew kisbu xi jedd minħabba l-mewt tiegħu, jew is-suċċessuri tagħhom, jistgħu jġibu 'l quddiem il-jeddijiet li jmissu lilhom, bla ħsara tal-jeddijiet li l-pussessuri jkunu kisbu bil-preskrizzjoni, u tal-effetti tal-bona fidi dwar il-frottijiet li jkunu diġà ngabru.

Sub-titolu IV

FUQ L-EFFETTI TAL-ASSENZA DWAR JEDDIJIET LI JISTGĦU JMISSU LILL-ASSENTI

Talb ta' jeddijiet f'isem ta' persuna li mhux magħruf jekk hix ħajja.

229. Ħadd ma jista' jitlob jedd f'isem persuna oħra li mhux magħruf jekk hix ħajja, jekk ma jippruvax li dik il-persuna kienet ħajja fiż-żmien li dak il-jedd inħoloq.

Meta tinfetaħ suċċessjoni.

230. (1) Meta tinfetaħ suċċessjoni li għaliha kollha jew għal parti minnha tkun imsejħa persuna li ma jkunx magħruf jekk hix ħajja, dik is-suċċessjoni tgħaddi favur dawk li magħhom dik il-persuna kien ikollha jedd li tikkonkorri, jew favur dawk li lilhom kienet tkun tmiss fin-nuqqas tagħha, bla ħsara tal-jedd ta' rappreżentazzjoni.

(2) Dawk li għalihom, fin-nuqqas ta' dik il-persuna, tgħaddi s-suċċessjoni, għandhom jagħmlu inventarju, jew, jekk il-qorti jidhrilha li iżjed jaqbel, deskrizzjoni tal-beni.

Azzjoni għat-talba ta' wirt.

231. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan jgħoddu, bla ħsara tal-jedd ta' azzjoni għal-talba tal-wirt, jew tal-jeddijiet l-oħra li jmissu lill-assenti, jew lil dawk li jidhru floku, jew li għandhom jedd minnu. Dawn il-jeddijiet jispiċċaw biss wara li jgħaddi ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni.

Frottijiet miġbura b'bona fidi.

232. Sakemm l-assenti ma jidhirx, jew il-jeddijiet li jmissu lilu ma jinġibux 'il quddiem f'ismu, dawk li għandhom tkun għaddiet is-suċċessjoni mhumiex obbligati jroddu l-frottijiet li jkunu ġabru b'bona fidi.

Sub-titolu V

FUQ IL-KURAZIJA TAT-TFAL MINURI TAL-ASSENTI

Kurazija tat-tfal minuri tal-assenti.
Sostitwit: XLVI.1973.51.
Emendat: XXI.1993.2.

233. (1) Jekk xi wħud mit-tfal tal-assenti jkunu taħt l-età, u ma jkunux suġġetti għas-setgħa tal-ġenituri, il-qorti tista', fuq talba ta' kull min ikun, taħtar għal dawk it-tfal kuratur wieħed jew iżjed.

(2) Id-dispożizzjonijiet dwar it-tutela ta' minuri li jkollu l-ġenituri tiegħu mejtin, igħoddu, safejn jistgħu jgħoddu, għall-kurazija ta' minuri ordnata skont dan l-artikolu.

Titolu VIII

FUQ L-ATTI TAL-ISTAT ĊIVILI

Sub-titolu 1

DISPOSIZZJONIJTET ĠENERALI

Atti li għandhom isiru meta titwieled, tiżżewweġ, jew tmut persuna.

234. (1) Meta titwieled, tiżżewweġ jew tmut persuna, għandu jsir att, skont il-formula li tmiss li hawn ma' dan il-Kodiċi, illi għandu jkun fih il-partikolaritajiet meħtieġa f'dan it-Titolu, u għandu jkun miktub b'kitba ċara li tinqara u mingħajr taqsir ta' kliem.

(2) Kemm-il darba xi partikolarità milli hawn imsemmija hawn fuq ma tistax tkun magħrufa, dan għandu jingħad fl-att, fil-lok li jmiss.

Eċċezzjonijiet. *Sostitwit: VI.1968.2.*

235. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma japplikawx fil-każ ta' mewt ta' persuna ingaġġata, u li tkun għada sservi, f'xi forzi armati ta' pajjiż barrani, ħlief jekk dik il-persuna tkun ċittadin ta' Malta jew miżżewġa lil xi persuna li tkun ċittadin ta' Malta.

Min għandu jikteb dawn l-atti. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68; LXV.2020.20.*

236. L-atti tat-twelid jew tal-mewt għandhom jinkitbu mill-uffiċjali maħtura mill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku għal daqshekk.

Atti taż-żwieġ. *Sostitwit: XXXVII.1975.23.*

237. L-atti taż-żwieġ għandhom jinkitbu u jiġu ffirmati kif provdut fl-artikolu 293.

Reġistri. *Emendat: VII.1982.2; XXXI.1986.4; III.1994.3; XXV.2014.2; XXVII.2020.37.*

238. (1) Fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex, għandhom jinżammu ħames (5) reġistri: wieħed biex fih jitniżżlu l-atti tat-twelid, wieħed biex fih jitniżżlu l-atti taż-żwieġ, ieħor biex fih jitniżżlu l-atti tal-unjoni ċivili, ieħor biex fih jitniżżlu l-atti tal-mewt, u l-ħames wieħed biex fih jitniżżlu l-atti tal-koabitazzjoni.

(2) Kull volum ta' dawn ir-reġistri għandu jkun enumerat mill-ewwel sa l-aħħar paġna. L-aħħar paġna ta' kull volum ikun fiha dikjarazzjoni tan-numru totali tal-paġni li jkun fih; din id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Reġistrazzjoni fl-uffiċċju ta' Malta jew ta' Għawdex. *Emendat: XXXVII. 1975.23; XXII. 1976.4; XII.1986.3; III.1994.4; XV.2012.11; XLIII.2018.3.*

239. (1) Fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta għandhom jitniżżlu l-atti kollha tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt li jkun hemm fil-gżira ta' Malta, kif ukoll l-atti msemmijin fl-artikoli 244 u 285; u fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex għandhom jitniżżlu l-atti tat-twelid, ta' ż-żwieġ, u tal-mewt li jkun hemm fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.

(2) Kopja ta' att, reġistrata kif provdut fis-subartikolu (1) u trasmessa lid-Direttur b'kull mezz elettroniku, jew kull kopja vera tagħha, għandha titqies li tkun kopja vera u awtentika għall-finijiet kollha tal-liġi sakemm din tkun iffirmata mid-Direttur li jirċeviha.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-firma tad-Direttur tista' wkoll tkun firma elettronika skont it-tifsira mogħtija lilha fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern.

In-numru li jmiss, *Emendat: XVIII.1938.2.*

240. (1) L-atti li jidħlu għar-reġistrazzjoni għandhom jiġu nnumerati wieħed wara l-ieħor, għandhom iġibu d-data li fiha jiġu rċevuti u għandhom jiġu ffirmati mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

(2) Att jitqies li ġie rċevut mid-Direttur, meta dan jagħmel fuqu l-firma tiegħu.

għal kull xorta ta' atti.

241. Kull xorta ta' atti għandu jkollha numerazzjoni għaliha, li tibda mill-ewwel att u tispiċċa fl-aħħar wieħed li jkun daħal f'kull sena.

L-atti għandhom jinkitbu ċar. *Emendat: XXIV.2011.99; XIX.2012.16.*

242. (1) Id-Direttur m'għandu jirċievi ebda att li ma jkunx miktub ċar u li jinqara, jew li jkun fih kliem imqassar, jew li jidhirlu li jkun nieqes minn xi ħaga jew mhux regolari.

(2) F'kull każ minn dawn, l-att għandu jinġieb mid-Direttur quddiem l-Imħallef irtirat, jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, li, wara li jisma', jekk ikun meħtieġ, lill-persuna li tkun għamlet dak l-att, jiddeċiedi kif, skont il-liġi, l-att għandu jiġi magħmul.

(3) Id-Direttur ma jistax jirrifjuta li jirċievi att li jkun iġib il-firma tal-imsemmi Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat.

L-artikolu 242 jgħodd għall-fidijiet ta' magħmudija jew ta' żwieġ. *Emendat: XXII.1939.2; XXXVII.1975.23; XXII.1976.4.*

243. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu għal kull fidi ta' magħmudija li tiġi ppreżentata lid-Direttur taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 273 u 285.

(2) Ma tiġi irċevuta ebda fidi ta' magħmudija li ma tkunx miktuba bl-ilsien Malti, Ingliż jew Latin.

Twelid, żwieġ, unjonijiet ta' stat ekwivalenti u mewt f'pajjiżi barranin. *Emendat: XXXI.1965.10. Sostitwit: VI.1968.3. Emendat: IX.2014.16.* Kap. 530.

244. (1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.

(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.

Kif għandha ssir ir-reġistrazzjoni. *Emendat: XXI.1933.1; XX.1934.2.*

245. (1) L-atti għandhom jitniżżlu fir-reġistru li jmiss, wieħed wara l-ieħor, fl-ordni li jkunu daħlu, u mingħajr ebda vojt bejniethom.

(2) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir, sakemm jista' jkun, skont il-formuli li hawn ma' dan il-Kodiċi dwar kif għandhom jinkitbu l-atti, ukoll meta d-dokumenti, illi fil-każijiet imsemmijin f'dan it-Titolu jistgħu jiġu ppreżentati minflok dawn l-atti, ikunu magħmula xort'oħra.

(3) Ir-reġistrazzjoni għandu jkun fiha wkoll id-data ta' meta jidħol l-att, u t-traskrizzjoni tal-firma tad-Direttur.

Dikjarazzjoni fl-aħħar paġna tar-reġistru.
Emendat: XX.1934.3; XXXI.1965.11.

246. (1) Id-Direttur għandu, fl-aħħar paġna ta' kull reġistru, jagħmel dikjarazzjoni li tgħid illi r-reġistrazzjonijiet li hemm f'dak ir-reġistru huma kopji veri tal-atti originali tagħhom.

(2) Din id-dikjarazzjoni għandha ssir f'kull reġistru fi żmien xahar minn dak in-nhar li jkun daħal l-aħħar att li ġie mniżżel f'dak ir-reġistru.

(3) Id-Direttur għandu jikteb id-data u jagħmel il-firma tiegħu minnufih wara dik id-dikjarazzjoni u wara kull annotazzjoni li hu jniżżel fir-reġistru taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Meta għandha ssir ir-reġistrazzjoni.
Emendat: XX.1934.4; VI.1968.4; XII.2015.4.

247. Kull att għandu jiġi mniżżel mid-Direttur fiż-żmien ta' tletin ġurnata tax-xogħol minn dak in-nhar li jirċevih:

Iżda dan l-artikolu ma jkunx japplika fil-każijiet imsemmija taħt l-artikolu 285A.

Tiswija ta' żbalji.
Emendat: XX.1934.5.

248. Jekk qabel ma jiffirma d-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 246, jew xi annotazzjoni, ikun jinħtieġ li jissewwa xi żball, id-Direttur għandu jagħmel il-korrezzjoni bil-mod u l-għamla li ġejjin - f'każ ta' reġistrazzjoni, b'postilli fit-tarf tagħha ffirmati minnu u, fil-każ ta' annotazzjoni, b'postilli fl-aħħar tagħha qabel il-firma; u t-tħassir li jkun jinħtieġ għandu jsir b'mod illi l-kliem imħassar ikun jista' jibqa' jinqara ċar; ma jista' jsir ebda brix.

Irfigħ tal-atti.

249. Kull att jew dokument irċevut għandu, ukoll wara li jkun ġie rreġistrat, jiġi merfugħ.

Indiċi.

250. (1) Fl-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex, għandu jsir, fl-ewwel tliet xhur ta' kull sena, indiċi alfabetiku tar-reġistrazzjonijiet li jkunu tniżżlu matul is-sena ta' qabel.

(2) Id-Direttur tal-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex għandu, fi żmien xahar mill-aħħar ġurnata taż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1), jibgħat lid-Direttur tal-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta kopja tal-indiċi ta' kull sena.

L-atti u r-reġistri jista' jarahom kull min irid.
Emendat: XX.1934.6; XXII.1939.2; XXXI. 1965.12; XXXVIII.1972.4; XXI.1993.65; III.1994.5; XIII.2005.9; VIII.2007.5; XIII.2007 13; XVIII.2007.4; XV.2012.12; A.L. 311 tal-2012; XXV.2014.3; XXIII.2017.51; XLIII.2018.4.

251. (1) Ir-reġistri, l-atti u d-dokumenti msemmija fl-artikoli ta' qabel dan, jista' jarahom kull min irid, u estratti tagħhom, iffirmati b'mod manwali jew elettroniku kif imfisser fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u servizzi ta' fiduċja għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern, mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta jew mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, jiġu mogħtija lil kull min jagħmel talba għalihom.

(2) F'dan it-Titolu l-kelma "estratt" tfisser ċertifikat li jkollu kopja fil-qosor ta' att reġistrat wieħed jew iżjed minn wieħed skont il-Formuli I, J, K, KK, L, O u P murija fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi. 11-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha mniżżlin fil-marġini tar-reġistri għandhom ikunu nkorporati fl-estratt barra minn annotazzjonijiet dwar adozzjonijiet li għandhom jiġu traskritti fid-dahar tal-estratt.

(2A) (*a*) Estratti ta' atti tat-twelid u ta' reġistrazzjonijiet fir-reġistru ta' persuni adottati għandhom jinħarġu fuq il-Formoli I jew J murija fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi.

(*b*) Għall-finijiet tal-estratti maħruġa skont il-paragrafu (*a*) reġistrazzjonijiet fir-reġistru ta' persuni adottati jingħataw numru konsekuttiv li jkompli mal-aħħar numru tal-atti tat-twelid reġistrati fis-sena tat-twelid tal-persuna adottata, jew wieħed minn dawk in-numri mħolli għal hekk mid-Direttur u li jkun relattiv għas-sena tat-twelid tal-persuna adottata, liema numri ma jingħatawx lil atti tat-twelid. L-imsemmija sena għandha wkoll tkun indikata.

(*ċ*) Il-fatt li numri jkunu, skont il-paragrafu (*b*), imħollija għar-reġistrazzjoni ta' persuni adottati, ikun sigriet u konfidenzjali. Lista ta' dawk in-numri għandha tingħata biss lid-dipartiment tal-Gvern li għandu x'jaqsam man-nazzjonalità, lill-Uffiċċju tal-Passaporti, lill-Kummissjoni Elettorali u lir-Reġistratur taż-żwieġ li jkunu marbutin bl-istess segretezza u kunfidenzjalità.

(3) Id-Diretturi msemmijin fis-subartikolu (1) għandhom ukoll, jekk jiġu mitluba, jagħtu ċertifikat li jkun fih vera kopja sħiħa ta' att reġistrat wieħed jew iżjed minn wieħed, kif ukoll ċertifikat li jiddikjara l-ineżistenza ta' xi reġistrazzjoni jekk wara riċerki għal xi reġistrazzjoni jew att tali, dik ir-reġistrazzjoni jew att ma jinstabux:

Iżda l-kliem "missier illeġittimu" kull fejn dawn jinsabu f'att ta' stat ċivili reġistrat qabel l-1 ta' Marzu, 2005 ma għandhom jiġu riprodotti f'ebda kopja jew estratt ta' dak l-att maħruġ mid-Diretturi msemmija fis-subartikolu (1), ħlief skont ma jista' jiġi xort'oħra espliċitament ordnat jew awtorizzat mill-qorti:

Iżda wkoll f'estratt ta' xi att tat-twelid -

(*a*) il-kliem "mhux miżżewġa", dwar l-istat tal-omm, m'għandhomx jissemmew;

(*b*) meta t-tarbija tkun twieldet aktar minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taż-żwieġ tal-omm m'għandha tissemma l-ebda referenza għal dik is-separazzjoni legali, għad-divorzju jew għall-annullament taż-żwieġ;

(*ċ*) meta tarbija titwieled matul iż-żwieġ, għandha tingħata indikazzjoni, fl-att tat-twelid, taż-żwieġ tal-konjuġi biswit l-isem u l-kunjom tagħha billi jintużaw il-kliem "il-konjuġi tal-imsemmi" ;

(*d*) meta tarbija tkun twieldet anqas minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taż-żwieġ tal-omm kull referenza għal dak il-fatt m'għandhiex titniżżel.

(4)* Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jagħti lil kull persuna li tkun qed tapplika għal dan, ċertifikat, li d-dettalji ta' fuqu għandhom jiġu preskritti, u liema dettalji jirriflettu kull att ta' status ċivili li jkunu tniżżlu fir-Reġistru Pubbliku dwar kull

*Dan is-subartikolu għadu mhux fis-seħħ.

individwu reġistrat mar-Reġistru Pubbliku.

Ir-reġistri jagħmlu prova.
Emendat: XV.2012.13; XLIII.2018.5.

252. (1) Ir-reġistri, u l-estratti minnhom, kif ukoll iċ-ċertifikati ffirmati mid-Direttur, b'mod manwali jew elettroniku kif imfisser fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u servizzi ta' fiduċja għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern huma prova ta' dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

(2) Ma hija meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom ħlief dik li tidher minnhom innifishom.

Tiswija jew tħassir ta' reġistrazzjonijiet.
Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXX.1979.3; VII.1982.3; VIII.1990.3; III.1994.6; IX.2004.14; XXII.2005.81; XXIV.2011.99; XV.2012.14; XIX.2012.16; L.N. 426 of 2012; XXIII.2017.52.

253. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:

Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.

(2A) Meta, fiċ-ċirkostanzi msemmija fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti iżda verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess isem jew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem jew ismijiet tradotti jkun jirriżulta jew minn att tal-istat ċivili ieħor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun maħruġ lilu qabel il-31 ta' Diċembru 2011, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-persuna kkonċernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-korrettezza u bil-veraċità ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni maħlufa, jipproċedi billi jdaħħal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat ċivili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-qorti kompetenti b'rikors ġuramentat kontra d-Direttur.

Kap. 12.

(5) F'kull talba bħal din, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 158(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' wkoll tiġi konfermata bil-ġurament minn kull uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306(1) jew (4).

Avviż lill-partijiet interessati. *Emendat: XXXI.1965.8; XIII.2007 13.*

254. (1) Ħmistax-il ġurnata, għall-anqas, qabel is-smigħ tal-kawża fuq it-talba msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jiġi, b'ordni tal-qorti, pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern avviż, skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi, illi bih, kull min ikollu interess, jiġi msejjaħ sabiex jiddikjara, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, bil-mezz ta' nota, jekk hux bi ħsiebu jopponi t-talba.

(2) Avviż dwar il-ġurnata tas-smigħ tal-kawża għandu jingħata lil kull persuna li tkun ippreżentat dik in-nota fiż-żmien hawn fuq imsemmi.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 253 u 254 igħoddu bla ħsara tal-artikoli 960 sa 962 tal-Kodiċi ta' Org. u Proċ. Ċivili. Kap. 12.

255. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan mhumiex ta' xkiel għall-applikażżjoni tal-artikoli 960, 961 u 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tiswijiet, eċċ., ordnati mill-qorti. *Emendat: XXXI.1965.13; XXXI.2002.211.*

256. (1) Kull korrezzjoni, tħassir jew reġistrazzjoni ordnata ssir mid-Direttur fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur.

(2) Riferenza għal dik is-sentenza għandha ssir b'annotazzjoni fil-ġenb tar-reġistru.

Korrezzjonijiet ordnati mill-Qorti ta' Revizjoni. *Miżjud: II.1944.2. Emendat: XXXI.1965.14; A.L. 148 tal-1975; XI.1977.2; XXIV.1995.362; XIII.2007 13; XXIV.2011.99; XIX.2012.16; XXIII.2017.53; Sostitwit: LXV.2020.21.*

257. (1) Minkejja dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 253 sa 256, it-tnejn inklużi:

(*a*) il-korrezzjoni ta' reġistrazzjoni li tkun rettifika ta' indikazzjoni żbaljata ta' xi waħda jew iżjed mill-ħwejjeġ imsemmijin, dwar kull att, fit-Taqsima III tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, tista' wkoll issir fuq ordni magħmul bil-miktub mill-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili; u

(*b*) fejn ir-reġistrazzjoni ta' Att tat-Twelid ta' persuna tkun tista' tagħti lok għall-ħolqien ta' identità doppja jew nuqqas ta' ċarezza dwar l-identità ta' dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx għadha reġistrata b'dak l-isem u, jew dak il-kunjom fl-atti u, jew dokumenti uffiċjali ta' pajjiż ieħor, l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandu jkollu s-setgħa, fuq rikors ta' dik il-persuna, li jordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid ta' dik il-persuna kif ukoll fuq kull att ieħor tal-istat ċivili li fih jidhru l-isem u, jew il-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex l-imsemmi tibdil fl-isem u, jew il-kunjom ikun magħruf.

(2) It-talba għal dik il-korrezzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, liema rikors ikollu miegħu kopja sħiħa tar-reġistrazzjoni li dwarha hi meħtieġa l-korrezzjoni.

(3) Kopja ta' kull tali rikors għandha tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi żmien tlett (3) ijiem utli minn meta jkun ġie ppreżentat.

(4) Ir-rikorrent ikun meħtieġ li jipproduċi dik ix-xhieda li l-imsemmijin Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat jidhrilhom meħtieġa u, qabel ma joħroġ ordni, l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat għandu jagħti lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-opportunità li jiġi mismugħ.

(5) Kemm jista' jkun malajr wara d-data tal-ħruġ tal-ordni, mogħti kif imsemmi hawn qabel, minn dak l-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat, u, f'kull każ, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem minn dik id-data, ir-reġistratur tal-qorti msemmija għandu, bi spejjeż tar-rikorrent, jinnotifika kopja ta' dak l-ordni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u għandu jaħseb għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta ta' avviż dwar dak li jingħad f'dak l-ordni.

(6) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll kull persuna li jista' jkollha interess, jistgħu, fi żmien sitt (6) ijiem mill-pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż fil-Gazzetta, jappellaw minn dak l-ordni permezz ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Appell.

(7) Avviż ta' appell hekk ippreżentat minn xi persuna li ma tkunx id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jingħata lil dan tal-aħħar, mir-Reġistratur tal-Qrati, mhux aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-preżentata tar-rikors tal-appell.

(8) (*a*) Kull korrezzjoni jew annotazzjoni ordnata kif imsemmi hawn qabel minn dak l-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat, għandha ssir mid-Direttur fi żmien għaxart (10) ijiem mill-pubblikazzjoni tal-ordni fil-Gazzetta jew, meta jkun sar appell kontra dak l-ordni, fi żmien sitt (6) ijiem minn meta l-kwistjoni tkun inqatgħet għal kollox mill-Qorti tal-Appell.

(*b*) Meta l-korrezzjoni jew l-annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid tirrigwarda persuna li tkun għadha ma saritx ċittadin ta' Malta, tali reġistrazzjoni bil-korrezzjoni jew annotazzjoni kif ordnata mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandha ssir mid-Direttur wara, biss, li r-rikorrent jiġi konfermat li għandu jiġi reġistrat bħala ċittadin ta' Malta.

(9) Fil-marġini tar-reġistru għandha titniżżel, ma' ġenb ir-reġistrazzjoni milquta, riferenza għall-ordni maħruġ minn dak l-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat jew għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Azzjoni għal annotazzjoni fl-indikazzjoni ta' partikolaritajiet tas-sess kif jidhru fl-att ta' twelid.
Miżjud: XVIII.2004.37.
Emendat: XXII.2005.81.

257A. (*Imħassar bl-Att XI.2015.18*).

Meta l-Qorti għandha tilqa' t-talba.
Miżjud: XVIII.2004.37.

257B. (*Imħassar bl-Att XI.2015.18*).

Tibdil fl-att ta' twelid u l-effetti tiegħu.
Miżjud: XVIII.2004.37.
Emendat: VII.2013.2.

257Ċ. (*Imħassar bl-Att XI.2015.18*).

Korrezzjoni konsegwenzjali li ssir fil-karta tal-identità.
Miżjud: XVIII.2004.37.
Emendat: A.L. 426 tal-2012.
Kap. 258.

257D. (*Imħassar bl-Att XI.2015.18*).

Tiswija ta' żbalji wara d-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 246.
Emendat: XX.1934.7.
Sostitwit: VII.1982.4.

258. Jekk jinsab, wara li d-Direttur ikun iffirma d-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 246, li sar żball, u dak l-iżball ikun ittieħed waqt li att kien qiegħed jiġi traskritt fir-reġistru, il-korrezzjoni ta' dak l-iżball għandha ssir mid-Direttur permezz ta' nota fit-tarf tar-reġistrazzjoni. Dik il-korrezzjoni għandha tkun datata u ffirmata mid-Direttur.

Vakanzi pubbliċi.

259. Il-vakanzi pubbliċi ma jwaqqfu ebda wieħed miż-żminijiet imsemmija f'dan it-Titolu.

Viżta tar-reġistri mill-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili.

260. (1) Il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandha tagħmel darbtejn, kull sena viżta tar-reġistri kif ukoll tal-atti u tad-dokumenti mdaħħla f'dawn l-atti.

(2) L-ewwel viżta għandha ssir fix-xhur ta' Marzu u April, u t-tieni fix-xhur ta' Settembru u Ottubru.

Dmirijiet tal-qorti.
Sostitwit: VI.1968.5.
Emendat: XXXI.1986.4; III.1994.7;
A.L. 407 tal-2007.

261. Il-qorti għandha, matul dik il-viżta taċċerta ruħha jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jkunux ġew imħarsa mid-Direttur jew minn wieħed mill-Assistenti Diretturi jew mill-uffiċjali msemmijin fl-artikolu 306(l), skont il-każ, u l-qorti tista', għal kull kontravvenzjoni, twaħħal lid-Direttur jew lil Assistent Direttur jew lil uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306(l), skont il-każ, ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65):

Iżda, meta l-kontravvenzjoni tikkonsisti fl-ommissjoni ta' xi ħaġa li tkun meħtieġa li ssir skont dan it-Titolu u l-qorti ma tkunx tista' taċċerta ruħha min kien responsabbli għal dik l-ommissjoni, il-kontravvenzjoni titqies li saret mid-Direttur u l-piena għandha tiġi mwaħħla lilu.

Persuni li jiċħdu li jagħtu tagħrif dwar partikolaritajiet,

262. Kull min meta jiġi mitlub mill-uffiċjal kompetenti biex jagħti tagħrif dwar partikolaritajiet meħtieġa sabiex jista' jiġi magħmul wieħed jew ieħor mill-atti msemmijin f'dan it-Titolu, jirrifjuta jwieġeb xi mistoqsija magħmula lilu minn dak l-uffiċjal dwar dawk il-partikolaritajiet, jew bla ma jkun tassew igħid li ma jaf xejn fuq dawk il-partikolaritajiet, jeħel, meta jinsab ħati, mill-qorti kompetenti, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur.

jew jagħmlu dikjarazzjoni falza,

263. Kull min li, minn rajh jew wara li jiġi mistoqsi mill-uffiċjal kompetenti, jagħmel xjentement dikjarazzjoni falza dwar partikolaritajiet meħtieġa sabiex jista' jsir wieħed jew ieħor mill-atti hawn fuq imsemmija, jeħel, meta jinsab ħati, mill-qorti kompetenti, il-piena msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

jew ma jobdux ordni.
Emendat: XI.1977.2; A.L. 407 tal-2007.

264. Kull min, barra mill-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan, jikser xi dispożizzjoni ta' dan it-Titolu, jew ma jobdix xi ordni mogħtija lilu taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, jeħel, meta jinsab ħati, mill-qorti kompetenti, detenzjoni għal mhux iżjed minn xahar jew ammenda ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

Meta l-kontravventur wara li jiskonta l-piena jibqa' jirrifjuta li jwieġeb.

265. Jekk, wara li jiskonta l-piena, il-kontravventur jibqa' jirrifjuta li jwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 262, jew li jħares id-dispożizzjonijiet tal-liġi, jew li jobdi l-ordni msemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, kull rifjut bħal dan, kull darba li jiġi mtenni, jitqies bħala reat ġdid.

Riżerva dwar pieni oħra għal reati iżjed gravi.
Kap. 9.

266. (1) Xejn fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan ma jimpedixxi li jiġu mogħtija pieni iżjed gravi taħt il-Kodiċi Kriminali.

(2) Kull min ikun ħati ta' falsifikażzjoni fl-atti jew fir-reġistri msemmijin f'dan it-Titolu, jew f'ċertifikat jew dokument ieħor li, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, jista' jiġi ppreżentat, minflok l-att, għall-iskrizzjoni ta' twelid, żwieġ, jew mewt, jeħel il-piena li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-falsifikażzjoni f'kitba pubblika.

(3) L-azzjoni tiġi mmexxija mill-Pulizija *ex officio* għal kull reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Meta huma obbligati bosta persuni, l-esekuzzjoni minn wieħed teħles lill-oħrajn.

267. Meta żewġ persuni jew iżjed huma obbligati li jagħtu avviż, jew li jagħmlu dikjarazzjoni, jew li jagħmlu xi att ieħor, u l-obbligu jkun tali li jista' jiġi esegwit minn kull wieħed waħdu minn dawk il-persuni, l-esekuzzjoni minn waħda minn dawk il-persuni teħles lill-oħrajn kollha.

Drittijiet:
Emendat: XXXI.1965.11; Sostitwit: XXX.1979.4. Emendat: IX.2000.2; XIII.2007 13.

268. Id-drittijiet stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi jistgħu minn żmien għal żmien jiġu emendati, sostitwiti jew miżjuda b'regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku u għandhom jingħabru mill-uffiċjal imsemmi minn dak il-Ministru għal hekk.

Reġistru tal-persuni adottati. *Miżjud: XXI.1962.8; Emendat: XXVIII.1963.4; XXV.1973.3; III.1994.8; XV.2012.15.*

269. (1) Għandu jinżamm fir-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex reġistru, li jkun jissejjaħ ir-Reġistru tal-Persuni Adottati, li fih jitniżżlu dawk ir-reġistrazzjonijiet li jistgħu jkunu ordnati li jitniżżlu b'digrieti ta' adozzjoni, iżda ebda reġistrazzjonijiet oħra.

(2) Fir-Reġistru tal-Persuni Adottati miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta għandhom jitniżżlu d-digrieti ta' addozzjoni dwar kull persuna li l-att tat-twelid tagħha jkun reġistrat f'dak l-Uffiċċju jew li ma jkunx reġistrat f'xi Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'dawn il-Gżejjer, u fir-Reġistru tal-Persuni Adottati miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex għandhom jitniżżlu d-digrieti ta' adozzjoni dwar kull persuna li l-att tat-twelid tagħha jkun reġistrat f'dak l-uffiċċju.

(3) Meta reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati jkollha notament tad-data tat-twelid jew tal-pajjiż jew tal-belt jew raħal tat-twelid tal-persuna adottata, kopja awtentikata ta' dik ir-reġistrazzjoni għandha, sa kemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, tittieħed bħala prova ta' dik id-data jew pajjiż jew belt jew raħal dwar kollox bħallikieku l-kopja kienet kopja awtentikata ta' att tat-twelid.

(4) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jara li indiċi tar-Reġistru tal-Persuni Adottati jsir u jinżamm fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex; u kull persuna jkollha dritt li tfittex f'dak l-indiċi u li tikseb kopja awtentikata ta' xi reġistrazzjoni ffirmata mid-Direttur fir-Reġistru tal-Persuni Adottati dwar kollox b'dawk l-istess kondizzjonijiet dwar ħlas ta' drittijiet u xort' oħra li *mutatis mutandis* huma applikabbli skont dan it-Titolu, dwar tfittix fir-reġistri miżmuma fir-Reġistru Pubbliku u dwar l-għoti minn dak l-Uffiċċju ta' kopji jew traduzzjonijiet awtentikati ta' reġistrazzjonijiet fir-reġistri tal-atti tat-twelid, żwieġ u mewt.

(5) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu, b'żieda għar-Reġistru tal-Persuni Adottati u l-indiċi tiegħu, iżomm dawk ir-reġistri u kotba oħra, u jagħmel dawk ir-reġistrazzjonijiet fihom, li jkunu meħtieġa biex tiġi nnottata u tkun tista' titnissel il-konnessjoni bejn reġistrazzjoni fir-reġistru tal-atti tat-twelid li tkun ġiet immarkata "Adottat" skont l-artikolu 125 jew l-artikolu 290, u kull reġistrazzjoni korrispondenti fir-Reġistru tal-Persuni Adottati; iżda r-reġistri u l-kotba miżmuma taħt dan is-subartikolu, id-digrieti ta' adozzjoni u kull emenda tagħhom komunikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u kull indiċi tagħhom m'għandhomx ikunu miftuħa għall-ispezzjon jew tfittix pubbliku, u lanqas ma jista' d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħti xi tagħrif li jkun hemm fi jew xi kopja jew estratt minn xi reġistri, kotba jew digrieti bħal dawk lil xi persuna, ħlief jekk mhux b'ordni tal-qorti jew f'każijiet eċċezzjonali, lil kull uffiċjal pubbliku awtorizzat kif imiss għal hekk mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

Funzjonijiet ta' rappreżentant diplomaliku jew konsulari relattivament għal atti ta' stat ċivili. *Miżjud: VI.1968.6; Emendat: VII.1982.5; XXIV.2011.99; XIX.2012.16.*

270. (1) Rappreżentant diplomatiku jew konsulari, meta jkun hekk mitlub minn xi ħadd interessat, għandu relattivament għal tarbija li titwieled jew għal persuna li tmut f'pajjiż barrani u tkun ċittadin ta' Malta -

(*a*) jikteb l-att tat-twelid ta' dik it-tarbija jew l-att tal-mewt ta' dik il-persuna u jirreġistra dak l-att f'reġistru approprjat;

(*b*) jirċievi għar-reġistrazzjoni l-att tat-twelid ta' dik it-tarbija jew l-att tal-mewt ta' dik il-persuna maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-post fejn jiġri t-twelid jew il-mewt u jirreġistra dak l-att fir-reġistru approprjat imsemmi fl-aħħar paragrafu qabel dan.

(2) Meta ċittadin ta' Malta jiżżewweġ f'pajjiż barrani, rappreżentant diplomatiku jew konsulari għandu jirċievi għar-reġistrazzjoni, fuq talba ta' xi wieħed mill-miżżewġin jew ta' xi wieħed mill-ġenituri ta' wieħed jew waħda minnhom, kull att li skont il-liġi tal-pajjiż fejn ikun sar iż-żwieġ ikun prova taż-żwieġ u għandu jirreġistra dak l-att fir-reġistru approprjat.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom, safejn prattikabbli, japplikaw għal u għall-fini tal-atti magħmula u tar-reġistri miżmuma skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel dan minn rappreżentanti diplomatiċi u konsulari, li jkollhom relattivament għal dawk l-atti u reġistri l-istess setgħat, drittijiet u obbligi kif huma mogħtija jew imposti f'dan it-Titolu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

(4) Ir-reġistri msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom jinżammu għal perijodu ta' sena u għandu jkollhom indiċi alfabetiku tar-reġistrazzjonijiet imniżżlin fihom. Kopja duplikata awtentikata ta' dawk ir-reġistri bil-firma tar-rappreżentant diplomatiku jew konsulari minnufih wara l-aħħar reġistrazzjoni traskritta fihom għandha tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, għall-konservazzjoni fir-Reġistru Pubbliku f'Malta, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena li taħbat minnufih wara s-sena li għaliha jirriferixxu r-reġistri, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 251, 252, 253, 254, 255, 256 u 257 għandhom japplikaw dwar ir-reġistrazzjonijiet li hemm f'dawk ir-reġistri duplikati bħallikieku kienu reġistrazzjonjiet fir-reġistri msemmija fl-artikolu 238.

(5) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fi żmien tletin ġurnata minn meta jagħmel xi korrezzjoni, tħassir jew annotazzjoni f'reġistru duplikat bis-saħħa tas-sentenza ta' qorti jew tal-ordni tal-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, għandu jinforma dwar dik il-korrezzjoni, tħassir jew annotazzjoni lir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari fil-pajjiż fejn jinżamm ir-reġistru oriġinali, u dan għandu jara li l-istess korrezzjoni, tħassir jew annotazzjoni, skont il-każ, issir minnufih f'dak ir-reġistru u għandu jinizjalha.

(6) Kull min quddiem rappreżentant diplomatiku jew konsulari jagħmel ir-reat imsemmi fl-artikolu 263 jista' jiġi mħarrek, proċessat jew kastigat f'Malta għal dak ir-reat bl-istess mod u sa l-istess gradazzjoni bħallikieku r-reat kien sar Malta.

(7) Kull persuna li tirrappreżenta b'ingann lil rappreżentant diplomatiku jew konsulari li tkun twieldet tarbija minn mara li ma tkunx ħelset minn tarbija sabiex iġġiegħel lil dak ir-rappreżentant li jikteb att ta' twelid skont is-subartikolu (1) tiġi mħarrka, proċessata u kastigata f'Malta bl-istess mod u sa l-istess gradazzjoni bħallikieku kienet ikkommettiet f'Malta r-reat korrispondenti msemmi fl-artikolu 210 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

(8) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ma għandhomx japplikaw jekk il-persuna li tkun ikkommettiet ir-reat tkun ġiet proċessata għall-istess fatti li jikkostitwixxu r-reat f'pajjiż ieħor.

(9) Kull riferenza f'dan l-artikolu għal rappreżentant diplomatiku jew konsulari għandha titqies bħala riferenza għar-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż barrani fejn jiġri t-twelid, żwieġ jew mewt.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti. *Miżjud: XXV.1973.3. Sostitwit: III.1994.9. Emendat: IX.2000.2; XXV.2014.4.*

271. (1) Il-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku jista' jagħmel regolamenti:

(*a*) li jipprovdu għall-għemil ta' duplikati ta' atti oriġinali tal-Istat ċivili jew dokumenti oħra li għandhom x'jaqsmu mal-istat ċivili, reġistrati fir-Reġistru Pubbliku bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kif ukoll duplikati tar-reġistri relattivi ta' dawk l-atti jew dokumenti, kif ukoll duplikati tal-indiċi relattiv ta' dawk l-atti, dokumenti jew reġistri fejn l-att oriġinali, dokument, reġistru jew indiċi jkun intilef, inqered jew tkun ġratlu ħsara, kemm jekk dak it-telf, dik il-qerda jew dik il-ħsara jkunu ġraw minhabba kedd bl-użu jew xort'oħra;

(*b*) li jippreskrivu l-mod li bih dawk id-duplikati għandhom jiġu mħejjija u awtentikati;

(*ċ*) li jippreskrivu li kull atti, dokumenti, reġistri jew indiċijiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) jiġu riprodotti bil-*microfilming*, u l-mod li bih dawk ir-riproduzzjonijiet għandhom isiru, jiġu maħżuna, u jkunu aċċessibbli għall-pubbliku;

(*d*) li jippreskrivu l-mod li bih ir-riproduzzjonijiet li jsiru bil-*microfilming* u kopji tagħhom jistgħu jiġu awtentikati;

(*e*) li jipprovdu għall-kompjuterizzazzjoni, inkluża l-ħażna ta' informazzjoni meħuda minn kull att jew dokument reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u għall-produzzjoni ta' dokumenti li jkun fihom dikjarazzjonijiet ta' dik l-informazzjoni u l-awtentikazzjoni ta' dawk id-dokumenti;

(*f*) li jippreskrivu l-forma tal-applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati li jkun fihom kopja shiħa jew estratt ta' xi att, dokument, reġistru jew indiċi;

(*g*) li jżidu formuli ġodda jew li jemendaw jew jimmodifikaw xi waħda mill-formuli fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi; u

(*h*) li jipprovdu għal kull ħaġa inċidentali jew supplementari għal xi waħda mid-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

(2) Kull kopja duplikata li ssir skont ir-regolamenti magħmula taħt is-subartikolu (1) għandha, għall-finijiet u effetti kollha, tissostitwixxi l-att, dokument, reġistru jew indiċi oriġinali relattiv.

Sub-titolu II

FUQ L-ATTI TAT-TWELID

Persuni li għandhom jagħtu avviż ta' twelid ta' tarbija. *Emendat: VIII.2007.6; XV.2012.16; XXIII.2017.54.*

272. F'kull twelid ta' tarbija, hu dmir tal-ġenituri, u fin-nuqqas tat-tnejn, tat-tabib, kirurgu, qabla, jew persuna oħra li tkun tat l-għajnuna tagħha fil-ħlas, jew li f'darha jkun sar il-ħlas, li tagħti, fi żmien ħmistax-il jum mit-twelid, avviż tiegħu lill-uffiċjal li għandu d-dmir li jikteb l-att ta' twelid.

Kif jingħata l-avviż. *Emendat: XXII.1939.3.*

273. (1) L-avviż tat-twelid jista' jingħata billi wieħed jibgħat lill-uffiċjal hawn fuq imsemmi fidi tal-magħmudija, iffirmata mill-kappillan jew saċerdot ieħor, li jkun għammed it-tarbija.

(2) Kull fidi bħal din, jekk ikun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa sabiex jista' jsir l-att tat-twelid, tgħodd flok id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikoli ta' wara dan, u l-uffiċjal hawn fuq imsemmi, meta jkun żgur illi l-partikolaritajiet miġjuba f'dik il-fidi huma sewwa, jista' jikteb minn fuqha l-att tat-twelid.

(3) Iżda, f'kull każ bħal dan, il-fidi tal-magħmudija għandha tiġi ppreżentata lid-Direttur flimkien mal-att tat-twelid.

Avviż bil-miktub jew bil-fomm. *Emendat: XLIII.2018.6.*

274. L-avviż tat-twelid ta' tarbija jista' wkoll jingħata sew b'ittra ffirmata mill-persuna li tagħti l-avviż kemm b'mod elettroniku, kemm bil-fomm; f'dan l-aħħar każ, il-persuna li tagħti l-avviż għandha tidher hija nfisha quddiem l-uffiċjal li għandu d-dmir li jikteb l-att tat-twelid.

Meta l-avviż jiġi mogħti minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri. *Emendat: VIII.2007.7; XXIII.2017.55.*

275. Jekk, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, l-avviż tat-twelid jiġi mogħti minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri tat-tarbija, l-uffiċjal hawn fuq imsemmi għandu, fuq id-dikjarazzjoni magħmula mill-ġenituri dwar il-partikolaritajiet meħtieġa għall-att tat-twelid, jikteb dan l-att mingħajr ebda dewmien.

jew minn ħaddieħor. *Sostitwit: VIII.2007.8. Emendat: XXIII.2017.56; XLIII.2018.7.*

276. Jekk l-avviż tat-twelid jiġi mogħti minn persuna li ma tkunx il-ġenitur tat-tarbija, jew meta dak l-avviż jiġi mogħti mill-ġenituri jew minn persuna oħra b'ittra, l-uffiċjal hawn fuq imsemmi għandu, fit-tliet ijiem ta' wara, isejjaħ fl-uffiċċju tiegħu lil kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew lit-tnejn sabiex jagħmlu d-dikjarazzjoni dwar il-partikolaritajiet hawn fuq imsemmija:

Iżda f'każ li l-avviż tat-twelid jingħata b'mod elettroniku mill-ġenituri tat-tarbija, l-uffiċjal ma għandux jibgħat għall-ġenituri sabiex jagħmlu d-dikjarazzjonijiet dwar il-partikolaritajiet imsemmija f'dan l-artikolu:

Iżda wkoll, minkejja dak previst f'dan l-artikolu, l-uffiċjal jista' fi kwalunkwe każ, jekk hekk jidhirlu, jibgħat għall-ġenituri tat-tarbija sabiex jidhru quddiemu.

Dmirijiet tal-uffiċjal fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri. *Emendat: VIII.2007.9; XXIII.2017.57.*

277. (1) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri tat-tarbija, jew jekk ebda avviż ma jkun ingħata, l-uffiċjal fuq imsemmi għandu jsejjaħ persuna li jidhirlu illi tista' tagħti l-partikolaritajiet meħtieġa għal dak l-att, sabiex tidher quddiemu biex tagħmel id-dikjarazzjoni dwar dawk il-partikolaritajiet.

(2) Hekk ukoll isir meta l-uffiċjal hawn fuq imsemmi ma jkunx żgur dwar jekk humiex sewwa l-partikolaritajiet mogħtija lilu minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew minn ħaddieħor, jew li jkunu miġjuba fil-fidi msemmija fl-artikolu 273.

Partikolaritajiet li għandu jkun fih l-att tat-twelid. *Emendat: XXI.1933.2; XXXI. 1965.8; XXX.1995.2; VIII.2007.10; XIII.2007 13; XVIII.2007.4; XV.2012.17; A.L. 426 tal-2012; XI.2015.18; XX.2015.7; XXIII.2017.58; LXV.2020.22; XXV.2024.15.*

278. (1) Kull att tat-twelid għandu jinkiteb skont il-Formula Ċ fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi u, bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra, għandu jkun fih il-partikolaritajiet li ġejjin:

(*a*) id-data tal-att stess;

(*b*) il-ħin, il-jum, ix-xahar, is-sena, u l-lok tat-twelid;

(*ċ*) jekk tifel jew tifla:

Iżda meta l-identità tal-ġeneru tal-minuri ma tkunx għadha ġiet determinata, is-sess jista' jiġi reġistrat bħala mhux dikjarat sakemm jiġi hekk determinat.

Iżda wkoll, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma "sess" għandha tinkludi wkoll il-kelma "ġeneru", b'dan illi għandha tinkludi biss il-ġeneru femminili u l-ġeneru maskili;

(*d*) l-isem mogħti lit-tarbija, u, meta jiġi mogħti iżjed minn isem wieħed, tismija speċjali tal-isem jew ismijiet illi bihom it-tarbija għandha tiġi msejha u l-kunjom tat-tarbija;

(*e*) l-isem, il-kunjom, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, l-età, il-lok fejn twieldu u fejn joqogħdu il-ġenituri tat-tarbija u l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni:

Iżda:

(i) meta t-tarbija titwieled matul iż-żwieġ, indikazzjoni taż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-konjuġi għandha tingħata fl-Att tat-Twelid;

(ii) meta t-tarbija tkun twieldet aktar minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taż-żwieġ tal-persuna li wildet m'għandha tissemma l-ebda referenza għas-separazzjoni legali, għad-divorzju jew għall-annullament taż-żwieġ tal-persuna li wildet;

(iii) meta tarbija tkun twieldet anqas minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taż-żwieġ tal-

persuna li wildet għandha ssir referenza għal dak il-fatt fl-att tat-twelid minflok l-indikazzjoni magħmula bis-saħħa tal-paragrafu (i) ta' dan il-proviso;

(iv) fil-każ li jkunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 280(2)(*a*) għandha ssir referenza għal dak il-fatt fl-att tat-twelid;

(*f*) l-isem u l-kunjom tal-ġenituri ta' kull wieħed mill-ġenituri tat-tarbija, u tal-ġenituri tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni, u jekk humiex ħajjin jew mejtin.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-proviso għas-subartikolu (1)(ċ), fil-każ li jkun hemm kunflitt fir-rigward tar-reġistrazzjoni tas-sess tat-tarbija, il-ġenituri għandhom, fi żmien tletin (30) ġurnata mill-ġurnata meta jingħata avviż tat-twelid, jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Volontarja) li bih jitolbu lill-Qorti biex tordna, wara li tikkunsidra l-aħjar interessi tat-tarbija, is-sess tat-tarbija li għandu jiġi reġistrat fl-Att tat-Twelid:

Iżda jekk ma jigi ppreżentat ebda rikors fiż-żmien stipulat f'dan is-subartikolu, l-uffiċjal li jkollu d-dmir li jikteb l-Att tat-Twelid għandu jirreġistra s-sess bħala mhux dikjarat.

Reġistrazzjoni ta' ismijiet. *Miżjud: XV.2012.18. Emendat: A.L. 311 tal-2012; A.L. 465 tal-2012; XXIII.2017.59. LXV.2020.23.*

278A. (1) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista' jżomm milli jirreġistra isem jew ismijiet mogħtija lit-tarbija fl-att tat-twelid relattiv, jekk l-isem jew l-ismijiet mogħtija lit-tarbija:

(*a*) ikun iqsar minn tliet ittri;

(*b*) ikun fih numri jew simboli;

(*ċ*) ikun kunjom komuni f'Malta;

(*d*) ikun imnissel minn kelma oxxena jew offensiva jew ikun jikkonsisti f'kelma jew kliem assoċjati ma' attività sesswali; jew

(*e*) ikun ser jesponi lill-istess tarbija għar-redikolu jew disprezz.

(2) Kull persuna tista' titlob lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata sottomessa fil-Formula V li tinstab fil-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodiċi, biex tagħmel annotazzjoni fl-att ta' twelid tagħha jew fir-Reġistru ta' Persuni Adottati sabiex:

(*a*) tikkoreġi xi varjazzjonijiet żgħar ortografiċi f'isimha;

(*b*) tuża "isem li bih għandha tissemma" li jirriżulta minn xi att ta' stat ċivili ta' dik il-persuna jew minn dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport:

Iżda dan l-att ta' stat ċivili jew dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport ta' din il-persuna jkunu ġew maħruġa qabel l-1 ta' Diċembru 2012;

(*ċ*) tikkorreġi isimha biex jirrifletti l-ittri dijakritiċi Maltin tal-alfabet Malti.

(3) Id-dikjarazzjoni magħmula fuq il-Formula V li tinstab fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodiċi għandha tkun irrevokabbli u għandha tiġi aċċettata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħlas ta' dritt kif preskritt mill-Ministru responsabbli għar-Reġistru Pubbliku.

(4) Jekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jippermetti din it-talba, l-annotazzjoni imsemmija hawn fuq, għandha tkun effettiva mill-ġurnata meta jitniżżlu dawk il-modifikazzjonijiet fl-att ta' twelid u "l-estratti" imsemmija fl-artikolu 251 għandhom jindikaw id-dettalji li jirriżultaw minn dawn l-annotazzjonijiet.

(5) Il-persuna li, lilha sarulha l-bidliet fid-dettalji rigward il-bidla fl-ismijiet tagħha ġew annotati skont id-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel, għandha tirraporta l-fatt lill-uffiċjal awtorizzat skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità u lill-Uffiċjal tal-Passaporti skont l-Ordinanza dwar il-Passaporti, liema uffiċjali għandhom joħorġu karta tal-identità ġdida u passaport ġdid li jindikaw d-dettalji skont l-annotazzjoni miktuba fl-att relattiv. L-ispejjeż sabiex jinħarġu l-karta tal-identità ġdida u l-passaport ġdid għandhom jitħallsu mill-persuna li bidlet id-dettalji tagħha.

Tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ.
Emendat: XX.1934.8; XVIII.2004.38; VIII.2007.11; XVIII.2007.4.

279. (1) Fil-każ ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, isem il-missier m'għandux jissemma' fl-att, ħlief fuq talba tal-persuna illi tistqarr, quddiem l-uffiċjal li jikteb l-att, li hija missier dik it-tarbija u l-istatus ta' xebba tal-omm m'għandux jiġi dikjarat jew b'xi mod indikat.

(2) Meta t-tarbija ma tkunx magħrufa mill-missier u mill-omm flimkien, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 86.

(3) Meta ma ssirx din it-talba, għandu jingħad fil-lok li jmiss fl-att, li missier it-tarbija mhux magħruf.

Tarbija mwielda minn persuna miżżewġa.
Emendat: XXIV.2011.99; XV.2012.19; XIX.2012.16; XXIII.2017.60.

280. (1) Jekk it-tarbija titwieled minn persuna miżżewġa, isem il-konjuġi l-ieħor għandu jitniżżel fl-att bħala dak tal-ġenitur, għad illi jkun hemm dikjarazzjoni kuntrarja, bla ħsara ta' kull korrezzjoni li tista' ssir 'il quddiem wara sentenza fuq il-filjazzjoni tat-tarbija.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux -

(*a*) jekk il-konjuġi l-ieħor, fiż-żmien kollu tat-tliet mitt ġurnata ta' qabel il-ġurnata tat-twelid tat-tarbija, kien nieqes minn Malta, u din l-assenza hija mwettqa bil-miktub u bil-ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, minn, għall-anqas, żewġ persuni ta' fiduċja;

(*b*) jekk il-konjuġi l-ieħor, għaż-żmien kollu hawn fuq imsemmi, ikun għex mifrud legalment mill-konjuġi li wiled lit-tarbija; jew

(*ċ*) jekk qabel jingħata l-avviż tat-twelid ir-raġel u l-mara flimkien jiddikjaraw bil-miktub u b'ġurament quddiem l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li matul il-perjodu

sħiħ tat-tlett mitt jum minnufih qabel il-jum tat-twelid huma ma kellhomx relazzjonijiet sesswali flimkien.

Partikolaritajiet tal-persuna li wildet tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ. *Emendat: VII.1985.2; XII.1986.4; XVIII.2004.39; XIII.2007.13; XXIV.2011.99; XIX.2012.16. Sostitwit: XXIII.2017.61.*

281. Fil-każ ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, meta l-avviż tat-twelid tat-tarbija ma jkunx ġie mogħti jew id-dikjarazzjoni tal-partikolaritajiet dwar it-twelid ta' din it-tarbija ma tkunx ġiet magħmula mill-persuna li wildet lit-tarbija, jew minn wieħed mill-ġenituri ta' dik il persuna, jew minn wieħed minn ħutha, l-uffiċjal hawn fuq imsemmi għandu, għall-anqas jumejn qabel ma jniżżel fl-att il-partikolaritajiet dwar il-persuna li wildet lit-tarbija, jagħti avviż lill-persuna li tkun ġiet imsemmija lilu bħala l-persuna li wildet lit-tarbija, jew lil wieħed mill-ġenituri ta' dik il-persuna; u, kemm-il darba, f'dawk il-jumejn, jiġi miċħud li dik il-persuna hija l-persuna li wildet lit-tarbija, l-uffiċjal għandu jagħmel rapport ta' dan lill-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illi, wara li jisma' bil-ġurament lil dik il-persuna u kull persuna oħra illi huwa jkun jidhirlu li tista' tagħti tagħrif tajjeb, għandu, jekk fil-fehma tiegħu dik il-persuna hija l-persuna li wildet lit-tarbija, jordna illi isem dik il-persuna, flimkien ma' dawk il-partikolaritajiet l-oħra li jkunu meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, jiġi mniżżel fl-att tat-twelid, u illi x-xhieda meħuda jiġu kkunsinjati, fl-oriġinal tagħhom, lid-Direttur flimkien mal-att.

(2) Fil-każ ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ li ma jkunx ingħata l-avviż tat-twelid tagħha, u l-persuna li wildet lit-tarbija jew il-ġenituri ta' dik il-persuna jkunu mejta jew ma jistgħux jinstabu, avviż tat-twelid jista' f'kull żmien jingħata lill-imsemmi uffiċjal minn xi persuna li għandha l-obbligu li tagħti dak l-avviż bħal qabel, jew minn kull persuna li jkollha interess jew mit-tarbija jew mir-rappreżentant leġittimu tagħha u l-imsemmi uffiċjal għandu jagħmel rapport ta' dan lill-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li għandu jieħu ħsieb li avviż skont il-Formula BB tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda jiġi pubblikat fil-Gazzetta, fejn isejjaħ lil kull parti li għandha interess biex tiddikjara, fi żmien ħmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, bil-mezz ta' nota, li trid tikkontesta dik ir-reġistrazzjoni, u malli jgħaddi l-imsemmi żmien u wara li jisma' lil dik il-persuna taħt ġurament illi huwa jidhirlu li tista' tagħti tagħrif tajjeb, sew jekk dik il-persuna tkun ippreżentat nota u sew jekk le, u wara li jeżamina kull dokumenti li jistgħu jingiebu bi prova, għandu, jekk ikun sodisfatt li l-persuna li wildet lit-tarbija tkun ġiet stabbilita, jordna li isem u kunjom il-persuna li wildet lit-tarbija, flimkien ma' dawk il-partikolaritajiet li huma meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, jitniżżlu fl-att tat-twelid, u illi x-xhieda meħuda jiġu kkunsinjati, fl-oriġinal tagħhom lid-Direttur, flimkien mal-att.

(3) F'kull każ imsemmi fis-subartikoli (1) u (2) l-att tat-twelid għandu jiġi ffirmat ukoll mill-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat fuq imsemmi.

Firma tal-att. *Emendat: XXI.1933.4. XLIII.2018.8.*

282. (1) Wara li jitniżżlu l-partikolaritajiet dwar it-twelid ta' tarbija, l-att għandu jinqara lill-persuna li tkun għamlet id-dikjarazzjoni ta' dawk il-partikolaritajiet; imbagħad għandu jiġi ffirmat minn dik il-persuna u fl-aħħar mill-uffiċjal li jikteb l-att:

Iżda f'każ li l-partikolaritajiet jingħataw b'mod elettroniku dan is-subartikolu ma japplikax.

(2) Meta l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni tgħid li ma tistax tikteb, għandha titniżżel ħdejn isimha tifkira ta' dan il-fatt.

Trabi mwielda mejta.

283. (1) Jekk tarbija titwieled mejta, dan il-fatt għandu jingħad fl-att tat-twelid.

(2) Jekk it-tarbija titwieled ħajja, iżda tmut f'xi żmien qabel ma jsir l-att tat-twelid, l-att tal-mewt għandu jinkiteb minnufih wara l-att tat-twelid.

(3) Fil-każ ta' abort, l-att tat-twelid m'għandux isir ħlief meta l-għalla fil-ġuf tkun ġà ħadet għal kollox il-għamla ta' bniedem.

L-uffiċjal jista' jitlob li jara t-tarbija.

284. L-uffiċjal li jagħmel att ta' twelid jista', qabel ma jikteb dan l-att, jitlob li jara t-tarbija.

Trabi mwielda fuq il-baħar.
Emendat: XXII.1939.4; IX.1971.3; XI.1973.377; XI.1977.2; XVII.1991.81 XV.2009.49. XLIII.2018.9.

285. (1) Meta titwieled tarbija fuq il-baħar, fuq bastiment irreġistrat f'Malta, il-kaptan għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, iniżżel fil-ġurnal ta' abbord nota ta' dan it-twelid u tal-partikolaritajiet meħtieġa taħt l-artikoli 278, 279, 280 u 283.

(2) Kif bastiment bħal dak jasal f'Malta, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandu jibgħat kopja tar-reġistrazzjoni hawn fuq imsemmija lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-atti tat-twelid f'Malta, u dan għandu minnufih jikteb l-att ta' twelid ta' dik it-tarbija.

(3) Meta l-wasla ta' bastiment bħal dak f'Malta ma ssirx fi żmien tliet xhur wara t-twelid tat-tarbija, il-kaptan għandu, mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-imsemmi twelid, jibgħat kopja tar-reġistrazzjoni relattiva lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta li għandu jimxi dwarha daqslikieku l-imsemmi bastiment kien wasal f'Malta.

Trabi mwielda fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkun reġistrat f'ebda post.
Miżjud: XII.2015.5.

285A.(1) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista', għal raġunijiet umanitarji biss, jirreġistra t-twelid ta' trabi li jkunu twieldu fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkun reġistrat f'ebda post u dan jekk kemm-il darba jirriżulta li l-ġejjer Maltin kienu l-ewwel port fejn ikun żbarka dak il-bastiment minnufih wara t-twelid ta' dik it-tarbija.

(2) Id-Direttur għandu jipproċedi b'dik ir-reġistrazzjoni jekk ikun sodisfatt, permezz ta' verifiki xjentifiċi, ta' aċċertamenti ta' koordinati ġeografiċi u kull verifika jew aċċertament ieħor li d-Direttur jikkunsidra li hu xieraq, li t-tarbija tassew twieldet fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkun reġistrat taħt l-ebda ġurisdizzjoni. F'dawn il-każijiet, il-lok tat-twelid tat-tarbija għandu jitniżżel li kien fuq il-baħar.

(3) Ir-reġistrazzjoni magħmula taħt dan l-artikolu bl-ebda mod ma għandha tolqot jew tippreġudika d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.

Kap. 188.

Dmir tal-ġenitur li ma jkunx wiled, jew fin-nuqqas ta' dan, tal-ġenitur li wieled. *Emendat: VI.1968.8; XXIV.2011.99; XIX.2012.16; XXIII.2017.62.*

286. (1) Ebda ħaġa li hemm fl-artikolu 285 ma jeħles lill-ġenitur li ma jkunx wiled, jew fin-nuqqas ta' dan, lill-ġenitur li wiled, mill-obbligu li jagħmlu, fi żmien ħamest ijiem minn dak in-nhar li jaslu Malta, id-dikjarazzjoni tal-partikolaritajiet dwar it-twelid tat-tarbija lill-uffiċjal illi, skont fejn ikun joqgħod il-ġenitur li ma jkunx wiled, jew, fin-nuqqas ta' dan, skont fejn ikun joqgħod il-ġenitur li wiled, huwa nkarigat mill-kitba tal-att ta' twelid; u dak l-uffiċjal għandu, fuq din id-dikjarazzjoni, jgħaddi għall-kitba tal-att ta' twelid, kemm-il darba dan ma jkunx ġa sar u ġie reġistrat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 285.

(2) Jekk il-partikolaritajiet li jkun fiha d-dikjarazzjoni fuq imsemmija, jew xi waħda minnhom, ma jkunux jaqblu f'xi ħaġa mal-partikolaritajiet imdaħħlin fl-att irreġistrat, jew jekk xi waħda mill-partikolaritajiet imniżżla fid-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija tkun ġiet imħollija barra mill-att irreġistrat, tista' ssir korrezzjoni fir-reġistru bl-awtorizzazzjoni tal-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, illi għandu jiffirma wkoll dik il-korrezzjoni.

Trabi misjuba. *Emendat: XXI.1933.5; XXXI.1965.8; XIII.2007 13.*

287. (1) Meta tinsab tarbija għadha titwieled, l-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-atti ta' twelid fil-lok li fih it-tarbija tkun instabet, għandu, bil-għajnuna ta' wieħed jew iżjed mit-Tobba Distrettwali tal-Gvern, jagħmel att ta' repert, skont il-Formula D fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi.

(2) F'dan l-att l-uffiċjal fuq imsemmi għandu jdaħħal dawn il-partikolaritajiet - l-età milli tidher u s-sess tat-tarbija, l-isem mogħti lilha minnu, il-lok fejn it-tarbija nstabet, il-persuna li f'idejha tingħata jew l-istitut li fih tiġi mqiegħda, jekk it-tarbija għandhiex xi marka li tidher, ix-xorta ta' lbies u kull ħaġ'oħra li tkun instabet fuq il-persuna tat-tarbija.

(3) Dan l-att għandu jiġi wkoll ippreżentat lid-Direttur għar-reġistrazzjoni, bħal fil-każ ta' att ta' twelid.

L-atti ta' twelid għandhom jiġu ppreżentati għar-reġistrazzjoni.

288. L-uffiċjal li jkun kiteb att ta' twelid jew ta' repert għandu, fi żmien jumejn minn dak in-nhar li jagħmel dak l-att jew repert, jippreżentah lid-Direttur għar-reġistrazzjoni.

Jekk, wara r-reġistrazzjoni, il-paternità tat-tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ tiġi stabbilita. *Emendat: XXXI.1965.18; XVIII.2004.40; XV.2012.20.*

289. (1) Jekk, wara li att ta' twelid ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ jkun ġie rreġistrat mingħajr tismija ta' isem il-missier, il-paternità ta' din it-tarbija tiġi stabbilita b'sentenza tal-qorti, l-isem tal-missier jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess, jiġi mniżżel b'annotazzjoni fil-marġini tar-reġistru.

(2) L-istess japplika jekk, wara r-reġistrazzjoni ta' att ta' repert, jinsab min huma l-ġenituri tat-tarbija misjuba, sew bil-mezz ta' dikjarazzjoni li huma jagħmlu, kemm b'sentenza tal-qorti.

Adozzjoni jew preżunzjoni li persuna ġiet imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ. *Emendat: XXI.1962.9; XVIII.2004.41.*

290. (1) Il-preżunzjoni li tapplika għal persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ bis-saħħa tal-artikolu 102 għandha titniżżel ukoll fir-reġistru b'annotazzjoni fil-marġini, u, meta l-artikolu 125(3) għandu jgħodd, l-adozzjoni ta' kull persuna għandha titniżżel fir-reġistru permezz tal-immarkar imsemmi f'dak is-subartikolu.

(2) Fil-każ ta' preżunzjoni bħal dik, għandu jiġi dikjarat fin-nota jekk il-preżunzjoni tkunx saret bi żwieġ wara jew b'digriet tal-qorti kompetenti.

(3) Ir-reġistrazzjoni tal-preżunzjoni ta' persuna li l-att tat-twelid tagħha mhux irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, għandha ssir fi ktieb li jinżamm għaldaqshekk, u, f'kull reġistrazzjoni bħal dik, għandhom jitniżżlu dawk il-partikolaritajiet kollha li huma meħtieġa sabiex isir att ta' twelid, jew dawk minnhom li jkunu magħrufa.

Dokumenti li għandhom jingiebu. *Emendat: XXI.1962.10; XVIII.2004.42.*

291. (1) Kull min jitlob li ssir xi waħda mill-annotazzjonijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, għandu jagħti lid-Direttur kopja awtentika tal-att pubbliku, tas-sentenza jew tad-digriet dwar id-dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-paternità jew maternità, jew tal-preżunzjoni bis-saħħa tal-artikoli 101 sa 112.

(2) Fil-każ ta' preżunzjoni li toriġina minn żwieġ wara, jekk dan iż-żwieġ ikun ġie rreġistrat, għandha ssir riferenza ta' din ir-reġistrazzjoni fl-annotazzjoni: jekk iż-żwieġ ma jkunx ġie rreġistrat, l-annotazzjoni ma ssirx jekk il-parti li titlobha ma tagħtix lid-Direttur dokument li juri ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

Preżunzjoni bis-saħħa ta' żwieġ wara. *Sostitwit: XVIII.2004.43.*

292. Meta preżunzjoni li toriġina minn żwieġ wara tkun tapplika għal tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, u dak iż-żwieġ ikun sar qabel ir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' dak it-tifel, l-att ta' twelid ta' dak it-tifel jista' jsir direttament bħal fil-każ ta' tifel imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

Kunjom it-tarbija. *Miżjud: XVIII.2004.44. Emendat: VIII.2007.12; Sostitwit: LXV.2020.24.*

292A. (1) Il-persuna li tagħti l-avviż tat-twelid għandha wkoll tikkonsenja dikjarazzjoni mill-ġenituri tat-tarbija li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tarbija tkun ser tuża konformement mal-għażla magħmula bis-saħħa tas-subartikoli (3) jew (4) tal-artikolu 4, jew tal-artikolu 4A, jew tal-artikolu 92, u dak il-kunjom għandu jkun reġistrat fil-kolonna taħt l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-Kunjom" fl-Att ta' Twelid minnufih wara dak l-isem jew ismijiet.

(2) Meta ma ssirx dikjarazzjoni bħal dik fil-każ ta' tarbija mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, jew fejn il-ġenituri ma jaqblux, kull wieħed jew waħda mill-ġenituri jistgħu jitolbu għal direzzjonijiet mill-qorti kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 131.

Sub-titolu III

FUQ L-ATTI TAŻ-ŻWIEĠ

Partikolaritajiet ta' att ta' żwieġ. *Emendat: XXXI.1965.8; XXXVII.1975.23; XXII.1976.3; XXX.1995.3; XIII.2007 13; A.L. 426 tal-2012' XXIII.2017.63; LXV.2020.25.*

293. Meta jsir żwieġ, il-partijiet li hekk jiżżewġu għandhom jagħmlu jew jieħdu ħsieb li jsir att skont il-Formula E fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi, illi għandu jkun fih -

(*a*) id-data tal-att;

(*b*) l-isem, il-kunjom, id-data u lok tat-twelid, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu u l-lok tar-residenza tal-miżżewġin;

(*ċ*) l-isem, il-kunjom, id-data u lok tat-twelid u lok tar-residenza tax-xhieda li jkunu dehru fit-tieġ;

(*d*) l-isem u l-kunjom fit-twelid u wara ż-żwieġ tal-ġenituri tal-miżżewġin;

(*e*) il-ġurnata, ix-xahar u s-sena, u l-knisja, kappella jew lok ieħor li fihom ikun sar it-tieġ;

(*f*) dikjarazzjoni taċ-ċelebrazzjoni taz-żwieġ iffirmata miż-żewġ partijiet, jew jekk iż-żwieġ isir bi prokura mill-prokuratur u mill-parti l-oħra, fil-preżenza u bil-kontrofirma ta' uffiċjal tar-Reġistru taż-Żwieġ jew ta' persuna oħra awtorizzata għal hekk mir-Reġistratur taż-Żwieġ; u

(*g*) il-kunjom taż-żewġ konjuġi wara ż-żwieġ, konformement mal-artikolu 4(1).

Konsenja tal-att taż-żwieġ. *Sostitwit: XXXVII.1975.23.*

294. L-att taż-żwieġ għandu, malli jkun kompletat u ffirmat, jiġi konsenjat għar-reġistrazzjoni lill-persuna li minnha tkun kontrofirmata d-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 293(*f*), u dik il-persuna għandha mal-ewwel opportunità tieħu dawk il-passi kollha li jkunu meħtieġa għar-reġistrazzjoni tiegħu mid-Direttur.

Reġistrazzjoni ta' deċiżjonijiet, dikjarazzjonijiet u projbizzjonijiet li jolqtu żwieġ. *Sostitwit: XXXVII.1975.23; III.1994.10. Emendat: XIV.2011.10; A. L. 218 tal-2012; XXIII.2017.64; LXV.2020.26.*

295. (1) Kull sentenza jew deċiżjoni oħra mogħtija minn qorti kompetenti li biha żwieġ reġistrat ikun annullat jew ikun milqut l-istat li jirriżulta minnu, għandha, fuq it-talba ta' kull persuna, tiġi reġistrata b'annotazzjoni fil-marġini tar-reġistru:

Iżda fejn jingħataw, mill-qorti ċivili kompetenti, sentenza jew digriet ta' divorzju, dawn għandhom jiġu reġistrati skont l-artikolu 66A(4).

(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha tagħti lid-Direttur kopja awtentika tas-sentenza jew deċiżjoni oħra rilevanti.

(3) Id-Direttur għandu wkoll jirreġistra, b'annotazzjoni fil-marġini ta' att dwar żwieġ reġistrat, kull reverżjoni għal kunjomhom meta twieldu jew għall-kunjom taż-żwieġ tagħhom preċedenti jew kull projbizzjoni tal-użu ta' kunjom il-konjuġi l-ieħor jew l-oħra msemmija:

(*a*) f'nota ta' separazzjoni personali bejn il-miżżewġin reġistrata skont l-artikolu 62A, u referenza għad-data u għall-post fejn ikun sar iż-żwieġ għandha ssir f'kull nota ta' reġistrazzjoni bħal dik; jew

(*b*) f'sentenza jew digriet ta' divorzju reġistrati skont l-artikolu 66A(4).

Att ta' unjoni ċivili.
Miżjud: IX.2014.12.
Kap. 530.

295A. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal unjonijiet ċivili kuntrattati skont l-Att dwar l-Unjonijiet Civili.

(2) Att ta' unjoni ċivili għandu jkun skont kif stipulat fil-Formula EE fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi.

Sub-titolu IV

FUQ L-ATTI TAL-MEWT

Avviż ta' mewt mit-tabib,
Emendat: XXXI.1965.8; XIII.2007 13; XV.2012.21; XLIII.2018.10.

296. (1) Meta tmut persuna, it-tabib jew kirurgu li kien jaraha fl-aħħar marda tagħha, jekk ikun jaf huwa nnifsu jew jiġi mgħarraf minn xi ħaddieħor illi dik il-persuna mietet, għandu, mingħajr dewmien, jagħti avviż bil-miktub ta' dik il-mewt, b'mod manwali jew elettroniku kif imfisser fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern skont il-Formula F fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodiċi, lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-atti tal-mewt, u jsemmi d-dar jew lok ieħor fejn dik il-persuna mietet, il-kaġun tal-mewt, u l-ħin li fih ġrat il-mewt.

(2) Dan it-tabib jew kirurgu jista' jagħti l-avviż f'idejn xi ħadd tal-età minn tal-familja tal-mejjet sabiex jintbagħat lill-uffiċjal hawn fuq imsemmi jew dak l-avviż jista' jitwassal b'mezzi elettroniċi.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux, jekk il-mejjet ikun waħda mill-persuni illi, wara l-mewt tagħhom, mhux, skont l-artikolu 235, meħtieġ l-att tal-mewt għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi.

minn membri tal-familja.
Emendat: XLIII.2018.10.

297. Fil-każ ta' mewt ta' persuna li ma kinitx taħt il-kura ta' tabib jew kirurgu, ikun dmir il-membri tal-familja u tas-sefturi tal-mejjet kif ukoll ta' kull persuna li tkun toqgħod fid-dar jew lok ieħor fejn tkun ġrat il-mewt, jew li jkollha t-triġija ta' dik id-dar jew lok, li jagħtu avviż ta' dik il-mewt:

Iżda tali avviż jista' jingħata kemm billi persuna tmur għand l-uffiċjal imsemmi fl-artikolu 296(1) jew tali avviż jingħata b'mod elettroniku.

Ċertifikat ta' persuna li titqies li hi mejta.
Miżjud: LIV.1974. 8.
Emendat: XIII.2007 13.

298. (1) Jekk wara li ma tkunx baqgħet tidher persuna ssir inkjesta mill-maġistrat u l-maġistrat li jagħmel l-inkjesta jkun tal-fehma li, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha kif il-persuna ma baqgħetx tidher il-konklużjoni tkun li l-persuna hi x'aktarx mejta, f'dak il-każ kopja tal-proċess verbal, għandha tintbagħat mill-maġistrat li jagħmel l-inkjesta lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-att tal-mewt u dak l-uffiċjal għandu, fi żmien jumejn minn meta jirċievi l-kopja tal-proċess verbal, jikteb skont il-Formula G fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, att tal-mewt provviżorju tal-persuna li l-fatt li ma tkunx baqgħet tidher ikun ġie stabbilit bil-proċess verbal. L-istess uffiċjal għandu, fi żmien jumejn minn meta jkun għamel il-kitba tal-imsemmi att tal-

mewt provviżorju, jibgħatu lid-Direttur għar-reġistrazzjoni.

(2) L-att tal-mewt provviżorju jsir finali wara li tgħaddi sena mid-data tar-reġistrazzjoni.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-maġistrat li jagħmel l-inkjesta għandu jindika fil-proċess verbal il-partikolaritajiet kollha msemmijin fl-artikolu 301(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*) u l-ħin, id-data u l-post li x'aktarx fihom dik il-persuna ma tkunx baqgħet tidher.

Ċertifikat ta' assenti meqjus bħala mejjet. *Miżjud: LIV.1974.8. Emendat: LVIII.1974.68; XIII.2007 13; XXV.2019.26.*

299. (1) Jekk l-assenza ta' persuna tissokta għal żmien ta' sitt snin wara d-dħul fil-pussess provviżorju jew jekk l-assenza tkun ġiet dikjarata b'sentenza kif provdut taħt l-artikolu 223 u dik il-persuna ma tkunx waħda li dwar il-mewt tagħha ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 234 skont l-artikolu 235, f'dak il-każ il-werrieta tal-assenti, sew bit-testment jew bil-liġi, jew il-werrieta tagħhom, jew xi persuna interessata jew l-Avukat tal-Istat jistgħu jagħmlu talba lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-ġżira fejn l-assenti kien l-aħħar jirrisjedi sabiex tordna lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-att tal-mewt, li jikteb u jibgħat lid-Direttur għar-reġistrazzjoni fi żmien erbat ijiem minn dik it-talba, ċertifikat tal-mewt tal-assenti skont il-Formula G fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi.

(2) L-assenti jitqies li jkun miet fil-ġurnata li fiha nstemgħet l-aħħar aħbar dwaru, u dik id-data u l-partikolaritajiet l-oħra kollha msemmija fl-artikolu 301, meta jkunu magħrufa, għandhom jitniżżlu fl-att tal-mewt.

Jekk l-assenti jiġi lura wara l-ħruġ ta' ċertifikat finali tal-mewt. *Miżjud: LIV.1974.8.*

300. Meta ċertifikat finali tal-mewt ikun ġie miktub u reġistrat skont l-artikolu 298 jew 299 u l-persuna li l-mewt tagħha tkun ġiet hekk reġistrata wara tiġi lura jew tiġi ppruvata l-eżistenza tagħha, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 226.

Partikolaritajiet tal-att tal-mewt. *Emendat: XXI.1936.6; XXII.1939.5; XXXI.1965.8; XXX.1995.4; XIII.2007 13; A.L. 426 tal-2012; XX.2015.8; XXVII.2020.38.*

301. L-uffiċjal imsemmi fl-artikolu 296, meta, b'kull mod li jkun, ikun irċieva informazzjoni dwar il-mewt ta' persuna, għandu, wara li jiżgura ruħu minn dik il-mewt, jikteb, fi żmien jumejn minn dak in-nhar li hekk ikun irċieva dik l-informazzjoni, att skont il-Formula G fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' din il-Kodiċi illi għandu jkun fih il-partikolaritajiet li ġejjin:

(*a*) id-data tal-att;

(*b*) l-isem, il-kunjom, id-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, l-età, il-lok ta' fejn twieled u fejn kien joqgħod, tal-mejjet;

(*ċ*) l-isem u l-kunjom ta' missier u omm il-mejjet, u jekk dawn humiex ħajjin jew mejtin;

(*d*) l-isem u l-kunjom tar-raġel jew tal-mara, jekk il-persuna mejta kienet miżżewġa, f'unjoni ċivili, f'koabitazzjoni reġistrata skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, jew insinwata permezz ta' att pubbliku skont l-Att tal-2020 dwar il-Koabitazzjoni jew armel jew armla;

Kap.571.

Att Nru XXVII tal-2020

(*e*) il-ħin, il-ġurnata, ix-xahar, is-sena u l-lok li fihom il-persuna mietet, u fejn ġiet jew fejn għandha tiġi

midfuna;

(*f*) il-kaġun tal-mewt.

Setgħa tal-uffiċjal biex jiġbor tagħrif.

302. L-uffiċjal fuq imsemmi, sabiex jiġbor jew jara jekk humiex sewwa il-partikolaritajiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan għandu l-istess setgħat li fl-artikolu 277 huma mogħtija lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-atti tat-twelid.

Dmirijiet tal-uffiċjali ta' sptarijiet, eċċ.

303. (1) L-uffiċjal superjuri ta' kull sptar, ospizju, jew istitut ieħor ta' karità pubblika, għandu jfittex li jiġbor il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 301(*b*), (*ċ*), u (*d*), dwar kull persuna li tkun ġiet milqugħa fl-istitut li tiegħu huwa jkollu t-triġija, minn x'ħin din il-persuna tiġi hemm milqugħa.

(2) Dan igħodd ukoll għall-uffiċjal superjuri ta' kull ħabs, dwar kull priġunier.

(3) Il-Pulizija għandha tagħti lill-uffiċjali fuq imsemmija dik l-għajnuna li tkun tinħtieġ sabiex jistgħu jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-isptarijiet jew ħabsijiet militari jew navali.

Mewt fuq il-baħar. *Emendat: XXII.1939.6; IX.1971.3; XI.1973.377; XVII.1991.81; XV.2009.49; XLIII.2018.12.*

304. (1) Meta xi persuna tmut fuq il-baħar, abbord ta' bastiment irreġistrat f'Malta, il-kaptan għandu, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, iniżżel fil-ġurnal ta' abbord nota tal-fatt ta' dik il-mewt bil-partikolaritajiet imsemmijin fl-artikolu 301.

(2) Meta bastiment bħal dak jasal f'Malta, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tibgħat kopja ta' dak in-nota lill-uffiċjal inkarigat mill-kitba tal-atti tal-mewt f'Malta, u dan għandu, bla dewmien, jagħmel l-att tal-mewt ta' dik il-persuna:

Iżda tali nota tista' wkoll titwassal b'mezzi elettroniċi.

(3) Meta l-wasla ta' bastiment bħal dak f'Malta ma ssirx fi żmien tliet xhur wara l-imsemmija mewt, il-kaptan għandu, mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-imsemmija mewt, jibgħat kopja tar-reġistrazzjoni relattiva lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta li għandha timxi dwarha daqslikieku l-imsemmi bastiment kien wasal f'Malta.

L-atti tal-mewt għandhom jiġu ppreżentati għar-reġistrazzjoni.

305. L-uffiċjal li jikteb att ta' mewt, għandu, fi żmien jumejn minn dak in-nhar li jikteb dak l-att, jippreżentah lid-Direttur għar-reġistrazzjoni.

Eżerċizzju tal-funzjonijiet mogħtija lid-Direttur. *Miżjud: VI.1968.11. Emendat: XXXI.1986.4. Sostitwit: III.1994.11. Emendat: LXV.2020.27.*

306. (1) Kull uffiċjal li jkollu l-grad ta' Duttur fil-Liġijiet jew kwalifika ekwivalenti u jew *warrant* biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat jew *warrant* biex jeżerċita l-professjoni ta' nutar pubbliku u li jkun jaqdi dmirijietu fir-Reġistru Pubbliku jista' jeżerċita l-funzjonijiet kollha jew kull waħda mill-funzjonijiet li taħt xi dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra huma mogħtija lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik il-liġi għandha tinftiehem skont hekk.

(2) Fl-eżerċizzju ta' kull funzjoni tali, l-imsemmi uffiċjal ikollu l-istess setgħat u l-istess obbligi kif inhuma mogħtija jew imposti lid-Direttur, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet

tas-subartikolu (4).

(3) Il-kliem "iffirmati mid-Direttur" jew kliem ta' effett simili, b'riferenza għal ċertifikati tal-istat ċivili, għandhom jittieħdu li jinkludu kull siġill, emblema jew firma magħmula jew proċessati b'mezzi fotografiċi, bl-istampa jew f'kull għamla oħra fid-diskrezzjoni tad-Direttur kif ukoll awtentikati bil-firma tal-uffiċjal li joħroġ iċ-ċertifikati li jkun awtorizzat għal dak il-għan mid-Direttur.

(4) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, l-uffiċjali msemmija f'dan l-artikolu jkunu suġġetti għall-awtorità, direzzjoni u kontroll ta' Assistent Direttur hekk delegat mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u f'dan l-artikolu msejjaħ bħala Deputat Direttur:

Iżda l-eżerċizzju tas-setgħat tad-Deputat Direttur taħt dan l-artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-awtorità assoluta tad-Direttur.

(5) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.

IT-TIENI KTIEB

FUQ IL-BENI

TAQSIMA I

FUQ IL-JEDDIJIET FUQ IL-BENI

TITOLU I

FUQ IL-BENI U X-XORTA TAGĦHOM

Beni mobbli jew immobbli.

307. Il-ħwejjeġ kollha illi jistgħu jkunu l-oġġett ta' proprjetà pubblika jew privata, huma beni mobbli jew immobbli.

Sub-titolu I

FUQ IL-BENI IMMOBBLI

Beni immobbli.

308. Huma immobbli minnhom infishom -

(*a*) l-artijiet u l-bini;

(*b*) in-nixxigħat tal-ilma;

(*ċ*) il-kanali magħmulin għat-tmexxija tal-ilma ġewwa

fond;

(*d*) is-siġar imħawlin fl-art;

(*e*) il-frottijiet tal-art jew tas-siġar, sakemm m'humiex maqlugħa mill-art jew maqtugħa mis-siġar;

(*f*) kull ħaġa mobbli mgħaqqda ma' fond bil-ħsieb li tibqa' ħaġa waħda miegħu għal dejjem.

Kemm-il darba miċ-ċirkostanzi ma jkunx jidher li kien hemm ħsieb ieħor, dik il-ħaġa titqies li tkun hekk imgħaqqda ma' fond, meta hija mwaħħla b'xi metall jew siment, jew tkun xort'oħra mgħaqqda b'mod li ma tistax tiġi maqlugħa mingħajr ksur jew ħsara tal-ħaġa nfisha jew tal-fond.

Meta xi ħwejjeġ isiru mobbli.

309. Il-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi (*ċ*), (*d*), (*e*) u (*f*) tal-aħħar artikolu qabel dan isiru ħwejjeġ mobbli malli jiġu mifruda mill-art, mis-siġra jew mill-bini, għalkemm ikunu għadhom ma nġarrewx band'oħra:

Iżda, il-frottijiet tal-art jew tas-siġar, ukoll qabel ma jiġux maqlugħa jew maqtugħa, jitqiesu bħala mobbli għall-finijiet tal-artikolu 288 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif ukoll meta huma l-oġġett ta' bejgħ jew ta' xi trasferiment ieħor, bħala ħwejjeġ magħżula mill-art jew mis-siġra, u li għandhom ikunu mifruda minnhom.

Kap. 12.

Ħwejjeġ immobbli minħabba l-ħaġa li magħha għandhom x'jaqsmu. *Emendat: XIII.2007.3.*

310. Huma immobbli minħabba l-ħaġa li għandhom x'jaqsmu magħha:

(*a*) id-dirett dominju inkella l-jedd tal-padrun dirett fuq il-fond mogħti b'ċens, u l-utili dominju inkella l-jedd taċ-ċenswalist fuq l-istess fond;

(*b*) il-jedd ta' użufrutt, jew ta' użu ta' immobbli u l-jedd ta' abitazzjoni;

(*ċ*) is-servitujiet predjali;

(*d*) kull azzjoni biex tittieħed jew tintalab lura ħaġa immobbli jew xi wieħed mill-jeddijiet imsemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*); jew biex immobbli jiġi ddikjarat li ma jaqa' taħt ebda wieħed minn dawk il-jeddijiet; jew biex jintalab wirt jew sehem minnu, jew il-porzjoni riżervata jew xi sehem ieħor ta' ħwejjeġ ta' wirt mogħti mil-liġi.

Tifsir ta' "ħaġa immobbli". *Emendat: XXV.2016.2.*

311. (1) Fil-kelmiet "ħaġa immobbli" jew "ħwejjeġ immobbli" u l-kelma "immobbli", mingħajr ebda żieda jew ħaġ'oħra li tillimita t-tifsir tagħhom, jidħlu sew l-immobbli minnhom infishom, kemm il-ħwejjeġ li jitqiesu bħala immobbli minħabba l-ħaġa li għandhom x'jaqsmu magħha.

(2) Il-"perimetru tal-kosta" huwa dik il-parti tal-art li tinsab ħmistax-il metru 'l ġewwa mil-linja tal-kosta, kemm jekk din tkun art ta' mal-plajja, massa ta' art jew irdum, jew tkun taħlita tagħhom u, fejn l-art ta' mal-plajja testendi għal aktar minn ħmistax-il metru, sal-limitu tal-art ta' mal-plajja.

"L-art ta' mal-plajja" hija dik il-parti tal-perimetru tal-kosta, inkluż fejn teċċedi ħmistax-il metru, li normalment tkun mgħottija bl-ilma minħabba fl-azzjoni tal-mewġ u li l-użu tagħha hu ristrett b'dan il-fatt. L-art ta' mal-plajja testendi għal sa fejn tilħaq l-ogħla mewġa u, ukoll jekk tinsab lil hinn minn fejn jilħaq il-mewġ, sal-limiti ta' kull xtajta:

Bil-kundizzjoni li l-art ta' mal-plajja ma tistax testendi fuq jew 'il quddiem ta' triq pubblika li taqa' taħt skema.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

(*a*) "xtajta" hi dik il-parti tal-art li hi kontigwa għal-linja tal-kosta, irrispettivament minn kemm testendi 'l ġewwa, li min-natura jew karatteristiċi tagħha hi ddestinata għall-użu pubbliku skont in-natura tagħha u skont kwalunkwe liġi li minn żmien għal żmien tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp;

(*b*) "massa ta' art" jew "rdum" hi dik il-parti tal-perimetru tal-kosta li hi ogħla mill-baħar, ma tistax tintlaħaq mill-baħar u, jew mhix soġġetta li tiġi mgħottija b'xi mewġa; u

(*ċ*) "il-linja tal-kosta" hija l-profil tal-art li hi l-ħin kollu f'kuntatt dirett mal-baħar; iżda meta l-linja tal-kosta tinbidel minħabba f'tgħawwir jew kollass, il-linja bażi għall-kalkolu tal-perimetru tal-kosta għandha tiġi aġġustata skont hekk minn żmien għal żmien mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi li tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp.

(3) Kull titolu jew dritt privat fuq l-art ta' mal-plajja għandu jiġi reġistrat fir-reġistru rilevanti skont il-liġi applikabbli qabel ma jiskadu għaxar snin mid-data msemmija.

(4) Mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija, mollijiet fejn jorbtu l-bastimenti u kostruzzjonijiet oħra f'portijiet, f'postijiet għall-iżbark u ċentri ta' *yachting* għall-irmiġġ ta' bastimenti, *yachts* u opri tal-baħar oħra li jintużaw fin-navigazzjoni, jew għal inġenji tal-ajru, jew biex jitqabbdu magħhom pontuni, mollijiet f'wiċċ l-ilma fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija, jew għal tarzna, triqat u passaggi ta' aċċess, jew strutturi oħra bħalhom f'dawn iż-żoni, għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet speċjali li jirregolaw dawn il-ħwejjeġ u l-frażijiet "mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija", "portijiet", "postijiet għall-iżbark", "ċentri ta' *yachting*" u frażijiet oħra relatati magħhom għandu jkollhom it-tifsiriet mogħtija lilhom b'dawn il-liġijiet speċjali.

(5) Għalhemm ikunu kontigwi mal-baħar, dawn il-mollijiet fejn titgħabba jew tinħatt il-merkanzija u kostruzzjonijiet oħra u ż-żoni fi ħdan portijiet -

(*a*) għandhom jiġu kkunsidrati bħala proprjetà pubblika, bla ħsara għal titoli privati u jeddijiet fuqhom; u

(*b*) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala parti mill-perimetru tal-kosta għall-finijiet ta' dan il-Kodiċi sa

dak iż-żmien meta xi parti minn dawn iż-żoni, li tkun f'idejn il-Gvern, tiġi dikjarata u reġistrata bħala art fid-demanju pubbliku, bla ħsara għal titoli privati u jeddijiet fuqha, kif previst fir-Raba Skeda.

(6) F'dan l-artikolu:

(*a*) it-terminu "data magħżula" għandha tkun dik id-data stabbilita fil-Gazzetta tal-Gvern b'ordni tal-Ministru responsabbli għall-Artijiet;

(*b*) il-frażi "demanju pubbliku" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fir-Raba' Skeda;

(*ċ*) il-frażi "proprjetà pubblika" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 327; u

(*d*) "ir-reġistru rilevanti" tfisser ir-Reġistru Pubbliku jew ir-Reġistru tal-Artijiet jew xi reġistru ieħor li jkun hemm minflokhom.

Sub-titolu II

FUQ IL-BENI MOBBLI

Ben mobbli.

312. Il-ħwejjeġ kollha, bil-ħajja jew bla ħajja, illi, mingħajr ma titbiddel is-sustanza tagħhom, jistgħu jmorru waħidhom jew jingħarru minn banda għal oħra, huma mobbli minnhom infishom, ukoll jekk dawk il-ħwejjeġ ikunu jagħmlu flimkien kollezzjoni jew *stock* ta' kummerċ.

Materjal li ġej minn ħatt ta' bini.

313. Il-materjal li ġej minn ħatt ta' bini, jew miġbur sabiex bih jittalla' bini ġdid, huwa mobbli sakemm ma jiġix użat fit-tlugħ ta' bini.

Bastimenti, eċċ.

314. Il-bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, il-banjijiet jew kostruzzjonijiet oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma huma wkoll mobbli.

Azzjonijiet jew interessi f'soċjetajiet kummerċjali, eċċ.

315. Dawn li ġejjin huma mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi:

(*a*) l-azzjonijiet jew interessi f'soċjetajiet kummerċjali jew industrjali, ukoll jekk dawn is-soċjetajiet ikollhom beni immobbli tagħhom; f'dan l-aħħar każ, dawn l-azzjonijiet jew interessi jitqiesu mobbli għal kull wieħed mis-soċji u għaż-żmien biss li tibqa' s-soċjetà;

(*b*) ir-renti perpetwi jew il-vitalizji, magħduda l-kapitali bollali u l-krediti għal imgħaxijiet fuq kapitali mqegħdin fil-fond li kien hawn fl-imgħoddi taħt l-isem ta' Massa Frumentarja, basta li dawn ir-renti perpetwi, kapitali bollali u krediti ma jkunux soġġetti għal fedekommess;

(*ċ*) b'mod ġenerali, l-obbligazzjonijiet, l-azzjonijiet, ukoll jekk ipotekarji, u l-jeddijiet kollha, li ma jitqisux bħala immobbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar sub-titolu

qabel dan.

Tifsir ta' "beni jew ħwejjeġ mobbli", "oġġetti mobb1i" jew "sustanza mobbli".

316. Fil-kelmiet "beni jew ħwejjeġ mobbli", "oġġetti mobbli", jew "sustanza mobbli", użati fil-liġi jew f'dispożizzjoni talbniedem, mingħajr żieda jew ħaġ'oħra li tillimita t-tifsir tagħhom jidħlu sew il-ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, kemm ukoll il-ħwejjeġ li b'mod ġenerali huma meqjusa mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi.

Tifsir ta' "mobbli".

317. (1) Hekk ukoll, fil-kelma "mobbli" użata f'liġi, mingħajr żieda jew ħaġ'oħra li tillimita t-tifsir tagħha, jidħlu sew il-mobbli minnhom infishom, kemm ukoll il-ħwejjeġ li hekk tqishom il-liġi.

(2) Iżda, il-kelma "mobbli", jekk użata f'dispożizzjoni talbniedem, ma tfissirx, minnha nfisha, flus jew titoli li jissarfu flus, ħaġar fin, oġġetti ta' metall prezzjuż jew ħwejjeġ li huma l-oġġett ta' kummerċ; lanqas ma jidħlu l-ħwejjeġ meqjusa bħala mobbli mil-liġi.

Tifsir ta' "għamara".

318. (1) Fil-kelma "għamara" tidħol il-għamara kollha tad-dar, magħduda l-kwadri u l-istatwi li jagħmlu biċċa mill-għamara tad-dar.

(2) Iżda, ma jidħlux kollezzjonijiet ta' kotba, ta' kwadri, jew ta' statwi.

Tifsir tal-kelmiet "mill-għatba tad-dar 'l ġewwa".

319. Fil-kelmiet "mill-għatba tad-dar 'l ġewwa" jidħlu l-ħwejjeġ kollha mobbli, barra mill-flus jew it-titoli li jissarrfu flus, mill-ħaġar fin, mill-oġġetti ta' metall prezzjuż li jservu għat-tiżjin talpersuna jew biex jintlibsu, mill-oġġetti li jinsabu fid-dar bla ħsieb jew li jkunu ta' ħaddieħor, u mill-krediti jew jeddijiet oħra illi d-dokumenti tagħhom ikunu jinsabu fid-dar.

TITOLU II

FUQ IL-PROPRJETÀ

Proprjetà.

320. Il-proprjetà hija l-jedd li wieħed igawdi u li jiddisponi minn ħwejġu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jagħmilx użu ipprojbit mil-liġi.

Ħadd ma jista' jkun imġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu. *Emendat: III.1930.2.*

321. Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust.

Is-sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura minn għand kull pussessur.

322. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, is-sid ta' ħaġa għandu jedd jitlobha lura mingħand kull pussessur.

(2) Il-pussessur li, wara li jkun ġie nnotifikat bit-talba ġudizzjarja għar-radd tal-ħaġa, ma jkomplix, b'għemil tiegħu nnifsu, fil-pussess ta' dik il-ħaġa, hu obbligat, bi spejjeż tiegħu, li jerga' jakkwista l-pussess tagħha għall-attur, jew, jekk ma jkunx jista' jagħmel hekk, li jħallsu tagħha daqs kemm tiswa, kemm-il darba l-attur ma jagħżilx li jdur kontra l-pussessur attwali.

Min għandu l-proprjetà tal-art għandu wkoll dik ta' dak kollu li jkun fuq jew taħt l-art.

323. Kull min għandu l-proprjetà tal-art, għandu wkoll dik tal-area ta' fuqha, u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art; hu jista' jagħmel fuq l-art tiegħu kull bini jew taħwil, kif ukoll taħt l-art, kull biċċa xogħol jew taħfir, u jieħu minnhom kull prodott li jistgħu jagħtu, iżda, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet dwar is-Servitujiet Predjali taħt it-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi u kull dispożizzjoni oħra ta' liġi dwar fortifikazzjonijiet jew opri oħra ta' difiza.

Il-bini, eċċ., fuq jew taħt l-art jingħadd tas-sid.

324. Kull bini, taħwil, jew biċċa xogħol, sew fuq jew taħt l-art, jingħaddu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li ġew magħmula mis-sid bi flusu, u li huma tiegħu, iżda dan bla ħsara tal-jeddijiet li ħaddieħor ikun akkwista.

Is-sid jista' jġiegħel lill-ġar juri b'sinjali l-limiti tal-fondi tagħhom.

325. Kull sid jista' jġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin.

Is-sid jista' jagħlaq il-fond tiegħu.

326. Kull sid jista' jagħlaq il-fond tiegħu, bla ħsara ta' kull servitù li għaliha jkollu jedd ħaddieħor.

Miżjud: XXV.2016.4.

TITOLU IIA

FUQ IL-PROPRJETÀ TAL-GVERN

Proprjetà pubblika vakanti. *Miżjud: XXV.2016.4.*

327. (1) Il-Gvern hu s-sid ta':

(*a*) il-beni kollha li jakkwista skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew xi liġi speċjali oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "proprjetà pubblika"; u

(*b*) il-beni kollha li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku, li l-Gvern ikun is-sid tagħhom bħala riżultat tas-sovranità tiegħu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "demanju pubbliku".

(2) Il-Gvern hu s-sid ta' proprjetà vakanti.

(3) Proprjetà li l-Gvern hu s-sid tagħha tista' tkun soġġetta għal jeddijiet privati b'dak il-mod u sal-limitu stabbilit f'dan il-Kodiċi u liġijiet oħra speċjali.

Il-beni bla sid huma tal-Gvern ta' Malta. *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

327. (*Mħassar bl-Att XXV.2016.3.*).

TITOLU III

FUQ IL-JEDDIJIET TA' UŻUFRUTT, TA' UŻU U TA' ABITAZZJONI

Sub-titolu I

FUQ L-UŻUFRUTT

X'inhu l-użufrutt.

328. L-użufrutt huwa l-jedd reali li wieħed igawdi l-ħwejjeġ li tagħhom ħaddieħor għandu l-proprjetà, bl-obbligu li jżomm is-sustanza tagħhom sew fil-materja kemm fil-għamla.

Meta fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom bla ma jikkunsmahom.

329. Jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li wieħed ma jistax jinqeda bihom mingħajr ma jikkunsmahom, bħal flus, qmugħ, jew xorb, l-użufruttwarju għandu jedd jinqeda bihom bl-obbligu li jħallas kemm jiswew fuq stima li ssir tagħhom fil-bidu tal-użufrutt; fin-nuqqas ta' din l-istima, huwa jista' jagħżel jew li jrodd ħwejjeġ fl-istess kwantità u tal-istess kwalità, inkella li jħallas is-siwi tagħhom bil-prezz li jkun miexi fiż-żmien li jispiċċa l-użufrutt.

L-użufrutt hu magħmul mil-liġi jew mir-rieda tal-bniedem.

330. (1) L-użufrutt jiġi stabbilit jew mil-liġi jew mir-rieda tal-bniedem; f'dan it-tieni każ, jekk l-użufrutt hu ta' ħwejjeġ immobbli, ma jistax jiġi magħmul ħlief b'att pubbliku, u, jekk hu magħmul b'att *inter vivos*, ma jibdiex iseħħ, rigward it-terzi, ħlief mill-waqt li l-att jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku, fuq talba ta' wieħed mill-interessati jew tan-nutar li jkun irċieva l-att.

(2) In-nota għall-insinwa tal-att għandu jkun fiha l-ismijiet tal-partijiet kif miġjuba f'dak l-att, id-data u x-xorta tal-att, u tismija tal-ħaġa li għaliha l-att jirriferixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, u għandha tkun iffirmata min-nutar li jkun irċieva l-att.

Kap. 56.

L-użufrutt jista' jiġi magħmul taħt kondizzjoni, għal żmien determinat jew favur ta' żewġ persuni partikolari jew iżjed.

331. (1) L-użufrutt jista' wkoll jiġi magħmul taħt kondizzjoni jew għal żmien determinat.

(2) Jista' jiġi magħmul favur ta' persuna waħda partikolari jew iżjed.

(3) Meta l-użufrutt hu magħmul favur ta' iżjed minn persuna waħda sabiex igawduh waħda wara l-oħra, l-użufrutt iseħħ biss favur dawk il-persuni li jkunu ħajja fiż-żmien li jitnissel il-jedd tal-ewwel użufruttwarju.

---

§ I FUQ IL-JEDDIJIET TAL-UŻUFRUTTWARJU

Il-frottijiet imissu lill-użufruttwarju.

332. L-użufruttwarju għandu jedd għal kull xorta ta' frottijiet, sew naturali, industrjali, jew ċivili, illi tista' tagħti l-ħaġa li tagħha jkollu l-użufrutt.

Frottijiet naturali, industrjali u ċivili.

333. (1) Huma frottijiet naturali dawk li l-art tagħti minnha nfisha. Huma wkoll frottijiet naturali l-prodotti u l-wild tal-annimali, u dak li jagħtu l-barrieri tal-ġebel jew il-minjieri.

(2) Huma frottijiet industrjali ta' fond dawk illi jittieħdu bil-koltivazzjoni.

(3) Huma frottijiet ċivili l-kera ta' beni mikrija, iċ-ċnus, l-imgħaxijiet ta' kapitali, u r-renti ta' kull sena.

Frottijiet naturali u industrjali mdendlin fil-friegħi jew mhux maqlugħa mill-egħruq.

334. (1) Il-frottijiet naturali jew industrijali mdendlin fil-friegħi jew mhux maqlugħa mill-egħruq fiż-żmien li jibda l-użufrutt, imissu lill-użufruttwarju, bla ħsara tas-sehem li jmiss lill-bidwi li jaħdem l-art bi sħab.

(2) Il-frottijiet li jkunu jinsabu mdendlin fil-friegħi jew mhux maqlugħa mill-egħruq fiż-żmien li fih jispiċċa l-użufrutt, imissu lis-sid, bla ħsara tas-sehem li jista' jmiss lill-bidwi li jaħdem l-art bi sħab, u ta' dak li jkollu jieħu l-użufruttwarju jew il-werrieta tiegħu għall-koltivazzjoni.

Il-frottijiet ċivili jingħaddu miksuba ġurnata b'ġurnata.

335. Il-frottijiet ċivili jitqiesu miksuba ġurnata b'ġurnata, u jmissu lill-użufruttwarju skont ma jkun iż-żmien tal-użufrutt tiegħu.

Lawdemju.

336. Il-lawdemji tal-enfitewsi jmissu lill-użufruttwarju.

Użufrutt ta' vitalizju.

337. L-użufruttwarju ta' vitalizju għandu l-jedd li jirċievi l-ħlasijiet li jagħlqu minn ġurnata għal oħra matul iż-żmien tal-użufrutt tiegħu; iżda huwa għandu jrodd kull ma jkun daħħal żejjed bil-quddiem.

Meta fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ li bil-ftit il-ftit jitgħarrqu bl-użu.

338. Jekk fl-użufrutt ikun hemm ħwejjeġ illi, mingħajr ma jiġu kkunsmati minnufih, jistgħu bil-ftit il-ftit jitgħarrqu bl-użu, l-użufruttwarju għandu jedd jinqeda bihom għall-użu li għalih huma maħsuba, u hu ma jkollux iroddhom, fi tmiem l-użufrutt, ħlief fl-istat li fih ikunu jinsabu, basta li ma jkunux tgħarrqu b'qerq jew bi ħtija tiegħu.

Siġar tal-frott.

339. Is-siġar tal-frott li jmutu, u dawk li jiġu mqaċċta jew imkissra b'xi aċċident, imissu lill-użufruttwarju, bl-obbligu li jagħmel oħrajn flokhom.

L-użufruttwarju jista' jċiedi t-tgawdija tal-jedd tiegħu.

340. L-użufruttwarju jista' jċedi t-tgawdija tal-jedd tiegħu sew b'titolu gratuwitu kemm oneruż.

Il-kiri tal-beni jibqa' jseħħ.

341. Il-kiri tal-beni jibqa' jseħħ ukoll wara li jispiċċa l-użufrutt, kemm-il darba dan il-kiri jkun sar taħt kondizzjonijiet ġusti u għal żmien ta' mhux aktar minn tmien snin, fil-każ ta' raba', jew erba' snin, fil-każ ta' bini, jew għal żmien kif hu soltu skont l-użu, fil-każ ta' ħwejjeġ mobbli, jew għal żminijiet iqsar miż-żminijiet hawn fuq imsemmija rispettivament f'każ ta' beni li l-kiri tagħhom għal żmien li jaqbeż dak iż-żmien iqsar huwa pprojbit.

L-użufruttwarju jista' jbiegħ il-frottijiet imdendla.

342. L-użufruttwarju jista' wkoll ibiegħ il-frottijiet mhux maqtugħa jew mhux maqlugħa; u meta jiġri dan, jekk l-użufrutt jispiċċa qabel il-qtugħ jew il-qlugħ tal-frottijiet, il-bejgħ jibqa' jseħħ, u s-sid ikollu l-jedd għall-prezz ta' dawk il-frottijiet li jkunu għadhom ma nqatgħux jew ma nqalgħux:

Iżda s-sid m'għandux azzjoni kontra x-xerrej illi jkun ħallas lill-użufruttwarju l-prezz ta' dawk il-frottijiet qabel it-tmiem tal-użufrutt.

L-użufruttwarju jgawdi l-jeddijiet ta' servitujiet.

343. L-użufruttwarju għandu jedd igawdi, l-istess bħas-sid, kull jedd ta' servitù mgħaqqda ma' fond li tiegħu jkollu l-użufrutt, u, b'mod ġenerali, il-jeddijiet kollha li s-sid jista' jgawdi.

L-użufruttwarju jgawdi l-barrieri tal-ġebel ġà miftuħa

344. L-użufruttwarju jgawdi wkoll il-barrieri tal-ġebel li jkunu ġà miftuħa u li jkunu qegħdin jinħadmu fiż-żmien li huwa jidħol fil-jedd tal-użufrutt; iżda ma jistax jiftaħ barrieri ġodda.

L-użufruttwarju m'għandux jedd fuq it-teżor misjub.

345. L-użufruttwarju m'għandux jedd fuq it-teżor misjub matul iż-żmien tal-użufrutt, ħlief għas-sehem li jkun imissu minnu, skont il-liġi, talli jkun sabu.

L-għemil tas-sid ma jistax ikun ta' ħsara għall-jeddijiet tal-użufruttwarju.

346. Is-sid ma jistax b'għemilu, jew b'kull mod ieħor, jagħmel ħsara lill-jeddijiet tal-użufruttwarju.

L-użufruttwarju ma jista'jitlob ebda ħlas għall-benefikati.

347. (1) L-użufruttwarju ma jistax, fit-tmiem tal-użufrutt, jitlob ebda ħlas għall-benefikati ta' kull xorta li jkun għamel, lanqas jekk bihom ikun żdied ħafna s-siwi tal-ħaġa.

(2) Iżda, dawk il-benefikati jistgħu jittieħdu b'qies fil-kalkolu tal-ħsarat li l-użufruttwarju jkollu jwieġeb għalihom.

(3) Meta ma jkun hemm lok għal ebda tpattija taħt is-subartikolu (2), l-użufruttwarju jista' jieħu lura dawk il-benefikati li jistgħu jiġu maqlugħa bi profitt għalih, u bla ħsara lill-fond, kemm-il darba s-sid ma jagħżilx li jżommha, billi jħallas lill-użufruttwarju somma daqs kemm dan jista' jikseb kieku kellu jaqlagħhom mill-fond.

L-użufruttwarju jista' jeżerċita kull azzjoni reali li l-liġi tagħti lis-sid.

348. L-użufruttwarju jista' jeżerċita kull azzjoni reali li l-liġi tagħti lis-sid.

§ II. FUQ L-OBBLIGI TAL-UŻUFRUTTWARJU

L-użufruttwarju jieħu l-ħwejjeġ fl-istat li jkunu meta jibda l-użufrutt.

349. (1) L-użufruttwarju jieħu l-ħwejjeġ suġġetti għall-użufrutt fl-istat li jkunu jinsabu fil-waqt li jitnissel il-jedd għall-użufrutt.

(2) Fit-tmiem tal-użufrutt, hu għandu jroddhom fl-istat li jkunu f'dak iż-żmien, bla ħsara tal-indennizz li jkollu jagħti għall-ħwejjeġ li jkunu tgħarrqu bi ħtija tiegħu.

Formazzjoni tal-inventarju.

350. L-użufruttwarju ma jistax jibda jeżerċita l-jeddijiet tiegħu fuq il-ħwejjeġ li jkunu suġġetti għall-użufrutt qabel ma jagħmel inventarju ta' dawk il-ħwejjeġ, li għandu jkun fih deskrizzjoni tal-ħwejjeġ mobbli bis-siwi tagħhom, u tal-istat tal-immobbli, kemm-il darba l-użufruttwarju ma jkunx ġie meħlus milli jagħmel dak l-inventarju bl-att li joħloq l-użufrutt.

Kif għandu jsir l-inventarju.

351. (1) L-inventarju għandu jsir quddiem is-sid, jew wara li l-użufruttwarju jkun sejjaħlu, imqar b'ittra uffiċjali, sabiex ikun hemm.

(2) L-inventarju għandu jsir b'att pubbliku, kemm-il darba bl-att li joħloq l-użufrutt ma tkunx ingħatat is-setgħa sabiex isir b'kitba privata, u s-sid ma jagħtix il-kunsens sabiex isir hekk.

(3) Kemm-il darba fl-att li joħloq l-użufrutt ma jkunx jingħad xort'oħra, l-ispejjeż tal-inventarju jbatihom l-użufruttwarju.

Garanzija li għandha tingħata mill-użufruttwarju.

352. (1) Hekk ukoll, l-użufruttwarju ma jistax, kemm-il darba ma jkunx ġie meħlus fl-att li joħloq l-użufrutt, jibda jeżerċita l-jeddijiet tiegħu fuq il-ħwejjeġ li jkunu suġġetti għall-użufrutt qabel ma jagħti garanzija li jgawdi dawk il-ħwejjeġ hekk suġġetti bħala missier tajjeb tal-familja, li jrodd il-ħwejjeġ mobbli u s-siwi tal-ħwejjeġ imsemmijin fl-artikolu 329, u li jagħmel tajba l-ħsarat li jsiru bi ħtija tiegħu, sew fil-ħwejjeġ mobbli kemm immobbli.

(2) Is-somma tal-garanzija, għall-finijiet tal-iskrizzjoni ipotekarja, titqies fuq is-somma tal-kapitali li għandhom jingħataw f'idejn l-użufruttwarju, jew li jintraddu lilu matul l- użufrutt, fuq is-siwi tal-ħwejjeġ mobbli, u fuq kemm jistgħu jiswew it-tiswijiet tal-immobbli, illi x'aktarx ikunu meħtieġa fiż-żmien ta' ħames snin, u illi, skont il-liġi, għandhom isiru mill-użufruttwarju.

(3) Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tnaqqas din is-somma; u f'dak il-każ, jekk mis-somma tal-garanzija ma jifdal xejn jew jekk is-somma tal-garanzija ssir mhix biżżejjed qabel it-tmiem tal-użufrutt, l-użufruttwarju għandu jagħti garanzija ġdida, u, fin-nuqqas ta' din, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355.

Min mhux obbligat jagħti garanzija.

353. Iżda, mhumiex obbligati jagħtu garanzija -

(*a*) dawk li l-użufrutt tagħhom ġej mil-liġi;

(*b*) il-bejjiegħ jew id-donatur li jkun żamm għalih l-użufrutt;

(*ċ*) l-użufruttwarju ta' ħwejjeġ amministrati jew li għandhom ikunu amministrati minn ħaddieħor.

Żmien li fih jitlob garanzija.

354. Is-sid jista' jitlob il-garanzija, meta meħtieġa, sew qabel kemm fiż-żmien ta' sena wara li l-użufruttwarju jkun beda jeżerċita l-jeddijiet tiegħu fuq il-ħwejjeġ li jkunu suġġetti għall-użufrutt; wara li tagħlaq is-sena hawn fuq imsemmija, is-sid ma jkollux jedd jitlob il-garanzija ħlief jekk jipprova li l-istat jew l-imġieba tal-użufruttwarju tbiddlu b'mod li b'hekk l-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet tiegħu hija mqiegħda f'periklu.

Meta l-użufruttwarju jonqos li jagħti garanzija.

355. Jekk l-użufruttwarju jonqos li jagħti garanzija, meta meħtieġa, fiż-żmien mogħti mill-qorti, din, fuq talba tas-sid, taħtar persuna kompetenti sabiex tamministra l-ħwejjeġ li jkunu suġġetti għall-użufrutt, fl-interess sew tas-sid kemm tal-użufruttwarju.

L-amministratur għandu jbigħ il-ħwejjeġ mobbli, eċċ.

356. L-amministratur għandu jbigħ il-ħwejjeġ mobbli u jimpjega bl-imgħax il-prezz li jdaħħal mill-bejgħ tagħhom; għandu wkoll jimpjega kull somma oħra ta' flus li tkun tinsab fil-patrimonju tal-użufrutt jew li tidħol minn radd ta' kapitali matul iż-żmien tal-użufrutt.

L-amministratur jista' jitbiegħed mir-regola stabbilita fl-artikolu 356.

357. (1) L-amministratur jista', bil-kunsens tas-sid u tal-użufruttwarju, jitbiegħed mir-regola stabbilita fl-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Il-qorti tista' wkoll, għal raġuni tajba, fuq talba tas-sid jew tal-użufruttwarju, tiddispensa mill-bejgħ tal-ħwejjeġ mobbli, jew tordna li l-flus jiġu impjegati xort'oħra minn kif hemm imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, kemm-il darba dan ikun jista' jsir bla ħsara tal-interessi tal-konvenut.

Setgħa tal-qorti meta l-użufruttwarju ma jsibx garanzija.

358. Jekk l-użufruttwarju jiddikjara bil-ġurament li ma setax isib garanzija, il-qorti tista' tordna li dar u l-għamara meħtieġa għall-abitazzjoni u għall-użu personali tiegħu nnifsu u tal-familja tiegħu jiġu kkunsinnati lilu, mingħajr garanzija, bl-obbligu li jroddhom fit-tmiem tal-użufrutt.

Dmir tal-amministratur li jagħti kont.

359. (1) L-amministratur għandu jagħti, kull sena, kont tal-amministrazzjoni tiegħu lill-użufruttwarju, u jħallas lilu l-bilanċ.

(2) Fit-tmiem tal-amministrazzjoni, l-amministratur għandu jagħti kont sew lis-sid kemm lill-użufruttwarju.

Tneħħija tal-amministratur.

360. L-amministratur jista', f'kull żmien, jiġi mneħħi għal raġuni tajba, fuq talba tas-sid jew tal-użufruttwarju.

L-użufruttwarju jista' jieħu f'idejh l-amministrazzjoni.

361. L-użufruttwarju jista', f'kull żmien, jagħti garanzija u jieħu f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni.

Frottijiet li jmissu lill-użufruttwarju.

362. F'ebda każ id-dewmien fil-għoti tal-garanzija ma jtellef lill-użufruttwarju l-frottijiet li fuqhom jista' jkollu jedd: dawk il-frottijiet imissu lilu minn kif jibda l-jedd tal-użufrutt.

Tiswija ta' beni suġġetti għal użufrutt.

363. L-użufruttwarju għandu jagħmel biss it-tiswijiet ordinarji. It-tiswijiet straordinarji jmissu lis-sid, iżda dawn it-tiswijiet imissu lill-użufruttwarju kemm-il darba huma jsiru meħtieġa minħabba li ma jkunux saru t-tiswijiet ordinarji, fosthom ukoll dawk li kienu jinħtieġu fil-bidu tal-użufrutt.

Tiswijiet straordinarji.

364. It-tiswijiet tal-ħitan, tal-isqfa bil-ħnejjiet, it-tibdil ta' travi, u t-tiġdid għal kollox tal-bjut, ta' torġien, jew ta' ċangar ta' kull parti ta' bini li tkun, huma tiswijiet straordinarji.

Ħlas lura ta' spejjeż magħmula mill-użufruttwarju għal tiswijiet li jmissu lis-sid.

365. (1) L-użufruttwarju m'għandux azzjoni sabiex iġiegħel lis-sid jagħmel it-tiswijiet li jmissu lilu; iżda, jekk is-sid ma jkunx irid jagħmel dawk it-tiswijiet, l-użufruttwarju jista' jitlob lill-qorti li tagħtih is-setgħa jagħmilhom huwa, u li jitlob mingħand is-sid, fit-tmiem tal-użufrutt, il-ħlas lura tan-nefqa li jkun għamel, mingħajr imgħaxijiet, basta li dawk it-tiswijiet ikunu għadhom utili fiż-żmien li fih jispiċċa l-użufrutt:

Iżda l-użufruttwarju jkollu biss jedd jitlob lura l-ħlas ta' kemm ikunu jiswew dawn it-tiswijiet meqjusa fuq stima, skont iż-żmien tat-talba, kemm-il darba hu ma jagħtix lis-sid kont tal-ispejjeż li jkun għamel, flimkien mad-dokumenti li juru dik l-ispiża, fi żmien sitt xhur minn dak in-nhar li jkunu tlestew it-tiswijiet.

(2) Il-kont jingħadd li ġie aċċettat mis-sid, jekk dan, fi żmien xahrejn, ma jiddikjarax li jrid jattakkah.

Jekk is-sid ikun irid jagħmel it-tiswijiet straordinarji. *Emendat: XXII.2005.81*

366. (1) Jekk is-sid ikun irid jagħmel it-tiswijiet straordinarji, hu għandu jedd jieħu lura mingħand l-użufruttwarju, matul l-użufrutt, l-imgħaxijiet fuq in-nefqa li jipprova li jkun għamel.

(2) L-imgħaxijiet hawn fuq imsemmija jgħaddu mill-ġurnata li fiha l-kont ta' dik in-nefqa jkun ġie appruvat mill-użufruttwarju, jew, fuq rikors ġuramentat kontra l-użufruttwarju, mill-qorti.

Tiġrif ta' biċċa mill-bini, minħabba qdumija, eċċ.

367. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan jgħoddu wkoll meta, minħabba qdumija jew b'aċċident, jaqa' bini jew taqa' biċċa minn bini li jkun aċċessorju meħtieġ għat-tgawdija tal-fond suġġett għall-użufrutt, jew biċċa aċċessorja tal-bini li jkun l-oġġett prinċipali tal-użufrutt.

(2) Sabiex jiġi stabbilit jekk il-biċċa mwaqqa' tal-bini, li jkun l-oġġett prinċipali tal-użufrutt, hix biċċa aċċessorja, għandu jittieħed qies mhux biss għal fejn dik il-biċċa kienet iddestinata, iżda wkoll tan-nefqa meħtieġa sabiex dik il-biċċa targa' tinbena, meqjusa man-nefqa li kienet tkun meħtieġa li kieku l-bini kollu kellu jittalla' mill-ġdid.

L-użufruttwarju ma jistax ma jħallix lis-sid jagħmel tiswijiet.

368. L-użufruttwarju ma jistax ma jħallix lis-sid jagħmel, bil-mod li jġib l-anqas xkiel lill-użufruttwarju, it-tiswijiet u x-xogħlijiet imsemmijin fl-aħħar tliet artikoli qabel dan.

Nefqa li tmiss lill-użufruttwarju,

369. (1) In-nefqa għat-tibjid ta' bini, jew għat-tnaddif ta' bjar jew ta' latrini, meta ordnati mill-Pulizija fil-każijiet li tgħid il-liġi, tmiss lill-użufruttwarju.

lis-sid.

(2) In-nefqa sabiex isiru bjar jew latrini, jew sabiex il-latrini jiġu mniffdin mad-drenaġġ pubbliku jew ma' sfog ieħor, kif ukoll in-nefqa għall-ħatt ta' bini li jkun jinsab f'perikolu ta' tiġrif, tmiss lis-sid; u jekk l-użufruttwarju jkun imġiegħel jagħmel dawk ix-xogħlijiet, hu jista' jdur kontra s-sid.

L-użufruttwarju għandu jħallas iċ-ċens, eċċ.

370. L-użufruttwarju għandu jħallas iċ-ċens u piżijiet oħra ta' kull sena li jkun hemm fuq il-fond.

L-użufruttwarju ta' fond partikolari wieħed jew iżjed mhux obbligat għall-ħlas tal-piżijiet li jkun hemm fuqhom.

371. L-użufruttwarju ta' fond partikolari wieħed jew iżjed mhux obbligat għall-ħlas tad-djun li għalihom xi wieħed minn dawk il-beni jkun ipotekat, lanqas hu obbligat għall-ħlas ta' ebda renta li jkun hemm fuqhom; u jekk hu jiġi mġiegħel iħallas, ikollu jedd idur kontra s-sid.

L-użufruttwarju ta' assi għandu jħallas il-manteniment, ir-renta, eċċ.

372. (1) L-użufruttwarju ta' assi sħiħ, jew ta' sehem ta' assi, huwa obbligat iħallas, fil-proporzjon tat-tgawdija tiegħu, u mingħajr jedd li jitlobhom lura, is-somom li għandhom jingħataw għall-manteniment, ir-renti perpetwi jew vitalizji, u l-imgħaxijiet tad-djun li jkun hemm fuq l-assi.

(2) Meta jmissu jitħallas kapital, jekk l-użufruttwarju jkun irid joħroġ minn tiegħu s-somma, din għandha tintradd lilu mis-sid, mingħajr imgħax, fit-tmiem tal-użufrutt.

(3) Jekk l-użufruttwarju ma jkunx irid joħroġ minn tiegħu din is-somma, is-sid jista' jħallas jew bi flusu, u, f'dan il-każ, l-użufruttwarju għandu, matul l-użufrutt, jagħtih l-imgħaxijiet fuq dawk il-flus, inkella, bil-bejgħ ta' biċċa mill-bini li jkun suġġett għall-użufrutt, daqs kemm ikun jilħaq id-dejn.

Spejjeż ta' kawżi dwar l-użufrutt, eċċ.

373. (1) L-ispejjeż tal-kawżi dwar l-użufrutt biss, imissu lill-użufruttwarju.

(2) L-ispejjeż tal-kawżi dwar il-proprjetà biss, imissu lis-sid.

(3) L-ispejjeż tal-kawżi sew dwar l-użufrutt kemm ukoll dwar il-proprjetà għandhom jitħallsu mis-sid; iżda l-użufruttwarju

għandu jgħaddi lis-sid l-imgħax fuqhom matul l-użufrutt.

Fatti li bihom wieħed jieħu jew jidħol f'beni taħt użufrutt.

374. L-użufruttwarju għandu, taħt piena tal-ħlas tad-danni, jgħarraf lis-sid, mingħajr dewmien, b'kull att li bih ħaddieħor jużurpa jew jagħmel ħsara lill-jeddijiet tas-sid.

Użufrutt fuq annimal wieħed jew iżjed li flimkien ma jagħmlux merħla,

375. Jekk l-użufrutt ikun fuq annimal wieħed jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux merħla, u dawn l-annimali jinqerdu mingħajr ħtija tal-użufruttwarju, dan m'għandux lejn is-sid ħlief l-obbligu li jagħtih kont tal-ġlud tagħhom jew ta' kemm jiswew.

jew fuq merħla.

376. (1) Din ir-regola tgħodd ukoll fil-każ li l-użufrutt ikun fuq merħla, u din tinqered kollha mingħajr ħtija tal-użufruttwarju.

(2) Iżda, jekk il-merħla ma tinqeridx kollha, l-użufruttwarju hu obbligat iqiegħed oħrajn minflok l-irjus meqruda, iżda mhux iżjed min-numru tal-annimali mwielda mill-bidu tal-użufrutt u li jkunu għadhom fil-pussess tiegħu u ta' dawk li jitwieldu wara li l-merħla tkun bdiet tonqos min-numru li kien fiha fil-bidu.

Sigurtà ta' bastiment suġġett għall-użufrutt.

377. (1) Jekk l-użufrutt ikun ta' bastiment u l-użufruttwarju jonqos milli jassigurah, huwa jwieġeb għat-telfa tal-bastiment u għall-avariji.

(2) Jekk il-bastiment ikun assigurat, l-użufruttwarju jiġi meħlus, sal-ammont tal-assigurazzjoni, billi jċiedi lis-sid kull jedd tiegħu kontra l-assiguraturi, iżda l-ħlas tal-premju jibqa' dejjem għall-użufruttwarju.

---

§ III. FUQ KIF JISPIĊĊA L-UŻUFRUTT

Tmiem tal-użufrutt.

378. L-użufrutt jispiċċa -

(*a*) bil-mewt tal-użufruttwarju;

(*b*) bl-egħluq taż-żmien li għalih ikun ġie magħmul;

(*ċ*) bil-konsolidazzjoni jew bil-għaqda f'waħda u l-istess persuna taż-żewġ kwalitajiet tal-użufruttwarju u ta' sid;

(*d*) billi ma jsirx użu mill-jedd għal żmien ta' tletin sena;

(*e*) bit-telfa għal kollox tal-ħaġa li fuqha l-użufrutt ikun ġie magħmul.

Tmiem tal-użufrutt minħabba li l-użufruttwarju jinqeda ħażin bih.

379. (1) L-użufrutt jista' jispiċċa wkoll billi l-użufruttwarju jinqeda ħażin bil-jeddijiet tiegħu sew billi jagħmel ħsarat fil-fondi, jew billi jħallihom jitgħarrqu minħabba nuqqas ta' tiswijiet ordinarji.

(2) Il-qorti f'dawn il-każijiet tista', skont il-gravità taċ-ċirkostanzi, minflok ma tiddikjara l-użufrutt mitluf għal kollox, jew taħtar amministratur, inkella tordna li l-beni jintraddu lis-sid, iżda taħt il-kondizzjoni li jħallas kull sena lill-użufruttwarju, jew lil dawk li jkollhom jedd minnu, somma determinata matul iż-żmien tal-użufrutt.

(3) L-użufruttwarju, kif ukoll kull wieħed mill-kredituri tiegħu,

jista' jevita t-telfien tal-użufrutt, il-ħatra ta' amministratur, jew irradd tal-beni hawn fuq imsemmija, billi joffri li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa, u billi jagħti garanzija għall-esekuzzjoni ta' din l-obbligazzjoni fiż-żmien li jiġi mogħti mill-qorti, basta li l-offerta ssir u l-garanzija tiġi mogħtija qabel ma tingħata s-sentenza fuq talba tas-sid, jew fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat.

Iż-żmien ta' użufrutt magħmul favur ta' korp morali, *Emendat: XIII.2007.4.*

380. (1) Iż-żmien ta' użufrutt magħmul favur ta' korp morali ma jistax ikun ta' iżjed minn tletin sena; u jekk l-użufrutt jiġi magħmul mingħajr limiti ta' żmien, jew għal żmien ta' aktar minn tletin sena, ikun jiswa biss għal tletin sena.

(2) Meta dritt ta' użufrutt ikun imqiegħed fi *trust* għall-benefiċċju ta' *trustee*, inkluż *trustee* li jkun korporazzjoni, jew jiġi mogħti lil fondazzjoni privata għall-benefiċċju ta' persuni li huma persuni fiżiċi, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-użufrutt għandu jitqies bħala kostitwit favur il-benefiċjarji li huma msemmija u li għandhom id-dritt li jgawdu l-proprjetà u, sakemm ma jkunx espressament dikjarat mod ieħor, għandu jopera tul il-hajja ta' dawk il-benefiċjarji.

jew sakemm persuna oħra tasal f'età partikolari,

381. L-użufrutt mogħti saż-żmien li persuna oħra tilħaq ċerta età, idum għal dak iż-żmien kollu, ukoll jekk dik il-persuna tmut qabel ma tilħaq dik l-età.

jew favur ta' żewġ persuni jew iżjed flimkien.

382. L-użufrutt magħmul favur ta' żewġ persuni jew iżjed flimkien, skont l-artikoli 738 u 739, ma jispiċċax ħlief bil-mewt tal-persuna li tmut l-aħħar, u s-sehem ta' kull waħda minn dawn il-persuni li tmut qabel l-oħrajn, jiżdied mal-ishma ta' dawk li jibqgħu ħajjin.

Bejgħ tal-ħaġa suġġetta għal użufrutt.

383. Il-bejgħ tal-ħaġa suġġetta għall-użufrutt ma jġib ebda tibdil fil-jedd tal-użufruttwarju; u huwa jibqa' jgawdi l-użufrutt, kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għalih.

Il-krediturl tal-użufruttwarju jistgħu jitolbu li rinunzja għall-użufrutt tiġi ddikjarata nulla.

384. Il-krediturl tal-użufruttwarju jistgħu jitolbu li tiġi ddikjarata nulla r-rinunzja għall-użufrutt, li l-użufruttwarju jkun għamel bi ħsara tagħhom.

Jekk tinqered biċċa biss tal-ħaġa suġġetta għal użufrutt.

385. Jekk il-ħaġa suġġetta għall-użufrutt tinqered biss f'biċċa, l-użufrutt jibqa' jseħħ fuq il-biċċa li tifdal.

Jedd tal-użufruttwarju fuq l-art jew il-materjal ta' bini li jiġġarraf.

386. (1) Jekk l-użufrutt ikun magħmul fuq bini biss, u dan il-bini jiġġarraf minħabba qdumija jew jiġi meqrud b'aċċident, l-użufruttwarju ma jkollux jedd għat-tgawdija tal-art jew tal-materjal.

(2) Iżda, jekk l-użufrutt kien magħmul fuq fond, li minnu dak il-bini ma kienx jagħmel ħlief sehem, l-użufruttwarju għandu jedd igawdi l-art, u jista' jinqeda bil-materjal, sew biex itella' mill-ġdid il-bini li jkun waqa', jew biex isewwi partijiet oħra tal-fond suġġett għall-użufrutt.

(3) F'kull wieħed mill-każijiet hawn fuq imsemmija, jekk il-bini ma jiġix meqrud, jew ma jiġġarrafx ħlief f'biċċa, l-

użufruttwarju jibqa' fil-jedd li jgawdi l-art u l-materjal.

387. Meta l-użufrutt ikun ta' bastiment, u dan il-bastiment ikun fi stat li ma jistax jissewwa, l-użufrutt jispiċċa.

Meta l-użufrutt ikun ta' bastiment li ma jistax jissewwa.

388. L-użufrutt ta' renta jew ta' kreditu ma jispiċċax bir-radd tal-kapital; l-użufruttwarju jista' jimpjega mill-ġdid dak il-kapital jew, skont il-każ, jitlob li jarġa' jiġi mpjegat bi profitt għalih.

L-użufrutt ta' renta jew kreditu ma jispiċċax bir-radd tal-kapital.

Sub-titolu II

FUQ L-UŻU U L-ABITAZZJONI

389. Il-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni jinkisbu u jintilfu l-istess bħall-jedd ta' użufrutt.

Kif jinkisbu u jintilfu l-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni.

390. Il-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni ma jistgħux jiġu mogħtija lis-sid ħlief b'att pubbliku, u dawn il-jeddijiet ma jibdewx iseħħu kontra t-terzi qabel ma l-att jiġi iskritt fir-Reġistru Pubbliku, fuq talba ta' waħda jew oħra mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att. In-nota tal-iskrizzjoni tal-att għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).

Il-għoti tal-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni għandu jsir b'att pubbliku.

391. Jekk il-limiti tal-jedd ta' użu jew ta' abitazzjoni ma jiġux stabbiliti fl-att li joħloq dan il-jedd, għandhom jitħarsu r-regoli miġjubin fl-artikoli li ġejjin.

Meta fl-att ma jingħadx sa fejn jasal il-jedd ta' użu jew ta' abitazzjoni.

392. (1) L-użu huwa l-jedd reali li wieħed jinqeda bil-ħaġa ta' ħaddieħor, jew li jieħu l-frottijiet tagħha, iżda biss sakemm hu meħtieġ għall-bżonnijiet tiegħu nnifsu u tal-familja tiegħu.

Tifsir ta' "jedd ta' użu".

(2) Il-jedd ta' użu ta' dar huwa l-istess bħall-jedd ta' abitazzjoni.

(3) Il-jedd ta' użu ta' ħwejjeġ li jiġu kkunsmati bl-użu jitqies bħala użufrutt.

393. L-abitazzjoni huwa l-jedd reali li wieħed joqgħod flimkien mal-familja tiegħu u skont il-kondizzjonijiet tiegħu, f'dar li tkun ta' ħaddieħor.

Tifsir ta' "jedd ta' abitazzjoni".

394. Għall-finijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan, fil-kelma "familja" jidħlu wkoll it-tfal imwielda wara l-bidu tal-jedd ta' użu jew ta' abitazzjoni, għad li l-persuna li lilha jkun ġie mogħti dak il-jedd ma kinitx miżżewġa fiż-żmien li jkun beda dak il-jedd, kif ukoll it-tfal naturali li jkunu ġew magħrufa, it-tfal adottivi, u s-sefturi.

Tifsir ta' "familja".

395. (1) Dak li lilu jiġi mogħti l-jedd ta' użu jew ta' abitazzioni għandu jagħmel inventarju u jagħti garanzija bħal fil-każ ta' użufrutt.

Inventarju u garanzija.

(2) Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti l-ħelsien mill-obbligu tal-garanzija.

Min għandu dan il-jedd għandu jimxi bħal missier tajjeb ta' familja.

396. Dak li għandu l-jedd ta' użu jew ta' abitazzjoni għandu jgawdih bħal missier tajjeb ta' familja.

Dmirijiet ta' dak li għandu t-tgawdija.

397. (1) Jekk dak li għandu l-jedd ta' użu ta' fond, jikkonsma l-frottijiet kollha tiegħu, jew, jekk għandu l-jedd ta' abitazzjoni, jokkupa d-dar kollha, huwa għandu jħallas iċ-ċnus u l-piżijiet l-oħra ta' kull sena fuq il-fond, l-ispejjeż biex tinħadem l-art, u għandu jagħmel it-tiswijiet ordinarji bħall-użufruttwarju.

(2) Iżda, jekk jieħu biċċa biss mill-frottijiet, jew jokkupa biċċa biss mid-dar, għall-ħlas fuq imsemmi joħrog sehem skont ma jkun igawdi.

Jekk il-frottijiet ma jkunux aktar mill-bżonn ta' dak li jkollu l-jedd tal-użu.

398. (1) Jekk il-frottijiet li soltu jagħti l-fond ma jkunux aktar minn kemm jiħtieg dak li jkollu l-użu tiegħu, dan għandu l-jedd jitlob li l-fond jiġi mogħti f'idejh.

(2) Iżda, jekk hu ma jkollux bżonn ħlief ta' biċċa mill-frottijiet, m'għandux jedd jitlob ħlief dak is-sehem ta' frottijiet *in natura*; u, f'dak il-każ, l-amministrazzjoni tal-fond tibqa' f'idejn is-sid, u ma jkunx hemm lok għall-obbligu tal-garanzija u tal-inventarju.

Il-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni ma jistgħux jiġu ċeduti, eċċ.

399. Il-jeddijiet ta' użu u ta' abitazzjoni ma jistgħux jiġu ċeduti jew jingħataw b'kiri, u m'humiex suġġetti għad-djun ta' dak li jkollu dawk il-jeddijiet.

Titolu IV

FUQ IS-SERVITUJIET PREDJALI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

X'inhija servitù.

400. (1) Is-servitù hija jedd stabbilit għall-vantaġġ ta' fond fuq fond ta' ħaddieħor, sabiex isir użu minn dan il-fond ta' ħaddieħor jew sabiex ma jitħalliex li sidu juża minnu kif irid.

(2) Il-fond li fuqu jkun hemm is-servitù jissejjaħ fond serventi; u l-fond li għall-vantaġġ tiegħu s-servitù tiġi maħluqa jissejjaħ il-fond dominanti.

Kif tinħoloq is-servitù.

401. Is-servitujiet jinħolqu mil-liġi, jew mill-fatt tal-bniedem.

Sub-titolu I

FUQ IS-SERVITUJIET MAĦLUQA MIL-LIĠI

Servitujiet maħluqa għall-utilità pubblika jew privata.

402. (1) Is-servitujiet maħluqa mil-liġi għall-utilità pubblika huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti speċjali.

(2) Il-liġi toħloq ukoll servitujiet għall-utilità privata; u dawn is-servitujiet huma dawk stabbiliti bid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-sub-titolu.

§ I. FUQ IS-SERVITUJIET LI JIĠU MILL-POSIZZJONI TAL-LOK

Dmirijiet ta' sidien il-fondi.

403. (1) Il-fondi f'invell aktar baxx huma suġġetti lejn il-fondi f'invell ogħla li jilqgħu l-ilmijiet u ħwejjeġ oħra li minn dawn inixxu jew jaqgħu waħidhom, mingħajr il-fatt tal-bniedem.

(2) Is-sid tal-fond aktar fil-baxx ma jista' jagħmel ebda ħaġa li tista' żżomm dik in-nixxiegħa jew twaqqigħ.

(3) Is-sid tal-fond aktar fil-għoli ma jista' lanqas jagħmel ebda ħaġa li tagħmel iżjed gravuża s-servitù tal-fond aktar fil-baxx.

Nixxiegħa ta' ilma.

404. Kull min għandu nixxiegħa ta' ilma fil-fond tiegħu, jista' jinqeda biha kif irid, bla ħsara ta' xi jedd li s-sid tal-fond aktar fil-baxx ikun kiseb bis-saħħa ta' xi titolu jew tal-preskrizzjoni.

Ilma għaddej fit-triq pubblika.

405. (1) Is-sid tal-fond aktar fil-għoli jista' jsewwaq għall-fond tiegħu l-ilma li jgħaddi minn fuq it-triq pubblika, bi preferenza fuq dak tas-sid tal-fond li jinsab aktar fil-baxx.

(2) Fil-każ ta' sidien li l-fondi tagħhom ikunu qegħdin f'invell wieħed, kull wieħed minn dawn is-sidien jista' jsewwaq għall-fond tiegħu l-ilma li jgħaddi minn dak in-nofs tat-triq li jmiss ma' dak il-fond.

Meta l-ilma hu meħtieġ għall-użu tal-bniedem, eċċ.

406. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux jekk wieħed mis-sidien ikun jinħtieg l-ilma għall-użu tal-bniedem, jew biex jisqi annimali jew biex isaqqi siġar li soltu jissaqqew; f'dan il-każ, il-jedd ta' preferenza fuq oħrajn li jkunu jridu l-ilma għal ħaġ'oħra, imiss -

(*a*) lill-persuna li tiħtieġ l-ilma għall-użu tal-bniedem;

(*b*) lill-persuna li tiħtieġ l-ilma għax-xorb tal-annimali;

(*ċ*) lill-persuna li tiħtieġ l-ilma għat-tisqija tas-sigar.

---

§ II. FUQ IL-ĦITAN U FOSSIJIET LI JIFIRDU FOND MINN IEĦOR TA' MA' ĠENBU

Ħajt diviżorju. *Emendat: LV.1975.4.*

407. Il-ħajt li qiegħed biex jaqsam bini minn bini ieħor, jew bini minn fond ta' xorta oħra, għandu jkun ta' ħxuna ta' mhux anqas minn tmienja u tletin ċentimetru.

Kif għandu jinbena.

408. Il-ħajt li jaqsam żewġ btieħi, ġonna jew għelieqi, jista' jinbena tas-sejjieħ, iżda għandu jkun -

Għoli.

(*a*) għoli tliet metri u nofs, jekk ikun bejn żewġ btieħi, jew bejn żewġ ġonna illi fihom l-aktar li jkun hemm siġar tal-larinġ jew tal-lumi;

(*b*) għoli żewg metri u erbgħin ċentimetru, jekk ikun bejn żewġ ġonna illi fihom ikun hemm l-aktar siġar ta' xorta oħra minn dawk hawn fuq imsemmija; u

(*ċ*) għoli metru u nofs, jekk ikun bejn żewġ għelieqi.

Ta' min jitqies li huwa l-ħajt diviżorju.

409. (1) Jekk ma jkunx hemm sinjal jew prova oħra li juru l-kuntrarju, il-ħajt li qiegħed biex jaqsam bini minn bini ieħor jitqies

li huwa komuni sal-quċċata, u, meta dan il-bini u l-ieħor ma jkunux ta' għoli wieħed, sa metru u tmenin ċentimetru minn fejn wieħed mill-bini jibda biex ikun aktar għoli.

(2) Il-biċċa tal-ħajt li taqbeż metru u tmenin ċentimetru fuq l-għoli tal-bini l-aktar baxx, titqies li hija tas-sid tal-bini aktar għoli.

(3) Jekk min-naħa waħda jkun hemm bini, u, min-naħa l-oħra bitħa, ġnien jew għalqa, il-ħajt jitqies li hu kollu ta' sid il-bini.

Ħitan li jaqsmu btieħi, ġonna jew għelieqi.

410. (1) Il-ħajt li qiegħed biex jaqsam btieħi, ġonna, jew għelieqi, jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta' sinjal jew ta' prova oħra li turi l-kuntrarju.

(2) Jekk il-ħajt jaqsam btieħi, ġonna jew għelieqi, li qegħdin waħda f'invell aktar għoli minn dak tal-oħra, il-biċċa tal-ħajt li, meta jittieħed b'qies il-fond aktar baxx, taqbeż il-għoli rispettivament imsemmi fl-artikolu 408 titqies li hija ta' sid il-fond aktar għoli.

Tiswijiet ta' ħajt komuni.

411. (1) Għat-tiswijiet jew għat-tlugħ mill-ġdid ta' ħajt komuni għandhom joħorġu sehem dawk kollha li għandhom jedd fuqu, kull wieħed bi proporzjon tal-jedd li jkollu.

(2) B'dan kollu, kull komproprjetarju ta' ħajt jista' jeħles mill-obbligu li joħroġ sehem għall-ispiża tat-tiswijiet jew tlugħ mill-ġdid ta' dak il-ħajt, billi jirrinunzja għall-jedd tal-komunjoni, basta li l-ħajt komuni ma jkunx iżomm bini tiegħu.

(3) Dik ir-rinunzja, meta tista' ssir, ma teħlisx lil min jagħmilha mill-obbligu ta' dawk it-tiswijiet jew tlugħ mill-ġdid ta' bini li jkunu saru meħtieġa bi ħtija tiegħu.

Meta ħajt komuni jaqsam bini li s-sid irid iħott.

412. Meta l-ħajt komuni jkun iżomm bini illi sidu jkun irid iħott, dan ma jistax jeħles mit-tiswijiet jew tlugħ mill-ġdid tal-ħajt bir-rinunzja għall-jedd tal-komunjoni, jekk ma jagħmilx għall-ewwel darba dawk it-tiswijiet u xogħlijiet li jkunu meħtieġa biex jevita l-ħsara li tista' lill-ġar issir bil-ħatt tal-bini.

Jedd ta' appoġġ.

413. (1) Kull komproprjetarju li jkun qiegħed itella' bini jista' jpoġġi l-bini tiegħu mal-ħajt komuni, u jdaħħal travi sa nofs il-ħxuna ta' dak il-ħajt.

(2) Hu jista' wkoll iqabbad il-ħitan tiegħu mal-ħajt komuni.

Jedd ta' komproprjetarju li jgħolli l-ħajt komuni.

414. Kull komproprjetarju jista' jgħolli l-ħajt komuni, iżda għandu jħallas l-ispejjeż meħtieġa -

(*a*) għat-titligħ tal-ħajt;

(*b*) biex tinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija l-biċċa li taqbeż il-għoli tal-ħajt komuni;

(*ċ*) biex isiru dawk ix-xogħlijiet li jkunu meħtieġa sabiex jerfgħu l-piż li jiżdied bit-titligħ tal-ħajt, b'mod li l-ħajt jibqa' qawwi xorta waħda.

Jekk il-ħajt komuni mhux tajjeb biex jerfa' l-għoli li jiżdied.

415. Jekk il-ħajt komuni ma jkunx tajjeb biex jerfa' l-għoli li jiżdied, dak li jkun irid igħolli għandu jibni l-ħajt kollu mill-ġdid bi spejjeż tiegħu, u kwantu għaż-żjieda fil-ħxuna, għandu jibniha fuq

l-art tiegħu.

Il-parti li tgħolli l-ħajt komuni twieġeb għall-ħsara lejn il-ġar.

416. F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, min igħolli l-ħajt huwa obbligat ukoll iħallas lill-ġar kull ħsara li dan jista' jbati minħabba t-titligħ jew il-bini mill-ġdid tal-ħajt.

Il-ġar jista' jikseb il-jedd tal-komunjoni tal-biċċa li tiżdied fil-ħajt komuni.

417. Il-ġar li ma jkunx ħareġ sehem għat-titligħ ta' ħajt komuni jista' jikseb il-jedd tal-komunjoni tal-għoli li jiżdied billi jħallas nofs ta' kemm ikun sewa biex sar, u nofs is-siwi tal-art li tkun ittieħdet għaż-żjieda tal-ħxuna, jekk ikun il-każ.

Is-sid jista' jagħmel komuni ħajt li jmiss mal-fond tiegħu.

418. (1) Kull sid jista' wkoll jagħmel komuni, kollu jew biċċa minnu, ħajt li jmiss mal-fond tiegħu, billi jħallas lil sid dan il-ħajt in-nofs ta' kemm jiswa kollu, jew in-nofs ta' kemm tiswa l-biċċa li hu jkun irid jagħmel komuni, u n-nofs ta' kemm tiswa l-art li fuqha l-ħajt ikun mibni, u billi jagħmel ukoll ix-xogħlijiet li jkunu meħtieġa sabiex ma ssirx ħsara lill-ġar.

(2) ld-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-bini li qiegħed għall-użu pubbliku.

Xogħlijiet fil-ħajt komuni jew fuqu, jew depożitu ta' demel eċċ., mal-ħajt komuni.

419. Ebda wieħed mill-ġirien ma jista' -

(*a*) jagħmel, mingħajr il-kunsens tal-ġar l-ieħor, ħofor fil-korp ta' ħajt komuni;

(*b*) iwaħħal jew ipoġġi mal-ħajt komuni, mingħajr il-kunsens tal-ġar l-ieħor, xi biċċa xogħol ġdida, inkella, jekk dan ma jkunx irid, mingħajr qabel ma jkun stabbilixxa, b'periti, il-mezzi meħtieġa sabiex dik il-biċċa xogħol ġdida ma tkunx ta' ħsara għall-jeddijiet tal-ġar l-ieħor;

(*ċ*) iqiegħed demel jew ħwejjeġ oħra korroživi jew niedja b'mod li jmissu mal-ħajt komuni;

(*d*) jiġma ma' ħajt komuni, trab jew ħwejjeġ oħra, mingħajr ma jieħu l-ħsieb meħtieġ sabiex dan il-ġmigħ ma jagħmilx b'rass jew xort'oħra, ħsara lill-ġar l-ieħor.

Tiswija ta' ħitan li jaqsmu btieħi, eċċ.

420. Kull persuna tista' ġġiegħel lill-ġar tagħha joħroġ sehem mill-ispejjeż tal-bini jew ta' tiswija ta' ħitan li jaqsmu btieħi, ġonna, jew għelieqi, sal-għoli msemmi fl-artikolu 408, billi jittieħed qies tax-xorta u tal-invell tal-fond tal-konvenut.

Bini jew tiswija ta' ħajt li jaqsam żewġ fondi mhux ta' għoli wieħed.

421. Meta ħajt jaqsam żewġ fondi li jkunu wieħed iżjed għoli mill-ieħor, is-sid tal-fond iżjed għoli għandu jbati l-ispiża kollha tal-bini u tat-tiswija tal-ħajt sa l-invell tal-fond tiegħu: il-biċċa tal-ħajt minn dak l-invell sal-għoli msemmi fl-artikolu 408 għandha tinbena u tissewwa bi spejjeż tat-tnejn.

Meta l-ġar ma jkunx irid joħroġ sehmu għall-ispiża tal-bini jew tiswija ta' ħajt.

422. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 418, jekk, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-ġar li ma jkunx irid joħroġ sehem mill-ispiża tal-bini jew tat-tiswija tal-ħajt, hu jista' jeħles mill-ħlas ta' dan is-sehem billi jċedi nofs l-art li fuqha l-ħajt li jaqsam għandu jinbena, u jirrinunzja għall-jedd tiegħu ta' komunjoni f'dak il-ħajt.

Meta żewġ sulari jew iżjed jew parti ta' bini mhumiex ta' sid wieħed.

423. Meta żewġ sulari jew iżjed, jew partijiet oħra ta' bini jkunu ta' diversi sidien, is-sehem li għandu joħroġ kull wieħed mis-sidien għall-ispiża tat-tiswijiet jew bini mill-ġdid li jkun meħtieġ, għandu jiġi meqjus skont il-vantaġġ li l-biċċa ta' kull wieħed minnhom tal-fond tieħu minn dawk it-tiswijiet jew bini mill-ġdid.

Servitujiet qodma dwar ħajt ġdid komuni.

424. Meta ħajt komuni jew dar jinbnew mill-ġdid, jibqgħu jseħħu s-servitujiet attivi jew passivi wkoll kwantu għall-ħajt ġdid jew dar ġdida, basta li dawn is-servitujiet ma jsirux iżjed gravużi, u dan il-bini mill-ġdid isir qabel ma jkun inkiseb il-jedd tal-preskrizzjoni.

Aperturi f'ħitan diviżorji.

425. Ebda wieħed mill-ġirien ma jista', mingħajr il-kunsens tal-ieħor, jagħmel twieqi jew aperturi oħra fil-ħajt diviżorju.

Is-sidien ta' sulari jistgħu jagħmlu gallariji, eċċ., fil-ħajt ta' barra.

426. Meta s-sulari ta' dar ikunu ta' diversi sidien, kull wieħed mis-sidien jista', fil-ħajt ta' barra tas-sular tiegħu, jagħmel gallariji, twieqi, bibien jew aperturi oħra, basta li b'daqshekk ma tiġix imnaqqsa s-saħħa ta' dak il-ħajt.

Titligħ ta' ħajt diviżorju jekk il-bini għandu taraġ li jagħti għall-bejt.

427. (1) Dak li min fil-bini tiegħu għandu taraġ li jieħu għall-bejt, għandu jgħolli, spejjeż tiegħu, il-ħajt diviżorju sa metru u tmenin ċentimetru mill-invell tal-bejt.

(2) Il-biċċa tal-ħajt li tiżdied 'il fuq mill-invell tal-bejt għandha tkun tal-istess ħxuna tal-ħajt diviżorju minn dak l-invell 'l-isfel.

(3) Jekk kull wieħed miż-żewġ ġirien għandu taraġ li jieħu għall-bejt tiegħu, kull wieħed minnhom jista' jġiegħel lill-ieħor joħroġ in-nofs tal-ispiża meħtieġa biex jitgħolla l-ħajt diviżorju kif jingħad hawn fuq.

Il-ġirien ma jistgħu jagħmlu ebda ħsara fil-ħajt diviżorju.

428. Kull wieħed mill-ġirien għandu jagħmel fil-fond tiegħu dawk ix-xogħlijiet li jkunu meħtieġa sabiex ma ssir ebda ħsara fil-ħajt diviżorju bil-ġwiebi jew latrini li jkun hemm fil-fond tiegħu jew bin-nixxiegħa ta' ilma jew ta' ħmieġ.

Foss bejn żewġ fondi jingħadd komuni għaż-żewġ sidien.

429. Fin-nuqqas ta' xi titolu jew sinjal li juri l-kuntrarju, kull foss bejn żewġ fondi, jekk jiġi ppruvat li huwa ta' proprjetà privata, jitqies li huwa proprjetà komuni bejn is-sidien ta' dawk il-fondi.

Sinjali li juru li l-foss mhux komuni.

430. Jekk it-trab li jinqala' mit-tħaffir ta' foss, jew il-materjal li jinġama' fih matul iż-żmien ta' tliet snin, jinsab fuq naħa waħda biss tal-foss, dan hu sinjal li l-fond mhux komuni, u l-foss jingħadd li hu ta' dak biss li man-naħa tal-fond tiegħu t-trab jew il-materjal miġmugħ ikun jinsab.

Meta l-foss iservi għan-nixxiegħa minn fondi ta' sid wieħed biss.

431. Jekk il-foss iservi biex jilqa' n-nixxiegħa tal-artijiet ta' sid wieħed biss, dan hu sinjal li l-foss mhux komuni.

Tiswija ta' foss in komun.

432. Foss in komun għandu jinżamm fi stat tajjeb bi spejjeż tas-sidien kollha:

Iżda, wieħed jista' jeħles minn dan il-piż billi jirrinunzja għall-jedd ta' komunjoni.

Siġar fuq il-linja tal-konfini bejn żewġ fondi.

433. Is-siġar li jkunu fuq il-linja tal-konfini bejn żewġ fondi jingħaddu, fin-nuqqas ta' prova li turi l-kuntrarju, li huma komuni; u kull wieħed mill-ġirien jista' jitlob li dawn is-siġar jiġu maqlugħin jew maqtugħin, jekk jipprova li l-ħsara li jistgħu

jagħmlu lill-fond tiegħu hija akbar mill-ġid li jista' jieħu minnhom huwa nnifsu.

---

§ III. FUQ IL-BOGĦOD LI GĦANDU JINŻAMM F'XI KAŻIJIET

Bini ta' ħitan eċċ., fuq il-linja tal-konfini ta' fondi.

434. Kull persuna għandha jedd tibni ħajt jew bini fuq il-linja tal-konfini tal-fond tagħha, bla ħsara tal-jedd tal-ġar li jagħmel komuni l-ħajt kif provdut fl-artikolu 418.

Bogħod li għandu jitħalla meta l-bini ma jsirx fuq il-linja tal-konfini.

435. (1) Għad li l-bini ma jkunx sar fuq il-linja tal-konfini, il-ġar jista', jekk ma jitħalliex għall-anqas il-bogħod ta' metru u nofs, jitlob li jagħmel komuni l-ħajt, u jista' jibni sa fejn jasal il-ħajt u jpoġġi miegħu, billi jħallas, ma' nofs is-siwi tal-ħajt, is-siwi tal-art li jokkupa, kemm-il darba sid l-art ma jagħżilx li joħroġ il-bini tiegħu, fl-istess żmien, sal-linja tal-konfini.

(2) Jekk il-ġar ma jkunx irid jinqeda b'dan il-jedd, huwa għandu jibni l-ħajt jew bini tiegħu b'mod li jkun hemm il-bogħod ta' tliet metri mill-ħajt jew mill-bini tal-parti l-oħra.

(3) Din ir-regola għandha titħares f'kull każ ieħor meta l-bini tal-parti l-oħra hu bogħod anqas minn tliet metri mill-konfini.

(4) Il-fatt biss li dar jew ħajt li ġa jeżistu jitgħollew, jitqies bini ġdid.

Eċċezzjoni.

436. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan ma jgħoddux għall-bini magħmul għall-użu pubbliku, jew għall-ħitan li jmissu ma' pjazez jew toroq pubbliċi.

Taħwil ta' siġar, eċċ.
Emendat: II.1920.2, 3.

437. (1) Ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' zokk għoli f'bogħod ta' anqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru, jew siġar oħra f'bogħod ta' anqas minn metru u għoxrin ċentimetru, mil-linja li taqsam il-fond tiegħu mill-fond tal-ġar.

(2) Id-dwieli, ix-xtieli, is-sisien tal-ħaxix, u kull siġra oħra li tinżamm baxxa sa għoli ta' mhux iżjed minn żewġ metri u għaxar ċentimetri, jistgħu jitħawlu f'bogħod ta' mhux anqas minn ħamsa u erbgħin ċentimetru mil-linja hawn fuq imsemmija.

(3) Il-ġar jista', sakemm ma jkunx għadda ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni, jitlob li s-siġar imħawwlin f'bogħod anqas, jew li, għalkemm ikun tħalla dak il-bogħod, ikunu jgħamlulu ħsara, jiġu maqlugħa bi spejjeż tas-sid.

(4) Iżda, il-qorti tista' tagħti lil sid dawk is-siġar il-għażla jew li jaqlagħhom, jew li jagħmel, bi spejjeż tiegħu, fossijiet jew xogħlijiet oħra meħtieġa biex ma tkun tista' ssir ebda ħsara fil-fond tal-ġar.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux meta l-fondi li jmissu ma' xulxin huma mifruda b'ħajt, basta li s-siġar, ix-xtieli jew il-pjanti hawn fuq imsemmija jinżammu b'mod li ma jaqbżux il-għoli tal-ħajt.

Friegħi ta' siġar li jixxabbtu għal fuq il-fond tal-ġar.

438. (1) Dak li fuq il-fond tiegħu jixxabbtu friegħi tas-siġar tal-ġar, jista' jġiegħel lill-ġar jaqtagħhom, u jista' jieħu l-frott li

jiddendel minnhom.

(2) Barra minn dan, jekk l-egħruq jibqgħu deħlin fil-fond tiegħu, jista' jaqtagħhom huwa stess.

Tħaffir ta' bjar, eċċ.

439. Ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

Ħsarat minħabba tħaffir.

440. (1) Għad illi jkun inżamm il-bogħod imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, kull min jagħmel xi tħaffir, iwieġeb għall-ħsarat li b'dak it-tħaffir isiru fil-bini tal-ġar, kemm-il darba dak il-bini jkun ġie mibni skont id-drawwiet u r-regoli tas-sengħa taż-żmien li fih inbena.

(2) Iżda, hu ma jwieġeb għal ebda ħsara, jekk it-tħaffir isir f'bogħod li, fuq talba tiegħu, jiġi mogħti mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, inkella, meta jsiru x-xogħlijiet illi, skont ma jkun il-każ, ikunu ġew ordnati mill-qorti sabiex ma jsirux ħsarat lill-ġar.

Kemm għandhom ikunu bogħod il-katusi ta' latrina jew tal-ilma.

441. (1) Il-katusa ta' latrina jew ta' ilma li jaqa' mill-bjut, inkella ta' ilma li jittella' bil-mezz ta' pompa jew ta' xi makna oħra, għandha tkun f'bogħod ta' mill-anqas metru mill-konfini, u dan il-bogħod għandu jitqies mill-pont l-aktar qrib tal-wiċċ ta' barra ta' dik il-katusa.

(2) Mhux meħtieġ li jinżamm dak il-bogħod meta jiġu wżati katusi li minnhom ma jistax jidħol umdu fil-ħajt, jew meta jiġu wżati mezzi oħra li ma jħallux igħaddi dan l-umdu.

(3) Iżda, kemm-il darba, għad li jkun inżamm il-bogħod imsemmi fis-subartikolu (1), jew ikunu ġew użati l-katusi jew il-mezzi msemmija fis-subartikolu (2), issir ħsara lill-ġar, sid il-katusi għandu jagħmel, spejjeż tiegħu, kull xogħol ieħor meħtieġ sabiex ma titħalliex issir iżjed ħsara, u, jekk ikun meħtieġ ukoll, għandu jieħu l-katusi aktar 'il bogħod.

Jekk ġiebja tasal sa taħt il-fond tal-ġar.

442. (1) Jekk ġiebja tibqa' dieħla sa taħt il-fond tal-ġar, dan jista' jagħmel toqba u jinqeda bl-ilma, iżda bl-obbligu li jħallas lis-sid tal-fond li fih it-tħaffir tal-ġiebja jkun inbeda, nofs l-ispejjeż li jkun għamel.

(2) Kull wieħed miż-żewġ ġirien jista' jitlob li dik il-biċċa tal-ġiebja li tkun taħt il-fond tiegħu tiġi mifruda minn dik li tkun taħt il-fond tal-ieħor b'ħajt li għandu jinbena, u, meta jinħtieġ, jissewwa, bi spejjeż tat-tnejn.

(3) Iżda, jekk il-biċċa tal-ġiebja li tkun tinsab taħt il-fond ta' wieħed mill-ġirien tkun wisq akbar minn dik li tkun tinsab taħt il-fond tal-ieħor, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, meta tordna l-firda, tikkundanna lill-ewwel wieħed iħallas lill-ieħor sehem, skont ma jmissu, mis-somma li dan tal-aħħar ikun nefaq għat-tħaffir ta' dik il-ġiebja.

Kemm għandu jkun il-bogħod tat-twieqi, eċċ., mill-ħajt diviżorju.

443. (1) Is-sid ta' bini ma jistax jiftaħ twieqi f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

(2) Fil-każ ta' gallariji jew opri oħra bħalhom li joħorġu 'l barra mill-ħajt, il-bogħod meħtieġ taħt is-subartikolu (1) jitqies

mil-linja ta' barra ta' dak il-ġenb tal-gallarija jew opra oħra maħruġa 'l barra, li tkun l-aktar qrib għall-ħajt diviżorju, sal-linja ta' ġewwa ta' dan il-ħajt.

Bogħod tal-fran mill-ħajt diviżorju.

444. (1) Ebda persuna ma tista' tibni fran jekk ma tħallix bogħod ta' mill-anqas tletin ċentimetru mill-ħajt diviżorju, b'mogħdija għall-arja bejn il-ħajt u l-forn.

(2) Il-fuglari ta' kċina għandhom ikunu bogħod mill-anqas ħmistax-il ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

§ IV.FUQ L-ISTILLIĊIDJU

Bini ta' bjut.

445. Kull sid għandu jibni l-bjut tal-bini tiegħu b'mod li l-ilma tax-xita ma jaqax fuq il-fond tal-ġar.

---

§ V.FUQ IL-JEDD TA' MOGĦDIJA U TA' AKWEDOTT

Dħul u mogħdijiet f'fondi.

446. Kull sid għandu jħalli d-dħul u l-mogħdija fil-fond tiegħu kull meta jinsab li dan id-dħul jew mogħdija huma meħtieġa sabiex jissewwa ħajt jew xi biċċa xogħol oħra tal-ġar jew komuni.

Fond li m'għandux ħruġ fuq triq pubblika.

447. (1) Is-sid li l-fond tiegħu m'għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista' jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta' ma' ġenbu li jagħtuh il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta' kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija.

(2) Din il-mogħdija għandha ssir f'dik il-parti fejn tkun tal-anqas ħsara għall-persuna li fuq il-fond tagħha tiġi mogħtija.

Fond li jsir magħluq minn kull naħa.

448. Jekk il-fond ikun sar magħluq minn kull naħa minħabba bejgħ, tpartit, jew qasma, dawk li jkunu biegħu, partu jew qasmu għandhom jagħtu l-mogħdija, bir-riġel, bil-bhima jew bil-karrettun, skont il-każ, mingħajr l-ebda indennizz.

Kif jispiċċa jedd tal-mogħdija.

449. Jekk il-mogħdija mogħtija kif jingħad hawn fuq ma tibqax meħtieġa, minħabba l-ftuħ ta' triq ġdida, jew it-tagħqid tal-fond ma' ieħor li jmiss mat-triq pubblika, is-sid tal-fond serventi jista' jitlob it-tmiem ta' dak il-jedd ta' mogħdija billi jrodd l-indennizz li jkun ħa jew billi ma jissoktax jieħu l-ħlas ta' kull sena li jkun ġie miftiehem.

Jedd għall-akwedott.

450. (1) Dak li ma jistax jirċievi ilma fil-fond tiegħu minn għejjun jew depożiti oħra ta' ilma pubbliku, ħlief minn fuq raba' ta' ħaddieħor, jista' jġiegħel lis-sidien ta' dan ir-raba' jagħtuh, bil-mod li jkun għalihom tal-anqas ħsara, il-jedd tal-akwedott, b'kumpens proporzjonat għall-ħsara.

(2) Hu ma jistax iġiegħel lil dawk is-sidien biex iħalluh jagħmel kanali ġodda, kemm-il darba huma jagħtuh li jgħaddi l-ilma mill-kanali li jkun hemm; f'dan il-każ il-kumpens jiġi meqjus fuq kemm ikunu jiswew dawk il-kanali u fuq l-ispejjeż meħtieġa għall-ewwel tiswija tagħhom, u dak li jinqeda bihom jibqa' obbligat li joħroġ sehem mill-ispejjeż meħtieġa sabiex jinżammu fi stat tajjeb, kif provdut fl-artikolu 452.

L-azzjoni għall-kumpens hija suġġetta għall-preskrizzjoni.

451. L-azzjoni għall-ħlas tal-kumpens taħt l-artikoli 447 u 450 hija suġġetta għall-preskrizzjoni: u l-jedd tal-mogħdija jew tal-akwedott jibqa' jseħħ, għad illi l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsara ma tkunx tista' iżjed tiġi eżerċitata.

Ħruġ ta' sehem għat-tiswijiet meħtieġa fil-kanali.

452. Kull min għandu jedd li jinqeda bil-kanali magħmulin għall-mogħdija tal-ilma hu obbligat joħroġ sehem mill-ispiża għat-tiswijiet meħtieġa, bla ħsara tal-jedd li jdur, jekk ikun hemm lok, kontra dak li bi ħtija tiegħu tkun ġrat il-ħsara fil-kanali.

Meta l-mogħdija jew l-akwedott ikunu jistgħu jittieħdu minn fuq żewġ fondi jew iżjed.

453. (1) Meta l-mogħdija jew l-akwedott ikunu jistgħu jittieħdu minn fuq żewġ fondi jew iżjed li jkunu ta' sidien diversi, is-servitù għandha tiġi stabbilita fuq dak il-fond li għal sidu tkun tal-anqas ħsara.

(2) Jekk is-servitù ma tkunx ta' iżjed ħsara għal fond milli għal ieħor, is-servitù tiġi stabbilita fuq il-fond fejn l-aktar ikun jaqbel għal dak li jitlobha, u dan ma jistax jagħżel fond ieħor mingħajr il-kunsens ta' sidu.

Sub-titolu II

FUQ IS-SERVITUJIET IMMNISSLA MILL-FATT TAL-BNIEDEM

§ I. FUQ IX-XORTA TA' SERVITUJIET LI JISTGĦU JIĠU MNISSLA MILL-FATT TAL-BNIEDEM, U FUQ KIF DAWN IS-SERVITUJIET JITNISSLU

Tnissil ta' servitujiet.

454. Is-sidien jistgħu jistabbilixxu, skont l-artikolu 400, kull servitù li ma tkun bl-ebda mod kuntrarja għall-ordni pubbliku.

Servitujiet kontinwi jew mhux kontinwi, li jidhru jew li ma jidhrux.

455. (1) Is-servitujiet huma kontinwi jew mhux kontinwi, li jidhru jew li ma jidhrux.

(2) Is-servitujiet kontinwi huma dawk li l-eżerċizzju tagħhom huwa jew jista' jkun kontinwu mingħajr ma jkun meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem: hekk huma l-akwedott, l-istilliċidju, il-jedd ta' prospett, u oħrajn ta' din ix-xorta.

(3) Is-servitujiet mhux kontinwi huma dawk li għall-eżerċizzju tagħhom hu meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem: hekk huma s-servitujiet ta' mogħdija, ta' mili ta' ilma, u oħrajn bħalhom.

(4) Is-servitujiet li jidhru huma dawk li l-eżistenza tagħhom tidher minn sinjali li jidhru, bħal bieb, tieqa, jew akwedott artifiċjali.

(5) Is-servitujiet li ma jidhrux huma dawk li m'għandhomx sinjali li jidhru tal-eżistenza tagħhom, bħal ma hija l-projbizzjoni li wieħed jibni fuq ċerta art jew li ma jibnix aktar minn ċertu għoli.

Servitujiet affermattivi jew negattivi.

456. (1) Barra minn dan, is-servitujiet huma affermattivi jew negattivi.

(2) Is-servitujiet affermattivi huma dawk li jikkonsistu fil-jedd li wieħed jinqeda bil-fond serventi.

(3) Is-servitujiet negattivi huma dawk li jikkonsistu fil-jedd li

wieħed ma jħallix lil sid il-fond serventi jinqeda bih kif irid.

Tnissil ta' servitujiet kontinwi u li jidhru.

457. Is-servitujiet kontinwi u li jidhru jitnisslu -

(*a*) bis-saħħa ta' titolu;

(*b*) bil-preskrizzjoni, jekk il-fond li fuqu jiġu eżerċitati jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni;

(*ċ*) bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi.

It-titolu għandu jidher minn att pubbliku.

Iskrizzjoni tiegħu.

458. It-titolu li bih tiġi mnissla servitù hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku; u jekk is-servitù tiġi mnissla b'att *inter vivos*, din is-servitù ma tibdiex isseħħ kwantu għat-terzi qabel ma l-att jiġi nsinwat fir-Reġistru Pubbliku skont l-artikolu 330, fuq talba ta' waħda mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att.

Tnissil ta' servitù fuq fondi suġġetti għal użufrutt.

459. (1) Is-sid ta' fond jista', mingħajr il-kunsens tal-użufruttwarju, igħabbi dak il-fond b'servitujiet, basta li b'hekk il-jedd tal-użufrutt ma jiġi jbati ebda ħsara.

(2) Bil-kunsens tal-użufruttwarju, is-sid jista' wkoll igħabbi l-fond b'servitù li tnaqqas il-jedd tal-użufrutt.

Servitù konċessa minn komproprjetarju.

460. (1) Is-servitù, konċessa minn wieħed mis-sidien ta' fond mhux maqsum, ma titqiesx stabbilita fuq dak il-fond, ħlief meta s-sidien l-oħra jikkonċeduha wkoll, ilkoll flimkien jew kull wieħed għalih.

(2) Il-konċessjoni ta' servitù b'kull titolu jkun li jkun, magħmula minn wieħed mis-sidien, tibqa' sospiża sakemm l-istess konċessjoni ssir mill-oħrajn kollha.

(3) Iżda, il-konċessjoni ta' servitù magħmula minn wieħed mis-sidien, bla ma jkunu ndaħlu s-sidien l-oħra, tobbliga mhux biss lil min għamel dik il-konċessjoni iżda wkoll lis-suċċessuri tiegħu, mqar jekk partikolari, u lil dawk li l-jedd tagħhom ġej minnu, li ma jfixklux l-eżerċizzju tal-jedd hekk mogħti.

Jekk wieħed mis-sidien li jikkonċiedi servitù jsir is-sid waħdu tal-fond.

461. Is-servitù konċessa minn wieħed mis-sidien fuq fond mhux maqsum, titqies stabbilita għal kollox minnufih li l-konċedent isir hu s-sid waħdieni tal-fond.

Servitù miksuba bil-preskrizzjoni.

462. (1) Sabiex tinkiseb servitù bil-preskrizzjoni, hu meħtieġ il-pussess għal żmien ta' mhux anqas minn tletin sena.

(2) Jekk il-fond serventi huwa suġġett għal fedekommess, jew huwa ta' knisja jew ta' istituzzjoni oħra pija, il-preskrizzjoni tinkiseb bl-egħluq ta' erbgħin sena.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, il-persuna li teċċepixxi l-preskrizzjoni mhix obbligata turi titolu, u ma tista' tingħata kontra tagħha ebda eċċezzjoni ta' mala fidi.

Preskrizzjoni dwar is-servitù affermattiva jew negattiva.

463. (1) Fil-każ ta' servitujiet affermattivi, il-pussess li jiswa għall-preskrizzjoni jibda minn dak in-nhar li s-sid tal-fond dominanti jkun beda jinqeda bis-servitù.

(2) Fil-każ ta' servitujiet negattivi, il-pussess jibda minn dak in-nhar li s-sid tal-fond dominanti, b'ittra uffiċjali, protest, jew att

ġudizzjarju ieħor, ma jkunx ħalla lis-sid tal-fond serventi jinqeda bih kif irid.

Meta s-servitù hija dwar nixxiegħa ta' ilma li ġej minn fond ta' ħaddieħor.

464. Jekk is-servitù hija dwar tnixxija ta' ilma li ġej minn fond ta' ħaddieħor, jew minn nixxiegħa li tkun tinsab f'dak il-fond, u din is-servitù tkun tikkonsisti fil-jedd li ma jitħalliex li dan l-ilma jinkiser għal band'oħra, l-opri li jidhru u li huma permanenti illi sid il-fond dominanti jkun għamel fil-fond serventi sabiex jiġbor l-ilma, jew sabiex igħin il-mixi tal-ilma għall-fond tiegħu, igħoddu daqs il-projbizzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Jekk iċ-ċenswalist, eċċ., iħalli l-eżerċizzju ta' servitù.

465. Ebda servitù li ċ-ċenswalist, l-użufruttwarju, jew il-kerrej ikunu ħallew li tiġi eżerċitata fuq il-fond, mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, ma tkun ta' ħsara għall-padrun dirett jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitù tkun ġiet eżerċitata.

Sid ta' fond suġġett għas-servitù li jilqa' l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bjut tal-bini tal-ġar, jista' jitlob li din is-servitù titneħħa.

466. Is-sid ta' fond li, minħabba servitù stabbilita mingħajr titolu, għandu jilqa' l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bjut ta' bini viċin, jista', f'kull żmien, bil-ħlas ta' indennizz, iġiegħel lil sid ta' dak il-bini jneħħi dik is-servitù.

Sid ta' bini suġġett għal servitù li biha jitħalla li l-ilma tax-xita li jaqa' fuq dak il-bini jmur fil-fond tal-ġar, jista' jitlob li din is-servitù titneħħa.

467. Jekk is-sid ta' bini li ma fiħx bir, jkun obbligat, bis-saħħa ta' servitù stabbilita mingħajr titolu, iħalli l-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bjut ta' dak il-bini jmur fil-fond tal-ġar, hu jista', f'kull żmien, bil-ħlas ta' indennizz, jitlob li din is-servitù titneħħa, kemm-il darba huwa, f'dak il-bini, ikun bena bir għall-ġabra ta' dak l-ilma.

Meta s-servitù tingħad li ġiet stabbilita bid-"destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi".

468. Is-servitù tiġi stabbilita bid-"destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi", meta jiġi ppruvat illi ż-żewġ fondi, issa maqsuma, kienu tal-istess sid, u illi kien dak is-sid li qiegħed jew ħalla l-ħaġa fl-istat li minnu titnissel is-servitù.

Servitujiet li ma jistgħux jinkisbu bil-preskrizzjoni.

469. (1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti b'saħħa ta' titolu; huma ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi.

(2) B'danakollu, is-servitù ta' mogħdija għall-użu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux ħruġ ieħor fuq it-triq pubblika; u kull servitù oħra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ġa miksuba taħt liġijiet ta' qabel, ma tistax tiġi attakkata.

---

§ II. FUQ KIF JIĠU EŻERĊITATI S-SERVITUJIET

Fis-servitù prinċipali jidħlu s-servitujiet sekondarji.

470. Meta tiġi stabbilita servitù, jitqies li magħha ġie mogħti dak kollu li hu meħtieġ għat-tgawdija ta' dik is-servitù bl-anqas ħsara li jista' jkun tal-fond serventi. Hekk, il-jedd tal-mili tal-ilma jġib miegħu l-jedd tal-mogħdija, u l-jedd ta' wieħed li jgħaddi ilma minn fuq il-fond ta' ħaddieħor, iġib miegħu l-jedd tal-mogħdija matul il-ġnub tal-kanali sabiex iħares il-mixi tal-ilma, u sabiex inaddaf il-kanali u jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

Jedd li wieħed jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex jinqeda bis-servitù u jżomm il-jedd tagħha.

471. Dak li lilu jmiss il-jedd tas-servitù jista' jagħmel, spejjeż tiegħu, u b'mod li jkun tal-anqas xkiel għas-sid tal-fond serventi, ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jinqeda bis-servitù u jżomm il-jedd tagħha.

Meta sid il-fond serventi hu obbligat jagħmel it-tiswijiet.

472. Meta sid il-fond serventi hu obbligat, bis-saħħa tat-titolu, jagħmel l-ispejjeż meħtieġa għall-użu jew għaż-żamm tal-jedd tas-servitù, dan l-obbligu jibqa' mgħaqqad ma' dak il-fond, għad illi dan igħaddi f'idejn ħaddieħor:

Iżda l-pussessur ta' dak il-fond jista' jeħles minn dak l-obbligu billi jċedi, lis-sid tal-fond dominanti, dik il-biċċa tal-fond serventi illi fuqha s-servitù tkun eżerċitata.

Qsim tal-fond dominanti.

473. Jekk il-fond dominanti jinqasam, is-servitù li jkun hemm fuq il-fond tibqa' fuq kull sehem, iżda mingħajr ma jiżdied il-piż fuq il-fond serventi. Hekk, meta l-jedd hu ta' mogħdija, is-sidien tal-ishma kollha tal-fond hekk maqsum għandhom jinqdew bl-istess mogħdija.

Is-sid tal-fond serventi ma jista' jagħmel xejn bi ħsara tas-servitù.

474. (1) Is-sid tal-fond serventi ma jista' jagħmel xejn li jista' jnaqqas l-użu tas-servitù jew li jagħmel li dan l-użu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista' jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitù parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet ġiet stabbilita fil-bidu.

(2) Iżda, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet iddestinata jsir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista' minħabba dan l-eżerċizzju jagħmel xogħlijiet, tiswijiet jew miljoramenti fil-fond tiegħu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitù, u dan ma jistax jirrifjutaha.

(3) It-tibdil tal-parti tal-fond iddestinata għall-eżerċizzju tas-servitù jista' wkoll isir fuq talba tas-sid tal-fond dominanti, jekk hu jipprova li dan it-tibdil huwa għalih ta' ġid kbir, u ma hu ta' ebda ħsara għall-fond serventi.

Is-sid tal-fond dominanti ma jista' jagħmel ebda tibdil li jtaqqal il-piż tas-servitù.

475. Kull min għandu jedd ta' servitù għandu jinqeda b'dan il-jedd skont it-titolu tiegħu, u ma jista' jagħmel la fil-fond serventi u lanqas fil-fond dominanti ebda tibdil li jista' jtaqqal iżjed il-piż tal-fond serventi.

Dubju dwar l-estensjoni tas-servitù.

476. Meta jkun hemm dubju dwar l-estensjoni tas-servitù, wieħed għandu jinqeda biha fil-limiti ta' dak li hu meħtieġ, billi jittieħdu b'qies id-destinazzjoni li l-fond dominanti kellu fiż-żmien li ġiet stabbilita s-servitù u l-użu konvenjenti ta' dak il-fond, bl-anqas ħsara tal-fond serventi.

Dmir ta' sid li jagħti ilma minn għajn jew kanal.

477. F'nuqqas ta' ftehim, is-sid jew persuna oħra li tagħti ilma minn għajn jew kanal hija obbligata, lejn dawk illi, bis-saħħa ta' dik il-konċessjoni, għandhom jedd jagħmlu użu minn dak l-ilma, jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex imexxi l-ilma minn nixxiegħa sal-pont minn fejn l-ilma għandu jittieħed.

Sid ta' fond suġġett għal servitu ta' tnixxija ta' ilma jista' jagħmel użu minn dan l-ilma.

478. Is-servitù ta' tnixxija ta' ilma, ma tneħħix lil sid il-fond serventi l-jedd li jinqeda kif irid bl-ilma għall-vantaġġ tiegħu.

---

§ III. FUQ KIF JISPIĊĊAW IS-SERVITUJIET

Is-servitù tispiċċa meta ma tistax tiġi iżjed eżerċitata,

479. (1) Servitù tispiċċa meta l-ħaġa suġġetta għaliha tinsab fi stat tali li wieħed ma jistax iżjed jinqeda biha.

(2) Iżda, is-servitù tibda sseħħ mill-ġdid jekk il-ħaġa terġa' titqiegħed fi stat li wieħed jista jerga' jinqeda biha, kemm-il darba ma jkunx għadda żmien biżżejjed biex titnissel il-preżunzjoni li s-servitù spiċċat taħt l-artikolu 481.

bit tgħaqqid f'persuna waħda tal-proprjetà tal-fond dominanti u tal-fond serventi,

480. (1) Servitù tispiċċa meta tingħaqad f'persuna waħda l-proprjetà tal-fond dominanti u dik tal-fond serventi.

(2) Iżda, jekk ikun hemm sinjal li jidher ta' servitù, u s-sid jittrasferixxi wieħed mill-fondi hawn fuq imsemmija mingħajr ma jkun hemm fil-kuntratt ebda dikjarazzjoni dwar is-servitù, din is-servitù tissokta sseħħ, b'mod attiv jew passiv, favur il-fond jew fuq il-fond li jkun ġie hekk ittrasferit.

billi wieħed ma jinqediex biha. *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

481. (1) Servitù tispiċċa meta wieħed ma jinqediex biha għal erbgħin sena, fil-każ ta' beni tal-Gvern ta' Malta jew ta' knisja jew ta' istituzzjoni pija oħra, u għal tletin sena, fil-każ ta' beni oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux jekk wieħed ma jkunx inqeda bis-servitù minħabba l-istat imsemmi fl-artikolu 479, basta li sid il-fond dominanti ma setax, skont il-liġi, iġiegħel li dak l-istat ma jibqax.

Minn meta jibda għaddej iż-żmien għal dak li ma jinqediex bil-jedd.

482. Iż-żminijiet li fihom ma tkunx ġiet eżerċitata s-servitù, imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jibdew igħoddu, skont ix-xorta tas-servitù, jew minn dak in-nhar li wieħed ma baqax jinqeda biha, jekk tkun servitù mhix kontinwa, jew minn dak in-nhar li tkun saret għall-ewwel darba xi ħaġa kuntrarja għas-servitù, jekk is-servitù tkun kontinwa.

Preskrizzjoni favur it-terz pussessur.

483. Kwantu għat-terz pussessur tal-fond serventi, is-servitù tispiċċa bl-egħluq taż-żmien mehtieġ għall-preskrizzjoni tal-proprjetà tal-fond innifsu skont id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni miġjuba taħt it-Titolu XXV tat-Tqassima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

Il-mod li wieħed jinqeda bis-servitù jista' jiġi preskritt.

484. Il-mod li bih wieħed jinqeda bis-servitù jista' jiġi preskritt bħas-servitù nfisha.

Ksur tal-preskrizzjoni minn wieħed mis-sidien.

485. Jekk il-fond dominanti jkun ta' żewġ persuni jew iżjed in komun, l-użu tas-servitù magħmul minn wieħed jew ieħor minnhom jimpedixxi l-preskrizzjoni għall-komproprjetarji kollha.

Sospensjoni jew ksur tal-preskrizzjoni għal wieħed mill-komproprjetarji.

486. (1) Jekk fost is-sidien tal-istess fond ikun hemm xi wieħed minnhom li kontra tiegħu l-preskrizzjoni ma setgħatx timxi, dak il-fatt iżomm sħiħ il-jedd tal-oħrajn kollha.

(2) Kull att li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed mis-sidien tal-

istess fond jiswa wkoll għall-oħrajn.

Tneħħija ta' servitù fil-qsim.

487. Meta tkun sejra ssir il-qasma ta' bini minn ieħor, u t-tnejn kienu ta' sid wieħed, kull waħda mill-partijiet fil-qasma għandha jedd titlob, qabel il-qasma, li tiġi mneħħija kull servitù bejn iż-żewġ fondi, kemm-il darba dan ikun jista' jsir mingħajr ħsara kbira.

Servitujiet miksubin favur il-fond dotali jew enfitewtiku.

488. (1) Kull servitù miksuba mir-raġel favur il-fond dotali, jew miċ-ċenswalist favur il-fond mogħti b'ċens, ma tispiċċax bil-ħall taż-żwieġ jew bl-egħluq tal-enfitewsi.

(2) Iżda, is-servitujiet fuq dawk il-fondi magħmulin mill-persuni hawn fuq imsemmija jispiċċaw.

Titolu V

FUQ IL-KOMUNJONI TAL-BENI

Sub-titolu I

FUQ IN-NATURA TAL-KOMUNJONI TAL-BENI, U L-JEDDIJIET TAL-KOMPROPRJETARJI MATUL IL-KOMUNJONI

X'inhija l-komunjoni tal-beni.

489. (1) Hemm il-komunjoni tal-beni meta l-proprietà tal-istess ħaġa waħda, jew tal-istess jedd wieħed, hija ta' żewġ persuni jew iżjed *pro indiviso*.

(2) Fin-nuqqas ta' ftehim jew ta' dispożizzjonijiet speċjali il-komunjoni tal-proprjetà tkun suġġetta għar-regoli li ġejjin.

L-ismha tal-komproprjetarji.

490. (1) L-ishma tal-komproprjetarji jitqiesu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li huma ndaqs.

(2) Kull komproprjetarju jidħol fil-vantaġġ u fil-piżijiet tal-komunjoni, skont is-sehem tiegħu.

Jeddijiet ta' kull komproprjetarju li jinqeda bil-ħaġa in komun.

491. Kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħwejjeġ in komun, basta -

(*a*) li jinqeda bil-ħaġa skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu;

(*b*) li ma jinqediex bil-ħaġa kontra l-interess tal-komunjoni, jew b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom.

Ħruġ ta' sehem għall-ispejjeż.

492. Kull wieħed mill-komproprjetarji jista' jobbliga lill-oħrajn joħorġu sehem miegħu għall-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb, iżda kull wieħed minnhom jista' jeħles minn dan l-obbligu billi jċiedi l-jeddijiet tiegħu ta' komunjoni.

Ebda tibdil m'għandu jsir mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji.

493. Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd.

Setgħa tal-qorti li taħtar amministratur tal-ħwejjeġ in komun.

494. (1) Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komun, u tista' taħtar amminstratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfishom.

(2) Il-qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza, billi tieħu b'qies il-għadd kollu tal-kompropjetarji, iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara.

Kull komproprjetarju għandu il-proprjetà sħiħa tas-sehem tiegħu.
Emendat: XVIII.2004.45; XIV.2016.2.

495. (1) Kull komproprjetarju għandu l-proprjetà sħiħa tas-sehem tiegħu u tal-qligħ jew frottijiet ta' dak is-sehem.

(2) Hu jista' jittrasferixxi, iċiedi, jew jipoteka dan is-sehem kif irid, u jista' wkoll, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 912, iqiegħed floku lil ħaddieħor fit-tgawdija ta' dak is-sehem, basta li ma jkunux jidħlu jeddijiet persunali:

Iżda, l-effett tat-trasferiment jew tal-ipoteka jillimita ruħu għal dak is-sehem li jmiss lill-komproprjetarju fil-qasma.

(3) Meta l-werrieta f'xi wirt jibqgħu jżommu in komun bejniethom, proprjetà li tkun ġejja mis-suċċessjoni għal iżjed minn tliet snin u ma tkun ittieħdet ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà fi żmien tliet snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni u l-ishma tal-werrieta fl-imsemmi wirt ikunu l-istess fuq l-assi kollha tal-wirt, kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jitqies li jkun komproprjetarju ta' kull ħaġa f'dik il-proprjetà hekk miżmuma in komun:

Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika:

(*a*) meta l-proprjetà miżmuma in komun tkun soġġetta għal xi dritt ta' abitazzjoni, użu jew użufrutt, għal dak iż-żmien li fih ikun fis-seħħ dak id-dritt; jew

(*b*) meta l-proprjetà miżmuma in komun tkun tikkonsisti fi proprjetà li mill-istess natura tagħha tkun trid bilfors tinżamm indiviża; jew

(*ċ*) meta l-persuni li jkunu qed iżommu in komun il-proprjetà li tkun ġejja mis-suċċessjoni jiftehmu l-kontra:

Iżda wkoll il-perjodu ta' tliet snin imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jiddekorri flimkien mal-perjodu ta' tliet snin imsemmi fl-artikolu 495A(1), u jitqies bħala ħaġa waħda miegħu.

Meta l-komproprjetarji ma jaqblux fuq il-bejgħ ta' xi ħaġa li tkun miżmuma in komun.
Miżjud: XVIII.2004.46.
Emendat: XIV.2016.3.

495A. (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza

l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' kompropriejtarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull kompropriejtarju jkollu.

(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-kompropriejtarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-kompropriejtarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.

(4) Dikjarazzjoni li xi kompropriejtarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.

(5) Il-kompropriejtarji l-oħra kif ukoll il-kuraturi jistgħu, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika li ssirilhom tar-rikors, jew fil-każ ta' kompropriejtarju li ma jkunx ġie notifikat bir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-aħħar pubblikazzjoni msemmija fis-subartikolu (3), jopponu l-bejgħ billi jiddikjaraw x'ikun il-preġudizzju gravi li huma jew il-kompropriejtarji li jkunu jirrappreżentaw jistgħu jbatu minħabba fil-bejgħ.

(6) Meta tiġi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi preġudizzju serju għal xi wieħed mill-kompropriejtarji, il-qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjetà u l-prezz tal-bejgħ, u tista' għal dak il-għan tordna li ssir stima tal-proprjetà skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 306 tal- Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(7) Il-qorti għandha tiddeċidi dwar ir-rikors, u jekk tiddeċidi li għandu jsir il-bejgħ, din għandha tistabbilixxi x'ikun il-prezz jew korrispettiv ieħor għal dak il-bejgħ u għandha iktar minn hekk -

(*a*) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post, meta u fejn għandu jsir it-trasferiment;

(*b*) meta l-bejgħ ikun ser isir permezz ta' att pubbliku, taħtar nutar biex jippubblika l-att;

(*ċ*) taħtar kuratur, ukoll minn fost il-kompropriejtarji nfushom, sabiex jirrappreżenta lil min mill-kompropriejtarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar għall-kuntratt jew istrument ieħor ta' trasferiment.

(8) Il-qorti tista', billi jsirilha rikors minn xi parti li jkollha interess, tibdel il-jum, il-ħin jew il-post fejn ikun ser isir it-trasferiment.

(9) Jekk ikun hemm aktar minn kompropriejtarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tkun ċaħdet ir-rikors skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-qorti tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, tordna l-bejgħ tal-beni

b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 521 u 522.

Dispożizzjoni tranżitorja fir-rigward tal-artikoli 495 u 495A u obbligu ta' reġistrazzjoni taħt l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet.
Miżjud: XV.2012.22.
Sostitwit: XIV.2016.4.

495B. (1) Il-perjodu ta' tliet snin stipulat fl-artikoli 495(3) u 495A(1) għandu japplika fir-rigward ta' kull proprjetà in komun li għaliha japplikaw l-imsemmija artikoli u li, fl-1 ta' April jew wara, tkun fil-pussess in komun tal-komproprjetarji tagħha għal perjodu ta' mill-anqas tliet snin.

(2) Il-perjodi ta' għaxar snin li qabel kienu previsti fl-artikoli 495(3) u 495A(1) (qabel ma ġew emendati) u ta' ħames snin li qabel kien prevista fl-artikolu 495B (qabel ma ġie sostitwit) rispettivament u kif fis-seħħ qabel l-1 ta' April 2016 ma għandhomx jibqgħu japplikaw wara l-1 ta' April 2016.

(3) Proprjetà immobbli trasferita abbażi ta' sentenza tal-qorti mogħtija skont l-artikolu 494(1) u li ma tkunx tinsab f'area ta' reġistrazzjoni ta' artijiet għall-finijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, titqies li tikkostitwixxi area ta' reġistrazzjoni ta' artijiet għall-finijiet tal-imsemmi Att u għandha tiġi reġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet min-Nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment bl-ispejjeż ikunu fuq il-persuna li tirċievi l-proprjetà.

Kap. 296.

Sub-titolu II

FUQ IL-QASMA TAL-BENI IN KOMUN

Kull komproprjetarju jista' jitlob il-qasma tal-ħaġa in komun.

496. (1) Ħadd ma' jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'għandhiex issir jew li għandha tinżamm sospiża skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 906.

(2) Iżda, jiswa l-ftehim li l-komunjoni tibqa' għal żmien determinat, li ma jkunx jaqbeż il-ħames snin; u kull ftehim għal żmien itwal hu null għal dak iż-żmien li jkun jaqbeż il-ħames snin.

(3) Dan il-ftehim jista' jiġġedded.

Il-qorti tista' tordna l-ħall tal-komunjoni għad li jkun hemm il-projbizzjoni tat-testatur, eċċ.

497. (1) għalkemm ikun hemm il-projbizzjoni jew il-ftehim imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-qorti tista' tordna, jekk ċirkostanzi gravi u li ma jridux dewmien hekk ikunu jiħtieġu, il-ħall tal-komunjoni, u kull rinunzja għall-jedd tat-talba għall-qasma f'każijiet bħal dawn ma tiswiex.

(2) Jekk wieħed mill-komproprjetari, bi ħtija tiegħu, ikun ta' kaġun għall-eżistenza tar-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, meta tordna l-ħall tal-komunjoni, tikkundanna lil dak il-komproprjetarju għall-ħlas tad-danni.

Il-qasma tista' tintalab ukoll jekk il-komproprjetarju jkun gawda separatament sehem mill-proprjetà.

498. Il-qasma tista' tintalab ukoll għad illi wieħed mill-komproprjetarji jkun gawda separatament biċċa mill-beni in komun, iżda dan kemm-il darba ma tkunx saret qasma jew ma jkunx hemm pussess biżżejjed li jagħti lok għall-preskrizzjoni.

Il-qasma ta' immobbli għandha ssir b'att pubbliku.

499. (1) Il-qasma ta' ħwejjeġ immobbli ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.

(2) għall-effett ta' qasma bħal din kwantu għat-terzi, kemm ukoll għall-iskrizzjoni tal-att hawn fuq imsemmi, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330.

Mod u għamla tal-qasma.

500. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jekk il-komproprjetarji kollha jkunu preżenti u kapaċi skont il-liġi li jittrasferixxu proprjetà, il-qasma tista' ssir b'kull mod u għamla li huma jidhrilhom l-aħjar.

(2) Fin-nuqqas ta' ftehim xort'oħra, għandhom jiġu mħarsa r-regoli li ġejjin, sew fil-qasma tal-proprjetà kollha kemm f'xi suddiviżjoni, meta din tkun meħtieġa.

Stima tal-beni u formazzjoni tal-ishma.
Kap. 12.

501. (1) Il-beni għandhom jiġu stmati minn periti magħżulin mill-partijiet, jew maħtura mill-qorti kif provdut fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Il-periti għandhom, fir-rapport tagħhom, igħidu jekk il-beni jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u mingħajr ħsara, u, kemm-il darba l-beni jistgħu jiġu hekk maqsuma, il-periti fl-istess rapport għandhom jiffissaw kull wieħed mill-ishma li jistgħu jinħarġu u l-valur ta' kull sehem, billi jħarsu, sakemm dan jista' jsir bla ħsara kbira, id-dispożizzjonijiet tat-tliet artikoli li ġejjin wara dan.

Jedd ta' komproprjetarju li jieħu sehmu tal-beni *in natura*.

502. Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni *in natura.*

Jedd ta' komproprjetarju meta jkollu beni immobbli viċini għal dawk tal-komunjoni.

503. Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom viċini għal xi wħud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jiġu assenjati lilu bi stima, iżda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli oħra in komun li minnhom jista' jiġi assenjat lil kull wieħed mill-komproprjetarji l-oħra sehem bejn wieħed u ieħor ugwali.

għandu wieħed jevita li jifred fi bċejjeċ il-fondi u li joħloq servitujiet.

504. Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet; u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur.

Ekwiparazzjoni.

505. Id-differenza fid-daqs tal-ishma *in natura*, meta ma tistax bla xkiel tiġi evitata, titpatta bil-ħlas ta' somma ta' flus f'ammont daqs kemm tkun id-differenza bejn is-sehem akbar u s-sehem iżgħar.

Renta minflok somma ta' flus.
Emendat:
A.L. 407 tal-2007.

506. (1) Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tordna, minflok il-ħlas tas-somma ta' flus imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, li s-sehem akbar jiġi mgħobbi b'renta favur is-sehem iżgħar, b'ipoteka ta' wieħed jew iżjed mill-immobbli mdaħħlin f'dak is-sehem akbar.

(2) għall-finijiet tas-subartikolu (1), il-periti, kemm-il darba ma jiġux meħlusa mill-partijiet li jagħmlu l-qasma għandhom jistabbilixxu fir-rapport tagħhom l-ammont tar-renta meħtieġa sabiex l-ishma jiġu ndaqs.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux ħlief meta d-differenza bejn l-ishma tkun tiskorri s-somma ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u tkun taqbeż il-valur ta' kwart tas-sehem li jkun akbar.

Każijiet oħra meta tista' tiġi ordnata renta flok somma ta' flus.

507. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll meta, minħabba li l-immobbli tal-komunjoni ma jkunux jistgħu jinqasmu b'mod li f'kull sehem tiġi mdaħħla biċċa minnhom, ikun jinħtieġ li wieħed minn dawn l-ishma jiġi għal kollox magħmul minn flus jew ħwejjeġ oħra mobbli; f'dan il-każ il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tordna illi s-sehem illi ma jkunx fih immobbli, jiġi magħmul b'renta fuq l-immobbli mdaħħlin fl-ishma l-oħra.

Limiti tal-ammont tar-renta.

508. Iżda r-renta mgħobbija fuq immobbli ma tista' f'ebda każ tkun akbar mill-ħamsa waħda ta' kemm kera fis-sena jitqies li jiswa dak l-immobbli meta mogħti b'kiri.

Formazzjoni tal-ishma.

509. Meta l-periti, magħżula jew maħtura biex jagħmlu l-istima tal-beni, ma jkunux kompetenti biex jifformaw l-ishma, dawk l-ishma jiġu magħmulin minn waħda mill-partijiet li jkunu sejrin jagħmlu l-qasma, jew minn xi persuna oħra, jekk ilkoll ikunu jaqblu fuq il-għażla, u jekk il-parti li tiġi magħżula tkun trid taqdi l-inkarigu. Fil-każ kuntrarju, l-ishma jiġu magħmula minn persuna maħtura mill-qorti.

Tlugħ ta' ishma bix-xorti.

510. (1) L-ishma jiġu mtellgħin bix-xorti.

(2) Iżda, kemm-il darba l-ishma tal-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma jkunux indaqs, il-qorti tiddeċidi jekk l-ishma għandhomx jiġu mtellgħin bix-xorti, jew jekk il-qsim għandux isir b'assenjazzjoni għal kollox jew f'parti.

Meta l-qasma għandha ssir bl-assistenza tal-imħallef jew maġistrat.

511. (1) Jekk xi wieħed mill-komproprjetarji ikun taħt tutela jew kurazija, jew ikun assenti li għalih jidher kuratur maħtur mill-qorti, il-qasma ma tiswiex jekk ma ssirx bl-assistenza tal-imħallef jew maġistrat tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

(2) L-imħallef jew maġistrat għandu jiffirma l-minuta tal-kuntratt.

(3) Il-qasma magħmula bl-assistenza ta' dak l-imħallef jew maġistrat ma tistax tiġi attakkata, lanqas mill-persuni msemmijin fis-subartikolu (1), minħabba li ma jkunux ġew imħarsa r-regoli miġjubin fl-artikoli ta' qabel dan.

Kunsinna tad-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ fil-qasma.

512. (1) Wara l-qasma għandhom jingħataw lil kull parti li kienet fil-qsim, id-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ li jkunu messew lilha, kemm-il darba dawn id-dokumenti jkunu jinsabu fost il-ħwejjeġ tal-komunjoni.

(2) Id-dokumenti ta' ħaġa li tkun ġiet maqsuma jibqgħu għand il-parti li jkollha l-akbar biċċa minn dik il-ħaġa, bl-obbligu tagħha li turi dawk id-dokumenti, kull meta tiġi mitluba, lil dawk fost il-

partijiet li qasmu illi jkollhom interess fihom.

(3) Id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu in ġenerali mal-beni kollha li qabel kienu in komun għandhom jingħataw f'idejn persuna, bħala depożitarja, magħżula mill-partijiet kollha li qasmu, jew, fin-nuqqas ta' ftehim bejniethom, mill-qorti, bl-obbligu li turi dawn id-dokumenti, kull meta tiġi mitluba, lil kull waħda mill-partijiet li jkunu qasmu.

Effetti tal-qasma.

513. għal dawk li huma l-effetti tal-qasma, id-dispożizzjonijiet li hemm fl-artikoli 947 sad-952 inklużivament dwar il-werrieta, igħoddu ġeneralment għall-partijiet li jkunu qasmu.

Differenza ta' flus u qasma supplementari. *Sostitwit: LVIII.1975.3.*

514. (1) Meta f'qasma, jew f'xi att ieħor li bih tispiċċa l-komunjoni ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli, ukoll jekk dan l-att ikun ġie mogħti l-isem ta' bejgħ, tpartit, jew transazzjoni, jew xi isem ieħor il-valur ġust tal-beni li messew jew li ġew assenjati lil waħda mill-partijiet li jkunu qasmu jkun, meta tqis iż-żmien ta' dik il-qasma jew att ieħor, inqas mit-tliet kwarti tal-valur ġust tas-sehem li kien imissha, dik il-parti jkollha dritt titlob, mingħand il-parti l-oħra, id-differenza fi flus.

(2) Ebda azzjoni għad-differenza taħt is-subartikolu (1) ma tista' tinġieb 'il quddiem meta l-kwistjonijiet li jkunu nqalgħu bejn il-partijiet li jkunu qasmu jkunu spiċċaw bi transazzjoni, ukoll jekk ma tkunx inbdiet kawża dwarhom; lanqas ma tista' tinġieb 'il quddiem xi azzjoni dwar il-bejgħ tal-jedd tal-komunjoni magħmul mingħajr qerq lil wieħed mill-komproprjetarji, b'riskju u ħsara għalih, mill-komproprjetarji l-oħra jew minn wieħed minnhom.

(3) L-azzjoni biex tintalab differenza fi flus skont is-subartikolu (1) tintilef għeluq sentejn mid-data tal-qasma jew tal-att l-ieħor li bih tispiċċa l-komunjoni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 1407 għandhom japplikaw dwar kif jingħadd iż-żmien tal-preskrizzjoni.

(4) Il-fatt waħdu li ma tinġiebx fil-qasma xi ħaġa li kienet fil-komunjoni jagħti biss lok għal qasma oħra b'żieda tal-ewwel qasma.

Sub-titolu III

FUQ IL-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI

Bejgħ b'liċitazzjoni

515. (1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b'beni oħra in komun ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b'liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.

(2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tieħu.

jista' jintalab minn kull wieħed mill-komproprjetarji.

516. Meta hemm lok għal-liċitazzjoni, din tista' tiġi mitluba minn kull wieħed mill-komproprjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-

ħaġa.

Il-barranin jistgħu jiġu mistiedna biex joffru.

517. Kull komproprjetarju jista' jitlob li l-barranin jiġu mistiedna biex joffru fil-bejgħ b'liċitazzjoni, b'avviż maħruġ f'ġurnal wieħed jew iżjed, mill-anqas sitt ijiem qabel il-jum imħolli għall-bejgħ.

għal-liċitazzjoni m'hija meħtieġa ebda formalità meta ssir bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha,

518. (1) għal-liċitazzjoni, li ssir bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha, ma hija meħtieġa ebda formalità, u tista' ssir bil-mezz ta' kull persuna u b'dak il-mod li l-komproprjetarji jagħżlu; iżda f'dak il-każ m'hemmx bejgħ sakemm l-aqwa offerta ma tiġix aċċettata u, sakemm, fil-każ li l-liċitazzjoni hija dwar immobbli, ma jsirx il-kuntratt b'att pubbliku.

(2) Dan igħodd ukoll meta, għalkemm il-liċitazzjoni tkun ġiet ordnata b'sentenza, il-partijiet jiftehmu illi jagħmluha xort'oħra minn kif isir il-bejgħ fl-irkant bil-qorti.

ukoll, f'xi każijiet, meta wieħed mill-komproprjetarji huwa taħt tutela. *Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

519. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll meta xi wieħed mill-komproprjetarji jkun taħt tutela jew kurazija, jew ikun assenti li jkun jidher għalih kuratur maħtur mill-qorti, basta li l-beni ma jkunux immobbli, jew, jekk ikunu mobbli, ma jkunux jiswew iżjed minn disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (69.88).

Liċitazzjoni ta' immobbli, eċċ., meta xi wieħed mill-komproprjetarji hu taħt tutela, eċċ. *Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

520. Meta l-bejgħ b'liċitazzjoni hu dwar beni immobbli, jew dwar mobbli li jiswew iżjed minn disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (69.88), u xi wieħed mill-komproprjetarji jkun taħt tutela jew kurazija, jew assenti li jidher għalih kuratur maħtur mill-qorti, dak il-bejgħ ma jiswiex jekk ma jsirx taħt is-setgħa tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja jew kontenzjuża, skont il-każ.

Il-liċitazzjoni taħt is-setgħa tal-qorti ssir bħala bejgħ fl-irkant bil-qorti.

521. (1) Meta skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan il-liċitazzjoni ssir taħt is-setgħa tal-qorti, hija għandha titmexxa skont ir-regoli stabbiliti għall-bejgħ fl-irkant bil-qorti, sa fejn dawn ir-regoli jistgħu jgħoddu, kemm-il darba l-qorti ma jidhrilhiex li jkun aktar ta' ġid għall-partijiet jekk tiġi magħmula xort'oħra.

(2) Fil-każijiet kollha, il-barranin għandhom jiġu mistednin biex joffru.

(3) Il-liberazzjoni magħmula mir-reġistratur tgħodd daqs li kieku kienet il-kuntratt tal-bejgħ, ukoll fil-każ ta' bejgħ ta' beni immobbli.

Applikabbilità ta' xi dispożizzjonijiet dwar il-bejgħ ta' immobbli.

522. Fil-każ ta' bejgħ ta' immobbli b'liċitazzjoni, kwantu għall-iskrizzjoni tal-kuntratt jew tal-att tal-liberazzjoni, fl-interess tat-terzi, jiswew id-dispożizzjonijiet li jgħoddu in ġenerali għall-bejgħ ta' immobbli.

Liċitazzjoni ta' beni komuni suġġetti għal fedekommess. *L-art. 1 tal-Ordinanza VI tal-1895 inkorporat. Emendat: IX.2004.14.*

523.[*] Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 515, 516 u 517 igħoddu wkoll għall-beni in komun, li jkunu, kollha jew biċċa minnhom suġġetti għal fedekommess:

Iżda l-bejgħ b'liċitazzjoni ma jiswiex jekk ma jsirx taħt l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti, u f'kull każ bħal dak igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan.

Titolu VI

FUQ IL-PUSSESS

Sub-titolu I

X'INHU L-PUSSESS

Tifsir ta' pussess.

524. (1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wieħed iżomm jew jeżerċitah bħala tiegħu nnifsu.

(2) Persuna tista' tippossjedi bil-mezz ta' ħaddieħor illi jżomm il-ħaġa jew jeżerċita l-jedd fl-isem ta' dik il-persuna.

(3) Min għandu ħaġa miżmuma għandu jew taħt idejh, iżda f'isem ħaddieħor, jissejjaħ detentur.

Il-preżunzjoni hija li persuna tippossjedi għaliha nfisha.

525. (1) Il-preżunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjetà, meta ma jiġix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna oħra.

(2) Meta persuna bdiet tippossjedi f'isem ta' oħra, jitqies dejjem li hija tippossjedi bl-istess titolu, kemm-il darba ma jkunx hemm prova li turi l-kuntrarju.

Atti fakultattivi, eċċ., ma jistgħux jifformaw pussess.

526. Dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess.

Vjolenza jew ħabi.

527. (1) Hekk ukoll, dak li wieħed jagħmel bil-vjolenza jew bil-moħbi ma jistax jiswa ta' bażi għall-ksib tal-pussess.

(2) B'dan kollu, il-pussess jista' jibda meta l-vjolenza jew il-ħabi ma jibqgħux.

Meta jingħadd li kien hemm pussess fiż-żmien ta' bejniet.

528. Kull persuna attwalment fil-pussess li tipprova illi fl-imgħoddi kienet ippossediet titqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li baqgħet tippossjedi fiż-żmien ta' bejn iż-żmien il-wieħed u l-ieħor.

Il-pussess attwali bla titolu ma jnissilx preżunzjoni ta' pussess fl-imgħoddi.

529. Mill-pussess attwali ma titnissilx preżunzjoni ta' pussess fl-imgħoddi, ħlief jekk il-pussessur ikollu titolu; f'dan il-każ, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jingħadd li hu kien fil-pussess mid-data tat-titolu.

Il-pussess minn suċċessur universali jew partikolari.

530. (1) Il-pussess jissokta b'jedd fil-persuna tas-suċċessur b'titolu universali.

(2) Is-suċċessur b'titolu partikolari, gratuwitu jew oneruż, jista' jgħaqqad mal-pussess tiegħu l-pussess tal-predeċessur tiegħu sabiex jitlob u jgawdi l-effetti ta' dak il-pussess.

**Ara* l-art. 2 tal-Ordinanza dwar l-Impieg ta' Ċerti Kapitali (Kapitolu 26).

Pussessur ta' bona fidi.

531. (1) Persuna li, għal raġunijiet li għandhom mis-sewwa, taħseb li l-ħaġa li tippossjedi hija tagħha, hija pussessur ta' bona fidi.

Pussessur ta' mala fidi.

(2) Min jaf, jew minħabba ċ-ċirkostanzi għandu jaħseb li l-ħaġa li jippossjedi hija ta' ħaddieħor, huwa pussessur ta' mala fidi.

Wieħed jingħadd dejjem li hu bona fidi.

532. għandu dejjem jingħadd li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha.

Regoli li għandhom jitħarsu dwar il-jeddijiet u l-obbligi li jiġu mill-pussess.

533. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Kodiċi, għandhom jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin ta' dan it-Titolu kwantu għall-jeddijiet u l-obbligi li jiġu mill-pussess.

Sub-titolu II

FUQ IL-JEDDIJIET TAL-PUSSESSUR F'KAŻ TA' MOLESTJA

Azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja.

534. Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli, jew ta' universalità ta' ħwejjeġ mobbli, jiġi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ħa b'idejh dak il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju.

Azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll.

535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

Ir-radd ta' pussess mhux ta' ħsara għal kull azzjoni possessorja oħra.

536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.

Kwistjonijiet ta' pussess f'każijiet ta' servitù.

537. Fil-kwistjonijiet ta' pussess f'każijiet ta' servitù, il-jeddijiet u d-dmirijiet tal-proprjetarji tal-fond dominanti u serventi u ta' kull persuna oħra li jkollha interess, jiġu stabbiliti fuq l-użu tas-sena ta' qabel, jew, fil-każ ta' servitujiet li jitgawdew f'intervalli ta' iżjed minn sena, fuq l-użu tal-aħħar tgawdija.

Azzjoni sabiex ma jissoktax xogħol ġdid li bih hemm il-biża li ssir ħsara.

538. (1) Persuna li bir-raġun tibża' li minħabba xi xogħol ġdid li wieħed ieħor ikun beda fil-fond tiegħu nnifsu jew fil-fond ta' ħaddieħor, tista' tiġri ħsara f'ħaġa immobbli li qiegħda fil-pussess tagħha, tista' tagħmel kawża u titlob li dan il-wieħed ieħor jinżamm milli jissokta dak ix-xogħol ġdid, basta li dak ix-xogħol ikun għad ma tlestiex, u ma tkunx għaddiet sena minn mindu x-xogħol ikun inbeda.

(2) Il-qorti, wara li tisma' l-fatti fil-qosor, tista', skont iċ-ċirkostanzi, iżżomm dan ix-xogħol ġdid milli jitkompla inkella

tagħti li jitkompla dan ix-xogħol ġdid, taħt il-garanziji li jidhrilha meħtieġa.

(3) Meta x-xogħol jinżamm milli jitkompla, din il-garanzija tkun għall-ħlas tad-danni li jista' jkun hemm minħabba t-twaqqif tax-xogħol, jekk jinsab li l-oppożizzjoni għall-issoktar tax-xogħol tkun saret mingħajr raġuni tajba.

(4) Meta jingħata li x-xogħol jitkompla, din il-garanzija tkun għall-ħatt tax-xogħol kollu jew ta' biċċa minnu u għall-ħlas tad-danni li jista' jbati l-attur, jekk, għalkemm ikun ingħata li x-xogħol jitkompla, tiġi mogħtija favur tiegħu sentenza definittiva.

Azzjoni li tmiss lil persuna li tibża' li tiġri ħsara minn bini, siġar, eċċ.

539. Min bir-raġun jibża' li tista', minn waqt għall-ieħor, tiġri ħsara kbira f'fond jew ħaġ'oħra fil-pussess tiegħu, minn bini, siġra jew ħaġ'oħra, jista' jagħmel kawża u jitlob, skont iċ-ċirkostanzi, illi jiġu meħuda l-passi meħtieġa sabiex jitneħħa l-periklu, jew illi l-ġar ikun imġiegħel jagħti garanzija għall-ħsarat li l-attur jista' jbati.

Sub-titolu III

FUQ IL-JEDDIJIET U OBBLIGI BEJN IL-PUSSESSUR U S-SID

§ I. FUQ IL-FROTTIJIET TAL-ĦAĠA LI WIEĦED JIPPOSSJEDI, FUQ L-ISPEJJEŻ LI JAGĦMEL FIHA U FUQ IL-JEDD TA' RITENZJONI

Jedd tal-pussessur ta bona fidi għall-frottijiet tal-ħaġa li jippossjedi.

540. Il-pussessur ta' bona fidi jieħu l-frottijiet tal-ħaġa li jippossjedi, ukoll jekk din il-ħaġa tkun wirt; u mhux obbligat irodd ħlief dawk il-frottijiet li jkun ħa, jew li bil-għaqal ta' missier tajjeb ta' familja seta' jieħu, wara talba ġudizzjarja:

Iżda, hu mhux obbligat irodd il-prezz tal-frottijiet mhux maqtugħa jew maqlugħa, li jkun irċieva qabel it-talba ġudizzjarja, għad illi, fiż-żmien ta' dik it-talba, il-frottijiet ikunu għadhom ma ġewx maqtugħa mis-siġra jew maqlugħa mill-art.

Pussessur ta' mala fidi.

541. Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat irodd il-frottijiet kollha li jkun ħa, jew li bil-għaqal ta' missier tajjeb ta' familja seta' jieħu minn dak in-nhar li jkun okkupa l-ħaġa bla jedd.

Jeddijiet tal-pussessur ta' bona fidi dwar spejjeż.

542. (1) Il-pussessur ta' bona fidi jista' jitlob mingħand is-sid ir-radd tal-ispejjeż meħtieġa, sew jekk jissokta kemm jekk ma jissoktax l-effett tagħhom.

(2) għal dawk li huma l-ispejjeż utili, is-sid għandu jew iħallas lill-pussessur il-kost tax-xogħol inkella, kif jagħżel, jagħtih somma daqs b'kemm ikun kiber il-valur tal-ħaġa.

(3) Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tordna illi r-radd tal-ispejjeż magħmula f'immobbli, isir mis-sid b'mezz ta' renta garantita b'ipoteka fuq dak l-immobbli, jew b'kull mod ieħor li bih id-dejn jista' jiġi mħallas għal kollox, u li fl-istess ħin ikun anqas gravuż għad-debitur.

Pussessur ta' mala fidi.

543. (1) Lejn il-pussessur ta' mala fidi s-sid għandu, għal dawk li huma spejjeż meħtieġa, u għall-ispejjeż utili magħmulin għal miljoramenti li ma jistgħux jiġu mneħħija, l-istess obbligi li sid għandu lejn il-pussessur ta' bona fidi, basta li l-pussess tal-ħaġa ma jkunx ġie meħud b'serq jew b'reat ieħor li ma jaqax taħt il-klassi tal-kontravvenzjonijiet.

(2) għal dawk li huma l-ispejjeż utili magħmulin għal miljoramenti li jistgħu jitneħħew, is-sid jista' jagħżel jew li jżomm dawk il-miljoramenti jew li jġiegħel lill-pussessur ineħħihom.

(3) Jekk is-sid jitlob it-tneħħija ta' dawk il-miljoramenti, il-pussessur għandu jneħħihom bi spejjeż tiegħu mingħajr ebda jedd għall-ħlas tal-ħsara, u għandu jħallas il-ħsarat li s-sid ikun bata.

(4) Jekk is-sid ikun irid li jżomm il-miljoramenti, hu għandu, kif jagħżel, jew iħallas lill-pussessur il-kost tagħhom inkella jagħtih somma daqs b'kemm ikun kiber il-valur tal-ħaġa.

Jeddijiet tal-pussessur dwar spejjeż ta' lussu.

544. Għal dawk li huma l-ispejjeż ta' lussu, il-pussessur, sew ta' bona fidi kemm ta' mala fidi, għandu biss jedd li jieħu lura l-oġġetti nfishom, meta dan jista' jiswielu ta' ġid mingħajr ma ssir ħsara fil-ħaġa, u s-sid ma jkunx irid iżommhom billi jħallas lill-pussessur somma daqs il-profitt li dan jista' jagħmel kieku jneħħihom.

Tjfsir ta' spejjeż meħtieġa, utili, u ta' lussu.

545. (1) L-ispejjeż meħtieġa huma dawk li mingħajrhom il-ħaġa kienet tispiċċa jew titgħarraq.

(2) L-ispejjeż utili huma dawk li jagħmlu l-ħaġa aħjar milli tkun, billi jagħmluha iżjed komda, jew li tista' tagħti aktar frottijiet, mingħajr ma l-ħaġa tbati ħsara kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jsirux.

(3) L-ispejjeż ta' lussu huma dawk li jiswew biss għat-tiżjin tal ħaġa, mingħajr ma jagħmlu l-ħaġa iżjed komda jew li tista' tagħti aktar frottijiet, u mingħajr ma l-istat tal-ħaġa jitgħarraq kemm-il darba dawn l-ispejjeż ma jsirux.

(4) Iżda, l-ispejjeż ta' lussu jistgħu, xi drabi, jitqiesu bħala spejjeż utili, meta wieħed iqis il-kondizzjoni tas-sid, jew meta xi ċirkostanzi partikolari jagħtu lis-sid okkażjoni fi żmien qrib li jieħu ġid minn dawk l-ispejjeż.

Pussess tal-ħaġa miksuba b'serq jew reat ieħor.

546. Dak li jkun ħa l-pussess tal-ħaġa b'serq jew b'reat ieħor, li ma jkunx sempliċi kontravvenzjoni, m'għandu jedd għal ebda indenizz għal ebda xorta ta' spejjeż, lanqas li jneħħi l-miljoramenti li jkun għamel fil-ħaġa; u jista' jiġi mis-sid imġiegħel ineħħi, bi spejjeż tiegħu, u mingħajr ebda jedd ta' indenizz, dawk l-oġġetti li jistgħu jitneħħew, kif ukoll jista' jiġi mġiegħel iħallas il-ħsara li s-sid ikun bata.

Tpattija tal-frottijiet mal-ispejjeż.

547. It-tpattija tal-frottijiet mal-ispejjeż imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan, issir ukoll mal-pussessur ta' bona fidi:

Iżda, dan il-pussessur hu obbligat, barra l-frottijiet li għandu jrodd skont l-artikolu 540, iġib fil-kont dawk il-frottijiet biss illi jkun daħħal fil-ħames snin ta' qabel it-talba ġudizzjarja tas-sid.

Meta l-pussessur ta' bona fidi jew ta' mala fidi mhux obbligat irodd il-frottijiet tal-miljoramenti.

548. Il-pussessur sew ta' bona fidi kemm ta' mala fidi mhux obbligat irodd, jew iġib fil-kont għat-tpattija msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, il-frottijiet tal-miljoramenti li, skont id-dispożizzionijiet tal-artikoli ta' qabel dan, huwa għandu jedd ineħħi, jew li għalihom għandu jiġi indenizzat mis-sid, ħlief jekk is-sid ikun irid jagħtih l-imgħaxijiet fuq l-kost ta' dawk il-miljoramenti.

Spejjeż sabjex il-ħaġa tagħti frottijiet jew sabiex il-frottijiet jiġu kkonservati.

549. (1) L-ispejjeż sabiex il-ħaġa tagħti l-frottijiet jew sabiex dawn il-frottijiet jiġu kkonservati, ma jidħlux ma' dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

(2) Dawn l-ispejjeż jinqatgħu dejjem mill-frottijiet hawn fuq imsemmijin.

Jedd tal-pussessur li jżomm f'idejh il-ħaġa.

550. Kull meta, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, il-pussessur, sew ta' bona fidi kemm ta' mala fidi, ikollu jedd jieħu lura l-ispejjeż li jkun għamel fuq il-ħaġa ta' ħaddieħor, sew billi jieħu lura l-oġġetti magħmulin b'dawk l-ispejjeż, jew billi jitħallas lura ta' dawk l-ispejjeż, huwa għandu l-jedd, bla ħsara tad dispożizzjonijiet tal-artikolu 2079, li jżomm f'idejh il-ħaġa sa kemm jieħu dak li jkun imissu, basta li t-talba tiegħu għal dawn l-ispejjeż issir, imqar bil-fomm, matul is-smigħ tal-kawża, qabel ma tingħata s-sentenza fuq it-talba tas-sid għar-radd ta' dik il-ħaġa.

---

§ II. FUQ L-OBBLIGI TAL-PUSSESSUR DWAR IR-RADD TAL-ĦAĠA

Il-pussessur ta' bona fidi għandu jħallas il-ħsarat.

551. Il-pussessur ta' bona fidi għandu jħallas dawk il-ħsarat li, b'għemilu jew xort'oħra, ukoll qabel it-talba ġudizzjarja tas-sid, ikunu saru fil-ħaġa, iżda biss sas-somma tal-ġid li jkun ħa minn dawk il-ħsarat.

Jekk il-ħaġa li tagħha wieħed ikollu l-pussess tkun wirt.

552. Jekk il-ħaġa li tagħha wieħed ikollu l-pussess tkun wirt jew sehem ta' wirt, il-pussessur, ukoll jekk ta' bona fidi, illi jkun ittrasferixxa xi ħwejjeġ tal-wirt, għandu jrodd ukoll, iżda biss sa l-ammont tal-profitt li jkun ħa b'dak it-trasferiment, il-valur ta' dawk il-ħwejjeġ.

Meta jitqies li pussessur ħa profitt.

553. Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-pussessur jitqies li ħa profitt mill-ħsarat jew bit-trasferimenti hawn fuq imsemmija, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin biss:

(*a*) jekk il-profitt li ttieħed minnhom, fiż-żmien tat-talba ġudizzjarja, jinsab għadu jeżisti mifrud għalih mill-ħwejjeġ tal-pussessur;

(*b*) jekk, billi l-profitt li ttieħed minnhom ikun tħallat ma' ħwejjeġ il-pussessur, l-assi ta' dan, fiż-żmien ta' dik it- talba, jinsab b'daqshekk li huwa akbar;

(*ċ*) jekk, billi l-profitt li ttieħed minnhom ikun ġie kkunsmat mill-pussessur, dan, b'daqshekk, ikun faddal ħwejġu, u dan it-tfaddil ikun għadu jeżisti:

Iżda, il-pussessur jista', f'kull wieħed mill-każijiet ta' hawn fuq, iżomm il-profitt li jkun ħa billi jħallas lill-attur il-valur

tal-ħaġa fiż-żmien li jkun iddispona minnha jew il-valur tagħha fiż-żmien tat-talba, skont liema jkun l-akbar.

Il-pussessur ta' bona fidi mhux obbligat jrodd il-valur tal-ħwejjeġ li jkun ta, eċċ.

554. Il-pussessur ta' bona fidi mhux obbligat, lanqas fil-każ ta' pussess ta' wirt, irodd il-valur tal-ħwejjeġ li huwa jkun ta, tilef, jew qered mingħajr profitt.

L-artikoli 552, 553 u 554 igħoddu għall pussessur ta' kull *universitas rerum* oħra.

555. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar tliet artikoli qabel dan igħoddu għall-pussessur ta' kull *universitas rerum* oħra.

Il-pussessur ta' mala fidi għandu jrodd il-ħwejjeġ li jkun okkupa inġustament.

556. (1) Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat, dejjem, irodd il-ħwejjeġ kollha li jkun okkupa inġustament,

(2) Kemm-il darba dan il-pussessur ma jkunx baqa', minrajh jew bi ħtija tiegħu, jippossjedi xi waħda minn dawk il-ħwejjeġ, hu obbligat irodd lill-attur il-profitt li jkun għamel minnha, jew, kif jagħżel l-attur, iħallas lil dan, il-valur tal-ħaġa fiż-żmien li ma jkunx baqa' jippossjediha jew il-valur tagħha fiż-żmien tat-talba, skont liema jkun l-akbar, għad illi, f'dan il-każ, hu ma jkun ħa ebda profitt minnha.

Il-pussessur ta' mala fidi jwieġeb għall-ħsarat li jiġru b'għemilu.

557. Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat ukoll għall-ħsarat kollha li jiġru b'għemilu, kif ukoll għal dawk li jiġru b'aċċident, kemm-il darba, ikun liema jkun il-mod li bih ħa l-pussess tal-ħaġa, ma jippruvax li dik il-ħaġa kienet xorta waħda tispiċċa jew titgħarraq li kieku kienet f'idejn sidha.

---

§ III. FUQ L-EFFETTI PARTIKOLARI TAL-PUSSESS TA' ĦWEJJEĠ MOBBLI

Pussess ta' ħwejjeġ mobbli minn terzi persuni ta' bona fidi.

558. (1) Għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli minnhom infishom, jew titoli għall-purtatur, il-pussess għandu, favur it-terzi ta' bona fidi, l-effett stess tat-titolu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra għal dawk li huma bastimenti.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għal universalità ta' ħwejjeġ mobbli.

Sid il-ħaġa mitlufa jew misruqa jista' jitlobha lura.

559. (1) Iżda, dak li jkun tilef il-ħaġa, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi jindennizza lill-pussessur.

(2) Jista' wkoll jitlobha lura mingħajr l-obbligu li jindennizza lill-pussessur meta dan ma jkunx ħadha b'bona fidi, b'titolu oneruż, mingħand min, milli kien jidher, seta' kien sid dik il-ħaġa, jew seta' kien persuna mqabbda mis-sid biex tiddisponi mill-ħaġa.

TAQSIMA II

FUQ KIF WIEĦED JISTA' JAKKWISTA U JITTRASFERIXXI L-PROPRJETÀ U JEDDIJIET OĦRA FUQ IL-BENI JEW LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-BENI.

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Akkwist u trasferiment ta' proprjetà b'suċċessjoni, eċċ.

560. (1) Il-proprjetà u l-jeddijiet l-oħra fuq il-ħwejjeġ, jew li għandhom x'jaqsmu mal-ħwejjeġ, jistgħu jiġu akkwistati u ttrasferiti b'suċċessjoni, jew bis-saħħa ta' ftehim, jew bil-preskrizzjoni.

(2) Il-proprjetà tista' wkoll tiġi akkwistata u ttrasferita b'okkupazzjoni jew b'aċċessjoni.

Titolu I

FUQ L-OKKUPAZZJONI

X'inhija l-okkupazzjoni.

561. (1) L-okkupazzjoni hija l-att li bih wieħed jieħu pussess ta' ħaġa korporali li mhix, iżda tista' tkun, il-proprjetà ta' xi hadd, bil-ħsieb li jagħmilha tiegħu.

(2) Min jokkupa l-ħaġa jakkwista l-proprjetà tagħha, kemm-il darba l-liġi ma tkunx tgħid xort'oħra.

Jeddijiet tas-sidjen ta' ferħ naħal.

562. (1) Is-sid ta' ferħ naħal għandu jedd li jmur warajhom fil-fond ta' ħaddieħor, iżda hu obbligat iħallas il-ħsara li jagħmel f'dak il-fond.

(2) Kemm-il darha s-sid ma jmurx wara n-naħal fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li jkun ġie jaf bil-lok fejn ikunu jinsabu, jew, jekk għal għaxart ijiem, jaqta' li jmur warajhom, il-pussessur ta' dak il-fond jista' jeħodhom u jżommhom.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għas-sid ta' annimali immansati; iżda dawk l-annimali jsiru proprjetà ta' min ikun qabadhom u żammhom, jekk ma jiġux mitluba lura sa tletin ġurnata minn dak in-nhar illi s-sid ikun ġie jaf fejn dawk l-annimali jinsabu.

Teżor fil-fond ta' ħaddieħor. Kap. 445.

563. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, it-teżor misjub fil-fond ta' ħaddieħor, jekk jiġi misjub bla ma wieħed ikollu ħsieb, imiss nofs lil min isibu u nofs lis-sid tal-fond fejn jinsab, u jekk jiġi misjub b'tiftix li jsir għal dak il-ħsieb, imiss kollu lis-sid tal-fond.

(2) Il-kelma "teżor" tfisser u tinkludi kull ħaġa mobbli, ukoll jekk mhux prezzjuża, li tkun moħbija jew midfuna fl-art, u li tagħha ħadd ma jista' jipprova li huwa s-sid.

Proprjetà mitlufa. *Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXII.1979.2.*

564. (1) Min isib ħaġa mobbli li ma tkunx teżor, għandu jroddha lill-pussessur tagħha ta' qabel, jekk ikun magħruf: inkella mingħajr dewmien għandu jagħtiha f'idejn il-Pulizija.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jippubblika b'avviż fil-Gazzetta lista tal-ħwejjeġ mobbli msemmija fis-subartikolu (1), u għandu jerġa' jippubblika dik il-lista, barra mill-ħwejjeġ li jkunu ġew mitluba minn sidhom, wara tliet xhur mill-imsemmi avviż.

(3) Wara tliet xhur minn dak in-nhar tal-ħruġ tat-tieni avviż, jekk is-sid ma jkunx deher biex jitlob il-ħaġa, din il-ħaġa jew, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu għamlu meħtieġ il-bejgħ tagħha, il-prezz tagħha, imissu lil min ikun sabha.

(4) Is-sid tal-ħaġa jew min isibha, skont ma jkun il-każ, meta jieħu lura l-ħaġa jew il-prezz tagħha, għandu jħallas l-ispejjeż li jkunu saru.

(5) Barra minn dan, is-sid li jieħu lura l-ħaġa għandu jħallas lil min ikun sabha rigal meqjus skont iċ-ċirkostanzi, u li ma jkunx iżjed minn għaxra waħda ta' kemm tkun tiswa l-ħaġa misjuba.

(6) Jekk, malli jgħaddu sitt xhur mill-ewwel avviż ippubblikat fil-Gazzetta taħt is-subartikolu (2), la min isib il-ħaġa u lanqas is-sid tagħha ma jagħmel talba għaliha jew għall-prezz tagħha, dik il-ħaġa jew dak il-prezz, skont il-każ, issir proprjetà tal-Gvern.

Ħwejjeg li jinxteħtu jew li jaqgħu l-baħar. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68.*

565. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-ħwejjeġ mixħuta jew li jaqgħu l-baħar, jew li l-baħar jitfa' lura fuq l-art, jew għax-xtieli u ħxejjex li jikbru ma' tul il-plajja, jew f'qiegħ il-baħar, ħlief sa fejn dawn il-jeddijiet fuq dawn il-ħwejjeġ ma jaqgħux taħt liġijiet speċjali.

(2) Ħadd ma jista', mingħajr il-permess tal-President ta' Malta, jistad għall-qroll jew ħwejjeġ oħra bħal dawn li jiffurmaw ruħhom jew jikbru f'qiegħ il-baħar.

Titolu II

FUQ L-AĊĊESSJONI

X'inhi l-aċċessjoni.

566. L-aċċessjoni hija l-jedd li bih min għandu l-proprjetà ta'ħaġa jakkwista l-proprjetà ta' dak kollu li dik il-ħaġa tagħti, jew li jingħaqad jew li jsir biċċa waħda magħha, sew b'mod naturali jew bix-xogħol tal-bniedem.

Sub-titolu I

FUQ IL-JEDD TA' AĊĊESSJONI FUQ DAK LI L-ĦAĠA TAGĦTI

Proprjetà ta' frottijiet naturali, frottijiet industrjali jew frottijiet ċivili.

567. Il-frottijiet naturali, tax-xogħol, jew ċivili jmissu, b'jedd ta' aċċessjoni, lis-sid tal-ħaġa li tagħtihom, bil-piż li jħallas l-ispejjeż li ħaddieħor ikun għamel sabiex il-ħaġa tagħti dawk il-frottijiet jew sabiex dawk il-frottijiet jiġu kkonservati.

Sub-titolu II

FUQ IL-JEDD TA' AĊĊESSJONI DWAR ĦWEJJEĠ IMMOBBLI

Bini, tħawwil jew xogħolijiet magħmulin bil-materjal ta' ħaddieħor.

568. Is-sid tal-art li fuqha huwa jibni, iħawwel, jew jagħmel xogħolijiet b'materjal ta' ħaddieħor, għandu jħallas il-valur ta' dan il-materjal, u, fil-każ ta' mala fidi, għandu jħallas ukoll id-danni u l-imgħaxijiet; iżda sid il-materjal m'għandux jedd jieħdu lura ħlief meta jkun jista' jagħmel dan mingħajr ma jeqred ix-xogħol hekk mibni, jew mingħajr ma jħalli t-tħawwil imut.

Bini, eċċ., magħmul minn terz pussessur b' materjal tiegħu,

569. (1) Meta xi bini, tħawwil jew xogħlijiet bħal dawn ikunu saru minn terz pussessur, b'materjal tiegħu, igħoddu d-dispożizzjonijiet dwar il-Pussess taħt it-Titolu VI tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, skont jekk dan il-pussessur ikunx ippossjeda b'bona fidi jew b'mala fidi.

(2) Jekk it-terz ma jkunx pussessur fis-sens tal-artikolu 524 igħoddu f'kull każ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 543.

b'materjal ta' ħaddieħor.

570. Meta dan il-bini, tħawwil jew xogħlijiet ikunu saru minn terza persuna b'materjal ta' ħaddieħor, sid dan il-materjal ma għandux jedd li jitolbu lura, iżda jista' jitlob indenizz mingħand it-terza persuna li tkun inqdiet b'dak il-materjal, kif ukoll mingħand sid il-fond sas-somma li dan ikun fadallu jagħti.

Okkupazzjoni b' bona fidi ta' biċċa minn fond viċin.

571. Jekk fit-tlugħ ta' bini tiġi okkupata b'bona fidi biċċa mill-fond li jmiss ma' dak il-bini, u l-ġar ikun jaf li qiegħed isir dak il-bini, u ma jagħmilx oppożizzjoni, l-art li tiġi hekk okkupata u l-bini li jsir fuqha jistgħu jiġu ddikjarati ta' proprjetà ta' min bena, taħt l-obbligu li jħallas lil sid l-art il-valur tal-wiċċ li jkun okkupa, u li jagħmel tajba kull ħsara li tkun saret.

Sub-titolu III

FUQ IL-JEDD TA' AĊĊESSJONI DWAR ĦWEJJEĠ MOBBLI

Jedd ta' aċċessjoni dwar ħwejjeġ mobbli.

572. (1) Il-jedd ta' aċċessjoni dwar ħwejjeġ mobbli ta' proprjetà ta' diversi sidien, għandu jkun regolat mill-prinċipji tal-ekwità naturali.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin jiswew biex fuqhom il-qorti tiddeċidi, fil-każijiet mhux ikkontemplati mil-liġi, skont ma jkunu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

Meta żewġ ħwejjeġ ta' diversi sidien jitgħaqqdu b'mod li jagħmlu ħaġa waħda.

573. (1) Meta żewġ ħwejjeġ ta' diversi sidien jiġu mgħaqqdin ma' xulxin b'mod li jagħmlu ħaġa waħda, iżda b'dan kollu jistgħu jiġu mifruda mingħajr ħsara kbira ta' ebda waħda minnhom, kull wieħed mis-sidien jibqa' jżomm il-proprjetà tal-ħaġa tiegħu, u għandu jedd jitlob il-firda.

(2) Iżda, jekk iż-żewġ ħwejjeġ ma jistgħux jiġu mifruda mingħajr ħsara kbira ta' waħda minnhom, iż-żewġ ħwejjeġ hekk imgħaqqdin flimkien imissu lis-sid tal-ħaġa li hija l-parti prinċipali fosthom, bl-obbligu li jħallas lis-sid l-ieħor il-valur tal-ħaġa mgħaqqda magħha.

Liema hija l-ħaġa prinċipali.

574. Titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet imgħaqqda biss għall-użu, għat-tiżjin, jew sabiex tagħmilha kompluta.

Meta l-aċċessorju huwa iżjed prezzjuż mill-prinċipal.

575. Iżda, jekk il-ħaġa mgħaqqda tkun wisq iżjed prezzjuża mill-ħaġa prinċipali, u jkun sar użu minnha mingħajr il-kunsens tas-sid, dan is-sid jista' jagħżel jew li jieħu kollox u jħallas lil sid il-ħaġa prinċipali l-valur tagħha, jew li jitlob il-firda tal-ħaġa mgħaqqda, għad li b'hekk tista' tiġri ħsara lill-oħra.

Meta l-ħaġa titqies prinċipali minħabba l-valur jew kobor tagħha.

576. Jekk minn żewġ ħwejjeġ imgħaqqda flimkien biex jagħmlu ħaġa waħda, ebda waħda minnhom ma tista' titqies bħala aċċessorja tal-oħra, dik li tiswa l-aktar, jew, fil-każ li ż-żewġ ħwejjeġ ikunu jiswew bejn wieħed u ieħor indaqs, dik li tkun l-akbar fid-daqs, titqies li hija l-prinċipali.

Jekk l-artiġjan jinqeda b'materjal mhux tiegħu,

577. Meta artiġjan jew persuna oħra jkunu nqdew b'materjal mhux tagħhom, sabiex jagħmlu xi ħaġa ta' xorta ġdida, sid il-materjal għandu jedd, sew jekk il-materjal ikun jista' kemm jekk ma jkunx jista' jerġa' jieħu s-sura ta' qabel, għall-proprjetà tal-ħaġa li tkun ġiet magħmula bih, bl-obbligu li jħallas lill-artiġjan jew persuna oħra l-prezz tax-xogħol.

jew biċċa b'materjal tiegħu u biċċa ta' ħaddieħor.

578. Jekk xi ħadd, biex jagħti forma ġdida lil ħaġa jkun inqeda b'materjali, biċċa tiegħu u biċċa ta' ħaddieħor, b'mod li għalkemm la l-materjal l-wieħed u lanqas l-ieħor ma jkun ġie ttrasformat għal kollox, dak il-materjal ma jkunx jista' jiġi mifrud mingħajr ħsara, il-ħaġa tibqa' in komun bejn iż-żewġ sidien f'ishma meqjusa skont il-valur ta' dak li kull wieħed minnhom ikun ħareġ, jiġifieri, il-wieħed skont il-valur tal-materjal li kien tiegħu, u l-ieħor skont il-valur tal-materjal li kien tiegħu u l-prezz tax-xogħol.

Meta x-xogħol jiswa iżjed mill-materjal użat.

579. Iżda, meta x-xogħol ikun ta' valur tali li jkun jiswa bil-bosta iżjed milli jiswew il-materjali wżati, ix-xogħol jitqies bħala l-ħaġa prinċipali, u l-artiġjan għandu jedd iżomm il-ħaġa hekk maħduma, billi jħallas lis-sid il-prezz tal-materjal.

Taħlit ta' materjal divers.

580. (1) Meta ħaġa tkun ġiet magħmula bit-taħlit ta' materjal divers li jkun ta' diversi sidien, u dan il-materjal ikun jista' jiġi mifrud mingħajr ħsara, is-sid li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għat-taħlit, jista' jitlob il-firda.

(2) Jekk il-materjal ma jkunx jista' jiġi mifrud, jew, jekk il-firda ma tkunx tista' ssir mingħajr ħsara, il-ħaġa magħmula bit-taħlit issir proprjetà komuni ta' bejniethom, fil-proporzjon tal-valur tal-materjal ta' kull wieħed minnhom.

Meta l-materjali ta' wieħed mis-sidien jitqies bħala l-ħaġa prinċipali.

581. Iżda, jekk il-materjali ta' wieħed mis-sidien jista' jitqies bħala l-ħaġa prinċipali, jew ikun jiswa wisq iżjed mill-materjali l-oħra, u ż-żewġ materjali ma jkunux jistgħu jiġu mifruda, jew il-firda tagħhom tkun iġġib ħsara, is-sid ta' dawk il-materjali li jitqiesu li huma l-ħaġa prinċipali, jew li huma aqwa fil-valur, għandu jedd għall-proprjetà tal-ħaġa li ssir mit-taħlit, billi jħallas lis-sid l-ieħor il-prezz tal-materjali tiegħu.

Is-sidien tal-materjali jistgħu jitolbu l-bejgħ fl-irkant tal-ħaġa l-ġdida.

582. Meta l-ħaġa l-ġdida tibqa' in komun bejn is-sidien tad-diversi materjali li bihom il-ħaġa tkun ġid magħmula, kull wieħed mis-sidien jista' jitlob il-bejgħ fl-irkant b'vantaġġ u bi spejjeż komuni.

Jeddijiet tas-sid tal-materjal użat mingħajr il-kunsens tiegħu.

583. Fil-każijiet kollha li fihom is-sid tal-materjali wżati mingħajr il-kunsens tiegħu jista' jippretendi l-proprjetà tal-ħaġa, hu jista' jitlob, skont ma jagħżel, jew li jiġi mogħti lura lilu materjali tal-istess xorta u kwantità, inkella l-valur tiegħu.

Tweġib għad-danni.

584. Dak li jkun uża materjal ta' ħaddieħor, mingħajr il-kunsens ta' sidu, jista' wkoll jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni, bla ħsara ta' kull azzjoni kriminali li għaliha jista' jkun suġġett.

TITOLU III

FUQ IS-SUĊĊESSJONI

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Tifsira ta' wirt.

585. Il-wirt huwa l-ġid imħolli minn min imut, u jgħaddi għand ħaddieħor b'dispożizzjoni tal-bniedem jew, fin-nuqqas ta' din, b'dispożizzjoni tal-liġi.

Kif wieħed jista' jiddisponi mill-wirt.
Emendat: XVIII.2004.47; XI.2005.2.

586. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet dwar donazzjonijiet magħmulin f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, u ta' dawk li għandhom x'jaqsmu ma' kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, ħadd ma jista' jiddisponi la mill-wirt, kollu jew biċċa minnu, u lanqas minn somom ta' flus jew minn ħwejjeġ partikolari oħra li jkunu jappartjenu lill-wirt, ħlief b'testment.

Atti testamentarji magħmulin qabel il-11 ta' Frar, 1870.

587. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jħassrux il-liġijiet ta' qabel dwar l-atti tal-aħħar volontà magħmulin qabel il-11 ta' Frar, 1870, lanqas jekk il-persuni li jkunu għamlu dawk l-atti kienu għadhom ħajjin f'dak il-jum:

Iżda jekk xi att milli hawn fuq imsemmija ma jkunx jiswa skont dawk il-liġijiet jista', kemm-il darba ma jkunx ġie mħassar mill-persuna li tkun għamlitu, iseħħ bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, basta li jkun magħmul skont id-dispożizzjonijiet tiegħu.

Sub-titolu I

FUQ IS-SUĊĊESSJONI B'TESTMENT

§I. FUQ IT-TESTMENTI

Tifsir ta' testment.

588. It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista' jiġi mħassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-liġi, tiddisponi, għaż-żmien ta' wara mewtha, mill-ħwejjeġ tagħha kollha jew minn biċċa minnhom.

Dispożizzjonijiet b'titolu universali jew partikolari.

589. (1) It-testment jista' jkun fih dispożizzjonijiet b'titolu universali kif ukoll b'titolu partikolari.

(2) It-testment jista' wkoll ikun fih dispożizzjonijiet b'titolu partikolari mingħajr ebda dispożizzjoni b'titolu universali.

Tifsir tad-dispożizzjonijiet b'titolu universali jew partikolari.

590. (1) Id-dispożizzjoni b'titolu universali hija dik li biha t-testatur iħalli lill-persuna waħda jew iżjed il-ġid tiegħu kollu jew sehem minnu.

(2) Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha huma b'titolu partikolari.

Werriet.

591. (1) Il-kelma "werriet" tfisser il-persuna li favur tagħha t-testatur ikun iddispona b'titolu universali.

Legatarju.

(2) Il-kelma "legatarju" tfisser il-persuna li favur tagħha t-testatur ikun iddispona b'titolu partikolari.

Testment *unica charta*. *Emendat: XVIII.2004.48; A.L. 407 tal-2007; XXIII.2017.65.*

592. (1) It-testment magħmul mill-konjuġi bl-istess att wieħed, jew, bħal ma ġeneralment jissejjaħ, *unica charta*, hu validu.

(2) Kemm-il darba dan it-testment jiġi mħassar minn wieħed mit-testaturi kwantu għall-assi tiegħu, jibqa' sħiħ kwantu għall-assi tal-ieħor.

(3) Testment *unica charta* għandu jsir b'mod li d-dispożizzjonijiet kwantu għall-assi ta' wieħed mit-testaturi jsiru f'parti separata minn dawk li jkun fihom id-dispożizzjonijiet tat-testatur l-ieħor.

(4 Jekk ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), dan ma għandux jikkaġuna n-nullità ta' xi dispożizzjoni tat-testment jekk dan ikun xort'oħra jiftiehem; imma n-nutar li jabbozza t-testment jista' jeħel multa ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) li tiġi imposta fuqu mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili.

Meta l-konjuġi jirrevokaw testment *unica charta*. *Sostitwit: XVIII.2004.49. Emendat: A.L. 407 tal-2007; XXIII.2017.66.*

593. (1) Meta f'testment *unica charta*, it-testaturi jkunu ħallew wieħed lill-ieħor bi proprjetà l-ħwejjeġ kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom, bil-kondizzjoni espressa u speċifika li jekk xi wieħed mit-testaturi jħassar dak il-laxxitu huwa jitlef kull jedd favur tiegħu minn dak it-testment komuni, min jibqa' ħaj minnhom, li jirrevoka t-testment għar-rigward ta' dak il-laxxitu, jitlef kull dritt li seta kellu bis-saħħa ta' dak it-testment fuq il-proprjetà tal-konjuġi li jkun miet l-ewwel.

(2) It-telfien imsemmi fis-subartikolu (1) jista' jiġi wkoll ordnat fil-każ meta, minħabba għemilu jew għemilha, l-imsemmi laxxitu ma jkunx jista' jkollu effett kwantu għall-beni tiegħu jew tagħha.

(3) In-nutar li jikteb testment *unica charta* għandu l-obbligu taħt piena ta' penali ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) li tiġi imposta mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili li jispjega lit-testaturi f'testment *unica charta* t-tifsir u l-effett ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 594, u li jniżżel fit-testment dikjarazzjoni f'dak is-sens.

Effetti tar-revoka. *Sostitwit: XVIII.2004.49. Emendat: XXIII.2017.67.*

594. Fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 593(1) u (2) il-proprjetà tal-beni mħollija lit-testatur il-konjuġi li jġarrab it-telfien, għandha, kemm-il darba t-testatur l-ieħor ma jkunx iddispona xort'oħra, tgħaddi għand il-werrieta istitwiti minn dak it-testatur l-ieħor, jew jekk ma jkun hemm ebda werrieta istitwiti b'dak il-mod, għand il-

werrieta leġittimi tiegħu. It-testatur li jkun tilef il-proprjetà kif hawn qabel imsemmi għandu, madankollu, iżomm l-użufrutt ta' dawk il-beni.

Testment *unica charta* jsir biss bejn il-konjuġi. *Emendat: XXX.1981.8; XXIII.2017.68.*

595. Ma jistgħux żewġ persuni jew iżjed, ħlief il-konjuġi, jagħmlu testment f'wieħed u l-istess att, la favur terza persuna u lanqas b'dispożizzjoni favur ta' xulxin:

Iżda ma jistax isir testment sigriet mill-konjuġi fl-istess att uniku wara l-15 ta' Awissu, 1981.

---

§ II. FUQ MIN JISTA JIDDISPONI JEW JIRĊIEVI B'TESTMENT

Min jista' jiddisponi jew jirċievi b'testment. *Emendat: LVIII.1975.4; XVIII.2004.50.*

596. (1) Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment.

(2) It-tfal u d-dixxendenti kollha, mingħajr ebda distinzjoni għandhom il-kapaċità li jirċievu b'testment mill-beni tal-ġenituri tagħhom u axxendenti oħra sal-limitu stabbilit bil-liġi.

Min hu inkapaċi biex jiddisponi b'testment. *Emendat: XVIII.2004.51; II.2012.15.*

597. Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:

(*a*) dawk li ma jkunux għalqu l-età ta' sittax-il sena;

(*b*) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom:

Iżda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jirċievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jagħti ġurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;

(*ċ*) l-interdetti minħabba ġenn jew minħabba diżordni mentali;

(*d*) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;

(*e*) l-interdetti minħabba tberbiq, kemm-il darba ma jiġux awtorizzati jiddisponu minn ħwejjiġhom mill-qorti li tkun ordnat l-interdizzjoni tagħhom:

Iżda l-interdett minħabba tberbiq jista', ukoll mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, iħassar it-testment li jkun għamel qabel l-interdizzjoni tiegħu.

Persuni ta' taħt l-età ta' tmintax-il sena jistgħu jagħmlu biss dispożizzjonijiet ta' kumpens.

598. (1) Dawk li ma jkunux għalqu l-età ta' tmintax-il sena ma jistgħux jagħmlu b'testment ħlief dispożizzjonijiet ta' kumpens.

(2) Iżda, jekk b'dispożizzjoni bħal dik, meta jittieħed qies tal-mezzi tat-testatur u tax-xogħol li b'kumpens tiegħu għalih hija ssir, tiġi mħollija somma barra mill-qies, il-qorti tista' tnaqqasha għas-somma li jmissha.

Testmenti magħmulin minn persuni inkapaċi huma nulli, ukoll jekk l-inkapaċità tat-testatur tispiċċa qabel il-mewt tat-testatur.

599. It-testmenti magħmulin minn persuni inkapaċi huma nulli, ukoll jekk l-inkapaċità tat-testatur tispiċċa qabel il-mewt tiegħu.

Dawk li jkunu għadhom ma ġewx ikkonċepiti ma jistgħux jirċievu b'testment.

600. (1) Dawk illi, fiż-żmien tal-mewt tat-testatur jew fiż-żmien li tiġri l-kondizzjoni sospensiva li minnha d-dispożizzjoni kienet tiddependi, ma jkunux għadhom ġew ikkonċepiti, huma nkapaċi li jirċievu b'testment.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għat-tfal immedjati ta' persuna determinata, li tkun ħajja fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, lanqas għal dawk li jkunu msejħin biex igawdu fondazzjonijiet.

Ma jistgħux jirċievu b'testment dawk li jitwieldu fi stat li ma jistgħux igħixu.

601. (1) Dawk li jitwieldu fi stat li ma jistgħux igħixu huma nkapaċi li jirċievu b'testment.

(2) Fid-dubju, dawk li jitwieldu ħajjin jitqiesu li huma fi stat li jistgħu jgħixu.

It-tfal kollha tat-testatur jistgħu jirċievu b'testment. *Sostitwit: XVIII.2004.52.*

602. It-tfal kollha tat-testatur, sew jekk imweldin matul iż-żwieġ, barra miż-żwieġ jew adottati, jew kemm jekk il-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 102 sa 112 tkunx tapplika għalihom jew le, jistgħu jirċievu b'testment mingħand it-testatur.

Sehem li min jibqa' ħaj mill-miżżewġin jista' jirċievi b'testment meta l-mejjet iħalli tfal jew dixxendenti.

603. *Imħassar: XVIII.2004.52.*

Sehem li l-mara jew ir-raġel jistgħu jirċievu jekk jgħaddu għat-tieni żwieġ jew għal żwieġ ieħor. *Emendat: XXI.1962.11.*

604. *Imħassar: XVIII.2004.52.*

Persuni li mhumiex denji jirċievu b'testment. *Emendat: XLIX.1981.4; XVIII.2004.53.*

605. (1) Kull min -

(*a*) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur; jew

(*b*) ikun akkuża lit-testatur, jew lill-mara jew lir-raġel tat-testatur, quddiem awtorità kompetenti b'delitt li jġib il-piena tal-priġunerija, u li hu kien jaf li t-testatur, jew il-mara jew raġel tat-testatur, ma kenux ħatjin tiegħu; jew

(*ċ*) ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja; jew

(*d*) ma jkunx ħalla lit-testatur jagħmel testment ġdid, jew iħassar it-testment li kien ġa għamel, inkella qered, iffalsifika, jew bil-qerq ħeba t-testment,

jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi

b'testment.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għal kull min ikun kompliċi f'wieħed jew ieħor mill-fatti hawn fuq imsemmja.

Rijabilitazzjoni.

606. Kull min ikun waqa' f'xi inkapaċità għal xi waħda mill-ħtijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jista' jirċievi b'testment, jekk it-testatur jirrijabilitah b'testment li jsir wara jew b'att pubbliku ieħor.

Il-werriet jew legatarju mhux denn għandu jrodd il-frottijiet.

607. Il-werriet jew il-legatarju, eskluż bħala mhux denn milli jirċievi l-wirt jew il-legat, għandu jrodd il-frottijiet kollha u kull utili ieħor li jkun daħħal wara l-ftuħ tas-suċċessjoni.

Dixxendenti ta' persuna mhix denja għandhom jedd għas-sehem riservat.
Emendat: XVIII.2004.54.

608. Id-dixxendenti ta' persuna eskluża bħala mhix denja, għandhom, f'kull każ, jedd għas-sehem riżervat li kieku kien imiss lill-persuna hekk eskluża:

Iżda dik il-persuna m'għandhiex, fuq is-sehem tal-wirt li jgħaddi għand uliedha, il-jedd ta' użufrutt u ta' amministrazzjoni li l-liġi tagħti lill-ġenituri.

It-tuturi u l-kuraturi huma inkapaċi li jirċievu b'testment.

609. (1) It-tutur jew kuratur ma jista' jieħu ebda ġid minn testment magħmul, fiż-żmien tat-tutela jew kurazija, mill-persuna li tagħha huwa jkun it-tutur jew il-kuratur.

(2) Din ir-regola tgħodd jekk it-testment isir wara li tkun spiċċat it-tutela jew il-kurazija, iżda qabel il-għoti tal-kont finali, ukoll jekk it-testatur imut wara l-approvazzjoni ta' dak il-kont.

(3) Ma jidħolx taħt il-projbizzjoni ta' dan l-artikolu t-tutur jew kuratur li jkun axxendent, dixxendent, ħu, ziju, neputi jew kuġin tal-persuna li tagħmel it-testment jew li jkun miżżewweġ magħha.

Inkapaċità ta' nutar li jirċievi testment pubbliku li jieħu ġid minnu.
Sostitwit: XXIV.2011.99.
Cap. 331.
Cap. 55.

610. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Trusts u Trustees u tal-artikolu 12 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-nutar li jkun irċieva testment pubbliku, jew il-persuna li tkun kitbet b'idha t-testment sigriet, ma tistax tibbenefika minn testment bħal dan.

Inkapaċità ta' membri ta' ordnijiet reliġjużi, eċċ.
Emendat: V.1993.2.

611. (1) Il-membri ta' ordnijiet reliġjużi, jew ta' xirkiet reliġjużi ta' regolari ma jistgħux, wara li jkunu ħadu l-voti tal-professjoni jew xirka reliġjuża, jiddisponu b'testment.

(2) Lanqas ma jistgħu dawk il-persuni jirċievu b'testment, ħlief xi vitalizju żgħir, bla ħsara ta' kull projbizzjoni oħra stabbilita mir-regoli tal-ordni jew tax-xirka li jkunu fihom.

(3)* Kemm-il darba dawk il-persuni jiġu maħlulin skont il-liġi mill-voti tagħhom, huma jerġgħu jakkwistaw il-kapaċità li jirċievu b'testment, kif ukoll li jiddisponu mill-beni li jkunu akkwistaw wara, u kull dispożizzjoni magħmula favur persuna li fi żmien il-mewt tat-testatur kienet membru ta' ordni reliġjuż jew ta' xirka reliġjuża ta' regolari għandha tibqa' sospiża sakemm dik il-persuna jew tiġi maħlula mill-voti tagħha kif imsemmi qabel jew tmut

* Għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni *ara* l-artikolu 4 tal-Att V tal-1993.

filwaqt li tkun għadha membru ta' dak l-ordni jew xirka, u għandha tkun bla ebda effett jekk il-persuna, li tkun saret favur tagħha, tmut filwaqt li tkun għadha membru bħal dak.

Dispożizzjonijiet favur persuni inkapaċi huma nulli wkoll jekk isiru f'isem ta' persuni interposti. *Emendat: XVIII.2004.55.*

612. (1) Kull dispożizzjoni testamentarja favur ta' persuna inkapaċi skont l-artikoli 609 u 610 ma tiswiex, għalkemm tkun magħmula f'isem ta' persuna interposta.

(2) Jekk l-inkapaċità tkun parzjali dik id-dispożizzjoni tkun nulla biss f'parti.

Persuni meqjusa bħala persuni interposti. *Emendat: XXIII.2017.69.*

613. Kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, id-dixxendenti, u il-konjuġi tal-persuna inkapaċi, skont ma jkun il-każ, jitqiesu bħala persuni interposti.

---

§ III. FUQ IL-BENI LI WIEĦED JISTA' JIDDISPONI MINNHOM B'TESTMENT

Beni li jistgħu jiġu disposti b'testment. *Sostitwit: XVIII.2004.56.*

614. (1) Jekk it-testatur ma jkollux dixxendenti jew żewġha jew martu, huwa jista' jiddisponi minn ġidu kollu b'titolu universali jew partikolari favur kull persuna kapaċi li tirċievi b'testment.

(2) Jekk it-testatur ikollu dixxendenti jew żewġha jew martu, is-sehem tal-beni tiegħu li minnu jista' jiddisponi jkun dak li jibqa' wara li jitnaqqas dak is-sehem li jmiss lid-dixxendenti jew lil żewġha jew lil martu hawn aktar qabel imsemmija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 615 sa 653.

Sostitwita: *XVIII.2004.57.*

FUQ IS-SEHEM RIŻERVAT U D-DIŻEREDAZZJONI

Sehem riżervat. *Sostitwit: XVIII.2004.58. Emendat: XV.2012.23.*

615. (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

Sehem riżervat li jmiss lit-tfal. *Sostitwit: XVIII.2004.58.*

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.

Fil-kelma "tfal" jidħlu d-dixxendenti.

617. Għall-finijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, fil-kelma "tfal" jidħlu d-dixxendenti tat-tfal f'kull grad li jkunu. Iżda, dawn id-dixxendenti jingħaddu biss minflok it-tifel li minnu jkunu niżlin.

Regoli dwar il-persuni li għandhom jingħaddu biex jinqies is-sehem riżervat. *Emendat: XVIII.2004.59.*

618. (1) It-tfal jew dixxendenti oħra li huma inkapaċi li jirċievu b'testment, jew li jkunu ġew diżeredati mit-testatur, jew illi jkunu irrinunzjaw għal sehemhom, jingħaddu wkoll mat-tfal l-oħra biex jinqies is-sehem riżervat.

(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 608 u 626 l-ishma tat-tfal jew dixxendenti oħra li huma inkapaċi, jew li jkunu ġew diżeredati, jew li jkunu rrinunzjaw għal sehemhom, imorru favur it-tfal jew id-dixxendenti l-oħra li jieħdu s-sehem riżervat.

(3) It-tifel jew dixxendent ieħor li jkun maħtur werriet, u illi li kieku ma jkunx ġie hekk maħtur kien ikollu jedd li jidħol fis-sehem riżervat, ikollu wkoll il-jedd jidħol mal-oħrajn f'dak is-sehem minkejja li jkun ġie hekk maħtur.

Legittima tal-axxendenti. *Emendat: XLVI.1973.52.*

619. *Imħassar: XVIII.2004.60.*

Sehem riżervat għandu jkun ħieles minn kull piż jew kondizzjoni. *Emendat: XVIII.2004.61.*

620. (1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.

(2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.

(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.

(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.

(5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat.

Meta jitħalla użufrutt jew renta vitalizja. *Emendat: XVIII.2004.62.*

621. (1) Meta jitħalla użufrutt jew renta vitalizja, u dawk li lilhom imiss is-sehem riżervat ikun jidhrilhom li l-valur ta' dak l-użufrutt jew renta vitalizja jaqbeż is-sehem tal-beni illi t-testatur seta jiddisponi minnu, huma jistgħu biss jagħżlu jew li joqgħodu għad-dispożizzjonijiet tat-testment jew li jieħdu s-sehem li jmisshom bħala sehem riżervat ħieles minn kull piż, billi jċiedu lil dawk li lilhom ikun tħalla l-użufrutt jew ir-renta vitalizja l-

proprjetà sħiħa tas-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu.

(2) Jekk wieħed minn dawk li jkun imisshom is-sehem riżervat jagħżel, fl-interess tiegħu, li joqgħod għad-dispożizzjonijiet tat-testment, kull wieħed ieħor minnhom jista', b'dan kollu, jagħżel li jieħu s-sehem riżervat, billi jċedi, kif jingħad hawn fuq, is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu.

Diżerdazzjoni. *Emendat: XVIII.2004.63.*

622. Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li tkun imfissra fit-testment.

Raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat. *Emendat: XXI.1993.66; XVIII.2004.64.*

623. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:

(*a*) jekk id-dixxendent ikun ċahad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;

(*b*) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;

(*ċ*) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;

(*d*) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;

(*e*) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;

(*f*) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;

(*g*) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent.

Raġunijiet li għalihom axxendent jista' jiġi diżeredat.

624. *Imħassar: XVIII.2004.65.*

Ir-raġuni li għaliha wieħed jiġi diżeredat għandha tiġi ippruvata.

625. (1) Ir-raġuni tad-diżeredazzjoni għandha tiġi ppruvata minn dak li jsostni d-diżeredazzjoni.

(2) Jekk tkun issemmiet iżjed minn raġuni waħda, il-prova ta' waħda hija biżżejjed.

Jeddijiet ta' wlied dawk li jiġu diżeredati. *Emendat: XVIII.2004.66.*

626. (1) Jekk dak li jiġi diżeredat ikollu wliedu jew dixxendenti oħra, is-sehem riżervat li huwa jitlef, imiss lilhom.

(2) F'kull każ bħal dan, id-diżeredat m'għandux fuq is-sehem riżervat l-użufrutt u lanqas l-amministrazzjoni, illi, skont il-liġi, seta' kellu jedd għalihom.

627. Jekk id-diżeredat imut qabel it-testatur, id-diżeredazzjoni ma tkunx ta' ħsara għall-jeddijiet tad-dixxendenti tiegħu.

Meta d-diżeredat imut qabel it-testatur.

628. Jekk id-diżeredat ma jkollu ebda mezz ieħor biex igħix, dawk li minħabba d-diżeredazzjoni tiegħu jkunu pprofittaw mis-sehem riżervat tiegħu, għandhom jagħtuh il-manteniment, iżda biss sa l-ammont tal-frottijiet tas-sehem riżervat, bla ħsara ta' jeddijiet oħra għal manteniment li hu jista' jkollu skont il-liġi.

Manteniment tad-diżeredat. *Emendat: XVIII.2004.67.*

629. Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raġuni li għaliha wieħed ikun ġie diżeredat, jew ma tiġix ippruvata, id-diżeredat għandu jedd għas-sehem riżervat biss.

Jedd għas-sehem riżervat meta ma tkunx imsemmija jew ippruvata r-raġuni tad-diżeredazzjoni. *Emendat: XVIII.2004.68.*

630. Jekk dak li lilu jmiss is-sehem riżervat ikun interdett minħabba tberbiq, jew ikun hekk mgħobbi bid-djun li s-sehem riżervat, jew mill-anqas il-biċċa l-kbira tiegħu, jiġi mikul b'dawk id-djun, it-testatur jista', b'dikjarazzjoni espressa, jiddiżeredah, u jħalli s-sehem riżervat lill-ulied jew lid-dixxendenti ta' dik il-persuna.

Diżeredazzjoni minħabba tberbiq. *Sostitwit: XVIII.2004.69.*

FUQ IL-JEDDIJIET TAR-RAĠEL JEW TAL-MARA

Emendata: *XVIII.2004.*70.

631. Jekk il-mejjet iħalli tfal jew dixxendenti oħra, min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj l-aħħar għandu jedd għal kwart tal-valur tal-beni fi proprjetà sħiħa.

Jedd ta' min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara, meta hemm tfal. *Emendat: XLVI.1973.53; XXI.1993.67. Sostitwit: XVIII.2004.71.*

632. Fin-nuqqas ta' tfal jew dixxendenti msemmija fl-artikolu 631, min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj l-aħħar għandu jedd għal terz tal-valur tal-beni fi proprjetà sħiħa.

Jedd ta' min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara meta ma hemmx tfal. *Sostitwit: XVIII.2004.71.*

633. (1) Min jibqa' ħaj mill-miżżewġin ikollu jedd li jabita fil-post li jkun jintuża bħala r-residenza prinċipali ta' dak li jibqa' ħaj meta tmut il-parti l-oħra, meta dak il-post ikun proprjetà assoluta ta' jew miżmum b'enfitewsi mill-parti li tmut jew waħedha jew flimkien ma' min jibqa' ħaj.

Jedd ta' abitazzjoni. *Miżjud: XXI.1993.68. Emendat: XVIII.2004.72; XXVII.2020.39.*

(2) Kemm mill-post hu suġġett għall-jedd ta' abitazzjoni ma jkunx limitat minħabba li, wara l-mewt tal-ewwel parti, il-parti l-oħra tkun teħtieġ parti inqas mill-post.

(3) Għall-finijiet tal-artikoli 631 u 632, il-post li jkun suġġett għall-jedd ta' abitazzjoni taħt dan l-artikolu jitħalla barra mill-wirt tal-parti li tmut li fuqu l-parti li tibqa' ħajja jkollha sehem riżervat.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 395 ma japplikawx għall-jedd ta' abitazzjoni mogħti taħt dan l-artikolu.

(5) Il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) jgħodd ukoll meta dak il-

jedd ikollu l-effett li jnaqqas, matul il-ħajja tal-parti li tibqa' ħajja, is-sehem riżervat li jmiss lil xi persuna oħra.

(6) Meta kreditur tal-parti li tmut jinforza l-jedd tiegħu fuq il-post li jkun suġġett għall-jedd taħt dan l-artikolu, jew meta l-werrieta li jkunu aċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju jbiegħu dak il-post biex jitħallas xi dejn dovut minn dak il-wirt, u f'kull każ ikun hemm beni oħra tal-wirt minn fejn ikunu jistgħu jitħallsu dawk id-djun, il-parti li tibqa' ħajja jkollha jedd titlob, fi żmien sena mill-bejgħ, danni mingħand il-werrieta tal-parti li tmut, jew mingħand il-werrieta tal-parti li tmut li jkunu aċċettaw bil-benefiċċju tal-inventarju li ma jkunu għamlu xejn biex dawk id-djun jitħallsu minn beni oħra.

(7) Il-miżżewġin jistgħu, qabel jew wara ż-żwieġ, jiftiehmu skont dan il-Kodiċi, ikun liema jkun ir-reġim patrimonjali li għandu jirregola l-proprjetà tagħhom, li jeskludu jew li jnaqqsu l-jedd kompetenti ta' min minnhom jibqa' ħaj wara l-ieħor skont dan l-artikolu.

(8) Il-jedd ta' abitazzjoni mogħti f'dan l-artikolu jispiċċa malli l-parti li tibqa' ħajja terga' tiżżewweġ jew tidħol f'att pubbliku ta' koabitazzjoni.

Qsim bejn il-werrieta u min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara. *Sostitwit: XLVI.1973.54. Emendat: XXI.1993.69. Sostitwit: XVIII.2004.73.*

634. Meta d-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni in parti lil min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara, f'kull qsim bejn il-werrieta tal-mejjet u min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara, min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara, jew l-imsemmija werrieta, jista' jitlob, li l-proprjetà suġġetta għall-jedd ta' abitazzjoni tiġi assenjata lil min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara fuq valutazzjoni li għandha tieħu f'konsiderazzjoni dak id-dritt ta' abitazzjoni fuq il-proprjetà.

Użu tal-kontenut fid-dar taż-żwieġ. *Emendat: XLVI. 1973.55. Sostitwit: XVIII.2004.73.*

635. Min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara jkollu wkoll il-jedd ta' użu fuq kull għamara fid-dar taż-żwieġ li tkun tappartjeni lill-mejjet.

Tifsir ta' għamara. *Emendat: XLVI.1973.56; XXI.1993.70. Sostitwit: XVIII.2004.73.*

636. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 318 għandhom japplikaw dwar il-jedd ta' użu msemmi fl-artikolu 635.

Limitazzjonijiet tad-dritt ta' użu. *Sostitwit: XVIII.2004.73.*

637. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 633(3), (6), (7) u (8) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-jedd ta' użu mogħti bl-artikolu 635.

Każijiet fejn min jibqa' ħaj mir-raġel u l-mara ma jistax jitlob jeddijiet. *Sostitwit: XVIII.2004.73.*

638. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 631, 632, 633 u 635 ma jgħoddux fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk, fiż-żmien tal-mewt tar-raġel jew tal-mara, dawn ikunu mifruda b'sentenza tal-qorti ċivili kompetenti, u min jibqa' ħaj minnhom ikun, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 52, tilef il-jeddijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli;

(*b*) jekk min imut l-ewwel mir-raġel u l-mara jkun, bit-testment tiegħu, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 623(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*), jew

għal raġunijiet ta' adulterju, espressament tellef lill-parti li tibqa' ħajja l-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631 sa 633 u 635 u r-raġuni, jew jekk ikunu msemmija iżjed raġunijiet, xi waħda minnhom, tiġi ppruvata;

(*ċ*) jekk, f'min jibqa' ħaj mir-raġel u l-mara, ikun hemm xi waħda mir-raġunijiet li minħabba fihom dak ir-raġel jew dik il-mara, skont l-artikolu 605, ma jkunux kapaċi li jirċievu b'testment.

Applikazzjoni tal-artikoli 633 u 635 f'każijiet ta' separazzjoni personali u divorzju. *Sostitwit: XVIII.2004.73; A.L. 218 tal-2012.*

639. Il-jeddijiet imsemmijin fl-artikolu 633 u fl-artikolu 635 jgħoddu wkoll f'każijiet fejn:

(*a*) il-miżżewġin kienu personalment mifrudin u min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom ikollu, jew skont l-artikolu 55A jew skont kuntratt pubbliku ta' separazzjoni bonarja, il-jedd li joqgħod fid-dar taż-żwieġ; jew

(*b*) il-persuna li mietet kienet divorzjata u l-konjuġi ta' qabel tiegħu jew tagħha kellha jew kellu, fiż-żmien meta mietet dik il-persuna, il-jedd li toqgħod jew joqgħod fid-dar taż-żwieġ bis-saħħa tal-applikabilità tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66(5) u l-artikolu 55A.

640. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

641. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

642. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

643. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

644. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

645. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

646. *Imħassar: XVIII.2004.73.*

FUQ IR-RIDUZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TA' TESTMENT LI JAQBŻU S-SEHEM LI T-TESTATUR SETA' JIDDISPONI MINNU

Dak li jitħalla mit-testatur jista' jitnaqqas meta jaqbeż is-sehem li hu seta' jagħmel minnu.

647. Id-dispożizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż-żmien tal-ftuh tas-suċċessjoni, iżda dan kemm-il darba t-talba tiġi magħmula fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845.

Kif isir it-tnaqqis. *Emendat: XVIII.2004.74.*

648. Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:

(*a*) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;

(*b*) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;

(*ċ*) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639.

Il-ħaġa mogħtija b'donazzjoni li tispiċċa qabel il-mewt tad-donatur ma tidħolx fil-ġabra tal-beni.

649. *Imħassar: XVIII.2004.75.*

Meta l-valur tad-donazzjoni huwa iżjed jew daqs is-sehem li t-testatur seta' jiddisponi minnu.

650. Meta l-valur tad-donazzjonijiet jaqbeż is-sehem jew hu daqs is-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, id-dispożizzjonijiet kollha tat-testment jibqgħu mingħajr effett.

Tnaqqis *pro rata.*

651. Kemm-il darba d-dispożizzjonijiet b'testment ikunu jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, jew il-biċċa ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqatal-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir *pro rata*, mingħajr ebda għażla bejn werrieta u legatarji.

Dikjarazzjoni tat-testatur li dispożizzjoni għandu jkollha effett bi preferenza fuq l-oħrajn.

652. Iżda, kull meta t-testatur ikun iddikjara espressament li l-volontà tiegħu hija illi xi dispożizzjoni għandu jkollha effett bi preferenza fuq l-oħrajn, din il-preferenza għandha sseħħ, u kull dispożizzjoni bħal din ma tiġix imnaqqsa ħlief f'daqs kemm il-valur tal-ħwejjeġ imdaħħlin fid-dispożizzjonijiet l-oħra ma jkunx bizżejjed biex ilaħħaq is-sehem mogħti mil-liġi.

Firda tal-legat suġġett għat-tnaqqis.

653. (1) Meta l-legat suġġett għat-tnaqqis ikun ta' ħaġa li minnha l-biċċa li taqbeż is-sehem li minnu t-testatur seta' jagħmel tista' tinfired bla xkiel u bla ħsara, it-tnaqqis isir bil-mezz ta' din il-firda.

(2) Iżda, kemm-il darba din il-firda ma tkunx tista' ssir mingħajr xkiel u ħsara, il-legatarju jista', jekk irid, iħallas bi flus dak li jkun imissu jagħti lill-parti li tkun qiegħda titlob it-tnaqqis.

---

§ IV.FUQ IL-FORMA TAT-TESTMENTI

FUQ IT-TESTMENTI ORDINARJI

It-testment hu pubbliku jew sigriet.

654. It-testment jista' jkun pubbliku jew sigriet.

Forma ta' testment pubbliku.

655. (1) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, it-testment pubbliku għandu jirċevih u jippubblikah nutar, quddiem żewġ xhieda, bħal kull att nutarili ieħor, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili ukoll għal dik li hi l-firma tat-testatur, skont jekk dan jkunx jaf u jistax jikteb, jew le.

Kap. 55.

(2) Il-firma tax-xhieda hi dejjem meħtieġa, ikun kemm ikun il-valur tal-ħaġa li wieħed jiddisponi minnha bit-testment.

Forma ta' testment sigriet. *Emendat: XVIII.2004.76.*

656. (1) It-testment sigriet jista' jiġi stampat, magħmul bit-*typewriter* jew miktub bil-linka sew mit-testatur innifsu jew minn terza persuna.

(2) Meta l-testatur jaf u jista' jikteb, it-testment għandu, fil-każijiet kollha, ikun iffirmat minnu fit-tmiem tiegħu.

(3) Jekk it-testatur ma jkunx jaf jew ma jkunx jista' jikteb, tgħodd id-dispożizzjoni tal-artikolu 663.

Il-karta li ġewwa fiha jkun it-testment sigriet għandha tkun magħluqa u ssiġillata.

657. (1) Il-karta li fuqha jkun miktub it-testment sigriet, jew dik li jkun ġewwa fiha, għandha tiġi magħluqa u ssiġillata.

(2) It-testatur għandu, meta jikkunsinnnha, jiddikjara li dik il-karta fiha t-testment tiegħu.

Kunsinna ta' testmenti sigrieti.

658. (1) It-testment sigriet għandu jiġi kkunsinnat mit-testatur f'idejn nutar, jew, quddiem l-imħallef jew maġistrat li joqgħod fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, f'idejn ir-reġistratur ta' din il-qorti.

(2) It-testment jitqies li ġie magħmul fil-ġurnata li fiha jiġi hekk ikkunsinnat.

Dmirijiet tan-nutar li jirċievi testment sigriet.

659. (1) In-nutar li jirċievi testment sigriet għandu jikteb l-att tal-kunsinna, u jniżżel fih id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 657, fuq l-istess karta li fuqha jkun miktub it-testment, jew fuq dik li jkun ġewwa fiha.

(2) L-att tal-kunsinna għandu jkun iffirmat mit-testatur, mix-xhieda, u min-nutar.

(3) Jekk it-testatur jiddikjara li ma jafx jew li ma jistax jikteb, in-nutar għandu jniżżel tifkira ta' din id-dikjarazzjoni fl-aħħar tal-att, u din it-tifkira tgħodd flok il-firma.

Preżentata ta' testment sigriet min-nutar lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja. Kap. 12.

660. In-nutar li jkun irċieva testment sigriet għandu, fi żmien erbat ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar tal-kunsinna, jippreżentah lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja biex jiġi merfugħ mir-reġistratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Pieni li jingħataw lin-nutar li jikser l-artikolu 660. *Emendat: A.L. 46 tal-1965; LVIII.1974.68; XVIII.2004.77; A.L. 407 tal-2007. A.L. 212 tal-2023.*

661. (1) In-nutar li jikser id-dispożizzjoni tal-aħħar artikolu qabel dan jiġi, b'azzjoni ċivili, fuq talba tal-Avukat tal-Istat, ikkundannat għall-interdizzjoni mill-professjoni tiegħu għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) u lanqas iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37).

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jħassrux id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, meta l-fatti jkunu jagħmlu reat taħt dak il-Kodiċi.

Kap. 9.

In-nota ta' partikolaritajiet meħtieġa mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tgħodd flok l-att tal-kunsinna. *Emendat: XVIII.2004.78.* Kap. 12.

662. Meta testment sigriet jiġi ppreżentat mill-ewwel lill-qorti, in-nota tal-partikolaritajiet meħtieġa mill-artikolu 529 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tgħodd flok l-att tal-kunsinna.

Testmenti sigriet ta' nies li ma jafux jaqraw u jiktbu.

663. Dawk li ma jafux jew ma jistgħux jaqraw u jiktbu, ma jistgħu jagħmlu ebda dispożizzjoni b'testment sigriet mingħajr l-għajnuna ta' mħallef jew maġistrat.

Dmirijiet tal-imħallef jew maġistrat li jassisti persuna li ma tafx taqra u tikteb.

664. L-imħallef jew maġistrat li jiġi mitlub biex jagħti l-għajnuna tiegħu taħt l-aħħar artikolu qabel dan, għandu jaqra u jfisser lit-testatur dak li jkun fiha l-karta li t-testatur jiddikjara li hija t-testment tiegħu, u għandu jagħmel, fit-tarf tagħha, dikjarazzjoni li qeda dak id-dmir tiegħu, u li żgura ruħu li dak li fiha l-karta huwa skont il-volontà tat-testatur. L-imħallef jew maġistrat għandu jagħmel f'din id-dikjarazzjoni d-data u l-firma tiegħu.

Proċedura li għandha tiġi mħarsa minn imħallef jew maġistrat li jassisti persuna li ma tafx taqra u tikteb.

665. (1) L-imħallef jew maġistrat hawn fuq imsemmi għandu, wara li t-testment jiġi magħluq u ssiġillat kif imiss, jikteb fuq l-istess karta li fuqha jkun miktub it-testment, jew fuq dik li ġewwa fiha jkun it-testment, dikjarazzjoni fis-sens li dik il-karta fiha t-testment tal-persuna li tkun għamlitu, u taħt din id-dikjarazzjoni għandu jagħmel il-firma tiegħu.

(2) B'din id-dikjarazzjoni ma jiġix iddispensat l-att tal-kunsinna msemmi fl-artikolu 659 jew in-nota tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 662.

Imħallef jew maġistrat li jkun jinsab għal ftit żmien f'Malta jew f'Għawdex jista' jassisti persuna li ma tafx taqra u tikteb. *Emendat: IX.2004.14.*

666. It-testatur li ma jafx jew ma jistax jaqra u jikteb, jista' jitlob l-għajnuna ta' kull imħallef jew maġistrat li jkun jinsab, imqar jekk għal xi żmien biss, fil-gżira jew fil-lok illi fih tiġi mitluba l-għajnuna tiegħu, ukoll jekk ikun l-imħallef jew maġistrat tal-qorti kompetenti, li fiha t-testment għandu jitqiegħed.

Dak li jkun fih it-testment għandu jinżamm sigriet.

667. L-imħallef jew maġistrat li jkun ta l-għajnuna tiegħu, skont l-aħħar erba' artikoli qabel dan, għandu jżomm is-sigriet dwar dak li jkun fih it-testment.

Testment sigriet minn trux-u-mutu.

668. (1) It-trux-u-mutu, u l-mutu biss, sew mit-twelid jew le, jistgħu, kemm-il darba jkunu jafu jiktbu, jagħmlu testment sigriet, basta li t-testment ikun miktub kollu mit-testatur u ffirmat minnu, u li l-istess testatur, quddiem il-qorti jew quddiem in-nutar, skont lil min minnhom jikkunsinna dak it-testment, u quddiem ix-xhieda tal-kunsinna, jikteb fuq il-karta li jippreżenta, illi f'dik il-karta hemm it-testment tiegħu.

(2) In-nutar fl-att tal-kunsinna, jew, skont il-każ, ir-reġistratur, fin-nota tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 662 għandu ifisser illi t-testatur kiteb id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), quddiem in-nutar u x-xhieda, jew quddiem il-qorti.

Testment sigriet minn persuna truxa għal kollox.

669. (1) Jekk persuna li hija truxa għal kollox, iżda taf taqra, tkun trid tagħmel testment pubbliku, għandha taqra dak it-testment hija stess quddiem in-nutar u x-xhieda, u n-nutar għandu, qabel ma t-testment jiġi ffirmat minnu u mix-xhieda, jikteb, fl-aħħar tat-testment, dikjarazzjoni fis-sens li t-testment ġie hekk moqri mit-testatur.

(2) Iżda, jekk dan it-trux ma jkunx jaf jaqra, għandu huwa stess ifisser il-volontà tiegħu quddiem in-nutar u x-xhieda, u n-nutar għandu, qabel ma t-testment jiġi ffirmat minnu u mix-xhieda, jikteb, fl-aħħar tat-testment, dikjarazzjoni fis-sens illi t-testment huwa skont il-volontà bħal ma ġiet imfissra mit-testatur.

Persuni inkapaċi bħala xhieda fit-testmenti pubbliċi.

670. Fit-testmenti pubbliċi ma jistgħux jagħmlu ta' xhieda, il-werrieta, il-legatarji, jew dawk li jiġu minnhom mid-demm jew bi żwieġ sal-grad ta'ziju jew ta' neputi, inklużivament.

It-testatur jista' jieħu lura t-testment sigriet

671. It-testatur jista, f'kull żmien, jieħu lura t-testment sigriet tiegħu mingħand in-nutar li f'idejh ikun tah, kemm-il darba jkun għadu f'idejn dan in-nutar, jew mir-reġisiru fejn ikun qiegħdu.

Nullità ta' testment.

672. In-nuqqas ta' tħaris tal-formalitajiet imsemmjin fl-artikoli 655, 656, 657, 658, 659, 663, 668, 669 u 670, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 673 sas-682 inklużivament dwar it-testmenti privileġġati, jagħmel it-testment null.

FUQ IT-TESTMENTI PRIVILEĠĠJATI

Testmenti magħmula f'postijiet fejn ikunu maqtugħa l-komunikazzjonijiet.

673. (1) Fil-postijiet li magħhom ikunu maqtugħa l-komunikazzjonijiet b'ordni tal-awtorità pubblika, it-testment jista' jiġi riċevut bil-miktub, quddiem żewġ xhieda, minn imħallef, maġistrat, jew nutar, jew mill-kappillan jew qassis ieħor b'ordni sagri.

(2) Dak it-testment għandu jkun dejjem, taħt piena ta' nullità, iffirmat minn min jirċevih.

(3) Dak it-testment għandu jkun ukoll, taħt piena ta' nullità, iffirmat, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu jagħtu li jsir dan, mit-testatur u mix-xhieda. Jekk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jagħtu li ssir il-firma tat-testatur u tax-xhieda, għandha, taħt piena ta' nullità, tingħad fit-testment ir-raġuni li għaliha dawk il-firem jonqsu.

(4) F'testment bħal dak, ix-xhieda jistgħu jkunu sew irġiel kemm nisa, basta li jkollhom aktar minn tmintax-il sena.

Meta dawn it-testmenti jsiru nulli.

674. Dawn it-testmenti jsiru nulli xahrejn wara li l-komunikazzjonijiet mal-post li fih it-testatur ikun jinsab, ikunu reġgħu ġew miftuħa, jew minn dak in-nhar li t-testatur ikun mar joqgħod f'post li miegħu l-komunikazzjonijiet ma jkunux maqtugħa, kemm-il darba t-testatur ikun għadu ħaj wara li jagħlaq dak iż-żmien.

Il-persuna li tirċievi dawn it-testmenti għandha tqiegħdhom fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

675. (1) It-testment magħmul kif jingħad fl-artikoli ta' qabel dan għandu, fi żmien xahar minn dak in-nhar li jkunu reġgħu ġew miftuħa l-komunikazzjonijiet, jiġi mqiegħed mill-persuna li tkun irċevietu fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tal-għira fejn ikun ġie rċevut, kemm-il darba dan it-testment, qabel ma jagħlaq dak iż-żmien, ma jkunx ġie meħud lura mit-testatur.

(2) Min jonqos mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jeħel bi proċedura skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661, il-pieni msemmija f'dak l-artikolu, sa fejn dawk il-pieni jistgħu jgħoddu għalih.

Testmenti magħmulin fuq il-baħar. *Emendat: XVIII.2004.79.*

676. (1) It-testmenti magħmulin fuq il-baħar, abbord ta' bastimenti reġistrati f'Malta, jistgħu jiġu riċevuti bil-miktub, mill-kaptan jew minn dak li jagħmel f'loku.

(2) It-testment tal-kaptan jista' jiġi riċevut minn dak li, fl-assenza tal-kaptan, ikollu l-kmand tal-bastiment.

(3) F'kull każ, it-testment għandu jiġi riċevut f'żewġ oriġinali, u quddiem żewġ xhieda, li jkunu għalqu l-età ta' tmintax-il sena.

(4) In-nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija jagħmel it-testment null.

Il-persuni li minnhom dawn it-testmenti għandhom ikunu iffirmati.

677. (1) It-testment imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan għandu jkun iffirmat mit-testatur, mill-persuna li tirċevih, u mix-xhieda.

(2) Jekk it-testatur jew ix-xhieda ma jkunux jafu jew ma jkunux jistgħu jiktbu, fit-testment għandha tingħad ir-raġuni li minħabba fiha ma sarux dawk il-firem.

(3) In-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jagħmel it-testment null.

Notament ta' dan it-testment fil-ġurnal u fir-roll tal-ekwipaġġ. *Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

678. Il-kaptan, jew dak li jżomm il-ġurnal ta' abbord u l-karti tal-bastiment għandu, taħt piena ta' multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), li għall-ħlas tagħha jitmexxa b'azzjoni ċivili skont l-artikolu 661, jagħmel u jiffirma notament dwar it-testment li jkun ġie riċevut, sew fil-ġurnal kemm ukoll fir-roll tal-ekwipaġġ.

Dmirijiet tal-kaptan, eċċ., meta jasal Malta li jippreżenta t-testment fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja. *Emendat: XXXI.1965.21; IX.1971.3; LVIII.1974.68; A.L. 148 tal-1975; XVII.1991.81; IX.2004.14; XV.2009.49.*

679. (1) Jekk, wara li jiġi riċevut it-testment, il-bastiment jerga' jidħol fil-port ta' Malta, il-kaptan, jew dak illi jkollu f'idejh it-testment, għandu, fi żmien tmint ijiem tax-xogħol, jippreżentah fil-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, kemm-il darba dan it-testment ma jkunx ġie meħud lura mit-testatur qabel ma jkun għalaq dak iż-żmien.

Jekk il-bastiment jidħlol f'port barra minn Malta.

(2) Jekk il-bastiment jidħol f'port barra minn Malta, il-kaptan, jew dak li jkollu f'idejh it-testment, għandu jqiegħed wieħed mill-oriġinali għand ir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta f'dak il-port jew għand persuna li tkun isservi fis-

servizz diplomatiku, konsulari jew servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li, b'arrangament mal-Gvern ta' Malta, ikun assuma li jirrappreżenta l-interessi ta' dak il-Gvern f'dak il-port jew għand persuna awtorizzata għal hekk mill-President ta' Malta, jew fl-assenza ta' dawn il-persuni, għand xi persuna ta' fiduċja li tkun ċittadin ta' Malta jew ċittadin ieħor tal-*Commonwealth*, u għandu mill-aktar fis li jista', jibgħat l-oriġinal l-ieħor lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta f'Malta, illi għandha, fi żmien tmint ijiem, tippreżentah lill-qorti fuq imsemmija.

(3) Kull min jikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jiġi, bi proċedura skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661, ikkundannat għall-interdizzjoni mill-kariga jew professjoni tiegħu għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal waħda jew oħra mill-pieni l-oħra msemmijin f'dak l-artikolu.

Testment magħmul fuq il-baħar jiswa biss jekk it-testatur imut fuq il-baħar.

680. It-testment magħmul fuq il-baħar fil-forma msemmija fl-artikoli 676 u ta' warajh, jiswa biss meta testatur imut fuq il-baħar jew matul xahrejn wara li jkun niżel f'post fejn ikun seta' mill-ġdid jagħmel testment ieħor fil-forma ordinarja.

Nullità ta' dispożizzjonijiet magħmulin favur ta' persuna li tirċievi testment, eċċ.
Emendat: XXIII.2017.70.

681. (1) Kull dispożizzjoni ta' testment magħmula favur il-persuna li tirċievi testment minn dawk imsemmijin fl-artikoli 673 u ta' warajh, jew favur ix-xhieda, inkella, fil-każ ta' testment magħmul fuq il-baħar, favur wieħed jew ieħor min-nies tal-ekwipaġġ, ma tiswiex.

(2) Lanqas ma tiswa kull dispożizzjoni magħmula favur kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, l-iben jew dixxendent ieħor, jew favur kwalunkwe wieħed mill-konjuġi ta' xi waħda mill-persuni msemmijn fis-subartikolu (1).

Effett ta' testmenti magħmulin barra minn Malta.

682. (*Mħassar bl-Att* XVI.2015.4.).

---

§ V.FUQ L-ISTITUZZJONI TA' WERRIETA, IL-LEGATI U L-JEDD TA' AKKREXXIMENT

Fuq L-Istituzzjoni Tal-werriet U Fuq Il-legat

L-istituzzjoni tal-werriet, eċċ.

683. Kull dispożizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taħt l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taħt l-isem ta' legat, kemm ukoll taħt kull isem ieħor, għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa, u ma tkunx kuntrarja għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.

Jekk it-testatur jiddisponi minn biċċa biss tal-wirt.

684. (1) Jekk it-testatur ikun iddispona minn biċċa biss tal-wirt, il-bqija tal-beni tgħaddi lill-werrieta leġittimi, skont l-ordni stabbilit għas-suċċessjoni *ab intestato*.

(2) L-istess regola tgħodd jekk it-testatur ikun ħalla biss legati partikolari.

Meta r-raġuni li waħidha tkun ġieġħlet lit-testatur jagħmel id-dispożizzjoni tkun falza.

685. (1) Kull dispożizzjoni ta' testment ibbażata fuq raġuni li waħidha tkun ġieġħlet lit-testatur jagħmilha, u li tkun falza, m'għandha ebda effett.

(2) Jekk it-testatur isemmi raġuni, iżda ma jkunx jidher mit-testment li dik ir-raġuni kienet hija waħidha li ġegħlitu, id-dispożizzjoni tat-testment, ukoll jekk dik ir-raġuni tinsab falza, għandha effett, kemm-il darba ma jiġix ippruvat illi t-testatur kien imġieġħel biss mir-raġuni.

FUQ IL-PERSUNI U L-ĦWEJJEĠ LI HUMA L-OĠĠETT TA' DISPOŻIZZIONI

Testmenti magħmulin *per relationem ad schedulam* huma nulli.

686. Kull dispożizzjoni ta' testment magħmula, bħal ma soltu jingħad, b'*nuncupazione implicita* inkella *per relatiotionem ad schedulam*, ma tiswiex.

Dispożizzjonijiet magħmula favur persuni inċerti.

687. Kull dispożizzjoni ta' testment magħmula favur persuna inċerta, b'mod li lanqas ma tista' ssir ċerta bis-saħħa ta' xi ġrajja msemmija fit-testment, hija wkoll nulla.

Dispożizzjoni favur persuni jew korpi morali li għandhom jiġu indikati mill-werriet jew terza persuna.

688. (1) Kull dispożizzjoni ta' testment magħmula favur persuna inċerta li għandha tiġi indikata mill-werriet jew minn terza persuna, hija wkoll nulla.

(2) Iżda, tista' ssir dispożizzjoni b'titolu partikolari favur ta' persuna li għandha tiġi magħżula mill-werriet jew minn terza persuna minn bejn żewġ persuni jew iżjed imsemmijin mit-testatur, jew minn fost familji jew korpi morali, imsemmijin minnu.

(3) Tista' wkoll issir dispożizzjoni b'titolu partikolari favur ta' korp morali li għandu jiġi magħżul mill-werriet, jew minn terza persuna, minn bejn żewġ korpi morali jew iżjed imsemmijin mit-testatur.

Dispożizzjoni favur l-eqreb qraba.

689. Dispożizzjoni ta' testment magħmula favur l-eqreb qraba ta' persuna, mingħajr ebda tifsir ieħor, titqies magħmula favur dawk li huma mil-liġi msejħa għas-suċċessjoni *ab intestato* ta' dik il-persuna.

Dispożizzjoni favur il-fqar.

690. Dispożizzjoni magħmula b'mod ġenerali favur il-fqar, titqies magħmula lill-fqar tal-gżira li fiha t-testatur kien joqgħod fi żmien il-mewt tiegħu.

Dispożizzjoni għal ruħ it-testatur.

691. Kull dispożizzjoni magħmula b'mod ġenerali għar-ruħ tat-testatur, jew ta' persuna oħra, mingħajr ma tingħad l-opra tajba li għandha ssir, m'għandha ebda effett.

Ma tistax issir il-prova li l-kliem tat-testment huwa kuntrarju għall-volontà tat-testatur.

692. (1) Ebda prova ma tista' ssir biex turi li l-istituzzjoni jew il-legat, magħmula favur ta' persuna jew korp morali, jew għal xi opra msemmija fit-testment, mhumiex hekk ħlief fid-dehra, u li fil-fatt dik l-istituzzjoni jew dak il-legat huma magħmula favur ta' persuna jew korp morali jew opra mhux imsemmija fit-testment, lanqas jekk fit-testment ikun hemm xi kliem li juri jew li minnu wieħed jista' jifhem li l-volontà tat-testatur kienet dik.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux meta l-

istituzzjoni jew il-legat jiġu attakkati bħala li saru favur ta' persuna inkapaċi b'persuna interposta.

Dispożizzjoni fiduċjarja.

693. Kull dispożizzjoni ta' testment li biha, ukoll jekk somma ta' flus jew xi ħaġ'oħra determinata, tiġi mħollija lil xi persuna msemmija fit-testment sabiex din tagħmel biha dak li t-testatur ikun stqarr li fdalha bil-mistur, ma tiswiex, lanqas jekk dik il-persuna tkun trid tipprova illi dik id-dispożizzjoni hija favur ta' nies kapaċi skont l-liġi li jirċievu b'testment, jew għal ħwejjeġ xierqa.

Indikazzjoni ħażina tal-werriet, tal-legatarju jew tal-ħaġa mħollija fit-testment.

694. (1) Jekk il-persuna tal-werriet jew tal-legatarju hija indikata ħażin, id-dispożizzjoni għandha effett, kemm-il darba wieħed ikun xort'oħra żgur liema persuna t-testatur ried jaħtar.

(2) Din ir-regola tgħodd ukoll fil-każ li jkun hemm żball fit-tismija jew fit-tifsir tal-ħaġa mħollija b'legat, meta wieħed ikun xort'oħra żgur liema ħaġa t-testatur ried iħalli.

Dispożizzjoni mħollija għal kollox fis-setgħa tal-werriet.

695. Ma tiswiex dispożizzjoni ta' testment li tħalli għal kollox fis-setgħa tal-werriet jew ta' terza persuna li jistabbilixxu kemm għandu jkun il-legat, ħlief fil-każ ta' legati mħollijin b'titolu ta' ħlas għal servizzi magħmulin lit-testatur fl-aħħar marda tiegħu.

Legat ta' ħwejjeġ ħaddieħor.

696. (1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.

(2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.

Meta l-ħaġa hija tal-werriet jew tal-legatarju.

697. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll jekk il-ħaġa mħollija b'legat tkun tal-werriet, jew tal-legatarju inkarigat fit-testment biex jagħtiha lil terza persuna.

Jekk biċċa biss tal-ħaġa mħollija hija tat-testatur.

698. Jekk it-testatur ikollu biċċa mill-ħaġa mħollija b'legat, jew jedd fuq dik il-ħaġa, il-legat jiswa biss għal dik il-biċċa jew għal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa ma kinitx tiegħu kollha.

Legat ta' ħaġa mhux determinata.

699. Il-legat ta' ħaġa mobbli mhux determinata, li taqa' taħt ġens jew speċi, huwa validu għad li ebda ħaġa ta' dak il-ġens jew ta' dik l-ispeċi ma jkun hemm fost il-ġid tat-testatur fi żmien it-testment, jew ma jinsab li hemm fi żmien il-mewt tiegħu.

Jekk il-ħaġa mħollija ma tinsabx fil-ġid tat-testatur.

700. (1) Meta t-testatur iħalli bħala tiegħu nnifsu ħaġa partikolari, jew ħaġa li tkun ta' ċertu ġens jew ta' ċerta speċi, il-legat ma jkollux effett, jekk il-ħaġa ma tkunx tinsab fil-ġid tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu.

(2) Jekk il-ħaġa tkun tinsab fil-ġid tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, iżda mhux fil-kwantità msemmija fit-testment, il-legat ikollu effett għall-kwantità li tinsab.

Legat ta' ħaġa jew kwantità li għandha tittieħed minn xi lok.

701. Il-legat ta' ħaġa jew ta' kwantità li għandha tittieħed minn ċertu lok, ikollu effett biss kemm-il darba l-ħaġa tkun tinsab f'dak il-lok; u, jekk biċċa biss tkun tinsab fil-lok imsemmi mit-testatur,

il-legat ikollu effett għal dik il-biċċa.

Legat ta' ħaġa li tkun tal-legatarju.

702. (1) Jekk il-ħaġa mħollija b'legat kienet ġa tal-legatarju fi żmien it-testment, dan il-legat ma jiswiex.

(2) Kemm-il darba l-legatarju jkun akkwista l-ħaġa mħollija b'legat f'xi żmien wara t-testment, jew mingħand it-testatur b'titolu oneruż jew mingħand ħaddieħor b'kull titolu li jkun, huwa jkollu jedd għal daqs kemm tkun tiswa l-ħaġa, kemm-il darba jkun hemm iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 696, bla ma jingħata qies tal-artikolu 743.

(3) Jekk il-legatarju jkun akkwista l-ħaġa mingħand it-testatur b'titolu gratuwitu, il-legat jingħadd bħala mħallas.

Legat ta' kreditu.

703. Il-legat ta' kreditu, jew ta' ħelsien minn dejn, m'għandux effett ħlief għal dik il-biċċa li tkun għad ma tħallsitx fi żmien il-mewt tat-testatur.

Legat ta' ħaġa jew ta' somma li tagħha hu debitur it-testatur lejn il-legatarju.

704. (1) Il-legat li jagħmel it-testatur ta' ħaġa jew somma determinata, bħala li hu debitur tagħha lejn il-legatarju, jiswa għad li l-ħaġa jew is-somma ma jkollhiex tingħata.

(2) Jekk it-testatur ikollu jagħti dik il-ħaġa jew somma, il-legatarju jakkwista azzjoni ġdida biex idaħħal il-ħaġa jew is-somma li jkollu jieħu, u, kemm-il darba, kieku kien xort'oħra, il-ħaġa jew is-somma ma kinitx tkun tista' tintalab lura ħlief wara li jagħlaq ċertu żmien jew wara li sseħħ il-kondizzjoni li minnha jiddependi l-ħlas, il-legatarju ma jkollux bżonn jistenna sakemm dak iż-żmien jagħlaq jew dik il-kondizzjoni sseħħ.

(3) Iżda, il-legat ma jkollux effett kemm-il darba t-testatur iħallas id-dejn f'kull żmien li jkun wara t-testment.

Legat lill-kreditur.

705. (1) Jekk it-testatur, mingħajr ma jsemmi d-dejn tiegħu, iħalli legat lill-kreditur tiegħu, dan il-legat ma jitqiesx magħmul bi ħlas tad-dejn lejn il-legatarju.

Legat lis-seftur.

(2) Il-legat imħolli lis-seftur ma jitqiesx magħmul bi ħlas ta' dak li huwa jkollu jieħu bħala salarju.

Fil-*legatum liberationis* jidħlu biss id-djun li jkun hemm fi żmien it-testment.

706. Meta legat ikun jikkonsisti fil-ħelsien tad-debitur mid-djun li jkollu jagħti lit-testatur, f'dan il-legat jitqiesu li jidħlu biss dawk id-djun li t-testatur kellu jieħu fiż-żmien tat-testment, u mhux djun oħra li jkunu ġew magħmula wara.

Legat ta' manteniment.

707. Fil-legat ta' manteniment jidħol l-ikel, l-ilbies, l-abitazzjoni, u ħwejjeġ oħra meħtieġa matul il-ħajja tal-legatarju; u tista' tidħol ukoll, skont iċ-ċirkostanzi, l-edukazzjoni tal-legatarju skont il-kondizzjoni tiegħu.

Legat ta' immobbli mkabbar b'akkwisti li jsiru wara.

708. Meta t-testatur li jkun ħalla b'legat il-proprjetà ta' immobbli, ikun kabbar dik il-proprjetà b'akkwisti oħra li jsiru wara, dawn l-akkwisti, għad li jkunu jmissu mal-fond imħolli b'legat, ma jitqisux li jagħmlu sehem mil-legat mingħajr ma ssir dispożizzjoni ġdida.

Prelegat lill-werriet.

709. It-testatur jista' jħalli prelegat lill-werriet tiegħu, u, f'dak il-każ, il-werriet, għal dan il-prelegat, jitqies bħala legatarju.

FUQ ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAĦT KONDIZZJONI JEW BI ŻMIEN

Id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu mingħajr kondizzjoni jew taħt kondizzjoni.

710. Kull dispożizzjoni, b'titolu universali jew partikolari, tista' ssir mingħajr ebda kondizzjoni jew taħt kondizzjoni.

Kondizzjoni impossibbli, eċċ.

711. (1) Il-kondizzjoni impossibbli, jew kuntrarja għal-liġi, jew għall-għemil xieraq, tagħmel ma tiswiex id-dispożizzjoni li fiha tkun magħmula.

(2) Il-kondizzjoni li ma tistax tiftiehem titqies bħala mhix miktuba.

Kondizzjoni li ma għandux isir żwieġ.

712. (1) Il-kondizzjoni li wieħed m'għandux jiżżewweġ jew li m'għandux jerga' jiżżewweġ titqies bħallikieku ma ġietx magħmula.

(2) Iżda, il-legatarju ta' użufrutt, ta' użu, jew ta' abitazzjoni, jew ta' pensjoni jew ħlas ieħor li għandu jingħata kull tant żmien, għall-każ u għaż-żmien li jibqa' għażeb (jew xebba), inkella armel (jew armla), ma jistax igawdi l-legat ħlief fiż-żmien li jibqa' għażeb (jew xebba), inkella armel (jew armla).

(3) Il-kondizzjoni ta' rmulija, f'dispożizzjoni ta' testment magħmula minn wieħed mill-miżżewġin favur l-ieħor, hija valida.

Kondizzjoni li l-werriet m'għandux jinqeda bil-benefiċċju tal-inventarju.

713. Il-kondizzjoni li tipprojbixxi lill-werriet li jinqeda bil-benefiċċju tal-inventarju titqies bħallikieku mhix miktuba.

Dispożizzjoni dwar il-jum li minnu għandha tibda jew tispiċċa l-istituzzjoni ta' werriet.

714. Jekk, f'dispożizzjoni ta' testment b'titolu universali, it-testatur isemmi l-ġurnata li fiha jew li minnha għandha tibda jew tispiċċa l-istituzzjoni ta' werriet, din il-ġurnata titqies bħallikieku mhix imsemmija.

Dispożizzjoni b'kondizzjoni ta'ġid imħallas b'ieħor.

715. Dispożizzjoni ta' testment, b'titolu universali jew partikolari, magħmula mit-testatur taħt kondizzjoni li bħala tpattija, il-werriet jew il-legatarju għandu jibbenefikah fit-testment tiegħu, hija nulla.

Dispożizzjoni li tiddependi minn ġrajja mhix żgura.

716. Kull dispożizzjoni f'testment magħmula taħt kondizzjoni li tkun tiddependi minn ġrajja mhix żgura, u li tkun tali li fil-ħsieb tat-testatur id-dispożizzjoni m'għandhiex tiswa ħlief fil-każ li dik il-ġrajja tiġri jew ma tiġrix, tibqa' bla effett, kemm-il darba l-persuna, li favur tagħha tkun ġiet magħmula, tmut qabel ma sseħħ il-kondizzjoni.

Kondizzjoni li tissospendi l-esekuzzjoni tad-dispożizzjoni.

717. Il-kondizzjoni li, fil-ħsieb tat-testatur, hija magħmula biss sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tad-dispożizzjoni tat-testment, ma timpedix lill-werriet jew lil-legatarju milli jkollu jedd miksub li jista' jgħaddi lill-werrieta tiegħu ukoll qabel ma tiġri l-kondizzjoni.

Meta l-werriet jew legatarju għandu jagħti garanzija għall-esekuzzjoni tal-kondizzjoni.

718. Jekk it-testatur ħalla l-wirt jew il-legat taħt l-obbligu li l-werriet jew il-legatarju m'għandux jagħmel jew jagħti xi ħaġa, il-werriet jew il-legatarju għandu jġib garanzija tajba għall-esekuzzjoni ta' dan l-obbligu, b'mezz ta' pleġġ jew ta' ipoteka jew ta' rahan, favur dawk li għalihom għandu jgħaddi l-wirt jew il-legat fin-nuqqas tal-esekuzzjoni ta' dak l-obbligu.

Persuna obbligata għall-kunsinna ta' legat taħt kondizzjoni għandha tagħti garanzija.

719. Hekk ukoll, jekk legat hu mħolli taħt kondizzjoni, jew biex jittieħed wara xi żmien, dak li jkun obbligat għall-ħlas tal-legat jista' jkun imġiegħel jagħti l-garanzija hawn fuq imsemmija favur il-legatarju.

Ħatra ta' amministratur f'xi każijiet.

720. (1) Jekk il-werriet ikun ġie istitwit taħt waħda mill-kondizzonijiet imsemmijin fl-artikolu 716, għandu jinħatar amministratur tal-wirt sakemm din il-kondizzjoni tiġri jew sakemm wieħed ikun żgur li ma tistax tiġri.

(2) Hekk ukoll għandu jinħatar amministratur meta l-werriet jew il-legatarju jonqos li jagħti l-garanzija msemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, kif ukoll fil-każ li l-werriet istitwit ikun iben immedjat, li għad mhux konċepit, ta' persuna li tkun ħajja fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, kif jingħad fl-artikolu 600.

(3) Dan l-amministratur ikollu l-istess setgħat u obbligi bħall-kuratur ta' wirt battal, bla ħsara ta' kull provvediment ieħor li, skont iċ-ċirkostanzi, il-qorti jidhrilha li għandha tagħti.

FUQ L-EFFETTI TAL-LEGATI U L-ĦLAS TAGĦHOM

Jedd li wieħed jirċievi legat pur u sempliċi, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-legatarju.

721. (1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista' jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.

(2) Il-legat magħmul taħt kondizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kondizzjoni.

Jedd tal-għażla meta l-legat hu ta' ħaġa mhix determinata.

722. (1) Jekk il-ħaġa mħollija legat ma tkunx determinata, imma tkun taqa' taħt xi ġens jew xi speċi ta' ħwejjeġ, il-jedd tal-għażla jmiss lill-werriet, illi mhux obbligat jagħti ħaġa tal-aħjar kwalità, iżda lanqas ma jista' joffriha tal-agħar kwalità.

(2) Din ir-regola tgħodd ukoll jekk il-jedd tal-għażla jkun imħolli f'idejn terza persuna.

(3) Jekk din it-terza persuna ma tkunx trid tagħmel il-għażla, inkella ma tkunx, minħabba mewt jew impediment ieħor, tista' tagħmilha, din il-għażla ssir mill-qorti, fuq ir-regola miġjuba fis-subartikolu (1).

Meta l-għażla hija mħollija fil-legatarju.

723. Jekk il-jedd tal-għażla jkun imħolli f'idejn il-legatarju, dan jista' jagħżel l-aħjar ħaġa ta' dak il-gens jew ta' dik l-ispeċi li jkun hemm fil-wirt: iżda jekk fil-wirt ma jkun hemm ebda waħda, hu ma jistax jagħżel waħda tal-aħjar kwalità.

Jedd tal-għażla fil-legat alternattiv.

724. Fil-legat alternattiv il-jedd tal-għazla jitqies mogħti lill-werriet.

Meta l-jedd tal-għażla jgħaddi lill-werriet tal-werriet jew tal-legatarju.

725. (1) Jekk il-werriet jew il-legatarju, li lilu jkun imiss il-jedd tal-għażla, ma jkunx seta' jagħmel din il-għażla, dan il-jedd igħaddi lill-werriet tiegħu.

(2) Il-għażla, la darba ssir, ma tistax titreġġa' lura.

(3) Jekk mill-ħwejjeġ tal-ġens jew tal-ispeċi mħollija bil-legat ikun hemm imqar waħda biss fost l-assi tat-testatur, il-werriet jew il-legatarju li jkollu l-jedd tal-għażla ma jistax, ħlief fil-każ ta' dispożizzjoni espressa li tgħid il-kuntrarju, jagħżel ħaġ'oħra li ma tkunx fl-assi.

Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-kunsinna tal-ħaġa mħollija legat. *Emendat: XVIII.2004.80.*

726. (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.

(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.

Frottijiet jew imgħaxijiet tal-legat.

727. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dak in-nhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dak in-nhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu.

Meta l-imgħaxijiet jew il-frottijiet għandhom jitħallew minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur.

728. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew igħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;

(*b*) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

Legati ta' vitalizju jew pensjoni.

729. Jekk il-ħaġa imħollija legat tkun renta vitalizja jew pensjoni, dan il-vitalizju jew pensjoni jibdew għaddejja minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur.

Meta l-legat hu ta' kwantità determinata li għandha tiġi ikkunsinnata jew imħallsa fi żminijiet stabbiliti.

730. (1) Meta l-ħaġa mħollija legat tkun kwantità determinata li għandha tiġi kkunsinnata jew imħallsa fi żminijiet stabbiliti, bħallikieku kull sena, kull xahar, jew fi żmien ieħor, l-ewwel żmien jibda mill-mewt tat-testatur, u l-legatarju jakkwista l-jedd għall-kwantità kollha li jkollu jieħu f'kull wieħed miż-żminijiet, ukoll kemm-il darba jkun baqa' ħaj sal-bidu biss taż-żmien fuq imsemmi.

(2) Iżda l-legat, jekk ma jkunx imħolli b'titolu ta' manteniment, ma jistax jintalab ħlief wara li jagħlaq iż-żmien.

(3) Jekk il-legat ikun imħolli b'titolu ta' manteniment, jista' jintalab fil-bidu taż-żmien.

Il-ħaġa mħollija legat għandha tingħata bl-aċċessorji.

731. (1) Il-ħaġa mħollija legat titqies li ġiet imħollija, u għandha tiġi kkunsinnata, bl-aċċessorji meħtieġa tagħha, u fil-kondizzjoni li tkun tinsab dak in-nhar tal-mewt tat-testatur.

(2) Iżda titqies il-kuntrarju għal abbellimenti jew għal bini ġdid magħmul fil-fond imħolli legat, jew għal fond li t-testatur ikun kabbar ir-reċint tiegħu billi daħħal fih akkwisti ġodda.

Meta l-ħaġa mħollija legat hi mgħobbija b'jedd ta' użufrutt, eċċ.

732. (1) Jekk qabel it-testment, jew wara, il-ħaġa mħollija legat tkun ġiet imgħobbija b'użufrutt, b'renta, jew b'piż ieħor perpetwu jew temporanju, il-legatarju jeħodha bil-piż li jkun hemm fuqha.

(2) Jekk il-ħaġa mħollija legat tkun marbuta b'ipoteka għal djun oħra, dak li għandu jħallas il-legat hu fid-dmir li jagħmilha ħielsa, meta t-testatur ma jkunx ordna xort'oħra.

Spejjeż għall-kunsinna tal-legat.

733. L-ispejjeż meħtieġa għall-kunsinna jew ħlas tal-legat ibatihom il-wirt, meta dan jista' jsir bla ħsara tal-jeddijiet ta' dawk li għalihom il-liġi tirriżerva sehem tal-beni tal-wirt.

Min hu obbligat iħallas il-legat.

734. (1) Meta fost żewġ werrieta jew iżjed ebda wieħed minnhom ma jkun ġie partikolarment obbligat mit-testatur għall-ħlas tal-legat, il-werrieta kollha huma obbligati għall-ħlas tiegħu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu fil-wirt.

(2) Huma wkoll obbligati għall-ħlas tal-legat kollu, sal-valur ta' immobbli tal-wirt li jkollhom f'idejhom.

Meta wieħed mill-werrieta hu waħdu mgħobbi bid-dmir tal-ħlas tal-legat.

735. (1) Jekk wieħed mill-werrieta jkun hu waħdu mgħobbi bid-dmir tal-ħlas tal-legat, hu waħdu għandu l-obbligu ta' dan il-ħlas.

(2) Kemm-il darba l-ħaġa mħollija legat tkun ta' wieħed mill-werrieta, il-werrieta l-oħra huma obbligati, jekk ma jiġix ippruvat li l-volontà tat-testatur kienet oħra, jikkumpensawh tal-valur tagħha bi flus jew ħwejjeġ tal-wirt, kull wieħed skont is-sehem tiegħu fil-wirt, basta li dan il-legat ma jkunx null, kollu jew parti minnu, taħt l-artikoli 696, 697 u 698.

It-testatur jista' jiddikjara l-pensjoni jew l-użufrutt mhux suġġetti għal sekwestru.

736. (1) It-testatur jista', meta jħalli pensjoni jew użufrutt, jiddikjara li din il-pensjoni jew dan l-użufrutt ma jistgħux jinqabdu b'sekwestru, u wkoll li ma jistgħux jiġu ttrasferiti, kollha jew parti minnhom.

(2) Din id-dikjarazzjoni, jekk magħmula b'mod ġenerali, għandha wkoll effett jekk is-sekwestru jintalab, jew it-trasferiment ikun sejjer isir jew jintalab għal djun li l-legatarju jkun għamel wara li jkun beda jgawdi l-legat.

FUQ IL-JEDD TA' AKKREXXIMENT

Jedd ta' akkrexximent.

737. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 745 u tal-artikolu 866, meta żewġ persuni jew iżjed huma istitwiti jew imsejħin flimkien għall-wirt jew għal-legat, u xi waħda minnhom tmut qabel it-testatur, inkella ma tkunx kapaċi li tirċievi, jew tirrinunzja għall-wirt jew għal-legat, jew ma jkollhiex jedd għalih billi ma tkunx ġrat il-kondizzjoni li taħtha kienet hekk istitwita jew imsejħa, is-sehem ta' din il-persuna, bl-obbligi u l-piżijiet li jkun hemm miegħu, jiżdied ma' dak tal-werrieta jew legatarji l-oħra.

Meta l-istituzzjoni jew il-legat jitqiesu li ġew mħollija lill-werrieta jew legatarji flimkien, eċċ.

738. (1) L-istituzzjoni jew il-legat jitqiesu li ġew imħollija lill-werrieta jew legatarji flimkien, meta jiddependu mill-istess dispożizzjoni, u t-testatur ma jkunx qassam is-sehem ta' kull werriet jew legatarju fil-wirt jew fil-ħaġa mħollija legat.

(2) Jitqies li hemm tqassim tal-ishma, fil-każ biss li t-testatur ikun semma espressament liema għandu jkun is-sehem ta' kull wieħed. Il-kelmiet biss "f'partijiet indaqs" jew "f'ishma ndaqs" ma jneħħux il-jedd ta' akkrexximent.

Il-legat jitqies ukoll li ġie mħolli lil-legatarji flimkien meta l-ħaġa ma tistax tinqasam.

739. Il-legat jitqies ukoll li ġie mħolli lil-legatarji flimkien meta ħaġa, li ma tistax tinqasam mingħajr ħsara, tkun ġiet imħollija legat fl-istess testment lil żewġ persuni jew iżjed, ukoll jekk separatament.

Kull wieħed mill-werrieta jew mil-legatarji ma jistax jirrinunzja għas-sehem li jiżdied jekk ma jirrinunzjax għas-sehem li missu fil-bidu.

740. Meta hemm lok għall-jedd ta' akkrexximent, ebda wieħed mill-werrieta jew mil-legatarji ma jista', mingħajr ma jirrinunzja għal sehmu stess, jirrinunzja għas-sehem li jiżdied miegħu.

Jedd ta' sehem battal ta' wirt jew legat, meta ma hemmx lok għall-akkrexximent.

741. Meta ma hemmx lok għall-jedd ta' akkrexximent, is-sehem battal tal-wirt, bl-obbligi u l-piżijiet li jkun hemm miegħu, igħaddi għall-werrieta leġittimi tat-testatur, u s-sehem battal tal-legat, bl-obbligi u l-piżijiet li jkun hemm miegħu, jibqa', jekk xi wieħed mill-werrieta jew mil-legatarji jkun partikolarment obbligat għall-ħlas tal-legat, favur dak il-werriet jew legatarju, jew, jekk ikun hekk obbligat il-wirt, favur il-werrieta kollha, kull wieħed skont is-sehem tiegħu fil-wirt.

Użufrutt imħolli lil żewġ persuni jew iżed flimkien.

742. (1) Jekk jedd ta' użufrutt jiġi mħolli lil żewġ persuni jew iżjed flimkien, kif jingħad fl-artikoli 738 u 739, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 382, ukoll wara li jkun ġie aċċettat il-legat.

(2) Jekk l-użufrutt ma jkunx ġie imħolli lil dawn il-persuni flimkien, is-sehem battal jingħaqad mal-proprjetà.

FUQ IT-TĦASSIR TA' DISPOŻIZZJONIJIET TA' TESTMENT U FUQ ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' TESTMENT LI JIBQGĦU MINGĦAJR EFFETTI

It-trasferinient mit-testatur tal-ħaġa mħollija legat iġib it-tħassir tal-legat.

743. (1) Kull trasferiment li t-testatur jagħmel tal-ħaġa kollha mħollija legat jew ta' biċċa minnha, ukoll jekk b'bejgħ bil-jedd ta' rkupru, jew bi tpartit, iġib it-tħassir tal-legat dwar il-ħaġa ttrasferita, għalkemm dan it-trasferiment ikun null, jew fittizju, jew għalkemm il-ħaġa nfisha terġa' tidħol fil-pussess tat-testatur.

(2) Dan igħodd ukoll jekk it-testatur ibiddel il-ħaġa mħollija legat f'oħra b'mod li din titlef is-sura u l-isem li kellha qabel.

Jekk il-ħaġa mħollija legat tispiċċa.

744. (1) Il-legat m'għandux effett jekk il-ħaġa tispiċċa għal kollox f'għomor it-testatur.

(2) Din l-istess regola tgħodd ukoll jekk il-ħaġa tispiċċa wara l-mewt tat-testatur, mingħajr l-għemil jew il-ħtija tal-werriet, għad illi dan ikun ġie mqiegħed *in mora* għall-kunsinna, kemm-il darba l-ħaġa kienet xorta waħda tispiċċa li kieku kienet għand il-legatarju.

(3) Meta jiġu mħollija b'legat iżjed minn ħaġa waħda sabiex il-legatarju jieħu jew waħda jew oħra minnhom, il-legat jibqa' jseħħ għalkemm minn dawk il-ħwejjeġ ma tibqax ħlief waħda biss.

Effett ta' dispożizzjoni ta' testment jekk dak li favur tiegħu ssir imut qabel it-testatur.

745. (1) Dispożizzjoni ta' testment tibqa' mingħajr effett jekk il-persuna li favur tagħha tkun saret tmut qabel it-testatur.

(2) Iżda, id-dixxendenti tal-werriet jew tal-legatarju jidħlu minfloku fil-wirt jew fil-legat kull meta, kieku s-suċċessjoni kienet *ab intestato*, kien ikollhom il-jedd tar-rappreżentazzjoni, barra minn meta t-testatur ikun iddispona xort'oħra, jew il-legat ikun ta' użufrutt, użu, jew abitazzjoni, jew ta' jedd ieħor minnu nnifsu persunali.

Jekk il-werriet jew il-legatarju jirrinunzja għad-dispożizzjoni.

746. Id-dispożizzjoni ta' testment tibqa' bla effett għall-werriet jew legatarju li jirrinunzja għaliha, jew li ma jkunx kapaċi biex jirċeviha.

It-testatur jista' jipprovdi għall-eżistenza jew għat-twelid ta' tfal, eċċ. *Sostitwit: XVIII.2004.81.*

747. Testatur jista' fit-testment tiegħu jaħseb għall-eżistenza jew twelid wara ta' tfal jew dixxendenti, u f'dik id-dispożizzjoni jista', mingħajr preġudizzju għal kull jedd għal parti mis-sehem riżervat, jiddistingwi bejn dawk it-tfal jew dixxendenti bl-istess mod kif ikun jista' jiddistingwi skont il-liġi bejn tfal jew dixxendenti li jkun jaf bl-eżistenza tagħhom jew li jkunu mwielda diġà.

Meta tfal jew dixxendenti jitħallew barra. *Sostitwit: XVIII.2004.81.*

748. Meta ma jkunx ġie provdut kif imsemmi fl-artikolu 747 u t-testatur jiddisponi b'titolu universali jew partikolari u jħalli barra xi tfal jew dixxendenti, kemm jekk it-testatur kien jaf bl-eżistenza tagħhom jew le, u kemm jekk dawk it-tfal jew dixxendenti kienu twieldu fiż-żmien tal-għemil tad-dispożizzjonijiet jew le, dawk id-dispożizzjonijiet ikunu madankollu validi salv il-jedd tat-tfal jew dixxendenti hekk imħollija barra għas-sehem tagħhom mis-sehem riżervat li jistgħu jkollhom jedd għalih taħt dan il-Kodiċi.

Jedd tat-tfal imwiedla wara t-testment. *Emendat: XXI.1962.13.*

749. *Imħassar: XVIII.2004.81.*

Tħollija barra ta' tfal li t-testatur kien jaf bihom, ma twaqqax id-dispożizzjoni.

750. *Imħassar: XVIII.2004.81.*

---

§ VI. FUQ IS-SOSTITUZZJONI U L-FEDEKOMMESSI

Substitutio vulgaris.

751. (1) It-testatur jista' jissostitwixxi persuna oħra minflok il-werriet istitwit jew il-legatarju, fil-każ li l-werriet jew il-legatarju ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jaċċettaw il-wirt jew il-legat.

(2) Din id-dispożizzjoni tissejjaħ *substitutio vulgaris*.

Sostituzzjoni fil-każ ta' minuri, persuni b'diżordmi mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom jew imġienen. *Emendat: XXI.1962.14; XVIII.2004.82. Sostitwit: II.2012.16. Emendat: XXIII.2017.71.*

752. (1) Kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, l-axxendenti l-oħra, iz-zijiet irġiel u nisa, l-aħwa bniet u subien, jistgħu jissostitwixxu persuna oħra minflok wieħed minuri fil-każ li dan imut mingħajr tfal, qabel ma jagħlaq tmintax-il sena, iżda biss għal dawk il-beni li għalihom il-minuri jkun ġie istitwit werriet jew maħtur legatarju.

(2) Il-persuni hawn fuq imsemmija jistgħu wkoll jissostitwixxu terza persuna minflok persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, jew miġnun, fil-beni biss li jkunu ħallewlu, fil-każ li huwa jmut bid-diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, waqt li jkun għadu inkapaċi li jieħu ħsieb ħwejġu, jew miġnun, mingħajr tfal.

(3) F'kull sostituzzjoni msemmija f'dan l-artikolu, jekk issir minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri jew minn axxendent ieħor li mingħandu l-werriet istitwit jew il-legatarju għandu jedd għal parti mis-sehem riżervat, ma jistax jiġi mdaħħal ħlief is-sehem tal-beni, li minnu l-minuri, meta jsir tal-età, inkella l-miġnun jew il-persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, jekk fiż-żmien tal-mewt tiegħu jkun moħħu floku, jista' jiddisponi.

Sostituzzjoni ta' żewġ persuni jew iżed flok waħda, jew *vice versa*.

753. Jistgħu jiġu sostitwiti, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, żewġ persuni jew iżjed minflok persuna waħda, u persuna waħda minflok żewġ persuni jew iżjed.

Jekk fis-sostituzzjoni jkun imsemmi wieħed biss miż-żewġ każijiet.

754. Jekk fil-klawsola tas-sostituzzjoni jkun imsemmi wieħed biss miż-żewġ każijiet, jiġifieri, jew li l-werriet imsejjaħ fl-ewwel lok ma jkunx jista', jew li ma jkunx irid jaċċetta l-wirt jew il-legat, il-każ l-ieħor jitqies imdaħħal ukoll, kemm-il darba t-testatur ma jkunx fisser il-kuntrarju.

Esekuzzjoni tal-obbligi minn dawk li jiġu msejħin flok oħrajn.

755. (1) Is-sostitwiti għandhom jesegwixxu l-obbligi kollha li jkunu ġew imqegħdin fuq dawk li minflokhom huma jkunu daħlu, kemm-il darba ma jkunx jidher li t-testatur ried iqiegħed dawk il-piżijiet biss fuq dawk li ġew imsejħin l-ewwel.

(2) Madankollu, dawk l-obbligi li jkollhom x'jaqsmu speċjalment mal-persuna tal-werriet jew tal-legatarju, ma jitqisux imtennija fis-sostituzzjoni, meta dan ma jkunx ġie ddikjarat espressament.

Proporzjon ta' ishma f'każ ta' sostituzzjoni ta' wieħed ma' ieħor bejn il-werrieta jew legatarji, f'ishma mhux indaqs.

756. (1) Jekk bejn żewġ werrieta jew legatarji, inkella iżjed, f'ishma mhux daqs xulxin, tiġi ordnata sostituzzjoni ta' wieħed ma' ieħor, il-proporzjon tal-ishma stabbilita fid-dispożizzjoni tal-ewwel titqies imtennija wkoll fis-sostituzzjoni.

(2) Jekk fis-sostituzzjoni, flimkien mal-imsejħin l-ewwel, tkun imsejħa persuna oħra, is-sehem battal ikun imiss f'ishma ndaqs lis-sostitwiti kollha.

Projbizzjoni ta' fedekommessi.

757. (1) Il-fedekommessi huma pprojbiti:

Iżda l-fedekommessi magħmula qabel il-jum li fih bdiet isseħħ l-Ordinanza Nru. IV tal-1864, imħassra b'dan il-Kodiċi, jibqgħu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġi li kienet isseħħ qabel dak il-jum, kompriżi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, Ktieb IV tal Kodiċi Muniċipali ta' Malta, magħruf bħala Kodiċi De Rohan, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu I tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Kull obbligu magħmul lill-werriet jew lil-legatarju biex iżomm u jrodd il-wirt jew il-legat lil terza persuna jitqies bħallikieku mhux miktub.

Dispożizzjoni li tipprojbixxi lill-werriet jew legatarju li jittrasferrixxi jew li jiddisponi b'testment hija mingħajr effett. *Emendat: XVIII.2004.83.*

758. (1) Kull dispożizzjoni li tipprojbixxi lill-werriet jew lil-legatarju li jittrasferixxi jew li jiddisponi b'testment, titqies, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 736, bħallikieku ma ġietx miktuba.

(2) B'danakollu, jista' jitħalla l-użufrutt lil wieħed, u l-proprjetà nuda lil wieħed ieħor, iżda għandhom jitħarsu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 331.

(3) Ir-raġel u l-mara jistgħu wkoll iħallu wirt favur min jibqa' ħaj l-aħħar minnhom b'titolu universali jew b'titolu partikolari, u jissostitwixxu minfloku jew minflokha benefiċjarju ieħor fir-residwu li jkun għadu jeżisti fiż-żmien tal-mewt ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj l-aħħar. F'każ bħal dak min jibqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin ikun biss projbit milli jiddisponi minn xi ħaġa li tkun tinsab fid-dispożizzjoni, b'testment jew b'titolu ta' donazzjoni.

(4) Għall-fini ta' dan l-artikolu "residwu" tfisser u tinkludi biss:

(*a*) beni immobbli, kemm jekk immobbli minnhom infishom jew minħabba l-ħaġa li jkollhom x'jaqsmu magħha; u

(*b*) kull beni mobbli ċerti u determinati li jistgħu jiġu identifikati, eskluži flus likwidi u ħwejjeġ identifikati biss mill-ispeċi tagħhom.

(5) Azzjoni li tikkontesta xi dispożizzjoni magħmula minn min jibqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin b'kontravvenzjoni tas-subartikolu (3) tista' tiġi istitwita matul il-ħajja ta' min ikun baqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin, u tintilef għeluq ħames snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni ta' min jibqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin.

(6) Dispożizzjoni magħmula minn min jibqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin b'kontravvenzjoni tas-subartikolu (3) tkun, fil-każ ta' immobbli, nulla. Fil-każ ta' beni mobbli n-nullità tirriżulta biss jekk il-benefiċjarju jkun *in bona fide*. F'kull każ ieħor, azzjoni tista' ssir biss għal danni kontra min ikun baqa' ħaj l-aħħar mill-miżżewġin jew il-beni tiegħu jew tagħha.

Jekk użufrutt jitħalla lil wieħed u proprjetà lil wieħed ieħor.

759. Jekk l-użufrutt ta' ħaġa jitħalla lil wieħed u l-proprjetà tal-istess ħaġa lil wieħed ieħor, taħt il-kondizzjoni li dan tal-aħħar ikun ħaj fiż-żmien li jispiċċa l-użufrutt, tista' tiġi sostitwita terza persuna minflok dak li jkun imsejjaħ għall-proprjetà, fil-każ li ma sseħħx dik il-kondizzjoni.

Dispożizzjonijiet taħt kondizzjoni li ma jistgħux iseħħu qabel il-mewt tal-werriet jew legatarju.

760. Mhux ipprojbit li jiġu istitwiti werrieta, jew li jsiru legati, taħt kondizzjoni li ma tistax isseħħ ħlief fiż-żmien tal-mewt tal-werrieta jew tal-legatarji, u li jiġu sostitwiti oħrajn flokhom fil-każ li l-kondizzjoni ma sseħħx.

Meta jistgħu jiġu ordnati ħlasijiet ta' kull sena jew piżijiet oħra favur ta' żewġ persuni jew iżed, waħda wara l-oħra. *Emendat: XIII.2007.5.*

761. (1) Il-piż perpetwu jew temporanju magħmul sabiex l-użufrutt kollu tal-wirt jew tal-legat, inkella sehem minn dak l-użufrutt, jew ħlas ieħor ta' kull sena, jingħata lil żewġ persuni jew iżjed, waħda wara l-oħra, jitqies bħallikieku ma ġiex miktub.

(2) Iżda, jista' jiġi ordnat ħlas ta' kull sena biex bih isir, għal dejjem jew għal xi żmien, patrimonju sagru, jew biex jingħata bħala għajnuna lill-fqar, jew bħala premju għall-virtù jew għall-ħila, jew għal ħwejjeġ oħra ta' fejda pubblika, għalkemm fid-dispożizzjoni jkunu msejħin nies ta' ċerta klassi jew ċerti familji.

(3) Is-subartikolu (1) ma jkunx jgħodd għal dispożizzjonijiet fejn ikunu msejħin persuni li jkunu benefiċjarji taħt *trust* jew fondazzjoni.

---

§VII. Fuq l-esekuturi Testamentarji

Esekuturi maħtura mit-testatur.

762. It-testatur jista' jaħtar esekutur testamentarju wieħed jew iżjed.

Min jista' jkun esekutur.

763. Ma jistax ikun esekutur testamentarju min ma jistax jintrabat b'obbligazzjoni.

Il-minuri. *Emendat: XLVI.1973.58.*

764. Il-minuri ma jistax ikun esekutur testamentarju, lanqas bl-awtorizzazzjoni tal-ġenitur li jkollu s-setgħa fuqu, jew tat-tutur jew kuratur tiegħu.

L-esekutur ma jistax jindaħal fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma jiġi mwettaq.

765. L-esekutur testamentarju ma jistax jindaħal fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma jiġi mwettaq mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tal-gżira li fiha t-testatur kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu.

Obbligazzjoni tal-esekutur.

766. (1) Il-qorti ma twettaqx l-esekutur testamentarju qabel ma dan ikun obbliga ruħu fl-atti tal-qorti, b'ipoteka ta' ħwejġu imniżżla fir-Reġistru Pubbliku, li jesegwixxi sewwa l-volontà tat-testatur, u li jagħti kont tal-amministrazzjoni tiegħu kull sena, jew darba waħda biss, kif jiġi ordnat mill-qorti, skont il-każ.

(2) Il-qorti tista', fuq talba tal-esekutur, tillimita s-somma li għaliha ħwejġu għandhom jiġu ipotekati.

Inventarju.

767. Il-qorti tista', qabel ma twettaq l-esekutur, tordnalu jagħmel inventarju tal-ħwejjeġ li jkun inkarigat jamministra, inkella, nota ta' dawn il-ħwejjeġ imwettqa bil-ġurament tiegħu, kemm-il darba hu ma jkunx ġie meħlus milli jagħmel dak l-

inventarju jew dik in-nota mill-persuni li lilhom dawk il-ħwejjeġ kollha, jew biċċa minnhom, ikunu għaddew.

L-esekutur ma jistax jiġi meħlus mill-obbligu li jagħti kont.

768. Kull dispożizzjoni li għandha bi skop tagħha li teħles lill-esekutur testamentarju mill-obbligu li jagħti kont, ma tiswiex.

Setgħat tal-esekutur fi żmien il-proċeduri għat-twettiq.

769. L-esekutur jista', fi żmien il-proċedura għat-twettiq tiegħu jagħmel dawk l-atti li ma jistgħux mingħajr ħsara jiġu mdewma, u jista' jagħmel dak li hu meħtieġ sabiex l-assi jiġi kkonservat.

Ħlas tal-esekutur.

770. Il-qorti hawn fuq imsemmija tista', f'kull żmien, tiffissa lill-esekutur testamentarju dritt moderat, billi tieħu b'qies il-valur tal-assi li l-esekutur għandu jamministra, kemm-il darba t-testatur stess ma jkunx iddispona dwar dak id-dritt, jew l-esekutur stess ma jkunx irrinunzja għalih.

Setgħa tal-esekutur li jbiegħ proprjetà.

771. (1) L-esekutur testamentarju, sew biex iħallas id-djun tal-wirt jew biex iħallas il-legati, jista', jekk ma jkunx hemm flus fil-wirt, jew ma jkunx hemm biżżejjed, jiġbor krediti, u, fin-nuqqas ta' dawn, ibiegħ ħwejjeġ tal-wirt.

(2) Il-bejgħ għandu jsir bl-irkant pubbliku, jekk il-werrieta ma jagħtux il-kunsens tagħhom, jew il-qorti, fuq rikors tal-esekutur, ma tagħtix, li l-bejgħ isir xort'oħra.

Il-werriet jista' ma jħallix li jsir il-bejgħ.

772. Il-werriet jista' ma jħallix li jsir il-bejgħ billi jagħti l-mezzi għall-ħlas tad-djun u tal-legati.

Il-kariga ta' esekutur ma tgħaddix fil-werrieta tiegħu.

773. Il-kariga ta' esekutur testamentarju ma tgħaddix fil-werrieta tiegħu.

Is-setgħat tal-esekuturi meta huma tnejn jew iżed.

774. Meta t-testatur ikun ħatar żewġ esekuturi testamentarji jew iżjed, huma ma jistgħux jaġixxu jekk mhux flimkien, meta ma jkunx ġie mogħti lilhom mit-testatur li jistgħu jaġixxu wkoll kull wieħed għalih. F'dan l-aħħar każ kull wieħed minnhom iwieġeb għall-att tiegħu nnifsu biss.

Spejjeż magħmulin mill-esekutur għandhom jitħallsu mill-assi.

775. L-ispejjeż magħmulin mill-esekutur testamentarju fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu jitħallsu minn fuq il-wirt.

Wieħed jista' jitlaq minn esekutur.

776. (1) L-esekutur testamentarju jista', f'kull żmien, jitlaq l-esekutorija, għad li jkun ġa beda jaġixxi ta' esekutur.

(2) Hu jista' wkoll, għal raġuni tajba, jiġi mneħħi minn esekutur.

Setgħat tal-qorti fil-ħatra ta' żewġ esekuturi jew iżed.

777. (1) Jekk it-testatur ikun ħatar żewġ esekuturi jew iżjed, u wieħed jew iżjed minnhom ma jkunx irid jaċċetta l-inkarigu, jew jirrinunzja għalih, jew jiġi sospiż jew imneħħi, il-qorti hawn fuq imsemmija tista' twettaq lill-esekutur jew esekuturi li jibqgħu, u tagħtihom is-setgħa li jesegwixxu t-testment bħallikieku kienu ġew huma biss maħtura mit-testatur, iżda dan kemm-il darba l-qorti tkun tal-fehma li huma għandhom il-ħila meħtieġa.

(2) Dan igħodd ukoll f'każ ta' mewt, assenza, jew mard, ta' wieħed jew iżjed mill-esekuturi.

F ’każ ta’ mewt, eċċ., ta’ esekutur maħtur waħdu jew tal-esekuturi maħtura kollha.

778. F’każ ta’ mewt, assenza, rinunzja, jew mard tal-esekutur li jkun ġie maħtur waħdu, jew tal-esekuturi kollha maħtura mit-testatur, l-esekuzzjoni tat-testment tibqa’ mħollija f’idejn il-werrieta, kemm-il darba l-qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja, bil-kunsens tagħhom, jew il-qorti ta’ ġurisdizzjoni kontenzjuża, għal raġuni tajba fuq talba ta’ xi ħadd li jkollu interess, ma tkunx ħatret, minflok, persuna oħra.

---

§ VIII. FUQ IL-FTUĦ U L-PUBBLIKAZZJONI TAT-TESTMENTI

Ftuħ ta’ testmenti sigrieti.

Kap. 12.

779. Kull min jidhirlu li għandu interess f’testment sigriet jista’, meta jkun hemm il-prova tal-mewt tat-testatur, jitlob il-ftuħ ta’ dak it-testment bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 779 jgħoddu fil-każ ta’ testatur assenti minn żmien twil, eċċ.

780. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll meta b’sentenza ta’ qorti kompetenti jkun ġie deċiż u ddikjarat illi t-testatur għandu, minħabba li jkun ilu assenti żmien twil, jitqies mejjet, kif ukoll meta t-testatur ikun ħa l-voti ta’ reliġjuż f’ordni monastiku jew f’xirka reliġjuża ta’ regulari.

---

§IX.FUQ IT-TĦASSIR TA’ TESTMENTI

Ma jistax wieħed jirrinunzja għall-jedd li jħassar it-testment.

781. (1) Ħadd ma jista’ jirrinunzja għas-setgħa li jħassar jew ibiddel dak li jkun għamel b’testment.

(2) Kull klawżola jew kondizzjoni magħmula bil-ħsieb li ġġib dik ir-rinunzja, tingħadd bħala mhix miktuba.

Testment jista’ jiġi mħassar b’testment ta’ wara jew b’att ta’ nutar.

782. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 743 u tal-artikoli ta’ warajh, testment jista’ jiġi mħassar, kollu jew biċċa minnu, b’testment li jsir wara.

(2) Jista’ wkoll jiġi mħassar b’kull att ieħor riċevut minn nutar bil-formalità li l-liġi trid li bihom jiġu riċevuti l-atti nutarili, u li fih it-testatur stess, jew bil-mezz ta’ prokuratur b’mandat speċjali, jiddikjara li jħassar it-testment tiegħu, kollu jew biċċa minnu.

It-teħid lura ta’ testment sigriet ifisser minnu nnifsu li ġie mħassar.

783. It-teħid lura ta’ testment sigriet minn idejn in-nutar, jew, f’kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikoli 673 u 676, mingħand il-persuna li f’idejha jkun ġie kkunsinnat, jew mir-reġistru tal-qorti, inkella mill-uffiċċju tal-konslu fejn ikun ġie mqiegħed, ifisser minnu nnifsu li dak it-testment ġie mħassar.

Testment null ma jistax iħassar testment ta’ qabel.

784. Testment null ma jistax ikollu l-effett ta’ att nutarili biex iħassar testment ta’ qabel.

Testment ġdid jista’ jagħmel isseħħ dispożizzjoni mħassra.

785. Id-dispożizzjonijiet ta’ testment li jkunu ġew imħassrin, jistgħu biss jerġgħu jsiru jseħħu b’testment ġdid.

Dispożizzjonijiet kuntrarji li jsiru wara, iħassru dawk ta' qabel.

786. It-testment ta' wara li ma jħassarx espressament it-testment jew testmenti ta' qabel, jagħmel ma jiswewx dawk id-dispożizzjonijiet biss li jkun hemm fit-testment jew testmenti ta' qabel kuntrarji għall-ġodda, jew li ma jkunux kompatibbli magħhom.

Effetti tat-tħassir magħmul b'testment ta' wara.

787. It-taħsir magħmul b'testment li jsir wara jkollu effett sħiħ allavolja dak l-att il-ġdid jibqa' bla esekuzzjoni, minħabba li l-werriet istitwit jew il-legatarju jmut qabel jew ikun inkapaċi, inkella jirrinunzja għall-wirt jew għal-legat.

Sub-titolu II

FUQ IS-SUĊĊESSJONI *AB INTESTATO*

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Meta hemm lok għas-suċċessjoni *ab intestato*.

788. Meta ma jkunx hemm testment validu, jew jekk it-testatur ma jkunx iddispona mill-ġid tiegħu kollu, jew jekk il-werrieta istitwiti ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-wirt, jew jekk ma jkunx hemm lok għal jedd ta' akkrexximent bejn il-werrieta, ikun hemm lok, għal kollox jew għal biċċa, għas-suċċessjoni *ab intestato* bis-saħħa tal-liġi.

Persuni li jissuċċjedu *ab intestato*. *Emendat: A.L. 148 tal-1975; XVIII.2004.84.*

789. Il-liġi tagħti l-jedd għas-suċċessjoni *ab intestato* lid-dixxendenti, lill-axxendenti, lill-qraba kollaterali, lil mart jew żewġ il-persuna mejta u lil-Gvern ta' Malta, fl-ordni u skont ir-regoli miġjuba hawn iżjed 'il quddiem.

Regoli dwar suċċessjoni bejn qraba.

790. Sabiex tirregola s-suċċessjoni bejn il-qraba, il-liġi tħares lejn kemm wieħed ikun qrib, bla ma tqis il-privileġġ tal-linja jew mingħand min ikunu ġejjin il-beni, ħlief fil-każijiet u bil-mod imsemmijin espressament mill-liġi.

Kif jitqies il-grad ta' qrubija.

791. (1) Il-grad ta' qrubija jitqies mill-għadd tal-ġenerazzjonijiet.

(2) Kull ġenerazzjoni tagħmel grad.

(3) In-numru tal-gradi jifforma l-linja.

Linja dritta.

792. (1) Tissejjaħ linja dritta dik magħmula min-numru tal-gradi bejn persuni li huma mnisslin waħda mill-oħra.

Linja kollaterali.

(2) Tissejjaħ linja kollaterali dik magħmula min-numru tal-gradi bejn persuni li mhumiex imnisslin waħda mill-oħra, imma niżlin minn axxendent komuni.

Il-linja dritta tista' tinżel jew titla'.

793. (1) Il-linja dritta tista' tinżel jew titla'.

(2) Il-linja dritta li tinżel torbot l-axxendent ma' dawk li niżlin minnu.

(3) Il-linja dritta li titla' torbot persuna ma' dawk li minnhom hija tkun nieżla.

Kif jingħaddu l-gradi fil-linja dritta.

794. Fil-linja dritta, jingħaddu daqshekk gradi daqs kemm huma l-ġenerazzjonijiet, bla ma jingħadd l-axxendent komuni.

Kif jingħaddu l-gradi fil-linja kollaterali.

795. Fil-linja kollaterali, il-gradi jingħaddu mill-ġenerazzjonijiet, billi wieħed jibda jgħodd minn wieħed mill-qraba, jibqa' tiela' sa l-axxendent komuni mingħajr ma jgħoddu, u mbagħad jinżel mill-axxendent komuni għall-qarib l-ieħor.

FUQ IL-PERSUNI KAPAĊI LI JIRTU

Persuni inkapaċi jew mhux denji li jirtu *ab intestato*.

796. Dawk li huma inkapaċi jew mhux denji li jirċievu b'testment, għar-raġunijiet li jingħadu f'dan il-Kodiċi, hekk ukoll huma inkapaċi jew mhux denji li jirtu *ab intestato*.

Persuni oħra hekk inkapaċi.

797. Hekk ukoll huma inkapaċi li jirtu *ab intestato*, bħala mhux denji, dawk li, b'qerq jew bi vjolenza, ma jkunux ħallew lill-mejjet jagħmel testment.

Iġħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 606 u 607.

798. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 606 u 607 iġħoddu għal dak li, għar-raġunijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, ikun sar mhux denn li jiret *ab intestato*.

Ulied jew dixxendenti ta' persuna eskluża mit-testment għaliex mhix denja.

799. (1) It-tfal jew dixxendenti ta' dak li jiġi maħruġ mill-wirt bħala mhux denn, ma jiġux eskluži minħabba l-ħtija tal-genitur jew tal-axxendent tagħhom, sew jekk huma jiġu għall-wirt bil-jedd tagħhom infishom, jew jekk sabiex jirtu jkun meħtieġ li jidhru taħt ir-regola ta' rappreżentazzjoni, minflok il-ġenitur jew l-axxendent hekk maħruġ mill-wirt.

(2) Iżda, il-missier ma jista' f'ebda każ jippretendi, fuq dak il-wirt, la l-użufrutt u lanqas l-amministrazzjoni illi l-liġi tagħti lill-ġenituri fuq ħwejjeġ uliedhom.

Membri ta' ordnijiet monastiċi.

800. *Imħassar: XVIII.2004.81.*

FUQ IL-JEDD TA' RAPPREŻENTAZZJONI

Regola ta' rappreżentazzjoni, fil-linja dritta li tinżel.

801. Ir-rappreżentazzjoni għandha bħala effett li ddaħħal lir-rappreżentanti fil-lok, fil-grad, u fil-jeddijiet tar-rappreżentati.

802. Ir-rappreżentazzjoni fil-linja dritta li tinżel tista' tibqa' sejra bla tmiem, u fil-każijiet kollha, sew jekk it-tfal tal-mejjet jidħlu għall-wirt mad-dixxendenti ta' tifel ieħor li jkun miet qabel, kemm jekk, fil-każ li t-tfal kollha tal-mejjet ikunu mietu qablu, id-dixxendenti jkunu jinsabu bejniethom fi grad indaqs jew le.

M'hemmx jedd ta' rappreżentazzjoni bejn l-axxendenti.

803. Bejn l-axxendenti ma hemmx jedd ta' rappreżentazzjoni: l-iżjed qrib jirbaħ lill-oħrajn.

Rappreżentazzjoni fil-linja kollaterali.

804. (1) Fil-linja kollaterali, il-jedd tar-rappreżentazzjoni jingħata lit-tfal u lid-dixxendenti ta' ħut il-mejjet, sew jekk dawn it-tfal jew dixxendenti jidħlu għall-wirt ma' zijiethom, kemm jekk, billi ħut il-mejjet ikunu kollha mietu qabel, il-wirt igħaddi għad-

dixxendenti tagħhom fi gradi mhux indaqs.

(2) Jekk it-tfal jew dixxendenti ta' ħut il-mejjet ikunu fi grad indaqs, ilkoll jirtu *per capita*, mingħajr rappreżentazzjoni.

Qasma *per stirpes* u *per capita*.

805. (1) Fil-każijiet kollha li fihom tingħata r-rappreżentazzjoni il-qasma ssir *per stirpes*.

(2) Jekk fl-istess nisel wieħed ikun hemm żewġ friegħi jew iżjed, is-sud-diviżjoni ssir *per stirpes* f'kull fergħa; u bejn dawk ta' fergħa waħda, il-qasma ssir *per capita*.

M'hemmx rappreżentazzjoni ta' persuni li jkunu ħajjin.

806. Ma tingħatax rappreżentazzjoni ta' persuni ħajja, iżda biss ta' dawk li jkunu mejta jew inkapaċi li jirtu jew li, billi jkunu ilhom assenti għal żmien twil, ikunu ġew iddikjarati b'sentenza tal-qorti kompetenti li għandhom jitqiesu mejta.

Rappreżentazzjoni ta' dak li l-wirt tiegħu jkun ġie irrinunzjat.

807. Hu mogħti li jiġi rappreżentat dak li l-wirt tiegħu jkun ġie irrinunzjat.

Sostitwita: *XVIII.2004*.86.

§I. FUQ IS-SUĊĊESSJONI TAD-DIXXENDENTI U TA' MIN FOST IR-RAĠEL U L-MARA JIBQA' ĦAJ

Meta l-mejjet iħalli warajh dixxendenti jew lil martu jew żewġha. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

808. (1) Meta l-mejjet iħalli warajh tfal jew dixxendenti tagħhom u lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi nofs għat-tfal u dixxendenti oħra u n-nofs l-ieħor għal martu jew żewġha.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) huma mingħajr preġudizzju għall-jedd ta' min jibqa' ħaj l-aħħar mir-raġel u l-mara taħt l-artikoli 633, 634 u 635.

Meta l-mejjet iħalli warajh dixxendenti iżda mhux lil martu jew żewġha. *Emendat: XXI.1962.15. Sostitwit: XVIII.2004.86.*

809. Meta l-mejjet iħalli warajh tfal jew dixxendenti oħra iżda mhux lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi għat-tfal u dixxendenti oħra.

Meta l-mejjet ma jħallix warajh dixxendenti imma jħalli lil martu jew żewġha. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

810. Meta l-mejjet ma jħallix warajh tfal jew dixxendenti oħra iżda jġalli lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi għal martu jew żewġha.

Suċċessjoni tat-tfal u d-dixxendenti. *Sostitwit: XVIII.2004.86. Emendat: XXIII.2017.72.*

811. (1) Salv id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 815, it-tfal jew dixxendenti oħra jirtu lill-ġenituri jew lil kull axxendent ieħor xorta waħda sew jekk huma subien jew bniet, u sew jekk ikunu mwielda jew imnissla matul iż-żwieġ jew xort'oħra u sew jekk ikunu xi wħud minn żwieġ u oħrajn minn ieħor.

(2) Huma jirtu *per capita* meta huma lkoll fl-ewwel grad; jirtu *per stirpes* meta lkoll, jew xi wħud minnhom, jiġu għall-wirt bil-jedd tar-rappreżentazzjoni.

---

§ II. FUQ IS-SUĊĊESSJONI TAL-AXXENDENTI U QRABA KOLLATERALI

Meta l-mejjet ma jħalli warajh ebda dixxendenti u lanqas lil martu jew żewġha. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

812. Meta l-mejjet ma jġalli warajh ebda tfal jew dixxendenti oħra, lanqas lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi:

(*a*) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u ma jkunx hemm qraba kollaterali diretti: għall-eqreb axxendent jew axxendenti;

(*b*) jekk ikun hemm axxendent jew axxendenti u qraba kollaterali diretti: nofs għall-eqreb axxendent jew axxendenti u n-nofs l-ieħor għall-qraba kollaterali diretti;

(*ċ*) jekk ma jkun hemm ebda axxendent jew axxendenti iżda jkun hemm qraba kollaterali diretti: għall-qraba kollaterali diretti; u

(*d*) jekk la jkun hemm axxendent jew axxendenti u lanqas qraba kollaterali diretti: għall-eqreb qarib kollaterali tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsab dak il-qarib kollaterali.

Qraba kollaterali diretti. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

813. (1) Għall-fini tal-artikolu 812, qraba kollaterali diretti jfissru aħwa subien u bniet, sew jekk ikunu aħwa sewwa kemm jekk ikunu aħwa mill-missier jew mill-omm biss jew adottati, u d-dixxendenti tal-aħwa subien u bniet li jkunu mietu qabel, sew jekk ikunu aħwa sewwa kemm jekk ikunu aħwa mill-missier jew mill-omm biss.

(2) L-aħwa subien u bniet jirtu *per capita* u d-dixxendenti tagħhom *per stirpes skont* l-artikoli 804 u 805.

Suċċessjoni minn qraba kollaterali oħra. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

814. Il-jedd tal-wirt bejn il-qraba kollaterali ma jmurx iżjed ’l hemm mit-tnax il-grad.

Meta persuni mnissla u mwielda barra miż-żwieġ jirtu flimkien ma’ xi persuni oħra. *Sostitwit: XVIII.2004.86.*

815. (*Imħassar bl-Att XV.2012.24*).

---

§ III. FUQ IL-JEDDIJIET TAL-GVERN

Jeddijiet ta’ suċċessjoni li jmissu lill-Gvern ta’ Malta.

816. Meta l-mejjet ma jħallix warajh persuni li għandhom jedd jirtuh taħt ir-regoli stipulati fl-artikoli ta’ qabel, il-wirt imur favur il-Gvern ta’ Malta.

Jedd ta’ suċċessjoni ta’ tfal illeġittimi, jekk leġittimati b’digriet tal-qorti, eċċ.,

817. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

jekk mhux leġittimati b’digriet tal qorti, eċċ. *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

818. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Regola għall-jedd ta' suċċessjoni ta' tfal illegittimi, leġittimati jew magħrufa.
Emendat: XLVI.1973.59.

819. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

It-tifel illeġittimu għandu jgħodd akkont ta' sehmu dak kollu li jkun ħa mingħand il-mejjet.

820. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Tfal leġittimi tat-tifel illeġittimu li jmut qabel.

821. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

It-tfal illeġittimi m'għandhomx jedd fuq ħwejjeġ il-qraba ta' missierhom u ommhom.

822. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Min jiret lit-tifel illeġittimu li jmut bla tfal jew bla mara jew raġel.

823. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Suċċessjoni ta' tifel illeġittimu li ma jħallix ulied, imma jħalli martu jew żewġha.

824. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Jeddijiet ta' min mill-miżżewġin jibqa' ħaj meta l-ieħor iħalli tfal.
Sostitwit: XXI.1993.73.

825. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Jeddijiet li jmissu lil żewġ jew mart persuna, meta din tmut mingħajr ma tħalli ulied, iżda tħalli axxendenti jew tfal illeġittimi, eċċ.
Sostitwit: XLVI.1973.60.
Emendat: XXI.1993.74.

826. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Jeddijiet li jmissu lil mart jew żewġ persuna li tmut mingħajr ulied, u li ma tħallix axxendenti jew tfal illeġittimi, eċċ.
Sostitwit: XLVI.1973.61.

827. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Min fost ir-raġel u l-mara jibqa' ħaj wara l-ieħor għandu jgħodd akkont ta' sehmu dak kollu li jkun irċieva mingħand il-mejjet.

828. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

829. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Jekk ir-raġel u l-mara jkunu mifrudin b'sentenza tal-qorti. *Emendat: XXI.1993.75.*

830. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Jeddijiet ta' suċċessjoni li jmissu lill-Gvern ta' Malta. *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

Sub-titolu III

DISPOSIZZJONLJIET LI JGĦODDU SEW GĦAS-SUĊĊESSJONI B'TESTMENT KEMM GĦAS-SUĊĊESSJONI *AB INTESTATO*

§ I. FUQ IL-FTUĦ TAS-SUĊĊESSJONI, FUQ LI L-PUSSESS JISSOKTA FIL-PERSUNA TAL-WERRIET, U FUQ IL-PRESKRIZZJONI TA' XI AZZJONIJIET

Is-suċċessjoni tinfetaħ mal-mewt.

831. Is-suċċessjoni tinfetaħ kif tiġri l-mewt, jew dak in-nhar li tgħaddi f'ġudikat is-sentenza li biha jkun ġie ddikjarat illi l-persuna, li tas-suċċessjoni tagħha jkun irid isir il-ftuħ, għandha titqies mejta minħabba li tkun ilha assenti żmien twil.

Meta imutu nies f'disgrazzja waħda. *Sostitwit: XVIII.2004.87.*

832. Meta diversi persuni jmutu f'disgrazzja waħda u jkun impossibbli li jiġi stabbilit min miet l-ewwel jew baqa' ħaj wara l-ieħor, dawn għandhom, jekk persuna minnhom tkun imsejħa biex tiret lill-oħra, jitqiesu li jkunu mietu fl-istess waqt.

Regoli meta jkunu persuni ta' sess wieħed,

833. *Imħassar: XVIII.2004.87.*

meta ma jkunux persuni ta' sess wieħed.

834. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Is-suċċessjoni tinfetaħ ukoll meta jittieħdu l-voti ta' reliġjuż.

835. *Imħassar: XVIII.2004.86.*

Kif il-pusses igħaddi minn mejjet għall-werrieta.

836. Il-pussess ta' ħwejjeġ il-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt.

Meta l-mejjet jiddisponi minn biċċa biss tal-wirt.

837. Jekk il-mejjet ma jkunx iddispona ħlief minn biċċa biss tal-wirt, u l-bqija tgħaddi favur il-werrieta leġittimi, il-pussess jiġi, bis-saħħa tal-liġi, ittrasferit lill-werriet testamentarju u lill-werriet leġittimu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu.

Pussess minn oħrajn li jidhrilhom li għandhom jedd.

838. Jekk xi persuna li jidhrilha illi għandha jedd fuq il-ħwejjeġ tal-wirt tieħu pussess tagħhom, il-werrieta li lilhom jiġi bis-saħħa tal-liġi ttrasferit il-pussess jingħaddu li ġew fil-fatt imneħħijin mill-pussess, u jistgħu jeżerċitaw kull azzjoni li tmiss lill-pussessuri leġittimi.

Sehem li jmiss lil persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ jista' jitħallas xort'oħra milli bi flus likwidi. *Sostitwit: XVIII.2004.88.*

839. Meta taħt is-suċċessjoni bit-testment jew mingħajr testment persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ tiret flimkien ma' tfal adottivi tal-mejjet jew ma' tfal oħra tal-mejjet li ma jkunux ġew hekk imnissla u mwielda jew ma' dixxendenti ta' dawk it-tfal, jew ma' mart il-mejjet li tibqa' ħajja warajh, il-werrieta l-oħra tal-mejjet ikollhom jedd iħallsu s-sehem li jmiss lill-persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ, jew bi flus likwidi jew bi proprjetà mobbli jew immobbli ġejja mill-beni, jekk din l-aħħar persuna ma ssibx oġġezzjoni; u f'każ li din il-persuna toġġezzjona, il-Qorti Ċivili - Ġurisdizzjoni Volontarja għandha, fuq talba b'rikors f'dak is-sens minn xi wieħed jew aktar mill-werrieta l-oħra tal-mejjet, tiddeċiedi jekk għandhiex tippermetti dak il-ħlas jew trasferiment, wara li tqis kull ċirkostanza personali u dwar il-proprjetà.

Meta t-talba għaddħul fil-pussess għandha ssir lill-qorti. *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

840. *Imħassar: XVIII.2004.88.*

Garanzija li għandhom iġibu t-tifel illeġittimu jew żewġ jew mart il-mejjet qabel id-dikjarazzjoni tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

841. *Imħassar: XVIII.2004.88.*

Meta l-garanzija tista' tiġi iddispensata.

842. *Imħassar: XVIII.2004.88.*

Ebda garanzija mhi meħtieġa meta l-valur tal-assi ma jaqbiżx ħamsin lira.

843. *Imħassar: XVIII.2004.88.*

Ħruġ tal-bandi.

844. *Imħassar: XVIII.2004.88.*

Preskrizzjoni tal-azzjoni għat-talba ta' wirt, eċċ. *Emendat: XVIII.2004.89.*

845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.

---

§ II. FUQ L-AĊĊETTAZZJONI U R-RINUNZJA TA' WIRT

FUQ L-AĊĊETTAZZJONI TA' WIRT

Ħadd ma hu obbligat li jaċċetta wirt.

846. Ħadd ma hu obbligat li jaċċetta wirt li jmiss lilu.

Wirt jista' jiġi aċċettat mingħajr kondizzjoni, jew bil-benefiċċju tal-inventarju.

847. Il-wirt jista' jiġi aċċettat mingħajr kondizzjoni, jew bil-benefiċċju tal-inventarju.

Persuni taħt tutela, eċċ. *Emendat: XLVI.1973.63; XXI.1993.2.*

848. Il-wirt li jmiss lil persuna taħt tutela jew kurazija, jew lil minuri, ma jistax jiġi aċċettat mit-tutur jew kuratur, jew mill-ġenitur li jeżerċita s-setgħa tal-ġenituri, ħlief bil-beneficċju tal-inventarju.

Effett retroattiiv ta' aċċettazzjoni ta' wirt.

849. L-aċċettazzjoni ta' wirt għandha effett retroattiv minn dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni, bla ħsara tal-jeddijiet miksubin minn terzi persuni bis-saħħa ta' xi konvenzjoni magħmula b'bona fidi mal-werriet apparenti.

L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa jew taċita.

850. (1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.

(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.

(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.

Effetti ta' dikjarazzjoni ta' werriet b'sentenza.

851. Dak illi, b'sentenza ta' qorti kompetenti, jiġi ddikjarat werriet, jew ikkundannat espressament f'din il-kwalità, hu magħdud werriet quddiem il-legatarji u l-krediturі kollha ta' dak il-wirt.

Atti li ma jġibux aċċettazzjoni. *Emendat: XVIII.2004.90.*

852. (1) L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalità ta' werriet.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji dwar azzjonijiet possessorji, f'liema każ il-persuna li tkun imsejħa għall-wirt titqies *de jure* kuratur tal-wirt skont l-artikolu 886(2).

(3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss jekk il-persuna msejħa għall-wirt tiddikjara fl-azzjoni li tkun qed taġixxi fil-kwalità tagħha ta' *de jure* kuratur.

Atti li jġibu aċċettazzjoni.

853. (1) Id-donazzjoni, il-bejgħ jew iċ-ċessjoni li wieħed mill-werrieta jagħmel tal-jeddijiet tiegħu ta' suċċessjoni, sew lil wieħed barrani, jew lill-oħrajn kollha li jkunu werrieta miegħu, jew lil xi whud minnhom, iġibu l-aċċettazzjoni tal-wirt mill-parti tiegħu.

(2) Dan igħodd ukoll -

(*a*) għar-rinunzja magħmula, ukoll jekk bla ħlas, minn wieħed mill-werrieta favur ta' wieħed jew iżjed mill-werrieta l-oħra;

(*b*) għar-rinunzja magħmula, ukoll jekk favur il-werrieta l-oħra kollha mingħajr distinzjoni, jekk dik ir-rinunzja ssir b'titolu oneruż.

Meta r-rinunzja magħmula minn wieħed mill-werrieta favur werrieta oħra ma ġġibx aċċettazzjoni ta' wirt.

854. Jekk ir-rinunzja ssir bla ħlas minn wieħed mill-werrieta favur dawk il-werrieta l-oħra kollha, b'testment jew *ab intestato*, illi, fin-nuqqas tiegħu, kien ikun imisshom sehmu tal-wirt, ma ġġibx aċċettazzjoni ta' wirt.

Meta l-werrieta ma jaqblux dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tal-wirt.

855. Meta l-werrieta ma jaqblux bejniethom dwar jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt jew jirrinunzjaw għalih, dak illi jaċċetta jikseb waħdu l-jeddijiet kollha, u jieħu fuqu l-piżijiet kollha tal-wirt.

Il-jedd tal-aċċettazzjoni jgħaddi lill-werrieta.

856. Jekk persuna li favur tagħha tkun ġiet miftuħa suċċessjoni tmut mingħajr ma tkun irrinunzjat għaliha jew aċċettatha, il-jedd ta' aċċettazzjoni ta' din is-suċċessjoni jgħaddi lill-werrieta tagħha: u f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll għal dawk il-werrieta.

Jeddijiet ta' dawn il-werrieta.

857. Il-werrieta li jkunu aċċettaw il-wirt tal-persuna li minn għandha jgħaddi lilhom il-jedd imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jistgħu, b'dan kollu, jirrinunzjaw għall-wirt li kien imiss lil dik il-persuna, imma illi kien għad ma ġiex aċċettat minnha:

Iżda, ir-rinunzja għall-wirt ta' dik il-persuna ġġib ukoll ir-rinunzja għall-wirt li kien imiss lilha.

Meta aċċettazzjoni tista' tiġi attakkata. *Emendat: XVIII.2004.91.*

858. (1) Min jaċċetta wirt, ma jistax jattakka l-aċċettazzjoni ħlief meta din tkun saret minħabba vjolenza, jew minħabba qerq li jsir bi ħsara tiegħu.

(2) Iżda, jekk jinkixef testment li, fi żmien l-aċċettazzjoni, ma kienx jaf bih dak li aċċetta l-wirt, dan ma jkunx obbligat iħallas il-legati mħollija f'dak it-testment f'aktar mill-valur tal-wirt, bla ħsara tal-jedd tas-sehem riżervat ta' beni li jkunu jmissu lilu.

Preskrizzjoni tal-jedd tal-aċċettazzjoni ta' wirt battal.

859. Il-jedd tal-aċċettazzjoni ta' wirt battal jispiċċa bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena.

FUQ IR-RINUNZJA TA' WIRT

Ir-rinunzja ma tistax tkun preżunta. *Emendat: XV.2012.25.*

860. (1) Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta.

(2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.

(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).

Il-werriet li jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef il-jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*. *Emendat: XVIII.2004.92.*

861. Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*:

Iżda, dan il-werriet jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat tal-beni illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu.

Il-werriet li jirrinunzja għall-wirt jista' jitlob il-legati.

862. (1) Il-werriet li jirrinunzja jitqies bħallikieku ma kien qatt werriet.

(2) Iżda, ir-rinunzja tiegħu ma ttellfux il-jedd li jitlob il-legati mħollija favur tiegħu.

Is-sehem ta' dak li jirrinunzja jiżdied ma' dak tal-werrieta l-oħra.

863. (1) Fis-suċċessjoni *ab intestato*, is-sehem ta' dak li jirrinunzja jiżdied ma' dak tal-werrieta l-oħra.

(2) Jekk dak li jirrinunzja jkun werriet waħdu, is-suċċessjoni tmiss lil dawk illi jiġu fi grad warajh.

Ma jistax wieħed jidħol bil-jedd tar-rappreżentazzjoni flok werriet li jirrinunzja.

864. (1) Ħadd ma jista' jidħol fil-wirt bil-jedd tar-rappreżentazzjoni flok werriet li jirrinunzja.

(2) Jekk min jirrinunzja jkun hu biss werriet fil-grad tiegħu, jew, jekk il-werrieta kollha jirrinunzjaw, jidħlu flokhom it-tfal bil-jedd tagħhom innifishom, u jirtu *per capita*.

Sehem ta' min jirrinunzja fis-suċċessjonijiet b'testment.

865. Fis-suċċessjoni b'testment, is-sehem ta' dak li jirrinunzja jgħaddi favur dawk li jkunu werrieta miegħu jew favur il-werrieta leġittimi, bħal ma jingħad fl-artikoli 737 u 741.

Il-krediturи tal-werriet li jirrinunzja jistgħu jaċċettaw minfloku. *Emendat: XLVI.1973.64.*

866. (1) Il-krediturи ta' persuna illi tirrinunzja għall-wirt bi ħsara tal-jeddijiet tagħhom, jistgħu jitolbu lill-qorti l-awtorizzazzjoni biex jaċċettaw dak il-wirt minflok id-debitur tagħhom.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1) r-rinunzja tiġi annullata mhux favur il-werriet li jirrinunzja, imma favur il-krediturи, u sa l-ammont biss tal-jeddijiet ta' dawk il-krediturи.

(3) Kull wieħed li jkun werriet flimkien ma' dak li jirrinunzja, jista' jopponi l-azzjoni tal-krediturи billi jħallas il-krediti tagħhom, u il-werriet li jħallas jidħol *ipso jure* fil-jeddijiet tal-krediturи li huwa jkun ħallas.

Werriet li jirrinunzja jista' dejjem jaċċetta l-wirt battal.

867. (1) Il-werriet li ikun irrinunzja għall-wirt jista' dejjem jaċċetta dak il-wirt kemm-il darba -

(*a*) il-jedd tal-aċċettazzjoni tal-wirt ma jkunx spiċċa kontra tiegħu bil-preskrizzjoni; u

(*b*) il-wirt ma jkunx ġie aċċettat minn werrieta oħra.

(2) Iżda, dik l-aċċettazzjoni mhix ta' ħsara għall-jeddijiet miksubin minn terzi persuni fuq il-beni tal-wirt, sew bil-preskrizzjoni jew bis-saħħa ta' atti magħmulin skont il-liġi mal-kuratur tal-wirt battal.

Il-werriet jista' jigi mġieghel jiddikjara jridx jaċċetta l-wirt jew le.

868. Il-qorti tagħti, fuq talba ta' kull min għandu interess, li il-werriet b'testment jew *ab intestato*, iż-żmien ta' xahar, li, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded għal xahar ieħor, biex jiddikjara jekk jaċċettax il-wirt jew jirrinunzjax għalih; u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kif mogħti mill-bidu jew kif imġedded, il-wirt jitqies irrinunzjat.

Werriet li fil-fatt jkollu l-pussess ma jistax jirrinunzja għall-wirt wara tliet xhur.

869. B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pusses tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan igħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor.

Werriet li jaħbi ħwejjeġ tal-wirt jitlef il-jedd li jirrinunzja għall-wirt.

870. Il-werrieta li jkunu ħadu b'qerq jew ħbew xi ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu l-jedd tar-rinunzja ta' dak il-wirt, u, għalkemm jagħmlu r-rinunzja jibqgħu werrieta mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.

Ir-rinunzja għall-wirt ta' wieħed ħaj hija nulla.

871. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi dwar ir-rinunzji f'okkażjoni ta' żwieġ, ħadd ma jista' jirrinunzja għall-wirt ta' wieħed ħaj, jew jittrasferixxi l-jeddijiet li għad jista' jkollu għal dak il-wirt, ħlief meta jieħu l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari.

Ir-rinunzja minħabba vot f'ordni monastiku għandha tkun assoluta,

872. Ir-rinunzja li ssir minħabba voti f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari, għandha ssir b'mod illi la l-persuna li tirrinunzja u lanqas l-ordni jew ix-xirka ma jkunu jistgħu f'ebda każ jissuċċjedu fil-beni li għalihom tkun saret ir-rinunzja.

iżda jista' jinżamm il-jedd għall-vitalizju.

873. Iżda, ir-rinunzjant jista' jżomm għalih vitalizju fuq il-beni li għalihom jirrinunzja, u, f'dak il-każ, l-ordni jew ix-xirka jistgħu huma wkoll jitolbu, wara l-mewt tar-rinunzjant, il-ħlas tal-vitalizju li ma jkunx ġie mħallas lilu, kemm-il darba huwa jkun iddikjara espressament li ma tħallasx, u d-dejn ma jkunx preskritt.

Ir-rinunzja tista' ssir minn minuri li jidħol f'ordni reliġjuż.

874. Ir-rinunzja msemmija fl-artikolu 872 tista' ssir ukoll minn minuri, basta li jkollu l-età meħtieġa mil-liġi biex jieħu l-voti ta' reliġjuż.

Effett tar-rinunzja.

875. Ir-rinunzja msemmija fl-artikolu 872 għandha effett kwantu għall-dawk li favur tagħhom tkun saret, ukoll jekk huma ma kinux preżenti, u ma jkunux, sal-ftuħ tas-suċċessjoni għall-beni li għalihom ir-rinunzja tkun saret, aċċettaw dik ir-rinunzja.

L-annullament tal-voti ta' reliġjuż igib l-annullament tar-rinunzja.

876. (1) L-annullament tal-voti ta' reliġjuż iġib ukoll l-annullament tar-rinunzja.

(2) Iżda, jibqa' sħiħ kull trasferiment tal-beni rrinunzjati illi jkun sar qabel ma jkunu ġew annullati l-voti ta' reliġjuż, bla ħsara tal-jedd tar-rinunzjant li jitlob id-danni mingħand dawk li jkunu għaldaqshekk obbligati skont il-liġi.

FUQ IL-BENEFIĊĊJU TAL-INVENTARJU

Il-projbizzjoni lill-werriet li jagħmel l-inventarju hija nulla.

877. Il-werriet jista' jinqeda bil-benefiċċju tal-inventarju, għad li t-testatur ikun ipprojbielu li jagħmlu.

Id-dikjarazzjoni li wieħed bi ħsiebu jieħu l-kwalità ta' werriet bil-kondizzjoni tal-benefiċċju tal-inventarju.

878. (1) Id-dikjarazzjoni ta' werriet illi hu mhux bi ħsiebu jieħu dik il-kwalità ħlief bil-benefiċċju tal-inventarju, għandha tiġi magħmula fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tal-ġżira li fiha l-mejjet, fiż-żmien tal-mewt tiegħu, kien joqgħod, jew tal-ġżira li fiha dak, illi tiegħu tkun is-suċċessjoni, ikun ħa l-voti ta' reliġjuż f'ordni monastiku jew f'xirka reliġjuża ta' regulari.

(2) Meta l-ftuħ tas-suċċessjoni jkun sar bis-saħħa ta' sentenza li biha jkun ġie deċiż illi dak li tiegħu tkun is-suċċessjoni għandu jitqies mejjet minħabba li jkun ilu assenti żmien twil, id-dikjarazzjoni fuq imsemmija għandha tiġi magħmula mill-werriet fir-reġistru tal-qorti tal-ġżira illi fiha s-sentenza tkun ġiet mogħtija.

Id-dikjarazzjoni għandha ssir billi qabilha jew warajha jiġi magħmul l-inventarju. Kap. 12.

879. Id-dikjarazzjoni fuq imsemmija tibqa' bla effett jekk qabilha jew warajha ma jsirx l-inventarju tal-beni tal-wirt, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Jekk il-werrieta ma jkunux jaqblu fuq l-aċċettazzjoni tal-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju.

880. (1) Jekk fost il-werrieta, wieħed minnhom ikun irid jaċċetta l-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju, u wieħed ieħor jew iżjed mingħajru, l-inventarju għandu jsir.

(2) F'dak il-każ ikun biżżejjed li wieħed biss jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu 878.

(3) Il-benefiċċju jgawdih biss il-werriet li jagħmel id-dikjarazzjoni.

Il-werriet li fil-fatt ikollu l-pussess tal-wirt għandu jagħmel l-inventarju fi żmien tliet xhur.

881. Il-werriet li fil-fatt ikollu l-assi tal-wirt f'idejh, għandu jagħmel l-inventarju fi żmien tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni, jew minn dak in-nhar li jsir jaf li l-wirt imiss lilu.

Il-werriet li jonqos li jagħmel jew li jlesti l-inventarju fiż-żmien li jmiss jingħadd li aċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.

882. Jekk il-werriet ma jkunx, fi żmien l-ewwel tliet xhur, beda jagħmel l-inventarju, jew ma jkunx lestieh f'dak iż-żmien, jew fi żmien ieħor li jkun ġie lilu mġedded, huwa jitqies li aċċetta l-wirt mingħajr il-benefiċċju tal-inventarju.

Żmien sabiex wieħed jaħsibha jekk għandux jaċċetta l-wirt jew le wara li jsir l-inventarju.

883. Wara li l-inventarju jitlesta, il-werriet illi jkun għad ma għamilx id-dikjarazzjoni li jaċċetta l-wirt, għandu ż-żmien ta' erbgħin ġurnata, li jibdew igħoddu minn dak in-nhar li jitlesta l-inventarju, sabiex jaħsibha jekk għandux jaċċetta l-wirt jew jirrinunzja għalih; u jekk igħaddi dak iż-żmien mingħajr ma l-werriet ikun iddikjara fir-reġistru tal-qorti fuq imsemmija li jirrinunzja għall-wirt, jew li jaċċettah bil-benefiċċju tal-inventarju, jitqies li hu aċċettah bil-benefiċċju tal-inventarju.

Kif jimxi z-żmien kwantu għall-werriet li ma jkollux l-assi tal-wirt f'idejh.

884. (1) Jekk ikun hemm talba ġudizzjarja kontra werriet illi fil-fatt ma jkollux l-assi tal-wirt f'idejh u ma jkunx indaħal fih, iż-żminijiet imsemmijin fl-artikoli 881, 882 u 883 sabiex hu jagħmel l-inventarju u jaħsibha jekk għandux jaċċetta jew le, jibdew għaddejjin biss mill-ġurnata li tiġi mogħtija mill-qorti.

(2) Jekk ma jkun hemm ebda talba ġudizzjarja kontra dan il-werriet, huwa jibqagħlu l-jedd li jagħmel l-inventarju sakemm iż-

żmien sabiex jaċċetta l-wirt ma jkunx spiċċa bil-preskrizzjoni.

Minuri u interdetti.

885. Il-minuri u l-interdetti ma jingħaddux li waqgħu mill-benefiċċju tal-inventarju ħlief wara sena minn dak in-nhar li jsiru tal-età, jew li tispiċċa l-interdizzjoni, skont il-każ, kemm-il darba f'dak iż-żmien ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan.

Fiż-żmien li fih ikun isir l-inventarju l-werriet jitqies kuratur.

886. (1) Matul iż-żmienijiet mogħtijin lill-werriet sabiex jagħmel l-inventarju u sabiex jaħsibha jekk jaċċettax jew le, dak li jkun imsejjaħ għall-wirt mhux obbligat jieħu l-kwalità ta' werriet.

(2) Iżda, huwa jitqies *de jure* kuratur tal-wirt, u, f'dik il-kwalità, jista' jiġi msejjaħ f'kawża biex jidher għall-wirt, u biex iwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt.

(3) Kemm-il darba hu ma jidhirx, il-qorti taħtar kuratur biex jidher għall-wirt fil-kawża.

Il-werriet jista' jaqla' permess biex ibiegħ oġġetti tal-wirt li ma jistgħux jiġu ikkonservati.

887. Jekk fil-wirt ikun hemm ħwejjeġ li ma jistgħux jiġu kkonservati, jew li biex jiġu kkonservati tkun tinħtieġ spiża kbira, il-werriet jista', matul iż-żminijiet hawn fuq imsemmija, jitlob lill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, jew, jekk ikun hemm oppożizzjoni, lill-qorti kompetenti, li tagħti s-setgħa li jbiegħ dawn il-ħwejjeġ bil-mod li l-qorti jidhrilha l-aħjar:

Iżda werriet ma jiġix magħdud, minħabba din il-proċedura, li aċċetta l-wirt.

Spejjeż magħmulin qabel ir-rinunzja.

888. Jekk il-werriet jirrinunzja għall-wirt qabel ma jagħlqu ż-żminijiet, oriġinali jew imġedda, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dan, l-ispejjeż leġittimi li jkun għamel sa dak in-nhar tar-rinunzja jaqgħu fuq il-wirt.

Il-werriet li jaħbi b'qerq ħwejjeġ tal-wirt.

889. Il-werriet ħati illi naqas b'qerq li jdaħħal fl-inventarju ħwejjeġ tal-wirt, jaqa' mill-benefiċċju tal-inventarju.

Effett tal-inventarju.

890. L-effett tal-inventarju hu -

(*a*) illi l-werriet ma jkunx obbligat għall-ħlas tad-djun tal-wirt f'iżjed minn kemm ikunu jiswew il-ħwejjeġ li jkun missu;

(*b*) illi hu jista' jeħles mill-ħlas tad-djun billi jċedi l-ħwejjeġ kollha tal-wirt lill-krediturі, legatarji, u wkoll lil dak li jiret flimkien miegħu u li ma jkunx irid jagħmel iċ-ċessjoni bħalu;

(*ċ*) illi ħwejġu ma jiġux imħalltin ma' dawk tal-wirt, u illi jżomm sħiħ il-jedd tiegħu li jitlob il-ħlas tat-krediti tiegħu kontra l-wirt.

Obbligi tal-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju.

891. (1) Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju għandu jamministra l-ħwejjeġ tal-wirt, u għandu jagħti kont tal-amministrazzjoni tiegħu lill-krediturі u lil-legatarji.

(2) Hu ma jistax jiġi mġiegħel iħallas bi ħwejġu, ħlief wara li jkun ġie mqiegħed *in mora* biex jagħti l-kont tiegħu u sakemm ikun għad ma qdiex dan l-obbligu.

(3) Wara l-likwidazzjoni tal-kont, hu ma jistax jiġi mġiegħel iħallas bi ħwejġu ħlief sa l-ammont tas-somom li tagħhom jinsab debitur.

Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju jwieġeb għall-ħtijiet gravi.

892. Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju, fl-amministrazzjoni tiegħu ma jweġibx ħlief għall-ħtijiet gravi.

Iż-żmien għall-għoti tal-kont.

893. Il-kredituri u l-legatarji jistgħu jitolbu li jiġi stabbilit iż-żmien li fih it-werriet għandu jagħti l-kont.

Jekk il-werriet li jmissu l-porzjoni riservata ma jagħmilx l-inventarju. *Emendat: XVIII.2004.93; XIII.2007.3.*

894. Jekk il-werriet li jmissu sehem riżervat, ma jiħux ħsieb li jagħmel l-inventarju, jitlef il-jedd li jitlob li jiġu mnaqqsin id-donazzjonijiet u l-legati mħollijin lil persuni oħra, li ma jkunux werrieta flimkien miegħu.

Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju għandu jagħti garanzija.

895. (1) Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju għandu, fuq talba tal-kredituri jew ta' oħrajn li jkollhom interess, jagħti garanzija tajba għall-valur tal-ħwejjeġ mobbli li jkunu mdaħħlin fl-inventarju, għall-frottijiet tal-immobbli, u għall-bilanċ tal-prezz tal-bejgħ ta' dawk l-immobbli illi jista' jibqa' wara li jitħallsu l-kredituri tal-wirt.

(2) Jekk il-werriet jonqos li jagħti dik il-garanzija, il-qorti tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha meħtieġa biex jitqegħdu fiż-zgur il-jeddijiet tal-interessati.

Ħlas ta' xi kredituri qabel il-ħlas ta' legati.

896. Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju ma jista' jħallas ebda legat qabel ma jiġu mħallsa l-kredituri illi jkunu, qabel il-pubblikazzjoni tal-inventarju, b'ittra uffiċjali jew att ieħor, għarrfuh bil-krediti tagħhom, u dawk illi l-krediti tagħhom ikunu mniżżlin fir-Reġistru Pubbliku.

Ħlas lil kredituri u legatarji oħra.

897. (1) Wara li jiġu mħallsin il-kredituri msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-werriet bil-benefiċeju tal-inventarju għandu jħallas dawk il-kredituri l-oħra li jiġu 'l quddiem, u l-legatarji, skont l-ordni li fih jitolbu l-ħlas.

(2) Madankollu, f'dak il-każ ukoll, il-werriet bil-benefiċċju tal-inventatju ma jistax iħallas legat jekk, qabel ma jagħmel il-ħlas, jiġi nnotifikat b'xi kreditu kontra l-wirt.

Djun imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku għandhom jitħallsu skont l-ordni ta' preferenza.

898. Il-werriet bil-benefiċċju tal-inventarju għandu jħallas id-djun imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku, u d-djun li fiż-żmien tal-ħlas ikunu ġew innotifikati lilu, u jaqtal-kreditu tiegħu nnifsu kontra l-wirt, skont l-ordni tal-privileġġ jew tal-ipoteka ta' dawn id-djun.

Jedd ta' kreditur preġudikat bi ħlas magħmul mill-werriet.

899. Il-kredituri illi bi ħsara tagħhom il-werriet ikun ħallas kredituri oħra jew legatarji, għandhom il-jedd li jduru sew kontra tiegħu kemm ukoll kontra l-kredituri jew legatarji mħallsin.

Jeddijiet tal-kredituri li jidhru wara li ma jkun fadal xejn tat-wirt.

900. (1) Il-kredituri illi jidhru wara li l-ġid kollu tal-wirt ikun ġie minfuq fi ħlas ta' kredituri oħra jew ta' legati, jistgħu jduru biss għall-ħlas tal-kreditu tagħhom kontra l-legatarji.

(2) Il-jedd għal din l-azzjoni jintilef bil-preskrizzjoni wara tliet snin minn dak in-nhar tal-aħħar ħlas.

Eżerċizzju tal-azzjoni ipotekarja.

901. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jtellfux lill-kreditur mhux imħallas l-azzjoni li hu għandu kontra kull pussessur ta' immobbli ipotekat għall-krediti tiegħu.

Spejjeż tal-inventarju u tal-kontijiet.

902. L-ispejjeż tal-inventarju u tal-kontijiet ibatihom il-wirt.

FUQ IL-WIRT BATTAL

Meta l-wirt jingħadd battal.

903. Il-wirt, sakemm ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u, fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-qorti, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 886, taħtar kuratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Dmirijiet tal-kuratur.

904. (1) Il-kuratur ta' wirt battal għandu, qabel xejn, jagħmel l-inventarju ta' dak il-wirt.

(2) Dan il-kuratur għandu jeżerċita u jmexxi l-jeddijiet ta' dak il-wirt: hu għandu jwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt, u għandu jamministrah bl-obbligu li jiddepożita l-flus li jkunu jinsabu fil-wirt stess jew li jidħlu mill-bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli, u li jagħti kont lil min imiss.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 904 ma jgħoddux għall-kuraturi tal-elenku.

905. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-kuratur maħtur biss għall-finijiet imsemmija fl-artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

---

§ III. FUQ IL-QASMA

Il-qasma tal-wirt tista' tintalab f'kull żmien.

906. (1) Tista' dejjem tintalab il-qasma tal-wirt, għalkemm it-testatur ikun ipprojbiha.

Każijiet li fihom tista' tiġi ipprojbita jew sospiża.

(2) Iżda, meta l-werrieta istitwiti jkunu kollha minuri, jew meta xi wieħed minn dawn il-werrieta jkun minuri, it-testatur jista' jipprojbixxi l-qasma tal-wirt bejn il-werrieta sa egħluq sena minn dak in-nhar li l-iżgħar wieħed fosthom isir tal-età.

(3) It-testatur jista' wkoll b'testment jissospendi l-qasma għal żmien mhux aktar minn ħames snin, għalkemm ebda wieħed mill-werrieta ma jkun minuri. Kull dispożizzjoni li tissospendi l-qasma għal żmien iżjed twil, ma tiswiex għaż-żmien li jaqbeż il-ħames snin.

Dispożizzjonijiet li jirregolaw il-qasma.

907. Fil-qasma tal-wirt għandhom jigu mħarsa d-dispożizzjonijiet miġjubin fis-Sub-titoli II u III tat-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi u fl-artikoli 908 sad-912.

Ħatra ta' persuna biex tifforma l-ishma, eċċ.

908. Meta l-partijiet ma jiftehmux bejniethom fuq il-għażla, il-qorti tagħżel persuna sabiex tifforma l-istat ġenerali tal-beni, u tgħid kemm għandu jkun kull sehem tal-wirt u x'għandu jingħata lil kull waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jagħmlu l-qasma.

Preżunzjoni li l-ġid kien jeżisti minn qabel ma sar iż-żwieġ ta' wara.

909. Dak kollu illi, fil-ftuħ tas-suċċessjoni ta' persuna li tkun ħalliet tfal jew dixxendenti oħra minn żewġ żwiġijiet jew iżjed, jinsab fl-assi tagħha, jitqies, fl-interess tat-tfal jew dixxendenti taż-żwieġ ta' qabel, li kien jeżisti f'dak l-assi minn qabel ma sar iż-żwieġ ta' wara, meta ma jiġix ippruvat il-kuntrarju jew b'inventarju li jkun ġie magħmul qabel dan iż-żwieġ ta' wara bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew b'mezzi oħra.

Kap. 12.

Konferiment mill-werrieta. *Emendat: XVIII.2004.94.*

910. Kull wieħed mill-werrieta għandu, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938, jikkonferixxi kull donazzjoni li tkun saret lilu, u kull somma li tagħha jkun debitur.

Formazzjoni ta' ishma ndaqs.

911. Wara li ssir il-kollazzjoni jew isiru l-prelevamenti, l-assi jiġi maqsum f'tant ishma ndaqs daqskemm ikunu l-werrieta jew iċ-ċippijiet li jkunu qegħdin jaqsmu.

Iċ-ċessjonarju ta' sehem ta' wirt jista' jiġi eskluż mill-qasma mill-werrieta l-oħra.

912. (1) Jekk wieħed mill-werrieta jkun ċeda, b'titolu oneruż, il-jeddijiet tiegħu fuq il-wirt lil xi ħadd li ma jkunx ukoll werriet, il-werrieta l-oħra jew wieħed jew iżjed minnhom jistgħu jeskludu liċ-ċessjonarju, allavolja dan ikun qarib tal-mejjet, mill-qasma, billi jħallsu lilu l-prezz taċ-ċessjoni, l-ispejjeż li jkun għamel għal dik iċ-ċessjoni, u l-imgħaxijiet fuq il-prezz minn dak in-nhar li dak il-prezz ikun ġie mħallas minnu liċ-ċedent.

(2) Il-jedd li għandhom il-werrieta l-oħra kif jingħad hawn fuq, jispiċċa wara xahar min-notifika li ssir lilhom ta' dik iċ-ċessjoni, kemm-il darba f'dak iz-żmien huma ma jiddikjarawx li jridu jeżerċitaw dak il-jedd.

(3) Meta wieħed mill-werrieta jkun eżerċita dak il-jedd, il-werrieta l-oħra jistgħu jingħaqdu miegħu, basta li jiddikjaraw dan fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika magħmula lilhom.

(4) Dawn in-notifiki u dikjarazzjonijiet għandhom isiru b'att ġudizzjarju.

---

§ IV.FUQ IL-KOLLAZZJONI

It-tfal jew id-dixxendenti huma obbligati għall-kollazzjoni favur ta' tfal jew dixxendenti oħra. *Emendat: XVIII.2004.95.*

913. (1) It-tfal u d-dixxendenti biss, li jiġu għall-wirt ta' axxendent, sew b'testment kemm *ab intestato*, għandhom jgħoddu akkont tas-sehem tagħhom, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-oħra, li jkunu wkoll werrieta, il-valur ta' dak kollu li jkunu ħadu b'donazzjoni mingħand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona xort'oħra.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għad li t-tfal jew dixxendenti jiġu għall-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju.

Ħelsien mill-obbligu tal-kollazzjoni.

914. Il-ħelsien mill-kollazzjoni jista' jiġi mogħti fl-att stess li bih issir id-donazzjoni, jew b'att wara li jkollu l-formalitajiet meħtieġa sabiex id-donazzjonijiet jew it-testmenti jkunu validi.

Meta d-donazzjoni taqbeż is-sehem li l-mejjet seta' jiddisponi minnu, iż-żejjed hu suġġett għall-kollazzjoni.

915. It-tifel jew dixxendent ma jistax, għalkemm ikun ġie meħlus espressament mill-obbligu tal-kollazzjoni, iżomm id-donazzjoni ħlief sa l-ammont tas-sehem li minnu l-mejjet seta' jiddisponi, u ż-żejjed hu suġġett għall-kollazzjoni.

Werriet li jirrinunzja għas-suċċessjoni jista', jżomm id-donazzjoni. *Emendat: XVIII.2004.96.*

916. Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni jista', b'dan kollu, iżomm id-donazzjoni, jew jitlob il-legat li jkun ġie mħolli lilu, sa l-ammont tas-sehem li minnu l-mejjet seta' jiddisponi, bla ħsara, kemm-il darba dan il-werriet jitlob il-sehem riżervat li jkun imissu skont il-liġi, tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 620(4).

Jekk id-donatarju ma kienx il-werriet preżuntiv fiż-żmien tad-donazzjoni. *Emendat: XVIII.2004.97.*

917. Id-donatarju li ma kienx il-werriet preżuntiv fiż-żmien tad-donazzjoni, iżda illi, fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, ikun jinsab fi grad li jiret, għandu jikkonferixxi l-valur tal-ħwejjeġ li kienu ġew mogħtija lilu, jekk id-donatur ma jkunx ħelsu minn dan l-obbligu.

Id-donazzjonijiet magħmula lid-dixxendent tal-werriet huma meħlusa mill-kollazzjoni.

918. (1) Id-donazzjonijiet magħmulin lid-dixxendent ta' dak li jkun jinsab fi grad li jiret fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, jitqiesu dejjem bħala magħmula mingħajr obbligu tal-kollazzjoni.

(2) L-axxendent, illi jiret lid-donatur, mhux obbligat irodd dawk id-donazzjonijiet.

Id-dixxendent illi jiġi b'jeddu stess għall-wirt mhux obbligat irodd id-donazzjonijiet mogħtija lill-axxendent tiegħu. *Emendat: XVIII.2004.97.*

919. (1) Id-dixxendent, illi jiġi b'jeddu stess għall-wirt tad-donatur, mhux obbligat jikkonferixxi l-valur tal-ħwejjeġ mogħtija lill-axxendent tiegħu, għalkemm huwa jkun aċċeta l-wirt ta' dan l-axxendent.

(2) Iżda, jekk hu jiġi għall-wirt b'jedd ta' rappreżentazzjoni, huwa għandu jikkonferixxi l-valur tal-ħwejjeġ mogħtija lill-axxendent tiegħu, ukoll jekk jirrinunzja għall-wirt ta' dan l-axxendent.

Donazzjonijiet lil żewġ jew mart il-persuna li tkun fi grad li tiret.

920. (1) Id-donazzjonijiet magħmulin lil żewġ jew mart il-persuna li hija fi grad li tiret jitqiesu magħmulin bil-ħelsien mill-obbligu tal-kollazzjoni.

(2) Jekk id-donazzjoni tkun saret lir-raġel u lil martu flimkien, u minn dawn iż-żewg persuni waħda biss tkun fi grad li tiret, is-sehem ta' din hu suġġett għall-kollazzjoni.

Il-kollazzjoni ssir fil-wirt tad-donatur.

921. Il-kollazzjoni ssir biss fil-wirt tad-donatur.

Liema ħwejjeġ huma suġġetti għall-kollazzjoni. *Emendat: XIII.2007.6.*

922. Hu suġġett għall-kollazzjoni dak illi l-mejjet ikun nefaq biex iddota lid-dixxendenti bniet, jew biex għamel donazzjonijiet f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jew biex għamel patrimonju ekkleżjastiku lid-dixxendent, jew biex akkwistalu benefiċċju ekkleżjastiku, jew xi impieg jew stabbiliment, jew biex ħallas id-djun tiegħu jew benefiċċju taħt fondazzjoni jew *trust*.

Dak kollu li hu mħolli b'testment mhux suġġett għal kollazzjoni.

923. Dak kollu li hu mħolli b'testment, ħlief fil-każ ta' dispożizzjoni kuntrarja, mhux suġġett għal kollazzjoni, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 938.

Spejjeż ta' manteniment, eċċ., mhumiex suġġetti għal kollazzjoni.

924. L-ispejjez ta' manteniment, ta' edukazzjoni, u ta' tagħlim, l-ispejjeż tas-soltu f'okkażjoni ta' żwiġijiet, u r-rigali li huwa użu li jingħataw, mhumiex suġġetti għal kollazzjoni.

Utili akkwistati minn konvenzjoni mal-mejjet.

925. Hekk ukoll mhumiex suġġetti għal kollazzjoni l-utili akkwistati minn konvenzjoni magħmula mal-mejjet, basta li din il-konvenzjoni, fiż-zmien li tkun ġiet magħmula, ma kienet tagħti ebda vantaġġ indirett.

Soċjetajiet partikolari magħmula bejn il-mejjet u l-werriet.

926. Lanqas ma tingħata kollazzjoni minħabba xi soċjetajiet partikolari magħmulin mingħajr qerq bejn il-mejjet u wieħed mill-werrieta tiegħu.

Immobbli illi jispiċċa b'aċċident mhux suġġett għal kollazzjoni.

927. *Imħassar: XVIII.2004.98.*

Frottijiet, eċċ., ta' ħwejjeġ suġġetti għal kollazjoni.

928. Il-frottijiet u l-imgħaxijiet tal-ħwejjeġ suġġetti għal kollazzjoni ma jkollhomx jitħallsu ħlief minn dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

Pensjonijiet jew renti mħallsin jew li għandhom jitħallsu mhumiex suġġetti għal kollazzjoni.

929. Il-pensjonijiet jew renti illi d-donatur kien obbliga ruħu li jħallas lid-donatarju fil-ħajja tad-donatur innifsu, sew jekk ikunu ġa tħallsu kemm jekk ikunu għad ma tħallsux, u l-konċessjoni ta' renti, jew ta' imgħaxijiet ta' kapitali, jew ta' frottijiet ta' ħwejjeġ oħra, li għandhom jittieħdu mid-donatarju fil-ħajja tad-donatur, mhumiex suġġetti għal kollazzjoni.

Il-legatarji u l-krediturі ma jistgħux jitolbu l-kollazzjoni.

930. (1) Il-kollazzjoni tingħata biss mid-dixxendent werriet lill-werriet l-ieħor miegħu, kif jingħad fl-artikolu 913.

(2) Bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 938, il-kollazzjoni ma tingħatax lil legatarji jew krediturі tal-wirt, ħlief kemm-il darba d-donatur ikun ordna xort'oħra.

Kif issir il-kollazzjoni. *Sostitwit: XVIII.2004.99.*

931. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn is-subartikoli li ġejjin, il-kollazzjoni ssir billi jingħadd akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Meta l-ħaġa mogħtija tkun tikkonsisti fi ħwejjeġ mobbli konsumabbli bl-użu jew oġġetti ta' lbies jew oġġetti maħsubin għall-użu domestiku tad-donatarju, ma ssir ebda kollazzjoni.

(3) Meta l-ħaġa tkun ġiet trasferita b'titolu oneruż mid-donatarju, il-valur li għandu jiġi kkonferit għandu jkun il-korrispettiv li d-donatarju jkun irċieva għall-ħaġa trasferita jew il-valur tal-ħaġa fiż-żmien tat-trasferiment, skont liema valur ikun l-ogħla.

(4) Meta l-ħaġa tispiċċa b'aċċident, mingħajr ħtija tad-donatarju u bla ma d-donatarju jikseb xi kumpens għat-telf tal-ħaġa, ma ssir ebda kollazzjoni.

Spiża ta' miljoramenti.

932. (1) Fil-każijiet kollha d-donatarju għandu jedd għall-ħlas lura tal-ispejjeż li bihom ikun għamel l-immobbli aħjar milli kien, sa l-ammont li dan l-immobbli jkun b'hekk sar jiswa iżjed, billi jittieħed qies taż-żmien tal-kollazzjoni.

(2) Hu għandu jedd ukoll għall-ħlas lura tal-ispejjeż meħtieġa

li jkun għamel sabiex iżomm l-immobbli fi stat tajjeb, għad li dan l-immobbli ma jkunx b'hekk sar aħjar milli kien.

(3) Id-donatarju, mill-banda l-oħra, iwieġeb għal kull ħaġa li titgħarraq bi ħtija tiegħu u illi tkun tnaqqas il-valur tal-immobbli.

Jekk id-donatarju jittrasferixxi l-immobbli.

933. *Imħassar: XVIII.2004.100.*

Donazzjoni iżed mis-sehem li minnu seta jagħmel id-donatur.

934. Jekk id-donatur ikun ħeles lid-donatarju mill-obbligu tal-kollazzjoni, u d-donazzjoni tkun iżjed mis-sehem li minnu seta' jagħmel id-donatur, il-kollazzjoni ta' dak li jaqbeż dan is-sehem issir skont ir-regoli miġjubin fl-artikolu 653.

Jedd tal-werriet li jżomm il-ħaġa li jikkonferixxi.

935. *Imħassar: XVIII.2004.100.*

Kollazzjoni ta' ħwejjeġ mobbli.

936. *Imħassar: XVIII.2004.100.*

Kollazzjoni tal-flus.

937. *Imħassar: XVIII.2004.100.*

Jekk il-werriet, eċċ., li għandu l-jedd għas-sehem riżervat, jitlob li jiġu mnaqqsa l-ħwejjeġ mogħtija lill-oħrajn. *Emendat: XVIII.2004.101.*

938. (1) B'dak kollu li jingħad fl-artikoli 923 u 930, jekk id-donatarju jew legatarju li għandu jedd għas-sehem riżervat, jitlob li tiġi mnaqqsa xi dispożizzjoni magħmula favur donatarju, werriet ieħor, jew legatarju wkoll jekk barrani, minħabba illi dik id-dispożizzjoni tkun taqbeż is-sehem illi l-mejjet seta' jagħmel minnu, għandu jqis bħala meħudin akkont tas-sehem riżervat tiegħu, id-donazzjonijiet u l-legati magħmulin lilu, meta ma jkunx ġie meħlus espressament minn dan.

(2) Dan il-ħelsien m'għandux effett bi ħsara ta' donatarju qabel fiż-żmien.

(3) Kull ħaġ'oħra illi, skont ir-regoli imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan, hija meħlusa mill-kollazzjoni, hija wkoll meħlusa milli titqies bħala meħuda akkont.

---

§ V.FUQ IL-ĦLAS TAD-DJUN

Kif il-werrieta joħorġu sehem bejniethom għall-ħlas tad-djun.

939. (1) Il-werrieta jħallsu bejniethom id-djun tal-wirt f'dik il-proporzjon u b'dak il-mod illi jkun ordna t-testatur.

(2) Jekk il-mejjet ma jkunx għamel testment jew ma jkunx ordna kif għandhom jitqassmu d-djun, il-werrieta jħallsu d-djun kull wieħed minnhom fil-proporzjon ta' sehmu fil-wirt.

Kull wieħed mill-werrieta hu obbligat quddiem il-kredituri skont ma jkun sehmu.

940. (1) Fil-każijiet kollha, quddiem il-kredituri, kull wieħed mill-werrieta hu obbligat personalment għad-djun tal-wirt, skont ma jkun sehmu.

(2) Iżda, jekk wieħed mill-werrieta jkollu l-pussess ta' ħwejjeġ ipotekati għad-dejn, huwa jkun, kwantu għal dawk il-ħwejjeġ, obbligat b'ipoteka għad-dejn kollu, bla ħsara tal-jedd li jdur kontra l-werrieta l-oħra.

Jedd tal-werriet illi jħallas id-dejn kollu, kontra l-werrieta l-oħra.

941. (1) Dak fost il-werrieta illi, minħabba l-ipoteka, ikun ħallas iżjed minn sehmu ta' dejn komuni, m'għandux jedd idur kontra l-werrieta l-oħra ħlief għas-sehem li kull wieħed minnhom ikun imissu jagħti personalment, allavolja meta ħallas id-dejn, ikun ġie mdaħħal fil-jeddijiet tal-kreditur.

(2) Iżda, il-werriet illi, bis-saħħa tal-benefiċċju tal-inventarju, ikun żamm il-jedd li jitlob il-ħlas tal-kreditu tiegħu nnifsu, jista', bħal kull kreditur ieħor, jitlob il-ħlas ta' dan il-kreditu, bit-tnaqqis tal-biċċa li hu għandu jbati bħala wieħed mill-werrieta.

Insolvenza ta' wieħed mill-werrieta.

942. Jekk wieħed mill-werrieta ma jkunx solvibbli, is-sehem tiegħu tad-dejn ipotekarju jinqasam fuq il-werrieta l-oħra kollha, kull wieħed skont sehmu.

Il-firda ta' patrimonju minn ieħor.

943. Il-krediturі tal-wirt u l-legatarji jistgħu jitolbu l-firda tal-patrimonju tal-mejjet minn dak tal-werriet, stabbilita fl-artikoli 2096 sa l-2106.

Il-legatarju mhux obbligat iħallas id-djun tal-wirt.

944. Il-legatarju mhux obbligat iħallas id-djun tal-wirt, iżda bla ħsara tal-jedd tal-krediturі, meta hemm dan il-jedd, għall-azzjoni ipotekarja fuq il-fond imħolli b'legat, u bla ħsara wkoll tal-eżerċizzju tal-benefiċċju tal-firda ta' patrimonju minn ieħor hawn fuq imsemmi.

Il-legatarju li jħallas id-dejn jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur.

945. Il-legatarju li jkun ħallas id-dejn li għalih il-fond imħolli b'legat kien ipotekat, jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur kontra l-werrieta.

---

§ VI. FUQ L-EFFETTI TAL-QASMA U L-GARANZIJA TA' L-ISHMA

Wara l-qasma l-werriet hu magħdud li hu suċċessur waħdu u dirett fil-beni li jagħmlu s-sehem tiegħu.

946. Kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li messu lilu b'liċitazzjoni, u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni l-oħra tal-wirt.

Il-werrieta jagħmlu tajjeb wieħed lill-ieħor għall-molestja u l-evizzjoni.

947. (1) Il-werrieta jagħmlu tajjeb wieħed lill-ieħor għall-molestja u l-evizzjoni, iżda biss kemm-il darba din il-molestja u evizzjoni jkunu ġejjin minn raġuni li kienet teżisti minn qabel il-qasma.

(2) L-obbligu ta' din il-garanzija jispiċċa, jekk il-werriet ibati l-evizzjoni bi ħtija tiegħu.

Il-partijiet jistgħu jiftiehmu li ma jagħmlux tajjeb wieħed lill-ieħor.

948. Il-partijiet li jagħmlu l-qasma jistgħu jiftiehmu li ma jagħmlux tajjeb wieħed lill-ieħor; u f'dan il-każ igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1411 u 1412.

Effetti tal-garanzija.

949. (1) Kull wieħed mill-werrieta hu obbligat personalment, skont ma jkun sehmu fil-wirt, li jindennizza lill-werriet sieħbu tat-telf li dan ibati bl-evizzjoni.

(2) Jekk xi wieħed mill-werrieta ma jkunx solvibbli, is-sehem li hu jkun imissu jħallas jiġi, fil-proporzjon imsemmija fis-

subartikolu (1), maqsum bejn il-persuna garantita u l-werrieta l-oħra kollha li jkunu solvibbli.

Garanzija għall-ħlas tad-djun.

950. (1) Il-werrieta huma garanti lejn xulxin tas-solvibbilità tad-debituri tal-wirt.

(2) Dik il-garanzija ddum isseħħ biss għaż-żmien li jinħtieġ għall-proċeduri meħtieġa biex jinġabar il-kreditu.

Il-garanzija għas-solvibbilità ta' debitur ta' renta ddum isseħħ ħames snin.

951. Il-garanzija għas-solvibbilità ta' debitur ta' renta ma ddumx isseħħ iżjed minn ħames snin mill-qasma.

Debitur li jsir insolvibbli wara l-qasma.

952. Ma hemmx lok għall-garanzija meta d-debitur isir insolvibbli wara li tkun saret il-qasma.

---

§ VII. FUQ IL-QASMA MAGĦMULA MILL-MISSIER, JEW L-OMM, JEW MINN AXXENDENTI OĦRA, BEJN ID-DIXXENDENTI TAGĦHOM

Il-ġenituri jistgħu jqassmu ġidhom bejn uliedhom. *Emendat: XXIII.2017.73.*

953. Il-ġenituri, u l-axxendenti l-oħra jistgħu jaqsmu u jqassmu ġidhom bejn uliedhom u d-dixxendenti tagħhom, u fil-qasma jistgħu idaħħlu wkoll l-biċċa li mhix disponibbli.

Il-qasma tista' ssir b'testment jew b'att bejn il-ħajjin.

954. (1) Dik il-qasma tista' ssir b'att bejn il-ħajjin jew b'testment, bil-formalitajiet, u taħt il-kondizzjonijiet u r-regoli stabbiliti għad-donazzjonijiet u għat-testmenti.

(2) Jekk il-qasma ssir b'att bejn il-ħajjin, ma jistgħux jidħlu fiha ħlief il-beni preżenti.

Il-beni mhux imdaħħlin fil-qasma jinqasmu skont il-liġi.

955. Jekk fil-qasma ma jkunux ġew imdaħħlin il-beni kollha mħollija mill-axxendent fiż-żmien tal-mewt tiegħu, il-beni li ma jkunux ġew imdaħħlin jiġu maqsuma skont il-liġi.

Il-qasma ma tiswiex jekk ma ssirx bejn it-tfal kollha.

956. (1) Il-qasma li ma tkunx saret bejn it-tfal kollha li jkunu ħajjin fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni u d-dixxendenti tat-tfal li jkunu mietu qabel illi jkollhom il-jedd għas-suċċessjoni, hija nulla *in toto*.

(2) F'dan il-każ, it-tfal jew id-dixxendenti illi ma jkunux ġew imdaħħlin fil-qasma, kemm ukoll dawk illi bejniethom tkun saret il-qasma, jistgħu jitolbu qasma mill-ġdid.

Meta l-qasma tista' tiġi attakkata. *Emendat: LVIII.1975.5; XVIII.2004.102.*

957. Il-qasma magħmula minn axxendent tista' tiġi attakkata meta minn dik il-qasma jew minn dispożizzjonijiet oħra magħmulin mill-axxendent, jinsab illi xi wieħed minn dawk li bejniethom ġew maqsuma l-beni bata ħsara fis-sehem tas-sehem riżervat tiegħu.

In-nullità tal-qasma ma ġġibx in-nullità ta' dispożizzjonijiet oħra.

958. In-nullità tal-qasma ma ġgibx in-nullità tad-dispożizzjonijiet li b'esekuzzjoni tagħhom il-qasma tkun saret, lanqas jekk bl-att tal-qasma jkun ħa ġid wieħed barrani.

---

§ VIII. FUQ SUĊĊESSJOINIJIET TRANSKONFINALI

Miżjud: *XVI.2015*.6.

958A. Għall-finijiet ta' dan is-Sub-Titolu: Tifsir. *Miżjud: XVI.2015.6.*

"suċċessjoni transkonfinali" tinkludi suċċessjoni meta tiġri waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(*a*) il-mejjet kellu proprjetà jew attiv f'iżjed minn pajjiż wieħed; jew

(*b*) il-mejjet, fil-mument tal-mewt tiegħu, kien abitwalment residenti f'pajjiż ieħor għajr il-pajjiż li tiegħu huwa kien ċittadin; jew

(*ċ*) il-mejjet għamel dispożizzjoni ta' proprjetà għal wara mewtu f'pajjiż ieħor għajr il-pajjiż li tiegħu huwa kien ċittadin; jew

(*d*) il-benefiċjarji tas-suċċessjoni huma abitwalment residenti jew huma ċittadini f'iżjed minn pajjiż wieħed;

"Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni" tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fil-Kapitolu VI tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni;

"ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju, 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjonijiet, inkluż kull emenda li tista' ssir fil-futur lir-Regolament imsemmi.

958B. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni għandhom japplikaw għal suċċessjonijiet transkonfinali mis-17 ta' Awwissu, 2015 'il quddiem. Applikabilità. *Miżjud: XVI.2015.6.*

958Ċ. (1) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun il-qorti kompetenti li tittratta rikorsi għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà skont l-Artikoli 45, 60 u 61 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni. Qorti kompetenti. *Miżjud: XVI.2015.6.*

(2) Fid-deċiżjoni tagħha dwar rikors għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà, il-qorti għandha tordna lir-Reġistratur tal-Qrati li jara li kopja tad-deċiżjoni tagħha tiġi notifikata lir-rikorrent skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni. Il-qorti għandha tindika l-mod ta' kif dik in-notifika għandha titwettaq.

(3) Ir-rikorrent għandu jinnotifika d-deċiżjoni dwar ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà lill-parti jew partijiet li kontrihom ikun qed jintalab l-infurzar skont l-Artikolu 49(2) tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni.

(4) Il-qorti kompetenti f'Malta biex tqis appelli kontra deċiżjonijiet fuq rikorsi bħal dawn skont l-Artikolu 50 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni għandha tkun il-Qorti tal-Appell kif kostitwita skont l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(5) Appell kontra xi deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dwar rikors għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà skont l-Artikolu 50 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni għandu jsir permezz ta' rikors

u għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum li għandhom jibdew jiddekorru kif ġej:

(*a*) fil-każ ta' appell imressaq mir-rikorrent, mid-data meta d-deċiżjoni tkun inġiebet għall-attenzjoni tiegħu skont is-subartikolu (2); u

(*b*) fil-kaz ta' appell imressaq mill-parti l-oħra mid-data meta d-deċiżjoni tkun ġiet notifikata lil dik il-parti skont is-subartikolu (3).

Kap. 12.

(6) Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għal deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell fuq appell minn deċiżjoni dwar dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà.

L-awtoritajiet kompetenti li joħorġu Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. *Miżjud: XVI.2015.6.* Kap. 55.

958D. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 958E(3) u (4), l-awtoritajiet kompetenti f'Malta biex joħorġu Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni skont l-Artikolu 64 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni għandhom ikunu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) u n-nutara li jkollhom il-*warrant* sabiex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom skont l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.

Kompetenza. *Miżjud: XVI.2015.6.*

958E. (1) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) għandha l-kompetenza li toħroġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni fil-każijiet kollha.

(2) Nutar jista' joħroġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni biss meta l-benefiċjarji kollha tas-suċċessjoni jkunu ftiehmu fuq il-kontenut taċ-ċertifikat u taw il-kunsens tagħhom bil-miktub lin-nutar sabiex jissokta bil-ħruġ taċ-ċertifikat.

(3) Nutar ma jistax joħroġ Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni:

(*a*) meta jkun sar rikors għall-ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat li jkollu x'jaqsam mas-suċċessjoni tal-istess persuna quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) qabel il-ħruġ ta' xi ċertifikat;

(*b*) meta l-ftehim tal-benefiċjarji kollha tas-suċċessjoni skont is-subartikolu (2) ma jkunx intlaħaq; jew

(*ċ*) meta n-nutar ikun jaf li teżisti tilwima li jkollha x'taqsam mal-wirt jew mal-ġid jew ma' partijiet mill-ġid tal-mejjet.

(4) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (3), in-nutar jew l-avukat jista', fuq talba ta' kull persuna msemmija fl-Artikolu 63(1) tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni, jagħmel rikors lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) f'isem dik il-persuna għall-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "benefiċjarji tas-suċċessjoni" tfisser il-werrieta u l-legatarji tas-suċċessjoni, u jekk ikun hemm, l-esekuturi testamentarji.

Reġistrazzjoni tar-rikors. *Miżjud: XVI.2015.6.*

958F. Meta tirċievi rikors għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni fil-forma preskritta fl-Artikolu 65 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni, l-awtorità emittenti għandha tirreġistra r-rikors mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'nota ta' iskrizzjoni fi

żmien sebat ijiem mid-data ta' meta tirċievi r-rikors.

Persuni interessati. *Miżjud:* *XVI.2015.6.*

958G. Jekk ikun jidher mill-kontenut tar-rikors, jew mill-eżami, jew mill-informazzjoni miksuba, li xi terza persuna tkun interessata fil-kwistjoni, l-awtorità emittenti għandha tordna li r-rikors jiġi notifikat lil dik il-persuna interessata.

Stħarriġ dwar ir-rikors. *Miżjud:* *XVI.2015.6.* Kap. 12.

958H. (1) Fl-istħarriġ dwar ir-rikors, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) għandu jkollha s-setgħat kollha msemmija fit-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Jekk ir-rikors ikun jinvolvi xi liġi barranija, il-qorti tista' taħtar persuna waħda jew iżjed li tkun kwalifikata b'mod xieraq minħabba l-għarfien jew l-esperjenza tagħha li tipproduċi opinjoni raġunata bil-miktub, sabiex tagħti xhieda esperta dwar il-liġi ta' kull stat barrani ieħor.

Żamma u reġistrazzjoni ta' kull rikors u kull Ċertifikat. *Miżjud:* *XVI.2015.6.*

958I. (1) Kull rikors għal Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni u kull Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni maħruġ għandhom jinżammu u jiġu reġistrati mill-awtorità emittenti. In-nutar għandu jkun marbut ukoll li jżomm maċ-Ċertifikat il-kunsens bil-miktub li jissemma fl-artikolu 958E(2).

(2) Jekk ir-rikors ikun ġie ppreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), ir-rikors u ċ-ċertifikat għandhom jinżammu fir-Reġistru tal-Qorti.

(3) Ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-mejjet li s-suċċessjoni tiegħu tkun qed tiġi determinata permezz taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

(4) Għandhom jinżammu wkoll indiċijiet regolari għar-rikorsi kollha u għaċ-ċertifikati kollha maħruġa.

Kopji ċċertifikati taċ-Certifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. *Miżjud:* *XVI.2015.6.Miżjud:* *XVI.2015.6.*

958J. (1) L-awtorità emittenti għandha toħroġ kopja ċċertifikata waħda jew iżjed taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni lir-rikorrent u lil kull persuna li turi interess leġittimu fis-suċċessjoni tal-mejjet. Fil-każijiet kollha, l-awtorità emittenti għandha żżomm lista tal-persuni li jkunu nħarġulhom il-kopji ċċertifikati. Dik il-lista għandha tkun aċċessibbli għal kull persuna li turi interess leġittimu.

(2) L-awtorità emittenti għandha, fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-ħruġ taċ-Ċertifikat, tippreżenta nota ta' iskrizzjoni lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jirreġistra ċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni skont hekk.

(3) In-nota ta' iskrizzjoni għandu jkun fiha d-data u x-xorta tal-att, l-isem tal-mejjet, it-tismija tal-awtorità emittenti u d-data tal-ħruġ taċ-Ċertifikat.

(4) Kull rettifika, modifika jew irtirar taċ-Ċertifikat li jsir mill-awtorità emittenti għandhom jiġu reġistrati wkoll mad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota ta' iskrizzjoni fi żmien ħmistax-il jum mid-data tar-rettifika, modifika jew irtirar taċ-Ċertifikat.

Kontestazzjoni ta' deċiżjoni tal-awtorità emittenti.

958K. (1) Għall-finijiet tal-Artikolu 72 tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni, deċiżjonijiet tal-awtorità emittenti skont l-Artikolu 67, Artikolu 71 u l-punt (a) tal-Artikolu 73(1) tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' rikors ġuramentat bil-mod imsemmi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ir-rikors ġuramentat għandu jkun ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tkun l-awtorità ġudizzjarja kompetenti għal dan il-għan.

Kap. 12.

(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors ġuramentat tiġi notifikata lil kull persuna li jkollha interess fil-kwistjoni, li jkollha għoxrin jum li matulhom tkun tista' tippreżenta risposta.

(3) Appell kontra sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont is-subartikolu (1) għandu jsir permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Appell u għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza.

Kap. 12.

(4) Il-mod kif jitmexxa appell kif imsemmi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandu japplika *mutatis mutandis*.

Titolu IIIA

FUQ *TRUSTS* U L-EFFETTI TAGĦHOM

Trusts u regoli applikabbli. *Miżjud: XIII.2004.39. Enumerat mill-ġdid: XVI.2015.5.*

958L. (1) Il-proprjetà taħt *trusts* għandha tkun regolata bil-liġi speċjali dwar *trusts* u safejn applikabbli bir-regoli espressament provduti ta' dan il-Kodiċi dwar *trusts*.

Operazzjonijiet dwar proprjetà taħt *trusts*.

(2) (*a*) Dawk l-operazzjonijiet li jirreferu għal proprjetà, inkluż -

(i) it-tqegħid ta' proprjetà taħt *trusts* ukoll jekk tkun magħmula b'dikjarazzjoni unilaterali jew tirriżulta minn deċiżjoni jew b'ordni ta' qorti;

(ii) it-tqassim, l-applikazzjoni jew l-avvanz ta' proprjetà minn *trustee* lil xi benefiċjarju;

(iii) ir-reverżjoni ta' proprjetà lis-*settlor* jew lill-patrimonju tiegħu meta *trust* ifalli jew ikun mitmum;

(iv) iċ-ċessjoni, vestiment jew trasferiment ta' proprjetà taħt *trusts* mingħand *trustee* lil *trustee* ieħor taħt l-istess *trusts*,

ikunu soġġetti għal-liġijiet speċjali li jirreferu għal *trusts* u l-effetti tagħhom meta dawk l-operazzjonijiet jinqalgħu bl-operat tal-liġi jew jitmexxew fil-forma u bil-mod meħtieġ bil-liġi applikabbli.

(*b*) Meta dawk l-operazzjonijiet ikunu maħsuba biex isir trasferiment tal-proprjetà jew jeddijiet oħra għal ħwejjeġ jew fi ħwejjeġ mingħand persuna għal oħra,

dawk l-operazzjonijiet għandhom iħarsu l-ħtiġiet applikabbli kollha għat-trasferiment tal-proprjetà ta' dawk il-ħwejjeġ, magħduda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 996 meta jkunu applikabbli, u meta hekk jitwettqu għandhom -

(i) ikunu modi effettivi ta' trasferiment tal-proprjetà jew jeddijiet oħra għal dawk il-ħwejjeġ jew fihom;

(ii) jirriżultaw fil-ħolqien jew tmiem ta' interessi li jistgħu jkunu inforzati legalment f'dawk jew għal dawk il-ħwejjeġ favur dawk il-persuni kif provdut bil-liġijiet speċjali dwar *trusts*; u

(iii) joperaw kontra terzi.

(*ċ*) L-unika kawża għall-validità ta' dawk l-operazzjonijiet tista' tkun l-impożizzjoni jew assunzjoni, it-twettiq, jew it-tmiem, skont il-każ, ta' obbligi li jistgħu jkunu inforzati legalment fuq jew minn *trustee* dwar dawk il-ħwejjeġ.

Disponiment minn *trustees* ta' proprjetà. *Emendata: XIII.2007.3.*

(3) *Trustee* jista' validament jiddisponi minn, u jittrasferixxi, proprjetà ta' *trust* lil terzi minkejja kull dritt ta' porzjoni riservata li jinħoloq mill-applikazzjoni tal-artikoli minn 615 sa 653 u tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi dwar it-tnaqqis ta' proprjetà ta' *trust*.

Trust statutorju favur il-persuna li jkollha d-dritt għall-porzjoni riservata li tagħmel talba. *Emendat: XIII.2007.3.*

(4) F'kull każ meta, wara l-mewt tas-*settlor*, it-*trustee* ikun formalment notifikat b'talba għal porzjoni riservata f'ċirkostanzi fejn proprjetà ta' *trust* għandha tinbiegħ, it-*trustee* għandu jżomm fit-*trust* għall-benefiċċju ta' kull ma jagħmel talba għal dak id-dritt somma fi flus li l-valur tagħha jkun ibbażat fuq il-valur tat-trasferiment nett tal-proprjetà fiż-żmien tat-trasferiment sakemm it-talba għall-porzjoni riservata tkun deċiża jew tkun skadiet.

(5) Jekk proprjetà ta' *trust* tkun soġġetta għal talba għal porzjoni riservata jew, meta tkun inbiegħet, id-dħul mill-bejgħ ikun diġà tqassam lil kull benefiċjarju, it-talba għall-porzjoni riservata tista' ssir kontra dak il-benefiċjarju daqslikieku kien werriet, legatarju jew donatarju, skont il-każ, u jekk jifdal xi proprjetà taħt dawk it-*trusts*, proporzjonalment bejn il-proprjetà tat-*trust* u l-benefiċjarju.

It-*trustee* iżomm il-valur għal ħames snin għall-persuna li jkollha d-dritt għall-porzjoni riservata. *Emendat: XIII.2007.3.*

(6) L-obbligu tat-*trustee* li jżomm il-valur provdut fis-subartikolu (4) għandu jseħħ biss għal perijodu perentorju ta' ħames snin mid-data tal-mewt tal-persuna mejta. Dan ma jippreġudikax id-dritt ta' xi ħadd li jagħmel talba dwar proprjetà oħra li tagħmel parti mill-eredità iżda li ma tkunx imqiegħda fi *trust*.

Limitazzjoni fuq drittijiet ta' tgawdija tal-benefiċċju. *Miżjud: XIII.2004.39. Emendat: XIII.2007.3, 7. Enumerat mill-ġdid: XVI.2015.5.*

958M. (1) *Trusts* għall-benefiċċju ta' persuna li ma tkunx kapaċi li tirċievi proprjetà, sew b'dispożizzjoni testamentarja jew b'donazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew b'mod assolut jew iktar milli permess b'dan il-Kodiċi, ikunu soġġetti għal tnaqqis sħiħ jew għall-parti żejda skont dan l-artikolu:

Iżda f'każ ta' membri tal-ordnijiet monastiċi jew tax-xirkiet reliġjużi ta' regolari, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 611 għandhom japplikaw għal *trusts* favur dawk il-persuni *mutatis mutandis*.

Tnaqqis ta' proprjetà li titqiegħed fi *trust*. Kap. 331.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6B tal-Att dwar it-Trusts u t-Trustees, ħlief f'każijiet meta t-*trustee* jeżerċita setgħa ta' varjazzjoni jew xort'oħra jaġixxi sabiex iħares id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, proprjetà mqiegħda fi *trust* għandha titnaqqas għas-sehem permess bil-liġi jekk fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni tas-*settlor* tinsab li tkun teċċedi s-sehem tal-beni tiegħu li minnu jista' jiddisponi:

Iżda meta l-proprjetà ta' *trust* titnaqqas, l-eċċess tal-proprjetà għandu jinżamm mit-*trustee* assolutament għall-werrieta tas-*settlor* jew għall-benefiċċju tal-persuni li jkollhom dritt għalih, skont il-każ.

(3) Meta l-benefiċjarju li jkollu dritt għall-proprjetà li tkun aktar minn dak permess bil-liġi jkun il-parti l-oħra fiż-żwieġ tas-*settlor*, dak l-eċċess ta' proprjetà għandu jinżamm taħt *trust* separat għall-użu u tgawdija tal-frott għal tul il-ħajja ta' dik il-parti l-oħra fiż-żwieġ u, bla ħsara għall-kondizzjonijiet tat-*trust,* wara għall-werrieta tas-*settlor* taħt dritt assolut.

(4) Ir-regoli stabbiliti bl-artikolu 621 u bl-artikoli 647 sa 653, dwar it-tnaqqis ta' dispożizzjonijiet testamentarji, għandhom ikunu mħarsa dwar it-tnaqqis ta' proprjetà li titqiegħed fi *trust*, bla ħsara għad-dispoizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

(5) It-tnaqqis ta' proprjetà mqiegħda fi *trust* tista' tintalab biss minn dawk li favur tagħhom il-liġi riżervat sehem tal-proprjetà tal-mejjet, u mill-werrieta tagħhom jew minn oħrajn li jagħmlu t-talba għalihom u -

(*a*) bla ħsara għall-artikolu 1240, dawk il-persuni ma jistgħux jirrinunzjaw dak id-dritt matul il-ħajja tas-*settlor*, sew b'dikjarazzjoni espressa sew bil-kunsens għal dak it-tqegħid fi *trust*;

(*b*) donatarji, legatarji jew kredituri tal-mejjet ma jistgħux jitolbu t-tnaqqis tal-proprjetà fi *trust* jew jibbenefikaw minnu;

(*ċ*) *trusts* li jifformaw parti minn operazzjoni kummerċjali ma jistgħux jitnaqqsu bl-ebda mod sakemm ma tkunx intemmet l-operazzjoni kummerċjali, meta l-proprjetà residwali tkun soġġetta għar-regoli msemmija f'dan l-artikolu.

Benefiċċju ta' diskussjoni ta' proprjetà oħra.

(6) Ebda tnaqqis ta' proprjetà mqiegħda fi *trust* ma jista' jsir sakemm il-valur tal-proprjetà kollha mqassma taħt xi testment ikun eżawrit u meta jiġri dak it-tnaqqis, dan għandu jinbeda bl-aħħar tqegħid fit-*trust* u hekk suċċessivament, mill-aħħar sat-tqegħid

preċedenti.

(7) Id-dritt li jinħoloq bit-tnaqqis ta' proprjetà tat-*trust* huwa li jkun riċevut il-valur u ma jkun hemm ebda dritt ta' restituzzjoni ta' proprjetà fi speċi.

(8) Sal-limitu ta' dak li ma jkunx tqassam qabel avviż għal talba, it-*trustee* għandu jirrestitwixxi il-frott ta' dik il-parti tal-proprjetà li tqiegħdet fit-*trust* li teċċedi s-sehem disponibbli mill-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni tas-*settlor* jekk l-azzjoni għat-tnaqqis tkun inġiebet fi żmien sena, xort'oħra mid-data tat-talba. Fil-każ imsemmi fl-artikolu 958A(4), min jagħmel it-talba jkollu dritt għall-imgħax fuq il-valur mimum għall-benefiċċju tiegħu bir-rata mħallsa mill-banek fuq kontijiet ta' tifdil mid-data tan-notifika tat-talba tiegħu lit-*trustee* jew mid-data li fiha t-*trustee* jirċievi r-rikavat, skont liema jiġri l-aħħar.

(9) Salvi d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trusts u t-Trustees, kemm-il darba l-kondizzjonijiet tat-*trust* ma jeskludux espressament dak l-effett:

Effetti ta' talba għall-porzjoni riservata. *Emendat: XIII.2007.3, 7.* Kap. 331.

(*a*) persuna li titlob il-porzjoni riżervata ra, rigward proprjetà mqiegħda fi *trust*, titlef kull benefiċċju taħt it-*trust*; u

(*b*) id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 620(4) għandhom japplikaw dwar kull qligħ li jkun riċevut skont il-kondizzjonijiet tat-*trust*.

(10) Meta l-benefiċċju għall-benefiċjarju jkun jikkonsisti fl-użu u fit-tgawdija ta' proprjetà u t-tgawdija tal-frott tagħha jew f'vitalizju, u jkun jidher li l-valur tal-fond tat-*trust* jeċċedi s-sehem tal-beni li minnu jista' jiddisponi s-*settlor*, il-persuni li jkollhom dritt għall-porzjoni riservata jistgħu jitolbu:

(*a*) jew il-porzjoni riservata u jitilfu l-benefiċċji kollha taħt it-*trust* u kull testment, jekk ikun hemm; jew

(*b*) jirċievu mingħand it-*trustee* wara l-mewt tal-imsemmi benefiċjarju u minkejja kull kondizzjoni tat-*trust*, ammont li jkun daqs l-imsemmija porzjoni riservata u mgħax ta' 5% fis-sena mingħajr kumulu sal-valur tal-proprjetà tat-*trust* li jkun fadal f'dak iż-żmien u f'dak il-każ ma jkollhomx dritt għal benefiċċji taħt it-testment jew it-*trust*. Dak li jifdal mill-proprjetà tat-*trust* għandu wara jkun applikat skont il-kondizzjonijiet tat-*trust*; jew

(*ċ*) jagħżlu li ma jagħmlux talba u jgawdu l-benefiċċji kollha taħt xi *trust* jew xi testment.

(11) Meta, fil-każ imsemmi fis-subartikolu minnufih qabel dan, il-benefiċjarju jkun soġġett għal diżabilità mentali jew fiżika li tagħmlu inkapaċi li jista' jmantni lilu nnifsu, jekk fil-fehma tat-*trustee* il-proprjetà tat-*trust* ma tkunx tista' tinqasam, tinbiegħ jew titnaqqas biex tissodisfa t-talbiet tal-persuna li jkollha d-dritt għall-porzjoni riservata skont is-subartikolu (10)(*a*) mingħajr ma jkunu preġudikati materjalment l-interessi tal-imsemmi benefiċjarju, it-*trustee* jista' jagħmel rikors lill-Qorti u l-Qorti tista' tordna li l-proprjetà ma tinbiegħx, ma tkunx maqsuma jew ma titnaqqasx sal-

mewt tal-imsemmi benefiċjarju. Barra minn hekk f'każ bħal dan -

(*a*) il-benefiċjarju ma jkollux dritt li jitlob it-tnaqqis tat-*trust* imqiegħed favur tiegħu u jitlob il-porzjoni riżervata mit-*trustee* jew mill-eredi jew minn xi persuna oħra ħlief li jekk il-proprjetà mqiegħda fi *trust* ma tkunx daqs jew aktar mill-porzjoni riżervata, dik il-persuna tista' titlob minn kull persuna ħlief mit-*trustee* li s-somma lilha dovuta bħala porzjoni riżervata titqiegħed fit-*trust* imqiegħed favur tagħha; u

(*b*) kull persuna oħra li jkollha d-dritt għall-porzjoni riservata jkollha dritt li tagħżel li tapplika s-subartikolu (10)(*b*) fil-ħin tal-mewt tal-benefiċjarju kemm-il darba ma tkunx għamlet għażla skont is-subartikolu (10)(*ċ*) fi żmien ħames snin mill-mewt tas-*settlor*;

(*ċ*) it-*trustee* jitqies li jkollu s-setgħa u l-interess ġuridiku li jagħmel kull talba għall-porzjoni riżervata li tkun dovuta lill-benefiċjarju kontra kull persuna oħra u li jirċievi kull somma dovuta fit-*trust* stabbilit għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.

(12) Il-persuni li jkollhom dritt għall-porzjoni riservata jistgħu jagħmlu kull waħda mill-għażliet fuq imsemmija b'avviż bil-miktub lit-*trustee* u lill-werrieta jew eżekuturi l-oħra tal-wirt.

Preskrizzjoni.

(13) L-azzjoni għal tnaqqis, sew kontra *trustees* jew terzi, tkun preskritta malli jgħaddu ħames snin li jkunu kalkolati mill-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni. L-imsemmi żmien jgħodd ukoll kontra minuri u persuni interdetti u ma jkunx jista' jkun sospiż jew interrott b'att ġudizzjarju jew xort'oħra.

(14) It-tqegħid u ż-żamma ta' proprjetà taħt *trusts* ma titqiesx li tkun bi ksur tad-dispożizzjonijiet mandatorji tal-liġi li jirrigwardaw il-porzjoni riservata ta' xi persuna jekk it-*trust* għandu jżomm il-proprjetà:

(*a*) temporanjament u mingħajr kondizzjonijiet għal persuna li hi intitolata għal dik il-proprjetà taħt *trusts* fissi; jew

(*b*) sakemm isir kalkolu biex tiġi stabbilita l-porzjoni riservata u minn hemm 'il quddiem biex iżomm il-proprjetà taħt *trust* fiss għal, jew biex iqassam il-porzjoni riservata lil, dik il-persuna li tkun intitolata għal dik il-proprjetà; jew

(*ċ*) għal persuna li tbati minn diżabilità mentali jew fiżika skont s-subartikolu (11).

Persuni li m'humiex denji li jirċievu taħt *trusts*. *Miżjud: XIII.2004.39. Enumerat mill-ġdid: XVI.2015.5.*

958N. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 605 għandhom japplikaw għal *trusts* bl-istess mod kif japplikaw għal testmenti, u fil-każijiet hemmhekk maħsuba, *trusts* favur persuna bħal dik ikunu jistgħu jinġiebu fit-tmiem fuq it-talba tat-*trustee* jew xi persuna li jkollha interess.

(2) Minkejja li proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust* mingħajr irriżerva tad-dritt tar-revoka jew varjazzjoni, *settlor* jista' jitlob il-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet tat-*trust* għar-raġunijiet speċifikati fl-artikolu 1787 u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1788 u 1790 u dawk tal-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trusts u t-Trustees għandhom japplikaw. Kap. 331.

Applikazzjoni tar-regoli għal tqegħid ta' proprjetà fi *trust*. *Miżjud:* XIII.2004.39. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958O. Meta jkunu jeżistu kemm donazzjonijiet kif ukoll tqegħid ta' proprjetà fi *trust*, sabiex tkun stabbilita l-ordni tal-operazzjonijiet u ħwejjeġ oħra għall-fini ta' tnaqqis ta' -

(*a*) donazzjonijiet skont is-Subtitolu VI tat-Titolu XIV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb, u

(*b*) it-tqegħid ta' proprjetà fi *trust skont* dan it-Titolu,

donazzjonijiet u tqegħid ta' proprjetà fi *trust* għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-istess xorta ta' operazzjonijiet u jkunu soġġetti għal tnaqqis li jibda mal-aħħar fid-data kemm-il darba s-*settlor* jew id-donatur ma jkunx espressament għamel l-ordni li jkun jixtieq tiġi applikata għal dak l-għan.

Proprjetà ta' *trust* soġġetta għall-kollazzjoni. *Miżjud:* XIII.2004.39. *Emendat:* XIII.2007.3. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958P. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur tal-wirt għal xi fini ta' dan il-Kodiċi, magħdud għall-benefiċċju ta' min jagħmel talba għal porzjoni riservata u ta' werriet għall-finijiet ta' kollazzjoni fost il-koeredi, kull tqegħid ta' proprjetà fi *trust* għandha wkoll tkun magħduda mal-wirt:

Iżda s-*settlor* ta' proprjetà li titqiegħed fi *trust* jista' jeżenta dik il-proprjetà mill-kollazzjoni għall-fini tal-artikolu 914:

Iżda wkoll jekk il-proprjetà mqiegħda fi *trust* għall-benefiċċju ta' werriet tkun ġiet kollazzjonata fl-interess tal-koeredi l-oħra, dik il-proprjetà li tkun is-suġġett tal-kollazzjoni għandha minn hemm 'il quddiem tinżamm mit-*trustee* taħt *trust* separat taħt dritt assolut għall-benefiċċju ta' dak il-werriet.

Trustees u eżekuturi testamentarji. *Miżjud:* XIII.2004.39. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958Q. (1) *Trustee* maħtur skont *trust* testamentarju ma jitqiesx li jkun eżekutur testamentarju u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu minn 762 sa 778 ma għandhomx japplikaw għal *trustees* testamentarji.

(2) Meta persuna tinħatar bħala *trustee* kif ukoll bħala eżekutur, dik l-eżekutorija tkun regolata skont dan il-Kodiċi sa dak iż-żmien li l-eżekutorija tkun imwettqa mal-konsenja jew reġistrazzjoni ta' kull attiv rilevanti lil jew f'isem it-*trustee*.

Proprjetà f'Malta, *trust* Malti jew barrani, domiċiljarju barrani. *Miżjud:* XIII.2004.39. *Emendat:* XIII.2007.3. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958R. (1) Meta proprjetà mobbli jew immobbli sitwata f'Malta tkun tqiegħdet fi *trust*, taħt il-liġijiet ta' Malta jew xort'oħra, minn persuna li ma tkunx domiċiljata f'Malta fil-ħin tat-tqegħid fi *trust* -

(*a*) dik il-persuna titqies li kellha l-kapaċità li tagħmel hekk jekk fil-ħin ta' dak it-trasferiment jew dispożizzjoni tkun maġġorenni u mentalment kapaċi taħt il-liġi tad-domiċilju tagħha u l-liġi ta' Malta; u

(*b*) ebda dispożizzjoni f'dan il-Kodiċi dwar wirt jew suċċessjoni għal dik il-proprjetà inkluża, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, drittijiet għall-porzjoni riservata jew drittijiet simili applikabbli

taħt dan il-Kodiċi ma għandhom japplikaw għal dik il-proprjetà tat-*trust*, f'dak il-waqt jew wara; u

(*ċ*) il-benefiċjarji għandhom jitqiesu li jkunu kapaċi li jibbenifikaw.

(2) La darba l-proprjetà tkun tqiegħdet fi *trust*, din ma tkunx milquta b'tibdil tad-domiċilju tas-*settlor*, ukoll jekk is-*settlor* wara jsir domiċiljat f'Malta.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "porzjoni riservata" tfisser ir-regola legali li tillimita d-dritt ta' persuna li tiddisponi mill-proprjetà tagħha matul ħajjitha sabiex tikkonserva dik il-proprjetà għal tqassim ma' mewtha, jew li jkollha effett simili.

Dritt ta' fidi ma japplikax.
Miżjud: XIII.2004.39. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958S. Id-dritt ta' fidi kif provdut fl-artikolu 912 ma japplikax meta t-trasferiment tas-sehem indiviż tal-wirt jikkonsisti fit-tqegħid ta' dak id-dritt fi *trust*, li l-benefiċjarji tiegħu jkunu s-*settlor* nnifsu, il-werrieta tiegħu jew il-werrieta l-oħra tal-wirt jew tqassim jew riverżjoni tiegħu lil dawk il-persuni.

Limitazzjoni fuq l-applikabilità tal-artikoli 1000 u 1001.
Miżjud: XIII.2004.39. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.*Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958T. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1000 u 1001 ma għandhomx ikunu mfissra bħala li joħolqu xi limitazzjoni fuq is-setgħa ta' xi persuna li tqiegħed proprjetà fi *trust* jew li persuna taċċetta li taġixxi bħala *trustee* taħt *trust* għall-benefiċċju tal-benefiċjarju jew fuq ix-xorta u l-effett tar-rabta ta' xi *trust* jew fuq l-eżegwibilità tal-jeddijiet li jinqalgħu taħt *trust* minn benefiċjarju.

Id-dispoizzjonijiet tal-artikolu 1483 ma jgħoddux.
Miżjud: XIII.2004.39. *Enumerat mill-ġdid:* XVI.2015.5.

958U. Il-jedd ta' debitur dwar jedd litiġjuż skont l-artikolu 1483 ma jseħħx meta t-tqegħid fi *trust* jinvolvi ċ-ċessjoni ta' jedd litiġjuż taħt *trusts* għall-benefiċċju tal-kreditur jew kredituri li jkunu ċedew id-dejn.

Titolu IV

FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET IN ĠENERALI

Mnejn jitnisslu l-obbligazzjonijiet.

959. L-obbligazzjonijiet li mhumiex ġejjin mis-setgħa biss tal-liġi, jitnisslu minn kuntratti, kważi-kuntratti, delitti, jew kważi-delitti.

Sub-titolu I

FUQ IL-KUNTRATTI

Tifsir ta' kuntratt.

960. Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minnies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni.

Il-kuntratt jista' jkun bilaterali jew unilaterali,

961. (1) Il-kuntratt huwa sinallagmatiku jew bilaterali meta dawk illi jikkuntrattaw jobbligaw ruħhom lejn xulxin.

(2) Il-kuntratt huwa unilaterali meta persuna waħida jew iżjed jobbligaw ruħhom lejn persuna waħda jew iżjed, mingħajr ma jkun hemm ebda obbligazzjoni min-naħa ta' dawn tal-aħħar.

b'titolu oneruż jew b'titolu gratuwitu,

962. (1) Meta kull waħda mill-partijiet tintrabat għall-esekuzzjoni ta' xi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b'titolu oneruż.

(2) Meta waħda mill-partijiet tagħti bla ħlas xi utli lill-oħra, il-kuntratt huwa b'titolu gratuwitu.

kommutattiv,

963. Il-kuntratt huwa kommutattiv, meta kull waħda mill-partijiet tobbliga ruħha li tagħti jew tagħmel xi ħaġa li titqies bħala li tiswa daqs dik li tiġi mogħtija lilha jew li tiġi magħmula għaliha.

aleatorju.

964. Meta l-qliegħ jew it-telf, għaż-żewġ partijiet jew għal waħda minnhom, ikun jiddependi minn ġrajja mhix żgura, il-kuntratt huwa aleatorju.

Regoli dwar l-kuntratti.

965. Il-kuntratti, sew jekk ikollhom isem speċjali kemm jekk ma jkollhomx, jaqgħu taħt ir-regoli ġenerali miġjubin f'dan it-Titolu, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet partikolari dwar xi kuntratti.

---

§ I. FUQ IR-REKWIŻITI TAL-KUNTRATTI

Rekwiżiti tal-kuntratti.

966. Ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:

(*a*) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;

(*b*) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu;

(*ċ*) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt;

(*d*) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu.

FUQ IL-KAPACITÀ TAL-PARTIJIET LI JIKKUNTRATTAW

Kapaċità tal-partijiet. *Emendat: XLVI.1973.65.*

967. (1) Kull persuna tista' tikkuntratta, jekk mil-liġi mhix iddikjarata inkapaċi.

(2) L-inkapaċità tal-ikkundannati għal kull piena li tkun, hija mneħħija.

(3) Huma inkapaċi li jikkuntrattaw fil-każijiet imsemmijin mil-liġi -

(*a*) il-minuri;

(*b*) l-interdetti jew inabilitati; u

(*ċ*) ġeneralment, dawk kollha illi l-liġi timpedihom minn xi kuntratti.

Persuni li m'għandhomx l'użu tar-raġuni.

968. Kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni, jew li tkun għad ma għalqitx seba' snin, huwa null.

Persuni li ma għalqux l-età ta' erbatax-il sena. *Emendat: XXXVII.1975.23.*

969. (1) Hija wkoll nulla kull obbligazzjoni li biha jintrabat tifel li ma għalaqx l-età ta' erbatax-il sena.

(2) Iżda, jekk it-tifel ikun għalaq disa' snin, il-ftehim ikun jiswa għal dawk l-obbligazzjonijiet li ħaddieħor ikun intrabat bihom favur tiegħu.

Persuni li għalqu l-età ta' erbatax-il sena imma mhux dik ta' tmintax-il sena, jekk ikunu taħt is-setgħa tal-ġenituri, eċċ., *Emendat: XXI.1993.2.*

970. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll fil-każ ta' tfal li jkunu għalqu l-età ta' erbatax-il sena, iżda li jkun għad ma għalqux dik ta' tmintax-il sena, jekk ikunu taħt is-setgħa tal-ġenituri, jew jekk ikollhom kuratur bla ħsara dejjem ta' kull dispożizzjoni oħra ta' liġi dwar iż-żwieġ.

jekk ma jkunux taħt is-setgħa tal-ġenituri. *Emendat: XXI.1993.2.* Kap. 13.

971. (1) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi tal-Kummerċ, il-minuri li għalaq erbatax-il sena, meta ma jkunx taħt is-setgħa tal-ġenituri u lanqas ma jkollu kuratur, ma jistax jittrasferixxi jew jipoteka l-beni immobbli tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti.

(2) Iżda, dan il-minuri jista' jikkuntratta obbligazzjonijiet oħra, bla ħsara, kwantu għal dawk l-obbligazzjonijiet l-oħra, tal-azzjoni tat-tħassir tal-kuntratt, li jista' jkollu jedd għaliha, fil-każ ta' leżjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1214 sa l-1219.

Minuri 'l fuq mill-età ta' sittax (16)-il sena jista' jiftaħ u jħaddem kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew ma' istituzzjoni finanzjarja. *Miżjud: XXI.1993.76. Sostitwit: XXX.2024.2.*

971A. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi, minuri li jkun għalaq is-sittax (16)-il sena jista' jiddepożita flus f'kont miftuħ mill-imsemmi minuri f'ismu ma' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew iqiegħed fondi f'kont miftuħ mill-minuri f'ismu ma' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja, u kwalunkwe flus u, jew fondi hekk depożitati jew imqiegħda f'xi kontijiet bħal dawk jistgħu jinġibdu biss mill-imsemmi minuri minkejja li tali flus u, jew fondi jistgħu jkunu soġġetti għall-amministrazzjoni, l-użufrutt jew l-awtorità ta' kwalunkwe persuna oħra. Għall-finijiet kollha tal-liġi, l-imsemmi minuri għandu jitqies li hu tal-età fir-rigward tal-ftuħ u t-tħaddim ta' kwalunkwe kont bħal dak:

Iżda kwalunkwe fondi bħal dawk imqiegħda f'kont miftuħ mill-minuri f'ismu ma' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja għandhom ikunu salvagwardjati mill-istituzzjoni finanzjarja skont l-artikolu 10B tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Safeguarding of Funds).

Kap. 376.

L.S. 376.04.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

"Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi" tfisser id-Direttiva 2009/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva dwar Servizzi ta' Pagament" tfisser id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/84/KE, kif emendata minn żmien għal żmien;

"fondi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

"istituzzjoni finanzjarja" tfisser istituzzjoni ta' pagament kif imfissra fir-regolament 2(2) tar-Regolamenti dwar l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Safeguarding of Funds) jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi kif imfissra fl-istess regolamenti, li hija liċenzjata skont l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew li b'xi mod ieħor ikollha awtorizzazzjoni ekwivalenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat taż-ŻEE skont id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament jew id-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, skont il-każ; L.S. 376.04. Kap. 376.

"istituzzjoni ta' kreditu" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju; Kap. 371.

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'atti sussegwenti.

972. L-inkapaċità tal-interdetti hija jew ġenerali għal kull xorta ta' kuntratti, jew speċjali għal xi kuntratti biss, kif jingħad fid-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Interdetti. Kap. 12.

973. Il-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw. In-nullità ma tistax tiġi eċċepita minn persuna kapaċi li tikkuntratta.

FUQ IL-KUNSENS

974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa. Kunsens.

975. L-iżball dwar il-liġi ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdenija jew ewlenija tiegħu. Żball dwar il-liġi.

976. (1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim. Żball dwar il-fatt.

(2) Il-ftehim ma jkunx null jekk l-iżball jaqa' biss fuq il-persuna li magħha jkun sar il-ftehim, ħlief meta l-għażla ta' dik il-

persuna tkun il-kawża ewlenija ta' dak il-ftehim.

Vjolenza.

977. (1) Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni hija motiv ta' nullità, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun ġiet magħmula minn wieħed ieħor li ma jkunx dak li favur tiegħu tkun saret l-obbligazzjoni.

(2) Iżda, l-obbligazzjoni favur dak li ma jkunx ħa sehem fil-vjolenza, bħala ħlas tal-għajnuna li jkun ta biex jeħles lill-parti li tobbliga ruħha mill-vjolenza magħmula fuqha minn wieħed ieħor, ma tistax tiġi annullata minħabba dik il-vjolenza; iżda s-somma jew ħaġ'oħra mwiegħda tista' tiġi mnaqqsa, kemm-il darba tkun barra mill-qies.

Meta jitqies li kunsens ġie meħud bi vjolenza.

978. (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.

(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.

Meta l-vjoienza hija wżata fuq ir-raġel jew il-mara, eċċ., tal-parti li tikkuntratta.

979. (1) Il-vjolenza hija motiv ta' nullità tal-kuntratt, ukoll meta d-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara, jew tar-raġel, jew ta' dixxendent, jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.

(2) Jekk id-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ ta' persuni oħra, huwa mħolli fid-dehen tal-qorti, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, li tannulla l-kuntratt jew li twettaq il-validità tiegħu.

Il-biza' ta' qima. *Emendat*: *XXIII.2017.74.*

980. Il-biża biss ta' qima lejn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, jew axxendenti oħra, jew lejn il-konjuġi, mhix biżżejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata.

Għemil doluż.

981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.

(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

FUQ L-OĠĠETTI TAL-KUNTRATTI

L-oġġett tal-kuntratti.

982. (1) Kull kuntratt għandu b'oġġett ħaġa illi waħda mill-partijiet li jikkuntrattaw tintrabat li tagħti, li tagħmel, jew li ma tagħmilx.

(2) Il-ħwejjeġ biss li ma humiex *extra commercium* jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim.

(3) L-użu biss jew il-pussess biss ta' ħaġa jista', bħal ħaġa nfisha, ikun oġġett ta' kuntratt.

L-oġġett ta' obbligazzjoni għandu jkun ħaġa determinata.

983. (1) L-obbligazzjoni għandu jkollha b'oġġett tagħha ħaġa determinata, għall-inqas għal dik li hija l-ispeċi tagħha.

(2) Il-biċċa jew il-kwantità tal-ħaġa tista' ma tkunx żgura, basta li tista' tiġi determinata.

Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.

984. (1) Il-ħwejjeġ futuri jistgħu jkunu oġġett ta' kuntratt.

(2) Iżda, ħadd ma jista' jirrinunzja għal suċċessjoni illi tkun għad ma nfetħitx, jew jagħmel ftehim fuqha, sew mal-persuna illi tagħha tkun is-suċċessjoni, kemm ma ħaddieħor, allavolja jkun hemm il-kunsens ta' dik il-persuna; bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar dawn ir-rinunzji jew dan il-ftehim, meta jsiru f'okkażjoni ta' żwieġ, jew meta jittieħdu l-voti reliġjużi.

Ħwejjeġ li ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.

985. Il-ħwejjeġ impossibbli, jew ipprojbiti mil-liġi, jew kuntrarji għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt.

Patt *quotae litis*. *Emendat: XXXIX.1961.2; VI.1983.2.*

986. (1) Il-pattijiet *quotae litis* huma nulli.

Imgħaxijiet żejda.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed.

FUQ IL-KAWŻA TAL-KUNTRATTI

Obbligazzjoni mingħajr kawża jew illeċita.

987. L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett.

Il-kawża tista' tiġi pprovata għalkemm ma tkunx espressa.

988. Il-ftehim, b'dan kollu, jibqa' jiswa jekk jiġi ppruvat li kien hemm kawża biżżejjed, għalkemm mhux espressa.

Jekk il-kawża espressa hija falza.

989. Jekk il-kawża espressa tkun falza, il-ftehim jista', b'dan kollu, jinżamm sħiħ, kemm-il darba jiġi ppruvat li kien hemm kawża oħra.

Kawża illeċita.

990. Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku.

Jekk il-kawża ma tkunx leċita min-naħa biss tal-parti li favur tagħha ssir obbligazzjoni jew min-naħa taż-żewġ partijiet.

991. (1) Jekk il-kawża li għaliha tkun ġiet imwiegħda xi ħaġa hija illeċita min-naħa biss tal-parti li favur tagħha ssir l-obbligazzjoni, kull ħaġa li tkun ġiet mogħtija għall-esekuzzjoni tal-kuntratt tista' tintalab lura.

(2) Jekk il-kawża hija illeċita għaż-żewġ partijiet, ebda waħda minnhom, jekk ma tkunx minuri, ma tista' titlob lura dak li tkun tat lill-oħra, bla ħsara tad-dispożizzjoni tal-artikolu 1716.

§ II. FUQ L-EFFETTI TAL- KUNTRATTI

Effetti tal-kuntratti.

992. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.

Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.

993. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

Effett tal-kuntratti meta l-ħaġa ttrasferita hija żgura u determinata.

994. Jekk il-kuntratt ikollu bħala oġġett it-trasferiment tal-proprjetà, jew ta' jedd ieħor fuq ħaġa żgura u determinata, din il-proprjetà jew dan il-jedd jiġu ttrasferiti u akkwistati b'effett tal-kunsens tal-partijiet, u l-ħaġa tibqa' għar-riskju ta' min jakkwistaha, għalkemm ma tkunx għadha saret il-kunsinna tagħha.

Jekk il-ħaġa ttrasferita mhix żgura jew mhix determinata.

995. (1) Jekk il-kuntratt ikollu bħala oġġett ħaġa mhix żgura jew mhix determinata, il-kreditur ma jsirx sid dik il-ħaġa sakemm din ma ssirx żgura, jew sakemm id-debitur ma jispeċifikax liema hija, u jgħarraf lill-kreditur li huwa speċifikaha.

(2) Sakemm il-ħaġa ma ssirx żgura u determinata, tibqa' għar-riskju tad-debitur.

Effetti tal-kuntratti quddiem it-terzi.

996. (1) B'dan kollu, quddiem it-terzi, kull kuntratt li bih tiġi ttrasferita l-proprjetà ta' ħwejjeġ immobbli, jew jedd ieħor fuq dawk il-ħwejjeġ, ma jibdiex, f'ebda każ, ikollu seħħ ħlief mill-waqt li dak il-kuntratt jiġi mniżżel fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, kif jingħad fl-artikolu 330.

(2) Jekk it-trasferiment ikun sar b'bejgħ fl-irkant fil-qorti, innota tal-iskrizzjoni għandha tiġi ffirmata mir-reġistratur tal-qorti li taħt is-setgħa tagħha tkun saret il-liberazzjoni tal-ħaġa.

Jekk ħaġa mobbli tiġi mwiegħda bi ftehim wara ieħor lil żewġ persuni jew iżed.

997. Jekk il-ħaġa illi persuna, b'konvenzjonijiet, waħda wara l-oħra, tkun intrabtet li tagħti jew li tikkunsinna lil żewġ persuni jew iżjed, tkun mobbli minnha nfisha, jew titolu għall-purtatur, il-persuna li lilha tkun ġiet ikkunsinnata, u illi tkun akkwistata b' bona fidi, hija ppreferita għall-oħra jew għall-oħrajn u għandha l-jedd iżżommha, għalkemm it-titolu tal-akkwist tagħha jkun wara fid-data.

Għandu jitqies li wieħed wieġħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, eċċ.

998. Għandu jitqies illi wieħed wieġħed jew ftiehem għalih innifsu, għall-werrieta tiegħu, u għal dawk illi minnu ġejjin il-jeddijiet tagħhom, meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim.

Wieħed li jikkuntratta f'ismu ma jistax jorbot ħlief lilu nnifsu,

999. (1) Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu.

iżda jista' jintrabat għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni minn persuna oħra.

(2) B'dan kollu, wieħed jista' jobbliga ruħu lejn ieħor, billi jwieġħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda, f'dan il-każ, jekk din il-persuna l-oħra ma tkunx trid

tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew wiegħed it-twettiq tal-obbligazzjoni, ikun suġġett biss għall-ħlas tal-ħsara.

Meta wieħed jista' jikkuntratta għall-vantaġġ ta' persuna oħra.

1000. Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġg ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.

Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.

1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.

---

§III. FUQ L-INTERPRETAZZJONI TAL-KUNTRATTI

M'hemmx lok għal interpretazzjoni meta s-sens tal-kliem hu ċar.

1002. Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.

Jekk is-sens tal-kelma ma jaqblix mal-intenzjoni tal-partijiet.

1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet.

Klawsola li tista' tfisser żewġ ħwejjeġ.

1004. Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.

Kliem li jistgħu ifissru żewġ ħwejjeġ.

1005. Il-kliem li jista' jfisser ħaġa u oħra għandu jiftiehem fis-sens li l-iżjed jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt.

Dak li mhux ċar.

1006. Dak li mhux ċar jitfisser minn dak li soltu jsir fil-lok fejn ikun sar il-kuntratt.

Klawsoli ta' użu.

1007. Fil-kuntratti għandu jitqies li hemm il-klawsoli ta' użu, ukoll jekk ma jkunux ġew espressi.

Il-klawsoli jitfissru l-waħda bl-oħra.

1008. Il-klawsoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens illi jidher mill-att kollu.

Dubju.

1009. Fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.

Kliem ġenerali.

1010. Għalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra konvenzjoni jkunu ġenerali, fil-konvenzjoni ma jidħlux ħlief il-ħwejjeġ li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-ħsieb li jikkuntrattaw.

Tismija ta' każ biex jitfisser ftehim.

1011. Meta f'kuntratt jiġi msemmi każ wieħed sabiex bih jitfisser il-ftehim, ma jitqiesx b'daqshekk illi l-partijiet riedu jħallu barra każijiet oħra li ma ġewx imsemmija, jekk dawn il-każijiet l-oħra, skont ir-raġuni, kienu wkoll fl-iskop tal-ftehim.

Sub-titolu II

FUQ IL-KWAŻI KUNTRATTI, DELITTI U KWAŻI-DELITTI

§ I. FUQ IL-KWAŻI KUNTRATTI

Tifsir.

1012. Il-kważy-kuntratt huwa fatt leċitu u volontarju, li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin.

Dmirijiet ta' *negotiorum gestor*.

1013. Jekk persuna tal-età u kapaċi li tikkuntratta, minrajha tindaħal għal affari ta' persuna oħra, hija ssir suġġetta għall-obbligu li tissokta fit-tmexxija tal-affari li tkun bdiet u li twassalha sat-tmiem, sakemm il-parti interessata tkun tista' hija nfisha tieħu ħsieb dik l-affari, u għandha tieħu ħsieb ta' dak kollu li jkun jiddependi minn dik l-affari, u hija suġġetta għall-obbligazzjonijiet kollha li jġib miegħu mandat.

Mewt tal-parti nteressata qabel ma l-affari tiġi mwassla sat-tmiem.

1014. Jekk il-parti interessata tmut qabel ma l-affari tiġi mwassla sat-tmiem, dak li jkun indaħal hu obbligat jissokta fit-tmexxija tal-affari sakemm il-werriet ikun jista' jieħu t-triġija tagħha.

Il-ħsieb li għandu jieħu min jindaħal.

1015. Il-persuna li tindaħal għandha tuża fit-triġija ta' dik l-affari l-ħsieb kollu ta' missier tajjeb tal-familja.

Każijiet li fihom jinħtieġ grad akbar ta' ħsieb.

1016. Id-dispożizzjoni tal-aħħar artikolu qabel dan għandha tiġi applikata b'mod aktar sever f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk min indaħal, ikun hekk indaħal kontra l-projbizzjoni tal-parti interessata;

(*b*) jekk, minħabba li jkun hekk indaħal, ma tkunx indaħlet għat-tmexxija tal-affari persuna ta' ħila aktar;

(*ċ*) jekk min indaħal stess ma kellux il-ħila meħtieġa.

Setgħa tal-qorti li timmodera d-danni.

1017. Il-qorti tista' dejjem timmodera d-danni li jkunu saru minħabba nuqqas ta' ħsieb jew ta' kont tal-persuna li tkun indaħlet, skont ma jkunu ċ-ċirkostanzi li jkunu ġegħluha tindaħal għal dik l-affari.

Obbligi tal-parti interessata.

1018. Jekk l-affari tkun ġiet immexxija tajjeb, il-parti interessata, ukoll jekk it-tmexxija, b'aċċident, ma tkunx sfat ta' ġid għaliha, għandha tesegwixxi l-obbligazzjonijiet li f'isimha jkun ikkuntratta dak li ndaħal, għandha tindennizzah ta' kull obbligazzjoni li jkun ħa fuqu f'ismu, u tagħtih lura l-ispejjeż meħtieġa jew utili, flimkien mal-imgħaxijiet minn dak in-nhar li dawk l-ispejjeż ikunu ġew magħmula.

Meta min indaħal ikun ħaseb li l-affari kienet tiegħu.

1019. Iżda, jekk min indaħal ikun ħaseb li qiegħed imexxi affari tiegħu nnifsu, m'għandu jedd għal ebda indennizz iżjed mill-benefiċċju li l-parti interessata fil-fatt tkun ħadet.

Meta dak li jindaħal m'għandux jedd għal indennizz billi jkun indaħal kontra l-volontà tal-parti interessata.

1020. Dak li jkun indaħal kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata, m'għandu jedd għal ebda indennizz.

Radd ta' ħwejjeġ li wieħed ma kellux jieħu.

1021. Kull min jirċievi, sew xjentement jew bi żball, ħaġa li hu ma kellux jieħu la taħt obbligazzjoni ċivili lanqas naturali, għandu jroddha lil dak li minn għandu jkun irċiviha bla jedd.

Jekk dejn jiġi mħallas bi żball.

1022. (1) Kull min, billi jaħseb bi żball li hu debitur, iħallas dejn, għandu jedd jitlob il-ħlas lura mingħand il-kreditur.

(2) Iżda, dan il-jedd jispiċċa jekk, minħabba dak il-ħlas, il-kreditur ikun, b'bona fidi, telaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta' dak il-kreditu, bla ħsara tal-jedd ta' dak li jkun ħallas li jdur kontra l-veru debitur.

Radd ta' kapital u mgħaxijiet jekk min jirċievi l-ħlas jagħmlu b'mala fidi.

1023. (1) Dak li mingħajr jedd ikun irċieva l-ħlas ta' somma ta' flus għandu, jekk ikun għamlu b'mala fidi, irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imgħaxijiet minn dak in-nhar tal-ħlas.

(2) lżda, jekk ikun għamlu b'bona fidi, mhux obbligat irodd ħlief il-kapital biss.

Radd tal-ħaġa nfisha.

1024. Dak li mingħajr jedd ikun irċieva xi ħaġ'oħra, li mhix flus, illi tkun għadha għandu, hu obbligat irodd il-ħaġa nfisha lil dak li minn għandu jkun irċevieha.

Jekk il-ħaġa li wieħed jirċievi mingħajr jedd ma tkunx għadha iżed għandu.

1025. (1) Jekk il-ħaġa ma tkunx għadha iżjed għandu, jew tkun tgħarrqet, huwa, jekk ikun irċevieha b'mala fidi, għandu l-istess obbligi li, skont l-artikoli 556 u 557, għandu l-pussessur ta' mala fidi.

(2) Jekk ikun irċieva l-ħaġa b'bona fidi, hu obbligat għar-radd ta' kemm tiswa, jew, skont il-każ, għat-tiswija tat-tgħarriq tal-ħaġa, iżda biss sas-somma tal-profitt li, bit-trasferiment jew bit-tgħarriq tal-ħaġa, huwa jkun għamel; u kemm-il darba hu jkun għad ma daħħalx l-oġġett tal-profitt li jkun ħa minn dak it-trasferirnent jew tgħarriq, hu obbligat biss iċedi l-azzjoni għad-dħul tiegħu.

(3) Mhux obbligat irodd il-valur tal-ħaġa, jekk ikun tilifha, taha jew qeridha.

Igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 540 sal-545, u 547.

1026. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 540 sal-545, u 547 igħoddu għal kull persuna li tkun irċeviet ħaġa mingħajr jedd, skont jekk tkun irċevietha b'bona fidi jew b'mala fidi.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 548, 549 u 550 igħoddu wkoll fil-każijiet kollha għal dik il-persuna.

Preskrizzjoni tal-azzjoni sabiex jintalab lura dak li jkun ġie mogħti bla ma jmiss.

1027. L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.

Dak li jħallas bi żball ma jistax jirkupra l-ħaġa mingħand terza persuna.

1028. Dak li bi żball ikun ta l-ħaġa, ma jistax jitlobha lura mingħand terza persuna illi lilha, b'kull titolu li jkun, tkun ġiet mogħtija mingħand dak li kien irċeviha.

Arrikkiment għaddannu ta' ħaddieħor. *Actio de in rem verso*. *Miżjud: VIII.2007.13.*

1028A. (1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għaddannu ta' ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna.

(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rċevih huwa marbut li jagħti lura l-oġġett in natura jekk dan ikun għadu jeżisti fil-mument tat-talba.

Meta ma tistax tiġi eżerċitata l-*actio de in rem verso*. *Miżjud: VIII.2007.13.*

1028B. L-*actio de in rem verso* ma tistax tiġi eżerċitata meta min sofra t-telf jista' juża azzjoni oħra sabiex tagħmel tajjeb għaddannu.

---

§ II. FUQ ID-DELITTI U KWAŻI-DELITTI

Ħsara b'aċċident.

1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

Użu tal-jedd fil-qies li jmiss.

1030. Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.

Kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

Meta persuna titqies li hija fi ħtija.

1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

Nuqqas ta' diliġenza.

1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

Eżenzjoni f'każ ta' salvataġġ jew assistenza. *Miżjud: XXIX.2020.5.*

1033A. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1031, 1032 u 1033, kull persuna li tikkaġuna danni fit-twettiq ta' salvataġġ jew ta' għajnuna lil ħaddieħor li ħajtu jew is-sikurezza personali tiegħu tkun tinsab f'periklu ċar, ma għandha tkun responsabbli għal ebda danni kawżati waqt dak is-salvataġġ jew għoti ta' għajnuna lill-persuna li hija tkun salvat jew assistiet jew tkun ippruvat issalva jew tassisti, lill-proprjetà tagħha jew lil terzi persuni jew lill-proprjetà tagħhom:

Iżda l-persuna li twettaq is-salvataġġ jew li tagħti l-għajnuna kif fuq imsemmi għandha tkun responsabbli għal atti mwettqa dolożament jew b'negliġenza grossolana.

Responsabbiltà ta' min jieħu ħsieb ta' minuri jew ta' persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha. *Sostitwit: II.2012.17.*

1034. Kull persuna li tieħu ħsieb ta' minuri, jew ta' persuna b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha, tkun responsabbli għall-ħsara li jagħmel dak il-minuri jew dik il-persuna meta tonqos milli tieħu l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jiġrix.

Ħsara magħmula minn tfal ta' taħt l-età ta' disa' snin, eċċ. *Emendat: II.2012.18.*

1035. Persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, it-tfal ta' taħt l-età ta' disa' snin, u, meta ma jiġix ippruvat li mxew bil-ħażen, it-tfal ukoll li ma jkunux għalqu l-età ta' erbatax-il sena, mhumiex obbligati għall-ħlas tal-ħsarat magħmulin minnhom; iżda jibqa' sħiħ il-jedd ta' min ikun bata l-ħsara għall-azzjoni, meta hemm lok għaliha, kontra dawk li huma obbligati għal dawk il-ħsarat, skont l-aħħar artikolu qabel dan.

Setgħa tal-qorti li tordna li l-ħsara tiġi mħallsa minn ħwejjeġ il-minuri, eċċ. *Emendat: II.2012.19.*

1036. Madankollu, jekk min bata l-ħsara ma jkunx jista' jitħallas tagħha mingħand dawk il-persuni l-oħra, minħabba li dawn ma jkunux obbligati jew minħabba li ma jkollhomx mezzi, u min ikun bata l-ħsara ma jkunx, b'nuqqas ta' diliġenza, ta' ħsieb jew ta' prudenza, ta huwa nnifsu lok għall-ħsara, il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari l-mezzi ta' dak li jkun ikkaġuna u tal-ieħor li jkun bata l-ħsara, tordna li din il-ħsara tiġi, kollha jew biċċa minnha, imħallsa bi ħwejjeġ il-minuri jew il-persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan.

Responsabbiltà ta' min iqabbad persuna mhux ta' ħila.

1037. Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.

Min jindaħal għal xogħol bla ma jkollu l-ħila għalih.

1038. Kull min mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa jindaħal għal xogħol jew servizz, hu obbligat għall-ħsara li, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu, jikkaġuna lil ħaddieħor.

Responsabbiltà ta' lukandieri. *Sostitwit: II.1966.2. Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

1039. (1) Il-lukandier ikun responsabbli sa ammont ta' mhux iżjed minn mija erbgħa u sebgħin euro u sebgħin ċenteżmu (174.70) għal kull ħsara jew distruzzjoni jew telf ta' proprjetà li tkun inġiebet fil-lukanda minn xi alloġġjant.

(2) Ir-responsabbiltà ta' lukandier tkun illimitata -

(*a*) jekk il-proprjetà tkun ġiet depożitata għandu, jew

(*b*) jekk huwa jkun irrifjuta li jirċievi d-depożitu ta' proprjetà li huwa obbligat li jirċievi għal kustodja żgura skont id-dispożizzjoni tas-subartikolu li jaħbat sew sew wara dan; jew

(*ċ*) f'kull każ li fih il-ħsara fil-proprjetà, jew id-distruzzjoni jew telf tagħha tkun ġiet kaġunata, volontarjament jew minħabba negliġenza jew nuqqas ta' sengħa, anki fi grad żgħir ħafna, minnu jew minn persuna fl-impieg tiegħu jew minn xi persuna li huwa jkun responsabbli għall-għemil tagħha.

(3) Il-lukandier ikun obbligat li jirċievi għall-kustodja żgura titoli, flus u oġġetti ta' valur ħlief oġġetti perikoluži u dawk l-oġġetti li meta jittieħed kont tad-daqs jew grad tal-lukanda jkunu ingombranti jew ikunu ta' valur eċċessiv.

(4) Il-lukandier ikollu dritt li jeħtieġ li l-oġġetti konsenjati għall-kustodja żgura jkunu f'pakk marbut jew issiġillat.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx japplikaw jekk l-alloġġjant, wara li jsir jaf bil-ħsara, distruzzjoni jew telf ma jinformax lil-lukandier mingħajr telf ta' żmien jew jekk il-ħsara fil-proprjetà, id-distruzzjoni jew it-telf tagħha tkun minħabba -

(*a*) fatt aċċidentali jew forza irresistibbli; jew

(*b*) raġuni inerenti għax-xorta tal-proprjetà danneġġjata, distrutta jew mitlufa; jew

(*ċ*) att jew ommissjoni tal-alloġġjant li jkun ġiebha fil-lukanda, jew ta' xi persuna, li ma tkunx il-lukandier, li lilha dak l-alloġġjant ikun fada dik il-proprjetà jew ta' xi persuna fl-impieg ta' dak l-alloġġjant jew li tkun takkompanjah jew tivviżitah.

(6) Kull ftehim taċitu jew espress li jsir bejn lukandier u alloġġjant qabel ma tkun saret xi ħsara fi proprjetà jew id-distruzzjoni jew telf tagħha li juri li jeskludi, inaqqas jew jagħmel anqas oneruża r-responsabbiltà tal-lukandier kif stabbilit f'dan l-artikolu jkun null u bla effett:

Iżda fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (2)(*a*) u (*ċ*), meta l-ħsara fil-proprjetà jew id-distruzzjoni jew telf tagħha ma tkunx ġiet kaġunata minn persuna msemmija fl-imsemmi paragrafu (*ċ*) volontarjament jew minħabba negliġenza kbira, kull ftehim iffirmat f'kull żmien mill-alloġġjant li bih ir-responsabbiltà tal-lukandier tkun imnaqqsa għal ammont li ma jkunx anqas minn mija erbgħa u sebgħin euro u sebgħin ċenteżmu (174.70) jkun validu.

(7) F'dan l-artikolu u fl-artikolu 2009 "alloġġjant" tfisser persuna li toqgħod fil-lukanda u li jkollha kumditàgħall-irqad għad-dispożizzjoni tagħha fil-lukanda, iżda li ma tkunx impjegata fil-lukanda.

(8) F'dan l-artikolu, kull riferenza għal "lukandier", ħlief safejn ir-responsabbiltajiet hemmhekk stabbiliti jkunu mposti fuq il-lukandier, għandha tiftiehem li tinkludi riferenza għall-persuna inkarigata mil-lukanda jew mir-*reception* tal-alloġġjanti fil-lukanda, u kull riferenza għal "telf" għandha titqies li tinkludi riferenza għal serq.

Responsabbiltà ta' sid annimal.

1040. Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li tagħmel użu minn annimal għaż-żmien li tagħmel użu minnu, iwieġbu għall-ħsara li dak l-annimal jikkaġuna, sew jekk ikun jinsab taħt idejhom kemm jekk ikun intilef jew ħarab.

Responsabbiltà ta' sid ta' bini.

1041. Is-sid ta' bini jwieġeb għall-ħsara li ssir mit-tiġrif tal-bini, meta dan it-tiġrif jiġri minħabba nuqqas ta' tiswijiet, jew minħabba difett fix-xogħol tal-bini, iżda dan kemm-il darba s-sid kien jaf b'dak id-difett, jew kellu raġun jaħseb li dak id-difett kien jeżisti.

Responsabbiltà tad-detentur ta' bini f'każ ta' ħsara kkaġunata bit-tiġrif tal-ħaġa.

1042. Jekk issir ħsara lil xi ħadd bil-waqgħa ta' ħaġa mdendla jew imqiegħda f'qagħda ta' perikolu, inkella bit-tfigħ jew xħit ta' xi ħaġa minn bini, id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx għamel il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ħa sehem fih, ma jweġibx għall-ħsara, ħlief sa fejn id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar ir-responsabbiltà ta' persuna għall-ħsara magħmula minn oħra, jkunu jgħoddu għalih.

Sokor.

1043. Hemm ukoll jedd għall-azzjoni għall-ħlas tal-ħsara meta min jagħmilha jkun f'dak il-waqt fis-sakra.

Kompliċi.

1044. Għall-ħsara magħmula kontra s-sewwa, iwieġbu wkoll dawk li bi ħsieb magħmul ikunu ħadu sehem fiha b'pariri, b' theddid jew bi kmandi.

Kif jitqiesu d-danni. *Emendat: III.1938.2; XXI.1962.17; XIII.2018.25; XXXII.2018.15.*

1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:

Kap. 9.

Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.

(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

Danni lill-werrieta tal-parti li tmut. *Sostitwit: III.1938.3.*

1046. Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.

Meta l-ħsara tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha. *Emendat: XXXIX.1939.2; VI.1983.3.*

1047. (1) Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) Iżda, jekk il-parti li tikkaġuna l-ħsaratkun għamlet dan dolożament, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti wkoll lill-parti li tbati l-ħsara indennizz għal kull ħsara oħra li tkun batiet, kompriż kull telf ta' qligħ, jekk jigi ppruvat li l-parti li kkaġunat il-ħsara, meta tellfet lill-parti li batietha l-użu ta' flusha, kellha partikolarment il-ħsieb li tagħmlilha dik il-ħsara l-oħra, jew jekk dik il-ħsara tkun il-konsegwenza immedjata u diretta tal-fatt li l-parti li batiet il-ħsara ġiet hekk imtellfa l-użu ta' flusha.

(3) Is-somma li għandha tingħata għal dak it-teIf ta' qligħ fuq imsemmi tiġi likwidata mill-qorti skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Jedd li bih wieħed idur kontra l-parti li tikkaġuna l-ħsara.

1048. Kull min hu obbligat għall-ħsara magħmula minn ħaddieħor, u jħallas dik il-ħsara, ma jistax idur kontra l-parti li ikkaġunatha, ħlief meta din għandha hija wkoll twieġeb għal dik il-ħsara.

Obbligazzjoni *in solidum* meta l-ħsara ssir dolożament.

1049. (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija *in solidum*.

(2) Meta xi wħud minn dawn ikunu mxew dolożament, u oħrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati *in solidum*, u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna.

Meta l-biċċa tal-ħsara li ssir minn persuna waħda jew iżed ma tistax tiġi stabbilita.

1050. (1) Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla ħsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.

(2) F'dan il-każ, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu ikkaġunaw il-ħsara jiġu msejħa fil-kawża bil-mod u għall-effetti msemmijin fl-artikolu 962 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-qorti tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, f'ishma ndaqs jew mhux indaqs, skont iċ-ċirkostanzi; bla ħsara dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom, u dawn lejh għandhom ilkoll jiġu kkundannati *in solidum*.

Kap. 12.

Kontribuzzjoni għall-ħsara mill-parti li tbatiha. *Emendat: III.1938.4; XXXIX.1939.3.*

1051. Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.

Rimedji ċivili f'każijiet ta' korruzzjoni. *Miżjud: XX.2002.2. Emendat: IV.2013.10.*

1051A. (1) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "korruzzjoni" tfisser li titlob, toffri, tagħti jew taċċetta, direttament jew indirettament, tixħim jew xi vantaġġ ieħor mhux dovut jew li jkun prospettat, li jgħawweġ it-twettiq kif imiss ta' xi dmir jew imġieba meħtieġa minn min jirċievi t-tixħim, bil-vantaġġ mhux dovut jew kif ikun prospettat.

(2) Kull min ivanta li jkun sofra danni bħala riżultat ta' korruzzjoni għandu jkollu l-jedd li jieħu azzjoni biex jikseb kumpens għad-dannu kaġunat lilu bl-att ta' korruzzjoni kontra l-persuni li jkunu għamlu jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni jew li jkunu naqsu li jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni.

(3) Il-persuni li jkunu għamlu r-reat jew awtorizzaw l-att ta'

korruzzjoni u l-persuni li jkunu naqsu milli jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni għandhom ikunu solidalment responsabbli għad-danni msemmija fis-subartikolu (2).

(4) Meta l-att ta' korruzzjoni jkun sar minn uffiċjal jew minn impjegat tal-Gvem jew minn korp magħqud stabbilit bil-liġi, il-Gvern jew skont ma jkun il-każ il-korp magħqud stabbilit bil-liġi għandu hu nnifsu jkun responsabbli biex jagħmel il-hlas dovut għad-dannu kaġunat bl-att ta' korruzzjoni meta:

(*a*) min ikun qiegħed ivanta l-pretensjoni li jkun sofra d-danni jkun ta, meta jkun sar jaf bl-imġieba mhux xierqa tal-uffiċjal jew tal-impjegat, avviż bħal dak lill-Gvern jew lill-korp magħqud, skont il-każ, biex jieħu dawk il-miżuri preventivi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi biex jipprevjenu l-għemil tal-att ta' korruzzjoni;

(*b*) min ikun qed ivanta li sofra d-danni ma jkunx hu nnifsu għar-rigward tal-istess kwistjoni ġiegħel lil xi uffiċjal jew impjegat jagħmel l-att ta' korruzzjoni, jew b'xi mod kien parti f'dak l-att;

(*ċ*) min ikun sofra d-danni jkun ha kull azzjoni kontra l-persuna responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) biex jirkupra d-danni; u

(*d*) il-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun sar parti fil-kawża kontra l-persuni responsabbli għad-danni skont is-subartikolu (3) sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu taht dan is-subartikolu:

Iżda l-Gvern jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun biss responsabbli għal dik il-parti tad-danni li ma tkunx qed tiġi rkuprata mill-persuni responsabbli għal dawk id-danni skont is-subartikolu (3).

(5) Ma għandu jkun hemm ebda dritt għall-hlas ta' danni b'kumpens meta l-parti li tvanta li tkun sofriet id-danni kienet hi nnifisha xjentement parti fl-att ta' korruzzjoni:

Iżda ebda baġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem bħala li tipprekludi lil xi persuna milli tirkupra xi hlas li jkun sar jew xi ħaġa li tkun ġiet mogħtija, jew il-valur tagħha, meta l-ħlas ikun sar jew il-ħaġa tkun ġiet mogħtija għal xi korrispettiv li ma jkunx skont il-liġi.

(6) Kull azzjoni għall-irkupru ta' danni taħt dan l-artikolu għandha tinġieb qabel ma jiskadu tliet snin mid-data meta min ikun qed jitlob id-danni jkun sar jaf jew imissu raġonevolment ikun sar jaf li tkun ġrat il-ħsara jew li jkun sar att ta' korruzzjoni u min tkun il-persuna responsabbli għaldaqstant jew qabel ma jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta' korruzzjoni, skont liema jiġi l-ewwel, u ma tista' tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadi dak iż-żmien.

(7) Meta jsir xi kuntratt minn xi persuna (inkluż il-Gvern jew xi korp magħqud stabbilit bil-liġi) u l-kuntratt jew xi klawsola relattiva jkunu ġew mitmuma minn xi impjegat, uffiċjal jew aġent ta' dik il-persuna minħabba f'xi att ta' korruzzjoni favur dak l-

uffiċjal, impjegat jew aġent, il-persuna li tkun marbuta b'dak il-kuntratt u li jkollha lil dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent tagħha li jkun ġarrab dak l-att ta' korruzzjoni, għandu jkollha, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ta' azzjoni biex tirkupra d-danni skont dan l-artikolu, dritt li tibda azzjoni mhux aktar tard minn sena wara li ssir taf b'dak l-att ta' korruzzjoni jew minn meta hija kien imissha raġonevolment saret taf b'dan, biex tannulla l-kuntratt jew xi klawsola minnu li tkun iddaħħlet minhabba f'dik il-korruzzjoni:

Iżda ma tista' tinġieb ebda azzjoni wara li jiskadu għaxar snin mid-data tal-att ta' korruzzjoni.

(8) L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra l-Gvern jew kontra xi Kunsill Lokali jew kontra xi korp magħqud imwaqqaf b'liġi f'azzjoni għall-irkupru ta' danni taħt dan l-artikolu li tkun imsejsa fuq att ta' korruzzjoni li jkun twettaq mill-persuna mħarrka b'abbuż tal-kariga tagħha waqt li dik il-persuna kienet tokkupa l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier.

Sub-titolu III

FUQ XORTA U OĦRA TA' OBBLIGAZZJONIJIET

§ I. FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET KONDIZZJONALI

FUQ IL-KONDIZZJONI IN ĠENERALI U FUQ IX-XORTA U OĦRA TAGĦHA

Tifsir ta' obbligazzjoni kondizzjonali.

1052. L-obbligazzjoni hija kondizzjonali meta tkun magħmula li tiddependi minn ġrajja mhux żgura u li għad trid tiġri, sew billi l-obbligazzjoni tinżamm sospiża sakemm il-ġrajja tiġri, kemm billi tiġi maħlula kemm-il darba l-ġrajja tiġri jew ma tiġrix.

Kondizzjoni każwali u potestattiva.

1053. (1) Il-kondizzjoni hija każwali meta tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja ta' bla ħsieb li ma tkunx fis-setgħa la tad-debitur u lanqas tal-kreditur.

(2) Il-kondizzjoni potestattiva hija dik li tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li waħda jew l-oħra mill-partijiet li jikkuntrattaw tkun tista' ġġiegħel jew ma tħallix li tiġri.

(3) Il-kondizzjoni mista tagħmel l-obbligazzjoni tiddependi mir-rieda ta' waħda mill-partijiet li jikkuntrattaw, u, fl-istess ħin, mir-rieda ta' wieħed barrani, jew minn ġrajja li tiġri bla ħsieb.

Kondizzjoni kuntrarja għall-għemil xieraq, eċċ.

1054. Kull kondizzjoni kuntrarja għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku, jew ipprojbita mil-liġi, jew illi ġġiegħel l-esekuzzjoni ta' ħaġa impossibbli, ma tiswiex, u tagħmel ma jiswiex il-ftehim li jkun jiddependi minnha.

Effett tal-kondizzjoni li wieħed ma jagħmilx ħaġa impossibbli, eċċ.

1055. (1) Il-kondizzjoni li wieħed ma jagħmilx ħaġa impossibbli, ma tagħmilx ma tiswiex l-obbligazzjoni li tkun ġiet miftiehma taħt dik il-kondizzjoni.

(2) Iżda, il-kondizzjoni li wieħed ma jagħmilx ħaġa kuntrarja

għall-għemil xieraq, jew għall-ordni pubbliku jew ipprojbita milliġi, tista' tagħmel ma tiswiex l-obbligazzjoni.

Il-kondizzjoni hija nulla jekk tiddependi biss minn dak li hu obbligat għall-esekuzzjoni.

1056. (1) L-obbligazzjoni ma tiswiex meta tkun ikkuntrattata taħt kondizzjoni li tagħmilha tiddependi biss mir-rieda ta' dak illi jobbliga ruħu.

(2) Iżda, jekk l-obbligazzjoni tkun tiddependi minn fatt illi jkun fis-setgħa tad-debitur li jagħmel li dak il-fatt jiġri, id-debitur huwa obbligat jekk il-fatt jiġri.

Esekuzzjoni tal-kondizzjoni għandha ssir skont l-intenzjoni tal-partijiet.

1057. Kull kondizzjoni għandha tiġi esegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu li għandha tiġi esegwita.

Meta l-obbiigazzjoni hija miftiehma taħt kondizzjoni li għandha tiġri ġrajja f'ċertu żmien.

1058. (1) Meta obbligazzjoni ssir taħt il-kondizzjoni li għandha tiġri ġrajja f'ċertu żmien, dik il-kondizzjoni titqies li ma seħħitx jekk jagħlaq iż-żmien mingħajr ma l-ġrajja tkun ġrat.

(2) Jekk ma jkunx hemm żmien stabbilit, il-kondizzjoni ma titqiesx li ma seħħitx ħlief meta hu żgur li l-ġrajia ma tiġrix:

Iżda, jekk il-kondizzjoni tkun tikkonsisti f'xi ħaġa li tista' tiġi magħmula minn dak li favur tiegħu l-obbligazzjoni tkun saret, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien għall-esekuzzjoni tal-kondizzjoni, u jekk, meta jagħlaq dak iż-żmien, il-kondizzjoni ma tkunx seħħet, l-obbligazzjoni tispiċċa.

Meta l-obbligazzjoni issir taħt kundizzjoni li ma tiġrix ġrajja f'ċertu żmien.

1059. (1) Meta obbligazzjoni ssir taħt kondizzjoni illi ma tiġrix ġrajja f'ċertu żmien, il-kondizzjoni titqies li seħħet sew jekk iż-żmien igħaddi mingħajr ma l-ġrajja tkun ġrat kemm ukoll jekk, qabel l-egħluq taż-żmien, ikun żgur li l-ġrajja ma tkunx sejra tiġri.

(2) Jekk ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, il-kondizzjoni ma titqiesx li seħħet ħlief meta hu żgur li l-ġrajja ma tkunx sejra tiġri:

Iżda, kemm-il darba l-kondizzjoni tkun tikkonsisti f'xi ħaġa li tkun fis-setgħa tad-debitur, il-qorti tista' tiffissa żmien, u jekk dan iż-żmien jagħlaq mingħajr ma l-fatt maħsub fil-kondizzjoni jiġri, il-kondizzjoni titqies li seħħet, u d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni.

Meta jitqies li l-kondizzjoni seħħet.

1060. (1) Il-kondizzjoni titqies li seħħet meta d-debitur obbligat taħt dik il-kondizzjoni jkun dak li impedixxa li tiġri.

(2) Id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx fil-każ li l-impediment ikun minħabba fl-eżerċizzju ta' jedd leġittimu illi ma kienx maħsub fil-ftehim.

Effett retroattiv tal-kondizzjoni.

1061. (1) Il-kondizzjoni meta sseħħ għandha effett retroattiv.

(2) Jekk il-kreditur imut qabel ma tkun seħħet il-kondizzjoni, il-jeddijiet tiegħu jgħaddu lill-werrieta tiegħu.

Il-kreditur jista' jagħmei atti biex iżomm il-jeddijiet tiegħu qabel ma sseħħ il-kondizzjoni.

1062. Il-kreditur jista', qabel ma sseħħ il-kondizzjoni, jagħmel l-atti kollha meħtieġa biex iżomm sħaħ il-jeddijiet tiegħu.

FUQ IL-KONDIZZJONI SUSPENSIVA

Tifsir tal-kondizzjoni suspensiva.

1063. (1) Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi tagħmel l-eżistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhix żgura.

(2) L-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri.

Jekk il-ħaġa tispiċċa jew titgħarraq qabel ma sseħħ il-kondizzjoni.

1064. Meta l-obbligazzjoni ssir taħt kondizzjoni suspensiva, u l-ħaġa li tkun l-oġġett tal-konvenzjoni tispiċċa jew titgħarraq qabel ma sseħħ il-kondizzjoni, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli:

(*a*) jekk il-ħaġa tispiċċa għal kollox, mingħajr ebda ħtija tad-debitur, il-konvenzjoni ma jkollha ebda effett;

(*b*) jekk il-ħaġa tispiċċa għal kollox, bi ħtija tad-debitur, dan ikun obbligat lejn il-kreditur għad-danni;

(*ċ*) jekk il-ħaġa tispiċċa f'parti biss, jew titgħarraq, mingħajr ebda ħtija tad-debitur, it-telfa jbatiha l-kreditur, illi għandu jieħu l-ħaġa fl-istat li tkun tinsab mingħajr ebda tnaqqis tal-prezz tagħha;

(*d*) jekk il-ħaġa tispiċċa f'parti, jew titgħarraq, bi ħtija tad-debitur, il-kreditur għandu l-jedd jagħżel jew li jħoll il-konvenzjoni jew li jitlob il-ħaġa fl-istat li tkun tinsab, flimkien mad-danni.

Jekk l-obbiigazzjoni tkun tiddependi minn ġrajja li ġà ġrat.

1065. L-obbligazzjoni li tiddependi minn ġrajja li ġà ġrat, iżda li l-partijiet ikunu għadhom ma sarux jafu biha, għandha effett minn dak in-nhar li tkun ġiet ikkuntrattata, iżda d-debitur ma jistax jiġi mġiegħel jesegwiha qabel ma jiġi żgurat il-fatt li ma kienx magħruf.

FUQ IL-KONDIZZJONI RIŻOLUTTIVA

Tifsir tal-kondizzjoni riżoluttiva.

1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.

(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva.

Effett tal-kondizzjoni riżoluttiva espressa.

1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall *ipso jure*, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.

Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd bħala mdaħħla fil-kuntratti bilaterali.

1068. Il-kondizzjoni riżoluttiva tingħadd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha:

Iżda, f'dak il-każ, il-kuntratt ma jinħallx *ipso jure*, u l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-kuntratt tal-bejgħ.

Jeddijiet tal-parti li lejha ma tkunx ġiet esegwita l-obbligazzjoni.

1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.

(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni.

---

§ II. FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET BI ŻMIEN

Żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

1070. (1) Iż-żmien ifisser iż-żmien stabbilit għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni.

(2) Iż-żmien jista' jiġi stabbilit sew billi jiġi ffissat jum żgur, sew b'riferenza għal ġrajja li għandha tiġri żgur, għalkemm f'jum mhux żgur.

Iż-żmien ma jissospendix l-obbligazzjoni.

1071. Iż-żmien ma jissospendix l-obbligazzjoni, iżda jdewwem biss l-esekuzzjoni tagħha.

Il-ħaġa ma tistax tintalab qabel ma jagħaq iż-żmien.

1072. Dak li ma jkollux jingħata ħlief fi żmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien, imma dak li jkun tħallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiż-żmien tal-ħlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iż-żmien.

Iż-żmien jitqies miftiehem favur id-debitur.

1073. Iż-żmien jitqies dejjem li ġie miftiehem favur id-debitur, jekk mill-ftehim jew miċ-ċirkostanzi ma jkunx jidher li jkun ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur.

Għadd taż-żmien.

1074. Fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata titqies ta' erbgħa u għoxrin siegħa: ix-xahar u s-sena jitqiesu skont il-kalendarju.

Il-jum li minnu għandu jibda jgħaddi ż-żmien ma jingħaddx.

1075. Il-jum li fih tkun ġiet magħmula l-obbligazzjoni bi żmien, jew dak li minnu ż-żmien għandu jibda jgħaddi, ma jingħaddx fiż-żmien.

Ġranet ta' vakanza. *Emendat: XXII.1976.4.*

1076. (1) Il-granet ta' vakanza pubblika ma jwaqqfux il-mixi taż-żmien:

Iżda, jekk l-aħħar jum taż-żmien ikun ta' vakanza pubblika, iż-żmien ma jitqiesx magħluq qabel ma jgħaddi l-ewwel jum ta' wara li ma jkunx vakanza pubblika.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-granet ta' vakanza pubblika huma dawk li fihom ma tista' tinżamm ebda seduta ordinarja tal-qorti kif hemm provdut fl-artikolu 109 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Meta ma jkun hemm ebda żmien stabbilit għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

1077. Meta ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih għandha tiġi esegwita, jew il-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-qorti.

Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni jitħalla fir-rieda tad-debitur.

1078. Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax;

(*b*) jekk l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett tagħha xi ħaġ'oħra li ma tkunx somma ta' flus, iż-żmien li fih għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni jiġi stabbilit mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi.

Meta d-debitur ma jistax jitlob il-benefiċċju taż-żmien.

1079. Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu.

---

§ III. FUQ L-OBBLIIGAZZJONIJIET ALTERNATTIVI U FAKULTATTIVI

Kif tinħeles obbligazzjoni alternattiva.

1080. (1) Id-debitur f'obbligazzjoni alternattiva jeħles minn dik l-obbligazzjoni bil-kunsinna ta' waħda miż-żewġ ħwejjeġ li jkunu mdaħħlin fl-obbligazzjoni.

(2) Id-debitur ma jistax iġiegħel lill-kreditur jieħu biċċa mill-ħaġa l-waħda u biċċa mill-oħra.

Il-għażla tmiss lid-debitur.

1081. Il-għażla tmiss lid-debitur, jekk fil-ftehim ma tkunx tħalliet espressament għall-kreditur.

Jekk dak li għandu l-għażla ma jagħmilhiex.

1082. (1) Jekk il-parti li lilha tmiss il-għażla ma tagħmilhiex fiż-żmien li jkun ġie miftiehem espressament għaldaqshekk, il-jedd tal-għażla jgħaddi għall-parti l-oħra.

(2) Jekk ebda żmien bħal dak ma jkun ġie miftiehem, il-qorti tista' tiffissa żmien, u jekk il-parti li jkollha l-għażla ma tagħmilhiex f'dak iż-żmien, il-jedd tal-għażla jgħaddi għall-parti l-oħra.

Jekk waħda miż-żewġ ħwejjeġ imwiegħda ma setgħatx tkun oġġett tal-obbligazzjoni,

1083. Jekk waħda miż-żewġ ħwejjeġ imwiegħda ma setgħatx tkun l-oġġett tal-obbligazzjoni, dik l-obbligazzjoni titqies pura u sempliċi dwar il-ħaġa l-oħra.

jew tispiċċa.

1084. (1) L-obbligazzjoni alternattiva ssir pura u sempliċi dwar il-ħaġa li tibqa', jekk waħda miż-żewġ ħwejjeġ imwiegħda tispiċċa, jew ma tkunx tista' aktar tiġi kkunsinnata, ukoll jekk dan jigri bi ħtija tad-debitur. Il-valur tal-ħaġa li tispiċċa ma jistax jiġi offert minflok dik il-ħaġa.

(2) Jekk jispiċċaw iż-żewġ ħwejjeġ, u d-debitur ikun fi ħtija dwar waħda minnhom, hu għandu jħallas il-valur tal-ħaġa li tkun spiċċat l-aħħar waħda.

Meta l-għażla hija mħollija għall-kreditur.

1085. Meta, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-jedd tal-għażla jkun ġie fil-ftehim imħolli għall-kreditur, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) jekk mill-ħwejjeġ tispiċċa waħda biss, iżda bla ħtija tad-debitur, il-kreditur għandu jieħu dik li tibqa': jekk id-debitur ikun fi ħtija, il-kreditur jista' jitlob jew il-ħaġa li tibqa' jew il-valur tal-ħaġa li spiċċat;

(*b*) jekk jispiċċaw iż-żewġ ħwejjeġ, u d-debitur ikun fi ħtija dwar it-tnejn jew imqar dwar waħda biss, il-kreditur jista' jitlob il-valur tal-ħaġa l-waħda jew l-oħra, kif jagħżel hu.

Jekk iż-żewġ ħwejjeġ jispiċċaw bla ħtija tad-debitur.

1086. Jekk iż-żewġ ħwejjeġ jispiċċaw bla ħtija tad-debitur, u qabel ma huwa jkun *in mora*, l-obbligazzjoni tispiċċa kif jingħad fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1207.

Meta fl-obbligazzjoni alternattiva jkunu mdaħħlin iżjed minn żewġ ħwejjeġ.

1087. L-istess regoli jgħoddu meta fl-obbligazzjoni alternattiva jkunu mdaħħlin iżjed minn żewġ ħwejjeġ.

Tifsir tal-obbligazzjoni fakultattiva.

1088. (1) Meta f'obbligazzjoni li jkollha b'oġġett ħaġa determinata, id-debitur ikollu l-jedd li jeħles mill-obbligazzjoni billi joffri ħaġ'oħra, din l-obbligazzjoni tissejjaħ fakultattiva.

(2) F'dan il-każ il-kreditur jista'jitlob biss il-ħaġa msemmija fil-ftehim.

(3) Jekk dik il-ħaġa tispiċċa, l-obbligazzjoni tispiċċa wkoll, iżda dan bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi fil-każ li d-debitur ikun *in mora* fil-kunsinna tal-ħaġa, jew fil-każ li dik tispiċċa bi ħtija tiegħu.

---

§ IV.FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET *IN SOLIDUM*

Ma jitqiesx li l-partijiet huma obbligati *in solidum*.

1089. Ma jitqiesx li hemm solidarjetà. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-liġi, għandha tkun miftiehma espressament.

FUQ L-OBBLIGAZZJONI *IN SOLIDUM* KWANTU GĦALL-KREDITURI

Obbligazzjoni *in solidum* favur żewġ krediturijew iżed.

1090. L-obbligazzjoni hija *in solidum* favur żewġ krediturijew iżjed meta hija tagħti espressament lil kull wieħed minn dawn il-krediturijl-jedd li jitlob il-ħlas tal-kreditu kollu, u l-ħlas magħmul lil wieħed minnhom jeħles lid-debitur, ukoll jekk il-benefiċċju tal-obbligazzjoni jkun jista' jinqasam bejn il-krediturijkollha.

Id-debitur jista' jagħżel li jħallas 'il-wieħed jew 'l-ieħor mill-krediturijin solidum.

1091. Id-debitur jista' jagħżel li jħallas 'il-wieħed jew 'l-ieħor mill-krediturijin solidum, meta qabel ma jkunx ġie mwissi minn wieħed minn dawk il-krediturijb'talba ġudizzjarja jew b'att ieħor tal-qorti.

Ksur u sospensjoni tal-preskrizzjoni.

1092. (1) Kull att li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed mill-krediturijin solidum, jiswa xorta waħda għall-krediturijl-oħra.

(2) Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni favur ta' wieħed mill-krediturijin solidum, ma tiswiex għall-oħrajn.

Effetti tal-maħfra tad-dejn minn wieħed mill-krediturijin solidum.

1093. Jekk wieħed mill-krediturijin solidum jaħfer id-dejn, id-debitur jiġi meħlus biss mis-sehem ta' dak il-kreditur.

FUQ L-OBBLIGAZZJONI *IN SOLIDUM* KWANTU GĦAD-DEBITURI

Obbligazzjoni *in solidum* għad-debituri.

1094. L-obbligazzjoni hija *in solidum* għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur.

L-obbligazzjoni tista' tkun *in solidum* għalkemm id-debituri ma jkunux obbligati xorta waħda.

1095. L-obbligazzjoni tista' tkun *in solidum* ukoll jekk wieħed mid-debituri jkun, għall-ħlas tal-istess ħaġa, obbligat xort'oħra mill-oħrajn, bħal meta l-obbligazzjoni ta' wieħed tkun kondizzjonali, waqt li l-obbligazzjoni tal-ieħor tkun pura u sempliċi, jew bħal meta wieħed għandu żmien biex iħallas illi ma jkunx mogħti lill-ieħor, inkella meta d-debituri jkunu obbligati li jħallsu min f'post u min f'ieħor.

Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*.

1096. Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*, b'għażla tiegħu, mingħajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-benefiċċju tal-qsim tal-obbligazzjoni.

It-talba ġudizzjarja kontra wieħed mid-debituri *in solidum* ma ttellifx il-jedd ta' din it-talba kontra kull wieħed mill-oħrajn.

1097. It-talba ġudizzjarja magħmula kontra wieħed mid-debituri *in solidum* ma tneħħix lill-kreditur il-jedd li jaġixxi b'talba bħal dik kontra kull wieħed ieħor mid-debituri l-oħra, lanqas jekk fl-ewwel talba, il-kreditur ma jkunx żamm espressament dak il-jedd.

Talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet.

1098. It-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet, meta hemm jedd għaliha, magħmula kontra wieħed mid-debituri *in solidum*, iġġib li dawn l-imgħaxijiet igħaddu kontra d-debituri kollha.

Eċċezzjonijiet li jista' jagħti wieħed mid-debituri *in solidum*.

1099. (1) Meta l-kreditur jaġixxi kontra wieħed mill-kondebituri *in solidum*, dan il-kondebitur jista' jagħti l-eċċezzjonijiet kollha li huma personali għalih, kif ukoll dawk li jgħoddu għalih u għall-kondebituri l-oħra kollha.

(2) Iżda, dak il-kondebitur ma jistax jagħti l-eċċezzjonijiet li jkunu għal kollox personali għal xi wieħed biss mill-kondebituri l-oħra.

Ksur tal-preskrizzjoni.

1100. L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri *in solidum*, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom.

L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mill-werrieta tad-debituri *in solidum*.

1101. (1) L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mill-werrieta ta' wieħed mid-debituri *in solidum*, u kull att ieħor li jiġi esegwit kontra wieħed minn dawk il-werrieta, għalkemm dik l-aċċettazzjoni jew dak l-att ikunu jistgħu jiksru l-preskrizzjoni kontra dak il-werriet, ma jiksrux il-preskrizzjoni kontra l-werrieta l-oħra sħabu, lanqas jekk id-dejn ikun ipotekarju, kemm-il darba l-obbligazzjoni ma tkunx indiviżibbli.

(2) Il-ksur tal-preskrizzjoni kontra wieħed mill-werrieta ta' wieħed mid-debituri *in solidum*, m'għandux effett kontra l-kondebituri l-oħra, ħlief għal dik il-biċċa tad-dejn li għaliha dak il-werriet ikun obbligat.

(3) lżda, meta l-preskrizzjoni tiġi miksura kontra l-werrieta kollha tal-kondebitur mejjet, dik il-preskrizzjoni tinkiser kontra l-kondebituri kollha li jkunu għadhom ħajjin għad-dejn kollu.

Jekk il-ħaġa tispiċċa bi ħtija ta' wieħed jew iżjed mid-debituri *in solidum*.

1102. (1) Jekk il-ħaġa li għandha tingħata tispiċċa bi ħtija ta' wieħed jew iżjed mid-debituri *in solidum*, jew fiż-żmien li wieħed jew iżjed minnhom ikunu *in mora*, il-kondebituri l-oħra ma jiġux meħlusa mill-obbligu li jħallsu l-valur tal-ħaġa, iżda huma ma jkunux obbligati għall-ħlas tad-danni.

(2) Il-kreditur jista' jitlob il-ħlas tad-danni mid-debitur jew mid-debituri biss li bi ħtija tagħhom il-ħaġa tkun spiċċat, jew li kien jew kienu *in mora,*

Meta wieħed mid-debituri isir werriet tal-kreditur, eċċ.

1103. Meta wieħed mid-debituri jsir werriet tal-kreditur, jew meta l-kreditur isir werriet ta' wieħed mid-debituri, il-kreditu *in solidum*, bil-konfużjoni, jispiċċa kwantu għas-sehem ta' dak id-debitur.

Kreditur li jagħti l-kunsens għall-qsim tal-obbligazzjoni favur ta' wieħed mid-debituri.

1104. Il-kreditur li jagħti l-kunsens tiegħu għall-qsim tad-dejn favur ta' wieħed mid-debituri, ma jitlifx il-jedd tiegħu tal-azzjoni *in solidum* kontra d-debituri l-oħra għall-kreditu kollu.

Meta l-kreditur jieħu biċċa mill-ħlas tad-dejn.

1105. (1) Il-fatt li l-kreditur jircievi bicca mid-dejn, f'darba waħda jew iżjed, mingħand wieħed jew iżjed mid-debituri *in solidum* ma jfissirx rinunzja għall-obbligazzjoni *in solidum,* la favur id-debitur jew id-debituri li jkunu ħallsu l-biċċa mid-dejn, lanqas favur l-oħrajn, għalkemm il-kreditur, meta rċieva dik il-biċċa, ma jkunx żamm espressament il-jedd għall-azzjoni tiegħu *in solidum* jew il-jeddijiet tiegħu in ġenerali.

(2) Dan igħodd ukoll meta l-kreditur jagħmel xi talba ġudizzjarja kontra wieħed jew iżjed mill-kondebituri għal biċċa mid-dejn.

(3) Lanqas jingħadd li hemm rinunzja, għalkemm is-somma meħuda b'akkont jew mitluba tkun daqs is-sehem tad-dejn li għalih id-debitur li jkun ħallas, jew li kontra tiegħu tkun saret it-talba għall-ħlas, huwa obbligat bejnu u l-kondebituri l-oħra.

Id-debituri bejniethom huma obbligati kull wieħed għal sehmu.

1106. L-obbligazzjoni tad-debituri *in solidum* lejn il-kreditur, tinqasam *ipso jure* bejn id-debituri li, bejniethom, huma obbligati kull wieħed għal sehmu biss.

Il-kondebitur li ħallas id-dejn jista' jitlob mingħand kull wieħed mid-debituri l-oħra s-sehem tiegħu biss.

1107. (1) Il-kondebitur li jħallas id-dejn *in solidum* kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet.

(2) Jekk wieħed mid-debituri l-oħra ma jkunx solvibbli, it-telf li ġġib dik l-insolvenza jitqassam bejn id-debituri l-oħra kollha solvibbli, kompriż il-wieħed li jkun għamel il-ħlas, kull wieħed skont is-sehem li jmissu mid-dejn.

Jekk il-kreditur jeħles wieħed mill-kondebituri mill-obbligazzjoni solidali tiegħu.

1108. Jekk il-kreditur ikun irrinunzja għall-azzjoni *in solidum* lejn xi wieħed mid-debituri, u xi wieħed jew iżjed mid-debituri l-oħra isir mhux solvibbli, is-sehem ta' dawk li ma jkunux solvibbli jiġi mqassam bejn id-debituri kollha, fosthom ukoll dawk illi jkunu ġew qabel mill-kreditur meħlusa mill-obbligazzjoni solidali, kull wieħed skont is-sehem li jmissu mid-dejn.

Meta mal-oġġett tal-obbligazzjoni solidali jkollu x'jaqsam wieħed mill-kondebituri biss.

1109. Jekk fil-ħaġa li għaliha gie magħmul id-dejn *in solidum* ma jkollux x'jaqsam ħlief wieħed mill-kondebituri, dak hu obbligat għad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-oħra, u dawn, rigward dak il-kondebitur, jitqiesu biss bħala garanti.

---

§ V.FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET DIVIŻIBBLI U INDIVIŻIBBLI

Obbligazzjoni diviżibbli.

1110. L-obbligazzjoni hija diviżibbli jew indiviżibbli, skont jekk il-ħaġa jew il-fatt illi jkunu l-oġġett tal-obbligazzjoni nfisha, ikunux kapaċi jew le illi jsir tagħhom qsim materjali jew intellettwali.

Obbligazzjoni indiviżibbli.

1111. L-obbligazzjoni hija indiviżibbli jekk, għalkemm il-ħaġa jew il-fatt illi jkunu l-oġġett tagħha minnhom infishom jinqasmu, il-mod li bih dik il-ħaġa jew dak il-fatt kienu tqiesu fl-obbligazzjoni ma jkunx jippermetti li l-esekuzzjoni ssir in parti.

Il-fatt li obbligazzjoni tkun *in solidum* ma ġġibx li hija tkun ukoll indiviżibbli.

1112. L-obbligazzjoni ma titqiesx li hija indiviżibbli minħabba biss li tkun obbligazzjoni *in solidum*.

Kif tiġi esegwita bejn il-kreditur u d-debitur obbligazzjoni diviżibbli.

1113. (1) L-obbligazzjoni, għalkemm tkun li tista' tinqasam, għandha tiġi esegwita, bejn il-kreditur u d-debitur, bħallikieku kienet indiviżibbli.

(2) Il-qsim ta' dik l-obbligazzjoni jista' jsir biss bejn il-werrieta tagħhom, illi ma jistgħux jitolbu d-dejn, jew ma jkunux obbligati jħallsuh, ħlief fl-ishma li jmissu lilhom, jew fl-ishma li għalihom huma obbligati, bħala li jidhru flok il-kreditur jew id-debitur.

Meta r-regola ta' qsim ta' obbligazzjoni ma tgħoddx għall-werrieta tad-debitur.

1114. (1) Ir-regola ta' qsim ta' obbligazzjoni bejn il-werrieta tad-debitur ma tgħoddx fil-każjiet li ġejjin:

(*a*) meta jkollha tingħata ħaġa determinata;

(*b*) meta, bis-saħħa tat-titolu, wieħed mill-werrieta waħdu jkun inkarigat mill-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni;

(*ċ*) meta, mix-xorta jew mill-oġġett tal-obbligazzjoni jew mill-iskop li l-partijiet kellhom fil-kuntratt jidher illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi d-dejn ma jistax jiġi mħallas biċċa biċċa.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*a*) u (*b*), il-werriet li jkollu l-pussess tal-ħaġa, jew li jkun waħdu inkarigat mid-dejn, u, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu, kull wieħed mill-werrieta, jista' jiġi mħarrek dwar kollox, bla ħsara tal-jedd tiegħu li jdur kontra l-oħrajn li jkunu werrieta miegħu.

FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET INDIVIŻIBBLI

Obbligu ta' dawk li jikkuntrattaw flimkien dejn li ma jinqasamx.

1115. (1) Jekk żewġ persuni jew iżjed ikunu ikkuntrattaw flimkien dejn li ma jinqasamx, kull waħda minn dawk il-persuni hija obbligata għad-dejn kollu, għalkemm l-obbligazzjoni ma tkunx *in solidum*.

(2) Dan igħodd ukoll għall-werrieta tal-persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni bħal dik.

Jeddijiet tal-werrieta tal-kreditur f'obbligazzjoni indiviżibbli.

1116. (1) Kull wieħed mill-werrieta tal-kreditur jista' jitlob l-esekuzzjoni sħiħa tal-obbligazzjoni indiviżibbli.

(2) Ma jistax huwa waħdu jaħfer id-dejn kollu, jew jirċievi, minflok il-ħaġa nfisha, il-valur tal-ħaġa.

(3) Jekk wieħed waħdu mill-werrieta ikun ħafer id-dejn, jew ikun irċieva l-valur tal-ħaġa, ebda wieħed mill-werrieta l-oħra ma jista' jitlob il-ħaġa li ma tistax tinqasam mingħajr ma jieħu qies tas-sehem tal-werriet li jkun ħafer id-dejn jew li jkun irċieva l-valur.

Jedd ta' wieħed mill-werrieta tad-debitur li jsejjaħ fil-kawża l-werrieta l-oħra.

1117. Il-werriet tad-debitur meta jkun imħarrek għad-dejn kollu, jista' jitlob żmien biex isejjaħ fil-kawża l-werrieta l-oħra, iżda dan kemm-il darba id-dejn ma jkunx ta' xorta li ma jistax jiġi mħallas ħlief mill-werriet imħarrek; f'dan il-każ hu jista' jiġi kkundannat waħdu, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra l-werrieta l-oħra.

---

§ VI. FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET BI KLAWSOLI PENALI

Tifsir ta' klawsola penali.

1118. Il-klawsola penali hija dik li biha wieħed, sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa fil-każ li jonqos li jesegwih.

Effetti tan-nullità tal-obbligazzjoni prinċipali u tal-klawsola penali.

1119. (1) In-nullità tal-obbligazzjoni prinċipali ġġib magħha n-nullità tal-klawsola penali.

(2) In-nullità tal-klawsola penali ma ġġibx magħha n-nullità tal-obbligazzjoni prinċipali.

Il-penali tgħodd flok id-danni.

1120. (1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali.

(2) Il-kreditur jista' jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa' d-debitur.

(3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

Meta wieħed jaqa' fil-penali.

1121. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed m'għandux jagħmel xi ħaġa, hu jaqa' fil-penali hekk kif jikser l-obbligazzjoni.

(2) Jekk l-obbligazzjoni ma setgħetx tiġi esegwita ħlief f'ċertu żmien, id-debitur jaqa' fil-penali hekk kif jagħlaq dak iż-żmien, kemm-il darba fil-ftehim ma jkunx ġie stabbilit żmien ieħor.

(3) F' kull każ ieħor, id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir ħati ta' dewmien, bħal ma jingħad fl-artikolu 1130.

Tibdil jew tnaqqis tal-penali.

1122. (1) Il-qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:

(*a*) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;

(*b*) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. lżda, f' dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

(2) Meta skont dan l-artikolu l-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita.

Klawsola penali f'obbligazzjoni indiviżibbli.

1123. Meta l-obbligazzjoni prinċipali bi klawsola penali jkollha bħala oġġett ħaġa li ma tistax tinqasam, ikun hemm lok għall-ħlas tal-penali wkoll jekk jonqos mill-obbligazzjoni wieħed biss mill-werrieta tad-debitur; u f' dan il-każ, il-penali tista' tintalab jew -

(*a*) kontra dak li jkun naqas għas-somma kollha, jew

(*b*) kontra kull wieħed mill-werrieta għal sehmu, jew, b'azzjoni ipotekarja għas-somma kollha, bla ħsara tal-jedd ta' regress kontra dak li jkun naqas.

Klawsola penali f'obbligazzjoni diviżibbli.

1124. (1) Jekk l-obbligazzjoni prinċipali bi klawsola penali tkun diviżibbli, u wieħed mill-werrieta tad-debitur jikser l-obbligazzjoni, jaqa' fil-penali dak il-werriet biss, u għall-biċċa biss tal-obbligazzjoni prinċipali li għaliha hu kien obbligat, u ma jkun hemm jedd ta' ebda azzjoni kontra dawk li jkunu esegwew l-obbligazzjoni.

(2) Ir-regola miġjuba fis-subartikolu (1) ma tgħoddx għall-każijiet li fihom il-klawsola penali tkun ġiet magħmula sabiex il-ħlas ma jkunx jista' jsir f'biċċa, u wieħed mill-werrieta ma jkunx ħalla li l-obbligazzjoni tiġi esegwita kollha. F'dan il-każ, tista' tiġi mitluba mingħand dan il-werriet il-penali kollha, u mingħand il-werrieta l-oħra s-sehem biss tagħhom, bla ħsara tal-jedd ta' regress li dawn għandhom kontra l-werriet li jkun naqas mill-obbligazzjoni.

---

§ VII. FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET FIDUĊJARJI

Obbligazzjonijiet fiduċjarji.
Miżjud: XIII.2004.40.
Emendat: XXXVI.2018.38.

1124A. (1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, dikjarazzjonijiet unilaterali inklużi testmenti, *trust*, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") -

(*a*) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra u għandu jiġi preżunt li din l-obbligazzjoni, meta l-fiduċjarju jaġixxi fi, jew jokkupa pożizzjoni ta' fiduċja, hija favur persuna oħra, jew

(*b*) reġistrat f'isimha, iżżomm, teżerċita kontroll jew ikollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew

(*ċ*) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.

(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandha wkoll titqies li hi soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna -

(*a*) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra; jew

(*b*) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar *bona fide* u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-dispożizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ -

(*a*) li jeżerċita d-diliġenza ta' *bonus pater familias* fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu;

(*b*) li jevita kull konflitt ta' interess jew kull kunflitt ta' fiduċja jew obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(*ċ*) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu kif lanqas ma għandu jippermetti lil xi persuna oħra li tagħmel dan, jew li tidħol f'xi transazzjoni relatata mal-proprjetà, direttament jew indirettament, sakemm ma tkunx awtorizzata li tagħmel dan permezz tal-istrument li joħloq l-obbligazzjoni fiduċjarja jew ma tkunx permessa minn persuna jew awtorità li għandha s-setgħa tapprova dawn in-negozji taħt l-istrument jew liġi applikabbli jew inkella kif awtorizzata mill-Qorti:

Iżda kwalunkwe referenzi għall-"Qorti", għandhom jinftiehmu li huma referenzi għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), kemm-il darba ma jkunx stabbilit xort'oħra jew kemm-il darba il-kuntest ma jkunx jirreferi għal xi qorti li quddiemha tkun tressqet xi kwistjoni, f'liema każ tkun il-qorti fejn tkun qamet il-kwistjoni;

(*d*) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda;

(*e*) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew mimuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili u li jwettaq bidla fir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe proprjetà rilevanti, kif jista' jkun meħtieġ għal dan il-għan;

(*f*) li jżomm *records* xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(*g*) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(*h*) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà miżmuma taħt

obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament hija intitolata għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra mitlub mill-istrument bil-miktub li jirregola l-obbligazzjoni fiduċjarja jew mil-liġi applikabbli, u għal dan il-għan, li jeżegwixxi dawn l-arranġamenti, inkluż kull kuntratt pubbliku, jew strumenti oħra u, jew li jwettaq bidla fir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe proprjetà rilevanti, kif jista' jkun meħtieġ;

(*i*) li jirritorna kull proprjetà miżmuma taħt l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, hekk kif jintemmu l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, lill-persuna li leġittimament hija intitolata għaliha, kif mitlub mill-istrument bil-miktub li jirregola l-obbligazzjoni fiduċjarja jew mil-liġi applikabbli, u għal dan il-għan, li jeżegwixxi dawn l-arranġamenti, inkluż kwalunkwe kuntratt pubbliku, jew strumenti oħra u, jew li jwettaq bidla fir-reġistrazżjoni ta' kwalunkwe proprjetà rilevanti, kif jista' jkun meħtieġ;

(*j*) li jżomm kunfidenzjali l-affarijiet tal-persuna li lilha huma dovuti d-dmirijiet fiduċjarji, bla ħsara għad-dmir tal-fiduċjarju li jipprovdi informazzjoni lil benefiċjarju tal-obbligazzjoni fiduċjarja speċifika jew lil persuni oħra, skont u bla ħsara għal kwalunkwe restrizzjonijiet misjuba fl-istrument bil-miktub, jekk ikun hemm, li jagħti lok għall-obbligazzjoni fiduċjarja b'referenza għal dan is-subtitolu, sakemm il-fiduċjarju ma jingħatax il-kunsens mill-persuna li lilha huma dovuti d-dmirijiet fiduċjarji sabiex tiżvela dik l-informazzjoni:

Iżda l-fiduċjarju għandu d-dritt jiddikjara fi kwalunkwe strument bil-miktub jew fit-twettiq ta' xi att, li huwa jkun qed jaġixxi bħala fiduċjarju f'dak il-kuntest u dik id-dikjarazzjoni m'għandhiex titqies li tikser dan is-subartikolu; u

(*k*) li jwettaq l-iskop identifikat, meta jkun ġie fdat bil-proprjetà.

(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.

(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta' dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8), meta l-qorti kompetenti, fi kwalunkwe proċedimenti, issib li persuna hija l-proprjetarja ta', għandha reġistrata f'isimha, iżżomm, teżerċita kontroll jew għandha setgħat ta' dispożizzjoni fuq proprjetà u hija marbuta b'obbligazzjonijiet fiduċjarji li jirriżultaw bi kwalunkwe mod b'rabta ma' dik il-proprjetà, il-qorti tista' tagħmel kwalunkwe

ordni jew dikjarazzjoni favur, jew għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni, taħt dawk it-termini u l-kundizzjonijiet li jista' jidhrilha li huma adegwati fiċ-ċirkostanzi għall-protezzjoni tal-benefiċjarju ta' dawk l-obbligazzjonijiet taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu u kwalunkwe liġi speċjali, inkluż li:

(*a*) tordna t-trasferiment, ir-restituzzjoni jew il-kunsinna ta' kwalunkwe proprjetà, jew il-bidla fir-reġistrazzjoni tal-istess, lil fiduċjarju ieħor jew tordna li din tinżamm b'mod konġunt ma' fiduċjarju ieħor;

(*b*) twaqqaf is-setgħat ta' dispożizzjoni tal-proprjetà;

(*ċ*) tordna lill-fiduċjarju jagħti sigurtà adegwata;

(*d*) tistabbilixxi *trust* b'rabta mal-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjoni fiduċjarja u tistabbilixxi t-termini ta' dik it-*trust*;

(*e*) tirrevoka kwalunkwe trasferiment jew transazzjoni oħra jew tiddikjarahom nulli u bla effett; jew

(*f*) timponi danni fuq il-fiduċjarju.

(8) Il-qorti għandu wkoll ikollha l-istess setgħat, sew jekk il-proċedimenti jiġu istitwiti taħt l-artikolu 1124E jew taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, minn xi benefiċjarju, suċċessur fit-titolu ta' dak il-benefiċjarju, kreditur ta' dak il-benefiċjarju meta dak il-kreditur ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tal-benefiċjarju taħt il-liġi applikabbli, jew minn kull persuna oħra li l-qorti tqis li hija intitolata taħt l-obbligazzjoni fiduċjarja rilevanti, skont il-każ, u abbażi tat-talbiet fil-proċedimenti rilevanti. Meta terza persuna takkwista xi proprjetà taħt titolu oneruż jew takkwista drittijiet fuq xi proprjetà appartenenti, miżmuma jew reġistrata f'isem il-fiduċjarju, din m'għandhiex tkun preġudikata minn xi rimedju mogħti mill-qorti lil xi persuna kif stabbilit hawn qabel:

Iżda t-terza persuna li takkwista xi proprjetà taħt dan is-subartikolu m'għandux ikollha għarfien li kienet qiegħda tittratta mal-fiduċjarju.

(9) L-obbligazzjonijiet fiduċjarji jistgħu, f'każijiet partikolari, jitwarrbu b'mod impliċitu jew jiġu varjati f'ċerti ċirkustanzi, pereżempju:

(*a*) il-metodu użat biex jiġi inkarigat il-fiduċjarju, b'mod partikolari meta l-fiduċjarju jiġi inkarigat fir-rigward ta' żewġ għanijiet, funzjonijiet jew karigi jew aktar, jew meta l-fiduċjarju jiġi inkarigat għal għan, funzjoni jew kariga fl-istess waqt bħal meta l-fiduċjarju jingħata intitolament;

(*b*) l-iskop, l-għanijiet u l-kuntesti tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji imposti;

(*ċ*) l-għoti lura ta' proprjetà, permezz tal-kunsinna, reġistrazzjoni f'isem persuna oħra, ċessjoni jew trasferiment, lil jew għall-benefiċċju ta' kreditur tal-benefiċjarju għal skop ta' sigurtà jew skop ieħor li

huwa distint minn dak tal-benefiċjarju; jew

(*d*) il-mod ta' kif il-fiduċjarju jaċċetta jew jassumi jew jieħu r-responsabbiltà għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(10) Meta jkun hemm rinunzja espressa tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji kif stabbilit fis-subartikolu (4) jew rinunzja espressa kif stabbilit fis-subartikolu (9), il-fiduċjarju jista', f'każ ta' dubju, japplika għal direzzjonijiet mill-qorti kompetenti dwar kif għandu jaġixxi fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti għandha tqis b'mod xieraq l-intenzjonijiet tal-persuna li tkun stabbilixxiet jew imponiet l-obbligazzjonijiet fiduċjarji u l-interessi kemm tal-fiduċjarju kif ukoll tal-benefiċjarju.

Negozjar ma' terzi li jkunu jafu dwar l-obbligazzjonijiet fudiċjarji. *Miżjud: XIII.2004.40. Emendat: XXXVI.2018.39.*

1124B. (1) Meta terza persuna tkun taf li l-fiduċjarju huwa vestit bil-proprjetà, għandu reġistrat f'ismu, iżomm, jeżerċita kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq proprjetà li hija suġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, it-terzi persuni jistgħu, bil-*bona fide*, jaġixxu fir-rigward tal-fiduċjarju daqslikieku kien il-proprjetarju assolut tagħha.

(2) Terza persuna li takkwista proprjetà taħt titolu oneruż kif provdut fis-subartikolu (1), m'għandhiex tiġi affettwata mill-obbligazzjonijiet fiduċjarji li għalihom hija soġġetta l-imsemmija proprjetà, kemm-il darba ma jkunx ġie miftiehem xort'oħra fir-rigward.

(2A) Meta terza persuna takkwista proprjetà taħt titolu gratuwitu kif provdut fis-subartikolu (1), mingħand fiduċjarju li jaġixxi bi ksur tal-obbligazzjoni fiduċjarja jew meta t-terza persuna tkun akkwistat il-proprjetà taħt titolu gratuwitu għad-detriment tal-benefiċjarju, it-terza persuna għandha tkun soġġetta għall-istess obbligazzjonijiet fiduċjarji li għalihom kien soġġett il-fiduċjarju, b'effett minn meta t-terza persuna ssir taf jew kellha raġonevolment issir taf miċ-ċirkostanzi dwar il-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji:

Iżda l-obbligazzjonijiet fiduċjarji li għalihom hija soġġetta t-terza persuna, għandhom ikunu ristretti b'mod limitat għall-ksur jew għall-gwadann mhux awtorizzat, kemm-il darba l-qorti ma tipprovdix xort'oħra skont ir-rimedji tal-artikolu 1124A:

Iżda wkoll it-twettiq tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji skont it-termini u l-kundizzjonijiet li l-fiduċjarju huwa soġġett għalihom, m'għandux jitqies li huwa gratuwitu għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(3) Persuna li tkun qed tittratta ma' fiduċjarju dwar proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji ma jkollhiex għalfejn -

(*a*) tistaqsi dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorità, ħlief fil-każ ta' transazzjoni gratuwita; jew

(*b*) tikseb il-kunsens tal-persuna li lilha jkunu dovuti d-dmirijiet ta' fiduċjarji jew ta' xi persuna oħra,

u kemm-il darba tkun *in bona fide*, ikollha dritt li toqgħod fuq dikjarazzjonijiet magħmula mill-fiduċjarju dwar l-awtorità tiegħu.

(3A) Kwalunkwe terza persuna li tkun qiegħda tittratta ma' fiduċjarju f'xi transazzjoni għandha tkun intitolata li tistaqsi dwar l-iskopijiet tal-obbligazzjoni fiduċjarja, inkluża l-obbligazzjoni li

ma jinqabiżx il-valur li jirriżulta mit-transazzjoni, jew li jirrelata xort'oħra mal-proprjetà soġġetta għat-transazzjoni jew l-applikabbiltà tal-fondi inkwistjoni.

(4) Il-fiduċjarju jista' jagħti lil kull persuna li tittratta miegħu ċertifikat li jkun fih it-tagħrif li ġej mingħajr ma jkun bi ksur ta' xi obbligazzjoni ta' konfidenzjalità -

(*a*) li l-awtorità teżisti, id-data meta jkun ġie eżegwit id-dokument rilevanti u li l-awtorità ma tkunx ġiet revokata;

(*b*) dikjarazzjoni li jkun awtorizzat biex iwettaq l-operazzjonijiet li jkunu qed isiru; u

(*ċ*) l-identità u l-indirizz tal-fiduċjarju.

(5) Kull fiduċjarju li joħroġ ċertifikat li jkun fih xi dikjarazzjoni li hu jkun jaf, jew li għandu jkun jaf, li hu falz, ikun ħati ta' reat u jeħel meta jinsab ħati l-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew multa.

(6) Meta fiduċjarju li jkun vestit bid-dritt tal-proprjetà, li jkollu reġistrat f'ismu, iżomm, jeżerċita kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq proprjetà, jinforma terza persuna li magħha jkun qiegħed jittratta li jkun qiegħed jaġixxi bħala fiduċjarju, meta t-terza persuna tkun taf xort'oħra jew għandha raġonevolment tkun taf, il-fiduċjarju m'għandux ikun responsabbli personalment għall-obbligazzjonijiet li jkun daħal fihom fil-konfront ta' dik it-terza persuna, ħlief għal dawk magħmula fl-eżerċizzju tal-obbligazzjonijiet tiegħu. Meta t-terza persuna ma tkunx taf dwar l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, il-fiduċjarju għandu, bla ħsara għall-kundizzjonijiet li setgħu ġew stabbiliti jew inkella li japplikaw taħt il-liġi applikabbli, ikun personalment responsabbli fil-konfront ta' dik it-terza persuna għal kwalunkwe obbligazzjoni li jkollu.

(7) Il-fiduċjarju għandu dritt li jieħu azzjoni kontra l-benefiċjarju, meta dan ikun stabbilit fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew f'xi liġi speċjali, bħala kumpens kontra dik ir-responsabbiltà, sakemm ma jkunx aġixxa bi ksur tad-dmirijiet tiegħu, f'liema każ m'għandux ikun intitolat għall-kumpens.

(8) Il-fiduċjarju għandu jkun prežunt li għandu s-setgħat kollha fil-liġi li huma mitluba minnu sabiex iwettaq l-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha fir-rigward tal-benefiċjarji jew skopijiet.

Proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji u għad-dritt tal-proprjetà. *Mižjud: XXXVI.2018.40.*

1124Ċ. (1) Meta persuna tingħata d-dritt tal-proprjetà, ikollha reġistrat f'isimha, iżżomm, teżerċita kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, dik il-proprjetà għandha tistabbilixxi patrimonju distint u separat, konsistenti fid-drittijiet kollha relattivi u l-obbligazzjonijiet fir-rigward tal-istess, u dik il-proprjetà m'għandhiex tkun soġġetta għal talbiet jew drittijiet ta' azzjoni tal-krediturі personali tal-fiduċjarju, lanqas tal-konjuġi jew tal-eredi tiegħu, ħlief kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew liġijiet speċjali.

(2) L-appartenenza fiduċjarja tal-proprjetà hija dik kif kontemplata fit-Titolu II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi għal dak li għandu x'jaqsam ma' terzi persuni, iżda kif modifikata permezz tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu u kwalunkwe liġijiet speċjali u dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi li jistgħu jkunu japplikaw, sakemm tkun soġġetta għall-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' u għall-benefiċċju ta' persuna oħra, li tissejjaħ il-benefiċjarju, jew għall-kisba ta' għan partikolari jew it-tnejn flimkien. Dawn il-modifiki jimplikaw restrizzjonijiet u limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-proprjetà konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, il-liġijiet speċjali tat-*trusts* u dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi.

(3) Meta proprjetà li tkun soġġetta għall-obbligazzjoni fiduċjarja tkun fil-pussess tal-fiduċjarju u tkun il-proprjetà tal-benefiċjarju, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi speċjali oħra li tirregola r-relazzjoni tagħhom, skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-fiduċjarju u l-benefiċjarju:

Iżda dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jistgħu jiġu modifikati skont it-termini tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għall-protezzjoni tal-benefiċjarju u, jew biex titwettaq l-obbligazzjoni.

Irtirar tal-fiduċjarju u ħatra tas-suċċessur tiegħu. *Mižjud:* XXXVI.2018.40.

1124D. Meta l-fiduċjarju jkun vestit bl-appartenenza ta' proprjetà, meta din tkun reġistrata f'ismu, iżomm, jeżerċita kontroll jew setgħat ta' dispożizzjoni fuq dik il-proprjetà, u għal kwalunkwe raġuni, jieqaf jaġixxi bħala fiduċjarju u sussegwentement jiġi sostitwit minn fiduċjarju ieħor, dan tal-aħħar għandu jkompli jwettaq l-istess obbligazzjonijiet fiduċjarji, li jistgħu jkunu japplikaw fiż-żmien rilevanti:

Iżda:

(*a*) it-trasferiment ta' drittijiet u obbligazzjonijiet fir-rigward tal-proprjetà li hija soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandu jsir effettiv favur il-benefiċjarji u terzi persuni mal-eżekuzzjoni ta' strument bil-miktub bejn il-fiduċjarju li jkun qed iċedi l-obbligazzjoni fiduċjarja tiegħu u l-fiduċjarju li jkun qed jissostitwih. L-istrument bil-miktub għandu jispeċifika l-proprjetà li hija soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, u għandu jagħti setgħa lill-fiduċjarju l-ġdid li jittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha, inkluż il-pussess u, jew il-kunsinna tal-proprjetà favur il-benefiċjarju u kwalunkwe terza persuna, skont il-każ, ħlief kif stabbilit fil-paragrafi (d) u (e);

(*b*) sabiex id-drittijiet fuq l-immobbli jiġu vestiti b'mod validu fil-fiduċjarju l-ġdid, tkun meħtieġa l-eżekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku;

(*ċ*) l-unika importanza li għandha tingħata għall-imsemmija transazzjoni għandha tkun dik imsemmija

fl-artikolu 958L, li għandha tapplika *mutatis mutandis* fil-każ tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji ħlief għal dawk li jirriżultaw minn *trusts,* u minkejja kwalunkwe liġi oħra, mhux meħtieġ li jiġi stabbilit fl-istrument relattiv, inkluż kwalunkwe kuntratt pubbliku, il-valur tal-proprjetà li tkun qiegħda tiġi trasferita jew kunsinnata;

(*d*) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għat-trasferiment ta' ċellula minn organizzazzjoni għal oħra jew il-kostituzzjoni ta' ċellula bħala organizzazzjoni ġdida taħt l-artikoli 20A jew 20B tat-Tieni Skeda, skont il-każ;

(*e*) id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha, inklużi kwalunkwe kuntratti li jistgħu jkunu fis-seħħ, għandhom ikomplu joperaw skont il-kundizzjonijiet tagħhom b'referenza għall-proprjetà li tkun soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji u għandhom jgħaddu għal u jorbtu lil fiduċjarju l-ġdid mat-trasferiment u, jew mal-kunsinna lilu tal-proprjetà skont il-liġi applikabbli u kwalunkwe strument bil-miktub li jirregola l-obbligazzjonijiet fiduċjarji u l-proprjetà li tkun soġġetta għall-obbligazzjoni fiduċjarja u dan mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe avviż lil, jew kunsens ta' xi persuna oħra ħlief kif provdut f'dan is-subartikolu jew liġi applikabbli;

(*f*) il-fiduċjarju li ma jibqax jaġixxi bħala tali ma jibqax intitolat għad-drittijiet u s-setgħat kollha u, bla ħsara għall-paragrafu (g), għandu jiġi rilaxxat mill-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha relatati mal-proprjetà li hija soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, inklużi obbligazzjonijiet taħt kwalunkwe kuntratti, ladarba jkun wettaq it-trasferiment u l-kunsinna tal-proprjetà lis-suċċessur fiduċjarju wara li jkun kiseb il-kunsensi kollha kif mitlub għat-terminazzjoni tal-kariga tiegħu bħala fiduċjarju taħt kwalunkwe strument bil-miktub u bl-osservanza għal-liġi applikabbli;

(*g*) il-fiduċjarju li ma jibqax jaġixxi bħala tali, m'għandux jiġi rilaxxat mill-obbligazzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-benefiċjarju għal dak li għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li jista' ma jkunx trasferixxa, ikkunsinna jew ta rendikont fir-rigward tagħha, jew li tista' tiġi fil-pussess tiegħu sussegwentement jew minħabba kwalunkwe ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji meta kien qed jaġixxi bħala fiduċjarju;

(*h*) il-fiduċjarju li ma jibqax jaġixxi bħala tali m'għandux jiġi rilaxxat minn kwalunkwe obbligazzjonijiet fir-rigward ta' terzi persuni li:

(i) jkun espressament daħal għalihom fil-kapaċità personali tiegħu u mhux f'kapaċità fiduċjarja; jew

(ii) għalihom huwa responsabbli personalment taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu fir-rigward ta' terza persuna li ma kinitx taf li kien qed jaġixxi bħala fiduċjarju, kemm-il darba t-terza persuna ma tirrilaxxahx mir-responsabbiltà;

(*i*) il-ħatra ta' fiduċjarju ieħor, kif imsemmi hawn qabel, m'għandhiex tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċessjoni ta' jeddijiet, lanqas ma għandha tistabbilixxi novazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, iżda għandha tiġi regolata permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Trusts u Trustees, meta jkun japplika. Kap. 331.

(*j*) kwalunkwe responsabbiltà, garanzija, ipoteka, rahan jew kwalunkwe forma oħra ta' sigurtà mogħtija mill-fiduċjarju, jew fuq, jew li jkollha x'taqsam mal-proprjetà, bl-ebda mod ma għandhom jiġu affetwati bis-sostituzzjoni tal-fiduċjarju u għandhom jibqgħu imposti fuq il-proprjetà skont il-kundizzjonijiet u l-liġi applikabbli u meta proprjetà li tkun soġġetta għal ipoteka jew privileġġ tkun is-soġġett ta' transazzjoni meta fiduċjarju ieħor jissostitwixxi lill-fiduċjarju, il-fiduċjarju li jissostitwixxi lill-fiduċjarju preċedenti u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2070 sa 2083 m'għandhomx japplikaw:

Iżda dan il-paragrafu m'għandux japplika meta l-fiduċjarju li jkun qiegħed jirtira jkun diġà terza persuna li jkollha l-pussess, f'liema każ għandhom japplikaw l-artikoli 2070 sa 2083;

(*k*) il-fiduċjarju li jkun qiegħed jieqaf mill-funzjonijiet tiegħu jew li jkun qiegħed jissostitwixxi lill-fiduċjarju għandu:

(i) jinnotifika lil terzi persuni dwar dik is-sostituzzjoni, meta u sa fejn tkun saret, filwaqt li josserva kull obbligazzjoni ta' kunfidenzjalità fir-rigward tal-benefiċjarji u l-interessi tagħhom;

(ii) meta d-drittijiet fuq proprjetà immobbli huma soġġetti għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, jeżegwixxi kuntratt pubbliku mal-fiduċjarju li jkun waqaf iwettaq l-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu, sabiex jiġi nnutat li l-obbligazzjonijiet fiduċjarji relatati ma' dik il-proprjetà ġew trasferiti lil fiduċjarju ieħor. Madankollu, jekk għal xi raġuni l-fiduċjarju li jkun waqaf mill-funzjonijiet tiegħu ma jistax jidher għal dan il-kuntratt pubbliku u l-proprjetà tkun qiegħda fil-pussess tal-fiduċjarju li jkun qiegħed jissostitwih, dan tal-aħħar

jista' jistabbilixxi l-fatti kif magħrufa lilu, jikkonferma li dik il-proprjetà qiegħda fil-pussess tiegħu u għandu jiddikjara permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub jew notifika, l-akkwist tat-titolu fuq il-

proprjetà u t-teħid tar-responsabbiltà tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji. It-trasferiment tad-dritt tal-proprjetà fuq dik il-proprjetà għandu jseħħ mal-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt pubbliku u għandhom japplikaw l-istess regoli *mutatis mutandis* għal xi proprjetà oħra mobbli reġistrata, permezz tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt privat u kwalunkwe reġistrazzjonijiet u notifiki li jkunu japplikaw kif jista' jkun mitlub mil-liġi;

(iii) jekk ikun hemm xi sigurtà li tifforma parti mill-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji u tkun reġistrata mar-Reġistru Pubbliku, il-fiduċjarju l-ġdid għandu, mat-twettiq tad-dikjarazzjoni unilaterali relatata mas-sigurtà rilevanti, skont il-liġi applikabbli, jirreġistra s-sostituzzjoni li tirriżulta mill-istrument bil-miktub bejnu u bejn il-fiduċjarju preċedenti fl-imsemmi reġistru;

(*l*) f'każijiet fejn is-sostituzzjoni hija ordnata jew approvata minn qorti kompetenti jew awtorità regolatorja, ebda kunsens jew arranġamenti ulterjuri, li setgħu fin-nuqqas ikunu meħtieġa taħt dan l-artikolu, taħt il-liġi applikabbli jew l-istrument bil-miktub li jirregola l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, ma għandhom ikunu meħtieġa;

(*m*) il-fiduċjarju li waqaf iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, għandu jkun intitolat għall-kumpens fir-rigward ta' obbligazzjonijiet, spejjeż jew telf li seta' sofra b'referenza għall-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji, anke wara li jkun waqaf iwettaq il-funzjonijiet tiegħu, ħlief għal xi ksur tal-istess;

(*n*) meta l-fiduċjarju jmut waqt li jkun għadu qiegħed iwettaq l-obbligazzjoni fiduċjarja tiegħu:

(i) l-eredi universali tiegħu li jkunu laħqu l-età maġġuri u jkunu legalment kapaċi, jew jekk ikun hemm aktar minn wieħed, kull wieħed minn dawn separatament, għandhom jitqiesu li huma l-eżekuturi *ex lege* tal-proprjetà u għandhom minnufih jittrasferixxu jew jikkunsinnaw il-proprjetà lil fiduċjarju suċċessur jew lill-benefiċjarju;

(ii) jekk l-eredi jonqos milli jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu taħt is-subparagrafu (i) fi żmien tletin (30) ġurnata, li jistgħu jiġu estiżi mill-Qorti, għandu jitqies li huwa l-fiduċjarju suċċessur temporanju u għandu jkollu l-istess obbligazzjonijiet fir-rigward tal-benefiċjarji, bħall-fiduċjarju li jkun miet, sakemm iwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu kif stabbilit hawn qabel;

(iii) jekk l-eredi ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet

tiegħu fis-subparagrafu (i) għal xi raġuni mhux attribwibbli lilu, għandu japplika lill-qorti kompetenti sabiex jipprovdi l-informazzjoni rilevanti u jitlob ordni, kif stabbilit hawn aktar ’il quddiem;

(iv) meta l-fiduċjarju li jkun miet ikun ħatar eżekutur testamentarju, id-dmirijiet imsemmijin aktar ’il fuq u s-setgħat kollha sabiex ikun jista’ jaġixxi, għandhom jorbtu biss lill-eżekutur, sakemm l-eżekutur ma jkunx ukoll l-eredi universali, f’liema każ għandu japplika s-subparagrafu (i), dak l-eżekutur testamentarju għandu jitqies li għandu s-setgħat kollha meħtieġa biss għall-finijiet tal-irkupru, tat-trasferiment jew tar-ritorn tal-proprjetà lil fiduċarju ieħor jew lill-benefiċjarju;

(v) minkejja dak stabbilit hawn qabel, il-benefiċjarju, l-eredi, l-eżekutur, skont il-każ, jistgħu japplikaw lill-Qorti għall-konferma tas-setgħat tagħhom jew jistgħu jaħtru eżekutur testamentarju *ad hoc* fi kwalunkwe waqt, sabiex jaġixxi għall-patrimonju tal-fiduċjarju li jkun miet għall-finijiet tal-irkupru, tat-trasferiment jew tar-ritorn tal-proprjetà lil fiduċjarju ieħor jew lill-benefiċjarju u l-qorti kompetenti tista’ tikkonferma għal liema proprjetà jirreferu dawk is-setgħat jew tista’ tilqa’ dik it-talba minkejja kwalunkwe kontestazzjoni tat-testment jew tal-ħatra tiegħu;

(vi) is-suċċessur fiduċjarju huwa dik il-persuna:

A. maħtura fi kwalunkwe strument li jirregola l-obbligazzjonijiet fiduċjarji; jew

B. maħtura skont kwalunkwe liġi li tkun tapplika; jew

Ċ. maħtura mill-Qorti għal dawn il-finijiet, anke jekk biss temporanjament għal dan il-għan, fuq talba mressqa b’rikors minn xi parti interessata;

(*o*) meta l-fiduċjarju tkun persuna ġuridika li ġiet dikjarata falluta, ġiet xolta jew stralċjata, dawn l-obbligazzjonijiet għandhom ikunu jorbtu lill-aħħar diretturi *in solidum*, jew jekk ikun ġie appuntat likwidatur, fuq il-likwidatur, skont il-każ, u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (j) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*;

(*p*) meta jkun hemm aktar minn fiduċjarju wieħed li jżomm, jeżerċita kontroll jew setgħat ta’ dispożizzjoni fuq il-proprjetà għall-benefiċjarju, dik il-proprjetà għandha, b’operat tal-liġi, tikkonsolida mad-dritt tal-proprjetà tal-fiduċjarju jew fiduċjarji rimanenti, mal-mewt, reżenja jew tneħħija tal-kofiduċjarju. Il-fiduċjarju jew fiduċjarji rimanenti għandhom

jeżegwixxu dikjarazzjoni unilaterali permezz ta' kuntratt pubbliku jew kitba oħra skont il-liġi applikabbli, li għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti, għad-dikjarazzjoni tal-konsolidazzjoni f'ismu jew f'isimhom, tat-titolu jew kontroll ta' dik il-proprjetà u l-konsolidazzjoni għandha minnufih issir effettiva mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità ulterjuri.

Azzjoni fiduċjarja. *Miżjud: XXXVI.2018.40. Emendat: XXV.2019.27.*

1124E. (1) Kwalunkwe benefiċjarju jista', sabiex jinforza l-obbligazzjonijiet fiduċjarji dovuti lilu, jeżerċita dritt ta' azzjoni abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

(2) It-talba tista' ssir flimkien ma' kwalunkwe azzjoni oħra disponibbli taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew kwalunkwe liġi oħra u fejn dan id-dritt ta' azzjoni speċifiku ma jiġix eżerċitat, ir-rimedji hawnhekk ikkontemplati jistgħu wkoll jintalbu permezz ta' talba addizzjonali lill-Qorti, f'kull waqt tal-proċedimenti sakemm tingħata s-sentenza finali mill-qorti kompetenti jew mill-Qorti tal-Appell.

(3) Fil-każ ta' obbligazzjoni fiduċjarja li ġiet assunta biss għall-kisba ta' skop u fin-nuqqas ta' kwalunkwe benefiċjarju, id-dritt ta' azzjoni msemmi hawn qabel jista' jiġi eżerċitat minn kull persuna jew entità li ġew mogħtija s-setgħa li jipproteġu, jissorveljaw jew jinfurzaw l-iskop fl-istrument li jistabbilixxi l-obbligazzjoni jew, fil-każ ta' obbligazzjoni assunta minn organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, anke mill-Avukat tal-Istat.

Preskrizzjoni. *Miżjud: XXXVI.2018.40.*

1124F. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, azzjoni li tinġieb kontra l-fiduċjarju jew persuna li titqies bħala tali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A –

(*a*) għal xi frodi jew diżonestà li fir-rigward tagħhom dik il-persuna kienet parti jew kellha għarfien; jew

(*b*) għall-irkupru mingħand il-fiduċjarju, jew kwalunkwe persuna meqjusa bħala fiduċjarju kif stabbilit hawn qabel, ta' kull proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji jew li l-fiduċjarju jkun preċedentement irċieva u kkonverta għall-użu tiegħu, jew għall-benefiċċji jew gwadann li jkun irċieva bħala riżultat tal-ksur tal-obbligazzjonijiet,

m'għandhiex tiġi preskritta minkejja l-iskadenza taż-żmien.

L-azzjoni m'għandhiex tiġi preskritta, irrispettivament minn jekk tinġiebx kontra l-fiduċjarju mill-benefiċjarju li jkun sofra preġudizzju bħala riżultat tal-aġir tal-fiduċjarju fir-rigward tal-istess proprjetà jew tal-proprjetà li tissostitwixxi l-istess.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2140 u bla ħsara għall-artikolu 2155, il-fiduċjarju jew kwalunkwe persuna meqjusa li hija soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji taħt dan it-Titolu, m'għandhiex takkwista bil-preskrizzjoni kwalunkwe proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(3) Meta l-fiduċjarju jew il-benefiċjarju jaġixxi bil-mala fidi

taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, dak l-att għandu jkun biżżejjed sabiex l-azzjoni ma tiġix preskritta.

(4) Bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-iskop tas-subartikolu preċedenti li għalihom il-preskrizzjoni ma tapplikax, ebda azzjoni ma tista' tinġieb kontra l-fiduċjarju għall-ksur ta' obbligazzjonijiet oħra fiduċjarji msemmija fis-subartikolu (4) tal-artikolu 1124A, wara l-iskadenza ta' ħames snin. Dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri –

(*a*) mid-data tal-kunsinna ta' rendikont bil-miktub, jew parti minnu, tal-attività fiduċjarja lil benefiċjarju; jew

(*b*) mid-data li fiha l-benefiċjarju kellu l-ewwel għarfien dwar l-okkorrenza tal-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji,

skont liema data tiġi l-ewwel:

Iżda jekk ir-rendikont jew parti minnu huwa fih innifsu frawdolenti jew diżonest, allura fir-rigward tar-rendikont jew tal-parti rilevanti tiegħu, il-perjodu għandu biss jibda fid-data msemmija fil-paragrafu (b).

Obbligazzjonijiet fiduċjarji għal skop partikolari. *Miżjud: XXXVI.2018.40.*

1124G. (1) Meta obbligazzjoni fiduċjarja hija imposta jew assunta biss għall-kisba ta' skop jew skopijiet identifikati, inkluż fil-każ ta' *trust* ta' karità jew fondazzjoni b'għan, mingħajr ma jkun hemm benefiċjarju, dik l-obbligazzjoni għandha tkun valida u infurzabbli, u:

(*a*) meta jkun hemm aktar minn persuna waħda li hija hekk marbuta, l-obbligazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu *in solidum*; u

(*b*) fil-każ ta' fondazzjoni, l-amministraturi ta' fondazzjoni għandhom ikunu obbligati *in solidum* sabiex iwettqu l-obbligazzjonijiet fiduċjarji mal-fondazzjoni nnifisha.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* u l-obbligazzjonijiet tal-fiduċjarju għandhom jiġu attribwiti sabiex jintlaħaq l-iskop identifikat skont it-termini tal-obbligazzjoni fiduċjarja, ta' kwalunkwe liġi applikabbli u tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

(3) Meta obbligazzjoni fiduċjarja hija imposta jew assunta minn organizzazzjoni reliġjuża, għandhom japplikaw il-liġi Kanonika u leġiżlazzjoni oħra li tirregola l-organizzazzjonijiet reliġjużi u għandhom jissuperaw fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Obbligazzjonijiet tal-benefiċjarju fir-rigward tal-fiduċjarju. *Miżjud: XXXVI.2018.40.*

1124H. (1) Il-benefiċjarju għandu jkun marbut fil-konfront tal-fiduċjarju:

(*a*) li jwettaq dawk l-obbligazzjonijiet kollha kif miftiehma minnu bil-miktub jew kif jistgħu jiġu stabbiliti fl-istrument relattiv li minnu jirriżultaw l-obbligazzjonijiet fiduċjarji jew kif jistgħu jirriżultaw taħt il-liġi applikabbli;

(*b*) li jħallas il-korrispettiv finanzjarju lil, u l-ispejjeż kollha magħmula mill-fiduċjarju kif jista' jiġi stabbilit fl-istrument relattiv minn fejn jirriżultaw jew huma regolati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;

(*ċ*) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi speċjali jew ta' dan il-Kodiċi li jeskludu l-korrispettiv finanzjarju, fejn ma jkunx ġie miftiehem b'mod espress fl-istrument relattiv:

(i) li jitħallsu dawk il-miżati raġonevoli kif stabbilit fil-ftehim mal-benefiċjarji kollha ta' età maġġuri jew kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti; u

(ii) il-fiduċjarju jista' jirrimborsa lilu nnifsu jew iħallas mill-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji l-ispejjeż kollha magħmula minnu b'rabta mad-dmirijiet tiegħu, f'liema każ il-fiduċjarju għandu jinnotifika lill-benefiċjarju, jew lill-persuni li skont l-istrument rilevanti jew il-liġi applikabbli għandhom jiġu nnotifikati, dwar dan ir-rimbors, bil-mod u fil-waqt stabbilit mil-liġi applikabbli.

(2) Il-benefiċjarju għandu, f'kull waqt, jaġixxi bil-*bona fide* fil-konfront tal-fiduċjarju, irrispettivament mill-mod li bih, jew mill-persuna li minnha ġie maħtur.

(3) Bla ħsara għat-termini tal-istrument li jirregola l-obbligazzjonijiet fiduċjarji, il-benefiċjarju għandu, sa fejn għandha x'taqsam il-proprjetà, kemm-il darba l-benefiċjarju ma jkunx ftiehem xort'oħra, jikkumpensa lill-fiduċjarju għal kwalunkwe responsabbiltà li jista' jkollu fit-twettiq tad-dmirijiet fiduċjarji tiegħu, sakemm il-fiduċjarju ma jkunx ħati ta' negliġenza, kondotta ħażina volontarja jew frodi.

(4) Dan l-artikolu bl-ebda mod ma għandu jillimita d-drittijiet u r-rimedji li jirriżultaw mill-mala fidi jew atti oħra ta' dannu minnaħa tal-benefiċjarju.

Direzzjonijiet mill-Qorti. *Mižjud: XXXVI.2018.40.*

1124I. (1) Il-fiduċjarju jista', f'kull waqt, japplika lill-Qorti għal direzzjonijiet fir-rigward tat-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu.

(2) Meta ssir tali applikazzjoni, il-Qorti tista' toħroġ kwalunkwe ordnijiet jew direzzjonijiet kif jidhrilha li huwa xieraq.

Applikabilità tad-dispożizzjon-ijiet ta' dan it-Titolu. *Mižjud: XXXVI.2018.40.*

1124J. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(*a*) meta relazzjoni fiduċjarja tkun regolata minn regoli partikolari, sew minħabba s-sors u t-tip tal-obbligazzjonijiet jew minħabba xi liġi speċjali, dawk ir-regoli partikolari għandhom japplikaw fil-kuntest u dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw kif meħtieġ għas-sostenn tal-interpretazzjoni tal-imsemmija regoli;

(*b*) għandu jiġi preżunt li dawn id-dispożizzjonijiet joperaw b'mod konsistenti mar-regoli partikolari

applikabbli għal kwalunkwe relazzjoni fiduċjarja jew obbligazzjoni iżda, f'każ ta' inkonsistenza, ir-regoli partikolari għandhom jissuperaw fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu;

(*ċ*) id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha li jkunu jeżistu fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jew kwalunkwe emendi fir-rigward, anke jekk jirriżultaw qabel tali data, kif ukoll għal kwalunkwe obbligazzjonijiet fiduċjarji li jirriżultaw sussegwentement:

Iżda dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw retrospettivament meta l-effett tagħhom ikun li jċaħħad jew jirrestrinġi kwalunkwe dritt vestit jew li joħloq xi responsabbiltà li ma kinitx teżisti fil-liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet;

(*d*) meta l-obbligazzjoni fiduċjarja tkun mittiefsa minħabba ksur jew attentat ta' ksur tal-liġi mill-partijiet jew xi ħadd minnhom, biex b'hekk ma tkunx tista' tiġi infurzata minħabba l-falsità jew l-illegalità tal-kawża, l-osservanza mill-benefiċjarju jew mill-fiduċjarji, jew mit-tnejn flimkien, ta' dik il-liġi jew emenda fil-liġi li permezz tagħha l-kawża ma tibqax falza jew illegali, għandha tagħmel l-obbligazzjoni enforzabbli b'effett mill-istess. F'każijiet bħal dawn il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet temporanji adegwati sabiex tiżgura l-osservanza għal-liġi jew bħala prevenzjoni ta' abbuż ulterjuri mill-partijiet jew xi wieħed minnhom.

Sub-titolu IV

FUQ L-EFFETTI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET

Effetti jekk l-obbligazzjoni ma tiġix esegwita.

1125. Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.

Fl-obbligazzjoni li tagħti ħaġa tidhol l-obbligazzjoni ta' rfigħ u tal-kunsinna.

1126. (1) Fl-obbligazzjoni li biha wieħed jintrabat li jagħti ħaġa tidħol l-obbligazzjoni li jikkunsinna l-ħaġa, u li jikkonservaha sal-kunsinna.

(2) Jekk id-debitur ikun *in mora* fil-kunsinna tal-ħaġa, il-ħaġa tibqa' għar-riskju u periklu tiegħu, għalkemm qabel il-mora kienet għar-riskju u periklu tal-kreditur.

Nuqqas ta' esekuzzjoni ta' obbligazzjoni li biha wieħed jintrabat u jagħmel xi ħaġa.

1127. Fil-każ li ma tiġix esegwita obbligazzjoni li biha wieħed ikun intrabat li jagħmel xi ħaġa, il-kreditur jista' jiġi mogħti s-setgħa li jieħu ħsieb jesegwiha huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur.

Obbligazzjoni li biha wieħed jintrabat li m'għandux jagħmel xi ħaġa.

1128. Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed m' għandux jagħmel xi ħaġa, id-debitur li jonqos mill-obbligazzjoni hu obbligat għad-danni minħabba biss li jkun hekk naqas.

Jeddijiet tal-kreditur meta tinkiser obbligazzjoni li biha jintrabat li ma jagħmilx xi ħaġa.

1129. Bla ħsara tal-jedd tiegħu għad-danni, il-kreditur jista' jitlob li tiġi mneħħija kull ħaġa li tkun saret bi ksur tal-obbligazzjoni, u jista' jiġi mogħti s-setgħa li jneħħiha hu stess bi spejjeż tad-debitur.

Meta d-debitur hu ħati ta' dewmien.

1130. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed *in mora* bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

(2) Jekk fil-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien, jew jekk iż-żmien ikun jagħlaq wara l-mewt tad-debitur, id-debitur jew il-werriet tiegħu ma jiġix imqiegħed *in mora* ħlief wara li jiġi msejjaħ b' att ġudizzjarju.

Obbligu għad-danni meta jagħlaq iz-żmien tal-obbligazzjoni li tagħti jew li tagħmel.

1131. Id-debitur hu obbligat ukoll għall-ħlas tad-danni jekk il-ħaġa li hu jkun intrabat li jagħti jew li jagħmel ma setgħetx tiġi mogħtija jew magħmula ħlief f'ċertu żmien, u hu jkun ħalla jgħaddi dak iż-żmien.

Id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni.

1132. (1) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar id-depożiti, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta' waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032.

(2) Iżda, din ir-regola għandha tiġi mħarsa b'mod iżjed jew anqas sever f' xi każijiet imsemmijin f' dan il-Kodiċi.

Obbligu għad-danni fin-nuqqas ta' esekuzzjoni.

1133. Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx htija.

Ebda obbligu jekk in-nuqqas tal-esekuzzjoni kien minħabba forza maġġuri.

1134. Id-debitur mhux obbligat għad-danni jekk hu ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li obbliga ruhu li jagħti jew li jagħmel, jew għamel il-ħaġa li ma kellux jagħmel, minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident.

Id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur.

1135. Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet u tat-tibdil kif miġjubin hawn aktar 'il quddiem, id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef.

Id-debitur hu obbligat biss għad-danni mibsura jew li setgħu jinbasru.

1136. Id-debitur hu obbligat biss għal dawk id-danni li basar jew li wieħed seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni, iżda dan kemm-il darba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jkunx ġej minn għemil tiegħu doluż.

Ma jistgħux jintalbu danni li mhumiex immedjati u diretti.

1137. Fil-każ ukoll illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġej minn għemil doluż tad-debitur, fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qligħ li hu jkun ġie mtellef, għandhom jidħlu biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-obbligazzjoni.

Meta fil-ftehim tiġi stabbitita s-somma li għandha titħallas bħala danni.

1138. Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tiegħu għandha tħallas somma determinata bħala danni, ma tistax tiġi mogħtija lill-parti l-oħra somma akbar jew iżgħar.

Danni li għandhom jitħallsu jekk obbligazzjoni tikkonsisti fi ħlas ta' somma ta' flus. *Emendat: VI.1983.4.*

1139. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.

L-imgħaxijiet għandhom jitħallsu bla ma hija meħtieġa prova tat-telf.

1140. L-imgħaxijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.

Minn meta jibdew igħaddu l-imgħaxijiet.

1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Imgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet.

1142. L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena.

Actio debitor debitoris mei.

1143. Kull kreditur jista' biex jitħallas ta' dak li jkollu jieħu, jeżerċita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali.

Actio Pauliana.

1144. (1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.

(3) Jekk dawn l-atti jkunu b' titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur.

(4) L-azzjoni li tmiss lill-krediturі taħt dan l-artikolu ma tistax tiġi eżerċitata kontra minuri, ħlief sas-somma li minnha dawn ikunu kisbu qligħ, bla ħsara tal-jedd ta' kull azzjoni oħra li tista' tmiss lill-krediturі kontra t-tutur li jkun ħa sehem fil-qerq.

Sub-titolu V

FUQ IL-MOD LI BIH JISPIĊĊAW L-OBBLIGAZZJONIJIET

Kif jispiċċaw obbligazzjonijiet.

1145. Barra mill-effetti tal-kondizzjoni riżoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni, l-obbligazzjonijiet jispiċċaw:

(*a*) bil-ħlas;

(*b*) bin-novazzjoni;

(*ċ*) bil-maħfra tad-dejn;

(*d*) bit-tpaċija;

(*e*) bil-konfużjoni;

(*f*) bit-telfa tal-ħaġa;

(*g*) bir-rexxissjoni.

---

§ I. FUQ IL-ĦLAS

FUQ IL-ĦLAS IN ĠENERALI

Tifsir ta' ħlas.

1146. Ħlas ifisser l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni sew jekk l-oġġett tal-obbligazzjoni jkun li tingħata xi ħaġa sew jekk ikun li tiġi magħmula xi ħaġa.

Il-ħlas jissoponi dejn.

1147. (1) Kull ħlas jissoponi dejn, u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata, jista' jintalab lura.

(2) Iżda, ma hemmx jedd ta' azzjoni għall-ħlas lura jekk dak li tħallas kellu jingħata bis-saħħa ta' obbligazzjoni naturali.

Minn min jista' jsir il-ħlas.

1148. (1) L-obbligazzjoni tista' tiġi mitmuma bil-ħlas magħmul minn kull persuna li jkollha interess fiha, bħal wieħed li jkun obbligat flimkien ma' oħrajn jew garanti.

(2) L-obbligazzjoni tista' wkoll tiġi mitmuma bil-ħlas magħmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li din il-persuna taġixxi fl-isem u għall-ħelsien tad-debitur, jew, jekk taġixxi fl-isem tagħha nfisha, basta li ma tiġix imdaħħla fil-jeddijiet tal-kreditur.

Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas minn terza persuna.

1149. (1) Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur.

(2) Dan igħodd ukoll meta l-oġġett tal-obbligazzjoni huwa li wieħed jagħmel xi ħaġa, basta li, f'dan il-każ, il-kreditur ma jkollux interess illi l-obbligazzjoni tiġi esegwita mid-debitur innifsu, u l-esekuzzjoni tiġi offerta minn terza persuna fuq talba tad-debitur.

Meta l-ħlas jittrasferixxi proprjetà tal-ħaġa.

1150. (1) Jekk il-ħlas ikollu bħala skop li tiġi ttrasferita lill-kreditur il-proprjetà tal-ħaġa mħallsa, dan il-ħlas ma jiswiex jekk ma jsirx mis-sid ta' dik il-ħaġa.

(2) Iżda, il-ħlas ta' somma ta' flus, jew ta' ħaġ'oħra li tintemm bl-użu, ma jistax jintalab lura kontra l-kreditur illi jkun, b' bona fidi, temm il-flus jew il-ħaġa, għalkemm il-ħlas ikun ġie magħmul minn wieħed li ma kienx is-sid tal-flus jew tal-ħaġa.

Nullità ta' ħlas magħmul minn persuna inkapaċi li tagħmel trasferimenti.

1151. Il-ħlas magħmul minn persuna inkapaċi li tagħmel trasferimenti, jista' jiġi, fl-interess ta' dik il-persuna, annullat.

Lil min għandu jsir il-ħlas.

1152. (1) Il-ħlas għandu jsir lill-kreditur, jew lill-persuna li jkollha mingħandu, mill-qorti jew mil-liġi, is-setgħa li tirċievi l-ħlas.

(2) Il-ħlas li jsir lil persuna li ma jkollhiex din is-setgħa isir jiswa jekk il-kreditur iwettqu jew ikun ħa ġid minnu.

Ħlas magħmul b'bona fidi lil persuna fil-pussess tal-kreditu.

1153. Il-ħlas magħmul b' bona fidi lil persuna li tkun fil-pussess tal-kreditu jiswa, għalkemm wara l-pussessur ikun tilef b'evizzjoni dak il-kreditu.

Meta jiswa l-ħlas magħmul lill-kreditur inkapaċi li jirċevih.

1154. Ma jiswiex il-ħlas magħmul lill-kreditur jekk dan ma kienx kapaċi li jirċevih, ħlief jekk id-debitur jipprova illi l-ħaġa mħallsa marret għall-vantaġġ tal-kreditur.

Ħlas mid-debitur bi ksur ta' mandat ta' sekwestru, eċċ.

1155. Il-ħlas magħmul mid-debitur lill-kreditur tiegħu bi ksur ta' mandat ta' sekwestru, jew ta' ordni ieħor tal-qorti, ma jiswiex kontra l-persuni li favur tagħhom il-mandat jew l-ordni jkun ġie mogħti; u dawn il-persuni jistgħu, għall-jeddijiet tagħhom, iġiegħlu lid-debitur iħallas mill-ġdid, bla ħsara tal-jedd tiegħu ta' regress kontra l-kreditur.

Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel jieħu ħaġa li ma tkunx dik li għandha tingħata, jew li jirċievi biċċa mill-ħlas.

1156. Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi ħaġa li ma tkunx dik li għandha tingħata lilu, għalkemm il-ħaġa offerta tkun tiswa daqs l-oħra, jew ukoll iżjed; jew li jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn, għalkemm dan id-dejn ikun li jista' jinqasam.

Kunsinna ta' ħaġa żgura u determinata.

1157. Id-debitur ta' ħaġa żgura u determinata jiġi meħlus meta jagħtiha fl-istat li tkun tinsab fiż-żmien tal-kunsinna, basta li ma kienx *in mora* qabel ma jkun ġara t-tgħarriq tagħha, u dan it-tgħarriq ma jkunx ġara bi ħtija tad-debitur jew ta' dawk li għalihom hu jwieġeb.

Kunsinna ta' ħaġa determinata fl-ispeċi tagħha biss.

1158. Jekk id-dejn hu ta' ħaġa determinata fl-ispeċi tagħha biss, id-debitur, biex jiġi meħlus, mhux obbligat jagħti ħaġa tal-aħjar kwalità, iżda lanqas ma jista' jagħti ħaġa tal-agħar kwalità.

Fejn għandu jsir il-ħlas.

1159. (1) Il-ħlas għandu jsir fil-lok miftiehem fil-kuntratt.

(2) Jekk fil-kuntratt ma jkun ġie miftiehem ebda lok, u l-ħaġa li għandha tingħata hija żgura u determinata, il-ħlas għandu jsir fil-lok fejn fiż-żmien tal-kuntratt kienet tinsab il-ħaġa li hija l-oġġett tal-ħlas.

(3) Jekk il-ħaġa li għandha tingħata bi ħlas hija somma ta' flus jew ħaġ'oħra li tista', mingħajr spiża ta' xejn, tinġieb jew tintbagħat, u sew id-debitur kemm il-kreditur ikunu joqogħdu fl-istess gżira, il-ħlas għandu jsir fid-dar tal-kreditur.

(4) F' kull każ ieħor, il-ħlas għandu jsir fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur.

Prežunzjoni ta' ħlas f'każ ta' kera, imgħaxijiet jew ħlasijiet oħra ta' kull tant żmien.

1160. Jekk, f' każ ta' kera, imgħaxijiet, jew ħlasijiet oħra ta' kull tant żmien, ikun jidher minn riċevuti illi d-debitur ħallas id-dejn kull darba li għalaq għal tliet darbiet wara xulxin, mingħajr ebda riżerva għal somom li jkunu għalqu qabel, dawn is-somom jitqiesu mħallsin.

Każijiet oħra li fihom id-dejn jitqies imħallas.

1161. Hekk ukoll id-dejn jitqies li ġie mħallas jekk -

(*a*) il-partijiet ikunu għamlu bejniethom kontijiet ġenerali ta' dak li l-parti l-waħda kellha tagħti lill-oħrajn, għall-anqas tliet darbiet wara li jagħlaq id-dejn, mingħajr ma semmew xejn dak id-dejn jew mingħajr ma għamlu ebda riżerva għalih; u

(*b*) it-talba dwar dan id-dejn issir wara l-mewt tad-debitur, jew wara żmien ta' mhux anqas minn tliet snin minn dak in-nhar tar-riċevuta tal-aħħar kont ġenerali.

Meta m'hemmx lok għall-prežunzjoni.

1162. F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-ħlas ma jitqiesx li sar jekk ikun hemm ċirkostanzi li minnhom jidher illi mhux probabbli li d-dejn tħallas, jew illi minnhom jidher li kien hemm raġuni tajba sabiex dak id-dejn ma jissemmiex fil-ħlas li sar jew fil-kontijiet magħmulin wara li dak id-dejn ikun għalaq.

Spejjeż tal-ħlas.

1163. (1) L-ispejjeż tal-ħlas ibatihom id-debitur.

(2) Dak li jħallas id-dejn jista' jitlob li r-riċevuta, bi spejjeż tiegħu, tiġi magħmula b' att pubbliku.

FUQ IL-ĦLAS B'SURROGA

Meta min iħallas jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur.

1164. Min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b' dispożizzjoni tal-liġi.

Surroga b' konvenzjoni.

1165. Min iħallas id-dejn jidħol fil-jeddijiet tal-kreditur, b' konvenzjoni -

(*a*) meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas:

(*b*) meta d-debitur jieħu b'self somma ta' flus biex iħallas dejnu, u biex idaħħal lil min jisilfu fil-jeddijiet tal-kreditur:

Iżda sabiex din is-surroga tkun tiswa hu meħtieġ -

(i) illi s-self u r-riċevuta jsiru b' att pubbliku.

(ii) illi fl-att tas-self jiġi ddikjarat li s-somma ġiet meħuda b' self sabiex jitħallas id-dejn, u

(iii) illi fir-riċevuta jiġi ddikjarat li l-ħlas sar bil-flus maħruġa għaldaqshekk mill-kreditur il-ġdid.

(2) Is-surroga msemmija fis-subartikolu (1)(*b*) ssir mingħajr ma jkun jinħtieġ il-kunsens tal-kreditur.

Meta s-surroga ssir *ipso jure*.

1166. Is-surroga ssir *ipso jure* favur -

(*a*) ta' dak illi hu kreditur huwa stess u jħallas lil kreditur ieħor illi jkollu fuqu jedd ta' preferenza minħabba privileġġ jew ipoteka;

(*b*) ta' dak illi jakkwista immobbli u jħallas il-prezz tiegħu lill-krediturі illi lejhom il-fond kien ipotekat:

(*ċ*) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;

(*d*) ta' kull werriet bil-benefiċċju tal-inventarju li, bi flusu, ħallas id-djun tal-wirt.

Is-surroga għandha effett kontra l-garanti u d-debituri.

1167. Is-surroga, sew b' konvenzjoni kemm bis-saħħa tal-liġi, għandha effett sew kontra garanti kemm kontra d-debituri; iżda ma hix ta' ħsara għall-kreditur, jekk dan il-kreditur ikun irċieva biċċa biss mil-ħlas; u, f' dan il-każ, il-kreditur jista' jitlob il-bqija li jkun fadallu jieħu bi preferenza fuq dak li mingħandha jkun ħa biċċa mill-ħlas.

FUQ L-IMPUTAZZJONI TAL-ĦLAS

Id-debitur għandu jedd jiddikjara għal liema dejn għandu jmur il-ħlas.

1168. (1) Id-debitur li jkollu iżjed minn dejn wieħed, għandu jedd jiddikjara, fil-waqt tal-ħlas, liema huwa d-dejn li jrid iħallas.

(2) Iżda d-debitur ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-ħlas għal dejn mhux magħluq minflok li għal dejn magħluq, fil-każ li jkun preżunt li ż-żmien tad-dejn mhux magħluq kien ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur.

(3) Lanqas ma jista' jimputa l-ħlas għar-renti jew għall-imgħaxijiet tas-snin ta' wara minflok li għar-renti jew imgħaxijiet tas-snin ta' qabel.

Dejn li jagħti mgħaxijiet.

1169. (1) Id-debitur ta' somma ta' flus li tagħti mgħaxijiet ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-ħlas għall-kapital, minflok li għall-imgħaxijiet.

(2) Il-ħlas ta' parti mid-dejn magħmul akkont ta' kapitali u mgħaxijiet, mingħajr ma jingħad għal liema minnhom, imur l-ewwel għall-imgħaxijiet.

Meta d-debitur jaċċetta riċevuta b'imputazzjoni magħmula mill-kreditur.

1170. Jekk id-debitur, li jkollu iżjed minn dejn wieħed, jaċċetta riċevuta li biha l-kreditur jimputa espressament il-ħlas għal wieħed minn dawn id-djun, ma jistax jitlob li l-ħlas imur għal dejn ieħor, kemm-il darba ma jkunx hemm għemil doluż jew sorpriża min-naħa tal-kreditur.

Regoli dwar l-imputazzjoni tal-ħlasijiet.

1171. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-ħlas, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;

(*b*) meta hemm iżjed minn dejn wieħed mhux ikkontestat, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi fiż-żmien tal-ħlas ikun ġa magħluq qabel id-djun li jkunu għad ma għalqux, ħlief jekk fost dawn id-djun imsemmijin l-aħħar ikun hemm dejn illi għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, f'liema każ il-ħlas għandu jitqies li sar fuq dak id-dejn, kemm-il darba ż-żmien għall-ħlas ma kienx ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur;

(*ċ*) fost id-djun magħluqa, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn li għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, jew, meta ma jkunx hemm dejn ta' din ix-xorta, għal dejn li jagħti mgħaxijiet, qabel djun oħra;

(*d*) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn imsaħħaħ b' garanzija qabel dejn ieħor mhux hekk imsaħħaħ; u fuq id-dejn bi privileġġ jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privileġġ jew b'ipoteka;

(*e*) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi dak illi ħallas kellu jagħti bħala debitur prinċipali jew bħala obbligat waħdu qabel dejn li kellu jagħti bħala garanti ta' ħaddieħor jew bħala debitur *in solidum* ma' debituri oħra;

(*f*) fil-każijiet mhux imsemmija espressament fir-regoli ta' qabel din, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi, fiż-żmien tal-ħlas, id-debitur kellu l-iżjed interess li jħallas;

(*g*) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jħallas dejn qabel ieħor, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn l-iżjed qadim: u fost id-djun li jkunu saru f'ġurnata waħda, u li ma jagħilqux fi żmien wieħed, jitqies bħala iżjed qadim id-dejn li jagħlaq l-ewwel;

(*h*) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni waħda, l-imputazzjoni ssir *pro rata.*

Regoli dwar l-imputazzjoni f'każijiet li kreditur jitħallas bil-prezz tal-bejgħ tal-ħaġa li fuqha jkun hemm id-dejn.

1172. Meta l-kreditur jitħallas billi jdaħħal il-prezz ta' ħaġa li fuqha kellu l-jedd ta' privileġġ jew ta' ipoteka, u li huwa jkun ġieb għall-bejgħ, jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn bi privileġġ jew b'ipoteka qabel djun oħra, għalkemm id-debitur ikollu iżjed interess li jħallas dawn id-djun l-oħra;

(*b*) jekk il-ħaġa kienet suġġetta għal dejn bi privileġġ u b' ipoteka, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn bi privilegġ; u jekk il-ħaġa kienet suġġetta għal żewġ djun ipotekarji jew iżjed, il-ħlas imur fuq id-dejn bl-ipoteka l-iżjed qadima;

(*ċ*) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni waħda, l-imputazzjoni ssir *pro rata*.

FUQ L-OFFERTA TA' ĦLAS U FUQ ID-DEPOŻITU

Meta d-debitur jista' jiddepożita s-somma jew il-ħaġa li jkollu jagħti. Kap. 12.

1173. (1) Jekk il-kreditur ma jkunx irid jieħu l-ħlas, id-debitur, jew dak li għandu jedd iħallas, jista', bi spejjeż tal-kreditur, jiddepożita s-somma jew il-ħaġa li għandha tingħata bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Id-depożitu magħmul skont il-liġi jiswa daqs il-ħlas u l-ħaġa ddepożitata tibqa' għar-riskju tal-kreditur.

Id-depożitu għandu jsir wara li tiġi rrifjutata offerta valida.

1174. (1) Id-depożitu m'għandux l-effetti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida.

(2) L-offerta tista' tkun ukoll bil-fomm.

(3) Il-ħlas hekk offert jitqies li ġie rrifjutat jekk ma jiġix aċċettat fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar tal-offerta.

(4) Iż-żmien hu ta' tmint ijiem, jekk waħda mill-partijiet tkun toqgħod Malta, u l-oħra Għawdex jew Kemmuna.

Kondizzjonijiet biex offerta tkun tiswa.

1175. Sabiex l-offerta tkun tiswa, hu meħtieġ -

(*a*) li tiġi magħmula lill-kreditur kapaċi li jirċievi l-ħlas, jew lil min ikollu s-setgħa li jirċievi għalih;

(*b*) li tiġi magħmula minn persuna kapaċi biex tħallas;

(*ċ*) li tkun tiġbor fiha s-somma kollha li jkollha tingħata għall-kapital u għall-imgħaxijiet magħluqa, u għall-ispejjeż likwidi, u somma oħra għall-ispejjeż mhux likwidi, b'riżerva tal-ħlas ta' kull somma li tkun tonqos;

(*d*) li ż-żmien, meta miftiehem favur il-kreditur, ikun għalaq;

(*e*) li tkun seħħet il-kondizzjoni li taħtha jkun sar id-dejn;

(*f*) li l-offerta tkun saret fil-lok li skont il-ftehim, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim, skont il-liġi, il-ħlas għandu jsir.

Meta d-depożitu jista' jittieħed lura.

1176. (1) Id-depożitu, sakemm ma jiġix aċċettat mill-kreditur, jista' jiġi meħud lura mid-debitur, kemm-il darba ma jkunx ġie ssekwestrat mill-kreditur stess jew minn ħaddieħor.

(2) Jekk id-debitur jieħu lura d-depożitu, il-kondebituri jew il-garanti ma jiġux meħlusa.

Meta d-debitur jieħu sentenza li tiddikjara validu d-depożitu.

1177. Meta d-debitur ikun ħa sentenza li tiddikjara validu d-depożitu, ma jistax iżjed, lanqas bil-kunsens tal-kreditur, jieħu lura d-depożitu bi ħsara tal-kondebituri jew tal-garanti.

Meta l-kreditur jagħti l-kunsens għat-teħid lura ta' depożitu ddikjarat validu.

1178. Il-kreditur illi jkun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-debitur jieħu lura d-depożitu wara li dan ikun ġie ddikjarat validu, ma jistax iżjed, għall-ħlas tal-kreditu tiegħu, jinqeda b'xi privileġġ jew ipoteka li hu kellu għal dak il-kreditu; u dan il-kreditur ma jkollux

iżjed jedd ta' ipoteka ħlief minn dak in-nhar illi l-att, li bih ikun ta l-kunsens tiegħu sabiex id-depożitu jittieħed lura, jekk ikun att magħmul bil-formalitajiet meħtieġa biex inissel ipoteka u biex jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, ikun ġie hekk irreġistrat.

Depożitu ta' flus dovuti fejn sentenza tordna ħlas lil bosta krediturі. *Miżjud: III.2026.7.*

1178A. (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan is-Sub-Titolu jew ta' kwalunkwe liġi oħra, fejn tingħata sentenza finali mill-qorti li tordna l-ħlas ta' somma ta' flus lil aktar minn persuna waħda, mingħajr ma tiddetermina b'mod speċifiku x'ammont mis-somma totali għandha titħallas lil kull persuna, u l-krediturі tas-sentenza ma jkunux krediturі *in solidum*, id-debitur li jiġi ordnat jagħmel il-ħlas jista' jeħles lilu nnifsu minn tali obbligazzjoni u jkun eżentat mill-ħlas ta' kwalunkwe imgħax ieħor fuq is-somma ordnata mis-sentenza, mid-data tad-depożitu fil-qorti tas-somma dovuta permezz ta' ċedola ta' depożitu, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) fi żmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza, il-krediturі tas-sentenza ma jagħtux, fuq l-inizjattiva tagħhom u mingħajr il-ħtieġa li ssirilhom talba, istruzzjonijiet konġunti lid-debitur jew debituri skont il-każ permezz ta' ittra ġudizzjarja dwar kif għandha tinqasam bejniethom is-somma aġġudikata mill-qorti, u fl-istess ittra ġudizzjarja jagħtu wkoll l-istruzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandha titħallas is-somma dovuta li għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jsir il-ħlas; u

(ii) wara l-iskadenza tal-imsemmi perjodu ta' tliet (3) xhur, id-debitur jiddepożita fil-qorti s-somma dovuta jew, bla ħsara għas-subartikolu (4), kwalunkwe parti minnha li fir-rigward tagħha huwa ma jkunx ingħata istruzzjonijiet kif provdut fil-paragrafu (i). Id-depożitu jsir bi spejjeż tad-debitur.

(2) Iċ-ċedola ta' depożitu għandha fil-każijiet kollha tiġi ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ħlief fejn is-somma li għandha tiġi depożitata taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, f'liema każ tali ċedola ta' depożitu għandha tiġi ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati.

(3) Fejn ikun hemm aktar minn persuna waħda li jkunu intitolati għall-ħlas tas-somma ordnata bis-sentenza, ikun biżżejjed li d-debitur jinnotifika ċ-ċedola ta' depożitu minn tal-anqas lil wieħed mill-krediturі tas-sentenza u kwalunkwe wieħed mill-avukati jew prokuraturi legali li kienu qed jirrappreżentaw lil kwalunkwe wieħed mill-krediturі tas-sentenza fil-kawża fiż-żmien meta ngħatat is-sentenza, u li ssir il-pubblikazzjoni taċ-ċedola ta' depożitu fil-Gazzetta tal-Gvern u f'żewġ gazzetti ta' kuljum, waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż.

(4) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dan l-artikolu, depożitu magħmul għall-finijiet ta' dan l-artikolu ma jistax jiġi impunjat abbażi

ta' xi waħda mir-raġunijiet provduti fl-artikoli 1173 jew 1175, jew abbażi ta' difett fil-forma, il-mewt ta' xi parti, jew in-nuqqas ta' depożitu ta' kwalunkwe imgħax fuq is-somma aġġudikata jew spejjeż dovuti skont is-sentenza:

Iżda d-drittijiet tal-krediturі tas-sentenza dwar kwalunkwe somma li ma tkunx inkluża fid-depożitu ma għandhomx jiġu preġudikati minħabba dik l-esklużjoni.

(5) Fejn l-istruzzjonijiet li dwarhom jipprovdi s-subartikolu (1)(i) ma jingħatawx mill-krediturі kollha tas-sentenza, id-debitur jista' jagħżel jew li jipprevalixxi ruħu mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu fir-rigward biss ta' dawk il-krediturі li ma jkunux taw dawk l-istruzzjonijiet, jew fir-rigward tal-krediturі kollha tas-sentenza, jew ta' xi wħud minnhom.

(6) Kwalunkwe kreditur tas-sentenza jista', f'kull waqt u mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens tal-krediturі l-oħra tas-sentenza, jippreżenta rikors lill-qorti biex jirtira sehmu mis-somma depożitata wara li l-qorti tkun sodisfatta minn sehmu.

(7) Dan l-artikolu għandu japplika għal kull sentenza, anke jekk tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, b'dan iżda illi fir-rigward ta' sentenzi mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, il-perjodu ta' tliet (3) xhur provdut fis-subartikolu (1)(i) u (ii) għandu jibda jiddekorri mill-jum li jiġi minnufih wara l-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

---

§ II. FUQ IN-NOVAZZJONI

Meta hemm novazzjoni.

1179. Hemm novazzjoni -

(*a*) meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa;

(*b*) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;

(*ċ*) meta, bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus.

Minn min tista' ssir in-novazzjoni.

1180. (1) In-novazzjoni tista' ssir biss bejn persuni kapaċi li jikkontrattaw.

(2) Hija mhix preżunta; l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar.

(3) In-novazzjoni bis-sostituzzjoni ta' debitur ġdid, tista' ssir mingħajr il-kunsens tal-ewwel debitur.

M' hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni il-qadima ma tiġix maqtula.

1181. (1) Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mbiddla.

(2) It-tismija waħidha, magħmula mid-debitur, ta' persuna li għandha tħallas minfloku, ma ġġibx novazzjoni.

(3) Lanqas ma ġġib novazzjoni t-tismija waħidha, magħmula mill-kreditur, ta' persuna li għandha tirċievi għalih.

L-aċċettazzjoni ta' titoli għad-dejn ta' qabel ma ġġibx novazzjoni.

1182. (1) L-aċċettazzjoni ta' biljetti jew titoli negozjabbli oħra għal dejn ta' qabel, ma ġġibx novazzjoni, meta ma jidhirx biċ-ċar minn ċirkostanzi oħra li l-ħsieb kien li jiġi maqtul dak id-dejn ta' qabel.

(2) Lanqas ma hemm novazzjoni ta' dejn li fil-bidu kien kummerċjali, minħabba biss li wara jiġi magħruf b'att ta' nutar, u msaħħaħ b'ipoteka.

Meta delegazzjoni ma ġġibx novazzjoni.

1183. Id-delegazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni.

Jekk id-delegat isir mhux solvibbli.

1184. Il-kreditur li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni, ma jistax idur kontra dak id-debitur, kemm-il darba d-delegat isir mhux solvibbli, ħlief jekk il-kreditur fiż-żmien tad-delegazzjoni, ikun żamm espressament il-jedd għaldaqshekk, jew jekk id-delegat kien ġa mhux solvibbli jew fallut jew wasal biex ifalli.

Il-privileġġi, eċċ., tal-kreditu l-qadim ma jgħaddux fil-krediti li jitqiegħdu floku.

1185. Il-privileġġi jew l-ipoteki tal-kreditu l-qadim ma jgħaddux fil-kreditu li jiġi mqiegħed floku, jekk il-kreditur ma jkunx żamm espressament il-jedd għaldaqshekk.

Il-privileġġi, eċċ., ma jgħaddux fuq il-beni tad-debitur il-ġdid.

1186. Meta n-novazzjoni ssir billi jiġi mqiegħed debitur ġdid minflok l-ewwel debitur, il-privileġġi u l-ipoteki li qabel kien hemm mal-kreditu ma jgħaddux fuq il-beni tad-debitur il-ġdid.

Novazzjoni bejn kreditur u wieħed mid-debituri solidali.

1187. Jekk in-novazzjoni ssir bejn il-kreditur u wieħed mid-debitur *in solidum*, il-privileġġi u l-ipoteki tal-kreditu il-qadim ma jistgħux jinżammu ħlief fuq il-beni ta' dak li jintrabat bid-dejn il-ġdid.

Effetti tan-novazzjoni.

1188. (1) In-novazzjoni bejn il-kreditur u wieħed mid-debituri *in solidum* teħles lill-kondebituri l-oħra, bla ħsara tal-jedd tad-debitur li jkun intrabat bl-obbligazzjoni l-ġdida li jdur kontra l-kondebituri għal sehemhom tad-dejn il-qadim li huwa jkun ħallas.

(2) In-novazzjoni li ssir favur id-debitur prinċipali teħles lill-garanti.

(3) Iżda, jekk il-kreditur jitlob il-kunsens tal-kondebituri fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1), jew il-kunsens tal-garanti fil-każ imsemmi fis-subartikolu (2), u dawn il-kondebituri jew garanti ma jaċċettawx il-ftehim il-ġdid, il-kreditu l-qadim jibqa' jseħħ.

Eċċezzjonijiet li d-debitur delegat jista' jagħti kontra l-kreditur il-ġdid.

1189. (1) Id-debitur delegat li jkun aċċetta d-delegazzjoni ma jistgħax jagħti kontra l-kreditur il-ġdid l-eċċezzjonijiet li seta' jagħti kontra l-ewwel kreditur tiegħu, bla ħsara tal-jedd li jdur

kontra dan tal-aħħar.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux jekk il-ħsieb tal-parti li tkun għamlet id-delegazzjoni kien li b'din id-delegazzjoni tagħmel donazzjoni lil-parti li favur tagħha d-delegazzjoni tkun saret.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq lanqas ma jgħoddu għall-eċċezzjonijiet li jiddependu mill-kondizzjoni tal-persuna, bħal dik ta' minuri, basta li din il-kondizzjoni tagħhom kienet teżisti fiż-żmien li fih id-delegat aċċetta d-delegazzjoni.

---

§ III. FUQ IL-MAĦFRA TAD-DEJN

Maħfra tad-dejn f' każ ta' debituri *in solidum*.

1190. (1) Il-maħfra jew ħelsien bi ftehim favur wieħed mid-debituri *in solidum* teħles lill-oħrajn kollha, jekk il-kreditur ma jkunx żamm espressament il-jeddijiet tiegħu kontra tagħhom.

(2) Jekk il-kreditur ikun żamm dawn il-jeddijiet, hu ma jistax jitlob il-kreditu ħlief bit-tnaqqis tas-sehem maħfur.

Effetti tal-maħfra kwantu għall-garanti.

1191. (1) Il-maħfra jew ħelsien bi ftehim favur id-debitur prinċipali, teħles lill-garanti.

(2) Il-ħelsien tal-garanti ma jeħlisx lid-debitur prinċipali.

(3) Il-ħelsien ta' wieħed mill-garanti ma jeħlisx lill-garanti l-oħra ħlief mis-sehem li għalih setgħu jduru kontra l-garanti hekk meħlus.

Il-kreditur għandu jaqta' mid-dejn kull ma jirċievi mill-garanti b' ħelsien tad-dejn.

1192. Il-ħlas li l-kreditur ikun ħa mingħand il-garanti biex jeħilsu mill-garanzija, jinqata' mid-dejn, b'ħelsien tad-debitur prinċipali tal-garanti l-oħra.

Meta r-radd tal-iskrittura hu magħdud maħfra.

1193. (1) Ir-radd tal-oriġinal tal-iskrittura tal-kreditu, li l-kreditur jagħmel minn rajh lid-debitur, hija preżunzjoni tal-ħelsien mid-dejn, meta ma jiġix ippruvat li dan ir-radd sar bi ħsieb ieħor minn dak li jeħles lid-debitur.

(2) Ir-radd tal-iskrittura hawn fuq imsemmija magħmul lil wieħed mid-debituri *in solidum*, għandu l-istess effett favur il-kondebituri l-oħra.

Meta f' riċevuta ma jinżammx il-jedd għal dejn ieħor.

1194. In-nuqqas biss ta' riżerva ta' dejn fir-riċevuta dwar dejn ieħor, ma hux preżunzjoni tal-maħfra ta' dak id-dejn.

Radd tar-rahan.

1195. Ir-radd tar-rahan mhux biżżejjed biex joħloq preżunzjoni tal-maħfra tad-dejn.

---

§ IV.FUQ IT-TPAĊIJA

Meta u kif issir it-tpaċija.

1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.

(2) It-tpaċija ssir *ipso jure*, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.

Bejn liema djun issir it-tpaċija.

1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.

(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.

Żmien mogħti għall-ħlas mhux ta' xkiel għat-tpaċija.

1198. Iż-żmien għall-ħlas, mogħti bil-bona grazzja, mhux ta' xkiel għat-tpaċija.

Meta ma ssirx tpaċija.

1199. It-tpaċija ssir, tkun xi tkun il-kawża tad-dejn il-wieħed jew l-ieħor, minbarra minn fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta jintalab ir-radd ta' ħaġa li tagħha s-sid ikun bata spoll kontra l-ħaqq;

(*b*) meta jintalab ir-radd ta' depożitu inkella ta' self tal-użu jew kommodat;

(*ċ*) meta d-dejn hu għal manteniment li ma jkunx suġġett għal sekwestru.

Il-garanti jista' jeċċepixxi t-tpaċija.

1200. (1) Il-garanti jista' jeċċepixxi t-tpaċija ta' dak li l-kreditur ikollu jagħti lid-debitur prinċipali.

(2) Iżda d-debitur prinċipali ma jistax jeċċepixxi t-tpaċija ta' dak li l-kreditur ikollu jagħti lill-garanti.

(3) Id-debitur *in solidum* ma jistax jeċċepixxi t-tpaċija ta' dak li l-kreditur ikollu jagħti lil kondebitur, ħlief għas-sehem ta' dan il-kondebitur.

Jekk id-debitur jaċċetta ċ-ċessjoni tal-kreditu.

1201. (1) Id-debitur li jkun aċċetta mingħajr ebda riżerva u kondizzjoni ċ-ċessjoni li l-kreditur ikun għamel tal-jeddijiet tiegħu lil terza persuna, ma jistax jeċċepixxi kontra ċ-ċessjonarju t-tpaċija li, qabel l-aċċettazzjoni taċ-ċessjoni, seta' jeċċepixxi kontra ċ-ċedent.

(2) Iżda, iċ-ċessjoni li d-debitur ma jkunx aċċetta, imma li tkun ġiet lilu nnotifikata, mhix ta' xkiel għat-tpaċija ħlief tal-krediti ta' wara n-notifika.

Jekk ikun hemm iżed minn dejn wieħed li jista' jitpaċa.

1202. Meta l-istess persuna jkollha iżjed minn dejn wieħed li jista' jitpaċa, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1168, 1169 u 1171 dwar l-imputazzjoni tal-ħlas igħoddu għat-tpaċija.

It-tpaċija mhix ta' ħsara tal-jeddijiet ta' terza persuna. *Emendat: VIII.2007.14.*

1203. (1) It-tpaċija ma tistax issir bi ħsara tal-jeddijiet li jkunu ġew akkwistati minn terza persuna.

(2) Id-debitur illi jsir kreditur wara li jkun sar sekwestru f'idejh favur ta' terza persuna, ma jistax jeċċepixxi t-tpaċija bi ħsara tas-sekwestrant:

Iżda xejn f'dan l-artikolu ma għandu jipprojbixxi tpaċija ta' kreditu li jinħoloq fil-kors tal-għoti jew tal-kontinwazzjoni ta' faċilitajiet imsemmija fl-artikolu 381(1)(*f*), (*g*) u (*h*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

1204. Kull min iħallas dejn tiegħu li, skont il-liġi, spiċċa bi tpaċija, jekk jaġixxi għall-kreditu li għalih ma kienx oppona t-tpaċija, ma jistax, bi ħsara tat-terzi, jinqeda bil-privileġġi, bl-ipoteki jew garanziji oħra li kienu jsaħħu l-kreditu tiegħu, ħlief jekk kellu raġuni tajba biex ma jkunx jaf bil-kreditu li bih kien imissu paċa d-dejn tiegħu. Ħlas ta' dejn li spiċċa bi tpaċija.

---

§ IV.FUQ IL-KONFUŻJONI

1205. Meta l-kwalità ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri *ipso jure* konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu. Meta ssir il-konfuzjoni.

1206. (1) Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tad-debitur prinċipali, tiswa lill-garanti tiegħu. Il-konfużoni tiswa lill-garanti.

(2) Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tal-garanti ma toqtolx l-obbligazzjoni prinċipali.

(3) Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna ta' wieħed mid-debituri *in solidum*, ma tiswiex lill-kondebituri l-oħra ħlief għas-sehem li tiegħu hu kien debitur.

---

§ VI. FUQ IT-TELFA TAL-ĦAĠA

1207. (1) Meta ħaġa ċerta u determinata, illi kienet l-oġġett tal-obbligazzioni, tispiċċa, jew tiġi mqiegħda *extra commercium,* jew tintilef b'mod li tkun għal kollox mhix magħrufa l-eżistenza tagħha, l-obbligazzjoni tispiċċa, kemm-il darba l-ħaġa tkun spiċċat jew ġiet maħruġa mill-kummerċ jew intilfet mingħajr ħtija tad-debitur, u qabel ma dan kien *in mora*. Meta l-obbligazzjoni tispiċċa bit-telf tal-ħaġa.

(2) Ukoll jekk id-debitur ikun *in mora*, iżda ma kienx ħa fuqu r-riskju tal-każijiet aċċidentali, l-obbligazzjoni tispiċċa kemm-il darba l-ħaġa kienet tispiċċa xorta waħda għand il-kreditur li kieku kienet ġiet lilu kkunsinnata.

(3) Id-debitur għandu jipprova l-każ aċċidentali li hu jallega.

(4) Tkun kif tkun spiċċat jew intilfet ħaġa misruqa, it-telfa tagħha ma teħlisx lil min seraqha mill-obbligu li jrodd il-valur tagħha.

1208. Meta l-ħaġa tispiċċa jew tiġi mqiegħda *extra commercium* jew tintilef mingħajr ħtija tad-debitur, dan għandu jċedi lill-kreditur kull jedd jew azzjoni li jista' jkollu għall-ħlas tad-danni dwar dik il-ħaġa. Ċessjoni tal-azzjoni mid-debitur lill-kreditur.

§ VII. FUQ IR-REXXISSJONI

Effetti tar-rexxissjoni.

1209. (1) Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim.

(2) Kull parti għandha trodd lill-oħra dak li tkun irċeviet jew daħħlet b'effett jew bis-saħħa tal-kuntratt.

(3) Dwar il-frottijiet u l-imgħaxijiet li jkunu nġabru jew daħlu sa dak in-nhar tat-talba għar-rexxissjoni tal-kuntratt, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tordna li jitpaċew b'xulxin.

(4) Meta l-kuntratt jiġi rexxiss minħabba għemil doluż jew vjolenza, il-parti ħatja ta' dak l-għemil doluż jew ta' dik il-vjolenza għandha trodd lill-oħra wkoll il-frottijiet li setgħu jiġu miġbura, u li, bi ħtija jew bi traskuraġni tagħha, ma ġewx hekk miġbura.

Ir-rexxissjoni għandha effett kontra t-terzi.

1210. (1) Ir-rexxissjoni għandha effett ukoll kontra t-terzi pussessuri.

(2) Ir-rexxissjoni tħassar kull jedd li jkun ġie mogħti jew kull piż li jkun ġie magħmul fuq il-ħaġa li, minħabba t-tħassir tal-kuntratt, għandha tintradd.

Meta r-rexxissjoni tintalab dwar biċċa biss mill-att.

1211. (1) Jekk att ikun fih żewġ taqsimiet jew iżjed li ma jkollhomx x'jaqsmu waħda mal-oħra, tista' tintalab ir-rexxissjoni ta' waħda biss minn dawk it-taqsimiet.

(2) Jekk it-taqsimiet tal-att ikollhom b'xi mod x'jaqsmu bejniethom, u l-attur jitlob ir-rexxissjoni ta' taqsima waħda biss, il-konvenut jista' jitlob, sew kontra l-attur, sew, fil-każ li fit-taqsima mhux imdaħħla fit-talba tal-attur ikun hemm persuni oħra interessati, kontra dawn il-persuni l-oħra, ir-rexxissjoni tal-att kollu, jew tat-taqsimiet kollha li jkollhom x'jaqsmu bejniethom.

Meta att jista' jiġi rexxiss.
Emendat: LVIII.1975.6.

1212. Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni.

Rexxissjoni minħabba leżjoni.
Emendat: LVIII.1975.7.

1213. Ir-rexxissjoni minħabba leżjoni ma tistax tintalab minn min hu tal-età.

Minuri.

1214. (1) Fil-każ ta' minuri, il-leżjoni tagħti lok għar-rexxissjoni, f'kull xorta ta' ftehim mhux eċċettwat espressament mil-liġi, u jkun kemm ikun l-ammont tal-leżjoni, basta li ma jkunx żgħir ħafna.

(2) Iżda, lanqas il-minuri ma jista' jitlob ir-rexxissjoni minħabba leżjoni, meta din il-leżjoni tkun ġejja minn xi ħaġa aċċidentali u mhux mibsura.

Każijiet oħra ta' leżoni f'każ ta' minuri.

1215. Ir-rexxissjoni minħabba leżjoni tista' ssir ukoll favur il-minuri, jekk, għalkemm ma jinsabx li hu fil-fatt bata telf, jiġi ppruvat li l-ftehim jista' jdaħħlu f'kawżi jew fi spejjeż kbar, jew itellfu xi vantaġġ li għalih kellu jedd.

Meta l-partijiet li jikkuntrattaw huma t-tnejn minuri.

1216. Il-minuri jista' jeżerċita l-azzjoni ta' rexxissjoni minħabba leżjoni, ukoll il-parti l-oħra tkun hija wkoll minuri.

Meta l-minuri jiddikjara li hu tal-età.

1217. (1) Id-dikjarazzjoni waħidha magħmula mill-minuri li hu tal-età, ma ttellfux l-azzjoni ta' rexxissjoni.

(2) Iżda, il-minuri ma jistax jattakka l-obbligazzjoni tiegħu minħabba li ma kienx kapaċi li jikkuntratta, meta hu jkun inqeda b'inganni li setgħu jġiegħlu li wieħed jaħseb li hu kien kapaċi jikkuntratta, u jkun, b'dan il-mod, qarraq lill-parti l-oħra.

Każijiet li fihom il-minuri ma jistax jitlob ir-rexxissjoni ħlief meta dan il-jedd hu mogħti lill-persuna tal-età. Kap. 13.

1218. Meta l-ftehim huwa tali li għalih il-minuri, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, jitqies bħala li hu tal-età, jew meta jiġi magħmul mill-minuri minħabba s-sengħa tiegħu, jew meta l-obbligazzjoni tkun imnissla minn delitt jew kważi-delitt, f'dawk il-każijiet il-minuri ma jistax jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, ħlief f'dawk il-każijiet li fihom jistgħu jitolbuha l-persuni tal-età, bla ħsara, fil-każ ta' delitt jew kważi-delitt, tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1035 u 1036.

Każijiet li fihom il-minuri jitqiesu li huma tal-età.

1219. Meta l-formalitajiet meħtieġa għal atti tal-minuri jew tal-interdetti, jew għal atti li jkollhom x'jaqsmu magħhom dawn il-minuri jew interdetti, ikunu ġew imħarsa, jew meta t-tuturi jew kuraturi jkunu għamlu atti li ma joħorġux barra mill-limiti tal-amministrazzjoni tagħhom, dawn il-minuri jew interdetti jitqiesu, għal dawk l-atti, li huma tal-età jew mhux interdetti, bla ħsara tal-jedd tagħhom li jduru kontra t-tutur jew il-kuratur, jekk ikun hemm lok għal dan il-jedd.

Meta l-obbligazzjoni li tikkuntratta tolqot il-każ ta' delitt jew kważi-delitt. *Sostitwit: XLVI.1973.67.*

1220. L-obbligazzjonijiet tal-interdett, imnisslin minn delitt jew kważi-delitt, mhumiex suġġetti għar-rexxissjoni minħabba li l-interdett mhuwiex persuna kapaċi skont il-liġi li jikkuntratta.

Kemm għandhom iħallsu lura l-minuri u l-interdetti. *Emendat: XLVI.1973.68.*

1221. (1) Meta l-minuri jew l-interdetti jistgħu jitolbu r-rexxissjoni tal-obbligazzjonijiet tagħhom minħabba li mhumiex persuni kapaċi, ma jistax jintalab lura dak li jkun tħallas lilhom minħabba dawn l-obbligazzjonijiet fiż-żmien li kienu minuri, jew interdetti, ħlief sas-somma li dak il-ħlas ikun safa ta' vantaġġ lilhom.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll għall-każ imsemmi fl-artikolu 1216.

Preskrizzjoni tal-azzjoni ta' rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, eċċ. *Emendat: XLVI.1973.69.*

1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.

(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

Minn meta jibda għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni.

1223. (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.

(2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

Preskrizzjoni tal-azzjoni ta' rexxissjoni f'każijiet oħra.

1224. F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni egħluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

Il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni jgħaddi fil-werrieta.

1225. Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi fil-werrieta:

Iżda dawn ma jistgħux jeżerċitaw dan il-jedd ħlief fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-ksur jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Eċċezzjoni ta' nullità.

1226. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jaġixxi għar-rexxissjoni.

(2) Din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikoli 1222 u 1224.

Twettiq jew ratifika ta' obbligazzjoni.

1227. It-twettiq jew ir-ratifika ta' obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-jedd għall-azzjoni jew għall-eċċezzjoni ta' rexxissjoni minħabba nullità jew għal raġuni oħra, ikollhom l-effett tagħhom bejn il-partijiet li jikkuntrattaw bla ħsara tal-jeddijiet tat-terzi.

Meta t-twettiq jew ir-ratifika jġibu rinunzja għall-azzjoni ta' rexxissjoni.

1228. It-twettiq jew ir-ratifika ma jġibux ir-rinunzja għall-azzjoni ta' rexxissjoni, ħlief meta jiġi ppruvat li min wettaq jew irratifika kien jaf bid-difett li jagħti jedd għal dik l-azzjoni.

It-twettiq jew ir-ratifika jistgħu jsiru taċitament.

1229. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, it-twettiq jew ir-ratifika jistgħu jsiru taċitament bl-esekuzzjoni volontarja tal-obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-azzjoni ta' rexxissjoni, jew b'xi att ieħor li juri l-intenzjoni li jingħata effett għall-obbligazzjoni.

Twettiq jew ratifika ta' att li l-liġi tannulla espressament minħabba nuqqas ta' formalità.

1230. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, it-twettieq jew ir-ratifika ta' att li l-liġi espressament tannulla minħabba nuqqas tal-formalitajiet meħtieġa, ma jsewwux dan l-att meta ma jsirux b'att li jkollu l-formalitajiet kollha meħtieġa sabiex kien ikun jiswa l-att li jiġi mwettaq jew ratifikat.

Twettiq jew ratifika ta' donazzjoni jew dispożizzjoni testamentarja.

1231. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-każijiet ta' twettiq jew ta' ratifika ta' donazzjoni jew ta' dispożizzjoni testamentarja magħmulin wara l-mewt tad-donatur jew testatur mill-werrieta tiegħu jew minn persuni oħra li l-jeddijiet tagħhom ikunu ġejjin mid-donatur jew testatur. F'dan il-każ it-twettiq jew ir-ratifika, għalkemm ikunu ġew magħmula taċitament mill-werrieta jew minn dawk il-persuni l-oħra, iġibu r-rinunzja tagħhom għall-azzjoni jew eċċezzjoni ta' rexxissjoni.

Sub-titolu VI.

FUQ IL-PROVA TAL-OBBLIGAZZJONIJIET U TAT-TMIEM TAGĦHOM

Prova tal-obbligazzjonijiet u tat-tmiem tagħhom. *Emendat: XIV.1913.1.* Kap. 12.

1232. (1) Meta mhux meħtieġ mil-liġi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem tagħha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova tal-obbligazzjoni jew tat-tmiem tagħha tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi oħra magħrufin mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) L-att publiku hu dak li jiġi magħmul jew riċevut, bil-formalitajiet meħtieġa, minn nutar jew minn uffiċjal pubbliku ieħor li jkollu s-setgħa skont il-liġi li jagħti fidi pubblika lill-att.

Atti li għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata. *Emendat: XIV.1913.2.*

1233. (1) Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament, tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata, taħt piena ta' nullità -

(*a*) il-ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd ieħor fuq dawk il-beni;

(*b*) il-wegħdiet ta' self għall-użu jew *mutuum*;

(*ċ*) il-garanziji;

(*d*) it-transazzjoni;

(*e*) il-kiri ta' immobbli għal żmien ta' iżjed minn sentejn għal dak li hu bini, jew minn erba' snin, għal dak li hu raba';

(*f*) is-soċjetajiet ċivili; u

(*g*) għall-finijiet tal-Liġi dwar il-Wegħdiet ta' Żwieġ, kull wegħda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija. Kap. 5.

(2) Jekk, fil-każ ta' kitba privata, il-kitba ma tkunx iffirmata minn kull waħda mill-partijiet, għandha tiġi awtentikata bħal ma jingħad fl-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Prežunzjoni tal-liġi.

1234. Dak li għandu favur tiegħu prežunzjoni stabbilita mil-liġi, hu meħlus minn kull prova tal-fatt prežunt.

Meta tista' tingieb prova kontra l-prežunzjoni.

1235. (1) Ma tista' tingieb ebda prova kontra l-prežunzjoni stabbilita mil-liġi f'dawk il-każijiet biss meta fuq dik il-prežunzjoni l-liġi tannulla xi atti, jew tiċħad l-azzjoni jew l-eċċezzjoni, mingħajr ma żżomm il-jedd għall-prova kuntrarja.

(2) F'kull każ ieħor, tista' tingieb il-prova kontra l-prežunzjoni, allavolja l-liġi ma żżommx espressament il-jedd għall-prova kuntrarja.

Titolu V

FUQ IL-KITBIET TAŻ-ŻWIEĠ

Kitba taż-żwieġ. *Sostitwit: XXI.1993.77.*

1236. Ħlief għal dawk li huma l-akkwisti msemmija fis-Sub-titolu III ta' dan it-Titolu, il-liġi ma tistabbilixxi ebda soċjetà jew kommunjoni ta' beni bejn il-miżżewġin.

L-għarajjes jistgħu jagħmlu ftehim li ma jkunx kontra l-għemil xieraq, eċċ. *Sostitwit: XXI.1993.77.*

1237. (1) Iżda, l-għarajjes jistgħu jagħmlu kull ftehim ieħor, li ma jkunx kontra l-għemil xieraq, jew kontra r-regoli li jinsabu f'dan l-artikolu jew fl-artikoli li jiġu wara ta' dan il-Kodiċi.

(2) Il-miżżewġin jistgħu, fi ftehim li jsir qabel iż-żwieġ jew wara, jiftiehmu li l-beni li jinkisbu matul iż-żwieġ tagħhom jibqgħu separati jew li jkunu regolati b'kommunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata taħt is-Sub-titolu ta' dan it-Titolu, u, bla ħsara għas-subartikolu (3), ebda soċjetà jew komunjoni ta' beni ma tista', b'mod ġenerali, tkun stabbilita bejn il-miżżewġin ħlief kif imsemmi f'dan l-artikolu jew fl-artikolu 1236.

(3) Il-miżżewġin jistgħu, mingħajr ma jirrikorru għal qorti, sew weħedhom jew ma xi ħadd ieħor, u tkun liema tkun is-sistema li jirregola l-beni tagħhom, jagħmlu soċjetà b'responsabbiltà limitata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali* ; jeddijiet għall-votazzjoni li jkunu marbuta ma' ishma reġistrati f'isem parti miżżewġa jkunu eżerċitati mill-parti li f'isimha l-ishma jkunu reġistrati. Il-proprjetà tal-ishma f'dik is-soċjetà tibqa' regolata skont is-sistema li jirregola l-beni tal-miżżewġin.

Kap. 168.

Ċertu ftehim ma jistax isir. *Emendat: XLVI.1973.70. Sostitwit: XXI. 1993.77.*

1238. (1) L-għarajjes ma jistgħu jagħmlu ebda ftehim fejn wieħed minnhom ikun stabbilit kap tal-familja, jew ftehim biex jitneħħew jew jitnaqqsu xi wieħed mill-jeddijiet li jiġu mis-setgħa tal-ġenituri, jew kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-età tal-minuri, jew kontra xi dispożizzjoni tal-liġi li fiha xi projbizzjoni.

(2) Madankollu, xi ftehim illi l-ulied kollha, jew xi whud minnhom, għandhom jitrabbew fir-reliġjon ta' xi wieħed mill-miżżewġin ikun validu.

Ebda ftehim ma jista' jsir biex jiġi mbiddel l-ordni skont il-liġi tas-suċċessjoni.

1239. L-għarajjes ma jistgħu jagħmlu ebda ftehim jew rinunzja li jistgħu jbiddlu l-ordni tas-suċċessjoni skont il-liġi, sew dwarhom infishom fis-suċċessjoni ta' wliedhom jew dixxendenti tagħhom, kemm dwar uliedhom bejniethom, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet testamentarji jew tad-donazzjonijiet li jistgħu jsiru taħt dan il-Kodiċi.

Xi wegħdiet li jistgħu jsiru fil-kitba taż-żwieġ. *Emendat: XXI. 1993.78.*

1240. (1) Hija valida l-wegħda magħmula f'kitba ta' żwieġ minn ġenitur ta' wieħed mill-għarajjes lil dan il-għarus-

(*a*) li ma jħallix mill-wirt tiegħu lil dan il-għarus sehem anqas minn dak li kieku jmiss lil dan il-għarus b'suċċessjoni *ab intestato*; jew

(*b*) li ma jnaqqasx dak is-sehem b'donazzjoni favur ta' tfal oħra tiegħu jew ta' xi persuni oħra; jew

(*ċ*) li ma jagħtix jew ma jħallix, b'donazzjoni jew b'testment, lil ebda wieħed mit-tfal l-oħra tiegħu, iżjed minn dak li jagħti jew li jħalli lil dan il-għarus.

(2) Kull wieħed mill-għarajjes jista' wkoll jirrinunzja għas-

*Imħassra bl-Att XXV tal-1995 (Kap. 386).

suċċessjoni ta' wieħed mill-ġenituri tiegħu jew axxendent ieħor, minħabba dak li jkun ħa mingħand dak il-ġenitur jew axxendent ieħor b'titolu ta' donazzjoni għaż-żwieġ.

(3) Iżda, dik ir-rinunzja ma tiswiex jekk ma ssirx espressament.

1241. *Imħassar bl-Att XXII.2025.7.*

Kitba taż-żwieġ magħmula minn minuri.
Emendat: XLVI.1973.72. Sostitiwit: XXI.1993.79. Emendat: II.2012.20.

1242. L-awtorizzazzjoni tal-qorti hi dejjem meħtieġa sabiex tkun tiswa l-kitba taż-żwieġ ta' persuna li hija inibita li tikkuntratta.

Interdetti.

1243. Huwa null kull tibdil jew kontra-dikjarazzjoni li l-għarajjes jagħmlu dwar il-kitba taż-żwieġ, qabel iż-żwieġ, mingħajr il-kunsens tal-partijiet kollha f'dik il-kitba.

Tibdil tal-kitba taż-żwieġ qabel iż-żwieġ.

1244. (1) Wara ż-żwieġ, ir-raġel u l-mara jistgħu, bis-setgħa tal-qorti, ibiddlu l-ftehim tal-kitba taż-żwieġ, mingħajr ħsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta' terzi persuni.

Ftehim ta' wara ż-żwieġ.
Emendat: XXX.1981.9; XXI.1993.80.

(2) Jekk ma tkun saret ebda kitba taż-żwieġ qabel iż-żwieġ, ir-raġel u l-mara jistgħu wkoll, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, jagħmlu kitba taż-żwieġ.

(3) Kull ftehim li bil-liġi ma jistax isir qabel iż-żwieġ lanqas ma jista' jsir wara ż-żwieġ.

(4) Wara ż-żwieġ, ir-raġel u l-mara jistgħu, mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorità tal-qorti, jissostitwixxu b'ipoteka speċjali kull ipoteka ġenerali stabbilita f'xi kitba taż-żwieġ.

1245. Kull kitba ta' żwieġ, tibdil, jew kontro-dikjarazzjoni, ma jiswewx jekk ma jsirux b'att pubbliku.

Il-kitba taż-żwieġ għandha ssir b'att pubbliku.

1246. Ebda kitba ta' żwieġ, tibdil, jew kontro-dikjarazzjoni, m'għandha sseħħ mat-terzi, jekk ma tiġix imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.

L-iskrizzjoni.

1247. Fil-każ ta' tibdil jew kontro-dikjarazzjoni, in-nutar għandu, taħt il-pieni msemmijin fl-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, jagħmel in-noti ta' riferenza bħal fil-każ ta' att li bih jitħassar jew jinħall kuntratt.

In-nutar għandu jagħmel in-noti ta' riferenza.
Kap. 55.

Sub-titolu I[*]

ISTITUZZJONIJIET TAD-DOTA U DOTARJU

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu huma kif imbiddla bl-Att XXI.1993.81.

*Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu *ara* l-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993.

Tneħħija tal-istituzzjonijiet.

1248. L-istituzzjonijiet tad-dota u tad-dotarju huma b'dan imneħħija.

Imħassar: *XXI.1993*.81.

§ I. FUQ IL-KOSTITUZZJONI TAD-DOTA

L-artikoli minn 1249 sa 1258 ġew imħassra bl-Att XXI tal-1993.

Imħassar: *XXI.1993*.81.

§ II. FUQ IL-JEDDIJIET TAR-RAĠEL FUQ ID-DOTA

L-artikoli minn 1259 sa 1267 ġew imħassra bl-Att XXI tal-1993.

Imħassar: *XXI.1993*.81.

§ III. FUQ LI D-DOTA MA TISTAX TIĠI TTRASFERITA JEW OBBLIGATA

L-artikoli minn 1268 sa 1299 ġew imħassra bl-Att XXI tal-1993.

Imħassar: *XXI.1993*.81.

§ IV.FUQ IR-RADD TAD-DOTA

L-artikoli minn 1300 sa 1312 ġew imħassra bl-Att XXI tal-1993.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu huma kif imbiddla bl-Att *XXI.1993*.81.

Sub-titolu II

FUQ ID-DOTARJU

L-artikoli minn 1313 sa 1315 ġew imħassra bl-Att XXI tal-1993.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu huma kif inibiddla bl-Att *XXI.1993*.82.

Sub-titolu III[*]

FUQ IL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Iż-żwieġ iġib il-komunjoni tal-akkwisti.

1316. (1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib *ipso jure* bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku.

(2) Iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.

---

*Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu *ara* l-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993.

Il-komunjoni tal-akkwisti tista' ssir wara ż-żwieġ.

1317. Il-miżżewġin jistgħu wkoll wara ż-żwieġ, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, jistabbilixxu l-komunjoni tal-akkwisti li, bil-kitba taż-żwieġ jew b'att ieħor kienet ġiet eskluża, jew iħassru dik il-komunjoni tal-akkwisti stabbilita b'kuntratt jew bis-saħħa tal-liġi.

Ma jistax ikun hemm deroga mid-dispożizzjonijiet.

1318. Il-miżżewġin ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi safejn dawn jirreferu għall-komunjoni tal-akkwisti.

Meta tibda u tispiċċa l-komunjoni.

1319. Il-jedd ta' kull parti miżżewġa għall-komunjoni tal-akkwisti jibda, bla ħsara ta' xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, minn dak inhar taż-żwieġ u jispiċċa malli jinħall iż-żwieġ.

Beni tal-komunjoni tal-akkwisti. *Emendat*: *XXIII.2017.75.*

1320. Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu -

(*a*) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom;

(*b*) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti;

(*ċ*) bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta' dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali ta' kwalunkwe wieħed mill-konjuġi;

(*d*) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin;

(*e*) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni;

(*f*) rebħ bix-xorti li jmiss lil parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta' teżor misjub minn parti minnhom, u li skont il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha, jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta' terzi:

Iżda dak is-sehem ta' teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa' kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab.

Preżunzjoni dwar l-akkwisti.

1321. (1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra.

(2) Iżda ma jidħlux fl-akkwisti l-beni li messew b'xi titolu lil waħda mill-partijiet miżżewġa qabel iż-żwieġ, minkejja li l-beni

setgħu ġew għand dik il-parti biss wara ż-żwieġ.

Amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. *Emendat: IV.1995.2; XIII.2004.41; XV.2008.3; XII.2009.21.*

1322. (1) L-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull waħda mill-partijiet miżżewġa.

(2) Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.

(3) Dawn li ġejjin huma l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja:

(*a*) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, maħluqa jew trasferiti;

(*b*) atti li joħolqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni;

(*ċ*) atti fejn ikun hemm qsim ta' beni;

(*d*) atti li jagħtu jedd ta' użu u, jew, tgawdija ta' proprjetà immobbli;

(*e*) donazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fl-artikolu 1753(2)(*a*);

(*f*) li tissellef jew tislef flus, barra minn depożitu ta' flus f'kont f'bank;

(*g*) l-akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' użu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel:

Iżda dan ma japplikax għal xi dejn magħmul għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 1327(*ċ*), jew għall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tiegħu jkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun għal żmien qasir;

(*h*) il-kuntratt għal xi garanzija;

(*i*) l-għoti ta' pleġġ;

(*j*) is-sħubija b'responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà kummerċjali, jew is-sottoskrizzjoni għal xi ishma li ma jkunux imħallsa kollha jew l-akkwist tagħhom f'soċjetà b' responsabbiltà limitata;

(*k*) it-trasferiment ta' negozju kif ukoll it-trasferiment ta' xi sehem f'soċjetà kummerċjali barra minn kumpannija pubblika;

(*l*) kull att li joħloq privileġġ speċjali skont l-artikolu 2010(*b*);

(*m*) kull att ta' rexissjoni ta' xi att imsemmi fil-paragrafi (*a*) u (*ċ*), u kull att ta' dikjarazzjoni magħmula *inter vivos* li permezz tagħha jiġi rikonoxxut jew rinunzjat xi jedd fuq beni immobbli; u

(*n*) it-tqegħid fi *trust* ta' beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-varjazzjoni jew revoka tal-kondizzjonijiet ta' kull *trust* li fih ikunu tqegħdu xi

beni bħal dawk.

(4) Il-flus kollha depożitati f'bank u kull strument, kif imfisser fit-Tieni Skeda tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, għall-kreditu ta' persuna miżżewġa jistgħu jkunu rtirati biss minn dik il-persuna mingħajr ma ssir ebda riċerka jekk dawk il-flus jew dawk l-istrumenti humiex tal-komunjoni tal-akkwisti jew le. Kap. 370.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom jibqgħu japplikaw ukoll wara li tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti għal kull raġuni li tkun u huma mingħajr ħsara għal kull dritt ta' kull wieħed jew waħda mill-miżżewġin għas-sehem sħiħ tiegħu jew tagħha mill-komunjoni meta l-istess tiġi biex tinqasam.

(6) Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista', b'att pubbliku jew b'kitba privata awtentikata skont l-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, taħtar lill-parti l-oħra jew lil xi persuna oħra, bħala l-mandatarju tagħha dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja u transazzjoni. Kap. 12.

(7) In-nutar li jippublika att pubbliku kif imsemmi fis-subartikolu (6), u l-avukat jew in-nutar li jawtentikaw kitba privata kif imsemmija fl-istess subartikolu, għandu f'kull każ iwissi 'l parti fiż-żwieġ li tkun qed hekk taħtar mandatarju, bl-importanza u l-konsegwenzi ta' dik il-ħatra, u għandha fl-att pubbliku jew il-kitba privata, skont il-każ, tiddikjara li tkun hekk wissiet lill-parti fiż-żwieġ.

Ċaħda jew nuqqas ta' kunsens. *Emendat: IX.2004.14.*

1323. (1) Jekk parti mill-miżżewġin tiċħad il-kunsens tagħha għal att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-parti l-oħra tista' titlob lill-qorti kompetenti biex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha meta l-att tal-amministrazzjoni straordinarja jkun meħtieġ fl-interessi tal-familja:

Iżda l-partijiet jistgħu, f'każijiet bħal dan, jagħżlu li jadottaw il-proċeduri kontemplati fl-artikolu 6A biex twassalhom għal ftehim jew biex ikun hemm arbitraġġ bejniethom.

(2) Jekk waħda mill-partijiet tkun barra minn Malta jew jekk ikun hemm xi impediment ieħor dwar waħda mill-partijiet u f' kull każ ma jkunx hemm awtorizzazzjoni b' att pubbliku jew b'kitba privata kkonfermata skont l-artikolu 634 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-parti l-oħra tista' twettaq dawk l-atti meħtieġa ta' amministrazzjoni straordinarja tal-akkwisti li skont il-liġi jkunu jeħtiegu l-kunsens taż-żewġ partijiet, u li l-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tista' tagħti l-awtorizzazzjoni b' mod speċifiku; b'dan li l-qorti ma tistax f'dawn il-każijiet tawtorizza l-atti meħtieġa kollha ta' amministrazzjoni straordinarja b' mod ġenerali. Kap. 12.

(3) Ir-reġistrazzjoni meħtieġa bl-artikolu 996 jew 2033, skont il-każ, dwar xi att li jittrasferixxi l-proprjetà jew xi jedd reali fuq proprjetà immobbli, u kull ipoteka jekk ġenerali jew speċjali għandhom iġibu wkoll isem il-parti l-oħra wkoll daqslikieku l-parti l-oħra kienet parti fl-atti tat-trasferiment jew fl-ipoteka, u meta dik ir-reġistrazzjoni ssir f'isem parti waħda biss mill-miżżewġin, din għandha dwar terzi, tapplika biss dwar il-parti li f'isimha tkun reġistrata.

Amministrazzjoni ta' kummerċ, negozju,eċċ.

1324. Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

Esklużoni ta' parti mill-amministrazzjoni tal-komunjoni. *Emendat: IX.2004.14.*

1325. (1) Il-qorti kompetenti tista' fuq talba ta' parti fiż-żwieġ tordna li l-parti l-oħra tkun eskluża jew b'mod ġenerali jew limitat għal għanijiet jew atti partikolari, mill-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, meta l-parti l-aħħar imsemmija -

(*a*) ma jkollhiex ħila tamministra; jew

(*b*) tkun amministrat ħażin il-komunjoni;

u f' kull każ bħal dan l-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tgħaddi, sal-limiti tal-esklużjoni ta' dik il-parti, għand il-parti li ma tkunx hekk eskluża.

(2) Il-parti li tkun ġiet hekk eskluża mill-amministrazzjoni tal-akkwisti tista', jekk ma jkunux għadhom jeżistu r-raġunijiet li għalihom ġiet eskluża, titlob lill-qorti sabiex tirreintegraha fl-amministrazzjoni.

(3) Kull ordni magħmul skont dan l-artikolu għandu jkun notifikat fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mir-reġistratur lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jżomm dan f'reġistru speċjali li jżomm indiċi għalih. Dawk l-ordnijiet għandu jkun fihom il-partikolaritajiet kollha taż-żewġ miżżewġin kif meħtieġa għal noti ta' iskrizzjoni taħt l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u għandhom jibdew iseħħu, dwar terzi, minn dik ir-reġistrazzjoni.

Kap. 56.

(4) Bla ħsara għal kull ordni magħmul skont is-subartikolu (1), fil-każ ta' interdizzjoni jew inkapaċitazzjoni ta' waħda mill-partijiet miżżewġa u sakemm tispiċċa dik l-interdizzjoni jew inkapaċitazzjoni, dik il-parti tkun eskluża mill-amministrazzjoni tal-akkwisti u f'kull każ bħal dan l-amministrazzjoni tal-akkwisti tkun vestita biss fil-parti li ma tkunx hekk eskluża.

Atti mwettqa mingħajr il-kunsens meħtieġ.

1326. (1) Atti li jeħtieġ l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jitwettqu minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-aħħar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjetà mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu.

(2) Kull azzjoni għal annullament tista' tittieħed biss mill-parti li kien meħtieġ il-kunsens tagħha u fiż-żmien perentorju ta' tlett snin -

(*a*) mid-data minn meta dik il-parti saret taf bl-att, jew

(*b*) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(*ċ*) mid-data li tintemm il-komunjoni tal-akkwisti,

skont liema tkun l-ewwel data.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) lil parti li titlob annullament ta' att jispiċċa malli jagħlqu tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta' att ġudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni għal dak l-annullament.

(4) Il-parti li ma tkunx bdiet l-azzjoni għal annullament fiż-żmien stabbilit u li ma tkunx irratifikat l-att espressament jew taċitament, b'danakollu tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti l-oħra tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob annullament tal-att; meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.

(6) Id-dispożizzionijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għal kull jedd li parti miżżewġa għandha taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.

Djun li jmorru fuq il-komunjoni.

1327. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:

(*a*) il-piżijiet u l-obbliġi marbutin mal-beni skont l-att li bihom ikunu akkwistati;

(*b*) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;

(*ċ*) l-ispejjeż u l-obbliġi, ukoll jekk isiru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;

(*d*) kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin;

(*e*) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, li l-utili tagħha huma magħdudin fl-akkwisti;

(*f*) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Krediturі ta' parti partikolari.

1328. Krediturі ta' parti partikolari fiż-żwieġ jiġu wara l-krediturі tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm-il darba ma jkollhomx raġuni leġittima għal preferenza.

Obbligazzjonijiet li jsiru separatament minn parti waħda.

1329. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-krediturі ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx

il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.

(2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni tal-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.

Meta l-beni parafernali jkunu suġġetti għad-djun tal-komunjoni.

1330. Meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin:

Iżda meta -

(*a*) id-dejn jew indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat magħmul bir-rieda minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew

(*b*) id-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;

il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f'dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba.

Ħlasijiet u radd lura ta' flus.

1331. (1) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha tagħti lura lill-komunjoni tal-akkwisti kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li parti tista' tkun ħadet mill-akkwisti biex tħallas djun li ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1327, kemm-il darba ma turix li l-att kien wieħed vantaġġuż għall-komunjoni jew ikun sar biex jinqdew il-ħtiġiet tal-familja.

(2) Kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha jedd li titħallas lura kull somma ta' flus jew il-valur ta' kull oġġett li jkunu ttieħdu mill-beni parafernali tagħha meta dawk il-flus ikunu ntefqu jew dak l-oġġett ikun intuża dwar dejn jew investiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

(3) Parti fiż-żwieġ li tkun kreditur tal-komunjoni tal-akkwisti tista' titlob li tingħata beni tal-komunjoni sal-valur tal-kreditu tagħha. Il-ħlas lura mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti jsir l-ewwel billi jingħataw flus, imbagħad mobbli u fl-aħħarnett immobbli.

(4) Dan il-ħlas lura għandu jsir meta tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti:

Iżda l-qorti tista' tawtorizza li kull ħlas lura bħal dan isir, f'data qabel meta l-interessi tal-familja hekk jeħtieġu jew jippermettu.

Qsim ġudizzjarju ta' beni. *Emendat: XV.2012.26.*

1332. (1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat -

(*a*) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew

(*b*) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew

(*ċ*) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3; jew

(*d*) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skont l-artikolu 1325, jew b' mod ġenerali jew sostanzjalment; jew

(*e*) mal-firda legali tal-miżżewġin.

(2) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jintalab biss minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew mir-rappreżentanti leġittimi tagħha; hekk iżda li dak il-qsim ma jistax jintalab mill-parti jew mir-rappreżentanti tal-parti li minħabba fiha jkunu nqalgħu r-raġunijiet għal qsim ġudizzjarju msemmija fis-subartikolu (1)(*b*) jew (*ċ*).

(3) Meta l-qsim ġudizzjarju jkun intalab mill-parti eskluża mill-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti skont is-subartikolu (1)(*d*), il-qorti għandha, meta l-qsim ġudizzjarju jġib telf finanzjarju lill-parti l-oħra, tordna lill-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju li tħallas kumpens lill-parti l-oħra għat-telf li din setgħet ġarrbet minħabba l-qsim.

(4) Fis-sentenza li tiddikjara l-qsim ġudizzjarju ta' beni, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza bejn il-partijiet tista tkun finali u konklużiva:

Iżda l-qorti tista', bla ħsara għal kull jedd akkwistat minn terzi, tordna li s-sentenza tibda tgħodd qabel id-data li fiha jkun ġie ppreżentat l-att tal-kawża li tkun ġiet deċiża.

(5) Il-krediturі ta' kull waħda mill-partijiet miżżewġa jew tal-komunjoni tal-akkwisti jistgħu jimpunjaw il-qsim dikjarat mill-qorti, ukoll jekk dan ikun ingħata seħħ, jekk il-qsim ikun inkiseb b'qerq tal-jeddijiet tagħhom.

(6) Il-qorti tista', meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien, wara li tispiċċa l-komunjoni tal-akkwisti, li tista' tistabbilixxi.

(7) Kull ordni mogħti mill-qorti bis-saħħa tas-subartikolu (6), jista', jekk tingħata raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

(8) It-talba għal qsim ġudizzjarju ta' beni ma twaqqafx xi azzjoni li tinforza xi dejn tal-komunjoni tal-akkwisti.

(9) Meta tkun ġiet ippreżentata talba għall-qsim ta' beni, kreditur ta' waħda mill-partijiet miżżewġa jista' jibda jew ikompli proċedimenti biex jinforza t-talba tiegħu kontra l-beni tal-

komunjoni tal-akkwisti u f'kull każ bħal dan il-parti miżżewġa lid-debitur tista' titlob li nofs ir-rikavat mill-bejgħ ta' kull oġġett tal-komunjoni tal-akkwisti jibqa' depożitat fil-qorti akkont tas-sehem fil-komunjoni tal-akkwisti tal-parti miżżewġa lid-debitur; hekk iżda li jekk dawk id-depożiti jkunu iktar mis-sehem ta' dik il-parti fil-komunjoni tal-akkwisti dik is-somma li tkun depożitata iktar tibqa' għall-kreditu tal-parti debitriċi u tista' tiġi sekwestrata mill-krediturі tagħha.

(10) Kull sentenza li tordna qsim ġudizzjarju ta' beni ma jkollhiex seħħ kontra terzi ħlief mill-jum li fih dik is-sentenza tkun reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.

Qsim tal-komunjoni.

1333. Il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti għandu jsir billi nofs il-beni u l-passiv tal-komunjoni jinqasmu nofs kull wieħed bejn il-miżżewġin.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu huma kif imibiddla bl-Att: *XXI.1993*.82.

Sub-Titolu IV[*]

FUQ IL-BENI PARAFERNALI

Definizzjoni ta' proprjetà parafernali.

1334. (1) Meta l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata jkunu jeżistu bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt l-artikolu 1320(*a*) sa (*f*) jew ma jkunux dotali huma parafernali. Meta l-beni tal-miżżewġin ikunu miżmuma bis-sistema ta' beni separati, il-beni kollha li m'humiex dotali huma parafernali.

(2) L-amministrazzjoni tal-beni parafernali tkun b'mod esklużiv f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni.

(3) Sabiex il-familja jkollha għajnuna, il-miżżewġin għandhom l-ewwel jużaw id-dħul li jinkiseb minn beni komuni qabel id-dħul li jkun esklużivament ta' parti minnhom, u l-ewwel għandhom jużaw il-kapitali li jkun parti mill-beni komuni jew mill-komunjoni tal-akkwisti qabel il-kapital li jkun esklużivament ta' waħda mill-partijiet.

Meta parti fiż-żwieġ taħtar lill-parti l-oħra bħala aġent.

1335. Meta parti fiż-żwieġ taħtar lill-parti l-oħra bħala aġent biex tamministra l-beni parafernali tagħha it-tieni parti tkun responsabbli lejn l-ewwel parti bl-istess mod bħal aġent ieħor, b'dan iżda li dik il-parti tkun obbligata li tagħti kont tal-utili jekk hekk jingħad espressament fil-mandat.

Meta parti fiż-żwieġ tgawdi beni mingħajr awtorità jew b'awtorità iżda mingħajr kondizzjoni li tagħti kont tal-utili.

1336. (1) Meta parti fiż-żwieġ tkun gawdiet il-beni parafernali tal-parti l-oħra, mingħajr awtorità, iżda mingħajr oppożizzjoni, dik il-parti jew il-werrieta ta' dik il-parti, għandhom, malli jispiċċa ż-żwieġ jew mal-ewwel talba tal-parti li l-beni jkunu proprjetà tagħha, ikunu biss obbligati li jgħaddu l-utili eżistenti, u m'għandhomx jagħtu kont tal-utili li jkunu ntużaw sa dak iż-żmien.

---

*Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu *ara* l-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993.

(2) L-istess għandu japplika meta dik il-parti tkun gawdiet dawk il-beni b'awtorità iżda mingħajr il-kondizzjoni espressa li tagħti kont tal-utili.

Meta parti fiż-żwieġ tgawdi l-beni minkejja oppożizzjoni.

1337. Meta parti fiż-żwieg tkun gawdiet il-beni tal-parti l-oħra minkejja oppożizzjoni, l-ewwel parti tkun responsabbli għall-utili kollha li jkunu jeżistu u li jkunu ntużaw.

Sub-Titolu V[*]

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu huma kif imbiddla bl-Att: *XXI.1993*.82.

FUQ IL-KOMUNJONI TA' RESIDWU TAĦT AMMINISTRAZZJONI SEPARATA

Komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

1338. (1) Meta għarajjes f'kitba taż-żwieġ jistipulaw li l-beni akkwistati minnhom matul iż-żwieġ għandhom ikunu regolati bis-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-Sub-titolu.

(2) Il-beni li jkunu regolati bis-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata huma l-beni li jaqgħu taħt l-artikolu 1320(*a*) sa (*f*).

Kif ikunu reġistrati akkwisti.

1339. (1) taħt is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata l-akkwisti li jsiru minn kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ matul iż-żwieġ tagħhom jinżammu u jkunu amministrati mill-parti li tkun għamlet dawk l-akkwisti u, bla ħsara għal-limitazzjonijiet li jinsabu f'dan is-Sub-titolu, għandhom, dwar terzi, ikunu trattati minn dik il-parti daqslikieku dik il-parti kienet is-sid esklussiv tagħhom.

(2) Meta taħt is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata beni jinkisbu mill-partijiet fiż-żwieġ flimkien, dawn ikunu amministrati flimkien. Is-sehem ta' kull parti f'dawk il-beni tista' tiġi biss trasferita *inter vivos* bil-kunsens tal-parti l-oħra, jew, meta dak il-kunsens jinżamm mingħajr raġuni, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, jew b'bejgħ b'irkant ġudizzjarju fuq it-talba tal-kreditur ta' dik il-parti.

Kif tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata.

1340. (1) Il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata għandha, sakemm ma tintemmx qabel bil-kunsens tal-partijiet fiż-żwieġ b'att pubbliku bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, tispiċċa max-xoljiment taż-zwieġ; taħt l-istess ċirkostanzi, *mutatis mutandis*, li japplikaw għall-komunjoni tal-akkwisti taħt l-artikolu 1332(1)(*b*) u (*ċ*); u mas-separazzjoni legali tal-mizżewġin.

(2) Is-subartikoli (2), (4), (5), (9) u (10) tal-artikolu 1332 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta x-xoljiment tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata jkun dikjarat b'sentenza tal-qorti.

---

*Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu *ara* l-artikolu 89 tal-Att XXI tal-1993.

Kif ikun meqjus ir-residwu.

1341. (1) Meta tispiċca b'liema mod ikun il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata, ir-residwu li għandu jittieħed kont tiegħu minn kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandu jinkludi kull spiża li ssir minn dik il-parti biss fl-interess tagħha mill-beni regolati minn dik il-komunjoni u li jkun f'idejn dik il-parti, u jkun suġġett għat-tnaqqis ta' kull ammont imħallas mill-beni parafernali ta' dik il-parti għal djun ta' dik il-parti dwar il-beni f'idejn dik il-parti u regolati bis-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, kif ukoll il-passiv li jkun għadu ma tħallasx minn dik il-parti li jkun sar dwar dawk il-beni.

(2) Għandu jitnaqqas mir-residwu kif stabbilit fis-subartikolu (1) kull dejn parafernali tal-parti fiż-żwieġ li jkun aktar mill-beni parafernali ta' dik il-parti.

(3) Dak li jibqa' bil-mod stabbilit fis-subartikolu (2) ikun, sakemm mhux debitu, ir-residwu finali ta' dik il-parti fiż-żwieġ. Jekk ir-riżultat ikun debitu għandu jitqies li ma jkun hemm ebda residwu finali għal dik il-parti.

(4) Meta r-residwu finali ta' waħda mill-partijiet miżżewġa ikun iktar mir-residwu tal-parti l-oħra, jew meta parti waħda biss ikollha residwu finali, għandu jingħata lill-parti bl-inqas residwu jew mingħajr residwu finali, skont il-każ, daqstant mir-residwu finali tal-parti bl-akbar residwu finali jew bl-uniku residwu finali li jkun meħtieġ sabiex kull waħda mill-partijiet ikollha sehem indaqs tal-beni li jifformaw ir-residwu finali taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ.

Meta dejn ma jkunx parafernali.

1342. (1) Għall-finijiet tal-artikolu 1341(2) kull dejn li m'huwiex imsemmi hawn taħt huwa dejn parafernali:

(*a*) il-piżijiet u l-obbligi marbutin mal-beni skont l-att li bihom ikunu akkwistati;

(*b*) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru fl-amministrazzjoni tal-akkwisti;

(*ċ*) l-ispejjeż u l-obbligi wkoll jekk ikunu saru separatament, għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;

(*d*) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji ta' beni parafernali tal-parti li l-utili tagħhom ikunu inklużi fl-utili regolati mill-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata;

(*e*) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili mill-parti fiż-żwieġ, meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.

Jeddijiet ta' terzi.

1343. (1) Terzi jistgħu biss jeżerċitaw il-jeddijet tagħhom kontra dik il-parti fiż-żwieġ li tkun għamlet il-kuntratt jew id-dejn magħhom.

(2) Malli tispiċca l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata u wara li jingħata r-residwu finali, il-krediturі ta' kull parti fiż-żwieġ jistgħu iżda, dwar kull dejn li jkun sar magħhom qabel ma tkun spiċċat il-komunjoni ta' residwu taħt

amministrazzjoni separata, jitolbu *in subsidium* kontra l-parti l-oħra sa l-ammont, jekk ikun hemm, tal-beni tar-residwu finali tal-parti debitriċi mogħtija lill-parti l-oħra.

Trasferimenti gratuwiti.

1344. (1) Meta bejn il-miżżewġin ikun hemm is-sistema ta' komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata, parti fiż-żwieġ ma tistax tittrasferixxi *inter vivos* xi beni tagħha b'titolu gratuwitu mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra.

(2) Is-subartikolu (1) ma japplikax għal donazzjonijiet ta' valur moderat meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-partijiet u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha.

(3) Azzjoni għall-annullament ta' att ta' trasferiment b'titolu gratuwitu tista' tittieħed biss mill-parti li l-kunsens tagħha kien meħtieġ u fiż-żmien perentorju ta' tlett snin -

(*a*) mid-data li fiha dik il-parti saret taf bl-att, jew

(*b*) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(*ċ*) mid-data li tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata,

skont liema tkun l-ewwel data.

Atti magħmulin bi skop ta' qerq.

1345. (1) Meta parti fiż-żwieġ tagħmel xi att bil-ħsieb li tqarraq bil-parti l-oħra u ċċaħħadha mill-jeddijiet kompetenti li jkollha meta tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazsrjoni separata, dik il-parti l-oħra tista' teżerċita l-azzjoni maħsuba fl-artikolu 1144 daqslikieku kienet kreditur.

Dak il-jedd ikun personali għall-parti l-aħħar imsemmija jew għall-werrieta tagħha u ma jkunx jista' jiġi eżerċitat mill-krediturі tal-parti.

(2) Ma tista' tittieħed ebda azzjoni taħt dan l-artikolu malli jagħlqu ħames snin -

(*a*) mid-data li fiha l-parti ssir taf bl-att, jew

(*b*) mid-data tar-reġistrazzjoni, meta dak l-att jeħtieġ reġistrazzjoni, jew

(*ċ*) mid-data li tispiċċa l-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata,

skont liema tkun l-ewwel data.

Titolu VI

FUQ IL-BEJGĦ

Sub-titolu I

FUQ IL-KUNTRATT TA' BEJGĦ

Tifsir ta' kuntratt ta' bejgħ.

1346. Il-bejgħ hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.

Meta l-bejgħ hu perfett.

1347. Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.

Bejgħ bil-piż ta' ħwejjeġ mobbli, eċċ.

1348. (1) Madankollu, meta ħwejjeġ mobbli ma jigux mibjugħa kollha f'salt iżda bl-użin, jew bil-għadd, jew bil-kejl, il-bejgħ mhux perfett, jiġifieri, il-proprjetà ma tgħaddix għax-xerrej u l-ħwejjeġ mibjugħa jibqgħu għar-riskju tal-bejjiegħ, sakemm ma jiġux miżuna, magħduda jew imkejla.

(2) Iżda x-xerrej jista' jitlob li l-ħwejjeġ jiġu miżuna, magħduda jew imkejla u kkunsinnati lilu, jew, jekk l-obbligazzjoni ma tiġix esegwita, il-ħlas tad-danni.

(3) Il-bejjiegħ, ukoll, jista' jġiegħel lix-xerrej għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, jew, fin-nuqqas, għall-ħlas tad-danni.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll meta l-ħaġa mibjugħa tkun immobbli u ma tistax tiġi determinata fiż-żgur qabel ma tiġi mkejla.

Bejgħ ta' kollox f'salt.

1349. Jekk, għall-kuntrarju, il-ħwejjeġ ikunu ġew mibjugħa kollha f'salt il-bejgħ hu perfett, għalkemm il-ħwejjeġ ikunu għad ma ġewx miżuna, magħduda jew imkejla.

Tifsira ta' bejgħ ta' kollox f'salt jew bil-piż, eċċ.

1350. (1) Il-bejgħ hu ta' kollox f'salt, jekk il-ħwejjeġ jiġu mibjugħa bl-istess prezz mingħajr ma jittieħed qies tal-użin, tal-għadd jew tal-kejl ta' dawn il-ħwejjeġ.

(2) Il-bejgħ jitqies li sar bl-użin, bil-għadd jew bil-kejl, jekk il-prezz ikun miftiehem skont l-użin, il-għadd jew il-kejl, sew jekk il-bejgħ isir għall-kwantità kollha tal-ħwejjeġ li jkunu jinsabu f'lok determinat kemm jekk isir għal biċċa biss minn dawk il-ħwejjeġ.

(3) Il-bejgħ jitqies ukoll li sar bl-użin, bil-għadd jew bil-kejl, jekk il-bejgħ ikun ta' tant għadd ta' oġġetti jew ta' tant kilogrammi jew ta' tant kejl ta' ħaġa determinata, għalkemm għal dak il-għadd ta' oġġetti jew għal dawk il-kwantitajiet ta' ħaġa determinata jkun ġie miftiehem prezz wieħed.

Meta għandu jsir assaġġ jew prova tal-ħaġa.

1351. (1) Kwantu għal dawk il-ħwejjeġ illi tagħhom, skont l-użu jew bis-saħħa ta' patt espress, għandu, qabel ix-xiri, isir l-

assaġġ jew il-prova, ix-xerrej mhux obbligat sakemm ma jkunx approvahom.

(2) Madankollu, dan ma jgħoddx meta l-ħaġa li tagħha, skont l-użu biss, u mhux bis-saħħa ta' patt espress, għandu, qabel ix-xiri isir l-assaġġ jew il-prova, m'għandhiex tissodisfa l-gost jew il-fehma tax-xerrej innifsu, iżda l-assaġġ jew il-prova jsiru biss sabiex jinsab jekk il-ħaġa hix tajba u kummerċjabbli; u f'dan il-każ, jekk il-ħaġa hija ħaġa ċerta, u jkun sar il-ftehim fuq il-prezz, huma obbligati ż-żewġ partijiet, iżda l-ftehim jitqies li jkun sar taħt kondizzjoni sospensiva, u x-xerrej hu obbligat jirċievi l-ħaġa u jħallas il-prezz tagħha jekk jiġi ppruvat li din il-ħaġa hija tajba u kummerċjabbli, għalkemm hu ma jkunx appruvaha.

Bastimenti u in[enji tal-ajru. *Miżjud: LII.2016.39.*

1351A. (1) Minkejja kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu, kwalunkwe ftehim marbut mal-bejgħ jew ix-xiri ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru, inklużi magni ta' inġenji tal-ajru, għandu jiġi regolat minn:

(*a*) it-termini u l-kundizzjonijiet bejn il-partijiet kif ukoll mill-użanzi internazzjonali tal-kummerċ applikabbli fil-kuntest, u fil-każ ta' kunflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dawk it-termini u kundizzjonijiet għandhom jirbħu; u

(*b*) il-liġijiet speċjali relatati man-navigazzjoni merkantili u l-avjazzjoni ċivili, skont ma jkun il-każ.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u s-subartikolu (3) tal-artikolu 1357, it-terminu "bastiment" għandu jkollu l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilu fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u t-terminu "inġenji tal-ajru" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħtija lilu fl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.".

Kap. 234.

Kap. 503.

Prezz.

1352. (1) Il-prezz għandu jikkonsisti fi flus.

(2) Madankollu, il-kuntratt jibqa' ta' bejgħ jekk, mas-somma ta' flus miftiehma, ix-xerrej jobbliga ruħu li jagħti xi ħaġa *in natura* bħala żjieda mal-prezz.

Kif għandu jiġi stabbilit il-prezz.

1353. (1) Il-prezz għandu jiġi stabbilit u speċifikat mill-partijiet.

(2) Iżda, il-prezz jista' jitħalla fil-ġudizzju ta' persuna waħda jew iżjed imsemmijin mill-partijiet; u f'dan il-każ, jekk din il-persuna jew xi waħda minn dawn il-persuni ma tkunx trid jew ma tkunx tista' tistabbilixxi dan il-prezz, il-bejgħ ma jkunx jiswa.

Il-prezz jista' jiġi stabbilit minn periti.

1354. Il-prezz jista' wkoll jitħalla fil-ġudizzju ta' perit wieħed jew iżjed mhux speċifikat mill-partijiet u, f'dan il-każ, jekk il-partijiet ma jiftehmux dwar il-perit jew periti li għandhom jiġu maħtura, il-ħatra ssir mill-qorti.

Meta l-prezz jiġi mħolli fil-ġudizzju ta' żewġ persuni jew iżed.

1355. Fil-każijiet kollha illi l-prezz jiġi mħolli fil-ġudizzju ta' żewġ persuni jew iżjed, dan il-prezz, jekk il-persuni jkunu iżjed minn tnejn, jiġi magħmul fuq il-fehma tal-maġġoranza; iżda jekk il-persuni jkunu tnejn biss u ma jkunux jaqblu bejniethom, jew, jekk jkunu iżjed minn tnejn u ma jkunux jaqblu, b'mod li ma tkunx tista' toħroġ maġġoranza ta' voti, isir kalkolu ta' waħda għall-oħra bejn

is-somom li tkun ipproponiet kull persuna minnhom.

Prezz tas-suq.

1356. Il-bejgħ jista' jsir bil-prezz tas-suq fi żmien determinat; u b'dan il-prezz wieħed għandu jifhem il-prezz meħud wieħed għall-ieħor li jkun miexi fis-suq, fil-lok u fiż-żmien li fihom il-ftehim għandu jiġi esegwit.

Wegħda ta' bejgħ. *Emendat: XXVII.1976.2; XXII.2005.81; LII.2016.40.*

1357. (1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.

(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.

(3) Konvenju għall-bejgħ jew xiri ta' bastimenti u inġenji tal-ajru, inkluża magna ta' inġenju tal-ajru, jissejjaħ b'liema isem jissejjaħ, għandu jkun regolat bid-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bejn il-bejjiegħ u x-xerrej skont it-termini tiegħu kif ukoll skont l-użanzi tal-kummerċ internazzjonali applikabbli fil-kuntest. Is-subartikolu (2) m'għandux japplika f'dawk il-każijiet u:

(*a*) l-effett ta' tali konvenju jispiċċa meta l-istess konvenju jiskadi jew fl-eventwalità li jseħħu dawk iċ-ċirkostanzi maqbula bejn il-partijiet; u

(*b*) kwalunkwe notifika li jkollha tingħata mill-partijiet tista' tingħata bil-miktub b'kull mod li jkun, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi.

Wegħda ta' bejgħ bi prezz ġust.

1358. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll għall-wegħda ta' bejgħ bi prezz ġust.

Wegħda ta' bejgħ bil-kapparra.

1359. Jekk b'wegħda ta' bejgħ tkun ġiet mogħtija kapparra, kull waħda mill-partijiet tista' terga' lura mill-kuntratt: il-parti li tkun tat il-kapparra billi titlef din il-kappara, u l-parti li tkun irċevietha, billi trodd darbtejn daqsha, kemm-il darba ma jkunx hemm użu xort'oħra dwar dak il-kuntratt partikolari li għalih tkun ġiet mogħtija l-kapparra.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-wegħda ta' bejgħ, igħoddu għall-wegħda ta' xiri.

1360. Id-dispożizzjonijiet dwar il-wegħda ta' bejgħ, igħoddu għall-wegħda ta' xiri.

Spejjeż tal-bejgħ.

1361. (1) L-ispejjeż tal-atti u l-ispejjeż l-oħra li jindaħlu fil-bejgħ, fosthom dawk li jsiru għall-ħelsien ta' immobbli minn fedekommessi jew minn ipoteki, servitù jew piżijiet oħra li għalihom l-immobbli jkun suġġett, skont id-dispożizzjonijiet migjubin fit-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta'

Kap. 12.

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ibatihom ix-xerrej.

(2) Is-senserija kif ukoll id-dritt tal-periti jew tal-persuni msemmijin fl-artikolu 1353, jitħallsu nofs mill-bejjiegħ u n-nofs l-ieħor mix-xerrej.

Senserija.

1362. Jekk ma jkunx hemm ftehim, is-senserija hi tal-wieħed fil-mija, meta l-bejgħ hu ta' ħwejjeġ mobbli, u ta' tnejn fil-mija, meta l-bejgħ hu ta' immobbli.

Meta l-bejgħ jew ix-xiri hu null.

1363. (1) Il-bejgħ ta' beni immobbli ma jiswiex jekk ma jsirx b'att pubbliku.

(2) Il-bejgħ ma jiswiex lanqas, jekk ix-xiri jsir *pro persona nominanda*.

Interpretazzjoni ta' pattijiet oskuri.

1364. Kull patt oskur jew ambigwu ta' kuntratt, għandu jiġi interpretat kontra l-bejjiegħ jew ix-xerrej, skont ir-regola dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti in ġenerali.

Sub-titolu II

PERSUNI LI JISTGĦU JIXTRU JEW IBIGĦU

Min jista' jixtri jew ibigħ.

1365. Jistgħu jixtru jew ibigħu dawk kollha li lilhom mhux ipprojbit mil-liġi.

Kuntratt ta' bejgħ bejn il-konjuġi. *Emendat*: XXIII.2017.76.

1366. Il-kuntratt ta' bejgħ bejn il-konjuġi ma jiswiex, ħlief f'dawn il-każijiet li ġejjin -

(*a*) meta wieħed mill-konjuġi jċedi beni lill-konjuġi l-ieħor bħala ħlas ta' somma li l-imsemmi konjuġi jkollu jagħti lill-konjuġi l-ieħor għad-dota;

(*b*) meta l-kawża tal-bejgħ jew taċ-ċessjoni li l-konjuġi jagħmlu lil xulxin ikun il-ħlas ta' kreditu jew l-impjieg ta' flus tax-xerrej jew taċ-ċessjonarju:

Iżda, fil-każijiet hawn fuq imsemmija, jekk xi waħda mill-partijiet miżżewġin flimkien tieħu b'hekk xi vantaġġ indirett, il-werrieta tal-parti l-oħra, jew oħrajn li jkollhom interess, jistgħu jitolbu li l-kuntratt jiġi mħassar *pro tanto*.

Bejgħ fl-irkant ta' beni fuq talba tal-krediturі tal-konjuġi. *Emendat*: XXIII.2017.77.

1367. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan li jipprojbixxu lill-konjuġi li jixtru beni mingħand xulxin, ma jgħoddux għall-każ ta' beni mibjugħin fl-irkant fuq talba tal-krediturі tal-parti li tagħha jkunu dawn il-beni.

Persuni oħra li ma jistgħux jixtru xi ħwejjeġ.

1368. Iżda, hu null il-bejgħ magħmul direttament jew b'persuni interposti, lil tuturi jew kuraturi, ta' beni ta' persuni li jkunu taħt it-tutela jew il-kurazija tagħhom, jew lil mandatarji ta' dawk il-beni li huma jkunu inkarigati jbigħu, ukoll jekk dan il-bejgħ isir fl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti.

Bejgħ jew ċessjoni ta' kawżi, eċċ., lil imħallfin jew maġistrati.

1369. Il-bejgħ jew ċessjoni ta' kawżi jew ta' jeddijiet jew azzjonijiet litiġjużi li jsiru, sew direttament jew bil-mezz ta' persuni interposti, favur ta' mħallfin jew maġistrati, huma wkoll nulli.

Sub-titolu III

ĦWEJJEĠ LI JISTGĦU JINBIEGĦU

Ħwejjeġ li jistgħu jinbiegħu.

1370. Tista' tinbiegħ kull ħaġa li hi fil-kummerċ, kemm-il darba t-trasferiment tagħha ma jkunx ipprojbit minn xi liġi speċjali.

Ħwejjeġ futuri.

1371. (1) Il-bejgħ ta' ħwejjeġ futuri hu bejgħ taħt kondizzjoni; u jekk il-ħaġa mibjugħa tibqa' għal kollox bla eżistenza, il-bejgħ ma jkollu ebda effett.

(2) Iżda, jekk l-oġġett tal-bejgħ ikun it-tama ta' ħaġa futura, dan il-bejgħ huwa pur u sempliċi, u x-xerrej hu obbligat iħallas il-prezz għalkemm il-ħaġa tibqa' għal kollox bla eżistenza.

(3) Fid-dubju, il-bejgħ jitqies li sar taħt kondizzjoni.

Bejgħ ta' ħwejjeġ ħaddieħor. *Emendat: XLIX.1981.6.*

1372. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 559, u tad-dispożizzjonijiet dwar Il-Monti kwantu għar-rahan, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null:

Iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor:

Iżda wkoll, in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjiegħ.

Bejgħ ta' jedd ta' suċċessjoni ta' persuna ħajja.

1373. Il-bejgħ jew ċessjoni ta' jedd għas-suċċessjoni ta' persuna ħajja, hu null, għalkemm din il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għaldaqshekk.

Bejgħ ta' jeddijiet dwar pensjonijiet, eċċ., imħollija għall-manteniment.

1374. Il-bejgħ jew ċessjoni ta' jeddijiet dwar somom ta' flus mogħtija jew legati mħollija espressament għall-manteniment, jew pensjonijiet mogħtija mill-Gvern, huma wkoll nulli, bla ħsara, kwantu għas-sekwestru ta' dawn is-somom, legati jew pensjonijiet, ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Ħaġa li spiċċat fiż-żmien tal-kuntratt.

1375. (1) Jekk fiż-żmien tal-kuntratt tal-bejgħ, il-ħaġa mibjugħa kienet spiċċat għal kollox, il-kuntratt hu null.

(2) Jekk mill-ħaġa mibjugħa kienet spiċċat biċċa biss, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jerġa' lura mill-kuntratt jew li jitlob il-biċċa li tkun baqgħat bi prezz li jiġi meqjus bi proporzjon, bi stima.

Jeddijiet tal-bejjiegħ u tax-xerrej meta l-wieħed jew l-ieħor kien jaf li l-ħaġa kienet spiċċat.

1376. (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf li l-ħaġa kienet spiċċat, ix-xerrej li ma kienx jaf b'dan, għandu jedd għall-ħlas tad-danni.

(2) Jekk, għall-kuntrarju, il-bejjiegħ ma kienx jaf li l-ħaġa kienet spiċċat, ix-xerrej li kien jaf b'dan mhux obbligat għall-ħlas tal-prezz, imma hu obbligat għall-ħlas tad-danni. Jekk il-prezz ikun ġie mħallas, ix-xerrej m'għandux jedd jitlob ir-radd tiegħu.

L-artikolu 1426 igħodd meta l-ħaġa mibjugħa ma tkunx fil-kummerċ, eċċ.

1377. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll għall-każ li l-bejgħ ma jkunx jiswa minħabba li l-ħaġa ma kinitx fil-kummerċ jew kienet ġa tax-xerrej.

Sub-titolu IV

FUQ L-OBBLIGI TAL-BEJJIEGĦ

1378. Il-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa. Obbligi tal-bejjiegħ.

---

§ I. FUQ IL-KUNSINNA

1379. Il-kunsinna ta' immobbli ssir *ipso jure* bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ, bla ħsara, kwantu għad-dħul fil-pussess ta' beni mibjugħa fl-irkant bil-qorti, tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kunsinna ta' immobbli. Kap. 12.

1380. Il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir jew billi dawn il-ħwejjeġ jiġu mgħoddija f'idejn ix-xerrej, jew billi jingħataw f'idejh l-imfietaħ tal-lok fejn dawn il-ħwejjeġ mobbli jkunu qegħdin, jew billi jingħataw lilu d-dokumenti illi l-kunsinna tagħhom, skont il-liġi, issarraf daqs kieku ġew mogħtija l-ħwejjeġ li għalihom dawk id-dokumenti jirriferixxu, jew billi l-bejjiegħ iġiegħel li x-xerrej jiġi magħruf mill-persuni li fil-pussess tagħhom tkun tinsab il-ħaġa. Kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli.

1381. Il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli tista' ssir ukoll bil-kunsens biss tal-partijiet - Kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli bil-kunsens biss.

(*a*) meta l-ħaġa mibjugħa tkun ġa tinsab għand ix-xerrej; jew

(*b*) meta l-bejjiegħ, li jkun żamm għalih it-tgawdija tal-ħaġa mibjugħa, jiddikjara li qiegħed iżommha fl-isem tax-xerrej; jew

(*ċ*) meta l-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa ma tistax issir fiż-żmien tal-bejgħ:

Iżda, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*), din il-kunsinna ma tistax tkun ta' ħsara għat-terzi.

1382. Il-kunsinna ta' ħaġa inkorporali ssir jew bl-użu li jagħmel minnha x-xerrej bil-kunsens tal-bejjiegħ, jew bil-kunsinna tad-dokumenti, meta l-bejgħ hu ta' jeddijiet li ġejjin minn dokumenti li jistgħu jiġu ttrasferiti b'ġira jew b'kunsinna. Kunsinna ta' ħaġa inkorporali.

1383. (1) L-ispejjeż tal-kunsinna jbatihom il-bejjiegħ. Spejjeż tal-kunsinna.

(2) F'dawn l-ispejjeż jidħlu dawk tal-użin, tal-għadd jew tal-kejl tal-ħaġa, meta l-bejgħ isir bl-użin, bil-għadd jew bil-kejl.

(3) L-ispejjez tal-użin, tal-għadd jew tal-kejl ibatihom ix-xerrej, meta l-bejgħ isir ta' kollox f'salt u x-xerrej ikun irid jiżen, jgħodd jew ikejjel il-ħaġa biex jara jekk hemmx il-kwantità li kienet ġiet iddikjarata jew imwiegħda.

(4) L-ispejjeż tal-ġarr ibatihom ix-xerrej.

1384. Il-kunsinna għandha ssir fil-lok li fih il-ħaġa kienet tinsab fiż-żmien tal-bejgħ. Il-lok tal-kunsinna.

Jekk il-bejjiegħ ma jagħmilx il-kunsinna.

1385. Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss.

Responsabbiltà tal-bejjiegħ għad-danni.

1386. Fil-każijiet kollha, il-bejjiegħ għandu jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata ħsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-ħaġa fiż-żmien miftiehem.

Merkanzija li għandha tasal fuq bastiment.

1387. Meta wieħed jobbliga ruħu li jikkunsinna merkanzija li għandha tasal fuq bastiment li hu jkun żamm il-jedd li jsemmi fi żmien stabbilit u jonqos li jagħti dan l-isem f'dak iż-żmien, barra milli jwieġeb għad-danni, jista' jiġi kkundannat li jikkunsinna, fi żmien li jiġi mogħti mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, merkanzija oħra ta' kwalità u kwantità bħal dik li tkun ġiet miftiehma.

Nuqqas tal-kunsinna ta' merkanzija li għandha tasal fi żmien stabbilit ma' bastiment imsemmi fil-ftehim.

1388. Dan igħodd ukoll meta persuna tobbliga ruħha li tikkunsinna merkanzija li għandha tasal ma' bastiment li tiegħu jkun ingħata l-isem fil-ftehim u tonqos li tagħmel il-kunsinna fiż-żmien stabbilit, kemm-il darba hija ma tippruvax li għamlet dak kollu li kien meħtieġ sabiex il-merkanzija mwiegħda tasal fiż-żmien stabbilit u li din ma waslitx f'dak iż-żmien minħabba forza maġġuri.

Nuqqas ta' kunsinna ta' ħwejjeġ li għandhom jintiżnu, jingħaddu jew jitkejlu.

1389. Jekk il-bejjiegħ ikun obbliga ruħu li jikkunsinna, fi żmien stabbilit, ħwejjeġ li għandhom jintiżnu, jingħaddu jew jitkejlu, hu ma jitqiesx li esegwixxa l-obbligazzjoni tiegħu jekk jirrifjuta li jikkunsinnahom lix-xerrej li jmur biex jirċevihom fi żmien li jkun biżżejjed biex jistgħu jiġu miżuna, magħduda jew imkejla qabel l-egħluq taż-żmien stabbilit:

Iżda, kemm-il darba l-bejjiegħ ikun lest biex jagħmel il-kunsinna fi żmien li jkun biżżejjed biex l-użin, il-għadd jew il-kejl tal-ħwejjeġ mibjugħa jkun jista' jibda konvenjentement qabel l-egħluq taż-żmien miftiehem, ix-xerrej ma jistax, għalkemm qabel ikun mar għal xejn biex jieħu l-kunsinna, jitlob il-ħall tal-bejgħ, bla ħsara tal-jedd tiegħu għall-azzjoni tad-danni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1385 u 1386.

Ħwejjeġ mhux skont il-kwalità miftiehma jew bħall-kampjun.

1390. Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

Il-ħlas u l-kunsinna huma kondizzjonijiet li jimxu flimkien.

1391. Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha, ħlief meta l-bejjiegħ ikun ta lix-xerrej żmien għall-ħlas.

Il-bejjiegħ mhux obbligat għall-kunsinna jekk ix-xerrej isir mhux solvibbli, eċċ.

1392. (1) Il-bejjiegħ lanqas mhu obbligat għall-kunsinna tal-ħaġa, għalkemm ikun ta żmien lix-xerrej għall-ħlas tal-prezz, jekk, wara l-bejgħ, ix-xerrej ikun naqqas b'għemilu l-garanziji li bil-kuntratt kien ta lill-bejjiegħ.

(2) Lanqas mhu obbligat għall-kunsinna jekk, wara l-bejgħ, ix-xerrej ifalli, jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel b'mod li l-bejjiegħ ikun fil-periklu li jitlef il-prezz.

(3) Dan igħodd ukoll meta, għalkemm ix-xerrej kien fi stat ta'

falliment jew ta' insolvenza fiż-żmien tal-bejgħ, dan l-istat ma deherx ħlief wara l-bejgħ u l-bejjiegħ ma kienx jaf bih fiż-żmien tal-bejgħ.

(4) Iżda, fil-każijiet kollha hawn fuq imsemmija l-bejjiegħ hu obbligat jikkunsinna l-ħaġa, jekk ix-xerrej jagħtih garanzija għall-ħlas tal-prezz fiż-żmien miftiehem.

F'liema stat il-ħaġa għandha tiġi kkunsinnata.

1393. Il-ħaġa għandha tiġi kkunsinnata fl-istat li kienet tinsab fiż-żmien tal-bejgħ.

Il-frottijiet magħluqa jew li jidħlu.

1394. (1) Minn dak in-nhar tal-bejgħ, il-frottijiet kollha jmissu lix-xerrej.

(2) Jekk il-bejgħ isir taħt kondizzjoni sospensiva, il-frottijiet kollha magħluqa jew li jidħlu qabel ma l-kondizzjoni sseħħ, imissu lill-bejjiegħ.

Fructus pendentes.

1395. Il-frottijiet mhux maqtugħa jew maqlugħa fiż-żmien tal-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ isir taħt kondizzjoni sospensiva, fiż-żmien li l-kondizzjoni sseħħ, imissu lix-xerrej, għalkemm ikunu ġew miżrugħa mill-bejjiegħ.

Qbiela ta' raba'.

1396. (1) Il-qbiela ta' raba' li tkun għad ma għalqitx fiż-żmien tal-bejgħ jew fiż-żmien li l-kondizzjoni sseħħ, tmiss ukoll lix-xerrej.

(2) Iżda, fil-każ ta' bini jew ta' ħaġa mobbli, il-kera jew is-sehem tal-kera għaż-żmien li matulu jkun sar il-bejgħ jew il-kondizzjoni tkun seħħet, jinqasam bejn il-bejjiegħ u x-xerrej skont kemm żmien ikun għadda qabel il-bejgħ jew qabel seħħet il-kondizzjoni u kemm żmien ikun għadda wara.

Nol tal-vjaġġ.

1397. Fil-każ ta' bejgħ ta' bastiment li jkun jinsab fil-vjaġġ, innol ta' dak il-vjaġġ imiss lix-xerrej.

Il-ħaġa għandha tiġi kkunsinnata bl-aċċessorji tagħha,

1398. Fl-obbligu tal-kunsinna tal-ħaġa jidħol ukoll l-obbligu tal-kunsinna tal-aċċessorji u ta' dak kollu li għandu jservi għall-użu ta' dejjem tal-ħaġa nfisha.

fil-kwantità miftiehma.

1399. Il-bejjiegħ hu obbligat jikkunsinna l-ħaġa fil-kwantità kollha miftiehma, bla ħsara ta' dak li jingħad xort'oħra fl-artikoli li ġejjin.

Bejgħ *ad mensuram*.

1400. (1) Jekk il-bejgħ ta' immobbli jsir billi tingħad il-kwantità b'tant flus għal kull tant kejl, il-bejjiegħ hu obbligat jikkunsinna lix-xerrej, jekk dan ikun irid hekk, il-kwantità msemmija fil-kuntratt.

(2) Meta dan ma jistax isir, jew meta x-xerrej ma jitlobx dan, il-bejjiegħ għandu jnaqqas il-prezz skont kemm kejl ikun hemm anqas.

Jekk tinsab kwantità iżed.

1401. Jekk, għall-kuntrarju, fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, il-kwantità tinsab li hija iżjed minn dik miftiehma fil-kuntratt, ix-xerrej għandu jħallas iż-żjieda tal-prezz:

Iżda, jekk il-biċċa li jkun hemm iżjed tkun aktar minn waħda minn għoxrin tal-kwantità msemmija fil-kuntratt, ix-xerrej jista' jerġa' lura mill-bejgħ.

Bejgħ mhux *ad mensuram.*

1402. Fil-każijiet l-oħra kollha, sew jekk il-bejgħ ikun ta' *corpus* determinat u limitat, jew sew jekk il-bejgħ ikun ta' fondi magħżulin u mifrudin minn xulxin, jew sew jekk, fil-bejgħ, jissemma l-ewwel il-kejl, inkella jissemma l-ewwel il-*corpus* bit-tismija wara tal-kejl, it-tismija tal-kejl ma tagħti lok għal ebda żjieda mal-prezz favur il-bejjiegħ għaż-żejjed fil-kejl, lanqas għal ebda tnaqqis ta' prezz favur ix-xerrej għan-nieqes fil-kejl, ħlief meta d-differenza bejn il-kejl sewwa u dak imsemmi fil-kuntratt tkun aktar minn waħda minn għoxrin, f'iżjed jew f'anqas, tal-valur tal-ħwejjeġ kollha mibjugħa flimkien:

Iżda, ma jkunx hemm jedd għal żjieda jew għal tnaqqis ta' prezz, għalkemm id-differenza tkun aktar minn waħda minn għoxrin, f'iżjed jew f'anqas tal-valur hawn fuq imsemmi, jekk il-ħaġa tkun ġiet mibjugħa fl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti jew jekk tkun ġiet mibjugħa espressament bla garanzija tal-kwantità jew jekk il-ħaġa tkun ġiet mibjugħa *tale quale*, bla ħsara, jekk il-bejgħ ma jkunx sar fl-irkant bil-qorti, ta' kull rimedju mogħti mil-liġi f'każ ta' leżjoni.

Meta titħallas iż-żieda fil-prezz.

1403. Meta, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, ikollha titħallas żjieda fil-prezz għaż-żejjed fil-kejl, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jerġa' lura mill-kuntratt jew, jekk iżomm il-fond, li jħallas iż-żjieda tal-prezz, bl-imgħaxijiet.

Dmirijiet tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej jagħżel li jerġa' lura mill-kuntratt.

1404. Fil-każijiet kollha li x-xerrej għandu jedd li jerġa lura mill-kuntratt, il-bejjiegħ għandu jroddlu, mal-prezz li jkun irċieva, l-ispejjeż tal-kuntratt u kull spiża leġittima oħra li jkollha x'taqsam mal-bejgħ.

Bejgħ ta' żewġ fondi b'kuntratt wieħed.

1405. Meta żewġ fondi, illi l-kejl ta' kull wieħed minnhom ikun ġie msemmi kemm hu, ikunu ġew mibjugħa b'kuntratt wieħed, u bi prezz wieħed, u jinsab li l-kwantità ta' wieħed mill-fondi hija anqas u dik tal-ieħor hija iżjed, in-nieqes tal-fond wieħed għandu jitpatta biż-żejjed tal-ieħor sa l-ammont tad-differenza; u l-azzjoni għaż-żjieda jew għat-tnaqqis tal-prezz tista' tiġi eżerċitata biss skont ir-regoli miġjubin fl-artikoli ta' qabel dan.

Kif issir iż-żieda jew it-tnaqqis ta' prezz.

1406. Fil-każijiet kollha illi jkun hemm lok għaż-żjieda jew għat-tnaqqis tal-prezz, dan m'għandux jiżdied jew jitnaqqas ħlief għall-ammont iżjed jew anqas li jaqbeż iż-żejjed jew in-nieqes li tippermetti l-liġi.

Preskrizzjoni tal-azzjoni.

1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.

(2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta' dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż.

---

§ II. FUQ IL-GARANZIJA

Garanzija.

1408. Il-garanzija li l-bejjiegħ għandu jagħti lix-xerrej, hija

għall-pussess paċifiku tal-ħaġa mibjugħa u għad-difetti li ma jidhrux ta' dik il-ħaġa.

FUQ IL-GARANZIJA TAL-PUSSESS PAĊIFIKU TAL-ĦAĠA MIBJUGĦA

Il-garanzija hija preżunta.

1409. Għalkemm fil-kuntratt tal-bejgħ ma tkunx ġiet miftiehma l-garanzija, il-bejjiegħ għandu *de jure* jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha, u għas-servitujiet u piżijiet li ħaddieħor jippretendi fuq dik il-ħaġa, u li ma jkunux ġew imsemmijin fil-kuntratt.

Ftehim speċjali.

1410. Il-partijiet jistgħu, bi ftehim speċjali, iżidu jew inaqqsu l-effetti ta' din il-garanzija li tiġi mil-liġi, u jistgħu jiftiehmu li l-bejjiegħ m'għandu jkun suġġett għal ebda garanzija.

Obbligazzjoni tal-bejjiegħ meta ma jkollux jagħti garanzija.

1411. Għalkemm ikun ġie miftiehem illi l-bejjiegħ m'għandu jkun suġġett għal ebda garanzija, hu jibqa', b'dan kollu, obbligat għal dik il-garanzija li jġib b'għemilu, u kull ftehim kuntrarju għal dan ma jiswiex.

Fil-każ ta' evizzjoni l-bejjiegħ għandu jrodd il-prezz.

1412. Fil-każ ukoll li jkun ġie miftiehem li m'għandu jkun hemm ebda garanzija, il-bejjiegħ, fil-każ ta' evizzjoni, hu obbligat għar-radd tal-prezz, jekk ma jkunx ġie miftiehem espressament il-kuntrarju.

Jeddijiet tax-xerrej f'każ ta' evizzjoni meta l-garanzija hija mwiegħda jew preżunta.

1413. Meta l-garanzija tkun ġiet imwiegħda jew ma jkun sar ebda ftehim fuq daqshekk, ix-xerrej li jbati l-evizzjoni għandu jedd jitlob mingħand il-bejjiegħ -

(*a*) ir-radd tal-prezz;

(*b*) ir-radd tal-frottijiet, meta x-xerrej ikun ġie obbligat iroddhom lis-sid li jkun ħa lura l-ħaġa;

(*ċ*) l-ispejjeż kollha ġudizzjarji, fosthom dawk li jkun għamel biex igħarraf bil-kawża lill-awtur tiegħu;

(*d*) il-ħlas tal-ħsara, kif ukoll l-ispejjeż leġittimi tal-kuntratt u kull ħlas leġittimu ieħor li jkollu x'jaqsam mal-bejgħ.

Valur anqas tal-ħaġa fiż-żmien tal-evizzjoni.

1414. (1) Meta, fiż-żmien tal-evizzjoni, il-ħaġa mibjugħa tkun saret tiswa anqas jew tkun tgħarrqet bosta, sew bi traskuraġni tax-xerrej kemm b'forza maġġuri, il-bejjiegħ hu obbligat xorta waħda għar-radd tal-prezz kollu.

(2) Iżda, jekk ix-xerrej ikun ħa utili mit-tgħarriq magħmul minnu fil-ħaġa, il-bejjiegħ għandu jedd iżomm minn fuq il-prezz somma daqs kemm ikun dak l-utili.

Jekk il-ħaġa ssir tiswa iżed.

1415. Jekk, fiż-żmien tal-evizzjoni, il-ħaġa mibjugħa tkun saret tiswa iżjed, ukoll jekk dan ma jkunx ġara b'għemil ix-xerrej, il-bejjiegħ għandu jħallas lix-xerrej is-somma li tkun taqbeż il-prezz tal-bejgħ.

Ħlas lix-xerrej ta' spejjeż.

1416. (1) Il-bejjiegħ għandu jħallas lix-xerrej jew iġiegħel lill-persuna li tkun ħadet il-fond lura li tħallas lix-xerrej, l-ispejjeż kollha tat-tiswijiet u tal-miljoramenti utili illi x-xerrej ikun għamel

fil-fond.

(2) Jekk il-bejjiegħ ikun biegħ b'mala fidi l-fond ta' ħaddieħor, hu għandu jħallas lix-xerrej l-ispejjeż kollha, fosthom ukoll dawk ta' lussu li dan ikun għamel fil-fond.

Evizzjoni ta' biċċa mill-ħaġa.

1417. (1) Jekk l-evizzjoni tkun ta' biċċa biss mill-ħaġa, u din il-biċċa, meta tinqies mal-ħaġa kollha, tkun ta' hekk importanza, illi mingħajrha x-xerrej ma kienx jixtri l-ħaġa, hu jista', fi żmien sena minn dak in-nhar li s-sentenza dwar l-evizzjoni tkun għaddiet f'ġudikat, jitlob li jħoll il-bejgħ.

(2) Dan iż-żmien jimxi kif jingħad fl-artikolu 1407(2).

Stima tal-biċċa.

1418. Jekk, fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ix-xerrej ma jagħżilx li jħoll il-bejgħ, il-valur li għandu jiġi mħallas mill-bejjiegħ lix-xerrej għall-biċċa milquta bl-evizzjoni, għandu jinqies mhux fuq il-prezz kollu tal-bejgħ, iżda fuq stima li fiha għandu jittieħed qies taż-żmien tal-evizzjoni, sew jekk il-ħaġa mibjugħa tkun saret tiswa iżjed kemm jekk tkun saret tiswa anqas.

Garanzija dwar servitù mhux iddikjarata.

1419. (1) Jekk il-fond mibjugħ ikun suġġett għal servitujiet li ma jidhrux, li tagħhom ma tkunx saret dikjarazzjoni, u dawn is-servitujiet ikunu ta' hekk importanza li wieħed għandu jaħseb illi x-xerrej ma kienx jixtri l-fond li kieku ġie mgħarraf bihom, dan jista' jitlob jew il-ħall tal-bejgħ jew indennizz.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-bejgħ li jsir fl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti.

Jeddijiet tax-xerrej f'każ ta' fond mibjugħ bħala ħieles minn servitù jew piż ieħor.

1420. Iżda, meta l-fond ikun ġie mibjugħ bħala frank u ħieles minn kull servitù jew piż ieħor, jew meta l-garanzija tkun ġiet xort'oħra mwiegħda espressament, f'dawn il-każijiet ix-xerrej jista' jagħżel jew li jitlob il-ħall tal-bejgħ inkella indennizz, jekk il-bejjiegħ ma jneħħix kull servitù jew piż ieħor li ma jkunux ġew imsemmija fil-kuntratt, ukoll jekk din is-servitù jew piż ikunu ta' xorta li jidhru, u jiġi ppruvat illi x-xerrej kien jaf bihom fiż-żmien tal-bejgħ, iżda dan kemm-il darba ma jkunx jidher ċar illi l-ħsieb tal-partijiet ma kienx li jdaħħlu din is-servitù jew piż fil-wegħda tal-garanzija.

Jekk ix-xerrej jeħles mill-evizzjoni bi ħlas ta' somma ta' flus.

1421. Meta x-xerrej ikun skansa l-evizzjoni tal-fond bil-ħlas ta' somma ta' flus, il-bejjiegħ jista' jeħles mill-konsegwenzi kollha tal-garanzija billi jagħti lura lix-xerrej is-somma li dan ikun ħallas bl-imgħaxijiet, u l-ispejjeż kollha.

Jekk ix-xerrej ma jsejjaħx lill-bejjiegħ fil-kawża ta' evizzjoni.

1422. Il-garanzija għall-evizzjoni tispiċċa, jekk ix-xerrej ikun ħalla li jiġi kkundannat b'sentenza li għaddiet f'ġudikat mingħajr ma sejjaħ fil-kawża lill-bejjiegħ, meta dan jipprova li seta' jġib 'il quddiem raġunijiet biżżejjed, illi x-xerrej ma ġiebx, u illi bihom it-talba ġudizzjarja kienet tiġi miċħuda.

Preskrizzjoni tal-azzjoni għall-garanzija.

1423. (1) F'kull każ li għalih ma jkunx ġie stabbilit żmien aqsar, l-azzjoni għall-garanzija minħabba evizzjoni taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn li jibdew igħoddu minn dak in-nhar illi s-sentenza li biha x-xerrej ikun ġie kkundannat tgħaddi f'ġudikat.

(2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jimxi kif

jingħad fl-artikolu 1407(2).

FUQ IL-GARANZIJA GĦAD-DIFETTI LI MA JIDHRUX TAL-ĦAĠA MIBJUGĦA

Garanzija għad-difetti li ma jidhrux.

1424. Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.

Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru.

1425. Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu.

Il-bejjiegħ iwieġeb għad-difetti li ma jidhrux.

1426. Iżda, huwa jwieġeb għad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-każ, m'għandux ikun obbligat għal ebda garanzija.

Actio redhibitoria u *actio aestimatoria*.

1427. Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.

Meta d-difett hu f'waħda minn żewġ ħwejjeġ jew iżed mibjugħin flimkien.

1428. (1) Meta żewġ ħwejjeġ jew iżjed jiġu mibjugħin flimkien, b'mod li l-waħda ma kinitx tinbiegħ jew tinxtara mingħajr l-oħra, u waħda minn dawn il-ħwejjeġ ikollha difett li jagħti lok għall-azzjoni redibitorja jew għall-azzjoni stimatorja, ix-xerrej ma jistax jinqeda bl-azzjoni redibitorja ħlief għall-ħwejjeġ kollha mixtrija, għalkemm il-prezz ikun ġie magħmul għal kull ħaġa għaliha.

(2) Iżda, jekk il-ħwejjeġ mibjugħa flimkien ma jkollhomx x'jaqsmu waħda mal-oħra, l-azzjoni hawn fuq imsemmija ma tistax titmexxa ħlief kwantu għall-ħaġa difettuża, għalkemm il-ħwejjeġ kollha jkunu ġew mibjugħa bi prezz wieħed; u f'dan il-każ, il-bejjiegħ għandu jrodd il-prezz ta' dik il-ħaġa bi stima magħmula fuq il-prezz li jkun ġie miftiehem għall-ħwejjeġ kollha f'daqqa.

Jekk il-bejjiegħ kien jaf jew le bid-difetti.

1429. (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.

(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ.

Jekk il-ħaġa difettuża tispiċċa.

1430. (1) Jekk il-ħaġa difettuża tispiċċa minħabba d-difetti tagħha, it-telfa tagħha jbatiha l-bejjiegħ, illi hu obbligat lejn ix-xerrej għar-radd tal-prezz u għall-ħlasijiet l-oħra msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Jekk il-ħaġa tispiċċa b'aċċident, it-telfa jbatiha x-xerrej.

Preskrizzjoni tal-azzjoni. *Emendat: XXVIII.1994.45.*

1431. (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).

L-azzjoni redibitorja u stimatorja ma jistgħux jitmexxew f'każ ta' bejgħ bl-irkant bil-qorti.

1432. L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja ma jistgħux jitmexxew f'każ ta' bejgħ bl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti.

Sub-titolu V

FUQ L-OBBLIGI TAX-XERREJ

Meta u fejn għandu jitħallas il-prezz.

1433. Meta ż-żmien u l-lok tal-ħlas tal-prezz ma jiġux miftiehma fil-kuntratt, ix-xerrej għandu jħallas fiż-żmien u fil-lok tal-kunsinna tal-ħaġa.

Meta x-xerrej hu obbligat għall-imgħaxijiet.

1434. Ix-xerrej, ukoll jekk ma jkunx hemm ftehim fuq daqshekk, hu obbligat iħallas l-imgħaxijiet tal-prezz sa dak in-nhar tal-ħlas bil-ħamsa fil-mija fis-sena, mingħajr distinzjoni, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk il-ħaġa mibjugħa u kkunsinnata tagħti frottijiet jew utili ieħor;

(*b*) jekk, għalkemm il-ħaġa ma tkunx tagħti frottijiet jew utili jeħor, ix-xerrej ikun ġie msejjaħ b'att ġudizzjarju għall-ħlas tal-prezz;

(*ċ*) jekk il-kunsinna tal-ħaġa, meta din il-ħaġa tkun mobbli, ma tkunx saret bi ħtija tax-xerrej, u l-bejjiegħ ikun sejjaħlu, b'att ġudizzjarju, biex jirċeviha:

Iżda, fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*), l-imgħaxijiet ma jgħaddux ħlief minn dak in-nhar tan-notifika tal-att ġudizzjarju msemmi hawn fuq.

Meta x-xerrej mhux obbligat għall-imgħaxijiet.

1435. (1) Ix-xerrej mhux obbligat għall-ħlas tal-imgħaxijiet matul iż-żmien mogħti lilu fil-kuntratt għall-ħlas tal-prezz.

(2) Iżda, iż-żmien mogħti mill-bejjiegħ wara l-kuntratt tal-bejgħ ma jġibx rinunzja għall-imgħaxijiet tal-prezz, jekk dan iż-żmien ma jkunx ġie mogħti b'testment.

Jekk il-ħaġa tista' tagħti frottijiet.

1436. Jekk il-ħaġa tista' tagħti frottijiet jew utili ieħor, ix-xerrej jibqa' obbligat għall-imgħaxijiet tal-prezz, għalkemm il-ħaġa, għal xi aċċident jew għal xi raġuni oħra, ma tkunx tat dawk il-frottijiet jew utili fiż-żmien li fih il-prezz ikun għad ma tħallasx.

Meta x-xerrej jista' jissospendi l-ħlas tal-prezz.

1437. (1) Jekk ix-xerrej jiġi mmolestat fil-pussess tal-ħaġa jew ikollu raġuni tajba li jibża' li sejjer ikun hekk immolestat, b'azzjoni ipotekarja jew rivendikatorja, jista' jissospendi l-ħlas tal-prezz sakemm il-bejjiegħ ikun neħħa l-molestja jew ir-raġuni li minħabba fiha jista' jkun hemm biża ta' dik il-molestja, jekk il-bejjiegħ ma jagħżilx li jagħti garanzija, jew jekk ma jkunx ġie miftiehem illi x-xerrej għandu jħallas għalkemm ikun hemm molestja.

(2) B'dan kollu, ukoll fil-każ imsemmi f'dan l-artikolu, jekk jinsab li hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 1434, ix-xerrej, meta jissospendi l-ħlas tal-prezz, għandu jħallas l-imgħaxijiet fuq dan il-prezz, kemm-il darba ma jagħżilx li jqiegħed il-prezz il-qorti.

Meta l-bejjiegħ jista' jitlob it-tħassir tal-bejgħ minħabba nuqqas tal-ħlas tal-prezz.

1438. (1) Il-bejjiegħ ta' immobbli ma jistax jitlob il-ħall tal-bejgħ minħabba li ma jkunx ġie lilu mħallas il-prezz.

(2) Iżda, meta l-bejgħ hu ta' merkanzija jew ta' ħwejjeġ mobbli oħra, il-ħall tal-bejgħ, għalkemm il-kondizzjoni riżoluttiva ma tkunx ġiet miftiehma espressament, isir *ipso jure* fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-egħluq taż-żmien miftiehem għall-kunsinna tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha, inkella, għad li jmur biex jirċeviha, ma joffrix fl-istess ħin il-ħlas tal-prezz, kemm-il darba ma jkunx ġie miftiehem żmien għal dan il-ħlas.

Jeddijiet tal-bejjiegħ mhux imħallas fuq il-ħaġa mibjugħa.

1439. Jekk il-bejgħ ta' ħaġa mobbli jkun sar mingħajr ma jkun ġie miftiehem żmien għall-ħlas, il-bejjiegħ jista', jekk il-ħlas ma jsirx, jieħu lura l-ħaġa mibjugħa, sakemm din tkun tinsab f'idejn ix-xerrej, jew ma jħallix lix-xerrej li jbigħha lil ħaddieħor, basta li t-talba biex jeħodha lura tiġi magħmula fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-kunsinna u l-ħaġa tkun tinsab f'dak l-istess stat li kienet fiż-żmien tal-kunsinna.

Sub-titolu VI

FUQ IL-ĦALL U R-REXXISSJONI TAL-BEJGĦ

Ħall ta' kuntratt ta' bejgħ b'irkupru, jew tħassir tal-kuntratt minħabba leżoni.

1440. Barra mir-raġunijiet ġa msemmijin f'dan it-Titolu, li għalihom jista' jiġi rexxiss jew maħlul kuntratt ta' bejgħ, u minn dawk li jgħoddu għall-kuntratti kollha, il-kuntratt ta' bejgħ jista', kollu jew biċċa minnu, jiġi maħlul bl-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru, u jista' jiġi rexxiss minħabba leżjoni.

FUQ L-IRKUPRU

Emendat: IV.1961.3.

Jedd ta' rkupru. *Sostitwit: IV.1961.4.*

1441. Il-jedd tal-irkupru jiġi minn patt.

Azzjoni ta' rkupru. *Emendat: IV.1961.5.*

1442. L-azzjoni ta' rkupru biex jittieħed lura immobbli, tista' titmexxa mhux biss kontra x-xerrej, iżda wkoll kontra kull pussessur ieħor tal-immobbli; u bir-rivendizzjoni, l-immobbli jgħaddi għand ir-retraent, ħieles minn kull ipoteka, servitù jew piż ieħor li bihom ikun għabbieh ix-xerrej jew pussessur ieħor; bla ħsara, kwantu għall-kiri, ta' dak li jingħad fl-artikolu 1530 u 1531.

Dmirijiet tar-retraent.

1443. Ir-retraent għandu jħallas lura lir-retrattarju l-prezz tal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, u kull spiża leġittima oħra li jkun għamel ix-xerrej f'dak il-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmulin fil-ħaġa mix-xerrej innifsu jew minn kull pussessur ieħor, ukoll jekk, għal xi raġuni li għaliha m'għandux iwieġeb la r-retrattarju u lanqas ebda pussessur ieħor ta' qablu, ma jibqax l-effett ta' dawk l-ispejjeż.

Jedd tar-retrattarju għall-imgħaxijiet.

1444. Ir-retrattarju għandu jedd għall-imgħaxijiet minn dak in-nhar li jkun ħareġ kull waħda mis-somom, li tagħhom, skont l-aħħar artikolu qabel dan, għandu jiġi mħallas lura, iżda minn dawk l-imgħaxijiet għandhom jiġu maqtugħa il-frottijiet li, min dak in-nhar tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru, huwa jew kull pussessur ieħor ta' qablu jkun daħħal jew bil-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja seta' jdaħħal:

Iżda, ir-retrattarju jista' jżomm il-frottijiet hawn fuq imsemmija u jirrinunzja għall-imgħaxijiet.

Meta jispiċċa l-jedd għall-imgħaxijiet.

1445. Il-jedd tar-retrattarju għall-imgħaxijiet jispiċċa minn dak in-nhar tan-notifika tad-depożitu ta' dawk is-somom li għandhom jiġu mħallsa lura lilu, basta li l-iżbank tad-depożitu ma jiġix miżmum mingħajr raġuni tajba mir-retraent; f'dan l-aħħar każ, il-jedd għall-imgħaxijiet ma jispiċċax ħlief minn dak in-nhar li jispiċċa x-xkiel għall-iżbank tad-depożitu.

Radd tal-frottijiet.

1446. Minn dak in-nhar li jispiċċalu l-jedd għall-imgħaxijiet, ir-retrattarju għandu jrodd lir-retraent il-frottijiet kollha li jkun daħħal sa dak in-nhar li jitlaq il-ħaġa minn idejh jew, li bil-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja seta' jdaħħal.

Fructus pendentes.

1447. Il-frottijiet pendenti dak in-nhar li r-retrattarju jitlaq il-ħaġa minn idejh imissu lir-retraent, iżda, bl-obbligu li jħallas lura l-ispejjeż magħmula sabiex saru u nżammu.

Kif jitmexxa l-jedd ta' rkupru.

1448. (1) Il-jedd ta' rkupru jitmexxa bil-preżentata ta' ċedola ta' rkupru fir-reġistru tal-qorti kompetenti, skont fejn ikun joqgħod il-pussessur tal-ħaġa.

(2) Iżda r-retraent jitqies li mexxa sewwa l-jedd ta' rkupru bil-preżentata taċ-ċedola fir-reġistru tal-qorti kompetenti skont fejn ikun joqgħod ix-xerrej, kemm-il darba hu ma jkunx ġie qabel, b'att ġudizzjarju, innotifikat bit-trasferiment tal-ħaġa magħmul mix-xerrej lil persuna oħra; u f'dan il-każ l-atti kollha ta' wara dwar l-irkupru hekk eżerċitat, għandhom isiru f'dik l-istess qorti.

Somma li retraent għandu jqiegħed il-qorti. *Emendat: IV.1961.6.*

1449. Ir-retraent għandu flimkien maċ-ċedola ta' rkupru, jew fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar tal-preżentata tagħha, iqiegħed il-qorti somma li tiġbor fiha -

(*a*) il-prezz tal-bejgħ li ta lok għall-irkupru;

(*b*) id-drittijiet tan-nutar li jkun irċieva l-kuntratt ta' dak

il-bejgħ;

(*ċ*) id-drittijiet imħallsin għall-iskrizzjoni ta' dak il-kuntratt fir-Reġistru Pubbliku, meta din l-iskrizzjoni tkun saret;

(*d*) kull spiża leġittima oħra li tkun tidher mill-kuntratt ta' dak il-bejgħ, jew li r-retraent ikun xort'oħra ġie jaf li saret mix-xerrej jew li baqgħet fuqu.

Żmien li fih għandu jsir id-depożitu.

1450. (1) Meta jiġi eżerċitat jedd ta' rkupru, dan ma jistax jiġi attakkat minħabba li d-depożitu jkun ġie magħmul wara ż-żmien li fih dak il-jedd seta' jiġi eżerċitat, basta li d-depożitu jsir fil-għaxart ijiem imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.

(2) Iżda, jekk id-depożitu ma jsirx fil-għaxart ijiem hawn fuq imsemmija, iċ-ċedola ta' rkupru ma jkollhiex iżjed effett, għalkemm id-depożitu jkun sar qabel ma jagħlaq iż-żmien li hemm għall-eżerċizzju ta' dak il-jedd, bla ħsara tal-jedd tal-parti li tkun ippreżentat iċ-ċedola li teżerċita mill-ġdid il-jedd tagħha ta' rkupru billi tippreżenta ċedola ġdida f'dak iż-żmien, u bla ħsara wkoll ta' kull dispożizzjoni oħra miġjuba fl-artikoli 1451 sal-1468.

Nuqqas tad-depożitu kollu jew ta' biċċa minnu.

1451. (1) L-eżerċizzju tal-jedd ta' rkupru ma jista' lanqas jiġi attakkat minħabba li ma jkunx sar id-depożitu, kollu jew biċċa minnu, jekk ir-retraent, minflok is-somma tad-depożitu jew is-somma li tkun tonqos, ikun offra li jpaċi somma daqsha, likwida u li tista' tintalab, li jkollu jieħu mingħand ir-retrattarju, jew, jekk id-depożitu jkun nieqes biċċa biss u jkun jidher ċar miċ-ċirkostanzi li dak in-nuqqas sar mingħajr ħsieb jew bi żball.

(2) Iżda, iċ-ċirkostanza li n-nuqqas fid-depożitu sar bla ħsieb jew bi żball, ma tiswiex għar-retraent jekk dan ma jagħmilx sħiħ id-depożitu fiż-żmien ta' għaxart ijiem minn dak in-nhar li r-retrattarju jkun, b'att ġudizzjarju, sejjaħlu għaldaqshekk.

Ir-retraent jista' jerġa' lura mill-irkupru.

1452. Ir-retraent jista' jerġa' lura mill-irkupru sakemm ir-rettrattarju ma jkunx b'att ġudizzjarju aċċetta dak l-irkupru.

Rivendizzjoni lir-retraent.

1453. (1) Ir-retrattarju mhux obbligat jagħmel ir-rivendizzjoni tal-ħaġa favur ir-retraent, qabel ma dan ikun għamel l-obbligi tiegħu kollha skont l-artikoli 1443, 1444 u 1445.

(2) L-ispejjeż tar-rivendizzjoni jibqgħu fuq ir-retraent.

Jeddijiet tal-partijiet.

1454. (1) Ir-retrattarju jista' f'kull żmien wara l-preżentata taċ-ċedola ta' rkupru, jitlob il-likwidazzjoni tal-ispejjeż, meħtieġa jew utili, li għalihom ikollu jedd, u jista' jġiegħel lir-retraent iħallas dawk l-ispejjeż fil-jum li, fuq talba tal-istess retrattarju, jiġi mogħti mill-qorti għar-rivendizzjoni.

(2) Ir-retraent jista' wkoll, f'kull żmien wara l-preżentata taċ-ċedola, jitlob il-likwidazzjoni tal-ispejjeż hawn fuq imsemmija u l-kundanna tar-retrattarju biex jagħmel ir-rivendizzjoni fiż-żmien u bil-mod li jiġu ordnati mill-qorti.

Ħsara fil-ħaġa b'aċċident.

1455. Ir-retraent m'għandux jedd, fil-każ ta' ħsara fil-ħaġa b'aċċident, jitlob ebda tnaqqis mis-somma li jkollu jagħti taħt id-

dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan.

Meta l-ħsara fil-ħaġa ssir mir-retrattarju jew minn pussessur ta' qablu. *Emendat: IV.1961.7.*

1456. Jekk il-ħsara fil-ħaġa tkun saret mir-retrattarju jew minn pussessur ieħor ta' qablu, ir-retraent m'għandux jedd għall-ħlas tal-ħsara ħlief f'daqs kemm ikun ħa utili minnha dak li kkaġunaha, meta ma jiġix ippruvat li dak li għamel il-ħsara jkun għamilha bil-ħsieb li jeħles mill-irkupru jew li jagħmel deni lir-retraent, iżda, bla preġudizzju, tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1461.

Żmien li ma jiġġeddidx. *Emendat: IV.1961.8.*

1457. Kull żmien stabbilit mil-liġi, dwar l-irkupru konvenzjonali, hu perentorju.

Jedd ta' rkupru konvenzjonali.

1458. (1) Il-bejjiegħ jista', fl-att tal-bejgħ, iżomm il-jedd ta' rkupru, jiġifieri, il-jedd li jista jieħu lura l-ħaġa mibjugħa, billi jrodd il-prezz u jħallas l-ispejjeż u l-imgħaxijiet kif jingħad fl-artikoli 1443, 1444 u 1445.

(2) Kull ftehim li l-bejjiegħ għandu jrodd somma akbar, hu null kwantu għaż-żejjed.

Il-jedd ta' rkupru ma jistax jinżamm għal iżed minn ħames snin.

1459. (1) Il-jedd ta' rkupru ma jistax jinżamm għal iżjed minn ħames snin li jibdew igħoddu minn dak in-nhar tal-bejgħ.

(2) Meta dan il-jedd jinżamm mingħajr ma jiġi miftiehem ebda żmien, inkella għal żmien itwal minn ħames snin, il-ftehim hu null għal kull żmien li jaqbeż il-ħames snin.

(3) Iż-żmien miftiehem bil-kuntratt jew imnaqqas, kif jingħad hawn fuq, hu perentorju; u jimxi wkoll kontra l-minuri, l-interdetti u l-assenti.

Jedd ta' rkupru kontra t-terz pussessur.

1460. (1) Il-bejjiegħ ta' immobbli, illi jkun żamm għalih il-jedd ta' rkupru, jista' jmexxi dan il-jedd kontra t-terz pussessur, ukoll jekk fil-kuntratt li bih dan ikun akkwista l-immobbli ma tkun saret ebda tismija fuq dak il-jedd.

(2) Dwar ħwejjeġ mobbli, l-irkupru ma jistax jitmexxa meta dawn il-ħwejjeġ ikunu għaddew f'idejn ħaddieħor.

Jeddijiet tax-xerrej taħt patt ta' rkupru.

1461. (1) Ix-xerrej b'patt ta' rkupru jista' jeżerċita l-jeddijiet kollha ta' min biegħlu; hu jista' jippreskrivi sew kontra s-sid veru kemm kontra dawk li jkunu jippretendu jeddijiet jew ipoteki fuq il-ħaġa mibjugħa; u jista' wkoll jeċċepixxi l-benefiċċju tal-eskussjoni kontra l-kredituri ta' min biegħlu.

(2) Iżda, ma jistax ibiddel il-għamla tal-ħaġa mibjugħa lilu.

Meta x-xerrej ta' biċċa mhux maqsuma ta' fond jakkwista l-fond kollu.

1462. Jekk ix-xerrej ta' biċċa mhux maqsuma ta' fond bil-patt ta' rkupru jsir sid il-fond kollu bħala effett ta' proċeduri ta' liċitazzjoni mmexxija kontra tiegħu, hu jista' jobbliga lill-bejjiegħ jifdi l-fond kollu, meta dan ikun irid jinqeda b'dak il-patt.

Kif jitmexxa l-irkupru meta l-bejjiegħa huma tnejn jew iżed.

1463. Jekk tnejn min-nies jew iżjed ibigħu lkoll flimkien u b'kuntratt wieħed fond komuni bejniethom, kull wieħed minnhom jista' jmexxi l-jedd ta' rkupru fuq il-biċċa biss li kienet tmissu.

Jeddijiet tal-werrieta tal-bejjiegħ.

1464. Meta dak li waħdu jkun biegħ il-fond ikun ħalla żewġ werrieta jew iżjed, kull wieħed minn dawn jista' jimxi bil-jedd ta' rkupru għal dik il-biċċa biss li tagħha jkun werriet.

Jeddijiet tax-xerrej kontra l-bejjiegħa jew il-werrieta kollha tal-fond.

1465. (1) Izda, ix-xerrej, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jista' jsejjah, b'att ġudizzjarju, lill-bejjiegħa l-oħra kollha tal-fond komuni, jew il-werrieta l-oħra kollha, biex jiddikjaraw jekk iridux huma wkoll jeżerċitaw il-jedd ta' rkupru, kull wieħed għas-sehem tiegħu.

(2) Il-bejjiegħa tal-fond komuni jew il-werrieta meta jiġu hekk imsejħin għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni fuq imsemmija fiż-żmien li jkun fadal għall-eżeċizzju tal-jedd ta' rkupru, basta li, jekk dan iż-żmien ikun anqas minn għaxart ijiem, inkella, ikun għalaq għal kollox, din id-dikjarazzjoni ssir fi żmien għaxart ijiem li jgħoddu minn dak in-nhar tan-notifika tal-att ġudizzjarju fuq imsemmi.

Jekk ma ssirx id-dikjarazzjoni mill-bejjiegħa tal-fond komuni jew mill-werrieta x-xerrej isir s-sid għal kollox tal-fond kollu.

1466. Jekk fiż-żmien fuq imsemmi xi wieħed mill-bejjiegħa tal-fond komuni jew mill-werrieta ma jiddikjarax li jrid jinqeda bil-jedd ta' rkupru għal dak li hu s-sehem tiegħu, ix-xerrej jibqa' għal kollox is-sid tal-fond kollu, kemm-il darba dawk mill-bejjiegħa jew mill-werrieta li jkunu mxew bil-jedd ta' rkupru għal sehemhom, fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li jiġu mix-xerrej imsejħin b'att ġudizzjarju, ma jifdux il-fond kollu bil-mod li jingħad fl-artikolu 1448.

Meta kull bejjiegħ jista' jimxi għalih bil-jedd ta' rkupru.

1467. Jekk il-bejgħ ta' fond ta' tnejn min-nies jew iżjed ma jkunx sar minnhom ilkoll flimkien, u tal-fond kollu, iżda kull wieħed minnhom ikun biegħ separatament sehmu, kull wieħed mill-bejjiegħa jista' jimxi bil-jedd ta' rkupru separatament fuq is-sehem li kien tiegħu, u x-xerrej ma jistax iġiegħel lil dak li hekk jinqeda bil-jedd tiegħu ta' rkupru, jirkupra l-fond kollu.

Jedd ta' rkupru kontra l-werrieta tax-xerrej.

1468. (1) Jekk ix-xerrej ikun ħalla żewġ werrieta jew iżjed, il-jedd ta' rkupru ma jistax jitmexxa kontra kull wieħed minnhom ħlief għal sehmu, sew jekk il-fond mibjugħ ikun għad ma ġiex maqsum kemm ukoll jekk il-werrieta jkunu ġa qasmuh bejniethom.

(2) Iżda, jekk il-wirt ikun ġie maqsum, u l-ħaġa mibjugħa tkun misset kollha lis-sehem ta' wieħed mill-werrieta, il-jedd ta' rkupru jista' jitmexxa kontra dan il-werriet għall-fond kollu.

Sub-titolu VII

FUQ IĊ-ĊESSJONI TA' KREDITI U JEDDIJIET OĦRA

Ċessjoni ta' krediti, eċċ.

1469. Iċ-ċessjoni jew bejgħ ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà tagħhom tiġi akkwistata *ipso jure* miċ-ċessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta ċ-ċessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att taċ-ċessjoni.

Iċ-ċessjoni għandha ssir bil-miktub.

1470. (1) Iċ-ċessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub.

(2) Iċ-ċessjoni ta' jeddijiet ta' wirt, jew ta' krediti, ta' jeddijiet, jew azzjoniet li ġejjin minn atti pubbliċi, ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.

Notifika lid-debitur.

1471. Iċ-ċessjonarju ma jistax, kwantu għat-terzi, jeżerċita l-jeddijiet lilu ċeduti, ħlief wara li ċ-ċessjoni tkun ġiet imgħarrfa lid-debitur b'att ġudizzjarju, miċ-ċessjonarju nnifsu jew miċ-ċedent.

Jekk ma ssirx in-notifika.

1472. Fin-nuqqas ta' dik it-tagħrifa, jew sakemm dik it-tagħrifa ma ssirx -

(*a*) id-debitur ma jistax jeċċepixxi ċ-ċessjoni kontra l-kreditur tiegħu, u jekk iħallas id-dejn lil dan il-kreditur, jiġi meħlus minn dak id-dejn;

(*b*) jekk il-kreditur, wara li jkun ċeda l-kreditu lil wieħed, jagħmel ċessjoni oħra ta' dak il-kreditu lil ħaddieħor, illi jkun f'bona fidi, it-tieni ċessjonarju, jekk ikun innotifika ċ-ċessjoni magħmula lilu, hu preferit għall-ewwel wieħed;

(*ċ*) jekk il-krediturі taċ-ċedent jissekwestraw f'idejn id-debitur dak li dan ikollu jagħti, huma preferiti għaċ-ċessjonarju, allavolja ma jkunux saru krediturі ħlief wara ċ-ċessjoni;

(*d*) id-debitur jista' jpaċi kull somma li għaliha jsir kreditur taċ-ċedent; iżda, iċ-ċessjonarju ma jistax ipaċi l-kreditu lilu ċedut ma' dak li jkollu jagħti lid-debitur.

Aċċettazzjoni taċ-ċessjoni.

1473. It-tagħrifa mhix meħtieġa jekk id-debitur ikun aċċetta ċ-ċessjoni.

Ċessjoni ta' kambjalijiet, eċċ.

1474. La t-tagħrifa u lanqas l-aċċettazzjoni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan ma huma meħtieġa fil-każ ta' kambjalijiet jew titoli oħra ta' kreditu li jiġu ttrasferiti bil-ġira jew bil-kunsinna.

Jeddijiet li jidħlu fiċ-ċessjoni ta' kreditu.

1475. Fiċ-ċessjoni ta' kreditu jidħlu l-garanziji, il-privileġġi, l-ipoteki, u aċċessorji oħra tal-istess kreditu; iżda ma jidħlux il-frottijiet magħluqa u l-azzjoni ta' rexxissjoni, meta dawn ma jkunux ġew imsemmijin espressament fiċ-ċessjoni.

Garanzija.

1476. (1) Min iċedi kreditu jew jedd ieħor, għandu jagħmel tajjeb għall-eżistenza tiegħu fiż-żmien taċ-ċessjoni, għalkemm ebda garanzija espressa ma tkun saret fiċ-ċessjoni.

(2) Jekk il-kreditu ma jkunx jeżisti, iċ-ċedent għandu jrodd il-prezz li jkun ħa, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li m'għanduxħ lanqas jagħmel tajjeb għall-eżistenza tal-kreditu, sew billi jiddikjara li jċedi l-kreditu mingħajr l-ebda garanzija, jew bi kliem ieħor li jfisser dan.

Is-solvibbiltà tad-debitur ma tidħolx fil-garanzija jekk ma tkunx miftiehma.

1477. (1) Iċ-ċedent ma jweġibx għas-solvibbiltà tad-debitur, la għaż-żmien taċ-ċessjoni u lanqas għaż-żmien ta' wara, jekk ma jkunx intrabat għal dan espressament, sew billi jiddikjara illi l-kreditu hu tajjeb u li jitħallas, jew bi kliem ieħor li jfisser dan.

(2) Jekk iċ-ċedent ikun wieġħed din il-garanzija, hu obbligat biss sas-somma tal-prezz taċ-ċessjoni.

Kemm iddum il-garanzija tas-solvibbiltà tad-debitur.

1478. (1) Meta ċ-ċedent ikun għamel tajjeb għas-solvibbiltà tad-debitur mingħajr ma jkun ġie miftiehem kemm għandha ddum din il-garanzija, din titqies li għandha ddum għal sena biss minn dak in-nhar taċ-ċessjoni, jekk il-kreditu jkun ġa għalaq, jew minn

dak in-nhar li jagħlaq, jekk il-kreditu fiż-żmien taċ-ċessjoni jkun għad ma għalaqx.

(2) Jekk il-kreditu ċedut ikun jedd għall-ħlas ta' renta, il-garanzija ma ddumx ħlief sa għaxar snin minn dak in-nhar taċ-ċessjoni.

Tmiem tal-garanzija.

1479. L-obbligazzjoni tal-garanzija tispiċċa, jekk il-kreditu jsir li ma jistax jitħallas bi traskuraġni taċ-ċessjonarju.

Iċ-ċessjonarju għandu jimxi kontra d-debitur qabel ma jdur kontra ċ-ċedent.

1480. (1) Iċ-ċessjonarju għandu jimxi kontra d-debitur qabel ma jdur kontra ċ-ċedent, barra minn meta jkun ġie miftiehem illi ċ-ċedent għandu jħallas għad-debitur jekk dan ma jħallasx fuq sempliċi talba.

(2) Jekk ikun hemm dan il-ftehim, iċ-ċessjonarju mhu obbligat jagħmel l-ebda att biex jinżamm il-jedd għall-kreditu; u ċ-ċedent hu obbligat sas-somma tal-kreditu ċedut.

Garanzija fil-każ ta' bejgħ ta' wirt.

1481. (1) Kull min ibiegħ wirt mingħajr ma jfisser ħaġa ħaġa x'inhuma l-ħwejjeġ li hemm fih, mhux obbligat jagħmel tajjeb ħlief għall-kwalità tiegħu ta' werriet.

(2) Jekk il-wirt ma jkunx jeżisti minħabba li s-suċċessjoni tkun għad ma nfetħitx, jew jekk il-wirt ikun jeżisti iżda ma jkunx imiss lill-bejjiegħ, dan hu obbligat lejn ix-xerrej għar-radd tal-prezz u għall-ħlas tad-danni.

(3) Dak li jkun biegħ biss il-pretensjonijiet tiegħu fuq wirt, sabiex ix-xerrej imexxihom għar-riskju tiegħu, mhu obbligat għal ebda garanzija u lanqas għar-radd tal-prezz.

Jekk il-bejjiegħ ikun debitur jew kreditur tal-wirt.

1482. Jekk il-bejjiegħ ikun huwa nnifsu debitur lejn il-wirt jew ikun irċieva xi ħaġa mill-wirt, hu obbligat iħallas id-dejn tiegħu lix-xerrej, jew, skont il-każ, li jindennizzah: mill-banda l-oħra, ix-xerrej għandu jrodd lill-bejjiegħ kull somma li dan ikun ħallas għad-djun jew għall-piżijiet tal-wirt, u għandu jħallsu tal-krediti li jkollu kontra l-wirt, kemm-il darba, fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, ma jkunx ġie miftiehem xort'oħra.

Ċessjoni ta' jedd litiġjuż.

1483. (1) Dak li kontra tiegħu jkun ġie ċedut jedd litiġjuż, jista' jeħles miċ-ċessjonarju billi jagħtih lura l-prezz veru taċ-ċessjoni bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet meqjusa minn dak in-nhar li ċ-ċessjonarju jkun ħallas il-prezz taċ-ċessjoni.

(2) Il-jedd jitqies litiġjuż, meta jkun hemm kawża kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd, jew meta l-kreditu ma jkunx likwidu u jkun diffiċli li jiġi likwidat.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1483 ma jgħoddux.

1484. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux -

(*a*) jekk iċ-ċessjoni ssir minn wieħed mill-werrieta jew minn kompropriarju lil werriet ieħor jew kompropriarju ieħor tal-jedd ċedut;

(*b*) jekk iċ-ċessjoni ġiet magħmula lill-kreditur, bi ħlas ta' dak li kellu jieħu;

(*ċ*) jekk iċ-ċessjoni ġiet magħmula lill-pussessur tal-fond

suġġett għall-jedd litiġjuż;

(*d*) jekk iċ-ċessjoni ġiet magħmula taħt titolu gratuwitu għal kollox.

Factoring. Miżjud: V.2006.26.

1484A. (1) Fil-każ ta' ċessjoni ta' xi jedd jew għadd ta' jeddijiet meta:

(*a*) iċ-ċessjonarju jkun negozjant;

(*b*) il-jeddijiet ċeduti joħorġu minn jew f'xi konnessjoni mas-sengħa jew man-negozju ġestit min-negozjant; u

(*ċ*) iċ-ċedent ikun persuna li jkollha liċenza biex tiġġestixxi n-negozju tal-ibbankjar jew negozju ta' kreditu skont il-liġijiet applikabbli ta' Malta, jew il-liġijiet ekwivalenti f'ġurisdizzjoni rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti appuntata skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371.

dik iċ-ċessjoni ta' krediti għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' dan is-Subtitolu, skont ma dawn ikunu varjati b'dan l-artikolu.

(2) Jistgħu jkunu ċeduti klassijiet ta' krediti eżistenti sakemm id-debitur ikun jista' jiġi identifikat fil-kuntratt taċ-ċessjoni.

(3) Jistgħu jiġu wkoll assenjati krediti futuri, jew klassijiet tagħhom, sakemm id-debitur u l-aħħar data li permezz tagħha l-krediti futuri jiġu fis-seħħ ikunu identifikati fil-kuntratt taċ-ċessjoni. F'dawk il-każijiet iċ-ċessjoni tiġi fis-seħħ meta jsir il-kuntratt mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' ċessjoni ġdida meta dak il-kreditu jibda' jseħħ.

(4) Fil-każ taċ-ċessjoni ta' krediti msemmi f'dan l-artikolu, iċ-ċedent ma jistax, fir-rigward ta' terzi, jeżerċita d-drittijiet ċeduti lilu ħlief wara li jingħata avviż taċ-ċessjoni kif imiss lid-debitur miċ-ċedent innifsu jew miċ-ċessjonarju, u f'każ ta' ċessjoni ta' krediti futuri, jew ta' klassijiet tagħhom, ma jkun jenħtieġ ebda avviż ieħor meta l-kreditu futur jiġi fis-seħħ.

(5) In-notifka taċ-ċessjoni tista' tkun ippruvata b'kull mezz bil-miktub, li jinkludi avviż li jintbagħat lid-debitur flimkien mad-dokument li jipprova l-kreditu u ma jkunx hemm għalfejn ikun iffirmat miċ-ċedent jew miċ-ċessjonarju.

(6) Iċ-ċessjoni m'hemmx għalfejn tispeċifika prezz fiss u lanqas m'hemm għalfejn li l-prezz ikun jikkonsisti fi flus. Il-prezz jista' wkoll jiġi determinat b'referenza għal kull formula jew metodu li jkunu miftehma bejn il-partijiet.

(7) Iċ-ċedent għandu jirrispondi għas-solvenza, sew tal-preżent sew tal-futur, tad-debitur, sal-prezz taċ-ċessjoni, kemm-il darba ċ-ċessjonarju ma jirrinunzjax għal garanzija bħal dik sħiħa jew biss f'parti minnha.

(8) F'każ ta' insolvenza jew ta' falliment taċ-ċedent, iċ-ċessjoni ta' krediti futuri li għadhom ma ġewx fis-seħħ fid-data meta ordni ta' xoljiment jew ta' falliment issir mill-Qorti, tista' tkun rexxissa mil-likwidatur jew mill-kuratur taċ-ċedent. Id-dritt tar-rexxissjoni taċ-ċessjoni ta' krediti futuri għandu jkun

kondizzjonali fuq il-ħlas lura ta' xi ħlas li jkun tħallas miċ-ċessjonarju liċ-ċedent għal dawk il-krediti futuri.

(9) L-artikoli 1483(1), 1506(1) u 2013(3) ma japplikawx għaċ-ċessjoni ta' krediti preżenti jew futuri, jew klassijiet tagħhom, regolati b'dan l-artikolu.

(10) Id-dispożizzjonijiet kollha ta' hawn qabel japplikaw *mutatis mutandis* għar-rahan ta' krediti msemmi f'dan l-artikolu u d-dispożizzjonijiet tat-Titolu XXI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi għandhom jiftiehmu skont dawk id-dispożizzjonijiet.

(11) L-artikoli 1980 sa 1984 ma għandhomx ikunu japplikaw u ċ-ċedent għandu jkollu d-dritt ta' użu, u d-dritt li jerġa' jingħata b'rahan, dwar krediti li jkunu ġew ċeduti lilu.

Titolu VII

FUQ IT-TPARTIT

Tifsir ta' kuntratt ta' tpartit.

1485. (1) It-tpartit hu kuntratt li bih il-partijiet jobbligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa li ma tkunx flus.

(2) It-tpartit isir bil-kunsens biss, bħall-bejgħ.

Żjieda fi flus.

1486. (1) Il-kuntratt jibqa' jitqies bħala kuntratt ta' tpartit, għalkemm jiġi msemmi l-valur tal-ħwejjeġ li l-partijiet jintrabtu li jagħtu lil xulxin jew għalkemm waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti, flimkien mal-ħaġa, żjieda fi flus.

(2) B'dan kollu, jekk is-somma ta' flus li waħda mill-partijiet tintrabat li tħallas, tkun taqbeż il-valur tal-ħaġa li dik il-parti tintrabat li tagħti, il-kuntratt jitqies bħala xiri u bejgħ għall-ħwejjeġ kollha illi l-partijiet ikunu ntrabtu li jagħtu lil xulxin.

Jeddijiet tal-parti li jkollha tieħu żieda fi flus.

1487. Il-parti li jkollha tieħu żjieda fi flus, tista' teżerċita fuq il-ħaġa li tkun tat il-jeddijiet u l-privileġġi li għandu l-bejjiegħ għall-prezz, ukoll meta l-kuntratt, taħt l-aħħar artikolu qabel dan, ikun kuntratt ta' tpartit.

Tpartit ta' ħaġa mobbli ma' immobbli.

1488. Ħaġa mobbli tista' titpartat ma' oħra immobbli.

Meta t-tpartit għandu jsir b'att pubbliku.

1489. Iżda, fil-każijiet kollha li tiġi mogħtija bi tpartit ħaġa immobbli għal oħra mobbli jew immobbli, il-kuntratt ma jiswiex jekk ma jsirx b'att pubbliku.

Meta waħda mill-partijiet tista' ma tagħmilx il-kunsinna.

1490. Waħda mill-partijiet fi tpartit, illi wara li tkun irċeviet il-ħaġa mogħtija lilha bi tpartit, tipprova li l-parti li tathielha mhix sid dik il-ħaġa, ma tistax tiġi mġiegħla tikkunsinna l-ħaġa li tkun wiegħdet li tagħti, iżda biss li trodd il-ħaġa li tkun irċeviet.

Jeddijiet tal-parti fil-każ ta' evizzjoni.

1491. (1) Il-parti li tbati l-evizzjoni tal-ħaġa li tkun ħadet bi tpartit, tista', kif tagħżel hija, jew titlob il-ħlas tad-danni, jew titlob lura l-ħaġa li tkun tat.

(2) Jekk din il-parti tagħżel li tieħu lura l-ħaġa, hija għandha,

fil-każ ta' ħaġa immobbli, azzjoni ta' rivendikazzjoni wkoll kontra t-terz pussessur; u terġa' teħodha lura ħielsa minn kull piż jew ipoteka li bihom il-parti l-oħra fit-tpartit jew it-terz pussessur ikunu aggravawha:

Iżda, kwantu għall-kiri magħmul b'bona fidi u taħt kondizzjonijiet ġusti, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1530.

Spejjeż tal-kuntratt ta' tpartit.

1492. (1) L-ispejjeż kollha tal-atti, u dawk l-oħra li jkollhom x'jaqsmu mat-tpartit, ibatuhom iż-żewġ partijiet, f'sehem indaqs.

(2) Iżda, l-ispejjeż għall-ħelsien ta' immobbli minn fedekommessi, ipoteki, servitù, jew piżijiet oħra, skont id-dispożizzjonijiet miġjuba fit-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tbatihom il-parti li tirċievi bi tpartit dak l-immobbli.

Kap. 12.

Regoli tal-kuntratt ta' bejgħ li jgħoddu għat-tpartit.

1493. Ir-regoli l-oħra kollha dwar il-kuntratt ta' bejgħ, igħoddu wkoll għall-kuntratt ta' tpartit.

Titolu VIII

FUQ L-ENFITEWSI

Tifsir ta' kuntratt ta' enfitewsi. *Emendat: IV.1961.9.*

1494. (1) L-enfitewsi hija kuntratt li bih waħda mill-partijiet li jikkuntrattaw tagħti lill-parti l-oħra, għal dejjem jew għal żmien, fond, bi ħlas ta' kull sena determinat jew b'ċens determinat, illi din tal-aħħar tintrabat li tħallas lilha, fi flus jew f'oġġetti, bħala rikonoxximent tad-dominju.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jgħoddu għal kull enfitewsi, ukoll meta ċ-ċens ikun ġie meqjus fuq il-valur tal-frottijiet tal-fond.

Min jista' jagħti b'enfitewsi.

1495. Ma jistgħux jagħtu b'enfitewsi dawk li mhumiex kapaċi skont il-liġi li jagħmlu trasferimenti, jekk ma jkunux ġew għaldaqshekk awtorizzati espressament mill-awtorità kompetenti, skont il-liġi.

Konċessjoni ta' enfitewsi ta' fondi taħt fedekommess.

1496. Għad li jkun hemm il-projbizzjoni fl-att li joħloq il-fedekommess, il-pussessuri ta' fondi taħt fedekommess jistgħu, bil-proċeduri meħtieġa fis-Sub-titolu V tat-Titolu VIII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb u fit-Titolu I tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jaqalgħu mill-qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni li jagħtu dawk il-fondi b'enfitewsi għal dejjem jew għal żmien, kemm-il darba l-qorti tkun ta' fehma illi l-konċessjoni hija ta' ġid għall-imsejħin għal dak il-fedekommess.

Kap. 12.

Meta l-enfitewsi hija nulla.

1497. L-enfitewsi hija nulla -

(*a*) jekk ma tiġix magħmula b'att pubbliku; jew

(*b*) jekk il-konċessjoni ssir xort'oħra minn għal dejjem jew għal żmien stabbilit li jibda jgħodd minn jum ċert; jew

(*ċ*) jekk is-somma taċ-ċens ma tiġix imsemmija espressament fil-kuntratt.

Meta xi konċessjoni titqies enfitewsi.

1498. (1) Jekk fond jiġi mogħti għal iżjed minn sittax-il sena jew b'mod li l-konċessjonarju jista' jtawwal iż-żmien tal-konċessjoni għal iżjed minn sittax-il sena u, fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, taħt kondizzjonijiet li jaqblu iżjed mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli li ġejjin f'dan it-Titolu milli ma' dawk dwar il-kuntratt ta' kiri, il-konċessjoni titqies li hija ta' enfitewsi, għalkemm il-partijiet ikunu tawha isem ta' kiri; u din il-konċessjoni hija nulla jekk tiġi magħmula xort'oħra milli b'att pubbliku.

(2) Għall-kuntrarju, jekk fond jiġi mogħti b'titolu ta' enfitewsi, il-konċessjoni titqies li hija ta' enfitewsi, ikun kemm ikun qasir iż-żmien li għalih tiġi magħmula, u jkunu xi jkunu l-pattijiet li taħthom tkun saret.

Il-partijiet jistgħu jagħmlu kull patt li ma jkunx kontra l-liġi.
Sostitwit: XXVII.1976.3.
Emendat: XXX.1981.10.

1499. (1) Ir-regoli li jinsabu fl-artikoli ta' qabel u fl-artikoli 1501, 1502, 1512, 1513 u 1519, għandhom jiġu mħarsa fil-każijiet kollha u kull ftehim kontra għalihom ikun mingħajr effett.

(2) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (1), il-partijiet jistgħu jagħmlu bħala kondizzjoni tal-kuntratt ta' enfitewsi kull patt li jidhrilhom li jaqbel, basta li ma jkun hemm xejn fih li hu kuntrarju għal-liġi.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, għandhom jiġu mħarsa r-regoli li jinsabu fl-artikoli li ġejjin.

Iċ-ċens ma jitbiddilx.

1500. (1) Iċ-ċens matul iż-żmien ta' enfitewsi ma jitbiddilx.

(2) Iċ-ċenswalist ma jistax jitlob it-tnaqqis taċ-ċens minħabba tibdil ta' ċirkostanzi.

(3) Lanqas ma jista' jitlob ebda maħfra jew tnaqqis taċ-ċens ta' sena jew iżjed, jekk minħabba xi aċċident, ordinarju jew straordinarju, mibsur jew le, il-ġabra kollha tal-frottijiet jew biċċa minnha, tintilef.

Iċ-ċenswalist jista' jifdi ċ-ċens.
Miżjud: XXX.1981.11.
Emendat: XX.1984.2; XXIV.1995.362; IX 2004.14; XXIII.2017.78.

1501. (1) Meta tingħata enfitewsi perpetwa, iċ-ċenswalist, ukoll jekk iċ-ċens ikun jista' jiġi rivedut kull tant żmien stabbilit, ikollu l-għażla li jifdi ċ-ċens kif provdut fis-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, kemm-il darba il-kuntratt innifsu, li jkun kuntratt magħmul qabel il-15 ta' Awwissu, 1981, ma jipprovdix b'mod differenti kif tista' ssir il-fidwa.

(2) Dik il-fidwa taċ-ċens issir bil-ħlas ta' somma li tkun daqs l-ammont taċ-ċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija:

Iżda meta l-kuntratt jipprovdi li ċ-ċens jista' jiġi rivedut fi żmien speċifikat jew mal-ġrajja ta' kondizzjoni speċifikata, iċ-ċenswalist jista' jagħżel li jifdi fi żmien l-ewwel sena mid-data ta' xi reviżjoni bħal dik, jew tal-ġrajja ta' dik il-kondizzjoni, u s-somma li għandha titħallas għall-fidwa taċ-ċens tkun, f'dak il-każ, daqs l-ammont taċ-ċens hekk rivedut kapitalizzat bil-medja tar-rata tal-imgħax li titħallas minn bank kummerċjali fuq depożiti li jkunu ta' xorta fissa fi żmien il-fidwa.

(3) Jekk ikun hemm iktar minn padrun dirett wieħed, iċ-ċenswalist jista' jifdi mingħand kull wieħed jew iżjed minnhom separatament.

(4) Meta l-fond ikun miżmum b'subenfitewsi perpetwa, is-subċenswalist ikollu l-jedd li jifdi ċ-ċens oriġinali u ż-żieda fiċ-ċens bil-ħlas tas-somma li għandha titħallas għall-fidwa li tiġi stabbilita skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(5) Kull klawżola f'xi ftehim li biha ċ-ċenswalist ma jkunx jista' jeżerċita l-jedd li jifdi ċ-ċens mogħti b'dan l-artikolu, titqies li ma kenitx inkluża f'dak il-ftehim.

(6) Il-fidwa taċ-ċens tista' ssir bi ftehim bejn il-padrun dirett u ċ-ċenswalist magħmul f'att pubbliku jew permezz taċ-ċedola msemmija fis-subartikolu (7).

(7) Meta l-fidwa ma ssirx b'att pubbliku, iċ-ċenswalist jista' jagħmel dik il-fidwa billi jippreżenta għas-spejjeż tiegħu fir-reġistru tal-qorti kompetenti, ċedola ta' fidwa u fl-istess ħin jiddepożita fl-imsemmi reġistru s-somma li għandha titħallas għall-fidwa stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2); u dwar ċedola bħal dik, id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan is-subartikolu għandu jkollhom effett, minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'xi liġi oħra:

(*a*) meta l-persuna li tagħti l-enfitewsi għall-ewwel darba jew il-persuna li lilha jingħataw il-jeddijiet ta' padrun dirett tkun mejta, iċ-ċedola tal-fidwa tista' tiġi notifikata lil, u d-depożitu jista' jsir favur, wieħed jew iktar mill-werrieta tal-padrun dirett jew tal-persuna li lilha jgħaddi dan il-jedd u dak il-werriet jew dawk il-werrieta għandhom, għall-finijiet kollha tal-liġi, jitqiesu li jirrappreżentaw lil dawk il-persuni kollha li jkollhom interess legali fiċ-ċedola tal-fidwa u fil-flus hekk depożitati;

(*b*) in-nuqqas miċ-ċedola tal-isem ta' xi persuna li jkollha interess f'xi parti mill-flus depożitati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ma jolqotx il-jedd ta' xi persuna li tkun hekk imħollija barra għal xi sehem mill-ammont depożitat;

(*ċ*) iċ-ċedola għandu jkun fiha:

(i) l-isem u l-kunjom tal-persuna tal-enfitewta, il-post tat-twelid tagħha, il-post ta' residenza tagħha, il-professjoni tagħha, is-sengħa jew stat ieħor tagħha, isem u kunjom fit-twelid u wara ż-żwieġ tal-ġenituri tagħha, jew fil-każ ta' korp ta' persuni l-isem korporat ta' dak il-korp ta' persuni u l-partikolaritajiet dwar l-inkorporazzjoni tiegħu;

(ii) l-isem u l-kunjom tal-persuna msemmija fiċ-ċedola, il-post tat-twelid tagħha, il-post ta' residenza tagħha, il-professjoni tagħha, is-sengħa jew stat ieħor tagħha, isem u kunjom fit-twelid u wara ż-żwieġ tal-ġenituri tagħha, jew

partikolaritajiet oħra biex jidentifikaw lil dik il-persuna, jew fil-każ ta' korp ta' persuni l-isem korporat ta' dak il-korp ta' persuni u l-partikolaritajiet dwar l-inkorporazzjoni tiegħu; u

(iii) l-indikazzjoni skont l-artikolu 7 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku tal-immobbli li dwaru ċ-ċens mifdi kien jitħallas; Kap. 56.

(*d*) l-enfitewta għandu jehmeż maċ-ċedola pjanta li turi l-kobor u l-lok tal-immobbli li jkun suġġett għaċ-ċens mifdi;

(*e*) in-notifika taċ-ċedola ssir biss lill-persuna msemmija f'dik iċ-ċedola u jekk fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tiġi depożitata ċ-ċedola, ma ssirx in-notifika lill-imsemmija persuna, jew minħabba li tkun nieqsa jew għal xi raġuni oħra, iċ-ċenswalist għandu għas-spejjeż tiegħu jitlob lir-Reġistratur tal-Qrati biex jippubblika fil-Gazzetta l-kontenut taċ-ċedola, u ma' dik il-pubblikazzjoni il-persuna li lilha kellha tiġi notifikata ċ-ċedola għandha, għall-finijiet kollha tal-liġi titqies li ġiet notifikata biċ-ċedola;

(*f*) iċ-ċenswalist għandu jara li żewġ kopji taċ-ċedola jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li għandu jżomm reġistru ta' dawk iċ-ċedoli, u l-artikolu 30 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku għandu, *mutatis mutandis*, japplika għal dawk iċ-ċedoli.

(8) Id-depożiti msemmija jistgħu jiġu rtirati mill-persuni msemmija fih mal-prova tat-titolu tagħhom li ssir lir-Reġistratur tal-Qrati.

Kif jinqasam iċ-ċens. *Sostitwit: XXVII.1976.4.*

1502. (1) Iċ-ċens ma jistax jinqasam mingħajr il-kunsens tal-padrun dirett; iżda jekk il-fond jiġi ttrasferit lil, jew xort'oħra jkun il-proprjetà ta', żewġ persuni jew iżjed separatament, il-padrun dirett ma jistax jirrifjuta l-kunsens tiegħu għall-qsim taċ-ċens jekk dak il-qsim isir sostanzjalment fl-istess proporzjoni tal-partijiet separati miżmuma mill-persuni li jkunu jeħtieġu l-kunsens.

(2) Il-kunsens mogħti mill-padrun dirett għat-trasferiment ta' parti waħda jew iktar separati tal-fond lil persuni differenti, jew il-ħlas li hu jieħu ta' sehem wieħed jew iktar taċ-ċens, mingħand waħda jew iktar minn dawk il-persuni, ikollhom l-istess effett daqs kunsens mogħti mill-padrun dirett għall-qsim taċ-ċens.

Ħlas lura taċ-ċens lil wieħed mill-pussessuri.

1503. (1) Dak fost il-pussessuri illi jħallas iċ-ċens kollu, jitħallas lura mingħand il-pussessuri l-oħra *pro rata*, skont il-biċċa li kull wieħed minnhom ikun jippossjedi mill-fond, bla ma jittieħed qies ta' ebda ċessjoni ta' jeddijiet.

(2) Huwa joħrog sehem, fl-istess proporzjon, flimkien mal-pussessuri l-oħra, għall-ishma tal-pussessuri mhux solvibbli.

Jeddijiet taċ-ċenswalist fuq il-fond.

1504. (1) Iċ-ċenswalist jista' jbiddel il-wiċċ tal-fond, basta li b'daqshekk ma jgħarrqux.

(2) Huwa jieħu l-utili kollha tal-fond, u għandu jedd

jirrivendika l-fond mingħand kull pussessur, saħansitra mingħand il-padrun dirett.

(3) Imiss lilu t-teżor li jinsab fil-fond, bla ħsara tas-sehem li jmiss, skont il-liġi, lil dak li jkun sabu.

Radd tal-fond fi stat tajjeb.

1505. Iċ-ċenswalist għandu jżomm u, fiż-żmien li jmiss, irodd il-fond, fi stat tajjeb.

Miljoramenti.

1506. (1) Il-miljoramenti kollha magħmulin miċ-ċenswalist huma tiegħu sakemm iddum l-enfitewsi.

(2) Huwa jista' jbiddel il-għamla ta' dawn il-miljoramenti; iżda ma jistax jeqridhom mingħajr il-kunsens espress tal-padrun dirett.

Obbligi taċ-ċenswalist.

1507. Hu dmir taċ-ċenswalist li jesegwixxi kull obbligu li skont il-liġi għandhom is-sidien ta' bini jew ta' artijiet:

Iżda, jekk għall-esekuzzjoni ta' dan l-obbligu tkun meħtieġa spiża kbira, u l-enfitewsi tkun għal żmien, il-qorti tista', fuq talba taċ-ċenswalist, iġġiegħel lill-padrun dirett joħroġ sehem minn din l-ispiża, skont ma jkunu l-pattijiet tal-enfitewsi, iż-żmien li jkun baqa' biex tispiċċa, is-somma taċ-ċens, u ċirkostanzi oħra tal-każ.

Iċ-ċenswalist jista' jiddisponi mill-fond.

1508. (1) Iċ-ċenswalist jista', mingħajr ma jgħarraf lill-padrun dirett jew ma jitlob il-kunsens tiegħu, jiddisponi mill-fond suġġett għal enfitewsi u mill-miljoramenti, sew b'att fost il-ħajjin kemm b'dispożizzjoni testamentarja.

(2) Iżda, kull trasferiment magħmul xort'oħra milli b'att pubbliku, ma jiswiex.

Iċ-ċenswalist ma jeħlisx mill-obbligi tiegħu jekk l-akkwirent ma jiġix magħruf mill-padrun dirett.

1509. (1) Jekk iċ-ċenswalist jiddisponi mill-fond mingħajr il-kunsens tal-padrun dirett, hu ma jiġix meħlus mill-obbligazijonijiet tiegħu lejn il-padrun dirett, jekk min jakkwista ma jiġix magħruf minn dan.

Obbligazzjonijiet tal-akkwirent, ukoll jekk ma jiġix magħruf. *Emendat: VII.1944.2; LVIII.1975.9.*

(2) Iżda, l-akkwirent, għalkemm ma jkunx ġie magħruf mill-padrun dirett, hu obbligat personalment lejh għall-ħlas taċ-ċens kollu li jagħlaq, u għat-tiswija tal-ħsarat kollha li jsiru fi żmien il-pussess tiegħu; imma hu mhux obbligat għaċ-ċnus magħluqa, jew għall-ħsarat li jkunu saru, qabel dan il-pussess; dejjem bla preġudizzju tal-jedd tal-padrun dirett, ukoll għal dawn iċ-ċnus u ħsarat, fuq il-fond suġġett għal enfitewsi, fuq il-frottijiet, u fuq il-valur ta' dak kollu li jservi biex igħammar jew iforni l-fond jew biex tinħadem l-art, ikunu ta' min ikunu dawn il-ħwejjeġ:

Iżda illi dawn il-jeddijiet ma jingħatawx lis-sid dwar l-imsemmijin ħwejjeġ jekk dawn ikunu ta' jew miżmumin minn jew f'isem xi dipartiment tal-Gvern ta' Malta kull meta dak id-dejn ma jkunx ta' dak id-dipartiment.

Meta l-padrun dirett għandu jagħraf lill-akkwirent. *Emendat: IV.1961.10.*

1510. Il-padrun dirett ma jistax jirrifjuta li jagħraf, minflok iċ-ċenswalist, lil dak li lilu l-enfitewsi tkun giet, taħt kull titolu li jkun, ittrasferita, jekk dan ikun persuna tajba biex tesegwixxi l-obbligazzjonijiet li joħroġu mill-kuntrart tal-enfitewsi.

Meta l-akkwirent għandu jagħraf lill-padrun dirett.

1511. Dak li lilu l-enfitewsi tkun ġiet, b'kull titolu li jkun, ittrasferita, illi jkollu l-pussess tal-fond, u li l-padrun dirett ikun għaraf jew ikun lest jagħraf, ma jistax jirrifjuta li jagħraf espressament lill-padrun dirett jew li jobbliga ruħu lejh personalment għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-kuntratt tal-enfitewsi.

Tagħrif. *Sostitwit: XXVII.1976.5.*

1512. (1) Kull tagħrif imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan jista' jkun imfisser jew mifhum; u l-ħlas ta' ċens jew ta' lawdemju li jsir jew jittieħed minn jew mingħand dak li lilu jkun sar it-trasferiment għandu jitqies bħala tagħrif mifhum, kemm-il darba ma jkunx hemm riżerva mfissra f'att ġudizzjarju.

(2) Kemm il-padrun dirett kif ukoll dak li lilu jkun sar it-trasferiment jistgħu jeħtieġu li t-tagħrif isir b'att pubbliku jew b'kitba privata; u f'kull każ bħal dak l-ispejjeż tbatihom il-parti li titlob il-forma miktuba.

Ma hemmx jedd ta' lawdemju jekk mhux miftiehem, eċċ. *Sostitwit: XXVII.1976.6.*

1513. Il-padrun dirett ma għandu jedd għal ebda somma b'titolu ta' lawdemju, jissejjaħ kif jissejjaħ, f'okkażjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor magħmul wara l-1 ta' Lulju, 1976 tal-utili dominju jew tal-miljoramenti kemm-il darba -

(*a*) l-att tal-enfitewsi ma jkunx fih ftehim espress għal dak il-ħlas, u

(*b*) l-enfitewsi ma tkunx magħmula għal iktar minn għoxrin sena;

u meta xi somma li jkollha hekk titħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu tkun ikbar mill-ammont ta' ċens għal sena dovut lil dak il-padrun dirett dwar il-fond jew parti mill-fond mibjugħ jew trasferit, dak il-padrun dirett ma jkollux jedd għal dak l-eċċess.

Wegħda dwar enfitewsi. *Miżjud: XXVII.1976.7.*

1514. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1357, 1359 u 1360 għandhom japplikaw għal wegħda dwar enfitewsi magħmula wara l-1 ta' Lulju, 1976, kif japplikaw għal wegħda ta' bejgħ jew ta' xiri.

Jekk il-fond jinqered kollu jew biċċa minnu.

1515. (1) L-enfitewsi tinħall *ipso jure*, jekk il-fond jinqered kollu kemm hu b'aċċident.

(2) Jekk tinqered biċċa mill-fond, u l-biċċa li tibqa' ma tkunx tista' tagħti renta daqs iċ-ċens, iċ-ċenswalist ma jistax jitlob it-tnaqqis taċ-ċens, iżda jista' jitlob li jħoll l-enfitewsi, billi jrodd lill-padrun dirett il-fond bil-miljoramenti, ukoll jekk il-biċċa li tibqa' mill-fond tkun tikkonsisti l-aktar f'dawn il-miljoramenti.

Dmir tal-prova.

1516. Hu dmir taċ-ċenswalist li jipprova illi l-fond inqered, kollu jew biċċa minnu, b'aċċident, u mingħajr ħtija tiegħu jew tal-familja tiegħu, jew tas-sefturi tiegħu, tal-mistednin jew tal-kerrejja jew tas-sub-ċenswalisti li ma jkunux ġew magħrufa mill-padrun dirett.

Ħall ta' enfitewsi meta ma jitħallasx iċ-ċens. *Sostitwit: XXVII.1976.8.*

1517. Il-padrun dirett ikun jista' jitlob li jħoll l-enfitewsi u li jintradd lilu l-fond bil-miljoramenti jekk iċ-ċenswalist ikollu jagħti bħala ċens somma daqs kemm iġibu ċ-ċnus ta' tliet snin.

Fil-każ ta' tagħriq fil-fond.

1518. (1) Il-padrun dirett jista' wkoll jitlob li jħoll l-enfitewsi u li jirtadd lilu l-fond bil-miljoramenti, kif ukoll it-tiswija tal-ħsarat,

jekk il-fond ikun tgħarraq ħafna, u ċ-ċenswalist ma jippruvax li dan ġara mingħajr ħtija tiegħu jew tan-nies imsemmijin fl-artikolu 1516.

(2) Dan igħodd ukoll jekk it-tagħriq ikun ġara fil-miljoramenti mibnija fil-fond.

Żmien għall-ħlas taċ-ċnus magħluqa, eċċ.
Emendat: XXVII.1976.9.

1519. (1) Fil-każijiet imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-padrun dirett jista' fl-istess waqt jitlob il-ħall tal-enfitewsi u l-ħlas taċ-ċnus magħluqa.

(2) Iżda l-qorti tista', f'kull wieħed minn dawn il-każijiet, tagħti lill-konvenut żmien moderat, skont iċ-ċirkostanzi, għall-ħlas taċ-ċnus magħluqa, jew għat-tiswijiet meħtieġa, u dak iż-żmien jista', għal raġuni tajba, jiġi mtawwal għal żmien moderat ieħor.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel dan għandhom japplikaw ukoll f'kull każ li fih il-ħall tal-kuntratt ikun ġie miftiehem espressament għal kwalunkwe raġuni, u għandhom hekk japplikaw ukoll jekk il-ftehim jeskludi l-għoti ta' xi żmien.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li teħtieġ il-ħlas ta' xi ċens jew xi somma oħra li ma jkunux dovuti, sew għaliex it-talba għalihom tkun waqgħet bi preskrizzjoni sew għal xi raġuni oħra.

Iż-żmien għall-ħlas taċ-ċnus magħluqa jista' jiġi mitlub mill-kreditur taċ-ċenswalist.

1520. (1) Kull kreditur taċ-ċenswalist, jew kull wieħed ieħor li jkollu interess, jista' jidħol fil-kawża u jitlob iż-żmien hawn fuq imsemmi; u jista' wkoll matul dak iż-żmien, għalkemm dak iż-żmien ikun ġie mogħti mingħajr l-intervent tiegħu, fuq talba taċ-ċenswalist, ma jħallix li tiġi maħlula l-enfitewsi, billi jħallas iċ-ċnus li jkollhom jingħataw jew billi jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.

(2) F'dan il-każ, il-kreditur jew il-persuna li jkollha interess, biex jieħdu lura ċ-ċnus li huma ħallsu jew l-ispejjeż li huma ħarġu għat-tiswijiet, jidħlu minflok il-padrun dirett, u l-jeddijiet tagħhom jiġu qabel ta' kull kreditur ieħor taċ-ċenswalist, iżda mhux qabel dak tal-padrun dirett stess.

Tmiem tal-enfitewsi għal żmien.

1521. (1) L-enfitewsi għal żmien tispiċċa bl-egħluq taż-żmien miftiehem espressament, u l-fond bil-miljoramenti jintradd lill-padrun dirett *ipso jure.*

(2) Kull azzjoni għat-tiġdid tal-enfitewsi, għal kull raġuni li tkun, barra minn bis-saħħa ta' patt espress fil-kuntratt ta' enfitewsi jew f'att pubbliku ieħor, hija mneħħija, dwar kull xorta ta' beni.

Effetti tad-devoluzzjoni.

1522. F'kull każ ta' devoluzzjoni, tinħall, sew kwantu għall-fond kemm kwantu għall-miljoramenti, kull ipoteka, piż, jew servitù, ukoll jekk din is-servitù tkun inħolqot mingħajr il-fatt taċ-ċenswalist; u l-fond bil-miljoramenti jerġa' jmur lura ħieles għand il-padrun dirett, bla ħsara, jekk ikun ġie mogħti b'kiri, ta' dak li jingħad fl-artikoli 1530 u 1531.

Meta ċ-ċenswalist jista' jitlob il-ħlas tal-miljoramenti.

1523. (1) Meta jkun hemm id-devoluzzjoni, iċ-ċenswalist ma jkollu jedd għal ebda ħlas għall-miljoramenti, ikunu xi jkunu x-xorta jew il-valur tagħhom, ħlief jekk id-devoluzzjoni ssir għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikoli 1517 u 1518.

(2) Fil-każijiet imsemmijin f'dawk iż-żewġ artikoli, il-padrun

dirett għandu jħallas liċ-ċenswalist il-prezz tal-miljoramenti, skont kemm ikun il-valur tagħhom fiż-żmien tad-devoluzzjoni, sas-somma li l-fond ikun f'dak iż-żmien sar jiswa iżjed minħabba dawk il-miljoramenti, u skont iż-żmien li jkun fadal għat-tmiem tal-enfitewsi.

Kuntratti ta' enfitewsi magħmula qabel l-1 ta' Lulju, 1976. *Sostitwit: XXVII.1976.11.*

1524. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-kuntratti kollha ta' enfitewsi sew jekk magħmula qabel kemm jekk magħmula wara l-1 ta' Lulju, 1976, barra minn dawk l-enfitewsi li jkunu għalqu qabel l-imsemmija data jew li, qabel dik id-data, ikunu spiċċaw jew ġew maħlula bi ftehim, jew b'sentenza li tkun saret *res judicata*, jew bis-saħħa ta' liġi; għal dawn l-enfitewsi tal-aħħar, il-liġi li kienet applikabbli fiż-żmien meta għalqu, spiċċaw jew ġew maħlula, għandha safejn ikun meħtieġ, tibqa' tapplika.

Titolu IX

FUQ IL-KUNTRATT TA' KIRI*

DISPOSIZZJONI ĠENERALI

Il-kuntratt ta' kiri jista' jsir bil-kitba jew bil-fomm. *Sostitwit: X.2009.2. Emendat: XXVIII.2019.37.*

1525. (1) Il-kuntratt ta' kiri, sew ta' ħaġa kemm ta' xogħol, jista' jsir sew b'kitba kemm bil-fomm, iżda l-kuntratt ta' kiri ta' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali li jsir wara l-1 ta' Jannar, 2010 għandu jsir bil-kitba.

Il-Bord li Jirregola l-Kera (hawn aktar 'il quddiem msejjaħ "il-Bord tal-Kera") maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandu jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali, inkluż kawżi li jirrigwardaw l-okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn dawn il-kirjiet ikunu ntemmu u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dak il-perjodu ta' okkupazzjoni. Kirjiet oħra jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili u fil-każ ta' kiri ta' raba' għandhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' maħtur bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba':

Kap. 69.

Kap. 199.

Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tali kwistjonijiet dwar validità għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.

Il-Bord tal-Kera għandu wkoll kompetenza li jiddeċiedi talbiet relatati ma' manutenzjoni, tiswijiet, difetti u ħsarat tal-fond inklużi

*Id-dispożizzjonijiet transitorji li jirrigwardaw l-emendi magħmulin lil dan it-Titolu permezz tal-Att X tal-2009 jinsabu fl-aħħar ta' dan il-Kapitolu.

dawk moħbija, ħsarat jew miljoramenti, ammonti pendenti dwar dawl u ilma u kwalunkwe ammonti depożitati bħala garanzija mill-inkwilin, fejn dawn it-talbiet jiġu inklużi ma' talbiet jew eċċezzjonijiet oħra magħmula quddiem il-Bord, li fuqhom il-Panel ta' Arbitraġġ ma għandux ġurisdizzjoni.

Poter li jiġbor informazzjoni u *data*.

Il-Bord tal-Kera għandu l-poter jitlob informazzjoni u dokumenti minn entitajiet, dipartimenti u awtoritajiet tal-gvern kif ukoll istituzzjonijiet oħra biex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu għall-fini ta' dan il-Kodiċi.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sakemm ma jkunx ġie hekk indikat speċifikament f'dan it-Titolu, ma jgħoddux għall-kiri ta' raba' li għandu jibqa' jiġi regolat bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Kap. 199.

(3) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu:

''fond kummerċjali'' tfisser fond urban li mhuwiex dar residenzjali u li hu mikri primarjament sabiex minnu ssir attività għal skopijiet ta' qligħ u fost oħrajn jinkludi, uffiċċju, klinika, fond mikri għall-bejgħ ta' oġġetti jew merkanzija bl-ingrossa jew bl-imnut, posta fis-suq, maħżen u fond b'liċenza għall-bejgħ ta' oġġetti, imbejjed, spiriti jew ħwejjeġ ta' ikel jew ta' xorb, sala għal rappreżentazzjoni jew fond ieħor prinċipalment użat għal xi arti, sengħa jew professjoni:

Iżda fond mikri lil soċjetà jew mikri lil entità mużikali, filantropika, soċjali, sportiva jew politika, użat bħala każin, ma għandux jitqies bħala fond kummerċjali ukoll jekk parti minnu hi utilizzata għal skop ta' qligħ;

"każin" tfisser kull każin reġistrat bħala hekk mal-Kummissarju tal-Pulizija skont id-dispożizzjonijiet xierqa tal-liġi;

"kirja residenzjali privata" tfisser kwalunkwe kirja residenzjali privata twila jew qasira, inkluż il-kiri ta' spazju residenzjali maqsum, li ssir wara l-1 ta' Jannar, 2020, u kwalunkwe kirja għal skop residenzjali li ssir qabel l-1 ta' Jannar, 2020, li tkun għadha fil-perjodu oriġinali jew imġedded fl-1 ta' Jannar, 2021.

Sub-titolu I

FUQ IL-KIRI TAL-ĦAĠA

Tifsir ta' kuntratt ta' kiri ta' ħaġa. *Emendat: LII.2016.41; XXXVII.2021.47.*

1526. (1) Il-kiri ta' ħaġa hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti lill-oħra t-tgawdija ta' ħaġa, għal żmien miftiehem u b'kera miftiehem, li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha.

(2) Jistgħu jingħataw b'kiri kull xorta ta' ħwejjeġ korporali, mobbli jew immobbli.

(3) Il-kiri ta' bastimenti u inġenji tal-ajru, inklużi magni ta' inġenji tal-ajru, għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bejn sid il-kera u l-kerrej skont it-termini tiegħu

kif ukoll skont l-użanzi tal-kummerċ internazzjonali applikabbli fil-kuntest.

Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan is-sub-titolu, kull ftehim relatat mal-kiri ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru jew magni ta' inġenji tal-ajru, għandu jkun regolat minn:

(*a*) it-termini u l-kundizzjonijiet miftiehma bejn il-partijiet, u fil-każ ta' kunflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, għandhom jirbħu dawk it-termini u kundizzjonijiet; u

(b) il-liġijiet speċjali relatati man-navigazzjoni merkantili u l-avjazzjoni ċivili, skont il-każ.

(4) Ir-rekwiżit fl-artikolu 1569 għal notifika b'att ġudizzjarju għat-temm tal-kirja m'għandux japplika u t-terminazzjoni tal-kirja għandha tiġi regolata permezz tal-ftehim ta' bejn il-partijiet u kwalunkwe notifika li tista' tkun meħtieġa għat-temm mill-partijiet għandha tingħata b'notifika bil-miktub b'kull mod li jkun, inkluż b'mezzi elettroniċi.

(5) Il-kirja ta' bastiment jew inġenju tal-ajru, inklużi magni ta' inġenji tal-ajru jew drittijiet relatati, għandha tiġi xolta jew mitmuma immedjatament minn sid il-kera (jew il-*mortgagee* li jkollu tali setgħa sakemm tali setgħa ma tkunx ġiet espressament imneħħija) fi kwalunkwe żmien f'każ ta' inadempjenza u malli tingħata notifika bil-miktub lill-kerrej minkejja l-oppożizzjoni tal-kerrej, u dan mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni jew konferma minn xi qorti illi seħħ xi avveniment ta' inadempjenza.

F'dawn iċ-ċirkostanzi sid il-kera jista', wara li jagħti notifika lill-kerrej, jieħu l-pussess tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru, inkluża magna ta' inġenju tal-ajru, skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet u jista', permezz ta' rikors, jitlob lill-Qorti għal ordni illi jawtorizza jew jordna tali atti, u l-Qorti għandha tipprovdi għajnuna sħiħa lil sid il-kera jew lill-*mortgagee* kemm jista' jkun mingħajr dewmien.

(6) F'każ li sid il-kera jtemm il-ftehim ta' kiri għal raġunijiet li ma jkunux:

(*a*) ikkontemplati fil-ftehim, jew

(*b*) b'mod ġenerali raġunijiet validi skont il-liġi,

il-kerrej jista' jitlob danni għal ksur tal-ftehim.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

(*a*) it-terminu "inġenji tal-ajru" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħtija lilu fl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru;

(*b*) it-terminu "inadempjenza" ifisser:

(i) it-twettiq ta' kundizzjoni li l-*mortgagor* u l-

mortgagee jkunu espressament ftiehmu illi ġġib ix-xoljiment tal-ftehim jew in-nuqqas ta' parti illi tesegwixxi l-obbligi tagħha; jew

(ii) bidla fil-qagħda finanzjarja tal-*mortgagor* skont l-artikolu 1079; jew

(iii) inadempjenza li sostanzjalment iċċaħħad lill-*mortgagee* minn dak li huwa intitolat li jippretendi taħt il-ftehim bejn il-*mortgagor* u l-*mortgagee*;

(*ċ*) it-terminu "kirja" ta' bastimenti u inġenji tal-ajru għandu jirreferi għaċ-*chartering* tagħhom taħt dawk it-termini fejn il-pussess u l-kontroll jiġi mgħoddi lill-kerrej, inklużi *bareboat charters* jew l-ekwivalenti tagħhom;

(*d*) it-terminu "*mortgagee*" għandu jinkludi *mortgagee* li qiegħed jaġixxi fil-kapaċità ta' *security trustee*, *bond trustee* jew kull isem ieħor ekwivalenti;

(*e*) it-terminu "bastiment" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħtija lilu fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u

(*f*) it-terminu "miktub" għandu jinkludi kull mod li permezz tiegħu il-kliem jistgħu jiġu rappreżentati u moqrija, inklużi notifiki permezz ta' mezzi elettroniċi.

Meta hu null il-kiri li jsir minn wieħed mill-kom-pussessuri. *Sostitwit: X.2009.3.*

1527. (1) Il-kiri ta' fond urban, dar għall-abitazzjoni jew fond kummerċjali li jkun fil-pussess ta' aktar minn persuna waħda għandu jsir mill-kom-pussessuri iżda mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1530.

(2) Fil-każ meta wieħed mill-kom-pussessuri jkun ukoll jokkupa l-fond ko-pussedut, jekk il-partijiet jiftiehmu li jsir kuntratt ta' kiri, dan għandu jsir permezz ta' kuntratt bil-miktub bejn il-kom-pussessuri kollha minn naħa l-waħda u min jokkupa l-fond minn naħa l-oħra; u minn hemm 'il quddiem dik il-persuna titqies bħala inkwilina, skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' kuntratt ta' kera, waqt li ma titlifx id-drittijiet tagħha bħala kom-pussessur:

Iżda dan is-subartikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tat-Tieni Ktieb, Taqsima I ta' dan il-Kodiċi.

(3) Il-kiri li jsir minn wieħed mill-kum-pussessuri ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni jew fond kummerċjali mingħajr awtorizzazzjoni b'sentenza tal-Bord tal-Kera, jew fil-każ ta' mobbli mingħajr awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti, jew mingħajr il-kunsens ta' xi wieħed mill-kom-pussessuri l-oħra, jista' fuq talba ta' wieħed minn dawn il-kom-pussessuri l-oħra, jiġi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi żmien xahrejn minn dakinhar li dan il-kom-pussessur l-ieħor ikun sar jaf b'dak il-kiri.

Meta l-bord jew il-qorti jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni. *Emendat: XXII.2005.81. Sostitwit: X.2009.4.*

1528. (1) Il-Bord tal-Kera jista', fuq talba magħmula b'rikors ta' wieħed mill-kom-pussessuri tal-fond urban, tad-dar għall-abitazzjoni jew tal-fond kummerċjali, jagħti l-awtorizzazzjoni biex isir il-kiri tal-fond urban, tad-dar għall-abitazzjoni jew tal-fond kummerċjali, meta jinsab illi l-fond ikun tajjeb biex jinkera u li l-kiri propost ikun ta' ġid, u li ma jinsabx li xi wieħed mill-kom-pussessuri l-oħra jkollu raġuni tajba biex jopponi dak il-kiri:

Iżda fil-każ ta' kiri ta' mobbli għandu japplika dak kollu msemmi f'dan is-subartikolu, iżda għandhom ikunu l-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili li jkollhom kompetenza.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu wkoll meta wieħed mill-kom-pussessuri jkun assenti, u ma tkun waslet ebda aħbar lill-Bord tal-Kera fil-każ ta' kiri ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni jew fond kummerċjali (jew lill-Qorti f'każ ta' kiri ta' mobbli u ħaġiet oħra skont il-każ) dwar jekk l-assenti għadux ħaj, jew dwar fejn jinsab.

Jedd ta' preferenza ta' kom-pussessur. *Sostitwit: X.2009.5.*

1529. Il-kom-pussessur li jkun ta, bi kliem ġenerali, il-kunsens tiegħu għall-kiri tal-ħaġa, jew illi, kontra l-oppożizzjoni tiegħu, il-Bord tal-Kera jew il-qorti skont il-każ ikun ta, bi kliem ġenerali l-awtorizzazzjoni għall-kiri tal-ħaġa, jista', b'dan kollu, jeżerċita l-jedd ta' preferenza msemmi fl-artikoli 1591, 1592 u 1593 kemm-il darba huwa ma jkunx b'xi mod irrinunzja għal dak il-jedd.

Kiri ta' ħaġa suġġetta għal fedekommess jew użufrutt, eċċ. *Emendat: X.2009.6.*

1530. (1) Il-għoti b'kiri minn dak li jkun jippossjedi l-ħaġa taħt fedekommess jew b'użufrutt, jew taħt titolu ieħor temporanju jew li jista' jinħall, jiswa wkoll kwantu għas-suċċessuri tiegħu, jekk ikun sar taħt kondizzjonijiet ġusti, u għal żmien mhux iżjed minn tmien snin, fil-każ ta' raba', jew erba' snin, fil-każ ta' bini, jew għal żmien soltu skont l-użu, fil-każ ta' ħwejjeġ mobbli, jew għal kull żmien aqsar minn kull wieħed miż-żminijiet fuq imsemmija, fil-każ ta' beni li l-kiri tagħhom għal aktar minn dak iż-żmien aqsar huwa ipprojbit.

(2) Il-kiri mogħti għal żmien itwal mill-persuna li tipposjedi l-ħaġa kif jingħad hawn fuq, jiġi, fuq talba tas-suċċessuri tiegħu fil-pussess tal-ħaġa, imnaqqas għaż-żmien xieraq, u dan iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

Meta l-awtorità kompetenti tagħti l-awtorizzazzjoni għall-għoti ta' kiri għal żmien itwal. *Sostitwit: X.2009.7.*

1531. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan dwar iż-żmien limitat tal-kiri ma jgħoddux meta l-kiri għal żmien itwal ikun ġie miftiehem bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti skont il-liġi.

Rekwiżiti ta' kuntratt ta' kiri bil-miktub. *Miżjud: X.2009.7. Emendat: XXVIII.2019.38.*

1531A.(1) Għar-rigward ta' kirja ta' fond urban u ta' dar għall-abitazzjoni u ta' fond kummerċjali li jsiru wara l-1 ta' Jannar, 2010, il-kuntratt ta' kiri għandu jkun bil-miktub u jistipula:

(*a*) il-fond li ser jinkera;

(*b*) l-użu miftiehem;

(*ċ*) iż-żmien li għalih dak il-fond ikun ser jinkera;

(*d*) jekk dan il-kera jistax jiġġedded u kif;

(*e*) kif ukoll l-ammont ta' kera u l-mod kif dan għandu

jitħallas.

(2) Fin-nuqqas ta' wieħed jew aktar minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali, il-kuntratt ikun null.

(3) Il-kirja ta' fond urban, dar għall-abitazzjoni u fond kummerċjali li ssir wara l-1 ta' Jannar, 2010 għandha tkun regolata esklussivament bil-kuntratt ta' kera u bl-artikoli ta' dan il-Kodiċi:

Iżda li kirjiet residenzjali privati għandhom ikunu regolati mill-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati.

Kap. 604.

Kondizzjonijiet għal kiri ta' kirjiet residenzjali privati.
Miżjud: XXVIII.2019.39.
Kap. 604.

1531AA. Rigward il-kiri ta' kwalunkwe kirjiet residenzjali privati li jsiru wara l-1 ta' Jannar, 2020, il-kuntratt ta' kiri għandu jsir bil-miktub u għandu jistipula l-kondizzjonijiet speċifikati taħt l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati, jiġifieri:

(*a*) il-fond li ser jinkera;

(*b*) l-użu miftiehem tal-fond mikri;

(*ċ*) iż-żmien li għalih dak il-fond ikun ser jinkera;

(*d*) jekk dik il-kera tistax tiġġedded u kif;

(*e*) l-ammont ta' kera u kif dan għandu jitħallas;

(*f*) kwalunkwe ammont iddepożitat mill-kerrej bħala garanzija għall-eżekuzzjoni tal-obbligi tiegħu; u

(*g*) inventarju li jafferma l-kondizzjoni tal-fond kif ukoll l-istat ta' kwalunkwe għamara u apparat domestiku fornuti minn sid il-kera.

Kuntratti ta' kera ta' qabel l-1 ta' Ġunju, 1995.
Miżjud: X.2009.7.
Emendat: V.2010.6; XXIV.2021.2.

1531B. Għal kirja li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, hekk iżda li mill-1 ta' Jannar, 2010 għandhom japplikaw l-artikoli 1531Ċ, 1531D, 1531E, 1531H, 1531I, 1531J u 1531K.

Kera ta' dar ta' abitazzjoni.
Miżjud: X.2009.7.
Emendat: V.2010.7; XXIV.2021.3.
Kap. 69.

Kap. 158.

1531Ċ.(1) Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tas-sid taħt l-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u l-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, għal kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-ewwel ħlas tal-kera dovuta wara l-1 ta' Jannar, 2010, għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:

Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

(2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali għall-mod li bih ikun żdied l-indiċi tal-inflazzjoni skont l-artikolu 13 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2013:

Kap. 158.

B'dan iżda li fejn il-kera tkun fl-1 ta' Jannar, 2010 aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, u b'kuntratt bil-miktub qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 il-partijiet ikunu qablu fuq metodu ta' żjieda fil-kera, wara l-1 ta' Jannar, 2010 iż-żjidiet fil-kera għandhom jibqgħu jkunu regolati skont dak il-ftehim sakemm jibqa' fis-seħħ.

Kera ta' fond kummerċjali. *Miżjud: X.2009.7. Emendat: V.2010.8.*

1531D.(1) Il-kera ta' fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq wara l-1 ta' Jannar, 2010 jew ta' ftehim bil-miktub li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 dwar kirja li tkun għadha fil-perjodu oriġinali tagħha fl-1 ta' Jannar, 2010, għandu mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2010, jiġi miżjud b'rata fissa ta' ħmistax fil-mija fuq il-kera attwali u jibqa' jiġi miżjud mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar ta' kull sena bi ħmistax fil-mija fuq l-aħħar kera bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Diċembru, 2013.

(2) Il-kera mid-data tal-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, għandu jiġi stabbilit bi qbil bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' qbil, għandu jittieħed bħala gwida għall-kera l-Indiċi tal-Valur Kummerċjali tal-Proprjetà kif jista jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni u fin-nuqqas ta' regolamenti, il-kera għandu mill-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2014, jogħla b'ħamsa fil-mija fis-sena sad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija regolamenti.

(3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, jekk kien hemm ftehim għal żjidiet perjodiċi bejn il-partijiet, dan il-ftehim għandu jibqa' japplika mingħajr iż-żjidiet kontemplati f'dan il-artikolu:

Iżda, barra mill-każijiet fejn iż-żjieda fil-kera jkun sar bi qbil, fejn tiġi applikata ż-żjieda kif proposta hawn qabel għal fondi kummerċjali, l-inkwilin jista' permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta lil sid il-kera jew lil wieħed minn sidien il-kera, jittermina l-kirja billi jagħti pre-avviż ta' tliet xhur u dan ukoll jekk il-kirja tkun għal żmien definit.

Manutenzjoni ordinarja esterna ta' fond mikri. *Miżjud: X.2009.7. Emendat: V.2010.9.*

1531E. Il-manutenzjoni ordinarja esterna ta' fond mikri qabel l-1 ta' Jannar, 2010, salv ftehim mod ieħor bil-miktub bejn il-partijiet, issir bi spejjeż tal-inkwilin u mhux tas-sid.

Tifsira ta' inkwilin ta' fond residenzjali. *Miżjud: X.2009.7. Emendat: XXIII.2017.79.*

1531F. *Imħassar bl-Att XXIV.2021.5.*

Persuna li ma tikkwalifikax bħala inkwilin. *Miżjud: X.2009.7.*

1531G. *Imħassar bl-Att XXIV.2021.6.*

Fond mikri bħala garaxx jew utilizzat bħala villeġġatura. *Mižjud: X.2009.7.*

1531H.(1) Fil-każ ta' garaxxijiet mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 li ma jiffurmawx parti minn dar mikrija lill-inkwilin bħala residenza ordinarja u li mhumiex meqjusa bħala fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010.

(2) Fil-każ ta' fond mikri qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 li jkun utilizzat bħala villeġġatura li ma tkunx ir-residenza ordinarja fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor, ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010:

Iżda ebda inkwilin għall-iskop ta' dan it-Titolu m'għandu jitqies li jkollu aktar minn dar ta' residenza ordinarja waħda.

Tifsira ta' inkwilin ta' fond kummerċjali. *Mižjud: X.2009.7. Emendat: XXIII.2017.80.*

1531I. Fil-każ ta' fond kummerċjali mikri qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, bħala inkwilin għandha tiġi meqjusa dik il-persuna li tkun qed tokkupa l-fond b'titolu validu ta' kera fl-1 ta' Ġunju, 2008 kif ukoll il-konjuġi tiegħu jekk jgħixu flimkien u mhux separati legalment kif ukoll wara l-mewt tal-imsemmi inkwilin, l-eredi tiegħu li jkunu jiġu minnu mid-demm jew biż-żwieġ sal-grad ta' kuġini inklussivament:

Iżda l-kera ta' fond kummerċjali li jkun beda qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandu f'kull każ jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew jgħaddu mill-1 ta' Ġunju, 2008 sakemm ma jkunx sar kuntratt ta' kiri li jistipula żmien determinat. Meta kirja li tkun bdiet qabel l-1 ta' Ġunju,1995 tkun mogħtija għal żmien determinat u fl-1 ta' Jannar, 2010 ikun għadu għaddej iż-żmien oriġinali *di fermo* jew *di rispetto* u ma tkunx għadha ġiet imġedda awtomatikament bil-liġi, allura f'dak il-każ għandhom japplikaw dak il-perjodu jew perjodi determinati fil-kuntratt. Kuntratt li jkun sar qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 u li jibqa' jiġġedded awtomatikament jew fid-diskrezzjoni unika tal-inkwilin, għandu jiġi meqjus daqs li kieku hu wieħed għal żmien indeterminat u b'hekk jiġi jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew għaddejjin mill-1 ta' Ġunju, 2008.

Fondi mikrija minn kull tip ta' każini. *Mižjud: X.2009.7. Emendat: XXVII.2018.5.*

1531J. (1) Fil-każ ta' fond mikri lil entità u wżat bħala każin qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 inkluż iżda mhux limitat għal entità mużikali, filantropika, soċjali, sportiva jew politika, meta l-kirja tkun mogħtija għal żmien determinat u fl-1 ta' Jannar, 2010 ikun għadu għaddej iż-żmien oriġinali *di fermo* jew *di rispetto* u ma tkunx għadha ġiet imġedda awtomatikament bil-liġi, f'dak il-każ għandu japplika dak iż-żmien determinat fil-kuntratt. Fil-każijiet l-oħra kollha meta l-kirja tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi u d-definizzjonijiet kollha kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995:

Iżda minkejja kull ħaġa li hemm fil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni jista' joħroġ regolamenti minn żmien għal żmien biex jirregola l-kondizzjonijiet tal-kirjiet ta' każini sabiex jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu u tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu għandhom, minkejja kwalunkwe liġi

oħra, japplikaw dwar l-okkupazzjoni ta' fond taħt titolu ta' kera minn każin meta l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti meta:

(i) il-każin ikun jikkonsisti minn każin tal-banda li fl-1 ta' Marzu 2018 ikun ilu jeżisti mill-inqas tletin (30) sena;

(ii) il-każin tal-banda msemmi fl-1 ta' Marzu 2018 kien ilu jokkupa l-fond bħala l-kwartieri prinċipali tiegħu taħt titolu ta' kera jew ċens jew taħt kombinazzjoni tat-tnejn għal perjodu ta' mill-inqas tletin (30) sena;

(iii) il-każin tal-banda jkun għadu jokkupa l-fond u dak il-fond ikun l-uniku fond tiegħu, ħlief għal imħażen jew fondi simili jew fondi oħra żgħar li ma jkunux jintużaw bħala każin, fl-1 ta' Marzu 2018; u

(iv) l-iżgumbrament tal-każin tal-banda jkun ordnat minn sentenza finali mogħtija mill-Bord tal-Kera jew minn xi Qorti għal raġuni li ma tkunx in-nuqqas ta' ħlas ta' kera dovuta.

(3) Fil-każ fejn il-kundizzjonijiet kollha elenkati fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-każin għandu jkun intitolat li jkompli jokkupa l-fond taħt titolu ta' kera taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) għal kera li tammonta għal għaxar (10) darbiet l-ammont ta' kera pagabbli għall-okkupazzjoni qabel is-sentenza finali tal-Bord tal-Kera jew tal-Qorti li tkun ordnat l-iżgumbrament;

(ii) il-kera msemmija fis-subparagrafu (i) m'għandhiex tkun miżjuda skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kundizzjonijiet tal-Kirjiet ta' Każini iżda l-ammont dovut lis-sid skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3 tar-regolamenti msemmija għandu jibqa' dovut flimkien mal-kera; L.S. 16.13.

(iii) il-kera dovuta skont is-subparagrafu (i) m'għandhiex tkun inqas minn ħamest elef euro (€5,000) fis-sena jew tkun tammonta għal aktar minn wieħed (1) fil-mija tal-valur tal-fond fl-1 ta' Jannar 2018.

(4) Is-sid tal fond li għalih japplikaw is-subartikoli (2) u (3) ikollu l-jedd li jagħmel rikors fil-Bord tal-Kera biex jikkontesta t-twettiq ta' kwalunkwe kundizzjonijiet kif jipprovdi s-subartikolu (2) jew li jitlob varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-kera biex tagħmel tajjeb għal kull sitwazzjoni ta' sproporzjonalità manifesta li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni tas-subartikoli (2) u (3), filwaqt li jitqiesu l-funzjonijiet soċjali u kulturali mwettqa mill-każin tal-banda:

Iżda fil-konsiderazzjoni dwar jekk tkunx teżisti sitwazzjoni ta' sproporzjonalità manifesta l-Bord ma għandux jibbaża l-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq il-potenzjal tal-fond għal żvilupp għal użu kummerċjali iżda għandu jqis il-fond fl-istat attwali tiegħu.

(5) Fi kwalunkwe proċeduri li jistgħu jwasslu għall-iżgumbrament minn fond, minħabba alterazzjonijiet strutturali mingħajr il-kunsens tas-sid, meta l-fond li minnu jintalab l-

iżgumbrament ikun jikkonsisti fil-kwartieri prinċipali bħala każin tal-banda, il-Bord tal-Kera jew il-Qorti m'għandhiex tordna l-iżgumbrament minn dak il-fond, meta l-alterazzjonijiet strutturali jkunu jikkonsistu f'xogħlijiet li jkunu relatati ma' attivitajiet filarmoniċi jew soċjali jew attivitajiet magħmula mill-każin tal-banda, u fejn ix-xogħlijiet ikunu miljoramenti tal-fond jew alterazzjonijiet strutturali tal-fond u l-każin tal-banda jipprovdi garanzija li fl-opinjoni tal-Bord tal-Kera jew tal-Qorti tkun biżżejjed biex tħalli lis-sid jirrestawra l-fond u jagħmel riparazzjonijiet jew alterazzjonijiet meħtieġa fil-fond fi tmiem il-kirja u biex tagħmel tajjeb għal kwalunkwe telf li jsir waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa:

Iżda l-ammont tal-garanzija msemmija f'dan is-subartikolu għandu jkun iffissat abbażi tal-prezzijiet li jkunu kurrenti fiż-żmien meta tingħata s-sentenza.

Fond użat kemm għall-abitazzjoni kif ukoll bħala fond kummerċjali. *Miżjud: X.2009.7. Sostitwit: XXIV.2021.7.*

1531K. Fil-każ ta' fond mikri qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 li huwa użat kemm għal dar ta' abitazzjoni kif ukoll bħala fond kummerċjali u li għalih jitħallas kera wieħed (1) biss, dan għandu jitqies bħala dar ta' abitazzjoni u għalih għandhom jgħoddu r-regoli li jirrigwardaw djar ta' abitazzjoni:

Iżda għar-rigward tar-rata tal-kera, il-kera għandu jkun dak stabbilit għal fond kummerċjali kif inhu stipulat f'dan il-Kodiċi jew l-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, skont liema kera huwa l-ogħla.

Kap. 69.

Kirja li daħlet fis-seħħ fi jew wara l-1 ta' Ġunju, 1995. *Miżjud: X.2009.7.*

1531L. Għall-kirjiet li daħlu fis-seħħ fi jew wara l-1 ta' Ġunju, 1995, dawn il-kirjiet, kemm dawk ta' dar ta' abitazzjoni kif ukoll dawk ta' fond kummerċjali, u fondi urbani, għandhom jibqgħu jkunu regolati bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet miftiehma bejn il-partijiet u bil-liġi kif kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien.

Kirja ta' fondi oħra li tkun saret qabel l-1 ta' Ġunju, 1995. *Miżjud: X.2009.7. Emendat: V.2010.10.*

1531M. Għall-kirjiet li jkunu saru qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 ta' fond li m'humiex fondi residenzjali jew fondi kummerċjali, bla ħsara għal dak imsemmi fl-artikolu 1531J fir-rigward ta' każini, u skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1531H fir-rigward ta' garaxxijiet u villeġġatura, għandha tibqa' tgħodd il-liġi u d-definizzjonijiet kollha kif kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni jista' joħroġ regolamenti minn żmien għal żmien biex jirregola dawn il-kirjiet sabiex jinstab bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid, tal-inkwilin u l-interess pubbliku.

Għal kemm żmien jitqies li sar il-kiri. *Emendat: I.1870.1; X.2009.8; XXVIII.2019.40.*

1532. (1) Jekk ma jkunx hemm ftehim espress jew ċirkostanzi li jistgħu juru x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet dwar iż-żmien tal-kiri, għandhom jiġu mħarsa r-regoli li ġejjin:

(*a*) il-kiri ta' bini jew ta' ħaġa mobbli jitqies magħmul għaż-żmien li għalih hu meqjus il-kera, jiġifieri, għal sena, jekk il-kera jkun ġie miftiehem tant fis-sena; għal xahar, jekk il-kera jkun ġie miftiehem tant fix-xahar; għal ġurnata, jekk ikun ġie miftiehem tant kull

jum:

Iżda, meta ma jkunx hemm prova jekk il-kera ġiex miftiehem bis-sena, bix-xahar, jew bil-ġurnata, jitqies li ġie miftiehem skont l-użu.

(*b*) il-kiri ta' raba' jitqies li sar: jekk il-fond hu li jista' jagħti frottijiet, għaż-żmien meħtieġ għall-ġabra tal-frottijiet ta' erba' annati; jekk il-fond ma jistax jagħti frottijiet, għaż-żmien li għalih hu meqjus il-kera, bħal ma jingħad għall-bini;

(*ċ*) jekk ikun hemm xi użu partikolari dwar iż-żmien tal-kiri ta' xi ħwejjeġ, il-kiri, dwar dawn il-ħwejjeġ, jitqies li sar għaż-żmien meqjus skont dak l-użu.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux għall-kirja ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni u fond kummerċjali li tiġi fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar, 2010:

Iżda kwalunkwe kirjiet residenzjali privati li jsiru wara l-1 ta' Jannar, 2020, għandhom ikunu preżunti li saru għal perjodu ta' sena (1), sakemm il-partijiet ma jiftehmux għal kirja residenzjali privata qasira jew għal kiri ta' spazju residenzjali maqsum skont l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati. Kap. 604.

1533. (1) Il-kera jista' jikkonsisti sew fi flus kemm f'xi kwantità ta' oġġetti jew ukoll f'sehem tal-frottijiet li l-ħaġa tagħti. Kera. *Emendat: X.2009.9.*

(2) Meta ma hemmx prova li l-kera ġie miftiehem f'oġġetti jew f'sehem ta' frottijiet, jitqies li ġie miftiehem fi flus.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ma jgħoddux għall-kirja ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni u fond kummerċjali li tiġi fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar, 2010.

1534. (1) Meta l-kuntratt tal-kera jkun ġa beda miexi, il-kera, fin-nuqqas ta' ftehim espress, jew ta' liġi li tistabbilixxi s-somma tal-kera, għandu jitqies fuq il-prezz korrenti, jekk ikun hemm, jew, jekk ma jkunx hemm, fuq stima ta' periti: Kif jitqies il-kera meta mhux miftiehem. *Emendat: X.2009.10; XXVIII.2019.41.*

Iżda fil-każ ta' okkupazzjoni mingħajr titolu taħt l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati, il-kera għandha tkun stabbilita skont id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Att imsemmi. Kap.604.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux għall-kirja ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni u fond kummerċjali li tiġi fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar, 2010:

Iżda fil-każ ta' okkupazzjoni mingħajr titolu li huma eżistenti wara l-1 ta' Jannar, 2020, il-kera għandha tkun determinata skont l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati. Cap.604.

1535. (1) Kull ħlas bil-quddiem ta' qbiela ta' raba' ma jiswiex, jekk b'hekk ibatu ħsara l-krediturі ipotekarji ta' sid il-kera jew dawk li jidħlu warajh fil-pussess tal-fond bis-saħħa ta' fedekommess, jew li lilhom, minħabba li b'xi mod jiġi maħlul il-jedd tiegħu, ikun imiss il-fond. Ħlas tal-kera bil-quddiem.

(2) Lanqas ma jiswa kull ħlas bil-quddiem ta' kera ta' bini għal iżjed minn sitt xhur, jekk b'hekk titbata l-ħsara hawn fuq imsemmija.

Tiġdid taċitu tal-kiri. *Emendat: X.2009.11; XXVIII.2019.42.*

1536. (1) Jekk, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri, il-kerrej jibqa' u jiġi mħolli fit-tgawdija tal-ħaġa mikrija lilu, jingħadd li l-kiri ġie mġedded taħt l-istess kondizzjonijiet u bl-istess jeddijiet u obbligi, għal żmien meqjus kif jingħad fl-artikolu 1532, minbarra għal dak li hu raba', illi l-kiri tiegħu jingħadd imġedded għaż-żmien li hu meħtieġ għall-ġabra tal-frottijiet ta' sena:

Iżda, jekk il-kera jitħallas b'rati, il-kiri, ħlief fil-każ ta' raba', jingħadd imġedded għaż-żmien tal-ħlas ta' rata waħda:

Kap.604.

Iżda wkoll li fil-każ ta' kirjiet residenzjali privati taħt l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati, il-kera għandha tkun meqjusa li ġiet imġedda skont l-Att imsemmi.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux għall-kirja ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni u fond kummerċjali li tiġi fis-seħħ wara l-1 ta' Jannar, 2010:

Kap.604.

Iżda kirjiet residenzjali privati taħt l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati għandhom ikunu regolati skont l-Att imsemmi.

Meta ma hemmx tiġdid taċitu.

1537. Meta sid il-kera jkun ta avviż lill-kerrej biex iħalli l-ħaġa fl-egħluq taż-żmien tal-kiri, il-kerrej ma jistax jeċċepixxi t-tiġdid taċitu tal-kiri, kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, lanqas jekk ikun issokta fit-tgawdija tal-ħaġa.

Sa fejn isseħħ l-garanzija.

1538. Il-garanti f'kuntratt ta' kiri ma jitqiesx, f'ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, marbut għall-obbligazzjonijiet li jiġu mit-tiġdid tal-kiri, ħlief kemm-il darba hu jkun obbliga ruħu espressament għaż-żmien kollu sakemm il-kerrej jagħti lura l-ħaġa.

---

§ I. FUQ IL-JEDDIJIET U L-OBBLIGI TA' SID IL-KERA

Obbligi ta' sid il-kera.

1539. Sid il-kera hu obbligat, min-natura stess tal-kuntratt, u mingħajr ma jinħtieġ ebda ftehim speċjali -

(*a*) jikkunsinna lill-kerrej il-ħaġa mikrija;

(*b*) iżomm din il-ħaġa fi stat li wieħed jista' jagħmel minnha l-użu li għalih ġiet mikrija;

(*ċ*) iqis li l-kerrej ikollu t-tgawdija bil-kwiet tal-ħaġa, għaż-żmien kollu tal-kiri.

Kunsinna tal-ħaġa fi stat tajjeb ta' tiswija. *Emendat: X.2009.12.*

1540. (1) Sid il-kera għandu jikkunsinna l-ħaġa fi stat tajjeb ta' tiswija ta' kull xorta.

(2) Matul il-kiri, sid il-kera għandu jagħmel it-tiswijiet kollha li jsiru meħtieġa, minbarra għal dak li hu bini, it-tiswijiet imsemmija fl-artikolu 1556, jekk ma jkunx intrabat espressament għalihom ukoll.

(3) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu fil-każ ta' fond urban, dar ta'

abitazzjoni u fond kummerċjali, "tiswijiet strutturali" jitqiesu dawk li għandhom x'jaqsmu mal-binja nnifisha tal-fond, inklużi s-soqfa.

(4) Meta sid il-kera fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 jagħmel tiswijiet strutturali li jkunu saru neċessarji mhux b'nuqqas tiegħu, il-kera għandu jiżdied b'sitta fil-mija tal-valur tan-nefqa li tkun saret:

Iżda fejn it-tiswijiet strutturali ma jkunux saru meħtieġa minħabba nuqqas tal-inkwilin, l-inkwilin ikollu dritt li jitlob it-tmiem tal-kirja minkejja li ż-żmien tal-kirja jkun għadu ma għaddiex:

Iżda fil-każijiet fejn sid il-kera jkun lest li jagħmel dawn it-tiswijiet, l-inkwilin jista' jagħżel li jagħmel it-tiswijiet hu bi spejjeż tiegħu, u b'hekk il-kera jibqa' ma jinbidilx; iżda l-inkwilin f'dan il-każ ma jkollu ebda dritt għal kumpens, lanqas parzjali, għal dawn it-tiswijiet strutturali meta l-kirja tintemm.

Meta l-kerrej jista' f'xi każijiet jagħmel tiswijiet. *Emendat: XXII.2005.81. Sostitwit: X.2009.13. Emendat: XXVIII.2019.43.*

1541. (1) Jekk sid il-kera, wara li jiġi msejjaħ b'att ġudizzjarju, ma jagħmilx it-tiswijiet li għalihom hu obbligat, il-kerrej jista' jitlob, b'rikors, li jiġi awtorizzat li jagħmel dawk it-tiswijiet bi spejjeż ta' sid il-kera, taħt dawk il-kondizzjonijiet illi l-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati, l-Bord tal-Kera, jew il-Qorti jew il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', skont il-każ, ikunu jidhrulu xierqa fiċ-ċirkostanzi.

(2) Il-kerrej għandu jedd li jżomm il-kera dovut jew dak li jkun għad irid jitħallas, biex jitħallas lura ta' dawk l-ispejjeż, bla ħsara tal-jeddijiet tiegħu għal kull somma akbar, jekk l-ammont ta' dawk l-ispejjeż ikun iżjed minn dak il-kera; f'dan il-każ sid il-kera ma jkollux dritt li jawmenta l-kera kif msemmi fl-artikolu 1540(4).

Responsabbiltà ta' sid il-kera minħabba d-dewmien.

1542. Sid il-kera għandu jħallas lill-kerrej il-ħsara li dan ibati minħabba li sid il-kera jkun dam ma għamel it-tiswijiet illi, wara s-sejħa bil-qorti msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, kien obbligat jagħmel.

Tiswijiet li ma jridux dewmien. *Sostitwit: X.2009.14.*

1543. Il-kerrej jista', mingħajr ma jkunu jinħtieġu ebda proċeduri jagħmel bi spejjeż ta' sid il-kera, dawk it-tiswijiet urġenti; u, f'dan il-każ, jista', biex jitħallas lura, iżomm il-kera bħal ma jingħad fl-artikolu 1541:

Iżda l-kerrej għandu, mill-aktar fis li jista' jkun, jgħarraf b'dan lil sid il-kera u jagħtih rapport ta' perit dwar il-ħtieġa tal-għażla ta' dawk it-tiswijiet u l-valur stmat tagħhom u l-ħsara li jista' jġib id-dewmien:

Iżda wkoll sid il-kera għandu jkun responsabbli li jkompli dawk it-tiswijiet li jkunu bdew taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Meta l-kuntratt jista' jinħall għal nuqqas ta' tiswijiet. *Emendat: X.2009.15.*

1544. Jekk it-tiswijiet li sid il-kera hu obbligat jagħmel huma tali li jekk ma jsirux ifixklu jew inaqqsu bil-wisq it-tgawdija tal-ħaġa mogħtija b'kiri, u sid il-kera jonqos li jagħmilhom fiż-żmien mogħti mill-Bord tal-Kera, jew il-Qorti jew il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' skont il-każ, il-kerrej jista' jitlob ukoll il-ħall tal-kuntratt, flimkien mal-ħlas tad-danni.

Responsabbiltà ta' sid il-kera dwar mankamenti jew difetti tat- ħaġa mogħtija b'kiri.

1545. (1) Sid il-kera għandu jagħmel tajjeb li l-ħaġa mogħtija b'kiri m'għandhiex mankamenti jew difetti li jfixxklu jew inaqqsu l-użu tagħha; u, meta jinsab li hemm dawn il-mankamenti jew difetti, il-kerrej jista' jagħżel li jitlob jew il-ħall tal-kuntratt jew it-tnaqqis tal-kera.

(2) Dan igħodd ukoll, għalkemm dawn il-mankamenti jew difetti jkunu nqalgħu wara l-kuntratt.

(3) Iżda, sid il-kera ma jweġibx għall-mankamenti jew difetti li jidhru, u li l-kerrej seta' jinduna bihom huwa nnifsu fiż-żmien tal-kuntratt.

Responsabbiltà ta' sid il-kera għad-danni li jiġru minħabba difetti moħbija.

1546. Meta, minħabba mankamenti jew difetti moħbija li jkun hemm fil-ħaġa mikrija fiż-żmien tal-kuntratt, il-kerrej ibati ħsara, sid il-kera, jekk kien jaf b'dawk il-mankamenti jew difetti, jew kellu raġuni jissuspetta fihom, hu obbligat għall-ħlas tad-danni, kemm-il darba ma jkunx għarraf lill-kerrej li hemm, jew li jibża' li hemm, dawk il-mankamenti jew difetti.

Sid il-kera ma jistax ibiddel il-għamla tal-ħaġa mikrija.

1547. Sid il-kera ma jistax, matul iż-żmien tal-kiri, ibiddel il-għamla tal-ħaġa mikrija, mingħajr il-kunsens tal-kerrej.

Il-kerrej għandu jħalli li jsiru t-tiswijiet li ma jridux dewmien.

1548. (1) Jekk, matul il-kiri, il-fond mikri jkun jiħtieġ tiswijiet li ma jridux dewmien u li ma jistgħux jitħallew sat-tmiem tal-kuntratt, il-kerrej għandu jħalli jsiru dawn it-tiswijiet, ikun xi jkun ix-xkiel li jġibulu, ukoll jekk, fiż-żmien li jkunu qegħdin isiru hu jitlef l-użu ta' biċċa mill-fond.

(2) Iżda, jekk dawn it-tiswijiet jieħdu iżjed minn erbgħin ġurnata, il-kera jiġi mnaqqas fil-proporzjon taż-żmien u tal-biċċa tal-fond li tagħha l-kerrej jitlef l-użu.

Dritt ta' aċċess għall-fond mis-sid. *Mižjud: X.2009.16.*

1548A. Waqt li tkun miexja l-kirja ta' fond urban, dar ta' abitazzjoni jew fond kummerċjali, is-sid ikollu d-dritt ta' aċċess għall-fond f'ħinijiet u modi miftiehma mal-inkwilin biex jista' jaqdi l-obbligi tiegħu jew jara li l-inkwilin qiegħed jaqdi l-obbligi tiegħu, kif ukoll biex juri l-post lill-akkwirenti prospettivi:

Iżda fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet, il-Bord tal-Kera jista', wara li, jekk ikun hemm bżonn, jisma' lill-partijiet b'mod sommarju, jiffissa ġranet, ħinijiet u kondizzjonijiet, wara rikors magħmul mis-sid għal dan l-iskop. Il-Bord jista' jagħti digriet waqt is-seduta jew kamerali mingħajr ma jisma' lill-partijiet. Id-digriet għandu jingħata fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data li fih jiġi notifikat l-inkwilin. Il-Bord tal-Kera jista' jordna li l-ispezzjoni ssir taħt is-superviżjoni u fil-preżenza ta' marixxall tal-Qorti. Il-Bord tal-Kera f'din il-funzjoni għandu wkoll iqis id-dritt għall-privatezza tal-inkwilin u għandu jara li ma jsirx abbuż mid-dritt mogħti lis-sid f'dan is-subartikolu. Id-digriet mogħti f'dan il-każ ma jistax jiġi appellat.

Il-kerrej jista' f'xi każijiet jitlob li jħoll il-kuntratt.

1549. (1) Fil-każ ta' bini li qiegħed għall-abitazzjoni, jekk it-tiswijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan ikunu ta' xorta tali li jagħmlu mhux abitabbli għal kull żmien li jkun dik il-biċċa tal-fond li hija meħtieġa biex igħammru fiha l-kerrej u l-familja tiegħu, il-kerrej jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob li jħoll il-kuntratt.

(2) Dan igħodd ukoll fil-każ ta' ħaġa mobbli, meta t-tiswijiet huma ta' xorta tali li minħabba fihom ma jkunx jista' jsir użu mill-ħaġa għal kull żmien li jkun.

Sid il-kera ma jagħmilx tajjeb għall-molestji ta' terzi persuni,

1550. Sid il-kera mhux obbligat jagħmel tajjeb lill-kerrej għall-molestji li terzi persuni, b'għemilhom, jikkaġunawlu fit-tgawdija tal-ħaġa, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-ħaġa mikrija, bla ħsara tal-jedd tal-kerrej li jaġixxi kontra dawk il-persuni fl-isem tiegħu nnifsu.

ħlief meta jintalab jedd fuq il-ħaġa.

1551. (1) Jekk, għall-kuntrarju, il-kerrej ibati molestja fit-tgawdija tal-ħaġa minħabba azzjoni dwar jedd fuq il-ħaġa mikrija, hu jista' jaġixxi kontra sid il-kera għall-ħlas tad-danni, jekk il-ħaġa tiġi meħuda lilu kollha kemm hi, jew għal tnaqqis proporzjonat tal-kera, skont it-telfa li jbati, jekk tiġi meħuda lilu biċċa biss mill-ħaġa, jew tiġi mnaqqsa lilu t-tgawdija tagħha, jew jiġi magħmul lilu xi xkiel.

(2) Iżda, il-kerrej jista' wkoll, fit-tieni każ fuq imsemmi, jitlob il-ħall tal-kuntratt jew il-ħlas tad-danni, jekk bil-biċċa tal-ħaġa li tibqagħlu ma jkunx jista' jinqeda għall-ħsieb li kellu meta ħa b'kiri l-ħaġa kollha.

Meta ma hemmx jedd għad-danni.

1552. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, dwar il-ħlas tad-danni, ma jgħoddux -

(*a*) jekk il-kerrej jonqos li jgħarraf lil sid il-kera, mingħajr dewmien, bil-molestja, u sid il-kera jbati ħsara minħabba dan in-nuqqas;

(*b*) jekk il-motiv tal-azzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, ikun inqala' wara l-kuntratt, u ma jkunx ġej mill-għemil ta' sid il-kera;

(*ċ*) jekk, fiż-żmien tal-kuntratt, il-kerrej kien jaf bil-jedd tat-terza persuna.

Meta l-kerrej għandu jsejjaħ lil sid il-kera biex jiddefendih.

1553. Jekk it-terzi li jkunu kkaġunaw molestja b'għemilhom, jippretendu li għandhom xi jedd fuq il-ħaġa mikrija, jew jekk il-kerrej ikun huwa nnifsu ġie mħarrek biex jiġi kkundannat jitlaq minn idejh il-ħaġa kollha jew biċċa minnha, jew biex iħalli li tiġi ezerċitata xi servitù, hu għandu jsejjaħ lil sid il-kera biex jiddefendih, u, kemm-il darba hekk jitlob, għandu jiġi meħlus mill-kawża, billi jagħti l-isem ta' sid il-kera illi fl-isem tiegħu huwa jkollu f'idejh il-ħaġa.

---

§ II. FUQ IL-JEDDIJIET U L-OBBLIGI TAL-KERREJ

Obbligi tal-kerrej. *Emendat: X.2009.17.*

1554. Il-kerrej għandu -

(*a*) jinqeda bil-ħaġa mikrija bħala missier tajjeb tal-familja, u għall-użu miftiehem fil-kuntratt, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim fuq dan, għall-użu li jista' jiġi prežunt miċ-ċirkostanzi;

(*b*) iħallas il-kera miftiehem, jew kif stabbilit bil-liġi.

Użu ħazin tal-ħaġa mikrija.
Sostitwit: X.2009.18.

1555. Jekk il-kerrej jagħmel mill-ħaġa mikrija użu xorta oħra minn dak li għalih ikun miftiehem, jew preżunt skont l-artikolu preċedenti, jew b'mod li bih jista' jġib ħsara lil sid il-kera, sid il-kera jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob il-ħall tal-kirja.

Meta fond ma jintużax.
Miżjud: X.2009.18.
Emendat: XX.2024.3.

1555A.(1) Fil-każ ta' dar għall-abitazzjoni, in-nuqqas ta' użu għall-abitazzjoni għal perjodu ta' aktar minn tnax-il xahar jitqies bħala użu ħażin tal-ħaġa mikrija skont l-artikolu 1555:

Iżda meta persuna ma tkunx użat il-fond mikri lilha minħabba li hija kienet temporanjament assenti mill-fond minħabba f'xogħol, studji jew kura medika, dan ma jitqiesx bħala użu ħażin.

(2) Fejn inkwilin ta' kirja li bdiet qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 jiġi rikoverat fi sptar jew f'dar tal-anzjani, fejn l-istituzzjoni tiċċertifika jew fejn jirriżulta b'mod konklussiv li l-istess inkwilin għandu dipendenza permanenti fuq l-istituzzjoni, għall-fini tat-tkomplija ta' kirja skont l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, l-imsemmija dipendenza permanenti għandu jkollha l-istess effetti bħall-mewt tal-kerrej.

Kap. 69.
Kap. 158.

(3) Fil-każ ta' fond kummerċjali, in-nuqqas ta' użu għall-iskop kummerċjali kif joħroġ mill-kuntratt ta' kiri jitqies bħala użu ħażin tal-ħaġa mikrija skont l-artikolu 1555.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1555 jgħoddu wkoll fil-każ ta' raba', jekk il-kerrej ma jkunx baqa' jaħdmu, jew ma jaħdmux ta' missier tajjeb tal-familja, u sid il-kera jista' b'dan ibati ħsara li għaliha ma tkun ingħatat ebda garanzija.

(5) F'kull wieħed mill-każijiet hawn qabel imsemmija, ħlief fil-każijiet fejn l-inkwilin jitlef il-kirja minħabba f'rikoveru f'istituzzjoni, il-kerrej hu obbligat ukoll għall-ħlas tad-danni.

Tiswijiet li għandu jagħmel il-kerrej ta' bini.
Sostitwit: X.2009.19.

1556. Il-kerrej ta' bini għandu jagħmel it-tiswijiet kollha meħtieġa barra minn dawk li huma strutturali:

Iżda, jekk dawn ix-xogħlijiet ma jsirux b'mod xieraq u skont l-arti u sengħa, is-sid ikollu d-dritt li jitlob lill-Bord tal-Kera li jiġi awtorizzat li jagħmel ix-xogħol hu mill-ġdid bi spejjeż tal-kerrej:

Iżda wkoll fejn ġew miżjuda għall-inkwilin obbligi ġodda ta' tiswija li qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 ma kinux jinkombu fuqu, in-nuqqas li jagħmel dawk it-tiswijiet qabel l-1 ta' Jannar, 2010 ma jista' bl-ebda mod jesponi lill-inkwilin għal xi danni jew konsegwenzi punittivi oħra bħal ma hija azzjoni għat-temm tal-kirja.

Minbarra meta jsiru b'forza maġġuri.
Sostitwit: X.2009.20.

1557. Il-kerrej f'ebda każ m'hu marbut li jagħmel xi tiswija għal dannu kaġunat minn forza maġġuri, u bla ebda ħtija tiegħu.

Tħammil ta' ġwiebi.
Sostitwit: X.2009.21.

1558. It-tħammil tal-ġwiebi u tal-fosos, u t-tindif taċ-ċmieni hu obbligu tal-kerrej.

1559. Meta sid il-kera u l-kerrej ikunu għamlu deskrizzjoni tal-istat tal-ħaġa mogħtija b'kiri, il-kerrej għandu jagħtiha lura f'dak l-istat li jkun irċevieha, skont id-deskrizzjoni li tkun saret, minbarra kwantu għal dak li jkun inqered jew tgħarraq bi qdumija jew b'forza maġġuri. Stat li fih il-ħaġa għandha tintradd.

1560. Jekk ma tkun saret ebda deskrizzjoni tal-istat tal-ħaġa mogħtija b'kiri, jingħadd, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, li l-kerrej irċieva l-ħaġa fi stat tajjeb. Meta l-ħaġa titqies li ttieħdet fi stat tajjeb. *Emendat: X.2009.22.*

1561. Il-kerrej iwieġeb għat-tgħarriq u għall-ħsarat li jiġru matul it-tgawdija tiegħu, meta ma jippruvax li dan it-tgħarriq jew ħsarat ġraw mingħajr ħtija tiegħu. Il-kerrej iwieġeb għall-ħsarat, eċċ.

1562. Il-kerrej iwieġeb għal kull ħsara li tiġri bi ħruq, kemm-il darba ma jippruvax li tkun ġrat mingħajr ħtija tiegħu jew tal-persuni msemmijin fl-artikolu ta' wara dan, jew b'aċċident jew b'forza maġġuri, jew b'difett fil-bini, jew lill-ħruq ġie kkumnikat minn fond viċin. Il-kerrej iwieġeb għall-ħruq.

1563. Il-kerrej iwieġeb għat-tgħarriq jew ħsarat li jsiru b'għemil jew b'nuqqas min-nies tal-familja tiegħu, jew mis-sefturi tiegħu, jew minn mistednin, jew sub-kerrejja tiegħu. Il-kerrej iwieġeb għall-għemil tas-sefturi, eċċ.

1564. (1) Il-kerrej, matul il-kiri, ma jista' jagħmel ebda tibdil fil-ħaġa mikrija mingħajr il-kunsens ta' sid il-kera, u m'għandux jedd jitlob il-ħlas lura tal-valur, ikun kemm ikun, tal-miljoramenti magħmula mingħajr dak il-kunsens. Miljoramenti.

(2) B'dan kollu, il-kerrej għandu jedd jieħu lura dawk il-miljoramenti, billi jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma saru, iżda dan kemm-il darba, għal dawk li huma l-miljoramenti li jkunu għadhom jeżistu fit-tmiem tal-kiri, huwa juri li jista' jieħu xi utli minnhom billi jaqlagħhom, u sid il-kera ma jagħżilx li jżommhom, u jħallas lill-kerrej somma daqs il-ġid li dan jista' jieħu li kieku jaqlagħhom.

1565. Il-kerrej hu obbligat, taħt piena tad-danni, igħarraf, bla dewmien, lil sid il-kera, bl-użurpazzjonijiet jew ħsarat oħra li jsiru fuq il-ħaġa mikrija. Il-kerrej għandu jgħarraf lis-sid bl-użurpazzjoni, eċċ., li ssir minn ħaddieħor.

---

§ III. KIF JINĦALL IL-KIRI

1566. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1531A sa 1531M, il-kiri meta jagħlaq iż-żmien miftiehem espressament, jispiċċa *ipso jure*, mingħajr ma hu meħtieġ li sid il-kera jew il-kerrej jagħtu avviż lil xulxin: Tmiem tal-kiri bl-egħluq taż-żmien, *Emendat: X.2009.23; XXVIII.2019.44.*

Iżda kirjiet residenzjali privati taħt l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati għandhom ikunu regolati skont l-Att imsemmi. Kap.604.

1567. Il-kiri ta' raba' jew ta' ħwejjeġ mobbli jispiċċa wkoll *ipso jure* bl-egħluq taż-żmien, għalkemm dan iż-żmien ikun preżunt kif jingħad fl-artikolu 1532. ukoll jekk f'każ ta' raba' jew ħwejjeġ mobbli, iż-żmien hu preżunt.

Jekk iż-żmien tal-kiri ta' bini hu preżunt, hu meħtieġ avviż għat-tmiem tiegħu.

1568. Iżda, għal dak li hu bini, meta ż-żmien tal-kiri hu preżunt kif jingħad fl-artikolu 1532, il-kiri ma jispiċċax bl-egħluq taż-żmien kemm-il darba sid il-kera ma jagħtix avviż lill-kerrej, jew dan lil dak, mill-anqas xahar qabel, jekk iż-żmien preżunt tal-kiri hu għal sena, jew ħmistax-il gurnata qabel, jekk dan iż-żmien hu għal anqas minn sena.

Il-kiri jinħall jekk isseħħ xi kondizzjoni li taħtha jsir il-kuntratt,

1569. (1) Il-kiri jinħall ukoll *ipso jure*, jekk isseħħ xi kondizzjoni li taħtha l-ħall tal-kuntratt ikun ġie miftiehem espressament, bla ħsara tal-azzjoni tad-danni li tmiss lill-parti li favur tagħha jkun ġie miftiehem il-ħall tal-kuntratt jekk ikollha jedd skont il-liġi.

(2) Jekk il-ħall tal-kiri jiġi miftiehem għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos li tagħmel dak li tkun wiegħdet, il-kuntratt ma jinħallx ħlief minn dak in-nhar li l-parti li favur tagħha l-ħall ikun ġie miftiehem, tgħarraf b'att ġudizzjarju lill-parti l-oħra, bil-ħsieb tagħha li tinqeda b'dak il-ftehim.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu, ma jistax jingħata żmien lill-parti ħatja biex fih tagħmel dak li minnu tkun naqset.

jew meta waħda mill-partijiet tonqos mill-ftehim, *Sostitwit: X.2009.24.*

1570. Il-kiri jista' ukoll jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kundizzjoni riżoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma teżegwix l-obbligazzjoni tagħha; u, f'kull każ bħal dan il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita tista' tagħżel jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, meta dan jista' jkun, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt flimkien mal-ħlas tad-danni għan nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt:

Iżda, fil-każ ta' fondi urbani, djar ta' abitazzjoni u fondi kummerċjali fil-każ ta' nuqqas puntwali tal-kera, il-ħall jista' jintalab biss wara li s-sid ikun interpella lill-inkwilin permezz ta' ittra uffiċjali u l-inkwilin ikun, minkejja dak l-avviż, naqas milli jħallas dik il-kera fi żmien ħmistax-il jum minn notifika.

jew jekk il-ħaġa tinqered.

1571. (1) Jekk, matul il-kiri, il-ħaġa mikrija tiġi meqruda għal kollox b'aċċident, il-kiri jinħall *ipso jure*; jekk ma tiġix meqruda ħlief biċċa minnha biss, il-kerrej jista', skont iċ-ċirkostanzi, jitlob jew it-tnaqqis tal-kera, jew il-ħall tal-kuntratt.

(2) Il-kerrej jista' wkoll, skont iċ-ċirkostanzi, jitlob it-tnaqqis tal-kera jew il-ħall tal-kuntratt, jekk, b'aċċident, il-ħaġa mikrija ssir ma tiswiex biex wieħed jinqeda biha.

(3) F'ebda wieħed mill-każijiet miġjuba f'dan l-artikolu ma jista' jintalab ħlas għall-ħsara.

Il-kiri ma jinħattx bil-mewt ta' sid il-kera jew tal-kerrej, *Sostitwit: X.2009.25.*

1572. Il-kuntratt ta' kiri ma jinħalx bil-mewt ta' sid il-kera jew tal-kerrej, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1531A sa 1531M.

jew minħabba li sid il-kera jrid imur joqgħod huwa fid-dar, *Emendat: XX.2024.4.*

1573. Sid il-kera ma jistax iħoll il-kuntratt minħabba li jkun irid imur joqgħod huwa nnifsu fid-dar mikrija, ħlief jekk dan il-jedd ikun ġie miftiehem espressament: f'dan il-każ, sid il-kera għandu jagħti avviż lill-kerrej xahar qabel, jekk iż-żmien li jkun fadal għat-tmiem tal-kiri ma jkunx anqas minn sena, jew ħmistax-il ġurnata

qabel, jekk dan iż-żmien ikun anqas minn sena:

Iżda fil-każ ta' kirjiet residenzjali privati skont l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati, sid il-kera għandu jkun marbut li jagħti avviż lill-kerrej mill-inqas tliet (3) xhur qabel b'ittra reġistrata. Kap. 604.

1574. Jekk sid il-kera jbigħ il-ħaġa mikrija, jew jagħmel minnha xort'oħra, l-akkwirent ma jistax iħoll il-kiri, kemm-il darba sid il-kera ma jkunx żamm dan il-jedd fil-kuntratt tal-kiri. jew fil-każ ta' trasferiment tal-ħaġa mikrija.

1575. (1) L-akkwirent tal-ħaġa mikrija, meta jkun irid jinqeda bil-jedd li jkun inżamm fil-kuntratt dwar il-ħall tal-kiri fil-każ ta' bejgħ jew trasferiment ieħor, hu obbligat, meta ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor fil-kuntratt, jagħti avviż lill-kerrej, sena qabel, f'każ ta' raba', u xahar jew ħmistax-il ġurnata qabel, skont l-artikolu 1573, f'każ ta' bini: Avviż mill-akkwirent lill-kerrej. *Emendat: XX.2024.5.*

Iżda fil-każ ta' kirjiet residenzjali privati skont l-Att dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati, sid il-kera għandu jagħti avviż lill-kerrej mill-inqas tliet (3) xhur qabel b'ittra reġistrata. Kap. 604.

(2) Fil-każ ta' ħwejjeġ mobbli, l-avviż lill-kerrej għandu jingħata tmint ijiem qabel, jew mill-anqas tant żmien qabel daqs kemm ikun nofs iż-żmien li jkun jonqos għat-tmiem tal-kiri.

1576. Ix-xerrej ta' fond suġġett għall-irkupru konvenzjonali, ma jistax jinqeda bil-jedd li joħroġ lill-kerrej, sakemm hu ma jkunx sar is-sid għal kollox ta' dak il-fond. Ix-xerrej ma jistax joħroġ lill-kerrej sakemm ma jkunx sar sid għal kollox. *Emendat: IV.1961.2.*

1576A. *Imħassar bl- XVII.2017.84.* Fondi tal-Gvern eċċ. *Miżjud: IV.1995.3. Imħassar: XVII.2017.84.*

1576B. *Imħassar bl- XVII.2017.84.* Meta ma jkunx hemm dritt għall-kumpens. *Miżjud: IV.1995.3. Imħassar: XVII.2017.84.*

1576Ċ. *Imħassar bl- XVII.2017.84.* Meta jkun hemm dritt għal kumpens. *Miżjud: IV.1995.3. Emendat: X.2009.26. Imħassar: XVII.2017.84.*

1576D. *Imħassar bl- XVII.2017.84.* Ma hemmx ħtieġa ta' dikjarazzjoni mill-qorti. *Miżjud: IV.1995.3. Emendat: X.2009.27. Imħassar: XVII.2017.84.*

---

§ IV.REGOLI SPEĊJALI DWAR IL-KIRI TA' RABA' LI JAGĦTI FROTTIJIET Emendat: I.1870.2.

Maħfra jew tnaqqis tal-qbiela f'każ ta' telfa tal-prodott.

1577. Jekk il-kiri huwa għal sentejn jew iżjed, u, matul dan iż-żmien, jintilef, b'aċċident, il-prodott kollu ta' sena, jew għall-anqas biċċa hekk kbira minn dan il-prodott li l-valur tal-frottijiet li jibqgħu, wara li jitnaqqsu l-valur taż-żrieragħ u l-ispejjeż tal-ġabra tal-prodott, ma jkunx daqs in-nofs tal-qbiela miftiehma, il-gabillott jista jitlob, fl-ewwel każ, il-maħfra tal-qbiela kollha, u, fit-tieni każ, it-tnaqqis tal-qbiela, f'ammont daqs ta' kemm tkun id-differenza bejn il-valur tal-frottijiet li jibqgħu u s-somma tal-qbiela fuq imsemmija.

Il-gabillott għandu jitlob il-verifika tat-telfa. *Emendat: XXII.2005.81.*

1578. Sabiex il-gabillott jista' jieħu l-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela hawn fuq imsemmijin, huwa għandu, fi żmien is-sajran u qabel il-ġabra tal-frottijiet, jitlob, b'rikors ġuramentat, il-verifika tat-telf; fin-nuqqas ta' din it-talba, hu ma jistax iġib iżjed 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu.

Meta ma hemmx maħfra jew tnaqqis.

1579. Il-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela ma jingħatawx jekk, meta jsir kalkolu bejn iż-żejjed u n-nieqes tas-snin ta' qabel, jinsab li baqa' qligħ biżżejjed biex titnaqqas it-telfa li tbatiet fis-sena msemmija fit-talba, sa anqas minn nofs il-qbiela.

Kif tiġi ġġustata t-telfa meta l-kiri jissokta.

1580. Jekk, wara li jsir dan il-kalkolu, it-telf hawn fuq imsemmi jinsab li hu iżjed min-nofs il-qbiela, u l-kiri jkun li għandu jissokta għal sena oħra jew iżjed, il-qorti tista' teħles għal mument lill-gabillott mill-ħlas tal-qbiela skont ma tkun il-ħsara li bata.

Il-maħfra jew tnaqqis għandhom jiġu ġġustati għal kollox fit-tmiem tal-kiri.

1581. Iżda, f'dan il-każ, ma jiġix deċiż għal kollox jekk għandhomx jiġu maħfura jew imnaqqsa l-qbiela, ħlief fit-tmiem tal-kiri, meta jerġa' jsir kalkolu ieħor bejn iż-żejjed u n-nieqes fil-prodott miġbur matul iż-żmien kollu tal-kiri, u ebda maħfra jew tnaqqis ma jiġu mogħtija jekk minn dan il-kalkolu jibqa' qligħ biżżejjed biex titnaqqas it-telfa tas-sena msemmija fit-talba sa anqas minn nofs il-qbiela.

Jekk ma jinsabx li kien hemm telf fiż-żmien tal-kalkolu, il-maħfra jew it-tnaqqis ma jistgħux jintalbu wara.

1582. Jekk meta jsir il-kalkolu msemmi fl-artikolu 1579, jinsab li m'għandhiex issir il-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela, il-kerrej m'għandux jedd jagħmel it-talba mill-ġdid fit-tmiem tal-kiri, għalkemm ikun bata telf fis-snin ta' wara; bla ħsara tal-jedd tiegħu li jitlob il-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela għal kull waħda mis-snin ta' wara, jekk ikun hemm raġuni biżżejjed għal din it-talba.

Il-maħfra jew tnaqqis jekk mogħtijin ma jistgħux jitreġġgħu lura.

1583. Jekk, matul il-kiri, sid il-kera jkun ħafer jew naqqas lill-gabillott il-qbiela ta' sena, minħabba t-telf li jkun bata f'dik is-sena, hu m'għandux jedd jitlob il-ħlas tas-somma maħfura, għalkemm minn kalkolu li jsir kif jingħad fl-artikolu l581, jinsab li l-gabillott, fis-snin ta' wara dik il-maħfra jew tnaqqis għamel qligħ daqs jew ukoll iżjed minn dak it-telf, ħlief jekk sid il-kera, meta ħafer jew naqqas il-qbiela, ikun żamm għalih dak il-jedd.

Maħfra jew tnaqqis tal-qbiela meta l-kiri mhux għal aktar minn sena.

1584. Meta ż-żmien tal-kiri ma jkunx iżjed minn sena, il-gabillott għandu wkoll jedd jitlob il-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela, jekk f'dik is-sena jiġru ċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 1577.

Il-qbiela mħallsa ma tistax tintalab lura.

1585. F'ebda każ il-gabillott m'għandu jedd, għal kull telf li jkun bata, jitlob lura l-qbiela minnu mħallsa, ħlief jekk meta ħallas ikun żamm dak il-jedd, jew jekk ikun ħallas bil-quddiem.

Ma tingħatax maħfra jew tnaqqis ta' qbiela għat-telf ta' frottijiet maqlugħa mill-art,

1586. Il-gabillott m'għandux jedd għall-maħfra jew għat-tnaqqis tal-qbiela, jekk it-telfa tal-frottijiet tiġri wara li jiġu maqlugħa mill-art, ħlief meta l-qbiela jkunu ġew miftiehma f'sehem mill-frottijiet infishom; f'dan il-każ sid il-kera jbati t-telf skont ma jkun is-sehem tiegħu, basta li l-gabillott ma jkunx *in mora* fil-kunsinna tas-sehem tiegħu mill-frottijiet.

lanqas jekk kien ġa jeżisti l-kaġun tal-ħsara.

1587. Il-gabillott ma jistax lanqas jitlob il-maħfra jew it-tnaqqis tal-qbiela, meta l-kaġun tal-ħsara kien ġa jeżisti u magħruf fiż-żmien li sar il-kuntratt.

Il-gabillott jista' jintrabat li jbati t-telf li jsir b'aċċident.

1588. (1) Il-gabillott jista', bi ftehim espress, jintrabat li jbati kull telf li jsir b'aċċident.

(2) Dan il-ftehim għandu jitqies li jgħodd biss għall-aċċidenti ordinarji, bħal meta jinżel is-silġ, ix-xita barra mill-qies jew in-nuqqas ta' xita.

(3) F'dan il-ftehim ma jitqiesx li jidħlu l-aċċidenti straordinarji, ħlief jekk il-gabillott ikun intrabat li jbati l-aċċidenti kollha, mibsurin jew le.

Il-kiri, meta miftiehem bil-patt tal-mezzadrija, jinħall bil-mewt tal-gabillott.

1589. Il-kiri ta' raba' jinħall bil-mewt tal-gabillott meta jkun ġie miftiehem bil-patt tal-qsim tal-frottijiet bejn sid il-kera u l-gabillott.

---

§ V.FUQ IL-JEDD TA' PREFERENZA FIL-KIRI TA' ĦAĠA

Jedd ta' preferenza jew ta' inkwilinat, *Emendat: A.L. 148 tal-1975.*

1590. Ma hemmx jedd ta' preferenza jew ta' inkwilinat fil-kiri ta' ħaġa, ukoll fil-każ ta' beni tal-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli li ġejjin.

ta' wieħed mill-kom-pussessuri tal-ħaġa,

1591. Jekk tnejn min-nies jew iżjed ikollhom flimkien il-pussess ta' ħaġa, kull wieħed minnhom għandu jedd ta' preferenza fuq kull persuna barranija għall-kiri ta' dik il-ħaġa taħt l-istess kondizzjonijiet li joffru oħrajn.

jista' jezerċitah biss il-kom-pussessur.

1592. Dan il-jedd ma jistax jiġi ezerċitat ħlief mill-kom-pussessur innifsu, u ma jistax jezerċitah wara li l-ħaġa tkun inkriet lil ħaddieħor b'mod li jiswa skont il-liġi.

Konkors għall-eżerċizzju ta' dan il-jedd bejn żewġ kom-pussessuri jew iżed tal-ħaġa.

1593. Jekk jikkonkorru tnejn min-nies jew iżjed li jkollhom dan il-jedd, jista' kull wieħed minnhom jitlob li l-ħaġa tiġi mikrija fl-irkant bejniethom, lil min minnhom joffri l-aktar, mingħajr ma jiġu mdaħħlin nies barranin biex joffru.

Jedd ta' preferenza tal-kerrej li jkun fil-fond. *Emendat: XLII.1933.2; XVI.1967.20; VI.1972.2.*

1594. Jekk ma jkunx hemm talba mill-persuni li għandhom jedd ta' preferenza għar-raġuni msemmija fl-artikolu 1591, il-jedd ta' preferenza, fil-kiri ta' immobbli, jingħata -

(*a*) lill-kerrej li lilu kien l-aħħar mikri l-bini, għall-kiri l-ġdid ta' dak il-bini;

(*b*) lill-pussessur jew detentur tal-parti ta' fuq ta' bini, għall-kiri l-ġdid tal-parti ta' taħt ta' dak il-bini, sew jekk din il-parti ta' taħt tkun ta' sid il-kera tal-parti ta' fuq jew tkun ta' ħaddieħor, u sew jekk ikollha bieb għat-triq sew jekk ma jkollhiex:

Iżda l-jedd ta' preferenza mogħti skont dan il-paragrafu ma japplikax għal bini mibni jew użat bħala kerrejja jew għal bini li jkun jikkonsisti f'appartamenti li, għalkemm ikollhom għall-użu komuni partijiet oħra tal-bini, ikunu mibnija, mikrija, jew okkupati għall-użu separatament.

Il-jedd ta' preferenza huwa għal kollox personali.

1595. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-jedd ta' preferenza jista' jiġi eżerċitat, bil-mod u fiż-żminijiet imsemmija iżjed 'il quddiem, ukoll wara li l-kiri l-ġdid ikun ġie miftiehem ma' ħaddieħor.

(2) Iżda, dan il-jedd huwa għal kollox personali, u ma jistax jiġi ttrasferit lil ħaddieħor, jew imgħoddi lill-werrieta jew suċċessuri oħra tal-persuna li lilha dak il-jedd ikun imiss.

Kif il-jedd ta' preferenza jiġi eżerċitat.

1596. Il-persuna li għandha l-jedd ta' preferenza għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 1594, għandha, biex teżerċita dan il-jedd b'mod li jkun jiswa, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li jiġu nnotifikati lilha minn sid il-kera l-kondizzjonijiet li offra ħaddieħor, jew miftehmin ma' ħaddieħor, taċċetta dawk il-kondizzjonijiet, u tagħti, jekk flimkien man-notifika fuq imsemmija tiġi hekk mitluba, garanzija biżżejjed tajba għall-esekuzzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet, meta din il-garanzija tkun waħda minn dawn il-kondizzjonijiet.

Notifika tal-kondizzjonijiet.

1597. (1) In-notifika tal-kondizzjonijiet offerti jew miftehmin għandha ssir minn sid il-kera b'att ġudizzjarju, li bih il-persuna li lilha l-att ikun mibgħut tiġi msejħa biex tiddikjara, fiż-żmien imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk tridx taċċetta dawk il-kondizzjonijiet, u mwissija illi, jekk ma taċċettahomx f'dak iż-żmien, il-jedd tagħha ta' preferenza jispiċċa.

(2) Jekk ikun hemm kitba dwar il-kiri l-ġdid, sid il-kera jista', f'dak l-att ġudizzjarju, isemmi l-kondizzjonijiet ta' dak il-kiri billi jagħmel riferenza biss għal dik il-kitba, iżda f'dan il-każ hu għandu, jekk din il-kitba tkun kitba privata, idaħħal kopja tagħha mal-att ġudizzjarju, inkella, jekk tkun att pubbliku jew minuta ta' att pubbliku, isemmi f'dak l-att ġudizzjarju l-isem, il-kunjom, u l-lok fejn joqgħod in-nutar li għandu jkunu l-att jew il-minuta.

Jekk il-parti li għandha tiġi nnotifikata bil-kondizzjonijiet tkun assenti.

1598. (1) Jekk il-persuna li lilha għandha ssir in-notifika, tkun nieqsa minn Malta, in-notifika tista' ssir, għal din il-persuna, lil xi ħadd li jkun prokuratur tagħha jew inkarigat minnha biex jieħu ħsieb il-fond jew biex iżomm l-imfietaħ, jew li bil-kunsens tagħha jkollu d-detenzjoni tal-fond jew ikun joqgħod fih taħt kull titolu li jkun.

(2) Jekk ma jkunx hemm prokuratur, jew l-inkarigat fuq imsemmi, jew id-dententur jew min joqgħod fil-fond, din in-notifika tista' ssir b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f'dan l-artikolu ż-żmien għall-aċċettazzjoni tal-kondizzjonijiet hu ta' xahar.

Aċċettazzjoni.

1599. L-aċċettatzjoni tal-kondizzjonijiet, bl-offerta tal-garanzija, meta mitluba, għandha ssir ukoll lil sid il-kera b'att ġudizzjarju.

Nullità tan-notifika tal-kondizzjonijiet jew ta' aċċettazzjoni.

1600. Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar tliet artikoli qabel dan, in-notifika tal-kondizzjonijiet, jew l-aċċettazzjoni tagħhom, magħmula xort'oħra minn kif jingħad f'dawk l-artikoli, ma tiswiex.

Garanzija b'ipoteka.

1601. Il-kerrej, jekk ikollu beni immobbli, jista' joffri li jagħti garanzija bl-ipoteka ta' dawk il-beni, minflok il-garanzija l-oħra li tkun ġiet mitluba lilu minn sid il-kera taħt l-artikolu 1596.

Meta sid il-kera jirrifjuta garanzija bħala mhix tajba. *Emendat: XXII.2005.81.*

1602. Jekk, meta l-garanzija tiġi offerta fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 1596, sid il-kera, fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika ta' dik l-offerta, b'att ġudizzjarju, jirrifjuta dik il-garanzija bħala mhix tajba, il-kerrej jista', fi żmien erbat ijiem min-notifika ta' dak l-att, jitlob, b'rikors ġuramentat, li tiġi ddikjarata bħala tajba l-garanzija miġjuba minnu, u li jingħata effett lill-jedd tiegħu ta' preferenza.

Il-qorti tista' tagħti li tinġieb garanzija ġdida. *Emendat: XXII.2005.81. Sostitwit: X.2009.28.*

1603. Jekk, fuq dan ir-rikors, il-kerrej ma jippruvax li l-garanzija miġjuba minnu hija tajba, il-Bord tal-Kera jista', qabel ma jagħti s-sentenza, jagħtih żmien, mhux iżjed minn tmint ijiem, biex iġib garanzija oħra, u jekk din il-ġaranzija ġdida, weħidha jew flimkien ma' dik ta' qabel, ma tiġix magħrufa mill-Bord tal-Kera bħala li hi tajba, il-Bord tal-Kera jgħaddi biex jagħti s-sentenza fuq ir-rikors hawn qabel imsemmi, u jiddikjara li spiċċa l-jedd ta' preferenza.

Żminijiet li ma jiġġeddux.

1604. Iż-żminijiet imsemmijin fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan huma perentorji.

Nullità tal-kondizzjonijiet ta' kiri ġdid minħabba qerq.

1605. (1) Għalkemm wieħed ikun aċċetta l-kondizzjonijiet tal-kiri l-ġdid, hu jista', matul iż-żmien ta' dak il-kiri, jitlob li jiġu annullati dawk il-kondizzjonijiet kollha, bil-ħlas tad-danni, jekk jipprova li, għal xi waħda jew oħra minn dawk il-kondizzjonijiet, kien hemm simulazzjoni jew qerq bi ħsara tiegħu; u, f'dan il-każ, il-kiri l-ġdid jibqa' jseħħ taħt l-istess kondizzjonijiet tal-kiri ta' qabel b'kera li jiġi meqjus fuq stima ta' periti, skont iċ-ċirkostanzi taż-żmien li fih il-kondizzjonijiet hekk attakkati kienu ġew aċċettati.

(2) L-azzjoni għad-danni minħabba simulazzjoni jew qerq, kif jingħad hawn fuq, tista' tiġi eżerċitata wkoll sa sena wara li jinħall il-kiri fuq imsemmi, iżda mhux wara li tagħlaq dik is-sena.

Meta jispiċċa jedd ta' preferenza. *Emendat: XXXIX.1939.5.*

1606. Ma hemmx jedd ta' preferenza f'ebda wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 1594, jekk il-kiri jingħata għal żmien ta' mhux anqas minn sena lil qarib sid il-kera, mid-demm jew bi żwieġ, sal-grad ta' kuġin inklużivament; iżda, fil-każ ta' simulazzjoni jew ta' qerq, il-persuna li kellha l-jedd ta' preferenza għandha azzjoni għad-danni, li tista titmexxa fi żmien sena biss, li tibda tgħodd, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*a*) tal-artikolu hawn fuq imsemmi, mill-ġurnata li fiha din il-persuna tkun ħarġet mill-fond minħabba l-kiri hawn fuq imsemmi, u fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*b*) tal-istess artikolu, mid-data ta' dak il-kiri.

Meta jispiċċa l-jedd ta' preferenza tal-kerrej li jkun fil-fond. *Emendat: XXXIX.1939.6; XI.1977.2; X.2009.29; V.2010.13.*

1607. Il-jedd ta' preferenza mogħti taħt l-artikolu 1594(*a*), lill-kerrej, li lilu l-aħħar kien mikri l-fond, għall-kiri l-ġdid tal-istess fond, jispiċċa -

(*a*) jekk il-kerrej ma jkunx joqgħod f'Malta;

(*b*) jekk, fiż-żmien tal-kiri l-ġdid, il-kerrej, bil-familja tiegħu ma jkunx f'Malta u jkun ilu nieqes minnha

sentejn jew iżjed;

(*ċ*) jekk, fil-każ ta' bini, la l-kerrej u lanqas ħadd mill-familja tiegħu ma jkun joqgħod fil-fond, jew ma jkunx qagħad fih fis-sentejn ta' qabel il-kiri l-ġdid, u l-fond ikun qiegħed l-aktar għall-abitazzjoni;

(*d*) jekk qabel il-kiri l-ġdid, il-kerrej ikun ħalla jew ġie mġiegħel iħalli l-fond;

(*e*) jekk il-kerrej, matul l-aħħar kiri, ma kienx għal darbtejn jew iżjed puntwali fil-ħlas tal-kera meta għalaq:

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-kerrej ma jitqiesx li ma kienx puntwali, jekk id-dewmien fil-ħlas ma kienx iżjed minn ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li sid il-kera jkun talbu, imqar bil-fomm, dak il-ħlas;

(*f*) jekk il-kerrej ikun naqas li jagħmel, jew ikun kiser, xi wieħed mill-obbligi l-oħra tal-kuntratt tal-aħħar kiri, jew ma jkunx esegwixxa dak l-obbligu ħlief wara li jkun ġie mġiegħel bil-Bord tal-Kera;

(*g*) jekk il-kiri ta' qabel ġie maħlul għal raġuni oħra minn dik tal-egħluq taż-żmien li għalih il-kiri kellu jdum;

(*h*) jekk il-kerrej, mingħajr il-kunsens espress ta' sid il-kera, ikun issulloka l-fond kollu, jew ċeda l-kiri, u l-fond, fiż-żmien tal-kiri l-ġdid, ikun detenut mis-subkerrej jew ċessjonarju, għad illi ma jkunx ġie miftiehem li l-kerrej ma jistax jissulloka jew iċedi l-kiri ta' dak il-fond:

Iżda, jekk is-sullokazzjoni jew iċ-ċessjoni tal-kiri tkun saret dwar parti mill-fond, il-jedd ta' preferenza jispiċċa għal din il-parti biss; imma l-kerrej jitlef ukoll il-jedd ta' preferenza fuq il-parti l-oħra li ma ġietx sullokata jew li l-kiri tagħha ma ġiex ċedut, jekk sid il-kera ma jkunx irid jagħti b'kiri kull parti tal-fond għaliha, u l-kerrej ma jaċċettax il-kiri l-ġdid tal-fond kollu taħt l-istess kondizzjonijiet li jkunu offerti minn oħrajn, jew miftehmin ma' oħrajn, għall-fond kollu.

Il-jedd ta' preferenza ma jistax jinġieb 'il quddiem jekk il-kerrej jirrifjuta li jaċċetta l-kondizzjonijiet tal-kiri l-ġdid. *Emendat: X.2009.30.*

1608. Il-kerrej ma jistax iġib 'il quddiem il-jedd tiegħu ta' preferenza kontra t-talba biex iħalli l-fond, meta hemm jedd għal din it-talba, kemm-il darba ma jkunx irid jaċċetta l-kiri l-ġdid bil-kondizzjonijiet li jsiru lilu u li l-Bord tal-Kera jidhirlu li huma sewwa, għalkemm jiġi ppruvat li l-attur bi ħsiebu jikri l-fond lil ħaddieħor b'kondizzjonijiet anqas gravuż.

Jekk sid il-kera jiddikjara li ma jikrix il-fond sa sena, eċċ. *Emendat: X.2009.31.*

1609. Lanqas ma jista' jġib 'il quddiem il-jedd tiegħu ta' preferenza kontra t-talba fuq imsemmija, meta hemm jedd għal din it-talba, jekk l-attur jiddikjara bil-ġurament li ma jridx jikri l-fond sa sena minn dak in-nhar tat-talba, inkella li ma jridx jikrih, matul dak iż-żmien, b'kondizzjonijiet anqas gravuż minn dawk li l-konvenut ma jkunx irid jaċċetta, ikunu xi jkunu dawn il-

kondizzjonijiet, apparti kull fehma tal-Bord tal-Kera fuq dawn il-kondizzjonijiet:

Iżda, jekk id-dikjarant, kontra d-dikjarazzjoni li jkun għamel, jikri l-fond, matul iż-żmien hawn fuq imsemmi, lil persuna oħra li ma tkunx waħda minn dawk imsemmijin fl-artikolu 1606, il-parti li tkun ħalliet il-fond minħabba dik id-dikjarazzjoni, għandha azzjoni kontra d-dikjarant għad-danni, li tista' tiġi eżerċitata sa sena minn dak in-nhar li jkun hekk ġie mikri l-fond.

Meta l-jedd ta' preferenza jispiċċa għal min ikun joqgħod fil-biċċa ta' fuq tal-fond.

1610. Il-jedd ta' preferenza mogħti taħt l-artikolu 1594(*b*), lill-pussessur jew lid-detentur tal-parti ta' fuq ta' fond, għall-kiri l-ġdid tal-parti ta' taħt ta' dak il-fond, jispiċċa -

(*a*) jekk il-pussessur jew id-detentur tal-parti ta' fuq, ma jkunx jużaha għall-abitazzjoni tiegħu jew tal-familja tiegħu;

(*b*) jekk il-kiri l-ġdid tal-parti t'isfel jiġi mitlub mill-istess kerrej li jkun gawdieha matul l-aħħar kiri, bis-saħħa tal-jedd ta' preferenza mogħti taħt l-artikolu 1594(*a*).

Jekk tnejn min-nies jew iżed li jkunu pussessuri ta' iżed minn parti waħda ta' fuq ta' fond jitolbu l-jedd ta' preferenza.

1611. Jekk tnejn min-nies jew iżjed li jkunu l-pussessuri jew detenturi ta' iżjed minn parti waħda ta' fuq ta' fond jitolbu l-jedd ta' preferenza għall-kiri l-ġdid tal-parti ta' taħt, il-preferenza tingħata lill-pussessur jew detentur tal-parti tal-fond li tkun qiegħda sewwa sew fuq il-parti ta' taħt li għandha tinkera.

Il-parti ta' taħt.

1612. Jekk il-parti ta' taħt tkun tiġi sewwa sew taħt il-partijiet tal-istess fond li tagħhom huma pussessuri jew detenturi dawk kollha li jitolbu l-jedd għall-kiri l-ġdid, għandu l-ewwel jedd il-pussessur jew detentur li l-estensjoni tal-parti tiegħu fuq il-parti ta' taħt hija l-akbar; u jekk l-estensjoni ta' kull parti ta' fuq li tiġi fuq il-parti ta' taħt, hija ndaqs, sid il-kera jista' jagħti l-fond lil dak li jagħżel hu fost dawk li jitolbuh.

---

§ VI. FUQ IS-SULLOKAZZJONI

Sullokazzjoni.
Sostitwit: X.2009.32.
Emendat: VIII.2018.2

1613. (1)Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet oħra partikolari, il-kuntratt ta' sullokazzjoni hu regolat mid-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-kuntratt ta' kiri:

Iżda għar-rigward ta' sullokazzjonijiet ta' fondi kummerċjali li saru qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, dawn għandhom jintemmu fil-31 ta' Mejju, 2018 soġġett għal dak provdut f'dan l-artikolu ħlief meta jkunu saru bi ftehim tas-sid, f'liema każ dawk is-sullokazzjonijiet għandhom ikunu regolati b'tali ftehim:

Iżda wkoll il-kera jkun stabbilit skont kif stipulat fl-artikolu 1513D.

(2) Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-kerrej u l-persuna li tkun subinkwilin qabel il-31 ta' Mejju 2018 li jkollha interess li tibqa' fil-fond f'każ ta' sullokazzjoni li tintemm fil-31 ta' Mejju 2018, fejn il-fond sullokat ikun jikkonsisti f'fond kummerċjali li fis-sena

ta' qabel il-31 ta' Mejju, 2018 ikun ġestit mis-subinkwilin, il-persuna li qabel il-31 ta' Mejju, 2018 kienet sub-inkwilin ikollha l-jedd li tibqa' tiġġestixxi n-negozju tagħha mill-fond taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu ddeterminati mill-Bord li Jirregola l-Kera, għal dak il-perjodu li jista' jiġi stabbilit mill-Bord li ma jkunx ta' aktar miż-żmien tal-lokazzjoni jew ta' aktar minn għaxar snin skont liema jkun l-iqsar.

(3) It-talba biex subinkwilin jibqa' jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond mikri għandha ssir b'rikors preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju, 2018 u dik it-talba għandu jkun fiha r-raġunijiet li għalihom tkun qiegħda ssir. Il-Bord m'għandux jilqa' dik it-talba kemm-il darba r-rikorrent ma jissodisfax lill-Bord illi jekk huwa ma jibqax jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond huwa jsofri preġudizzju gravi.

(4) Ir-rikors magħmul mis-subinkwilin skont is-subartikolu (3) għandu jiġi nnotifikat lis-sid u lill-kerrej illi jkollhom dritt jopponu t-talba.

(5) Is-smigħ tar-rikors imsemmi fis-subartikoli (3) u (4) ikun regolat bir-regoli ta' proċedura applikabbli dwar rikorsi fil-Bord li Jirregola l-Kera b'dan iżda li l-Bord ikollu dritt illi f'kull stadju tal-proċeduri jiffissa jew ibiddel l-ammont ta' kumpens illi l-persuna li kienet subinkwilin qabel il-31 ta' Mejju, 2018 tkun dovuta tħallas lis-sid jew lill-kerrej jew lit-tnejn fil-pendenza tal-proċeduri. Ma jkun hemm ebda dritt ta' appell mid-digriet li jiffissa l-imsemmi kumpens.

(6) F'każ li l-Bord jilqa' t-talba biex ir-rikorrent jibqa' jiġġestixxi n-negozju tiegħu mill-fond kif imfisser aktar 'il fuq f'dan l-artikolu l-Bord għandu jiffissa l-kera għall-perjodu wara l-31 ta' Mejju, 2018 f'ammont li jkun skont il-valur li l-fond jista' jġib kieku dan jiġi mikri fis-suq minn sidu għall-użu li jkun qiegħed isir minnu fis-sena minnufih qabel il-31 ta' Mejju 2018. Il-Bord ikollu s-setgħa wkoll li jordna l-ħlas ta' kera inqas mill-imsemmi valur fis-suq jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Bord li l-ħlas tal-imsemmi valur fis-suq ikun jimponi konsegwenzi ħorox fuq il-persuna li tkun tiġġestixxi n-negozju tagħha mill-fond b'mod li jkun perikolat l-għejxien ta' dik il-persuna jew ta' persuni oħra li jkunu jaħdmu fil-fond.

F'każ li l-Bord jiddeċiedi li għandu jkun hemm ħlas ta' kera inqas mill-valur fis-suq imsemmi, l-Bord għandu fid-deċiżjoni tiegħu jordna wkoll illi l-kera għandha togħla kull sena sakemm tilħaq l-imsemmi valur fis-suq sa mhux aktar tard mill-ewwel skadenza ta' kera dovuta fis-sena 2027.

(7) Meta l-Bord jiffissa kera ġdida skont dan l-artikolu huwa jkollu s-setgħa li jiddetermina li dik il-kera għandha tinqasam bejn il-persuni li jkollhom dritt fuq il-fond u partikolarment bejn is-sid tal-fond u l-persuna illi jkollha titolu ieħor ta' inkwilinat fuq il-fond u kif għandha tinqasam dik il-kera.

(8) Meta l-kera li għandha tħallas il-persuna li kienet subinkwilin qabel il-31 ta' Mejju, 2018 tiġi ddeterminata b'mod finali dik il-kera għandha titħallas sa mill-1 ta' Ġunju, 2018 b'mod li kull kumpens imħallas skont is-subartikolu (5) għandu jitnaqqas mill-ammont ta' arretrati dovuti

Il-kerrej ma jistax jikri l-ħaġa lil ħaddieħor sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor fil-kuntratt. *Sostitwit: X.2009.33. Emendat: XXIII.2017.81.*

1614. (1) Il-kerrej ma għandux jedd li jissulloka l-ħaġa, jew li jċedi l-kiri tagħha, jekk din is-setgħa ma tkunx ġiet miftiehma fil-kuntratt.

(2) Għall-finijiet ta' dan is-Sub-titolu, l-għoti ta' kuntratt ta' ġestjoni jew kull forma ta' ftehim ieħor, li permezz tiegħu inkwilin jerħi f'idejn terzi l-pussess tal-fond jew tal-kummerċ ġestit minn fond kummerċjali, għandu jitqies bħala sullokazzjoni.

(3) Meta inkwilin tkun kumpannija b'responsabbilità limitata jew kull forma ta' kumpannija oħra, it-trasferiment *inter vivos* kumulattiv ta' ħamsin fil-mija tal-ishma, ukoll jekk magħmul permezz ta' aktar minn trasferiment wieħed u, jew tas-setgħa jew kontroll attwali ta' ġestjoni ta' dik il-kumpannija jew tal-kummerċ ġestit mill-fond, għandu jkun meqjus bħala sullokazzjoni:

Iżda ma jkunx hekk meqjus bħala sullokazzjoni, jekk it-trasferiment ikun sar favur il-konjuġi li ma jkunux separati legalment u, jew it-tifel jew tfal tas-sid tal-ishma.

Alloġġ f'ċerti kumditajiet. *Sostitwit: X.2009.34.*

1615. (1) Il-kerrej ikun jista' jagħti alloġġ bi ħlas ta' xi kumditajiet ta' dar għall-abitazzjoni jekk dan ma jkunx ġie espressament projbit fil-kuntratt, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 1555.

(2) Il-kerrej ikollu wkoll il-jedd li jdaħħal nies oħra joqgħodu miegħu bi ħlas ta' biċċa mill-kera, jew b'kumpens ieħor, meta dan il-jedd ma jkunx ġie mneħħi espressament fil-kuntratt.

Il-kerrej li jaħdem raba' bil-patt ta'mezzadrija ma jistax jikri lil ħaddieħor mingħajr il-kunsens ta' sid il-kera.

1616. Il-kerrej li jaħdem raba' bil-patt li jaqsam il-frottijiet ma' sid il-kera, ma jistax jagħti b'kiri l-fond jew iċedi l-kiri lil ħaddieħor, jekk din is-setgħa ma tkunx ġiet mogħtija lilu espressament minn sid il-kera.

Kerrej ta' parti mill-bini ma jistax jikri lil ħaddieħor.

1617. Lanqas ma jista' d-detentur ta' parti minn bini, mhix mifruda minn partijiet oħra tal-istess bini, jew li għaliha tidħol mill-istess bieb li jieħu għal partijiet oħra tal-istess fond, jikriha lil ħaddieħor jew iċedi l-kiri tagħha mingħajr il-kunsens ta' sid il-kera.

Jedd ta' sid il-kera li jieħu lura l-fond jekk jiġi wżat għal skop immorali. *Emendat: XXXIX.1939.8; X.2009.35.*

1618. Għalkemm is-setgħa għas-sullokazzjoni jew għaċ-ċessjoni tal-kiri ma tkunx ġiet eskluża, kif ukoll jekk tkun ġiet miftiehma, sid il-kera għandu l-jedd li jieħu lura l-fond, jekk dan il-fond jiġi sullokat jew il-kiri tiegħu jiġi ċedut lil persuna li tkun tużah, jew li ġġiegħel jew li thalli li jiġi wżat, għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skop ieħor immorali.

Jeddijiet ta' sid il-kera fuq il-ħwejjeġ tas-sub-konduttur. *Emendat: VII.1944.3; XLVI.1973.85.*

1619. Sid il-kera jista' jeżerċita kull jedd tiegħu għall-kera, għall-ħlas tat-tiswijiet li ma jkunux saru jew għal kull patt ieħor tal-kuntratt, fuq il-frottijiet u fuq il-valur ta' dak kollu li jkun qiegħed biex igħammar jew iforni l-fond, jew biex tinħadem l-art, ukoll jekk dawk il-frottijiet jew ħwejjeġ oħra jkunu tas-sub-konduttur, u dan ikun ħallas id-dejn tiegħu lejn is-sullokatur:

Iżda illi dawn il-jeddijiet ma jingħatawx lil sid il-kera dwar l-imsemmijin ħwejjeġ jekk dawn ikunu ta' jew miżmumin minn jew f'isem xi dipartiment tal-Gvern ta' Malta meta dak id-dejn ma jkunx ta' dak id-dipartiment.

Jeddijiet tas-sub-konduttur.

1620. Is-sub-konduttur m'għandux kontra sid il-kera ebda wieħed mill-jeddijiet li jmissu lill-kerrej.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1619 u 1620 igħoddu għall-każ imsemmi f'dan l-artikolu.

1621. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan jgħoddu wkoll meta s-setgħa li l-kerrej jikri jew iċedi l-kiri lil ħaddieħor ma tkunx ġiet imneħħija jew tkun ġiet mogħtija espressament, iżda dan kemm-il darba sid il-kera ma jkunx espressament ħeles lill-kerrej mill-obbligazzjonijiet tiegħu, jew ma jkunx espressament għaraf lis-sub-konduttur minflok il-kerrej.

Jedd ta' preferenza li jgħodd għas-sullokazzjoni.

1622. (1) Il-jedd ta' preferenza msemmi fl-artikolu 1591, igħodd ukoll fil-każ ta' sullokazzjoni ta' ħaġa li tkun għand żewġ kerrejja jew iżjed flimkien.

(2) Il-jedd ta' preferenza msemmi fl-artikolu 1594(*a*), imiss ukoll lis-sub-konduttur fis-sullokazzjoni ġdida tal-fond; iżda l-jedd ta' preferenza taħt il-paragrafu (*b*) tal-istess artikolu jmiss lis-sub-konduttur fil-każ biss illi l-parti t'isfel tal-fond tiġi sullokata mill-persuna li tkun issullokat il-parti ta' fuq lil dak is-sub-konduttur.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1596 sa l-1610, inklużivament, igħoddu għall-każijiet kollha msemmijin f'dan l-artikolu.

Poteri biex isiru regolamenti. *Miżjud: X.2009.36; XXIV.2021.8.*

1622A. Il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti għall-finijiet kollha li ġejjin jew għal xi whud minnhom:

(*a*) biex jippreskrivi mudell ta' kuntratt ta' kiri, li jista' jintuża mill-partijiet;

(*b*) biex jipprovdi għall-implimentazzjoni xierqa tal-materji kontemplati f'dan it-Titolu u dawk li huma neċessarji biex jagħtuh effett sħiħ u jipprovdu għall-amministrazzjoni xierqa tiegħu, inklużi l-proċeduri tal-Bord;

(*ċ*) biex jinħoloq reġistru fejn jiġu depożitati, jew reġistrati u, jew de-reġistrati kuntratti ta' kiri għal kull fini illi l-Ministru jista' jistabbilixxi, inkluż għall-iskop tal-validità nnifisha tal-istess kuntratti, u biex jagħmel dak kollu meħtieġ għal dan il-għan;

(*d*) biex tinħoloq struttura li tistabbilixxi u tamministra l-Indiċi tal-Valur Kummerċjali tal-Proprjetà;

(*e*) biex jistabbilixxi kriterji ta' test tal-mezzi għall-iskopijiet tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u l-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar; Kap. 69. Kap. 158.

(*f*) biex jistabbilixxi regolamenti u kriterji għall-iskopijiet tal-artikoli 1531J u 1531M;

(*g*) biex jestendi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-kirja jew parti minnha għal sitwazzjonijiet fejn persuna tkun ġiet akkomodata f'dar ta' abitazzjoni taħt l-Att dwar id-Djar, jew fejn awtorità pubblika tkun ħadet pussess ta' dar ta' abitazzjoni skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, jew taħt xi liġi oħra li tkun jew kienet fis-seħħ minn żmien għal żmien; Kap. 125. Kap. 88.

(*h*) biex jipprovdi arranġamenti transitorji f'każ ta' tneħħija ta' ordnijiet ta' rekwiżizzjoni maħruġa skont l-Att dwar id-Djar; Kap. 125.

(*i*) biex jipprovdi għat-tneħħija jew għall-modifika ta' kull dispożizzjoni transitorja inkluża fl-Att dwar il-Condominia; Kap. 398.

(*j*) biex jipprovdi għal kull ħaġa li dwarha jista' jagħmel regolamenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

Sub-titolu II

FUQ IL-KIRI TA' XOGĦOL U TA' INDUSTRJA

1623. Il-kiri ta' xogħol u ta' industrja hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħmel xi ħaġa għall-parti l-oħra, bi ħlas li din tintrabat li tagħtiha. Tifsir ta' kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrja.

1624. Jekk il-ħlas mhux stabbilit fil-ftehim, jew b'liġi jew b'użu, jiġi meqjus mill-qorti bi stima ta' periti, jew ukoll mingħajr din l-istima, skont iċ-ċirkostanzi. Ħlas.

1625. (1) Il-ftehim dwar xogħol jew qadi pprojbit mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq, ma jiswiex. Xogħol ipprojbit mil-liġi, eċċ.

(2) Kull min jaqdi jew jagħmel dan ix-xogħol m'għandu ebda azzjoni għall-ħlas.

1626. Hu kiri ta' xogħol u ta' industrja - Każijiet ta' kiri ta' xogħol u ta' industrja.

(*a*) dak ta' seftur, ta' ħaddiem, jew ta' impjegat ieħor li jobbliga ruħu li jagħti x-xogħol tiegħu għall-qadi ta' ħaddieħor*;

(*b*) dak tal-vetturali li jinkarigaw ruħhom għall-ġarr, bl-art

*Sal-1952, dan il-kuntratt kien regolat skont id-dispożizzjonijiet ta' § I "Fuq il-Kiri tax-Xogħol tas-Sefturi, tal-Ħaddiema u ta' Impjegati oħra" ta' dan is-sub-titolu. Dawn id-dispożizzjonijiet ġew revokati bl-Att XI tal-1952.

jew bil-baħar, tan-nies jew tal-ħwejjeġ;

(*ċ*) dak ta' dawk li jieħdu x-xogħol b'appalt.

Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1569 u 1570 igħoddu għall-kiri ta' xogħol u ta' industrja.

1627. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1569 u 1570 igħoddu wkoll għall-kiri ta' xogħol u ta' industrja, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet speċjali dwar dan il-kiri.

Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni. *Mižjud: XX.2002.3.*

1627A. Ħadd ma jista' jieħu ebda azzjoni jew sanzjoni diskriminatorja kontra xi wieħed mill-uffiċjali, impjegati jew aġenti tiegħu minħabba f'li dawk l-uffiċjali jew impjegati, billi jkollhom tassew għaliex jissuspettaw li jkun hemm xi korruzzjoni, jkunu rrappurtaw b'mod bonafidi s-suspett tagħhom lil persuni jew awtoritajiet responsabbli, u kull min seta' kien il-vittma ta' tali azzjoni jew sanzjoni diskriminatorja għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li jkollu taħt xi liġi oħra, jkollu l-jedd għal kumpens għad-danni lilu kaġunati b'dik l-azzjoni jew sanzjoni diskriminatorja.

---

§ I. FUQ IL-VETTURALI BL-ART JEW BIL-BAĦAR

Responsabbiltà tal-vetturali,

1628. Il-vetturali bl-art jew bil-baħar għandhom, dwar il-kustodja u l-ħars tal-ħwejjeġ fdati lilhom, l-istess obbligi tad-depożitarji.

għal ħwejjeġ mogħtija f'idejhom,

1629. Huma obbligati mhux biss għal dak li jkunu irċevew fil-vettura tagħhom jew fid-dgħajsa jew f'biċċa oħra tal-baħar, iżda wkoll għal dak li jkun ġie lilhom ikkunsinnat f'kull lok li jkun sabiex jiġi mqiegħed fil-vettura, dgħajsa, jew biċċa oħra tal-baħar, jew sabiex jinġarr xort'oħra.

għat-telf.

1630. Huma obbligati għat-telf tal-ħaġa fdata lilhom, u għall-ħsarat li jiġru fiha, meta ma jippruvawx li l-ħaġa ntilfet jew ġratilha ħsara b'aċċident jew b'forza maġġuri u mingħajr ħtija tagħhom.

Ġarr bil-baħar.

1631. Il-ġarr bil-baħar imsemmi f'dan il-Kodiċi, hu dak li jsir, fuq kull dgħajsa jew biċċa oħra tal-baħar, ġewwa l-limiti ta' Malta, jiġifieri: minn ġżira għall-oħra, jew min-naħa għal oħra tal-istess ġżira.

Bla ħsara ta' liġijiet oħra. Kap. 10.

1632. Xejn f'dan il-Kodiċi ma jħassar id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

---

§ II. FUQ L-APPALTI

Ftehim mal-ħaddiem li jindaħal għal biċċa xogħol.

1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.

Jekk il-ħaġa tispiċċa qabel il-kunsinna meta l-artiġjan jagħti l-materjal.

1634. Jekk, meta l-artiġjan jagħti l-materjal, il-ħaġa tispiċċa, b'kull mod li jkun, qabel ma tiġi kkunsinnata, it-telfa jbatiha huwa, iżda dan kemm-il darba dak li qabbdu ma jkunx *in mora* biex jirċeviha.

Meta l-artiġjan jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu biss.

1635. Jekk, meta l-artiġjan jagħti x-xogħol jew is-sengħa tiegħu biss, il-ħaġa tispiċċa, hu jwieġeb biss għall-ħtija tiegħu.

Ebda ħlas ma jsir meta l-ħaġa tispiċċa qabel il-kunsinna.

1636. Fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk il-ħaġa tispiċċa, għalkemm mingħajr ħtija tal-artiġjan, qabel ma x-xogħol jiġi kkunsinnat, u mingħajr ma dak li qabbdu jkun *in mora* fil-verifika tax-xogħol, l-artiġjan m'għandux iżjed jedd għall-ħlas tiegħu iżda dan kemm-il darba l-ħaġa ma tkunx spiċċat minħabba difett fil-materjal.

Meta x-xogħol ikun jikkonsisti f'iżjed minn biċċa waħda.

1637. (1) Meta x-xogħol ikun jikkonsisti f'iżjed minn biċċa waħda jew isir bil-kejl, ix-xogħol jibqa' wkoll għar-riskju tal-artiġjan sakemm min qabbdu jivverifika x-xogħol kollu; iżda dan kemm-il darba ma jkunx ġie miftiehem illi l-verifika ta' kull biċċa għandha ssir hekk kif din il-biċċa titlesta.

(2) Il-verifika hija preżunta li saret għall-bċejjeċ kollha tax-xogħol li jkunu ġew imħallsin, jekk min qabbad lill-artiġjan iħallsu skont ix-xogħol li jkun sar.

(3) Iżda, ma hemmx lok għal din il-preżunzjoni, jekk il-ħlasijiet, għalkemm miftehmin, jew magħmulin wara li tkun tlestiet biċċa waħda jew iżjed tax-xogħol, huma akkont tax-xogħol kollu, mingħajr imputazzjoni għal ebda biċċa partikolari ta' dak ix-xogħol.

Kemm żmien idum responsabbli appaltatur u l-perit arkitett.

1638. (1) Jekk bini jew xogħol ieħor kbir ta' ġebel, mibni b'appalt, fi żmien ħmistax-il sena minn dak in-nhar li tkun tlestiet il-kostruzzjoni, jinqered, kollu jew biċċa minnu, jew juri li hemm periklu ċar li sejjer jiġġarraf minħabba difett fil-kostruzzjoni, jew ukoll minħabba difett tal-art, l-arkitett u l-appaltatur għandhom iwieġbu għal dan.

(2) L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsara għandha titmexxa fi żmien sentejn minn dak in-nhar li jigri xi wieħed mill-każijiet hawn fuq imsemmija.

L-appaltatur m'għandux jedd għaż-żieda tal-prezz.

1639. L-appaltatur illi ntrabat li jtella' bini, jew xogħol ieħor kbir, skont pjanta stabbilita u miftiehma ma' min tah ix-xogħol, ma jista' jitlob ebda żjieda ta' prezz, minħabba li jkun żdied il-prezz tal-ħaddiema jew tal-materjali, jew minħabba li fil-pjanta jkun sar xi tibdil jew żjieda, li ma jkunux gravuži għalih.

Min jagħti x-xogħol jista' jħoll il-kuntratt. *Sostitiwit: IV.1995.4.*

1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min

jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.

Il-kuntratt jinħall bil-mewt tal-artiġjan, eċċ.

1641. (1) Il-kuntratt ta' xogħol jew *locatio operis* jinħall bil-mewt tal-artiġjan, tal-arkitett, jew tal-appaltatur.

(2) Iżda, min jagħti x-xogħol għandu jħallas lill-werrieta tal-artiġjan, tal-arkitett jew tal-appaltatur, fil-proporzjon tal-prezz miftiehem, il-valur ta' kemm ikun sar xogħol u tal-materjali li tlestew, iżda biss kemm-il darba dan ix-xogħol u dawn il-materjali jistgħu jiswewlu.

Responsabbiltà tal-appaltatur.

1642. L-appaltatur iwieġeb għall-għemil tan-nies li jħaddem.

Jedd tal-bennejja, eċċ.

1643. Il-bennejja, il-mastrudaxxi, u artiġjani oħra mqabbdin fit-tlugħ ta' bini jew xogħol ieħor mogħti b'appalt, m'għandhomx azzjoni kontra dak li għalih sar ix-xogħol, ħlief sas-somma biss li huwa jkollu jagħti lill-appaltatur fiż-żmien li huma jmexxu l-azzjoni tagħhom.

Titolu X

FUQ IL-KUNTRATT TA' SOĊJETÀ

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

X'inhu l-kuntratt ta' soċjetà.

1644. Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed jiftiehmu li jqiegħdu xi ħaġa in komun, sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jieħdu.

Is-soċjetà għandu jkollha bħala skop ħaġa leċita.

1645. (1) Kull soċjetà għandu jkollha bħala skop ħaġa leċita, u għandha tiġi miftiehma għall-interess tal-partijiet kollha flimkien.

(2) Kull soċju għandu joħroġ jew flus jew beni oħra, jew ix-xogħol tiegħu.

Is-soċju ma jistax joħroġ bħala sehmu dak li għad ikun irid jakkwista b'wirt jew b'donazzjoni.

1646. (1) Kull ftehim li wieħed mis-soċji għandu joħroġ bħala sehmu fis-soċjetà l-proprjetà jew it-tgawdija ta' beni, li jista' 'l quddiem jakkwista b'wirt jew b'donazzjoni, ma jiswiex.

(2) Il-kuntratt li jkun fih dan il-ftehim jista' jiġi annullat kollu kemm hu, fuq talba ta' kull wieħed mis-soċji l-oħra.

1647. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma igħoddux għas-soċjetajiet kummerċjali ħlief kif provdut bl-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma jgħoddux għas-soċjetajiet kummerċjali. *Emendat: XLVI.1973.86.* Kap.168.

Sub-titolu I

FUQ ID-DIVERSI XORTA TA' SOĊJETÀ

1648. Is-soċjetà universali tal-beni kollha tas-soċji, għalkemm tkun dwar il-beni preżenti biss, hija nulla.

Ma tistax issir soċjetà universali tal-beni kollha.

1649. (1) Is-soċjetà universali tal-qligħ tgħodd: f'din is-soċjetà jidħol biss dak kollu li l-partijiet jakkwistaw bix-xogħol tagħhom, b'kull titolu li jkun, matul iż-żmien tas-soċjetà, u l-użu tal-beni, mobbli jew immobbli, iddestinati għall-eżerċizzju tas-sengħa jew tal-professjoni tas-soċju li jkun jippossjedihom.

Soċjetà universali tal-qligħ tgħodd.

(2) Is-soċjetà msemmija f'dan l-artikolu hija nulla, jekk il-kuntratt ma jiġix magħmul b'att pubbliku.

1650. Is-soċjetà partikolari hija dik li jkollha b'oġġett xi ħwejjeġ partikolari, jew l-użu tagħhom, jew il-frottijiet li jistgħu jittieħdu minnhom, jew xi impriża partikolari, jew l-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.

Soċjetà partikolari.

1651. (1) Il-kuntratt ta' soċjetà li fih xi wieħed mis-soċji jobbliga ruħu li jqiegħed fis-soċjetà l-proprjetà ta' beni immobbli, hu null kwantu għall-obbligu li titqiegħed fis-soċjetà din il-proprjetà, jekk il-kuntratt ma jiġix magħmul b'att pubbliku.

Meta s-soċji joħorġu beni immobbli hu meħtieġ l-att pubbliku.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1646(2), igħoddu wkoll għal dan il-kuntratt.

1652. Meta s-soċju jkun obbliga ruħu b'mod li jiswa skont il-liġi li jittrasferixxi lis-soċjetà l-proprjetà tal-beni li għandu jqiegħed fis-soċjetà, igħoddu kwantu għat-trasferiment ta' dawk il-beni, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 994, 995 u 996.

Igħoddu d-dispożizzionijiet tal-artikoli 994 sa 996.

Sub-titolu II

FUQ L-OBBLIGAZZJONLJIET TAS-SOĊJI BEJNIETHOM

1653. Is-soċjetà tibda mill-waqt li jsir il-kuntratt, jekk ma jkunx miftiehem żmien ieħor.

Bidu tas-soċjetà.

1654. (1) Kull ftehim li soċjetà għandha ddum għal dejjem jew għall-għomor ta' wieħed mis-soċji hu null.

Ma tiswiex is-soċjetà miftiehma li għandha ddum għal dejjem.

(2) Il-kuntratt ta' soċjetà li jkun fih dan il-ftehim, jitqies bħallikieku sar mingħajr ftehim ta' żmien.

1655. Jekk is-soċjetà tkun dwar affari għal żmien limitat, is-soċjetà titqies li saret għaż-żmien kollu li l-affari għandha ddum.

Soċjetà dwar affari li ddum għal żmien limitat.

Obbligi tas-soċji dwar dak li għandhom joħorġu.

1656. (1) Kull soċju hu debitur lejn is-soċjetà ta' dak kollu li wiegħed li għandu jqiegħed fiha.

(2) Meta dan il-konferiment ikun jikkonsisti f'ħaġa partikolari li tagħha s-soċjetà tbati l-evizzjoni, is-soċju li jkun għamel il-konferiment hu garanti tagħha bl-istess mod li hu l-bejjiegħ favur ix-xerrej f'każ ta' evizzjoni.

Is-soċju hu obbligat għall-imgħaxijiet tas-somom li jkollu jagħti jew li minnhom ikun għamel użu.

1657. (1) Is-soċju li obbliga ruħu li jqiegħed fis-soċjetà somma ta' flus u jonqos milli jqegħidha, huwa *ipso jure* debitur tal-imgħaxijiet ta' dik is-somma minn dak in-nhar li dik is-somma kellha tiġi mħallsa minnu.

(2) Dan igħodd ukoll għas-somom li s-soċju jieħu mill-kaxxa tas-soċjetà għal vantaġġ tiegħu partikolari, u l-imgħaxijiet ta' dawn is-somom igħaddu minn dak in-nhar li jkun hekk ħadhom.

(3) Xejn f'dan l-artikolu ma jneħħi l-jedd tas-soċjetà li ġġib 'il quddiem azzjoni, jekk ikollha dan il-jedd, għal danni oħra kontra s-soċju, ukoll jekk dan ma jkunx ġie mqiegħed *in mora*.

Il-flus li s-soċju jirtira mill-kaxxa jitqies li ħadhom għal vantaġġ tiegħu.

1658. Is-soċju li jirtira flus mill-kaxxa tas-soċjetà jitqies, jekk hu ma jkunx l-amministratur tas-soċjetà, li ħadhom għal vantaġġ tiegħu partikolari, bla ħsara tal-prova kuntrarja.

Obbligi tas-soċji li għandhom jagħtu x-xogħol tagħhom.

1659. Is-soċji li jkunu ntrabtu li jagħtu x-xogħol tagħhom fis-soċjetà, għandhom jagħtu kont tal-qligħ kollu li jkunu għamlu b'dik ix-xorta ta' xogħol li hu l-oġġett tas-soċjetà.

Imputazzjoni tal-ħlas li s-soċju amministratur jirċievi meta huwa nnifsu hu kreditur tal-parti li tħallas.

1660. Meta soċju li jkollu f'idejh l-amministrazzjoni, ikun huwa nnifsu kreditur, f'somma li tista' tintalab, ta' persuna li jkollha tagħti wkoll lis-soċjetà somma li l-istess tkun tista' tintalab, kull ħlas li dan is-soċju jirċievi mingħand id-debitur għandu jiġi imputat akkont tal-kreditu tas-soċjetà u tal-kreditu tiegħu nnifsu, fil-proporzjon taż-żewġ krediti, għalkemm ikun ta riċevuta li biha jkun għamel l-imputazzjoni tal-ħlas kollu għall-kreditu tiegħu partikolari.

Meta l-kreditur tas-soċju għandu preferenza fuq dak tas-soċjetà.

1661. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux jekk il-kreditu tas-soċju jkollu, skont ir-regoli miġjubin fl-artikolu 1171(*ċ*), (*d*), (*e*) u (*f*), preferenza fuq il-kreditu tas-soċjetà u l-ħlas ikun ġie espressament imputat għall-kreditu tas-soċju.

(2) Iżda, f'kull każ, jekk is-soċju jiddikjara fir-riċevuta li l-ħlas għandu jiġi imputat kollu għall-kreditu tas-soċjetà, hu ma jistax jitlob li l-ħlas, kollu jew biċċa minnu, ikun imputat għall-kreditu tiegħu.

Jekk is-soċju jirċievi biċċa mill-kreditu komuni minn debitur li ma jibqax solvibbli.

1662. Jekk wieħed mis-soċji jkun irċieva biċċa minn kreditu komuni, hu għandu, jekk id-debitur ma jibqax solvibbli, iqiegħed fil-fond komuni dak li jkun irċieva, għalkemm meta irċieva l-ħlas, ikun espressament għamel riċevuta għas-sehem li jmiss lilu minn dak il-kreditu.

Ħsara kkaġunata mis-soċju lis-soċjetà.

1663. Kull soċju hu obbligat lejn is-soċjetà għal kull ħsara li jkun ikkaguna lis-soċjetà bi ħtija tiegħu, u dan is-soċju ma jistax ipaċi din il-ħsara bl-utili li s-soċjetà tkun qalgħet bix-xogħol tiegħu

f'affarijiet oħra.

Meta fis-soċjetà tkun inġiebet it-tgawdija biss tal-ħaġa.

1664. (1) Jekk il-ħwejjeġ li tagħhom tkun inġiebet fis-soċjetà t-tgawdija biss, ikunu ħwejjeġ ċerti u determinati illi ma jintemmux bl-użu, huma jibqgħu għar-riskju tas-soċju li jkun sidhom.

(2) Jekk dawn il-ħwejjeġ jintemmu bl-użu, jew jekk ikunu tali li ma jistgħux jinżammu mingħajr ma tiġrilhom ħsara, jew kienu maħsuba biex jiġu mibjugħa, jew inġiebu fis-soċjetà fuq stima, huma jibqgħu għar-riskju tas-soċjetà.

(3) Jekk il-ħaġa tkun ġiet stmata, is-soċju ma jistax jitlob lura ħlief is-somma tal-istima.

Jedd tas-soċju kontra s-soċjetà.

1665. Kull soċju għandu azzjoni kontra s-soċjetà, mhux biss għar-radd tas-somom li jkun ħareġ għas-soċjetà, bl-imgħaxijiet, iżda wkoll għall-obbligazzjonijiet li jkun ikkuntratta b'bona fidi għall-affarijiet tas-soċjetà, u għar-riskji li bil-fors iġġib l-amministrazzjoni tiegħu.

Sehem tas-soċji fil-qligħ jew fit-telf.

1666. (1) Meta l-kuntratt tas-soċjetà ma jkunx iffissa s-sehem ta' kull wieħed mis-soċji fil-qligħ jew fit-telf, dan is-sehem għandu jkun fil-proporzjon ta' kemm kull wieħed minnhom ikun qiegħed fil-fond tas-soċjetà.

(2) Kwantu għas-soċju li ma jkunx qiegħed fis-soċjetà ħlief ix-xogħol tiegħu, is-sehem tiegħu fil-qligħ jew fit-telf ikun meqjus bħas-sehem ta' dak is-soċju li fis-soċjetà jkun ħareġ l-anqas somma jew sehem.

Jekk is-soċji jiftiehmu li jħallu d-deċiżoni ta' dawn l-ishma f'idejn wieħed mis-soċji, eċċ.

1667. (1) Jekk is-soċji jkunu ftiehmu li jħallu f'idejn wieħed minnhom jew f'idejn wieħed barrani li jiddeċidi kemm għandhom ikunu dawn l-ishma, din id-deċiżjoni ma tistax tiġi attakkata ħlief fil-każ li tkun bid-dieher kontra l-ekwità.

(2) Ma tistax tiġi attakkata lanqas f'dan il-każ, jekk igħaddu iżjed minn tliet xhur minn dak in-nhar li s-soċju li jidhirlu li hu aggravat b'dik id-deċiżjoni sar jaf biha jew jekk huwa nnifsu jkun beda jesegwiha.

(3) Jekk il-parti li għad-deċiżjoni tagħha s-soċji jkunu ftiehmu li joqogħdu, ma tkunx trid jew ma tkunx tista' tistabbilixxi l-ishma, jew tonqos li tistabbilixxi dawn l-ishma fiż-żmien miftiehem mill-partijiet, inkella, jekk ma jkunx sar ftehim, fi żmien xahar, is-soċjetà hija nulla.

Nullità ta' xi ftehim.

1668. (1) Kull ftehim li jagħti lil wieħed mis-soċji l-jedd għall-qligħ kollu, huwa null.

(2) Kull ftehim li bih il-kapitali jew il-beni miġjuba fis-soċjetà minn wieħed jew iżjed mis-soċji għandhom jiġu meħlusa minn kull sehem fit-telf, huwa wkoll null.

Il-jeddijiet, setgħat u obbligi tas-soċju amministratur huma bħal dawk ta' mandatarju.

1669. Jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, u fejn dan il-Kodiċi ma jiddisponix xort'oħra, il-jeddijiet, is-setgħat u l-obbligi ta' kull wieħed mis-soċji inkarigat bl-amministrazzjoni tas-soċjetà, jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-jeddijiet, is-setgħat u l-obbligi tal-mandatarju.

Setgħat tas-soċju amministratur.

1670. (1) Is-soċju inkarigat mill-amministrazzjoni taħt patt speċjali fil-kuntratt tas-soċjetà, jista' jagħmel, għad li jkun hemm l-oppożizzjoni tas-soċji l-oħra, l-atti kollha li jidħlu fl-amministrazzjoni tiegħu, basta li huwa jimxi mingħajr qerq.

(2) Din is-setgħa ma tistax tiġi mneħħija mingħajr raġuni tajba matul iż-żmien tas-soċjetà; iżda jekk din is-setgħa tkun ġiet mogħtija b'att li jsir wara l-kuntratt tas-soċjetà, tista' tiġi mneħħija bħal fil-każ ta' mandat sempliċi.

Meta jkunu inkarigati mill-amministrazzjoni żewġ soċji jew iżed.

1671. Meta żewġ soċji jew iżjed ikunu inkarigati mill-amministrazzjoni tas-soċjetà, mingħajr ma jkunu ġew speċifikati d-dmirijiet ta' kull wieħed minnhom, jew mingħajr ma jkun ġie miftiehem li wieħed ma jistax jagħmel mingħajr l-ieħor, kull wieħed minnhom jista' jagħmel mingħajr l-ieħor l-atti kollha tal-amministrazzjoni.

Amministrazzjoni flimkien.

1672. Meta jkun ġie miftiehem li wieħed mis-soċji amministraturi ma jista' jagħmel ebda ħaġa mingħajr l-ieħor, wieħed waħdu ma jista' jagħmel ebda att mingħajr l-ieħor, jekk ma jkunx hemm ftehim ġdid, għad li dan l-ieħor ikun jinsab f'dak iż-żmien fi stat li ma jistax jieħu parti fl-atti tal-amministrazzjoni, ħlief fil-każ ta' att li ma jkunx irid dewmien u tali li jekk ma jsirx jista' jkun hemm għas-soċjetà ħsara kbira u li ma tistax tissewwa.

Regoli dwar l-amministrazzjoni meta ma jkunx sar ftehim.

1673. Meta ma jkunx sar ftehim speċjali fuq kif għandha titmexxa l-amministrazzjoni, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(*a*) jitqies li s-soċji taw lil xulxin bejniethom is-setgħa li jamministraw il-wieħed għall-ieħor; u kull ma jsir minn kull wieħed minnhom jiswa wkoll għas-sehem tas-soċji l-oħra, għalkemm ma jkunx ittieħed il-kunsens tagħhom;

(*b*) jekk is-soċji ma jkunux iżjed minn tnejn, kull wieħed minnhom jista' jopponi l-operazzjoni qabel ma tiġi magħluqa, bla ħsara tal-jedd tas-soċju l-ieħor li jitlob il-ħall tas-soċjetà, flimkien mad-danni, jekk l-oppożizzjoni tkun vessatorja, jew kuntrarja għall-iskop tas-soċjetà, jew xort'oħra ta' ħsara kbira għall-interessi tas-soċjetà;

(*ċ*) jekk is-soċji jkunu iżjed minn tnejn, fil-każ ta' oppożizzjoni, tirbaħ il-fehma tal-maġġoranza meqjusa fuq il-għadd tas-soċji kollha, inkella, meta d-deċiżjoni tittieħed f'laqgħa msejħa bi ftehim, jew f'laqgħa illi għaliha s-soċji kollha jkunu ġew imsejħa, fuq il-għadd biss tas-soċji li jkun hemm fil-laqgħa:

Iżda, jekk id-deċiżjoni tal-maġġoranza tkun vessatorja, jew tkun kuntrarja għall-iskop tas-soċjetà, jew tkun li tista' tagħti esekuzzjoni għal atti li ma jkunux jidħlu minnhom infishom fl-iskop tas-soċjetà, jew xort'oħra ta' ħsara kbira għall-interessi tas-soċjetà, is-soċju li jkun kuntrarju jista' jitlob il-ħall tas-soċjetà, flimkien mad-danni;

(*d*) kull soċju jista' jagħmel użu mill-ħwejjeġ tas-soċjetà, basta li jinqeda bihom għall-iskop li għalih għandhom

iservu skont l-użu, u ma jinqedix bihom kontra l-interess tas-soċjetà jew b'mod li ma jħallix lis-soċji l-oħra jinqdew bihom skont il-jedd tagħhom;

(*e*) kull soċju għandu jedd li jobbliga lis-soċji l-oħra li joħorġu sehem miegħu għall-ispejjeż meħtieġa sabiex jinżammu fi stat tajjeb il-ħwejjeġ tas-so`jetà;

(*f*) wieħed mis-soċji ma jistax jagħmel tibdil fl-immobbli tas-soċjetà, lanqas jekk jidhirlu li dan it-tibdil ikun ta' ġid għas-soċjetà, kemm-il darba is-soċji l-oħra ma jagħtux il-kunsens tagħhom għaldaqshekk.

Is-soċju li ma jkunx amministratur ma jistax jittrasferixxi ħwejjeġ tas-soċjetà.

1674. Is-soċju li ma jkunx amministratur ma jistax jittrasferixxi jew jobbliga l-ħwejjeġ tas-soċjetà, lanqas jekk ikunu ħwejjeġ mobbli.

Soċju jista' jsieħeb ieħor.

1675. Kull wieħed mis-soċji jista', mingħajr il-kunsens tas-soċji l-oħra, isieħeb miegħu lil ħaddieħor fis-sehem li jkollu fis-soċjetà; iżda hu ma jistax, mingħajr il-kunsens tagħhom, idaħħal lil dan il-wieħed ieħor fis-soċjetà, lanqas jekk huwa jkollu l-amministrazzjoni tagħha.

Sub-titolu III

FUQ L-OBBLIGAZZJONIJIET TAS-SOĊJI LEJN IT-TERZI

Is-soċji mhumiex obbligati *in solidum* għad-djun tas-soċjetà.

1676. Is-soċji mhumiex obbligati *in solidum* għad-djun tas-soċjetà; u wieħed mis-soċji ma jistax jobbliga lill-oħrajn, jekk dawn ma jkunux tawh is-setgħa għaldaqshekk.

Responsabbiltà tas-soċji meta ishma tagħhom ma jkunux indaqs.

1677. Is-soċji huma obbligati lejn il-krediturі li magħhom ikunu kkuntrattaw, kull wieħed minnhom għal somma u sehem indaqs, ukoll jekk is-sehem ta' wieħed minnhom fis-soċjetà ikun anqas, kemm-il darba l-kuntratt ma jkunx espressament illimita l-obbligazzjoni ta' dan is-soċju fil-proporzjon tas-sehem tiegħu.

Jekk l-obbligazzjoni ssir fl-isem tas-soċjetà.

1678. (1) Il-patt illi l-obbligazzjoni saret akkont tas-soċjetà, jobbliga biss lis-soċju li kkuntratta u mhux lill-oħrajn, ħlief jekk dawn ikunu tawh dik is-setgħa, jew jekk il-ħaġa tkun sfat ta' ġid għas-soċjetà.

(2) Is-soċju li jikkuntratta f'ismu, ma jorbotx lis-soċji l-oħra, lanqas jekk il-ħaġa tkun sfat ta' ġid għas-soċjetà, bla ħsara ta' kull azzjoni favur ta' dawk li kkuntrattaw miegħu, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1143.

Sub-titolu IV

FUQ KIF TISPIĊĊA S-SOĊJETÀ

Kif tispiċċa s-soċjetà.

1679. Is-soċjetà tispiċċa -

(*a*) bl-egħluq taż-żmien li għalih ġiet miftiehma;

(*b*) billi jispiċċa l-fond tas-soċjetà, jew bit-tmiem tal-affari li għaliha s-soċjetà tkun saret;

(*ċ*) bil-mewt ta' wieħed mis-soċji;

(*d*) bl-inibizzjoni, ġenerali jew speċjali, li jikkuntratta, ta' wieħed mis-soċji, jew bl-insolvenza jew falliment tiegħu;

(*e*) bid-dikjarazzjoni ta' wieħed mis-soċji li hu ma jridx jissokta fis-so`jetà.

It-telfa tal-ħaġa mwiegħda.

1680. (1) Jekk wieħed mis-soċji wiegħed li jġib fis-soċjetà l-proprjetà ta' ħaġa u din il-ħaġa tispiċċa qabel ma s-soċjetà takkwista l-proprjetà tagħha, is-soċjetà tinħall għas-soċji kollha.

(2) Iżda, is-soċjetà ma tinħallx jekk it-telfa tal-ħaġa tiġri wara li s-soċjetà tkun akkwistat il-proprjetà tagħha.

Telfa tal-ħaġa li tagħha ġiet imwiegħda t-tgawdija.

1681. Jekk wieħed mis-soċji wiegħed li jġib fis-soċjetà t-tgawdija ta' ħaġa, it-telfa ta' din il-ħaġa ġġib il-ħall tas-soċjetà, ukoll jekk it-telfa tiġri wara li s-soċjetà tkun bdiet tgawdi l-ħaġa.

Ftehim li s-soċjetà tissokta f'każ ta' mewt ta' wieħed mis-soċji.

1682. (1) Jista' jiġi miftiehem li f'każ ta' mewt ta' wieħed mis-soċji, is-soċjetà għandha tissokta mal-werriet tiegħu, inkella bejn is-soċji biss li jibqgħu ħajja.

(2) F'dan it-tieni każ, il-werriet tal-mejjet m'għandux jedd ħlief li jitlob il-qsim tal-fond tas-soċjetà skont l-istat tagħha fiż-żmien tal-mewt tas-soċju, u ma jkollux sehem fil-jeddijiet akkwistati wara, ħlief meta dawn il-jeddijiet huma ta' bil-fors il-konsegwenza ta' operazzjonijiet magħmulin qabel il-mewt tas-soċju li lilu jiret.

Ħall tas-soċjetà b'rinunzja.

1683. Il-ħall tas-soċjetà bil-volontà ta' waħda mill-partijiet jista' jsir biss jekk is-soċjetà tkun ġiet magħmula mingħajr limiti ta' żmien, u jsir bil-mezz ta' rinunzja, innotifikata lis-soċji l-oħra kollha, basta li din ir-rinunzja ssir b'bona fidi u mhux barra minn waqtha.

Meta r-rinunzja mhix magħmula bona fidi, eċċ.

1684. (1) Ir-rinunzja mhix bona fidi, meta s-soċju jirrinunzja sabiex jieħu waħdu l-qligħ li s-soċji kellhom fi ħsiebhom li jagħmlu flimkien.

(2) Hija magħmula barra minn waqtha, meta l-ħwejjeġ ma jkunux għadhom iżjed sħaħ, u l-interess tas-soċjetà jkun jitlob illi l-ħall tagħha jitħalla għal iżjed 'il quddiem.

Il-ftehim li jneħħi l-jedd tal-ħall tas-soċjetà magħmula bla limiti ta' żmien, hu null.

1685. Kull ftehim li bih jiġi mneħħi lil wieħed mis-soċji l-jedd li jitlob li jħoll is-soċjetà magħmula mingħajr limiti ta' żmien, huwa null.

Jista' jsir patt kontra l-ħall tas-soċjetà.

1686. Madankollu, jiswa l-ftehim li bih is-soċji jżommu l-jedd li jopponu ruħhom għall-ħall tas-soċjetà mitlub minn wieħed minnhom, billi jeħilsuh minn kull obbligu lejn is-soċjetà jew lejn it-terzi, u billi jagħtuh somma li tiġi miftiehma, inkella s-somma

tal-azzjonijiet tiegħu fis-soċjetà, jekk din tkun maqsuma f'azzjonijiet.

Meta jista' jintalab il-ħall tas-soċjetà magħmula b'limiti ta' żmien.

1687. Ma jistax jintalab il-ħall tas-soċjetà magħmula b'limiti ta' żmien qabel ma jagħlaq iż-żmien miftiehem, ħlief meta jkun hemm raġunijiet tajba, bħal fil-każ li wieħed mis-soċji jonqos mill-obbligi tiegħu, jew li marda ta' sikwit tagħmlu mhux tajjeb biex jaqdi l-affarijiet tas-soċjetà, jew f'każijiet oħra bhal dawn, li s-sewwa u l-gravità tagħhom huma mħollija fid-dehen tal-qorti.

Regoli għall-qsim.

1688. Ir-regoli dwar il-qsim tal-beni in komun igħoddu wkoll għall-qsim bejn is-soċji, u għall-effetti ta' dan il-qsim.

Titolu XI

FUQ IL-KOSTITUZZJONI TA' RENTA

Kostituzzjoni ta' renta.

1689. Renta, jew ħlas ta' kull sena ta' flus jew f'oġġetti, tista' tiġi kkostitwita biċ-ċessjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, jew bil-ħlas ta' somma ta' flus li dak li jħallasha jobbliga ruħu li ma jitlobhiex lura.

Forma tal-kuntratt ta' renta.

1690. Il-kuntratt li bih tinħoloq renta ma jiswiex jekk ma jsirx bil-miktub, jew, fil-każ ta' ċessjoni ta' ħwejjeġ immobbli, jekk ma jsirx b'att pubbliku.

Effett ta' ċessjoni ta' immobbli.

1691. Iċ-ċessjoni ta' ħwejjeġ immobbli, imsemmija fl-artikolu 1689, tittrasferixxi fiċ-ċessjonarju l-proprjetà tal-ħaġa ċeduta, għad illi jkun hemm patt kuntrarju, ukoll il-patt li bih iċ-ċedent iżomm għalih id-dominju, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 996.

Xorta ta' renta.

1692. Ir-renta tista' tkun perpetwa jew vitalizja.

Liġijiet dwar ċnus bollali.

1693. Il-liġijiet dwar iċ-ċnus bollali huma mneħħija, ħlief għaċ-ċnus li jkunu ġew ikkostitwiti qabel l-14 ta' Awissu, 1862.

Sub-titolu I

FUQ IR-RENTA PERPETWA

X'inhi renta fundjarja u renta sempliċi.

1694. (1) Ir-renta perpetwa ikkostitwita bħala prezz ta' trasferiment, jew bħala piż ta' ċessjoni, ta' immobbli, sew b'titolu oneruż kemm b'titolu gratuwitu, tissejjaħ renta fundjarja.

(2) Ir-renta ikkostitwita bil-ħlas ta' somma flus jew ta' ħaġ'oħra mobbli, tissejjaħ renta sempliċi.

Kemm tista' tkun ir-renta.

1695. Ir-renta ikkostitwita bil-ħlas ta' somma ta' flus ma tistax tkun iżjed mill-erbgħa fil-mija fis-sena fuq is-somma mħallsa.

Fidwa ta' renta perpetwa. *Emendat: I.1870.3; XIII.2007.8.*

1696. (1) Ir-renta perpetwa hija fl-essenza tagħha li tista' tinfeda, f'kull żmien, meta jrid id-debitur, għalkemm ikun hemm pattijiet kuntrarji, bla ħsara tal-*proviso* tal-artikolu 1701.

(2) B'dan kollu, il-kreditur jista' jiftiehem illi r-renta m'għandhiex tiġi mifdija fi żmien ħajtu, jew qabel ma jgħaddi ċertu żmien, li ma jistax ikun iżjed minn għoxrin sena, fil-każ ta' renti fundjarji, jew iżjed minn għaxar snin, fil-każ ta' renta sempliċi, li jibdew igħaddu minn dak in-nhar li tiġi kkostitwita r-renta.

(3) Kull ftehim għal żmien itwal, jiġi mqassar, għall-wieħed jew l-ieħor miż-żminijiet hawn fuq imsemmija, skont il-każ.

(4) Madankollu meta l-kreditur ikun fondazzjoni jew *trustee*, il-partijiet fil-kuntratt ikunu jistgħu jistabbilixxu l-pattijiet għall-fidwa ta' renta perpetwa regolata bit-Titolu XI tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi, inkluż l-iffissar tar-rata tal-fidwa, il-perjodu ta' żmien li qabel ma jiskadi ma tistax issir il-fidwa, min għandu s-setgħa li jitlob li ssir l-fidwa u affarijiet simili, u jistgħu wkoll permezz ta' kliem espress jipprojbixxu li ssir dik il-fidwa.

Fidwa ta' renta sempliċi magħmula bi ħlas ta' somma ta' flus, eċċ.

1697. (1) Il-fidwa ta' renta sempliċi kkostitwita bil-ħlas ta' somma ta' flus, issir billi tintradd l-istess somma.

(2) Jekk ir-renta tkun ġiet ikkostitwita bil-għoti ta' ħwejjeġ mobbli oħra li jkunu ġew stmati fil-kuntratt, il-fidwa ssir bir-radd ta' somma daqs dik l-istima.

Fidwa ta' renta fundjarja, eċċ. *Emendat: I.1870.4, 5; XIII.2007.9.*

1698. (1) Il-fidwa ssir bir-radd tas-somma li toħroġ meta tikkapitalizza r-renta bit-tlieta fil-mija, fil-każ ta' renta fundjarja, jew, bl-erbgħa fil-mija, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) fil-każ ta' renta sempliċi kkostitwita bil-għoti ta' ħwejjeġ mobbli li l-valur tagħhom ma jkunx ġie iddikjarat fil-kuntratt;

(*b*) fil-każ ta' renta ordnata b'testment, b'donazzjoni, jew b'att ieħor li minnu ma jidhirx ċar dak li ngħata biex ġiet ikkostitwita r-renta.

(2) Iżda, jekk ir-renta tkun ġiet ikkostitwita biex toħloq benefiċċju ekkleżjastiku jew patrimonju sagru, jew biex tkun minfuqa f'opri ta' ħniena, jew f'għajnuna lill-fqar, jew fi premju għall-virtù jew għall-mertu, jew fi ħwejjeġ oħra ta' fejda pubblika, il-fidwa ssir, f'kull każ bir-radd tas-somma li toħroġ meta tikkapitalizza r-renta bit-tnejn fil-mija.

Barra minn dan, iżda bla ħsara għal kull ftehim mod ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1696(4), għandha tgħodd l-istess regola jekk ir-renta perpetwa tkun ġiet kostitwita għall-benefiċċju ta' fondazzjoni bi skop soċjali jew ta' *trust* ta' karità.

Meta d-debitur jista' jiġi mġiegħel biex jifdi r-renta.

1699. Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin espressament fil-kuntratt, id-debitur ta' renta perpetwa jista' jiġi mġiegħel jifdiha -

(*a*) jekk jonqos li jagħti lill-kreditur il-garanzija mwiegħda fil-kuntratt;

(*b*) jekk, meta jiġu neqsin il-garanziji mogħtija, ma jġibx flokhom oħrajn tajbin daqshom;

(*ċ*) jekk għal tliet snin jonqos li jħallas ir-renta, jew jekk, għad illi kull sena huwa jkun għamel xi ħlasijiet, jibqa' debitur f'somma daqs ir-renta ta' tliet snin;

(*d*) jekk ifalli jew ma jibqax solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel b'mod li jkun hemm periklu li ma jissoktax iħallas ir-renta.

Il-qorti tista' tagħti żmien.

1700. (1) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-aħħar artikolu qabel dan, il-qorti tista' tagħti lid-debitur żmien moderat sabiex fih jagħti l-garanzija mwiegħda, jew biex iġib garanzija oħra flok dik li ġiet nieqsa, jew biex iħallas ir-renta magħluqa, u b'hekk jeħles mill-obbligu tal-fidwa tar-renta.

(2) Dan iż-żmien ma jistax ikun ta' iżjed minn xahrejn, u jista jiġi mġedded, għal raġuni tajba, għal xahrejn oħra biss.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1520 jgħoddu wkoll, fil-każ maħsub f'dan l-artikolu, għal kull kreditur tad-debitur, u għal kull wieħed li jkollu interess.

Igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1696 sa l-1700. *Emendat: I.1870.6.*

1701. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1696 sa l-1700 jgħoddu wkoll għal kull ħlas ieħor perpetwu ta' kull sena kkostitwit bis-saħħa ta' kull titolu li jkun, ukoll jekk b'testment jew b'donazzjoni, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet dwar l-enfitewsi.

(2) Dawk id-dispożizzjonijiet igħoddu wkoll għar-renti jew ħlasijiet ta' kull sena kkostitwiti qabel il-11 ta' Frar, 1870:

Iżda l-fidwa ta' renta jew ħlas ieħor ta' kull sena kkostitwiti skont il-liġi, sew qabel kemm wara l-11 ta' Frar, 1870, biex joħolqu benefiċċju ekkleżjastiku jew patrimonju sagru, jew biex bihom isiru opri ta' ħniena, ma tistax issir mingħajr il-kunsens tal-awtorità ekkleżjastika kompetenti.

Sub-titolu II

FUQ IL-VITALIZJU

Kif jista' jiġi kkostitwit vitalizju.

1702. Il-vitalizju jista' jiġi kkostitwit sew fuq il-ħajja ta' dak li joħroġ il-flus jew ħaġ'oħra, kemm fuq il-ħajja tad-debitur jew ta' ħaddieħor li ma jkollux jedd għar-renta.

Ir-renta tista' tiġi kkostitwita fuq il-ħajja ta' persuna waħda jew iżed,

1703. Il-vitalizju jista' jiġi kkostitwit fuq il-ħajja ta' persuna waħda jew iżjed.

jew favur terza persuna.

1704. Il-vitalizju jista' wkoll jiġi kkostitwit favur terza persuna, għalkemm il-prezz tiegħu jkun ġie mħallas minn persuna oħra.

Il-vitalizju fuq il-ħajja ta' wieħed li kien ġà mejjet fi żmien il-kuntratt m'għandux effett.

1705. Il-kuntratt ta' vitalizju fuq il-ħajja ta' wieħed li kien ġà mejjet fiż-żmien tal-kuntratt, ma għandu ebda effett.

Rata ta' imgħax.

1706. Il-vitalizju jista' jiġi kkostitwit bir-rata ta' imgħax li l-partijiet jogħġobhom jiftiehmu.

Meta dak li favur tiegħu ġie kkostitwit il-vitalizju jista' jiltob li jiġi maħlul.

1707. Dak li favur tiegħu jkun ġie kkostitwit il-vitalizju bil-ħlas ta' prezz, jista' jitlob il-ħall tal-kuntratt jekk min ikkostitwixxa l-vitalizju ma jagħtiħx il-garanziji miftehmin għall-esekuzzjoni tiegħu.

Jeddijiet tal-persuna li favur tagħha jsir il-vitalizju.

1708. In-nuqqas biss tal-ħlas tal-annati magħluqa ma jagħtix lil dak li favur tiegħu jkun ġie kkostitwit il-vitalizju l-jedd li jitlob ir-radd tal-kapital, jew li jerġa' jidħol fil-pussess tal-ħaġa li tkun ġiet ittrasferita: hu m'għandux ħlief il-jedd li jitlob il-ħlas tar-renta magħluqa, u garanzija għall-ħlasijiet li jagħilqu 'l quddiem.

Min jikkostitwixxi vitalizju ma jistax jitlob il-ħall tal-vitalizju.

1709. Min jikkostitwixxi l-vitalizju ma jistax jeħles mill-ħlas tar-renta billi joffri li jrodd il-kapital u billi jirrinunzja għall-annati mħallsa minnu: hu obbligat iħallas ir-renta matul il-ħajja kollha tal-persuna jew tal-persuni li fuq il-ħajja tagħhom il-vitalizju jkun ġie kkostitwit, iġħixu kemm iġħixu din il-persuna jew dawn il-persuni, u jsir kemm isir gravuż il-ħlas tal-vitalizju.

Kif jitħallas il-vitalizju.

1710. (1) Ir-renta tal-vitalizju tmiss lil sid il-vitalizju skont in-numru tal-ġranet li jkun għex dak li fuq il-ħajja tiegħu l-vitalizju jkun ġie kkostitwit.

(2) Iżda, jekk ikun ġie miftiehem li l-vitalizju għandu jitħallas bil-quddiem, ir-rata kollha mħallsa bil-quddiem jew li kellha hekk titħallas, tiġi akkwistata minn dak in-nhar li jagħlaq il-ħlas.

Meta mhux suġġett għal sekwestru.

1711. (1) Ma jistax isir patt illi r-renta tal-vitalizju ma tkunx suġġetta għal sekwestru, ħlief meta l-vitalizju jiġi kkostitwit b'titolu gratuwitu, sew b'att fost il-ħajjin kemm b'testment.

(2) Meta r-renta tkun ġiet hekk ikkostitwita b'titolu gratuwitu, jista' jsir patt illi ma tistax tiġi ttrasferita jew mibjugħa.

Sid il-vitalizju għandu jipprova l-eżistenza tal-persuna li fuq il-ħajja tagħha vitalizju ġie kkostitwit.

1712. Sid il-vitalizju ma jistax jitlob il-ħlas tal-annati, jekk ma jippruvax li l-persuna li fuq il-ħajja tagħha l-vitalizju kien ġie kkostitwit għadha tgħix.

Miżjud: *XI.2005*.3.

TITOLU XI A*

FUQ KUNTRATTI TA' ASSIGURAZZJONI FUQ IL-ĦAJJA

Sub-titolu 1 - Materji Kuntrattwali

L-għan ta' kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja. *Miżjud: XI.2005.3.*

1712A.(1) Kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jista' jiġi stipulat fuq il-ħajja tad-detentur ta' polza jew fuq dik ta' terza persuna li dwarha d-detentur ta' polza jkollu interess assigurabbli, li jkun leġittimu, mal-bidu tal-kuntratt.

Interess assigurabbli.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu:

*Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom iseħħu għar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni magħmulin wara l-bidu fis-seħħ ta' dan it-Titolu (15 ta' Awissu. 2005) u ta' operazzjonijiet legali sussegwenti u rilevanti magħmulin taħt jew għar-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li kienu jeżistu f'dik id-data. Ebda ħaġa f'dan it-Titolu ma għandha tolqot il-validità ta' xi kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun sar qabel dik id-data jew ta' xi ħaġa magħmula taħtu jew dwaru sa qabel dik id-data.

(*a*) persuna għandha interess assigurabbli fil-ħajja tagħha stess u fil-ħajja tal-konjuġi tagħha;

(*b*) ġenitur ta' persuna li tkun għadha ma għalqitx l-età ta' tmintax-il sena, u tutur ta' dik il-persuna għandhom interess assigurabbli fil-ħajja ta' dik il-persuna;

(*ċ*) persuna li x'aktarx issofri telf finanzjarju bħala riżultat tal-mewt ta' xi persuna oħra għandha interess assigurabbli fil-ħajja ta' dik il-persuna l-oħra;

(*d*) korp magħqud għandu interess assigurabbli fil-ħajja ta' xi uffiċjal, azzjonist jew impjegat tal-korp magħqud u soċjetà għandha interess assigurabbli fil-ħajja ta' soċju jew impjegat tas-soċjetà;

(*e*) prinċipal għandu interess assigurabbli fil-ħajja tal-impjegat tiegħu u impjegat għandu interess assigurabbli fil-ħajja tal-prinċipal tiegħu;

(*f*) persuna għandha interess assigurabbli fil-ħajja ta' persuna li jkun jiddependi minnha, jew għal kollox jew biss f'parti, għall-manteniment u s-sostenn tiegħu;

(*g*) għall-finijiet ta' dan titolu, il-fraži "assigurazzjoni fuq il-ħajja" għandha tinkludi kull kuntratt ta' assigurazzjoni li skont dak il-kuntratt jitħallas xi benefiċċju mal-mewt.

(3) Bla ħsara għal interess li jkun wieħed leġittimu, il-ftehim minn assiguratur li jagħmel kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja fuq ħajjet persuna li ma tkunx dik tad-detentur ta' polza, ikun prova suffiċjenti tal-fatt li l-assigurat għandu interess assigurabbli fil-ħajja tal-persuna li għandha ħajjitha assigurata.

(4) Ħlief fil-każ imsemmi fis-subartikolu (2)(*ċ*), meta persuna għandha interess assigurabbli fil-ħajja ta' xi persuna oħra ma jkunx hemm il-ħtieġa li d-detentur ta' polza jġib prova li jkun ġarrab xi telf jew li t-telf mġarrab ikun b'xi mod relatat mas-somma assigurata.

Kunsens ta' terzi li jkollhom ħajjithom assigurata.
Miżjud: XI.2005.3.
Emendat: A.L. 407 tal-2007.

1712B.(1) Meta l-kuntratt ta' assigurazzjoni jkun jirreferi għall-ħajja ta' terza persuna, ikun meħtieġ għall-għemil tal-kuntratt u għas-somma assigurata, il-kunsens bil-miktub ta' dawk it-terzi jew, fil-każ ta' persuni li ma jkollhomx il-kapaċità legali, tar-rappreżentant leġittimu tagħhom, hekk li jekk dak il-kunsens ma jingħatax il-kuntratt ikun null.

(2) Fin-nuqqas ta' kunsens kif hawn qabel provdut in-nullità tal-kuntratt tista' biss titqajjem mid-detentur ta' polza jew mill-persuna li għandha ħajjitha assigurata u f'dak il-każ kull premju mħallas lill-assiguratur għandu jingħata lura lill-persuna li tkun ħallsitu.

(3) Il-kunsens li jingħata minn terza persuna li jkollha ħajjitha assigurata għandu jkun irrevokabbli kemm-il darba dan ma jiġix espressament dikjarat xort'oħra bil-miktub fil-polza.

(4) Meta kunsens ikun revokabbli kif stabbilit fis-subartikolu (3) u dan jiġi rtirat b'avviż bil-miktub li jingħata lid-detentur ta'

polza u lill-assiguratur, u sakemm ma jkunx hemm arranġamenti oħra bejn il-partijiet fil-kuntratt, il-kuntratt ta' assigurazzjoni jtemm milli jibqa' jseħħ.

Kunsens ta' persuni li ma jkollhomx il-kapaċità legali.

(5) Fil-każ ta' persuni li ma jkollhomx il-kapaċità legali, meta rappreżentant leġittimu jkun hu nnifsu d-detentur propost ta' polza, ikun meħteġ il-kunsens bil-quddiem tal-Qorti ċivili fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha:

Iżda meta r-rappreżentanti leġittimi jkunu l-ġenituri ta' wild jew xi wieħed jew waħda minnhom, il-kunsens min minnhom ikun mill-ġenituri jkun suffiċjenti:

Iżda wkoll meta l-persuna li għandha ħajjitha assigurata tkun minuri, il-kopertura fuq il-ħajja taħt il-polza ma jkunx jista' jeċċedi sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) jew xi somma oħra li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna minn żmien għal żmien b'avviż fil-Gazzetta.

Kunsens presunt f'poloz ta' grupp taħt skemi.

(6) Dak il-kunsens ikun preżunt meta t-terza persuna tkun tagħmel parti minn klassi definita ta' persuni li ħajjithom tkun assigurata skont pattijiet u kondizzjonijiet ta' ftehim ta' assigurazzjoni kopert b'polza ta' grupp li dik it-terza persuna tkun qablet magħha jew issottoskriviet għaliha, inkluż kull arranġament li jagħmel parti mill-kondizzjonijiet tax-xogħol ta' persuna.

Terzi għandhom jagħtu kunsens għal kull rahan u assenjament ta' polza.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar l-assenjament u rahan ta' drittijiet:

(i) l-assenjament jew rahan ta' kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, u

(ii) kull tismija jew sostituzzjoni tal-benefiċjarju imsemmi f'kuntratt bħal dak, jew l-assenjament ta' benefiċċju bħal dak,

ma għandhomx ikunu validi mingħajr il-kunsens bil-miktub tat-terza persuna li jkollha ħajjitha assigurata, salvi d-dispożizzjonijiet ta' liġijiet speċjali li skonthom dak il-kunsens jista' ma jkunx meħtieġ għal dawk l-operazzjonijiet.

Kuntratt ta' assigurazzjoni favur benefiċjarji terzi.
Mižjud: XI.2005.3.

1712Ċ.(1) Id-detentur ta' polza jista' jagħżel li r-rikavat jew kull benefiċċju li joriġina minn kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, sew jekk dan jitħallas f'data definita ta' maturazzjoni jew mal-mewt tal-persuna li jkollha ħajjitha assigurata, inkluż kull valur ta' ċediment, jitħallas lil xi benefiċjarju wieħed imsemmi jew iżjed minn benefiċjarju wieħed:

Iżda fil-każ ta' konjuġi jew ulied tad-detentur ta' polza, it-tismija ta' dawk il-persuni b'riferenza għall-klassi ta' persuni tkun suffiċjenti u f'dak il-każ, kemm-il darba ma jiġix dikjarat xort'oħra fil-polza, huma għandhom igawdu drittijiet mir-rikavat f'ishma indaqs u għandhom jibbenefikaw minn dik it-tismija ukoll jekk huma ma jaċettawx il-wirt:

Iżda wkoll ikun leġittimu wkoll li tissemma' klassi ta' benefiċjarji fil-każ ta' kuntratti ta' assigurazzjoni favur persuni li jipparteċipaw f'polza ta' grupp kif hemm imsemmi fl-artikolu 1712B(6).

(2) (*a*) It-tismija ta' benefiċjarju jew klassi ta' benefiċjarji għandha ssir jew fil-kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jew polza oriġinali jew f'emenda sussegwenti tal-polza u dik it-tismija tista' tirreferi għar-rikavat kollu jew parti minnu, u tista' tkun soġġetta għal kondizzjonijiet, sospensiva jew riżoluttiva. Tismija ta' benefiċjarji.

(*b*) Meta l-għan tat-tismija jkun espressament biex jingħata manteniment tal-benefiċjarju jew bħala pensjoni, dik it-tismija tista' tkun soġġetta għal restrizzjoni fuq il-bejgħ jew kull operazzjoni legali oħra, bla ħsara għal diminuzzjoni jew terminazzjoni fil-każ li l-benefiċjarju jiġi dikjarat fallut jew insolventi jew xi proprjetà tiegħu tkun tista' tinqabad għall-benefiċċju tal-kredituri tiegħu u ma tkunx tista' tiġi sekwestrata taħt mandat ta' sekwestru maħruġ kontra l-assiguratur:

Iżda dik l-immunità minn sekwestru tkun tapplika biss għal somom li jkunu raġonevolment meħtieġa għall-manteniment tal-benefiċjarju jew għal pensjoni u li ma jkunux iktar minn darbtejn l-ammont tal-ogħla pensjoni statali f'Malta.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1712D(4), id-detentur ta' polza jista' jirrevoka jew ivarja il-pattijiet ta' tismija ta' benefiċjarju. It-tismija tista' tiġi revokata.

(4) Ir-revoka jew il-modifika minn detentur ta' polza tat-tismija ta' benefiċjarju ma tistax issir permezz ta' testment. Il-werrieta tad-detentur ta' polza ma jistgħux jirrevokaw it-tismija ta' benefiċjarju wara l-mewt tad-detentur ta' polza. Ma tistax issir revoka b'testment jew mill-werrieta ta' detentur ta' polza.

1712D.(1) Bla ħsara għad-dritt ta' revoka mid-detentur ta' polza skont kif provdut fl-artikolu 1712Ċ(3) u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu dwar poloz ta' grupp, meta jkunu jitħallsu lil xi benefiċjarju wieħed imsemmi jew iżjed minn benefiċjarju wieħed, ir-rikavat u kull benefiċċju li joriġina minn kuntratt ta' assigurazzjoni, inkluż kull valur ta' ċediment, ikunu dovuti lill-benefiċjarju u jagħmlu parti mill-patrimonju tiegħu, kemm jekk dak il-benefiċjarju ikunx jaf jew le bit-tismija tiegħu. Effetti legali ta' tismija. *Miżjud: XI.2005.3.*

(2) Il-benefiċjarju ma għandu jgawdi ebda dritt ieħor salv dawk li hemm fis-subartikolu (1) għar-rigward tal-polza u l-assiguratur ma għandu jiżvela ebda informazzjoni dwar il-polza mingħajr il-kunsens bil-miktub u bil-quddiem tad-detentur ta' polza, sa dak iż-żmien li d-detentur ta' polza jmut f'liema każ l-assiguratur, meta jsir jaf b'dak il-fatt, għandu jinforma lill-benefiċjarju bil-jedd tiegħu:

Iżda l-assiguratur għandu jinforma benefiċjarju li jkun aċċetta t-tismija, bir-raġunijiet li jistgħu jwasslu biex il-polza tiskadi, u dan fi żmien raġonevoli qabel ma sseħħ skadenza bħal dik.

(3) Wara li benefiċjarju jaċċetta - Irrevokabilità tat-tismija.

(*a*) ir-revoka tat-tismija ta' benefiċjarju, jew

(*b*) il-modifika tas-somma li l-polza tkun inħarġet għaliha, jew

(*ċ*) ir-rahan jew l-assenjament tal-polza,

jistgħu jsiru biss bil-kunsens bil-miktub u bil-quddiem tal-benefiċjarju:

Iżda dak hawn qabel imsemmi ma għandux ikun japplika għal polza ta' grupp li tkun regolata bil-pattijiet ta' xi skema applikabbli:

Iżda wkoll rahan jew assenjament li jsiru mingħajr tali kunsens ikun validu imma jkun soġġett għad-drittijiet bil-quddiem tal-imsemmi benefiċjarju.

Aċċettazzjoni u notifika tat-tismija.

(4) Aċċettazzjoni ta' tismija minn benefiċjarju ai termini ta' dan l-artikolu għandu jkun fiha data, firma tal-benefiċarju kif ukoll firma oħra ta' xhud u għandha tiġi notifikata lill-assiguratur. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu -

(*a*) "bil-miktub" ma għandhiex tinkludi mezzi elettroniċi, u

(*b*) talba bil-miktub lill-assiguratur mill-imsemmi benefiċjarju għandha titqies bħala aċċettazzjoni bil-miktub fejn jintalab ir-rikavat tal-polza.

Kull aċċettazzjoni bħal dik għandha tiġi annotata bl-endorsjar tal-polza.

Avviż dwar it-tismija ta' benefiċjarju jista' jingħata wkoll wara l-mewt tad-detentur tal-polza jew tal-persuna li jkollha ħajjitha assigurata sakemm avviż bħal dak jingħata fi żmien sebat ijiem tax-xogħol mill-mewt u wara dak il-perjodu t-tismija għandha tiskadi u ma għandu jkollha ebda effett legali.

(5) Bla ħsara għall-frażijiet espressi tat-tismija, kull referenza għall-benefiċjarju f'dawn l-artikoli għandha tiftiehem bħala li tinkludi lill-werrieta, il-legatarji, min jagħti b'rahan jew jassenja, skont il-każ, tal-imsemmi benefiċjarju.

(6) Kull operazzjoni msemmija f'dawn l-artikoli għandu jkollha effetti legali biss meta l-assiguratur jirċievi avviż dwarhom jew xort'oħra jgħarraf li jkun irċieva avviż bil-miktub u fil-każijiet meta jiġi avżat iktar minn att bħal dak wieħed, dawk l-atti għandhom jibdew iseħħu bla ħsara għal kull att li jkun qabel ġie avżat jew mgħarraf li jkun ġie riċevut.

Regoli speċjali għal poloz ta' grupp.

(7) Dawn ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fil-każ ta' poloz ta' grupp imsemmija fl-artikolu 1712B(6):

(*a*) il-jedd ta' dak il-benefiċjarju jkun skont il-pattijiet ta' dik l-iskema u jkun jista' jiġi provdut dwar kull kondizzjoni inkluża t-terminazzjoni ta' benefiċċju mat-tmiem ta' impjieg;

(*b*) sakemm il-pattijiet tal-iskema ma jkunux jipprovdu xort'oħra, il-parteċipant fi skema ma jkollux jedd jassenja jew jirhan id-drittijiet tiegħu, lanqas ma jkollu jedd għall-valur ta' ċediment tal-polza mat-terminazzjoni tal-benefiċċju u l-arranġament għandu

jipprovdi għal regoli fuq it-trasferibilità tal-benefiċċji kif meħtieġ bil-liġi li tkun tapplika.

Sehem riservat. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712E.(1) Is-somom li jitħallsu taħt kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja lil benefiċjarju msemmi ma jkunux soġġetti għar-regoli ta' riduzzjoni għall-ksur tas-sehem riservat tal-patrimonju. Lanqas ma għandhom dawk ir-regoli japplikaw għas-somom imħallsin mid-detentur ta' polza bħala premju jew kontribuzzjonijiet addizzjonali mal-polza meta dawk is-somom ikunu moderati, skont ma jitqies il-patrimonju tad-detentur ta' polza. Meta s-somma ma tkunx waħda moderata, id-dritt għar-riduzzjoni għall-ksur tas-sehem riservat tal-patrimonju jkun biss eżerċitabbli kontra l-benefiċjarju tar-rikavat tal-polza u ma jinkombi ebda dritt kontra l-assiguratur.

Kollazzjoni bejn il-werrieta.

(2) Kemm-il darba d-detentur ta' polza ma jeżentax ir-rikavat ta' polza tal-assigurazzjoni li jitħallas lil benefiċjarju msemmi li jkun werriet flimkien mal-oħrajn mill-kollazzjoni skont dan il-Kodiċi, is-somom li jitħallsu għandhom jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet li japplikaw ta' dan Kodiċi.

Konsolidazzjoni ta' interessi f'polza favur assigurati flimkien. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712F.(*a*) Meta polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja ssir minn żewġ detenturi ta' polza jew aktar, ikun leġittimu li jiġi miftiehem li mal-mewt ta' detentur tal-polza wieħed, il-kuntratt ta' assigurazzjoni jkompli għaddej għar-rigward tad-detentur ta' polza li jibqa' ħaj u f'dak il-każ kull dritt u obbligazzjoni taħt dak il-kuntratt ta' assigurazzjoni fil-waqt tal-mewt tad-detentur ta' polza li jkun miet għandhom jinġemgħu favur id-detentur ta' polza li jibqa' ħaj u ma għandhomx ikunu jiffurmaw parti mill-patrimonju tad-detentur ta' polza li jkun miet.

(*b*) Meta polza konġunta tiġi dikjarata bħala li ttemm milli tibqa' sseħħ mal-mewt tal-ewwel ħajja, id-detentur ta' polza li jibqa' ħaj ikun jista' jiddeċiedi li jagħżel li jirċievi r-rikavat tal-polza jew li jkompli għaddej bil-polza sal-mewt ta' dak l-istess detentur ta' polza.

Twarrib ta' interess u telf ta' benefiċċju minn benefiċjarju. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712G.(1) Meta jsir it-twarrib minn benefiċjarju ta' benefiċċju taħt kuntratt ta' assigurazzjoni, l-interess ta' dak il-benefiċjarju għandu jvesti fid-detentur tal-polza jekk ma jkunx hemm benefiċjarji msemmija oħra. Fil-każ li jkun hemm benefiċjarji msemmija oħra dak l-interess għandu jvesti fil-benefiċjarji l-oħra *pro rata skont* l-interess li jkollhom. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal polza ta' grupp li għandha tkun regolata bil-pattijiet espressi tal-iskema li taħtha tkun qiegħda tinħareġ.

(2) Il-kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għandu jtemm milli jkollu effett dwar detentur ta' polza jew benefiċjarju msemmi li jkun ġie kundannat mill-qorti għal offiża gravi fuq il-persuna jew omiċidju volontarju tad-detentur ta' polza jew tal-ħajja assigurata skont il-każ. Iktar minn hekk, jekk il-benefiċjarju msemmi jkun għamel tentattiv fuq il-ħajja tad-detentur ta' polza jew fuq il-ħajja assigurata, u fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 1787, bla ħsara dejjem għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1791, id-detentur ta'

polza ikollu jedd jirrevoka t-tismija mingħajr il-kunsens tal-benefiċjarju jew tas-suċċessuri tiegħu fit-titolu, ukoll jekk il-benefiċjarju jkun aċċetta skont ma hemm fl-artikolu 1712D.

Il-liġijiet tas-suċċessjoni ma japplikawx. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712H. Meta t-tismija ta' benefiċjarju tkun saret skont l-artikoli ta' qabel, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi dwar is-suċċessjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-polza jew għal xi drittijet jew rikavat taħthom ħlief kif espressament dikjarat fl-artikolu 1712E.

Il-liġi li tapplika. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712I.(1) Bla ħsara għas-subartikolu (3), il-validità u l-effetti ta' kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, l-obbligazzjonijiet tal-assiguratur, id-drittijiet tad-detentur ta' polza, tal-persuna li jkollha ħajjitha assigurata, ta' kull benefiċjarju u dawk ta' terzi, għandhom ikunu regolati skont il-liġi proprja kif espressament magħżula mill-partijiet.

Regoli mandatorji.

(2) Fin-nuqqas ta' għażla espressa, il-liġi li tapplika skont prinċipji ġeneralment applikabbli tad-dritt internazzjonali privat u, jekk ikun hemm xi dubju, il-kuntratt, għandhom ikunu regolati mill-liġi tal-pajjiż fejn l-assiguratur ikun jiġġestixxi l-kummerċ tiegħu, u jekk l-assiguratur ikun jiġġestixxi l-kummerċ tiegħu f'żewġ pajjiżi jew iżjed, bil-liġi tal-pajjiż fejn ikun jinsab l-uffiċju prinċipali tiegħu.

(3) Minkejja l-għażla ta' liġi proprja barranija u l-pattijiet espressi tal-polza f'dak il-każ:

(i) meta l-persuna li jkollha ħajjitha assigurata tkun soltu residenti f'Malta fid-data tal-polza, għandu japplika l-artikolu 1712B; u

(ii) meta detentur ta' polza ikun domiċiljat f'Malta, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1712E.

Sub-titolu 2 - Materji dwar Persuni Miżżewġin

Kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja maħruġin qabel iż-żwieġ. *Mižjud: XI.2005.3.*

1712J.(1) Kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja maħruġ minn persuna li sussegwentement tiżżewweġ ma għandux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bla ħsara, madankollu, għad-dritt tal-parti l-oħra fiż-żwieġ li tiġi lilha akkreditata somma li tkun daqs nofs kull premjum imħallas minn dik il-persuna matul iż-żwieġ meta dawk il-premja jkunu ġew imħallsa minn proprjetà tal-komunjoni:

Iżda dik il-persuna tista' tiddeċiedi li dik il-polza ssir parti mill-komunjoni tal-akkwisti f'liema każ l-artikoli li jiġu wara għandhom jipprevalixxu.

(2) Il-ħlasijiet ta' premja matul iż-żwieġ għandu jitqies bħala li jkun sar mill-proprjetà tal-komunjoni kemm-il darba ma jkunx hemm provi kuntrarji.

(3) F'dawk il-każijiet id-detentur ta' polza ikollu jedd jagħmel l-attijiet kollha għar-rigward ta' polza bħal dik u li jirċievi kull rikavat relattiv, kemm meta dawn jimmaturaw kemm jekk jiġu ċeduti qabel, mingħajr il-kunsens tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, u l-polza fuq il-ħajja u kull rikavat relattiv għandu jitqies bħala proprjetà parafernali.

Kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja maħruġin minn persuni miżżewġin. *Mizjud: XI.2005.3.*

1712K.(1) Persuni miżżewġin jistgħu jagħmlu kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja f'isimhom proprju jew flimkien.

Kuntratt li l-miżżewġin jagħmlu flimkien.

(2) Meta ssir polza fuq il-ħajja minn miżżewġin flimkien, din tkun tista' biss tiġi ċeduta, mirhuna, assenjata jew modifikata, inkluż bit-tismija ta' benefiċjarju bis-saħħa tagħha, flimkien miżżewġ konjuġi kemm-il darba l-polza tkun espressament sottoskritta -

(*a*) taħt kondizzjoni li kull parti mill-konjuġi tista' taġixxi mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra f'kull ħaġa jew f'xi affarijiet; jew

(*b*) taħt il-kondizzjoni msemmija fl-artikolu 1712F, u mbagħad biss wara l-mewt tal-konjuġi l-ieħor,

f'liema każijiet kull konjuġi tista' taġixxi f'kull ħaġa.

Kuntratt meħud minn konjuġi wieħed biss.

(3) Meta kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jsir fl-isem uniku ta' persuna li tkun miżżewġa u li jkollha l-proprjetà matrimonjali soġġetta għar-regolamentazzjoni bil-komunjoni tal-akkwisti u minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-liġi:

(*a*) il-polza fuq il-ħajja tkun tista' tiġi ċeduta, mirhuna, assenjata jew modifikata, inkluż bit-tismija ta' benefiċjarju taħtha, minn dik il-persuna weħidha u f'dak il-każ, meta dan isir -

(i) għal finijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-interessi patrimonjali tal-konjuġi, jew

(ii) mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-konjuġi l-ieħor, għandu joriġina kreditu favur il-konjuġi l-ieħor ekwivalenti għal nofs il-valur tal-premja kollha mħallsin mid-detentur ta' polza; u

(*b*) ir-rikavat tal-polza għandu jitqies bħala proprjetà parafernali ta' dak il-konjuġi soġġett għal kreditu favur il-konjuġi l-ieħor ta' somma li tkun daqs nofs il-valur tal-premja kollha mħallsa mid-detentur ta' polza.

Kap. 586. Kap. 377.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, l-Att dwar Segretezza Professjonali jew xi klawsola espressa li tinsab fil-kuntratt, meta kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja jsir minn persuni miżżewġa flimkien, iżżewġ konjuġi jkollhom jedd għal informazzjoni sħiħa dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam ma' dak il-kuntratt. Meta dan isir minn konjuġi wieħed, tkun biss dik il-persuna u oħrajn li jiġu espressament awtorizzati bil-miktub, li jkollhom il-jedd għal informazzjoni dwar il-polza.

(5) Il-kreditu msemmi fis-subartikolu (3)(*a*) u (*b*) għandu jgawdi privileġġ speċjali fuq ir-rikavat tal-polza f'idejn l-assiguratur fil-każ li s-sehem tal-proprjetà tal-komunjoni li jinġabar favur id-detentur ta' polza fil-waqt tax-xoljiment tal-komunjoni ma jkunx suffiċjenti biex jitħallas il-valur tal-kreditu lill-konjuġi l-ieħor.

Sub-titolu 3 - Materji dwar l-awtorità tal-ġenituri

Kuntratti maħruġin għall-benefiċċju tal-patrimonju tal-wild.
Mižjud: XI.2005.3.

1712L.(1) Il-ġenituri ta' wild jistgħu jagħmlu kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja, għall-wild bħala detentur ta' polza, fl-amministrazzjoni tal-proprjetà tal-wild.

(2) Kuntratt bħal dak jista' jsir jew minn ġenitur wieħed jew l-ieħor u għandu jiġi reġistrat fil-polza isem il-wild bħala d-detentur tal-polza.

(3) Kull ħlas ta' xi rikavat taħt il-polza, mal-maturazzjoni, matul iż-żmien bħala irtirar jew meta jsir ċediment iktar kmieni, jista' jsir biss lill-ġenituri flimkien jew f'kont bankarju msemmi bħala proprjetà tal-wild. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 136 għandhom japplikaw għal kull att rilevanti għar-rigward tal-assigurazzjoni fuq il-polza fuq il-ħajja.

(4) Il-ġenituri ma jkunux jistgħu jsemmu lil xi terza persuna bħala benefiċjarju ta' kuntratt ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja magħmul għal wild bħala detentur ta' polza.

(5) Meta l-wild isir ta' età maġġuri huwa jkollu jedd jeżerċita d-drittijiet kollha għar-rigward tal-polza mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità għajr li jagħti avviż lill-assiguratur filwaqt li jġib prova dwar l-identità u l-età tiegħu.

Sub-Titolu 4 - Rahan ta' poloz ta' assigurazzjoni

Rahan ta' assigurazzjoni fuq il-polza fuq il-ħajja.
Mižjud: XI.2005.3.

1712M.(1)Id-drittijiet taħt polza tal-assigurazzjoni jistgħu jiġu mirhuna mid-detentur ta' polza favur kull persuna bħala sigurtà għal kull obbligazzjoni. Polza tiġi mirhuna permezz ta' istrument bil-miktub li jsir bejn min jagħti r-rahan u l-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan.

(2) Dak ir-rahan għandu jkun jorbot lill-assiguratur u lil terzi u l-privileġġ skont kif provdut fit-Titolu XXIII għandu joriġina biss wara li jkun ingħata avviż tar-rahan bil-miktub minn min jagħti r-rahan, jew mill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan, lill-assiguratur jew l-assiguratur ikun irrikonoxxa r-rahan bil-miktub.

(3) Sakemm idum għaddej ir-rahan, kull assenjament tal-polza jkun bla ħsara għar-rahan favur il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan. Id-drittijiet tal-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan huma madankollu bla ħsara għad-drittijiet ta' benefiċjarju msemmi li jkun aċċetta t-tismija qabel ir-rahan. Meta jingħata rahan, l-assiguratur ikun marbut li jinforma lill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan b'kull dritt preċedenti minkejja kull dmir ta' kunfidenzjalità.

(4) Bla ħsara għal kull dritt preċedenti, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ta' polza tal-assigurazzjoni għandu jgawdi d-drittijiet kollha tad-detentur ta' polza li jirċievi avviżi taħt il-polza, li jirċievi kull rikavat tal-polza, meta dan ikun dovut, meta jimmatura jew ma' ċediment iktar kmieni u d-dritt li jeżerċita kull għażla ta' min jagħti r-rahan taħt il-polza, ħlief għat-tismija ta' benefiċjarju, imma ma jkunx responsabbli għat-twettiq ta' obbligazzjonijiet li d-detentur ta' polza jkollu lejn l-assiguratur kemm-il darba ma jiġix xort'oħra espressament miftiehem bil-miktub.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dritt li l-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan għandu li japplika għall-bejgħ b'irkant fil-qorti tal-polza u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, fil-każ ta' xi nuqqas taħt il-ftehim bejn min jagħti r-rahan u l-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan u meta jingħata avviż permezz ta' att ġudizzjarju lil min jagħti r-rahan u lill-assiguratur, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ikollu jedd li:

(i) jiddisponi mill-polza favur ta' terza persuna; jew

(ii) japproprja ruħu u jakkwista l-polza hu nnifsu, bi tpaċija tad-dejn dovut lilu jew ta' xi parti minnu, jew bl-aħjar prezz li jista' jintlaħaq u li ma jkunx inqas mill-valur ġust.

(6) Għall-fini tas-subartikolu preċedenti, il-valur tal-polza jista' jiġi stabbilit bi ftehim bejn min jagħti r-rahan u l-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan wara li jkun ingħata avviż ta' nuqqas minn min jagħti r-rahan lill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan u ebda ftehim preċedenti ma jkun validu:

Iżda, fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim, il-valur ġust għall-bejgħ jew għall-approprjazzjoni tal-polza għandu jiġi stabbilit -

(*a*) minn *accountant* pubbliku ċertifikat maħtur mill-Qorti jew minn arbitru, jekk il-partijiet hekk jaqblu bejniethom, wara li ssir talba mill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan, jew

(*b*) b'kull mod ieħor bħal dak skont ma jista' jiġi espressament miftiehem bejn il-partijiet:

Iżda jekk il-valur ġust ma jkunx jista' jinkiseb, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ikun jista' jagħmel rikors fil-Qorti jew quddiem l-arbitru għall-approvazzjoni ta' bejgħ jew approprjazzjoni bi prezz li jkun inqas mill-valur ġust kif hawn qabel imsemmi, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jew l-arbitru jistgħu jistabbilixxu.

(7) Fil-każijiet meta jkun hemm valur ta' ċediment tal-polza, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan jista' wkoll jagħti avviż lil min jagħti r-rahan u lill-assiguratur fejn jitlob iċ-ċediment tal-polza u l-ħlas tal-valur ta' ċediment lill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan. Il-valur ta' ċediment ikun dak stabbilit mill-assiguratur skont il-pattijiet tal-polza u avżat lill-partijiet.

(8) Għall-finijiet tas-subartikoli (7) u (8), il-valur tal-polza jkun dak fid-data meta jkun ser isir il-bejgħ, l-approprjazzjoni jew iċ-ċediment proposti.

(9) Kull rikavat tal-polza li jeċċedi d-dejn dovut lill-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan għandu jingħata lura lil min jagħti r-rahan.

(10) Detentur ta' polza jista' jagħmel iktar minn ftehim ta' rahan wieħed għar-rigward tal-istess polza u r-regoli msemmija f'dan l-artikolu għandhom japplikaw għat-tieni polza u kull polza ulterjuri bl-istess mod bħalma japplikaw għall-ewwel polza imma rahan sussegwenti għandu jiggradwa bla ħsara għal kull rahan preċedenti u drittijiet oħra preċedenti.

F'dak il-każ, rahan sussegwenti għandu jkun kondizzjonali fuq l-eżistenza ta' rahan preċedenti u ebda drittijiet ma għandhom ikunu eżerċitabbli mill-kreditur sussegwenti li favur tiegħu jsir ir-rahan sakemm ikunu ġew sodisfatti ddrittijiet preċedenti tal-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan u, jew ikunu ġew mitmuma.

Titolu XII

FUQ IL-LOGĦOB U L-IMĦATRI

Ma hemmx azzjoni għall-ħlas ta' dejn ta' logħob.

1713. (1) Il-liġi ma tagħti ebda azzjoni għal dejn ta' logħob, jew għall-ħlas ta' mħatra.

(2) Ma tagħti lanqas ebda azzjoni -

(*a*) għar-radd ta' somom mislufin minn persuna li kienet taf li dawk is-somom kellhom iservu għal-logħob;

(*b*) għar-radd ta' somom mislufin minn persuna li kellha interess fil-logħob, għall-ħlas ta' dejn ta' dak il-logħob.

Eċċezzjonijiet.

1714. (1) Il-logħob li jservi għat-taħriġ fil-maniġġ tal-armi, it-tiġrijiet bir-riġlejn jew fuq żwiemel jew tad-dgħajjes, il-logħob tal-ballun u logħob iehor ta' din ix-xorta illi jgħin biex jagħti ħeffa u eżerċizzju lill-ġisem, ma jidħlux fid-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.

(2) B'dan kollu, il-qorti tista' tnaqqas is-somma mitluba kemm-il darba jidhrilha li hija kbira ż-żejjed.

Ftehim biex jinħarbu d-dispożizzjonijiet ta' qabel.

1715. Kull ftehim magħmul biex jinħarbu d-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan, huwa null.

Radd ta' flus mitlufa fil-logħob.

1716. It-tellief f'logħob, li ma jidħolx fil-logħob imsemmi fl-artikolu 1714, jista' jitlob lura mingħand ir-rebbieħ is-somma jew il-ħaġa li jkun ġa ħallas lilu, basta li, b'att ġudizzjarju, fi żmien xahrejn minn dak in-nhar tal-ħlas, isejjaħ lir-rebbieħ biex jagħtih lura s-somma jew il-ħaġa mħallsa.

Radd ta' flus imħallsin f'lotterija.

1717. Kull min ikun għamel ħlas f'Malta għal xi lotterija li tkun saret f'Malta jew f'pajjiżi oħra, jista' jitlob lura s-somma li jkun ħallas mingħand dak li f'idejh ikun għamel il-ħlas, għalkemm dan ma jkunx ħlief aġent ta' persuni oħra; iżda dan kemm-il darba l-lotterija ma tkunx saret bis-setgħa jew bil-permess mogħtijin mill-awtorità kompetenti f'Malta.

Ċerti kuntratti m'għandhomx jitqiesu b'logħob u mħatri.
Miżjud: XXII.2000.101.
Emendat: XI.2005.4.

1717A. Ebda dejn jew obbligazzjoni oħra li titnissel minn xi kuntratt dwar divrenzji, ftehim dwar l-ogħla mgħax, bdil, kambju ta' munita barranija jew xi ftehim ieħor bħal dak li jkollu bħala għanijiet jew li l-għan intiż tiegħu jkun biex jiżgura profitt jew jevita telfien (b'riferenza għal fluttwazzjonijiet fil-valur jew fil-prezz ta' proprjetà ta' kull deskrizzjoni jew f'xi indiċi jew fattur ieħor maħsub għal dak il-għan fil-kuntratt) u lanqas minn kuntratt ta' assigurazzjoni ma għandu jkun null u inesegwibbli minħabba

fid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titlu jew ta' kull liġi oħra li jkollha x'taqsam mal-logħob jew l-imħatri.

Titolu XIII

FUQ IT-TRANSAZZJONI

X'inhu kuntratt ta' transazzjoni.

1718. It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi ħaġa li jagħtu, iwiegħdu, jew iżommu, jagħtu tmiem għal kawża mibdija, jew jevitaw kawża li tkun sejra ssir.

Meta t-transazzjoni għandha ssir b'att pubbliku.

1719. (1) Jekk il-kawża li għaliha l-partijiet iridu jagħtu tmiem, jew li jkunu jridu jevitaw, ikollha b'oġġett ħwejjeġ immobbli, it-transazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx b'att pubbliku.

(2) Dan igħodd ukoll meta, sabiex issir it-transazzjoni, tingħata jew titwiegħed ħaġa immobbli.

Min jista' jagħmel transazzjoni.

1720. Ma jistgħux jagħmlu transazzjoni ħlief dawk li huma kapaci li jittrasferixxu l-ħwejjeġ imdaħħlin fit-transazzjoni.

Transazzjoni bejn ir-raġel u l-mara.

1721. Kull transazzjoni bejn ir-raġel u l-mara, mingħajr awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti hija nulla, minbarra fil-każijiet li fihom, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1366, jista' jsir bejniethom kuntratt ta' bejgħ.

Transazzjoni dwar beni suġġetti għal fedekommess, eċċ.

1722. Kull transazzjoni, dwar beni suġġetti għal fedekommess, jew dwar manteniment għal li ġej, sew jekk dan ikun ġie mħolli b'testment jew akkwistat b'donazzjoni jew kuntratt ieħor, sew jekk ikun ordnat mill-qorti, jew għandu jingħata bis-saħħa tal-liġi, hija wkoll nulla, jekk issir mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti.

Awtorizzazzjoni tal-qorti.

1723. (1) Meta sabiex transazzjoni tkun tiswa hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-qorti, din l-awtorizzazzjoni, jekk il-kawża tkun għad ma nbdietx, jew is-smigħ tal-kawża jkun għad ma nfetaħx, għandha tiġi mogħtija, meta jkun il-każ, mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

(2) Jekk is-smigħ tal-kawża jkun beda, l-awtorizzazzjoni tista' tiġi mogħtija sew mill-qorti hawn fuq imsemmija, kemm mill-qorti li quddiemha tkun miexja l-kawża.

Effett tal-klawsola penali.

1724. (1) Il-klawsola penali magħmula f'kuntratt ta' transazzjoni kontra l-parti li tonqos li tesegwixxi dik it-transazzjoni, tgħodd flok il-kumpens għall-ħsara kkaġunata mid-dewmien, iżda jibqa' sħiħ l-obbligu tal-esekuzzjoni tat-transazzjoni, barra minn dak li jingħad fl-artikolu 1119, fil-każ li l-kuntratt jiġi annullat.

(2) Jekk il-kuntratt ta' transazzjoni jiġi attakkat minħabba nullità, il-ħlas tal-penali, fiż-żmien li tkun miexja l-kawża, jibqa' sospiż.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu għall-kuntratti ta' arbitraġġ li jkun fihom klawsoli penali.

Effetti tat-transazzjoni.

1725. Fit-transazzjoni ma jidħolx ħlief dak li hu l-oġġett tagħha: fir-rinunzja magħmula f'kuntratt ta' transazzjoni għall-jeddijiet, azzjonijiet, u pretensjonijiet kollha, jidħol biss dak li jkollu x'jaqsam mal-kwistjonijiet li minħabba fihom tkun saret dik it-transazzjoni.

It-transazzjoni ma tagħtix tmiem ħlief għall-kwistjonijiet li jkunu fil-ħsieb tal-partijiet.

1726. It-transazzjoni ma tagħtix tmiem ħlief għall-kwistjonijiet li l-partijiet kellhom fil-ħsieb, sew jekk dawn il-partijiet ikunu wrew il-ħsieb tagħhom bi kliem speċjali jew ġenerali, kemm jekk dan il-ħsieb ikun jidher bħala ta' bil-fors il-konsegwenza ta' dak li jkun ġie ddikjarat.

Meta persuna li tagħmel transazzjoni fuq jedd, takkwista wara jedd bħalu.

1727. Jekk persuna li tkun għamlet transazzjoni fuq jedd tagħha nfisha, wara takkwista jedd bħalu mingħand persuna oħra, ma tibqax obbligata bit-transazzjoni ta' qabel għall-jedd akkwistat ġdid.

Transazzjoni magħmula minn wieħed fost bosta interessati.

1728. It-transazzjoni magħmula minn wieħed fost bosta interessati ma torbotx lill-oħrajn, u ma tistax tiġi eċċepita minnhom.

Transazzjoni għandha setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat.

1729. (1) It-transazzjoni għandha, bejn il-partijiet, is-setgħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat.

(2) Ma tistax tiġi attakkata minħabba żball ta' liġi.

Meta transazzjoni tista' tiġi rexxissa.

1730. (1) Iżda, transazzjoni tista' tiġi rexxissa jekk ikun hemm żball dwar il-persuna li magħha sar il-ftehim, jew dwar il-ħaġa li kienet l-oġġett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-ħsieb li jittransiġu.

(2) It-transazzjoni tista' tiġi rexxissa kull meta jkun hemm għemil doluż jew vjolenza.

Żball tal-fatt.

1731. Transazzjoni tista' wkoll tiġi rexxissa meta, minħabba żball ta' fatt, tkun saret b'esekuzzjoni ta' titolu null, iżda dan kemm-il darba l-partijiet ma jkunux irranġaw espressament fuq dik in-nullità.

Dokumenti foloz.

1732. It-transazzjoni magħmula fuq dokumenti li wara jinsabu foloz, hija nulla għal kollox.

Transazzjoni fuq kawża li għaddiet f'ġudikat.

1733. (1) It-transazzjoni dwar kawża li tkun spiċċat b'sentenza li għaddiet f'ġudikat, meta l-partijiet jew waħda minnhom ma kinux jafu biha, hija wkoll nulla.

(2) Jekk mis-sentenza li l-partijiet ma kinux jafu biha, ikun għad jista' jsir appell, it-transazzjoni tiswa.

Meta jinsabu dokumenti wara transazzjoni.

1734. (1) Meta l-partijiet ikunu għamlu transazzjoni b'mod ġenerali dwar l-affarijiet kollha li jista' jkun hemm bejniethom, id-dokumenti li ma kinux jafu bihom, jew li jiġu mikxufa wara, ma jagħtux jedd biex tintalab ir-rexxissjoni, ħlief jekk ikunu ġew moħbija b'għemil ta' waħda mill-partijiet.

(2) Iżda, it-transazzjoni hija nulla, meta ssir fuq ħaġa waħda biss, u jiġi ppruvat bid-dokumenti mikxufa wara, li waħda mill-partijiet ma kellha ebda jedd fuq dik il-ħaġa.

Żball ta' kalkolu.

1735. Kull waħda mill-partijiet għandha jedd li titlob li jiġi

msewwi żball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni.

1736. It-transazzjoni fuq wirt li jkun jiddependi minn testment, li ma jkunx magħruf, hija nulla. Transazzjoni fuq wirt.

Titolu XIV

FUQ ID-DONAZZJONI

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

1737. (1) Il-liġi ma tagħrafx ħlief id-donazzjonijiet bejn il-ħajjin. X'inhi donazzjoni.

(2) Id-donazzjoni bejn il-ħajjin hija kuntratt li bih id-donatur, għal dejjem u bla ħlas, jittrasferixxi ħaġa lid-donatarju, li dan jaċċetta.

(3) Id-donazzjoni li fiha d-donatur iżomm il-jedd li jħassarha jew li jbiddilha, hija nulla, barra minn fil-każijiet li dan il-Kodiċi jsemmi espressament.

1738. Ir-rigali li wieħed jagħti b'rikonoxxenza, jew b'tagħrif talmerti tad-donatarju, jew bi ħlas speċjali ta' xogħol li għalih iddonatarju ma jkollu ebda jedd ta' azzjoni, kif ukoll ir-rigali li bihom jiġi ordnat xi piż lid-donatarju, huma wkoll donazzjoni, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu ta' wara dan. Rigali b'rikonoxxenza.

1739. Jekk id-donazzjoni ssir bi ħlas ta' xi xogħol li għalih iddonatarju kellu jedd ta' azzjoni, ir-regoli partikolari dwar iddonazzjonijiet ma jgħoddux, ħlief meta l-valur tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni jkun iżjed, għall-anqas bin-nofs, mill-ħlas li jkun ħaqqu dak ix-xogħol, u dwar dan iż-żejjed biss. Donazzjoni flok ħlas.

1740. Ir-regoli partikolari dwar id-donazzjonijiet lanqas ma jgħoddu għad-donazzjonijiet oneruži lid-donatarju, ħlief meta l-valur tal-ħaġa mogħtija jkun iżjed, għall-anqas bin-nofs, tal-valur tal-piżijiet ordnati lid-donatarju, u dwar dan iż-żejjed biss. Donazzjonijiet oneruži.

1740A. Ir-regoli dwar id-donazzjonijiet ma japplikawx għallproprjetà mqiegħda fi *trusts* jew it-tqassim ta' proprjetà mqiegħda fi *trust* ħlief meta provdut espressament fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi. Regoli ta' donazzjoni ma japplikawx għallproprjetà mqiegħda fi *trust*. *Miżjud: XIII.2004.42.*

1740B. Trasferiment gratuwitu li hu - Trasferiment lil *trusts*, fi gruppi, u bħala garanzija. *Miżjud: XIII.2007.10. Sostitwit: VIII.2010.61.*

(*a*) tqassim ta' proprjetà taħt *trusts* lil *trustee* jew iddistribuzzjoni jew l-għoti lura ta' proprjetà minn *trustee* lil xi *trust*; jew

(*b*) dotazzjoni ta' proprjetà lil fondazzjoni jew distribuzzjoni jew l-għoti lura ta' proprjetà minn fondazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tagħha;

(*ċ*) għotja gratuwita, trasferiment jew kontribuzzjoni ta' kapital, flus kontanti jew attiv minn impriża lil impriża oħra fejn iż-żewġ impriżi jew ikunu kontrollati jew

ikunu jappartjenu b'mod utli, direttament jew indirettament, sa limitu ta' aktar minn ħamsin fil-mija mill-istess persuni:

Iżda dak l-għoti, dak it-trasferiment jew dik il-kontribuzzjoni għandhom, taħt il-piena ta' nullità, ikunu bil-miktub; jew

(*d*) l-għoti ta' garanzija bi trasferiment ta' titolu għat-twettiq ta' obbligazzjoni u kwalunkwe trasferiment ta' proprjetà lura lil min ikun ittrasferixxa wara l-esekuzzjoni tal-obbligu,

ma jkunx regolat bid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu u b'mod partikolari ma jkunx soġġett għall-formalitajiet meħtieġa mill-artikolu 1753:

Iżda fejn it-transazzjoni tkun tikkonsisti fi jew tinkludi trasferiment ta' proprjetà immobbli f'Malta, it-trasferiment ta' dik il-proprjetà immobbli biss għandu jibqa' soġġett għall-formalitajiet meħtieġa mill-artikolu 1753(1).

Fid-donazzjoni tidħol biss il-proprjetà preżenti.

1741. (1) Id-donazzjoni ma tistax tkun ħlief tal-beni li d-donatur ikollu fiż-żmien tad-donazzjoni.

(2) Jekk fid-donazzjoni jiġu mdaħħla beni li d-donatur għad ikollu, id-donazzjoni hija nulla dwar dawn il-beni.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għad-donazzjonijiet imsemmijin fis-Sub-titoli IV u V ta' dan it-Titolu.

Benefizzji ekklesjastiċi, eċċ., regolati mil-liġi kanonika.
Mižjud: V.1920.2.

1742. Bla ħsara ta' kull liġi oħra speċjali f'Malta, il-benefizzji ekklesjastiċi, jew il-kappellaniji ekklesjastiċi perpetwi, jew il-patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali perpetwi għandhom, sew għal dak li għandu x'jaqsam mal-eżerċizzju, it-tgawdija, it-tmiem jew it-telf tal-ġuspatrunat, attiv jew passiv, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jistgħu jikkostitwixxu titolu ta' ordinazzjoni jew sabiex jista' jsir użu minnhom għaldaqshekk, huma regolati mil-liġi kanonika li issa jew minn żmien għal żmien tkun isseħħ f'Malta:

Iżda, xejn f'dan l-artikolu ma jista' jkun ta' ħsara għal ebda jedd li jmiss lill-Gvern u li hu mill-Gvern eżerċitat dwar benefizzji, kappellaniji, patrimonji sagri jew sussidji patrimonjali.

Sub-titolu I

FUQ MIN JISTA' JAGĦMEL JEW JIRĊIEVI DONAZZJONI

Min jista' jagħmel jew jirċievi donazzjoni.
Emendat: LVIII.1975.10; XVIII.2004.103.

1743. Jistgħu jagħmlu jew jirċievu donazzjoni l-persuni kollha, minbarra dawk li f'dan it-Titolu huma ddikjarati inkapaċi.

Persuni inkapaċi li jagħmlu donazzjoni. *Emendat: XLVI.1973.87; XXII.2025.8.*

1744. Huma inkapaċi li jagħmlu donazzjoni -

(*a*) dawk li, skont l-artikolu 597(*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*), huma inkapaċi li jagħmlu testmenti;

(*b*) l-interdett minħabba tberbiq, jekk ma jkunx ġie awtorizzat biex jagħmel donazzjoni mill-qorti li tkun ordnat l-interdizzjoni tiegħu;

(*ċ*) il-minuri.

Nullità ta' donazzjoni għalkemm l-inkapaċità tad-donatur tispiċċa qabel l-esekuzzjoni.

1745. Id-donazzjoni magħmula minn min mhux kapaċi jagħmel donazzjoni, hija nulla, ukoll jekk l-inkapaċità tad-donatur tkun spiċċat qabel iż-żmien li fih id-donazzjoni għandha tiġi esegwita.

Persuni mhux kapaċi li jirċievu b'donazzjoni.

1746. (1) Mhumiex kapaċi li jirċievu b'donazzjoni dawk illi, fiż-żmien tad-donazzjoni, jew fiż-żmien li sseħħ il-kondizzjoni sospensiva li minnha d-donazzjoni kienet tiddependi, ikunu għadhom ma ġewx konċepiti.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għat-tfal immedjati ta' persuna determinata u li tkun ħajja fi żmien id-donazzjoni, u lanqas għal persuni li jkunu msejħa biex igawdu xi fondazzjoni.

Dawk li ma jitwildux fi stat li jistgħu jgħixu.

1747. (1) Lanqas m'huma kapaċi biex jirċievu b'donazzjoni dawk li jitwieldu fi stat li ma jistgħux igħixu.

(2) Fid-dubju, jitqiesu li jistgħu jgħixu dawk li jitwieldu ħajjin.

Persuni li ma jistgħux jirċievu b'donazzjoni iżed milli jitħalla lilhom b'testment. *Emendat: XXI.1962.18.*

1748. *Imħassar: XVIII.2004.104.*

Tgħodd id-dispożizzjoni tal-art. 609.

1749. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 609 dwar l-inkapaċità tat-tutur jew kuratur, igħoddu għad-donazzjonijiet.

Donazzjoni moħbija taħt għamla ta' kuntratt b'titolu oneruż. *Emendat: XVIII.2004.105.*

1750. Id-donazzjoni magħmula favur ta' persuna mhix kapaċi li tirċievi b'donazzjoni, taħt l-artikolu 1749 hija nulla, ukoll jekk tiġi moħbija taħt il-għamla ta' kuntratt b'titolu oneruż, jew magħmula f'isem ta' persuna interposta.

Persuni interposti. *Sostitwit: XVIII.2004.105. Emendat: XXIII.2017.82.*

1751. Kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, l-ulied, id-dixxendenti u l-konjuġi tal-persuna inkapaċi li tirċievi b'donazzjoni, għandhom, kemm-il darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, jitqiesu bħala persuni interposti.

Donazzjoni magħmula lin-nutar li jirċievi l-att, eċċ. *Emendat: XLVI.1973.88.*

1752. Id-donazzjoni magħmula lin-nutar li jkun irċieva l-att tad-donazzjoni, jew lill-mara jew lir-raġel tan-nutar, jew lil wieħed minn qrabatu mid-demm jew bi żwieġ sat-tielet grad inklużivament, tista' tiġi annullata fuq talba tad-donatur jew tal-werrieta tiegħu, sakemm din id-donazzjoni ma tkunx ġiet esegwita.

Sub-titolu II

FUQ IL-FORMA U L-EFFETTI TAD-DONAZZJONI

Id-donazzjoni għandha ssir b'att pubbliku.

1753. (1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku.

(2) Iżda, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux -

(*a*) għal rigali, li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikun żgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u ċirkostanzi oħra;

(*b*) għal rinunzja gratuwita ta' jeddijiet jew għal ċessjoni ta' krediti jew ta' titoli negozjabbli, jew għal maħfra ta' djun jew għal patt magħmul favur terzi fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 999, 1000 u 1704:

Iżda, għal dik li hija l-forma ta' din ir-rinunzja, ċessjoni, maħfra jew patt, għandhom jiġu mħarsa d-dispożizzjonijiet tal-artikoli hawn fuq imsemmija jew ta' liġijiet oħra, għalkemm dawn id-dispożizzjonijiet igħoddu għal kuntratti b'titolu oneruż.

Meta d-donazzjoni tobbliga lid-donatur.

1754. (1) Id-donazzjoni ma tobbligax lid-donatur u ma għandha ebda effett ħlief minn dak in-nhar li d-donatarju, espressament jew taċitament, ikun aċċettaha.

(2) L-aċċettazzjoni ta' donazzjoni ta' ħwejjeġ immobbli hija nulla, jekk ma ssirx fl-att stess tad-donazzjoni jew b'att pubbliku ieħor.

Żmien għall-aċċettazzjoni ta' donazzjoni.

1755. Id-donatarju għandu jedd jaċċetta d-donazzjoni f'kull żmien fil-ħajja tad-donatur sakemm dan ma jħassarhiex.

Meta l-aċċettazzjoni tista' ssir wara l-mewt tad-donatur.

1756. (1) L-aċċettazzjoni magħmula wara l-mewt tad-donatur ma tiswiex, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta d-donatur ikun żamm għalih, għaż-żmien ta' ħajtu, l-użu jew l-użufrutt tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni;

(*b*) meta l-esekuzzjoni tad-donazzjoni għandha ssir wara l-mewt tad-donatur;

(*ċ*) meta d-donatur imut fi żmien tliet xhur minn dak in-nhar tad-donazzjoni.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet hawn fuq imsemmija, id-donatarju jista', fi żmien li jiġi mogħti mill-qorti, fuq talba ta' min ikollu interess, jaċċetta validament id-donazzjoni li ma tkunx ġiet imħassra mid-donatur; dan iż-żmien ma jistax ikun iżjed minn xahar, imma jista' jiġi għal raġuni tajba mġedded mill-qorti għal xahar ieħor.

Aċċettazzjoni mill-werrieta jew mill-krediturі tad-donatarju.

1757. L-aċċettazzjoni magħmula mill-werrieta jew mill-krediturі tad-donatarju ma tiswiex.

Donazzjoni magħmula lil minuri. *Emendat: XLVI.1973.90; XXI.1993.2; XXIII.2017.83.*

1758. (1) Id-donazzjoni magħmula lil wieħed minuri tista' tiġi aċċettata għalih minn kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, kif ukoll, minn kull wieħed mill-axxendenti tiegħu, għalkemm kwalunkwe wieħed mill-ġenituri, għalkemm missieru jew ommu jkunu ħajja.

(2) Jekk id-donazzjoni ssir minn wieħed mill-ġenituri jew mill-axxendenti tal-minuri, tista' tiġi aċċettata għalih mill-ġenitur l-ieħor jew minn kull axxendent ieħor.

(3) Iżda, jekk il-minuri jkun suġġett għas-setgħa tal-ġenituri, ebda persuna, barra mill-ġenitur li jkun qed jeżerċita is-setgħa tal-ġenituri, ma tista' taċċetta d-donazzjoni f'isem il-minuri jekk mhux bl-awtorità tal-qorti.

(4) Jekk id-donazzjoni ssir mill-ġenituri tal-minuri, il-qorti tista' tagħti l-awtorizzazzjoni lill-minuri nnifsu biex jaċċettaha, jew taħtar persuna biex taċċettaha għalih.

Donazzjoni lil tifel illeġittimu. *Emendat: XXIII.2017.84.*

1759. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll fil-każ ta' ġenituri ta' iben illeġittimu magħruf fl-istess att ta' aċċettazzjoni, jew b'att ieħor, jew leġittimat b'digriet tal-qorti.

Donazzjoni magħmula lil persuna taħt tutela jew kurazija.

1760. Id-donazzjoni magħmula lil persuna li, minħabba l-età tagħha jew għal raġunijiet oħra, tkun taħt tutela jew kurazija, ma tistax tiġi aċċettata ħlief mit-tutur jew kuratur, bl-awtorizzazzjoni tal-qorti.

Nullità ta' donazzjoni minħabba nuqqas ta' awtorizzazzjoni.

1761. Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar tliet artikoli qabel dan, id-donazzjoni ma tistax tiġi annullata minħabba nuqqas ta' awtorizzazzjoni hemm imsemmija, ħlief fuq talba tad-donatarju; u din it-talba ma tistax issir ħlief fi żmien sentejn minn dak in-nhar li d-donatarju jsir tal-età, jew ma jibqax taħt tutela jew kurazija.

Meta jista' jinħatar kuratur speċjali.

1762. (1) Jekk fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1758, 1759 u 1760, il-missier jew l-omm, l-axxendent leġittimu, jew it-tutur jew kuratur, ma jeħdux ħsieb, jew, mingħajr raġuni tajba, ma jkunux iridu jaċċettaw id-donazzjoni, il-qorti, fuq talba ta' kull min ikun, taħtar kuratur speċjali għaldaqshekk.

(2) Dan igħodd ukoll jekk dak li jagħmel it-talba jistqarr bil-ġurament li ma jafx jekk il-minuri għandux ġenituri jew axxendenti leġittimi, ħajjin, inkella, li ma jafx fejn jinsab xi wieħed minn dawk il-ġenituri jew axxendenti, u l-qorti jkun jidhrilha li d-donazzjoni hija ta' ġid għall-minuri.

Meta l-minuri nnifsu jista' jaċċetta donazzjoni. *Emendat: XXI.1993.2.*

1763. Il-minuri li ma jkunx taħt is-setgħa tal-ġenituri u lanqas ikollu kuratur, jista' wkoll validament jaċċetta donazzjoni jekk ikun għalaq l-erbatax-il sena; iżda bla ħsara, favur tiegħu, tal-azzjoni tat-tħassir tad-donazzjoni, taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 971.

Obbligu ta' persuna li taċċetta għal ħaddieħor. *Emendat: XLVI.1973.91.*

1764. (1) Il-persuna li skont il-liġi tkun aċċettat donazzjoni għal ħaddieħor hija obbligata titlob l-iskrizzjoni tad-donazzjoni, meta huwa l-każ, fir-Reġistru Pubbliku, skont id-dispożizzjonijiet u għall-finijiet tal-artikolu 996.

(2) Iżda, din l-iskrizzjoni tista' ssir ukoll b'talba tan-nutar li jkun irċieva l-att tad-donazzjoni jew tal-aċċettazzjoni, jew b'talba tad-donatarju, ikun min ikun, ukoll mingħajr ebda awtorizzazzjoni.

Restitutio in integrum. Emendat: XLVI.1973.92.

1765. (1) Il-minuri, jew kull donatarju ieħor, ma għandhomx jedd tal-azzjoni għar-*restitutio in integrum* fil-każ ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni jew tal-iskrizzjoni tad-donazzjoni; bla ħsara tal-jedd li d-donatarju għandu skont il-liġi li jdur kontra l-persuna li kienet obbligata taċċetta għalih id-donazzjoni jew li titlob l-iskrizzjoni tagħha.

(2) Ir-*restitutio in integrum* ma jingħatax lanqas jekk il-persuna hekk obbligata tkun mhux solvibbli.

Donazzjoni b'kontemplazzjoni ta' żwieġ ma tistax tiġi attakkata minħabba nuqqas ta' aċċettazzjoni.

1766. Id-donazzjonijiet li jsiru b'kontemplazzjoni ta' żwieġ ċert u determinat, u qabel ma dan iż-żwieġ isir, sew mill-għarajjes bejniethom, sew minn ħaddieħor lill-għarajjes u lit-tfal li jitwieldu miż-żwieġ tagħhom, ma jistgħux jiġu attakkati minħabba li ma jkunux ġew aċċettati.

Donazzjonijiet bejn il-konjuġi matul iż-żwieġ. *Emendat*: *XXIII.2017.85.*

1767. Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu wkoll għad-donazzjonijiet bejn il-konjuġi, matul iż-żwieġ.

Donazzjoni taħt kondizzjoni ta' radd tal-ħaġa mogħtija jekk id-donatur ikollu tfal.

1768. B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 1056, tiswa d-donazzjoni magħmula taħt il-kondizzjoni li d-donatarju għandu jrodd il-ħaġa mogħtija lilu, kemm-il darba d-donatur ikollu tfal minn żwieġ magħmul qabel jew wara d-donazzjoni.

Djun tad-donatur.

1769. Id-donatarju mhux obbligat iħallas id-djun tad-donatur, meta d-donazzjoni ma tkunx issuġġettatu għalihom; bla ħsara tal-jedd tal-krediturì għall-azzjoni msemmija fl-artikolu 1144, u għall-azzjoni ipotekarja, meta hemm lok għaliha.

Donazzjoni taħt kondizzjoni tal-ħlas tad-djun.

1770. (1) Tiswa d-donazzjoni magħmula taħt il-kondizzjoni tal-ħlas ta' djun jew piżijiet li jkun hemm fi żmien id-donazzjoni, jew ta' djun jew piżijiet li għad ikun hemm, basta li dawn ikunu għal ħwejjeġ imsemmijin fl-att tad-donazzjoni jew b'nota mgħaqqda miegħu.

(2) Iżda, id-donazzjoni magħmula taħt kondizzjoni ta' ħlas ta' djun jew piżijiet oħra li għad ikun hemm, hija nulla.

Limiti tar-responsabbiltà tad-donatarju.

1771. F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) ta l-aħħar artikolu qabel dan, jekk fl-att jew fin-nota fuq imsemmija ma jkunx ġie ddikjarat ukoll l-ammont tad-djun jew piżijiet, id-donatarju mhux obbligat għal iżjed mill-valur tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni, ħlief kemm-il darba hu jkun intrabat espressament li jħallas dawk id-djun jew piżijiet, jilħaq kemm jilħaq l-ammont tagħhom.

Meta jitqies li hemm din l-kondizzjoni.

1772. Iżda, id-donazzjoni tal-beni kollha preżenti jew ta' parti tal-beni kollha preżenti, titqies li saret, meta l-att tad-donazzjoni ma jkun fih xejn li juri intenzjoni kuntrarja, bil-patt li titnaqqas minnha, qabel ma l-beni jiġu mitluqa jew ikkunsinnati, is-somma tad-djun tad-donatur, li jkun hemm fiż-żmien tad-donazzjoni, kollha jew fil-proporzjon tas-sehem mogħti b'donazzjoni, skont jekk id-donazzjoni tkunx tal-beni kollha jew ta' parti minnhom

biss:

Iżda, dan it-tnaqqis ma jkunx jista' iżjed jintalab wara li jiġu kkunsinnati jew mitluqa l-beni; bla ħsara tad-jedd tal-krediturigħall-waħda jew l-oħra mill-azzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 1769.

Manteniment lid-donatur.

1773. (1) Id-donatarju hu obbligat jagħti l-manteniment lid-donatur li jaqa' fil-bżonn, sa l-ammont li jkunu jġibu l-frottijiet tal-ħaġa, iżda dan kemm-il darba d-donatarju jkollu għandu l-ħaġa mogħtija b'donazzjoni jew il-valur tagħha u ma jkunx huwa nnifsu fil-bżonn.

(2) Jekk il-ħaġa mogħtija b'donazzjoni tkun għand id-donatarju, iżda ma tkunx tagħti frottijiet, l-obbligu hawn fuq imsemmi jasal sas-somma tal-imgħaxijiet fuq il-valur tal-ħaġa nfisha, bi stima.

(3) Jekk id-donatarji jkunu tnejn jew iżjed, id-donatarju ta' qabel għandu l-obbligu hawn fuq imsemmi fil-każ biss li għall-manteniment tad-donatur ma jkunx biżżejjed dak li jkun imissu jagħti d-donatarju ta' warajh.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu ukoll jekk id-donatur ikollu qraba mid-demm jew bi żwieġ, li jkunu obbligati u fi stat li jistgħu jagħtuh il-manteniment.

Żamm tal-jedd li jiddisponi.

1774. Jekk id-donatur ikun żamm il-jedd li jiddisponi minn xi ħaġa mdaħħla fid-donazzjoni, jew minn somma partikolari fuq il-beni mogħtija b'donazzjoni, u jmut mingħajr ma jkun iddispona mill-ħaġa, din il-ħaġa jew somma ssir tad-donatarju, barra minn fil-każ ta' dikjarazzjoni kuntrarja magħmula espressament fl-att stess tad-donazzjoni, jew barra minn fil-każ li d-donatarju jkun impedixxa lid-donatur milli jiddisponi minn dik il-ħaġa jew somma.

Jedd fuq il-ħaġa li titħalla barra mid-donazzjoni.

1775. Jekk id-donatur ikun ħalla barra mid-donazzjoni xi ħaġa sabiex jiddisponi minnha, u hu ma jiddisponix minnha la b'att fost il-ħajjin u lanqas b'testment, din il-ħaġa tkun tmiss lill-werrieta tad-donatur, barra minn meta d-donatur innifsu jkun, fl-att stess tad-donazzjoni, iddikjara espressament li, jekk imut mingħajr ma jkun iddispona minnha, din il-ħaġa għandha tmiss lid-donatarju.

Projbizzjoni ta' fedekommessi fid-donazzjonijiet.

1776. Il-fedekommessi huma ipprojbiti fid-donazzjonijiet bħal fit-testmenti; u dak li hu miġjub fl-artikoli 331, 736 u 757 sa 761 igħodd għad-donazzjonijiet.

Riserva ta' użufrutt.

1777. Id-donatur jista' jżomm favur tiegħu l-użufrutt tal-ħaġa mogħtija b'donazzjoni.

Donazzjoni ta' ħwejjeġ mobbli b'żamm tal-jedd tal-użufrutt.

1778. Jekk f'donazzjoni ta' ħwejjeġ mobbli d-donatur iżomm il-jedd tal-użufrutt, id-donatarju għandu, meta dan l-użufrutt jispiċċa, l-istess jeddijiet, kontra d-donatur jew il-werrieta tiegħu, li huma mogħtija lis-sid taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi għar-radd ta' dawk il-ħwejjeġ.

Patt riversiv.
Emendat: XXXIX.1939.10.

1779. (1) Id-donatur jista' jżomm għalih u għall-werrieta tiegħu l-patt riversiv dwar il-ħwejjeġ mogħtija b'donazzjoni, fil-każ li d-donatarju jmut mingħajr tfal, f'kull żmien li jkun.

(2) Jista' wkoll iżomm il-patt riversiv dwar il-ħwejjeġ mogħtija b'donazzjoni sew fil-każ li jmut qablu d-donatarju biss kemm fil-każ li jmutu qablu d-donatarju u d-dixxendenti tiegħu:

Iżda dan il-patt ma jistax isir ħlief favur id-donatur biss.

Effett tal-patt riversiv.

1780. Meta l-patt riversiv iseħħ, kull trasferiment tal-beni mogħtija b'donazzjoni jinħall, u dawn il-beni jerġgħu jmorru lura għand id-donatur ħielsa minn kull piż jew ipoteka, iżda tibqa' l-ipoteka inskritta bħala garanzija tad-dota u tad-dotarju li jmissu lill-mara tad-donatarju, meta l-beni l-oħra tiegħu ma jkunux biżżejjed għaldaqshekk, u d-donazzjoni tkun saret lilu bl-istess kitba taż-żwieġ li biha ġiet ikkostitwita d-dota jew imwiegħed id-dotarju.

Donazzjoni bil-patt riversiv favur ta' iżed minn persuna waħda.

1781. Meta d-donazzjoni bil-patt riversiv issir favur żewġ persuni jew iżjed, u xi waħda minn dawn il-persuni jew id-dixxendenti tagħha tmut jew imutu qabel, skont il-każijiet imsemmija fl-artikolu 1779, il-kondizzjoni titqies li seħħet dwar is-sehem tal-persuna mejta, u d-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan isiru jgħoddu dwar dan is-sehem.

Garanzija tad-donatur.

1782. Id-donatur mhux obbligat jagħmel tajjeb lid-donatarju għall-evizzjoni li dan ibati tal-ħwejjeġ mogħtija lilu b'donazzjoni, ħlief f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta d-donazzjoni ssir b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jew b'titolu ta' patrimonju sagru;

(*b*) meta d-donatur iwiegħed espressament il-garanzija;

(*ċ*) meta l-evizzjoni ssir minħabba djun li għalihom id-donatur ikun obbligat personalment;

(*d*) meta d-donatur jagħti ħaġa ta' ħaddieħor, b'mala fidi u bil-ħsieb li jġiegħel lid-donatarju li jagħti, inkella li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa;

(*e*) meta, bid-donazzjoni, ikunu ġew ordnati lid-donatarju piżijiet li jistgħu jinstmaw fi flus, jew meta d-donazzjoni tkun ġiet magħmula bi ħlas ta' xogħol li jista' jiġi stmat fi flus u li għalih kien imiss lid-donatarju jedd ta' azzjoni: f'dan il-każ id-donatur hu obbligat jagħmel tajjeb sas-somma li jkunu jiswew dawk il-piżijiet jew xogħol.

Effetti tal-garanzija.

1783. (1) Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*) tal-aħħar artikolu qabel dan, id-donatarju ma jistax jitlob mingħand id-donatur iżjed mill-valur li l-ħaġa mogħtija lilu b'donazzjoni kellha fiż-żmien tad-donazzjoni, ħlief jekk, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*d*), id-donatarju jkun bata ħsara f'somma akbar minn kemm tkun tiswa l-ħaġa mogħtija b'donazzjoni: f'dan il-każ l-effetti tal-garanzija jaslu sa dik is-somma.

(2) Fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*e*) tal-artikolu hawn fuq imsemmi, id-donatarju jista' jitlob mingħand id-donatur somma daqs kemm ikun il-valur tal-piżijiet li hu ħallas jew tax-xogħol li hu għamel, ikun kemm ikun il-valur tagħhom.

Servitù jew piżijiet.

1784. Id-donatur mhux obbligat jeħles il-ħaġa mogħtija b'donazzjoni minn servitujiet jew piżijiet oħra li għalihom tkun suġġetta, bla ħsara tal-jedd tad-donatarju, li jkun aċċetta d-donazzjoni mingħajr ma kien jaf b'dawk is-servitujiet jew piżijiet, illi jirrinunzja għall-ħaġa mogħtija b'donazzjoni sa żmien sena minn dak in-nhar li jkun sar jaf b'dawk is-servitujiet jew piżijiet.

Sub-titolu III

FUQ L-EĊĊEZZJONIJIET GĦAR-REGOLA DWAR LI D-DONAZZJONIJIET MA JISTGĦUX JITĦASSRU

Raġuni għat-tħassir ta' donazzjoni. *Sostitwit: XIII.2007.11.*

1785. Id-donazzjonijiet jistgħu jitħassru biss bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, espressa jew taċita, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1066, 1067, 1068 u 1069, jew minħabba ingratitudni jew, fil-każ ta' dotazzjonijiet lil organizzazzjonijiet stabbiliti skont it-Tieni Skeda, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-revoka ta' fondazzjonijiet u ta' dotazzjonijiet mogħtija lil organizzazzjoni.

Tħassir bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva.

1786. Jekk it-tħassir tad-donazzjoni jsir bis-saħħa ta' kondizzjoni riżoluttiva, il-beni jerġgħu lura għand id-donatur ħielsa minn kull piż jew ipoteka li d-donatarju jkun għamel fuqhom; u d-donatur għandu kontra t-terzi pussessuri tal-immobbli li kienu ġew mogħtija b'donazzjoni, il-jeddijiet kollha li kien ikollu kontra d-donatarju nnifsu.

Tħassir minħabba ingratitudni.

1787. Id-donazzjoni ma tistax titħassar minħabba ingratitudni, ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:

(*a*) jekk id-donatarju jkun ittenta għall-ħajja tad-donatur, jew ikun sar ħati lejh ta' moħqrija jew ta' inġurja gravi;

(*b*) jekk id-donatarju jkun volontarjament, u bil-ħsieb li jagħmel deni lid-donatur, għamel ħsara kbira fil-proprjetà ta' dan, jew ippreġudikalu ħafna l-interessi tiegħu;

(*ċ*) jekk, fil-każ li d-donatur ikun fi bżonn urġenti ta' manteniment jew ta' għajnuna personali oħra, id-donatarju jiċħadlu l-għajnuna li mingħajr xkiel kbir għalih innifsu seta' jagħtih.

It-tħassir għal ingratitudni ma jsir qatt *ipso jure*.

1788. It-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma jsir qatt *ipso jure*.

Ir-rinunzja għall-jedd ta' tħassir minħabba ingratitudni hija nulla.

1789. Ir-rinunzja għall-jedd ta' tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni, hija nulla, meta tkun saret qabel ma jkun ġara l-każ li jagħti lok għall-eżerċizzju ta' dak il-jedd.

Limiti ta' żmien li fih tista' titmexxa l-azzjoni għat-tħassir.

1790. (1) It-talba għat-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni ma tistax issir ħlief sa żmien sena minn dak in-nhar tal-fatt li d-donatur iġib kontra d-donatarju, jew minn dak in-nhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt.

(2) It-tħassir għar-raġuni hawn fuq imsemmija ma jistax jintalab mid-donatur kontra l-werrieta tad-donatarju, lanqas mill-werrieta tad-donatur kontra d-donatarju, ħlief meta, f'dan l-aħħar każ, l-azzjoni tkun inġiebet 'il quddiem mid-donatur innifsu, jew dan ikun miet fi żmien sena minn dak in-nhar li ġara l-fatt.

It-tħassir mhux ta' ħsara għat-trasferimenti, eċċ.

1791. It-tħassir ta' donazzjoni minħabba ingratitudni mhix ta' preġudizzju għat-trasferimenti magħmulin mid-donatarju, jew għall-ipoteki jew piżijiet oħra li hu jkun għamel fuq il-beni mogħtija lilu b'donazzjoni, qabel ma tkun saret it-talba ġudizzjarja għat-tħassir tad-donazzjoni.

(2) Iżda, id-donatarju għandu jrodd lid-donatur il-valur tal-ħwejjeġ ittrasferiti, skont il-valur tagħhom fiż-żmien tat-talba fuq imsemmija, flimkien mal-frottijiet minn dak in-nhar ta' dik it-talba, u għandu jħallas il-ħsara li jbati d-donatur minħabba l-ipoteki jew piżijiet oħra li għalihom ikun issuġġetta l-beni li ma ġewx ittrasferiti.

Donazzjoni b'kontemplazzjoni ta' żwieġ mhix suġġetta għat-tħassir minħabba ingratitudni.

1792. (1) Id-donazzjonijiet magħmulin b'kontemplazzjoni ta' żwieġ ma jistgħux jiġu mħassra minħabba ingratitudni.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għad-donazzjonijiet li l-għarajjes jagħmlu lil xulxin.

Sub-titolu IV

FUQ ID-DONAZZJONIJIET MAGĦMULIN B'KONTEMPLAZZJONI TA' ŻWIEĠ

Id-donazzjonijiet ta' beni preżenti jaqgħu taħt ir-regoli ġenerali.

1793. Id-donazzjonijiet ta' beni preżenti biss, għalkemm magħmulin b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jaqgħu, jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja, taħt ir-regoli miġjubin f'dan it-Titolu dwar id-donazzjonijiet in ġenerali.

Donazzjonijiet ta' beni li għandhom jitħallew fil-mewt tad-donatur.

1794. Kull persuna kapaċi tista', b'kontemplazzjoni ta' żwieġ ċert u determinat, iżda qabel ma jsir iż-żwieġ, tiddisponi mill-beni kollha, jew minn biċċa minnhom, li tkun sejra tħalli fiż-żmien tal-mewt tagħha, sew favur il-għarajjes jew wieħed minnhom, kemm favur it-tfal li jitwieldu miż-żwieġ tagħhom.

F'liema sens id-donazzjoni ma tistax titħassar.

1795. (1) Id-donazzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma tistax titħassar f'dan is-sens biss, illi d-donatur ma jistax iżjed jiddisponi b'titolu gratuwitu, mill-ħwejjeġ imdaħħlin fid-donazzjoni, ħlief minn somom żgħar bħala kumpens jew xort'oħra, iżda dan kemm-il darba ma jkunx żamm setgħa akbar biex jiddisponi.

(2) Iżda, id-donatur, għandu, sa mewtu, il-jedd li jiddisponi b'titolu oneruż mill-ħwejjeġ imdaħħlin fid-donazzjoni; u r-rinunzja għal din is-setgħa hija nulla.

Donazzjoni ta' beni li d-donatur għandu u għad ikollu.

1796. Id-donazzjoni b'kontemplazzjoni ta' żwieġ ċert u determinat, favur il-għarajjes jew wieħed minnhom, jew favur it-tfal tagħhom, tista' ssir, f'daqqa waħda, tal-beni li d-donatur għandu u li għad ikollu, kollha jew biċċa minnhom, iżda bl-obbligu li mal-att tad-donazzjoni tiġi mgħaqqda deskrizzjoni tal-beni u tad-

djun u tal-piżijiet tad-donatur, li jkun hemm fiż-żmien tad-donazzjoni; f'dan il-każ id-donatarju jkollu l-jedd, fiż-żmien tal-mewt tad-donatur, li jżomm għalih il-beni li kien hemm fiż-żmien tad-donazzjoni, bl-obbligu li jħallas biss id-djun u l-piżijiet li kien hemm f'dak iż-żmien, u li jirrinunzja għall-bqija tal-beni tad-donatur.

Meta d-deskrizzjoni ma tiġix imdaħħla fl-att tad-donazzjoni.

1797. (1) Jekk id-deskrizzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan ma tiġix imgħaqqda mal-att tad-donazzjoni tal-beni li d-donatur għandu u li għad ikollu, id-donatarju hu obbligat jaċċetta jew jirrinunzja d-donazzjoni, kollha kemm hi.

(2) Fil-każ ta' aċċettazzjoni, ma jistax jippretendi ħlief il-beni li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tad-donatur, u jkun obbligat għall-ħlas tad-djun u tal-piżijiet kollha tal-wirt, sas-somma ta' kemm ikun il-valur ta' dawk il-beni.

Meta jitqies li l-beni huma biżżejjed biex jitħallsu d-djun.

Kap. 12.

1798. Il-beni li jmissu lid-donatarju b'donazzjoni magħmula skont l-artikolu 1794, jew fil-każ maħsub fl-aħħar artikolu qabel dan, jitqiesu biżżejjed għall-ħlas tad-djun jew tal-piżijiet tal-wirt, kemm-il darba d-donatarju, qabel ma jieħu pussess ta' dawk il-beni, ma jkunx għamel inventarju bil-mod meħtieġ fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bla ħsara dejjem tal-prova kuntrarja.

Meta d-donatarju ma jistax jitlob l-esekuzzjoni tad-donazzjoni.

1799. (1) Għal dawk li huma d-donazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 1794 u 1796, id-donatarju ma jistax, fil-ħajja tad-donatur, jitlob l-esekuzzjoni tad-donazzjoni għal ebda biċċa mill-beni mdaħħlin fiha.

(2) B'din id-donazzjoni, id-donatarju ma jsirx is-sid tal-beni ħlief fil-mewt tad-donatur.

(3) Iżda, fil-każ li d-donazzjoni tkun saret skont l-artikolu 1796, u, fil-mewt tad-donatur, id-donatarju jkun irid jinqeda bis-setgħa, mogħtija lilu f'dak l-artikolu, li jżomm għalih il-beni li kien hemm fiż-żmien tad-donazzjoni bl-obbligu li jħallas id-djun u l-piżijiet li kien hemm f'dak iż-żmien, id-donatarju jkollu l-jedd jitlob il-ħall ta' kull trasferiment li d-donatur ikun għamel, ukoll jekk taħt titolu oneruż, ta' ħwejjeġ immobbli minn fost dawk il-beni, u l-ħall tal-ipoteki jew piżijiet oħra li l-istess donatur ikun għamel fuq dawk l-immobbli, basta li d-donazzjoni tkun ġiet inskritta skont l-artikolu 996.

Donatur li jibqa' ħaj wara d-donatarju.

1800. (1) Id-donazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 1794 u 1796 ma jkollhomx effett, jekk id-donatur jibqa' ħaj wara d-donatarju u d-dixxendenti tiegħu miż-żwieġ li b'kontemplazzjoni tiegħu d-donazzjoni tkun saret.

(2) Jekk it-tfal u d-dixxendenti jkunu maħruġa barra mid-donazzjoni, din tibqa' mingħajr effett jekk id-donatur jibqa' ħaj wara d-donatarju.

Meta jitqies li donazzjoni saret favur tat-tfal.

1801. (1) Id-donazzjonijiet hawn fuq imsemmija, għalkemm magħmula favur l-għarajjes jew wieħed minnhom, jitqiesu dejjem, meta d-donatur ma jmutx qabel, li saru favur it-tfal u d-dixxendenti li jitwieldu miż-żwieġ li b'kontemplazzjoni tiegħu dawk id-donazzjonijiet ikunu saru, meta dawn it-tfal u dixxendenti ma

jkunux ġew maħruġa barra fl-att tad-donazzjoni.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll favur it-tfal imwielda qabel id-donazzjoni, u leġittimati biż-żwieġ li b'kontemplazzjoni tiegħu d-donazzjoni tkun saret.

Rigali f'okkażoni ta' żwieġ.

1802. Ir-rigali li l-qraba jew il-ħbieb ta' wieħed mill-għarajjes jagħtu lill-ieħor f'okkażjoni ta' żwieġ, jitqiesu mogħtija lil dak li tiegħu ikunu qraba jew ħbieb, għalkemm fil-ħin li jingħataw ikun ġie wżat kliem li jista' jittieħed bħala li d-donazzjoni saret lill-ieħor; iżda dan kemm-il darba, bla ma jittieħed qies ta' dan il-kliem, ma jiġix ippruvat li l-ħsieb tad-donatur kien li jagħti dawk il-ħwejjeġ lil dak il-wieħed mill-għarajjes li lilu kkunsinnahom.

Id-donazzjoni m'għandhiex effett jekk iż-żwieġ ma jsirx, eċċ.

1803. (1) Kull donazzjoni jew wegħda magħmula b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, tibqa' mingħajr effett jekk iż-żwieġ ma jsirx.

(2) Kull donazzjoni magħmula b'titolu ta' patrimonju sagru ma jkollhiex effett, jekk id-donatarju ma jiħux l-ordni sagri fi żmien ħames snin minn dak in-nhar li jkun daħal fl-età li jista' jieħu dawk l-ordni.

Sub-titolu V

FUQ ID-DONAZZJONIJIET BEJN L-GĦARAJJES JEW IR-RAĠEL U L-MARA FIL-KITBA TAŻ-ŻWIEĠ JEW MATUL IŻ-ŻWIEĠ

Donazzjoni bejn l-għarajjes. *Emendat: XLVI.1973.93.*

1804. L-għarajjes jistgħu, b'kitba taż-żwieġ, jagħmlu donazzjonijiet lil xulxin, jew wieħed minnhom lill-ieħor, taħt il-kondizzjonijiet hawn taħt imsemmija.

Jekk id-donatur ikollu tfal.

1805. *Imħassar: XVIII.2004.107.*

Meta titqies li saret il-kondizzjoni li d-donatarju jibqa' ħaj wara d-donatur.

1806. Kull donazzjoni ta' beni preżenti, jew ta' beni li d-donatur għandu u li għad ikollu, jew ta' dak li d-donatur ikun sejjer iħalli fiż-żmien tal-mewt tiegħu, titqies dejjem, ukoll jekk din id-donazzjoni tkun magħmula lil xulxin, li saret bil-kundizzjoni li d-donatarju jibqa' ħaj wara d-donatur, meta ma jkunx ġie miftiehem espressament il-kuntrarju; u taqa', f'kull ħaġ'oħra, taħt ir-regoli kollha hawn fuq miġjuba dwar id-donazzjonijiet li jiġu magħmula lill-għarajjes min-nies oħra.

Minuri. *Emendat: XLVI.1973.94.*

1807. *Imħassar bl-Att XXII.2025.9.*

Rigali mill-għarajjes.

1808. (1) Ir-rigali li l-wieħed mill-għarajjes jagħmel lill-ieħor, fl-okkażjoni taż-żwieġ, jibqgħu ta' dak il-wieħed mill-għarajjes li għamilhom, u jitqiesu mogħtijin lill-ieħor sabiex jinqeda bihom biss matul iż-żwieġ, għalkemm fil-kunsinna ta' dawk ir-rigali jkun ġie wżat kliem li jista' jfisser donazzjoni, iżda dan kemm-il darba ma jkunx jidher mill-kitba taż-żwieġ li dawn l-oġġetti ġew mogħtija b'donazzjoni.

(2) Dan il-jedd tal-użu tar-rigali hawn fuq imsemmija jispiċċa

fil-każ ta' firda tar-raġel u l-mara bi ħtija ta' min fosthom ikun irċieva dawk ir-rigali.

Jekk iż-żwieġ ma jsirx.

1809. (1) Kull donazzjoni magħmula mill-għarajjes b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jew bil-kitba taż-żwieġ, sew lil xulxin jew minn wieħed mill-għarajjes lill-ieħor, m'għandhiex effett jekk iż-żwieġ ma jsirx.

(2) Iżda, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux, u d-donatarju jista' jżomm il-ħwejjeġ mogħtija lilu b'donazzjoni, jekk iż-żwieġ ma jsirx għaliex id-donatur, mingħajr raġuni tajba, ma jkunx irid jagħmel dan iż-żwieġ; bla ħsara tal-jedd tad-donatarju għad-danni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar Weġħdiet ta' Żwieġ. Kap. 5.

Donazzjoni bejn il-konjuġi. *Emendat: XVIII.2004.108; XXIII.2017.86.*

1810. (1) Kull donazzjoni illi, matul iż-żwieġ, li l-konjuġi jagħmlu lil xulxin mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti hija nulla, ukoll jekk tkun lil xulxin jew b'kumpens.

(2) Iżda, jekk ikun hemm din l-awtorizzazzjoni, il-konjuġi jistgħu jagħmlu donazzjoni lil xuxlin, ta' beni li d-donatur għandu, jew ta' beni li d-donatur għandu u għad ikollu, jew ta' dak li d-donatur ikun sejjer iħalli fiż-żmien tal-mewt tiegħu; u għal dawn id-donazzjonijiet igħoddu wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1806.

lill-qraba tal-wieħed jew tal-oħra.

1811. Kull donazzjoni magħmula mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti minn wieħed mill-miżżewġin lill-qarib mid-demm jew bi żwieġ tal-ieħor, hija wkoll nulla.

Rigali żgħar. *Emendat: XVIII.2004.109.*

1812. L-awtorizzazzjoni tal-qorti, imsemmija fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, ma hix meħtieġa għal dawk li huma rigali jew donazzjonijiet minn id għal id ta' ħwejjeġ ta' valur żgħir, meta jittieħed qies taċ-ċirkostanzi tad-donatur.

Sub-titolu VI

FUQ IT-TNAQQIS TAD-DONAZZJONIJIET

Tnaqqis ta' donazzjonijiet li jaqbzu s-sehem disponibbli.

1813. Id-donazzjonijiet ta' kull xorta, ukoll jekk magħmula f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, lill-għarajjes u lit-tfal li jitwieldu miż-żwieġ tagħhom, għandhom, jekk fiż-żmien li tinfetaħ is-suċċessjoni tad-donatur jinsab li jaqbżu s-sehem tal-beni li d-donatur, skont ir-regola miġjuba fl-artikolu 614, seta' jiddisponi minnu, jiġu mnaqqsa sa dak is-sehem.

Igħoddu r-regoli dwar it-tnaqqis ta' dispożizzjonijiet ta' testment.

1814. Ir-regoli miġjubin fl-artikolu 621 u fl-artikolu 647 u fl-artikoli ta' warajh dwar it-tnaqqis ta' dispożizzjonijiet ta' testment, għandhom jitħarsu wkoll dwar it-tnaqqis ta' donazzjonijiet.

Min jista' jitlob it-tnaqqis.

1815. It-tnaqqis tad-donazzjonijiet jista' jiġi mitlub biss minn dawk li favur tagħhom il-liġi tirriserva sehem mill-beni tal-mejjet, u mill-werrieta tagħhom jew minn dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħandhom.

Il-jedd għat-talba tat-tnaqqis ma jistax jiġi irrinunzjat matul il-ħajja tad-donatur.

1816. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1240, dawk li skont il-liġi għandhom il-jedd li jitolbu t-tnaqqis tad-donazzjonijiet, ma jistgħux jirrinunzjaw għal dan il-jedd fil-ħajja tad-donatur, la b'dikjarazzjoni espressa, lanqas billi jagħtu l-kunsens tagħhom għal dawn id-donazzjonijiet.

Id-donatarji, eċċ., ma jistgħux jitolbu tnaqqis.

1817. Id-donatarji, il-legatarji, jew il-kredituri tal-mejjet ma jistgħux jitolbu t-tnaqqis tad-donazzjonijiet jew jieħdu ġid minnu.

Ma jsirx tnaqqis ta' donazzjonijiet ħlief wara li ma jkun fadal xejn iżjed mill-valur tal-beni kollha mdaħħlin fit-testment.

1818. It-tnaqqis tad-donazzjonijiet ma jsirx ħlief wara li ma jkun fadal xejn iżjed mill-valur tal-beni kollha mdaħħlin fit-testment; u kemm-il darba dan it-tnaqqis ikollu jsir, għandu jibda jsir mill-aħħar donazzjoni u hekk waħda wara l-oħra, billi wieħed jitla' minn tal-aħħar għal dawk ta' qabel.

Radd tal-ħaġa nfisha.

1819. Ir-radd tal-ħaġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, isir bir-radd tal-ħaġa nfisha, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 653.

Radd tal-frottijiet.

1820. Id-donatarju għandu jrodd il-frottijiet ta' dik il-parti tad-donazzjoni li taqbeż is-sehem disponibbli, minn dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni tad-donatur, jekk l-azzjoni għat-tnaqqis tkun inġiebet 'il quddiem matul is-sena; inkella, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja.

L-immobbli għandhom jintraddu ħielsa.

1821. L-immobbli li għandhom jintraddu minħabba t-tnaqqis, għandhom ikunu ħielsa minn kull dejn jew ipoteka magħmulin fuqhom mid-donatarju.

L-azzjoni ta' tnaqqis, eċċ., tista' titmexxa kontra t-terzi.

1822. (1) L-azzjoni għat-tnaqqis jew għar-rivendikazzjoni, tista' tinġieb 'il quddiem minn dawk li lilhom tmiss, kontra t-terzi pussessuri tal-immobbli li jkunu jagħmlu parti mid-donazzjonijiet, u li jkunu ġew ittrasferiti mid-donatarji, bil-mod u fl-istess ordni li tista' tinġieb 'il quddiem kontra l-istess donatarji, iżda mhux qabel l-eskussjoni tal-beni tagħhom mill-attur.

(2) Din l-azzjoni għandha tiġi eżerċitata skont l-ordni tad-dati tat-trasferimenti, billi jinbeda mill-aħħar wieħed.

Preskrizzjoni tal-azzjoni ta' tnaqqis, eċċ.

1823. (1) L-azzjoni għat-tnaqqis jew għar-rivendikazzjoni, sew kontra d-donatarji kemm kontra t-terzi, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq ħames snin minn dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iż-żmien hawn fuq imsemmi jimxi wkoll kontra l-minuri u l-interdetti.

Titolu XV

FUQ IS-SELF GĦALL-UŻU JEW KOMMODAT

X'inhu l-kommodat.

1824. Il-kommodat jew self għall-użu hu kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna ħaġa lill-parti l-oħra, sabiex din tinqeda biha, bla ħlas, għal żmien jew għal użu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirċiviha li jrodd il-ħaġa nfisha.

X'jista' jingħata b'kommodat.

1825. Dak kollu li hu fil-kummerċ, u li ma jintemmx bl-użu, jista' jkun l-oġġett ta' dan il-kuntratt.

L-obbligazzjonijiet igħaddu fil-werrieta.

1826. L-obbligazzjonijiet li jiġu kkuntrattati bis-saħħa tal-kommodat, igħaddu fil-werrieta tal-kommodant u tal-kommodatarju:

Iżda jekk is-self ikun sar għall-ġid tal-kommodatarju, u tiegħu nnifsu biss, il-werrieta tiegħu ma jistgħux jissoktaw igawdu l-ħaġa mislufa.

Obbligi ta' min jissellef b'kommodat.

1827. (1) Il-kommodatarju għandu jqis li jħares u jżomm fi stat tajjeb il-ħaġa lilu mislufa, bħal missier tajjeb tal-familja.

(2) Ma jistax, taħt piena tad-danni, jinqeda bil-ħaġa għal użu ieħor minn dak li għalih għandha sservi kif turi l-ħaġa nfisha jew minn dak li jkun ġie stabbilit fil-ftehim.

Il-kommodatarju ma jweġibx għall-ħsara jekk il-ħaġa tispiċċa.

1828. Jekk il-ħaġa tispiċċa b'aċċident, mingħajr ħtija tal-kommodatarju, dan mhu obbligat għal ebda ħlas ta' ħsara.

Il-kommodatarju jweġeb għall-użu xort'oħra jew għad-dewmien.

1829. Jekk il-kommodatarju jagħmel mill-ħaġa użu xort'oħra, jew jinqeda biha għal żmien itwal milli jmissu, hu jwieġeb għat-telfa tagħha wkoll jekk tiġri b'aċċident, kemm-il darba ma jippruvax li l-ħaġa kienet tispiċċa xorta waħda li kieku ma nqediex biha għal użu ieħor, jew li kieku raddha fiż-żmien miftiehem fil-kuntratt.

Jekk il-kommodatarju seta' jeħles il-ħaġa mislufa milli tispiċċa.

1830. Jekk il-ħaġa mislufa tispiċċa b'aċċident li minnu l-kommodatarju seta' jeħlisha billi jinqeda b'ħaġa tiegħu milli bil-ħaġa mislufa, jew, jekk ma setax isalva ħlief waħda miż-żewġ ħwejjeġ għażel li jeħles lil tiegħu, huwa jwieġeb għat-telfa tal-oħra.

Effett tal-istima tal-ħaġa mislufa fi żmien is-self.

1831. L-istima tal-ħaġa, magħmula fiż-żmien tas-self, ma tiswiex għal ħaġ'oħra ħlief biex jiġi stabbilit il-valur tal-ħaġa f'dak iż-żmien, għall-każ li l-kommodatarju jkollu jwieġeb għal xi ħsara li tista' tiġri; u l-kommodatarju ma jweġibx, minħabba biss li l-ħaġa tkun ġiet stmata fiż-żmien tal-kunsinna, għat-telfa li tiġri b'aċċident, ħlief jekk jiġi ppruvat xort'oħra li kien hemm ftehim kuntrarju.

Meta l-ħaġa titgħarraq bla ħtija tal-kommodatarju.

1832. Jekk il-ħaġa titgħarraq minħabba biss l-użu li għalih ġiet mislufa, u mingħajr ħtija tal-kommodatarju, dan ma jweġibx għat-tgħarriq tal-ħaġa.

Il-kommodatarju ma jistax jitlob l-ispiża għall-użu tal-ħaġa.

1833. Jekk sabiex jista' jinqeda bil-ħaġa mislufa, il-kommodatarju jkun għamel xi spiża, hu m'għandux jedd għall-ħlas lura ta' dik l-ispiża.

Responsabbiltà ta' tnejn minn-nies jew iżed li jisselfu fiimkien l-istess ħaġa.

1834. Jekk tnejn min-nies jew iżjed jieħdu flimkien b'self l-istess ħaġa, huma jwieġbu għaliha *in solidum* lejn il-kommodant.

Radd tal-ħaġa lill-kommodant qabel iż-żmien.

1835. (1) Il-kommodant ma jistax jieħu l-ħaġa lura ħlief wara li jkun għadda ż-żmien miftiehem, inkella, fin-nuqqas ta' ftehim, wara li tkun serviet għall-użu li għalih ġiet mislufa.

(2) Iżda, jekk matul iż-żmien miftiehem, jew qabel ma jkun spiċċa l-bżonn tal-kommodatarju, jinqala' lill-kommodant il-bżonn bil-għaġla u bla ħsieb, tal-ħaġa, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, iġġiegħel lill-kommodatarju li jroddha, taħt l-obbligu tal-

kommodant li jħallsu tal-ispejjeż li huwa jkun għamel sabiex jinqeda biha.

Meta l-kommodatarju jagħmel spejjeż straordinarji.

1836. Jekk, matul is-self, il-kommodatarju kellu, biex iżomm il-ħaġa fi stat tajjeb, jagħmel xi spiża straordinarja u meħtieġa, u hekk ta' għaġla li ma setax qabel igħarraf biha lill-kommodant, dan tal-aħħar hu obbligat iħallas lill-ieħor dik l-ispiża.

Meta l-kommodant iwieġeb għad-difetti fil-ħaġa mislufa.

1837. Meta l-ħaġa mislufa jkollha difetti li jistgħu jagħmlu ħsara lil dak li jinqeda biha, il-kommodant iwieġeb għall-ħsara, jekk kien jaf b'dawk id-difetti u ma għarrafx bihom lill-kommodatarju.

Kwistjoni jekk il-kuntratt hux kommodat jew kiri.

1838. (1) Meta tinqala' kwistjoni dwar jekk is-self tal-ħaġa sarx b'titolu ta' kommodat jew ta' kiri, il-persuna li tippretendi l-ħlas għandha tipprova l-jedd tagħha bi ftehim espress jew taċitu.

(2) Il-ftehim taċitu jista' jiġi ppruvat mill-kondizzjoni tal-persuni, mix-xorta tal-ħaġa, miż-żmien fit-tul tal-użu, u minn ċirkostanzi oħra.

Titolu XVI

FUQ IL-PREKARJU

X'inhu prekarju.

1839. Il-prekarju huwa l-istess kuntratt ta' self għall-użu mfisser fl-artikolu 1824, iżda b'din id-differenza biss, illi dak li jislef il-ħaġa jibqa' fis-setgħa li jeħodha lura meta jrid.

Radd mat-talba.

1840. Dak li jissellef il-ħaġa bi prekarju, ma jistax idewwem ir-radd tagħha, meta tiġi lilu mitluba lura, minħabba li bir-radd jista' jbati ħsara:

Iżda, jekk jinsab li r-radd ġie mitlub bil-ħsieb li tiġi kkaġunata ħsara lil dak li ssellef il-ħaġa, il-qorti tista' tagħti lil dan żmien għal dak ir-radd.

Igħoddu r-regoli li hemm għall-kommodat.

1841. Bla ħsara ta' dak li hu miġjub fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, ir-regoli dwar il-kuntratt ta' kommodat igħoddu għall-prekarju.

Titolu XVII

SELF GĦALL-KONSUM JEW MUTWU

X'inhu l-mutwu.

1842. Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità.

Effetti tas-self għal min jissellef.

1843. Bis-saħħa ta' dan is-self, min jissellef isir sid il-ħaġa mislufa, u t-telfa ta' din il-ħaġa, b'kull mod li tiġri, ibatiha hu.

L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus.

1844. (1) L-obbligazzjoni li toħroġ minn self ta' flus hija, fil-każijiet kollha, tal-istess somma, fin-numru, li tkun imsemmija fil-kuntratt.

(2) Għalkemm ikun hemm patt kuntrarju, jekk isir xi tibdil fis-

sistema tal-flus qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-ħlas, id-debitur hu obbligat biss irodd is-somma fin-numru lilu mislufa, fi flus skont il-valur legali tagħhom fiż-żmien tal-ħlas.

Radd ta' flus fi speċji determinata.

1845. Jista' jiġi miftiehem li r-radd isir fi speċji determinata ta' flus; u f'dan il-każ ir-radd għandu jsir kif ikun ġie miftiehem, iżda, jekk fiż-żmien tal-ħlas din ix-xorta ta' flus ma tkunx tista' tinsab jew ma tkunx iżjed fiċ-ċirkolazzjoni, min isellef għandu jrodd lill-iżburżant is-somma fi flus korrenti, barra milli jwieġeb għad-danni jekk ikun hemm.

Self ta' ingotti jew oġġetti.

1846. Jekk is-self ikun ta' ingotti jew oġġetti, id-debitur għandu dejjem irodd l-istess kwantità u kwalità, ikun kemm ikun għola jew tbaxxa l-prezz tagħhom.

Igħodd l-artikolu 1837.

1847. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1837 igħoddu wkoll għall-mutwu.

Meta min jissellef ma jistax irodd il-ħaġa fl-istess kwalità u kwantità.

1848. (1) Jekk min jissellef ma jkunx jista', mingħajr ħsara kbira għalih, irodd il-ħwejjeġ meħuda b'self fl-istess kwalità u kwantità fiż-żmien miftiehem, huwa obbligat iħallas il-valur tagħhom, skont iż-żmien u l-lok li fihom ir-radd ikollu jsir.

(2) Kemm-il darba ma jkunx ġie miftiehem la ż-żmien u lanqas il-lok, il-ħlas isir skont kif kien miexi l-prezz fiż-żmien u fil-lok li fihom ikun sar is-self.

Ma hemmx imgħax jekk mhux miftiehem.

1849. Ma hemmx imgħax għall-mutwu jekk ma jkunx miftiehem, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikoli 1139 u 1140, kemm-il darba min jissellef ma jroddx il-ħwejjeġ lilu mislufa fiż-żmien miftiehem, jew fiż-żmien illi, meta ma jkunx hemm ftehim, jiġi mogħti mill-qorti.

Ftehim għall-imgħaxjiet.

1850. (1) Hu leċitu l-ftehim għall-imgħaxijiet fuq self, sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew ħwejjeġ oħra mobbli.

(2) Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkollhomx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena.

(3) Kull ftehim ieħor ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet, ma jiswiex.

Ħlas ta' mgħaxijiet mhux miftiehma.

1851. (1) Jekk min jissellef iħallas imgħaxijiet mhux miftehmin, ma jistax jitlobhom lura u lanqas jaqtagħhom mill-kapital, ħlief f'kemm dawn l-imgħaxijiet ikunu iżjed mil-limiti mogħtija fl-artikolu ta' wara dan.

(2) Iżda, l-imgħaxijiet imħallsa fuq kull somma ta' mgħaxijiet li jkollhom jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena, jistgħu jintalbu lura jew jinqatgħu mill-kapital, ukoll jekk l-imgħaxijiet hekk imħallsa ma jkunux jaqbżu l-limiti hawn fuq imsemmija.

Limiti ta' mgħax. *Emendat: XXXIX.1961.2; LIV.1974.9; VI.1983.5; IX.1992.2; III.2009.3.*

1852. (1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.

(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.

(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-

liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital.

Kuntratt magħmul b'qerq tad-dispożizzjoni ta' qabel.

1853. Kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jista' jitħassar; u f'dan il-każ, jekk il-ħwejjeġ mislufa ma jistgħux jiġu mogħtija lura, il-kreditur jista' jitlob biss il-ħlas tal-valur tagħhom fiż-żmien li hu kkunsinnahom lid-debitur.

Meta r-rata tal-imgħax ma tkunx ġiet miftiehma.

1854. Jekk min jissellef jobbliga ruħu li jħallas l-imgħaxijiet mingħajr ma tiġi miftiehma r-rata, l-imgħax jinqies bil-ħamsa fil-mija fis-sena.

Irċevuta għall-kapital mingħajr riserva għall-imgħaxijiet.

1855. L-irċevuta għall-kapital, imħollija mingħajr ma jinżamm il-jedd għall-imgħaxijiet, tnissel il-preżunzjoni tal-ħlas tagħhom, u ġġib il-ħelsien minnhom, bla ħsara tal-prova kuntrarja.

Regolamenti.
Mižjud: XXII.2000.101.
Sostitwit: III.2009.4.

1855A. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas.

Titolu XVIII

FUQ IL-MANDAT

Sub-titolu I

XORTA U FORMA TAL-MANDAT

X'inhu l-mandat.

1856. (1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.

(2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat.

L-oġġett tal-mandat.
Emendat: VIII.2010.61.

1857. (1) Il-mandat għandu jkollu bħala skop tiegħu ħaġa leċita li min jagħti l-mandat seta' jagħmel huwa nnifsu.

(2) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.

(3) Mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija kif speċifikat fl-artikolu 1887(1) għandu jingħata bil-mitkub taħt piena ta' nullità.

Aċċettazzjoni mill-mandatarju.

1858. L-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt.

Konsegwenzi meta l-mandatarju jonqos li jgħarraf bir-rifjut lill-mandant.

1859. Kull persuna fil-kummerċ jew li teżerċita professjoni illi, mingħajr raġuni tajba tonqos li tgħarraf bla dewmien lill-mandant li ma tridx taċċetta inkarigu dwar affarijiet tal-kummerċ jew tal-professjoni, skont il-każ, twieġeb lejn il-mandant għad-danni kkaġġunati bid-dewmien.

L-isem tal-mandatarju mħolli in bjank.

1860. Jekk il-mandat jingħata b'kitba privata, l-isem tal-mandatarju jista' jitħalla in bjank; f'dan il-każ, sakemm l-isem ma jiġix miktub, min ikollu f'idejh il-kitba jew l-att tal-prokura jitqies li huwa l-mandatarju.

Meta l-mandat hu bla ħlas.

1861. Il-mandat hu bla ħlas jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju.

Il-mandat huwa speċjali jew ġenerali.

1862. Il-mandat huwa speċjali, jekk jingħata għal ħaġa waħda jew għal xi ħwejjeġ determinati, biss; jew ġenerali, jekk jingħata għall-affarijiet kollha tal-mandat.

Mandat ġenerali.

1863. (1) Fil-mandat mogħti bi kliem ġenerali, jidħlu biss l-atti ta' amministrazzjoni.

(2) Is-setgħa sabiex isiru trasferimenti ta' beni, minbarra dawk it-trasferimenti li jaqgħu fil-limiti tal-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew sabiex isiru atti oħra ta' proprjetà, għandha tkun espressa.

Setgħat tal-mandatarju.

1864. Il-mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.

Mandat mogħti minn persuna b'antiċipazzjoni tal-inkapaċità tagħha. *Miżjud: XIII.2016.2.*

1864A. (1) Il-mandat mogħti minn persuna maġġorenni, b'antiċipazzjoni tal-inkapaċità tagħha lill-mandatarju sabiex dan tal-aħħar jieħu ħsieb lill-mandant jew sabiex jamministralu l-proprjetà, għandu jkun redatt taħt piena ta' nullità minn nutar pubbliku, quddiem żewġ xhieda skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 655(1) ta' dan il-Kodiċi, wara li jkun kiseb dikjarazzjoni medika illi ċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, fl-aħjar interessi ta' dik il-persuna. Dan il-mandat għandu jiġi reġistrat bl-istess mod bħal wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 50 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.

Kap. 55.

(2) F'każ ta' persuna maġġorenni, l-eżekuzzjoni tal-mandat għandha tkun taħt kondizzjoni li sseħħ l-inkapaċità u wara li tinkiseb l-approvazzjoni neċessarja mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja wara rikors mill-mandatarju msemmi fl-att. Il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tkun tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha li huma neċessarji.

(3) (*a*) Għall-fini tat-terminazzjoni tal-mandat, tali terminazzjoni għandha tiġi redatta minn nutar pubbliku bl-istess mod kif kien kostitwit il-mandat liema terminazzjoni jkollha magħha ċertifikat mediku ġuramentat li juri li l-inkapaċità ntemmet u tali terminazzjoni għandha tiġi approvata mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja. Tali terminazzjoni għandha tiġi reġistrata bl-istess mod bħal wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 50 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili.

Kap. 55.

(*b*) Dik it-terminazzjoni għandha tkun ikkomunikata jew notifikata, skont il-każ, lill-mandatarju li għandu

jieqaf milli jirrappreżenta lill-mandant b'effett immedjat. Ir-reġistratur tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja għandu jibgħat kopja ta' dik it-terminazzjoni kif approvata mill-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja lin-Nutar Ewlieni tal-Gvern li għandu jdaħħal id-dettalji ta' dik it-terminazzjoni f'reġistru li huwa għandu jżomm għal dak il-għan u li għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

(*ċ*) Jekk il-mandatarju jibqa' jirrappreżenta lill-mandant wara li t-terminazzjoni tkun ikkomunikata jew notifikata lilu, il-mandatarju jkun personalment responsabbli għad-danni u għandu jiġi kkunsidrat li jkun qed jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-sub-titolu II tat-Titolu XVIII tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi għandhom, mutatis mutandis, japplikaw għall-mandatarju maħtur skont dan l-artikolu.

Atti li mandatarju jista' jagħmel.

1865. (1) Għall-esekuzzjoni tal-mandat, il-mandatarju jista' jaġixxi ġudizzjarjament; jagħmel u jissokta appelli; jagħmel prova bis-subizzjoni tal-parti kuntrarja; jieħu l-ġurament *in litem* jew il-ġurament suppletorju; jesegwixxi sentenzi sew fuq ħwejjeġ mobbli kemm immobbli; jitlob il-ħruġ ta' atti kawtelatorji, fosthom dawk li għalihom hu meħtieġ li jsiru rikorsi jew dikjarazzjonijiet bil-ġurament; jitlob, meta hemm jedd, l-arrest tal-persuna tad-debitur tal-mandant; u jagħmel kull ħaġa oħra li l-mandant jista' jagħmel huwa nnifsu, għalkemm dawn is-setgħat ma jkunux espressi fil-mandat.

(2) Il-mandatarju jista' wkoll, bis-setgħa hawn fuq imsemmija, ikun konvenut fl-isem tal-mandant, f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat.

Meta l-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża bħala attur jew konvenut. *Emendat: VIII.2010.61.* Kap. 12.

1866. Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun taħ din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-ġżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat.

Setgħat oħra tal-mandatarju.

1867. (1) Fis-setgħa espressa mogħtija lill-mandatarju li jittransiġi, ma tidħolx is-setgħa li jġib kwistjoni, arbitraġġ, u lanqas il-kontra.

(2) Fis-setgħa li jirċievi tidħol is-setgħa li jagħti riċevuta.

(3) Fis-setgħa li jbigħ tidħol is-setgħa li jirċievi l-prezz.

Setgħat ġenerali.

1868. Meta persuna tiġi mqabbda biex tagħmel ħaġa fil-kors ordinarju tal-professjoni jew xogħol tagħha, mingħajr ma jiġu espressament limitati s-setgħat tagħha, jitqies li lil din il-persuna ingħatat is-setgħa li tagħmel dak kollu li jidhrilha meħtieġ għall-esekuzzjoni tal-mandat, u li, skont ix-xorta tal-professjoni jew tax-xogħol hawn fuq imsemmijin, jista' jiġi magħmul minnha.

Minuri jistgħu jkunu mandatarji. *Sostitwit: XLVI. 1973.96.*

1869. Il-minuri jistgħu jiġu maħtura mandatarji; iżda f'kull każ bħal dan il-mandant m'għandux azzjoni kontra l-mandatarju ħlief skont ir-regoli ġenerali dwar l-obbligazzjonijiet tal-minuri.

Setgħat tal-mandant. *Emendat: VIII.2010.61.*

1870. (1) Il-mandant jista', għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, jaġixxi direttament kontra dak li miegħu l-mandatarju f'din il-kwalità tiegħu jkun ikkuntratta.

(2) Il-poteri tal-mandant fir-rigward tal-mandat irrevokabbli mogħti bħala sigurtà jistgħu jiġu sospiżi bi ftehim espress għall-perjodu tal-mandat.

(3) Tali mandati jistgħu jiġu reġistrati f'reġistru pubbliku. F'dan l-artikolu "reġistru pubbliku" jfisser:

(*a*) fejn il-mandat jirrigwarda vapur jew drittijiet relatati jew konnessi ma' vapur, ir-Reġistru tal-vapuri u permezz ta' annotazzjoni;

(*b*) fejn il-mandat jirrigwarda ajruplan jew magni jew drittijiet relatati jew konnessi ma' ajruplan, ir-Reġistru Nazzjonali tal-Ajruplani u permezz ta' annotazzjoni; u

(*ċ*) f'kull każ ieħor, ir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota,

u f'dak il-każ ikollha effett kontra terzi persuni u l-esekuzzjoni ta' dawk il-poteri mill-mandant hekk sospiżi ma jkollhiex effett ħlief meta magħmul bil-permess bil-miktub tal-mandatarju.

Jekk l-mandatarju jaġixxi f'ismu.

1871. (1) Meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'għandhom azzjoni kontra l-mandant.

(2) Iżda, f'dan il-każ, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu.

Proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji. *Miżjud: XIII.2004.43.*

1871A. (1) Kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dak l-għan, u tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(2) Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f'isimha stess iżda għan-nom ta' mandant, il-mandant jkollu f'kull żmien il-jedd li jitlob mingħand il-mandatarju t-trasferiment tagħha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju għandu ma' dik it-talba, jew, f'kull każ mat-tmiem taż-żmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jagħti rendikont tal-mandat tiegħu skont l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b'dak il-mod li jkun xieraq, soġġett għal xi kondizzjonijiet speċjali tal-mandat dwar drittijiet u spejjeż u jeddijiet ta' xi terzi *in bona fide*.

(3) Minkejja l-artikolu 1886, mandat favur persuna li tkun qed taġixxi skont dan l-artikolu ma jiskadix -

(*a*) mal-mewt tal-mandant u jibqa' jorbot lill-mandatarju li jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati miegħu sa dak iż-żmien li l-proprjetà tkun miżmuma minnu tkun trasferita validament lill-eredi jew

legatarji tal-mandant; u

(*b*) mal-falliment tal-mandant jew tal-mandatarju u jibqa' jorbot lill-mandatarju biex jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati magħha sa dak iż-żmien li l-proprjetà miżmuma minnu tkun validament trasferita kif ordnat mill-qorti kompetenti għall-benefiċċju tal-mandant jew tal-kredituri tiegħu skont il-każ.

(4) Kondizzjoni tal-mandat li tkun tidher li torbot mandatarju kif intqal hawn fuq biex tkun trasferita l-proprjetà miżmuma minnu lil terzi wara l-mewt tal-mandant ma tkunx valida kemm-il darba dik id-dispożizzjoni ma tkunx magħmula b'testment skont il-formalitajiet meħtieġa bil-liġi.

(5) Fil-każ tal-mewt tal-mandant, il-werrieta skont il-liġi jew l-eżekutur, jekk ikun hemm, tat-testment tal-mandant, ikunu marbutin bl-istess obbligazzjonijiet biex jikkonservaw il-proprjetà miżmuma għall-mandant u li minnufih jittrasferixxu l-proprjetà lilu jew kif jista' jordnalhom, salvi dawk il-jeddijiet għall-ħlas ta' drittijiet u spejjeż pendenti skont il-liġi.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1871(1), f'każijiet fejn mandatarju, kif imsemmi hawn qabel, iġib b'kull mezz għall-attenzjoni ta' terzi l-fatt li huwa jkun qed jaġixxi f'dik il-kapaċità, il-mandatarju ma jkunx personalment responsabbli għall-obbligazzjonijiet li jkunu saru ħlief dwar u sal-limitu tal-proprjetà miżmuma minnu.

Bla ħsara ta' liġijiet oħra. Kap. 13.

1872. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jħassrux id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, lanqas ta' liġijiet speċjali oħra, jew użi oħra tal-kummerċ.

Sub-titolu II

FUQ L-OBBLIGI TAL-MANDATARJU

Dmirijiet tal-mandatarju.

1873. (1) Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet.

(2) Huwa wkoll obbligat li jispiċċa l-affari li jkun beda qabel il-mewt tal-mandant, jekk id-dewmien jista' jkun ta' ħsara.

Responsabbiltà tal-mandatarju.

1874. (1) Il-mandatarju jwieġeb mhux biss għall-għemil doluż, iżda wkoll għal negliġenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.

(2) Iżda, din ir-responsabbiltà, kwantu għan-negliġenza għandha titqies b'mod anqas sever fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bla ħlas, milli fil-każ ta' dak li l-mandat tiegħu jkun bil-ħlas.

Dmir tal-mandatarju li jagħti kont.

1875. Il-mandatarju, meta ma jkunx meħlus espressament mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċieva bis-saħħa tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun irċieva ma kellux jingħata lill-mandant.

Il-mandatarju ma jistax iqiegħed lil ħaddieħor floku.

1876. (1) Il-mandatarju ma jistax iqabbad lil ħaddieħor floku, jekk ma tkunx ġiet mogħtija lilu s-setgħa għaldaqshekk mill-mandant.

(2) Jekk tkun ġiet mogħtija lilu din is-setgħa, iżda mingħajr ma jkun ġie mogħti l-isem tal-persuna li għandha toqgħod floku, il-mandatarju jwieġeb għall-persuna li jkun qabbad floku jekk ikun għażel persuna magħrufa bħala mhix ta' ħila jew mhix solvibbli, jew jekk xort'oħra kien jafha bħala tali.

(3) Fil-każijiet kollha, il-mandant jista' jaġixxi direttament kontra l-persuna li l-mandatarju jkun qabbad floku.

Meta żewġ mandatarji jew iżed huma maħtura bl-istess att.

1877. (1) Meta b'att wieħed jiġu maħtura żewġ prokuraturi jew mandatarji, inkella iżjed, huma mhumiex bejniethom responsabbli *in solidum* ħlief jekk ikun ġie hekk miftiehem espressament.

(2) Kull wieħed minn dawn il-mandatarji jista' jesegwixxi l-mandat b'mod li jiswa, ukoll mingħajr il-kunsens tal-mandatarji l-oħra, jew bl-oppożizzjoni tagħhom, barra minn meta l-mandant ikun ordna espressament illi l-wieħed ma jistax jaġixxi mingħajr l-ieħor, jew ikun xort'oħra qassam espressament bejniethom l-inkarigi ta' kull wieħed.

(3) Il-limiti tas-setgħat ta' kull wieħed mill-mandatarji hawn fuq imsemmijin ma jistax jinġieb kontra t-terzi, ħlief jekk dan il-limiti jkun jirriżulta mill-att tal-prokura jew jiġi ppruvat li dawn it-terzi kienu b'mod ieħor jafu biżżejjed b'dan il-limiti.

Il-mandtarju għandu jagħti l-imgħax tas-somom li jieħu għall-użu tiegħu, eċċ.

1878. Il-mandatarju għandu jagħti l-imgħaxijiet tas-somom illi, mingħajr is-setgħa tal-mandant, ikun inqeda bihom għall-użu tiegħu nnifsu, minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta' kull somma oħra li tagħha jkun baqa' debitur lejn il-mandant, minn dak in-nhar li jkun ġie mqiegħed *in mora*, bla ħsara, fiż-żewġ każijiet hawn fuq imsemmija, tal-użi tal-kummerċ.

Il-mandatarju mhux obbligat huwa nnifsu lejn min ikkuntratta miegħu f'dik il-kwalità.

1879. Il-mandatarju, illi jkun għarraf biżżejjed bis-setgħat tiegħu lill-parti li magħha jkun ikkuntratta f'dik il-kwalità, ma jwieġeb għal ebda garanzija dwar dak li jkun għamel barra minn dawk il-limiti, ħlief jekk hu jkun obbliga ruħu huwa nnifsu għaldaqshekk.

Sub-titolu III

FUQ L-OBBLIGI TAL-MANDANT

Obbligi tal-mandant,

1880. (1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.

(2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil.

lejn il-mandatarju,

1881. (1) Il-mandant għandu jagħti lura lill-mandatarju l-flus li dan ikun ħareġ u l-ispejjeż li jkun għamel fl-esekuzzjoni tal-mandat; u għandu jikkumpensah tax-xogħol tiegħu jekk ikun

wiegħdu dan il-kumpens, jew jekk dan il-kumpens għandu jitqies li ġie miftiehem taċitament minħabba l-professjoni tal-mandatarju u ċirkostanzi oħra.

(2) Meta ma jistax jingħad li kien hemm negliġenza fil-mandatarju, il-mandant ma jistax jiċħad li jagħti l-ħlas u l-kumpens fuq imsemmi, għalkemm l-affari ma tkunx irnexxiet; u lanqas ma jista' jnaqqas is-somma ta' dawk l-ispejjeż li jkunu saru u tal-flus li jkunu nħarġu bona fidi mill-mandatarju, bl-iskuża li setgħu kienu anqas.

għal telf,

1882. Il-mandant għandu wkoll jindennizza lill-mandatarju tat-telf li jkun bata minħabba l-mandat, meta ma jistax jingħad li kien hemm negliġenza fil-mandatarju.

għal imgħax tal-flus maħruġa u spejjeż.

1883. Il-mandant hu obbligat lejn il-mandatarju għall-imgħaxijiet fuq il-flus maħruġa u spejjeż imsemmijin fl-artikolu 1881, minn dak in-nhar tal-ħlas ta' dawk is-somom.

Jekk l-mandanti jkunu tnejn jew iżed huma obbligati *in solidum* lejn il-mandatarju.

1884. Meta mandatarju jiġi maħtur minn żewġ persuni jew iżjed għal affari komuni, kull waħda minnhom hija obbligata *in solidum* lejn il-mandatarju għall-effetti kollha li joħorġu mill-mandat.

Il-mandatarju jista' jżomm f'idejh il-ħwejjeġ tal-mandat.

1885. Il-mandatarju għandu jedd iżomm f'idejh il-ħwejjeġ tal-mandat, sakemm ma jiġix imħallas ta' dak li jkollu jieħu minħabba dak il-mandat.

Sub-titolu IV

KIF JISPIĊĊA L-MANDAT

Tmiem tal-mandat.
Emendat: VIII.2010.61; IV.2016.24.

1886. (1) Il-mandat jispiċċa -

(*a*) bit-tneħħija tal-prokura;

(*b*) bil-mewt, bl-inibizzjoni, ġenerali jew parzjali, li jikkuntratta, bid-dikjarazzjoni ta' falliment, jew biċ-*cessio bonorum*, tal-mandant jew tal-mandatarju;

(*ċ*) bit-tmiem tas-setgħat tal-mandant;

(*d*) bl-egħluq taż-żmiem li għalih il-mandat kellu jissokta;

(*e*) bir-rinunzja tal-mandatarju:

Iżda:

(i) fil-każ li mandat jispiċċa fejn il-mandatarju, li tkun persuna fiżika, kien awtorizzat li jittrasferixxi proprjetà immobbli f'isem il-mandant jew fejn il-mandat ikun wieħed ta' natura ġenerali li jkun ingħata bejn persuni fiżiċi, dik it-terminazzjoni tista' tiġi notifikata mill-mandant jew minn kull persuna oħra li jkollha interess fil-mandat lin-Nutar Ewlieni tal-Gvern li għandu jdaħħal id-dettalji ta' dik it-terminazzjoni f'reġistru li huwa għandu jżomm

għal dak il-għan u li għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju; u

(ii) il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' joħroġ regolamenti sabiex jistabbilixxi reġistru elettroniku fejn tkun tista' ssir ir-reġistrazzjoni ta' mandati u tat-terminazzjoni tagħhom u biex jistabbilixxi dawk il-formalitajiet, drittijiet u proċeduri applikabbli għar-reġistrazzjoni fl-imsemmi reġistru elettroniku u biex jirregola l-aċċess għall-istess reġistru.

(2) Mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija m'għandux jispiċċa meta jseħħu l-avvenimenti msemmija fis-subartikolu (1) u għandu jibda jorbot fuq, jew ikompli jkun ta' benefiċċju tal-werrieta jew tal-likwidatur (jew uffiċjal simili) tal-mandant, jew tal-mandatarju, jew il-kreditur jekk ikun persuna differenti, skont it-termini tiegħu. Lanqas mandat irrevokabbli bħal dak ma jispiċċa meta jseħħu dawk l-avventimenti meta dawn iseħħu fir-rigward ta' mandatarju li jkun persuna differenti mill-kreditur li favur tiegħu jkun inħareġ il-mandat.

(3) Il-kreditur li jkollu l-interessi tiegħu garantiti mill-mandat, jew il-werrieta tiegħu, jew likwidatur (jew uffiċjal simili) jistgħu jaħtru sostitut biex jagħmilha ta' mandatarju, kompriż hu nnifsu, jew jista' jagħmel rikors lill-Qorti ta' kompetenza volontarja sabiex tagħmel dik in-nomina hi.

Tneħħija tal-mandat. *Emendat: VIII.2010.61.*

1887. (1) Il-mandant jista' jneħħi l-mandat kull meta jrid, ħlief jekk fih ikun ġie mdaħħal espressament li l-mandat ikun ingħata bħala garanzija favur il-mandatarju jew kull persuna oħra, u li hu jkun irrevokabbli, f'liema każ ikun jista' jitħassar biss bil-kunsens tal-persuna li l-interess tagħha jkun garantit b'dak il-mandat. Il-mandatarju taħt mandat irrevokabbli bħal dak mogħti bħala garanzija, ikun obbligat jaġixxi b'mod ġust u raġonevoli meta jkun qiegħed jeżerċita s-setgħat mogħtija taħtu, iżda mandat li jingħata bħala garanzija li jkun irrevokabbli jista' jingħata biss meta l-oġġett li għalih jirrelata jkun proprjetà li tkun mobbli, min-natura tagħha jew għax hekk tqisha l-liġi, u ma għandux ikun permess li mandat bħal dak jinħareġ b'riferenza għal proprjetà immobbli jew drittijiet fiha.

(2) Fejn setgħat jiġu eżerċitati taħt mandat irrevokabbli mogħti kif intqal hawn qabel u jagħmlu parti minn jew jingħataw skont jew fil-kuntest ta' ftehim bil-miktub li jkun jirregola relazzjoni aktar wiesgħa, il-mandatarju jkun ukoll obbligat jeżerċita dawk is-setgħat skont il-pattijiet u soġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet ta' dak il-ftehim.

(3) Ħlief kif ipprovdut fis-subartikolu ta' qabel dan, il-ħatra ta' mandatarju ġdid għall-istess affari ġġib it-tneħħija tal-mandat mogħti lil dak ta' qabel, ukoll jekk il-mandatarju l-ġdid ma jaċċettax l-inkarigu.

(4) Mandat ġenerali ma jġibx it-tneħħija ta' mandat speċjali li jkun ġie mogħti qabel, ħlief jekk fil-mandat ġenerali tkun ġiet imdaħħla espressament l-affari msemmija fil-mandat speċjali.

It-tmiem ta' mandat ma jaffettwax it-terzi li ma jkunux jafu bih.

1888. (1) Ll-fatt li jkun hemm xi waħda mir-raġunijiet li għalihom il-mandat jispiċċa, ma jistax jinġieb kontra t-terzi li, minħabba li ma kinux jafu b'dak il-fatt, ikunu kkuntrattaw mal-mandatarju, bla ħsara tal-jedd tal-mandant li jdur kontra l-mandatarju, jekk ikun il-każ.

(2) Lanqas ma jistal-fatt ta' xi waħda minn dawk ir-raġunijiet jinġieb kontra l-mandatarju, jekk, fiż-żmien li aġixxa, huwa ma kienx jaf b'dak il-fatt.

Rinunzja tal-mandat.

1889. (1) Il-mandatarju jista' jirrinunzja għall-mandat billi jgħarraf b'din ir-rinunzja lill-mandant.

(2) B'dan kollu, jekk ir-rinunzja tkun ta' ħsara għall-mandant, dan għandu jiġi kkumpensat mill-mandatarju, ħlief meta dan ma jkunx jista' jissokta fl-esekuzzjoni tal-mandat, mingħajr ma jbati huwa stess ħsara kbira.

Dmir tal-werrieta tal-mandatarju li jmut.

1890. Jekk il-mandatarju jmut, il-werrieta tiegħu, jekk ikunu jafu li huwa kien mandatarju, għandhom jgħarrfu b'dan lill-mandant, u, sa dan il-waqt, jagħmlu dak li hu meħtieġ fl-interess tal-mandant, skont ma jkunu jitolbu ċ-ċirkostanzi.

Titolu XIX

FUQ ID-DEPOŻITU

X'inhu d-depożitu.

1891. Id-depożitu, in ġenerali, huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha *in natura*.

Sub-titolu I

FUQ ID-DEPOŻITU HEKK PROPRJAMENT IMSEJJAĦ

Xorta tad-depożitu hekk proprjament imsejjaħ.

1892. (1) Id-depożitu hekk proprjament imsejjaħ huwa kuntratt gratuwitu, bla ħsara ta' kull ftehim kuntrarju.

(2) Il-ħwejjeġ mobbli biss jistgħu jkunu l-oġġett ta' dan id-depożitu.

Meta d-depożitu hu perfett.

1893. (1) Id-depożitu hu perfett biss bil-kunsinna tal-ħaġa lid-depożitarju.

(2) Il-kunsinna ssir bil-kunsens biss, jekk il-ħaġa tkun ġa f'idejn id-depożitarju taħt titolu ieħor u jiġi miftiehem li għandha tibqa' f'idejh bħala depożitu.

Meta d-depożitarju jista' jinqeda bil-ħaġa ddepożitata.

1894. Id-depożitu ta' flus jew ta' ħwejjeġ oħra li jintemmu bl-użu, hu regolat mil-liġijiet dwar is-self ta' ħaġa għall-konsum jew mutwu, meta lid-depożitarju tkun ingħatat is-setgħa li jinqeda bil-ħaġa ddepożitata għandu, bl-obbligu biss li jrodd daqsha tal-istess xorta u kwalità.

1895. Id-depożitu hu volontarju jew neċessarju. Depożitu volontarju jew neċessarju.

§ I. FUQ ID-DEPOŻITU VOLONTARJU

1896. Id-depożitu volontarju jsir bil-kunsens min-naħa l-waħda ta' dak li jiddepożita u min-naħa l-oħra ta' dak li jirċievi l-ħaġa b'depożitu. Xorta tad-depożitu volontarju.

1897. (1) Id-depożitu volontarju jista' jsir biss bejn persuni kapaċi li jikkuntrattaw. Bejn min jista' jsir id-depożitu volontarju.

(2) B'dan kollu, jekk persuna kapaċi li tikkuntratta taċċetta depożitu li jsir lilha minn persuna li ma tkunx kapaċi li tikkuntratta, hija tkun marbuta bl-obbligazzjonijiet kollha ta' veru depożitarju.

1898. Jekk id-depożitu jsir minn persuna kapaċi li tikkuntratta lil waħda li ma tkunx kapaċi, il-persuna li tagħmel id-depożitu m'għandhiex ħlief il-jedd tal-azzjoni tar-rivendikazzjoni tal-ħaġa mogħtija b'depożitu sakemm tkun għadha f'idejn id-depożitarju, inkella tal-azzjoni tar-radd sas-somma li tkun sfat ta' ġid lid-depożitarju. Depożitu volontarju magħmul minn persuna kapaċi lil waħda inkapaċi.

FUQ L-OBBLIGI TAD-DEPOŻITARJU

1899. Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu. Ħsieb li għandu jieħu d-depożitarju.

1900. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu applikati b'mod aktar sever - Każijiet li fihom l-obbligi għandhom jiġu mħarsa b'akbar reqqa.

(*a*) meta d-depożitarju jkun offra ruħu huwa nnifsu biex jieħu f'idejh id-depożitu;

(*b*) meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu;

(*ċ*) meta d-depożitu jkun sar biss fl-interess tad-depożitarju;

(*d*) meta jkun ġie miftiehem espressament li d-depożitarju għandu jwieġeb għal kull xorta ta' negliġenza.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(*a*), (*b*) u (*ċ*), igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1132(1); u, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*d*) tal-istess subartikolu, id-depożitarju jwieġeb għal kull negliġenza, tkun kemm tkun żgħira.

1901. Id-depożitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forza maġġuri, ħlief jekk ikun ġie mqiegħed *in mora* għar-radd tal-ħaġa ddepożitata; lanqas ma jwieġeb, f'dan l-aħħar każ, jekk il-ħaġa kienet tispiċċa xorta waħda li kieku kienet tinsab għand id-depożitant. Id-depożitarju ma jweġibx għall-aċċidenti jew għat-telfa tal-ħaġa.

1902. Id-depożitarju ma jistax jinqeda bil-ħaġa ddepożitata, mingħajr il-kunsens, espress jew preżunt, tad-depożitant. Hu ma jistax jinqeda bil-ħaġa ddepożitata.

Hu m'għandux ifittex li jikxef x'inhuma l-ħwejjeġ iddepożitati.

1903. Hu m'għandux ifittex x'inhuma l-ħwejjeġ iddepożitati, meta jkunu ġew fdati lilu f'kaxxa magħluqa jew misrura u ssiġillati.

Radd tad-depożitu,

1904. (1) Id-depożitarju għandu jrodd dik il-ħaġa stess li jkun irċieva, fl-istat li din tkun tinsab fiż-żmien tar-radd.

(2) It-tgħarriq li jsir fil-ħaġa mingħajr ħtija tad-depożitarju, ibatih id-depożitant.

jew tal-ħaġa mogħtija flokha.

1905. Id-depożitarju, li mingħandu l-ħaġa ddepożitata tkun ġiet meħuda b'forza maġġuri, u illi jkun irċieva flokha somma ta' flus jew ħaġ'oħra, għandu jrodd dak li jkun irċieva.

Dmirijiet tal-werriet tad-depożitarju.

1906. Il-werriet tad-depożitarju, illi b'bona fidi jbigħ il-ħaġa li ma kienx jaf li kienet b'depożitu, hu obbligat biss li jrodd il-prezz li daħħal jew iċedi l-jedd tal-azzjoni kontra x-xerrej, jekk il-prezz ikun għad ma tħallasx.

Jekk id-depożitu jagħti frottijiet.

1907. Jekk il-ħaġa ddepożitata tkun tat frottijiet li jkunu ġew imdaħħla mid-depożitarju, dan għandu jroddhom.

Lil min għandu jintradd id-depożitu.

1908. Id-depożitarju għandu jrodd il-ħaġa ddepożitata lil dak biss li jkun fdahielu, jew lil dak li fl-isem tiegħu jkun sar id-depożitu, jew lill-persuna li tkun ġiet maħtura biex tirċievi lura l-ħaġa.

Id-depożitarju ma jistax jitlob li d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa.

1909. (1) Id-depożitarju m'għandux jedd jitlob illi d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa ddepożitata.

(2) B'dan kollu, jekk id-depożitarju jikxef li l-ħaġa kienet ġiet mitlufa jew misruqa, hu għandu jgħarraf lil dak li lilu l-ħaġa ġiet misruqa, jew li kien tilifha, bid-depożitu li sar għandu, u jagħtih żmien biżżejjed biex jitlob lura dak id-depożitu. Jekk dak li jiġi hekk imgħarraf ma jitlobx lura d-depożitu fiż-żmien fuq imsemmi, id-depożitarju jkun meħlus jekk jikkunsinna d-depożitu lill-persuna li mingħandha jkun irċevieh.

Meta d-depożitant imut, ir-radd isir lill-werriet.

1910. Jekk id-depożitant imut, il-ħaġa tista' tintradd biss lill-werriet tiegħu.

Meta jkun hemm iżed minn werriet wieħed.

1911. Meta l-werrieta jkunu tnejn jew iżjed, jew inkella l-ħaġa ddepożitata tkun ta' iżjed minn persuna waħda, id-depożitarju ma jistax irodd il-ħaġa jekk mhux bil-kunsens ta' kulħadd, barra minn meta s-sehem ta' kull wieħed ikun magħruf.

Tibdil tal-istat tad-depożitant.
Emendat: XLVI.1973. 97.

1912. Jekk l-istat tad-depożitant jitbiddel, bħal meta l-persuna tal-età li tkun għamlet id-depożitu tiġi interdetta, f'dawn u f'każijiet bħal dawn, id-depożitarju li jkun jaf b'dan it-tibdil ta' stat, ma jistax irodd id-depożitu ħlief lil dak li jkollu l-amministrazzjoni tal-jeddijiet u tal-ħwejjeġ tad-depożitant.

Jekk id-depożitu jsir mit-tutur, eċċ.
Emendat: XXIII.2017.87.

1913. Id-depożitu magħmul minn tutur jew kuratur, jew minn wieħed mill-konjuġi jew minn amministratur, f'waħda minn dawn il-kwalitajiet, ma jistax jintradd ħlief lill-persuna li għaliha kien jidher dan it-tutur, kuratur, wieħed mill-konjuġi, jew l-amministratur, jekk l-amministrazzjoni tagħhom tkun spiċċat u d-depożitarju jkun jaf li din l-amministrazzjoni spiċċat.

Fejn għandu jsir ir-radd tad-depożitu.

1914. (1) Ir-radd tad-depożitu għandu jsir fil-lok fejn tkun tinsab il-ħaġa ddepożitata. Jekk fil-kuntratt ikun ġie msemmi lok ieħor, id-depożitarju għandu jġorr il-ħaġa f'dak il-lok.

(2) L-ispejjeż tal-ġarr huma għad-depożitant.

Żmien għar-radd.

1915. Id-depożitu għandu jintradd lid-depożitant minnufih li dan jitolbu, ukoll jekk fil-kuntratt ikun ġie magħmul żmien għar-radd tiegħu, ħlief jekk tkun saret oppożizzjoni għar-radd b'sekwestru jew b'talba ġudizzjarja.

Jeddijiet tad-depożitarju.

1916. (1) Id-depożitarju jista' jġiegħel lid-depożitant jieħu lura d-depożitu.

(2) Iżda, hu ma jistax, mingħajr raġuni tajba, iġiegħlu jieħu lura d-depożitu qabel iż-żmien miftiehem.

L-obbligi tad-depożitarju jispiċċaw jekk ikun sid id-depożitu.

1917. Kull obbligu tad-depożitarju jispiċċa, meta jikxef jew jipprova li l-ħaġa ddepożitata hija tiegħu nnifsu.

FUQ L-OBBLIGI TAD-DEPOŻITANT

Radd tal-ispejjeż magħmula mid-depożitarju.

1918. Id-depożitant għandu jrodd lid-depożitarju l-ħlas tal-ispejjeż li dan ikun għamel biex jikkonserva l- ħaġa ddepożitata, u għandu jikkumpensah tat-telf kollu li jkun ġieblu d-depożitu.

Id-depożitarju jista' jżomm f'idejh id-depożitu sakemm jitħallas tal-ispejjeż.

1919. Id-depożitarju jista' jżomm f'idejh id-depożitu sakemm jitħallas għal kollox ta' dak kollu li jkollu jieħu minħabba dak id-depożitu.

---

§ II. FUQ ID-DEPOŻITU NEĊESSARJU

X'inhu d-depożitu neċessarju.

1920. Id-depożitu neċessarju hu dak li wieħed ikun imġiegħel jagħmel minħabba xi aċċident, bħal ħruq, tiġrif, sakkeġġ, għarqa, jew xi ġrajja oħra ta' bla ħsieb.

Dispożizzjonijiet dwar id-depożitu volontarju li jgħoddu għad-depożitu neċessarju.

1921. Kull dispożizzjoni oħra dwar id-depożitu volontarju tgħodd ukoll għad-depożitu neċessarju.

Sub-titolu II

FUQ IS-SEKWESTRU KONVENZJONALI

X'inhu s-sekwestru konvenzjonali.

1922. (1) Is-sekwestru konvenzjonali huwa d-depożitu ta' ħaġa li fuqha jkun hemm kwistjoni, magħmul f'idejn terza persuna, illi tobbliga ruħha li troddu, meta tispiċċa l-kwistjoni, lill-persuna li lilha l-ħaġa tiġi ddikjarata li tkun tmiss.

(2) Is-sekwestru konvenzjonali jista' jkollu bħala oġġett sew ħwejjeġ mobbli kemm ħwejjeġ immobbli.

Ħelsien tas-sekwestratarju.

1923. Is-sekwestratarju ma jistax jiġi meħlus qabel ma tispiċċa l-kwistjoni, ħlief bil-kunsens ta' dawk li fdawlu l-ħaġa, jew għal raġuni tajba.

Dispożizzjonijiet dwar id-depożitu volontarju li jgħoddu għas-sekwestru konvenzjonali.

1924. Id-dispożizzjonijiet dwar id-depożitu volontarju jgħoddu għas-sekwestru konvenzjonali.

Titolu XX

FUQ IL-GARANZIJA

Sub-titolu I

X'INHI U SA FEJN TGĦODD IL-GARANZIJA

X'inhu l-kuntratt ta' garanzija.

1925. Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.

Ma jistax ikun hemm garanzija ħlief għal obbligazzjoni li tkun tiswa. *Emendat: XLVI.1973.98.*

1926. (1) Ma jistax ikun hemm garanzija ħlief għal obbligazzjoni li tkun tiswa.

(2) Iżda, il-garanzija tista' tingħata għal obbligazzjoni li tista' tiġi annullata bis-saħħa ta' eċċezzjoni personali għad-debitur, bħal ma hija dik ta' inkapaċità minħabba età minuri jew interdizzjoni.

Il-garanzija ma tistax taqbeż id-dejn.

1927. (1) Il-garanzija ma tistax tkun għal iżjed minn dak li jkollu jagħti d-debitur, lanqas ma tista' ssir taħt kondizzjonijiet iżjed gravużi.

(2) Tista' tingħata għal biċċa biss mid-dejn, u taħt kondizzjonijiet anqas gravużi.

(3) Il-garanzija għal iżjed mid-dejn jew magħmula taħt kondizzjonijiet iżjed gravużi, tiswa biss sa daqs kemm tkun l-obbligazzjoni prinċipali.

Persuna tista' tkun garanti bla ma jkun jaf id-debitur.

1928. (1) Wieħed jista' jidħol garanti mingħajr ma tkun talbet jew ukoll mingħajr ma tkun taf il-persuna li għaliha jobbliga ruħu.

(2) Wieħed jista' wkoll jidħol garanti mhux biss tad-debitur prinċipali, iżda wkoll tal-garanti tiegħu.

Il-garanzija mhix preżunta.

1929. Il-garanzija ma tistax tkun preżunta, iżda għandha tkun espressa; u ma tistax tinħareġ barra mil-limiti li fihom tkun ġiet ikkuntrattata.

Garanzija bi kliem ġenerali.

1930. (1) Fil-garanzija mogħtija bi kliem ġenerali għal obbligazzjoni prinċipali, jidħol ukoll dak kollu li hu aċċessorju għad-dejn.

(2) Jidħlu wkoll fiha l-ispejjeż meħtieġa sabiex jitħallas id-dejn, basta li l-kreditur, qabel ma jibda l-atti li jagħtu lok għal dawn l-ispejjeż, igħarraf bihom lill-garanti, b'att ġudizzjarju.

(3) L-ispejjeż ta' dan l-att imorru mal-ispejjeż li jidħlu fil-

garanzija.

Min jista' jkun garanti.

1931. Id-debitur li jkun obbligat li jġib garanti għandu jġib persuna kapaċi li tikkuntratta, li jkollha beni biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-oġġett tal-obbligazzjoni, u li jkollha d-domiċilju tagħha f'Malta.

Insolvenza tal-garanti.

1932. (1) Meta l-garanti aċċettat mill-kreditur, minn rajh jew b'ordni tal-qorti, wara ma jibqax solvibbli, id-debitur għandu jġib garanti ieħor.

(2) Din ir-regola ma tgħoddx fil-każ biss illi l-garanti ikun inġieb bis-saħħa ta' ftehim li bih il-kreditur kien ried bħala garanti lil dik il-persuna partikolari.

Mara ma tistax tidħol bħala garanti għal żewġha. *Šostitwit: XLVI.1973.99.*

1933. *Imħassar bl-artikolu 83 tal-Att XXI tal-1993.*

Sub-titolu II

FUQ L-EFFETTI TAL-GARANZIJA

§ I. FUQ L-EFFETTI TAL-GARANZIJA BEJN IL-KREDITUR U L-GARANTI

Meta l-garanti hu obbligat iħallas.

1934. Il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu.

Meta l-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx.

1935. Il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx -

(*a*) jekk il-garanti jkun irrinunzja għal dan il-benefiċċju;

(*b*) jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur;

(*ċ*) jekk id-debitur jista' jagħti eċċezzjoni personali, bħal dawk imsemmija fl-artikolu 1926;

(*d*) jekk id-debitur ikun sar mhux solvibbli.

Responsabbiltà tal-kreditur meta tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-eskussjoni. Kap. 12.

1936. Jekk tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-eskussjoni, il-kreditur, sa l-ammont tal-valur tal-beni miġjubin fin-nota ppreżentata mill-garanti skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu VIII tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iwieġeb lejn il-garanti, għall-insolvenza tad-debitur prinċipali li tkun ġrat sadattant minħabba li l-kreditur ikun iddawwar ma beda l-proċeduri ġudizzjarji jew ma jkunx issokta bid-diliġenza meħtieġa l-proċeduri mibdija.

Meta l-garanti huma tnejn jew iżed għall-istess debitur.

1937. (1) Meta tnejn min-nies jew iżjed jidħlu bħala garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, kull wieħed minnhom ikun obbligat għad-dejn kollu.

(2) Iżda, kull wieħed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għall-benefiċċju tal-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tiegħu u jnaqqasha għas-sehem ta' kull wieħed mill-garanti.

Insolvenza ta' wieħed jew iżed mill-garanti.

1938. Jekk, fiż-żmien li fih lil xi wieħed mill-garanti jkun ingħata l-benefiċċju tal-qsim tad-dejn, xi wħud mill-garanti ma kinux solvibbli, dak il-garanti jkun obbligat proporzjonatament għall-ishma ta' dawk li ma jkunux solvibbli; iżda ma tista' tinġieb kontra tiegħu ebda pretensjoni dwar l-ishma ta' dawk il-garanti l-oħra li jkunu saru mhux solvibbli wara l-qsim tad-dejn.

Qsim tal-azzjoni mill-kreditur.

1939. Jekk il-kreditur ikun qasam huwa nnifsu, minn rajh, l-azzjoni tiegħu, ma jistax jerġa' lura mill-qsim li jkun għamel, lanqas jekk qabel iż-żmien li fih ta l-kunsens għal dak il-qsim kien hemm xi wħud mill-garanti li ma kinux solvibbli.

Responsabbiltà tal-garanti tal-garanti.

1940. Il-garanti tal-garanti mhux obbligat lejn il-kreditur ħlief meta d-debitur prinċipali u l-garanti tiegħu kollha jkunu mhux solvibbli, jew ikunu ġew meħlusa b'eċċezzjonijiet personali għad-debitur u għall-garanti.

Garanti fi ħwejjeġ tal-kummerċ.

1941. Il-garanti fi ħwejjeġ tal-kummerċ, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jitqies dejjem li hu obbligat *in solidum* mad-debitur.

---

§ II. Fuq l-effetti tal-garanzija bejn id-debitur u l-garanti

Il-garanti jista' jdur kontra d-debitur prinċipali.

1942. (1) Il-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf.

(2) Dan il-jedd ta' regress igħodd sew għall-kapital kemm għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż:

Iżda, għal dawk li huma spejjeż, il-garanti m'għandux jedd ta' regress ħlief għal dawk l-ispejjeż li jkun għamel wara li b'att ġudizzjarju, ikun għarraf lid-debitur prinċipali bil-molestji li jkun bata.

Imgħaxijiet u danni li għandhom jitħallsu lill-garanti.

1943. (1) Hu għandu wkoll jedd idur kontra d-debitur għall-imgħaxijiet ta' dak kollu li jkun ħallas għalih, għad illi d-dejn ma kienx iġib imgħaxijiet, kif ukoll għad-danni, jekk ikun hemm.

(2) Iżda, l-imgħaxijiet li ma kinux imissu lill-kreditur, ma jibdewx għaddejja favur il-garanti ħlief minn dak in-nhar li dan, b'att ġudizzjarju, ikun għarraf lid-debitur bil-ħlas li jkun għamel.

Meta l-garanzija ssir kontra l-volontà tad-debitur.

1944. Jekk il-garanzija tkun saret kontra l-volontà tad-debitur, il-garanti m'għandux jedd idur kontra d-debitur ħlief għal dak li jkun safa ta' ġid lil dan.

Effett tal-ħlas magħmul mill-garanti.

1945. Il-garanti li jħallas id-dejn, jidħol *ipso jure* fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur; bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 1167 jekk mid-dejn tkun tħallset biċċa biss.

Jedd tal-garanti għar-regress meta hemm żewġ debituri jew iżed obbligati *in solidum*.

1946. Meta jkun hemm żewġ debituri prinċipali jew iżjed obbligati *in solidum* għall-istess dejn, il-persuna li tkun daħlet garanti tagħhom kollha, għandha jedd iddur kontra kull wieħed minnhom biex tieħu lura s-somma kollha li tkun ħallset.

Meta l-garanti jitlef il-jedd li jdur kontra d-debitur.

1947. (1) Il-garanti m'għandux jedd idur kontra d-debitur prinċipali, jekk dan, billi ma jkunx ġie mgħarraf mill-garanti bil-ħlas li għamel, iħallas huwa wkoll.

(2) Il-garanti, li jħallas mingħajr ma jgħarraf lid-debitur prinċipali, m'għandux jedd idur kontra dan id-debitur, jekk, fiż-żmien tal-ħlas, dan kellu mezzi li bihom id-dejn seta jiġi ddikjarat imħallas.

(3) F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, l-azzjoni tal-garanti kontra l-kreditur, biex jitlob lura li jkun ħallas, tibqa' sħiħa.

Meta l-garanti jista' jaġixxi kontra d-debitur għar-rilevanza.

1948. Il-garanti, ukoll qabel ma jħallas, jista' jaġixxi kontra d-debituri sabiex jiġi minnu rilevat -

(*a*) jekk jiġi mħarrek għall-ħlas;

(*b*) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel u jkun hemm il-għaliex wieħed jibża' li sejjer isir mhux solvibbli;

(*ċ*) jekk id-debitur ikun obbliga ruħu li għandu jeħilsu mill-garanzija fi żmien miftiehem, u dan iż-żmien ikun għalaq;

(*d*) jekk id-dejn ikun sar eżiġibbli billi jkun għalaq iż-żmien miftiehem għall-ħlas;

(*e*) jekk id-debitur ikun *in mora* fil-ħlas;

(*f*) egħluq sentejn, jekk ma jkunx ġie ffissat żmien għall-ħlas, u l-obbligazzjoni ma tkunx minnha nfisha tali li ma tistax tiġi mitmuma qabel żmien itwal.

---

§ III. FUQ L-EFFETTI TAL-GARANZIJA BEJN IL-GARANTI

Jeddijiet tal-garanti bejniethom.

1949. (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu daħlu garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, il-garanti li jħallas id-dejn għandu jedd idur kontra dawk l-oħra li jkunu garanti miegħu, kull wieħed minnhom għas-sehem tiegħu.

(2) Il-garanti għandu dan il-jedd ta' regress fil-każ biss li jkun ħallas f'wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.

Insolvenza tal-garanti.

1950. Il-garanti li jħallas id-dejn jista' jitlob biss mingħand kull wieħed minn dawk li jkunu garanti miegħu s-sehem li għalih għandu jwieġeb kull wieħed minnhom, u huwa nnifsu, flimkien mal-garanti l-oħra, għandu joħroġ sehem għall-ishma tal-garanti mhux solvibbli, ukoll jekk, meta ħallas, ikun ħa mingħand il-kreditur ċessjoni espressa tal-jeddijiet tiegħu.

Sub-titolu III

FUQ IL-GARANZIJA LEGALI U ĠUDIZZJARJA

Kwalifiki tal-garanti.

1951. Meta wieħed hu obbligat mil-liġi jew b'ordni tal-qorti li jġib garanzija, il-garanti li jingħieb għandu jkollu l-kwalifiki msemmijin fl-artikolu 1931.

Jista' jingħata rahan meta ma jinsabx garanti.

1952. Dak li ma jistax isib garanti jista' minflok jagħti rahan jew iġib garanzija oħra tajba għall-ħlas tal-kreditu.

Il-garanti legali jew ġudizzjarju ma jistax jitlob l-eskussjoni tad-debitur prinċipali.

1953. Il-garanti legali jew ġudizzjarju ma jistax jitlob l-eskussjoni tad-debitur prinċipali.

Il-garanti tal-garanti legali jew ġudizzjarju jista' jitlob l-eskussjoni ta' dan tal-aħħar.

1954. Dak li jkun daħal biss bħala garanti tal-garanti legali jew ġudizzjarju jista' jitlob l-eskussjoni ta' dan tal-aħħar.

Bla ħsara ta' ligijiet oħra. Kap. 12.

1955. Id-dispożizzjonijiet miġjuba taħt dan is-sub-titolu, ma jħassrux id-dispozizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Sub-titolu IV

KIF TISPIĊĊA L-GARANZIJA

Kif tispiċċa obbligazzjoni tal-garanti.

1956. L-obbligazzjoni mnissla mill-garanzija tispiċċa għall-istess raġunijiet li għalihom jispiċċaw l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha.

Konfużoni fil-persuna tad-debitur u tal-garanti tiegħu.

1957. Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna tad-debitur prinċipali u tal-garanti tiegħu, meta wieħed minnhom isir werriet tal-ieħor, ma toqtolx l-azzjoni tal-kreditur kontra dak li jkun daħal garanti tal-garanti.

Eċċezzjonijiet li l-garanti jista' jagħti kontra l-kreditur.

1958. Il-garanti jista' jagħti kontra l-kreditur l-eċċezzjonijiet kollha li jista' jagħti d-debitur prinċipali, u li huma mgħaqqdin mad-dejn; iżda ma jistax jagħti dawk l-eċċezzjonijiet li jkunu għal kollox personali għad-debitur.

Ħelsien tal-garanti meta ma tistax issir is-surroga.

1959. Il-garanti, ukoll jekk obbligat *in solidum*, huwa meħlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi ħtija tal-kreditur.

Meta l-kreditur jeħles wieħed mill-garanti mingħajr il-kunsens tal-oħrajn.

1960. Jekk il-kreditur jeħles wieħed mill-garanti tiegħu mingħajr il-kunsens tal-oħrajn, dan il-ħelsien jiswa lill-garanti l-oħra sas-sehem tal-garanti li jkun ġie hekk meħlus.

Aċċettazzjoni mill-kreditur ta' immobbli jew proprjetà oħra bi ħlas tad-dejn.

1961. Meta l-kreditur jaċċetta minn jeddu immobbli jew ħaġa oħra bi ħlas tad-dejn prinċipali, il-garanti jiġi meħlus, għalkemm wara l-kreditur ibati l-evizzjoni ta' dik il-proprjetà.

It-tiġdid taż-żmien għall-ħlas ma jeħlisx lill-garanti.

1962. It-tiġdid biss taż-żmien għall-ħlas li l-kreditur jagħti lid-debitur prinċipali, ma jeħlisx lill-garanti; iżda dan jista', f'dan il-każ, jaġixxi kontra d-debitur biex iġiegħlu jħallas.

Kemm iddum l-obbligazzjoni tal-garanti.

1963. Il-garanti illi jkun illimita l-garanzija tiegħu għall-istess żmien li jkun ġie mogħti lid-debitur prinċipali, jibqa' obbligat ukoll wara dak iż-żmien u għaż-żmien kollu meħtieġ biex id-debitur jiġi

mġiegħel iħallas, basta li l-kreditur fi żmien xahrejn mill-egħluq ta' dak iż-żmien ikun beda l-proċeduri u jkun issoktahom bid-diliġenza meħtieġa.

Titolu XXI

FUQ IL-KUNTRATT TA' RAHAN

Tifsir. *Sostitwit: LVIII.1975.11.*

1964. (1) Ir-rahan huwa kuntratt li jinħoloq biex jagħmel tajjeb għal obbligazzjoni. Ir-rahan jista' jingħata jew mid-debitur innifsu jew minn terza persuna għad-debitur.

(2) Il-ħwejjeġ li jistgħu jingħataw b'rahan huma ħwejjeġ mobbli u krediti u jeddijiet oħra dwar ħwejjeġ mobbli.

Rahan ta' ħwejjeġ mobbli. *Sostitwit: LVIII.1975.12.*

1965. (1) Ir-rahan ta' ħwejjeġ mobbli jiġi kostitwit bil-kunsinna lill-kreditur tal-ħaġa mogħtija b'rahan jew tad-dokument li jagħti l-jedd esklusiv li wieħed jiddisponi mill-ħaġa.

(2) Il-ħaġa mogħtija b'rahan jew id-dokument imsemmi qabel jistgħu wkoll jiġu kunsinnati lil terza persuna magħżula mill-partijiet għall-kuntratt jew imqiegħda fil-kustodja taż-żewġ partijiet hekk li dik il-parti li tagħti r-rahan ma tkunx tista' tiddisponi minnhom mingħajr il-koperazzjoni tal-kreditur.

Effetti tar-rahan. *Emendat: IV.1907.1. Sostitwit: LVIII.1975.13.*

1966. (1) Ir-rahan jagħti lill-kreditur il-jedd li jitħallas minn fuq il-ħaġa mirhuna bi privileġġ fuq krediturі oħra kif jingħad fit-Titolu XXIII.

(2) Dan il-privileġġ jiswa fuq il-ħaġa mirhuna fil-każ biss li din il-ħaġa jew id-dokument dwarha jkunu ġew ikkunsinnati jew imqiegħda f'kustodja kif provdut fl-artikolu 1965 u biss dment li dik il-ħaġa jew dak id-dokument jibqgħu f'idejn il-kreditur jew f'idejn it-terza persuna magħżula mill-partijiet jew fil-kustodja taż-żewġ partijiet kif intqal qabel.

(3) Meta l-ħaġa mogħtija b'rahan tkun kreditu jew jedd ieħor li dwaru ma jkun hemm ebda dokument hekk kif imsemmi fl-artikolu 1965, l-imsemmi privileġġ ma jinħoloqx kemm-il darba r-rahan ma jirriżultax minn att pubbliku jew minn skrittura privata, u jew ikun ingħata avviż tar-rahan b'att ġudizzjarju notifikat lid-debitur tal-kreditu jew jedd ieħor jew dak id-debitur ikun irrikonoxxa bil-miktub ir-rahan.

(4) Meta dak il-kreditu jew jedd ieħor ikun jirriżulta minn dokument, il-persuna li tagħti r-rahan għandha, ħlief meta d-dokument ikun att pubbliku, tikkunsinna d-dokument lill-kreditur.

Ir-rahan jista' jinżamm għal djun oħra.

1967. Jekk l-istess debitur jagħmel dejn ieħor mal-istess kreditur wara l-kunsinna tal-ħaġa mirhuna, il-kreditur, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jakkwista fuq ir-rahan, għat-tieni dejn, l-istess jeddijiet li jkollu għad-dejn ta' qabel, għalkemm ma jkunx ġie miftiehem espressament li r-rahan għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas tat-tieni dejn.

Meta l-ħaġa mogħtija b'rahan tkun dejn. *Sostitwit: LVIII.1975.14.*

1968. (1) Meta l-ħaġa mirhuna tkun kreditu, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan ikun responsabbli għall-ġbir ta' dak il-kreditu meta jagħlaq, u għandu jqiegħed il-flejjes jew oġġetti l-oħra riċevuti jew kif miftiehem jew, f'nuqqas ta' ftehim, kif il-qorti tista' tiddeċiedi.

(2) Jekk id-dejn garantit b'rahan ikun dovut, il-kreditur li favur tiegħu jsir ir-rahan jista' jżomm, minn kull flejjes riċevuti kif intqal qabel, ammont li jkun biżżejjed biex jissodisfa l-jeddijiet tiegħu u għandu jikkunsinna l-bqija lil min jagħti r-rahan; u jekk il-ħaġa li tiġi riċevuta ma tkunx flus, dan jista' jgħaddi għall-bejgħ tal-ħaġa kif provdut fl-artikolu 1970.

(3) Il-kreditur ta' dejn li jkun garantit bir-rahan ta' kreditu ieħor jista', f'kull żmien wara li l-kreditu tiegħu jkun dovut, jitlob li l-kreditu mirhun favur tiegħu jingħata lilu bi ħlas sa l-ammont tal-kreditu tiegħu.

(4) Id-debitur ta' kreditu mogħti b'rahan jista' jagħti lill-kreditur tad-dejn garantit b'dak ir-rahan l-eċċezzjonijiet kollha li seta' jagħti lill-kreditur tiegħu stess; iżda jekk dak id-debitur ikun hu nnifsu aċċetta mingħajr riżerva l-għoti tal-kreditu b'rahan, dan ma jistax jagħti lill-kreditur tad-dejn hekk garantit xi kumpensazzjoni li setgħat saret qabel ma ġie mogħti r-rahan.

Rahan ta' ħaġa ta' ħaddieħor. *Emendat: XLIX.1981.6.*

1969. (1) Jekk persuna tagħti b'rahan ħaġa li ma tkunx tagħha, ir-rahan jiswa, u sid il-ħaġa ma jistax jitlobha lura mingħajr ma jħallas id-dejn li għalih tkun ġiet mirhuna.

(2) Din id-dispożizzjoni ma tgħoddx, ħlief għal Il-Monti, fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta jinsab li kien hemm mala fidi fil-persuna li rċeviet ir-rahan;

(*b*) meta jinsab li l-ħaġa mirhuna kienet misruqa, u l-persuna li rahnitha ma setgħatx, milli kien jidher, tkun sid dik il-ħaġa.

Bejgħ ta' rahan fl-irkant. *Emendat: IV.1907.2, 3; XXXIX.1976.8.*

1970. (1) Il-kreditur, minbarra Il-Monti, ma jistax jiddisponi mir-rahan fin-nuqqas ta' ħlas: iżda hu għandu jedd jitlob il-bejgħ tal-ħaġa fl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti.

Setgħa tal-qorti meta r-rahan għandu prezz fil-borża jew fis-suq.

(2) It-talba tal-kreditur għal dan il-bejgħ tista' ssir imqar b'rikors u l-qorti tista' fuq din it-talba tordna l-bejgħ tar-rahan, jekk id-debitur jew min jidher għalih skont il-liġi, wara li jiġi nnotifikat kif imiss b'kopja ta' dak ir-rikors, biż-żmien ta' tliet ijiem sabiex iwieġeb, jonqos li jwieġeb jew ma jagħmilx oppożizzjoni għat-talba.

(3) Il-qorti tista', meta tinġieb quddiemha raġuni tajba, tqassar kif jidhrilha sewwa fid-dehen tagħha, iż-żminijiet imsemmijin fl-artikoli 256 u 312 u fl-aħħar biċċa tal-artikolu 314(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(4) Jekk il-ħaġa mirhuna jkollha prezz fil-borża jew fis-suq, il-qorti tista', fuq rikors tal-kreditur, li għandu jiġi nnotifikat lid-debitur jew lil min jidher għalih skont il-liġi, tordna li l-bejgħ tar-

rahan, ukoll jekk dan il-bejgħ ikun b'esekuzzjoni ta' sentenza, isir, minflok fl-irkant, bil-mezz ta' sensal pubbliku jew ta' bank jew ta' istitut ieħor ta' kreditu li jiġi maħtur mill-qorti.

(5) Il-talba msemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan ta' dan l-artikolu ma tistax, ħlief jekk il-bejgħ tar-rahan ikun b'esekuzzjoni ta' sentenza, issir mill-kreditur sakemm ma jkunux għaddew tlitt ijiem min-notifika ta' avviż li bih id-debitur jew dak li jidher għalih skont il-liġi jkun ġie msejjaħ biex iħallas id-dejn f'dak iż-żmien, bit-twissija li fin-nuqqas ta' dak il-ħlas, isiru l-proċeduri għall-bejgħ tar-rahan.

(6) F'ebda każ l-oppożizzjoni tad-debitur għall-bejgħ tar-rahan kif jingħad fis-subartikolu (4), ma tista' żżomm jew iddewwem dan il-bejgħ, bla ħsara tal-jedd tad-debitur għall-ħlas tad-danni, jekk ikun il-każ.

(7) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (4), il-qorti tista', jekk il-kreditur ikun bank jew istitut ieħor ta' kreditu, tagħti l-awtorizzazzjoni lil dan il-kreditur li jbigħ ir-rahan bil-prezz li jkun miexi, bla ħsara tal-jedd tad-debitur għall-ħlas tad-danni, jekk ikun il-każ.

(8) Is-sensal pubbliku, il-bank jew istitut ieħor ta' kreditu, imsemmija f'dan l-artikolu, għandhom, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mid-dħul tal-prezz tal-bejgħ tar-rahan, jiddepożitaw dan il-prezz taħt is-setgħa tal-qorti li tkun ordnat il-bejgħ, wara li jaqtgħu minnu l-ispejjeż u d-drittijiet li jkollhom jieħdu.

Meta d-debitur jista' jitlob il-bejgħ tar-rahan.

1971. Id-debitur ukoll jista', wara li d-dejn jagħlaq, jew imqar qabel, jekk iż-żmien għall-ħlas ma jkunx ġie miftiehem favur il-kreditur, jitlob, bil-mod li jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, il-bejgħ tar-rahan biex iħallas id-dejn li għalih ir-rahan ikun ġie mogħti.

Meta r-rahan ma jistax jinżamm mingħajr ma tiġrilu ħsara.

1972. Il-bejgħ tar-rahan jista' jintalab f'kull żmien li jkun, sew mid-debitur kemm mill-kreditur, meta jinsab li r-rahan ma jistax jinżamm għal iżjed żmien mingħajr ma tiġrilu ħsara.

Xi pattijiet li huma nulli.

1973. Kull patt li jagħti s-setgħa lill-kreditur li jieħu bi proprjetà r-rahan, jew li jiddisponi minnu mingħajr ma jħares il-proċedura msemmija fl-artikolu 1970, jew li jneħħi lill-kreditur jew lid-debitur il-jedd li jitlob il-bejgħ tar-rahan kif jingħad fl-artikoli 1970, 1971 u 1972, huwa null.

Id-debitur jibqa' sid ir-rahan.

1974. Id-debitur jibqa' sid il-ħaġa mirhuna sakemm ma tiġix lilu mneħħija l-proprjetà tagħha.

Responsabbiltà tal-kreditur.

1975. (1) Il-kreditur iwieġeb għat-telf tar-rahan jew għall-ħsara li tiġri fih bi ħtija tiegħu.

(2) Id-debitur min-naħa tiegħu għandu jħallas lill-kreditur l-ispejjeż li dan jagħmel biex jikkonserva r-rahan.

Frottijiet.

1976. Il-frottijiet tar-rahan jitqiesu bħala li jagħmlu sehem minnu, u jaqgħu taħt il-jeddijiet kollha tal-kreditur bħar-rahan stess.

Kif għandhom jitnaqqsu l-imgħaxijiet u utli oħra tar-rahan.

1977. (1) Jekk il-ħaġa mirhuna tagħti mgħaxijiet jew utli oħra, il-kreditur għandu jnaqqas dawn l-imgħaxijiet jew utli oħra mill-imgħaxijiet li jkollu jieħu.

(2) Jekk id-dejn, li biex jagħmel tajjeb għalih ir-rahan ikun ġie mogħti, ma jkunx iġib imgħax, it-tnaqqis isir mill-kapital tad-dejn.

(3) Kull patt kuntrarju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, hu null.

Abbuż mill-kreditur.

1978. Jekk il-kreditur jabbuża mir-rahan, id-debitur jista' jitlob li r-rahan jiġi mqiegħed għand ħaddieħor, sabiex jiġu mħarsa l-jeddijiet sew tal-kreditur kemm tad-debitur.

Radd tar-rahan lid-debitur.

1979. Id-debitur ma jistax jitlob ir-radd tar-rahan sakemm ma jkunx ħallas għal kollox il-kapital, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż tad-dejn li għalihom ir-rahan ikun suġġett.

Il-kreditur jista' jagħmel użu mir-rahan.

1980. Il-kreditur jista', bil-kunsens tad-debitur, jagħmel użu mir-rahan, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1977 jekk il-kreditur jagħmel xi qligħ minn dak l-użu.

L-użu tar-rahan mingħajr il-kunsens tad-debitur jitqies abbuż.

1981. L-użu tal-ħaġa mirhuna magħmul mill-kreditur mingħajr il-kunsens tad-debitur, jitqies abbuż mir-rahan, u l-kreditur iwieġeb għall-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu l978, u, barra minn dan, għandu l-obbligu li jagħmel l-imputazzjoni msemmija fl-artikolu 1977, jekk huwa jkun għamel xi qligħ minn dak l-użu.

Il-kreditur jista' bil-kunsens tad-debitur jirhan l-ħaġa mirhuna.

1982. 1l-kreditur li bil-kunsens tad-debitur jagħti b'rahan il-ħaġa li hu jkun iżomm b'dan it-titolu, jibqa' jwieġeb għat-telf tar-rahan jew għall-ħsara li tiġri fih b'negliġenza, kif ukoll għar-radd tar-rahan fiż-żmien li dan ir-radd għandu jsir.

Il-kreditur li jirhan il-ħaġa mirhuna mingħajr il-kunsens tad-debitur.

1983. Il-kreditur li, mingħajr il-kunsens tad-debitur, jirhan il-ħaġa mogħtija lilu b'rahan, iwieġeb ukoll għal kull telf jew ħsara li tiġri b'aċċident, jekk ir-rahan ma kienx jintilef jew ma kinetx tiġrilu ħsara kieku baqa' għand il-kreditur.

Jekk dak li lilu l-ħaġa ġiet mogħtija b'rahan mill-kreditur jagħmel użu minnha.

1984. Jekk dak li lilu l-ħaġa ġiet mogħtija b'rahan mill-kreditur, jagħmel użu minnha, igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1980 u 1981, favur id-debitur li jkun ta l-ħaġa b'rahan lill-kreditur tiegħu.

Ir-rahan ma jinqasamx.

1985. (1) Ir-rahan ma jinqasamx, għalkemm id-dejn ikun ta' xorta li jista' jinqasam bejn il-werrieta tad-debitur jew il-werrieta tal-kreditur.

(2) Il-werriet tad-debitur, li jkun ħallas sehmu tad-dejn, ma jistax jitlob ir-radd ta' sehmu tar-rahan sakemm id-dejn ma jitħallasx għal kollox.

(3) Min-naha l-oħra, il-werriet tal-kreditur, li jkun daħħal sehmu tal-kreditu, ma jistax irodd ir-rahan bi ħsara tal-werrieta l-oħra miegħu li ma jkunux tħallsu.

Dwar flus maħruġa bil-quddiem fuq merkanziji f-operazzjonijiet kummerċjali.

1986. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jħassrux il-liġijiet u l-użi li jkunu jseħħu dwar il-jeddijiet ta' krediturі għal flus maħruġa bil-quddiem fuq merkanziji, f'operazzjonijiet kummerċjali.

Titolu XXII

FUQ L-ANTIKRESI

X'inhi l-antikresi. *Emendat: XXX.1981.13; XX.1984.3; V.1993.3.*

1987. (1) L-antikresi hija kuntratt li bih il-kreditur jakkwista l-jedd li jdaħħal il-frottijiet tal-immobbli tad-debitur tiegħu, bl-obbligu li kull sena jaqta' dawn il-frottijiet mill-imgħaxijiet, jekk ikollu jeħodhom, u mbagħad mill-kapital tal-kreditu tiegħu.

(2) L-antikresi ma tistax issir ħlief bil-miktub.

(3) Antikresi li saret b'att pubbliku qabel it-28 ta' Frar, 1961, għal żmien ta' iktar minn tletin sena, titqies li hi bejgħ, kemm-il darba l-imsemmi att pubbliku jiġi insinwat fir-Reġistru Pubbliku bħala trasferiment b'titolu ta' bejgħ.

(4) L-insinwa msemmija fis-subartikolu (3) tista' ssir f'kull żmien mill-kreditur jew minn kull min jikseb il-jedd mingħand il-kreditur.

Responsabbiltà tal-kreditur.

1988. (1) Il-kreditur hu obbligat, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, iħallas iċ-ċnus u piżijiet oħra li għalihom ikun suġġett l-immobbli li jkun għandu b'antikresi.

(2) Hu għandu wkoll jaħseb biex iżomm l-immobbli fi stat tajjeb u biex jagħmel fih it-tiswijiet meħtieġa.

(3) L-ispejjeż kollha għall-ħwejjeġ fuq imsemmija għandhom jitnaqqsu qabel xejn mill-frottijiet.

Tgawdija mill-ġdid tal-immobbli.

1989. (1) Id-debitur ma jistax, qabel ma jħallas id-dejn għal kollox, jerġa' jidħol fit-tgawdija tal-immobbli li jkun ta b'antikresi.

(2) Iżda, il-kreditur li jkun irid jeħles mill-obbligi msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jista' dejjem iġiegħel lid-debitur jieħu lura t-tgawdija tal-immobbli, kemm-il darba ma jkunx irrinunzja għal dan il-jedd.

Il-proprjetà tal-immobbli ma tgħaddix għand il-kreditur.

Kap. 12.

1990. (1) Il-kreditur ma jsirx sid l-immobbli bin-nuqqas biss tal-ħlas fiż-żmien miftiehem; u kull patt kuntrarju huwa null.

(2) Fin-nuqqas ta' ħlas, il-kreditur jista' jaġixxi għall-bejgħ tal-fond fl-irkant bil-qorti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tpaċija tal-frottijiet mal-imgħaxijiet. *Emendat: XXXIX.1961.2.*

1991. Il-partijiet jistgħu jiftiehmu li l-frottijiet jitpaċew bl-imgħaxijiet, f'kollox jew f'parti, ukoll jekk b'hekk jinqabżu l-imgħaxijiet miftiehma, basta li b'daqshekk l-imgħaxijiet ma jiġux jaqbżu t-tmienja fil-mija fis-sena.

Applikabbiltà ta' dispożizzjonijiet dwar ir-rahan. *Sostitwit: LVIII.1975.15.*

1992. (1) L-antikresi tista' tingħata minn terza persuna għad-debitur.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1979 u 1985 igħoddu wkoll għall-antikresi.

Jeddijiet tat-terzi fuq l-immobbli mogħti b'antikresi.

1993. (1) Xejn fid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma hu ta' ħsara għall-jeddijiet li t-terzi jistgħu jkollhom fuq l-immobbli mogħti b'antikresi.

(2) Jekk il-kreditur li jkun iżomm l-immobbli b'antikresi, ikollu, apparti mill-antikresi, jedd ta' privileġġ jew ta' ipoteka li jkun iseħħ skont il-liġi fuq dak l-immobbli, hu jista' jeżerċita dan il-jedd ta' privileġġ jew ta' ipoteka fil-grad li jkun imissu u bħal kull kreditur ieħor.

Titolu XXIII

FUQ IL-PRIVILEĠĠI U L-IPOTEKI

Il-beni tad-debitur jagħmlu tajjeb għad-djun tiegħu.

1994. Kull min jobbliga ruħu personalment, hu obbligat jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu bil-beni kollha li għandu u li għad ikollu.

Il-beni tad-debitur huma garanzija komuni tal-krediturі tiegħu. *Emendat: VIII.2010.61.*

1995. (1) Il-beni tad-debitur huma garanzija komuni tal-krediturі tiegħu, illi għandhom ilkoll jedd indaqs fuq dawk il-beni, kemm-il darba ma jkunx hemm bejniethom jeddijiet leġittimi ta' preferenza jew ma jkunx hemm trasferiment ta' xi proprjetà bħala garanzija jew trasferiment taħt *trust* ta' garanzija għal dak il-għan skont dan il-Kodiċi.

(2) Proprjetà tiġi trasferita legalment bħala garanzija jekk issir skont l-artikolu 2095E jew l-artikoli 2095F sa 2095I u trasferiment bħal dak ma għandux ikun soġġett għal karatterizzazzjoni mill-ġdid bħal kull kuntratt ieħor.

(3) Il-krediturі tal-persuna li tittrasferixxi jistgħu jattakkaw kull trasferiment bħala garanzija kif imsemmi hawn aktar qabel jekk it-trasferiment isir bi frodi kontra d-drittijiet tagħhom. Għall-finijiet tal-artikolu 1144 trasferimenti bħal dawk għandhom jiġu kkunsidrati li huma onerużi u f'każ ta' *trust* ta' garanzija, il-kreditur għandu jġib provi ta' frodi fir-rigward ta' kemm il-persuna li tittrasferixxi kif ukoll tal-persuna li tirċievi iżda jkun biżżejjed jekk iġib provi ta' frodi jew fir-rigward tat-*trustee* tal-garanzija jew fir-rigward tal-benefiċjarju li l-interess tiegħu qiegħed b'dak jiġi garantit.

Jeddijiet ta' preferenza.

1996. Il-jeddijiet leġittimi ta' preferenza huma l-privileġġi, l-ipoteki u l-benefiċċju tal-firda tal-patrimonju.

Dritt tal-kreditur li jimmodifika d-drittijiet tiegħu nnifsu. *Miżjud: V.2006.26. Emendat: XV.2009.52.*

1996A. (1) Kreditur jista' legalment jgħaddi lil ħaddieħor, jipposponi, iħassar jew b'xi mod ieħor jimmodifika id-drittijiet eżistenti u tal-futur tal-ħlas tiegħu, infurzar, gradazzjoni u drittijiet oħra simili eżistenti jew tal-futur favur persuna oħra.

Dik is-subordinazzjoni, posponiment, tħassir, modifika jew azzjoni simili tkun tista' ssir bi ftehim ma' jew b'dikjarazzjoni unilaterali lil kull persuna, inkluż kreditur ieħor, sew jekk magħruf sew jekk għad irid ikun magħruf meta jibda jseħħ dak il-ftehim jew meta ssir dik id-dikjarazzjoni.

Il-kliem "kreditur" u "persuna" kif użati f'dan l-artikolu għandhom jinkludu klassi ta' krediturі jew klassi ta' persuni, skont

ma jkun il-każ, sew jekk il-membri ta' xi waħda minn dawk il-klassijiet ikunu magħrufin sew jekk għad iridu jkunu magħrufin.

(2) Minkejja li d-dritt jista' jirriżulta minn kuntratt pubbliku, ikun reġistrat f'reġistru pubbliku jew ikun soġġett għal xi formalità oħra, kull ftehim jew dikjarazzjoni kif provdut dwarhom f'dan l-artikolu għandhom ikunu validi u jistgħu jiġu infurzati bejn il-partijiet rilevanti jekk ikunu saru bil-miktub mingħajr il-ħtieġa ta' ebda formalità jew reġistrazzjoni oħra:

Iżda dak il-ftehim jew dikjarazzjoni jistgħu jiġu reġistrati minn xi parti għal dak il-ftehim u minn min ikun għamel dik id-dikjarazzjoni -

(*a*) fir-reġistru tal-bastimenti merkantili permezz ta' annotazzjoni,

(*b*) fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru permezz ta' annotazzjoni,

(*ċ*) fil-każijiet l-oħra kollha, fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' nota,

u f'dak il-każ għandhom ikunu jseħħu fir-rigward ta' terzi.

(3) Dik is-subordinazzjoni, posponiment, tħassir, modifika jew azzjoni simili fir-rigward ta' drittijiet eżistenti jew tal-futur tista' tkun amministrata minn strument ta' kreditu li permezz tiegħu jkunu regolati d-drittijiet ta' persuni, inklużi krediturijew debituri.

(4) Kull ftehim jew dikjarazzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikun validu jew jista' jiġi infurzat skont il-pattijiet tiegħu, u m'għandux ikun effettwat mill-falliment ta' persuna li tkun marbuta bi, jew intitolata taħt, dak il-ftehim jew deċiżjoni unilaterali jew tad-debitur rilevanti.

Jedd tal-kreditur li jżomm il-ħaġa fil-pussess tiegħu. *Emendat: LVIII.1975.16; VIII.2010.61.*

1997. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jneħħux il-jedd lill-kreditur li jżomm il-ħaġa fil-pussess tiegħu meta jkun hemm dan il-jedd skont il-liġi.

(2) Id-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija ma jgħoddux għall-bastimenti jew għall-inġenji tal-ajru, jew għal krediti li għalihom jistgħu jkunu suġġetti l-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru, ħlief safejn dawk id-dispożizzjonijiet huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru, skont ma jkun il-każ.

Kap. 234.
Kap. 503.

(3) Id-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija lanqas ma jgħoddu għal krediti ta' flus maħruġa bil-quddiem fuq merkanziji f'operazzjonijiet tal-kummerċ, ħlief sa fejn dawk id-dispożizzjonijiet huma kumpatibbli ma' liġijiet u użi oħra li jkunu jseħħu.

Bla ħsara ta' liġijiet ta' qabel.

1998. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, barra dawk taħt is-Sub-titolu V, ma jħassrux il-liġijiet ta' qabel dwar il-privileġġi u l-ipoteki kostitwiti qabel il-11 ta' Frar, 1870.

Sub-titolu I

FUQ IL-PRIVILEĠĠI

X'inhu l-privileġġ.

1999. Il-privileġġ huwa jedd ta' preferenza illi x-xorta tal-kreditu tagħti lill-kreditur fuq il-krediturl-oħra, ukoll jekk ikunu krediturl ipotekarji.

Privileġġi ġenerali jew speċjali.

2000. Il-privileġġi jistgħu jkunu sew fuq ħwejjeġ mobbli kemm fuq immobbli. Huma ġenerali jew speċjali.

Effetti.

2001. (1) taħt il-privileġg ġenerali jaqgħu l-beni kollha ta' kull xorta.

(2) Il-privileġġ speċjali jolqot biss xi ħwejjeġ mobbli jew immobbli partikolari.

Privileġġi li mhumiex imgħaqqdin mal-proprjetà. *Sostitwit: VIII.2007.15.*

2002. (1) Il-privileġġi speċjali fuq ħwejjeġ mobbli, ħlief għal dawk speċifikati taħt is-subartikolu (2), u l-privileġġi ġenerali kif imsemmijin fl-artikolu 2003, ma jibqgħux iseħħu fuq il-ħaġa jekk din tgħaddi f'idejn it-terzi.

(2) Il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli u fuq dawk il-mobbli li l-Ministru, minn żmien għal żmien, jistabbilixxi jibqgħu mgħaqqdin ma' dawn l-immobbli jew mobbli, għalkemm dawn jgħaddu għand persuni oħra.

---

§ I. FUQ IL-PRIVILEĠĠI ĠENERALI

Krediti assigurati bi privileġġ ġenerali.

2003. Il-krediti privileġġati fuq il-beni kollha ta' kull xorta, huma:

(*a*) l-ispejjeż ġudizzjarji;

(*b*) l-ispejjeż tal-funerali;

(*ċ*) l-ispejjeż tal-aħħar marda;

(*d*) is-salarji tas-sefturi;

(*e*) l-oġġetti mogħtija għal-manteniment.

Spejjeż ġudizzjarji.

2004. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji privileġġati huma dawk li jsiru għall-inventarju, jew għal xi ħaġ'oħra fl-interess tal-krediturikollha, fosthom l-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-bejgħ tal-beni u l-qsim tal-prezz tagħhom.

(2) L-ispejjeż li kreditur jagħmel għall-kreditu tiegħu nnifsu u li mhumiex ta' ġid għall-krediturl-oħra, jitqiesu bħala aċċessorju tal-kreditu stess.

Spejjeż tal-funerali. *Sostitwit: XVII.2019.41.*

2005. L-ispejjeż privileġġjati tal-funerali huma dawk li, skont l-użu u fil-limiti ta' dak li huwa xieraq, isiru għall-ġarr, għad-dfin jew għall-kremazzjoni tal-katavru, u għas-servizzi reliġjużi.

Spejjeż tal-aħħar marda.

2006. (1) L-ispejjeż privileġġati tal-aħħar marda huma dawk tat-tabib, tal-kirurgu, tal-ostetriku, tal-qabla u tal-ispiżjar, kif ukoll ta' dawk li jduru bil-marid.

(2) Fil-każ ta' mard tat-tul, il-privileġġ igħodd biss għall-ispejjeż li jkunu saru fl-aħħar xahrejn ta' qabel il-mewt.

Salarji tas-sefturi.

2007. Is-salarji privileġġati tas-sefturi huma dawk biss tal-aħħar xahrejn ta' qabel il-ftuħ tal-konkors tal-kredituri, jew ta' qabel il-mewt tad-debitur.

Oġġetti ta' manteniment. *Sostitwit: VIII.2007.16. Emendat: A.L. 407 tal-2007.*

2008. Il-privileġġ dwar provvisti u oġġetti ta' fornitura jgħodd biss għall-ħwejjeġ li ma jistgħux jgħaddu mingħajrhom id-debitur u l-familja tiegħu, u li, għal kull fini u għan tal-liġi, ma għandhomx jeċċedu s-somma ta' tlett elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06), jew dik is-somma l-oħra li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien:

Iżda fil-każ ta' armel jew armla jew id-dipendenti tagħhom, is-somma għandha tkun ħamest elef u tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (5,823.43), jew dik is-somma l-oħra li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jippreskrivi minn żmien għal żmien.

---

§ II. FUQ IL-PRIVILEĠĠI SPEĊJALI

FUQ IL-PRIVILEĠĠI FUQ ĦWEJJEĠ MOBBLI PARTIKOLARI

Krediti privileġġati fuq ħwejjeġ mobbli partikolari. *Emendat: VII.1944.4; II.1966.4; XLVI.1973. 100.*

2009. Il-krediti privileġġati fuq ħwejjeġ mobbli partikolari huma:

Min jieħu r-rahan.

(*a*) il-kreditu ta' min jieħu r-rahan, fuq il-ħaġa li jkollu f'idejh b'titolu ta' rahan;

Lukandier.

(*b*) il-kreditu tal-lukandier għall-ħlas ta' kumditá provduta jew provvisti mogħtija lill-alloġġjant, fuq ħwejjeġ tal-alloġġjant, sakemm dawn il-ħwejjeġ ikunu fil-lukanda jew fid-dar tal-lukandier;

Spejjeż tal-ġarr.

(*ċ*) il-kreditu għall-ispejjeż tal-ġarr, fuq il-ħwejjeġ li jinġarru;

Prezz ta' ħaġa.

(*d*) il-kreditu għall-prezz ta' ħaġa sew jekk il-bejgħ ikun sar bi żmien għall-ħlas, kemm mingħajr żmien; u l-kreditu għal xogħlijiet, fornimenti jew spejjeż, li jkunu servew biex issir il-ħaġa jew biex tinżamm fi stat tajjeb jew biex issir aħjar milli tkun, fuq il-ħaġa nfisha, bla ħsara, kwantu għall-bejjiegħ, tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1439.

Avukati u prokuraturi legali.

Jidħlu wkoll f'dan il-privileġġ, il-krediti tal-avukat u tal-prokuratur legali għad-drittijiet tagħhom fil-kawża li jkunu sostnew biex tittieħed lura l-ħaġa, fuq il-ħaġa nfisha, jekk tkun meħuda lura; kif ukoll il-kreditu ta' min ikun ħareġ il-flus għall-ispejjeż li jkunu saru f'dik l-istess kawża;

Padrun dirett u sid il-kera.

(*e*) il-kreditu tal-padrun dirett għaċ-ċens, u dak ta' sid il-kera għall-kera ta' immobbli, fuq il-frottijiet, u fuq il-valur ta' dak kollu li jservi biex igħammar jew iforni l-fond jew biex tinħadem l-art, ikunu ta' min ikunu dawk il-frottijiet jew ħwejjeġ oħra:

Iżda illi dan il-privileġġ ma jingħatax lis-sid jew lil sid il-kera jekk l-imsemmijin uċuh jew ħwejjeġ ikunu ta' jew miżmumin minn jew f'isem xi dipartiment tal-Gvern ta' Malta meta dak id-dejn ma jkunx ta' dak id-dipartiment.

Dan il-privileġġ igħodd ukoll għall-indennizz li għandu jingħata lill-padrun dirett jew lil sid il-kera, għat-tiswijiet li ċ-ċenswalist jew il-kerrej ikun naqas li jagħmel, u għan-nuqqas tal-esekuzzjoni ta' kull patt ieħor tal-kuntratt.

Il-padrun dirett u sid il-kera jistgħu b'mandat jaqbdu jew jissekwestraw il-ħwejjeġ mobbli li bihom kien imgħammar jew fornut il-fond, jew li servew biex bihom tinħadem l-art, meta jkunu ġew meħuda band'oħra mingħajr il-kunsens tagħhom, u huma jżommu l-privileġġ tagħhom fuq dawn il-ħwejjeġ mobbli, basta li jagħmlu t-talba għall-ħruġ tal-mandat fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li dawk il-ħwejjeġ ikunu ġew hekk meħuda band'oħra.

FUQ IL-PRIVILEĠĠI FUQ IMMOBBLI

Privileġġ tal-krediturifuq l-immobbli.

2010. Il-krediturii privileġġati fuq l-immobbli huma:

Il-padrun dirett.

(*a*) il-padrun dirett, fuq l-utili dominju tal-fond mogħti b'enfitewsi, għall-kreditu tiegħu għaċ-ċnus li jkollu jagħti ċ-ċenswalist, u għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet l-oħra li ġejjin mill-kuntratt ta' enfitewsi;

Arkitetti, eċċ.

(*b*) l-arkitetti, l-appaltaturi, il-bennejja u ħaddiema oħra, fuq l-immobbli mibni jew mibni mill-ġdid jew imsewwi, għall-kreditu tal-ispejjeż u tal-prezz ta' xogħolhom.

Persuni li joħorġu flus jew materjal.

L-istess privileġġ imiss lil dak li, b'att pubbliku, ikun ħareġ flus jew materjali għall-bini jew bini mill-ġdid, jew għat-tiswija tal-immobbli, inkella għall-ħlas tal-ħaddiema mqabbdin f'dak ix-xogħol, basta li jkun jidher mill-att hawn fuq imsemmi illi l-ħruġ ta' flus jew ta' materjali sar għgħal dawk il-ħwejjeġ, u jiġi ppruvat illi x-xogħol jew il-ħlas tal-ħaddiema sar bil-materjali jew bil-flus hekk maħruġa.

It-terz pussessur.

Dan il-privileġġ imiss ukoll lit-terz pussessur, fuq l-immobbli li minnu ġie spussessat, għat-tiswijiet u l-benefikati magħmulin fih.

ll-privileġġ hawn fuq imsemmi, fil-każ ta' tiswijiet meħtieġa sabiex l-immobbli jinżamm fi stat tajjeb, igħodd għas-somma kollha tal-kreditu; f'kull każ ieħor, igħodd sas-somma biss taż-żjieda fil-valur tal-immobbli li jkunu ġiebu dak ix-xogħol u dawk l-ispejjeż;

(*ċ*) il-bejjiegħ jew kull wieħed ieħor li jittrasferixxi, b'titolu oneruż jew gratuwitu, fuq l-immobbli mibjugħ jew ittrasferit b'att pubbliku, għall-prezz kollu jew għall-bqija tal-prezz, jew għall-esekuzzjoni tal-pattijiet miftehmin fl-att tal-bejgħ jew tat-trasferiment. Il-bejjiegħ jew kull wieħed ieħor li jittrasferixxi.

L-istess privileġġ imiss lil dak li b'att pubbliku, ikun ħareġ il-flus kollha, jew biċċa mill-flus, għall-ħlas tal-prezz miftiehem, basta li jkun jidher mill-att tas-self li l-flus ġew maħruġa għal dak l-iskop, u jiġi ppruvat li l-flus meħuda b'self gew imħallsa lill-bejjiegħ jew lil min għamel it-trasferiment. L-iżburżant ta' flus għall-ħlas tal-prezz.

Fil-każ ta' żewġ trasferimenti jew iżjed wara xulxin, dak li għamel l-ewwel trasferiment għandu preferenza fuq it-tieni, it-tieni fuq it-tielet, u hekk wieħed wara l-ieħor;

(*d*) dawk li jkunu werrieta flimkien u dawk li jkunu qasmu bejniethom, fuq l-immobbli miġjubin fil-qasma, fil-każ ta' evizzjoni tal-beni maqsumin bejniethom, u għal kull tpattija jew ħlas biex l-ishma jkunu ndaqs; Werrieta ta' flimkien.

(*e*) l-avukat u l-prokuratur legali, għad-drittijiet tagħhom tal-kawża li jkunu sostnew biex jittieħed lura l-immobbli, u l-iżburżant tal-ispejjeż ta' dik il-kawża, fuq l-immobbli, jekk jittieħed lura. Avukat u prokuratur legali.

Sub-titolu II

FUQ L-IPOTEKI

2011. (1) L-ipoteka hija jedd li jiġi kkostitwit fuq il-beni tad-debitur jew ta' terza persuna, favur il-kreditur, biex jagħmel tajjeb għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. X'inhi l-ipoteka.

(2) L-ipoteka hija minnha nfisha indivisibbli, u sseħħ kollha kemm hi fuq il-beni kollha hekk marbuta, fuq kull wieħed minn dawn il-beni, u fuq kull biċċa minnhom.

2012.* (1) Ipoteka hija ġenerali jew speċjali: hija ġenerali jekk tolqot il-beni kollha li għandu u li għad ikollu d-debitur; hija speċjali jekk tolqot biss wieħed jew iżjed: Xorta ta' ipoteki. *Sostitwit: LVIII.1975.17. Emendat: VIII.2007.17.*

(*a*) minn immobbli partikolari tax-xorta li ġejjin:

(i) l-immobbli minnhom infushom, u lprodott ta' dawn l-immobbli sakemm ma jiġix mifrud minnhom;

*Dan l-artikolu, kif sostitwit bl-Att LVIII tal-1975, japplika għall-ipoteki kollha li nholqu jew kuntrattwali qabel l-1 ta' Jannar, 1976.

(ii) il-jedd ta' użufrutt fuq l-immobbli hawn fuq imsemmija, għaż-żmien li jdum l-użufrutt;

(iii) id-dominju dirett fuq l-immobbli hawn fuq imsemmija mogħtijin b'enfitewsi, u l-utili dominju fuq dawk l-immobbli; u

(*b*) minn mobbli kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien, jistabbilixxi.

(2) L-ipoteka hija legali, ġudizzjali jew konvenzjonali: hija legali jekk mogħtija mil-liġi; hija ġudizzjali jekk ġejja minn sentenza; hija konvenzjonali jekk tiġi stabbilita b'kuntratt.

Effetti ta' ipoteka meta l-beni jgħaddu f'idejn terzi.
Sostitwit: LVIII.1975.18.
Emendat: VIII.2007.18.

2013.[*] (1) Ipoteka speċjali tibqa' mgħaqqda ma' kull immobbli li jkun suġġett għaliha, kif imfisser fl-artikolu 2012(1)(*a*) u ma' kull mobbli li jkun suġġett għaliha skont is-subartikolu (1)(*b*) tal-istess artikolu allavolja dak l-immobbli jew mobbli jkun għadda f'idejn ħaddieħor.

(2) Ipoteka ġenerali tibqa' mgħaqqda mal-beni li jkunu suġġetti għaliha sakemm dawk il-beni ma jgħaddux f'idejn it-terzi.

(3) għall-effetti tal-ipoteka, il-krediti jew l-azzjonijiet ċeduti ma jitqisux li għaddew f'idejn terzi sakemm iċ-ċessjonarju ma jkunx daħħal il-kreditu jew ħa l-oġġett tal-azzjoni, ħlief fil-każ ta' krediti jew ta' azzjonijiet imnisslin minn kambjalijiet jew minn titoli oħra li jistgħu jiġu trasferiti b'ġira jew b'kunsinna.

L-ipoteka tista' ssir għal obbligazzjoni ndeterminata.

2014. L-ipoteka tista' ssir ukoll għal obbligazzjoni indeterminata, basta li l-oġġett tagħha jkun determinat.

L-ipoteka tista' tinħall bħall-obbligazzjoni prinċipali.

2015. Jekk il-jedd tad-debitur fuq il-ħaġa suġġetta għal ipoteka, ikun sospiż minn kondizzjoni, jew ikun jista' jinħall, jew jiġi annullat, l-ipoteka tkun ukoll taħt kondizzjoni, jew suġġetta li tinħall jew li liġi annullata bla ħsara ta' dak li hu miġjub fl-artikolu 1791.

Ipoteka speċjali b'żieda ma ipoteka ġenerali.
Sostitwit: LVIII.1975.19.
Emendat: VII.1985.3; VIII.2007.19.

2016.[#] (1) Il-kreditur ta' dejn suġġett għall-ipoteka ġenerali u li l-jeddijiet tiegħu ma jkunux diġà xort'oħra garantiti b'mod xieraq, ikollu, u jista' jġiegħel li tiġi reġistrata, bħala garanzija iżjed tal-istess kreditu, ipoteka speċjali fuq dawk mill-beni immobbli u mobbli tad-debitur li jkunu tax-xorta msemmija fl-artikolu 2012 u li jkunu ta' valur biżżejjed biex il-kreditu jkun garantit kif provdut

*Dan l-artikolu, kif sostitwit bl-Att LVIII tal-1975, japplika għall-ipoteki kollha li nħolqu jew kuntrattwali qabel l-1 ta' Jannar, 1976. Iżda, sakemm jgħaddu għaxar snin mid-data msemmija, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan il-Kodiċi, ipoteka ġenerali reġistrata qabel l-1 ta' Jannar, 1976, għandha tibqa mgħaqqda mal-immobbli suġġetta għaliha, ukoll jekk dawk l-immobbli jiġu akkwistati wara l-1 ta' Jannar, 1976, daqslikieku d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi kien għad għandhom effett kif kienu fis-seħħ qabel ma ġew sostitwiti bl-Att LVIII tal-1975.

#Dan l-artikolu, kif sostitwit bl-Att LVIII tal-1975, japplika għall-ipoteki kollha li nħolqu jew kuntrattwali qabel l-1 ta' Jannar, 1976. Iżda, sakemm jgħaddu għaxar snin mid-data msemmija, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dan il-Kodiċi, ipoteka ġenerali reġistrata qabel l-1 ta' Jannar, 1976, għandha tibqa mgħaqqda mal-immobbli suġġetta għaliha, ukoll jekk dawk l-immobbli jiġu akkwistati wara l-1 ta' Jannar, 1976, daqslikieku d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi kien għad għandhom effett kif kienu fis-seħħ qabel ma ġew sostitwiti bl-Att LVIII tal-1975.

fl-artikolu 2063.

(2) Il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) jkun eżerċitabbli permezz ta' nota ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għar-reġistrazzjoni u li tkun iffirmata minn xi persuna li, skont l-artikolu 2045, setgħet iffirmat in-nota dwar l-ipoteka ġenerali u fil-każ ta' debituri li jirriżultaw minn att pubbliku bil-mezz ta' nota iffirmata minn xi nutar pubbliku; iżda l-eżerċizzju ta' dak il-jedd ikun bla ħsara għall-jeddijiet tad-debitur li jitlob it-tnaqqis jew it-ħassir tar-reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu V ta' dan it-Titolu.

(3) Meta l-immobbli tad-debitur li dwarha tkun reġistrata l-ipoteka speċjali msemmija fis-subartikolu (1) tkun sitwata f'area dikjarata bħala area ta' reġistrazzjoni ta' artijiet skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, jew xort'oħra tkun reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, il-jedd mogħti bis-subartikolu (1) jkun eżerċitabbli bir-reġistrazzjoni skont dak l-Att, ta' ipoteka jew ipoteka kawżjonali, skont il-każ. Kap. 296.

---

§ I. FUQ L-IPOTEKA LEGALI

Meta tingħata l-ipoteka legali.

2017. L-ipoteka legali hija mogħtija biss fil-każijiet hawn taħt imsemmija.

Ipoteka legali favur il-mara, għad-dota.

2018. (1) Il-mara għandha, minn dak in-nhar taż-żwieġ, ipoteka legali ġenerali fuq ħwejjeġ żewġha, għad-dota li tkun ġiet ikkostitwita b'att pubbliku qabel iż-żwieġ.

(2) għas-somom jew beni dotali li jmissu lilha minn suċċessjoni jew donazzjoni, l-ipoteka fuq imsemmija sseħħ biss mill-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni jew mill-jum li fih id-donazzjoni tibda sseħħ.

Ipoteka legali favur minuri.
Sostitwit: XLVI.1973.102. Emendat: XXI.1993.84.

2019. (1) Minuri għandu ipoteka legali ġenerali fuq il-beni tal-ġenitur li għas-setgħa tiegħu huwa jkun suġġett dwar ir-responsabbiltà li dak il-ġenitur ikun ħa fl-amministrazzjoni tal-beni tal-minuri.

(2) Dik l-ipoteka tibda sseħħ minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tal-beni tgħaddi f'idejn il-ġenitur.

(3) Meta ġenitur jerġa' jiżżewweġ, l-imsemmija ipoteka torbot ukoll il-beni ta' żewġ jew mart il-ġenitur minn dak in-nhar taż-żwieġ, kemm-il darba l-ġenitur ikompli fl-amministrazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa bil-liġi.

It-tfal jew dixxendenti oħra,

2020. (1) It-tfal u dixxendenti oħra għandhom ukoll ipoteka legali ġenerali fuq il-beni tal-axxendent tagħhom li jibqa' ħaj wara l-ieħor, għall-jeddijiet riservati favur tagħhom taħt l-artikoli 637, 638 u 825, fil-każ li dan l-axxendent jerga' jiżżewweġ.

(2) Din l-ipoteka tibda sseħħ minn dak in-nhar tal-mewt tal-axxendent l-ieħor.

lill-persuni taħt tutela, eċċ. *Emendat: XLVI.1973.103.*

2021. Il-persuni taħt tutela jew kurazija għandhom ipoteka legali ġenerali fuq il-beni tat-tuturi jew kuraturi, għar-responsabbiltà tal-amministrazzjoni tagħhom, minn dak in-nhar li t-tuturi jew kuraturi jaċċettaw it-tutela jew il-kurazija.

Il-kreditur privileġġat għandu ipoteka speċjali.

2022. Il-kreditur li għandu privileġġ fuq immobbli, għandu ipoteka legali speċjali fuq l-immobbli suġġett għall-privileġġ.

§ II. FUQ L-IPOTEKA ĠUDIZZJALI

Ipoteka ġudizzjali. *Emendat: XXII.2005.82.*

2023. L-ipoteka ġudizzjali titnissel -

(*a*) mis-sentenzi mogħtija mill-qrati ta' Malta favur dawk li jkunu ħadu dawk is-sentenzi;

(*b*) minn deċiżjonijiet ta' arbitri minn titolu eżekuttiv u minn sentenzi mogħtija minn qrati ta' barra minn Malta, favur dawk li jkunu ħadu dawn id-deċiżjonijiet jew sentenzi, kemm-il darba tkun ġiet ordnata l-esekuzzjoni tagħhom b'sentenza tal-qorti kompetenti f'Malta.

---

§ III. FUQ L-IPOTEKA KONVENZJONALI

Min jista' jobbliga ruħu b'ipoteka konvenzjonali.

2024. (1) Ma jistgħux jobbligaw ruħhom b'ipoteki konvenzjonali ħlief dawk li jistgħu jittrasferixxu l-beni li jqiegħdu taħt dik l-ipoteka.

(2) Il-beni ta' dawk li ma jistgħux jagħmlu trasferimenti, ma jistgħux jiġu ipotekati b'kuntratt ħlief għal dawk il-ħwejjeġ u dawk il-formalitajiet li tgħid il-liġi.

L-ipoteka konvenzjonali ma tistax tiġi magħmula ħlief b'att pubbliku.

2025. L-ipoteka konvenzjonali ma tistax tiġi magħmula ħlief b'att pubbliku.

Kuntratti magħmulin barra minn Malta. *Emendat: XXXI.1965.22. LVIII.1974.68; XXII.2005.81.*

2026. Il-kuntratti magħmulin barra minn Malta b'att pubbliku jew awtentiku, skont il-liġijiet tal-pajjiż, jew quddiem ir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta f'dak il-pajjiż jew persuna li tkun isservi fis-servizz diplomatiku, konsulari jew servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li, b'arranġament mal-Gvern ta' Malta, ikun assuma li jirrappreżenta l-interessi ta' dak il-Gvern f'dak il-pajjiż jew persuna awtorizzata għal hekk mill-President ta' Malta, jistgħu jġibu ipoteka fuq beni li jinsabu f'Malta, meta l-qorti ċivili kompetenti, fuq talba tal-kreditur, b'rikors ġuramentat, tordna l-iskrizzjoni tagħhom.

Is-somma li għaliha l-ipoteka hija miftiehma għandha tingħad fl-att.

2027. L-ipoteka konvenzjonali ma tiswiex jekk is-somma li għaliha ġiet miftiehma ma tkunx ċerta u determinata fl-att. Jekk il-kreditu li ġej minn obbligazzjoni jkun kondizzjonali kwantu għall-eżistenza tiegħu, jew mhux determinat, il-kreditur ma jistax jitlob l-iskrizzjoni tal-ipoteka ħlief għal dik is-somma li tiġi ddikjarata għaldaqshekk minnu, bla ħsara tal-jedd tad-debitur li jitlob li dik is-somma tiġi mnaqqsa, jekk ikun il-każ.

L-ipoteka konvenzjonali hija ġenerali jew speċjali. *Emendat: VIII.2007.20.*

2028. (1) L-ipoteka konvenzjonali tista' tkun ġenerali jew speċjali.

(2) Il-beni immobbli u mobbli biss imsemmijin fl-artikolu 2012 jistgħu jiġu marbuta b'ipoteka speċjali

(3) L-ipoteka speċjali sseħħ ukoll fuq il-benefikati kollha li jsiru wara fil-beni ipotekati.

Sub-titolu III

FUQ KIF JINŻAMMU L-PRIVILEĠĠI U L-IPOTEKI*

Il-privileġġi speċjali għandhom jiġu nskritti. *Sostitwit: VIII.2007.21.*

2029. Il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli u fuq ħwejjeġ mobbli kif speċifikat fl-artikoli 2002(2) u 2012(1)(*b*) m'għandhomx effett jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku fiż-żmien ta' xahrejn.

Il-jum li minnu jibda ż-żmien tal-iskrizzjoni.

2030. Iż-żmien imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jibda jgħodd -

(*a*) għall-krediti msemmijin fl-artikolu 2010(*a*), (*ċ*) u (*d*), minn dak in-nhar tal-kuntratt;

(*b*) għall-krediti msemmijin fil-paragrafu (*b*) ta' dak l-artikolu, minn dak in-nhar li jitlesta x-xogħol, jew, skont il-każ, minn dak in-nhar tal-liberazzjoni tal-immobbli;

(*ċ*) għall-krediti msemmijin fil-paragrafu (*e*) ta' dak l-artikolu, minn dak in-nhar tas-sentenza jew tal-att li bih il-kawża tispiċċa.

għall-privileġġi, jekk inskritti, mhumiex ta' ħsara t- trasferimenti, eċċ., magħmula matul iż-żmien għall-iskrizzjoni.

2031. (1) għall-privileġġi hawn fuq imsemmija, jekk inskritti fiż-żmien imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, mhumiex ta' ħsara t-trasferimenti, l-ipoteki, jew il-piżijiet, li matul dak iż-żmien ikunu saru dwar l-immobbli suġġett għall-privileġġ.

(2) L-ipoteka legali mgħaqqda mal-krediti privileġġati tibqa' sħiħa, ukoll jekk dawn il-privileġġi ma jkunux ġew inskritti fiż-żmien hawn fuq imsemmi, basta li din l-ipoteka tiġi inskritta kif meħtieġ fl-artikolu 2033.

Privileġġi ġenerali u privileġġi speċjal fuq ħwejjeġ mobbli mhumiex suġġetti għall-iskrizzjoni. *Sostitwit: VIII.2007.22.*

2032. Ħlief għal dawk il-privileġġi speċjali msemmijin flartikoli 2002(2) u 2012(1)(*b*), il-privileġġi ġenerali u l-privileġġi speċjali fuq ħwejjeġ mobbli mhumiex soġġetti għall-iskrizzjoni.

L-ipoteka għandha tiġi mniżżla fir-Reġistru Pubbliku.

2033. (1) L-ipoteka legali, ġudizzjali, jew konvenzjonali, m'għandhiex effett jekk ma tiġix imniżżla fir-Reġistru Pubbliku, u ma tiħux grad ħlief minn dak in-nhar tal-iskrizzjoni.

(2) Madankollu, l-ipoteka għad-dota li tkun inġiebet qabel iż-żwieġ tieħu grad minn dak in-nhar tat-tieġ, basta li tiġi mniżżla fi żmien xahar minn dak in-nhar tat-tieġ: u f'dan il-każ għal din l-

*għal dawk li huma privileġġi u ipoteki antiki *ara* l-Ordinanza dwar l-Iskrizzjoni u t-Tiġdid tal-Privileġġi u Ipoteki Antiki (Kapitolu 27).

ipoteka mhumiex ta' ħsara t-trasferimenti, l-ipoteki, jew il-piżijiet, li jsiru jew li jiġu inskritti matul dak iż-żmien.

Dmirijiet tan-nutar dwar l-iskrizzjoni tal-ipoteka legali tal-mara kontra r-raġel f'xi każijiet. *Emendat: XXXIX.1939.12; XLVI.1973.104; XI.1977.2; A.L. 407 tal-2007.*

2034. (1) In-nutar li jirċievi att li jġib kostituzzjoni ta' dota għandu jagħmel l-iskrizzjoni tal-ipoteka relattiva fuq il-beni tar-raġel fi żmien xahar minn dak l-att, ukoll jekk ikun hemm ftehim kuntrarju, kemm-il darba dik ir-reġistrazzjoni ma tkunx saret f'dak iż-żmien fuq talba ta' ħaddieħor.

(2) In-nutar li jikser id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu jwieġeb għad-danni lejn il-parti interessata, u jeħel il-piena tal-ammenda, mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), li tiġi mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, sew *ex officio* kemm fuq talba ta' kull min ikun.

Responsabbiltà tar-reġistratur tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja dwar il-persuna taħt tutela jew kurazija. Kap. 12.

2035. Ir-reġistratur tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja jwieġeb għad-danni lejn il-persuna taħt tutela jew kurazija, jekk hu jonqos li jagħmel l-iskrizzjoni tal-obbligazzjonijiet li jieħu t-tutur jew il-kuratur, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Min jista' jitlob l-iskrizzjoni.

2036. L-iskrizzjoni tista' tiġi mitluba mill-kreditur, jew minn kull persuna oħra li jkollha interess.

Il-qraba jistgħu jitolbu l-iskrizzjonijiet f'xi każijiet. *Emendat: XLVI.1973.105.*

2037. L-iskrizzjoni tal-ipoteki legali mogħtija favur il-minuri, jew l-imġienen jew l-interdetti, tista' tiġi mitluba wkoll mill-qraba tagħhom.

L-axxendent għandu jagħmel l-iskrizzjoni tal-ipoteka mogħtija favur it-tfal tal-familja. *Emendat: XLVI.1973.106; XXX.1981.14; XXI.1993.2.*

2038. (1) L-iskrizzjoni tal-ipoteka legali mogħtija favur il-minuri taħt l-artikolu 2019, għandu jaħseb għaliha il-ġenitur imsemmi f'dak l-artikolu, fi żmien erba' xhur minn dak in-nhar li titnissel l-ipoteka, kemm-il darba dik l-iskrizzjoni ma tkunx ġà saret fuq talba ta' xi ħadd ieħor mill-qraba ta' dawk it-tfal.

(2) Il-ġenitur illi jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jaqa' mill-jeddijiet li jiġu mis-setgħa tal-ġenituri, kif ukoll mill-jedd li jindaħal iżjed fl-amministrazzjoni tal-beni tal-persuni li kienu qabel suġġetti għas-setgħa tiegħu, jew li jieħu l-użufrutt li għalih kellu jedd bil-liġi.

(3) Il-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja tista', skont iċ-ċirkostanzi, terġa' tqiegħed il-ġenitur fil-jeddijiet li jkun tilef.

Żmien li fih l-axxendent, eċċ., għandu jagħmel l-iskrizzjoni tal-ipoteka favur it-tfal. *Emendat: XXI.1993.2.*

2039. (1) Jekk it-tfal jew dixxendenti oħra msemmija fl-artikolu 2020 ikunu minuri, l-iskrizzjoni tal-ipoteka mogħtija favur tagħhom taħt dak l-artikolu għandha ssir bi ħsieb tal-axxendent hemm imsemmi, jew, skont il-każ, tat-tutur jew kuratur, fi żmien ħmistax-il ġurnata mit-tieġ tal-axxendent hawn fuq imsemmi, kemm-il darba ma tkunx ġà saret fuq talba ta' xi ħadd ieħor mill-qraba.

(2) Jekk l-axxendent li jkun imissu jagħmel din l-iskrizzjoni jonqos li jagħmilha fiż-żmien hawn fuq imsemmi, il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, taħtar amministratur tal-beni, li l-proprjetà tagħhom, bis-saħħa tal-artikoli 637, 638 u 825, tkun għaddiet lit-tfal jew dixxendenti fuq imsemmija, u, kwantu għall-jeddijiet li

jiġu mis-setgħa tal-ġenituri li jkunu jmissu lil dak l-axxendent, igħoddu id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.

Meta l-iskrizzjoni kontra debitur fi stat ta' falliment jew kontra wirt ma tiswiex.

2040. (1) L-iskrizzjoni m' għandhiex effett jekk tiġi magħmula fi żmien li fih id-debitur ikun fi stat ta' falliment, jew jekk jiġi appruvat li l-kreditur, fiż-żmien tal-iskrizzjoni, kien jaf b'ċirkostanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara falliment.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu wkoll għal bejn il-krediturì ta' wirt, jekk l-iskrizzjoni ssir wara l-ftuħ tas-suċċessjoni, u l-wirt jibqa' battal jew jiġi aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju.

Eċċezzjonijiet.

2041. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux meta l-iskrizzjoni ma tkunx setgħet issir minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed, u dan iż-żmien jitqies mhux biżżejjed meta jkun għad ma għaddewx ħmistax-il ġurnata minn dak in-nhar li setgħet issir l-iskrizzjoni sa dak in-nhar li fih id-debitur kien fi stat ta' falliment, jew li fih il-kreditur sar jaf b'ċirkostanzi li setgħu jġiegħlu lid-debitur jiddikjara falliment, jew li fih id-debitur miet.

(2) Dawn id-dispożizzjonijiet ma jgħoddux lanqas għal privileġġi jew ipoteki akkwistati qabel il-jum hawn fuq imsemmi, jekk iż-żmien li hemm sabiex dawn il-privileġġi jew ipoteki jiġu inskritti jkun għad ma għalaqx.

X'għandu jkun fiha n-nota tal-iskrizzjoni. *Emendat: XXXIX.1939.13; XV.1940.2; IX.2004.13; XVIII.2004.110; VIII.2007.23; VIII.2010.61; A.L. 426 tal-2012; XXIII.2017.88; LXI.2020.5.*

2042. Biex issir l-iskrizzjoni hu meħtieġ li tiġi ppreżentata lid-Direttur tas-Reġistru Pubbliku nota li jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(*a*) fir-rigward tal-kreditur:

(i) l-isem, il-kunjom attwali, u l-kunjom tat-twelid tiegħu, fejn dan ikun differenti mill-kunjom attwali;

(ii) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tiegħu miktub bil-figuri biss, u fejn ma jistax ikollu tali dokument, in-numru f'dokument ieħor ta' identifikazzjoni;

(iii) il-lok u d-data tat-twelid;

(iv) fejn joqgħod;

(v) jekk huwiex miżżewweġ jew le; f'unjoni ċivili jew le; f'koabitazzjoni jew le; separat; divorzjat; annullat; jew armel; u

(vi) l-isem, il-kunjom attwali, u l-kunjom tat-twelid tal-ġenituri tiegħu, fejn dan ikun differenti mill-kunjom attwali:

Iżda d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta noti f'dawk il-każi biss fejn ikun manifestament impossibbli li kwalunkwe mid-dettalji jiġu identifikati:

Iżda wkoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkollu d-dritt illi jitlob li jiġu ppreżentati l-partikolaritajiet oħra li, fil-fehma tad-Direttur,

iservu sabiex jiġi identifikat il-kreditur, jew kwalsiasi dettall, b'żieda jew bi tnaqqis minn dawn elenkati, li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jindika permezz ta' regolamenti.

(*b*) fir-rigward tad-debitur:

(i) l-isem, il-kunjom attwali, u l-kunjom tat-twelid tiegħu, fejn dan ikun differenti mill-kunjom attwali;

(ii) in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tiegħu miktub bil-figuri biss, u fejn ma jistax ikollu tali dokument, in-numru f'dokument ieħor ta' identifikazzjoni;

(iii) il-lok u d-data tat-twelid;

(iv) fejn joqgħod;

(v) jekk huwiex miżżewweġ jew le; f'unjoni ċivili jew le; f'koabitazzjoni jew le; separat; divorzjat; annullat; jew armel; u

(vi) l-isem, il-kunjom attwali, u l-kunjom tat-twelid tal-ġenituri tiegħu, fejn dan ikun differenti mill-kunjom attwali:

Iżda d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta noti f'każi fejn ikun manifestament impossibbli li kwalunkwe mid-dettalji jiġu identifikati:

Iżda wkoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkollu d-dritt illi jitlob li jiġu ppreżentati l-partikolaritajiet oħra li, fil-fehma tad-Direttur, iservu sabiex jiġi identifikat id-debitur, jew kwalsiasi dettall, b'żieda jew bi tnaqqis minn dawn elenkati, li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien jindika permezz ta' regolamenti;

(*ċ*) il-kawża tal-kreditu jew jedd ieħor, u d-data u x-xorta tal-att li minnu dak il-kreditu jew jedd jitnissel;

(*d*) is-somma tal-kapital li d-debitur ikollu jagħti, jew is-somma ddikjarata fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 2027;

(*e*) tismija dwar jekk ikunux ġew miftiehma jew le l-imgħaxijiet fuq il-kreditu;

(*f*) (*Mħassar bl-Att VIII.2010.61.*);

(*g*) tismija dwar jekk l-iskrizzjoni hix tintalab għal privileġġ jew għal ipoteka, u, fil-każ ta' ipoteka, jekk din hix ġenerali jew speċjali;

(*h*) fil-każ ta' privileġġ jew ta' ipoteka speċjali, it-tismija tal-immobbli u l-mobbli suġġetti għall-privileġġ jew għall-ipoteka.

Meta l-kawża tal-privileġġ jew tal-ipoteka għandha tingħadd fin-nota.

2043. Meta l-ipoteka legali jew il-privileġġ ma jkunux ġejjin minn att pubbliku, il-kawża li tagħti lok għal dak il-privileġġ jew għal dik l-ipoteka, u ż-żmien ta' meta tnisslu, għandha tiġi msemmija fin-nota.

Meta mhux meħtieġ li jingħad l-ammont tad-dejn.

2044. Fl-ipoteka legali, ma hemmx l-obbligu li tingħad is-somma tad-dejn fil-każ ta' jeddijiet illi l-valur tagħhom f'somma likwida ma jidhirx minn att pubbliku.

Minn min għandha tkun iffirmata n-nota.

2045. (1) Meta l-kreditu jirriżulta minn att pubbliku, in-nota għandha tkun iffirmata mir-reġistratur tal-qorti, jew min-nutar li jkun irċieva l-att, jew li jkun il-konservatur tiegħu, jew li jkollu s-setgħa li jagħti kopja tiegħu.

(2) Jekk id-dejn jirriżulta minn sentenza, in-nota għandha tkun iffirmata mir-reġistratur tal-qorti li tkun tat is-sentenza.

(3) F'kull każ ieħor, in-nota għandha tkun iffirmata mill-persuna li titlob l-iskrizzjoni, jew minn avukat, nutar, jew prokuratur legali.

Meta tista' ssir l-iskrizzjoni tal-ipoteka ġudizzjali.

2046. (1) L-iskrizzjoni tal-ipoteka ġudizzjali tista' ssir għad illi s-sentenza tkun suġġetta għall-appell, bla ħsara li tista' tiġi mnaqqsa jew imħassra, meta hemm lok.

(2) Iżda, jekk is-sentenza jew id-deċiżjoni ta' arbitri ma tikkundannax lid-debitur iħallas somma likwida, l-iskrizzjoni ma tistax issir jekk is-somma li tagħha għandha ssir l-iskrizzjoni ma tigix stabbilita f'dak l-istess att, jew b'sentenza oħra, jew b'deċiżjoni oħra ta' arbitri, jew bil-kunsens tad-debitur, b'att pubbliku.

Iskrizzjoni fuq il-beni ta' wieħed mejjet.

2047. L-iskrizzjoni fuq il-beni ta' wieħed mejjet tista' taħt ismu, mingħajr ma jissemma l-werriet.

Meta l-immobbli jkun f'idejn terzi. *Emendat: VIII.2007.24.*

2048. Jekk fiż-żmien tal-iskrizzjoni l-immobbli u l-mobbli jkunu f'idejn terza persuna, hu biżżejjed li jingħata biss l-isem tad-debitur.

Differenza bejn is-somma li għandha tingħata, u dik miġjuba fl-iskrizzjoni.

2049. Jekk ikun hemm differenza bejn is-somma li d-debitur ikollu jagħti u dik miġjuba fl-iskrizzjoni, l-iskrizzjoni tkun tiswa għall-iżgħar somma.

L-ispejjeż tal-iskrizzjoni huma għad-debitur.

2050. L-ispejjeż tal-iskrizzjoni, jekk ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jitħallsu mid-debitur.

Iċ-ċessjonijiet jistgħu jitniżżlu fir-reġistru.

2051. (1) Iċ-ċessjonarju ta' kreditu jew jedd ieħor li għandu privileġġ jew ipoteka inskritti, jista' jitlob li ċ-ċessjoni, sew jekk tkun tas-somma kollha kemm ta' biċċa minnha, tiġi nnotata fir-reġistru għas-somma hekk ċeduta, basta li ċ-ċessjoni tkun saret b'att pubbliku.

(2) It-talba hawn fuq imsemmija tista' ssir ukoll minn kull persuna oħra li jkollha interess.

X'għandu jkun fiha n-notazzjoni ta' ċessjoni. *Emendat: XII.1986.5.*

2052. (1) Biex issir l-annotazzjoni ta' ċessjoni fir-reġistru, kif jingħad hawn fuq, hu meħtieġ li tiġi ppreżentata nota lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, illi għandu jkun fiha, in-numru li jmiss u s-sena tar-reġistrazzjoni, id-data taċ-ċessjoni, u min hu ċ-ċessjonarju

bil-mod li skont il-liġi għandu jingħad min hu l-kreditur.

(2) In-nota għandha tkun iffirmata min-nutar li jkun irċieva l-att taċ-ċessjoni, jew li jkun il-konservatur tiegħu jew li jkollu s-setgħa li jagħti kopja tiegħu.

Sub-titolu IV

FUQ IT-TIĠDID TAL-ISKRIZZJONIJIET

Tiġdid ta' iskrizzjoni ta' privileġġi u ipoteki.

2053. (1) L-iskrizzjoni tal-privileġġi u tal-ipoteki fir-Reġistru Pubbliku ma tibqax isseħħ wara tletin sena mid-data tagħha, kemm-il darba ma tiġix imġedda qabel ma jagħlaq dak iż-żmien.

(2) L-iskrizzjoni tal-ipoteka legali favur il-mara jew favur persuna taħt tutela jew kurazija, hija meħtieġa mill-obbligu tat-tiġdid sa sena wara li ż-żwieġ jinħall jew li l-amministrazzjoni tispiċċa.

It-tiġdid wara l-egħluq taż-żmien jitqies bħala ipoteka ġdida.

2054. Meta t-tiġdid isir wara l-egħluq taż-żmien stabbilit, ikollu, ukoll fil-każ ta' privileġġ, l-effett ta' ipoteka ġdida, illi tieħu grad mid-data ta' dan it-tiġdid.

Min jista' jitlob it-tiġdid.

2055. (1) It-tiġdid ta' iskrizzjoni jista' jintalab minn kull min skont il-liġi jista' jitlob l-iskrizzjoni.

(2) It-tiġdid għandu jsir fl-istess Reġistru Pubbliku li fih tkun saret l-iskrizzjoni.

It-tiġdid ma jiksirx il-mixi tal-preskrizzjoni.

2056. It-tiġdid ta' iskrizzjoni li jsir mill-kreditur ma jiksirx il-mixi tal-preskrizzjoni favur id-debitur jew it-terz pussessur.

Kif isir it-tiġdid.

2057. Biex isir it-tiġdid ta' iskrizzjoni huwa meħtieġ li tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nota bħal dik tal-iskrizzjoni ta' qabel b'talba għat-tiġdid tal-iskrizzjoni oriġinali.

Spejjeż tat-tiġdid.

2058. Jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, l-ispejjeż tat-tiġdid jibqgħu fuq id-debitur.

Sub-titolu V

FUQ IT-TNAQQIS U T-TĦASSIR TAL-ISKRIZZJONIJIET

Tnaqqis ta' iskrizzjoni.

2059. (1) It-tnaqqis tal-iskrizzjoni huwa t-tħassir tagħha f'parti.

(2) It-tnaqqis jista' jsir -

(*a*) jekk tiġi mħallsa biċċa mid-dejn;

(*b*) jekk il-jedd tal-kreditur, li qabel kien iseħħ fuq l-immobbli kollu, jew fuq żewġ immobbli jew iżjed, jiġi limitat għal biċċa minn dak l-immobbli, li tista' tiġi mifruda bla xkiel, jew għal wieħed jew għal xi whud biss minn dawk l-immobbli.

Kif l-iskrizzjoni tista' tiġi mnaqqsa jew imħassra.

2060. (1) L-iskrizzjonijiet jistgħu jiġu mnaqqsa jew imħassra għal kollox bil-kunsens tal-kreditur mogħti b'att pubbliku, jew bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti kompetenti.

(2) Jekk il-kreditur ma jkunx kapaċi jittrasferixxi, il-kunsens tiegħu għat-tnaqqis jew għat-tħassir ta' iskrizzjoni ma jiswiex jekk ma jkunx mogħti fil-mod li trid il-liġi.

Meta l-kunsens tal-kreditur mhux meħtieġ għat-tnaqqis ta' iskrizzjoni.

2061. Jekk il-ħlas tad-dejn kollu inskritt jew ta' biċċa minnu jkun jirriżulta minn sentenza li għaddiet ġudikat jew minn att ieħor pubbliku, it-tħassir tal-iskrizzjoni, jew it-tnaqqis tagħha dwar is-somma tal-kreditu, jista' jsir mingħajr il-kunsens tal-kreditur.

Meta t-tnaqqis jista' jiġi ordnat mill-qorti.

2062. (1) Barra minn fil-każ imsemmi fl-artikolu 2027 it-tnaqqis ta' iskrizzjoni jista' jiġi ordnat b'sentenza fil-każ ta' ipoteka legali ġenerali jew ta' ipoteka ġudizzjali, jekk jiġi ppruvat illi l-iskrizzjoni tista', kwantu għall-beni suġġetti għaliha, tiġi limitata mingħajr ħsara tal-kreditur.

(2) Dan igħodd ukoll għall-ipoteka ġenerali konvenzjonali, magħmula biex tagħmel tajjeb għal jedd li jkun jiddependi minn ġrajja mhux żgura, ukoll jekk din l-ipoteka tkun ġiet miftiehma qabel il-11 ta' Frar, 1870; u kull rinunzja għall-jedd li jintalab it-tnaqqis ma tiswiex, jekk ma ssirx b'att pubbliku, f'jum wara dak tal-kuntratt li bih l-ipoteka tkun inħolqot.

Valur tal-immobbli li għalih l-iskrizzjoni għandha tiġi limitata.

2063. (1) Iżda, it-tnaqqis ma jistax jiġi ordnat f'ebda wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, jekk il-valur tal-immobbli, li għalih id-debitur jitlob li tiġi limitata l-iskrizzjoni, ma jkunx jaqbeż, mill-anqas, bin-nofs, is-somma tal-kreditu inskritt bl-imgħaxijiet magħluqa, u dawk li jagħlqu sa ħames snin minn dak in-nhar tat-tnaqqis.

(2) Il-qorti tista' tistabbilixxi l-valur ta' dak l-immobbli fuq ir-regoli miġjubin fis-sub-titolu III tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

It-tħassir tal-iskrizzjoni jista' jiġi ordnat b'sentenza.

2064. It-tħassir tal-iskrizzjoni jista' wkoll jiġi ordnat b'sentenza jekk ma jiġix ippruvat illi l-iskrizzjoni ġiet magħmula għal raġuni leġittima, jew jekk jiġi ppruvat illi l-jedd tal-kreditur spiċċa.

X'għandu jkun fiha n-nota għat-tnaqqis jew tħassir tal-iskrizzjoni. *Emendat: XII.1986.6.*

2065. Sabiex jista' jsir it-tnaqqis jew it-tħassir ta' iskrizzjoni, hu meħtieġ li tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nota, li jkun fiha:

(*a*) in-numru li jmiss u s-sena tal-iskrizzjoni;

(*b*) jekk hux jintalab it-tnaqqis jew it-tħassir tal-iskrizzjoni;

(*ċ*) it-tismija tas-sentenza, jew tal-att, meta hemm, li bis-saħħa tagħhom jintalab dak it-tnaqqis jew it-tħassir.

X'għandu jkun fiha iżed f'każ ta' tnaqqis.

2066. Meta jintalab it-tnaqqis tal-iskrizzjoni, għandu jingħad fin-nota għal liema somma, jew fuq liema beni, għandha tibqa' sseħħ l-iskrizzjoni.

Minn min għandha tkun iffirmata n-nota tat-tnaqqis jew tat-tħassir.

2067. Jekk it-tnaqqis jew it-tħassir jintalab bis-saħħa ta' att pubbliku, in-nota għandha tkun iffirmata min-nutar li jkun irċieva l-att jew li jkun il-konservatur tiegħu, jew li jkun awtorizzat biex

jagħti kopja tiegħu; jekk dan it-tnaqqis jew tħassir jintalab bis-saħħa ta' sentenza, in-nota għandha tkun iffirmata mir-reġistratur tal-qorti li tkun tat is-sentenza.

Spejjeż tat-tnaqqis jew tħassir.

2068. (1) L-ispejjeż tat-tnaqqis jew tat-tħassir ta' iskrizzjoni jbatihom id-debitur.

(2) Iżda, meta t-tħassir isir minħabba li ma kienx hemm raġuni leġittima sabiex issir l-iskrizzjoni, l-ispejjeż ibatihom dak li jkun talab li ssir dik l-iskrizzjoni.

(3) Fil-każ imsemmi fl-artikolu 2027, hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk l-ispejjeż għandux ibatihom il-kreditur jew id-debitur.

Sub-titolu VI

FUQ L-EFFETT TAL-PRIVILEĠĠI U TAL-IPOTEKI KONTRA T-TERZI PUSSESSURI

Jeddijiet tal-krediturikontra t-terzi pussessuri. *Emendat: XV.2008.5.*

2069. Il-krediturili għandhom privileġġ jew ipoteka inskritti, iżommu fuq l-immobbli jew fuq il-ħwejjeġ mobbli suġġett għall-privileġġ jew għall-ipoteka l-jedd tagħhom li jiġu gradwati u mħallsin skont l-ordni tal-krediti jew tal-iskrizzjoni tagħhom, ikunu għand min ikunu għaddew dawn il-beni jew il-ħwejjeġ mobbli.

Obbligi tat-terz pussessur.

2070. Jekk it-terz pussessur ma jkunx għamel dak li hu meħtieġ mil-liġi sabiex jeħles il-proprjetà tiegħu, huwa jibqa' obbligat bħala pussessur, bis-saħħa tal-iskrizzjoni magħmula skont il-liġi, għad-djun kollha ipotekarji, u jgawdi l-benefiċċju taż-żmien u ta' kull tiġdid ta' żmien mogħti lid-debitur oriġinarju.

Obbligi oħra tat-terz pussessur. *Emendat: XV.2008.6.*

2071. It-terz pussessur hu obbligat, fil-każ hawn fuq imsemmi, li jitlaq, mingħajr ebda riserva, l-immobbli jew il-ħwejjeġ mobbli suġġetti għall-ipoteka, kemm-il darba ma jagħżilx li jħallas id-djun ipotekarji kollha, kull meta jagħlaq kull wieħed minnhom, tkun kemm tkun is-somma tagħhom.

Il-krediturijistgħu jitolbu l-bejgħ ta' immobbli jew il-ħwejjeġ mobbli mgħobbija b'ipoteka. *Emendat: XV.2008.7.*

2072. (1) Jekk it-terz pussessur ma jitlaqx l-immobbli jew il-ħwejjeġ mobbli jew ma jħallasx id-dejn li ġa għalaq, il-kreditur ipotekarju jista' jitlob bil-qorti l-bejgħ tal-immobbli jew tal-ħwejjeġ mobbli suġġetti għal ipoteka, wara li jkun sejjaħ bi protest lid-debitur biex iħallas id-dejn, u lit-terz pussessur biex iħallas id-dejn jew jitlaq il-fond jew il-ħwejjeġ mobbli.

(2) Din it-talba ma tistax issir qabel ma jgħaddu tletin ġurnata min-notifika tal-protest lid-debitur u lit-terz pussessur.

Meta t-terz pussessur jista' jagħti l-eċċezzjoni tal-eskussjoni. *Emendat: XV.2008.8.*

2073. It-terz pussessur li ma jkunx obbligat personalment għad-dejn jista', billi jagħti l-eċċezzjoni tal-eskussjoni, jagħmel oppożizzjoni għall-bejgħ talfond jew tal-ħwejjeġ mobbli li tagħhom ikollu l-pussess, jekk, f'idejn id-debitur jew il-garanti tiegħu jew ta' oħrajn li jkunu obbligati għad-dejn personalment, għalkemm mhux *in solidum*, ikun għad hemm beni oħra suġġetti għal dak id-dejn.

Meta ma tistax tingħata l-eċċezzjoni tal-eskussjoni.
Emendat: XV.2008.9.

2074. L-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni ma tistax tingħata kontra l-kreditur li jkollu privileġġ jew ipoteka speċjali fuq l-immobbli jew fuq il-ħwejjeġ mobbli.

It-terz pussessur jista' jagħżel f'xi każijiet.
Emendat: XV.2008.10.

2075. Jekk il-valur effettiv tal-benefikati magħmulin fil-fond jew fil-ħwejjeġ mobbli mit-terz pussessur ikun jaqbeż il-valur effettiv tal-fond jew tal-ħwejjeġ mobbli mingħajr dawk il-benefikati, it-terz pussessur jista' jagħżel jew li jħallas il-valur effettiv tal-fond jew tal-ħwejjeġ mobbli mingħajr il-benefikati jew li jitlaq il-fond jew il-ħwejjeġ mobbli.

Meta t-terz pussessur jista' jitlaq il-fond jew il-ħwejjeġ mobbli.
Emendat: XV.2008.11.

2076. It-tluq tal-fond jew tal-ħwejjeġ mobbli għall-ħlas tal-obbligazzjoni li għaliha l-fond ikun suġġett, jista' jsir minn kull terz pussessur li ma jkunx obbligat personalment għad-dejn kollu jew għal biċċa minnu, u li jkun kapaċi jittrasferixxi jew ikun ġie awtorizzat għaldaqshekk.

Meta t-terz pussessur jista' jieħu lura l-fond jew il-ħwejjeġ mobbli.
Emendat: XV.2008.12.

2077. It-tluq tal-fond jew tal-ħwejjeġ mobbli, sakemm ma jsirx il-bejgħ tiegħu, ma jtellifx lit-terz pussessur il-jedd li jieħu l-fond jew il-ħwejjeġ mobbli lura billi jħallas id-dejn kollu u l-ispejjeż lanqas jekk il-fond jew il-ħwejjeġ mobbli jkunu ġew mitluqa b'esekuzzjoni ta' sentenza.

Kif jintelqu l-fond jew il-ħwejjeġ mobbli.
Emendat: XV.2008.13.

2078. It-tluq tal-fond jew tal-ħwejjeġ mobbli jsir b'att ippreżentat fil-qorti kompetenti.

Responsabbiltà għat-tgħarriq.

2079. (1) It-tgħarriq li jsir minhabba ħtija gravi tat-terz pussessur bi ħsara tal-krediturі ipotekarji, jagħti jedd għall-azzjoni kontra tiegħu għall-ħlas tad-danni.

(2) Hu m'għandux jedd jitlob ir-radd tal-ispejjeż u tal-benefikati magħmulin minnu, ħlief skont id-dispożizzjoni tal-artikolu 2010(*b*).

(3) Hu m'għandux jedd iżomm f'idejh il-fond minħabba l-benefikati.

Frottijiet li jmissu lit-terz pussessur.

2080. It-terz pussessur ma jkollux jagħti l-frottijiet tal-immobbli ħlief minn dak in-nhar li jkun ġie msejjaħ biex jitlaq il-fond jew iħallas id-dejn; u jekk minn dak in-nhar tkun għaddiet sena qabel ma ġiet magħmula t-talba ġudizzjarja, il-frottijiet ikollhom jingħataw minn dak in-nhar ta' din it-talba.

Jedd ta' servitù, eċċ., tat-terz pussessur.

2081. (1) Is-servitujiet u l-jeddijiet reali li t-terz pussessur kellu fuq l-immobbli qabel ma ħa pussess tiegħu, jerġgħu jibdew iseħħu wara li hu jitlaq l-immobbli jew wara l-liberazzjoni li ssir kontra tiegħu.

(2) Iżda jekk dawn il-jeddijiet kienu jeddijiet ta' privileġġ jew ta' ipoteka, dawn ma jiħdux grad ħlief jekk ikunu ġew inskritti.

Jeddijiet tal-krediturі tat-terz pussessur.
Emendat: XV.2008.14.

2082. Il-krediturі partikolari tat-terz pussessur jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom ta' ipoteka fuq l-immobbli jew il-ħwejjeġ mobbli mitluqa jew mibjugħa, skont il-grad li għandha l-iskrizzjoni ta' kull wieħed, wara l-krediturі li l-krediti tagħhom ikunu ġew inskritti kontra s-sidien ta' qabel fiż-żmien ta' qabel it-trasferiment

magħmul minn dawn tal-aħħar, jew fiż-żminijiet imsemmijin fl-artikoli 2031 u 2033.

Jeddijiet tat-terz pussessur kontra d-debitur u kontra terzi pussessuri oħra.

2083. (1) It-terz pussessur li jkun ħallas id-dejn jew telaq il-fond jew li ġie spussessat mill-fond, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali għall-evizzjoni li jkun bata.

(2) Hu għandu wkoll azzjoni kontra t-terzi pussessuri ta' immobbli oħra suġġetti għall-istess dejn, jekk dawn it-terzi pussessuri l-oħra jkunu akkwistaw l-immobbli tagħhom wara ż-żmien li fih l-attur ikun akkwista l-immobbli tiegħu.

Sub-titolu VII

FUQ KIF JISPIĊĊAW IL-PRIVILEĠĠI U L-IPOTEKI

Kif jispiċċaw il-privileġġi u l-ipoteki.

2084. Il-privileġġi u l-ipoteki jispiċċaw -

(*a*) meta tispiċċa l-obbligazzjoni prinċipali;

(*b*) bir-rinunzja tal-kreditur għall-privileġġ jew għall-ipoteka;

(*ċ*) billi jsiru l-proċeduri meħtiġin taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

(*d*) bil-preskrizzjoni.

Meta l-preskrizzjoni tiġi akkwistata favur id-debitur.

2085. Il-preskrizzjoni tiġi akkwistata favur id-debitur, għal beni li jkunu fil-pussess tiegħu, bl-egħluq taż-żmien li hemm stabbilit għall-preskrizzjoni tal-kreditu li għandu privileġġ jew ipoteka.

Meta l-preskrizzjoni tiġi akkwistata favur it-terz pussessur.

2086. Għall-beni fil-pussess ta' terza persuna, il-preskrizzjoni tiġi akkwistata favur din it-terza persuna bl-egħluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li tkun akkwistat dawk il-beni, ukoll jekk il-kreditur ma kienx jaf li dawn il-beni għaddew fil-pussess ta' terza persuna.

L-iskrizzjoni ma tiksirx il-preskrizzjoni.

2087. L-iskrizzjonijiet li jsiru fuq talba tal-kreditur ma jiksrux il-mixi tal-preskrizzjoni favur id-debitur jew it-terz pussessur.

Sub-titolu VIII

FUQ L-ORDNI BEJN IL-PRIVILEĠĠI U L-IPOTEKI

Regola ġenerali ta' preferenza bejn kredituri li jkollhom diversi privileġġi.

2088. Bejn il-krediti privileġġati, il-preferenza tiġi mogħtija skont ix-xorta partikolari ta' kull privileġġ.

Preferenza mogħtija lil xi privileġġi ġenerali.

2089. Il-krediti li għandhom privileġġ ġenerali skont l-artikolu 2003(*a*), (*b*) u (*ċ*) jitħallsu qabel dawk li għandhom privileġġ xort'oħra, minn barra biss il-kreditu ta' dak li jkollu rahan f'idejh, kif imsemmi fl-artikolu 2009(*a*).

Preferenza mogħtija lil xi privileġġi ġenerali oħra. *Emendat: XI.1977.2.*

2090. Il-krediti li għandhom privileġġ ġenerali taħt l-artikolu 2003(*d*) u (*e*) jitħallsu qabel dawk li għandhom privileġġ xort'oħra, minn barra l-krediti msemmijin fil-paragrafi (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-artikolu hawn fuq imsemmi, il-kreditu ta' dak li jkollu rahan f'idejh, kif jingħad hawn fuq, u l-kreditu tal-lukandier imsemmi fl-artikolu 2009(*b*).

Regola ta' preferenza f'kazijiet oħra minn dawk imsemmijin l-artikoli 2089 u 2090.

2091. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar żewġ artikoli qabel dan, fil-każijiet kollha ta' konkors ta' krediti privileġġati, li ma jkunux fi grad wieħed, l-ordni li fih il-privileġġi huma mqegħdin fl-artikoli 2003, 2009 u 2010, jirregola l-preferenza bejniethom.

(2) Iżda, il-privileġġ tal-bejjiegħ, imsemmi fl-artikolu 2009(*d*), ma jseħħx bi ħsara tal-privileġġ tal-padrun dirett jew ta' sid il-kera, imsemmi fil-paragrafu (*e*) ta' dak l-artikolu; il-jedd tal-bejjiegħ imsemmi fl-artikolu 1439 ma jseħħx bi ħsara tal-krediti msemmijin fl-artikolu 2009(*a*), (*b*) u (*ċ*); u l-kreditu msemmi fl-artikolu 2010(*b*), meta hu għal tiswijiet meħtieġa biex il-fond jinżamm fi stat tajjeb, għandu preferenza fuq il-kreditu tal-padrun dirett.

Il-krediti ipotekarji jitħallsu skont l-ordni tal-iskrizzjoni.

2092. Il-krediti ipotekarji jitħallsu skont l-ordni tal-iskrizzjoni, bla ħsara ta' dak li jingħad fl-artikolu 2033(2).

Il-ħin tal-iskrizzjoni ma joħloqx preferenza bejn ipoteki inskritti f'ġurnata waħda.

2093. L-ipoteki inskritti fl-istess ġurnata jagħtu lill-krediturijedd għal grad indaqs, mingħajr l-ebda differenza bejn l-iskrizzjonijiet magħmulin f'ħin u dawk magħmulin f'ħin ieħor tal-istess ġurnata.

Il-krediti privileġġati fi grad wieħed jitħallsu *pro rata.*

2094. Il-krediti privileġġati jew ipotekarji li huma fi grad wieħed, jitħallsu *pro rata.*

L-ispejjeż aċċessorji għall-kreditu jitqiegħdu fi grad wieħed mal-kreditu. *Emendat: VIII.2010.61.*

2095. (1) Fl-istess grad li fih ikun imqiegħed kreditu, jitqiegħdu l-imgħaxijiet ta' dak il-kreditu, l-ispejjeż tal-iskrizzjoni u l-ispejjeż magħmulin, meta hu meħtieġ, biex il-kreditu jiġi magħruf b'sentenza kemm-il darba dawn l-ispejjeż tal-aħħar ma jkunux privileġġati xort'oħra:

Iżda fil-każ ta' ipoteka, ir-regola msemmija hawn aktar qabel għandha tapplika fir-rigward ta' imgħax biss fejn il-fatt li l-imgħax ġie mifthiem jissemma fin-nota tar-reġistrazzjoni tal-ipoteka skont l-artikolu 2042(*e*).

(2) Meta n-nota tar-reġistrazzjoni ta' ipoteka ssemmi li hemm qbil li għandu jitħallas imgħax fuq il-kreditu, ma tkun meħtieġa ebda nota ta' reġstrazzjoni addizzjonali meta ssir xi bidla, varjazzjoni jew emenda fir-rigward tar-rati tal-imgħaxijiet li jkunu jridu jitħallsu, il-modalitajiet biex jiġu kalkulati l-imgħaxijiet kompriżi indiċi, marġini jew mekkaniżmu tas-suq.

(3) Barra minn hekk, ma tkun meħtieġa ebda nota ta' reġistrazzjoni addizzjonali għal kull bidla, varjazzjoni jew emenda ta':

(*a*) skeda ta' ħlasijiet lura; jew

(*b*) il-munita li fiha għandu jsir il-ħlas lura tal-kreditu.

(4) Dak imsemmi hawn aktar qabel għandu jkun japplika irrispettivament minn jekk il-bidla, varjazzjoni jew emenda jkunu saru b'kuntratt pubbliku jew bi skrittura privata, konformi ma' termini tal-ftehim oriġinali jew b'riżultat ta' xi ħaġa fis-suq.

(5) L-obbligazzjonijiet mibdula, varjati jew emendati kif hawn aktar qabel imsemmi għandhom jibqgħu fl-istess grad li fih tkun tqiegħdet l-obbligazzjoni prinċipali.

Titolu XXIIIA

FUQ *TRUSTS* U OBBLIGAZZJONIJIET

Sub-titolu I

FUQ L-EFFETTI MATRIMONJALI

Trusts u miżżewġin. *Miżjud: XIII.2004.44.*

2095A. (1) Proprjetà li tkun is-soġġett ta' kuntratti matrimonjali tista' titqiegħed fi *trust* biss bil-mezz ta' dokument bil-miktub. *Trusts* bejn il-miżżewġin ma jinħolqux bl-operat tal-liġi.

(2) Proprjetà li tagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew li tkun regolata bis-sistema tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata tista' biss titqiegħed fi *trust* bil-kunsens taż-żewġ konjuġi. Proprjetà parafernali ta' parti mill-konjuġi tista' titqiegħed fit-*trust* minn dik il-parti li taġixxi waħedha.

(3) Proprjetà mqiegħda fi *trust* mill-partijiet miżżewġin flimkien tista' biss tkun varjata jew, jekk revokabbli, tista' biss tkun revokata miż-żewġ konjuġi li jaġixxu flimkien u wara l-mewt ta' waħda mill-partijiet dik it-*trust* tkun irrevokabbli minkejja kull waħda mill-kondizzjonijiet tiegħu, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha.

(4) Interess benefiċjarju miżmum minn parti miżżewġa taħt *trust* ma jkunx parti mill-komunjoni tal-akkwisti, irrispettivament minn meta l-proprjetà tkun tqiegħdet favur il-parti jew meta l-parti tkun saret benefiċjarja, ħlief fil-każ ta' interess benefiċjarju taħt *trust* li fih proprjetà tal-komunjoni tkun tqiegħdet miż-żewġ konjuġi u biss dwar dik il-proprjetà.

(5) Kull tqassim ta' dħul magħmul favur parti miżżewġa għandu, kemm-il darba ma jkunx provdut espressament mod ieħor fid-dokument tat-*trust*, jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew mill-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata ta' dik il-parti, kif jista' jkun applikabbli, skont l-artikolu 1320 u l-artikolu 1338(2) rispettivament.

(6) Meta d-dar matrimonjali tkun is-soġġett ta' *trusts* għall-benefiċċju tal-konjugi miżżewġa jew ta' waħda minnhom, ebda ħaġa fid-dokument tat-*trust* jew fil-liġi ma għandha tfisser li parti tgawdi inqas drittijiet għad-dar u għat-tgawdija tagħha taħt l-

artikolu 3A, u l-kondizzjonijiet tat-*trust* ma għandhomx jiġu revokati jew varjati, u lanqas ma jista' t-*trustee* jiddisponi mill-imsemmija proprjetà, mingħajr il-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa jew, fin-nuqqas tal-kunsens, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

(7) Kull dejn, indennizz jew responsabbiltà oħra dovuta minn parti mill-konjugi li tkun qed taġixxi bħala *trustee* ma tkunx piż fuq il-beni tal-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1327 ħlief kif provdut fl-artikolu 1329 u għall-finijiet tal-artikolu 1340 kull dejn bħal dak jitqies li jkun parafernali.

Parti miżżewġa benefiċjarja taħt *trust* istitwit mill-parti l-oħra. *Miżjud:* XIII.2004.44. *Emendat:* XIII.2007.3.

2095B. (1) Persuna tista' tqiegħed proprjetà taħt *trusts* għand il-parti l-oħra miżżewġa fil-kariga ta' *trustee* għall-benefiċċju ta' benefiċjarji li jistgħu jinkludu wkoll dawk il-persuni bħala benefiċjarji.

(2) Meta parti miżżewġa tkun benefiċjarja, *trustee* ma jistax jagħmel kuntratt ta' bejgħ ma' dik il-parti miżżewġa li tkun *settlor* ħlief fil-każijiet speċifikati fl-artikolu 1366(*b*).

(3) Persuna ma tistax tkun benefiċjarja taħt *trust* li jkun istitwit mill-parti l-oħra miżżewġa għal iktar mill-proprjetà li tkun tista' titħalla jew tingħata b'donazzjoni lil dik il-parti skont dan il-Kodiċi. Minkejja l-kondizzjonijiet tat-*trust* u r-regoli tal-liġi xort'oħra applikabbli dwar l-eċċess, l-eċċess għandu jinżamm mit-*trustee* għall-użu u t-tgawdija ta' dik il-parti għal ħajjitha u wara jinżamm fi *trust* għas-*settlor* jew għall-werrieta tiegħu.

(4) Jekk parti miżżewġa benefiċjarja jkollha dritt bil-liġi li tkun sid ta' xi proprjetà, il-proprjetà miżmuma fi *trust* sal-porzjon riżervata, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet kollha l-oħra favur dik il-persuna, għandha bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni tinżamm fi *trust* separat għall-benefiċċju ta' dik il-parti miżżewġa biss, irrispettivament mill-kondizzjonijiet tat-*trust*. Kull proprjetà oħra li titqiegħed fi *trust* għall-benefiċċju tal-parti miżżewġa għandha, irrispettivament mil-kondizzjonijiet tat-*trust*, tinżamm taħt it-*trust* biss għall-użu u t-tgawdija tal-benefiċjarju għal tul ħajtu u wara għall-benefiċċju tas-*settlor* jew tal-werrieta tiegħu. Id-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel ikunu bla ħsara għad-dritt ta' xi persuna li jkollha d-dritt għall-porzjoni riservata li titlob it-tnaqqis tat-*trust* meta dak li jitqiegħed fit-*trust* jolqot id-dritt tal-porzjoni riservata kif provdut b'dan il-Kodiċi.

Proprjetà ta' *trust* mhux parti mill-proprjetà matrimonjali. *Miżjud:* XIII.2004.44.

2095Ċ. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar partijiet miżżewġa jew proprjetà matrimonjali ma għandhom japplikaw b'ebda mod għall-azzjonijiet ta' parti miżżewġa meta din tkun qed taġixxi bħala *trustee*.

Sub-titolu II

FUQ RENTI

Dispożizzjonijiet dwar renti ma jgħoddux. *Miżjud: XIII.2004.44. Emendat: XIII.2007 12.*

2095D. It-Titolu XI tat-Tieni Ktieb "Fuq il-Kostituzzjoni ta' Renta" u d-dispożizzjonijiet tas-Subtitoli I u II tiegħu ma għandhomx jgħoddu għal *annuities* stabbiliti bi *trust* jew f'dokument ta' *trust* jew f'testment u d-dmirijiet ta' *trustee* u d-drittijiet tal-benefiċjarji għandhom jiġu regolati esklużivament mill-pattijiet tat-*trusts* u l-liġijiet speċjali dwar *trusts* sakemm l-istrument li joħloq it-*trust* (jew kull ftehim bil-miktub li jidħol fih it-*trustee*) ma jiddikjarax espressament li renta perpetwa partikolari għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' dak it-Titolu.

Sub-titolu III

TRUSTS TA' GARANZIJA

Trusts ta' garanzija. *Miżjud: XIII.2004.44. Emendat: VIII.2010.61.*

2095E. (1) Garanzija tista' tinħoloq favur *trustee*, imsejjaħ *trustee* tal-garanzija, għal benefiċċju ta' kreditur jew krediturі, preżenti jew futuri jew għal benefiċċju ta' klassi ta' krediturі billi jew tintagħmel garanzija favur it-*trustee* kif tkun tipprovdi l-liġi li tkun tapplika f'Malta dwar tipi partikolari ta' garanziji jew bit-tqassim ta' proprjetà favur it-*trustee* taħt pattijiet li jirregolaw it-*trusts* maħsuba biex jitħaddmu għall-għan li jipprovdu garanzija.

Għall-finijiet tal-artikolu 2042 u dispożizzjonijiet oħra taħt liġijiet speċjali li jistgħu jkunu japplikaw għal garanziji, it-*trustee* għandu jitqies bħala kreditur u jkollu dritt li jkun reġistrat bħala d-detentur tal-garanzija, fejn tkun indikata l-pożizzjoni bħala *trustee*.

(2) It-*trustee* tal-garanzija jgawdi dawk id-drittijiet kollha u jkun soġġett għal dawk l-obbligazzjonijiet li jkunu dikjarati fid-dokument bil-miktub li jirregola -

(*a*) il-ħatra tat-*trustee* tal-garanzija, u

(*b*) il-garanzija mogħtija lit-*trustee* tal-garanzija għall-benefiċċju tal-kreditur jew krediturі.

(3) Garanzija, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, tfisser kull arranġament li bih ikunu mħarsa d-drittijiet ta' kreditur, inklużi kull obbligazzjoni, garanzija, mandat, rahan, titolu, trasferiment, għotja, privileġġ jew ipoteka jew it-tqegħid ta' proprjetà fil-pussess jew taħt il-kontroll tat-*trustee* bi drittijiet ta' żamma u bejgħ kif jista' jkun miftiehem.

Kap. 371.

(4) Meta tinħoloq ipoteka favur *trustee* ta' garanzija li jkun bank jew entità oħra tkun awtorizzata skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew skont leġislazzjoni barranija ekwivalenti, dik l-ipoteka tista', minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, tingħata biex tiggarantixxi djun futuri mill-istess debitur lit-*trustee* tal-garanzija jew lil benefiċjarji tat-*trust* ta' garanzija, preżenti u futuri, kif jista' jkun imfisser fid-dokument tat-*trust*. L-ipoteka tkun valida jekk l-att li jikkostitwixxi l-ipoteka espressament jipprovdi li jkun jiggarantixxi djun futuri tal-istess debitur u jillimita l-effetti tal-ipoteka għal somma massima stabbilita. Dak it-tagħrif għandu jagħmel parti min-nota ta' reġistrazzjoni relattiva għar-reġistrazzjoni skont l-artikolu 2042 minflok ir-rekwiżiti tal-

artikolu 2042(*ċ*), (*d*) u (*e*).

(5) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jagħmel regolamenti biex jirregola t-tħaddim ta' garanzija mogħtija favur *trustee* ta' garanzija biex jiżgura djun futuri.

(6) Meta l-garanzija tingħata lil *trustee* ta' garanzija, dak it-*trustee* ikollu s-setgħa u l-interess legali li jippreżenta kull proċediment legali sabiex tiġi inforzata dik il-garanzija wkoll meta skont il-kondizzjonijiet tad-dokument tat-*trust* u l-garanzija -

(*a*) it-*trustee* ma jkunx kreditur tad-dejn jew obbligazzjoni prinċipali; jew

(*b*) il-krediturikollha jkollhom d-dritt *in solidum* li jħarrku biex ikun inforzat dak id-dejn:

Iżda l-ħlas mid-debitur jew lit-*trustee* tal-garanzija jew lill-benefiċjarju, jekk dawn ikunu wkoll kredituri, jissodisfa l-obbligazzjonijiet tad-debitur sal-limitu tal-ħlas magħmul.

(7) Bla ħsara għas-subartikolu li jaħbat minnufih qabel dan, ebda ħaġa fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma ttellef l-azzjoni ta' *trustee* ta' garanzija għall-benefiċċju tal-benefiċjarji taħt *trust* abbażi ta' xi azzjoni ġudizzjarja jew oħra li tittieħed fl-istess ħin minn xi benefiċjarju taħt it-*trust*. Kap. 12.

(8) *Trustee* ta' garanzija ma jkun suġġett għal ebda obbligazzjoni tal-krediturili għall-benefiċċju tagħhom jista' jżomm garanzija ħlief sal-limitu li jkun ftiehem espressament bil-miktub.

(9) *Trustee* ta' garanzija jista' jirriżenja, jirtira jew ikun sostitwit skont il-kondizzjonijiet tat-*trust* u f'dak il-każ it-*trustee* tal-garanzija oriġinali għandu jċedi l-garanzija miżmuma minnu lit-*trustee* tal-garanzija sostitut, fil-forma meħtieġa bil-liġi għall-garanzija partikolari miżmuma.

(10) Benefiċjarji ta' *trust* ta' garanzija li jistgħu jkunu vestiti bid-dejn, jistgħu jċedu d-dejn lil terzi u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1475 għandhom japplikaw għall-garanzija ta' dak id-dejn ukoll jekk miżmuma minn *trustee* ta' garanzija u f'dan il-każ lil min jiġi ċedut dak id-dejn igawdi d-drittijiet tal-benefiċjarju taħt it-*trust* ta' garanzija mal-avviż jew mar-rikonoxximent mit-*trustee* mingħajr il-ħtieġa ta' ċessjoni separata tad-drittijiet benefiċjarji taħt id-dokument tat-*trust*.

(11) Il-ħatra ta' *trustee* ta' garanzija biex iżomm garanzija, it-tneħħija tiegħu jew is-sostituzzjoni tiegħu minn *trustee* ieħor u kull operazzjoni relatata ma għandhomx joperaw bħala novazzjoni lanqas ma għandhom jolqtu l-garanzija kostitwita validament bl-ebda mod.

(12) *Trustee* ta' garanzija jista' wkoll jaġixxi bħala aġent jew mandatarju għall-benefiċjarji tat-*trust* tal-garanzija u jista' jaqdi funzjonijiet taħt dak il-kuntratt skont il-kondizzjonijiet tiegħu.

(13) Fl-eżerċizzju ta' xi dritt dwar l-eżekuzzjoni ta' xi garanzija, it-*trustee* ta' garanzija jkun marbut bid-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirreferu għax-xorta partikolari ta' garanzija u f'każijiet oħra fejn garanzija mhix regolata b'regoli tal-liġi partikolari dwar l-

eżekuzzjoni tagħha, t-*trustee* ta' garanzija għandu jaġixxi b'mod ġust u xieraq fil-konfront tad-debitur.

(14) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1967 għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* fejn rahan jingħata mid-debitur jew terzi għad-debitur, lil *trustee* ta' garanzija, għall-benefiċċju ta' kull kreditur, preżenti u futuri, jew favur xi klassi ta' krediturі.

Miżjud: *VIII.2010*.61.

Titolu XXIIIB

FUQ GARANZIJA BI TRASFERIMENT TA' TITOLU

Ftehim li jistabbilixxi garanzija. *Miżjud: VIII.2010.61.*

2095F. (1) Garanzija bi trasferiment ta' titolu hija kuntratt li permezz tiegħu d-debitur, jew parti terza għad-debitur, jittrasferixxi jew jagħti oġġetti mobbli, kemm jekk minn natura tagħhom għax hekk tqishom il-liġi, biex tiżgura obbligazzjoni preżenti jew futura, lil:

(*a*) kreditur jew krediturі preżenti jew futuri, jew

(*b*) lil parti terza, li b'hekk tkun kunsidrata li hi *trustee* għall-benefiċċju ta' kreditur jew krediturі, preżenti u, jew li jista' jkun hemm skont l-artikolu 2095E.

F'dan it-titolu:

(i) il-frażi "kreditur" għandha tinkludi kemm il-kreditur u *trustee* ta' garanzija terza għall-kreditur; u

(ii) il-frażijiet "debitur" u "min jittrasferixxi" jistgħu jirreferu għall-istess persuni jew għal persuni differenti skont iċ-ċirkostanzi u l-frażi "debitur" tinkludi l-persuna li tittrasferixxi sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

(2) Bla ħsara għall-osservanza ta' dawk il-formalitajiet kif jista' jkun meħtieġ fil-każ ta' tipi partikolari ta' proprjetà immobbli, il-proprjetà tal-beni tiġi akkwista mill-kreditur hekk kif id-debitur u, jew min jittrasferixxi u l-kreditur jagħmlu hemm ftehim bil-miktub dwar:

(*a*) il-proprjetà li tkun qed tiġi trasferita;

(*b*) l-obbligazzjonijiet garantiti li jistgħu jkunu preżenti jew futuri; u

(*ċ*) id-drittijiet tal-persuna li lilha tiġi trasferita l-proprjetà f'każ ta' nuqqas kif stipulat fil-ftehim.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu ta' qabel dan -

(*a*) meta l-proprjetà li tkun qed tiġi trasferita tkun tikkonsisti fi djun u obbligazzjonijiet oħra monetarji għandha tkun suffiċjenti l-inklużjoni fil-ftehim ta' lista ta' djun li jirriżultaw minn strument bil-miktub jew legalment ekwivalenti;

(*b*) meta t-trasferiment ta' proprjetà jirreferi għal ammont kbir ta' krediti jew klassijiet ta' krediti preżenti jew futuri, id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 9 sa 14 tal-Att dwar is-Securitisation għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* b'dawk l-emendi kif ikun meħtieġ b'kunsiderazzjoni għall-fatt li minflok trasferiment għall-finijiet ta' *securitisation*, il-partijiet jistgħu jaqblu dwar trasferiment tal-istess attiv għall-fini ta' garanzija. Kap. 484.

(4) Ftehim bħal dak jista' wkoll jipprovdi:

(*a*) għad-drittijiet tal-persuna li lilha tiġi trasferita l-proprjetà f'każ ta' ħlas jew estinzjoni tal-obbligazzjonijiet garantiti; u

(*b*) għad-drittijiet ta' min jittrasferixxi f'każ ta' ħlas jew estinzjoni tal-obbligazzjonijiet garantiti; u

(*ċ*) għall-mod kif il-proprjetà tkun ser tiġi valutata meta drittijiet ta' bejgħ jew tpaċija jiġu eżerċitati mill-kreditur,

u ftehim bħal dak jibda jkollu effett skont it-termini tiegħu. Fin-nuqqas ta' termini tal-ftehim dwar il-materji msemmija f'dan is-subartikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu.

(5) Fejn il-proprjetà li tkun qiegħda tiġi trasferita bħala garanzija tkun tip ta' beni li tista' tiġi trasferita billi tiġi mgħoddija biss, ftehim bil-miktub kif meħtieġ mis-subartikolu (2) ikun biżżejjed biex isir it-trasferiment ta' dik il-proprjetà. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi li jkunu qegħdin jaġixxu *bona fide*, il-kreditur jista' jaqbel li d-debitur juża l-proprjetà li tkun ġiet hekk trasferita.

(6) Trasferiment bħala garanzija ta' djun u drittijiet oħra tkun operattiva bejn il-partijiet mill-ħin li fih isir il-ftehim imsemmi fis-subartikolu (2).

(7) Trasferiment bħala garanzija għandu jopera bħala trasferiment fir-rigward ta' terzi:

(*a*) dwar djun u drittijiet kontra dak li jkun marbut b'obbligazzjoni, meta jingħata avviż skont l-artikolu 1471 jew dak li jkun marbut b'obbligazzjoni tad-dritt assenjat ikun għaraf dak l-assenjament; jew

(*b*) dwar fejn id-drittijiet ikunu jikkonsistu fi proprjetà, fejn ma jkunx hemm persuna li tkun marbuta b'obbligazzjoni u fejn it-titolu għalih ikun reġistrat f'reġistru pubbliku, l-effetti tat-trasferimenti jseħħu meta t-trasferiment jiġi reġistrat fir-reġistru rilevanti.

Għall-finijiet tal-artikolu 1471, jista' jingħata avviż bil-miktub b'kull mezz, kompriżi mezzi elettroniċi, u ma jkunx hemm il-ħtieġa li dak l-avviż isir b'att ġudizzjarju.

(8) Minbarra l-każ ikkontemplat fl-artikolu 1472(*b*), meta ċessjoni oħra ta' kreditu jew dritt ieħor issir permezz ta' garanzija u d-debitur ma jiġix avżat biha jew ma tiġix reġistrata skont is-

subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, l-effetti taċ-ċessjoni sussegwenti għandhom jibdew iseħħu biss meta jintemmu l-effetti taċ-ċessjoni li tkun saret qabilha u d-drittijiet tal-assenjatarju sussegwenti jkunu kondizzjonati fuqha. Ħlief fejn iċ-ċessjoni sussegwenti ssir bil-kunsens bil-mitkub tal-ewwel assenjatarju u soġġetta għat-termini ta' kunsens bħal dak, l-ewwel assenjatarju m'għandu jkollu l-ebda obbligazzjoni lejn kull assenjatarju sussegwenti.

(9) Il-korrispettiv ta' trasferiment bħala garanzija għandu jkun l-għoti u l-aċċettazzjoni ta' garanzija, u d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb dwar "prezz" ma għandhomx ikunu japplikaw għal trasferimenti bħal dawk.

(10) Għall-effetti u l-iskopijiet kollha, il-kreditur li lilu tkun ġiet trasferita l-proprjetà għandu jiġi kunsidrat bħala l-proprjetarju assolut tal-proprjetà hekk trasferita u dik il-proprjetà ma għandhiex tifforma parti mill-patrimonju tad-debitur.

(11) Trasferiment li jsir skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu:

(*a*) ma jkunux soġġetti għall-karaterizzazzjoni mill-ġdid bħal kull kuntratt ieħor u jidħol fis-seħħ skont il-pattijiet tiegħu; u

(*b*) ikun eżegwibbli skont it-termini ta' ftehim li jsir skont is-subartikolu (2) u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu minkejja l-falliment jew insolvenza tad-debitur tad-djun jew min ikkostitwixxa l-garanzija bit-trasferiment ta' titolu jew il-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-proċeduri dwar insolvenza jew xoljiment jew miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid.

(12) L-utili tal-beni trasferiti bħala garanzija għandu jitqies li jagħmel parti mill-proprjetà u jkun soġġett għad-drittijiet kollha tal-kreditur kif jissemma f'dan it-Titolu.

Infurzar ta' drittijiet. *Miżjud: VIII.2010.61.*

2095G. (1) It-termini tal-ftehim dwar it-trasferiment ta' proprjetà bħala garanzija jirregolaw il-ħwejjeġ kollha bejn id-debitur u l-kreditur, min jittrasferixxi u l-kreditur kompriżi d-drittijiet tal-kreditur li jinforza l-garanzija f'każ ta' nuqqas.

(2) Bla ħsara għat-termini tal-ftehim bejn il-partijiet, f'każ ta' nuqqas, il-kreditur għandu, wara li jagħti avviż bil-miktub lid-debitur u lil min jittrasferixxi l-proprjetà bħala garanzija, jekk differenti, ikun intitolat li jieħu l-proprjetà trasferita b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(*a*) permezz ta' bejgħ, jew

(*b*) bi tpaċija jew *netting* tal-valur, u japplika l-valur tagħhom fil-ħruġ tal-obbligazzjonijiet garantiti.

(3) It-tpaċija jew *netting* ikunu possibbli biss jekk ikun ġie miftiehem espressament fil-ftehim bejn il-partijiet.

(4) Fejn kreditur jeżerċita d-drittijiet kif hawn qabel imsemmi, hu għandu jeżerċita dawk id-drittijiet b'mod kummerċjalment raġonevoli u għandu jkun marbut b'obbligi fiduċjarji f'dak ir-rigward u jkollu l-obbligu li jagħti rendikont lid-debitur dwar il-

valur użat għal dak l-infurzar.

(5) Mingħajr preġudizzju għat-titolu vestit fil-kreditur, il-kreditur għandu jkun intitolat, f'kull każ, li jitlob il-bejgħ f'irkant bil-qorti tal-proprjetà li tkun ġiet trasferita lilu bħala garanzija u d-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq il-Bejgħ bl-Irkant fil-Qorti għandhom ikunu japplikaw b'dik il-varjazzjoni li tkun meħtieġa minħabba fil-kuntest. Kap. 12.

(6) Fejn il-proprjetà trasferita bħala garanzija tkun fil-pussess tad-debitur, il-Qorti għandha tagħti l-għajnuna kif ikun meħtieġ lill-kreditur biex jieħu pussess tal-proprjetà għall-iskop tal-mod ta' infurzar kif hawn qabel imsemmi.

(7) Kull infurzar skont is-subartikoli ta' qabel dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi li setgħu akkwistaw jeddijiet personali jew reali fuq il-proprjetà mingħand id-debitur qabel ma sar it-trasferiment bħala garanzija, jew, jekk wara, bil-kunsens bil-miktub u bil-parteċipazzjoni tal-kreditur; iżda jekk meta l-arranġament tal-garanzija ma jkunx jorbot fir-rigward ta' terzi jew xort'oħra ma jkunx magħruf pubblikament permezz ta' -

(*a*) reġistrazzjoni tat-trasferiment f'reġistru pubbliku,

(*b*) avviż lil jew għarfien mid-debitur ta' dejn skont l-artikolu 1471 (kif modifikat mis-subartikolu (7) tal-artikolu 2095F), jew

(*ċ*) trasferiment ta' pussess tal-proprjetà lill-kreditur jew *trustee* ta' garanzija,

persuna li tikseb jeddijiet fuq l-imsemmija proprjetà *bona fide* għal valur għandha wkoll tiġi protetta.

(8) Il-partijiet jistgħu jagħmlu ftehim ta' *close-out netting* skont l-Att dwar Tpaċija u *Netting* f'każ ta' Insolvenza biex ikun japplika f'każ ta' nuqqas. Kap. 459.

2095H. (1) Meta kreditur ikun ħa l-pussess tal-proprjetà li tkun hekk ġiet trasferita, bla ħsara għat-termini tal-ftehim dwar it-trasferiment, hu m'għandux jitħalla jagħmel użu mill-proprjetà ħlief jekk espressament ikollu permess jagħmel dan bil-ftehim bejn il-partijiet u jkollu responsabbiltà lejn il-persuna li tittrasferixxi għat-telf jew għat-tgħarriq tal-proprjetà bi ħtija tiegħu. Responsabbiltà tal-kreditur li jirċievi. *Miżjud: VIII.2010.61.*

(2) Fejn il-proprjetà trasferita bħala garanzija tkun funġibbli fin-natura:

(*a*) il-partijiet jistgħu jaqblu li l-kreditur li lilu tkun ġiet trasferita l-proprjetà jkun jista' jieħu sehem fi transazzjonijiet li jkunu jinvolvu l-bejgħ tagħha u jista' wkoll jużaha bħala garanzija biex jeżerċita l-obbligazzjonijiet tiegħu;

(*b*) l-obbligu li jrodd lura l-proprjetà jkun dak li jrodd lura proprjetà ekwivalenti iżda jista' jkun ukoll ir-radd lura ta' valur ekwivalenti.

(3) Id-dispożizzjonijiet dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji f'dan il-Kodiċi jgħoddu għall-kreditur li għandu jiġi kunsidrat bħala li

kiseb it-titolu u l-pussess bħala fiduċjarju biss għall-iskopijiet li -

(*a*) iżomm it-titolu u, jekk hekk ikun miftiehem, il-pussess tal-proprjetà bħala garanzija għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet garantiti,

(*b*) juża dik il-proprjetà jew il-valur tagħha bi tpaċija tal-obligazzjonijiet garantiti f'każ ta' nuqqas; u

(*ċ*) jrodd lura l-proprjetà, jew l-ekwivalenti tagħha f'każ ta' proprjetà funġibbli, għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet garantiti jew għar-radd lura ta' kull eċċess fil-valur lill-persuna li tkun trasferiet f'każ ta' infurzar,

u minkejja l-obbligazzjoni li jevita konflitti ta' interess huwa jkun intitolat li jaġixxi fl-interessi tiegħu għall-iskopijiet imsemmija hawn qabel.

(4) Minkejja l-fatt li l-kreditur hu l-proprjetarju assolut tal-proprjetà li tkun ġiet trasferita bħala garanzija, kull eżerċizzju ta' drittijiet ta' proprjetà ħlief dawk kif provdut fil-ftehim bejn il-partijiet jew kif hawn provdut ikun ksur tad-dmiritijiet ta' fiduċjarju li għalihom il-kreditur ikun obbligat lejn id-debitur skont dan il-Kodiċi.

(5) Meta l-infurzar isir permezz ta' tpaċija mill-kreditur, wara li jingħata avviż ta' infurzar skont l-artikolu 2095G(2), il-kreditur isir il-proprjetarju assolut tal-proprjetà u jinħeles mid-dmirijiet fiduċjarji ġejjin mill-ftehim tal-garanzija u minn dawn id-dispożizzjonijiet. Il-valur tal-obbligazzjoni tal-kreditur li jrodd lura l-proprjetà trasferita bħala garanzija li tkun tpaċija kontra d-drittijiet tal-kreditur għall-ħlas tal-obbligazzjoni dovuta lilu jkun stabbilit bi ftehim mal-persuna li tittrasferixxi jew stabbilit bil-mod miftiehem bejn il-partijiet u fin-nuqqas ta' ftehim bħal dak, bil-valur tas-suq jekk ikun jeżisti, u fejn ma jkunx jeżisti valur tas-suq, bi prezz li jiġi stabbilit minn persuna indipendenti li jkollha l-kompetenza tivvaluta proprjetà bħal dik.

(6) Meta jinħareġ avviż ta' infurzar għall-bejgħ tal-proprjetà skont l-artikolu 2095F(2), il-kreditur ikollu s-setgħa li jbiegħ il-proprjetà:

(*a*) bil-mod miftiehem mal-persuna li tittrasferixxi jew, fin-nuqqas ta' ftehim, bil-mod li l-kreditur jikkunsidra li jkun l-aktar xieraq u kummerċjalment raġonevoli; u

(*b*) għal prezz stabbilit bi ftehim mal-persuna li tittrasferixxi jew stabbilit bil-mod miftiehem bejn il-partijiet u fin-nuqqas ta' ftehim bħal dak, għall-valur tas-suq jekk ikun jeżisti, jew jekk ma jkunx hemm valur tas-suq, għal prezz stabbilit minn persuna li jkollha l-kompetenza li tivvaluta dik il-proprjetà; u

(*ċ*) meta l-proprjetà tkun ser tinbiegħ permezz ta' bejgħ f'irkant bil-qorti, għal prezz u skont d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jkunu japplikaw,

u l-kreditur ikun l-unika persuna li tkun intitolata li tirċievi d-dħul mill-bejgħ.

(7) Meta jsir dak li hemm fis-subartikoli ta' qabel dan, il-kreditur jalloka lil u jgħaddi bi tpaċija kontra l-obbligazzjoni garantita -

(*a*) fil-każ imsemmi fis-subartikolu (5), il-valur tal-obbligazzjoni li tintradd lura t-tpaċija tal-proprjetà kontra l-obbligazzjoni garantita;

(*b*) fil-każ imsemmi fis-subartikolu (6), id-dħul mill-bejgħ li jirċievi l-kreditur ikun tpaċija kontra l-obbligazzjonijiet garantiti,

u kull eċċess għandu jitħallas minnufih lil min ikun ittrasferixxa.

(8) Jekk ikun meħtieġ li jittieħed b'mod xieraq il-valur li jkun kummerċjalment raġonevoli, il-kreditur ikun intitolat li jbiegħ jew jagħti bi tpaċija kif imsemmi hawn aktar qabel il-proprjetà kollha trasferita bħala garanzija ukoll jekk din teċċedi l-valur tal-obbligazzjonijiet garantiti. Mod ieħor, il-kreditur jista' biss ibiegħ jew jgħaddi bi tpaċija kemm ikun meħtieġ biex ikopri l-obbligazzjonijiet garantiti, l-imgħax u d-drittijiet u jrodd lura l-proprjetà li jkun fadal żejjed lil min ikun ittrasferixxa.

(9) Ħlief fejn liġijiet speċjali jkunu jippermettu xort'oħra, id-debitur ma jistax jiftiehem dwar il-valur tal-proprjetà li tkun ġiet trasferita bħala garanzija għall-finijiet ta' infurzar qabel ma huwa jirċievi avviż ta' bejgħ jew tpaċija kif hemm fl-artikolu 2095G(2); iżda hu jkun jista' jiftiehem dwar valur li jkun irid jiġi stabbilit b'riferenza għal suq jew fuq mekkaniżmu ta' valutazzjoni li jkun irid jiġi segwit f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet.

(10) Il-Qorti tista', *a posteriori,* wara talba mid-debitur, tivverifika kemm ikun kummerċjalment raġonevoli t-teħid tal-proprjetà jew il-valutazzjoni li tkun ġiet użata skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn aktar qabel. Meta ssir verifika bħal dik, il-Qorti tista', jekk issib li t-teħid ma jkunx sar skont il-ftehim bejn il-partijiet jew, fin-nuqqas tat-termini ta' ftehim, b'mod li jkun kummerċjalment raġonevoli jew b'valur ġust, tikkundanna lill-kreditur iħallas danni lil min ikun ittrasferixxa u, jew id-debitur għat-telf kawżat mill-azzjonijiet tiegħu.

Radd lura ta' proprjetà lid-debitur. *Miżjud: VIII.2010.61.*

2095I. (1) Meta d-debitur jesegwixxi l-obbligazzjonijiet garantiti, il-kreditur għandu d-dmir b'mod assolut li jrodd lura l-proprjetà lil min ikun ittrasferixxa billi jwettaq dawk l-atti formali jew xort'oħra kif inkun meħtieġ.

(2) Ħlief fejn ikun ġie miftiehem xort'oħra, min ikun ittrasferixxa ma jistax jitlob ir-radd lura parzjali tal-proprjetà li tkun ġiet trasferita bħala garanzija fuq l-eżekuzzjoni parzjali tal-obbligazzjonijiet garantiti u l-kreditur ikun obbligat biss li jrodd lura l-proprjetà li tkun ġiet trasferita lil min ikun ittrasferixxa, meta d-debitur ikun esegwixxa għal kollox l-obbligazzjonijiet garantiti.

(3) Il-kondizzjonijiet ta' kull ftehim dwar ir-radd lura ta' proprjetà li tkun ġiet trasferita skont dan it-Titolu jkunu eżegwibbli skont it-termini tiegħu u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1357 ma għandhomx ikunu japplikaw.

Riserva.
Miżjud: VIII.2010.61.

2095J. (1) Xejn f'dan it-Titolu ma għandu jillimita jew jeffettwa l-applikazzjoni tal-liġijiet ta' Malta li jistgħu jimplimentaw id-Direttiva dwar Arranġamenti Finanzjarji Kollaterali (2002/47/KE), kif minn żmien għal żmien tista' tiġi emendata, safejn hi tkun tapplika għal proprjetà partikolari li tista' tkun is-suġġett ta' arranġament finanzjarju kollaterali għat-trasferiment ta' titolu.

(2) It-trasferiment ta' obbligazzjoni bħala garanzija ma għandux jaffettwa l-operat jew l-effett tat-termini legali jew kontrattwali tad-dejn li jkun hemm jew xi dritt ieħor li jkun il-proprjetà li tkun ġiet trasferita bħala garanzija.

(3) Debitur ta' dejn jew xi dritt ieħor jista', skont l-artikolu 1996A, b'mod validu jirrinunzja għad-drittijiet tiegħu ta' tpaċija jew ta' difiża oħra *vis-a-vis* il-kreditur immedjat tiegħu meta dak id-dejn jew obbligazzjoni oħra tkun is-suġġett ta' trasferiment bħala garanzija u dak id-debitur ma għandux, minn dak il-waqt, ikun intitolat li jressaq xi difiża kontra kull talba li ssir mill-persuna li lilha jkun ġie trasferit l-imsemmi dejn u dan minkejja in-nuqqas ta' avviż jew tagħrif skont l-artikolu 1471.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1483 ma għandhomx ikunu japplikaw fir-rigward ta' ċessjoni bħala garanzija.

Titolu XXIV

FUQ IL-BENEFIĊĊJU TAL-FIRDA TAL-PATRIMONJI

X'inhu l-benefiċċju tal-firda tal-patrimonji.

2096. Il-benefiċċju tal-firda tal-patrimonji huwa l-jedd li għandhom il-krediturі ta' wieħed mejjet u l-legatarju tiegħu, li jitolbu illi l-ħwejjeġ mobbli u immobbli tal-wirt jiġu mifruda mill-beni partikolari tal-werriet, u jitħallew għall-ħlas tal-krediti jew legati tagħhom, bi preferenza fuq kollha kemm huma l-krediturі partikolari tal-werriet.

Effetti tal-benefiċċju.

2097. L-effett ta' dan il-benefiċċju favur dawk li għandhom il-jedd li jitolbuh, huwa biss li jeħles lilhom mill-preġudizzju li jistgħu jbatu għal dawk li huma l-beni tal-wirt, minħabba l-jeddijiet tal-krediturі partikolari tal-werriet; u dan il-benefiċċju jżomm favur kull wieħed minnhom, f'konkors, dawk il-jeddijiet biss li jistgħu imissu lil kull wieħed minnhom skont ix-xorta u l-kondizzjonijiet tal-kreditu jew jedd ieħor tiegħu fuq il-ħwejjeġ tal-wirt.

Żmien sabiex jintalab.

2098. Il-jedd għall-eżerċizzju ta' dan il-benefiċċju jispiċċa jekk ma jitmexxiex fi żmien sena minn dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

Trasferiment ta' beni tal-wirt qabel ma jiġi eżerċitat il-benefiċċju,

2099. It-trasferiment tal-ħwejjeġ tal-wirt, mobbli jew immobbli, magħmul mill-werriet, ukoll jekk matul iż-żmien fuq imsemmi, qabel ma jiġi eżerċitat dan il-benefiċċju, jibqa' sħiħ; iżda, f'dan il-każ, il-benefiċċju jista' jitmexxa fuq il-prezz li jkun għad ma tħallasx.

jew wara li jiġi eżerċitat.

2100. (1) It-trasferiment ta' ħwejjeġ mobbli magħmul mill-werriet jibqa' sħiħ, ukoll jekk isir wara li jiġi eżerċitat il-benefiċċju, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-

trasferiment ta' ħwejjeġ litiġjużi.

(2) Iżda, l-immobbli ttrasferiti wara li jkun ġie eżerċitat dan il-benefiċċju, jibqgħu suġġetti għall-jeddijiet tal-krediturі tal-mejjet u għal dawk tal-legatarji tiegħu.

Kif jiġi eżerċitat il-benefiċċju.

2101. (1) Dan il-benefiċċju jiġi eżerċitat b'talba ġudizzjarja.

(2) Iżda, għal dawk li huma immobbli, l-iskrizzjoni tal-benefiċċju sservi minflok din it-talba.

X'għandu jkun fiha n-nota tal-iskrizzjoni.

2102. (1) Sabiex issir l-iskrizzjoni tal-benefiċċju tal-firda tal-patrimonji, hu meħtieġ li tiġi ppreżentata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, nota li jkun fiha -

(*a*) il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 2042(*a*), (*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*) u (*f*);

(*b*) it-talba għall-iskrizzjoni tal-benefiċċju tal-firda tal-patrimonju tad-debitur mejjet minn dak tal-werriet tiegħu.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2043 sa l-2047 u 2049 sa l-2052 igħoddu għall-iskrizzjoni ta' dan il-benefiċċju.

Effett tal-iskrizzjoni.

2103. L-iskrizzjoni ta' dan il-benefiċċju magħmula fiż-żmien ta' tliet xhur mill-jum tal-ftuħ tas-suċċessjoni tibda sseħħ minn dak il-jum, għall-immobbli ttrasferiti matul dak iż-żmien.

Meta l-benefiċċju ma jistax jiġi eżerċitat.

2104. (1) Il-benefiċċju tal-firda tal-patrimonji ma jistax jiġi eżerċitat meta hemm novazzjoni billi jkun ġie aċċettat il-werriet bħala debitur.

(2) Dan il-benefiċċju ma jiswiex ħlief favur dawk li jkunu eżerċitawh.

(3) Jista' jiġi eżerċitat għall-firda tal-beni kollha mingħajr distinzjoni jew ta' ħaġa waħda jew iżjed imsemmija fit-talba.

Il-krediturі tal-werriet ma jistgħux jitolbu l-benefiċċju.

2105. Il-krediturі tal-werriet ma jistgħux jitolbu l-firda tal-patrimonji kontra l-krediturі tal-wirt.

Bla ħsara tas-suċċessjonijiet miftuħa qabel il-11 ta' Frar, 1870.

2106. Il-benefiċċju tal-firda tal-patrimonji dwar suċċessjonijiet miftuħa qabel il-11 ta' Frar, 1870 jibqa' wkoll regolat mil-liġijiet li kienu jseħħu fiż-żmien tal-ftuħ ta' dawk is-suċċessjonijiet.

Titolu XXV

FUQ IL-PRESKRIZZJONI

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

X'inhi l-preskrizzjoni.

2107. (1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi.

(2) Il-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn

azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi.

Rinunzja

2108. (1) Ma tistax issir minn qabel rinunzja bil-quddiem għall-preskrizzjoni, lanqas ma jista' jiġi miftiehem għall-preskrizzjoni żmien itwal minn dak li hemm fil-liġi.

(2) Tista' ssir rinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.

tista' tkun espressa jew taċita.

2109. (1) Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita.

(2) Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.

Min ma jistax jirrinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.

2110. Min ma jistax jittrasferixxi, ma jistax jirrinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata.

Il-preskrizzjoni għandha tiġi eċċepita mill-parti.

2111. Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eċċepita mill-parti interessata.

Meta tista' tiġi eċċepita.

2112. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell.

Min jista' jagħtiha.

2113. Il-krediturі u persuni oħra li jkollhom interess li jinqdew bil-preskrizzjoni, jistgħu jagħtu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ukoll jekk id-debitur jew il-pussessur ikun irrinunzja għaliha.

Ħwejjeġ li għalihom m' hemmx preskrizzjoni.

2114. Ma hemmx preskrizzjoni dwar ħwejjeġ li huma *extra commercium*.

Ħwejjeġ li għalihom hemm preskrizzjoni. *Emendat: A.L 148 tal-1975.*

2115. (1) Il-preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut, jew korp morali, bla distinzjoni, kif ukoll il-beni suġġetti għal fedekommess.

(2) Iżda, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156.

Meta jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2116. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jgħoddu f'kull każ li għalih ma jkunx ipprovdut xort'oħra f'partijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew f'liġijiet oħra.

Preskrizzjonijiet li bdew qabel il-11 ta' Frar, 1870.

2117. (1) Il-preskrizzjonijiet li bdew qabel il-11 ta' Frar, 1870 huma regolati skont il-liġi li kienet isseħħ f'dak iż-żmien.

(2) B'dan kollu, il-preskrizzjoni li tkun bdiet qabel il-jum fuq imsemmi, u li biex tagħlaq, skont il-liġi li kienet isseħħ f'dak iż-żmien, ikun għad irid igħaddi żmien itwal minn dak li hemm imsemmi f'dan il-Kodiċi, tagħlaq meta jgħaddi ż-żmien imsemmi f'dan l-Kodiċi, li għandu jibda jgħodd minn dak il-jum.

(3) Ebda żmien li għadda qabel il-jum hawn fuq imsemmi ma għandu jiġi magħdud għall-preskrizzjoni ta' ħwejjeġ jew azzjonijiet illi, skont il-liġi li kienet isseħħ f'dak iż-żmien, ma kinux suġġetti għal preskrizzjoni, u li saru hekk suġġetti bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi.

2117A. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-preskrizzjoni, irriferenza ta' kull ħaġa għal arbitraġġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ, għandu jkollha l-istess effett ta' azzjoni ġudizzjarja quddiem qorti kompetenti.

Preskrizzjoni u proċedimenti ta' arbitraġġ. *Miżjud: II.1996.78.* Kap. 387.

Sub-titolu I

FUQ IL-KAWŻI LI JIMPEDIXXU L-PRESKRIZZJONI

2118. Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħal ma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.

Il-pussesuri f'isem ħaddieħor ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom.

2119. Iżda, il-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jistgħu jippreskrivu jekk it-titolu tagħhom jitbiddel minħabba raġuni li tkun ġejja minn terza persuna, jew bis-saħħa tal-oppożizzjoni li huma jagħmlu għall-jedd tas-sid.

iżda jistgħu jippreskrivu jekk it-titolu tagħhom jitbiddel.

2120. Kull persuna li lilha l-kerrej, id-depożitarju jew sempliċi detentur ieħor jittrasferixxi l-ħaġa b'titolu li jista' jittrasferixxi l-proprjetà, tista' tippreskrivi.

Dawk li jakkwistaw mingħand il-kerrej, eċċ., jistgħu jippreskrivu.

2121. (1) Ħadd ma jista' jippreskrivi kontra t-titolu tiegħu nnifsu fis-sens li ħadd ma jista' jbiddel għalih innifsu r-raġuni li għaliha jkun iżomm il-ħaġa.

Ma jistax wieħed jippreskrivi kontra t-titolu tiegħu nnifsu.

(2) Iżda, wieħed jista' jippreskrivi kontra t-titolu tiegħu nnifsu, fis-sens illi jista' bil-preskrizzjoni jakkwista l-ħelsien mill-obbligazzjoni.

Sub-titolu II

FUQ IL-KAWŻI LI JISSOSPENDU L-PRESKRIZZJONI

2122. Il-preskrizzjoni timxi kontra -

II-preskrizzjoni timxi ġeneralment kontra kulħadd.

(*a*) l-assenti;

(*b*) il-wirt battal għalkemm ma jkunx ġie maħtur kuratur għalih;

(*ċ*) il-werriet matul iż-żmien biex jagħmel l-inventarju u biex jiddeċiedi jekk jaċċettax il-wirt; u

(*d*) in ġenerali, kontra kull persuna oħra li ma tidħolx fl-eċċezzjonijiet imsemmijin fl-artikoli li ġejjin.

2123. Il-preskrizzjoni ma timxix -

Eċċezzjonijiet. *Emendat: XLVI.1973.107; XXI.1993.2.*

(*a*) bejn ir-raġel u l-mara;

(*b*) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;

(*ċ*) bejn il-persuna taħt tutela jew kurazija u t-tutur jew kuratur tagħha, sa tispiċċa t-tutela jew il-kurazija, u sa

jingħataw għal kollox u jiġu approvati l-kontijiet;

(*d*) bejn il-werriet u l-wirt aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju.

Minuri interdetti, eċċ.
Emendat: XXIII.2017.89. XXXII.2018.16.

2124. (1) Ħlief fil-każijiet imsemmijin mil-liġi, il-preskrizzjoni ma timxix kontra l-minuri u l-interdetti.

(2) Ma timxix lanqas, matul iż-żwieġ, kontra kwalunkwe wieħed mill-konjuġi, fil-każijiet li fihom l-azzjoni li tmiss lil tali konjuġi, jekk tiġi eżerċitata, tagħti jedd lill-konvenut li jdur kontra l-konjuġi l-ieħor.

(3) Meta jiġu kawżati danni minn reat imwettaq fuq minuri, il-preskrizzjoni għandha tibda tgħaddi mill-jum li fih il-vittma tilħaq l-età maġġorenni.

Każijiet oħra li għalihom il-preskrizzjoni ma timxix.
Emendat: VI.2005.4; XXX.2015.9; XVII.2023.24.

2125. Il-preskrizzjoni hija wkoll sospiża -

(*a*) kwantu għall-jeddijiet kondizzjonali, sakemm il-kondizzjoni ma sseħħx;

(*b*) kwantu għall-azzjonijiet ta' garanzija, sakemm ma jkunx hemm l-evizzjoni;

(*ċ*) kwantu għal kull azzjoni oħra li l-eżerċizzju tagħha hu sospiż bi żmien, sakemm jagħlaq dan iż-żmien;

(*d*) kwantu għal azzjoni għad-danni, matul dak iż-żmien qabel ma ssir il-kawża li fih ikunu qegħdin isiru negozjati bejn il-partijiet kollha jew xi wħud minnhom jew l-assiguraturi tagħhom li jkollhom interess fl-azzjoni kontra xulxin;

Kap. 378.

(*e*) meta konsumatur li jkollu tilwima ma' negozjant juża proċedura tal-ADR skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li r-riżultat tagħha mhuwiex vinkolanti fuq ebda waħda mill-partijiet, sakemm il-proċedura tal-ADR tiġi konkluża:

Kap. 378.

Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għandhom japplikaw b'konnessjoni ma' dan il-paragrafu;

Att Nru XVII tal-2023.

(*f*) meta entità kwalifikata kif imfissra fl-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi tkun ressqet azzjoni rappreżentattiva skont l-istess Att, sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod definittiv.

Il-preskrizzjoni tissokta wara li tispiċċa r-raġuni tas-sospensjoni tagħha.

2126. Il-preskrizzjoni mibdija u sospiża, tissokta timxi minnufih li tispiċċa r-raġuni tas-sospensjoni tagħha.

Sub-titolu III

FUQ IL-KAWŻI LI JIKSRU L-PRESKRIZZJONI

Ksur tal-preskrizzjoni bl-evizzjoni tal-pussessur,

2127. Il-preskrizzjoni tinkiser meta l-pussessur jiġi mneħħi, għal iżjed minn sena, mit-tgawdija tal-ħaġa, sew jekk mis-sid sew jekk minn ħaddieħor.

b'att ġudizzjarju.

2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.

Il-preskrizzjoni tinkiser għalkemm l-att ma jkunx sar kif imiss, eċċ.

2129. Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att ġudizzjarju ieħor ikunu nulli minħabba difett ta' forma, jew minħabba li jkunu ġew ippreżentati quddiem qorti li mhix il-qorti kompetenti.

Żmien li fih l-att għandu jiġi ppreżentat.

2130. (1) Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.

(2) Iżda, jekk dak li għandu jiġi nnotifikat ikun nieqes minn Malta, in-notifika titqies li saret b'avviż maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern, fi żmien xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien hawn imsemmi, fuq talba tal-parti li tkun ippreżentat l-att, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(3) L-avviż hawn fuq imsemmi għandu jkun fih fil-qosor l-att li bih tinkiser il-preskrizzjoni, u għandu jkun iffirmat mir-reġistratur tal-qorti li quddiemha l-att ikun ġie ppreżentat.

Ksur tal-preskrizzjoni b'talba ġudizzjarja.

2131. Il-preskrizzjoni tinkiser b'talba ġudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut minħabba li jkun nieqes minn Malta jew għal xi raġuni tajba oħra, basta li l-attur jissokta l-kawża kontra kuratur maħtur mill-qorti, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u jieħu sentenza fuq dik it-talba.

Kap. 12.

1Il-ksur tal-preskrizzjoni ma jiswiex f'każ ta' rinunzja għat-talba, eċċ.

2132. (1) Il-ksur tal-preskrizzjoni magħmul b'talba ġudizzjarja, jitqies bħallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja għat-talba, jew jekk il-kawża tibqa' dežerta, jew jekk it-talba tiġi miċħuda.

(2) Għal dik li hija r-rinunzja jew iċ-ċaħda ta' talba ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux fil-każijiet li l-attur jista', skont il-liġi, jerġa' jġib ' il quddiem it-talba, basta li din it-talba terġa' tinġieb ' il quddiem fl-istess qorti jew f'oħra fi żmien xahar minn dak in-nhar tar-rinunzja jew taċ-ċaħda, u l-konvenut jiġi nnotifikat bil-mod u fiż-żmien imsemmijin fiż-żewġ artikoli ta' qabel dan, skont ma jkun il-każ.

Ksur tal-preskrizzjoni b'tagħrif tal-jedd,

2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.

bi ħlas akkont tad-dejn.

2134. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.

Effetti tal-ksur tal-preskrizzjoni dwar il-garanti.

2135. It-tagħrif tad-dejn mid-debitur prinċipali, jew kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni kontra dan id-debitur prinċipali, jiswa wkoll bħala ksur tal-preskrizzjoni kontra l-garanti, bla ħsara, meta l-garanti jkun intrabat *in solidum* mad-debitur prinċipali, tad-

dispożizzjonijiet tal-artikoli 1100 u 1101.

Iż-żmien tal-preskrizzjoni li ġa għalaq ma jingħaddx.

2136. (1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għalbiex wieħed jippreskrivi.

(2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid.

Sub-titolu IV

FUQ IŻ-ŻMIEN MEĦTIEĠ GĦALL-PRESKRIZZJONI

Bidu tal-preskrizzjoni.

2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.

Kif jitqies iż-żmien tal-preskrizzjoni.

2138. (1) Il-preskrizzjoni titqies bi ġranet sħaħ, u mhux bis-sigħat.

(2) Il-ġranet huma kontinwi: ix-xhur jitqiesu skont il-kalendarju.

Meta tagħlaq il-preskrizzjoni. *Emendat: XI.1977.2.*

2139. (1) Il-preskrizzjoni tagħlaq minnufih li jgħaddi l-aħħar jum taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni.

(2) Iżda, jekk l-aħħar jum ikun is-Sibt jew btala pubblika, il-preskrizzjoni tagħlaq malli jgħaddi l-ewwel jum ta' wara, li ma jkunx Sibt jew btala pubblika.

---

§ I. FUQ IL-PRESKRIZZJONI TA' GĦAXAR SNIN, TLETIN U ERBGĦIN SENA

Preskrizzjoni ta' għaxar snin.

2140. (1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha.

(2) Jekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att.

Bona fidi.

2141. Mhux bizżejjed li jkun hemm il-bona fidi fiż-żmien tal-akkwist, iżda jeħtieġ li dina tissokta għaż-żmien kollu meħtieġ għall-preskrizzjoni.

Mala fidi tal-pussessur ta' qabel mhix ta' ħsara għal ta' warajh.

2142. (1) Il-mala fidi tal-pussessur ta' qabel mhix ta' ħsara għas-suċċessur tiegħu, sew jekk dan ikun b'titolu universali kemm jekk ikun b'titolu partikolari.

(2) Iżda, f'dan il-kaz, is-suċċessur ma jistax għall-finijiet tal-preskrizzjoni igħaqqad il-pussess tiegħu ma' dak tal-pussessur ta' qablu.

Preskrizzjoni tal-azzjonijiet reali, personali u misti.

2143. L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.

Preskrizzjoni ta' erbgħin sena.

2144. (1) Iz-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni msemmi fl-artikoli 2140 u 2143 ma jgħoddx għall-preskrizzjoni fil-kaz ta' immobbli suġġett għal fedekommess, jew ta' immobbli jew azzjonijiet li jkunu ta' jew li jmissu lil knejjes jew xi istituzzjoni pija.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli, il-preskrizzjoni dwar il-ħwejjeġ u l-azzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) tagħlaq biss bl-egħluq ta' erbgħin sena, iżda ebda oppożizzjoni għal din il-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.

Jeddijiet li ma jistgħux jiġu eżerċitati ħlief rarament.

2145. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan igħoddu ukoll fil-każ ta' jedd, ukoll jekk ekkleżjastiku, illi ma jistax jiġi eżerċitat ħlief rarament.

(2) Iżda, f'dan il-każ, dak li jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu, barra mill-egħluq ta' erbgħin sena, jipprova wkoll li, matul dan iż-żmien, ġiet l-okkażjoni, għall-anqas għal tliet darbiet, li wieħed seta' jeżerċita dak il-jedd, u li kull darba huwa eżerċitah, jew, skont il-każ, li l-parti li lilha dak il-jedd kien imiss naqset kull darba li teżerċitah.

Obbligazzjoni tad-debitur ta' renta.

2146. (1) Wara ħamsa u għoxrin sena mid-data tal-aħħar kitba, id-debitur ta' renta jew ta' ħlas ieħor ta' kull sena li għandhom jissoktaw għal iżjed minn tletin sena jista' jiġi mġiegħel jagħti lill-kreditur jew lill-persuna li tiġi ' l quddiem bil-jeddijiet tal-kreditur, kitba ġdida, li fiha jiġi magħruf id-dejn jew jiġu ddikjarati l-ħlasijiet li jkunu saru.

(2) Il-kreditur jista' jitlob li din il-kitba, bi spejjeż tiegħu, issir b'att pubbliku.

§ II. FUQ XI PRESKRIZZJONI PARTIKOLARI

Azzjonijiet li jaqgħu bi preskrizzjoni egħluq sena.

2147. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:

(*a*) l-azzjonijiet tas-surmastrijiet jew għalliema ta' xjenzi jew ta' arti, għal-lezzjonijiet li jagħtu bil-ġurnata jew bix-xahar;

(*b*) l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew alloġġ għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu;

(*ċ*) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forniturи li jkollhom jieħdu;

(*d*) l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom.

Azzjonijiet li jaqgħu bi preskrizzjoni egħluq tmintax-il xahar. *Emendat: I.2017.2.*

2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

(*b*) l-azzjonijiet ta' krediturі għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

(*ċ*) l-azzjonijiet ta' dawk li għandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' tagħlim, ta' liema xorta jkunu, għall-ħlas tad-dritt tagħhom;

(*d*) l-azzjonijiet ta' persuni, għall-ħlas tas-salarju tagħhom;

(*e*) l-azzjonijiet tas-sensala, għad-dritt tas-senserija;

(*f*) l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli.

Azzjonijiet li jaqgħu bi preskrizzjoni egħluq sentejn. *Emendat: A.L 148 tal-1975; VIII.2007.25.*

2149. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:

(*a*) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:

(*b*) l-azzjonijiet tat-tobba, kirurġi, ostetriċi u spiżjara, għall-viżti jew operazzjonijiet li jagħmlu jew għall-mediċini li jfornu;

(*ċ*) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;

(*d*) l-azzjonijiet tal-prokuraturi *ad litem* jew ta' prokuraturi oħra, jew mandatarji, għall-ħlas li jmisshom, għall-ispejjeż, li jagħmlu, għall-indennizz li jkollhom jieħdu għat-telf li jbatu, u għar-radd tal-flus li joħorġu minn tagħhom.

Bidu tal-preskrtzzjoni tal-azzjoni tal-avukati, eċċ.

(3) Fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjeż għal ittri uffiċjali, protesti, mandati, rikorsi, jew atti oħra jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija fi żmien sentejn mill-jum tal-konsult, tal-att jew ta' xogħol ieħor, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni jibda minn dak il-jum.

Bidu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni tal-avukati, eċċ.

2150. (1) il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' avukati, prokuraturi legali jew prokuraturi ad litem, tibda miexja minn dak in-nhar tad-deċiżjoni finali jew tat-transazzjoni tal-kawża jew minn dak in-nhar li jispiċċa l-inkarigu mogħti lilhom.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull att finali, għalkemm

ma jkunx jagħmel sehem mill-proċeduri tal-kawża, ikollu, iżda x'jaqsam magħha, jitqies bħala li jagħmel sehem minn dawk il-proċeduri.

(3) Fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjeż għal ittri uffiċjali, protesti, mandati, rikorsi, jew atti oħra jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija fi żmien sentejn mill-jum tal-konsult, tal-att jew ta' xogħol ieħor, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni jibda minn dak il-jum.

Fornituri. eċċ., li jissoktaw.

2151. (1) Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli qabel dan, ikun hemm lok għall-preskrizzjoni, għad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor.

(2) Iżda, f'kull każ bħal dan, jekk il-kreditu għal dawn il-fornituri, kunsinni, xogħolijiet, servizzi, jew qadi ieħor jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni ħlief bl-egħluq ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew ta' dik id-dikjarazzjoni.

Preskrizzjoni tal-jedd kontra avukati u prokuraturi legali għal karti kkunsinnati lilhom.

2152. (1) L-avukati u l-prokuraturi legali huma meħlusa minn kull obbligu li jagħtu kont ta' karti dwar kawżi jew konsulti, sena wara li l-kawżi jkunu ġew maqtugħa jew spiċċaw xort'oħra, jew wara li l-konsulti jkunu ġew mogħtija.

(2) Hekk ukoll huma meħlusa mill-obbligu li jagħtu kont tal-karti kkunsinnati lilhom biex jibdew kawżi, bl-egħluq ta' sentejn mill-kunsinna, kemm-il darba f'dan iż-żmien il-kawżi ma jkunux inbdew.

(3) Iżda, huma jistgħu jiġu msejħa biex jistqarru b'ġurament jekk dawk il-karti humiex għandhom jew jekk jafux fejn dawk il-karti jinsabu.

Azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat.

2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.

Azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat. *Emendat: I.1870.8.* Kap. 9.

2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien.

Azzjoni biex tittieħed lura l-ħaġa mitlufa jew misruqa.

2155. (1) L-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għal din l-azzjoni taħt l-artikolu 559, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun irċieva l-ħaġa b'bona fidi.

(2) Jekk ikun irċeviha b'mala fidi, igħoddu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan.

Azzjonijiet li jaqgħu bi preskrizzjoni egħluq ħames snin. *Emendat: XXVII.1976.12; VIII.2007.26; I.2017.3.*

2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:

(*a*) l-azzjonijiet għal annati ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' mgħaxijiet ta' ċnus bollali li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu, 1862 u għall-ħlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' fondi enfitewtiċi;

(*b*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;

(*ċ*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba';

(*d*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet ta' somom meħuda b'self jew taħt titolu ieħor, u, in ġenerali, ta' dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor aqsar minn sena;

(*e*) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;

(*f*) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

(*g*) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra:

Iżda l-preskrizzjoni dwar l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (*a*) u (*ċ*), meta tali ħlasijiet ikunu dovuti lill-Gvern ta' Malta, tagħlaq bl-għeluq ta' għaxar snin.

Azzjoni għall-kontijiet kontra tutur, kuratur, eċċ.

2157. L-azzjoni għall-għoti ta' kontijiet kontra tutur, kuratur, mandatarju, jew amministratur ieħor, taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li l-amministrazzjoni tispiċċa, jew bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-mewt tat-tutur, kuratur, mandatarju jew amministratur ieħor.

Il-preskrizzjoni tista' tiġi eċċepita kontra dak li jħallas għad-debitur.

2158. Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, minbarra minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur *in solidum*, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas.

Minuri u interdetti.

2159. Dawn il-preskrizzjonijiet jimxu kontra l-minuri u l-interdetti, bla ħsara tal-jedd tagħhom ta' regress kontra t-tuturi jew kuraturi.

Jista' jingħata l-ġurament lid-debitur jew lill-werrieta tiegħu jew lil dawk li l-jedd tagħhom ġej mingħandu. *Emendat: I.2017.4; VIII.2017.8.*

2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-

preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.

(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

L-EWWEL SKEDA

Taqsima I

DRITTIJIET

Drittijiet li għandhom jinġabru taħt l-artikolu 268

Emendata: XIII.1932.3. Sostitwita: XXVIII.1948.2. Emendata: XXI.1962.19; XXXI.1965.23; VI.1972.5; XXX.1979.5; A.L. 161 tal-1989. Sostitwita: A.L. 212 tal-1997. Emendata: A.L. 355 tal-2004; VIII.2007.27. Sostitwita: A.L. 407 tal-2007. Emendata: XIII.2007.13; XXIV.2011.99; XV.2012.27; XIX.2012.16; L.N. 311 of 2012; XXV.2014.5; A.L. 92 tal-2015; XII.2015.6; XVII.2019.41. LXV.2020.28,29; A.L. 40 tal-2021.

	€
1. Għar-reġistrazzjoni ta' att tat-twelid	2.60
2. Għar-reġistrazzjoni ta' att taż-żwieġ jew unjoni ċivili.....	2.60
Nota: Għall-ħlas tad-drittijiet imsemmijin taħt il-paragrafi 1 u 2 il-ġenituri tat-tarbija, fil-każ ta' twelid, u l-għarajjes, fil-każ ta' żwieġ, huma marbutin *in solidum*.	
3. Għal kull ċertifikat li juri li ma tkun saret ebda kitba f' Reġistrazzjonijiet ta' Stat Ċivili dwar xi bniedem għalih, magħdud id-dritt għat-tfittxija	5.15
4. (*a*) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, unjoni ċivili, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skont il-Formuli, I, K, KK, M, O fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	2.60
(*b*) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati skont il-Formuli J, L, P fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi	2.60
(*ċ*) Għal kull ċertifikat li jkollu kopja sħiħa ta' reġistrazzjoni tat-twelid, żwieġ, unjoni ċivili jew mewt b'dawk in-noti li jista' jkun hemm magħha	10.25
(*d*) Għal kull estratt minn att tat-twelid, taż-żwieġ, ta' unjoni ċivili, tal-mewt jew ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati ordnat mis-sit elettroniku tar-Reġistru Pubbliku	2.50
(*e*) Għal kull ċertifikat li jkollu kopja sħiħa ta' reġistrazzjoni tat-twelid, żwieġ, unjoni ċivili jew mewt b'dawk in-noti li jista' jkun hemm magħha ordnat mis-sit elettroniku tar-Reġistru Pubbliku	9.95
5. Għal reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati	2.60
6.* Għal kull ċertifikat biex jirriproduċu kull att ta' stat ċivili għal kull individwu	13.20

Sostitwita:
A.L. 339 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA E
[Artikolu 293]

REĠISTRU PUBBLIKU *PUBLIC REGISTRY*

ATT TAŻ-ŻWIEĠ
ACT OF MARRIAGE

DIKJARAZZJONI TAL-MIŻŻEWĠIN:
DECLARATION OF THE SPOUSES:

DATA TAL-ATT:
DATE OF THE ACT

MR No:_____

Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw li fil-preżenza ta' _____ **u tax-xhieda hawn taħt imsemmija żżewwiġna fi** _____ **fi** _____
We the undersigned hereby declare that we have in the presence of _____(2) *and of the undersigned witnesses contracted marriage at* _____(3) *on* _____
(**Data**/*Date*)

Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw: li għażilna _____ **bħala l-isem tal-familja tagħna, li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna/l-isem tal-familja huwa** _____ **u li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna (Ħassar fejn ma japplikax).**
We the undersigned hereby declare that: we chose _____ *as our family name which shall be the surname of any future children/the family name is* _____ *which shall be the surname of any future children (Delete where not applicable).*

TAGĦRIF DWAR IL-KONJUĠI(1) *PARTICULARS OF SPOUSE(1)*			**TAGĦRIF DWAR IL-KONJUĠI(2)** *PARTICULARS OF SPOUSE (2)*	
(5)		**Isem u kunjom** *Name and surname*	(9)	
(6)		**Data u lok tat-twelid u dokument ta' identifikazzjoni** *Date and placeof birth and identification document*	(10)	
(7)		**Lok ta'residenza** *Place of residence*	(11)	
Il-ġenitur (1a) **The parent**	**Il-ġenitur (1b)** (8) **The parent**	**Isem u kunjom il-ġenituri, inkluż kunjomhom fit-twelid** *Name and surname of the parents, including surname at birth*	**Il-ġenitur (2a)** **The parent**	**Il-ġenitur (2b)** (12) **The parent**
		Kunjom wara ż-żwieġ skont l-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16) *Surname after marriage according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*		

ADDENDA

TAGĦRIF DWAR IX-XHIEDA *PARTICULARS OF THE WITNESSES*			**TAGĦRIF DWAR IX-XHIEDA** *PARTICULARS OF THE WITNESSES*	
(13)	(16)	**Isem u kunjom** *Name and surname*	(19)	(22)
(14)	(17)	**Data u lok tat-twelid** *Date and place of birth*	(20)	(23)
(15)	(18)	**Lok ta' residenza** *Place of residence*	(21)	(24)

_____(25) _____(26)
(**FIRMA TAL-PARTI FIŻ-ŻWIEĠ**/*SIGNATURE OF SPOUSE*) (**FIRMA TAL-PARTI FIŻ-ŻWIEĠ**/*SIGNATURE OF SPOUSE*

_____(27)
(**Firem tax-Xhieda**/*Witnesses' Signatures*)

Id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq ġew iffirmati quddiemi.
The above declarations were signed in my presence.

Firma tar-Reġistratur _____
Signature of Registrar _____(28)

Data tad-dħul tal-Att: (29) *Date of receipt of the Act:*	**Numru wara l-iehor tar-Reġistru Nru:** *Progressive number of Registration No:*
Firma tad-Direttur jew ta' uffiċjal iehor li jaġmel floku: *Signature of the Director or other officer authorized to act in his stead:*	

FORMULA EE
[Artikolu 295A)

Mižjuda: IX.2014.14. Sostitwita: A.L.339 tal-2019; LXV.2020.29.

ATT TA' UNJONI ĊIVILI *ACT OF CIVIL UNION*

DIKJARAZZJONI TAL- PARTIJIET:
DECLARATION OFTHEPARTIES:

DATA TAL-ATT:
DATE OF THE ACT: ___

CU No:_____(1)

Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw li fil-preżenza ta' _____ **u tax-xhieda hawn taħt imsemmija kkuntrattajna Unjoni Ċivili fi** _____
*We the undersigned hereby declare that we have in the presence of*_____(2) *and of the undermentioned witnesses contracted a Civil Union at*_____(3) *on*_____(4)

(**Data**/*Date*)

Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw: li għażilna_____**bħala l-isem tal-familja tagħna, li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna l-isem tal-familja huwa**_____**u li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna (Ħassar fejn ma japplikax).**
*We the undersigned hereby declare that we choose*_____*as our family name which shall be the surname of any future children/the family name is*_____*which shall be the surname of any future children (Delete where not applicable).*

TAGĦRIF DWAR IS-SIEMEB(1) *PARTICULARS OF PARTNER(1)*		**TAGĦRIF DWAR IS-SIEMEB(2)** *PARTICULARS OF PARTNER(2)*	**ADDENDA**
(5)	**Isem u kunjom** *Name and surname*	(9)	(32)
(6)	**Data u lok tat-twelid u dokument ta' identifikazzjoni** *Date and place of birth and identification document*	(10)	
(7)	**Lok ta'residenza** *Place of residence*	(11)	
Il-ġenitur (1a) Il-ġenitur (1b) *The parent The parent*	**Isem u kunjom il-ġenituri, inkluż il-kunjom fit-twelid** *Name and surname of the parents, including their surname at birth*	**Il-ġenitur (2a) Il-ġenitur (2b)** (12) *The parent The parent*	
	Kunjom wara l-Unjoni Ċivili skont l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) *Surname after Civil Union according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*		

TAGĦRIF DWAR IX-XHIEDA *PARTICULARS OF THEWITNESSES*			**TAGĦRIF DWAR IX-XHIEDA** *PARTICULARS OF THE WITNESSES*	
(13)	(16)	**Isem u kunjom** *Name and surname*	(19)	(22)
(14)	(17)	**Data u lok tat-twelid** *Date and place of birth*	(20)	(23)
(15)	(18)	**Lok ta' residenza** *Place of residence*	(21)	(24)

_____(25)
(**FIRMA TAL-PARTI FL-UNJONI ĊIVILI***SIGNATURE OF PARTY TO THE CIVIL UNION*)

_____(26)
(**FIRMA TAL-PARTI FL-UNJONI ĊIVILI***SIGNATURE OF PARTY TO THE CIVIL UNION*)

_____(27)
(**Firem tax-Xhieda**/*Witnesses' Signatures*)

Id-dikjarazzjonijiet ta' ħawn fuq ġew iffirmati quddiemi.
The above declarations were signed in my presence.

Firma tar-Reġistratur
*Signature of Registrar*_____(28)

Data tad-dħul tal-Att *Date of receipt of the Act*	(29)	**Numru wara l-ieħor tar-Reġistru Nru.** *Progressive number of Registration No.*	(30)
Firma tad-Direttur jew ta' uffiċjal ieħor li jaġmel floku *Signature of the Director or other officer authorized to act in his stead*			(31)

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

Sostitwita:
A.L. 339 tal-2019.

FORMULA F
(Artikolu 296)

ĊERTIFIKAT TA' MEWT

_____20_____

Lil ....., uffiċjal inkarigat biex jagħmel l-atti tal-mewt.


B'dan niċċertifika (*hawn għandu jgħid jekk jafx huwa nnifsu jew b'tagħrif minn ħaddieħor, u, f'dan l-aħħar każ, minn min*) li _____li jien bħala tabib kont nikkura fl-aħħar marda tiegħu, miet b'_____, il-jum _____. id-dar tiegħu Nru _____ f'_____: u li l-mewt ġrat fil ħin tal- _____

(*Firma*)

Tabib

FORMULA G
[Artikolu 301]

Sostitwita:
A.L. 339 tal-2019.
Emendata:
XXVII.2020.40.
Sostitwita:
A.L. 38 tal-2021.



ATT TAL-MEWT
ACT OF DEATH

REĠISTRU PUBBLIKU

PUBLIC REGISTRY

DATA TAL-ATT:
DATE OF THE ACT:

Isem u kunjom tal-mejjet Name and surname of the deceased	Isem u kunjom tal-parti l-oħra fiż-żwieġ / f'unjoni Ċivili / f'koabitazzjoni jew armel / armla jew persuna waħedha Name and surname of spouse / partner in a civil union / in a cohabitation or widow / widower or single	Dokument tal-identita' Identification document	Età Age	Lok Place		Isem u kunjom il-ġenituri inklużi il-kunjom bit-twelid, jekk hemm(a) ħajjin jew mejtin Name and surname of the parents including their surname at birth, whether alive or dead	Kaġun, lok, data u ħin tal-mewt u lok tad-difin Cause, place, date and time of death and place of burial	ANNOTAZZJONIJIET ANNOTATIONS
				tat-twelid of birth	ta' residenza of residence			
						Il-ġenitur (1) The parent Il-ġenitur (2) The parent		

Data ta' meta daħal l-Att
Date of receipt of the Act

Numru wara l-ieħor kif daħal l-Att
Progressive number of the entry

Firma tad-Direttur jew tal-uffiċjal li jagħmel ħsiebu
Signature of the Director or other officer authorised to act in his stead

Uffiċjal inkarigat
Officer in charge

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA / GĦAWDEX / PUBLIC REGISTRY OFFICE – MALTA / GOZO

Mižuda:
Ord XXI.1962.19.
Sostitwita:
XXIII.2017.90.
A.L.399 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA H
(Artikolu 125)


REĠISTRU PUBBLIKU *PUBLIC REGISTRY*

REĠISTRAZZJONIJIET TA' PERSUNI ADOTTATI
ENTRIES OF ADOPTED PERSONS

1	2	3	4	5	6	7	8	9
Nru. ta' Reġistrazzjoni *No. of Entry*	**Data, pajjiż u lok tat-twelid tal-persuna adottata** *Date, country and place of birth of person adopted*	**Isem u kunjom tal- persuna adottata** *Name and surname of person adopted*	**Sess tal-persuna adottata** *Sex of person adopted*	**Isem u kunjom, inkluż il- kunjom fit-twelid, Età, dokument ta' identita', post tat-twelid u post tar-residenza tal-adottant jew adottanti** *Name and surname, including their surname at birth, age, identification document, place of birth and place of residence of adopter or adopters*	**Isem u kunjom tal- ġenituri tal-adottant jew adottanti inkluż il-kunjom fit-twelid** *Name and surname of the parents of the adopter or adopters including their surname at birth*	**Data tad-digriet tal-adozzjoni** *Date of adoption decree*	**Data tar-reġistrazzjoni** *Date of entry*	**Firma tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** *Signature of Director of Public Registry*
				Adottant (1) *Adopter* **Adottant (2)** *Adopter*	**Il-ġenitur (1a)** *The parent* **Il-ġenitur (1b)** *The parent* **Il-ġenitur (2a)** *The parent* **Il-ġenitur (2b)** *The parent*			

Mizjuda:
XXXI.1965.23.
Sostitwita:
XXI.1993.85.
Sostitwita:
XXIII.2017.90.
A.L. 339 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA I
(Artikolu 251)
Estratt ta' Att tat-twelid reġistrat qabel l-1 ta' Marzu 2005



FORMULA I
FORM I

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan li ġej huwa ESTRATT veru mir-reġistrazzjoni Nru. _____ tat-sena _____ fir-Reġistri tal-Istat Ċivili
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from entry No. ___of the year_____in the Civil Status

dwar Atti tat-twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati miżmuma fl-Uffiċeju tar-Reġistru Pubbliku,Malta/ Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16).
records relative to Acts of Birth and the Adopted Persons Register kept in the Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Lok tat-twelid *Place of birth*	**Data tat-twelid** *Date of birth*	**Isem il-wild** *Name of the child*	**Sess** *Sex*	**Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur** *Name and surname including surname at birth and place of birth of the parent*	**Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur** *Name and surname including surname at birth and place of birth of the parent*

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU-MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

DIRETTUR/*DIRECTOR*: _____

Data/*Date*: _____

Dritt Imħallas/*Fee Paid*: **€2.60** | **Jekk mixtri onlajn**/*If bought online*: **€2.50**

Mižjuda:
A.L. 339 tal-2019.
Sostitwit:
LXV.2020.29.

FORMULA I
[Artikolu 251]

Estratt ta' Att tat-twelid reġistrat mill-1 ta' Marzu 2005



FORMULA I
FORM I

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan li ġej huwa ESTRATT veru mir-reġistrazzjoni Nru. _____tas-sena_____ fir-Reġistri tal-Istat Ċivili
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from entry No ____of the year_____in the Civil Status

dwar Atti tat-twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati miżmuma fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku,Malta/ Għawdex,skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16).
records relative to Acts of Birth and the Adopted Persons Register kept in the Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Lok tat-twelid *Place of birth*	**Data tat-twelid** *Date of birth*	**Isem u kunjom il-wild** *Name and surname of the child*	**Sess** *Sex*	**Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur** *Name and surname including surname at birth and place of birth of the parent*	**Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur** *Name and surname including surname at birth and place of birth of the parent*

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

DIRETTUR/*DIRECTOR*: _____

Data/*Date*: _____

Dritt Imħallas/*Fee Paid*: **€ 2.60** | **Jekk mixtri onlajn**/*If bought online*: **€ 2.50**

FORMULA J

(Artikolu 251)

Mižjuda:
XXXI.1969.23.
Sostitwita:
XXI.1993.85;
A.L.339 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA J
FORM J

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan li ġej huwa ESTRATT veru mir-Reġistrazzjoni Nru. _____
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from Entry No. _____

tas-sena _____ fir-Reġistri tal-Istat Ċivili dwar Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Adottati mižmuma
of the year _____ in the Civil Status Records relative to the Acts of Birth and the Adopted Persons Register kept in

fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta/Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
the Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Lok tat-twelid: *Place of birth:*	
Data tat-twelid: *Date of birth:*	
Isem u kunjom: *Name and surname:*	
Sess: *Sex:*	

DIRETTUR */DIRECTOR:* _____

Data/*Date:* _____

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

Dritt Imħalla/*Fee Paid:* **€2.60** | **Jekk mixtri onlajn**/*If bought online:* **€2.50**

Sostitwita:
XXIII.2017.90;
A.L. 339 tal-2019;

FORMULA K
(Artikolu 251)

Estratt ta' Att taż-Żwieġ - Applikazzjoni għall-Pubblikazzjoni tat-tnidijiet qabel l-1 ta' Settembru 2017

FORMULA K
FORM K

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att taż-Żwieġ Nru. reġistrat fl-uffiċċju
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Marriage No.

_____

registered in the

_____

tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Tagħrif dwar *Particulars Respecting*	**Isem u Kunjom** *Name and Surname*	**Età jew data tat-twelid** *Age or date of birth*	**Post tat-twelid** *Place of birth*	**Ġenituri tal-miżżewġin** *Parents of the husband and wife*
Ir-raġel *The husband*				
Il-mara *The wife*				
Post u data taż-żwieġ *Place and date of marriage*				

Il-mara għażlet li żżomm kunjom żbubitha maż-żwieġ. (hassar fejn ma japplikax)
The wife chose to retain her surname on marriage. (delete where not applicable)

DIRETTUR / *DIRECTOR:* _____

Data / *Date:* _____

Dritt Imballaġ / *Fee Paid:* **€2.60** | **Jekk mixtri onlajn** / *If bought online:* **€2.50** **UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA / GĦAWDEX** | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA / GOZO*

FORMULA K
[Artikolu 251]

Mižjuda:
A.L. 339 tal-2019.|
Sostitwita:
LXV.2020.29.

FORMULA K
FORM K

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att taż-Żwieġ Nru. _____ reġistrat fl-uffiċċju
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Marriage No ___registered in the

Tar-Reġistru Pubbliku,Malta/ Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili(Kap.16).
Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Partikolaritajiet dwar *Particulars of the*	**Isem u kunjom** *Name and surname*	**Età jew data tat-twelid** *Age or date of birth*	**Lok tat-twelid** *Place of birth*	**Ġenituri tal-miżżewġin** *Parents of Spouses*	**Kunjom wara ż-żwieġ skont l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)** *Surname after marriage according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*
Konjuġi *Spouse*					
Konjuġi *Spouse*					
Lok u data taż-żwieġ *Place and date of marriage*					
	Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw: li għażilna _____ bħala l-isem tal-familja tagħna, li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna/l-isem tal-familja tagħna _____ u li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna (Ħassar fejn ma japplikax). *We the undersigned hereby declare that: we chose _____ as our family name which shall be the surname of any future children/the family name is _____ which shall be the surname of any future children (Delete where not applicable).*				

DIRETTUR/*DIRECTOR:* _____

Data/*Date:* _____

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

Mižjuda:
XXV.2014.5.
Sostitwita:
A.L.339 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA KK
[Artikolu 251]

FORMULA KK
FORM KK

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Unjoni Ċivili Nru. _____ irreġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta/Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Civil Union No._____registered in the Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Tagħrif dwar *Particulars*	**Isem u kunjom** *Name and surname*	**Età jew data tat-twelid** *Age or date of birth*	**Lok tat-twelid** *Place of birth*	**Ġenitur/i 4(1)** *Parent/s*	**Kunjom wara l-Unjoni Ċivili skont l-artikolu tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)** *Surname after marriage according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*
Sieħeb/Siħħa *Partner (1)*					
Sieħeb/Siħħa (2) *Partner (2)*					

Lok u data tal-Unjoni Ċivili
Place and date of Civil Union

Aħna hawn taħt iffirmati niddikjaraw: li għażilna_____bħala l-isem tal-familja tagħna, li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna/l-isem tal-familja huwa_u li għandu jkun il-kunjom tat-tfal futuri tagħna (Ħassar fejn ma japplikax).

We the undersigned hereby declare that: we chose_____as our family name which shall be the surname of any future children/the family name is_which shall be the surname of any future children (Delete where not applicable).

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO*

DIRETTUR/*DIRECTOR*: _____

Data/*Date*: _____

FORMULA L
(Artikolu 251)
Estratt ta'Att taż-Żwieġ - Applikazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet qabel l-1 ta'Settembru 2017

Mižjuda: XXXI.1965.23.
Emendata: XXI.1993.85.
Sostitwita: XXIII.2017.90; A.L.399 tal-2019.

FORMULA L
FORM L

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att taż-Żwieġ Nru. ____
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from Act of Marriage No. ____

reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
registered in the Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom ir-raġel: *Name and surname of husband:*	
Isem u kunjom xbubit il-mara: *Name and maiden surname of wife:*	
Lok taż-żwieġ: *Place of marriage:*	
Data taż-żwieġ: *Date of marriage:*	
Il-mara għażlet li żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ / Il-mara għażlet li tieħu l-kunjom tar-raġel maż-żwieġ/Il-mara għażlet li tieħu l-kunjom tar-raġel li miet qabilha (Ħassar fejn ma japplikax) *The wife chose to retain her surname on marriage/The wife chose to adopt her husband's surname on marriage/The wife chose to retain the surname of her predeceased spouse. (Delete where not applicable)*	

DIRETTUR / *DIRECTOR:* _____

Data / *Date:* _____

Dritt Imħallas / *Fee Paid:* **€2.60 | Jekk mixtri onlajn** /
If bought online: **€2.50 UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA / GĦAWDEX** | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA / GOZO*

FORMULA L
(Artikolu 251)

Mižjuda:
A.L.399 tal-2019.
Sostitwita:
LXV.2020.29.

FORMULA L
FORM L

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att taż-Żwieġ Nru. _____
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from Act of Marriage No. ____

reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta/Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
registered in the Public Registry Office, Malta/Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom il-konjuġi: *Name and surname of the spouse:*	
Kunjom wara ż-żwieġ skont l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) *Surname after marriage according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*	
Isem u kunjom il-konjuġi: *Name and surname of the spouse:*	
Kunjom wara ż-żwieġ skont l-artikolu 4(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) *Surname after marriage according to article 4(1) of the Civil Code (Cap. 16)*	
Lok taż-żwieġ: *Place of marriage:*	
Data taż-żwieġ: *Date of marriage:*	
Isem tal-familja *Family Name*	

DIRETTUR */DIRECTOR:* _____

Data/*Date:* _____

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX | *PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZ*

FORMULA M
(Artikolu 251)

Mižjuda:
XXXI.1965.23.

Imħassra bl-artikolu 85 tal-Att XXI tal-1993.

FORMULA N
(Artikolu 251)


Mižjuda:
XXXI.1965.23.

Imħassra bl-artikolu 85 tal-Att XXI tal-1993.

FORMULA O
[Artikolu 251]

Mižjuda:
XXXI.1965.23.
Sostitwita:
A.L. 339 tal-2019.

Estratt ta' Att tal-Mewt irreġistrat qabel it-30 ta' Settembru 1999



FORMULA O
FORM O

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, kawn taht iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan ta' hawn taht huwa ESTRATT tren mill-Att tal-Mewt Nru. _____ reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No._____ registered in the Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom tal-mejjet *Name and surname of the deceased*	Jekk kux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla *Whether married or unmarried, widower or widow*	Okkupazzjoni u Età(snin) *Occupation and age (years)*	Post tat-twelid *Place of birth*	Isem u kunjom il-ġenituri *Name and surname of parents*	Post u data tal-mewt *Place and date of death*

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX |
PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO

DIRETTUR / *DIRECTOR*: _____


Data / *Date*: _____

Dritt Imħallas / *Fee Paid*: €2.60 | Jekk mixtri onlajn / *If bought online*: €2.50

Mižjuda:
A.L. 339 tal-2019.

FORMULA O
[Artikolu 251]

Estratt ta' Att tal-Mewt irreġistrat mit-30 ta' Settembru 1999



FORMULA O
FORM O

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, li ċ-ċertifika illi dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. _____ reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No. _____ registered in the Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom tal-mejjet *Name and surname of the deceased*	**Jekk kux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla** *Whether married or unmarried, widower or widow*	**Id-dokument tal-identità u Età (snin)** *Identification document and age (years)*	**Post tat-twelid** *Place of birth*	**Isem u kunjom il-ġenituri** *Name and surname of parents*	**Post u data tal-mewt** *Place and date of death*

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX |
PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO

DIRETTUR / *DIRECTOR:* _____


Data / *Date:* _____

Dritt Inħallas / *Fee Paid:* **€2.60 | Jekk mixtri onlajn** / *If bought online:* **€2.50**

FORMULA O
[Artikolu 251]

Miżjuda:
A.L. 339 tal-2019.
Emendat:
XXVII.2020.41.

Estratt ta' Att tal-Mewt irreġistrat mill-17 ta' Diċembru 2019



FORMULA O
FORM O

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika lil dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. _____ reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No _____ registered in the Public Registry Office, Malta, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap.16).

Isem u kunjom tal-mejjet *Name and surname of the deceased*	**Isem u kunjom tal-parti l-oħra fiż-żwieġ/f'unjoni ċivili/f'koabitazzjoni, jew armel/armla jew għażeb/xebba** *Name and surname of spouse/partner in a civil union/cohabitant or widow/widower or single*	**Dokument tal-identità u età** *Identification document and age*	**Lok tat-twelid** *Place of birth*	**Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid** *Name and surname of the parents including their surname at birth*	**Lok u data tal-mewt** *Place and date of death*

UFFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA PUBLIC REGISTRY OFFICE – MALTA

DIRETTUR/*DIRECTOR:*


Data/Date:

Miżjud:
A.L. 38 tal-2021.

Formula O

[Artikolu 251]

Estratt ta' Att tal-Mewt irreġistrat mit-8 ta' Frar 2021



FORMULA O
FORM O

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika illi dan ta' hawn taħt huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16).

I the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from the Act of Death No. / registered in the Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom tal-mejjet Name and surname of the deceased	Isem u kunjom tal-parti l-oħra fiż-żwieġ / f'unjoni ċivili / f'koabitazzjoni jew armel / armla jew persuna waħedha Name and surname of spouse / partner in a civil union / in a cohabitation or widow / widower or single	Dokument tal-identita' u eta' Identification document and age	Lok tat-twelid Place of birth	Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit-twelid Name and surname of the parents including their surname at birth	Lok u data tal-mewt Place and date of death

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU – MALTA / GĦAWDEX / PUBLIC REGISTRY OFFICE – MALTA / GOZO

DIRETTUR / DIRECTOR

Data / Date

FORMULA P
(Artikolu 251)

Mižjuda:
XXXI.1965.23;
Sostitwita:
A.L. 339 tal-2019.

FORMULA P
FORM P

REĠISTRU PUBBLIKU
PUBLIC REGISTRY

Jiena, hawn taht iffirmat, b'dan niċċertifika li dan ta' hawn taht huwa ESTRATT veru mill-Att tal-Mewt Nru. _____
I, the undersigned, do hereby certify that the following is a true EXTRACT from Act of Death No. _____

reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, Malta / Għawdex, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).
registered in the Public Registry Office, Malta / Gozo, in accordance with the provisions of the Civil Code (Cap. 16).

Isem u kunjom tal-mejjet: *Name and surname of the deceased:*	
Lok u data tal-mewt: *Place and date of death:*	
Età: *Age:*	

DIRETTUR / *DIRECTOR:* _____

Data / *Date:* _____

UFFIĊĊJU TAR-REĠISTRU PUBBLIKU - MALTA/GĦAWDEX |
PUBLIC REGISTRY OFFICE - MALTA/GOZO

Dritt Imħallas / *Fee Paid:* **€ 2.60** | **Jekk mixtri onlajn** / *If bought online:* **€2.50**

FORMULA Q

Imħassar bl-Att LXV.2020.29.

FORMULA R

Imħassar bl-Att LXV.2020.29.

---

7. Għal kull sottomissjoni tal-Formula TT, UU, V, WW, XX, u Y kif indikati fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi 5

8. Għal kull sottomissjoni tal-Formula V skont l-artikolu 278A(2)(ċ) ta' dan il-Kodiċi, kif indikata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi……..... bla ħlas

* din il-partita għadha mhux fis-seħħ.

Taqsima II

FORMULI

Emendata:
A.L. 148 tal-1975;
XXX.1995.5;
IX.2004.14;

FORMULA A

(Artikolu 195)

EDITT GĦAL AĦBARIJIET DWAR WIEĦED ASSENTI

MIR-REĠISTRU TAL-QORTI ĊIVILI
SEZZJONI ĠURISDIZZJONI VOLONTARJA

.....20

Billi ....., b'rikors li ppreżenta f....., talab il-ħatra ta' kuratur għal ....., (*jew, skont il-każ*, il-ftuħ ta' testment sigriet, *jew* id-dikjarazzjoni li jista' jinqara t-testment pubbliku ta' ....., *inkella*, id-dħul tar-rikorrent fil-pussess provviżorju tal-beni ta'.....) li kif jingħad ilu ma jidher f'Malta minn ..... bla ma ttieħdu aħbarijiet tiegħu.

Kull min għandu aħbarijiet li l-imsemmi ..... għadu ħaj, huwa mitlub li jagħtihom lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja), hawn taħt iffirmat, sabiex din il-Qorti tkun taf bihom, fi żmien xahar li jibda jgħodd minn dak in-nhar li joħroġ dan l-editt fil-Gazzetta tal-Gvern.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistratur.

FORMULA B

Emendata:
A.L. 148 tal-1975;
XXII.2005.83.

(Artikolu 254)

AVVIŻ

MIR-REĠISTRU TAL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

.....20

Billi ..... ppreżenta rikors ġuramentat, li fih jitlob il-korrezzjoni tar-reġistrazzjoni (*jew* it-tħassir tar-reġistrazzjoni *inkella* r-reġistrazzjoni) tat-twelid tiegħu, *jew* taż-żwieġ tiegħu, *jew* tal-mewt ta' ..... .

Kull min jidhirlu li għandu interess, u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż hu msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata, fir-Reġistru fuq imsemmi, fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ippreżentaw dik in-nota għandhom jiġu innotifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn qabel imsemmi, bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistratur.

Miżjuda:
VII.1985.4.
Emendata:
XII.1986.7;
XXIV.2011.99;
XIX.2012.16.

FORMULA BB

(Artikolu 281)

REĠISTRU TAL-QORTI TAR-REVIŻJONI TA' ATTI NUTARILI

.....20

Billi AB ta avviż tat-twelid tiegħu/ta' CD, tarbija li ommha u n-nanniet min-naħa ta' ommha huma mejta/ma' jistgħux jinstabu, fejn qed jgħid li hu/l-imsemmi CD twieled fid-data ta' ..... fi ..... u li ommu hi ..... bint ..... imwielda ..... fi ..... .

Kull min għandu nteress li jopponi għal dik ir-reġistrazzjoni, qed jiġi b'dan imsejjaħ, bil-mezz ta' nota ippreżentata fir-Reġistru fuq imsemmi fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Kull min ikun ippreżenta dik in-nota fl-imsemmi żmien, ikun notifikat bil-jum maħtur għas-smigħ mill-Qorti li għandha tisma bil-ġurament kull persuna li jkollha t-tagħrif fuq il-kwistjoni.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistratur

Emendata:
XXI.1993.7.
Sostitwita:
XXIII.2017.90;
A.L. 339 tal-2019;
LXV.2020.29.

FORMULA Ċ

(Artikolu 278)

ATT TAT-TWELID
ACT OF BIRTH

REĠISTRU PUBBLIKU *PUBLIC REGISTRY*

DATA TAL-ATT _____
DATE OF THE ACT

Tagħrif dwar it-tarbija *Particulars of the child*	**Twelid** *Birth* **Lok** *Place*	**Il-ħin, il-jum, ix-xahar u s-sena** *Hour, day, month and year*	**Sess** *Sex*	**Ismijiet moghtija** *Names given*	**Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tiġi msejha u l-kunjom** *Name or names by which the child is to be called and surname*	**Annotazzjonijiet** *Annotations*
Tagħrif dwar *Particulars of*	**Isem u kunjom** *Name and surname*	**Dokument tal-identità** *Identification document*	**Età** **Snin** *Age* *Years*	**Lok** *Place of* **tat-twelid** *birth* / **ta' residenza** *residence*	**Isem u kunjom il-ġenituri inkluż il-kunjom fit- twelid u jekk humiex ħajjin jew mejtin** *Name and surname of the parents including their surname at birth and whether alive or dead*	
Il-ġenitur (1) *The parent* **Il-ġenitur (2)** *The parent*					**Il-ġenitur (1a)** *The parent* **Il-ġenitur (1b)** *The parent* **Il-ġenitur (2a)** *The parent* **Il-ġenitur (2b)** *The parent*	
Data u lok taż-żwieġ/unjoni ċivili *Date and place of marriage/civil union*						
Min jagħmel id-dikjarazzjoni *The person/s making the declaration*						

Data ta' meta dahal l-Att
Date of receipt of the Act _____

Numru wara l-iehor kif dahal l-Att
Progressive number of the entry _____

Firma ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni
Signature of the person/making the declaration _____

Firma tad-Direttur jew tal-uffiċjal iehor li jagħmel floku

Signature of the Director or other officer authorised to act in his stead _____

Uffiċjal inkarigat

Officer in charge _____

FORMULA D
(Artikolu 287)
ATT TA' REPERT TA' TARBIJA GĦADHA TITWIELED

Emendata:
XXXI.1933.7
Sostitwita:
XXIII.2017.90;
A.L. 339 tal-2019;
LXV.2020.29.

REĠISTRU PUBBLIKU *PUBLIC REGISTRY*

ATT TA' REPERT TA' TARBIJA
ACT RESPECTING THE FINDING OF A CHILD

DATA TAL-ATT
DATE OF THE ACT ____

Taghrif dwar it-tarbija *Particulars of the child*	**Is-sejba** *Finding*				**L-isem li ta lit-tarbija l-uffiċjal inkarigat** *Name given to the child by the undersigned officer*	**Stat li fih instabet it-tarbija** *State of the child*			
	Fejn *Place*	**Il-hin, il-jum, ix-xahar u s-sena** *Time, day, month and year*	**L-Età li tidher** *Apparent age*	**Sess** *Sex*		**Jekk liebsa u kif** *If clothed and how*	**Jekk għandhie x xi marki li jidhru** *If bearing any apparent marks*	**Ħaġa oħra li nstabet fuq il-persuna tat-tarbija** *Other objects found on the person of the child*	**Annotazzjonijiet** *Annotations*

Taghrif dwar *Particulars of*	**Isem u kunjom** *Name and surname*	**Dokument tal-identità** *Identification document*	**Età** *Age*	**Lok tat-twelid** *Place of birth*	**Lok tar-residenza** *Place of residence*	**Isem u kunjom il-ġenituri nkluż il-kunjom fit-twelid** *Name and surname of the parents including their surname at birth*	
Il-persuna li sabet it-tarbija *the person who found the child*						**Il-ġenitur (1)** *The parent*	
						Il-ġenitur (2) *The parent*	
Il-persuna lilha ġiet mogħtija t-tarbija *the person to whom the child has been delivered*						**Il-ġenitur (1)** *The parent*	
						Il-ġenitur (2) *The parent*	

FIRMA *SIGNATURE* **tal-persuna li sabet it-tarbija,** *of the person who found the child,* _____

FIRMA *SIGNATURE* **ta' dik li lilha ġiet mogħtija** *of the person to whom the child has been delivered,* _____

Uffiċjal responsabbli _____
Officer in charge _____

FORMULA S
(Artikolu 4(2))


Imħassar bl-Att LXV.2020.29.

FORMULA T
(Artikolu 4(3))

Imħassar bl-Att LXV.2020.29

FORMULA TT
[Artikolu 4(8)]

Mižjuda: LXV.2020.29.



DIKJARAZZJONI DWAR TIBDIL TA' KUNJOM TA' WILD FIŻ-ŻWIEġ MIWELED QABEL L-ATT TAL-2019 LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI U LIGWIET OĦRAJN U LI FIR-RIGWARD TIEGĦU MA KIENX ĠIE MAGĦŻUL
ISEM TAL-FAMILJA
DECLARATION OF A CHILD OF THE MARRIAGE ON THE CHANGE OF A SURNAME BORN BEFORE THE CIVIL CODE AND OTHER LAWS (AMENDMENT) ACT OF 2019 AND IN RESPECT OF WHOM A FAMILY NAME HAD NOT BEEN CHOSEN

*Jien hawn taħt iffirmat, niddikjara fil-preżenza tax-xhud hawn sottoskritt, li bi ħsiebni nieħu l-kunjom:
I the undersigned, declare in the presence of the undersigned witness, that I intend to adopt the surname:

(Kunjom ġdid)
(surname in full)

Particolaritajiet dwar il-wild Particulars regarding the child	Isem u Kunjom Name and Surname	Età Age Snin/Years	Post tat-Twelid Place of Birth	Isem u Kunjom ilgenituri tat-tarbija fiż-żwieġ u jekk ħajjin jew mejtin Name and Surname of Parents of spouses in marriage and whether alive or deceased	Data taż-Żwieġ Date of Marriage

Particolaritajiet dwar l-att tat-twelid
Particulars regarding the act of birth

***Nru.tal-Att tat-Twelid *No. of Act of Birth*	Jum Day	Data/ Date Xahar Month	Sena Year

Firma tax-Xhud
Witness' Signature _____

Ippreżentata fi
Submitted on _____

Minn
From _____

Firma tad-Dikjarant
Declarer's signature _____

Din il-formula hija irrevokabbli.
This form is irrevocable.

***Particolaritajiet dwar att ta' stat ċivili oħra ħajr tat-twelid ***Particulars regarding other acts of civil status where the declarer appears					
Natura tal-Att tal-istat Ċivili*** *Nature of the Act of Civil Status**** *Nature*	Jum Day	Data/Date Xahar Month	Sena Year	Isem u Kunjom ilgenituri u jekk ħajjin jew mejtin Name and Surname of parents and whether alive or deceased	


Notifikasi:
* Raġun ħajr ma ħallas
Reason for non-payment
** Meta xieħed ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jipprovdi l-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta
Where the witness is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the provisions of Cap. 56 of the Laws of Malta
*** Meta persuna ma tkunx reġistrata fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jipprovdi l-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta
Where the person is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the provisions of Cap. 56 of the Laws of Malta
**** Ħassar dikjarazzjoni li ma tapplikax
Delete declaration which is not applicable
Liet ordinanza tal-att ta' stat ċivili, marriage civil order or death

FORMULA U
(Artikolu 4(7))

Imħassar bl-Att LXV.2020.29

Mižjuda:
LXV.2020.29.

FORMULA UU
[Artikolu 4(9)]



DIKJARAZZJONI TA' TIBDIL TA' KUNJOM TAL-KONJUGU TIEGĦU, TA' DIXXENDENT, JEW TAL-KONJUGU TIEGĦU, TA' PERSUNA LI TKUN ISSOTTOMETTIET IL-FORMULA TT
DECLARATION OF THE CHANGE OF A SURNAME OF THE SPOUSE, DESCENDENT OR THE SPOUSE OF THE DESCENDENT OF THE PERSON WHO SUBMITTED FORM TT

Jien hawn taħt iffirmat, niddikjara fil-preżenza tax-xhud hawn sottoskritt, li bi ħsiebni nieħu kunjom il-ġenituri tiegħi kif ġie annotat fl-att tat-twelid skont l-artikolu 4(8) jiġifieri bi ħsiebni nieħu kunjom il-konjugu tiegħi kif ġie annotat fl-att taż-żwieġ skont l-artikolu 4(9) tal-Att.
I the undersigned declare in the presence of the undersigned witness, that I intend to adopt my parent's surname as annotated in the act of birth according to article 4(8),that I intend to adopt the surname of my spouse as annotated in the act of birth according to article 4(9) which is:
***Ikkassa fejn ma japplikax.**
***Delete where not applicable.**

Partikolaritajiet dwar id-dikjarant *Particulars regarding the declarer*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Età *Age*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Isem u Kunjom il-ġenituri tal-parti fiż-żwieġ u jekk ħajjin jew mejtin *Name and surname of parents of spouses in marriage and whether alive or deceased*

Partikolaritajiet dwar l-Att tat-twelid/l-Att taż-żwieġ
Particulars regarding the Act of Birth/Act of marriage

*Nru. tal-Att Twelid/Att taż-Żwieġ *No. of Act of Birth/Act of Marriage*	Data/*Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Date*

Din il-formula hija irrevokabbli.
This form is irrevocable.

Firma tad-Dikjarant *Declarer's signature* _____

Firma tax-Xhud *Witness' Signature* _____

Ippreżentata fi *Submitted on* _____

Minn *From* _____

Partikolaritajiet dwar atti ta' stat ċivili oħra fejn jidher id-dikjarant
Particulars regarding other acts of civil status where the declarer appears

***Nru. tal-Att *No. of the Act*	Natura tal-Att tal-Istat Ċivili *Nature of Civil Status*	Data *Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Year*	Isem u Kunjom il-ġenituri u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of Parents and whether alive or deceased*

Notifikasi
* Mhux meħtieġ meta jkun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandna sinjalis prova skont ma jkun hemm fl-Att tat-Twelid
When the birth is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the Declarer's signature.
** Mhux ħtieġ meta jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandna sinjalis prova skont ma jkun hemm fl-Att taż-Żwieġ
When the act is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the Declarer's signature.
*** Ħsieb (Intiżaż jekk l-att huwiex skonsidrat żwieġ) unjoni ċivili jew mewt.
Let whether the act is of birth, marriage civil union or death.

Formula V
(Artikolu 278A)

Miżjuda:
A.L. 311 tal-2012.
Emendata XXIII.2017.91.

DIKJARAZZJONI MINN PERSUNA LI TKUN QED TITLOB MODIFIKAZZJONI ŻGĦIRA TAL-ISEM FL-ATT TAT-TWELID JEW KIF IMNIŻŻEL FIR-REĠISTRU TA' PERSUNI ADOTTATI

Dettalji fl-Att tat-Twelid:

Numru tal-Att	Isem/ijiet tal-Wild	Isem/ijiet b'liema l-wild għandu jissejjaħ	Data tat-Twelid	Post tat-Twelid
			Data Xahar Sena	

Talba sabiex id-dettalji jiġu emendati għal:

Isem

Firma tad-Dikjarant .....Sottomessa fi .....

FORMULA W
[Artikolu 92(1)


Miżjuda:
XII.2015.7.

Imħassar bl-Att LXV.2020.29

Mižjuda:
LXV.2020.29.

FORMULA WW

[Artikolu 92(6)]



DIKJARAZZJONI TA' WILD IMWIELED BARRA MIŻ-ŻWIEĠ U RIKONOXXUT MILL-ĠENITUR LI MA WILDIX IT-TARBIJA QABEL L-ATT TAL-2019 LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI U LIĠIJIET OHRAJN DWAR IT-TIBDIL TAL-KUNJOM

DECLARATION OF A CHILD BORN OUT OF WEDLOCK AND ACKNOWLEDGED BY THE PARENT WHO DID NOT GIVE BIRTH BEFORE THE CIVIL CODE AND OTHER LAWS (AMENDMENT) ACT OF 2019 ON THE CHANGE OF A SURNAME

*Jien hawn taħt iffirmat, niddikjara fil-preżenza tax-xhud hawn sottoskritt, li bi ħsieb nieħu l-kunjom:
** I the undersigned, declare in the presence of the undersigned witness, that I intend to adopt the surname:*

(Kunjom shiħ)
(*surname in full*)

Partikolaritajiet dwar il-wild *Particulars regarding the child*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Età *Age* *Sneċi/Years*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Isem u Kunjom tal-ġenituri tad-dikjarant u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of parents of declarer and whether alive or deceased*

Partikolaritajiet dwar l-Att tat-Twelid
Particulars regarding the Act of Birth

**Nru tal-Att tat-Twelid ***No of Act of Birth*	Data/ *Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Year*

Firma tax-Xhud
Witness' Signature

Ippreżentata fi
Submitted on

Minn
From

Firma tad-Dikjarant
Declarer's signature

Din il-formula hija irrevokabbli.
This form is irrevocable.

***Partikolaritajiet dwar att ta' stat ċivili oħra fejn jidher id-dikjarant ****Particulars regarding other acts of civil status where the declarer appears									
Natura tal-Att ta' Stat Ċivili**** *Nature of the Act of Civil Status*****	Data/*Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Year*	Isem u Kunjom tal-ġenituri u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of Parents and whether alive or deceased*					

Noticeboard
Natural light from nothing
Natural light from nothing
-- Data teħtieġ tiġi ppreżentata
Data is required
-- Natal teħtieġ ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jistabbilixxi l-liġi
When the birth is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the law
-- Natal teħtieġ ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jgħid id-Dikjarazzjoni
When the birth is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the Declaration
****-Isem jinkiteb jekk l-att huwiex taċ-ċivili, bħalma jkun meta l-att ikun ta' żwieġ
Enter surname if the act is of birth, marriage civil union or death


FORMULA X
[Artikolu 92(1)]

Miżjuda: XII.2015.7.

Imħassar bl-Att LXV.2020.29

FORMULA XX
[Artikolu 92((9), (10)]

Miżjuda: LXV.2020.29.



DIKJARAZZJONI TA' TIBDIL TA' KUNJUGU, TA' DIXXENDENT, JEW TAL-KONJUGU TIEGĦU, TA' PERSUNA LI TKUN ISSOTTOMETTIET IL-FORMULA WW
DECLARATION OF THE CHANGE OF A SURNAME OF THE SPOUSE, DESCENDENT OR THE SPOUSE OF THE DESCENDENT OF THE PERSON WHO SUBMITTED FORM WW

Jien hawn taħt iffirmat, niddikjara fil-preżenza tax-xhud hawn sottoskritt, li bi ħsiebni niehu kunjom il-genituri tiegħi kif ġie annotat fl-att tat-twelid skont l-artikolu 92(9),(10) li hu:

I the undersigned declare in the presence of the undersigned witness, that I intend to adopt my parent's surname as annotated in the act of birth according to article 92(9),(10) which is:

***Rassar fejn ma japplikax.**
***Delete where not applicable.**

Kunjom ġdid/*New surname*

Partikolaritajiet dwar id-dikjarant *Particulars regarding the declarer*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Età *Age*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Isem u Kunjom tal-genituri tad-dikjarant u jekk ħajjin jew mejtin *Name and surname of parents of declarer and whether alive or deceased*

Partikolaritajiet dwar l-Att tat-twelid, l-Att tat-Żwieġ
Particulars regarding the Act of Birth, Act of Marriage

*Nru tal-Att tat-Twelid/Att taż-Żwieġ *No. of Act of Birth/Act of Marriage*	Data *Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Date*

Firma tad-Dikjarant
Declarer's signature _____

Firma tax-Xhud
Witness' Signature _____

Ippreżentata fi
Submitted on _____

Minn
From _____

Din il-formula hija irrevokabbli.
This form is irrevocable.

****Partikolaritajiet dwar atti ta' stat ċivili oħra fejn jidher id-dikjarant**
*****Particulars regarding other acts of civil status where the declarer appears***

***Nru. tal-Att ****No. of the Act*	Natura tal-Att tal-istat ċivili *Nature of Civil Status*	Data *Date* Jum *Day*	Xahar *Month*	Sena *Year*	Isem u Kunjom il-genituri u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of Parents and whether alive or deceased*

Iktibiet/Notes

* Meta dikjarat ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jkun ind-dikjarat meta dik ma tkunx reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.
When the birth is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the Director's judgement.

** Meta att ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jkun ind-dikjarat meta dik ma tkunx reġistrata fir-Reġistru Pubbliku.
When the act is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the Director's judgement.

*** Jekk l-att ma jkunx reġistrat fir-Reġistru Pubbliku tkun meħtieġa prova skont l-artikolu 92(9) tal-Kodiċi Ċivili.
Let whether the act is of birth, marriage civil union or death.

Mižjuda:
LXV.2020.29.

FORMULA Y

[Artikolu 4(6)]

DIKJARAZZJONIJIET BIDLIET TAL-KUNJOM TA' KONJUGIJI MIŻŻEWWIEĠ/MIŻŻEWĠIN QABEL L-ATT TAL-2019 LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI U LIGIJIET OĦRAJN
DECLARATION A CHANGE OF SURNAME OF A SPOUSES/SPOUSES MARRIED BEFORE THE CIVIL CODE AND OTHER LAWS (AMENDMENT) ACT OF 2019

*Jiena/Aħna ħaxt iffirmati, niddikjara/niddikjaraw fil-preżenza tax-xhud/i ħawn sottoskritt, li bi ħsiebi/ħsiebna nieħu/nieħdu l-kunjom:
*I/We the undersigned, declare in the presence of the undersigned witness, that I/we intend to adopt the surname:
**Ħassar fejn ma japplikax.
**Delete where not applicable.*

_____ (Kunjom shih)
(surname in full)

*Aħna/Jiena ħaxt iffirmati niddikjaraw fil-preżenza tax-xhud ħawn sottoskritt, li bi ħsiebna noddu l-isem tal-Familja ta' kien iddikjarat fl-Att taż-Żwieġ tagħna għall-
** We the undersigned, declare in the presence of the undersigned witness, that we intend to change the Family Name as declared in our Act of Marriage to:*

_____ (Isem tal-Familja)
(Family Name)

Particolaritajiet dwar id-dikjarant *Particulars regarding the declarer*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Età *Age* *Snin/Years*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Isem u Kunjom (l-ġenituri taż-żwieġ u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of parents of spouses in marriage and whether alive or deceased*
Particolaritajiet dwar id-dikjarant *Particulars regarding the declarer*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Età *Age* *Snin/Years*	Post tat-Twelid *Place of Birth*	Isem u Kunjom (l-ġenituri taż-żwieġ u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of Parents of spouses in marriage and whether alive or deceased*

Particolaritajiet dwar l-att taż-żwieġ
Particulars regarding the act of marriage

***Nru. tal-Att taż-Żwieġ ****Nos. Act of Marriage*	Data/Date Jum/Day	Xahar/Month	Sena/Year

Firma tad-Dikjarant/Dikjarant
Declarer/declarer's signature
_____

Firma tax-Xhud
Witness' Signature
_____

Ippreżentata fi
Submitted on
_____

Minn
From
_____

****Particolaritajiet dwar atti ta' stat ċivili oħra fejn jidher id-dikjarant***
*****Particulars regarding other acts of civil status where the declarer appears***

Natura u Numru tal-Att tal-istat Ċivili***** *Nature and Number of the Act of Civil Status*****	Data/Date Jum/Day	Xahar/Month	Sena/Year	Isem u Kunjom (l-ġenituri u jekk ħajjin jew mejtin *Name and Surname of parents and whether alive or deceased*

Din il-formula hija irrevokabbli.
This form is irrevocable.

Ixoħtiċes:
* Ħassar fejn ikun meħtieġ
Delete where required
** Applikabbli biss għaż-żwieġi li ssemmiehom f'artikolu 3 tal-Att tal-Ġeneralità 2017
Applicable only to spouses who contracted marriage on or after 1st September 2017
*** Meta l-Att/i ma jkunx/ux irreġistrat/i fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jkun hemm provvediment
When the act/s is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the relevant provision
**** Meta l-att ma jkunx irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għandha tingieb prova skont ma jkun hemm provvediment
When the act is not registered in the Public Registry evidence has to be brought according to the relevant provision
***** Ħaqq jinħass jekk att ħuwiex tal-kwieħed, żwieġ, unjoni ċivili jew mewt.
Let whether the act is of birth, marriage civil union or death.

Taqsima III

Miżjuda: XXXI.1965.23. Emendata: XXX.1995.7; XXV.2014.5; LXV.2020.29.

Partikolaritajiet dwar ċerti korrezzjonijiet fl-Atti tal-Istat Ċivili.

(Artikolu 257)

ATT TAT-TWELID

(*a*) Data tal-Att;

(*b*) Post u data tat-twelid tat-tarbija;

(*ċ*) Sess tat-tarbija;

(*d*) Ismijiet mogħtija lit-tarbija;

(*e*) Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tissejjaħ u kunjom;

(*f*) Isem u Kunjom, dokument tal-identifikazzjoni, Età u post tat-twelid u residenza -

(i) tal-ġenituri tat-tarbija; u

(ii) tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni;

(*g*) L-isem u l-kunjom tan-nanniet tat-tarbija u tal-ġenituri tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni;

(*h*) Jekk in-nanniet tat-tarbija jew il-ġenituri tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni humiex ħajjin jew mejtin;

(*i*) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda, jekk ikun hemm.

ATT TAŻ-ŻWIEĠ

(*a*) Data tal-Att;

(*b*) Isem u kunjom (kull fejn ikun hemm), data u post tat-twelid u dokument tal-identifikazzjoni, u residenza ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri;

(*ċ*) Isem, kunjom u kunjom mat-twelid tal-ġenituri tal-konjuġi;

(*d*) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda;

(*e*) Il-knisja, kappella, jew post ieħor fejn sar iż-żwieġ.

(*f*) Il-kunjom wara ż-żwieġ tal-konjuġi.

ATT TAL-MEWT

(*a*) Data tal-Att;

(*b*) Isem u kunjom il-mejjet;

(*ċ*) Jekk il-mejjet kienx miżżewweġ jew le, f'unjoni ċivili jew le, f'koabitazzjoni reġistrata taħt l-Att dwar il-Koabitazzjoni jew insinwata permezz ta' att pubbliku taħt l-Att dwar il-Koabitazzjoni, armel jew armla; Kap. 571.

(*d*) dokument tal-identifikazzjoni, Età, post tat-twelid u residenza tal-mejjet;

(*e*) L-isem u l-kunjom tal-ġenituri inkluż kunjomhom mat-twelid tal-mejjet, u jekk humiex ħajjin jew mejtin;

(*f*) Il-post u l-kawża tal-mewt, u l-post tad-difna jew kremazzjoni;

(*g*) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda, jekk ikun hemm.

ATT TA' UNJONI ĊIVILI

(*a*) Data tal-Att;

(*b*) Isem u kunjom (kull fejn jokkorru),dokument tal-identifikazzjoni data u post tat-twelid u residenza tal-partijiet fl-unjoni ċivili;

(*ċ*) Isem, kunjom, u kunjom mat-twelid tal-ġenituri tal-partijiet fl-unjoni ċivili;

(*d*) Il-partikolaritajiet kollha tax-xhieda;

(*e*) Il-post fejn saret l-unjoni ċivili.

(*f*) Il-kunjom wara l-unjoni ċivili tal-imsieħbin.

Mižjuda:
XIII.2007.13.
Emendata:
A.L. 196 tal-2010;
A.L. 426 tal-2012;
XXV.2019.28;
XLVII.2020.3;
LXV.2020.31;
A.L. 212 tal-2023.

IT-TIENI SKEDA

Titolu I

FUQ ORGANIZZAZZJONIJIET ĠURIDIĊI

Sub-Titolu I

Dispożizzjonijiet preliminari u Tifsiriet

Preliminari u tifsiriet.
Emendat:
A.L. 196 tal-2010;
XXXVI.2018.41;
XXXIX.2020.14.

1. (1) Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, organizzazzjoni tfisser universalità ta' persuni li jassoċjaw ruħhom jew universalità ta' beni li huma approprjati biex jinkiseb għan legali li jkollha forma rikonoxxuta mil-liġi, u li tista' tkun persuna ġuridika skont il-liġi.

(2) L-Organizzazzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti f'forom ġuridiċi differenti.

(3) L-iskop leġittimu ta' organizzazzjoni msemmi fis-subartikolu (1) m'għandux ikun kontra l-morali u l-politika pubblika, liema skop jew skopijiet għandhom jikkonsistu f'waħda mill-kategoriji msemmijin fis-subparagrafu (4).

(4) Kull organizzazzjoni għandha tiġi kategorizzata skont l-għan tagħha u l-għan ta' kwalunkwe organizzazzjoni jista' jkun li:

(*a*) tippromwovi esklussivament skop soċjali jew pubbliku fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe benefiċċju pubbliku, jew jekk għandha xi benefiċjarji, għandha tkun għall-benefiċċju ta' benefiċjarji b'interess pubbliku. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "benefiċjarji b'interess pubbliku" għandha tfisser kull waħda mis-segwenti:

(i) organizzazzjonijiet li huma nfushom huma stabbiliti esklussivament għal skopijiet soċjali jew pubbliċi fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt;

(ii) organizzazzjonijiet reliġjużi;

(iii) organizzazzjonijiet pubbliċi; jew

(iv) benefiċjarji msemmijin fl-artikolu 32(8):

Iżda dan jeskludi kwalunkwe benefiċċju privat ħlief għal dak elenkat taħt l-Ewwel Skeda tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jew taħt din l-Iskeda, f'liema każ issir referenza għall-istess bħala "organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku"; Kap. 492.

(*b*) tippromwovi kwalunkwe skop leġittimu skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, ħlief dawk imsemmijin fil-paragrafu (a)(i), f'liema każ issir referenza għaliha bħala "organizzazzjoni għall-benefiċċju privat"; jew Kap. 492.

(*ċ*) tippromwovi kwalunkwe skop leġittimu, f'liema każ issir referenza għaliha bħala "organizzazzjoni għal interess privat".

(5) Meta organizzazzjoni għall-benefiċċju privat hija stabbilita bil-benefiċjarji, l-organizzazzjoni għandha tkun għall-benefiċċju ta' persuna jew klassifikazzjoni ta' persuni li jistgħu jiġi aċċertati, permezz tal-ħatra ta' persuni msemmija, sew jekk huma membri, azzjonisti jew interessi jew drittijiet oħra, jew jistgħu xort'oħra jiġu aċċertati.

(6) Il-personalità ġuridika huwa l-istatus mogħti mil-liġi lil organizzazzjoni li hija stabbilita għal għan legali mfisser bil-miktub fi strument li joħloqha jew fi statut, li jkollha patrimonju ta' attiv u passiv, li jkunu separati u distinti minn dawk ta' kull persuna oħra u jkollha s-setgħat legali biex tikseb dak il-għan permezz tal-amministrazzjoni tal-korp regolatorju tagħha stess.

(7) Teżisti l-personalità ġuridika meta organizzazzjoni tkun rikonoxxuta jew tkun stabbilita bħala persuna ġuridika permezz ta' liġi speċjali jew tkun reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda jew xi liġi speċjali oħra li tikkonċedi personalità ġuridika.

(8) B'konferma tal-libertà ta' assoċjazzjoni garantita mill-Kostituzzjoni u l-liġijiet ta' Malta, assoċjazzjoni ta' persuni ma tkunx meħtieġa tikkwalifika bħala persuna ġuridika bħala kondizzjoni minn qabel sabiex dik l-assoċjazzjoni ta' persuni tkun tista' twettaq attivitajiet legali skont xi wieħed mill-għanijiet li għalihom tkun ġiet stabbilita.

(9) Kull persuna għandha d-dritt li tistabbilixxi organizzazzjonijiet ġuridiċi sakemm dik il-persuna tosserva r-regoli preskritti dwar il-forma u l-kontenut.

(10) Organizzazzjonijiet jistgħu jkunu pubbliċi jew privati.

(11) Organizzazzjonijiet pubbliċi u l-amministraturi tagħhom huma regolati mil-liġi applikabbli għall-Istat u s-servizz pubbliku, u kull liġi oħra applikabbli għal dik l-organizzazzjoni partikolari. Meta l-Istat jagħmel użu minn forom ta' organizzazzjonijiet

ġuridiċi regolati bit-Titolu III ta' din l-Iskeda jew bid-dispożizzjonijiet ta' xi liġi speċjali, għandhom jgħoddu wkoll d-dispożizzjonijiet applikabbli għal dik il-forma partikolari.

(12) Organizzazzjonijiet privati huma regolati bid-dispożizzjonijiet tat-Titolu III ta' din l-Iskeda, kif ikunu applikabbli, u bil-liġijiet speċjali li jistgħu jkunu applikabbli għall-forma legali u l-għan tagħhom.

(13) F'din l-Iskeda:

(*a*) "strument kostituttiv" tfisser kuntratt pubbliku, skrittura privata, riżoluzzjoni jew kwalunkwe strument ieħor bil-miktub jew dokument, jew il-parti rilevanti tiegħu, li jistabbilixxi organizzazzjoni ta' kwalunkwe forma u jinkludi testment li jipprovdi għat-twaqqif ta' organizzazzjoni;

(*b*) kwalunkwe referenza għall-"Qorti" għandha titqies li hija referenza għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), kemm-il darba ma jiġix espressament provdut xort'oħra;

(*ċ*) "att tal-fondazzjoni" tfisser il-kuntratt pubbliku jew parti minnu, li jistabbilixxi fondazzjoni u jirregola l-governanza tagħha skont l-artikolu 29. Meta xi dispożizzjoni ta' din l-Iskeda tistabbilixxi rekwiżit relatat mal-att tal-fondazzjoni, dan għandu jkun intlaħaq jekk dak ir-rekwiżit ikun jinsab fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut, jew fit-tnejn li huma, skont il-każ;

(*d*) "parti interessata" tfisser persuna li hija mogħtija drittijiet li jista' jkollhom valutazzjoni ekonomika, fil-preżent jew fil-futur, attwali jew kontinġenti, fl-istrument kostituttiv jew statut tal-organizzazzjoni jew li hija mogħtija setgħat jew funzjonijiet lilha u m'għandhiex tinkludi persuni oħra kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx xort'oħra u dan, mingħajr ħsara għad-dritt ta' kwalunkwe persuna li tinforza kwalunkwe dritt jew rimedju li jista' jkollha;

(*e*) "organizzazzjoni internazzjonali" tfisser organizzazzjoni li jkollha biss bħala membri Stati jew organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;

(*f*) it-terminu "li ma tagħmilx profitt" għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija lilu fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji; Kap. 492.

(*g*) "skop politiku" tfisser il-promozzjoni tal-interessi ta' partit politiku jew ta' kandidat politiku, fuq livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali u "partit politiku" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kap. 544) u għall-finijiet ta' din l-Iskeda għandha tinkludi kull organizzazzjoni oħra, ta' kwalunkwe forma ġuridika li hija finanzjarjament kontrollata minn, jew affiljata ma' partit politiku jew l-għan tiegħu, kif

stabbilit fl-istatut tagħha jew strument kostituttiv jew kuntratt pubbliku, jew organizzazzjoni li taġixxi b'tali mod li mhux awtonomu mill-partit politiku u t-termini "kandidat politiku" u "organizzazzjoni politika" għandhom jinftiehmu f'dan is-sens;

(*h*) "promotur" tfisser persuna li tippromwovi t-twaqqif ta' organizzazzjoni jew tippreżenta lilha nnifisha lil terzi persuni bħala tali u wara t-twaqqif tal-organizzazzjoni, fil-każ ta' fondazzjoni tfisser il-fundatur u fil-każ ta' assoċjazzjoni tfisser l-ewwel membri assoċjati;

(*i*) "att pubbliku" għandha tinkludi kwalunkwe dokumenti annessi ma' dak l-att pubbliku skont l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili; Kap. 55.

(*j*) it-termini "skop pubbliku", "benefiċċju pubbliku" u frażijiet simili jfissru skop soċjali u kwalunkwe skop jew benefiċċju ieħor li jippromwovi jew iservi lill-pubbliku ġenerali jew interess ġenerali jew settur tal-pubbliku ġenerali u ma jippromwovix u ma jservix xi benefiċċju privat ħlief kif permess bl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u b'din l-Iskeda; Kap. 492.

(*k*) it-terminu "organizzazzjoni pubblika" ifisser kull organizzazzjoni li hija kkontrollata, direttament jew indirettament mill-Gvern u organizzazzjoni hija "kontrollata mill-Gvern" meta l-Gvern ikollu s-setgħa li jaħtar jew ineħħi l-maġġoranza tal-amministraturi tal-organizzazzjoni;

(*l*) "data rilevanti" tfisser l-1 ta' April 2008;

(*m*) "persuni rilevanti" tfisser:

(i) l-amministraturi;

(ii) il-protettur jew membri tal-kunsill ta' superviżjoni, jekk ikun hemm; u

(iii) kwalunkwe persuna naturali oħra li teżerċita kontroll aħħari u effettiv fuq l-assoċjazzjoni permezz tad-dritt indirett tal-proprjetà jew mezzi oħra, inkluża kwalunkwe persuna, ħlief dawk li diġà ssir referenza għalihom fil-paragrafi (a) u (b) ta' din it-tifsira, li l-kunsens tagħha għandu jinkiseb jew li d-direzzjoni tagħha tkun torbot, skont l-istatut tal-assoċjazzjoni jew kwalunkwe strument ieħor bil-miktub, għat-teħid ta' azzjonijiet materjali mill-amministraturi tagħha;

(*n*) "organizzazzjoni reliġjuża" tfisser organizzazzjoni stabbilita minn awtorità reliġjuża jew organizzazzjoni reliġjuża oħra ta' kwalunkwe denominazzjoni sabiex jintlaħaq għan reliġjuż, inkluża fondazzjoni pija jew entità ekkleżjastika, kif imfisser f'din l-Iskeda;

(*o*) "skop soċjali" tfisser kwalunkwe skop karitattiv jew filantropiku, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak stabbilit hawn qabel, tinkludi:

(i) l-avvanz tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni

fiżika u l-isport;

(ii) l-avvanz tar-reliġjon;

(iii) l-avvanz tas-saħħa;

(iv) l-avvanz soċjali u komunitarju, inkluża l-promozzjoni tal-aspetti etiċi, edukattivi u soċjali ta' professjoni jew sengħa partikolari;

(v) l-avvanz tal-kultura, l-arti inġenerali u wirt nazzjonali;

(vi) l-avvanz tal-ħarsien u tat-titjib ambjentali, inkluż il-ħarsien tal-annimali;

(vii) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, riżoluzzjoni ta' kunflitti, demokrazija u rikonċiljazzjoni;

(viii) il-promozzjoni u l-ħarsien tal-interessi ta' organizzazzjonijiet oħra għall-benefiċċju pubbliku, inklużi l-federazzjonijiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet;

(ix) it-twettiq ta' attivitajiet intiżi għall-ġbir ta' fondi għas-sostenn ta' organizzazzjonijiet oħra li huma esklussivament organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku jew għas-sostenn tas-settur volontarju inġenerali jew partijiet minnu, permezz tal-applikazzjoni, l-għotja, it-trasferiment jew id-disponibbiltà xort'oħra ta' fondi hekk miġbura, lilhom jew għall-benefiċċju tagħhom;

(x) kwalunkwe skop ieħor li jista' jiġi stabbilit mill-Ministru permezz ta' regolamenti magħmula taħt din l-Iskeda,

u għall-finijiet ta' din l-Iskeda, tinkludi skop politiku;

(*p*) "liġi speċjali" tfisser Att tal-Parlament jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu jew parti minn dan il-Kodiċi jew parti minn din l-Iskeda li tirregola speċifikament forma ġuridika partikolari jew forom ta' organizzazzjonijiet, inklużi soċjetajiet ċivili, fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet;

(*q*) "statut" tfisser att pubbliku, skrittura privata, riżoluzzjoni jew kwalunkwe strument bil-miktub jew dokument, jew il-parti rilevanti tiegħu, li tirregola l-għanijiet, l-objettivi, il-ġestjoni interna u l-amministrazzjoni ta' organizzazzjoni fuq bażi kontinwa wara li l-organizzazzjoni tkun ġiet stabbilita, kemm jekk jifforma parti mill-istrument kostituttiv, bħala anness jew xort'oħra, jew huwa strument indipendenti;

(*r*) "kitba" meta użata b'rabta ma' avviż li għandu jintbagħat, għandha tfisser rappreżentazzjoni stampata, ittajpjata jew alternattivament viżibbli, ikkupjata jew riprodotta, inkluż bil-*fax* jew posta elettronika jew mezzi oħra elettroniċi u fil-każ ta' skrittura privata, l-amalgamazzjoni ta' għadd ta'

kopji ffirmati tal-istess strument għandha tkun biżżejjed;

(*s*) il-kliem "Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi", kull fejn jinsab f'din l-Iskeda, għandu għal kull effetti tal-liġi jfisser "ir-Reġistratur tal-Kumpaniji" kif imfisser fl-artikoli 400 u 401 tal-Att dwar il-Kumpaniji;

(*t*) "Ministru" tfisser, sakemm ma jingħadx mod ieħor, il-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali.

Sub-Titolu II

Fuq Organizzazzjonijiet Barranin u Internazzjonali

Organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali. *Emendat: XXXVI.2018.42.*

2. (1) Organizzazzjonijiet barranin li jkollhom personalità ġuridika skont il-liġijiet li bihom huma stabbiliti jew jekk ikunu reġistrati barra minn Malta, skont il-liġijiet tal-post ta' reġistrazzjoni, jkunu rikonnoxuti bħala persuni ġuridiċi għall-finijiet kollha tal-liġi, bil-karatteristiċi tal-forma ġuridika li jista' jkollhom taħt il-liġi applikabbli

(2) L-organizzazzjonijiet internazzjonali li huma mogħtija l-personalità ġuridika permezz ta' xi trattat multilaterali jew bilaterali jew ftehim li fih l-Istati Membri bħala soġġetti tal-liġi internazzjonali jkunu partijiet, għandhom jiġu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi għall-finijiet kollha tal-liġi, liema personalità għandha tiġi regolata permezz tat-trattat rilevanti jew ftehim jew permezz tad-dritt ta' kwalunkwe Stat magħżul għal dan il-għan mill-partijiet għall-istess. Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu, minn żmien għal żmien, jippubblika lista ta' dawn l-organizzazzjonijiet fil-Gazzetta.

(3) Fil-każ ta' organizzazzjoni barranija jew internazzjonali li għandha personalità ġuridika, il-liġi, it-trattat jew il-ftehim applikabbli skont it-termini tas-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw tali persuni ġuridiċi, inkluża l-forma tagħhom, l-eżistenza tagħhom, it-twaqqif u l-effetti tal-istatut tagħhom, l-istrument kostituttiv jew l-att pubbliku u l-amministrazzjoni tagħhom, ir-responsabbiltà tal-persuni li għandhom il-kontroll jew il-ġestjoni jew huma xort'oħra involuti f'dawn l-organizzazzjonijiet u fix-xoljiment tagħhom, u sa fejn l-organizzazzjoni internazzjonali tkun soġġetta għal xi liġi speċjali wara r-ratifikazzjoni mill-Istat tat-trattat li jistabbilixxi tali organizzazzjoni, dik l-organizzazzjoni għandha wkoll tkun regolata minn dik il-liġi u f'każ ta' inkonsistenza mal-Istatut jew il-ftehim tagħha, għandu jissupera dan tal-aħħar.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19(8), organizzazzjoni barranija jew internazzjonali li m'għandhiex personalità ġuridika taħt il-liġi applikabbli għandha tiġi rikonoxxuta bħala organizzazzjoni ġuridika u l-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw tali organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, inklużi l-forma tagħha, l-eżistenza tagħha, il-kostruzzjoni u l-effetti tal-istrument kostituttiv jew l-istatut, ir-responsabbiltà jew xort'oħra tal-promoturi, membri jew amministraturi tagħha, l-amministrazzjoni jew ix-xoljiment tagħha għandhom ikunu regolati bil-liġi adegwata applikabbli għall-istrument kostituttiv jew l-istatut, jew b'mod espress jew skont il-liġi li tkun tapplika.

(5) Minkejja l-liġi applikabbli skont id-dispożizzjonijiet preċedenti,

jekk teżisti s-setgħa biex titwettaq attività tan-negozju jew kummerċjali, il-limitazzjonijiet stabbiliti taħt l-artikolu 32A għandhom japplikaw għall-attivitajiet f'Malta fil-każ ta' fondazzjonijiet stabbiliti barra minn Malta.

(6) Sakemm ma tkunx ġiet eżentata b'xi dispożizzjoni espressa tal-liġi, kull organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, kemm jekk ikollha personalità ġuridika kemm jekk ma jkollhiex, li twettaq attività f'Malta fuq bażi regolari hija meħtieġa li tirreġistra permezz ta' avviż fil-forma stabbilita mar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi, maħtur skont l-artikolu 11 ta' din l-Iskeda, qabel ma tibda' twettaq dawk l-attivitajiet. Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu:

(*a*) "attività regolari" tfisser attività li ddum għal aktar minn tliet xhur jew li titwettaq permezz ta' stabbiliment permanenti f'Malta; u

(*b*) "stabbiliment permanenti" tinkludi post tan-negozju, uffiċċju jew fergħa li permezz tagħhom titwettaq attività fuq bażi stabbli u kontinwa:

Iżda l-obbligu ta' reġistrazzjoni ma japplikax għall-organizzazzjonijiet reliġjużi barranin.

(7) Meta organizzazzjoni barranija jew internazzjonali, sew jekk ikollha kif ukoll jekk ma jkollhiex personalità ġuridika, ma twettaqx attivitajiet regolari f'Malta, iżda għandha bżonn tipprova r-rikonoxximent tagħha taħt dan l-artikolu għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-liġijiet ta' Malta ħlief din l-Iskeda, l-organizzazzjoni tista' tirreġistra taħt dan is-subartikolu permezz ta' avviż fil-forma stabbilita.

(8) Kull meta l-għanijiet u l-attivitajiet ta' organizzazzjoni barranija jew internazzjonali huma s-suġġett ta' liġijiet li jirregolaw istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji tal-assigurazzjoni, servizzi ta' investiment jew fondi jew il-provvista ta' *trustee,* fiduċjarju, jew servizzi relatati mal-kumpanniji jew attivitajiet oħra li jistgħu jiġu liċenzjati jew regolati, tali organizzazzjoni tista' tiġi biss reġistrata bil-kunsens preliminari bil-miktub tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, meta dan ikun mitlub mil-liġi li tkun tapplika u fejn tkun tinsab, inkella, l-awtorità kompetenti taħt dik il-liġi, sakemm l-organizzazzjoni barranija jew internazzjonali ma tkunx eżentata b'mod espress milli tikseb awtorizzazzjoni taħt il-liġi Maltija.

(9) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien joħroġ regolamenti sabiex ivarja jew ifisser mill-ġdid dak li jistabbilixxi "attività regolari" u sabiex jirregola r-reġistrazzjonijiet taħt dan l-artikolu.

Titolu II

FUQ IL-PERSONALITÀ ĠURIDIKA

Sub-Titolu I

Fuq Persuni Ġuridiċi

Għarfien ta' persuni ġuridiċi. *Emendat: XXXVI.2018.43.*

3. (1) Persuni ġuridiċi huma organizzazzjonijiet li jkollhom personalità ġuridika. Il-personalità ġuridika tinkiseb permezz tal-għarfien formali mill-Istat. L-għarfien mill-Istat jeħtieġ att speċifiku ta' għarfien u l-ebda att amministrattiv ieħor tal-Istat, fir-rigward ta' organizzazzjoni jew attività, ma jikkostitwixxi għarfien. Ħlief meta l-personalità ġuridika tkun rikonoxxuta jew stabbilita bil-liġi jew trattat internazzjonali jew ftehim jew hija mogħtija bis-saħħa tar-reġistrazzjoni skont xi liġi speċjali, il-personalità ġuridika għandha tinkiseb biss minn organizzazzjoni meta din tiġi reġistrata mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi skont l-artikolu 12.

(2) Meta jinħolqu organizzazzjonijiet b'att volontarju, dawn għandhom jiġu stabbiliti skont il-forma legali kif previst mil-liġi.

(3) Organizzazzjoni ma tiġix rikonoxxuta bħala persuna ġuridika ħlief jekk tosserva dawk il-formalitajiet li jkunu jgħoddu għall-forma legali li tkun ġiet magħżula għat-twaqqif u r-reġistrazzjoni tagħha.

(4) Organizzazzjonijiet maħluqa b'att volontarju, kemm jekk ikunu reġistrati u kemm jekk ma jkunux, huma primarjament regolati bil-liġijiet applikabbli għall-forma legali partikolari tagħhom jew għall-għanijiet tagħhom jew kategorija u, meta d-dispożizzjonijiet ta' liġijiet speċjali jew id-dispożizzjonijiet tat-taqsimiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi ma jirregolawx xi materja msemmija f'dan it-Titolu, huma regolati wkoll bid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(5) Organizzazzjonijiet li ma jgawdux personalità ġuridika għandu jkollhom biss dawk id-drittijiet u setgħat mogħtija lilhom bi jew skont dispożizzjonijiet espressi tal-liġi.

Regoli ġenerali applikabbli għal persuni ġuridiċi. *Emendat: XXXVI.2018.44.*

4. (1) Kull persuna ġuridika għandha patrimonju li għandu jiġi allokat għal għan jew għanijiet skont l-artikolu 1.

(2) Kull persuna ġuridika għandha tkun identifikabbli b'isem univoku li jiġi mogħti lilha fid-data meta tiġi kostitwita, u li taħtu teżerċita d-drittijiet tagħha u twettaq l-obbligi tagħha. Dak l-isem jista' jinbidel skont il-proċedura stabbiliti bil-liġi. Kull isem għandu josserva l-liġi u għandu jkun fih, meta jkun meħtieġ, denominazzjoni li tindika b'mod ċar il-forma legali meħuda mill-persuna ġuridika.

(3) Kull persuna ġuridika għandu jkollha indirizz f'Malta fejn tista' tirċievi komunikazzjonijiet u tintalab informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħha.

(4) Persuni ġuridiċi jaġixxu permezz tal-organi tagħhom, bħal ma huma l-bord tal-amministraturi, diretturi jew *trustees* u, sa fejn ikollhom membri, il-laqgħa ġenerali tal-membri dwar ħwejjeġ li jaqgħu taħt dan l-organu.

(5) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' persuna ġuridika għandha tingħata:

(*a*) fil-każijiet kollha, f'amministratur wieħed jew aktar, *in solidum*, bil-mod stabbilit fl-istatut jew fil-liġi applikabbli;

(*b*) mingħajr limitazzjoni għas-setgħat ta' rappreżentanza tal-amministraturi kif stabbilit fil-paragrafu (a), f'persuni oħra msemmija fl-istatut tal-organizzazzjoni jew persuni oħra li jżommu l-kariga, kif hemmhekk identifikat; u

(*ċ*) l-amministraturi; li jkollhom is-setgħa li jiddelegaw dawk is-setgħat ta' rappreżentanza permezz ta' riżoluzzjoni bil-miktub jew prokura bil-miktub favur xi terzi. L-amministraturi ta' persuna ġuridika jorbtuha sal-limitu tas-setgħat mogħtija lilhom bil-liġi, bl-istatut u b'xi ordinamenti jew kif ikun mod ieħor preskritt fil-liġi li tapplika għall-forma legali tagħhom:

Iżda kull limitazzjoni fis-setgħat tal-amministraturi ma tistax tiġi invokata kontra terzi li jaġixxu *bona fide* irrispettivament jekk dik il-limitazzjoni, kemm jekk pubblikata u kemm jekk le, toħroġx mill-istatut jew minn deċiżjoni interna, sakemm ma jiġix pruvat li dik il-parti terza kienet taf li dak l-att kien bi ksur ta' dik il-limitazzjoni.

Iżda wkoll fl-assenza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni dwar ir-rappreżentanza legali ta' xi organizzazzjoni fl-istatut, l-uniku amministratur, jew jekk hemm aktar minn wieħed, kwalunkwe żewġ amministraturi, għandu jkollhom ir-rappreżentanza tal-organizzazzjoni skont dan is-subartikolu.

(6) Kull persuna ġuridika għandu jkollha minn tal-inqas amministratur wieħed li jista' jaġixxi għan-nom tagħha jew għandu jkollha dak in-numru minimu ta' amministraturi li jista' jkun mitlub mil-liġi applikabbli għall-forma ġuridika tagħha, għan jew kategorija.

(7) Kull persuna li taġixxi f'isem persuna ġuridika li ma teżistix tintrabat personalment biex twettaq l-obbligi li tassumi u ħlief kif jista' jkun stabbilit xort'oħra fi kwalunkwe liġi speċjali, persuna ġuridika tista' tirratifika kull att magħmul f'isimha qabel ma ġiet reġistrata. Mar-reġistrazzjoni l-persuna ġuridika tkun marbuta bl-obbligi li tkun daħlet għalihom persuna li tkun aġixxiet f'isem il-persuna ġuridika u tkun intitolata għad-drittijiet kollha. Ir-ratifika ma tikkostitwix novazzjoni sakemm il-parti l-oħra fl-operazzjoni ma teħlisx espressament lill-persuna li taġixxi f'isem il-persuna ġuridika mill-obbligi li tkun assumiet:

Iżda persuna li taġixxi f'isem persuna ġuridika qabel ma din tiġi kostitwita ma tkunx marbuta personalment jekk il-kuntratt jistipula mod ieħor jew ikun fih dikjarazzjoni li l-effett tagħha jkun li l-ftehim jiddependi fuq il-fatt li tinħoloq il-persuna ġuridika jew li l-persuna ġuridika tista' ma tiġix kostitwita jew ma tistax tassumi l-obbligi msemmija fil-kuntratt.

Iżda wkoll, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, meta terza persuna tittratta bil-*bona fide* ma' persuni li jaġixxu f'isem jew għan-nom ta' persuna ġuridika qabel ma din tiġi stabbilita, kwalunkwe kuntratt jidħol fis-seħħ mid-data tal-eżistenza tal-organizzazzjoni, u l-organizzazzjoni għandha tkun intitolata għall-kumpens mill-persuni li jkunu aġixxew f'isimha jew għan-nom tagħha fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha taħt dan is-subartikolu fil-konfront tal-imsemmija terza persuna.

(8) Persuni ġuridiċi ma jistgħux jeżerċitaw tutela jew kurazija fuq persuna. Madankollu, safejn huma hekk awtorizzati li jaġixxu bil-liġi, jistgħu jkollhom il-kariga ta' *trustee* jew kuratur ta' proprjetà. Jistgħu wkoll jaġixxu bħala likwidatur jew eżekutur ta' testment, kunsinnatarju uffiċjali, sekwestratur ġudizzjarju, *trustee* jew amministratur ta' persuna ġuridika oħra.

(9) Persuni ġuridiċi jistgħu jkunu l-benefiċjarji ta' dispożizzjonijiet testamentarji kif ukoll ta' donazzjonijiet taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) dispożizzjonijiet testamentarji favur organizzazzjonijiet mhux reġistrati ma jiġux fis-seħħ, u safejn ikunu ġew magħmula għandhom jiġu revokati fuq talba permezz ta' rikors lill-Qorti, ta' kull persuna interessata fit-testment sakemm ma ssirx applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont il-liġi applikabbli fi żmien sena mill-ġurnata tal-ftuħ tas-suċċessjoni;

(*b*) donazzjonijiet magħmula lil organizzazzjoni jitqiesu li jkunu ġew magħmula fuq is-suppożizzjoni li l-organizzazzjoni tkun reġistrata jew tiġi reġistrata u ma għandhomx iseħħu, u safejn ikunu saru għandhom jiġu revokati fuq talba tad-donatur permezz ta' rikors lill-Qorti, sakemm ma ssirx applikazzjoni għar-reġistrazzjoni skont il-liġi applikabbli fi żmien sena mid-donazzjoni;

(*ċ*) l-amministraturi li jkunu ġew mgħarrfa dwar il-ħatra tagħhom u jaċċettaw dik il-ħatra għandhom iwettqu dik ir-reġistrazzjoni fi żmien il-perjodu fuq imsemmi; u

(*d*) il-Qorti, fid-diskezzjoni tagħha, ikollha s-setgħa ttawwal dak il-limitu ta' żmien wara rikors minn xi amministratur jew xi parti interessata oħra jew li tordna lill-amministratur jew persuna oħra rilevanti sabiex l-organizzazzjoni tiġi reġistrata u jitwettqu dawk l-atti kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-intendiment tat-testatur jew donatur, skont il-każ, jintlaħaq.

(10) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (9) m'għandhomx japplikaw għal dispożizzjonijiet testamentarji u donazzjonijiet favur fondazzjonijiet piji, legati taż-żwieġ u entitajiet ekkleżjastiċi.

(11) Il-personalità ġuridika ma tistax tinġieb bħala difiża kontra persuna li taġixxi *bona fide* biex issir xi frodi.

Kemm idumu fis-seħħ persuni ġuridiċi. *Emendat:* XXXVI.2018.45.

5. (1) Persuna ġuridika tibqa' teżisti għal dejjem sakemm ma jkunx previst mod ieħor bil-liġi jew bl-statut, strument kostituttiv jew att pubbliku.

(2) Persuni ġuridiċi maħluqin direttament bi jew skont liġi speċjali jeżistu mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-liġi jew mid-data preskritta f'dik il-liġi. F'każijiet oħra, persuni ġuridiċi jeżistu mid-data tar-reġistrazzjoni jew minn dik id-data oħra prevista fil-liġijiet li jgħoddu għall-forma legali partikolari tagħhom.

(3) Persuni ġuridiċi jieqfu jeżistu b'effett mid-data meta

jitħassru mir-reġistru rilevanti skont il-liġijiet li jgħoddu għall-forma legali partikolari tagħhom jew kif jingħad f'xi liġi speċjali.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għal persuni ġuridiċi ta' forma legali partikolari, fuq rikors lill-Qorti minn xi persuna interessata jew mir-Reġistratur, il-Qorti tista', jekk dawk l-azzjonijiet li huma rilevanti ma jittieħdux mill-persuna ġuridika jew mill-uffiċjali tagħha skont il-liġi li tapplika, tordna li l-persuna ġuridika titħassar mir-reġistru fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-persuni li huma vestiti b'dik l-awtorità hekk jiddeċiedu skont statut, strument kostituttiv jew att pubbliku l-organizzazzjoni; jew

(*b*) meta jiġru l-ġrajjiet li huma espressament dikjarati li għandhom dak l-effett -

(i) fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut; jew

(ii) fil-liġijiet li huma applikabbli għall-forma ġuridika partikolari tagħha; jew

(*ċ*) meta l-għan li għalih ġiet stabbilita intlaħaq, ġie eżawrit jew sar impossibbli li jintlaħaq; jew

(*d*) meta ma jkunx hemm amministratur fil-kariga jew in-numru ta' amministraturi jaqa' taħt in-numru mitlub mill-liġi għall-forma ġuridika partikolari; għal perjodu li jaqbeż is-sitt xhur; jew

(*e*) meta n-numru tal-membri jaqa' taħt dak mitlub mill-Iskeda f'każ ta' assoċjazzjoni, jew meta ma jkunx hemm benefiċjarji fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja.

Persuni ġuridiċi li kienu jeżisti qabel id-data rilevanti. *Emendat: A.L. 196 tal-2010; XXXVI.2018.46.*

6. (1) Minkejja l-fatt li mhumiex reġistrati f'reġistru li bih tingħata personalità ġuridika, organizzazzjonijiet li kienu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "id-data rilevanti", skontxi sentenza finali mogħtija minn xi Qorti relatata ma' dik l-organizzazzjoni partikolari, għandhom jibqgħu jiġu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi sakemm mhux meħtieġ li -

(*a*) dak l-istatus, biex ikompli, huwa soġġett għar-reġistrazzjoni skont din l-Iskeda jew xi liġi speċjali, jew huwa meħtieġ f'avviż maħruġ mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja u pubblikat fil-Gazzetta u r-reġistrazzjoni ma ssirx fiż-żmien previst f'dak l-avviż, f'liema każ dawk l-organizzazzjonijiet ma jibqgħux jiġu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi b'effett minn meta tiskadi dik id-data, jew

(*b*) jieqfu milli jeżistu mod ieħor skont il-liġi.

(2) Kull fondazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "fondazzjoni eżistenti", maħluqa b'att pubbliku u li kienet teżisti fid-data rilevanti, titqies li kellha personalità ġuridika mid-data ta' meta ġiet stabbilita iżda tkun meħtieġa li tirreġistra bħala persuna ġuridika skont din l-Iskeda fi żmien erba' snin kalendarji mid-data rilevanti.

(3) Minkejja li fondazzjoni eżistenti tonqos milli tirreġistra kif

meħtieġ bis-subartikolu (2), dik il-fondazzjoni eżistenti għandha tkompli tgawdi personalità ġuridika skont is-subartikolu (1).

(4) Organizzazzjonijiet reliġjużi u legati taż-żwieġ li huma mwaqqfa bħala fondazzjonijiet mhumiex obbligati jirreġistraw u għandhom ikomplu jiġu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi sakemm jiġu xolti.

(5) Fondazzjoni eżistenti li ġiet stabbilita b'att pubbliku u minkejja li ġiet reġistrata skont din l-Iskeda u anke jekk le:

(*a*) għandu jkollha l-kapaċità ġuridika sħiħa u s-setgħat ta' persuna ġuridika reġistrata kif stabbilit f'din l-Iskeda u r-restrizzjonijiet tal-artikolu 14 m'għandhomx japplikaw għaliha;

(*b*) għandha tkompli tkun il-proprjetarja esklussiva tal-proprjetà tagħha kollha, anke jekk akkwistata wara l-iskadenza tal-perjodu msemmi fis-subartikolu (2) u għandha tkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet tagħha;

(*ċ*) sakemm tkun reġistrata skont din l-Iskeda, ir-responsabbiltà tal-amministraturi tagħha għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17 u dispożizzjonijiet oħra applikabbli għal organizzazzjonijiet mhux reġistrati, għall-atti kollha mwettqa mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fis-subartikolu (2) sad-data ta' reġistrazzjoni, iżda l-amministraturi bl-ebda mod ma għandhom ikunu responsabbli għall-obbligazzjonijiet imwettqa mill-fondazzjoni eżistenti qabel din id-data, sakemm ma jkunux wettqu dawn l-obbligazzjonijiet bil-miktub; u

(*d*) meta tkun reġistrata, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16 għandhom, minn hemm 'il quddiem, japplikaw għall-atti kollha tal-amministraturi wara d-data ta' reġistrazzjoni.

(6) Fondazzjoni eżistenti li ma ġietx stabbilita permezz ta' att pubbliku u li tonqos milli tirreġistra:

(*a*) għandu jkollha l-kapaċità biss li tilħaq l-għanijiet stabbiliti u l-ħwejjeġ l-oħra kollha anċillari;

(*b*) għandha tkun soġġetta għar-restrizzjoni fl-artikolu 14(5);

(*ċ*) għandha titqies li hija l-proprjetarja esklussiva tal-proprjetà kollha tagħha li għandha tistabbilixxi patrimonju distint; u

(*d*) għandu jkollha l-amministraturi tagħha responsabbli *in solidum* mal-organizzazzjoni għall-obbligazzjonijiet mwettqa mill-fondazzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 17(3).

(7) L-assoċjazzjonijiet kollha, stabbiliti bil-miktub qabel id-data rilevanti, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"assoċjazzjonijiet eżistenti", li l-forma tagħhom hija rikonoxxuta bħala persuna ġuridika skont il-liġi applikabbli jew skont kwalunkwe sentenza

finali mogħtija mill-Qorti relatata ma' dik l-organizzazzjoni partikolari qabel id-data rilevanti, għandhom ikomplu jiġu rikonoxxuti bħala persuni ġuridiċi għalkemm mhumiex reġistrati; madankollu, l-assoċjazzjonijiet eżistenti li ma jirreġistrawx bħala persuni ġuridiċi, kif ukoll l-amministraturi tagħhom, għandhom ikunu regolati permezz tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, applikabbli għall-organizzazzjonijiet li mhumiex reġistrati, b'effett mill-iskadenza ta' erba' snin kalendarji mid-data rilevanti.

(8) Meta organizzazzjoni –

(*a*) hija stabbilita bħala assoċjazzjoni iżda għandha l-karatteristiċi ta' fondazzjoni; jew

(*b*) hija stabbilita bħala fondazzjoni iżda għandha l-karatteristiċi ta' assoċjazzjoni; jew

(*ċ*) tikkwalifika għar-reġistrazzjoni kemm bħala fondazzjoni kif ukoll bħala assoċjazzjoni, għandha tissejjaħ "organizzazzjoni ibrida" u għandha tkun regolata permezz tad-dispożizzjonijiet segwenti ta' dan l-artikolu.

(9) Organizzazzjoni ibrida għandha tiġi stabbilita permezz ta' statut, li jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, sabiex tiġi identifikata b'mod ċar il-forma tal-fondazzjoni jew assoċjazzjoni.

(10) Sakemm l-organizzazzjoni ibrida tikkonforma mas-subartikolu (9), l-amministraturi għandhom ikunu soġġetti, fl-amministrazzjoni tagħhom, għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda applikabbli kemm għall-fondazzjonijiet kif ukoll għall-assoċjazzjonijiet.

(11) Meta ma tittieħed ebda azzjoni għall-emenda tal-istatut ta' organizzazzjoni ibrida mill-fundaturi jew minn persuni oħra jew korpi awtorizzati mill-istatut, jew fil-każ ta' assoċjazzjonijiet, mill-membri, jew huwa impossibbli jew mhux prattikabbli li dan isir, l-amministraturi ta' organizzazzjoni ibrida jistgħu, f'kull waqt, japplikaw il-Qorti sabiex tissanzjona dawk l-emendi adegwati għall-kjarifika tal-forma ġuridika ta' dik l-organizzazzjoni, jew bħala fondazzjoni jew assoċjazzjoni u l-Qorti għandha toħroġ dawk l-ordnijiet li jidhrilha li huma xierqa, inklużi emendi għall-istatut u għall-isem tal-organizzazzjoni, wara li tkun qieset l-evidenza kollha sottomessa lilha u wara li tkun semgħet il-partijiet kollha interessati li jixtiequ jagħmlu s-sottomissjonijiet.

(12) Sabiex tilħaq deċiżjoni skont is-subartikolu preċedenti, il-Qorti għandha tqis *inter alia* l-intenzjonijiet inizjali tal-promoturi, l-għanijiet tal-organizzazzjoni u l-operat kurrenti tagħha, d-drittijiet tal-benefiċjarji u tal-membri, il-kisba tal-għanijiet tagħha fil-futur u l-ġestjoni tal-organizzazzjoni.

(13) Il-Qorti għandha wkoll ikollha s-setgħa li:

(*a*) tordna, fuq rikors tal-amministraturi, l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-organizzazzjoni bit-twaqqif ta' organizzazzjonijiet oħra fejn promotur, fundatur, membru jew benefiċjarju wieħed jew aktar, skont il-każ:

(i) ma jibqgħux jiġu ttrattati bħala fundaturi jew xort'oħra tal-fondazzjoni u, jew jiffurmaw assoċjazzjoni bl-għan uniku tas-sostenn ta' dik il-fondazzjoni jew tat-tgawdija tal-benefiċċji tas-sħubija; jew

(ii) ma jibqgħux jiġu ttrattati bħala membri ta' assoċjazzjoni u, jew jiffurmaw fondazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mingħajr il-benefiċċji tas-sħubija;

(*b*) tagħti direzzjoni ħlief kif provdut fil-paragrafu (a) sabiex tiżgura l-kisba effettiva tal-għanijiet inizjali tal-organizzazzjoni.

(14) Meta l-Qorti tagħti ordni kif imsemmi fis-subartikolu preċedenti, il-Qorti għandha tiżgura li la l-għanijiet tal-organizzazzjoni u lanqas id-drittijiet vestiti fi kwalunkwe persuna ma jiġu affetwati, lanqas ma għandhom jirriżultaw, minn din il-bidla jew organizzazzjoni mill-ġdid, xi obbligazzjonijiet ħlief għal dawk imwettqa liberament minn kwalunkwe persuna.

(15) Ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni ibrida taħt din l-Iskeda mhix legali u r-Reġistratur għandu jitlob il-ħarsien mas-subartikolu (9) qabel ma jaċċetta r-reġistrazzjoni tagħha.

Sub-Titolu II

Fuq l-Amministraturi

Ħatra ta' amministraturi. *Emendat: XXXVI.2018.47; XXV.2019.28.*

7. (1) Kull organizzazzjoni għandha tkun amministrata minn amministratur wieħed jew aktar li jkunu responsabbli biex iżommu l-pussess u l-kontroll tal-proprjetà tal-organizzazzjoni, jipproteġu dik il-proprjetà u jiżguraw li jiġu osservati l-istrument kostituttiv u l-istatut tal-organizzazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda u kull liġi speċjali li tkun tapplika għall-forma ġuridika partikolari, għan jew kategorija ta' dik l-organizzazzjoni.

(2) Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, "amministratur" tfisser uffiċjal jew persuna li tiġi maħtura biex tikkontrolla u tamministra organizzazzjoni inklużi gvernatur, direttur, *trustee* jew membru tal-kumitat u kull persuna oħra li twettaq dawk il-funzjonijiet ukoll jekk taħt isem ieħor.

(3) L-istatut għandu jaħtar l-ewwel amministraturi, kif dawn għandhom jiġu appuntati u mneħħija mill-kariga jew jekk mhux maħtura, kif għandhom jiġu appuntati u mneħħija l-amministraturi.

(4) Bla ħsara għall-pattijiet li taħthom jiġu maħtura, l-amministraturi huma marbuta bl-obbligi fiduċjarji msemmija fl-artikolu 1124A tal-Kodiċi.

(5) Jekk persuna ġuridika m'għandhiex minn tal-inqas amministratur wieħed fil-kariga jew in-numru minimu mitlub mil-liġi, l-Avukat tal-Istat jew kwalunkwe parti oħra interessata għandha tkun intitolata li titlob lill-Qorti sabiex tappunta amministratur jew amministraturi għal dawn il-finijiet, għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet kif il-Qorti jista' jidhrilha li huwa xieraq. Meta jiġi

ppreżentat tali rikors, il-perjodu msemmi fl-artikolu 5(4)(d) għandu jiġi sospiż sakemm il-Qorti tiddeċiedi dwar ir-rikors u jekk isir rikors wara l-iskadenza tal-imsemmi perjodu, il-ħatra magħmula mill-Qorti għandha tkun effettiva, kemm-il darba dan isir qabel it-tħassir tal-persuna ġuridika mir-reġistru rilevanti.

Skwalifika għall-ħatra. *Emendat: XXXVI.2018.48; A.L. 212 tal-2023.*

Kap. 9.

8. (1) Persuni li jkunu nstabu ħatja ta' xi wieħed mir-reati msemmija fit-Titoli V, VI u IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali fl-għaxar snin ta' qabel jew persuni li jkunu ġew interdetti b'ordni ta' xi qorti f'Malta skont il-Kodiċi Kriminali, jew barra minn Malta taħt liġijiet b'effett ekwivalenti, ma jkunux eliġibbli li jiġu maħtura jew eletti:

(*a*) fil-kariga ta' teżorier, viċi teżorier jew assistent teżorier jew kariga simili ta' organizzazzjoni; jew

(*b*) f'kull kariga oħra f'dik l-organizzazzjoni li d-detentur tagħha jkun responsabbli għall-ġbir, ħlasijiet, kustodja jew kontroll tal-attiv tal-organizzazzjonijiet jew għall-kontijiet tagħha; jew

(*ċ*) bħala awditur ta' organizzazzjoni bħal dik.

(2) Persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati li jinvolvu ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroriżmu mhumiex eliġibbli sabiex jinħatru jew jiġu eletti għall-kariga ta' amministratur jew jekk ikunu diġà maħtura jew eletti, m'għandhomx ikunu eliġibbli sabiex jibqgħu fil-kariga.

(3) Il-Qorti tista', jew b'mod ġenerali jew b'referenza għal organizzazzjoni partikolari –

(*a*) tiskwalifika kwalunkwe persuna milli żżomm kariga fi ħdan organizzazzjoni; jew

(*b*) tiskwalifika kwalunkwe persuna milli twettaq funzjonijiet identifikati fi ħdan organizzazzjoni,

u dan abbażi ta' kwalunkwe raġuni msemmija f'dan l-artikolu, wara rikors minn xi parti interessata, tal-Avukat tal-Istat, jew fil-każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji.

Il-Qorti tista' tirriabilita lil dik il-persuna skont ir-regolamenti, li jistgħu jsiru mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal żmien, għar-regolament tal-iskwalifika tal-amministraturi, ir-riabilitazzjoni tagħhom u r-reġistrazzjoni ta' dawk l-ordnijiet ta' skwalifika u riabilitazzjoni fir-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi jew fir-Reġistru Pubbliku, skont il-każ.

(4) Il-persuni li huma soġġetti għal ordni ta' skwalifika maħruġa mill-Qorti skont is-subartikolu (3), m'għandhomx iwettqu dawn il-funzjonijiet, sew b'mod ġenerali kif ukoll b'referenza għal organizzazzjoni partikolari, u dan, għal dawk iż-żminijiet kif stabbilit fl-ordni.

Tneħħija ta' amministraturi.

9. (1) Amministraturi jistgħu jiġu mneħħija f'każijiet ta' kondotta ħażina, nuqqas li jiddikjaraw konflitti ta' interess, ksur ta' dover jew nuqqas ta' osservanza tal-istatut jew xi dispożizzjoni ta' dan it-Titolu:

Iżda, minkejja kull dispożizzjoni fl-istatut ta'

organizzazzjoni, kull azzjoni li jkollha l-ħsieb li tneħħi amministratur għal dawn ir-raġunijiet għandha tkun preċeduta b'avviż bil-miktub lil dik il-persuna, liema avviż għandu jiddikjara r-raġunijiet allegati għal dik it-tneħħija u jagħti opportunità raġonevoli lill-persuna biex tiddefendi lilha nnifisha u tirribatti l-allegazzjonijiet.

(2) It-tneħħija ta' amministratur għandha ssir skont l-istatut tal-organizzazzjoni. Wara li jiġu eżawriti r-rimedji applikabbli kollha fi ħdan l-organizzazzjoni, kull persuna li turi li għandha interess tista' tagħmel rikors fil-Qorti biex titlob it-tneħħija ta' amministratur u l-Qorti għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha meħtieġa wara li tisma' ir-rikorrent u l-amministratur u kull xiehda rilevanti oħra.

(3) Il-Qorti tista', meta tordna t-tneħħija ta' amministratur, tinnomina amministratur jew amministraturi temporanji jew definittivi bħala sostituti, meta l-Qorti jidhrilha li l-metodu ta' ħatra kif imsemmi fl-istatut mhux ser jirriżulta fil-ħatra effettiva u immedjata ta' amministratur sostitut jew amministraturi sostituti.

(4) Kull dispożizzjoni fi statut li jkollha l-effett li amministratur ma jistax jitneħħa għar-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tkun nulla u mingħajr effett.

(5) Il-Qorti tista' timponi skwalifika skont l-artikolu 8 ta' din l-Iskeda f'kull każ meta tordna t-tneħħija ta' amministratur.

(6) Is-setgħat tal-Qorti previsti f'dan l-artikolu jistgħu jiġu eżerċitati minn kull Qorti li jkollha quddiemha proċeduri li jinvolvu amministratur.

Records, kontijiet u rapporti.
Emendat: XXXVI.2018.49; XXXIX.2020.15.

10. (1) Amministraturi għandhom iżommu *records* ta' -

(*a*) l-attiv u l-passiv kollu; u

(*b*) d-dħul u l-ħlasijiet kollha,

tal-organizzazzjoni għal perjodi finanzjarji annwali.

(2) Amministraturi għandhom iħejju dawk il-kontijiet u rapporti f'dawk iż-żminijiet u f'dik il-forma u b'dak il-kontenut kif jista' jiġi preskritt jew kif jista' jkun applikabbli għall-forma legali partikolari tagħhom. Dawk il-kontijiet u rapporti għandhom jiġu riveduti u għandhom jiġu ppubblikati u, jew preżentati skont kif jista' ikun preskritt jew kif ikun meħtieġ mil-liġi applikabbli.

(3) Sa dak iż-żmien meta:

(*a*) il-forma tal-kontenut tal-kontijiet u tar-rapporti; u

(*b*) ir-regoli dwar ir-reviżjoni, pubblikazzjoni u, jew is-sottomissjoni kif stabbilit skont is-subartikolu (2), għall-organizzazzjonijiet ġuridiċi, li l-forma tagħhom mhix regolata permezz ta' liġi speċjali, f'liema każ għandha tapplika l-liġi speċjali, għandhom japplikaw ir-regoli segwenti, kemm-il darba l-organizzazzjoni ġuridika ma tagħżilx li l-kontijiet ikunu mħejjijin, preparati, riveduti u ppublikati għal kull perjodu finanzjarju skont il-prinċipji u l-prattiċi ġenerali aċċettati dwar il-kontijiet kif imfisser fl-Att dwar il-Professjoni tal-Accountancy, jew soġġetti għal parir ta' accountant pubbliku ċċertifikat u awditur, b'xi prinċipji u prattiċi oħrajn, kif jista' jiġi magħżul minn żmien għal żmien mill-amministraturi:

Kap. 281.

(i) fil-każ ta' organizzazzjonijiet stabbiliti esklussivament għall-benefiċċju pubbliku, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet għall-organizzazzjonijiet volontarji iskritti, irrispettivament minn jekk tali organizzazzjonijiet humiex iskritti jew le:
Iżda dan il-paragrafu m'għandux japplika għal organizzazzjonijiet stabbiliti għal skop politiku, li għandhom jiġu regolati *mutatis mutandis* mill-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi:

Kap. 544.

Iżda wkoll, meta l-organizzazzjoni ma tkunx partit politiku kif imfisser taħt l-artikolu 2 tal-Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi iżda hija biss kontrollata minn jew affiljata ma' partit politiku, jew l-għan tagħha kif stabbilit fl-istatut jew fl-att kostituttiv tagħha huwa tali li jagħmilha mhux awtonoma;

Kap. 544.

(ii) fil-każ ta' fondazzjonijiet ta' interess privat:

A. fil-każ ta' fondazzjonijiet li jistgħu jwettqu attivitajiet kummerċjali taħt l-artikolu 31B, minflok ir-rekwiżiti stabbiliti taħt l-artikoli 13 sa 18 tal-Kodiċi Kummerċjali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IX u X tat-Taqsima V tat-Titolu I tal-Att dwar il-Kumpanniji u kwalunkwe referenzi għar-Reġistratur tal-Kumpanniji għandhom ikunu għar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi:

Kap. 13.

Kap. 386.

Iżda l-Ministru għandu jkollu s-setgħa li joħroġ regolamenti dwar kwistjonijiet stabbiliti fl-artikoli 188 u 189 tal-Att dwar il-Kumpanniji u anke sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' artikoli speċifiċi jew subartikoli tal-imsemmi Att u sabiex jiġi determinat il-mod ta' kif għandhom japplikaw f'tali kuntest;

Kap. 386.

B. fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 31Ċ, kull linji gwida kif jistgħu jinħarġu, minn żmien għal żmien mill-awtoritajiet kompetenti, li jkollhom x'jaqsmu mat-*trusts* u *trustees*;

Ċ. fil-każ ta' assoċjazzjonijiet fejn il-membri kollha huma kumpanniji b'responsabbiltà limitata, għandu japplika wkoll il-paragrafu A; u

D. f'kull każ ta' assoċjazzjonijiet oħra fejn il-membri ma jkunux kollha kumpaniji b'responsabbiltà limitata, is-subartikoli (1) u (2) u kwalunkwe regolamenti rilevanti għandhom japplikaw u, fin-nuqqas ta' regolamenti speċifiċi, ir-regoli tal-*accounting* u l-konvenzjonijiet relatati mas-sħubija ċivili għandhom japplikaw.

(4) Dawk il-kontijiet, rapporti u *records* għandhom jinżammu għal perjodu ta' għaxar snin wara l-perjodu annwali rilevanti li għalih jirreferu, jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi impost fuq organizzazzjoni taħt xi liġi speċjali li tkun applikabbli għall-forma legali tagħha.

Sub-Titolu III

Fuq ir-Reġistratur

Dmirijiet tar-Reġistratur. *Emendat: XXXVI.2018.50; XLVII.2020.6; LXV.2020.31.*

11. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu l-funzjonijiet u s-setgħat tar-Reġistratur.

(2) Ir-Reġistratur ikun obbligat li jinnotifika bil-miktub d-deċiżjonijiet li jista' jieħu li bihom jirrifjuta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet, u jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu. Kull persuna jew organizzazzjoni li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tar-Reġistratur tista' tappella lill-Qorti mid-deċżjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta tirċievi dik in-notifika jew, meta ma jkunx hemm risposta għal applikazzjoni lir-Reġistratur biex jirreġistra organizzazzjoni, fi żmien ħamsa u erbgħin ġurnata mid-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

(3) Ir-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi għandu jamministra r-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi u, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jipprovdu xort'oħra, għandu japplika *mutatis mutandis* l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku għar-reġistrazzjonijiet magħmula skont din l-Iskeda. F'każ ta' inkonsistenza, għandhom jissuperaw id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra, ir-reġistrazzjonijiet kollha magħmula skont din l-Iskeda għandhom isiru mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi, kemm-il darba ma tkunx meħtieġa speċifikament ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku.

Kap. 56.

Sub-Titolu IV

Fuq ir-Reġistrazzjoni ta' Organizzazzjonijiet

Reġistrazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.51.*

12. (1) Organizzazzjonijiet jistgħu jiġu reġistrati b'dak il-mod kif jista' jiġi preskritt minn żmien għal żmien f'din l-Iskeda jew fil-liġi li tkun applikabbli għall-forma legali partikolari tagħhom.

(2) Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet dwar reġistrazzjoni fir-rigward ta' xi forma ta' organizzazzjoni li tista' tingħata personalità ġuridika b'xi liġi, organizzazzjonijiet jiġu reġistrati mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jew ta' xi regolamenti.

(3) Meta organizzazzjoni tista' tikseb personalità ġuridika permezz ta' reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku skont xi liġi oħra li tkun applikabbli għall-forma tagħha, dik l-organizzazzjoni ma tkunx tista' tiġi reġistrata skont dan is-Sub-Titolu.

(4) Ħlief għal dak li jirrigwarda organizzazzjonijiet pubbliċi u organizzazzjonijiet oħra li huma diġà reġistrati f'reġistru pubbliku; u għandhom personalità ġuridika bħala riżultat ta' dik ir-reġistrazzjoni, l-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni ma' jew il-ħruġ ta' ċertifikat jew liċenza mill-Istat li, skont xi liġi li tkun applikabbli, tagħti personalità ġuridika lill-organizzazzjoni għandhom jiġu interpretati bħala li jeħtieġu, bħala kondizzjoni addizzjonali tagħhom, ir-reġistrazzjoni ta' dik l-organizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(5) Għandha tkun kundizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-amministratur jew amministraturi tagħha mhumiex residenti Malta b'mod ordinarju, li jaħtru u jżommu b'mod permanenti, persuna li hija residenti Malta b'mod ordinarju sabiex taġixxi bħala r-rappreżentanta lokali u dik ir-rappreżentanta għandu jkollha, b'applikazzjoni tal-liġi u mingħajr il-ħtieġa ta' kwalunkwe att min-naħa tal-amministraturi:

(*a*) ir-rappreżentanza legali ta' dik l-organizzazzjoni għall-finijiet kollha ta' kwalunkwe liġi f'Malta; u

(*b*) ir-rappreżentanza legali ta' dik l-organizzazzjoni limitatament għall-iffirmar ta' formoli u notifiki oħra lir-Reġistratur u awtoritajiet kompetenti oħra f'Malta u l-iskrizzjoni ta' strumenti u dokumenti oħra eżegwiti mill-amministraturi ma' Nutar Pubbliku f'Malta, meta dan ikun meħtieġ għall-osservanza għall-obbligazzjonijiet legali tal-organizzazzjoni f'Malta:

Iżda jekk l-amministraturi jaħtru persuna jew persuni oħra sabiex iwettqu l-atti stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b), ir-rappreżentant lokali għandu biss jaġixxi b'konsultazzjoni ma' dawn il-persuni l-oħra meta dik il-persuna ma tkunx jew dawk il-persuni ma jkunux Malta, jew jekk jonqsu milli jwettqu tali funzjoni meta dan ikun mitlub minnhom fiż-żmien stabbilit fl-Iskeda.

(6) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni mogħti rigward organizzazzjoni huwa xiehda konklużiva li l-ħtiġiet ta' din l-Iskeda rigward ir-reġistrazzjoni u rigward il-ħwejjeġ li jiġu qabel ir-reġistrazzjoni u li huma anċillari għaliha ġew osservati u li l-organizzazzjoni hija debitament reġistrata skont din l-Iskeda.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u s-sottomissjoni ta' dokumenti u noti ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni u għas-sottomissjoni ta' atti mill-organizzazzjonijiet ġuridiċi kollha reġistrati li huma regolati minn din l-Iskeda u d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra li tirregola s-sottomissjoni u r-reġistrazzjoni ta' dokumenti fir-reġistru pubbliku m'għandhomx japplikaw kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra.

Sub-Titolu V

Fuq Organizzazzjonijiet mhux reġistrati

Organizzazzjoni-jiet mhux reġistrati. *Emendat: XXXVI.2018.52.*

13. (1) Organizzazzjoni mhux reġistrata hija organizzazzjoni li jkollha forma rikonoxxuta mil-liġi, li hija kostitwita bi strument bil-miktub u li, waqt li tista' tiġi reġistrata skont din l-Iskeda jew xi liġi oħra speċjali, mhijiex hekk reġistrata.

(2) L-istrument bil-miktub li jistabbilixxi organizzazzjoni mhux reġistrata għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, dikjarazzjoni espressa tal-għan jew l-għanijiet speċifiċi li għalihom ġiet stabbilita l-organizzazzjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' assoċjazzjoni ta' kull persuna u d-dritt ta' kull persuna li tistabbilixxi organizzazzjoni, assoċjazzjoni ta' persuni jew l-approprjazzjoni ta' beni għal għan li ma jkunx bil-forma bil-miktub ma humiex rikonoxxuti għall-finijiet ta' din l-Iskeda.

(4) L-organizzazzjonijiet li ġejjin ma jiġux ittrattati bħala organizzazzjonijiet mhux reġistrati għall-finijiet ta' din l-Iskeda minkejja li mhumiex reġistrati mar-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi:

(*a*) kull organizzazzjoni li hija diġà reġistrata skont it-termini ta' xi liġi speċjali li tirregola l-forma tagħha u li bħala riżultat ikun hemm personalità ġuridika;

(*b*) organizzazzjonijiet pubbliċi, ħlief dawk l-organizzazzjonijiet pubbliċi li ġew stabbiliti f'forma legali li teħtieġ reġistrazzjoni, jekk ma jkunux reġistrati;

(*ċ*) organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali li mhumiex obbligati jirreġistraw f'Malta; u

(*d*) fondazzjonijiet piji, legati taż-żwieġ u entitajiet ekkleżjastiċi, li għandhom jiġu regolati mil-liġi applikabbli għall-forma partikolari tagħhom jew għan jew kategorija u, ħlief kif hawnhekk provdut, m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda,

li kull waħda minnhom tkun regolata b'kull liġi speċjali li tkun tapplika għall-forma partikolari tagħhom.

Setgħat ta' organizzazzjoni mhux reġistrata. *Emendat: XXXVI.2018.53.*

14. (1) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'din l-Iskeda, organizzazzjonijiet mhux reġistrati mhumiex persuni ġuridiċi iżda, skont dan is-Sub-Titolu, huma jgawdu mir-rikonoxximent bħala stat ta' fatt u minn setgħat sabiex jiksbu l-għanijiet stabbiliti li għalih ġew stabbiliti.

(2) Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tagħmel operazzjonijiet rigward proprjetà mobbli u immobbli u proprjetà oħra li tista' tiġi reġistrata, tista' tiftaħ kontijiet bankarji u tista' timpjega persuni u kuntratturi biex jipprovdu servizzi li tista' teħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet espressi tal-organizzazzjoni u l-għanijiet kollha anċillari.

(3) Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tkun parti f'kuntratt f'isimha stess.

(4) Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tiġi mħarrka f'isimha stess u hija rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur. Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tħarrek f'isimha stess u hija rappreżentata mill-persuna li, skont l-istatut,

mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu.

(5) Organizzazzjoni li mhix reġistrata tista' tistabbilixxi organizzazzjonijiet oħra, kemm-il darba l-organizzazzjonijiet l-oħra huma reġistrati.

Tmexxija u setgħat dwar proprjetà f'organizzazzjonijiet mhux reġistrati. *Emendat: XXXVI.2018.54.*

15. (1) It-tmexxija interna u l-amministrazzjoni ta' organizzazzjoni mhux reġistrata hija regolata bl-istatut tagħha. Ir-rappreżentanza legali tal-organizzazzjoni tkun vestita fil-persuna li, skont l-istatut, għandha din is-setgħa jew, jekk ma jkunx hemm din il-ħatra, mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu.

(2) Il-kontribuzzjonijiet tal-promoturi u l-attiv miksub minn dawn il-kontribuzzjonijiet jikkostitwixxu l-patrimonju ta' organizzazzjoni mhux reġistrata. Kull obbligu ta' organizzazzjoni mhux reġistrata jista' jiġi eżegwit kontra dak il-patrimonju mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' persuni oħra għal dawk l-obbligi.

(3) Kull proprjetà akkwistata bi kwalunkwe mod minn organizzazzjoni mhux reġistrata għandha titqies li hija miżmuma minn, jew għall-interessi li ġejjin, skont il-każ, meta tkun ġiet stabbilita:

(*a*) bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju privat, kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fl-istatut tagħha jew fi kwalunkwe dokument bil-miktub iffirmat mill-promoturi u awtentikat minn Nutar Pubbliku, dik il-proprjetà għandha titqies li hija miżmuma għall-promotur taħt titolu ta' proprjetà jew għall-promoturi f'komunjoni ta' proprjetà, skont il-proporzjoni tal-kontribuzzjoni tagħhom lil organizzazzjoni mhux reġistrata;

(*b*) parzjalment għal benefiċċju privat u parzjalment għal skop soċjali jew skop pubbliku ieħor, kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra fl-istatut jew fi kwalunkwe dokument bil-miktub iffirmat mill-promoturi u awtentikat minn Nutar Pubbliku, dik il-proprjetà għandha titqies li hija miżmuma taħt titolu ta' proprjetà għall-benefiċċju privat kif soġġett għat-twettiq, mill-promoturi jew l-amministraturi, bħala fiduċjarji, tal-iskop soċjali jew skop pubbliku ieħor, sakemm dak l-iskop jintlaħaq, jiġi eżawrit jew isir impossibbli jew jiġi indirizzat permezz tal-approprjazzjoni jew dotazzjoni ta' parti suffiċjenti tal-proprjetà lill-organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku reġistrata bi skop simili;

(*ċ*) unikament għal skop soċjali jew skop pubbliku ieħor, jew fil-każ ta' organizzazzjonijiet reliġjużi u legati taż-żwieġ u organizzazzjonijiet pubbliċi f'forma ta' fondazzjonijiet, skopijiet reliġjużi jew pubbliċi rispettivament, dik il-proprjetà għandha tinżamm mill-promoturi jew amministraturi bħala fiduċjarji għall-iskop biss stabbilit fl-istatut jew fi' xi liġi speċjali li

tista' tkun applikabbli għaliha.

(4) Meta tiġi xolta organizzazzjoni mhux reġistrata li hija:

(*a*) stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, il-proprjetà tal-organizzazzjoni għandha tiġi applikata skont l-artikolu 32;

(*b*) stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju privat, il-proprjetà għandha tiġi mqassma skont it-termini tal-istatut, u fin-nuqqas, lill-promoturi u lill-eredi tagħhom:

Iżda kwalunkwe persuna li għandha dritt ta' komunjoni fi proprjetà ta' organizzazzjoni mhux reġistrata, tista' biss titlob id-diviżjoni ta' dak il-patrimonju u kwalunkwe promotur jew amministratur jista' biss ixolji l-organizzazzjoni u, jew jirtira l-kontribuzzjoni tiegħu minn organizzazzjoni mhux reġistrata, meta l-obbligazzjonijiet kollha fil-konfront ta' terzi persuni jkunu twettqu u, jew l-għanijiet intlaħqu, ġew eżawriti jew saru impossibbli.

Sub-Titolu VI

Fuq ir-Responsabbiltà ta' Persuni involuti f'Organizzazzjonijiet

Responsabbiltà ta' persuni involuti f'organizzazzjonijiet. *Emendat: XXXVI.2018.55.*

16. (1) Il-promoturi jew membri ta' organizzazzjoni reġistrata, jew fil-każ ta' fondazzjoni reġistrata, il-fundaturi, id-donaturi jew il-benefiċjarji m'għandhomx ikunu responsabbli għall-obbligazzjonijiet ta' tali organizzazzjoni, ħlief sa fejn ikunu espressament qablu li jkunu hekk responsabbli. Ir-responsabbiltà ta' dawn il-persuni fil-konfront ta' terzi għall-obbligazzjonijiet tal-organizzazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont kwalunkwe regoli li jistgħu jkunu applikabbli għall-forma ġuridika tal-organizzazzjoni skont it-termini ta' kwalunkwe liġi speċjali jew, fin-nuqqas ta' xi liġi speċjali, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(2) Il-promoturi u l-membri ta' organizzazzjoni reġistrata jew fil-każ ta' fondazzjoni reġistrata, il-fundaturi, id-donaturi jew il-benefiċjarji huma responsabbli lejn il-persuna ġuridika għal dak kollu li jkunu ntrabtu bil-miktub li jikkontribwixxu lil dik l-organizzazzjoni, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor bil-liġi.

(3) Fil-każ ta' atti illegali, il-Qorti tista', wara rikors minn xi parti interessata, tiddikjara l-fundaturi, il-promoturi, l-amministraturi, il-benefiċjarji jew il-membri li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal, jew mod ieħor ikunu ħadu sehem, fl-att illegali bi ħsara għall-persuna ġuridika bħala li huma responsabbli personalment għal kull ħsara li tista' tbati l-persuna ġuridika.

(4) L-amministratur ta' organizzazzjoni reġistrata ma jkunx responsabbli personalment għall-obbligi tal-organizzazzjoni ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) lejn terzi għall-obbligi tal-organizzazzjoni jekk -

(i) ikun ħati ta' frodi jew mala fidi meta jidħol għal xi obbligi;

(ii) ikun daħal għal obbligi favur terzi fi żmien meta kien jaf jew imissu kien jaf li ma kien hemm l-

ebda prospett raġonevoli li l-organizzazzjoni kienet ser tevita li tiġi stralċjata minħabba f'insolvenza;

(*b*) lejn l-organizzazzjoni għat-twettiq tal-obbligi li jkun daħal għalihom f'isem l-organizzazzjoni, mingħajr ma jkun intitolat għall-benefiċċji, u għal kull benefiċċju li jikseb personalment, jekk ikun naqas li jiddikjara interess personali jew konflitt ta' interessi;

(*ċ*) lejn l-organizzazzjoni biex jagħmel tajjeb għal kull telf jekk ikun aġixxa bi ksur ta' dover kif imfisser fl-istatut jew f'din l-Iskeda b'mala fidi jew kien negliġenti fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu;

(*d*) lejn il-benefiċjarji ta' organizzazzjoni jew lejn l-Avukat Ġenerali f'isimhom, jekk ikun aġixxa kif imsemmi fil-paragrafu (*ċ*) jew f'sitwazzjoni fejn ikun hemm konflitt ta' interessi;

(*e*) lir-Reġistratur għall-pagament ta' kwalunkwe miżati li jistgħu jkunu dovuti mill-organizzazzjoni, hekk kif l-organizzazzjoni tonqos milli tħallas l-istess fi żmien tliet xhur mid-data li fiha jkunu saru dovuti:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma jagħmel amministratur ħati għal aktar minn darba għall-istess att.

(5) F'dawk il-każijiet fejn organizzazzjoni jkollha aktar minn amministratur wieħed, ir-responsabbiltà tal-amministraturi tkun *in solidum* sakemm xi dmir partikolari ma jkunx ġie fdat esklużivament f'idejn amministratur wieħed partikolari, f'liema każ hu biss ikun responsabbli.

(6) Amministratur ma jkunx responsabbli għall-atti ta' amministratur ieħor jekk juri li ma kienx jaf bil-ksur meta dan kien qed jiġri u li malli sar jaf b'dak il-ksur kien wera' bil-miktub mingħajr dewmien li ma jaqbilx u kien ħa l-miżuri raġonevoli kollha biex jostakola l-issoktar ta' dak il-ksur jew, wara li sar jaf dwar il-ksur li kien maħsub li jsir, ħa l-miżuri raġonevoli kollha biex jevita li jsir dak il-ksur.

(7) Kull dispożizzjoni fl-istatut ta' organizzazzjoni jew f'xi ftehim li teżonera lil xi amministratur minn responsabbiltà għal kondotta ħażina volontarja, negliġenza kbira jew ksur ta' dover tkun nulla u mingħajr effett.

Responsabbiltà ta' persuni involuti f'organizzazzjoniji et mhux reġistrati. *Emendat: XXXVI.2018.56.*

17. (1) Kull membru, donatur, jew benefiċjarju involut fi kwalunkwe organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku mhux reġistrata, m'għandux ikun responsabbli għall-obbligazzjonijiet ta' tali organizzazzjoni ħlief kif ġej:

(*a*) għandu jkun responsabbli sa fejn ikun espressament qabel li jkun hekk responsabbli fl-istatut jew kwalunkwe dokument iffirmat minnu;

(*b*) għandu jkun responsabbli għall-obbligazzjonijiet tal-organizzazzjoni jekk dawn ikunu ġew imwettqa minnu f'isem l-organizzazzjoni favur terzi persuni fi żmien meta kien jaf jew kellu jkun jaf li ma kien hemm ebda

prospett raġonevoli li l-organizzazzjoni tevita li tiġi xolta minħabba l-insolvenza tagħha; u

(*ċ*) għandu jkun responsabbli jekk ikun ħati ta' frodi jew mala fidi meta wettaq kwalunkwe obbligazzjonijiet għan-nom tal-organizzazzjoni.

(2) Il-promoturi u l-amministraturi ta' organizzazzjoni mhux reġistrata jkunu responsabbli *in solidum* -

(*a*) li jżommu l-proprjetà tal-organizzazzjoni mhux reġistrata identifikata bħala hekk u distinta mill-proprjetà tagħhom personali jew proprjetà oħra li jistgħu jkunu qegħdin jamministraw;

(*b*) li jippreżervaw kull proprjetà li jirċievu;

(*ċ*) għall-użu tal-attiv biex jitwettqu l-għanijiet espressament dikjarati fl-istatut tal-organizzazzjoni mhux reġistrata; u

(*d*) li jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, u meta jitqiesu l-funzjonijiet tagħhom, l-osservanza tal-liġi li tapplika għall-organizzazzjoni mhux reġistrata u l-attivitajiet tagħha.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-disponibilità tal-attiv ta' organizzazzjoni mhux reġistrata, il-membri ta', u dawk li jappoġġaw organizzazzjoni mhux reġistrata, jkunu responsabbli biss għall-obbligi li jkunu espressament daħlu għalihom skont l-istatut jew xi dokument ta' sottoskrizzjoni.

(4) Ir-responsabbiltà tal-membri u tal-amministraturi ta' organizzazzjoni mhux reġistrata li għandha forma ġuridika partikolari, fir-rigward ta' terzi persuni, għall-obbligazzjonijiet tal-organizzazzjoni mhux reġistrata, għandha tiġi stabbilita skont ir-regoli li jistgħu jkunu applikabbli għall-forma ġuridika tal-organizzazzjoni taħt xi liġi speċjali, jew fin-nuqqas ta' xi liġi speċjali, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(5) Kwalunkwe dispożizzjoni fl-istatut ta' organizzazzjoni mhux reġistrata jew kwalunkwe ftehim mal-organizzazzjoni mhux reġistrata li jeżonera lill-amministratur mir-responsabbiltà għal kondotta ħażina volontarja, negliġenza grossa jew ksur tad-dover huwa null u bla effett.

(6) Meta r-responsabbiltà ta' membri u ta' amministraturi ta' organizzazzjoni mhux reġistrata li jkollha forma legali partikolari tkun regolata speċifikament b'dispożizzjoni ta' din l-Iskeda jew ta' xi liġi speċjali, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Attività f'isem organizzazzjoni li ma teżistix.

18. Kull persuna li tgħid jew tagħti x'tifhem li taġixxi f'isem persuna ġuridika li ma teżistix jew organizzazzjoni mhux reġistrata li dwarha ma jeżisti l-ebda strument bil-miktub tkun personalment responsabbli għat-twettiq tal-obbligi kollha li tkun daħlet għalihom u tkun responsabbli għal kull ħsara kkaġunata b'dak l-aġir. Dik il-persuna jkollha personalment trodd lura, lil min ikun ittrasferixxa, kull proprjetà li tkun irċeviet għall-għanijiet apparenti tal-organizzazzjoni.

Sub-Titolu VII

Fuq ir-Responsabbiltà ta' Organizzazzjonijiet

Responsabbiltà ta' organizzazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.57.*

19. (1) Persuni ġuridiċi huma distinti mill-promoturi, fundaturi, amministraturi u membri, jekk ikun hemm, tagħhom. L-atti ta' persuni ġuridiċi ma jorbtu lil ħadd ħlief lilhom innifishom, ħlief kif jista' jiġi provdut bil-liġi.

(2) Organizzazzjoni tkun responsabbli għat-twettiq tal-obbligi tagħha bl-attiv kollu tagħha preżenti u futur u ma tkunx responsabbli għall-obbligi ta' ebda persuna oħra ħlief safejn hi stess espressament taqbel li tkun hekk responsabbli.

(3) Dotazzjoni ta' proprjetà tkun suġġetta għal riduzzjoni jew revoka safejn tmur kontra xi regoli ta' applikazzjoni mandatorja jew skont l-artikolu 1144 tal-Kodiċi jekk tkun ta' ħsara għad-drittijiet tal-kreditur:

Iżda amministratur li jkun aġixxa *bona fide* ma jkunx responsabbli biex jagħmel tajjeb għal xi attiv li jkun ġie mħallas, imqassam jew ikun intnefaq skont l-istatut tal-organizzazzjoni mingħajr ma kien jaf bil-pretensjoni tat-terza persuna.

(4) Ir-regoli fis-subartikoli (2) u (3) għandhom, *mutatis mutandis,* jgħoddu għal organizzazzjoni mhux reġistrata, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà personali tal-amministraturi tagħha jew ta' persuni oħra kif imsemmi f'din l-Iskeda.

(5) Organizzazzjoni reġistrata tista', sakemm ma tkunx projbita bl-istatut tagħha, tistabbilixxi organizzazzjonijiet oħra, ta' kull forma legali, biex tikseb xi wieħed minn jew l-għanijiet kollha li għalihom tkun ġiet stabbilita, kemm jekk l-organizzazzjonijiet l-aħħar imsemmija jkollhom personalità ġuridika u kemm jekk le.

(6) Meta organizzazzjoni reġistrata tistabbilixxi organizzazzjonijiet oħra li huma reġistrati bħala persuni ġuridiċi u żżomm kontroll fuqhom, l-organizzazzjonijiet jikkostitwixxu grupp ta' organizzazzjonijiet għall-finijiet ta' din l-Iskeda. Organizzazzjoni titqies li għandha kontroll fuq organizzazzjoni oħra jekk l-amministraturi tal-ewwel għandhom is-setgħa li jaħtru jew ineħħu l-amministraturi tat-tieni, jew jekk din is-setgħa ġiet vestita f'persuna jew persuni oħra jew organu ieħor tat-tieni organizzazzjoni, jekk l-amministraturi tal-ewwel għandhom is-setgħa li jemendaw jew jirrevokaw l-għoti ta' dik is-setgħa.

(7) Organizzazzjoni li tifforma parti minn grupp ta' organizzazzjonijiet, kemm bħala fundatur jew bħala membru tal-grupp, ma tkunx responsabbli għall-obbligi tal-membri l-oħra tal-grupp ħlief safejn tassumi espressament dik ir-responsabbiltà bil-miktub jew kif previst mod ieħor f'xi dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2, ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet kollha għall-benefiċċju pubbliku barranin u internazzjonali li –

(*a*) joperaw f'Malta, inkluż jekk jiġbru fondi f'Malta; jew

(*b*) jipprovdu servizzi disponibbli lill-pubbliku f'Malta,

kif ukoll dik tal-amministraturi tagħhom għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà tagħhom f'Malta, bla ħsara madankollu għal kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' xi liġi speċjali applikabbli għalihom.

Sub-Titolu VIII

Mixellanji

Ċelluli segregati fi ħdan organizzazzjonijiet reġistrati. *Emendat: XXXVI.2018.58; XXXIX.2020.16.*

20. (1) Organizzazzjoni reġistrata tista' tistabbilixxi ċelluli segregati fi ħdan l-organizzazzjoni biex jintlaħqu għanijiet partikolari b'attiv partikolari. Meta l-liġi speċjali li tapplika għall-forma legali partikolari ta' organizzazzjoni reġistrata diġà tipprovdi għal ċelluli segregati, jew karatteristiċi ekwivalenti, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jgħoddu bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) Ċellula segregata fi ħdan organizzazzjoni reġistrata teżisti meta tkun ġiet stabbilita formalment:

(*a*) bl-istatut tal-organizzazzjoni mal-ħolqien tal-organizzazzjoni; jew

(*b*) sussegwentement permezz ta' riżoluzzjoni tal-amministraturi abbażi ta' setgħa li tingħata lilhom bl-istatut u f'kull każ għandha tiġi stabbilita:

(i) b'referenza għall-ishma, interessi jew drittijiet oħra tal-membri jew benefiċjarji jew b'referenza għall-għanijiet, jew b'referenza kemm għal dawn id-drittijiet jew għanijiet; jew

(ii) għal għanijiet purament amministrattivi li jsostnu l-għanijiet prinċipali jew l-operat tal-organizzazzjoni; u

(iii) permezz ta' għanijiet oħra li għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet prinċipali tal-organizzazzjoni.

(3) Jistgħu jiġu stabbiliti ċelluli segregati, ħlief għal dawk stabbiliti għal raġunijiet purament amministrattivi:

(*a*) fil-każ ta' organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, sa fejn dawn ikunu stabbiliti esklussivament għal benefiċċju pubbliku fuq bażi ta' nuqqas ta' profitt, jew skop leġittimu ieħor li jkun jeskludi l-interess privat u jistgħu jinkludu benefiċjarji ta' interess pubbliku; u

(*b*) fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat, għal għanijiet privati li jinkludu kull għan kummerċjali, amministrattiv, ta' sigurtà jew tranżazzjonali, inkluż għanijiet anċillari għalihom, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-artikolu 31B ta' din l-Iskeda.

(4) Meta ċ-ċellula segregata tiġi stabbilita permezz tal-istatut tal-organizzazzjoni, għandu jiġi preżunt li l-amministraturi għandhom is-setgħa li jissuplimentaw dak l-istatut permezz ta' linji gwida addizzjonali dwar l-għanijiet u l-attivitajiet taċ-ċellula b'mod li jsostni l-objettivi tal-organizzazzjoni.

(5) Iċ-ċelluli segregati għandhom, wara li jitwaqqfu, jiġu

regolati jew fl-istatut tal-organizzazzjoni u, jew permezz ta' statut taċ-ċellula. L-istatut taċ-ċellula għandu jkun konsistenti mal-istatut tal-organizzazzjoni. L-istatut tal-organizzazzjoni għandu japplika fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li mhix regolata fl-istatut taċ-ċellula u għandu jissupera fuq l-istatut taċ-ċellula f'każ ta' inkonsistenza.

(6) L-istatut taċ-ċellula għandu:

(a) jistabbilixxi il-kwistjonijiet li ġejjin:

(i) l-isem taċ-ċellula;

(ii) l-għanijiet jew l-objettivi taċ-ċellula;

(iii) il-mod ta' ġestjoni tal-ħwejjeġ tagħha mill-amministraturi, b'mod dirett jew permezz ta' kumitat amministrattiv, li fi kwalunkwe każ m'għandux ikollu r-rappreżentanza legali taċ-ċellula;

(*b*) ikun fil-forma ta' riżoluzzjoni jew linja gwida tal-amministraturi;

(*ċ*) fil-każ ta' ċellula għall-benefiċjarji, jew isemmi l-ismijiet tal-benefiċjarji jew il-klassifikazzjoni tal-benefiċjarji jew, fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni, dikjarazzjoni li ċ-ċellula ġiet imwaqqfa għall-benefiċċju tal-benefiċjarji. F'dan l-aħħar każ, il-benefiċjarji għandhom ikunu indikati fi strument bil-miktub, li mhux bilfors ikun jifforma parti mill-istatut taċ-ċellula, li jissejjaħ "dikjarazzjoni taċ-ċellula benefiċjarja" u li għandu jiġi ffirmat mill-amministraturi kollha fil-preżenza ta' nutar pubbliku, u d-dispożizzjonijiet kollha fl-Iskeda relatati mad-dikjarazzjonijiet dwar il-benefiċjarji għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-dikjarazzjonijiet taċ-ċellula benefiċjarja; u

(*d*) ikun konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-artikolu.

(7) Ċellula segregata għandu jkollha l-isem jew l-identifikazzjoni distinti tagħha u għandha tirreferi għall-organizzazzjoni li minnha tifforma parti fin-negozji kollha tagħha, iżda mhix persuna ġuridika u m'għandhiex tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni bħala persuna ġuridika. Taħt l-ebda ċirkustanzi ċ-ċellula ma għandha tbiddel isimha jew l-identifikazzjoni tagħha.

(8) Ċellula segregata tiġi stabbilita wara l-ħolqien ta' organizzazzjoni meta jiġu osservati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) l-organizzazzjoni hija awtorizzata bl-istatut tagħha li tistabbilixxi ċelluli segregati;

(*b*) l-amministraturi tal-organizzazzjoni jagħmlu riżoluzzjoini bil-miktub biex jistabbilixxu dik iċ-ċellula; u

(*ċ*) jintbagħat avviż dwar l-istabbiliment ta' ċellula segregata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(9) Meta tiġi stabbilita ċellula segregata -

(*a*) l-attiv u l-passiv taċ-ċellula jikkostitwixxu patrimonju distint li jkun separat mill-attiv u l-passiv l-oħra kollha tal-organizzazzjoni jew ta' ċelluli oħra li jistgħu jiġu stabbiliti;

(*b*) l-attiv ta' dik iċ-ċellula jkun disponibbli għat-twettiq tal-obbligi tal-organizzazzjoni rigward dik iċ-ċellula, iżda mhux għal xi passiv ieħor li tkun daħlet għalihom l-organizzazzjoni għaliha nnifisha jew rigward ċelluli oħra;

(*ċ*) l-attiv ġenerali ta' organizzazzjoni ma jkunx disponibbli għat-twettiq tal-obbligi li jkunu nħolqu rigward dik iċ-ċellula; u

(*d*) għandu jkun taċitament mifhum (ħlief sa fejn l-istess ma jkunx ġie espressament eskluż bil-miktub) f'kull operazzjoni li tidħol għaliha organizzazzjoni b'ċelluli segregati l-kondizzjonijiet li ġejjin li -

(i) l-ebda parti ma tipprova, la waqt xi proċeduri u lanqas b'xi mezzi oħra jkunu x'ikunu, tagħmel użu jew tittanta tagħmel użu ta' xi attiv li hu attribwibbli lil xi ċellula biex tiġi sodisfatta responsabbiltà li mhijiex attribwibbli għal dik iċ-ċellula; u

(ii) jekk xi parti jirnexxilha b'kull mezz li jkun tuża xi attiv attribwibbli lil xi ċellula biex tiġi sodisfatta responsabbiltà li mhijiex attribwibbli lil dik iċ-ċellula, dik il-parti tkun suġġetta li tħallas lill-organizzazzjoni somma ugwali għall-valur tal-benefiċċju miksub minn dik il-parti b'dik l-azzjoni; u

(iii) kull attiv jew somma miġburin lura mill-organizzazzjoni skont il-ftehim impliċitu stabbilit f'dan il-paragrafu jew b'xi mezz ieħor ikun x'jkun fis-sitwazzjonijiet hawn imsemmija għandhom, wara li jitnaqqsu jew jitħallsu l-ispejjeż tal-ġbir lura, jiġu applikati mill-organizzazzjoni biex tiġi kkompensata ċ-ċellula affettwata.

(10) Meta tiġi stabbilita ċellula segregata l-attiv taċ-ċellula għandu jiġi segregat mill-attiv l-ieħor kollu tal-organizzazzjoni u għandu jinżamm u jiġi amministrat separatament u għandhom jinżammu kontijiet separati skont il-liġi li tkun applikabbli fir-rigward ta' kull ċellula. L-eżistenza jew it-tħassir ta' kull ċellula għandhom jiġu żvelati fir-rapporti u l-kontijiet tal-organizzazzjoni.

(11) L-effetti legali msemmijin fis-subartikolu (10) għandhom jeżistu biss meta -

(*a*) l-attivitajiet kollha fir-rigward ta' ċellula jitwettqu b'mod li jiġi espressament żvelat lil terzi li l-attivitajiet huma dawk rigward dik iċ-ċellula partikolari:

Iżda din il-ħtieġa tkun sodisfatta jekk terzi b'xi mod

ieħor ikunu jafu jew imisshom, miċ-ċirkostanzi, ikunu jafu li l-attivitajiet imwettqin huma dawk rigward dik iċ-ċellula partikolari;

(*b*) ma ssir l-ebda dikjarazzjoni jew sottomissjoni mill-amministraturi tal-organizzazzjoni li jkollha l-effett li l-organizzazzjoni tkun responsabbli għall-obbligi rigward iċ-ċellula;

(*ċ*) iċ-ċellula tkun stabbilita skont dan l-artikolu u l-proċeduri u l-formalitajiet kollha relattivi jkunu osservati l-ħin kollu.

(12) Meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet tas-subartikolu (7), l-ebda qorti ma għandha tordna l-ħruġ ta' xi mandat, kawtelatorju jew eżekuttiv, kontra l-attiv ta' ċellula rigward pretensjoni li għaliha huma responsabbli l-organizzazzjoni jew ċellula oħra. F'każ ta' eżekuzzjoni fuq xi attiv attribwibbli għal ċellula rigward responsabbiltà li mhijiex attribwibbli għal dik iċ-ċellula, u safejn dak l-attiv jew il-kumpens għalih ma jistgħux b'xi mod ieħor jingħataw lura liċ-ċellula affettwata, l-organizzazzjoni għandha:

(*a*) iġġiegħel jew tipprokura li l-awditur tagħha, waqt li jaġixxi bħala espert u mhux bħala arbitru, jiċċertifika l-valur ta' l-attiv mitluf miċ-ċellula affettwata; u

(*b*) tittrasferixxi jew tħallas liċ-ċellula affettwata, mill-attiv li għalih kienet attribwibbli r-responsabbiltà u safejn dan ikun disponibbli, attiv jew ammonti li jkunu suffiċjenti biex iċ-ċellula affettwata tingħata lura l-valur tal-attiv mitluf.

(13) Ir-regoli, inklużi iżda mhux limitati għar-regoli applikabbli għax-xoljiment u l-istralċ, applikabbli għall-forma ġuridika tal-organizzazzjoni li fi ħdanha hija stabbilita ċ-ċellula, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaċ-ċellula daqslikieku ċ-ċellula kienet hija stess organizzazzjoni reġistrata tal-istess forma ġuridika b'dawk il-bidliet meħtieġa sabiex jiġi akkomodat il-fatt li ċ-ċellula mhix persuna ġuridika.

(14) Ix-xoljiment ta' ċellula, sew jekk volontarju kif ukoll minħabba in-nuqqas ta' kapaċità li twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha, bl-ebda mod ma għandu jaffettwa l-operat kontinwu tal-organizzazzjoni li tkun waqfitha jew ta' ċelluli oħra u l-ħatra ta' likwidatur għal xi ċellula m'għandhiex taffettwa s-setgħat tal-amministraturi fir-rigward tal-organizzazzjoni jew ta' xi ċelluli oħra. Meta ċellula tkun qed tiġi stralċjata u jiġi maħtur likwidatur, is-setgħat tal-amministraturi tal-organizzazzjoni għandhom jieqfu u jiġu vestiti fil-likwidatur, fir-rigward biss ta' dik iċ-ċellula.

(15) Kwalunkwe proċedimenti ta' stralċ fir-rigward ta' organizzazzjoni li fi ħdanha jkunu stabbiliti ċ-ċelluli għandhom josservaw l-istatus legali ta' kull ċellula bħala patrimonju li huwa separat mill-assi u mir-responsabbiltajiet tal-organizzazzjoni u ċelluli oħra tal-organizzazzjoni u mill-assi u r-responsabbiltajiet tal-organizzazzjoni li ma jkunux attribwibbli għall-ebda ċellula.

(16) Ċellula għandha tiġi amministrata mill-amministraturi tal-organizzazzjoni li jistgħu, jekk awtorizzati mill-istatut,

jistabbilixxu kumitat amministrattiv b'referenza għal ċellula waħda jew aktar, u l-amministraturi jistgħu jiddelegaw kwalunkwe mis-setgħat tagħhom lil dak il-kumitat amministrattiv jew kumitati, skont il-każ. Dik id-delega:

(*a*) bl-ebda mod ma għandha tirrestringi s-setgħat tal-amministraturi tal-organizzazzjoni fir-rigward taċ-ċellula; u

(*b*) m'għandhiex tinkludi ir-rappreżentanza legali jew ġudizzjarja fir-rigward tal-assi u tar-responsabbiltajiet taċ-ċellula;

(17) Id-dispożizzjonijiet tal-liġi fiskali li japplikaw għal persuni ġuridiċi għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għal ċellula bħallikieku ċ-ċellula kienet hija stess organizzazzjoni reġistrata tal-istess forma legali tal-organizzazzjoni li fiha ġiet stabbilita dik iċ-ċellula.

(18 Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jirregola ċelluli segregati, b'mod ġenerali jew għal forom legali partikolari ta' organizzazzjonijiet, u biex jirregola kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', inkluż:

(*a*) kwalunkwe formalitajiet li huma meħtieġa sabiex tinħoloq iċ-ċellula permezz tal-approprjazzjoni tal-assi li jkunu diġà jappartjenu lill-organizzazzjoni liċ-ċellula;

(*b*) ix-xoljiment taċ-ċelluli;

(*ċ*) it-trasferiment tal-assi ta' ċellula lil organizzazzjoni oħra, biċ-ċelluli jew mingħajr ċelluli segregati;

(*d*) l-effetti legali ta' dawn it-trasferimenti; u

(*e*) il-kwistjonijiet kollha relatati jew inċidentali għall-istess.

(19) Il-Ministru jista' wkoll jagħmel regolamenti sabiex jirregola t-twaqqif ta' ċelluli segregati b'personalità ġuridika.

Trasferiment ta' ċelluli. *Miżjud XXXVI.2018.59.*

20A. (1) Huwa legali li ċellula ta' organizzazzjoni partikolari, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"organizzazzjoni li tittrasferixxi", tiġi ttrasferita lil organizzazzjoni oħra hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"organizzazzjoni li tirċievi", meta:

(*a*) jiġi hekk riżolt bil-miktub mill-amministraturi tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi, skont setgħa li tingħata lilhom bl-istatut;

(*b*) il-krediturі taċ-ċellula tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi ma joġġezzjonawx għal dan it-trasferiment, wara avviż pubbliku ta' mill-inqas tletin (30) ġurnata dwar l-intenzjoni tat-trasferiment;

(*ċ*) l-organizzazzjoni li tirċievi għandha l-istess forma ġuridika u hija tal-istess għan jew kategorija bħal dik tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi;

(*d*) l-amministraturi tal-organizzazzjoni li tirċievi jirriżolvu bil-miktub li jaċċettaw dik iċ-ċellula skont setgħa li tingħata lilhom bl-istatut;

(*e*) jingħata avviż relatat mat-trasferiment taċ-ċellula lir-Reġistratur mill-amministraturi tal-organizzazzjoni li tirċievi u r-Reġistratur għandu:

(i) jinnota l-avviż ta' trasferiment taċ-ċellula fir-rekords tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi; u

(ii) joħroġ ċertifikat ġdid relatat mat-trasferiment ta' dik iċ-ċellula u jinnota dak it-trasferiment fir-rekords tal-organizzazzjoni li tirċievi; u

(*f*) ikun meħtieġ, taħt xi liġi speċjali, li jinkisbu l-approvazzjoni jew il-kunsens ta' kwalunkwe awtorità regolatorja jew governattiva għal tali azzjoni, u dak il-kunsens jew approvazzjoni jinkisbu.

(2) L-assi u r-responsabbiltajiet taċ-ċellula għandhom jikkostitwixxu partimonju distint li għandu jkun distint mill-assi u r-responsabbiltajiet tal-organizzazzjoni li tirċievi jew ta' ċelluli oħra ta' dik l-organizzazzjoni, jekk ikun hemm.

(3) It-trasferiment taċ-ċellula ma jintitolax lill-krediturі tal-organizzazzjoni li tirċievi li jkollhom dritt għall-assi taċ-ċellula ttrasferita jew tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi.

(4) Id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-organizzazzjoni u ta' kwalunkwe partijiet terzi m'għandhomx jibqgħu dawk tal-organizzazzjoni li tittrasferixxi fir-rigward taċ-ċellula u għandhom jibqgħu bħala drittijiet u obbligazzjonijiet mhux affetwati tal-organizzazzjoni li tirċievi fir-rigward taċ-ċellula bl-applikazzjoni tal-liġi, b'effett mid-data tan-notifika lir-Reġistratur skont is-subartikolu (1)(e), minkejja n-nuqqas ta' arranġamenti jew kunsensi li kienu jkunu meħtieġa xort'oħra sabiex it-trasferiment ikun legalment effettiv għal dawk l-għanijiet.

(5) Mat-tletsija tat-trasferiment, l-amministraturi tal-organizzazzjoni li tirċievi għandhom jinnotifikaw bil-miktub lill-partijiet kollha interessati li jkunu jafu bihom fir-rigward tat-trasferiment ta' dik iċ-ċellula mill-organizzazzjoni li tittrasferixxi lill-organizzazzjoni li tirċievi u jipprovdu d-dettalji ta' isimha u l-għan tagħha u informazzjoni oħra materjali.

(6) Meta ċellula tiġi ttrasferita għandha żżomm isimha jew l-identifikazzjoni tagħha minkejja t-trasferiment taċ-ċellula skont dan l-artikolu, iżda l-amministraturi tal-organizzazzjoni li tirċievi tista' tidħol f'dikjarazzjoni unilaterali permezz ta' att pubbliku u tirreġistra dan l-avveniment fir-reġistru pubbliku li jkun japplika.

(7) It-trasferiment ta' ċellula kif stabbilit f'dan l-artikolu jikkostitwixxi bdil fiduċjarju u għandu jiġi regolat permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124Ċ(4) tal-Kodiċi li jirregola s-suċċessjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji.

Twaqqif ta' ċellula f'organizzazzjoni ġdida. *Miżjud XXXVI.2018.59.*

20B. (1) Huwa legali li ċellula ta' organizzazzjoni tiġi mwaqqfa bħala organizzazzjoni ġdida, bl-assi u r-responsabbiltajiet taċ-ċellula li jsiru l-patrimonju tal-organizzazzjoni l-ġdida jew parti minnha.

(2) L-isem tal-organizzazzjoni l-ġdida għandu jirrifletti kemm jista' jkun l-isem jew l-identifikazzjoni taċ-ċellula għall-osservanza

għal-liġi applikabbli fir-rigward.

(3) Din l-azzjoni tista' tittieħed taħt dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu japplikaw mill-amministraturi tal-organizzazzjoni eżistenti permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord tal-amministraturi, unikament jekk l-istatut tal-organizzazzjoni jipprovdi għal din is-setgħa.

(4) Iċ-ċellula għandha tiġi stabbilita bħala organizzazzjoni ġdida, bl-osservanza mill-amministraturi tar-rekwiżiti applikabbli għat-twaqqif ta' organizzazzjoni ġdida tal-istess forma ġuridika li fi ħdanha ċ-ċellula tkun attwalment ġiet stabbilita, inkluż ir-reġistrazzjoni tagħha mar-Reġistratur, u jekk iċ-ċellula tkun ġiet imwaqqfa b'referenza għall-membri, il-membri għandhom jiffirmaw l-istatut tal-organizzazzjoni l-ġdida, u:

(*a*) l-amministraturi li jkunu fil-kariga għandhom ikunu l-amministraturi tal-organizzazzjoni l-ġdida, sakemm ma jinħatrux amministraturi ġodda fid-dokumenti kostituttivi meta ċ-ċellula tkun qed tiġi stabbilita bħala organizzazzjoni ġdida;

(*b*) l-għanijiet u l-benefiċjarji, jekk ikun hemm, tal-organizzazzjoni l-ġdida għandhom ikunu dawk taċ-ċellula;

(*ċ*) id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-organizzazzjoni u kwalunkwe partijiet terzi m'għandhomx jibqgħu dawk tal-organizzazzjoni fir-rigward taċ-ċellula u għandhom jibqgħu bħala drittijiet u obbligazzjonijiet mhux affetwati tal-organizzazzjoni l-ġdida b'applikazzjoni tal-liġi, b'effett mid-data tan-notifika lir-Reġistratur skont is-subartikolu (6), u r-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni skont is-subartikolu (7), minkejja n-nuqqas ta' kwalunkwe arranġamenti jew kunsensi li kienu jkunu meħtieġa xort'oħra sabiex it-trasferiment ikun legalment effettiv għal dawk l-għanijiet; u

(*d*) it-twaqqif ta' ċellula bħala organizzazzjoni ġdida kif stabbilit f'dan l-artikolu jistabbilixxi bdil fiduċjarju u għandu jiġi regolat permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124D tal-Kodiċi li jirregola s-suċċessjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji.

(5) Il-kredituri ta' ċellula mwaqqfa bħala organizzazzjoni ġdida għandhom jingħataw l-opportunità li joġġezzjonaw għal dak it-twaqqif wara avviż bil-miktub minn tal-inqas wara tletin (30) ġurnata minn l-intenzjoni ta' dak it-twaqqif u dan biss jekk il-forma ġuridika l-ġdida li ċ-ċellula ser ikun ser ikollha joħloq limitazzjonijiet fuq ir-responsabbiltajiet tal-organizzazzjoni jew l-amministraturi tagħha jew membri li jnaqqsu d-drittijiet tal-kredituri meta mqabbel ma' dawk li jkunu jissuperaw b'referenza għaċ-ċellula.

(6) L-amministraturi għandhom ikunu marbuta li jinnotifikaw lir-Reġistratur permezz tal-formola stabbilita meta ċellula ma tibqax tifforma parti mill-organizzazzjoni skont dan l-artikolu u għandha ċċedi kwalunkwe ċertifikat maħruġ mir-reġistratur relatat

maċ-ċellula.

(7) Ir-Reġistratur għandu jirreġistra fir-Reġistru n-notifika tat-tneħħija ta' ċellula minn organizzazzjoni mill-amministraturi u sussegwentement, bla ħsara għas-subartikolu (8), għandu jipproċedi minnufih għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni l-ġdida fir-Reġistru. Dan għandu japplika wkoll meta ċ-ċellula tkun qiegħda tiġi reġistrata skont liġi speċjali.

(8) Meta l-organizzazzjoni l-ġdida tieħu forma ġuridika li tkun irregolata minn liġi speċjali li tipprovdi għal reġistrazzjoni li hija differenti minn dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu b'mod ulterjuri joħroġ il-konferma tiegħu li huwa ġie nnotifikat dwar it-twaqqif taċ-ċellula bħala organizzazzjoni ġdida u huwa biss skont din il-konferma li l-organizzazzjoni l-ġdida għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti.

(9) Mar-reġistrazzjoni stabbilit, l-amministraturi tal-organizzazzjoni l-ġdida għandhom jinnotifikaw bil-miktub lill-partijiet kollha interessati li jkunu jafu bihom, fir-rigward tat-twaqqif taċ-ċellula bħala organizzazzjoni ġdida.

Oġġezzjonijiet mill-krediturі. *Miżjud XXXVI.2018.59.*

20Ċ. Skont l-artikoli preċedenti, kwalunkwe kreditur ta' ċellula, jista' fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata ta' xogħol minn meta jkun irċieva l-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe avviż maħruġ skont l-artikoli preċedenti, permezz ta' rikors ġuramentat fil-Qorti, joġġezzjona –

(*a*) għat-trasferiment taċ-ċellula mill-organizzazzjoni li tittrasferixxi lill-organizzazzjoni li tirċievi; jew

(*b*) għat-twaqqif ta' ċellula f'organizzaz-zjoni ġdida,

u, jekk tintwera raġuni motivata sabiex it-trasferiment ma jkunx effettiv, il-Qorti għandha jew tilqa' t-talba tal-kreditur, tawtorizza t-trasferiment jew it-twaqqif imsemmijin hawn qabel fuq l-għoti ta' sigurtà suffiċjenti jew tagħti ordnijiet oħra kif jidhrilha xierqa.

Setgħa li jagħmel regolamenti. *Miżjud XXXVI.2018.59.*

20D. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jirregola t-trasferiment ta' ċelluli minn organizzazzjoni għall-oħra jew it-twaqqif ta' ċellula bħala organizzazzjoni ġdida, sabiex jistabbilixxi formoli u notifiki, jistabbilixxi regoli għall-protezzjoni ta' terzi persuni u b'mod ġenerali għall-implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet preċedenti.

Pubblikazzjoni ta' notifiki. *Miżjud XXXVI.2018.59.*

20E. Għall-finijiet tan-notifiki stabbiliti fl-artikoli 20A u 20B, huwa suffiċjenti jekk l-amministraturi jippubblikaw l-avviżi relattivi kif ġej:

(*a*) jekk l-organizzazzjoni għandha krediturі Malta, f'żewġ gazzetti ta' kuljum pubblikati Malta, waħda bil-Malti u waħda bl-Ingliż; jew

(*b*) fil-każ ta' organizzazzjoni li m'għandhiex il-krediturі prinċipali tagħha Malta, f'żewġ gazzetti ta' distribuzzjoni ġenerali, waħda ppubblikata Malta bl-Ingliż u l-oħra ppubblikata fil-pajjiż fejn il-krediturі prinċipali tal-organizzazzjoni jwettqu n-negozju tagħhom bil-lingwa tal-post tan-negozju.

Tibdil ta' persuni ġuridiċi ta' ċerta forma legali għal forma legali oħra u għal *trusts*. *Emendat: XXXVI.2018.60.*

21. (1) Persuna ġuridika ta' ċerta forma tista' tinbidel għal persuna ġuridika ta' forma differenti billi jiġu osservati l-proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti f'xi regolamenti li jsiru mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont dan l-artikolu.

(2) Meta persuna ġuridika ta' ċerta forma tiġi mibdula għal forma oħra ma jkunx meħtieġ li l-persuna ġuridika tiġi xolta u stralċjata, u dik il-persuna ġuridika għandha tkompli teżisti bħala l-istess persuna ġuridika bid-drittijiet kollha u soġġetta għall-obbligi kollha li kienu jeżistu qabel it-tibdil.

(3) Organizzazzjoni reġistrata tista' ukoll tiġi mibdula għal *trust* għall-benefiċċju tal-persuni li huma benefikament interessati fl-organizzazzjoni billi jiġu osservati l-proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti f'xi regolamenti li jsiru mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont dan l-artikolu.

(4) Meta persuna ġuridika tiġi midula għal *trust*, it-*trustee* jiret id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-persuna ġuridika u ma jkunx meħtieġ li l-persuna ġuridika tiġi xolta u stralċjata kif meħtieġ billiġi li tapplika. Il-persuna ġuridika titħassar mir-reġistru fejn tkun reġistrata bla ħsara għall-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-regolamenti.

(5) It-tibdil ta' persuna ġuridika f'forma oħra jew fi *trust* ma għandux jippreġudika xi kreditur jew xi terza persuna bl-ebda mod ikun kif ikun.

(6) Huwa leġittimu li organizzazzjoni ġuridika li hija reġistrata fir-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi tiġi mibdula f'ċellula ta' organizzazzjoni oħra multiċellulari u dawn wara proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti f'regolamenti magħmula mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja skont dan l-artikolu.

Amalgamazzjoni u qsim ta' persuni ġuridiċi. *Emendat: XXXVI.2018.61.*

22. (1) Żewġ organizzazzjonijiet jew aktar jistgħu jiġu amalgamati f'waħda u organizzazzjoni tista' tinqasam f'żewġ organizzazzjonijiet jew aktar. Għal dan il-għan, sakemm ma jkunx preskritt mod ieħor b'regolamenti magħmulin mill-Ministru rigward forma legali partikolari, jgħoddu *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima VIII tal-Att dwar il-Kumpanniji u l-funzjonijiet tal-laqgħa ġenerali, fil-każ ta' fondazzjonijiet, jitwettqu mill-amministraturi u minn kull persuna li hu meħtieġ il-kunsens tagħha biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' importanza mill-amministraturi.

Kap. 386.

(2) Għall-finijiet tal-applikazzjoni *mutatis mutandis* tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 345 tal-Att dwar il-Kumpanniji, għall-amalgamazzjoni ta' żewġ assoċjazzjonijiet jew aktar li waħda minnhom tkun minn tal-inqas reġistrata, kwalunkwe riżoluzzjoni straordinarja li tista' tkun meħtieġa skont l-Att dwar il-Kumpanniji, għandha tkun riżoluzzjoni straordinarja meħuda u mgħoddija mil-laqgħa ġenerali tal-assoċjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mod ta' kif jittieħdu u jiġu mgħoddija r-riżoluzzjonijiet straordinarji, kif ikun hemm fl-istatut jew fl-istrument kostituttiv tal-imsemmija assoċjazzjoni u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 135(1) u (3) tal-Att dwar il-

Kap. 386.

Kumpanniji m'għandhomx japplikaw:

Iżda jekk l-istatut jew l-istrument kostituttiv tal-assoċjazzjoni ma jkun fihom ebda dispożizzjonijiet li jirregolaw il-mod ta' kif jittieħdu u jiġu mgħoddija r-riżoluzzjonijiet straordinarji, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 135(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji għandhom jirregolaw *mutatis mutandis* il-mod ta' kif tittieħed u, jew tiġi mgħoddija tali riżoluzzjoni straordinarja.

Kap. 386.

Kap. 386.

(3) L-artikolu 348 tal-Att dwar il-Kumpanniji m'għandux japplika għall-amalgamazzjoni ta' żewġ assoċjazzjonijiet jew aktar.

(4) Fin-nuqqas ta' regoli jew regolamenti speċifiċi mill-Ministru dwar forma legali partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-liġi fiskali li japplikaw għal amalgamazzjonijiet u qsim ta' kumpanniji jgħoddu *mutatis mutandis* għal amalgamazzjonijiet u qsim ta' kull forma oħra ta' organizzazzjoni reġistrata.

(5) L-artikolu 339 u 370 tal-Att dwar il-Kumpanniji dwar il-ħruġ u l-kanċellament ta' ċertifikati fil-kuntest ta' amalgamazzjonijiet u diviżjonijiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Kontinwazzjoni f'Malta ta' organizzazzjoni barranija. *Miżjud: XXXVI.2018.62.*

22A. (1) Organizzazzjoni ffurmata u reġistrata taħt il-liġijiet ta' stat fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew iż-Żona Ekonomika Ewropea ħlief Malta, li tkun simili fix-xorta għal organizzazzjoni li tkun:

(*a*) regolata taħt din l-Iskeda; jew

(*b*) regolata b'liġi speċjali, li fiha nnifisha jew permezz ta' regolamenti ma tipprovdix għall-kontinwazzjoni,

tista', jekk tkun awtorizzata tagħmel dan permezz tal-istrument kostituttiv jew tal-istatut tagħha, jew permezz tal-liġi applikabbli fl-istat tagħha ta' reġistrazzjoni, titlob lir-Reġistratur sabiex tiġi reġistrata bħala waħda li qed titkompla f'Malta.

Dan l-artikolu għandu wkoll japplika fil-każ ta' tali organizzazzjoni inkorporata jew reġistrata taħt il-liġi ta' kwalunkwe pajjiż ieħor jew ġurisdizzjoni oħra li tkun approvata permezz ta' avviż li jista' jinħareġ u jiġġedded, minn żmien għal żmien, mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

(2) Meta tiġi reġistrata Malta, l-organizzazzjoni barranija għandha tiġi reġistrata fl-istess forma ġuridika li jkollha taħt il-liġi tal-pajjiż barrani jew ġurisdizzjoni barranija. Fil-każ li ma tkunx teżisti forma simili taħt il-liġijiet ta' Malta, l-applikant għandu jagħżel forma li kemm jista' jkun tkun simili għal dik li ser titkompla Malta u għandu jidentifika l-forma magħżula.

(3) Meta l-kontinwazzjoni f'Malta ta' organizzazzjonijiet barranin b'forma partikolari tkun irregolata b'liġi speċjali, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw.

(4) Il-kontinwazzjoni f'Malta ta' organizzazzjoni barranija titlob:

(*a*) l-adozzjoni tal-liġi Maltija sabiex tirregola l-istatut minn meta ssir ir-reġistrazzjoni taħt din l-Iskeda; u

(*b*) l-osservanza:

(i) għal kwistjonijiet kollha meħtieġa għall-forma ġuridika rilevanti tal-organizzazzjoni li ser tiġi stabbilita u reġistrata taħt din l-Iskeda;

(ii) għal kwistjonijiet kollha meħtieġa taħt kwalunkwe liġi oħra applikabbli relatata mal-attivitajiet jew l-amministraturi tagħha;

(iii) għal kwalunkwe proċeduri jew formalitajiet oħra li jistgħu jkunu msemmija fl-istatut tal-organizzazzjoni:

Iżda jekk l-istatut ma jindirizzax is-suġġett jew ma jinvesti ebda setgħa li tkun relatata mal-kontinwazzjoni ta' xi persuna jew korp, għandu jiġi preżunt li jkun hemm osservanza għal riżoluzzjoni tal-bord tal-amministraturi jew l-ekwivalenti jew jekk l-organizzazzjoni hija assoċjazzjoni tal-persuni, riżoluzzjoni tal-membri li jkollha s-sostenn meħtieġ taħt l-istatut jew, fin-nuqqas, għal liġi applikabbli għal deċiżjonijiet li huma meqjusa straordinarji jew speċjali; u

(iv) għal kwalunkwe rekwiżiti li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien.

(5) Ir-Reġistratur jista' jitlob dawk l-obbligazzjonijiet, attivitajiet, dokumentazzjoni u informazzjoni oħra mingħand l-applikant sabiex ikun sodisfatt dwar l-osservanza għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u l-liġijiet tal-pajjiż barrani rilevanti u jista' jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulu adegwati għall-pubblikità ta' din il-proċedura f'Malta u fi kwalunkwe stat ieħor rilevanti, sabiex jiġu evitati l-frodi u l-abbuż u għall-protezzjoni tal-benefiċjarji, membri jew kredituri tal-organizzazzjoni.

(6) Organizzazzjoni li hija reġistrata taħt din l-Iskeda tista' tkompli fi kwalunkwe stat fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea, meta tkun awtorizzata li tagħmel dan fl-istrument kostituttiv tagħha jew fl-istatut. F'dan il-każ u wara li jkunu ġew segwiti l-proċeduri rilevanti, ir-Reġistratur għandu jipproċedi sabiex jittermina r-reġistrazzjoni ta' dik l-organizzazzjoni taħt din l-Iskeda fuq din il-bażi

(7) Ir-reġistrazzjoni tad-drittijiet misjuba fir-Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, relatati mar-reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal organizzazzjonijiet barranin li jkunu qed jitolbu li jiġu reġistrati bħala organizzazzjonijiet li qed jitkomplew f'Malta. L.S. 16.07.

23. (1) Ħlief meta organizzazzjoni tkun stabbilita bħala fondazzjoni jew assoċjazzjoni, organizzazzjonijiet pubbliċi m'għandhomx jiġu reġistrati taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda. Il-Ministru reponsabbli għall-ġustizzja jista', permezz ta' regolamenti, jippermetti jew jitlob tali reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni ta' organizzazzjonijiet pubbliċi jew klassijiet ta' organizzazzjonijiet pubbliċi għandha minn hemm 'il quddiem issir skont din l-Iskeda u Ġabriet pubbliċi. Kap. 492. *Sostitwit: XXXVI.2018.63.* Kap. 279.

skont dawk il-kundizzjonijiet li l-Ministru jista' jistabbilixxi.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista', permezz ta' regolamenti, jistabbilixxi b'mod espress liema mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw għall-organizzazzjonijiet pubbliċi, b'mod ġenerali u meta jkunu ta' forma ġuridika partikolari, b'mod speċifiku għal dik il-forma, u għall-amministraturi tagħhom, u jista' wkoll jiddetermina jew ivarja l-mod ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija dispożizzjonijiet permezz ta' dak ir-regolament.

Setgħa tal-Ministru biex jagħmel regolamenti. *Emendat: XXXVI.2018.64.*

24. (1) B'żieda għas-setgħat l-oħra biex jagħmel regolamenti kif diġà previst f'dan l-Att, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jkollu s-setgħa jagħmel regolamenti biex -

(*a*) jistabbilixxi x'għandu jkun fihom l-istatuti ta' organizzazzjonijiet;

(*b*) jistabbilixxi regoli sabiex jiġu aktar regolati organizzazzjonijiet li mhumiex reġistrati;

(*ċ*) jistabbilixxi l-formoli u d-drittijiet għar-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe organizzazzjoni, iċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni u jistabbilixxi s-setgħat tar-Reġistratur fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-kwistjonijiet kollha relatati;

(*d*) jistabbilixxi l-formuli u x'għandu jkun fihom il-kontijiet u r-rapporti annwali u metodi ta' reviżjoni;

(*e*) jirregola organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali li jwettqu attivitajiet f'Malta u l-formoli u l-kontenut għar-reġistrazzjoni u t-termini u l-kundizzjonijiet, inkluži l-prinċipji applikabbli għal mod li tistabbilixxi l-liġi applikabbli għall-istrument kostituttiv u, jew l-istatut ta' dik l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe trattat tal-liġi internazzjonali privata jew kwalunkwe liġi dwar l-Unjoni Ewropea dwar dawn il-kwistjonijiet;

(*f*) jistabbilixxi regoli konnessi ma' fondazzjonijiet meta wżati f'operazzjonijiet kummerċjali inkluż bħala mezzi ta' investiment kollettiv, bħala mezzi ta' *securitisation* u bħala organizzazzjonijiet marittimi u għar-regolamentazzjoni ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam magħhom inkluži regoli legali li jkunu applikabbli għal unitajiet, strutturi *umbrella* u ħwejjeġ relatati magħhom;

(*g*) jirregola amministraturi ta' organizzazzjonijiet b'mod ġenerali;

(*h*) jirregola l-istralċ ta' organizzazzjonijiet;

(*i*) jirregola d-domiċiljazzjoni mill-ġdid jew il-kontinwazzjoni ta' organizzazzjonijiet;

(*j*) jistabbilixxi kull piena għal xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda;

(*k*) jimplimenta kull konvenzjoni internazzjonali jew kull Regolament jew Direttiva tal-UE, safejn dan ikun meħtieġ, li Malta tkun aderixxiet għalihom, fil-kuntest

ta' organizzazzjonijiet;

(*l*) jistabbilixxi l-formuli u l-proċeduri li għandhom jintużaw għal appelli;

(*m*) jirregola t-trasformazzjoni ta' organizzazzjoni b'forma ġuridika partikolari għal oħra b'forma ġuridika differenti;

(*n*) jistabbilixxi regoli dwar is-setgħat tal-Qorti għal dak li għandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni u l-varjazzjoni tal-istatut u l-amministrazzjoni ta' organizzazzjoni;

(*o*) jistabbilixxi regoli għat-twettiq aħjar ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda;

(*p*) jirregola l-proċedura għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet pubbliċi, inklużi l-formoli u l-kontenut għar-reġistrazzjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, u jistabbilixxi s-setgħat tar-Reġistratur għal dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni ta' tali organizzazzjonijiet u l-kwistjonijiet kollha relatati;

(*q*) jirregola kwalunkwe rekwiżiti għan-notifiki li għandhom isiru mir-Reġistratur minn kwalunkwe organizzazzjoni ġuridika għall-finijiet ta' din l-Iskeda;

(*r*) jirregola b'mod ulterjuri ċ-ċelluli segregati, kemm jekk dawn iċ-ċelluli huma inkorporati bħala persuni ġuridiċi jew xort'oħra;

(*s*) jirregola l-aċċessibiltà jew xort'oħra tar-reġistru tal-membri tal-assoċjazzjonijiet;

(*t*) jirregola l-proċedura għall-kontinwazzjoni tal-organizzazzjonijiet, sew taħt il-liġijiet ta' Malta jew il-liġijiet ta' pajjiż ieħor, inklużi l-formoli meħtieġa għal dik il-kontinwazzjoni, u jistabbilixxi s-setgħat tar-Reġistratur għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontinwazzjoni tal-organizzazzjonijiet;

(*u*) jipprovdi għal kwalunkwe kwistjoni li hija inċidentali għal jew konnessa ma' kwalunkwe mis-surreferiti; u

(*v*) jistabbilixxi regoli għat-twettiq aħjar ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' din l-Iskeda.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', bi ftehim mal-ministru rilevanti li għandu s-setgħa li jagħmel ir-regolamenti taħt xi liġi speċjali oħra, jagħmel regolamenti skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda sabiex jirregola:

(*a*) l-applikabbiltà għall-forom ta' organizzazzjonijiet ġuridiċi jew tipi partikolari tagħhom, jew għal dak li għandu x'jaqsam ma' setturi partikolari ta' attività mwettqa minn tali organizzazzjonijiet ġuridiċi, stabbiliti taħt dik il-liġi speċjali;

(*b*) il-mod tal-applikabbiltà tagħhom għal tali forom ta' organizzazzjonijiet ġuridiċi; u

(*ċ*) il-kwistjonijiet kollha relatati u anċillari, inklużi s-setgħat tar-reġistru rilevanti, kwalunkwe rekwiżiti għan-notifika lil tali reġistratur jew għar-reġistrazzjoni fir-reġistru rilevanti, drittijiet applikabbli, formoli jew xort'oħra.

(3) Il-Ministru jista', permezz ta' regolamenti, jemenda kwalunkwe anness ta' din it-Tieni Skeda għall-Kodiċi Ċivili.

Tifsir. *Emendat: XXXVI.2018.65.*

25. Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

(*a*) id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda u kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu jgħoddu biss fl-assenza ta' regoli dwar l-istess suġġett li jista' jkun hemm f'liġijiet speċjali li huma applikabbli għal forom partikolari ta' persuni ġuridiċi u fil-każ ta' konflitt bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi speċjali, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali;

(*b*) xejn f'din l-Iskeda ma għandu jinftiehem li jagħti d-dritt li organizzazzjoni tiġi reġistrata bħala persuna ġuridika fir-Reġistru jekk l-organizzazzjoni tkun diġà reġistrata f'reġistru pubbliku ieħor li l-effett ta' dik ir-reġistrazzjoni huwa l-għoti ta' personalità ġuridika, lanqas li jagħti l-għażla biex organizzazzjoni tiġi reġistrata bħala persuna ġuridika b'forma legali partikolari f'reġistru li ma jkunx dak imsemmi fil-liġi speċjali li tapplika għal dik il-forma; u

(*ċ*) ir-Reġistratur ma jkollux ġurisdizzjoni fir-rigward ta' persuni ġuridiċi li huma soġġetti għal liġijiet speċjali li huma applikabbli għall-forma legali partikolari tagħhom sakemm ma jkunx ġie mogħti dik il-ġurisdizzjoni f'dik il-liġi speċjali jew regolamenti magħmulin taħt dan l-Att. Id-drittijiet u r-rimedji applikabbli għal dawk il-persuni ġuridiċi għandhom jiġu regolati esklużivament bid-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi speċjali u xejn f'dan it-Titolu ma għandu jagħti rimedji addizzjonali f'dawk il-każijiet.

Titolu III

FUQ FONDAZZJONIJIET U ASSOĊJAZZJONIJIET

Sub-Titolu I

Dispożizzjonijiet preliminari u Tifsiriet

Tifsira ta' fondazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.66.*

26. (1) Fondazzjoni hija organizzazzjoni magħmula minn firxa wiesgħa ta' affarijiet, imwaqqfa bil-miktub inkluż permezz ta' testment, minn fundatur jew fundaturi, fejn l-assi jkunu intiżi jew –

(*a*) għall-kisba ta' għan speċifiku; u, jew

(*b*) għall-benefiċċju ta' persuna msemmija jew klassifikazzjoni ta' persuni,

u li huma fdati sabiex jiġu amministrati minn persuna jew persuni identifikati.

Il-patrimonju, jiġifieri l-assi u-responsabbilitajiet tal-fondazzjoni, huwa distint minn dak tal-fundatur tagħha, amministraturi jew kwalunkwe benefiċjarji. L-obbligazzjonijiet fiduċjarji fl-artikolu 1124A ta' dan il-Kodiċi għandhom ikunu jorbtu lill-fondazzjonijiet u l-persuni kollha li jkunu qed jamministrawha għal kwalunkwe benefiċjarji, għall-kisba tal-għanijiet imsemmija tal-fondazzjoni:

Iżda l-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandhom ikunu soġġetti għal dawk ir-restrizzjonijiet jew emendi kif jista' jkun stabbilit fl-istatut jew fil-kundizzjonijiet ta' ingaġġ tal-amministraturi, skont il-każ.

(2) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, il-kelma "fondazzjoni" għandha tinkludi l-organizzazzjonijiet kollha, l-istituti u patrimonji b'ismijiet simili li jiġu stabbiliti permezz ta' wirt, dotazzjoni jew approprjazzjoni ta' attiv, b'att pubbliku jew mod ieħor u bl-isem li jkun, għal għan imsemmi jew għall-benefiċċju ta' persuna msemmija jew klassi msemmija ta' persuni, li għandu jintlaħaq permezz ta' amministratur jew amministraturi msemmija, iżda ma tinkludix *trusts* kif imfissra fl-Att dwar it-Trusts u t-Trustees. Kap. 331.

(3) L-attiv ta' fondazzjoni jista' joriġina minn kull negozju jew attività legali u jista' jikkonsisti f'attiv preżenti jew futur ta' kull xorta.

(4) Meta jsir laxxitu testamentarju li jkollu l-elementi kontemplati fis-subartikolu (1), eżekutur testamentarju jew l-eredi tal-mejjet jitqiesu li jkollhom is-setgħa li jibdlu dak il-laxxitu għal fondazzjoni li jkollha l-istess objettivi u għanijiet kif dikjarat fit-testment, u jirreġistraw dik il-fondazzjoni. L-eżekutur testamentarju jew l-eredi jkollhom is-setgħa, li għandha tiġi eżerċitata bl-ogħla *bona fide*, li jabbozzaw il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-istatut tal-fondazzjoni, jagħżlu l-amministraturi u jirregolaw il-ħwejjeġ kollha li jista' jidhrilhom li huma rilevanti biex jiġu osservati l-ħtiġiet ta' reġistrazzjoni u x-xewqat tat-testatur.

(5) Fondazzjonijiet li għandhom il-forma ta' legati taż-żwieġ għandhom ikomplu jkunu regolati bil-liġijiet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2006 sakemm ma jagħżlux li jiġu reġistrati bħala fondazzjonijiet skont din l-Iskeda f'liema każ huma jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi minn dik id-data.

(6) Il-fondazzjonijiet jistgħu jiġi stabbiliti f'forma waħda jew f'żewġ forom ġuridiċi, jiġifieri jew għall-benefiċċju tal-benefiċjarji (imsejħa "fondazzjonijiet benefiċjarji") jew għall-kisba ta' għan speċifiku mingħajr benefiċjarji (imsejħa "fondazzjonijiet b'għan"). Tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħhom, il-fondazzjonijiet jista' jkollhom kwalunkwe għan imsemmi fl-artikolu 1.

(7) F'din l-Iskeda:

(*a*) kwalunkwe referenza għal "fondazzjoni pija" tinkludi:

(i) fondazzjoni pija awtonoma, jiġifieri kollezzjoni ta' oġġetti maħsuba għal għanijiet piji jew reliġjużi u stabbiliti bħala persuni ġuridiċi mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi kompetenti jew awtoritajiet oħra reliġjużi;

(ii) fondazzjonijiet piji mhux awtonomi, jiġifieri oġġetti storiċi mogħtija bi kwalunkwe mod lil persuna ġuridika pubblika mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi kompetenti jew awtoritajiet oħra reliġjużi u li jġorru magħhom obbligazzjoni fuq tul ta' żmien, liema perjodu għandu jiġi stabbilit abbażi tal-liġi reliġjuża applikabbli jew tal-liġi nazzjonali, u fejn l-obbligazzjoni fuq tul ta' żmien tikkonsisti fl-irbit tal-persuna ġuridka, mid-dħul annwali, sabiex tiċċelebra quddies jew ċerimonji oħra reliġjużi, it-twettiq ta' funzjonijiet oħra ekkleżjastiċi stabbiliti jew il-kisba xort'oħra tal-għanijiet piji jew reliġjużi kif imfisser fil-liġijiet reliġjużi applikabbli jew regoli; u

(iii) "għanijiet piji jew reliġjużi" huma mifhuma bħala dawk li jikkonċernaw atti ta' devozzjoni, tal-appostolat, jew ta' karità, kemm jekk spiritwali jew storiċi u jinkludu organizzazzjonijiet simili ta' kwalunkwe denominazzjoni reliġjuża;

(*b*) kwalunkwe referenza għal "entità ekkleżjastika" għandha tkun referenza għal assoċjazzjoni ta' persuni jew firxa wiesgħa ta' oġġetti li huma stabbiliti mill-awtorità ekkleżjastika kompetenti jew awtorità oħra reliġjuża, sabiex ikunu jistgħu, f'isem dik l-awtorità u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti, iwettqu d-dmir speċifiku fdat lilhom in vista tal-ġid pubbliku, inkluża t-trasmissjoni ta' tagħlim reliġjuż, il-promozzjoni tal-qima pubblika u t-twettiq ta' proġetti li huma adegwati għax-xorta tagħhom u regolati mill-istatuti tagħhom taħt l-ogħla direzzjoni tal-imsemmija awtorità. Dawn l-entitajiet jinkludu djoċesi, parroċċi u l-istituzzjonijiet tal-ħajja kkonsagrata u soċjetajiet tal-ħajja appostolika, u jinkludu organizzazzjonijiet simili ta' kwalunkwe denominazzjoni reliġjuża.

(8) B'effett mid-data rilevanti, mhux leġittimu t-twaqqif ta' fondazzjoni għajr permezz ta' att pubbliku jew ta' testment, għal-legati taż-żwieġ jew entitajiet ekkleżjastiċi.

(9) L-approprjazzjoni ta' assi għal għan jew għall-benefiċċju tal-benefiċjarji, miktuba f'forma li tindika l-intenzjoni li tiġi stabbilita fondazzjoni, iżda li ma ssirx permezz ta' att pubbliku ta' fondazzjoni jew ta' testment, għandha tkun regolata permezz tad-dispożizzjonijiet relatati ma' organizzazzjonijiet mhux reġistrati. F'dawn il-każijiet, il-persuni li jistgħu jkunu qed jaġixxu bħala

amministraturi jew fiduċjarji għandhom jitqiesu li għandhom il-poter li jistabbilixxu tali approprjazzjoni tal-assi f'fondazzjoni skont din l-Iskeda u li jirreġistraw l-istess.

(10) Sakemm tiġi reġistrata, mhux leġittimu li tali organizzazzjoni tuża l-kelma "fondazzjoni" f'isimha u r-Reġistratur jista', meta jiġi nnotifikat bl-istess jew jiġi infurmat xort'oħra b'dawn iċ-ċirkostanzi, permezz ta' avviż bil-miktub jitlob it-tneħħija ta' dik il-kelma mill-isem.

(11) Għandu jiġi preżunt li mandat regolat bit-Titolu XVIII ta' dan il-Kodiċi jew depożitu regolat bit-Titolu XIX ta' dan il-Kodiċi, ikun ġie stabbilit, meta jiġi eżegwit strument bil-miktub li permezz tiegħu persuna jkollha l-proprjetà jew il-pussess ta' proprjetà għall-kisba ta' għan speċifiku jew għall-benefiċċju tal-benefiċjarji, sakemm ma jkunx hemm evidenza ċara dwar l-intenzjoni li tiġi mwaqqfa fondazzjoni kif stabbilit fis-subartikolu (9) u sabiex ir-riċevitur jiġi appuntat bħala amministratur, jew *trust* u sabiex ir-riċevitur ikun it-*trustee*.

Tifsir ta' assoċjazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.67.*

27. (1) Assoċjazzjoni hija ftehim bejn tliet persuni jew aktar biex jistabbilixxu organizzazzjoni b'objettivi u għanijiet definiti li għandhom jinkisbu permezz tad-dedikazzjoni tal-isforzi u r-riżorsi ta' dawk il-persuni u ta' oħrajn li jistgħu jissieħbu volontarjament, bil-patrimonju, jiġifieri l-attiv u l-passiv, jekk ikun hemm, tal-assoċjazzjoni jkun distint minn dak tal-membri jew amministraturi tagħha jew ta' xi benefiċjarji:

Iżda assoċjazzjoni li mhux stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku tista' tiġi stabbilita bejn żewġ persuni.

(2) Assoċjazzjonijiet mhumiex marbutin li jirreġistraw bħala persuni ġuridiċi iżda jistgħu jagħmlu dan.

Organizzazzjonijiet ibridi. *Sostitwit: XXXVI.2018.68.*

28. Organizzazzjonijiet reliġjużi mwaqqfa bħala fondazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet għal għanijiet imfissra f'liġijiet reliġjużi applikabbli, m'għandhomx ikunu soġġetti għal, jew b'xi mod regolati minn din l-Iskeda u għandhom ikunu regolati bir-regoli reliġjużi relattivi. F'każ li jiġu reġistrati bħala fondazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet taħt din l-Iskeda, għandhom ikunu regolati wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda minn dik id-data u f'każ ta' inkonsistenza għandhom jissuperaw d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

Sub-Titolu II

Fuq Fondazzjonijiet

Forma u kontenut tal-istatut. *Emendat: XXXVI.2018.69; XXXIX.2020.17.*

29. (1) Fondazzjoni ma tistax tiġi kostitwita ħlief permezz ta' att pubbliku *inter vivos* jew permezz ta' testment.

(2) L-att ta' fondazzjoni għandu jkun fih, taħt piena ta' nullità, dotazzjoni ta' flus jew proprjetà li tkun tiswa minn tal-inqas elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) ħlief fil-każ ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, f'liema każ id-dotazzjoni għandha tkun tiswa minn tal-inqas mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

(3) Meta l-proprjetà mogħtija b'dotazzjoni ma tkunx flus jew

xi attiv ieħor, li l-valur tiegħu jidher mill-apparenza, l-amministraturi għandhom jiddikjaraw, f'dikjarazzjoni li għandha tiġi annessa mal-formula tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, li fl-opinjoni raġunata tagħhom il-proprjetà mogħtija f'dotazzjoni jew vestita fil-fondazzjoni għandha valur għallinqas daqs l-ammont meħtieġ b'dan l-artikolu:

Iżda fondazzjoni li tkun ġiet debitament reġistrata ma titlifx l-eliġibilità tagħha li tibqa' reġistrata jekk, wara li tkun ġiet reġistrata, il-valur tal-attiv tagħha jonqos għal inqas mill-ammont meħtieġ b'dan l-artikolu.

(4) L-att tal-fondazzjoni għandu jiddikjara dan li ġej:

(*a*) l-isem tal-fondazzjoni, li għandu jkun fih il-kelma "fondazzjoni";

(*b*) l-indirizz reġistrat, f'Malta;

(*ċ*) l-għanijiet jew l-objettivi;

u fil-każijiet fejn il-fondazzjoni taqa' f'waħda minn dawn il-kategoriji speċifiċi li ġejjin:

(i) il-fondazzjoni hija fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku kif imfissra fl-artikolu 1(4); jew

(ii) il-fondazzjoni hija fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B, indikazzjoni tal-kategorija tal-fondazzjoni fl-istatut;

(*d*) l-attiv kostituttiv, li bih hija ffurmata;

(*e*) (i) il-kompożizzjoni tal-bord tal-amministraturi u l-isem, il-kunjom, l-identifikazzjoni, il-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, nazzjonalità u indirizz residenzjali tal-amministraturi, jekk ikun hemm, jew meta ma jkun hemm ebda amministraturi meta tiġi mwaqqfa jew reġistrata, il-persuna li għandha s-setgħa taħtar l-amministraturi;

(ii) il-mod ta' kif jiġu maħtura u mneħħija l-amministraturi mill-kariga u t-terminu tal-ħatra tagħhom, jekk ikun hemm:

Iżda jekk it-terminu tal-ħatra tal-amministraturi ma jkunx stipulat fl-att ta' fondazzjoni, għandu jiġi meqjus li ġew maħtura indefinittivament sakemm jirtiraw jew jitneħħew.

(*f*) it-terminu li għalih ġiet stabbilita, jekk ikun hemm, u jekk mhux stabbilit għandu jiġi preżunt li ġiet stabbilita għal terminu indefinit ħlief fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 29(7) u 33;

(*g*) fil-każ ta' fondazzjoni, li l-amministraturi tagħha ma jkunux residenti f'Malta, l-isem u l-indirizz ta' persuna residenti f'Malta b'mod ordinajru li ġiet maħtura biex taġixxi bħala r-rappreżentant lokali tal-fondazzjoni f'Malta; u

(*h*) fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja, isem il-benefiċjarji,

jew, fin-nuqqas ta' din l-indikazzjoni, dikjarazzjoni li l-fondazzjoni ġiet imwaqqfa għall-benefiċċju tal-benefiċjarji. Dawn il-benefiċjarji jistgħu jkunu indikati fi strument bil-miktub, li mhux bilfors ikun jifforma parti mill-att pubbliku, imsejjaħ "dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji", iffirmata mill-fundatur u indirizzata lill-amministraturi, u din għandha tiġi ffirmata fil-preżenza ta' Nutar Pubbliku. L-użu ta' dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji mhux permess fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja, jew ċellula ta' tali fondazzjoni, meta hija stabbilita esklussivament għall-benefiċċju ta' benefiċjarji ta' interess pubbliku.

(*i*) fejn jeżisti aktar minn bord jew kumitat wieħed skont l-att ta' fondazzjoni, l-att ta' fondazzjoni għandu jispeċifika liema bord jew kumitat għandu jkun il-bord tal-amministraturi;

(*j*) meta l-kategorija ta' kwalunkwe fondazzjoni hija għall-benefiċċju pubbliku, dan għandu jiġi stabbilit b'mod espress bl-użu tal-kliem "benefiċċju pubbliku", "skop soċjali" jew "skop pubbliku" fl-istrument kostituttiv u fl-istatut tal-fondazzjoni.

(5) L-istatut għandu jkun iffirmat mill-fundaturi u kull persuna li tissottoskrivi għall-istatut wara li tkun ġiet stabbilita fondazzjoni permezz ta' att pubbliku jew b'xi mod ieħor kif provdut fl-istatut titqies li tkun tat il-kunsens tagħha għad-dispożizzjonijiet kollha tal-istatut u għar-regoli kollha li jkunu ġew ippromulgati b'mod validu mill-fondazzjoni sa dik id-data. Meta fondazzjoni tkun qed tiġi stabbilita bħala fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, bl-involviment ta' aktar minn tliet persuni bħala promoturi, il-firma ta' tliet persuni għandha tkun suffiċjenti għall-indikazzjoni tal-kunsens tal-fundaturi kollha meta tiġi stabbilita. Dokument li jikkonsisti f'lista tal-fundaturi kollha għandu jkun suffiċjenti bħala evidenza tal-kunsens. In-Nutar Pubbliku mhux marbut li jaċċerta li t-tliet persuni ġew awtorizzati mill-fundaturi sabiex jidhru fuq l-att, iżda għandu jiddependi fuq id-dokument preżentat lilu mit-tliet persuni li jkun fih il-lista tal-fundaturi kollha bħala evidenza tal-kunsens tagħhom. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, fir-rigward tal-persuni elenkati fid-dokument li fih il-lista tal-fundaturi kollha, isimhom, kunjomhom u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, għandhom ikunu biżżejjed:

Iżda n-Nutar Pubbliku li jirċievi kwalunkwe att li għalih jirreferi dan is-subartikolu, għandu jinnota fl-att id-dikjarazzjoni mit-tliet persuni li huma awtorizzati mill-fundaturi li jniżżlu isimhom, kunjomhom u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew in-numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, fid-dokument imsemmi hawn qabel u l-imsemmi Nutar Pubbliku għandu jwissi

lill-imsemmija tliet persuni dwar l-importanza tal-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni. Id-dokument għandu jiġi anness mal-att pubbliku li jistabbilixxi l-fondazzjoni:

Iżda wkoll kwalunkwe persuna msemmija bħala fundatriċi f'dokument kif imsemmi hawn qabel li tallega li ma awtorizzatx lit-tliet persuni sabiex jinkludu isimha u kunjomha u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport u n-numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, fid-dokument, għandha fi żmien sittin (60) ġurnata minn meta ssir taf dwar l-inklużjoni tagħha fid-dokument, tkun intitolata tirreġistra dikjarazzjoni f'dan is-sens fir-Reġistru tal-fondazzjoni u fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza bil-miktub li turi l-kuntrarju u li tista' tiġi preżentata f'każ ta' tilwima dwar il-kwistjoni, għandha titqies li qatt ma kienet fundatriċi.

(6) Meta l-amministraturi jiġu maħtura fl-istatut, sakemm ma jagħtux il-kunsens tagħhom fl-imsemmi statut innisfu, il-kunsens bil-miktub tal-amministraturi għandu jiġi mogħti lir-Reġistratur qabel ir-reġistrazzjoni ta' kwalunkwe fondazzjoni. Meta l-amministraturi ma jkunux ġew maħtura fl-istatut, il-kunsens tagħhom bil-miktub għandu jiġi mogħti lir-Reġistratur man-notifika tal-ħatra tagħhom.

(7) (*a*) Mhux leġittimu li jiġi stabbilit terminu għall-fondazzjoni li jeċċedi l-mija u ħamsa u għoxrin (125) sena, ħlief fil-każijiet li ġejjin, li fihom il-fondazzjoni jista' jkollha terminu illimitat:

(i) fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku; jew

(ii) fondazzjonijiet regolati mill-artikolu 31B(4), (5) u (6).

(*b*) Meta ma jiġi stabbilit ebda terminu fl-att ta' fondazzjoni, il-fondazzjoni għandha titqies li hija valida għal mija u ħamsa u għoxrin (125) sena mit-twaqqif tagħha, ħlief fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (*a*).

(*ċ*) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra, f'każ li jiġi stabbilit terminu itwal fl-att ta' fondazzjoni benefiċjarja, dan għandu jispiċċa fil-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju mill-eżistenza tagħha. Il-limitazzjoni tat-terminu tapplika wkoll fil-każ fejn il-fondazzjoni tirriżulta mill-konverżjoni ta' organizzazzjoni oħra reġistrata jew ta' *trust* skont din l-Iskeda u kwalunkwe regolamenti, jew mit-trasferiment ta' patrimonju minn fondazzjoni lil fondazzjoni oħra jew *trust*. F'dan il-każ, il-perjodi ta' eżistenza għandhom jitqiesu li huma kumulattivi.

(8) L-artikolu 1753(1) ma japplikax għal dotazzjonijiet magħmula favur fondazzjonijiet reġistrati.

(9) Fondazzjonijiet stabbiliti skont din l-Iskeda mhumiex projbiti bl-artikoli 331, 757 sa 761 u 1776.

(10) L-artikolu 586 ma jaffettwax xi terminu ta' żmien ta' fondazzjoni minħabba fil-fatt li għandu x'jaqsam mal-wirt tal-fundatur jew minħabba f'li d-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-proprjetà tal-fondazzjoni għandhom jibdew iseħħu wara l-mewt tal-fundatur.

(11) (*a*) Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom jgħoddu għal dispożizzjonijiet testamentarji favur fondazzjonijiet, kemm jekk dawn il-fondazzjonijiet jinħolqu b'att *inter vivos* jew b'dispożizzjoni testamentarja, u dan minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 688, 693 u 695 u dispożizzjonijiet simili tal-Kodiċi Ċivili.

(*b*) L-amministraturi ta' fondazzjoni m'għandhomx jirrinunzjaw għal benefiċċju lill-fondazzjoni li jkun tħalla f'testment, skont dispożizzjoni favuriha, ħlief bil-kunsens tal-benefiċjarji jew fil-każ ta' fondazzjoni b'għan, tal-Qorti:

Iżda ebda provvediment ta' dan is-subartikolu m'għandu jobbliga lil xi amministratur jaċċetta benefiċċju mħolli f'testment jew dotazzjoni, jekk dak l-amministratur għandu raġuni sabiex jissuspetta li dawn huma magħmula minn assi li ġejjin minn xi reat kriminali jew jinvolvu ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroriżmu:

Iżda wkoll jekk l-amministratur m'għandux ix-xewqa li jaċċetta li jaġixxi bħala amministratur jew li jkompli f'din il-kariga, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35.

(12) Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom jgħoddu għall-fondazzjonijiet kollha li jkunu jeżistu meta din id-dispożizzjoni tiġi fis-seħħ, iżda fondazzjonijiet eżistenti ma jkunux meħtieġa josservaw il-ħtiġiet tas-subartikolu (2) u għandhom josservaw il-ħtiġiet tas-subartikolu (3) mar-reġistrazzjoni biss. Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jagħmel invalida xi ħaġa li tkun saret qabel il-bidu fis-seħħ ta' din il-liġi, liema ħaġa kienet valida meta saret.

(13) Ir-Reġistratur għandu jirreġistra fondazzjoni eżistenti mingħajr bidla f'isimha anke jekk dan ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tas-subartikolu (4)(a) jew ta' kwalunkwe artikolu ieħor li jimponi regoli fuq l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet.

(14) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jippermettu li l-fondazzjonijiet jagħmlu użu minn kliem alternattiv minflok il-kelma "fondazzjoni" f'isimhom.

(15) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fil-każ ta' fondazzjonijiet regolati minn kwalunkwe direttiva jew regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirregolaw it-twaqqif u l-operat ta' fondazzjonijiet kif jistgħu jkunu fis-seħħ f'kull waqt.

Regoli mandatorji li jissuperaw. *Miżjud XXXVI.2018.70.*

29A. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), fil-każ ta' fondazzjoni regolata mil-liġi Maltija, meta l-liġijiet ta' Malta jipprovdu fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin –

(*a*) il-protezzjoni tal-minuri u partijiet inkapaċi;

(*b*) l-effetti personali u fuq il-proprjetà taż-żwieġ;

(*ċ*) drittijiet ta' suċċessjoni, kemm testata kif ukoll intestata, speċjalment il-porzjonijiet protetti tal-konjuġi, axxendenti jew dixxendenti,

hawn aktar 'il quddiem imsejħa "regoli ta' applikazzjoni mandatorja", jew "regoli mandatorji" li wieħed ma jistax jidderoga minnhom b'att volontarju, dawn il-liġijiet għandhom jissuperaw fuq il-kundizzjonijiet tal-fondazzjoni u dotazzjonijiet relatati, kemm-il darba din l-Iskeda jew il-liġi applikabbli ma jipprovdux xort'oħra.

(2) Sa fejn ikunu jeżistu regoli ta' applikazzjoni mandatorja, il-qrati għandhom japplikaw dawk ir-regoli bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29B.

(3) Meta fondazzjoni hija regolata bil-liġi Maltija u m'għandhiex konnessjoni ma' Malta abbażi tad-domiċilju tal-fundatur fil-mument tad-dotazzjoni tal-proprjetà lill-fondazzjoni jew il-post tal-proprjetà, f'każ ta' immobbli, ir-regoli ta' applikazzjoni mandatorja bl-ebda mod ma għandhom japplikaw. F'dan il-każ m'għandha tingħata l-ebda importanza għas-segwenti:

(*a*) id-domiċilju, ir-residenza abitwali, ir-reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni jew post tan-negozju f'Malta ta' kwalunkwe protettur jew kull persuna li tipprovdi servizzi ta' amministrazzjoni, kontabilità jew servizzi oħra lill-fondazzjoni; jew

(*b*) il-fatt li l-liġi proprja tal-fondazzjoni hija l-liġi Maltija u l-post ta' reġistrazzjoni huwa Malta; jew

(*ċ*) il-post tal-proprjetà f'Malta, f'każ ta' immobbli; jew

(*d*) il-fatt li l-post tal-eżekuzzjoni tal-att tal-fondazzjoni, kwalunkwe dokumenti relatati mal-fondazzjoni jew relatati ma' proprjetà tal-fondazzjoni jew dokumenti oħra tat-transazzjoni, huwa Malta.

(4) Fil-każ ta' fondazzjoni barranija, ir-regoli ta' applikazzjoni mandatorja għandhom japplikaw biss għal kwalunkwe dotazzjoni rilevanti għall-fondazzjoni, meta l-fundatur ikun domiċiljat Malta meta tiġi mwaqqfa l-fondazzjoni jew meta saret id-dotazzjoni, bla ħsara dejjem għar-regoli stabbiliti fl-artikolu 29B.

(5) Fil-każ ta' fondazzjoni barranija, meta l-fundatur ta' tali organizzazzjoni ma jkunx domiċiljat Malta meta tiġi mwaqqfa l-fondazzjoni jew meta tkun saret id-dotazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw biss sa fejn ikunu jirregolaw il-kontinwazzjoni jew xort'oħra f'Malta tal-fondazzjoni jew dotazzjoni.

(6) Sakemm jeżistu regoli ta' applikazzjoni mandatorja fil-liġi applikabbli fiċ-ċirkostanzi, skont il-kundizzjonijiet tal-liġi internazzjonali privata Maltija, il-qrati ta' Malta jistgħu japplikaw dawk ir-regoli mandatorji, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29B.

(7) Meta qorti tintalab tirrikonoxxi deċiżjoni barranija li tinforza kwalunkwe regoli ta' applikazzjoni mandatorja, kif imsemmi fis-subartikolu (6), il-qorti tista' tilqa' din it-talba bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29B.

Ġestjoni ta' dispożizzjonijiet ta' inkonsistenza. *Miżjud XXXVI.2018.70.*

29B. Sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli li wieħed ma jistax jidderoga minnhom b'att volontarju jiġu applikati b'mod li jirriserva kemm jista' jkun id-dotazzjoni għall-fondazzjoni u l-kundizzjonijiet tagħha, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(*a*) l-applikazzjoni tar-regoli mandatorji m'għandhomx jipproduċu n-nuqqas jew l-invaliditá tad-dotazzjoni jew tal-fondazzjoni, u fejn ikun possibbli, id-dotazzjoni jew il-fondazzjoni għandhom jibqgħu skont l-istess kundizzjonijiet fir-rigward tal-proprjetà li ma tkunx affettwata minn dawn il-liġijiet mandatorji. Bla ħsara għal kwalunkwe ordni tal-qorti, il-proprjetà li ma tkunx affetwata għandha tinżamm mill-fondazzjoni għall-fundatur b'mod assolut, jew jekk huwa mejjet, għall-eredi tiegħu;

(*b*) l-amministraturi għandu jkollhom is-setgħa li:

(i) ivarjaw il-kundizzjonijiet tal-fondazzjoni sa fejn dawn ikunu jirrelataw max-xorta jew mal-limitu tal-benefiċċju jew tad-dotazzjoni; jew

(ii) jagħmlu dawk l-atti li jkunu leġittimi u legalment awtorizzati:

Iżdal-benefiċjarji jew l-għan tal-fondazzjoni għandhom jibbenefikaw skont l-intenzjonijiet espressi mill-fundatur fl-att ta' fondazzjoni b'mod li huwa kompatibbli mar-regoli mandatorji u kwalunkwe proprjetà li ma tibqax soġġetta għall-fondazzjoni għal kwalunkwe raġuni, għandha tinżamm mill-fondazzjoni għall-fundatur b'mod assolut, jew jekk huwa mejjet, għall-eredi tiegħu;

(*ċ*) sabiex jiġu riżolti inkonsistenzi bejn id-dotazzjoni u l-fondazzjoni u kwalunkwe regoli mandatorji u għall-finijiet tal-kontinwazzjoni tal-fondazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi (a) u (b), il-kundizzjonijiet tal-fondazzjoni jew tad-dotazzjoni, meta dawn ma jkunux stabbiliti, għandhom jitqiesu li jinkludu:

(i) is-setgħa, mingħajr l-ebda obbligazzjoni tat-twettiq, tal-amministratur li jnaqqas l-assi tal-fondazzjoni u li jirritornahom jew parti minnhom lill-fundatur jew lill-patrimonju tal-fundatur, għall-osservanza għal tali dispożizzjonijiet tal-liġi;

(ii) is-setgħa tal-amministratur li jidħol f'arranġament ta' arbitraġġ u medjazzjoni u li jilħaq kompromess f'tilwim u talbiet minn terzi persuni; u

(iii) is-setgħa li jintalbu direzzjonijiet mill-Qorti dwar dawn il-kwistjonijiet:

Iżda dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati minkejja kwalunkwe dispożizzjonijiet kuntrarji fl-att ta' fondazzjoni jew id-dotazzjoni u, kemm-il darba l-amministratur jaġixxi b'onestà, bil-*bona fide* u b'mod raġonevoli, dawn l-atti m'għandhomx jikkostitwixxu ksur ta' kwalunkwe dover fiduċjarju u kwalunkwe liġi applikabbli;

(*d*) il-proprjetà tal-fundatur li ma tkunx dotata lill-fondazzjoni għandha tintuża l-ewwel, sa fejn dan ikun possibbli, sabiex tissodisfa t-talbiet ta' kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tfittex li tinvalida jew tnaqqas id-dotazzjoni;

(*e*) minkejja kwalunkwe liġi oħra applikabbli, il-fondazzjoni tista' tissodisfa talba valida li tkun qed issir kontra il-proprjetà tal-fondazzjoni, kemm jekk volontarja kif ukoll jekk tirriżulta minn direzzjoni tal-qorti, ordni jew sentenza, permezz ta' ħlas ta' valur fi flus u m'għandhiex tkun obbligata li tirritorna l-proprjetà dotata lill-fondazzjoni fiżikament;

(*f*) kwalunkwe persuna li jirnexxilha tnaqqas il-proprjetà tal-fondazzjoni jew tikseb ordni tal-qorti sabiex tinvalida dotazzjoni sħiħa jew parti minnha jew li tgawdi l-benefiċċji ta' arranġament mal-fondazzjoni kif stabbilit fil-paragrafu (ċ)(i), għandha ċċedi l-benefiċċji tal-fondazzjoni, kemm-il darba l-kundizzjonijiet tal-fondazzjoni ma jistabbilixxux xort'oħra b'mod espress jew l-amministraturi jqisu li dan mhux raġonevoli fiċ-ċirkustanzi u jiksbu l-kunsens mill-Qorti sabiex jinżammu fis-seħħ id-drittijiet favur dik il-persuna, kif soġġett għal dawk id-dispożizzjonijiet li l-qorti jista' jidhrilha li huma xierqa;

(*g*) fi kwalunkwe każ u minkejja kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġi, fondazzjoni m'għandhiex tkun soġġetta għall-obbligazzjoni li tħallas jew tirritorna aktar proprjetà minn dik miżmuma minnha, wara tnaqqis tad-drittijiet u spejjeż u m'għandhiex tkun soġġetta għal xi obbligazzjoni fir-rigward ta' distribuzzjonijiet magħmulin minnha, bil-*bona fide* qabel ma jkollha avviż bil-miktub għal kwalunkwe talba.

Proprjetà f'Malta, fondazzjonijiet Maltin jew barranin, persuna ta' domiċilju barrani. *Miżjud XXXVI.2018.70.*

29Ċ. L-artikolu 958R ta' dan il-Kodiċi għandu japplika għall-fondazzjonijiet u dotazzjonijiet lill-istess, *mutatis mutandis*.

Obbligazzjoni ta' reġistrazzjoni. *Sostitwit: XXXVI.2018.71.*

30. (1) Huwa l-obbligu tal-amministraturi ta' kull fondazzjoni stabbilita wara d-data rilevanti, ħlief għal istituzzjonijiet piji, legati taż-żwieġ u entitajiet ekkleżjastiċi stabbiliti bħala fondazzjonijiet, li jirreġistraw dik il-fondazzjoni skont din l-Iskeda fi żmien stabbilit f'dan it-Titolu:

Iżda meta ma jinħatru ebda amministraturi, il-fondazzjoni għandha tiġi reġistrata minn kwalunkwe persuna msemmija fl-artikolu 31(2), (3) u (4) jew mill-persuna maħtura fl-istatut bħala waħda li għandha l-poter li taħtar l-amministraturi.

(2) Wara li fondazzjoni tkun ġiet stabbilita b'att pubbliku skont dan is-Sub-Titolu ta' din l-Iskeda jew f'kull waqt wara li tkun infetħet is-suċċessjoni, fil-każ ta' fondazzjoni stabbilita b'testment, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 għandhom japplikaw għal kwalunkwe atti mwettqa mill-amministraturi għan-nom ta' fondazzjoni qabel ir-reġistrazzjoni tagħha u f'każijiet bħal dawn, l-amministraturi m'għandhomx ikunu responsabbli personalment skont l-artikolu 17(2) jekk:

(*a*) l-azzjonijiet imwettqa jimplimentaw dak li huwa espressament mitlub fl-att pubbliku jew fit-testment; u

(*b*) il-fondazzjoni tkun reġistrata fil-perjodu stabbilit fl-artikolu 31.

Reġistrazzjoni ta' fondazzjonijiet. *Emendat: XXXVI.2018.72; XXXIX.2020.18.*

31. (1) Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' fondazzjoni għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni stabbilita lir-Reġistratur flimkien ma':

(*a*) fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat kif imfisser fl-artikolu 31B:

(i) kopja awtentika tal-istrument kostituttiv u tal-istatut mingħajr id-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji, jekk ikun hemm;

(ii) kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'din l-Iskeda, in-Nota Inizjali ta' Reġistrazzjoni; u

(iii) il-kunsens bil-miktub tal-amministraturi, jekk ikun hemm; u

(*b*) fil-każijiet l-oħra kollha, kopja awtentika tal-istrument kostituttiv u l-istatut u l-kunsens bil-miktub tal-amministraturi, jekk ikun hemm;

(2) Meta fondazzjoni tinħoloq b'att pubbliku għandha tintbagħat kopja awtentika ta' dak l-att pubbliku -

(i) mill-fundatur; jew

(ii) wara li jkunu aċċettaw li jaġixxu bħala amministraturi, mill-amministraturi jew

(iii) min-Nutar li jippubblika l-att.

(3) Meta l-fondazzjoni tkun ġiet maħluqa b'testment, estratt tal-parti rilevanti, debitament awtentikat, għandu jintbagħat mill-leżekutur testamentarju jew mill-eredi:

Iżda eżekutur testamentarju jista' jibgħat dak l-estratt ukoll

qabel ma jkun ġie konfermat mill-Qorti biex jaġixxi f'dik il-kariga.

(4) Meta l-fondazzjoni tkun ġiet maħluqa b'testment sigriet, dak l-estratt għandu jintbagħat min-Nutar li jippubblika t-testment sigriet jew mill-eredi.

(5) L-eredi msemmijin fis-subartikoli (3) u (4) li mhux bi ħsiebhom jiddikjaraw jew li ma jkunux għadhom iddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jaċċettaw il-wirt jew li jkunu aċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju jkunu madankollu responsabbli biex jintbagħtu dawk l-estratti imma dik il-konsenja ma tkunx, fiha nnfisha, prova tal-aċċettazzjoni jew l-aċċettazzjoni mingħajr ebda kondizzjoni tal-wirt.

(6) Dawk l-estratti għandhom jintbagħtu fi żmien tliet xhur, liema perjodu jibda jiddekorri -

(*a*) jekk il-fondazzjoni tinħoloq b'att pubbliku, mid-data ta' dak l-att;

(*b*) jekk tinħoloq b'testment pubbliku, mid-data tal-mewt tal-fundatur; u

(*ċ*) jekk tinħoloq b'testment sigriet, mid-data tal-pubblikazzjoni tat-testment.

(7) Il-konsenja msemmija tista' ssir minn xi waħda mill-persuni msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4), jew mill-persuna maħtura fl-istatut bħala waħda li għandha s-setgħa taħtar lill-amministraturi jew personalment jew permezz ta' aġent awtorizzat.

(8) Meta jirċievi d-dokumenti msemmijin fis-subartikolu (1), ir-Reġistratur għandu -

(*a*) jirreġistra l-fondazzjoni, wara li jkun sodisfatt li jkunu ġew osservati d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan is-Sub-Titolu; jew

(*b*) jirrifjuta li jirreġistra l-fondazzjoni, waqt li jinforma lill-applikant bil-miktub bir-raġunijiet għal dak ir-rifjut:

Iżda l-fatt li r-Reġistratur jirreġistra fondazzjoni fin-nuqqas ta' ħarsien għal xi rekwiżit taħt kwalunkwe liġi speċjali, m'għandux jeżenta lil dik il-fondazzjoni jew l-amministraturi tagħha mill-obbligazzjoni tagħhom li josservaw dik il-liġi jew li jkunu soġġetti għal kwalunkwe penali jew proċedimenti li jistgħu jirriżultaw mill-ksur ta' dik il-liġi speċjali.

(9) Ir-Reġistratur ikollu d-dritt li jitlob kull informazzjoni minn kull persuna jekk ikun jidhirlu li din l-informazzjoni hija meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' fondazzjoni iżda, fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B, ma jkunx jista' jitlob kopja tad-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji mill-amministraturi jew min-Nutar Pubbliku:

Iżda xejn f'dan is-subartikolu ma għandu jillimita xi setgħat tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont il-liġi applikabbli.

(10) Jekk il-konsenja prevista fis-subartikolu (1) ma ssirx fil-perjodu stabbilit fis-subartikolu (6), il-persuni msemmija fis-

subartikoli (2), (3) u (4) u l-persuna identifikata fl-istatut bħala waħda li għandha s-setgħa taħtar l-amministraturi jistgħu jeħlu penali, li titħallas lir-Reġistratur, ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) kull wieħed:

Iżda l-ebda persuna ma tkun responsabbli għan-nuqqas li jiġi osservat dan l-obbligu jekk ma tkunx taf bil-mewt tal-fundatur jew xi fatt rilevanti ieħor:

Iżda wkoll fil-każ ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, iskritta skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, il-penali msemmija hawn qabel għandha titnaqqas għal tlieta u għoxrin euro (€23).

(11) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 636(2) u (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu għall-estratti kkontemplati f'dan l-artikolu. Kap. 12.

Emendi tal-istatuti u tal-avviżi għal bidliet. *Miżjud: XXXVI.2018.73; XXXIX.2020.19.*

31A. Kwalunkwe emendi fl-istatut tal-fondazzjoni jew bidliet fil-fondazzjoni wara li l-fondazzjoni tkun ġiet reġistrata, għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru kif ġej:

(*a*) minkejja dak stabbilit fl-istatut, jekk hemm formola li hija stabbilita, billi tintbagħat dik il-formola u dawk l-emendi u l-bidliet ma jkunux jeħtieġu att pubbliku jew iskrizzjoni fl-atti ta' Nutar Pubbliku;

(*b*) minkejja d-dispożizzjonijiet ta xi liġi oħra, kwalunkwe emendi jew bidliet oħra mhux soġġetti għan-notifika permezz tas-sottomissjoni tal-formola stabbilita għandhom isiru permezz ta' riżoluzzjoni, skrittura privata jew att notarili skont l-istatut u sakemm ma jkunux saru b'att notarili, għandhom jiġu iskritti fl-atti ta' Nutar Pubbliku u reġistrati fir-Reġistru min-Nutar Pubbliku li jkun qiegħed jippubblika jew jiskrivi l-att, skont il-każ, fi żmien erbatx-il ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att jew l-iskrizzjoni fl-atti tiegħu, skont il-każ;

(*ċ*) id-dmir tal-amministraturi fir-rigward tal-emendi tal-istatut għandu minn żmien għal żmien jiġi stabbilit; u

(*d*) fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B, jekk dik l-emenda taffettwa kwalunkwe kwistjoni msemmija fin-Nota ta' Reġistrazzjoni Inizjali msemmija fl-artikolu 31, li ma tkunx diġà indirizzata xort'oħra permezz ta' formola stabbilita mibgħuta skont il-paragrafu (a), għandha tiġi wkoll preżentata lir-Reġistratur Nota ta' Reġistrazzjoni Inizjali.

Fondazzjonijiet ta' interess privat u attivitajiet tan-negozju. *Miżjud: XXXVI.2018.73. Emendat: XXXIX.2020.20.*

31B. (1) Il-fondazzjonijiet ta' interess privat jistgħu jwettqu attivitajiet tan-negozju msemmija:

(*a*) f'dan is-subartikolu jew fis-subartikoli (2) u (3); u

(*b*) fis-subartikoli (4), (5) u (6) mingħajr limitazzjoni:

Iżda l-fondazzjonijiet privati jistgħu wkoll jistabbilixxu organizzazzjoni ġuridika oħra sabiex

iwettqu atti tal-kummerċ u attivitajiet tan-negozju għall-kisba u għall-promozzjoni tal-għanijiet u l-objettivi prinċipali tagħhom. Jistgħu jistabbilixxu organizzazzjoni oħra ġuridika sabiex iwettqu kwalunkwe atti tal-kummerċ li mhumiex relatati mal-għanijiet u l-objettivi prinċipali tagħhom, meta din is-setgħa tkun biss mogħtija espressivament fl-istatut tagħhom.

Għall-fini ta' dan l-artikolu, fondazzjoni privata tfisser fondazzjoni li la tikkwalifika bħala fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku u lanqas ma hija stabbilita għal skop pubbliku jew soċjali u li mhix organizzazzjoni volontarja jew organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt, iżda li tista' tiġi stabbilita għal skop leġittimu u kull referenza għal fondazzjoni skont dan l-artikolu għandha tinftiehem bħala referenza għal fondazzjoni ta' interess privat.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fondazzjoni ta' interess privat:

(*a*) jista' jkollha objettivi u setgħat addizzjonali stabbiliti fl-istatut tagħha li jagħtuha s-setgħa li twettaq dawk l-attivitajiet imsemmijin f'dan l-artikolu sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha jew tipproteġi l-assi tagħha u, jew tkun xort'oħra konformi mar-rekwiżiti legali; u

(*b*) għandha titqies, fi kwalunkwe każ, li għandha s-setgħat li tagħmel dak kollu li huwa meħtieġ jew anċillari sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

(3) Minbarra l-attivitajiet imsemmija fis-subartikoli (1) u (2), fondazzjoni ta' interess privat:

(*a*) tista' żżomm assi bħala portafoll ta' investiment u tagħmel dawk l-atti kollha li ordinarjament jitwettqu f'dan il-kuntest;

(*b*) tista' twettaq kwalunkwe azzjonijiet speċifiċi b'ishma li jista' jkollha, kif jista' jkun imsemmi fl-istatut tal-fondazzjoni għall-kisba ta' kwalunkwe għan imsemmi, transazzjoni jew għall-protezzjoni tal-interessi imsemmija;

(*ċ*) tista' tkun il-proprjetarja ta', tistabbilixxi, tagħti u tilliċenzja *franchis*e, *trade mark* jew proprjetà intelletwali li tagħti lok għal dħul;

(*d*) jista' jkollha dħul li jista' jiġi magħmul pagabbli lill-organizzazzjonijiet volontarji li huma l-proprjetarji ta', jamministraw jew inkella joperaw arranġament teknoloġiku innovattiv kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; u

Kap. 591.

(*e*) tista' tkun il-proprjetarja ta' proprjetà kummerċjali jew bastiment jew ajruplan.

(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3):

(*a*) fondazzjoni tista' taġixxi bħala l-proprjetarja passiva

ta' dawn l-assi, li l-amministrazzjoni tagħhom tiġi delegata lil terza persuna, inkluża organizzazzjoni oħra ġuridika bil-bord tad-diretturi tagħha jew terza persuna skont arranġament fiduċjarju jew titolu temporanju; u

(*b*) it-twettiq ta' atti tal-kummerċ ta' kwalunkwe tip mid-delegat, b'assi li huma l-proprjetà tal-fondazzjoni, m'għandux jimplika li l-fondazzjoni qiegħda hija stess twettaq dawk l-attivitajiet.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, "passiv" tfisser li l-fondazzjoni mhux involuta fl-operat ta' kuljum tal-attività rilevanti iżda ma timplikax limitazzjonijiet fuq il-fondazzjoni jew l-amministraturi tagħha li jeżerċitaw jew jipproteġu d-drittijiet tal-fondazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe mill-għanijiet jew assi tagħha.

(5) Bla ħsara għal kwalunkwe awtorizzazzjonijiet, reġistrazzjonijiet jew notifiki li jistgħu jkunu meħtieġa skont il-liġijiet applikabbli, fondazzjoni tista' topera:

(*a*) bħala mezz għal investiment kollettiv, bil-ħruġ ta' unitajiet lill-investituri fl-istess, għaż-żamma ta' assi komuni, bil-ġestjoni tagħhom tkun delegata lil terza persuna;

(*b*) bħala arranġament benefiċjarju għal pensjoni jew impjegat;

(*ċ*) bħala mezz ta' *securitisation* jew għall-finijiet tas-sostenn jew tal-implimentazzjoni ta' transazzjoni għal *securitisation*, inklużi ż-żamma ta' kwalunkwe assi b'rabta mal-istess, is-self ta' flus kontra l-ħruġ ta' *bonds*, it-twaqqif ta' sigurtà jew kollaterali u l-għemil tal-atti kollha relattivi jew kollaterali;

(*d*) bħala skema għall-irtirar jew fond;

(*e*) għaż-żamma, amministrazzjoni, żvilupp, jew għall-bejgħ ta proprjetà indiviża li toriġina minn wirt li ġej minn persuna mejta jew aktar jew persuni li jkunu komuni għall-benefiċjarji bl-għan uniku tad-diviżjoni jew likwidazzjoni tal-proprjetà komuni;

(*f*) biex toħroġ tokens u twettaq kwalunkwe attività tan-negozju li tirriżulta minn tali fondazzjonijiet li huma l-proprjetarji, li jamministraw jew joperaw xort'oħra arranġament teknoloġiku innovattiv, kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; jew

Kap. 591.

(*g*) għal kwalunkwe għan ieħor li jista' jiġi stabbilit f'avviż maħruġ mill-Ministru taħt din l-Iskeda.

(6) Fondazzjoni tista' tintuża fir-rigward tat-transazzjonijiet li ġejjin jew kwalunkwe transazzjonijiet konnessi ma', jew anċillari għall-istess:

(*a*) ħruġ ta' titoli, sew lill-pubbliku kif ukoll għal tqegħid privat, ġestjoni ta' portafolli u l-kustodja ta' strumenti ta' investiment;

(*b*) l-għoti ta' interessi reali jew ta' sigurtà personali, inklużi ipoteki, *mortgages*, privileġġi, rahan u garanziji;

(*ċ*) arranġamenti kollettivi ta' self u faċilitajiet oħra bankarji b'aktar minn kreditur wieħed;

(*d*) poloz ta' assikurazzjoni u l-ħlas tad-dħul mill-istess;

(*e*) *timeshare* u struttura b'aktar minn proprjetà waħda; u

(*f*) transazzjonijiet kummerċjali oħra kif jista' jiġi stabbilit f'avviż maħruġ mill-Ministru taħt din l-Iskeda.

(7) Meta fondazzjoni tiġi stabbilita b'ċelluli segregati, il-fondazzjoni tista' hija stess tagħti servizzi bi ħlas favur kwalunkwe ċellula tagħha li jiġu stabbiliti għall-benefiċċju tal-benefiċjarji jew għal għanijiet jew għat-tnejn flimkien.

(8) Kull meta l-attivitajiet ta' fondazzjoni intiżi li jitwettqu taħt is-subartikoli (4), (5) u (6) ikunu soġġetti għal-liġijiet li jirregolaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji, kumpanniji tal-assigurazzjoni, servizzi ta' investiment jew fondi, *trusts* jew *trustees*, istituzzjonijiet korporattivi jew istituzzjonijiet oħra fiduċjarji liċenzjabbli, dik il-fondazzjoni għandha titħalla tirreġistra biss bil-kunsens preċedenti bil-miktub tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta fejn applikabbli skont il-liġi u fejn hija l-awtorità kompetenti skont dik il-liġi, jew tista' titħalla tirreġistra minn din l-awtorità iżda mhux twettaq attivitajiet, sakemm tkun awtorizzata permezz ta' avviż maħruġ minn dik l-awtorità.

(9) Meta dawn l-attivitajiet ikunu eżentati mir-reġistrazzjoni skont is-subartikolu (8), ir-Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi jista' jitlob il-konferma ta' dak l-istatus ta' eżenzjoni mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji qabel ma jirreġistra l-fondazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(10) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx jipprojbixxu lill-fondazzjonijiet regolati mil-liġi tal-Unjoni Ewropea milli jwettqu atti tal-kummerċ jew attivitajiet tan-negozju jekk huma permessi li jagħmlu dan taħt dik il-liġi.

Aċċessibbiltà għal dokumenti reġistrati u kunfidenzjalità ta' fondazzjonijiet privati.
Miżjud: XXXVI.2018.73.

31Ċ. (1) Id-dokumenti ta' reġistrazzjoni li ġejjin huma aċċessibbli għall-pubbliku, ħlief kif stabbilit fis-subartikolu (2):

(*a*) il-formola ta' applikazzjoni;

L.S. 16.08.

(*b*) kwalunkwe formoli nnotifikati lir-Reġistratur skont ir-Regolamenti dwar Notifiki u Formoli taħt it-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, inkluża n-Nota ta' Reġistrazzjoni Inizjali kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, ħlief il-formoli li ġejjin:

(i) il-formola DD fir-rigward tal-assi miżjuda mal-organizzazzjoni, permezz ta' dotazzjonijiet addizzjonali, peress li dawn jistgħu jiġu

emendati u enumerati mill-ġdid minn żmien għal żmien;

(ii) dawk il-formoli l-oħra li jissemmew f'avviż maħruġ mill-Ministru;

(*ċ*) il-kunsens bil-miktub ta' kwalunkwe amministratur sabiex jaġixxi bħala amministratur; u

(*d*) iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, kif ukoll kwalunkwe tibdil fir-rigward.

(2) Sakemm il-fundatur ma jkunx irrinunzja b'mod espress għall-kunfidenzjalità taħt is-subartikolu (3), fil-każ ta' fondazzjoni privata, id-dokumenti kollha, stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet preżentati lir-Reġistratur, inklużi dawk li jkunu mal-formoli nnotifikati msemmija hawn qabel, m'għandhomx ikunu aċċessibbli favur terzi persuni mingħajr il-kunsens preċedenti bil-miktub tal-amministraturi jew tal-kunsill superviżorju tal-fondazzjoni, jekk ikun hemm, debitament awtentikat min-Nutar Pubbliku, jew bil-permess tal-Qorti u meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-persuna li talbet dik l-informazzjoni għandha l-istess interess leġittimu:

Iżda:

(*a*) dan l-artikolu m'għandux jagħmel kunfidenzjali kwalunkwe transazzjonijiet li jkunu soġġetti għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi;

(*b*) sakemm il-fundatur ma jkunx irrinunzja b'mod espress għall-kunfidenzjalità taħt is-subartikolu (3), l-applikant għandu jkun obbligat jissottometti Nota ta' Reġistrazzjoni Inizjali ffirmata mill-amministraturi, mill-fundatur jew mill-persuna maħtura bħala waħda li għandha s-setgħa taħtar l-amministraturi bħala kundizzjoni għar-reġistrazzjoni u dan għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku; u

(*ċ*) l-artikoli 47, 48, 49 u 50 tal-Att dwar Trusts u Trustees għandhom japplikaw għall-amministraturi ta' fondazzjoni privata. Kap. 331.

(3) Il-fundatur jista', permezz ta' dikjarazzjoni fl-istatut jew permezz ta' avviż bil-miktub awtentikat minn nutar u mibgħut lir-reġistratur, jiddikjara li d-dokumenti kollha ta' reġistrazzjoni relatati ma' fondazzjoni privata huma aċċessibbli għal terzi persuni, u r-Reġistratur għandu jaġixxi f'dan is-sens. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiddaħħal fir-Reġistru mir-Reġistratur u għandha tkun aċċessibbli għal terzi persuni.

(4) Ir-Reġistratur għandu jimplimenta l-proċeduri u jieħu l-miżuri kollha sabiex jiżgura l-privatezza tad-dokumenti kollha relatati ma' fondazzjoni privata li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku.

(5) Persuna li jkollha x'taqsam mal-amministraturi ta' fondazzjoni privata fir-rigward ta' proprjetà tal-fondazzjoni m'għandhiex għalfejn:

(*a*) tistaqsi dwar it-termini tal-fondazzjoni jew ta' kwalunkwe dotazzjoni; jew

(*b*) tikseb il-kunsens tal-benefiċjarji jew ta' kwalunkwe persuna oħra, u għandha, meta taġixxi bil-*bona fide* tkun intitolata li tiddependi fuq id-dikjarazzjonijiet li ssir mill-amministraturi fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni hemmhekk stabbilita.

(6) L-amministraturi jistgħu jipprovdu lil kwalunkwe persuna li magħha jkunu qed jittrattaw fl-interess tal-fondazzjoni, ċertifikat li jkun fih l-informazzjoni li ġejja mingħajr ma jkunu qed jiksru l-obbligazzjoni tal-kunfidenzjalità:

(*a*) li l-fondazzjoni teżisti, hija reġistrata u li n-Nota ta' Reġistrazzjoni Inizjali hija kompluta u korretta b'mod fattwali;

(*b*) l-identità u l-indirizz tal-amministraturi kurrenti fil-kariga;

(*ċ*) li l-amministraturi jew min minnhom ikunu debitament awtorizzati u għandhom is-setgħa li jwettqu t-transazzjonijiet rilevanti u li jiksbu l-kunsensi interni kollha meħtieġa, jekk ikun il-każ;

(*d*) ir-revokabilità jew l-irrevokabilità tad-dotazzjonijiet tal-fondazzjoni u, jekk revokabbli, li d-dotazzjonijiet ma ġewx revokati, jew jekk xi wħud ġew revokati, liema huma dawk li ġew revokati mid-disponibilità tal-aħħar kontijiet; u

(*e*) il-kontijiet l-aktar riċenti tal-fondazzjoni.

(7) Meta jkun hemm aktar minn amministratur wieħed, iċ-ċertifikati jistgħu jiġu ffirmati u awtentikati minn kwalunkwe amministratur.

(8) Mingħajr ħsara għal kwalunkwe responsabbiltà taħt il-liġi applikabbli jew għal xi multa jew penali oħra li jistgħu jkunu applikabbli taħt xi liġi oħra, kull amministratur li joħroġ xi ċertifikat li jkun fih dikjarazzjoni li jaf, jew li suppost jaf li hija falza, għandu jkun ħati ta' reat u għandu, meta jinstab ħati, ikun suġġett għall-piena ta' priġunerija għal terminu ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u ta' mhux iżjed minn erba' snin jew għal multa ta' mhux anqas minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), iżda ta' mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew it-tnejn flimkien.

Fondazzjonijiet b'għan. *Emendat: XXXVI.2018.74; A.L. 212 tal-2023.*

32. (1) Fondazzjoni tista' tiġi stabbilita biex jinkiseb għan legali, inkluż skop soċjali jew skop ta' benefiċċju pubbliku, mingħajr benefiċjarji. Ir-Reġistratur m'għandux jirreġistra fondazzjoni bħal din sakemm l-għan ma jiġix indikat b'termini speċifiċi.

(2) Il-fundatur jista', fi kwalunkwe mument, jemenda jew iżid mal-att ta' fondazzjoni b'għan, inkluż l-għan tagħha, permezz ta' emenda fl-istatut skont id-dispożizzjonijiet tal-istatut, jekk ikun

hemm, u, jew kwalunkwe liġi applikabbli. L-istatut jista' espressament jippermetti lil kwalunkwe entità jew persuna oħra sabiex temenda l-istatut bil-mod ta' kif u bla ħsara għall-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu stabbiliti. Wara l-mewt tal-fundatur, sakemm l-istatut ma jipprovdix għall-mod ta' kif għandhom jitwettqu l-emendi, il-Qorti tista' tawtorizza dik l-emenda jew żieda mal-att tal-fondazzjoni b'għan, inkluż l-għan tagħha, permezz ta' rikors ta':

(*a*) kwalunkwe amministratur;

(*b*) il-kunsill superviżorju;

(*ċ*) kwalunkwe parti interessata, jew

(*d*) fil-każ ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, l-Avukat tal-Istat:

Iżda fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku m'għandux ikollha l-għan tagħha mibdul jew estiż għal skopijiet oħra li mhumiex ukoll skopijiet soċjali jew pubbliċi.

(3) L-att tal-fondazzjoni jista' jindika l-mod li bih jistgħu jintużaw il-flus jew il-proprjetà tal-fondazzjoni biex jinkiseb l-għan li għalih il-fondazzjoni ġiet stabbilita u meta ma jkun hemm l-ebda indikazzjoni bħal din l-amministraturi jistgħu jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom.

Fondazzjoni b'għan tista' tuża flus jew proprjetà tal-fondazzjoni sabiex takkwista ishma jew interessi f'organizzazzjonijiet oħra meta l-għanijiet u l-objettivi prinċipali ta' organizzazzjonijiet oħra huma relatati jew anċillari mal-għan tal-fondazzjoni jew stabbiliti sabiex jimplimentaw l-għanijiet tal-imsemmija fondazzjoni:

Iżda jekk id-dotazzjoni ta' ishma jew interessi f'organizzazzjoni ssir lill-fondazzjoni b'għan sabiex tgħin lill-fondazzjoni u l-għanijiet u l-objettivi prinċipali tagħha, dawk l-għanijiet u l-objettivi tal-organizzazzjoni m'għandhomx għalfejn ikunu relatati ma', jew anċillari għall-għanijiet tal-fondazzjoni.

(4) L-att tal-fondazzjoni jista' jindika kif għandu jiġi wżat l-attiv tal-fondazzjoni jekk l-għan tagħha jinkiseb, jiġi eżawrit jew isir impossibbli li jintlaħaq u meta ma tkun saret l-ebda indikazzjoni bħal din, l-amministraturi jew il-kunsill ta' superviżjoni jistgħu jagħmlu proposti speċifiċi lill-Qorti biex jużaw jew jiddisponu mill-attiv, sakemm l-għan ma jiġix emendat skont il-kundizzjonijiet tas-subartikolu (2), jew, jekk il-fundatur ma jkunx għadu ħaj, l-amministraturi jiddeċiedu b'mod unanimu li l-fondazzjoni għandha tispiċċa u li r-rikavat għandu jiġi distribwit skont dan l-artikolu.

(5) Fil-każ ta' fondazzjoni b'għan, stabbilita għall-benefiċċju pubbliku, l-indikazzjoni ta' għanijiet alternattivi għandha tirreferi għal organizzazzjonijiet oħra għall-benefiċċju pubbliku.

(6) Kwalunkwe disponiment tal-assi skont l-istatut tal-fondazzjoni għandu jsir abbażi tas-segwenti:

(*a*) fil-każ ta fondazzjoni b'għan, stabbilita għall-benefiċċju pubbliku, lil xi organizzazzjoni oħra għall-benefiċċju pubbliku li għandha l-istess għan jew għan

simili:

Iżda meta organizzazzjoni hija kkontrollata mill-Gvern, minn organizzazzjoni reliġjuża jew partit politiku, id-disponiment tal-assi jista' jsir favur il-Gvern, organizzazzjoni oħra reliġjuża tal-istess denomimazzjoni jew tal-partit politiku rilevanti, skont il-każ; u

(*b*) fil-każ ta' fondazzjoni b'għan, stabbilita għal kwalunkwe għan ieħor, skont l-att ta' fondazzjoni.

(7) Kwalunkwe disponiment tal-assi mill-Qorti taħt is-subartikolu (4) għandu jsir abbażi tas-segwenti:

(*a*) jekk il-fondazzjoni b'għan ma tkunx stabbilita bl-għan għall-benefiċċju pubbliku, fin-nuqqas ta' direzzjoni espressa fl-istatut, l-assi għandhom jitħallsu lill-fundatur jew l-eredi tiegħu;

(*b*) jekk il-fondazzjoni hija fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, fin-nuqqas ta' direzzjoni espressa fl-istatut skont is-subartikolu (6)(a), id-disponiment tal-assi għandu jsir favur:

(i) il-fundatur, jekk hija wkoll organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, irrispettivament mill-għan tagħha; jew

(ii) jekk is-subparagrafu (i) ma japplikax, organizzazzjoni oħra għall-benefiċċju pubbliku bl-istess għanijiet jew għanijiet simili, iżda irriċevitur għandu jagħmel sforzi raġonevoli sabiex jilħaq l-għanijiet oriġinali tad-dotazzjonijiet li jkunu saru lill-organizzazzjoni oriġinali:

Iżda meta l-għanijiet huma l-avvanzi tar-reliġjon jew it-twettiq ta' vokazzjoni reliġjuża jew hemm indikazzjonijiet fid-dotazzjoni oriġinali li din kienet intiża għal organizzazzjoni reliġjuża, għal kwalunkwe fondazzjoni pija jew entità ekkleżjsatika, u f'dan il-każ tad-denominazzjoni adegwata; jew

(iii) jekk il-fundatur huwa l-Gvern ta Malta, lill-Gvern ta' Malta jekk l-għanijiet huma għall-benefiċċju pubbliku ġenerali jew utilità pubblika ġenerali;

(*ċ*) jekk il-fondazzjoni tamalgama bosta għanijiet, li parzjalment huma għanijiet għall-benefiċċju privat u parzjalment skopijiet soċjali jew pubbliċi, l-assi għandhom jitħallsu kif ġej:

(i) sakemm l-iskopijiet soċjali jew pubbliċi ma jkunux diġà ntlaħqu jew ikunu deċiżi speċifikament tant li l-limitu tagħhom jista' jiġi kkalkolat, l-assi għandhom jitħallsu skont il-paragrafu (b), b'mod li jirrifletti b'mod raġonevoli u proporzjonali l-benefiċċju intiż

għall-iskopijiet soċjali jew pubbliċi, kif jista' jiġi approvat permezz ta' rikors lill-Qorti; u

(ii) il-bilanċ għandu jitħallas kif stabbilit fil-paragrafu (a); u

(iii) meta l-assi ma jkunux minnufih imħallsa minħabba l-fatt li l-pagament ikun soġġett għal xi kundizzjoni, kontinġenza jew diskrezzjoni, għandhom jinżammu sakemm isseħħ il-kundizzjoni jew il-kontinġenza jew id-diskrezzjoni tista' tiġi eżerċitata;

(*d*) meta l-fondazzjoni hija fondazzjoni pija, legat taż-żwieġ jew entità ekkleżjastika li tkun imwaqqfa bħala fondazzjoni u li tkun tikkwalifika bħala obbligazzjoni għal tul taż-żmien, f'każ li jibqa' xi assi mis-somma maħsuba għat-twettiq tal-obbligazzjoni għal tul taż-żmien wara t-twettiq tagħha, din għandha titħallas kif jista' jiġi stabbilit skont il-liġi Kanonika u leġiżlazzjoni oħra li tirregola l-organizzazzjonijiet reliġjużi.

(8) Meta l-għan prinċipali ta' fondazzjoni huwa s-sostenn għal klassifikazzjoni ta' persuni li jikkostitwixxu settur fi ħdan komunità inġenerali, għaliex isofru minn diżabilità soċjali partikolari, fiżika jew mentali, ikun awtorizzat li jiġi indikat individwu wieħed jew aktar li jsofru minn tali kundizzjoni bħala benefiċjarji msemmija. Minkejja dik l-indikazzjoni, il-fondazzjoni għandha titqies li hija fondazzjoni b'għan għall-benefiċċju pubbliku, bil-kundizzjoni li wara l-mewt ta' dawk il-benefiċjarji, il-proprjetà residwa tal-fondazzjoni għandha, skont il-kundizzjonijiet espressi tal-istatut, tinżamm jew bħall-benefiċċju esklussiv tal-klassifikazzjoni msemmija ta' benefiċjarji jew għal fondazzjoni oħra bi skop simili soċjali li jikkwalifika bħala benefiċċju pubbliku.

(9) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u dispożizzjonijiet oħra ta' din l-Iskeda, "fondazzjoni b'għan" li ma tkunx stabbilita bħala fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Kolonna A bl-emendi fil-Kolonna B li jissuperaw fuq il-forma ġuridika tagħha minħabba l-iskopijiet mhux pubbliċi tagħha:

Kolonna A	Kolonna B
29(2)	Il-fondazzjoni għandu jkollha dotazzjoni inizjali ta' flus jew proprjetà minn tal-inqas ta' elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);
29(7)	Il-fondazzjoni ma tistax tiġi stabbilita għal aktar minn mija u ħamsa u għoxrin (125) sena ħlief fejn espressament awtorizzat f'din l-Iskeda;

32(4)	Dan is-subartikolu m'għandux japplika għall-fondazzjoni u jekk il-fondazzjoni tispiċċa għaliex l-għanijiet ma jkunux ġew emendati skont l-istatut, l-assi tal-fondazzjoni għandhom, bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-fondazzjoni, jgħaddu għall-fundatur jew l-eredi tiegħu skont il-liġi;
34(6), (7)	Kwalunkwe dotazzjonijiet lill-fondazzjoni jistgħu jiġu espressi bħala revokabbli;
35(2)	Il-fondazzjoni jista' jkollha biss amministratur wieħed (1) u l-amministratur jew amministraturi għandhom ikunu suġġetti għal, jew inkella jkunu jinħtieġu awtorizzazzjoni mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji taħt l-artikolu 43 tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* skont il-kundizzjonijiet tiegħu;
40(9)	Il-fondazzjoni tista' tkun imwaqqfa b'mod revokabbli;
60(1)	Dan l-artikolu m'għandux japplika u minflok għandu japplika l-artikolu 60(2).

(10) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull dispożizzjoni fl-istatut li tagħti s-setgħa lill-amministraturi li japplikaw ir-rikavat għal għan ieħor ta' benefiċċju pubbliku meta l-għan stabbilit ikun intlaħaq, ġie eżawrit jew m'għadux possibbli, għandha tkun valida.

Fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku u attivitajiet tan-negozju. *Emendata: XXXI. 2018.60. Sostitwit: XXXVI.2018.75. Emendata: XXV.2019.28; XXXIX.2020.21.*

32A. Mingħajr ħsara għall-kapaċità ta' kwalunkwe fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku li twettaq atti tal-kummerċ fit-twettiq ordinarju tal-għanijiet u objettivi prinċipali tagħha, skont l-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, fejn applikabbli, fondazzjoni m'għandhiex tiġi stabbilita għat-twettiq ta' atti tal-kummerċ jew attivitajiet tan-negozju fuq bażi regolari jew kontinwa, kif lanqas ma għandha tagħmel dan fil-prattika, ħlief kif awtorizzat skont dan l-artikolu u meta r-rikavat ta' tali attivitajiet tan-negozju jkunu attribwiti għal skopijiet soċjali jew pubbliċi.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fondazzjoni tista' tkun il-proprjetarja, takkwista jew tiġi dotata ishma jew interessi oħra f'organizzazzjoni oħra ġuridika u tista' ġeneralment:

(*a*) twettaq azzjonijiet speċifiċi b'ishma li tista' tkun qed iżżomm, kif jista' jkun imsemmi fl-istatut tal-fondazzjoni, għall-kisba tal-għanijiet u l-objettivi prinċipali tagħha;

(*b*) bla ħsara għal kwalunkwe awtorizzazzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa taħt il-liġijiet applikabbli, toħroġ *tokens* u twettaq kwalunkwe attività tan-negozju li tirriżulta minn dawn il-fondazzjonijiet li huma l-proprjetarji, li jamministraw jew inkella joperaw arranġament teknoloġiku innovattiv kif imfissra fl-Att dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta; u Kap. 591.

(*ċ*) ifittxu l-kisba ta' skopijiet soċjali msemmija li jistgħu jinkludu saħħa u edukazzjoni:

Iżda dan m'għandux japplika għal arranġamenti ta' ġestjoni, liċenzji jew inkella għal terzi persuni għall-finijiet ta' profitt:

Iżda wkoll:

(i) meta fondazzjoni żżomm parteċipazzjoni azzjonarja f'organizzazzjoni stabbilita għan-negozju, l-organizzazzjoni tan-negozju m'għandha bl-ebda mod tkun ristretta fl-attivitajiet tagħha bl-għanijiet tal-fondazzjoni, kemm-il darba ma jkunx stabbilit xort'oħra fl-istatut tal-organizzazzjoni tan-negozju;

(ii) meta l-fondazzjoni tikkwalifika bħala organizzazzjoni volontarja u tkun il-proprjetarja ta' ishma jew interessi oħra f'organizzazzjoni oħra ġuridika stabbilita skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 38 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-imsemmi artikolu 38, iżda l-limitazzjonijiet rilevanti m'għandhomx japplikaw għal persuni li mhumiex involuti fil-fondazzjoni u mhumiex partijiet relatati mal-istess; u Kap. 492.

(iii) l-għanijiet taż-żamma, l-akkwist jew dotazzjoni ta' ishma jew interessi oħra m'għandhomx ikunu li jippermettu lill-fondazzjoni tispekula b'dawn l-assi.

Għall-finijiet tas-subparagrafu (ii), "partijiet relatati" għandha tfisser persuni relatati mid-demm jew bi żwieġ fil-linja diretta fi kwalunkwe grad jew fil-linja kollaterali inkluż it-tielet grad, u għandha wkoll tinkludi kull persuna involuta fl-istess negozju taħt kwalunkwe struttura ġuridika jew xort'oħra.

(3) B'referenza għal fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku:

(a) l-istatut tagħha jista' jkun fih objettivi addizzjonali u setgħat li jippermettulha twettaq dawk l-attivitajiet sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha, tipproteġi l-assi tagħha jew sabiex tħares xort'oħra r-rekwiżiti legali; u

(b) hija għandha, fi kwalunkwe każ, titqies li għandha s-

setgħat li tagħmel dak kollu li huwa meħtieġ jew anċillari sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

(4) Huwa leġittimu li:

(*a*) l-amministratur jew persuna identifikata fl-istatut;

(*b*) kwalunkwe benefiċjarju ta' benefiċċju pubbliku, fil-każ ta' fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku; jew

(*ċ*) l-Avukat tal-Istat, fil-każ ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku u, jew il-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji fil-każ ta' fondazzjonijiet li huma organizzazzjonijiet volontarji iskritti skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji,

Kap. 492.

ifittxu direzzjonijiet mill-Qorti dwar jekk l-attività attwali jew proposta tal-fondazzjoni tkunx tistabbilixxi attività tan-negozju regolari jew kontinwa li tmur lil hinn minn dak permess taħt is-subartikolu (1) u l-Qorti tista', f'dawn il-każijiet, toħroġ direttivi lill-fondazzjoni dwar kif għandha twettaq l-attivitajiet b'mod li huwa konsistenti ma' dan l-artikolu, inkluża direzzjoni sabiex temenda l-għanijiet u l-objettivi tagħha, iżda ordni bħal din m'għandhiex taffettwa jew tannulla atti li jkunu diġà twettqu legalment jew twaqqaf atti legali pendenti.

(5) Il-Qorti għandha wkoll tikkunsidra l-prinċipji u ċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) fil-każ ta' fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, li tiġi evitata l-ispekulazzjoni li tista' taffettwa l-assi tal-fondazzjoni u l-kisba tal-għanijiet tagħha;

(*b*) it-twaqqif ta' responsabbiltajiet li jistgħu jaffetwaw b'mod negattiv il-kisba tal-għanijiet tal-fondazzjoni;

(*ċ*) il-protezzjoni ta' terzi persuni li jittrattaw mal-fondazzjoni; u

(*d*) il-kompetenza tal-amministraturi li jwettqu dawk l-attivitajiet u sa fejn jistgħu jiddelegaw dawk il-funzjonijiet lil terzi persuni.

(6) Meta tiġi stabbilita fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku b'ċelluli segregati, il-fondazzjoni tista' hija stess tagħti servizzi bi ħlas favur kwalunkwe ċellula tagħha li jkunu stabbiliti għall-benefiċjarji tagħha jew għall-għanijiet tagħha jew it-tnejn flimkien.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx jipprojbixxu fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku regolati mil-liġi tal-Unjoni Ewropea milli jwettqu atti tal-kummerċ jew attivitajiet tan-negozju jekk dan ikun permess taħt din il-liġi:

Iżda dawk l-atti jew attivitajiet għandhom jitwettqu biss għall-kisba u l-promozzjoni tal-għanijiet u l-objettivi prinċipali tal-fondazzjoni.

Fondazzjonijiet benefiċjarji
Emendat:
A.L. 426 tal-2012;
XXXVI.2018.76;
XXV.2019.28;
XXXIX.2020.22.

33. (1) Fondazzjoni tista' tiġi stabbilita għall-benefiċċju privat ta' persuna waħda jew aktar jew ta' klassi ta' persuni u dawk il-benefiċjarji għandhom igawdu minn dawk il-benefiċċji, u jkollhom drittijiet li jistgħu jeżegwixxu legalment kontra l-fondazzjoni, kif jista' jiġi dikjarat fil-pattijiet tal-fondazzjoni u fid-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(2) L-interess ta' benefiċjarju taħt fondazzjoni jitqies li hu proprjetà mobbli ukoll jekk ikun jinkludi proprjetà immobbli.

(3) Il-benefiċċju taħt fondazzjoni huwa personali għall-benefiċjarju u bla ħsara għal xi liġi li tapplika u skont kif dikjarat fil-pattijiet tal-fondazzjoni biss, krediturі, konjuġi, eredi jew legatarji tal-benefiċjarju jistgħu jkollhom drittijiet sal-limitu biss ta' dak li jkun dovut lill-benefiċjarju taħt il-fondazzjoni u ma għandhom l-ebda drittijiet oħra fir-rigward tal-attiv tal-fondazzjoni. Sakemm ma jkunx mod ieħor espressament provdut fl-att tal-fondazzjoni, bit-tip ta' benefiċċju mogħti lill-benefiċjarju jew mod ieħor, meta jmut il-benefiċjarju dak li jkun dovut lil benefiċjarju taħt fondazzjoni ma jiġix trasferit lill-eredi iżda jintemm.

(4) Fondazzjonijiet benefiċjarji għandhom isemmu:

(*a*) il-klassi ta' persuni li huma intitolati li jibbenefikaw, b'mod kemm jista' jkun ċar u komplet; jew

(*b*) il-persuna jew persuni li huma intitolati li jibbenefikaw, b'mod kemm jista' jkun ċar u komplet, billi jispeċifikaw l-ismijiet, il-kunjomijiet, in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, isem il-missier, isem l-omm u kunjom xbubitha u dettalji oħra personali jew familjari rilevanti biex jiġi eliminat kull dubju dwar min huwa l-benefiċjarju maħsub,

u jekk il-benefiċjarji ma jistgħux jiġu identifikati u aċċertati kif intqal qabel, il-fondazzjoni titqies li tkun għall-benefiċċju personali tal-fundaturi jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu.

Dik l-identifikazzjoni mhix meħtiega li ssir fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut iżda tista' ssir f'dikjarazzjoni separata dwar il-benefiċjarji skont l-artikolu 29(4)(i) ta' din l-Iskeda.

(5) Persuni li ma jkunux għadhom ġew konċepiti fiż-żmien meta tinħoloq il-fondazzjoni jistgħu jiġu nominati bħala benefiċjarji jew jiffurmaw parti minn klassi ta' benefiċjarji iżda d-drittijiet tagħhom ma jiġux fis-seħħ ħlief meta jitwieldu fi stat li jistgħu jgħixu.

(6) Il-fundatur ta' fondazzjoni jista' wkoll ikun benefiċjarju.

(7) Bla ħsara għall-kundizzjonijiet tal-att tal-fondazzjoni li jistgħu jeskludu jew jirrestrinġu din is-setgħa, jekk il-fundatur ikun għadu ħaj u kapaċi jagixxi, jista' liberament jemenda l-att tal-fondazzjoni, inklużi s-sostituzzjoni, iż-żieda jew it-tneħħija tal-benefiċjarji:

Iżda l-ebda deċiżjoni ta' fundatur ma għandha taffettwa l-validità ta' xi ħaġa li tkun saret legalment mill-amministraturi qabel dik id-deċiżjoni, qabel ma jirċievu avviż ta' dik l-emenda, u

lanqas ma għandha taffettwa jew twaqqaf atti legali li jkunu qed isiru jew xi rabtiet legali li jkunu saru u għadhom ma ġewx imwettqa mill-amministraturi.

(8) Benefiċjarju jista' jinħatar -

(*a*) soġġett għal kondizzjoni; jew

(*b*) għal żmien speċifikat; jew

(*ċ*) sa valur speċifikat ta' benefiċċju,

hekk kif fundatur jidhirlu li jkun xieraq:

Iżda, jekk il-fundatur ikun mejjet, benefiċjarju jista' jagħmel rikors lill-Qorti fejn jitlobha biex telimina xi kondizzjoni jew ħtieġa li tkun meqjusa bħala mhux raġonevoli meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha:

Iżda wkoll persuni li mhumiex denji li jirċievu b'testment ma jistgħux jirċievu bħala benefiċjarji taħt fondazzjoni.

(9) Il-pattijiet ta' fondazzjoni jistgħu jipprovdu għaż-żieda ta' persuna bħala benefiċjarju jew l-esklużjoni ta' benefiċjarju minn benefiċċju fid-diskrezzjoni tal-amministraturi.

(10) Il-pattijiet ta' fondazzjoni jistgħu jagħmlu l-interess ta' benefiċjarju -

(*a*) soġġett għal terminazzjoni; jew

(*b*) soġġett għal restrizzjoni fuq trasferiment jew negozju; jew

(*ċ*) soġġett għal riduzzjoni jew terminazzjoni fil-każ li l-benefiċjarju jkun fallut, insolventi, jew jekk xi proprjetà tiegħu tkun tista' tiġi maqbuda għall-benefiċċju tal-krediturі tiegħu; jew

(*d*) ma jistax jiġi soġġett għal sekwestru taħt ordni ta' sekwestru maħruġ kontra l-amministratur jew soġġett għal terminazzjoni mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Qorti, meta l-interess huwa espress li huwa għall-manteniment tal-benefiċjarju jew bħala pensjoni.

(11) Meta l-benefiċċju jikkonsisti f'renta annwali jew pensjoni jew l-użu u t-tgawdija ta' proprjetà u t-tgawdija tal-frott minnha, il-pattijiet tal-fondazzjoni jistgħu jagħmlu l-interessi tal-benefiċjarju:

(*a*) soġġetti għal restrizzjoni fuq trasferiment jew negozju;

(*b*) mhux soġġetti għal sekwestru taħt ordni ta' sekwestru maħruġ fuq l-amministraturi bħala sekwestratarji; jew

(*ċ*) mhux soġġetti għal terminazzjoni mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Qorti.

(12) Meta amministratur jingħata s-setgħa li jżid benefiċjarju fid-diskrezzjoni tiegħu, dik is-setgħa tkun valida bil-kondizzjoni li tingħata indikazzjoni biżżejjed fl-att tal-fondazzjoni jew fid-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji rigward il-klassi li l-benefiċjarju jifforma parti minnha. Fl-assenza ta' indikazzjoni bħal dik, is-setgħa tkun nulla u bla effett.

(13) Persuna li tista' tiġi nominata benefiċjarju skont setgħa jew

diskrezzjoni mogħtija lil amministratur ma tgawdix drittijiet fir-rigward tal-fondazzjoni jew *vis-à-vis* l-amministratur u ma tiġix meqjusa b'ebda mod bħala benefiċjarju sakemm ma tiġix nominata bħala benefiċjarju mill-amministratur.

(14) Amministratur jista' jingħata s-setgħa li jiddeċiedi, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, liema benefiċjarji għandhom jibbenefikaw, l-ammont ta' xi benefiċċju, meta u b'liema mod il-benefiċjarji għandhom jibbenefikaw u dawk is-setgħat l-oħra li jirrigwardaw kif il-proprjetà tal-fondazzjoni għandha tingħażel, tintuża u tiġi trasferita.

(15) Benefiċjarju li favur tiegħu tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex proprjetà tiġi mqassma jew magħżula ma jkollu l-ebda dritt jispeċifika proprjetà tal-fondazzjoni qabel ma tiġi eżerċitata dik id-diskrezzjoni bl-għażla, l-użu jew it-trasferiment ta' dik il-proprjetà favur tiegħu.

(16) Benefiċjarju jista' jirrinunzja għall-interess kollu tiegħu bil-miktub u dik ir-rinunzja tkun irrevokabbli.

(17) Bla ħsara għall-pattijiet ta' fondazzjoni, benefiċjarju jista' jirrinunzja għal parti mill-interess tiegħu, kemm jekk ikun irċieva xi benefiċċju mill-interess tiegħu u kemm jekk le; f'kull każ bħal dan, iżda bla ħsara għall-pattijiet tal-fondazzjoni, rinunzja tista', bl-istrument li bih issir ir-rinunzja għall-interess, ssir revokabbli, u imbagħad issir kapaċi li tiġi revokata bil-mod u skont iċ-ċirkostanzi hemm imsemmija jew li ssir referenza għalihom.

(18) Bla ħsara għall-pattijiet ta' fondazzjoni, benefiċjarju jista' bi strument bil-miktub, ibigħ, jiddebita, jittrasferixxi jew mod ieħor jittratta mal-interess tiegħu b'kull mod li jkun.

(19) Bla ħsara għall-pattijiet ta' fondazzjoni, ir-regoli li ġejjin għandhom jgħoddu meta fondazzjoni, jew interess taħt fondazzjoni, ikunu favur klassi ta' persuni:

(*a*) klassi tingħalaq meta ma jkunx aktar possibbli li xi persuna oħra ssir membru ta' klassi;

(*b*) mara li jkollha aktar minn ħamsa u ħamsin sena titqies li ma tkunx aktar kapaċi jkollha tarbija;

(*ċ*) meta l-interess ta' xi klassi jirrigwarda dħul u għal xi perjodu ma jkun jeżisti l-ebda membru ta' dik il-klassi, id-dħul għandu jiġi akkumulat u, bla ħsara għall-artikolu 29(7), għandu jinżamm sakemm ikun jeżisti membru ta' dik il-klassi jew tingħalaq il-klassi.

(20) Meta jkun awtorizzat fl-istatut tal-fondazzjoni benefiċjarja, jistgħu jiġu stabbiliti interessi benefiċjarji fl-istatut jew fid-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji, f'forma unitarja ta' kwalunkwe nomenklatura, fejn kull unità tirrifletti sehem fl-assi tal-fondazzjoni bi drittijiet għad-dħul, kapital jew intitolamenti jew setgħat kif jista' jiġi stabbilit fl-istatut jew fid-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji u jekk ma jkun hemm xejn stabbilit, proporzjonalment għan-numru ta' unitajiet:

Iżda l-unitajiet jistgħu jkunu soġġetti għal regoli ta'

annotazzjoni fir-reġistru tal-unitajiet, trasferimenti, irhna u kwistjonijiet oħra li l-amministraturi jistgħu jistabbilixxu minn żmien għal żmien kif provdut fl-istatut. F'dawn il-każijiet, l-interess benefiċjarju huwa preżunt, kemm-il darba ma jkunx stabbilit xort'oħra fl-istatut jew fid-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji, li huwa soġġett għall-wirt favur l-eredi tal-benefiċjarji skont it-testment tiegħu jew skont il-liġi f'każ li jmut intestat u m'għandux jintemm kif stabbilit fis-subartikolu (3).

(21) F'każ li fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B tiġi xolta għal kwalunkwe raġuni skont il-liġi, l-assi tal-fondazzjoni għandhom, bla ħsara għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha fir-rigward tal-benefiċjarji u għal kwalunkwe termini oħra tal-fondazzjoni, jiġu preżunti li qed jinżammu għall-fundatur jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu.

(22) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u dispożizzjonijiet oħra f'din l-Iskeda, meta "fondazzjoni benefiċjarja" hija stabbilita esklussivament għall-interess pubbliku, il-benefiċjarji għandhom jiġu regolati permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kolonna A:

Iżda dawk id-dispożizzjonijiet elenkati fil-Kolonna A għandhom ikunu soġġetti għall-emendi fil-Kolonna B:

Kolonna A	Kolonna B
29(2)	Il-fondazzjoni jista' jkollha dotazzjoni inizjali ta' flus jew proprjetà ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94);
29(4)(h)	Il-benefiċjarji jew klassifikazzjoni ta' benefiċjarji għandhom jiġu indikati fl-istatut u l-użu ta' dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji m'għandux ikun awtorizzat;
29(7)	Il-fondazzjoni tista' tiġi stabbilita għal perjodu illimitat u l-limitu ta' mija u ħamsa u għoxrin (125) sena m'għandux japplika;
32(2)	Kwalunkwe emendi jew żieda fl-għan tal-fondazzjoni ma jistgħux jintroduċu xi għan jew benefiċċju li jammontaw għal benefiċċju privat;
32(4), (5), (6), (7)	Dawn is-subartikoli dwar l-użu, id-disponiment jew id-distribuzzjoni tal-assi malli tispiċċa l-fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku għandhom japplikaw *mutatis mutandis*;
33(7), (9)	Il-fundatur tal-amministraturi jista' jżid il-benefiċjarji jekk ikun mogħti dik is-setgħa, iżda il-benefiċjarji l-ġodda għandhom f'kull waqt ikunu organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku;

	Il-fundatur jew l-amministraturi jistgħu jingħataw is-setgħa li jemendaw l-att ta' fondazzjoni b'mod li huwa konsistenti mar-regoli applikabbli għall-fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku;
33(21)	Kwalunkwe trasferiment tal-interess benefiċjarju jista' jsir biss favur organizzazzjonijiet oħra ta' interess pubbliku;
34(6), (7)	Dotazzjonijiet lill-fondazzjoni huma irrevokabbli u l-istrument kostituttiv jew l-istatut tal-fondazzjoni jew l-istrument tad-dotazzjoni addizzjonali jew ġdida ma jistgħux jistabbilixxu li d-dotazzjonijiet il-ġodda huma revokabbli;
35(2)	Il-fondazzjoni għandu jkollha minn tal-inqas tliet (3) amministraturi jew minn tal-inqas persuna waħda ġuridika li taġixxi bħala amministratur skont l-artikolu 35(1);
38(1)(g)	L-Avukat tal-Istat jew il-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji jista' jitlob l-informazzjoni mingħand l-amministraturi;
38(4)	L-amministraturi mhumiex marbuta jinfurmaw lil ċerti benefiċjari sakemm ikollhom l-intenzjoni li jagħmlulhom distribuzzjoni;
40(2)	Il-benefiċjarji ma jistgħux jitterminaw il-fondazzjoni;
40(9)	Dan is-subartikolu għandu japplika għall-fondazzjoni;
45	Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw; madankollu il-fundatur jista' jimponi l-kunfidenzjalità sabiex jipproteġi l-identità tal-persuni msemmija fl-artikolu 32(8);
60(2)	Dan is-subartikolu m'għandux japplika u max-xoljiment u l-istralċ tal-fondazzjoni, id-distribuzzjoni tal-assi għandha tiġi regolata mill-artikolu 60(1).".

Tkabbir tal-fond. *Emendat: XXXVI.2018.77.*

34. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-istatut, kwalunkwe persuna tista', f'kull waqt, iżżid mal-assi tal-fondazzjoni permezz ta' dotazzjonijiet. Id-dotazzjonijiet għandhom jitqiesu li saru taħt l-istess termini u kundizzjonijiet, għall-istess benefiċjarji u għall-istess għanijiet, skont il-każ, skont il-kundizzjonijiet tal-istatut tal-fondazzjoni. Kemm-il darba ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-konċedent ta' dawn id-dotazzjonijiet, jekk mhux il-fundatur, m'għandu jkollu ebda status jew setgħat fir-rigward tal-

fondazzjoni u wieħed għandu jirreferi għaliha bħala dotazzjoni addizzjonali.

(2) Fejn id-dispożizzjonijiet tal-istatut jippermettu jew bil-konkorrenza espressa tal-fundatur, tal-kunsill superviżorju jew tal-protettur, tal-amministraturi jew fin-nuqqas ta' dawn il-persuni, tal-Qorti, persuna, hawn aktar 'il quddiem imsejħa il-"konċedent", tista' tagħmel dotazzjoni b'tali mod li għandha titqies li għandha l-istatus u s-setgħat ta' fundatur fil-fondazzjoni, fir-rigward ta' dik id-dotazzjoni jew fir-rigward tal-fondazzjoni inġenerali, jew meta dik id-dotazzjoni tingħata lil ċellula, jekk ikun hekk stabbilit u jkun ingħata l-kunsens kif intqal hawn qabel, dik id-dotazzjoni għandha titqies li hija dotazzjoni ġdida.

(3) Meta dan it-tkabbir minn terzi persuni jsir permezz ta' testment, id-dispożizzjoni testamentarja għandha titqies li tkun teħtieġ it-twaqqif ta' fondazzjoni ġdida u l-amministraturi tal-fondazzjoni nominati għandhom jipproċedu f'dan is-sens, anke mingħajr il-konkorrenza tal-persuni msemmija fis-subartikolu (2).

(4) Meta l-istatut tal-fondazzjoni jipprovdi għat-twaqqif ta' ċelluli segregati, dotazzjoni ġdida, sew jekk trasferita *inter vivos* kif ukoll *causa mortis*, tista' tiġi stabbilita bħala ċellula ġdida segregata mill-amministraturi, f'liema każ l-istatus u s-setgħat tal-konċedent jistgħu jiġu limitati għal dik iċ-ċellula segregata. Meta l-konċedent isir fundatur ġdid, kif imsemmi hawn qabel, għandhom japplikaw ir-regoli tal-artikolu 39 meta jkun hemm aktar minn fundatur wieħed.

(5) L-amministraturi għandhom, fi żmien tliet xhur minn kull konċessjoni, jibagħtu lir-Reġistratur inventarju jew nota deskrittiva tal-attiv miżjud lil fondazzjoni iżda fil-każ ta' dotazzjonijiet fi flus kontanti, għandha tintbagħat biss lir-Reġistratur kopja ċertifikata tar-rendikont relativ tad-depożitu tal-bank.

(6) F'każ li tali fondazzjoni tirċievi dotazzjonijiet b'mod regolari skont skema li hija reġistrata mar-Reġistratur, ma jkunx meħtieġ li l-amministraturi jippreżentaw nota deskrittiva kull darba li ssir dotazzjoni ġdida jew addizzjonali, iżda għandhom jippreżentaw skeda ta' dotazzjonijiet fuq bażi annwali. Lanqas ma huwa meħtieġ li l-amministraturi jidħlu f'att pubbliku kull darba li ssir dotazzjoni, sakemm id-dotazzjoni ma tkunx tinvolvi proprjetà immobbli. F'dan il-każ, l-ammimistraturi għandhom jippreżentaw il-formola stabbilita u l-annessi meħtieġa biex jinnotifikaw dawk id-dotazzjonijiet lir-Reġistratur.

(7) Id-dotazzjonijiet jistgħu jingħataw taħt kundizzjoni, għal perjodu stabbilit jew skont regoli espressi stabbiliti fl-istatut. Tista' ssir dotazzjoni ġdida għal għanijet li huma differenti minn dawk tal-fondazzjoni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni, id-dotazzjonijiet għandhom jitqiesu li huma mingħajr kundizzjoni u għall-istess għanijiet tal-fondazzjoni.

(8) Id-dotazzjonijiet ġodda jew addizzjonali lill-fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku għandhom ikunu irrevokabbli minkejja kwalunkwe kundizzjoni kuntrarja fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut tal-fondazzjoni jew l-istrument li jipprovdi għad-dotazzjoni addizzjonali jew ġdida.

(9) Kemm-il darba ma jkunx ġie espressament dikjarat mod ieħor, għandu jiġi preżunt li d-dotazzjonijiet addizzjonali jew ġodda lill-fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku huma irrevokabbli. Il-fatt li dotazzjoni tiġi dikjarata li hija revokabbli, sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut tal-fondazzjoni jew l-istrument tad-dotazzjoni ġdida jew addizzjonali, ma għandux jimplika xi limitazzjoni fuq l-użu jew l-għażla tal-kapital jew tad-dħul mill-amministraturi. Fil-każ ta' revoka, min ikun għamel il-konċessjoni jkun intitolat biss għall-bilanċ tal-kapital li jista' jibqa' mhux utilizzat.

(10) Meta, fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja, issir dotazzjoni ġdida jew addizzjonali minn żewġ konċedenti jew aktar flimkien u tkun espressa bħala revokabbli, dik id-dotazzjoni ma tistax tiġi revokata ħlief bil-kunsens espress tal-konċedenti kollha.

(11) Fil-każ ta' fondazzjoni benefiċjarja, ir-revoka ta' dotazzjoni m'għandhiex taffettwa jew tannulla atti li jkunu diġà twettqu jew twaqqaf atti li jkunu fl-andament li jitwettqu, kif lanqas ma għandhom jiġu affetwati impenji li jkunu saru u li jkunu għadhom ma twettqux. Ir-revoka ta' dotazzjoni għandha tiġi sospiża sa dak iż-żmien meta l-amministraturi jiċċertifikaw lir-Reġistratur li l-impenji kollha ġew sodisfatti u għandha titqies li tirreferi biss għal dak l-ammont li ma jkunx ġie użat għas-sodisfazzjon ta dawk l-impenji.

(12) Ir-revoka ta' dotazzjoni addizzjonali jew ġdida m'għandhiex timplika t-terminazzjoni tal-fondazzjoni iżda għandha, kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra fl-istatut, timplika t-twaqqif tal-istatus ta' fundatur u d-drittijiet kollha relatati fir-rigward tal-konċedent.

(13) Jekk fondazzjoni hija l-benefiċjarja ta' dotazzjoni ġdida jew addizzjonali mogħtija għal raġunijiet speċifiċi, kemm-il darba dan ma jkunx awtorizzat skont is-subartikolu (5), l-amministraturi għandhom ifittxu istruzzjonijiet ġodda mingħand il-konċedent u jekk dan ma jkunx possibbli, dik id-dotazzjoni m'għandhiex tiġi aċċettata u għandha titqies li teħtieġ it-twaqqif ta' fondazzjoni ġdida u l-amministraturi tal-fondazzjoni li tkun qed tirċievi għandhom jipproċedu f'dan is-sens.

(14) Meta fondazzjoni tirċievi dotazzjoni mingħajr kundizzjonijiet li huma speċifiċi b'mod suffiċjenti u miċ-ċirkostanzi jkun evidenti li l-fondazzjoni għandha dmirijiet fiduċjarji relatati ma' dik il-proprjetà fir-rigward ta' benefiċjarju jew klassifikazzjoni ta' benefiċjarji jew għan, l-amministraturi għandhom jeżegwixxu dikjarazzjoni unilaterali permezz ta' strument bil-miktub li jkun fih il-kundizzjonijiet kollha fiduċjarji li skonthom il-fondazzjoni tkun qiegħda żżomm l-istess, inkluża informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-benefiċjarji jew l-għanijiet kollha. Il-benefiċjarji jistgħu jistaqsu lill-Qorti tikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tagħhom.

(15) F'każ li ma jkunx hemm amministraturi meta tiġi mwaqqfa jew reġistrata fondazzjoni, il-fundatur jew il-persuna li jkollha s-setgħa tappunta l-amministraturi, għandha titqies li jkollha s-setgħa li taċċetta kwalunkwe dotazzjoni, iżda ma jkollhiex is-setgħa li torbot lill-fondazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra, kif lanqas il-fondazzjoni m'għandha tkun intitolata li tibda l-operat qabel il-ħatra tan-numru meħtieġ ta' amministraturi.

(16) It-terminu "dotazzjoni" għall-finijiet ta' dan it-Titolu għandu jfisser kwalunkwe għotja ta' flus jew proprjetà oħra taħt titolu gratuwitu, inklużi drittijiet għal flus jew proprjetà oħra, eżistenti jew li jistgħu jeżistu fil-ġejjieni.

Amministraturi ta' fondazzjonijiet. *Emendat: XXXVI.2018.78.*

35. (1) Il-persuni nominati bħala amministraturi ta' fondazzjoni jistgħu jkunu persuni ġuridiċi sakemm ikollhom għallinqas tliet diretturi.

(2) Meta fondazzjoni hija fondazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, għandu jkollha għallinqas tliet amministraturi jew għallinqas persuna ġurdika waħda li taġixxi bħala amministratur.

(3) Jekk persuna nominata bħala amministratur fl-att ta' kostituzzjoni jew statut ma tkunx trid jew ma tistax taċċetta dik ir-responsabbiltà, allura hi għandha fi żmien ħmistax-il ġurnata tinnotika l-intenzjonijiet tagħha lir-Reġistratur, lill-fundatur jew lill-eredi tiegħu u l-persuni li jilħqu minflokha, jekk ikun hemm. It-teħid tal-pussess ta' xi attiv tal-fondazzjoni jimplika l-aċċettazzjoni li wieħed jaġixxi bħala amministratur tal-fondazzjoni u f'dan il-każ l-amministratur għandu jikkonferma l-aċċettazzjoni tiegħu bil-miktub fuq talba ta' kull persuna interessata jew tar-Reġistratur. In-nuqqas li jsir dan fi żmien tletin ġurnata minn talba bil-miktub ikun ksur ta' dover min-naħa tal-amministratur.

(4) Kull persuna nominata jew maħtura biex tilħaq minflok amministratur fl-amministrazzjoni għandha tidħol għall-istess obbligi bħallikieku kienet il-persuna nominata fl-ewwel stadju u għandha tavża lir-Reġistratur bil-miktub meta tidħol għal dik il-kariga. Meta jassumi dik il-kariga, iżda mhux aktar minn tletin ġurnata wara, amministratur ikun jista' javża bil-miktub lir-Reġistratur u kull parti interessata b'xi riservi li jista' jkollu rigward kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-fondazzjoni u l-azzjonijiet tal-amministraturi ta' qabel u ma jkunx responsabbli għal kull ħaġa hekk riservata sa dak iż-żmien li dawk ir-riservi jsiru operattivi.

(5) Meta amministraturi, kemm dawk nominati oriġinarjament kif ukoll dawk li jilħqu minflokhom, ikunu wettqu atti ta' amministrazzjoni, huma għandhom jissottomettu rendikont tal-amministrazzjoni tagħhom meta jħallu dik l-amministrazzjoni b'żieda ma' dawk ir-rendikontijiet li huma meħtieġa li jiġu sottomessi skont il-liġi applikabbli. Dak ir-rendikont għandu jiġi sottomess lill-amministraturi li jilħqu minflokhom jew, fl-assenza tagħhom, lir-Reġistratur.

(6) Sakemm l-att tal-fondazzjoni ma jipprovdix mod ieħor, amministraturi jistgħu jitħallsu mid-dħul jew mill-kapital tal-fondazzjoni. Dik ir-rimunerazzjoni għandha tkun f'dawk l-ammonti u b'dak il-mod kif jista' jiġi dikjarat fl-att tal-fondazzjoni jew f'xi ftehim bejn il-fundatur u l-amministratur jew skont il-liġi li tkun tapplika. Ir-rimunerazzjoni tista' ukoll tiġi stabbilita mill-Qorti wara li jkun sar rikors mill-amministratur jew minn xi parti interessata.

(7) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8), amministratur jista' jirriżenja mill-kariga b'avviż bil-miktub lill-

koamministraturi tiegħu u fil-każ li ma jkunx hemm amministratur ieħor, lill-fundatur jew lill-benefiċjarji jew, jekk dan ma jkunx prattikabbli, għall-inqas lil benefiċjarju wieħed, jew jekk ma jkun hemm ħadd li lilu jista' jingħata l-avviż, lis-suċċessur tal-amministratur debitament maħtur u r-riżenja għandha tibda jkollha effett minn meta jiġi konsenjat dak l-avviż.

(8) Riżenja -

(*a*) mogħtija biex jiġi faċilitat ksur ta' dmir, jew

(*b*) li r-riżultat tagħha jkun li ma jkunx hemm amministratur għall-fondazzjoni,

tkun bla effett; iżda amministratur jista' jirriżenja mill-kariga minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (*b*), jekk, qabel ma r-riżenja tibda sseħħ, isir rikors lill-Qorti biex jinħatar amministratur ġdid u jiġi hekk maħtur amministratur ġdid.

(9) Amministratur jieqaf milli jkun amministratur minnufih malli -

(*a*) jiskadi t-terminu li għalih ġie appuntat l-amministratur;

(*b*) l-amministratur jitneħħa minn kwalunkwe persuna jew entità li għandha s-setgħa li tagħmel dan skont l-att pubbliku tal-fondazzjoni jew mill-Qorti abbażi ta' raġunijiet stabbiliti fl-att ta' fondazzjoni jew f'din l-Iskeda;

(*ċ*) jittieħdu l-passi għall-istralċ tal-amministratur meta dan ikun persuna ġuridika;

(*d*) f'każ meta l-amministratur ikun persuna ġuridika, ikun hemm ir-riżenja jew it-tneħħija tal-amministraturi kollha, inklużi d-diretturi f'kumpannija li tkun qiegħda taġixxi bħala amministratur, mill-kariga tagħhom fl-imsemmija persuna ġuridika jew jittieħdu passi għall-istralċ tagħha; jew

(*e*) jiġi appuntat amministratur mingħajr ma ssir referenza għall-perjodu tal-kariga tiegħu u:

(i) ikun l-uniku amministratur, għandu jitlob li l-istatut jipprovdi għal amministratur sostitwit jew il-mod ta' kif għandu jiġi maħtur amministratur ġdid mal-irtitar, riżenja jew tneħħija tiegħu. Meta l-amministratur jonqos milli jwettaq l-obbligazzjoni f'dan il-paragrafu, għandu jiġi maħtur amministratur ġdid sabiex jissostitwixxi lil dak l-amministratur f'kull waqt bil-kunsens tal-fundatur, ta' kwalunkwe persuna maħtura fl-istatut jew, fin-nuqqas ta' dawn il-persuni, tal-Qorti; u

(ii) ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, għandu jitqies li l-amministraturi l-oħra għandu jkollhom is-setgħa li jneħħu lill-amministratur f'kull waqt meta jqisu li mhux kapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa jew skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu

9:

Iżda f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar kwalunkwe kwistjoni msemmija f'dan il-paragrafu, l-amministratur li jkun ġie maħtur mingħajr ma ssir referenza għall-perjodu tal-kariga tiegħu, jista' japplika lill-Qorti u jitlob li l-Qorti toħroġ dawk l-ordnijiet dwar is-sostituzzjoni, l-irtirar, ir-riżenja jew it-tneħħija tiegħu, kif jidhrilha li huwa xieraq wara li tkun semgħet lill-persuni rilevanti.

(10) Amministratur li jieqaf milli jaġixxi bħala amministratur għandu, b'żieda mad-dmir li jagħti rendikont skont is-subartikolu (5), ikun marbut li jikkonsenja minnufih il-proprjetà kollha tal-fondazzjoni li tista' tkun fil-pussess tiegħu lill-amministraturi rimanenti jew suċċessivi u li jieħu dawk l-azzjonijiet kollha formali jew azzjonijiet oħra li jkunu meħtieġa fl-interess tal-fondazzjoni.

Drittijiet tal-fundatur. *Emendat: XXXVI.2018.79.*

36. (1) Il-fundatur, u kull persuna oħra li tista' tkun imsemmija fl-att tal-fondazzjoni, jista' jeżerċita superviżjoni fuq l-amministrazzjoni ta' fondazzjoni, jikseb kopja tal-kontijiet miżmuma mill-amministraturi, kopja tal-inventarju jew tan-noti deskrittivi tal-proprjetà, u jista' jintervjeni fi ħwejjeġ dwar il-ħatrata' amministraturi, jew dwar id-disponiment tal-attiv, meta dawn il-kwistjonijiet jkunu qed jiġu ttrattati mill-Qorti. Il-fundatur jista' wkoll ikollu setgħat sabiex jaħtar, iżid jew ineħħi kwalunkwe amministraturi, protetturi jew benefiċjarji u setgħat sabiex jaħtar konsulent jew *manager* dwar l-investiment u fejn ikun hemm xi setgħa msemmija f'dan is-subartikolu li tkun ġiet riservata jew eżerċitata mill-fundatur, amministratur li jaġixxi skont kwalunkwe direzzjonijiet maħruġa abbażi tas-setgħa tal-fundatur kif intqal hawn qabel, m'għandux jitqies li jkun qiegħed jaġixxi bi ksur tad-dmirijiet fiduċjarji tiegħu.

(2) Fundatur jista' jkun amministratur jew protettur ta' fondazzjoni.

(3) Il-fundatur jista' wkoll ikun il-benefiċjarju ta' fondazzjoni benefiċjarja waqt il-ħajja tiegħu:

Iżda meta l-fundatur ikun benefiċjarju, dak il-fundatur ma jistax fl-istess ħin jaġixxi bħala amministratur uniku ta' dik il-fondazzjoni.

(4) Huwa leġittimu li fundatur jagħti gwida bil-miktub li ma tkunx torbot lill-amministraturi dwar kif għandhom jeżerċitaw is-setgħat u d-diskrezzjonijiet li jkollhom u li dik il-gwida tiġi sostitwita, emendata jew irtirata minn żmien għal żmien kif il-fundatur jidhirlu li huwa xieraq. Il-benefiċjarju jista' wkoll ikun awtorizzat jagħti dik il-gwida permezz ta' klawsoli speċifiċi fl-att ta' fondazzjoni jew fid-dikjarazzjoni dwar il-benefiċjarji, u dan b'effett mill-mewt tal-fundatur.

Struttura ta' superviżjoni jew protetturi *Emendat: XXXVI.2018.80.*

37. (1) Il-pattijiet ta' fondazzjoni jistgħu jipprovdu għat-twaqqif ta' kunsill ta' superviżjoni li jkun jikkonsisti f'għallinqas membru wieħed jew għall-kariga ta' protettur jew protetturi b'funzjonijiet simili.

(2) Il-fundatur jista' jkun l-uniku membru jew wieħed mill-membri

tal-kunsill superviżorju jew jista' jkun ukoll protettur. Madankollu, il-fundatur ma jistax iwettaq il-funzjonijiet ta' protettur kemm-il darba jkun qed iżomm il-kariga ta' amministratur.

(3) Il-membri tal-kunsill superviżorju jew il-protetturi:

(*a*) jistgħu jkunu msemmija fl-istatut tal-fondazzjoni; jew

(*b*) meta ma tkun saret ebda identifikazzjoni, jistgħu jiġu maħtura sussegwentement mill-amministraturi u bil-mod stabbilit fl-istatut; u

(*ċ*) jistgħu jitneħħew jew jiġu sostitwiti mill-amministraturi u bil-mod stabbilit fl-istatut.

(4) Il-kunsill ta' superviżjoni jew il-protetturi ma jitqiesux bħala amministraturi.

(5) Bla ħsara għall-pattijiet tal-fondazzjoni, il-kunsill ta' superviżjoni jew il-protetturi jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw superviżjoni fuq l-atti tal-amministraturi u jistgħu jkunu vestiti bis-setgħa li jaħtru, ineħħu, jissostitwixxu jew iżidu l-amministraturi u dawk is-setgħat l-oħra li jistgħu jiġu stabbiliti fl-istatut inkluża s-setgħa li jagħtu s-setgħa lill-amministraturi biex jeżerċitaw is-setgħat, id-diskrezzjonijiet jew id-dmirijiet tagħhom.

(6) L-eżerċizzju ta' xi setgħa, azzjoni jew diskrezzjoni min-naħa tal-amministraturi tista' tkun soġġetta għall-kunsens espress tal-kunsill ta' superviżjoni jew tal-protetturi.

(7) Kemm-il darba l-istatut tal-fondazzjoni ma jistabbilixxix espressament xort'oħra u sakemm jiġu maħtura l-kunsill superviżorju u l-protetturi, f'każ li l-att tal-fondazzjoni jistabbilixxi li jkun hemm kunsill superviżorju jew protetturi, li l-kunsens jew id-direzzjoni tagħhom ikunu meħtieġa sabiex l-amministraturi jwettqu kwalunkwe att, għandu jiġi preżunt li l-amministraturi għandhom is-setgħa li jwettqu kwalunkwe att mingħajr dak il-kunsens jew dik id-direzzjoni:

Iżda d-deċiżjoni sabiex jaġixxu mingħajr kunsens għandha tittieħed b'mod unanimu mill-amministraturi.

(8) Il-preżunzjoni tas-subartikolu (7) m'għandhiex tapplika jekk l-istatut ikun jitlob li l-amministraturi jew xi ħadd minnhom jaħtru l-membri tal-kunsill superviżorju jew il-protetturi.

Drittijiet tal-benefiċjarji. *Emendat: XXXVI.2018.81; XXXIX.2020.23; A.L. 212 tal-2023.*

38. (1) Amministratur għandu, safejn ikun raġonevoli u fi żmien raġonevoli minn meta jirċievi talba bil-miktub għal hekk, jipprovdi informazzjoni sħiħa u preċiża dwar l-istat u l-ammont tal-proprjetà tal-fondazzjoni, inklużi l-kontijiet tal-fondazzjoni, u bla ħsara għas-subartikolu (2), kif qed titmexxa l-amministrazzjoni -

(*a*) lill-fundatur;

(*b*) lill-Qorti;

(*ċ*) lill-kunsill ta' superviżjoni jew lill-protetturi;

(*d*) lil kull persuna oħra li hi vestita b'dak id-dritt fl-att tal-fondazzjoni;

(*e*) bla ħsara għall-pattijiet tal-fondazzjoni, lil kull benefiċjarju li hu maġġorenni u kapaċi, jew jekk ikun minorenni, lit-tutur jew rappreżentant legali tiegħu;

(*f*) bla ħsara għall-pattijiet tal-fondazzjoni, lil kull organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku oħra jew *trust* ta' karità msemmi b'ismu li l-fondazzjoni tkun ġiet stabbbilita għall-benefiċċju tagħhom; u

(*g*) fil-każ ta' fondazzjoni stabbilita għal xi għan, lill-Avukat tal-Istat jew lill-awtorità rilevanti skont il-liġi applikabbli.

(2) Bla ħsara għall-pattijiet tal-fondazzjoni u għal kull ordni tal-Qorti mogħti għal raġunijiet speċjali, amministratur jew xi persuna oħra ma jkunux meħtieġa jiżvelaw lil xi persuna xi dokument jew informazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' fondazzjoni ta' interess privat li -

(*a*) jiżvelaw d-deċiżjonijiet ta' amministratur rigward il-mod kif ġiet eżerċitata setgħa jew diskrezzjoni, jew kif dmir konferit jew impost bil-liġi jew bil-pattijiet tal-fondazzjoni ġie osservat;

(*b*) jiżvelaw ir-raġuni għal xi eżerċizzju partikolari ta' dik is-setgħa jew diskrezzjoni jew twettiq ta' dmir jew il-materjali li fuqu dik ir-raġuni ser tkun jew setgħet kienet ibbażata;

(*ċ*) għandhom x'jaqsmu mal-eżerċizzju jew l-eżerċizzju maħsub ta' dik is-setgħa jew diskrezzjoni jew it-twettiq jew it-twettiq maħsub ta' dak id-dmir.

(3) Sakemm il-pattijiet tal-fondazzjoni ma jiddeterminawx espressament iż-żmien meta u l-mod kif il-benefiċjarji għandhom ikunu infurmati dwar dak li għandhom jieħdu taħt il-fondazzjoni, l-amministratur għandu jinforma lil kull benefiċjarju dwar dak li għandu jieħu, bil-miktub, fi żmien raġonevoli wara li jkun aċċetta li jaġixxi.

(4) Meta l-pattijiet ta' fondazzjoni jagħtu diskrezzjoni skont l-artikolu 33(9) ta' din l-Iskeda, il-pattijiet tal-fondazzjoni jistgħu jissospendu, sa dak iż-żmien li tiġi eżerċitata diskrezzjoni favur tagħhom, id-dmir ta' amministratur li jinforma lil dawk il-benefiċjarji li jistgħu jibbenefikaw taħt il-fondazzjoni jew li jiffurmaw parti minn klassi ta' benefiċjarji li tista' hekk tibbenefika. Il-pattijiet ta' fondazzjoni jistgħu wkoll jindikaw iż-żmien meta u l-mod kif dawk il-benefiċjarji għandhom jiġu infurmati.

(5) Jekk l-att tal-fondazzjoni espressament jipprovdi għan-notifika ta' informazzjoni lil benefiċjarji jew lil dawk il-persuni li jiffurmaw parti minn klassi li minnha jistgħu jinħatru benefiċjarji, mingħajr referenza għal xi żmien, aċċertat jew li jista' jiġi aċċertat, dak il-perjodu ta' żmien għandu jinftiehem bħala li jimplika dmir ta' l-amministratur li jinforma lil dawk il-benefiċjarji fi żmien raġonevoli wara l-mewt tal-fundatur.

(6) Jekk l-amministratur jikkunsidra li l-għoti ta' informazzjoni kif meħtieġ bis-subartikoli preċedenti jkun ta'

preġudizzju għall-benefiċjarji tal-fondazzjoni jew lil xi whud minnhom, l-amministratur jista' jagħmel rikors lill-Qorti u l-Qorti tista' teħles l-amministratur mill-obbligu li jinforma taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' tikkunsidra xierqa.

(7) Id-dmir ta' informazzjoni kif hawn fuq imsemmi ma jseħħx jekk l-amministratur ikollu informazzjoni li turi b'mod raġonevoli li dawk li huma intitolati għal dik l-informazzjoni diġà ġew infurmati jew diġà jafu dik l-informazzjoni.

(8) Fil-każ ta' fondazzjoni b'għan, id-dmir li jiġu infurmati jew benefiċjarji mhux imsemmija li jiffurmaw parti minn klassi jew persuni li jiffurmaw parti minn klassi ta' persuni li jistgħu jiġu nominati bħala benefiċjarji skont is-setgħa tal-amministratur, m'għandux jibda' jseħħ minkejja l-pattijiet tal-fondazzjoni sakemm, fil-każ ta' benefiċjarji mhux imsemmija l-amministratur ma jistabbilixxix li jeżistu anqas minn għaxar benefiċjarji li jappartjenu għal dik il-klassi ta' benefiċjarji. Barra minn dan, fl-assenza ta' indikazzjoni kuntrarja għal dan, il-benefiċjarji mhux imsemmija li jistgħu jiżdiedu bħala benefiċjarji skont xi setgħa jkunu preżunti li huma persuni li jwettqu attivitajiet soċjali rilevanti jew attivitajiet oħra prinċipalment f'Malta.

(9) L-amministratur għandu jwettaq id-dmir li jinforma bl-aħjar mod li jista' u bi spejjeż tal-fondazzjoni u fil-każ li l-amministratur jidhirlu li dan l-eżerċizzju ser ikun iqum wisq jew ta' piż żejjed, l-amministratur jista' jagħmel rikors lill-Qorti għal direttivi u l-Qorti jkollha s-setgħa li teħles l-amministratur minn dak id-dmir taħt dawk il-kondizzjonijiet li tikkunsidra xierqa.

(10) Is-sospensjoni tad-dmir tal-amministratur li jinforma lill-benefiċjarji kif previst f'dan l-artikolu ma tnaqqasx id-drittijiet ta' benefiċjarji jew id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-amministratur lejn dawk il-benefiċjarji skont din l-Iskeda jew xi liġi oħra li tapplika.

(11) Persuni li jiġu miżjuda bħala benefiċjarji skont setgħa msemmija fl-artikolu 33(12) ta' din l-Iskeda ma jkollhom l-ebda dritt ta' informazzjoni sa meta jiġu nominati bħala benefiċjarji mill-amministratur skont dik is-setgħa.

Fondazzjonijiet b'aktar minn fundatur wieħed.

39. (1) Meta jkun hemm aktar minn fundatur wieħed, mill-bidu jew sussegwentement, id-drittijiet jiġu eżerċitati skont l-istatut. Meta l-istatut ma jkunx fih dispożizzjonijiet dwar dan, fil-każ ta' żewġ fundaturi, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod unanimu u meta jkun hemm aktar minn żewġ fundaturi, skont id-deċiżjoni tal-maġġoranza.

(2) F'fondazzjonijiet b'aktar minn fundatur wieħed jgħoddu *mutatis mutandis* ir-regoli dwar laqgħat ġenerali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 52 ta' din l-Iskeda.

Terminazzjoni tal-fondazzjoni. *Sostitwit: XXXVI.2018.82.*

40. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra fl-istatut jew f'dan it-Titolu, fondazzjoni m'għandhiex tkun soġġetta għat-terminazzjoni qabel il-perjodu li għalih tkun ġiet stabbilita.

(2) Kemm-il darba l-fundatur ma jkunx espressament elimina dan id-dritt, fondazzjoni benefiċjarja tista' tiġi tterminata fuq talba tal-benefiċjarji kollha tal-fondazzjoni, kemm-il darba jkunu kollha eżistenti, ġew aċċertati u ħadd minnhom ma jkun inabilitat jew ikun minuri. Jekk il-fundatur ikun għadu ħaj, il-kunsens tiegħu għandu jkun meħtieġ għal terminazzjoni mill-benefiċjarji. Il-fundatur jista' jagħmel it-terminazzjoni soġġetta għall-kunsens ta' persuna jew tal-kunsill superviżorju jew tal-protetturi, ħlief l-amministraturi, imsemmija fl-istatut.

(3) Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni fl-istatut jew fis-subartikolu (2), wara l-mewt tal-fundatur il-Qorti għandu jkollha s-setgħa li tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-fondazzjoni benefiċjarja meta tiġi mitluba tagħmel dan mill-benefiċjarji kollha tal-fondazzjoni jekk tkun sodisfatta li l-kontinwazzjoni tal-fondazzjoni ma tkunx għadha meħtieġa sabiex jintlaħqu l-intenzjonijiet tal-fundatur jew inkella ma tkunx raġonevoli.

(4) L-istatut tal-fondazzjoni jista' jipprovdi li din tista' tiġi tterminata f'kull waqt, iżda t-terminazzjoni m'għandhiex taffettwa jew tannulla atti li jkunu diġà twettqu b'mod leġittimu jew twaqqaf atti li jkunu fl-andament li jitwettqu b'mod leġittimu. It-terminazzjoni lanqas ma għandha taffettwa impenji legali li jkunu saru u li ma jkunux twettqu. It-terminazzjoni għandha tiġi sospiża sa meta l-amministraturi jiċċertifikaw lir-Reġistratur li l-impenji leġittimi kollha ġew imwettqa.

(5) Ir-riżerva espressa mill-fundatur tad-dritt għat-terminazzjoni tal-fondazzjoni m'għandux ikun eżerċitat mill-eredi jew konjuġi ta' dak il-fundatur, kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fl-att ta' fondazzjoni. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe rimedji oħra disponibbli fil-liġi, il-krediturі tal-fondazzjoni ma jistgħux jeżerċitaw id-dritt li jitterminaw il-fondazzjoni.

(6) Meta fondazzjoni tiġi tterminata, għandhom japplikaw il-proċeduri tal-artikolu 59.

(7) Ħlief għall-każijiet imsemmija fl-artikolu 47(2), meta fondazzjoni tiġi mibdula fi *trust*, it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni għandha timplika it-terminazzjoni tal-fondazzjoni iżda mhux tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji li jkollha u malli jingħata l-avviż għal bidla, ir-Reġistratur għandu jipproċedi għat-tħassir tal-fondazzjoni.

(8) L-amministraturi għandhom id-dmir li jibqgħu josservaw l-obbligazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-fondazzjoni kif stabbilit f'dan l-artikolu.

(9) Il-fondazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku jistgħu biss jiġu stabbiliti b'mod irrevokabbli u bla ħsara għas-setgħa li dik il-fondazzjoni tiġi tterminata skont l-artikolu 32 għar-raġunijiet u bla ħsara għar-raġunijiet hemmhekk stabbiliti, kwalunkwe klawsola fl-

istatut li tirriżerva id-dritt lill-fundatur jew lil xi persuna oħra jew entità li tirrevoka dik il-fondazzjoni m'għandhiex tapplika.

Ġurisdizzjoni tal-Qorti. *Sostitwit: XXXVI.2018.83.*

41. Il-Qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha mhux kontenzjużi li huma interni għall-fondazzjoni, l-amministraturi tagħha u l-benefiċjarji:

Iżda jekk kwistjoni li ma tkunx kontenzjuża u li tkun qed tiġi eżaminata mill-Qorti ssir kontenzjuża, il-Qorti għandha tiddikjara l-proċedimenti ta' quddiemha bħala kotenzjużi u għandha tkompli tittratta l-kwistjoni bħala waħda kontenzjuża u tipprovdi lill-partijiet l-opportunità li jippromwovu t-talba u jwieġbu għaliha skont il-liġi.

Varjazzjoni tal-pattijiet tal-att tal-fondazzjoni mill-Qorti u approvazzjoni ta' operazzjonijiet partikolari. *Emendat: XXXVI.2018.84; XXV.2019.28.*

42. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) il-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq, b'ordni tapprova f'isem -

(*a*) xi persuna inabilitata skont il-liġi li jkollha, direttament jew indirettament, interess, kemm miksub jew kontinġenti, taħt il-fondazzjoni; jew

(*b*) xi persuna, kemm jekk tkun aċċertata jew le, li tista' ssir intitolata, direttament jew indirettament, għal interess taħt il-fondazzjoni bħala li tkun f'xi data futura jew meta sseħħ xi ġrajja futura persuna ta' xi deskrizzjoni speċifikata jew membru ta' xi klassi speċifikata ta' persuni; jew

(*ċ*) xi persuna li għadha ma twelditx; jew

(*d*) xi persuna rigward xi interess tagħha li jista' jibda' jseħħ fir-rigward tagħha minħabba f'xi setgħa diskrezzjonali mogħtija lil xi ħadd meta jkun hemm nuqqas jew determinazzjoni ta' xi interess eżistenti li ma jkunx naqas jew ġie determinat;

kull arranġament, ikun min ikun il-proponent, u kemm jekk ikun hemm jew ma jkunx hemm persuna oħra li tkun interessata benefikament li tista' tagħti l-kunsens tagħha għalih, li jvarja jew jirrevoka l-pattijiet kollha tal-fondazzjoni jew xi whud minnhom jew li jkabbar is-setgħat tal-amministraturi biex imexxu u jamministraw il-proprjetà tal-fondazzjoni.

(2) Il-Qorti ma għandhiex tapprova arranġament f'isem xi persuna li jaqa' taħt is-subartikolu (1)(*a*), (*b*) jew (*ċ*), sakemm ma tkunx sodisfatta li t-twettiq ta' dak l-arranġament jidher li huwa ta' benefiċċju għal dik il-persuna.

(3) Meta fit-tmexxija jew l-amministrazzjoni ta' fondazzjoni, xi bejgħ, kiri, rahan, rabta b'dejn, ċessjoni, rilaxx jew xi disponiment ieħor, jew xi xiri, investiment, akkwist, spiża jew xi operazzjoni oħra tkun, fl-opinjoni tal-Qorti, spedjenti iżda l-istess ma tkunx tista' ssir minħabba fl-assenza ta' xi setgħa, għal dak il-għan, vestita fl-amministratur bil-pattijiet tal-fondazzjoni jew bil-liġi, il-Qorti tista' tikkonferixxi fuq l-amministratur, b'mod ġenerali jew f'xi ċirkostanza partikolari, setgħa għal dak il-għan b'dawk il-pattijiet u soġġetta għal dawk id-dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, kif jidhrilha xierqa, u tista' tagħti direttivi dwar il-mod kif u minn liema proprjetà għandhom jittieħdu l-flus awtorizzati li jintnefqu, u l-ispejjeż tal-operazzjoni.

(4) Fis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, ir-referenzi kollha għal "fondazzjoni" għandhom ikunu referenzi għal fondazzjoni benefiċjarja.

(5) Rikors lill-Qorti magħmul taħt is-subartikoli preċedenti jista' jsir mill-amministratur, minn kwalunkwe benefiċjarju jew minn kwalunkwe parti interessata, skont il-każ.

(6) F'każ li l-istatut ta' fondazzjoni b'għan ma jkunx fih dispożizzjonijiet relatati mal-emendi ta' dak l-istatut, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw talba magħmula għal tali emendi fl-istatut, il-Qorti tista' tordna –

(*a*) kwalunkwe varjazzjoni jew żieda fl-istatut;

(*b*) kwalunkwe varjazzjoni għall-għanijiet li għalihom tista' tiġi applikata l-proprjetà;

(*ċ*) kwalunkwe varjazzjoni għal kwalunkwe dispożizzjoni tal-istatut, kif jista' jkun meħtieġ għall-kisba effettiva tal-għanijiet tal-fondazzjoni jew l-amministrazzjoni tagħha; u

(*d*) kwalunkwe varjazzjoni għall-kisba tal-organizzazzjoni mill-ġdid tal-istruttura tal-fondazzjoni, inkluża d-diviżjoni tagħha f'żewġ fondazzjonijiet jew aktar jew organizzazzjonijiet ġuridiċi ta' natura simili, jew il-konverżjoni tagħha fi *trust* jew *trusts*,

u sa fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32(8), il-Qorti għandha jkollha s-setgħat imsemmija f'dan l-artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe benefiċjarji msemmija li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(7) Il-Qorti m'għandhiex tapprova talba taħt is-subartikolu preċedenti, kemm-il darba hija ma tkunx tal-fehma li dik l-emenda hija, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, konsistenti mal-għan u l-objettivi prinċipali tal-fondazzjoni.

(8) Kwalunkwe varjazzjoni approvata mill-Qorti għandha tiġi implimentata permezz ta' emenda għall-istatut u l-amministraturi għandhom iżommu mal-formalitajiet, kif jista' jiġi stabbilit fl-istatut u fil-liġi applikabbli.

(9) Kwalunkwe rikors lill-Qorti magħmul taħt is-subartikolu (6) jista' jsir mill-amministratur, minn kwalunkwe persuna li tingħata dik is-setgħa fl-istatut jew mill-Avukat tal-Istat, skont il-każ.

Setgħat oħra tal-Qorti.
Emendat: XXXVI.2018.85; XXV.2019.28.

43. (1) Amministratur jista' jagħmel rikors lill-Qorti għal direttivi dwar il-mod li għandu jew ma għandux jaġixxi fir-rigward ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-fondazzjoni u l-Qorti tista' tagħti dak l-ordni, jekk ikun il-każ, li jidhrilha xieraq.

(2) Il-Qorti tista' wkoll, jekk jidhrilha xieraq -

(*a*) tagħti ordni dwar:

(i) l-eżekuzzjoni jew l-amministrazzjoni ta' xi fondazzjoni; jew

(ii) l-amministratur ta' xi fondazzjoni, inkluża ordni li tirrigwarda l-eżerċizzju ta' xi setgħa, diskrezzjoni jew dmir tal-amministratur, il-ħatra jew it-tneħħija ta' amministratur, ir-rimunerazzjoni ta' amministratur, is-sottomissjoni ta' kontijiet, l-aġir ta' amministratur u l-ħlasijiet kollha fil-Qorti; jew

(iii) kull benefiċjarju jew kull persuna li jkollha xi konnessjoni mal-fondazzjoni;

(*b*) tagħmel kull dikjarazzjoni dwar il-validità jew l-eżekuzzjoni ta' fondazzjoni;

(*ċ*) tirrexindi jew tvarja kull ordni jew dikjarazzjoni magħmula taħt dan it-Titolu, jew tagħmel xi ordni jew dikjarazzjoni ġdida jew addizzjonali.

(3) Rikors lill-Qorti għal ordni jew dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (2) jista' jsir mill-amministratur jew minn xi benefiċjarju jew mill-Avukat tal-Istat jew minn xi persuna oħra li jkollha interess legali:

Iżda fil-każijiet meta d-dmir li benefiċjarju jiġi infurmat bl-interess tiegħu f'fondazzjoni jkun ġie sospiż skont l-artikolu 38 u sakemm dik is-sospensjoni tibqa' fis-seħħ, u fl-assenza ta' xi persuna oħra maħtura biex tissorvelja l-amministrazzjoni ta' fondazzjoni, il-fundatur ta' fondazzjoni jista' wkoll jagħmel rikors lill-Qorti skont dan is-subartikolu. Waqt li tkun qed tittratta dan ir-rikors, il-Qorti tista' tiddetermina jekk is-sospensjoni tad-drittijiet għal informazzjoni kif intqal qabel għandhiex tinżamm kollha kemm hi jew parti minnha għall-benefiċjarji kollha jew xi uħud minnhom.

(4) Meta tagħmel ordni għall-ħatra ta' amministratur jew amministraturi, il-Qorti tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

(5) Bla ħsara għal kull ordni tal-Qorti, amministratur maħtur mill-Qorti taħt dan l-artikolu jkollu l-istess setgħat, diskrezzjoni u dmirijiet bħallikieku kien ġie maħtur bħala amministratur oriġinarjament fl-att tal-fondazzjoni.

(6) Meta xi Qorti tagħti ordni fuq talba ta' benefiċjarju li jkun ġie preġudikat bħala riżultat ta' mala fidi min-naħa tal-amminstratur fl-operazzjoni ta' fondazzjoni, il-Qorti jkollha s-setgħa li terġa' ġġib lura il-pożizzjoni ta' kif kienet qabel li kieku l-azzjoni li jsir ilment dwarha ma kenietx saret jew mod ieħor tipproteġi l-interessi tiegħu.

(7) Meta persuna domiċiljata f'Malta hija obbligata tħallas manteniment skont dan il-Kodiċi u tkun benefiċjarja taħt fondazzjoni benefiċjarja, il-Qorti għandu jkollha dawk is-setgħat li jkunu meħtieġa biex tirrevedi l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni min-naħa tal-amministratur biex tagħti l-konsiderazzjoni dovuta għad-drittijiet ta' persuni ntitolati li jitolbu l-manteniment.

Appelli, eżekuzzjoni u seduti. *Emendat: XXXVI.2018.86.*

44. (1) Ma jkun hemm l-ebda appell minn xi digriet, ordni, dikjarazzjoni jew direttiva tal-Qorti mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda ħlief meta l-kwistjoni tkun ġiet iddikjarata bħala waħda kontenzjuża u l-Qorti tkun tat, wara li jkunu ġew konklużi l-proċedimenti rilevanti, sentenza dwar dik il-kwistjoni.

(2) Dawk id-digrieti, ordnijiet, dikjarazzjonijiet, direttivi jew sentenzi għandhom jibqgħu jseħħu sakemm jiġu sostitwiti jew varjati mill-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha volontarja jew kontenzjuża.

(3) Waqt is-smigħ tar-rikors quddiem il-Qorti l-amministratur jew ir-rikorrent għandu mal-ewwel opportunità jiżvela lill-Qorti l-fatti importanti li hu jkun jaf bihom li jistgħu jkunu rilevanti għar-rikors inkluża l-eżistenza ta' xi *res judicata* jew azzjoni ġudizzjarja pendenti mogħtija jew mibdija f'Malta jew quddiem qorti barranija.

(4) Kull rikors lill-Qorti għandu jiġi notifikat lill-amministratur u r-rikorrent għandu barra minn dan jinnotifika l-persuni kollha li hu kkunsidra li għandhom interess fil-materja tar-rikors. Il-Qorti jkollha s-setgħa li tordna li jiġu notifikati l-persuni l-oħra kollha li hi tikkunsidra li jkollhom interess, kif jidhrilha xieraq.

(5) Il-Qorti għandha tisma' lill-amministratur u kull parti interessata kif jidhrilha xieraq.

(6) Mingħajr preġudizzju għal xi setgħa oħra mogħtija lill-Qorti permezz tad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' xi liġi oħra, meta amministratur ma jagħtix każ jew jirrifjuta li jwettaq xi dmir jew josserva xi ordni tal-Qorti, il-Qorti tista', skont dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li tista' jidhrilha xieraq, tordna li l-azzjoni meħtieġa tiġi eżegwita jew magħmula minn dik il-persuna li l-Qorti tista' taħtar għal dak il-għan, bi spejjeż tal-amministratur li jkun naqas, jew mod ieħor kif il-Qorti tista' tordna; u kull ħaġa hekk eżegwita jew magħmula għandha topera u jkollha effett għall-finijiet kollha bħallikieku kienet ġiet eżegwita jew magħmula mill-amministratur.

Konfidenzjalità. *Emendat: XXXVI.2018.87.*

45. (1) Il-proċeduri kollha taħt dawn l-artikoli fir-rigward ta' fondazzjoni benefiċjarja għandhom jinżammu fil-magħluq u ħadd ħlief il-partijiet f'dawk il-proċeduri, l-amministraturi, il-benefiċjarji, jekk jippruvaw li jkollhom interess fil-proċeduri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti, u l-avukati u l-prokuraturi legali rispettivi tagħhom ma jkun permess ikun fil-Qorti waqt is-seduti.

(2) Kull digriet jew sentenza tal-Qorti għandhom jipproteġu l-konfidenzjalità tal-proċeduri u għandhom jiżvelaw biss dawk il-fatti li jistgħu jkunu neċessarji biex jagħmluhom ċari u li jistgħu jiġu eżegwiti mill-partijiet u l-amministraturi.

(3) Kull rikors, risposta, affidavit, opinjoni, dikjarazzjoni jew dokument jew xiehda oħra għandhom jinżammu mir-Reġistratur tal-Qorti b'mod konfidenzjali u ma jistax jingħata aċċess għalihom ħlief bil-kunsens bil-miktub tal-Qorti.

(4) Meta informazzjoni, jew dokument jew informazzjoni fid-

dokument jitqiesu bħala konfidenzjali minn parti f'xi proċeduri għar-rigward ta' partijiet oħra fil-proċeduri, il-Qorti tkun tista' tisma' dik il-parti biss qabel ma tordna l-iżvelar jew mod ieħor ta' dik l-informazzjoni u jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-parti jew il-partijiet l-oħra fil-proċeduri m'għandhomx interess fl-informazzjoni kkunsidrata bħala konfidenzjali jew li ma għandha l-ebda importanza fil-materja diskussa fil-proċeduri, il-Qorti għandha tordna li dik l-informazzjon m'għandhiex tiġi żvelata fil-proċeduri.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għall-fondazzjonijiet benefiċjarji.

Regoli tal-Qorti. Kap. 12.

46. Il-Bord stabbilit skont l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel Regoli tal-Qorti li għandhom x'jaqsmu ma' rikorsi magħmulin taħt jew skont dan is-Sub-Titolu.

Tibdil ta' fondazzjonijiet fi *trusts* u viċi versa. *Emendat: XXXVI.2018.88.*

47. (1) Fondazzjoni tista' tiġi mibdula fi *trust* u *trust* jista' jiġi mibdul f'fondazzjoni:

(*a*) bil-kusens bil-miktub ta':

(i) it-*trustees* jew l-amministraturi kollha, kif ikun il-każ; u

(ii) il-benefiċjarji kollha li jkollhom interessi fissi taħt it-*trusts* jew li jkollhom drittijiet simili taħt il-fondazzjoni; u

(iii) kull persuna oħra maħtura fl-istrument tat-*trust* jew fl-att tal-fondazzjoni, kif ikun il-każ, li l-kunsens tagħha jista' jkun meħtieġ biex jittieħdu deċiżjonijiet importanti għar-rigward tal-attiv rilevanti; u

(*b*) billi jiġi eżegwit att tal-fondazzjoni jew strument ta' *trust* fil-forma xierqa u b'kontenut li jirrifletti eżattament l-intenzjonijiet tas-*settlor* tat-*trusts* jew tal-fundatur tal-fondazzjoni u d-drittijiet tal-benefiċjarji kif ikun il-każ.

(2) Meta fondazzjoni tinbidel fi *trust*, it-*trustees* tat-*trust* għandhom iħassru r-reġistrazzjoni tal-fondazzjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċievu l-kunsens meħtieġ fis-subartikolu ta' qabel dan u dan billi jibagħtu lir-Reġistratur avviż kif jista' jkun preskritt.

(3) Meta *trust* jinbidel f'fondazzjoni, l-amministraturi tal-fondazzjoni għandhom jeżegwixxu att pubbliku u jirreġistraw il-fondazzjoni fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċievu l-kunsens meħtieġ b'dan l-artikolu u dan billi jibagħtu lir-Reġistratur id-dokumenti meħtieġa b'din l-Iskeda.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis*:

(*a*) għall-konverżjoni ta' ċellula ta' fondazzjoni fi *trust*, sew jekk fir-rigward biss tal-assi ta' dik iċ-ċellula, jew

permezz tal-inkorporazzjoni tal-assi taċ-ċellula bħala patrimonju segregat taħt *trust* eżistenti; u

(*b*) għall-konverżjoni ta' *trust* jew parti segregata minnha, f'ċellula jew f'fondazzjoni multiċellulari.

Sub-Titolu III

Fuq Assoċjazzjonijiet

Assoċjazzjonijiet stabbiliti bħala organizzazzjonijiet għall-benefiċċju privat.
Emendat: XXXVI.2018.89.

48. (1) Meta tkun stabbilita għall-promozzjoni ta' benefiċċju privat, assoċjazzjoni ta' persuni għandha tkun regolata permezz tal-liġijiet speċjali msemmija f'dan is-subartikolu kif jista' jkun il-każ, abbażi tal-għanijiet u l-forma legali magħżula mill-promoturi tagħha, sew jekk reġistrata mar-Reġistratur u anke jekk le:

(*a*) bid-dispożizzjonijiet tat-Titolu X tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi li għandhom x'jaqsmu ma' soċjetajiet ċivili;

(*b*) bil-liġijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu ma' soċjetajiet kummerċjali;

(*ċ*) bil-liġijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu ma' professjonijiet partikolari;

(*d*) il-liġijiet speċjali relatati mal-*unions* u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem

(*e*) il-liġijiet speċjali relatati mal-kooperattivi;

(*f*) bid-dispożizzjonijiet ta' liġi speċjali, meta tkun qed tippromwovi benefiċċju privat inċidentali jew anċillari, għajr dawk imsemmija hawn qabel;

(*g*) meta ma jkunx hemm liġi oħra speċjali li hija applikabbli, id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu III "Fuq Assoċjazzjonijiet", ħlief dawk li jirregolaw l-organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku; jew

(*h*) meta għal xi raġuni jieqfu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi speċjali għal assoċjazzjoni li tibqa' teżisti, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(2) il-liġijiet speċjali msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jiġu supplimentati mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li japplikaw biss għal organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku f'forma ta' assoċjazzjonijiet:

Iżda fejn id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda ma jkunux konsistenti mal-liġijiet speċjali, għandhom jissuperaw il-liġijiet speċjali.

(3) Meta assoċjazzjoni tkun regolata skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1)(g) u irrispettivament minn jekk l-assoċjazzjoni tkunx irreġistrata jew le:

(*a*) id-dispożizzjonijiet tal-istatut għandhom, f'każ ta' inkonsistenza jissuperaw fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-Titolu III "Fuq Assoċjazzjonijiet" u d-dispożizzjonijiet applikabbli ta' din l-Iskeda, ħlief meta tali dispożizzjonijiet ikunu mandatorji;

(*b*) bla ħsara għall-benefiċċju tad-diskussjoni tal-assi tal-assoċjazzjoni, li għandu l-ewwel jiġi diskuss, kwalunkwe membru għandu jkun responsabbli fir-rigward ta' terzi persuni li magħhom l-assoċjazzjoni tkun daħlet fi ftehim, fi proporzjon li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu fil-profitti u fit-telf jew fi proporzjon li jikkorrispondi għall-benefiċċju tiegħu jew interessi oħra f'dik l-assoċjazzjoni, skont liema jkun l-ogħla, sakemm:

(i) ir-responsabbiltà tiegħu ma tkunx ġiet varjata f'xi kuntratt magħmul ma' terza persuna, liema kuntratt m'għandux jorbot membri oħra tal-assoċjazzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom; jew

(ii) dik ir-responsabbiltà ġiet eskluża jew limitata permezz ta' xi dispożizzjoni fil-liġi;

(*ċ*) meta s-sehem tal-profitti jew tat-telf, jew il-benefiċċju jew interessi oħra, ma jkunux determinati abbażi ta' proporzjon identifikat, ir-responsabbiltà tal-membru għandha tkun ibbażata fuq il-proporzjon li jkun jorbot mal-kontribuzzjoni monetarja tiegħu meta mqabbla mal-kontribuzzjonijiet tal-membri l-oħra.

Il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi (b) u (ċ) għandhom jiġu determinati abbażi ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fl-istatut u fin-nuqqas ta' tali dispożizzjonijiet, ir-responsabbiltà fir-rigward ta' terzi persuni għandha tinqasam b'mod ugwali bejn il-membri u kwalunkwe ftehim privat bejn il-membri m'għandux jaffettwa d-drittijiet ta' terzi persuni.

(4) Jekk kwalunkwe membru, għal xi raġuni, direttament jew indirettament, iħallas jew huwa soġġett għal responsabbiltà li hija akbar mis-sehem tiegħu proporzjonali kif stabbilit fis-subartikolu (3)(b) jew (ċ), dak il-membru għandu jkollu l-jedd li jdur kontra l-membri l-oħra poporzjonalment għas-sehem tagħhom, bla ħsara għal kwalunkwe ftehim fost il-membri jew għad-dispożizzjonijiet tal-istatut dwar dawn il-kwistjonijiet.

(5) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti dwar l-assoċjazzjonijiet li huma regolati permezz tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għall-governanza aħjar fir-rigward u għandu jkollu s-setgħa:

(*a*) li jestendi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ta' liġijiet speċjali li jirregolaw tipi oħra ta' assoċjazzjonijiet għal dawn l-assoċjazzjonijiet; u

(*b*) li jintroduċi regoli li japplikaw meta dawn l-assoċjazzjonijiet jiġu reġistrati mar-Reġistratur, liema regoli jistgħu jistabbilixxu prinċipji differenti minn dawk stabbiliti fis-subartikolu (3) għal tali assoċjazzjonijiet reġistrati; u

(*ċ*) li jintroduċi kwalunkwe regoli speċjali, inkluża r-responsabbiltà limitata għall-membri f'każijiet partikolari u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom din ir-responsabbiltà limitata tista' titgawda.

Assoċjazzjonijiet stabbiliti bħala organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku.
Miżjud: XXXVI.2018.90.
Emendata: XXV.2019.28.

48A. (1) Meta assoċjazzjoni tiġi stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, għandha tkun regolata bid-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu III "Fuq Assoċjazzjonijiet" u d-dispożizzjonijiet applikabbli ta' din l-Iskeda, bl-eċċezzjoni tal-artikolu 48.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-istatut ta' tali assoċjazzjoni għandhom, f'każ ta' inkonsistenza, jissuperaw fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-Titolu III "Fuq Assoċjazzjonijiet" u d-dispożizzjonijiet applikabbli għal din l-Iskeda, kemm-il darba ma jkunux mandatorji.

(3) Ir-regoli dwar ir-responsabbiltà tal-membri ta' tali assoċjazzjoni fir-rigward ta' partijiet terzi għandhom jiġu regolati:

(*a*) bl-artikolu 16 jekk l-assoċjazzjoni tkun irreġistrata mar-Reġistratur; u

(*b*) bl-artikolu 17 jekk l-assoċjazzjoni ma tkunx hekk irreġistrata.

(4) Meta jkun japplika, l-assoċjazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) għandhom ukoll ikunu regolati permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Kap. 492.

(5) F'każ li l-istatut tal-assoċjazzjoni, stabbilita bħala organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, ma jkunx fih dispożizzjonijiet relatati mal-emendi għal dak l-istatut, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jeżistu ċirkostanzi li jiġġustifikaw talba magħmula għal tali emendi fl-istatut, il-Qorti tista' tordna:

(*a*) kwalunkwe varjazzjoni jew żieda fl-istatut;

(*b*) kwalunkwe varjazzjoni fl-għanijiet li għalihom il-proprjetà tista' tintuża;

(*ċ*) kull varjazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni fl-istatut, kif jista' jkun meħtieġ għall-kisba effettiva tal-għanijiet tal-fondazzjoni jew l-amministrazzjoni tagħha; u

(*d*) kwalunkwe varjazzjoni għat-twettiq tal-organizzazzjoni mill-ġdid tal-istruttura tal-fondazzjoni, inkluża d-diviżjoni tagħha f'żewġ assoċjazzjonijiet jew aktar jew f'organizzazzjonijiet ġuridiċi ta' natura simili.".

(6) Il-Qorti m'għandhiex tapprova talba taħt is-subartikolu (5) kemm-il darba ma tkunx tal-opinjoni li dik l-emenda hija, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, konsistenti mal-ispirtu tal-intenzjoni tal-promotur.

(7) Kwalunkwe varjazzjoni approvata mill-Qorti, għandha tiġi implimentata permezz ta' emenda fl-istatut u l-amministraturi għandhom josservaw l-formalitajiet kif jista' jkun stabbilit fl-istatut, jekk ikun hemm, u fil-liġi applikabbli.

(8) Kwalunkwe rikors magħmul lill-Qorti taħt is-subartikolu (5) hawn qabel, jista' jsir mill-amministratur, minn kwalunkwe persuna li tingħata din is-setgħa fl-istatut jew mill-Avukat tal-Istat, skont il-każ.

(9) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32(8) għandhom japplikaw għall-assoċjazzjonijiet *mutatis mutandis*.

Għamla ta' u x'għandu jkun fih l-istatut. *Emendat: XXXVI.2018.91.*

49. (1) Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni għandu jkun bil-miktub, taħt piena ta' nullità.

(2) Biex l-assoċjazzjoni tkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni l-istatut għandu jsemmi dan li ġej:

(*a*) l-isem;

(*b*) l-indirizz reġistrat, f'Malta;

(*ċ*) (i) l-għanijiet jew l-objettivi tal-assoċjazzjoni; u

(ii) il-kategorija tal-assoċjazzjoni meta l-assoċjazzjoni hija assoċjazzjoni għall-benefiċċju pubbliku kif imfisser fl-artikolu 1(4);

(*d*) il-metodu jew il-proċess li bih tingħata sħubija fl-assoċjazzjoni lill-applikanti;

(*e*) x'inhi l-proċedura waqt laqgħat ġenerali;

(*f*) il-kompożizzjoni tal-bord tal-amministraturi u l-isem, il-kunjom, l-identifikazzjoni, il-passaport u n-numru ta' reġistrazzjoni kif applikabbli, in-nazzjonalità u r-residenza ordinarja tal-amministraturi;

(*g*) il-mod ta' kif l-amministraturi jiġu appuntati, eletti jew imneħħija mill-kariga;

(*h*) meta jkun hemm aktar minn bord jew kumitat wieħed skont l-istatut, l-istatut għandu jispeċifika liema bord jew kumitat għandu jkun il-bord tal-amministraturi;

(*i*) fil-każ ta' assoċjazzjoni, li l-amministraturi tagħha mhumiex residenti f'Malta,l-isem u l-indirizz ta' persuna residenti b'mod ordinarju f'Malta li tkun ġiet maħtura biex taġixxi bħala r-rappreżentant lokali tal-assoċjazzjoni f'Malta;

(*j*) it-tul ta' żmien li għalih ġiet stabbilita, jekk ikun hemm.

(*k*) meta l-kategorija tal-assoċjazzjoni hija l-benefiċċju pubbliku, dan għandu jiġu stabbilit b'mod espress fil-ftehim kostituttiv u fl-istatut tal-organizzazzjoni.

(3) Jekk ma jiġi speċifikat ebda terminu fl-istatut tal-assoċjazzjoni, dik l-assoċjazzjoni għandha titqies li hija għal perjodu indefinit.

(4) (*a*) L-istatut għandu jiġi ffirmat mill-persuni assoċjati u kull persuna li tissottoskrivi għall-istatut wara li tkun ġiet stabbilita l-assoċjazzjoni, titqies li tkun tat il-kunsens tagħha għad-dispożizzjonijiet kollha tal-istatut u għar-regoli kollha li jkunu ġew iddisseminati b'mod validu mill-assoċjazzjoni sa dik id-data. F'każ li aktar minn tliet persuni jkunu jixtiequ jistabbilixxu assoċjazzjoni, tista' ssir dikjarazzjoni dwar dan il-fatt fl-istatut u l-firma ta' tliet persuni f'isem il-membri kollha assoċjati, imsemmija fi skeda mal-istatut, għandha tkun biżżejjed biex tindika l-kunsens tal-persuni kollha msemmija.

(*b*) Meta assoċjazzjoni tkun qed tiġi stabbilita bħala assoċjazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, u tkun tinvolvi aktar minn tliet persuni bħala promoturi, il-firma ta' tliet persuni għandha tkun suffiċjenti sabiex tindika l-kunsens tal-membri l-oħra kollha assoċjati meta tiġi mwaqqfa.

(*ċ*) Dokument li jkun fih lista tal-membri l-oħra kollha assoċjati għandu jkun evidenza suffiċjenti tal-kunsens tagħhom u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, fir-rigward tal-persuni elenkati fid-dokument li jkun fih il-lista tal-membri kollha assoċjati, isimhom, kunjomhom u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, għandhom ikunu suffiċjenti. Dikjarazzjoni mit-tliet persuni li huma awtorizzati jaġixxu għan-nom tal-membri l-oħra kollha assoċjati għandha titniżżel taħt il-firma tagħhom.

(*d*) Meta tali assoċjazzjoni tiġi mwaqqfa permezz ta' att pubbliku, in-Nutar Pubbliku m'għandux ikun marbut jaċċerta li t-tliet persuni ġew awtorizzati mill-membri assoċjati sabiex jidhru fuq l-att, iżda għandu jiddependi fuq id-dokument preżentat lilu mit-tliet persuni li jkun fih lista tal-membri kollha assoċjati bħala evidenza tal-kunsens tagħhom. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, fir-rigward tal-persuni msemmija fid-dokument li fih il-lista tal-membri kollha assoċjati, isimhom, kunjomhom u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, għandhom ikunu suffiċjenti.

(*e*) In-Nutar Pubbliku li jirċievi kwalunkwe att li għalih jirreferi dan is-subartikolu għandu jniżżel fl-att ta' dikjarazzjoni mit-tliet persuni li huma awtorizzati mill-membri assoċjati sabiex iniżżlu isimhom, kunjomhom u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, fid-dokument imsemmi hawn qabel u n-Nutar Pubbliku għandu jwissi lit-tliet persuni dwar l-importanza tal-veraċità ta' dik id-dikjarazzjoni.

(*f*) Id-dokument għandu jiġi mehmuż mal-istatut mid-dikjaranti jew, jekk ikun stabbilit b'att pubbliku, mal-att pubbliku li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni.

(*g*) Kwalunkwe persuna msemmija bħala membru assoċjat fid-dokument kif imsemmi hawn qabel li tallega li ma awtorizzatx lit-tliet persuni sabiex jinkludu isimha, kunjomha u l-karta tal-identità, in-numru tal-passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, kif applikabbli, fid-dokument, għandha, fi żmien sittin (60) jum minn meta ssir taf dwar l-inklużjoni tagħha, tkun intitolata tirreġistra dikjarazzjoni f'dan is-sens fir-Reġistru tal-assoċjazzjoni u fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza bil-miktub li tkun turi xort'oħra li tista' tiġi preżentata f'każ ta' tilwima dwar din il-

kwistjoni, għandha titqies li qatt ma kienet membru assoċjata.

(5) Il-kunsens bil-miktub tal-amministraturi msemmija fl-istatut biex jaġixxu bħala amministraturi tal-assoċjazzjoni għandu jintbagħat lir-Reġistratur qabel ir-reġistrazzjoni ta' kull assoċjazzjoni.

Għanijiet. *Emendat: XXXVI.2018.92.*

50. (1) L-istatut ta' assoċjazzjoni għandu jispeċifika għan b'mod ċar.

(2) L-attiv ta' assoċjazzjoni jista' joriġina minn kull negozju jew attività legali u jista' jikkonsisti f'attiv preżenti jew futur ta' kull xorta.

(3) In-nuqqas li jiġi speċifikat għan iġib ir-riżultat tan-nullità tal-ftehim u r-Reġistratur m'għandux jaċċetta li jirreġistra assoċjazzjoni bħal dik sa meta l-għan ikun iċċarat u ma jibqax ambigwu.

(4) Il-membri ta' assoċjazzjoni jistgħu jżidu mal-għan li għat-twettiq tiegħu l-assoċjazzjoni kienet originarjament ġiet maħluqa, billi jestenduh biex ikopri dawk l-għanijiet l-oħra ta' xorta simili kif ikun stabbilit b'mod ċar fit-tieni strument bil-miktub li jkunu taw il-kunsens għalih dak in-numru ta' membri li jkun meħtieġ biex jiġi emendat l-istatut.

(5) Assoċjazzjoni għall-benefiċċju pubbliku ma jistax ikollha l-għan tagħha mibdul jew estiż għal għanijiet oħra li ma jkunux ukoll skopijiet għall-benefiċċju pubbliku u assoċjazzjoni li ma tagħmilx profitt ma tistax tibdel l-istatut tagħha għal organizzazzjoni li tippromwovi interess privat.

(6) Restrizzjoni fuq in-numru ta' membri li tkun proporzjonata mar-riżorsi fiżiċi u riżorsi oħra tal-assoċjazzjoni minn żmien għal żmien jew l-eżistenza ta' kumitat dwar is-sħubija bis-setgħa li jaċċetta jew jirrifjuta membri ġodda f'assoċjazzjoni ma għandux, waħdu, jimplika li dik l-assoċjazzjoni tkun waħda għal benefiċċju privat.

Reġistrazzjoni ta' assoċjazzjonijiet. *Emendat: XXXVI.2018.93.*

51. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(3), l-assoċjazzjonijiet kollha għandhom ikunu eliġibbli sabiex jirreġistraw taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

(2) Għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' assoċjazzjoni kopja awtentika tal-istrument kostituttiv għandha tintbagħat lil u tiġi ffajljata mar-Reġistratur mill-amministraturi.

(3) Meta assoċjazzjoni tinħoloq b'att pubbliku kopja awtentika tal-att tista' tinbagħat mill-amministraturi previsti f'dak l-att (meta jkunu aċċettaw li jaġixxu bħala amministraturi) jew min-Nutar li jippubblika dak l-att u tkun biżżejjed il-konsenja minn xi ħadd minnhom.

(4) Id-dokument imsemmi fl-artikolu 49(4) relatat ma' membri oħra assoċjati, meta dan ikun il-każ, għandu wkoll fil-waqt tat-twaqqif, jiġi kkonsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(5) L-isem, il-kunjom u l-karta tal-identità jew passaport jew numru ta' reġistrazzjoni, jekk applikabbli, ta' kull persuna li tingħaqad mal-assoċjazzjoni bħala membru wara li din tkun ġiet stabbilita u, jew reġistrata, għandhom jiddaħħlu f'reġistru tal-membri li għandu jiġi aġġornat b'mod regolari. Għandu wkoll jinżamm rekord tal-persuni li jitilqu mill-assoċjazzjoni fl-imsemmi reġistru tal-membri.

(6) Dan ir-reġistru tal-membri m'għandux ikun reġistrat mar-Reġistratur iżda dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kwalunkwe persuna, bla ħsara għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti, u għad-dritt tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja, u għad-dritt tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji fil-każ ta' entitajiet li huma regolati jew li jidhru li jkunu qed iwettqu attivitajiet regolati li għalihom hi l-awtorità kompetenti taħt il-liġi applikabbli, sabiex jitolbu informazzjoni dwar membri li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.

(7) Minkejja s-subartikolu preċedenti, fil-każ ta' organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku f'forma ta' assoċjazzjoni:

(*a*) jekk din tkun reġistrata mar-Reġistratur, ir-reġistru tal-membri jista' jiġi reġistrat mir-Reġistratur f'kull ħin, hekk kif issir talba bil-miktub mill-amministraturi u għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fil-każijiet kollha;

(*b*) ir-reġistru tal-membri għandu dejjem ikun aċċessibbli għal kwalunkwe membru.

(8) Hekk kif ir-Reġistratur jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikoli (2) jew (3) flimkien mal-formoli stabbiliti u kwalunkwe annessi meħtieġa, ir-Reġistratur għandu jirreġistra l-assoċjazzjoni jekk ikun sodisfatt li d-dispożizzjonijiet kollha ta' dan is-Sub-Titolu jkunu ntlaħqu.

Laqgħat ġenerali.

52. (1) Għandha tissejjaħ laqgħa ġenerali għall-membri kollha għallinqas darba kull sena. F'din il-laqgħa għandhom jiġu ppreżentati u diskussi r-rapport annwali u l-kontijiet tal-assoċjazzjoni kif approvati mill-amministraturi, kif ukoll ir-rapport tal-awdituri jew reviżuri.

(2) Jistgħu jissejħu laqgħat oħra mill-amministraturi kull darba li jikkunsidraw li dan ikun meħtieġ, jew meta jkollhom talba bil-miktub iffirmata minn għallinqas għaxra fil-mija tal-membri. Jekk l-amministraturi jonqsu milli jsejħu laqgħa meta jkunu ġew hekk mitluba, il-Qorti tista' tordna li ssir il-laqgħa u għandha tiddikjara l-ħin u l-post tal-laqgħa li jkun jorbot fuq l-amministraturi.

(3) Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fl-istatut, fil-laqgħat tal-membri d-deċiżjonijiet jittieħdu bil-maġġoranza ta' dawk preżenti fil-laqgħa ħlief li:

(*a*) meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar emendi għall-istatut dawk id-deċiżjonijiet għandhom ikunu appoġġjati

minn wieħed u ħamsin fil-mija tal-membri reġistrati fuq il-bażi ta' vot wieħed għal kull membru;

(*b*) meta jittieħdu deċiżjonijiet biex tintemm l-assoċjazzjoni jew biex l-attiv kollu tagħha jingħata lil organizzazzjoni oħra, dik id-deċiżjoni għandha tkun appoġġjata minn għallinqas ħamsa u sebgħin fil-mija tal-membri kollha; u

(*ċ*) meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' kontijiet jew ħwejjeġ li jinvolvu r-rwol jew ir-responsabbiltajiet tal-amministraturi, l-amministraturi ma jkollhomx jedd għal vot.

(4) Il-membri jistgħu jaħtru prokuraturi biex jattendu laqgħa ġenerali f'isimhom u dak il-prokuratur ikollu d-dritt jivvota b'żieda mal-vot tiegħu stess jekk ikun membru.

(5) Meta xi membri jużaw id-dritt tagħhom li jitolbu li ssir laqgħa skont dan l-artikolu, l-amministraturi jew l-assoċjazzjoni ma jistgħux jikkanċellaw, jirtiraw jew mod ieħor jillimitaw jew inaqssu d-drittijiet ta' dawk il-membri sa wara li ssir l-laqgħa mitluba.

Amministraturi. *Emendat: XXXVI.2018.94.*

53. (1) Sakemm ma jkunx mod ieħor dikjarat jew implikat bl-istatut, għandu jkun mifhum li l-amministraturi għandhom ikunu membri tal-organizzazzjoni ħlief fil-każ meta l-amministraturi huma impjegati taħt kuntratt ta' impieg.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-amministraturi tal-assoċjazzjonijiet, ħlief kif hawnhekk stabbilit.

(3) Assoċjazzjoni stabbilita għall-promozzjoni ta' benefiċċju privat tista' tiġi amministrata minn amministratur wieħed biss u dak l-amministratur jista' wkoll ikun organizzazzjoni ġuridika reġistrata, bil-kundizzjoni li dik l-organizzazzjoni ġuridika jkollha minn tal-inqas amministratur wieħed fil-kariga.

(4) Fil-każ ta' assoċjazzjoni għall-benefiċċju privat, l-amministraturi tal-assoċjazzjoni jistgħu jiġu maħtura bi kwalunkwe mod, sew permezz ta' avviż bil-miktub minn kwalunkwe membru jew klassifikazzjoni ta' membri, permezz ta' elezzjonijiet minn fost il-membri, permezz ta' ħatra fil-kariga mill-amministraturi jew xort'oħra kif l-istatut jista' jistabbilixxi u għal kwalunkwe perjodu jew funzjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) għal ħatriet indefiniti.

(5) Fil-każ ta' assoċjazzjoni għall-benefiċċju pubbliku għandhom japplikaw l-istess regoli iżda minkejja d-dispożizzjonijiet tal-istatut:

(*a*) il-maġġoranza tal-amministraturi għandha tiġi maħtura permezz ta' elezzjonijiet fost il-membri fil-laqgħa ġenerali, ħlief meta kull wieħed mill-membri, jew kull waħda mill-klassifikazzjonijiet tal-membri jingħataw id-dritt li jaħtru jew ineħħu amministratur, jew meta

japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6); u

(*b*) għandu jkun meħtieġ li l-maġġoranza tal-amministraturi tkun soġġetta għall-konferma permezz tal-laqgħa ġenerali tal-membri minn tal-inqas darba kull ħames (5) snin:

Iżda meta japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), dawk l-amministraturi li jiġu maħtura b'mod indefinit m'għandhomx ikunu soġġetti għall-konferma.

(6) Meta amministratur jiġi maħtur b'mod indefinit, dik il-ħatra timplika s-setgħa tal-laqgħa ġenerali li tneħħi lil dak l-amministratur f'kull waqt jekk tqis li ma jkunx kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa jew taħt l-artikolu 9:

Iżda f'każ ta' diżgwit dwar kwalunkwe kwistjoni msemmija f'dan l-artikolu, l-amministratur li jkun maħtur b'mod indefinit jista' jitlob lill-Qorti sabiex toħroġ dawk l-ordnijiet kif jidhrilha li huma xierqa wara li tkun semgħet lill-persuni rilevanti.

Membri.
Emendat: XXXVI.2018.95.

54. (1) Huma membri ta' assoċjazzjonijiet dawk il-persuni li:

(*a*) jissottoskrivu għall-għanijiet tal-assoċjazzjoni;

(*b*) jilħqu l-istatus personali jew il-kwalifiki għal sħubija kif stabbiliti fl-istatut;

(*ċ*) jipprovdu d-dettalji meħtieġa għal sħubija;

(*d*) iħallsu l-miżata li tista' tkun applikabbli jew mod ieħor iwettqu dawk il-kondizzjonijiet dwar parteċipazzjoni kif jistgħu jkunu meħtieġa bl-istatut jew b'regoli tal-organizzazzjoni; u

(*e*) huma mod ieħor aċċettati mill-kumitat dwar is-sħubija jew minn kumitat awtorizzat mil-laqgħa ġenerali tal-membri biex jaċċetta membri ġodda, jekk ikun hemm.

(2) Kull persuna li tkun membru ta' assoċjazzjoni tkun libera li titlaq mill-assoċjazzjoni u dak il-membru ma jistax jiġi soġġettat għal xi responsabbiltà, ħlief għal miżati mhux imħallsa, meta jitlaq mill-assoċjazzjoni:

Iżda f'assoċjazzjoni li ma tkunx reġistrata, meta membru jitlaq mill-assoċjazzjoni, dan ma jaffettwax ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-liġi li tkun tapplika għall-perjodu li fih dik il-persuna kienet membru, iżda ma jkunx responsabbli rigward kull attività tal-assoċjazzjoni wara dak iż-żmien.

(3) Jekk in-numru ta' membri li jħallsu jinżel għal anqas minn tlieta u fil-każ ta' assoċjazzjoni li tista' tiġi stabbilita bejn żewġ persuni skont l-artikolu 27, jinżel għal anqas minn tnejn, l-amministraturi għandhom jipproċedu b'sejħa bil-miktub lill-membri għall-ħlas tal-miżati, u jinfurmawhom li n-nuqqas ta' ħlas ser iwassal għal terminazzjoni skont dan l-artikolu, u meta jiskadi dak il-perjodu bl-istralċ tal-assoċjazzjoni taħt din l-Iskeda.

(4) Kull proċedura ta' tkeċċija fi statut, ħlief għal nuqqas li

jitħallsu l-miżati jew li jiġu osservati kondizzjonijiet purament formali oħra ta' sħubija, għandha taħseb għal:

(*a*) in-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' persuni b'interess f'tilwima, fid-deċiżjoni għat-tkeċċija;

(*b*) id-dritt tal-membru, li tiegħu qed tintalab it-tkeċċija, li jagħmel sottomissjonijiet lill-persuni li għandhom is-setgħa li jiddeċiedu.

(5) Jekk fl-istatut ta' assoċjazzjoni ma jkunux previsti l-proċeduri msemmija fis-subartikolu (4), l-amministraturi għandhom jimplimentaw proċedura li tirrispetta r-regoli msemmija fis-subartikolu ta' qabel dan:

Iżda meta l-amministraturi ta' organizzazzjoni huma involuti fit-tilwima u ma jistgħux isibu membri indipendenti biex jiġġudikaw fuq mozzjoni ta' tkeċċija, għandu jsir rinviju lill-Qorti dwar din il-kwistjoni.

(6) Is-sħubija ta' persuna f'organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku stabbilita bħala assoċjazzjoni mhux trasferibbli, lanqas ma tista' tintiret. Il-membri ma jistax ikollhom drittijiet patrimonjali għall-assi ta' tali assoċjazzjoni ħlief kif awtorizzat taħt l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji u mhumiex intitolati għal xi kumpens mal-irtitar jew espulsjoni jew mal-istralċ tal-assoċjazzjoni.

Dotazzjonijiet. *Sostitwit: XXXVI.2018.96.*

55. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 34 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dotazzjonijiet addizzjonali jew ġodda, għal organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku stabbiliti bħala assoċjazzjonijiet:

Iżda d-dotazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-aċċettazzjoni bil-miktub tal-amministraturi jew kif mitlub xort'oħra mill-istatut u dik id-dotazzjoni, meta tiġi aċċettata, għandha timplika li l-konċedent sar membru tal-organizzazzjoni, sakemm ma jkunx ġie miftiehem b'mod espress, jew l-istatut ma jkunx jipprovdi xort'oħra fir-rigward tad-dotazzjonijiet, bl-istess drittijiet u obbligazzjonijiet u mill-bqija skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

(2) Il-miżati tas-sħubija mhumiex dotazzjonijiet u m'għandhomx jiġu ttrattati bħala tali, lanqas ma jistgħu jiġu rimborsati ħlief kif stabbilit b'mod espress fl-istatut.

(3) Meta assoċjazzjoni għandha benefiċċju privat, id-dotazzjonijiet il-ġodda jew addizzjonali jitqiesu ġeneralment bħala kontribuzzjonijiet għall-kapital tal-assoċjazzjoni u għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(*a*) dotazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kunsens tal-amministraturi jew kif jitlob xort'oħra l-istatut;

(*b*) meta dotazzjoni tiġi aċċettata għandha tistabbilixxi kontribuzzjoni favur l-assoċjazzjoni u favur il-konċedent li minn hemm 'il quddiem għandu jsir membru, u jekk ikun diġà membru tal-assoċjazzjoni, dik il-kontribuzzjoni għandha titqies bħala dotazzjoni addizzjonali għad-dotazzjoni inizjali tiegħu;

(*ċ*) kemm-il darba ma jkunx miftiehem jew stabbilit xort'oħra fl-istatut jew jekk is-suġġett ma jkunx indirizzat fi kwalunkwe ftehim jew statut, għandu jiġi preżunt li l-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu abbażi tal-proporzjonalità tad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet kollha fi ħdan l-organizzazzjoni;

(*d*) l-istatut jista' jirregola u jistabbilixxi regoli, li jistgħu jkunu msejsa fuq prinċipji ħlief għall-proporzjonalità, abbażi tal-kwistjonijiet segwenti:

(i) id-drittijiet tal-membri meta mqabbla mal-kontribuzzjonijiet tagħhom b'konnessjoni mal-votazzjoni, qsim fi profitti u telf u parteċipazzjoni fil-kapital max-xoljiment;

(ii) il-parteċipazzjoni fil-ġestjoni tal-organizzazzjoni u d-drittijiet sabiex wieħed jiġi maħtur u elett jew sabiex jaħtar u jeleġġi l-amministraturi;

(iii) bla ħsara għad-drittijiet ta' terzi persuni protetti, il-mod li bih il-kontribuzzjonijiet tal-membri jistgħu jiġu rtirati jew xort'oħra mħallsa lura lilhom.

Terminazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.97.*

56. (1) Assoċjazzjoni għandha teżisti sakemm tiġi tterminata skont id-dispożizzjonijiet tal-istatut tagħha jew skont it-termini ta' dan it-Titolu sakemm il-membri, wara li jkunu ingħataw mill-amministraturi avviż bil-miktub ta' terminazzjoni fi żmien tletin ġurnata, ma jemendawx l-istatut biex jistabbilixxu għanijiet oħra li għalihom tista' tiġi dedikata l-proprjetà tal-assoċjazzjoni.

(2) It-terminazzjoni ta' assoċjazzjoni ma taffettwax jew tagħmel mhux validi atti legali li jkunu diġà saru jew twaqqaf atti legali li jkunu qed isiru. It-terminazzjoni lanqas ma għandha taffettwa rabtiet legali li jkunu saru u ma jkunux għadhom ġew sodisfatti. It-terminazzjoni għandha tiġi sospiża sa meta l-amministraturi jiċċertifikaw lir-Reġistratur li r-rabtiet legali kollha jkunu ġew sodisfatti.

(3) Fil-każ ta' organizzazzjonijiet għall-benefiċċju pubbliku stabbiliti bħala assoċjazzjonijiet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-istatut, kwalunkwe assi għandhom mat-terminazzjoni jiġu mogħtija jew distribwiti mill-amministraturi għan-nom tal-assoċjazzjoni -

(*a*) lill-ewwel fundatur, jekk il-fundatur huwa organizzazzjoni oħra għall-benefiċċju pubbliku;

(*b*) jekk il-paragrafu (a) ma japplikax, lil organizzazzjoni oħra għall-benefiċċju pubbliku bl-istess għanijiet jew karatteristiċi jew b'għanijiet jew karatteristiċi simili, jew fin-nuqqas, lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra bi skop soċjali jew pubbliku:

Iżda meta l-għanijiet huma l-avvanz tar-reliġjon jew it-twettiq ta' vokazzjoni reliġjuża jew hemm indikazzjonijiet fid-dotazzjoni oriġinali li din kienet intiża għal organizzazzjoni reliġjuża, lil kwalunkwe fondazzjoni pija jew entità ekkleżjastika, u

f'dan il-każ tad-denominazzjoni adegwata;

(ċ) lill-Gvern ta' Malta jekk l-għanijiet ikunu għall-benefiċċju pubbliku ġenerali jew utilità pubblika ġenerali, meta l-Gvern ikun ta lill-assoċjazzjoni parti sostanzjali mill-assi tagħha, kif jistgħu jiddeċiedu l-amministraturi jew il-membri fil-laqgħa ġenerali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 52(3)(b).

(4) Fil-każ ta' assoċjazzjonijiet stabbiliti għal għadd ta' għanijiet, li huma parzjalment għal benefiċċju privat u parzjalment għal skop soċjali jew skop pubbliku, l-assi għandhom jitħallsu lil membri b'mod li l-assi li jirriflettu l-benefiċċju privat tal-membri, għandhom jitħallsu lil membri u l-assi rimanenti għandhom jitqassmu skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), kif jista' jiġi approvat mill-Ministru skont l-artikolu 52(3)(b), u f'każ ta' nuqqas ta' qbil, kif jista' jiġi dirett mill-Qorti.

(5) It-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni ma tfissirx it-terminazzjoni tal-assoċjazzjoni li tibda sseħħ biss bid-deċiżjoni espressa għal dak il-għan mill-membri skont id-dispożizzjonijiet ta' l-istatut tal-assoċjazzjoni jew, f'każijiet oħra ta' terminazzjoni, kif previst f'din l-Iskeda.

TITOLU IV

FUQ L-ISTRALĊ TA' ORGANIZZAZZJONIJIET

Terminazzjoni ta' reġistrazzjoni.

57. (1) Organizzazzjoni tista' titlob it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħha permezz ta' talba bil-miktub iffirmata mill-amministraturi kollha tagħha jew kif ikun mod ieħor meħtieġ bl-istatut tagħha, u waqt li tagħti rendikont tal-kontijiet, tiddikjara l-attiv u l-passiv tal-organizzazzjoni u tiddikjara x'għandu jsir minnhom meta tiġi terminata r-reġistrazzjoni.

(2) It-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni ma timplikax l-istralċ ta' organizzazzjoni. Organizzazzjonijiet jistgħu jkomplu bħala organizzazzjonijiet mhux reġistrati bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli rilevanti ta' din l-Iskeda.

(3) Kull parti interessata jew kull awtorità kompetenti tista', skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, tagħmel rikors lill-Qorti biex tiġi terminata r-reġistrazzjoni u, jew biex tintemm l-organizzazzjoni.

(4) It-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni ta' organizzazzjoni b'ordni tal-Qorti, fuq il-bażi ta' raġunijiet li jimplikaw li l-organizzazzjoni ma tistax tkompli topera, għandha tinkludi ordni tal-Qorti li teħtieġ it-temm ta' dik l-organizzazzjoni bħala persuna ġurdika u bħala organizzazzjoni. F'każ bħal dan dik l-organizzazzjoni ma tistax tkompli teżisti bħala organizzazzjoni mhux reġistrata.

Stralċ. *Emendat: XXXVI.2018.98.*

58. (1) Mingħajr ħsara għal xi liġi speċjali li tirregola l-forma jew l-għan tal-organizzazzjoni, organizzazzjoni tista' tiġi xolta volontarjament jew b'ordni tal-Qorti.

(2) F'dan is-Sub-Titolu, il-kelma "organizzazzjoni" tinkludi kemm organizzazzjonijiet li huma reġistrati kif ukoll dawk li

mhumiex.

Stralċ volontarju. *Emendat: XXXVI.2018.99.*

59. (1) Organizzazzjoni tiġi stralċjata volontarjament billi jiġu segwiti l-proċeduri stabbiliti fl-istatut tal-organizzazzjoni. Sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor, l-istralċ ta' organizzazzjoni jeħtieġ l-appoġġ tal-maġġoranza tal-membri kollha, fil-każ ta' assoċjazzjoni, u tal-maġġoranza tal-amministraturi kollha, fil-każ ta' fondazzjoni:

Iżda r-rappreżentant lokali jista' wkoll ixolji l-organizzazzjoni jekk ma jkun irċieva ebda forma ta' notifika minn kwalunkwe amministratur għal perjodu li jeċċedi erbgħa u għoxrin (24) xahar konsekuttivi.

(2) Kopja ċertifikata tar-riżoluzzjoni dwar l-istralċ għandha tintbagħat lir-Reġistratur fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tgħaddi dik ir-riżoluzzjoni.

(3) Organizzazzjoni ma tistax tiġi stralċjata ħlief jekk l-attiv tagħha jeċċedi l-passiv tagħha jew l-attiv tagħha ġie eżawrit u d-djun kollha jkunu ġew mħallsin. L-amministraturi għandhom jħejju skema ta' distribuzzjoni tal-attiv li jibqa' tal-organizzazzjoni li għandu jiġi notifikat lir-Reġistratur u lil kull parti interessata. L-istralċ jeħtieġ l-approvazzjoni tal-membri, jew fil-każ ta' fondazzjonijiet, tal-fundatur jew tal-benefiċjarji, kif ikun il-każ, jew fl-assenza tagħhom tar-Reġistratur, qabel ma jiġi implimentat.

(4) Ladarba l-iskema ta' distribuzzjoni tiġi approvata, l-amministraturi għandhom jipproċedu għall-ħlas tal-assi rimanenti tal-organizzazzjoni skont l-istess skema ta' distribuzzjoni.

Disponiment ta' l-assi meta jsir stralċ. *Emendat: XXXVI.2018.100.*

60. (1) Fl-assenza ta' dikjarazzjoni ċara fl-istatut ta' organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku, dwar kif għandu jsir disponiment tal-attiv mat-terminazzjoni tal-organizzazzjoni, l-amministraturi jistgħu jagħmlu rikors biex jingħataw direttivi u għandhom jiddisponu mill-attiv kif jiġu ordnati mill-Qorti.

(2) Fil-każ tax-xoljiment u tal-istralċ ta' organizzazzjoni stabbilita għal benefiċċju privat u fin-nuqqas ta' indikazzjoni fl-istatut dwar kif l-assi għandhom jiġu distribwiti f'każ ta' stralċ, l-assi għandhom jitħallsu lill-benefiċjarji jew membri, jew lill-fundaturi jew promoturi jew l-eredi tagħhom fil-liġi wara l-ħlas tal-ispejjeż kollha, kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti wara li tkun semgħet il-proposti tal-amministraturi, fundaturi jew promoturi jekk ikunu ħajjin, il-benefiċjarji jew il-membri u kwalunkwe partijiet oħra interessati, filwaqt li tingħata importanza għall-intenzjonijiet tal-fundatur.

Xoljiment u stralċ meta jiskadi l-perjodu ta' żmien, eċċ.

61. L-amministraturi ta' organizzazzjoni għandhom ixolju u jistralċjaw organizzazzjoni meta l-perjodu li għalih tkun ġiet maħluqa, jekk ikun hemm, jiskadi jew jekk ikun intlaħaq l-għan tagħha jew ikun sar impossibbli li jintlaħaq. Il-fundatur jew il-membri jistgħu jemendaw l-istatut f'kull ħin, ukoll wara dik il-ġrajja, biex jeliminaw ir-raġuni għax-xoljiment kif imfissra b'dan l-artikolu, f'liema każ kull deċiżjoni tal-amministraturi u kull proċedura dwar ix-xoljiment għandhom jitwaqqfu u ma jkollhom l-ebda effett.

Emendat: XXXVI.2018.101; XXXIX.2020.24.

62. (1) Organizzazzjoni għandha tiġi stralċjata b'ordni tal-Qorti, wara rikors minn xi parti interessata, għal raġunijiet validi bil-liġi skont l-istatut tagħha jew din l-Iskeda.

(2) Il-Qorti tista' tordna l-istralċ ta' organizzazzjoni wara rikors għal dan il-għan jekk jidhrilha li hu meħtieġ fl-interess pubbliku jew jekk mhumiex qed jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda jew ta' xi liġijiet oħra u l-Qorti tkkunsidra li s-sitwazzjoni tkun daqshekk gravi li teħtieġ ordni bħal dik, għax ir-rimedji ordinarji għall-ksur tal-liġijiet ma jkunux biżżejjed fiċ-ċirkostanzi.

(3) Fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B, is-setgħa li jintalab l-istralċ skont dan l-artikolu tista' tiġi eżerċitata wkoll mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(4) Fil-każ ta' organizzazzjoni għall-benefiċċju pubbliku li tagħmel ġabriet pubbliċi, is-setgħa li jintalab l-istralċ skont dan l-artikolu tiġi eżerċitata minn kull membru tal-pubbliku.

Appell.

63. Il-Qorti għandha tispjega b'mod ċar ir-raġunijiet għal kull ordni mogħtija taħt l-artikolu ta' qabel dan u l-passi li għandhom jittieħdu rigward l-attiv kollu ta' xi organizzazzjoni rilevanti, inkluża l-ħatra ta' likwidatur għal organizzazzjoni bħal dik. L-amministraturi u kull persuna interessata jkunu jistgħu jappellaw lill-Qorti tal-Appell fi żmien ħmistax-il ġurnata minn ordni bħal dik.

Stralċ minħabba f'insolvenza jew diffikultajiet serji oħra.
Emendat: XXXVI.2018.102; XXXIX.2020.25.

64. (1) Jekk organizzazzjoni ssir insolventi jew tkun għaddejja minn diffikultajiet serji li jimpedixxu lill-organizzazzjoni milli topera u tilħaq l-għanijiet tagħha, l-amministraturi għandhom iwaqqfu l-operazzjonijiet u għandhom javżaw lir-Reġistratur li għandu minnufih jikkopera mal-amministraturi biex jaħtar likwidatur biex isir l-istralċ fl-interess tal-krediturі, il-promoturi jew il-benefiċjarji tal-organizzazzjoni u l-organizzazzjoni nnifisha.

(2) F'dan it-Titolu "insolvenza" tfisser l-inkapaċità li tħallas id-djun tagħha meta dawn ikunu dovuti u għal tliet xhur wara li dejn ikun ġie kanonizzat b'sentenza u ammess jew jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-organizzazzjoni ma tistax tħallas id-djun tagħha, meta jitqiesu l-attiv u l-passiv tagħha, inkluż passiv kontinġenti u prospettiv.

(3) Jekk l-organizzazzjoni ma jkollhiex amministraturi għal aktar minn sitt xhur u ma jiġux maħtura persuni xierqa mill-Qorti wara rikors minn xi persuna interessata, ir-Reġistratur għandu jipproċedi biex jitlob mill-Qorti ordni għall-istralċ tal-organizzazzjoni u biex jinħatar likwidatur. Fil-każ ta' fondazzjoni ta' interess privat kif imfissra fl-artikolu 31B din is-setgħa li jsir rikors lill-Qorti tkun vestita wkoll fl-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(4) Meta ssir ordni bħal din, il-likwidatur għandu jassumi l-attiv kollu tal-organizzazzjoni u għandu javża lill-krediturі kollha, jekk ikun meħtieġ permezz ta' avviżi pubbliċi, u għandu jipprova jsib soluzzjonijiet xierqa għal kull kwistjoni li tista' tinqala'. Il-

likwidatur ikollu s-setgħa li jiddisponi minn kull attiv u jħallas id-djun kollha, waqt li josserva l-preċedenza tal-krediturikif previst fil-liġi meta jagħmel ħlasijiet lill-krediturI.

(5) Il-likwidatur għandu jikkonsulta lill-Qorti li għandha tagħti direttivi minn żmien għal żmien għat-temm ta' tilwimiet u d-distribuzzjoni tal-attiv. Il-likwidatur u kull kreditur jistgħu jagħmlu rikors lill-Qorti f'kull ħin għal ordnijiet fil-likwidazzjoni. Il-Qorti jkollha s-segħa li tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xieraq.

(6) L-istess regoli għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* f'kazijiet fejn organizzazzjonijiet jinsabu li qegħdin joperaw illegalment jew ġew abbandunati u r-Reġistratur ma jkunx jista' jikseb il-koperazzjoni tal-amministraturi jew ta' persuni oħra interessati biex isir l-istralċ formali tal-organizzazzjoni.

Tħassir ta' reġistrazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.103.*

65. Meta jirċievi dikjarazzjoni mill-amministraturi jew mil-likwidaturi jew meta jkun mod ieħor sodisfatt li l-attiv kollu jkun ġie eżawrit kif meħtieġ bil-liġi u li l-attiv kollu jkun ġie mqassam skont l-iskema ta' tqassim approvata, ir-Reġistratur għandu jħassar ir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni li b'hekk titħassar mir-Reġistru titħassar mir-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi u l-organizzazzjoni tieqaf teżisti minn hemm 'il quddiem.

Seħħ mill-ġdid ta' reġistrazzjoni. *Emendat: XXXVI.2018.104.*

66. Jekk jirriżulta li l-attiv jew il-passiv ta' organizzazzjoni li tkun ġiet imħassra ma kienx ġie determinat, ittrattat, imħallas jew mod ieħor likwidat, il-Qorti jkollha, fuq talba ta' kwalunkwe fundatur, tal-aħħar amministraturi li jkunu servew jew kwalunkwe membru, s-setgħat kollha meħtieġa biex terġa' ġġib fis-seħħ l-organizzazzjoni u kull ċellula tagħha, għall-għan biss li jiġi determinat u ttrattat jew imħallsa jew likwidati dawk l-assi jew il-passiv.

Effetti tal-istralċ fuq gruppi ta' organizzazzjonijiet u ċelluli.

67. L-istralċ ta' organizzazzjoni m'għandux jaffettwa t-tkomplija tal-validità jew l-effett ta' organizzazzjoni oħra stabbilita minnha. F'każ bħal dan ir-rwol tal-organizzazzjoni fundatriċi, jekk ikun hemm, għandu jitwettaq mis-suċċessur tal-organizzazzjoni fit-titolu jew minn dik il-persuna jew persuni li jistgħu jiġu maħtura mill-Qorti. Biex tiġi stralċjata organizzazzjoni, kull ċellula segregata li tista' tkun teżisti għandha tiġi stralċjata qabel ma jsir l-istralċ tal-organizzazzjoni.

Kumpanniji li ma joperawx *Miżjud: XXXVI.2018.105.*

68. (1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni motivata sabiex jemmen li organizzazzjoni reġistrata ma tkunx qed topera, jista' jibgħat ittra bil-posta, biex jara jekk l-organizzazzjoni hux qed topera.

(2) Jekk ir-Reġistratur jiġi nnotifikat bl-ittra msemmija fis-subartikolu (1), fis-sens li l-organizzazzjoni mhux qed topera, jew ma jkunx irċieva, fi żmien tliet (3) xhur minn meta jkun bagħat tali ittra, dik l-informazzjoni mingħand xi amministratur jew xi membru ieħor f'każ ta' assoċjazzjoni, għandu jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum li, mal-iskadenza ta' tliet xhur mid-data tal-aħħar pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż, l-organizzazzjoni, sakemm ir-Reġistratur ma jkunx sodisfatt li ġiet murija kawża kuntrarja u li hemm raġunijiet suffiċjenti li l-organizzazzjoni ma waqfitx milli topera, tkun ser titħassar mir-Reġistru, u l-assi rimanenti tal-organizzazzjoni għandhom jgħaddu

skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut jew fin-nuqqas ta' tali statut, skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, kif jiġri jekk ikun hemm xoljiment.

(3) Jekk xi kreditur jew kwalunkwe parti oħra interessata li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-organizzazzjoni ġie mħassar mir-Reġistru abbażi ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq applikazzjoni magħmula minn tali kreditur jew xi parti oħra interessata qabel l-iskadenza ta' ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż għat-tħassir imsemmi fis-subartikolu (2) tista', jekk tkun sodisfatta li hemm raġunijiet suffiċjenti għar-revoka tal-ordni tar-Reġistratur għat-tħassir tal-organizzazzjoni, tordna li tali isem jerġa' jiddaħħal fir-Reġistru, u hekk kif issir il-kunsinna tal-kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati, lir-Reġistratur, l-organizzazzjoni għandha titqies li kompliet teżisti daqslikieku isimha qatt ma tħassar.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-Qorti tista' tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li tqis li huma adegwati sabiex tpoġġi lill-organizzazzjoni u lill-partijiet kollha interessati fl-istess pożizzjoni, kif kienu qabel ma l-isem tal-organizzazzjoni ġie mħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' avviż fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum li jitqassam biss jew prinċipalment f'Malta, fis-sens li l-isem tal-organizzazzjoni reġa' ddaħħal fir-Reġistru.

(5) Minkejja t-tħassir ta' isem l-organizzazzjoni minn fuq ir-Reġistru skont it-termini tad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, ir-responsabbiltà, jekk ikun hemm, ta' kull promotur, fundatur, amministratur, membru tal-organizzazzjoni, għandha tibqa' u tista' tiġi infurzata daqslikieku isem l-organizzazzjoni ma ġiex imħassar mir-Reġistru.

Dispożizzjoni tranżitorja. *Emendat: XXXIX.2020.26.*

69. L-emendi għal din l-Iskeda introdotti permezz tal-Att XXXVI tal-2018, li jeħtieġu li jsiru dikjarazzjonijiet fl-istrument kostituttiv jew l-istatut tal-organizzazzjoni, li ma kinux meħtieġa qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att imsemmi hawn qabel, m'għandhomx jorbtu fuq dawk l-organizzazzjonijiet li kienu diġà jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jintroduċu dawn id-dikjarazzjonijiet fl-istrument kostituttiv jew fl-istatut biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Att XXXVI tal-2018. fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ tal-Att XXXVI tal-2018.

Kap. 492.

IT-TIELET SKEDA

Miżjuda: X.2009.37. Emendata: A.L. 426 tal-2012.

Kirjiet ta' fondi urbani/djar ta' abitazzjoni u fondi kummerċjali.

Illum,

Bil-preżenti skrittura privata qed jidhru minn naħa l-waħda ..... bin ..... u ..... neè ..... imwieled ..... u residenti ..... dokument ta' identifikazzjoni legalment validu bin-numru ..... hawn iżjed 'l isfel imsejjaħ is-sid.

U min-naħa l-oħra ..... bin ..... u ..... neè ..... imwieled ..... u residenti ..... dokument ta' identifikazzjoni legalment validu bin-numru ..... hawn iżjed 'l isfel imsejjaħ l-inkwilin.

U bis-saħħa ta' din l-iskrittura il-partijiet qegħdin jiftehmu dwar is-segwenti:

a. Is-sid qiegħed jagħti b'titolu ta' kera lill-inkwilin u bl-istess titolu ta' kera qed jaċċetta l-fond ..... .

b. L-inkwilin jista juża l-fond mikri bħala ..... .

ċ. Din il-kirja qed issir għal żmien ..... li jibda għaddej mill-..... .

d. Il-partijiet jaqblu li din il-kera fi tmiemha ma tistax tiġġedded /tista' tiġġedded bis-segwenti mod: ..... .

e. Din il-kirja qed issir versu l-kera ta' ..... li jitħallas kull ..... bil-quddiem/b'lura.

Dispożizzjonijiet transitorji - Att X tal-2009, kif emendat bl-Att V.2009.19:

Dispożizzjonijiet transitorji.

39. (1) Il-kirjiet li kienu fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, li jkunu għadhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010, jibqgħu jiġu regolati mil-liġijiet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, minbarra għal dak li jinsab fid-dispożizzjonijiet tat-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, kif emendat b'dan l-Att kif ukoll bir-regolamenti magħmula in forza tal-emendi introdotti b'dan l-Att.

(2) Il-kirjiet li saru wara l-bidu fis-seħħ tal-Att tal-1995 li Jemenda l-Ligijiet dwar il-Kiri ta' Djar, u li jkunu għadhom fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2010, jibqgħu jiġu regolati bid-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi safejn ma jkunux milqutin mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, kif emendat b'dan l-Att.

(3) B'dan illi fejn b'dan l-Att ġew miżjuda għall-inkwilin obbligi ġodda li qabel l-1 ta' Ġunju, 2008 ma kienux jinkombu fuqu, in-nuqqas li jwettaq dawk l-obbligi qabel l-1 ta' Jannar 2010 ma jista' bl-ebda mod jesponi lill-inkwilin għal xi danni jew konsegwenzi avversi oħra bħal ma hija azzjoni għat-temm tal-kirja.

(4) Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratt ta' Kiri, għandhom japplikaw ukoll għall-kirjiet ta' fondi urbani fejn kuntratti ta' ċens jew sub-ċens ikunu fi tmiemhom ġew jew għad iridu jiġu mibdula f'kera bis-saħħa tal-liġi:

Kap. 158.

Iżda fil-każ ta' kirjiet kostitwiti permezz tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, id-dispożizzjonijiet ta' dik l-Ordinanza li jiddefinixxu min hu l-inkwilin u d-dispożizzjonijiet li jipprovdu għat-trasferiment tal-kirja wara l-mewt tal-inkwilin għandhom jibqgħu japplikaw minkejja d-dispożizzjoniijet hawn qabel imsemmija tal-Kodiċi Ċivili.

(4A) Mill-ewwel ħlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar, 2010 iż-żieda fil-kera minħabba fl-inflazzjoni ta' djar ta' abitazzjoni li huma suġġetti għal kera li tinħoloq bl-artikoli 5, 12 jew 12A tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 5(3)(*ċ*) u 12(2)(*i*) tal-imsemmija Ordinanza, tkun irregolata esklussivament bl-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili.

Kap. 158.
Kap. 16.

Kap. 69.

(5) Il-Bord tal-Kera maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, għandu jkollu ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu kemm fondi kummerċjali kif ukoll fondi residenzjali. B'dan iżda li kawżi li

jirrigwardaw kuntratt ta' kiri li fl-1 ta' Jannar, 2010 ikunu pendenti quddiem Qrati jew Tribunali oħra għandhom jibqgħu trattati mill-istess Qrati jew Tribunali.

(6) Ebda ħaġa li tinsab f'din il-liġi u fil-Kodiċi Ċivili kif emendat b'dan l-Att m'għandha titqies li tnaqqas mis-setgħat li jappartjenu lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali, l-Awtorità tad-Djar, jew kull persuna oħra li teżerċita awtorità pubblika minħabba fil-kariga tagħha bis-saħħa tal-Att dwar id-Djar jew bis-saħħa tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar. Kap. 125. Kap. 261.

(7) Mingħajr preġudizzju għal dak li jingħad fil-Kodiċi Ċivili kif emendat b'dan l-Att, it-tiġdid ta' kera wara l-1 ta' Ġunju, 1995, jew wara dik id-data (sew jekk dak it-tiġdid ikun wieħed konvenzjonali, legali, konswetudinarju jew xort'oħra) ma għandux jitqies li jkun kiri li ġie miftiehem fl-1 ta' Ġunju, 1995 jew wara dik id-data u t-tiġdid ta' kiri fl-1 ta' Jannar, 2010 jew wara dik id-data (sew jekk dak it-tiġdid ikun wieħed konvenzjonali, legali, konswetudinarju jew xort'oħra) ma għandux jitqies li jkun kiri li ġie miftiehem fl-1 ta' Jannar, 2010, jew wara dik id-data:

Iżda biex jiġi evitat d-dubju, f'dan is-subartikolu u fl-artikolu 16 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, kif ikun il-każ, il-kliem "it-tiġdid ta' kera wara l-1 ta' Ġunju, 1995" għandhom jinftiehmu bħala li jagħmlu referenza biss għal kera li jibda qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u imġedded wara dik id-data, u l-kliem "it-tiġdid ta' kera wara l-1 ta' Jannar, 2010 jew wara dik id-data" għandhom jinftiehmu bħala li jagħmlu referenza biss għal kera li jibda qabel l-1 ta' Jannar, 2010 u mġedded wara dik id-data. Kap. 158.

(8) Ħlief kif il-Ministru responsabbli għall-akkomodazzjoni jista' b'regolamenti jipprovdi xort'oħra, ebda ħaġa f'dan l-Att m'għandha teffettwa t-tħaddim ta':

(*a*) l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi; Kap. 88.

(*b*) l-Att dwar id-Djar; Kap. 125.

(*ċ*) l-Att dwar l-Iżgumbrament ta' Artijiet tal-Gvern; u Kap. 268.

(*d*) l-artikolu 8 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini. Kap. 69.

kif kienu fis-seħħ minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(9) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-kirjiet fejn il-Gvern huwa s-sid jew l-inkwilin.

IR-RABA' SKEDA*

Miżjuda: XXV.2016.5.

Titolu I

PRELIMINARI

TIFSIRIET, PRESERVAZZJONI TA' JEDDIJIET PRIVATI

1. F'din l-Iskeda: Tifsiriet.

"permess amministrattiv" tinkludi liċenzi, permessi, konċessjonijiet, awtorizzazzjonijiet jew *encroachments*, gratifikazzjonijiet li jsiru taħt titolu ta' tolleranza jew titolu ieħor prekarju u kull liċenza oħra li tista' tinħareġ mill-Gvern skont regolamenti li jistgħu jsiru minn żmien għal żmien, u dipartimenti jew entitajiet differenti fi ħdan it-tifsira "Gvern" għandhom jiġu trattati bħala persuni distinti;

---

* ara wkoll id-dispożizzjonijiet transitorji riportati minnufih wara din l-Iskeda.

"il-Kodiċi" tfisser id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili minbarra din l-Iskeda;

"data magħżula" għandha tkun id-data tal-bidu fis-seħħ ta' din l-Iskeda;

"il-Gvern" għandha tinkludi d-dipartimenti u l-aġenziji kollha tal-Gvern, il-kunsilli lokali kollha, l-awtoritajiet u korporazzjonijiet statutorji kollha u l-organizzazzjonijiet kollha kontrollati mill-Gvern;

"art", għall finijiet ta' din l-Iskeda, għandha tinkludi l-qiegħ tal-baħar u s-saff taħt il-wiċċ tal-ħamrija;

"jeddijiet privati" huma dawk it-titoli jew jeddijiet li jinħolqu taħt xi liġi jew ftehim u li, jekk huma soġġetti għar-reġistrazzjoni jew preservazzjoni skont liġi li tapplika, jiġu hekk reġistrati jew preservati bil-mod u fiż-żmien meħtieġ bil-liġi li tapplika;

"data rilevanti" tfisser l-1 ta' Lulju, 2016;

"reġistru rilevanti" tfisser ir-Reġistru Pubbliku jew ir-Reġistru tal-Artijiet jew xi reġistru ieħor li jkun hemm minflokhom;

"liġi speċjali" tfisser Atti tal-Parlament jew regolamenti u Atti oħra li jikkostitwixxu liġi ħlief id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi li jittrattaw materji partikolari li huma rilevanti għal xi dispożizzjoni ta' din l-Iskeda.

Jeddijiet privati eżistenti.

2. (1) Art fid-demanju pubbliku li hi soġġetta għal jeddijiet privati, bis-saħħa ta' liġijiet promulgati qabel id-data rilevanti, għandha tkompli tkun soġġetta għat-termini u l-kondizzjonijiet ta' dawk il-liġijiet jew ftehim sa dik id-data, jekk ikun hemm, li fiha dik il-art tiġi akkwistata libera minn dawk il-jeddijiet privati.

(2) Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jaffettwa jeddijiet privati fuq artijiet fid-demanju pubbliku ħlief u sal-limitu li:

(*a*) meta l-art ġiet akkwistata mingħand il-Gvern jew mod ieħor, din kienet soġġetta għal riservi espressament dikjarati; jew

(*b*) l-art hi soġġetta għal restrizzjonijiet impliċiti raġjonevoli fir-rigward tal-użu jew it-tgawdija tagħha li huma attribwibbli għan-natura tagħha speċifika ta' demanju pubbliku u għall-klassifikazzjoni tagħha taħt kwalunkwe pjan, strategija jew skeda maħruġa taħt xi liġi li minn żmien għal żmien tirregola l-ippjanar tal-iżvilupp:

Iżda, biex jitneħħa kull dubju, it-tgawdija ta' jeddijiet privati għandha tkompli sseħħ kompletament u tkun soġġetta biss għal limitazzjonijiet raġjonevoli li jinħolqu min-natura ta' demanju pubbliku tal-art partikolari, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari, l-użu u l-funzjonijiet tagħha u l-utilità pubblika li dik l-art tipprovdi; jew

(*ċ*) bis-saħħa tal-kunsens tas-sid, sakemm ma jiġix irtirat, l-art saret disponibbli għal utilità pubblika; jew

(*d*) il-liġi, kif kienet qabel id-data rilevanti, hekk tipprovdi; jew

(*e*) l-art ingħatat mill-Gvern b'termini ta' sempliċi *encroachment* u tali konċessjoni tkun skadiet jew ġiet irtirata.

(3) Jeddijiet privati mogħtija mill-Gvern permezz ta' strument bil-miktub qabel id-data rilevanti għandhom ikunu regolati skont it-termini ta' dak l-istrument u l-liġi li tapplika u kull limitazzjoni fuq il-kapaċità tal-Gvern li jagħmel dik l-għotja minħabba fin-natura ta' demanju pubbliku tas-suġġett ma għandhiex taffettwa l-validità ta' dak l-istrument.

(4) Bla ħsara għas-subartikolu (3), xejn f'din l-Iskeda ma għandu jopera hekk li:

(*a*) jagħti jew jirrikonoxxi jeddijiet privati fuq art fid-demanju pubbliku lil xi persuna li, fid-data rilevanti, ma għandhiex titolu validu u eżegwibbli, pussess jew xi jeddijiet oħra fuq art fid-demanju pubbliku;

(*b*) ikollu effett fuq id-dritt tal-Gvern li jsegwi r-rimedji legali kollha, jew uħud minnhom, u, jew li jeżerċita s-setgħat kollha tiegħu, jew uħud minnhom, taħt il-liġi eżistenti fir-rigward ta' xi persuna li tippretendi xi jedd fuq art fid-demanju pubbliku, meta dik il-pretensjoni mhix rikonoxxuta bħala valida mill-Gvern;

(*ċ*) jaffettwa l-operat tal-artikoli 2114 u 2115(2) tal-Kodiċi fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabilità tad-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni fuq beni li huma *extra commercium* jew fir-rigward ta' drittijiet ta' jew azzjonijiet min-naħa tal-Gvern.

(5) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li art privata ma tkunx fid-demanju pubbliku sakemm ma tkunx proprjetà tat-tip imsemmi fl-artikolu 4(1) jew tkun soġġetta għal Riżoluzzjoni dwar ir-Demanju Pubbliku kif imfisser fl-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda.

(6) Jekk l-eżerċizzju kontinwat ta' jeddijiet privati, hekk kif preservati b'dan l-artikolu, joħloq periklu materjali fuq art fid-demanju pubbliku kif intqal qabel jew fejn l-eżerċizzju ta' dawn il-jeddijiet hu materjalment konfliġġenti mal-prinċipji stabbiliti f'din l-Iskeda għal dak li għandu x'jaqsam mal-użu ta' dik l-art u l-preservazzjoni futura tagħha, minbarra li jeżegwixxi kull ftehim jew liġi li tapplika f'dak ir-rigward, il-Gvern ikollu d-dritt li jitlob li ssir emenda għal kull għotja, konċessjoni jew ftehim ieħor biex jiżgura li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda.

Minkejja l-patti ta' xi ftehim, il-qorti jkollha d-dritt li toħroġ ordnijiet, kif ikun xieraq, fuq l-użu u l-preservazzjoni futura tal-proprjetà inkwistjoni sa meta jibqa' fis-seħħ il-ftehim.

Titolu II

FUQ BENI LI HUMA TAL-GVERN PROPRJETÀ PUBBLIKA U DEMANJU PUBBLIKU

Suppożizzjonijiet.

3. (1) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li beni tal-Gvern huma proprjetà pubblika.

(2) Għandu jkun hemm is-suppożizzjoni li beni li huma fid-

demanju pubbliku huma tal-Gvern sakemm ma jkunux ta' sidien privati.

(3) Beni jiġu kkunsidrati li huma fid-demanju pubbliku jekk:

(*a*) huma tat-tip imsemmi fl-artikolu 4(1) ta' din l-Iskeda; jew

(*b*) wara d-data rilevanti, ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda, u, fejn ikun possibbli, huma reġistrati skont liġi li tapplika.

(4) Il-beni, u l-frottijiet u aċċessorji tagħhom, li huma tal-Gvern u li jistgħu jkunu soġġetti għal dikjarazzjoni li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku, huma dawn li ġejjin:

(*a*) kanali, akwedotti, għadajjar, spieri naturali u widien;

(*b*) portijiet jew partijiet minnhom;

(*ċ*) triqat pubbliċi, pjazez pubbliċi, it-triqat, trejqiet u sqaqien kollha u rotot ta' aċċess, tkun xi tkun id-deskrizzjoni tagħhom, lejn postijiet pubbliċi oħra, inklużi dawk li jwasslu għall-perimetru tal-kosta jew żoni dikjarati li huma fid-demanju pubbliku skont din l-Iskeda;

(*d*) imsaġar, parki u żoni oħra ta' importanza ekoloġika jew ambjentali;

(*e*) siti ta' importanza kulturali, soċjali jew storika inklużi swar, fortifikazzjonijiet u strutturi oħra bħalhom;

(*f*) żoni li jaqdu bżonnijiet ta' sigurtà nazzjonali, bħalma huma ajruporti;

(*g*) il-kampanja inkluż kull irdum li ma jiffurmax parti mill-perimetru tal-kosta;

(*h*) *res sacrae*, *res sanctae* u *res religiosae*;

(*i*) beni mobbli li għandhom importanza kulturali, soċjali, arkeoloġika, artistika, ekoloġika, ambjentali jew storika, inklużi kollezzjonijiet f'mużewijiet, galleriji tal-arti, arkivji u libreriji; u

(*j*) b'mod ġenerali, beni li huma tal-Gvern li direttament u immedjatament jaqdu utilità pubblika u kollettiva jew li għandhom jiġu preservati għal ġenerazzjonijiet futuri minħabba fin-natura tagħhom pubblika, in-natura tagħhom komuni soċjali, storika jew kulturali, l-importanza ambjentali jew l-importanza naturali jew strateġika.

(5) Kull dikjarazzjoni kif imsemmi għandha tkun soġġetta għal kull jedd privat li jista' jkun jeżisti fuq l-imsemmija proprjetà.

(6) Il-proprjetà tat-tip imsemmi fil-paragrafi (*a*), (*d*), (*e*) u (*g*) li tkun proprjetà privata tista' wkoll tkun soġġetta għal dikjarazzjoni li tifforma parti mid-demanju pubbliku.

Titolu III

FUQ ID-DEMANJU PUBBLIKU

Beni fid-demanju pubbliku.

4. (1) Il-beni li ġejjin, u l-frottijiet u l-aċċessorji tagħhom, għandhom jitqiesu bħala proprjetà fid-demanju pubbliku bis-saħħa ta' din l-Iskeda u mingħajr il-bżonn ta' ebda dikjarazzjoni, reġistrazzjoni jew formalità oħra:

(*a*) il-perimetru tal-kosta;

(*b*) l-ibħra interni bħalma huma bajjiet, xtajtiet u żoni oħra li jinsabu bejn il-perimetru tal-kosta u l-linji bażi li minnhom jitqiesu l-ibħra territorjali u l-qiegħ tal-baħar relattiv u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat u l-kolonna tal-ilma u l-ispazju tal-ajru fuqhom, sakemm ma jkunux portijiet; u

(*ċ*) il-qiegħ tal-baħar u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat li jinsabu taħt l-ibħra territorjali lil hinn mil-linji bażi li minnhom jitqiesu l-ibħra territorjali u l-qiegħ tal-baħar relattiv u s-saff taħt il-wiċċ tal-blat u l-kolonna tal-ilma u l-ispazju tal-ajru fuqhom.

(2) (i) Il-Kunsill Eżekuttiv kif stabbilit taħt l-Att tal-2016 għall-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jipprepara rapport fuq bażi annwali fejn jindika dawk is-siti li ġew proposti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet, Membri tal-Parlament jew NGOs li l-Kunsill ikun qies xierqa li jkunu ddikjarati bħala demanju pubbliku in konformi mal-artikolu 3 tas-sub-titolu II ta' dan l-Att:

Iżda qabel it-tlestija ta' tali rapport il-Kunsill Eżekuttiv għandu jwettaq proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

(ii) Ir-rapport għandu mbagħad jiġi ppreżentat lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet, li min-naħa tiegħu jrid jippreżenta tali rapport fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati sal-15 ta' Settembru ta' kull sena.

(iii) Il-Ministru għandu jara li r-rapport jiġi mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn xahar minn meta jkun irċevih.

(iv) L-I*speaker* tal-Kamra għandu jirreferi r-rapport lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għall-konsiderazzjoni u l-kummenti tiegħu.

(v) Ir-rapport tal-Kumitat Permanenti għandu mbagħad jintbagħat lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet li għandu jippreżenta Riżoluzzjoni dwar id-demanju pubbliku lill-Kamra tad-Deputati, għall-konsiderazzjoni tagħha, fir-rigward ta' dawk is-siti li jkunu hekk rakkomandati mill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(3) Kull Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku għandu, bħala minimu:

(*a*) jidentifika l-proprjetà, il-frottijiet u l-aċċessorji tagħha;

(*b*) jidentifika s-setgħat tal-Gvern jew titoli jew jeddijiet

ta' terzi li ser ikomplu jitgawdew fuq il-beni inkwistjoni, u l-mod li bih għandhom jiġu eżerċitati jew jitgawdew, minkejja dik id-dikjarazzjoni;

(*ċ*) jidentifika liġijiet speċjali jew dispożizzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm, li jirrestrinġu l-aċċess pubbliku jew it-tgawdija ta' dik il-proprjetà skont din l-Iskeda, u li ser ikomplu japplikaw għal dik il-proprjetà minkejja d-dikjarazzjoni; u

(*d*) fejn ikun applikabbli, ikun hemm mehmuża miegħu pjanta jew mappa ġenerali, ibbażata fuq il-mappa uffiċjali tar-Reġistru tal-Artijiet, li tidentifika l-proprjetà u l-aċċessorji li huma affettwati b'dik id-dikjarazzjoni.

(4) Ir-Riżoluzzjonijiet dwar id-Demanju Pubbliku kollha għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn mill-approvazzjoni tagħhom mill-Kamra tad-Deputati.

(5) Bla ħsara għal jeddijiet privati u l-konċessjonijiet li jistgħu jkunu validament eżistenti, beni fid-demanju pubbliku li jkunu tal-Gvern għandhom ikunu *extra commercium* sakemm ma jiġux deklassifikati skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI ta' din l-Iskeda, f'liema każ ma jibqgħux jiġu trattati bħala beni *extra commercium* iżda biss sal-limitu u għall-finijiet imsemmija fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni rilevanti:

Iżda beni li jkunu ġew dikjarati li jaqgħu taħt id-demanju pubbliku permezz ta' Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku u li huma proprjetà privata ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li huma *extra commercium* u jistgħu jkomplu jkunu soġġetti għal operazzjonijiet skont il-Kodiċi jew kull liġi oħra li tapplika wkoll jekk ma jkunux ġew deklassifikati.

(6) Beni fid-demanju pubbliku li huma tal-Gvern li jkunu ġew deklassifikati kif previst f'din l-Iskeda jistgħu jkunu soġġetti għal konċessjoinijiet jew jeddijiet privati skont din l-Iskeda.

(7) L-akkwist ta' xi jedd minn xi interess privat ta' xi beni tal-Gvern fid-demanju pubbliku li ma jkunux ġew deklassifikati, ħlief permezz ta' konċessjoni taħt l-artikolu 7 ta' din l-Iskeda, ikun *ipso jure* null u bla effett.

(8) Beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal obbligi tad-demanju pubbliku, ukoll meta jkunu ġew deklassifikati, u l-ebda persuna li takkwista ma tista' tiddikjara bona fidi sabiex takkwista l-beni liberi minn dawk l-obbligi.

(9) L-azzjonijiet u r-rimedji għall-pubbliku ġenerali għandhom ikunu biss dawk li huma previsti taħt id-dritt pubbliku.

(10) L-obbligu prinċipali, li jinġarr minn sid ta' beni fid-demanju pubbliku, kemm jekk il-Gvern jew organizzazzjoni volontarja jew interess privat ikun is-sid ta' dawk il-beni, hu li jippreserva s-sustanza tagħhom kemm fir-rigward tal-materja kif ukoll rigward il-forma tagħhom.

(11) Bla ħsara għal kull jedd privat fuqhom, jew kif ikun

espressament dikjarat mod ieħor f'Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, beni fid-demanju pubbliku li huma tal-Gvern iġorru wkoll piż li hu l-utilità li tinkiseb mill-pubbliku ġenerali u li tgawdi minnha kull persuna abbażi ta' tolleranza. L-utilità pubblika tinkludi jeddijiet kollettivi bħalma huma aċċess pubbliku, użu, tgawdija pubblika tal-frottijiet u aċċessorji, faċilitazzjoni għall-ħtiġiet tal-kummerċ, transitu u komunikazzjoni jew rikreazzjoni u kull użu ieħor u bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmulin minn żmien għal żmien li jeħtieġu li beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal dak il-piż.

(12) Bla ħsara għal kull jedd fuqhom, jew kif ikun espressament dikjarat mod ieħor f'Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, xejn fis-subartikoli ta' qabel dan ma għandu jinftiehem li xi persuna tista' fi jew fuq xi art fid-demanju pubbliku:

(*a*) issuq jew tirkeb fuq xi vettura ħlief fuq dawk il-passaġġi li ma jagħmlux ħsara lil dik il-proprjetà;

(*b*) tqabbad xi nar jew tagħmel xi ħaġa li x'aktarx tikkawża nirien;

(*ċ*) xjentement tagħmel ħsara lil xi ħaġa fuqha jew fiha;

(*d*) xjentement tagħmel ħsara, tneħħi jew teqred xi pjanta, arbuxell, siġra jew għerq jew xi parti minnhom;

(*e*) twaħħal jew tikteb xi reklam, bord fejn jitwaħħlu reklami, avviż ma' ħitan jew avviż ieħor;

(*f*) tiddepożita xi skart jew tħalli xi ħmieġ warajha;

(*g*) tieħu sehem f'aġir irvellat, diżordinat jew indeċenti; jew

(*h*) xjentement tiddisturba, iddejjaq jew tostakola xi persuna li tkun qed tieħu sehem f'attività legali.

(13) Sakemm ma jkunx kuntrarju għal-liġi jew id-destinazzojni dikjarata jew viżibbli tal-beni fid-demanju pubbliku ma tippermettix li dan isir, jew ikun mod ieħor projbit mill-Gvern skont il-liġi, beni tal-Gvern, jew il-frottijiet u aċċessorji tagħhom, jistgħu jintużaw jew issir tgawdija minnhom, b'tolleranza, f'dak l-ammont li hu meħtieġ għall-użu jew konsum personali ta' individwu. Fejn liġijiet speċjali jkunu jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Gvern, ukoll għall-użu personali jew it-tgawdija ta' beni fid-demanju pubbliku, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkun kondizzjoni għall-użu pubbliku u t-tgawdija pubblika.

(14) B'żjieda ma' xi drittijiet jew setgħat li jista' jkollu taħt xi liġi, liċenza, kuntratt jew mod ieħor, il-Gvern jista' jintavola kull azzjoni ċivili jew amministrattiva kontra kull persuna li tagħmel ħsara, jew bl-aġir tagħha x'aktarx tagħmel ħsara, lil beni fid-demanju pubbliku.

Reġistrazzjoni ta' jeddijiet privati fuq beni fid-demanju pubbliku.

5. (1) Meta beni fid-demanju pubbliku kif imfisser f'din l-Iskeda huma soġġetti għal jeddijiet privati, dawk il-beni għandhom jibqgħu fid-demanju pubbliku u jiġu soġġetti b'mod ġenerali għall-piż ta' obbligi ta' demanju pubbliku li jinħolqu min-natura

tagħhom stess, limitati b'dawk il-jeddijiet privati b'mod li jkunu konsistenti man-natura tagħhom u bla ħsara għal xi liġi li tkun tapplika.

(2) Kull persuna li tgawdi minn titolu eżistenti jew jedd fuq art fid-demanju pubbliku għandha tirreġistra dak it-titolu jew jedd fir-rigward tal-art speċifika konformement ma', u soġġetta għal, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett, qabel ma jgħaddu għaxar snin -

Kap. 56.
Kap. 296.

(*a*) mid-data msemmija fir-rigward ta' proprjetà li hemm referenza għaliha fl-artikolu 4(1); jew

(*b*) mid-data li fiha Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti fir-rigward ta' art specifika,

u dik ir-reġistrazzjoni tkun bla ħsara għad-dritt tal-Gvern u ta' kull persuna oħra li jista' jkollha interess li jikkontestaw dak it-titolu jew dritt skont it-termini ta' xi liġi li tapplika.

(3) Kull persuna li takkwista titoli jew jeddijiet fuq beni fid-demanju pubbliku wara li tkun saret deklassifikazzjoni, għandha tirreġistra dak it-titolu jew jedd skont, u bla ħsara għal, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett fil-perjodu preskritt mil-liġi.

Kap. 56.
Kap. 296.

Titolu IV

TRASFERIMENT TA' BENI FID-DEMANJU PUBBLIKU

Trasferiment ta' beni fid-demanju pubbliku.

6. (1) Minbarra li għandhom jiġu osservati l-ħtiġiet stabbiliti b'din l-Iskeda fir-rigward ta' deklassifikazzjoni, id-disponiment ta' beni li jiffurmaw parti mid-demanju pubbliku għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern jew regolamenti magħmulin taħtu.

Kap. 268.

(2) Il-fraži "trasferiment" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha bl-imsemmi Att u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att għandhom japplikaw għad-demanju pubbliku *mutatis mutandis*.

Titolu V

KONĊESSJONIJIET U GĦOTJIET TA' DEMANJU PUBBLIKU

Permessi amministrattivi fir-rigward ta' beni fid-demanju pubbliku.

7. (1) Il-Gvern jista' jagħti drittijiet fuq beni fid-demanju pubbliku b'permess amministrattiv, bil-kondizzjoni li dawk il-beni għandhom jintużaw b'mod konsistenti man-natura tagħhom.

(2) Ma jkunx meħtieġ li beni fid-demanju pubbliku jiġu deklassifikati sabiex ikunu l-oġġett ta' permess amministrattiv.

(3) Bla ħsara għal termini jew kondizzjonijiet aktar dettaljati li jistgħu jkunu preskritti b'regolamenti magħmulin mill-Prim Ministru minn żmien għal żmien fir-rigward ta' permessi amministrattivi, meta permess amministrattiv jirreferi għal beni fid-demanju pubbliku, minkejja kull dispożizzjoni kuntrarja li jkun hemm f'xi ftehim, dik l-għotja għandha tkun:

(*a*) personali għal min jirċeviha u ma tistax tiġi assenjata u lanqas ma tista' tinqasam, u meta l-għotja ssir lil organizzazzjoni legali jew lil *trust* li jkollhom azzjonisti jew benefiċjarji, kif ikun il-każ, dawk l-azzjonisti jew benefiċjarji jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet flimkien mal-organizzazzjoni legali jew *trust* matul iż-żmien li tibqa' fis-seħħ l-għotja;

(*b*) revokabbli mill-awtorità li tagħmel l-għotja b'avviż bil-miktub;

(*ċ*) soġġetta għal obbligi u kondizzjonijiet ta' demanju pubbliku kif imfisser f'din l-Iskeda; u

(*d*) inizjalment mogħtija għal mhux aktar minn għaxar snin, u meta tiġi mġedda, it-tiġdid isir għal mhux aktar minn għaxar snin kull darba:

Iżda meta l-għotja mill-Gvern issir lil organizzazzjoni volontarja reġistrata li l-għanijiet tagħha jirriflettu l-istess prinċipji ta' din l-Iskeda fir-rigward tal-mod kif tiġi amministrata proprjetà fid-demanju pubbliku, il-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel jistgħu jiġu modifikati jew rinunzjati.

(4) Permessi amministrattivi li jagħtu drittijiet fuq id-demanju pubbiku għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti jekk il-perjodu tas-seħħ tagħhom ikun iżjed minn sentejn. Dik ir-reġistrazzjoni ma għandhiex tagħti lil min jirċievi l-għotja drittijiet ta' sjieda jew ta' pussess u d-drittijiet jibqgħu kif dikjarati fis-subartikolu ta' qabel dan u f'kull liġi li tkun tapplika.

Għotjiet legali lil interessi privati fuq beni fid-demanju pubbliku.

8. (1) Bla ħsara għal kull għotja li ssir skont xi liġi speċjali li tista' espressament timmodifika l-kondizzjonijiet speċifikati hawn aktar 'il quddiem, meta beni fid-demanju pubbliku jkunu soġġetti għal għotja mill-Gvern lil interessi privati, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza li d-deklassifikazzjoni għandha tkun għal perjodu indefinit, minħabba fil-fatt li dik id-deklassifikazzjoni tkun evidentement irriversibbli, l-għotja għandha tkun għal perjodu speċifikat li ma jeċċedix mitt sena u għandha tkun, kemm jista' jkun:

(i) proporzjonata għall-interess jew benefiċċju li għandu jinkiseb mill-pubbliku ġenerali u għall-perjodu ta' żmien li matulu dak l-interess jew benefiċċju fil-fatt jibqa' jseħħ;

(ii) suffiċjenti biex taqdi l-użu awtorizzat;

(iii) proporzjonata b'mod invers sal-limitu li għalih il-pubbliku ġenerali jkollu aċċess u użu ristrett, hekk li aktar ma tkun kbira r-restrizzjoni fuq l-użu pubbliku, anqas għandu jkun il-perjodu ta' żmien; u

(iv) proporzjonata b'mod invers għad-diżordni tal-funzjoni pubblika li l-beni kienu jservu, hekk li

aktar ma jkun kbir id-diżordni għall-funzjoni pubblika, anqas għandu jkun il-perjodu ta' żmien;

u f'kull każ ma għandhiex tkun għal perjodu aktar minn dak li għalih il-beni ġew deklassifikati;

(*b*) l-għan tal-għotja u l-użu sussegwenti tal-beni għandu jkun esklussivament dak li għalih il-beni ġew deklassifikati;

(*ċ*) jekk ikun raġonevolment possibbli, għandhom jiġu provduti alternattivi xierqa lill-pubbliku ġenerali li jkun ġie privat mill-beni li qabel kien juża u jgawdi;

(*d*) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza d-deklassifikazzjoni għal perjodu indefinit minħabba fl-irriversibilità evidenti tagħha, kull kostruzzjoni, titjib jew alterazzjoni li ssir fuq beni fid-demanju pubbliku għandhom jitneħħew meta jagħlaq il-perjodu, sakemm il-Gvern ma japprovax li jinżammu, għall-benefiċċju tiegħu jew kif jista' jikkonsidra fl-interess pubbliku, dawk il-kostruzzjonijiet, titjib jew alterazzjonijiet fil-waqt tad-deklassifikazzjoni jew f'xi żmien li jiġi wara;

(*e*) ħlief meta r-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni espressament tawtorizza l-modifika ta' xi beni fid-demanju pubbliku, kull ħsara, qerda jew modifika jew sfruttament li ma jkunux espressament permessi, għandu jagħmel tajjeb għalihom min ikun irċieva l-għotja;

(*f*) sakemm ma jkunx ġie espressament permess bir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, u f'dak il-każ bla ħsara għall-kondizzjonijiet espressi tal-għotja, l-għotja għandha:

(i) tkun personali għal min jirċeviha u ma tistax tiġi assenjata u meta l-għotja ssir lil organizzazzjoni legali jew lil *trust* li jkollhom azzjonisti jew benefiċjarji, kif ikun il-każ, dawk l-azzjonisti jew benefiċjarji jkunu soġġetti għall-istess kondizzjonijiet flimkien mal-organizzazzjoni legali jew *trust* matul iż-żmien li tibqa' fis-seħħ l-għotja;

(ii) ma tkunx tista' tinqasam; u

(iii) ma tkunx tista' tintuża bħala garanzija favur terza persuna:

Iżda meta l-għotja mill-Gvern issir lil organizzazzjoni volontarja reġistrata li l-għanijiet tagħha jirriflettu l-istess prinċipji ta' din l-Iskeda fir-rigward tal-mod kif tiġi amministrata proprjetà fid-demanju pubbliku, il-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel jistgħu jiġu modifikati jew rinunzjati.

(2) Is-subartikolu ta' qabel dan għandu jkun soġġett għar-regoli addizzjonali ta' tifsir li ġejjin:

(*a*) jekk l-għotja ssir għal aktar minn mitt sena, l-għotja għandha tkun valida għal mitt sena biss;

(*b*) jekk l-għotja teċċedi l-perjodu msemmi fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, allura l-perjodu tal-għotja għandu jitnaqqas *ipso jure* għall-perjodu msemmi fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni;

(*ċ*) jekk l-għotja ssir għal għan li ma jkunx speċifikat fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, allura dik l-għotja tkun nulla u bla effett u ma jinkisbu l-ebda drittijiet minn xi parti permezz ta' dik l-għotja.

(3) Xejn f'din l-Iskeda jew f'xi Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni ma jwaqqaf l-impożizzjoni mill-Gvern ta' kondizzjonijiet aktar oneruż jew restrittivi fiż-żmien tal-għotja jew trasferiment tal-proprjetà fid-demanju pubbliku rilevanti sabiex tiġi protetta u preservata aħjar in-natura ta' demanju pubbliku tal-proprjetà.

Riverżjoni għal demanju pubbliku.

9. (1) Meta beni fid-demanju pubbliku jkunu ġew soġġetti għal drittijiet privati, meta jiġu fit-tmiem dawk id-drittijiet privati, liema temm jiġri b'kull mod li jkun, dawk il-beni jerġgħu lura *ipso jure* għad-demanju pubbliku. Malli sseħħ ir-riverżjoni, il-beni jkunu liberi minn kull dritt u pretensjoni, kemm personali kif ukoll reali.

(2) Dik ir-riverżjoni sseħħ ukoll meta jintemm il-perjodu dikjarat jew l-impossibbiltà jew temm tal-għan u użu li għalihom il-beni kienu ġew deklassifikati jew mogħtija, kif ikun il-każ.

(3) Il-beni kollha li, fit-terminu tar-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, jirrevertu għad-demanju pubbliku skont dan l-artikolu jistgħu jingħataw mill-ġdid għall-perjodu li jkun fadal tal-għotja oriġinali mingħajr deklassifikazzjoni ġdida iżda dik l-għotja mill-ġdid għandha ssir fi żmien tnax-il xhar mir-riverżjoni.

(4) Meta beni deklassifikati jirrivertu għad-demanju pubbliku wara li jkun għalaq it-terminu speċifikat tal-għotja, il-Gvern għandu jipprova jirreverti l-proprjetà lura għad-demanju pubbliku għal mill-inqas ħamsa u għoxrin sena qabel ma jerġa' jiddeklassifikaha, sakemm ma jkunx hemm l-appoġġ ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

(5) Meta proprjetà immobbli fid-demanju pubbliku tiġi deklassifikata u d-deklassifikazzjoni tiġi espressament dikjarata li hi għal terminu indefinit minħabba fl-irriversibbiltà tal-użu maħsub bid-deklassifikazzjoni, ir-riverżjoni għad-demanju pubbliku ma għandhiex issir u l-proprjetà għandha tibqa' privata jew pubblika libera minn kull obbligu ta' demanju pubbliku, inklużi l-obbligi msemmija fl-artikolu 4(10) ta' din l-Iskeda.

Titolu VI

FUQ ID-DEKLASSIFIKAZZJONI TAD-DEMANJU PUBBLIKU

Deklassifikazzjoni.

10. (1) Il-beni kollha li huma fid-demanju pubbliku, min-natura tagħhom jew bl-operat tal-liġi, jistgħu jiġu msemmija li huma disponibbli għal -

(*a*) l-użu jew l-amministrazzjoni ta' dik il-proprjetà mill-Gvern bħala proprjetà pubblika; jew

(*b*) l-għoti ta' titoli jew drittijiet favur terzi;

skont l-użu li għalih dawk il-beni jistgħu jservu, ġeneralment mingħajr ma tkun tista' tinbidel b'mod permanenti n-natura tagħhom. Dawk it-tismijiet għandhom ikunu għal għan jew għanijiet li huma definiti speċifikatament u, li jkunu fl-interess pubbliku. Il-Kunsill Eżekuttiv kif stabbilit taħt l-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirċievi tali talbiet mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet sabiex iħejji rapport wara proċess ta' konsultazzjoni pubblika. Ir-rapport għandu jkun riferut lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-Iżvilupp li min-naħa tiegħu, wara l-konsiderazzjoni u l-kummenti tiegħu, għandu jibgħat il-konklużjonijiet tiegħu lill-Ministru responsabbli għall-Artijiet. Il-Ministru għandu mbagħad jippreżenta lill-Kamra tad-Deputati għall-konsiderazzjoni tagħha Riżoluzzjoni dwar id- Deklassifikazzjoni. Dawn il-beni għandhom jiġu msejħa beni deklassifikati.

(2) Wara li tkun saret id-deklassifikazzjoni, il-beni deklassifikati għandhom xorta waħda jżommu n-natura tagħhom bħala beni fid-demanju pubbliku u, sal-limitu li ma jkunux inkompatibbli ma' dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jibqgħu soġġetti għar-regoli ta' din l-Iskeda. Iżda d-deklassifikazzjoni tista' timponi ċerti restrizzjonijiet fuq il-kontinwazzjoni tat-tgawdija pubblika, sal-limitu li sussegwentement ikunu permessi l-amministrazzjoni pubblika jew l-użu privat.

(3) Ma jistgħux isiru deklassifikazzjonijiet fir-rigward ta' klassijiet ta' beni jew it-totalità ta' dawk it-tipi ta' beni, iżda jistgħu jsiru biss fir-rigward ta' beni speċifiċi li huma suxxettibbli għal tismija u deskrizzjoni individwali.

(4) Ma tistax issir deklassifikazzjoni ħlief wara li jkun għadda perjodu minimu ta' ħames snin, fir-rigward ta' kull proprjetà fid-demanju pubbliku, mid-data tal-promulgazzjoni ta' Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku li jirreferi għal dik il-proprjetà partikolari, kif imsemmi fl-artikolu 4(2) ta' din l-Iskeda.

(5) Beni deklassifikati tal-Gvern isiru kapaċi li jkunu l-oġġett ta' kuntratt matul il-perjodu ta' deklassifikazzjoni u jsiru suxxettibbli għal drittijiet u imposti reali u piżijiet oħra:

Iżda drittijiet reali, imposti u piżijiet oħra għandhom jintemmu *ipso jure* meta jiskadi t-terminu tal-kuntratt jew meta jiskadi l-perjodu ta' deklassifikazzjoni, skont liema jseħħ l-ewwel.

(6) Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni jista' jippermetti l-modifika jew it-tibdil ta' beni fid-demanju pubbliku wara li tkun saret deklassifikazzjoni bil-kondizzjoni li dik il-modifika jew dak it-tibdil ikunu jfittxu riżultat fejn il-vantaġġ miksub mill-pubbliku ġenerali jkun ċar u mingħajr ambigwità.

Proċedura għad-deklassifikazzjoni.

11. (1) Id-deklassifikazzjoni ta' beni fid-demanju pubbliku għandha ssir permezz tal-ħruġ ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni".

(2) Kull Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha, għall-inqas:

(*a*) tidentifika l-proprjetà, il-frottijiet u l-aċċessorji tagħha;

(*b*) tidentifika t-terminu, sakemm ma tkunx għal terminu indefinit f'liema każ dan għandu jiġi dikjarat, l-għan u l-użu li għalihom qed issir id-deklassifikazzjoni;

(*ċ*) tiddikjara x'ser ikunu d-drittijiet jew benefiċċji eżistenti jew futuri li huma proġettati u liema alternattivi xierqa, jekk ikun hemm, ser jiġu provduti għal xi nuqqas ta' użu jew tgawdija tal-beni mill-pubbliku;

(*d*) tidentifika kull setgħa tal-Gvern jew jeddijiet ta' terzi, li jkunu magħrufa, li ser ikomplu jeżistu fuq il-beni minkejja d-deklassifikazzjoni, hekk iżda li dan ikun bla ħsara għas-setgħat ġenerali tal-Gvern taħt xi liġi u għal titoli jew jeddijiet privati li jistgħu jiġu reġistrati fi żmien il-perjodu preskritt mil-liġi;

(*e*) tipprova tidentifika liġijiet speċjali jew dispożizzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm, li jirrestrinġu l-aċċess pubbliku jew it-tgawdija ta' dik il-proprjetà skont din l-Iskeda u li għandhom jibqgħu jgħoddu għal dik il-proprjetà minkejja d-deklassifikazzjoni;

(*f*) fejn ikun applikabbli, jkollha mehmuż magħha pjanta jew mappa ġenerali, ibbażata fuq il-mappa uffiċjali tar-Reġistru tal-Artijiet, li tidentifika l-proprjetà u l-aċċessorji tagħha li huma affettwati b'dik id-deklassifikazzjoni.

(3) Ir-Riżoluzzjonijiet dwar id-Deklassifikazzjoni kollha għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn mill-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

(4) Kull għotja magħmula mill-Gvern skont Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti skont il-liġi li tapplika.

(5) Kull emenda għal jew revoka ta' Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiġi reġistrata fir-reġistru rilevanti mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet fi żmien xahrejn minn meta ssir dik l-emenda jew revoka.

Temm ta' drittijiet u tal-effetti ta' deklassifikazzjoni.

12. (1) Fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta l-beni jirrivertu għall-użu pubbliku li kellhom qabel mingħajr oġġezzjoni tad-detentur tat-titolu jew jeddijiet għal perjodu kontinwu ta' sentejn;

(*b*) fejn jintużaw għal għan li ma jinkwadrax fi ħdan il-perimetri li għalihom tkun saret il-klassifikazzjoni;

(*ċ*) meta jiskadi t-terminu li għalih kienu ġew deklassifikati;

(*d*) fejn ikun hemm ksur sostanzjali tat-termini ta' xi għotja, konċessjoni, jew ikun sar abbuż minn xi jedd;

min jirċievi għandu jiġi notifikat permezz ta' ittra ġudizzjarja u, malli jiskadu tletin ġurnata minn dik in-notifika, il-beni għandhom jirrivertu għad-demanju pubbliku, sakemm dik ir-riverżjoni ma tiġix formalment kontestata f'qorti, f'liema każ l-effetti jiġu sospiżi sa meta l-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jew il-partijiet jaqblu li tkun intlaħqet il-konformità:

Iżda waqt dik il-kontestazzjoni l-obbligu ta' min jirċievi li jħallas kull kumpens miftiehem u li josserva l-obbligi ta' demanju pubbliku kollha ma għandux jiġi affettwat b'ebda mod u f'każ ta' ksur *pendente lite*, il-Qorti għandha, ukoll mingħajr talba mingħand il-Gvern, tordna r-riverżjoni għad-demanju pubbliku abbażi ta' dak il-ksur mingħajr il-bżonn li jiġu determinati l-kwistjonijiet taħt kontestazzjoni.

(2) Meta jiġi stabbilit b'sentenza finali ta' qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili jew kriminali li d-deklassifikazzjoni kienet riżultat ta' korruzzjoni, id-deklassifikazzjoni ma tkunx valida u d-drittijiet kollha li jinkisbu minn persuna bħala riżultat tagħha jkunu nulli u bla effett.

(3) Kull persuna li qabel kienet vestita b'titolu jew jeddijiet fuq beni fid-demanju pubbliku għandha, meta jseħħu l-ġrajjiet imsemmija fis-subartikoli ta' qabel dan, *ipso jure* ssir possessur sempliċi u ma jkollha l-ebda jedd ieħor minn meta ssir in-notifika u, bla ħsara għal kull dritt ieħor skont il-liġi, il-Gvern ikollu dritt jirreġistra r-riverżjoni tal-beni għad-demanju pubbliku fir-reġistru rilevanti.

(4) Meta l-Gvern jiġi notifikat li terza parti ser tingħata jew ingħatat legalment interess li jiddependi fuq it-titolu jew dritt ta' dik il-persuna li tgawdi minn dak it-titolu jew dritt, jekk dan ikun awtorizzat mir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni, il-Gvern jista' jaqbel ma' dawk il-patti li huma maħsuba għall-protezzjoni ta' dawk id-drittijiet ta' terzi fil-każ li jkun hemm ksur mid-detentur tat-titolu jew tad-dritt:

Iżda t-terza parti ma tgawdix dik il-protezzjoni jekk taċċetta jew tieħu sehem fil-ksur li jwassal għal dak in-nuqqas jew mod ieħor tagħixxi mingħajr bona fidi meta tkun qed titlob protezzjoni taħt dan l-artikolu.

Drittijiet mhumiex marbutin mal-frottijiet jew aċċessorji.

13. (1) Meta jingħataw drittijiet ta' terzi fuq immobbli deklassifikati, id-drittijiet ikunu marbuta biss ma' ħwejjeġ imqabbdin mas-sit u kull titjib fuqu kif ukoll mal-użu tiegħu, iżda mhux ma' xi frottijiet jew aċċessorji għal dawk l-immobbli, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor.

(2) Meta tintemm għotja ta' beni deklassifikati, il-persuna li kienet tgawdi mid-drittijiet għall-użu u t-tgawdija tal-beni għandha, bi spejjeż tagħha, tieħu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex tiżgura li ħwejjeġ li jkunu ġew mibnija jew imqabbdin mal-proprjetà jiġu mneħħija u li l-beni jiġu restawrati għall-kondizzjoni li kellhom qabel id-deklassifikazzjoni jew kemm jista' jkun possibbli qrib dik il-kondizzjoni, bil-verifika ssir mill-Gvern, sakemm il-Gvern ma

japprovax li jinżammu skont l-artikolu 8(1)(*d*) ta' din l-Iskeda jew jagħti l-kunsens tiegħu għall-modifika jew tibdil permanenti fir-Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni.

(3) F'każ li l-beni ma jiġux restawrati għall-kondizzjoni xierqa, il-Gvern ikollu s-setgħa li jnaddaf il-proprjetà minn kull kostruzzjoni, ħwejjeġ imqabbdin magħha jew kull ħaġa oħra tkun li tkun u jkollu s-setgħa li jamministra u jiddisponi minn dik il-proprjetà. Barra minn hekk, il-Gvern ikollu privileġġ speċjali fuq dawk il-beni u fuq kull rikavat mill-kera, tħaddim jew bejgħ ta' dawk il-beni. Il-Gvern ikollu d-dritt li jieħu minn dak ir-rikavat kull somma li tkun ekwivalenti għall-infiq u l-ispejjeż imġarrba biex il-beni jiġu restawrati għall-kondizzjoni oriġinali iżda ma għandu jkollu ebda interess f'xi rikavat ogħla li għandu jinżamm fi *trust* favur min ikun irċieva l-għotja:

Iżda, bla ħsara għat-termini tal-għotja, meta jiskadi l-perjodu ta' dik l-għotja, il-Gvern jista' fid-diskrezzjoni tiegħu, jakkwista kull immobbli li jkun fadal fuq il-proprjetà bil-ħlas ta' prezz ġust lil min kien irċieva l-għotja jew lis-sid rilevanti tal-immobbli, b'dak il-prezz jiġi miftiehem bejn il-partijiet jew determinat mill-qorti jekk ma jkunx hemm qbil.

Reklamazzjoni.

14. (1) Meta xi proprjetà ssir parti mill-perimetru tal-kosta permezz ta' intervent uman, inkluż l-iskavar jew l-iżvilupp jew it-tibdil tas-sit għal marina, passaġġ ħdejn il-baħar, *breakwater* jew mod ieħor, dan ma jfissirx li l-proprjetà ssir parti mid-demanju pubbliku iżda għandha tkun soġġetta għal:

(*a*) kull kondizzjoni speċjali li tista' tiġi imposta f'xi Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni jew f'kull permess għal dak l-intervent; u

(*b*) kull liġi speċjali li tista' tkun applikabbli għall-iżvilupp u użu tagħha.

(2) Meta xi parti tal-qiegħ tal-baħar tiġi reklamata, kull Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni għandha tiddikjara espressament li l-għan tad-deklassifikazzjoni hu r-reklamazzjoni taż-żona, waqt li tagħti deskrizzjoni kompleta taż-żona, u -

(*a*) iż-żona hekk reklamata ma għandhiex tiġi kkunsidrata aktar bħala fid-demanju pubbliku; u

(*b*) il-perimetru tal-kosta li jintilef fir-reklamazzjoni għandu jiġi sostitwit *ipso jure* bil-perimetru tal-kosta ġdid li jinħoloq b'riżultat tar-reklamazzjoni.

Regolamenti. *Emendat: XVII.2024.11.*

15. (1) Il-Prim Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel dawk ir-regolamenti kif ikun meħtieġ sabiex jiġu regolati aħjar il-materji li jinsabu f'din l-Iskeda fir-rigward ta' tipi partikolari ta' proprjetà li taqa' taħt l-ambitu ta' demanju pubbliku jew b'mod ġenerali għall-aħjar twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, inkluż bla ħsara għal dak li ntqal qabel:

(*a*) materji li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni ta' riżoluzzjonijiet, titoli, drittijiet u materji oħra msemmija f'din l-Iskeda, fir-reġistru rilevanti;

(*b*) biex jiddefinixxi f'aktar dettall il-beni mfissra fl-artikolu 3(4) ta' din l-Iskeda;

(*ċ*) biex jistabbilixxi l-metodoloġija biex jiġu determinati l-linji bażi għall-kalkolu tal-perimetru tal-kosta;

(*d*) għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta, fuq is-sit tal-web tal-Gvern jew mod ieħor ta' informazzjoni b'żjieda għal dik li tinsab fir-reġistru rilevanti;

(*e*) biex jiġu speċifikati kif jistgħu jintużaw beni fid-demanju pubbliku, kull obbligu ta' demanju pubbliku u kull jedd pubbliku jew privat fuqhom, u kull riserva jew restrizzjoni fuq dawk il-beni sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet ta' xi Riżoluzzjoni dwar id-Demanju Pubbliku jew Riżoluzzjoni dwar id-Deklassifikazzjoni;

(*f*) dwar l-attijiet li jistgħu jsiru taħt din l-Iskeda;

(*g*) dwar id-drittijiet u r-rimedji biex jiġu protetti interessi privati fuq beni affettwati b'xi proċess li jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda;

(*h*) dwar il-pieni u r-reati fir-rigward ta' beni fid-demanju pubbliku, inklużi reati li jirrigwardaw l-okkupazzjoni u l-użu ta' beni fid-demanju pubbliku mingħajr awtorizzazzjoni, it-tiċħid tal-aċċess jew l-użu mill-pubbliku u d-drittijiet, li għandhom x'jaqsmu ma' dan, għal danni u ħlas lura ta' kull għotja:

Iżda kull piena kriminali li tista' tiġi stabbilita b'regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu ma għandhiex taqbeż il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' sentejn jew multa ta' miljun euro jew il-multa u priġunerija flimkien; u

(*i*) ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi u d-dispożizzjonijiet ta' liġijiet speċjali oħra.

(2) Xejn f'din l-Iskeda ma għandu jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta', jew kull ħaġa li tkun saret jew li setgħet saret taħt:

Kap. 156. (*a*) l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju;

Kap. 228. (*b*) l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet;

Kap. 268. (*ċ*) l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern;

Kap. 549. (*d*) l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

Kap. 445. (*e*) l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

Kap. 499. (*f*) l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

Kap. 552. (*g*) l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Kap. 522. (*h*) l-Att dwar Reati kontra l-Ambjent;

Kap. 316. (*i*) l-Att dwar ir-Ratifika tad-Delimitazzjoni tal-Blata Kontinentali Bejn Malta u l-Libja;

Kap. 535. (*j*) l-Att dwar il-Blata Kontinentali;

Kap. 226. (*k*) l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;

(*l*) *Imħassar bl-Att XVII tal-2024.*

Kap. 425. (*m*) l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-

Sajd;

(*n*) kull regolament magħmul, jew linji gwida jew avviżi maħruġin, taħt xi wieħed mill-Atti fuq imsemmija;

u kull liġi speċjali oħra li tista' tiġi msemmija mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet b'avviż fil-Gazzetta, u dak il-Ministru jista' minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru msemmi f'dawk il-liġijiet, jekk ikun Ministru differenti, jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi t-twettiq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet, jew uħud minnhom, ta' dawk il-liġijiet speċjali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, sabiex jiżgura li jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-Iskeda u ta' dawk il-liġijiet u l-applikazzjoni kompatibbli tagħhom.

Dispożizzjonijiet transitorji fl-Att *XXV.2016*.6: Dispożizzjonijiet transitorji.

6. (1) Fejn issir pretensjoni għal titoli jew jeddijiet privati fi proċeduri ċivili jew amministrattivi, li jinbdew f'xi żmien qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, fir-rigward ta' art fid-demanju pubbliku, dawk it-titoli u jeddijiet privati għandhom jiġu determinati skont il-liġi kif kienet applikabbli qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att sa meta jiġu finalment determinati mill-qorti jew tribunal rilevanti jew bi ftehim bejn il-partijiet.

(2) Fejn titoli jew jeddijiet privati fuq art li hi kkunsidrata li taqa' taħt id-demanju pubbliku u li tkun tal-Gvern ma jiġux reġistrati jew preservati skont l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jew kull liġi oħra li tapplika li jkollha dak l-effett, jew ma ssirx pretensjoni dwarhom f'xi proċeduri kif imsemmija fis-subartikolu (1), mibdijin mhux aktar tard minn għaxar snin wara d-data msemmija, dawk it-titoli jew jeddijiet għandhom jitqiesu bħala sempliċi *encroachments* sal-limitu li jkunu qed jiġu tollerati jew jitqiesu li ma jeżistux bħala fatt ta' liġi jew jitqiesu li jkunu mod ieħor skadew. Kap. 56. Kap. 296.

L-emendi introdotti b'dan l-Att għandhom japplikaw fuq kull art fid-demanju pubbliku, bla ħsara għal titoli u drittijiet li huma hekk reġistrati.

(3) "Id-data msemmija" għandha tkun dik stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Artijiet permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta għal dak il-għan taħt l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku u, jew l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet u, jew kull liġi oħra li tapplika. Kap. 56. Kap. 296.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 311 tal-Kodiċi għandhom jgħoddu, skont it-termini tagħhom, mill-1 ta' Jannar, 2016, għal kull ħaġa li ssir fi jew wara dik id-data fuq il-perimetru tal-kosta jew fuq art fid-demanju pubbliku, kif imfissra fil-Kodiċi.
